# Messaggi bil-Malti ta Marija Hniena Divina

## Konverzjoni

Il-Hadd 21 ta' Novembru, 2010 @ 01:30am

Binti, illum qed ingiblek messagg ta' tama u paci ghal uliedi kollha li jistghu jkunu qed ihossu li dawn il-messaggi jirrapprezentaw il-biza'. Kunu ghafu illi anke dawk minnkom li jsibuha bi tqila biex jemmnu Fija, fil-Missier Etern Tieghi u fl-Ispirtu s-Santu, tinkwetaw xejn. Hafna minnkom, gheziez uliedi, jixtiequ jemmnu imma minhabba r-ragunar u l-logika, fejn intom tqisu kollox mibni fuq il-hsieb, intom ser issibuha bi tqila biex temmnu fis-sopranatural.

Tibzghu xejn. Meta titolbu, anke darba wahda biss kuljum u titolbu lill-Qalb Qaddisa Tieghi biex tferra' Imhabbti fuqkom, intom malajr tibdew thossukom differenti. Hafna minnkom - dawk li m'humiex daqshekk certi mit-twemmin taghhom - jghiru ghall-ohrajn ta' fidi kbira. Ghandkom tifhmu li Jiena nhobbkom ilkoll. Bhal genitur, kull wiehed minnkom ghandu post fond u specjali f'Qalbi. Intom qatt m'ghandkom thossukom li ma tisthoqqilkomx Imhabbti.

Ma habbejtkomx bizzejjed meta tajt hajti ghalikom bir-rieda hielsa Tieghi, bit-tama li jkolkom cans iehor biex tigu lura Ghandi?

Uliedi, intom dejjem sejrin tkunu imressqa fil-genb mill-ohrajn, talli turu t-twemmin taghkom fil-Hallieq Divin. Meta dan jigri ftakru li dan huwa xi haga li l-bniedem ikolli jsofri ghalih fid-dinja ghal l-Imhabba tieghu Lejja. Qatt thallu din il-fidi Fija, is-Salvatur Divin taghkom, ticcajpar jew tinheba minn dawk li jharsu lejkom bi hniena.

Iva, hafna minn uliedi, nfluwenzati mir-ragunar u l-logika umani, pogguti bi skop fir-ruh maghluqa taghhom ser jiddubitaw it-twemmin taghkom. Biex ikomplu jinsultawkom, huma ser ihossuhom imbarazzati bil-fidi taghkom u fil-waqt li ma jammettuhiex fil-pubbliku, huma jhossu ghira stramba. Din l-ghira tigi fuqhom meta jindunaw li go ruhhom hemm biss il-bahh. Iharsu kemm iharsu gewwa fihom, huma ma jkunux jistghu jifhmu. Sadanittant inti li temmen, ser tghaddi minn umiljazzjoni minhabba l-harsa mhawda ta' dawk li jharsu lejk b'fidi zghira jew xejn.

Qatt tibzghu jew tisthu tghidu li intom andkom l-imhabba fi qlubkom ghal Missier Etern Tieghi. Kunu cari dwar il-fidi taghkom. Ilbsu din l-imhabba Ghalija, bi kburija ghal kulhadd biex jarha. Meta taghmlu hekk intom tkunu qed tmexxu bl-ezempju.

Qatt tippruvaw timponu b'sahha kbira, jew b'ragunar logiku, t-twemmin taghkom fuq dawk li ma jemmnux, b'mod aggressiv. Minflok, uru lil hutkom imhabba u appogg ghalkemm tafu li dawn ghandhom bzonn lil min imexxihom. Meta huma jaraw il-mod miftuh li bih intom titkellmu dwar l-imhabba taghkom Ghalija u bil-ferh f'qalbkom, huma jibdew jithassbu.

Meta tmexxu lill-ohrajn bl-ezempju ta' l-imhabba rispett u ghemejjel tajba, huma jingibdu lejn id-dawl. Hafna ghal ewwel ma jifhmux ghaliex. Imma biz-zmien u specjalment bil-qawwa tat-talb taghkom, huma jimxu Lejja.

Jiena nheggigkom ilkoll, biex titolbu ghall-konverzjoni ta' l-erwieh. Dawn jinkludu dawk in-nies li intom tafu personali, li thossu li ghandhom bzonn it-talb minhabba d-diffikultajiet li jiltaqghu maghhom fil-hajja. Itolbu wkoll ghall-konverzjoni ta' dawk l-imsejkna ulied, li Ghalija huma mitlufa minhabba d-dlam li jaghmihom ghall-verita. Itolbu specjalment b'kompassjoni u mhabba ghal dawk li jsegwu bil-hidma taghhom, it-triq tal-Qarrieqi. Huma aktar minn haddiehor ghandhom bzonn it-talb taghkom.

Ghidu lil kull min tiltaqghu mieghu, bid-dettalji ta' kif kull wiehed minnhom jista' jigi mifdi, anke fil-mument tal-mewt billi jghid il-kurunella tal-Hniena Divina.

Jekk joghgobkom, nitlobkom ghidu dan lil kull min irid jisma'. Hegguhom, jekk ghandkom il-hila biex jaqrawha u ftakru li jekk huma jaghmlu dan u jghiduha fl-ahhar ftit nifsijiet, huma jistghu u sejrin jigu salvati Minni.

**Qatt tisthu bis-slaleb li tilbsu.**

Qatt thossukom insultati meta dawk li ma jemmnux jidhqu jew jippuntaw subghajhom lejkom meta titolbu. Qatt tisthu bis-slaleb li tilbsu ghall-protezzjoni. Qatt tahbu dawn is-simboli ta' l-imhabba taghkom Lejja, is-Salvatur Divin taghkom, il-Missier Etern Tieghi jew l-Ispirtu s-Santu. Meta intom tkunu kburin li qed tilbsu dawn il-medalji ta' unur qaddis, intom tigbdu l-ohrajn Lejja. Ghalkemm intom tistghu tghaddu minn zeblieh minn dawn in-nies, minn gewwa, huma jghiru ghall-fidi taghkom. Hafna minn dawn li jharsu lejkom ihossu vojt gewwa fihom minhabba n-nuqqas ta' fidi. Uliedi, t-talb jista jghini biex nirbah dawn l-erwieh. Ghidu din it-talba ghalihom.

**"Ghaziz Sinjur Tieghi, jiena nifrex dirghajja u nitolbok biex tiehu lil hija/ohti fid-dirghajn gentili Tieghek. Berikhom bid-Demm Qaddis Tieghek u ghatihom il-grazzja li ghandhom bzonn biex ikunu jistghu jircievu l-Ispirtu ta' l-Imhabba Tieghek biex tmexxihom ghas-salvazzjoni eterna".**

Meta intom, s-segwaci Tieghi, tigu sfidati fil-miftuh mill-ohrajn dwar il-fidi taghkom l-ewwel ghidu hekk. *"Jiena segwaci ta' Kristu li sofra l-mewt f'idejn dawk li ma jemmnux. Minhabba hekk, bhala segwaci ta' Kristu jiena dejjem ser insofri tkasbir minhabba l-imhabba tieghi Ghalih, minn ohrajn. Dak huwa s-salib li jien ingorr u jiena kburi b'dan il-fatt. Huwa, is-Salvatur tieghi, miet mhux biss ghal dnubieti imma ghal dnubietkom."*

Meta huma jitkabbru u jiftahru bil-fatt li huma agnostici u ateisti, ghidulhom dan. Staqsuhom jekk hux se jhossuhom differenti meta hajjithom fuq din l-art tigi ghal tmiemha. Imbaghad ghatuhom dan il-parir. Fuq is-sodda tal-mewt taghkom ftakru din it-talba tal-Hniena Divina anke jekk ma tkunux certi. Ifthu qalbkom u itolbu lill-Missier Etern Tieghi biex jahfrilkom. Ftakru fil-wieghda Tieghi. Bhala mhallef u bhala Salvatur taghkom, Jiena ser nahfer - sa l-ahhar nifs fuq din l-art lil kull wiehed minn uliedi. Ghidulhom biex jitolbu hafna halli jifthu qalbhom imqar darba biss.

It-talb igib lil uliedi kollha eqreb lejn is-Saltna Tieghi fuq l-art meta s-Sema u l-Art isiru haga wahda. Il-qawwa tat-talb tigi mifhuma biss meta uliedi jifthu qalbhom u jsehuli. Itolbu u jekk hi r-rieda t'Alla t-talb taghkom jigi mismugh.

**Qatt iccahhdu lil uliedkom mis-Sagrament tal-Maghmudija.**

Fl-ahhar, itolbu ghat-tfal iz-zghar, uliedkom u z-zaghzagh tad-dinja. Kull wiehed minnhom jisthoqlu li jigi muri l-verita'. Huma ma gewx murija il-verita ta' l-imhabba t'Alla u lanqas moghtija tmexxija mil-genituri taghhom minhabba d-dlam spiritwali li ezista fid-dinja ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena. Anke jekk il-fidi taghkom hija dghajfa thallux dan id-dover taghkom bhala genituri, li taghtu lil uliedkom access ghas-sagramenti specjalment il-Maghmudija. Qatt tehduha f'idejkom biex iccahhdu il-wild taghkom minn dan is-sagrament l-izjed importanti. Hafna genituri li jieqfu sodi u jghajtu u jghidu li huma ma jemmnux, dawn qed ihassru l-erwieh ta' wliedhom. Ghatu lil uliedkom ir-rigal tas-sagramenti. Il-quddiem huma jew jirringrazzjawkom jew jichduni. Dak ikun ghalihom biex jaghzlu. Ichduni jekk ghandkom taghmlu dan, imma tisirqux l-erwieh ta' wliedi. Intom, forsi l-genituri taghhom f'din id-dinja, imma huma l-ulied tal-Missier Etern Tieghi, il-Hallieq u Dak, li ghamel kollox. Tippruvawx tehduhom maghkom fid-dlam. Ergghu ftakru li minkejja t-twemmin taghkom Jiena nhobbkom ilkoll.

Is-Salvatur Divin Taghkom u Mhallef
Gesu' Kristu, Iben tal-Missier Etern.

## Twissija ta' Gwerra Nukleari.

It-Tlieta, 23 ta' Novembru 2010 @ 03.00am

Binti, inti qeghda ssofri minhabba x-xoghol li qed taghmel f'Ismi. Id-dlam li qed thoss, gej mill-Qarrieqi, li jattakka kull mument permezz ta'ohrajn, nies li taf, mid-dlam tieghu biex jattakka lilek. Minkejja li qed thossok bla tama, inti qed tigi protetta. Il-Qarrieqi, kif ghidtlek, mhux ser jaghmel hsara lil ruhek. Inti ghandek tibqa' titlob ir-Ruzarju l-Izjed Qaddis, ghal protezzjoni l-hin kollu mit-turment. Meta titlob din it-talba qawwija lill-Imbierka Ommi, inti tara d-differenza.

Ix-xoghol li inti taghmel hiltek biex tlesti, f'Ismi, mhux hafif, u inti ghandek tibqa' soghda. Ghax huwa x-xoghol, li meta jintwera lid-dinja, ser igib paci u tgawdija lil uliedi.

Huma, uliedi, meta jifhmu l-verita', ser ikunu jafu li huma mhux qed jigi mixhuta lil hinn u minsija mill-Hallieq taghhom. Il-farag li jhossu, minn dak li ser isiru jafu, dak li naghtihom Jien permezz ta' dan il-ktieb, jigbidhom aktar Lejja.

**Pjan ghall-Gwerra li gejja**.
Binti tibza' xejn, ghax inti fi zgur ghalkemm thossok bla forza u tibza' minn dak li mhux cert. Id-dinja, inkluz pajjizek, daqt ser jghaddi minn izjed ugigh, bhala rizultat tal-kontroll globali li ser igib lin-nies bla forza, ghalhekk huwa mportanti li thejju issa.

Jiena ga ghidtlek biex tghid lil uliedi li ghandhom jibdew ihejju issa, qabel ma tibda il-gwerra dinjija tal-biza'. Il-gwerra li qed nitkellem fuqha, qed tigi mhejjija mid-Dragun l-Ahmar bhalissa. Id-Dragun, l-energija l-gdida tad-dinja, qed ihejji l-progetti tieghu u ser jeqred bliet fil-Punent. Iz-zmien huwa fil-qrib. Itolbu, itolbu ghall-konverzjoni ghax dan il-hazen ma jistax jitwaqqaf ghax m'hawnx bizzejjed talb biex jimpedih. Itolbu ghal dawk l-erwieh li ser imutu b'din il-gwerra nukleari.

**Tlett Snin qabel ma l-konfoffa tohrog fil-berah.**

Itolbu ghal dawn il-erwieh issa. Waqt li qawwa dinjija tiehu kollox f'idejha, b'hasra qarrieqa, huma ser jikkontrollaw il-helsien taghkom kif tghixu, tieklu u titolbu. Ghalhekk il-poplu Tieghi ghandu jaghmel minn kollox biex isir ifendi ghal rasu. Kabbru l-ikel taghkom stess. Fittxu kenn fejn tkunu tistghu tiltaqghu biex taghtu qima lis-Salvatur Divin taghkom. Ibqghu soghdi. Tghidux lil hafna nies ghaliex qed taghmlu dan. Sa tiehu biss tlett snin, biex din il-konfoffa tohrog fil-berah quddiem ghajnejkom. Sa dak iz-zmien, it-thejjija taghkom tkun tat frott u forma ta' sostenn, li intom forsi, minn zmien ghal zmien tkun iddubitajtu u rajtuha stramba. Kabbru l-ikel taghkom minn issa. Ixtru z-zerriegha li issa daqt ma tkunx aktar ghal bejgh. Dan kollu jitma lill-familja taghkom hekk kif jasal il-guh fid-dinja.

Morru u hejju. Il-Mahbub Salvatur Taghkom, Gesu' Kristu.

## It-Twissija ghall-bniedem biex jifhem il-verita'

It-Tlieta, 7 ta' Dicembru 2010 @ 03.15am.

Iva mahbuba binti, Jiena rgajt gejt. Ikteb dan. Inti binti, wara li tajtni dahrek, billi chadt il-Verita', issa ser tghini biex immexxi lill-poplu Tieghi, lura lejn id-Dawl, id-Dawl tal-Verita'.

L-ebda bniedem mhu ser jigi mcahhad Minni, minn sehemu, li jara l-Verita' t'Alla. Huma jigu murija hniena, permezz tar-rigal li jaghtihom il-prova li Jiena nezisti. Huma ser jigu moghtija dan ir-rigal, meta waqt it-Twissija, huma fl-ahhar isiru jafu l-verita'. Hija ta' dwejjaq, li mhux kollha ser iduru, lanqas f'dak l-istat, Lejja jew lejn is-Saltna Eterna ta' Missieri.

Binti Jiena ma tkellimtx mieghek ghal numru ta' granet. Dan kien bi hsieb. Iz-zmien li tajtek, sewa biex inti tixtarr sew il-kontenut tal-Messaggi Tieghi.

Sa issa, inti sirt taf li dawn il-messaggi gejjin Minni u huma kollha jolqtu suggetti mportanti. Jiena nahseb li issa taf tiddixxerni bejn il-verita' tat-Taghlim Tieghi, minn dak ta' l-immaginazzjoni tieghek. Binti, inti issa tista' tara l-ugigh u d-disperazzjoni li Jiena nhoss, meta inti tkun xhud kwazi ta' kuljum tal-frustrazzjoni li Jiena, u l-Missier Etern, inhossu ghall-imgieba ta' din id-dinja mdejqa, vojta u la ma temminx.

Mhux talli dawk li ma jemmnux iwegghuk, imma permezz tad-doni u l-grazzji li tajtek, inti tista' tara wkoll il-konfuzjoni li tezisti fl-imhuh tas- segwaci Tieghi. Huma wkoll ma jigux konvinti mill-verita' malajr, meta din tigi moghtija lilhom bhala rigal ta' mhabba minn ghandi permezz tal-profeti Tieghi.

Kemm hija twila u mghawga t-triq ghal uliedi, meta jaghmlu minn kollox biex jersqu lejn il-verita' u l-weghdiet li Jiena tajthom. Meta inti issa thares lejn uliedi, fit-triq, fuq it-tv, fil-medja, u fil-vicinanzi tieghek, inti tarahom b'Ghajnejja. X'tara? Tara li ma jaghtu kas ta' xejn tad-dinja spiritwali u ma hemm l-ebda skop fil-hajja taghhom. Sens ta' tama mitlufa, ghalkemm hemm l-attrazzjonijiet kollha tad-dinja.

Uliedi ghalissa, ma jgharfux li huma ghaddejjin minn tindifa. Din it-tindifa, fejn huma qed ihossu sens ta' vojt minhabba n-nuqqas t'affarijiet materjali, ppermettejtha Jiena. Ghalkemm din kienet kollha rizultat tar-rebgha tal-bniedem. Meta l-bnedmin thallilhom id-dritt tar-rieda hielsa, huma, dawk li jaghmlu l-hazen u jgibu fix-xejn is-sistema bankarja, jibqghu serjrin bil-qerq taghhom mahdum tajjeb.

Jiena hallejt lil poplu Tieghi, vittmi nnocenti, biex jghaddu minn dan it-tindif. Huwa mportanti li jigri hekk, ghax l-ghaks li huma jsofru, jghinu biex inaddfulhom ruhhom.

Fil-qrib hafna, hekk kif l-affarijiet materjali jkomplu jonqsu u jsiru aktar difficli biex takkwisthom, huma jibdew jaraw il-hajja b'mod aktar fil-fond. Is-semplicita' tghinhom biex jifthu ghajnejhom ghall-verita', il-verita' ta' dak li huwa tassew importanti, Minghajr dan it-tindif, meta wliedi jigu biex isofru ghal ruhhom, huma ma jkunux jistghu u lanqas ma jersqu aktar lejn Qalbi.

Imnezzghin minn kull gid materjali, li huma kienu jzommu b'ossessjoni ta' idoli fil-passat, huma jduru lura lejn il-verita'. B'carezza huma jaraw l-imhabba f'ruh xulxin. Hekk ukoll jaraw malajr, fil-glorja kerha kollha tieghu, il-hazen ta' dawk li jimxu wara l-ossessjoni taghhom infushom u r-rebgha. Huma issa jaraw lil dawn in-nies, bl-istess mod li narahom Jiena. Li huwa bla tama u b'dieqa.

Mur issa binti, u ifhem id-dover tieghek b'ghajnejn cari. Inti issa taf il-verita. Inti issa m'ghadx ghandek dubji. Ferrex il-verita' tas-salvazzjoni, kemm jista' jkun malajr, biex taghti cans lin-nies ghal fidwa qabel it-Twissija l-Kbira.

Il-Mahbub Salvatur Taghkom, Gesu' Kristu.

## It-Twissija - it-Tieni Migja dalwaqt - cans biex issalvaw ruhkom

L-Erbgha 12 ta' Jannar, 2011 @ 3:00 pm

Binti, il-messagg Tieghi tal-bierah kien ahrax.  Hafna huma u jaqrawh se jghidu "dan mhuwiex il-mod kif il-Mulej jitkellem".  Imma dawn fejn jafu?  Huwa minhabba t-tbatija li l-gheziez uliedi qeghdin igarrbu minhabba fl-ohrajn li Jien qed ikolli nitkellem hekk.  Jien qed nitkellem minhabba l-Hniena Divina Tieghi sabiex nghin lilkom uliedi biex issalvaw halli nkunu nistghu ninghaqdu bhala Familja Wahda Qaddisa fil-Genna l-Gdida. Ma rridx li l-Qarrieqi itellifni lanqas ruh wahda.  Huwa mehtieg li l-vuci Tieghi tinstema.

**<u>Dawk li ma jemmnux isibuha difficli hafna.</u>**
Nifhem li ghal hafna minn uliedi, specjalment dawk li ma jemmnux, huma jsibuha difficli hafna biex jemmnu fil-hajja li jmiss.  Tant huma kkundizzjonati mill-affarijiet materjali, li fit-taqbida taghhom biex jghixu, huma ttraskuraw l-ispiritwalità taghhom sal-punt li ma jemmnux li hemm hajja ohra.  Issa jehtieg li huma jahsbu u jaraw.  Huma jemmnu li kollox jispicca wara l-mewt u li l-unika dinja li ghandhom bzonn jinkwetaw dwarha hija dik li jghixu fiha bhalissa.  Kif niddispra ghal dawn l-erwieh zbaljati.  Kieku biss dawn jistghu jesperjenzaw ftit minn dak li l-Genna tipprovdi,  kieku huma jqattghu il-granet taghhom fit-talb u l-adorazzjoni Lejja u lejn il-Missier Etern Tieghi f'tifhir u ringrazzjament.

Din id-dinja gdida li weghdthom hija realtà.  Prosit lill-fidili li qatt ma nsew dan il-fatt u li ghadhom jitolbu Lili kuljum.  Kemm inhobbhom lis-segwaci Tieghi.  Imma kemm insoffri ghalihom ukoll.  Dawn is-segwaci devoti jaghmlu minn kollox biex jikkonvincu lill-ohrajn bl-ezistenza Tieghi.  Imbaghad dawn jidhqu bihom u jigu mistmerra f'Ismi. Kif jiksirli Qalbi dan.

**<u>Dawk kollha li mietu huma mimlijin dieqa ghal dawk li spiccaw bla ebda fidi.</u>**
Il-mahbubin taghkom kemm jixxenqu ghal dawk kollha fuq in-naha l-ohra li ma jemmnux!  Dawk kollha li l-mahbubin taghhom huma fil-paci fis-Saltna ta' Missieri, huma qed jitolbu l-hin kollu biex jaqbzu ghalikom Quddiemi.  Dak li mhux qed tindunaw huwa dan. Jekk tuzaw il-hin taghkom biex titkellmu Mieghi privatament - fi kliemkom - u Itolbuni biex immexxikom, anki jekk il-fidi taghkom hija bierda, mbaghad Jien inwegibkom.  U intom se tindunaw li Jien wegibtkom. Duru Lejja issa uliedi.  Fi kliemkom itolbuni biex nerga naghtikom lura l-fidi taghkom.

Ahsbu fuq it-taghlim Tieghi permezz ta' dawn il-messaggi u permezz tal-Bibbja u fakkru lilkom infuskom b'liema mod ghandkom tghixu hajjitkom.  Jien, permezz tal-Hniena Tieghi, se nurikom fejn zbaljajtu kontra t-taghlim Tieghi u kull dnub u offiza li ghamiltu matul hajjitkom dalwaqt.

**<u>Mhux se jkun Jum il-Gudizzju, izda se ndewwaqkom ftit minn kif se jkun</u>**.

Dan huwa att ta' Hniena min-naha Tieghi. Se taraw dnubietkom u tifhmu mill-ewwel kif narahom Jien. Se tifhmu mill-ewwel b'mod car kemm toffenduni u kemm huma hziena. Dan huwa c-cans taghkom uliedi li tindmu. Dan mhux Jum il-Gudizzju izda se dduqu ftit kif se jkun.

Mill-Hniena qed tigu moghtija l-akbar rigal qabel Jum il-Gudizzju - ic-cans li tindmu u tibdlu hajjitkom qabel l-Ahhar Jum - iz-zmien ta' meta nasal lura fuq din id-dinja. Kif tafu, Jiena gej mhux bhala Salvatur, izda bhala mhallef gust. Dak iz-zmien huwa vicin uliedi. Tibzghux. Inhobbkom kollha kemm intom. Intom qeghdin f'Qalbi. Halluni nidhol f'taghkom issa u halluni mmexikom ghas-Saltna ta' Missieri. Qatt tibzghu mil-mewt. Il-mewt se tkun semplicement bieb ghal hajja gdida sabiha t' eternita' mimlija mhabba, paci u hena.

**Il-hajja fid-dinja hija biss passagg fiz-zmien**

Hajjitkom fuq l-art huwa semplicement passagg fiz-zmien. Din tista tkun mimlija mhabba, ferh, ugigh, rifjut, biza', rabja, disperazzjoni, frustrazzjoni u dwejjaq. Izda huwa meta dduru Lejja biss li l-ugigh taghkom se jihfief. Imbierka huma dawk li jsofru u specjalment f'Ismi, ghax intom ser tkunu glorifikati fis-Saltna ta' Missieri. Imberkin ukoll huma dawk li jduru Lejja ghax se jkun hemm ferh kbir fil-Genna.

Intom ser tkunu milqugha fil-Genna l-Gdida Tieghi. Itolbu ghal ruhkom u dawk tal-familji taghkom issa. It-Twissija ser issehh dalwaqt. Imbaghad intom se tkunu tafu l-verità. Wara se jkollkom l-opportunità li tifdu lilkom infuskom f'Ghajnejja.

Inhobbkom kollha kemm intom. Nifrah, ghax Jien naf li hafna aktar minn Uliedi ser iduru lura Lejja u lejn Alla, il-Missier Etern hekk kif il-hin ghall-ahhar taz-zminijiet qed joqrob hafna issa. Kunu mhejjija.

Il-Mahbub Salvatur Taghkom Gesù Kristu

## Hejju ghat-Twissija, l-Illuminazzjoni tal-Kuxjenza

Il-Gimgha 28 ta' Jannar 2011 @ 12:15am

Ghaziza mahbuba binti, illejla inti gejt moghtija l-grazzji li jaghmluk aktar b'sahhtek biex tkompli dan ix-xoghol Qaddis. Minhabba d-devozzjoni tal-mahbubin u gheziez segwaci Tieghi, li kienu qed jitolbu ghalik hafna, binti inti issa, se timxi l'quddiem bil-ghaggla f'dan ix-xoghol biex tlesti l-Ktieb tal-Verita'. Ghalkemm inti tigi spiss imfixkla, inti xorta wahda ssibha difficli biex thalli fil-genb id-dmir tieghek Lejja. Dan joghgobni, imma ma baqalniex zmien.

Binti, d-dinja qeghda tigi moghtija dan ir-rigal specjali - l-Ktieb tal-Verita - biex nuri lil uliedi dak li ghandhom jaghmlu biex ihejju ghat-Twissija, l-illuminazzjoni tal-kuxjenza, li qed tigi moghtija lill-umanita biex tghinhom ihejju kif jixraq ghat-Tieni Migja Tieghi.

Dawk li ma jemmnux Fija xorta wahda ghandhom jinghataw ic-cans li jaqraw il-verita'. Meta tigri din il-grajja wara li dawn il-messaggi jkunu nghataw lid-dinja, in-nies ser jifhmu li dan kliemi, li gie moghti lill-umanita permezz tieghek, huwa veru.

**Din il-grajja mistika ser jghaddi minnha kull min huwa l'fuq mill-eta' ta' seba' snin.**

Binti, ara li ma thossokx imwegga' meta n-nies ma jaghtux kaz ta' dawn il-messaggi. Kun grata li dawn qed jinghataw dan ir-rigal kbir. Huma ser jaraw il-verita' ta' din il-profezija wara li ssehh din il-grajja mistika, li ser jghaddu minnha wliedi kollha li ghandhom 'l fuq minn seba' snin, kullimkien fid-dinja kollha. Dawk li ser jibqghu jghixu wara din il-grajja ser jaghtu aktar kaz tal-kontenut ta' dan il-Ktieb Qaddis. Huma ser isibuha difficli biex jinjorawh sahansitra jekk il-fidi taghhom hija dghajfa. Ohrajn li ma jridux jafu bil-verita, xorta wahda hemm bzonn li jigu mfakkra bil-kontenut ta' dan ix-xoghol.

Qatt taqta' qalbek binti meta tigi ghas-salvazzjoni ta' l-erwieh. L-ulied prezzjuzi Tieghi kollha twieldu mill-imhabba tal-Missier Etern. Kien meta kien li tilfu triqithom, ma taghmilx differenza. Alla, il-Missier Etern ghadu jhobb lil kull wiehed u wahda minn uliedu.

Binti, l-fidi tista terga' titheggeg permezz t' ohrajn imberkin bl-Ispirtu s-Santu. L-ulied maghzula Tieghi, mibghuta biex ixerrdu l-Kelma Tieghi fid-dinja, ghandhom il-qawwa li jgibu d-dmugh ta' ferh f'dawn l-erwieh imsejkna, mxenqin ghat-tmexxija, fil-hajja vojta, konfuza taghhom.

**Hares lejn kulhadd daqs li kieku b'Ghajnejja.**

Dejjem hares lejn hbiebek, il-familja tieghek, il-girien u shabek tax-xoghol b'Ghajnejja. Dejjem fittex fihom in-naha t-tajba. Urihom imhabba u huma jhossu l-prezenza Tieghi. Huma jingibdu lejk u ma jkunux jafu ghaliex.

Fuq l-ezempju Tieghi, ghamel bhali u inti tghini nikkonverti l-ulied mitlufa Tieghi. Meta titlob hafna ghalihom, inti tqarribhom aktar Lejja. Bis-sagrificcju u li taccetta t-tbatija flimkien Mieghi, inti tista ssalva l-erwieh. Dawk jinkludu erwieh li ghadhom ma hallewx din id-dinja u l-ohrajn li qed jistennew il-gudizzju fil-Purgatorju.

Fl-ahhar, halluni nfakkarkhom li ghandkom zewg ghazliet. Emmnu Fija billi tifthu mohhkom ghall-verita' li hemm fl-Evangelju. Jekk tliftu il-fidi kollha, aqraw bicca zghira mit-taghlim Tieghi. Imbaghad itolbuni biex nurikhom il-verita' f'qalbkom. Hemm issiru tafu liema hi l-moghdija li twassalkom ghal Ghandi fis-Sema. Inkella, tistghu tibqghu ghajnejkom maghluqin u ma tisimghunix. F'dak il-kaz, it-talb ta' dawk li jemmnu, biss jista' jghinkom. It-talb tas-segwaci Tieghi maghqud mar-recita tal-Kurunella tal-Hniena Divina moghti bhala rigal tal-Hniena Divina lil Santa Faustina fis-seklu ghoxrin, tista' ssalvalkom ruhkom fil-mument tal-mewt.

**<u>Itolbu l-Hniena Divina</u>**

Itolbu, itolbu, itolbu l-Hniena Divina Tieghi ghal ruhkom u ghall-erwieh ta' dawn li ma jemmnux Fija issa. Il-gruppi ta' talb se jghinu fil-firxa tal-verita', jdahhlu l-fidi f'dawk li tilfu kull sens ta' min huma u minn fejn gew. Huwa mportanti hafna li nheggu t-tixrid ta' l-gharfien Evangeliku, li issa ser jinhass f'kull parti tad-dinja hekk kif joqorbu l-profeziji li ghandhom x'jaqsmu mat-Tieni Migja Tieghi fid-dinja, meta dawn jigu rivelati qabel ma jigru kullana ta' grajjiet dinjin.

Uliedi, kunu mhejjija l-hin kollu. Kunu fi stat ta' grazzja u zommu qlubkom miftuhha ghat-taghlim Tieghi ta' mhabba u paci fid-dinja. Kieku wliedi kollha jimxu mat-taghlim Tieghi ma jkunx hemm gwerer, rebgha, mibgheda u faqar fid-dinja. Ghandkom bzonn tpoggu bil-qieghda bil-kwiet, kull wiehed minnkom ghal nofs siegha wahda biss kuljum.

Aqraw is-salmi u l-parabboli u saqsu lilkom infuskom "din il-lezzjoni tghodd ghal hajja tieghi fid-dinja ta' llum?". Intom tafuwha it-twegiba, ghandha tkun, iva. Itolbu ghas-sahha biex tbiddlu l-attitudni taghkom u kif tahsbuha fuq il-hajja wara l-mewt. Ftakru din it-taghlima mportanti. Id-dinja hija sempliciment passagg zghir fiz-zmien. Il-ferh veru u l-hajja eterna hija Mieghi, fis-Sema', fil-Genna – is-Saltna ta' Missieri.

Il-Mahbub Salvatur Taghkom

Gesu' Kristu

## L-Ahhar Messagg ghall-Volum: It-Twissija.

Is-Sibt, 19 ta' Frar 2011 @03.00pm

Ghaziza mahbuba binti, inti qeghda taghmel minn kollox billi tobdi l-istruzzjonijiet Tieghi, biex tqaddes ruhek, u dan jaghtini hafna gost. Jekk joghgbok aghtini siegha shiha mill-gurnata tieghek, fis-skiet Mieghi u hallini nigbdek aktar lejn il-Qalb Qaddisa Tieghi.

Inti thossok hafna aktar b'sahhtek, meta taghmel dan. Ibda mil-lum, qatta' dan il-hin fil-kumpannija Tieghi, halli Jiena nkun nista' ndawwallek qalbek u nhaffiflek it-toqol tieghek.

Illum nixtieq nikxef mieghek, ix-xewqa Tieghi, li l-bniedem jibda jaghmel rendikont ta' hajtu, bi thejjija ghat-Twissija. Binti, dawk minnkom li jonqsu milli jhejju, ghandhom bzonn it-talb u mhux bi ftit.

It-Twissija, r-rigal il-Kbir, issa dalwaqt tinghata lid-dinja. Kull wiehed ser ikollu l-opportunita' li jduq il-ferh, meta dawn fl-ahhar jgharfu l-Verita'. Il-verita' ta' l-ezistenza Tieghi. Binti itlob ghal kulhadd, illi jkollhom il-kuragg li jfittxu l-Mahfra Tieghi.

Binti, fl-ahhar, uliedi kullimkien qed jibdew jifthu ghajnejhom. Issa qed jindunaw l- d-dinja qed tinbidel. Id-dinja li huma kienu darba jafu, issa dahlet f'fazi gdida. Din il-fazi l-gdida ser twassal ghal numru ta' stadji, qabel ma wliedi jkunu finalment lesti ghall-Genna fl-art il-Gdida.

Il-parassiti li huma tal-Qarrieqi, sfortunatament, ser jitqabdu stinati sat-tmiem kiefer. Itolbu ghal dawn l-imsejkna erwieh deluzi issa, halli xrara dawl timla qalbhom, u jiltaqghu mas-segwaci devoti Tieghi. Intom, is-Segwaci Tieghi, qed tigu moghtija l-grazzji, biex tghinu fil-konverzjoni ta' dawn l-erwieh mitlufin fid-dezert u fi stat tar-ruh imhawwad, minn Satana.

## X'ser tesperjenzaw waqt it-Twissija u Itolbu ghal mahfra dak il-hin

Is-Sibt, 16 ta' April, 2011 @ 10.00 am

Ghaziza mahbuba binti, mexxi bil-heffa biex tkabbar l-gharfien tal-messaggi Tieghi ghax it-Twissija hija kwazi fuq id-dinja. Ghid lil dawk l-erwieh li jirrifjutaw li jitolbu biex ipogggu s-suppervja u nnuqqas ta' mhabba Lejja, fil-genb u jduru Lejja issa biex jitolbuni ghal mahfra. Kun cara li hafna hafna erwieh mhux se jibqghu hajjin wara din il-grajja. Hafna minn dawn l-erwieh huma sempliciment ghazziena u filwaqt li jistghu, wara dan kollu, jemmnu f'Alla, il-Missier Etern, huma jahsbu li f'xi zmien fil-futur huma mbaghad jaraw x'jaghmlu bit-twemmin spiritwali taghhom. Izda se jkun tard wisq.

Ghid lid-dinja li din il-grajja se ssalvhom. Hafna se jindmu matul din l-esperjenza mistika. Huma se jhossuhom qeghdin fin-nar, bhal dak li jesperjenzaw l-erwieh fil-Purgatorju. Dan se jurijhom dak li l-erwieh, li ghadhom m'humiex indaf ghal kollox, ikollhom jghaddu minnu qabel ma jkunu jistghu jaraw id-dawl glorjuz tas-Sema. Billi sempliciment jaccettaw li din il-grajja tista' ssehh, huma se jkunu jistghu isalvaw. Duru Lejja u ghidu "Jekk joghgbok iggwidani lejn id-dawl u t-tjubija tal-hniena kbira Tieghek u ahfirli d-dnubiet tieghi" u Jien nahfirlek dak il-hin stess. Imbaghad wara t-Twissija ser tesperjenza paci vera u ferh f'ruhek.

**Iz-zghazagh isibuha tal-misthija li jitolbu.**
Hafna nies fid-dinja llum jirrifjutaw li jitolbu. Hafna zghazagh b'mod partikolari, jsibuha tal-misthija u tax-xjuh. Huma zbaljati u jahsbu li, filwaqt li jemmnu f'Alla, t-talb mhux mehtieg. Dan mhux veru. Huwa mehtieg biex jidhlu fis-Sema li tant se jixxennqu ghaliha wara l-mewt. Jekk intom tibqghu fid-dnub, ma tkunux tistghu dduqu minn din il-festa glorjuza. Bhal dawk kollha li jzommu gisimhom f'sahhtu, iharsu lil gisimhom, joqghodu attenti ghal dak li jieklu u jzommu lilhom infushom irqaq, hekk ukoll ghandkom tippreparaw ruhkom bl-istess mod. Jekk ma taghtix attenzjoni lejn l-istat ta' ruhek, din tiddghajef u tonqos min-nutriment mehtieg biex tkun zgur liqieghda fil-forma perfetta.

**Talba li tghidu biex jikkonvertu l-ohrajn**
Minhabba d-dghjufija tal-fidi fost dawk fid-dinja li jemmnu, dawk minnkom li huma b'sahhithom fil-fidi ghandhom responsabbiltà kbira issa. Tridu titolbu din it-talba ta' konverzjoni ghall-ohrajn. "Nitolbok bil-hrara Gesù, fil-Hniena Divina tieghek, biex tiksi dawk l-erwieh bierda bid-Demm Prezzjuz Tieghek sabiex jikkonvertu." Ghidu din it-talba qasira f'isem dawk li tahseb li ghandhom bzonnha l-aktar.

Ftakru Uliedi fil-weghda Glorjuza Tieghi. Jien ser nohrog rebbieh fl-ahhar. Satana, Il-Qarrieqi sempliciment mhux se jsalva. Nitlobkom halluni nipprotegikom u nehodkom Mieghi. Taghtux ruhkom lil Satana. Inhobbkom lkoll. Ibqghu itolbuni biex insahhilkom it-twemmin taghkom kuljum.

Is-Salvatur Divin Taghkom
Re tal-Hniena u l-Kompassjoni
Gesù Kristu

## Gruppi zghar ta' talb tal-Hniena Divina, ukoll jistghu jsalvaw miljuni.

Is-Sibt, 16 t'April 2011 @ 10.45pm

Mahbuba binti, z-zmien tat-Twissija issa huwa fil-qrib u ghad jigri malajr u f'hakka t'ghajn. Lkoll jigu mwaqqfa minn dak li qed jaghmlu, hekk kif jkunu xhieda tal-Hniena l-Kbira. Itolbu ghal dawk kollha li qeghdin fid-dnub il-mejjet, qabel kollox. Huma ghandhom bzonn it-talb taghkom ghax hafna minnhom ser jaqghu mejtin, bil-hasda, meta jaraw l-orrur tal-atrocitajiet li huma ghamlu, kif narhom Jiena bl-Ghajnejn Tieghi. Meta titolbu l-Hniena Divina, din tista' ssalva miljuni, anke jekk dawn ikunu gruppi zghar ta' segwaci devoti li jhobbuni.

Binti, Jiena mhux ser naghtikom data ghal din il-grajja kbira. Imma kunu certi li l-mument issa huwa fuq id-dinja. Waqt li l-hazen ikompli jikber bla razan madwar id-dinja, hekk ukoll Id Missieri issa ser tinzel kullimkien. Huwa mhux ser jibqa' lura u jhalli dawn il-midinbin hziena, f'konfoffa ma' Satana, biex jeqirdu u infettaw lil uliedi, ghal aktar zmien. Imisshom jisthu dawk il-midinbin li huma mimlija bihom infushom, li Jiena xorta wahda nhobbhom minkejja it-tebgha kerha ta' dnubiethom. Nitlobkom biex titolbu ghal mahfra ghal dnubiethom issa.

Bhalma ser issehh it-Twissija, hekk ukoll id-dizastri ekologici ser jigu fuq il-bniedem. Uliedi, it-talb huwa l-unika arma minn issa, sabiex issalvaw ruhkom u l-umanita' min-nirien ta' l-Infern. La darba ssehh it-Twissija, l-paci u l-ferh isaltnu. Imbaghad tibda l-persekuzzjoni mill-Ghaqda Dinjija l-Gdida. Il-qawwa taghhom tiddaghjjef jekk ikun hawn bizzejjed konverzjoni u titolbu hafna.

Mahbubin segwaci Tieghi tibzghux, intom ser tahdmu fil-qrib flimkien biex titolbu ghas-salvazzjoni ta' l-umanita'. U intom ser issalvaw miljuni t'erwieh f'dan il-process.

Il-Mahbub Salvatur Taghkom, Gesu' Kristu.

## Il-Profeziji ta' Garabandal issa ser isiru realta'

It-Tlieta, 31 ta' Mejju 2011 @03.30pm

Ghaziza mahbuba binti, mxejna bicca triq twila f'dan iz-zmien qasir. Kien hemm raguni. Ghax kien iz-zmien mehtieg biex nghaddi l-Kelma l-aktar Qaddisa Tieghi, lil dinja mgewha ghal Imhabbti. Xorta wahda ma jridux jisimghu, ghax ma jridux jafu. Filwaqt li hafna mis-segwaci Tieghi, bhalissa qeghdin ghassa ghall-bidliet li gejjin, hafna ohrajn m'ghandhom l-ebda nteress ta' xejn, fil-profeziji moghtija mill-Mahbuba Ommi, sa issa. Il-profeziji moghtija f'Garabandal, issa ser isiru realta'. Hejju issa ghal din il-grajja ghax baqghalkom **biss ftit xhur biex thejju ruhkom.**

Jekk joghgbok tibzax binti, ghax Jiena naf li dawn il-grajjiet gabulek id-dwejjaq, ghax qed tahseb fil-futur ta' wliedek. It-Twissija ser tbiddel kollox. Imma ser iggib triq li tifred fi tnejn. Il-bniedem, meta jkun stenbah ghall-verita' ta' l-ezistenza t'Alla, minn hemm, bir-rieda kollha hielsa tieghu, huwa jaghzel wahda miz-zewg moghdijiet, it-triq lejn is-Salvazzjoni jew it-triq lejn l-indannazzjoni.

**Il-Kastig, ser jeqred hafna mid-dinja**

Itolbu bi shih, illi l-bniedem jaghzel l-ewwel triq. Ghax jekk le, **d-dinja ser issofri kastig hekk kbir, li hafna minnha ser tinqered.** Ghaliex jixtiequ dan ulied? Imma, minhabba d-dnub, il-bniedem sfortunatament ser jaghzel li jinjora l-Weghda Tieghi, u jimxi fit-triq tal-Qarrieqi. Jiena ga ghidtilkom li mhux ser naghtikom data ghat-Twissija, ghax din jafuha biss ftit erwieh maghzula. Ghax li kieku din id-data kellha tkun pubblika, n-nies jigu mhajra biex ifittxu l-fidwa, b' sens ta' umilta' falza. Afdaw Fija. Kollox ser ikun sew uliedi. Intom imberkin li ser tinghataw dan ir-Rigal tant sabih tar-Rivelazzjoni. Id-dinja issa ser tidher aktar kwieta u b'certu mod stramba, fix-xhur ta' qabel it-Twissija. Ghax meta din tigri, ghalkemm din ser tkun tidher spettakolari fis-sema, tant ser tkun kwieta din l-esperjenza mistika, li intom ser tkunu izjed mhejjija ghal-laqgha mal-kuxjenza taghkom.

Ftakru li izjed kemm nies ikunu avzati b'din il-grajja, izjed erwieh jistghu jigu salvati. Itolbu, itolbu l-Hniena Divina Tieghi, ghal dawk l-erwieh li ser imutu waqt it-Twissija. Ghandhom bzonn it-talb taghkom.

Is-Salvatur Mahbub Taghkom, Gesu' Kristu.

## Zewg kometi ser jahbtu, is-Salib Tieghi jidher f'sema hamra.

Il-Hadd 5 ta' Gunju, 2011 @ 04:30pm

Ghaziza mahbuba binti, z-zmien huwa fil-qrib. It-Twissija hija fil-qrib issa. Huwa b'dieqa kbira li jkolli nghidlek li hafna erwieh mhux se jaghtu widen ghal dawn il-messaggi dwar it-Twissija. **Il-kelma Tieghi taqa' fuq widnejn torox.** Ghaliex ma jridux jisimghu? Mhux talli qed naghtihom id-don kbir Tieghi tal-Hniena meta Jien se nfawwar bil-grazzji Tieghi lid-dinja kollha, Jiena se nhejjijhom ghal din il-grajja. Hafna **miljuni ta' midinbin se jifirhu** meta se jigu murija il-Hniena kbira Tieghi. Ohrajn mhux se jlahhqu jsalvaw lilhom infushom fil-hin, ghax se jmutu bil-hasda.

Binti, inti ghandek taghmel kull ma tista biex twissi lid-dinja. Ghax **din il-grajja kbira ser tahsad lil kulhadd**. Huma ser jaraw **sinjali kbar fis-sema** qabel ma ssehh it-Twissija. Il-kwiekeb ser jahbtu b'impatt hekk kbir illi l-bniedem ser jahseb illi dak **l-ispettaklu li qed jara fis-sema huwa xi dizastru**. Hekk kif dawn il-kometi jsiru haga wahda**, tinholoq sema hamra** u **s-sinjal tas-Salib Tieghi ikun jidher minn kulhadd fid-dinja kollha**. Hafna ser jibzhgu. Imma Jien nghidilkom ifirhu, ghax ser taraw ghall-ewwel darba f'hajjitkom Sinjal Divin veru, li jgib **l-isbah ahbar lill-midinbin kullimkien**.

Araw is-Salib Tieghi u tkunu tafu li l-Hniena kbira Tieghi tkun qed tigi moghtija lil kull wiehed minnkom, ulied prezzjuzi Tieghi. Kien permezz ta' l-imhabba kbira li Jien ghandi ghalikom, li Jiena bil-volonta' Tieghi, mitt fuq is-salib, biex insalvakom. Meta taraw is-Slaleb fis-sema matul it-Twissija, intom tifhmu li dan huwa s-sinjal ta' Mhabbti ghalikom.

Itolbu gheziez segwaci Tieghi li hutkom ikunu jistghu jifirhu huma wkoll, meta jigu murija **l-prova ta' l-Ezistenza Tieghi.** Itolbu li huma jilqghu dan ic-cans biex jifdu lilhom infushom f'ghajnejja. Itolbu li dan l-att ta' Hniena jsalvalhom ruhhom jekk huma jhalluni nghinhom.

**Intom se taraw xi tfisser li tmut fid-dnub il-mejjet.**

It-Twissija se tkun ghalikom esperjenza li tnaddafkom. Tista tkun **mhix daqshekk sabiha** ghal dawk li huma fid-dnub il-kbir. Ghaliex ghall-ewwel darba intom se tigu murija kif thossukom x'hin id-dawl ta' Alla jitlaq minn hajjitkom. L-erwieh ihossu l-abbandun, li jhossu dawk li jmutu fid-dnub il-mejjet. **Dawk l-erwieh li jkunu hallew tard wisq** biex jitolbu lil Alla biex jahfrilhom dnubiethom. Ftakru li huwa mportanti li Jiena nippermettilkom li thossu dan il-vojt tar-ruh. Ghax imbaghad fl-ahhar tkunu tistghu tifhmu li minghajr id-dawl ta' Alla f'ruhkom intom ma thossu xejn. Ruhkom u gisimkom jkunu biss garar vojta. Sahansitra l-midinbin ihossu d-dawl ta' Alla ghax Huwa prezenti f'kull wiehed minn uliedu fid-dinja. Imma meta tmutu fid-dnub il-mejjet dan id-dawl ma jibqax izjed.

Hejju issa ghal din il-grajja kbira. Salvaw ruhkom sakhemm ghadkom tistghu. Ghax ikun f'dak il-mument li d-dawl ta' Alla jhallikom, li intom tindunaw bil-vojt, il-bahh u d-dlam li Satana joffrilkom, li huwa mimli rabja u biza'.

Sahhu ruhkom. Ifirhu issa, ghax it-Twissija ser issalvakom u tqarribkom aktar lejn il-Qalb Qaddisa Tieghi.

Ilqghu it-Twissija. Ghax intom ser tkunu moghtija il-prova tal-Hajja Eterna u tkunu tafu kemm Hi mportanti.

Il-Mahbub Salvatur Taghkom
Gesu Kristu
Re ta' l-Umanita

## [Uliedi ser jigu wicc ma' wicc Mieghi, ghall-ewwel darba matul it-Twissija.]()

It-Tnejn 20 ta' Gunju, 2011 @11.45 am

Mahbuba binti, hejji lil uliedi ghax issa dalwaqt jigu quddiemi fil-Glorja kollha Tieghi u l-hasra li ghandi ghalihom. Jiena ser nuri Lili nnifsi lil kull ragel, mara u tifel jew tifla ta' fuq l-eta' tar-raguni, dalwaqt.

Dan il-jum mill-isbah, meta Jiena ser nurihom il-Hniena Tieghi, ghall-kuntrarju tal-Gustizzja Tieghi, ghandha tigi milqugha minn kulhadd. Ifirhu ghax intom lkoll, kull wiehed u wahda minnkom, ser tigu wicc ma' wicc Mieghi, ghall-ewwel darba.

Hafna ser ikunu mimlija mhabba u kuntentizza ghal din l-ghaqda mill-gdid. Ghal ohrajn, dawn ser ikunu mbezza'. Imma m'hemmx minn xhiex tibzghu, ghax Jien inhobbkom lkoll. Id-dnub ser ikun l-unika firda, izda jekk tindmu u taccettaw il-verita' ta' l-offizi taghkom kontrija u kontra l-Missier Etern Tieghi, intom tintebhu bil-Hniena kbira li qed tigi offruta lilkom. Ghal dawk li ser jibzghu, rrid nghidilkom dan. Il-biza' gej mid-dnub. Bid-dnub fuq ir-ruh taghkom, intom tigu mbeghda Minni. Accettaw dnubietkom ghal dak li huma, dghjufija umana. Imbaghad harsu Lejja u Jiena mmexxikom lejn il-hajja eterna u l-verita'.

**Il-Hniena Kbira Tieghi iggib ahbarijiet sbieh**.
Il-Hniena Kbira tieghi iggib ahbarijiet sbieh lil uliedi fid-dinja kollha. Ghax meta din it-Twissija l-Kbira ssehh, intom tigu moghtija cans biex tbiddlu hajjitkom ghall-ahjar. Meta l-verita' ta' l-ezistenza Tieghi tigi mikxufa, l-konverzjoni tkun mifruxa ma' kullimkien.

Hemm u hemm biss, wara li ssehh it-Twissija, id-dinja tinghata cans li tieqaf ghall-kastig il-kbir li jigi wara**, kemm il-darba l-midinbin ma jindmux bil-hafna**. Ghax hemm, **Id Missieri ser tinzel kullimkien** fuq dawk li jirrifjutaw li jisimghu il-verita' – dawk li jaghtu daharhom lill-imhabba, l-imhabba Lejja u lejn huthom. Ghax il-modi tad-dnub taghkom, f'dak l-istadju, ma jkunux izjed accettati. Ghax dik tkun l-ahhar tibna. L-influenza ta' Satana mhix ser tithalla zzomm dik il-morsa taghha fuq l-umanita'. Dawk li b'ras iebsa jibqghu jsegwu t-triq il-hazina, fejn huma jippersegwitaw lil uliedi, dawn jigu mwaqqfa.

**Il-Kastig il-Kbir**
Kastig kbir, li bhalu **hadd qatt ma ra minn zmien Noe**, jigi varat minn Alla, l-Missier Etern. Is-segwaci Tieghi, li jghidu li dan mhux il-mod kif Gesu' jitkellem, issa jehtieg isaqsu lilhom infushom din il-mistoqsija. Jekk Gesu' huwa kollu Hniena, ghaliex Hu jew Alla l-Missier, qed ihallu l-armata ta' Satana li tkompli ggib il-biza' fuq uliedi? Huwa ghal din l-imhabba ghall-ulied kollha t'Alla, illi dan il-kastig kbir ser isehh. Indmu intom lkoll. Armu l-weghdiet vojta ta' Satana. Armu l-hajja falza u vojta li hu joffrilkom. Accettawha, li meta tisimghu Ismi jigi michud fid-dinja tal-lum, illi dan gej dirett mill-influwenza ta' Satana. Sakemm uliedi jitwarrbu minnu, **ma jistax ikun hawn paci** fid-dinja.

Hudu din it-Twissija bhala messagg ta' mhabba pura.  Ghal dawk li ghandhom xi poter, nghidilhom dan.  Ichdu l-gideb li intom intrabbattu maghhom jew inkella ser issofru l-konsegwenzi.

Il-Hniena Kbira li ser nurikom matul it-Twissija, hija s-soluzzjoni ghall-era l-gdida ta' paci.  Huduha, u **l-kastig jigi mehlus**.  Irrifjutawha, u s-segwaci Tieghi biss, jkunu jistghu jigu salvati,  Ikun **tard wisq ghall-kumplament taghkom.**

Is-Salvatur Mahbub Taghkom

Imhallef Gust

Gesu' Kristu.

## Ateisti u xjentisti se jghidu li t-Twissija kienet illużjoni

Il-Hadd 3 ta’ Lulju, 2011 @ 6:30 pm

Ghaziza mahbuba binti, ghandek timxi 'l quddiem, hares dritt 'il quddiem u segwi l-istruzzjonijiet Tieghi. M'għandekx iddur lejn il-genb meta tigi assedjata mill-Wiehed tal-Hazen f’kull mument tal-ġurnata. Ikkoncentra Fuqi biss. Ghandek titgħallem tifhem li l-ħin li tghaddi fil-kumpanija Tiegħi speċjalment fl-Adorazzjoni huwa ta’ bzonn biex inti tibqa’ fil-quċċata ta' din il-missjoni. It-tul ta’ hin mghoddi fit-talb huwa mportanti wkoll ghax iktar ma tqatta’ hin f’komunikazzjoni qrib Tieghi iktar se tircievi grazzji. Jekk ma taghmilx dan, jkun ifisser li inti qed tħalli ruhek miftuħa berah għall-attakki tal-Qarrieqi.

Binti, il-Kelma Tiegħi, qed tiġi njorata minn ħafna li ma jridux jisimgħu. Hemm ħafna raġunijiet għal dan. Ħafna minn Uliedi llum għalqu għajnejhom ghall-verità tal-eżistenza spiritwali taghhom. **Huma jhaddnu lid-dinja kollha u dak kollu li toffri bħala sostitut ghall-ħobż tal-ħajja.** Ħafna huma wkoll attenti ghall-profeti foloz għax dan huwa l-perjodu li fih se jitfaccaw profeti foloz ma kullimkien. Din hija l-konfużjoni li Satana jixtieq jikkawża sabiex dawk il-messaġġiera ġenwini Tieghi hadd ma jagħti kashom. Minħabba l-umilta’ meħtieġa mill-vizjonarji magħżula Tieghi ma jistgħux jghollu ruħhom f’għajnejn id-dinja għaliex dan mhuwiex fin-natura taghhom. **Il-viżjonarji foloz se jimbuttaw lilhom infushom ghall-fama.** L-attenzjoni tagħhom se tkun iċċentrata fuqhom infushom. Il-messaġġi tagħhom jisthgu jidhru awtentici bi kliem sabih li gej mill-Bibbja Qaddisa fejn jaqbel, imma se jkun hemm żewġ aspetti ewlenin li l-messaġġi tagħhom se jikxfu l-gideb li dawn iwasslu. L-ewwel haga hija li huma ser ikunu c-centru tal-messaggi u se jgawdu l-attenzjoni kollha li huma se jirċievu. Imbagħad fl-ahhar ghandek il-messaġġi nfushom. Dawn ser ikunu konfuzi, diffiċli biex jinqraw u mhux se jħallu marka fit-tul fuq ir-ruħ. Sfortunatament, Binti, **l-Knisja ghandha tendenza li tinjora l-vizjonarji awtentiċi** għaliex din trid turi responsabbiltà f'dawn l-affarijiet.

Huwa, għalhekk, li għall-knisja Tiegħi huwa hafna aktar facli biex taccetta dawk il-messaġġi li jinkludu bicciet mill-Bibbja Qaddisa, u tiddikjara li huma awtentiċi. Għalihom m’huwiex daqshekk faċli li jaċċettaw is-sempliċità tat-tagħlim Tiegħi, speċjalment meta llum ħafna mill-verità qed tistahba wara l-maskra tat-tolleranza. **Lanqas li Jiena nfakkarhom fl-Ahhar taz-Zminijiet mhu facli li jigi aċċettat** meta, bil-biża’ u l-injoranza, il-Qaddejja Qaddisa Tieghi qed jirrifjutaw li jieħdu f’idejhomt il-Kalci Tiegħi u jaġixxu b'mod responsabbli.

Dan huwa l-aktar zmien importanti fl-istorja tad-dinja. Matul l-ahhar seklu, lill-vizjonarji Tieghi gew moghtija s-sinjali u xorta wahda għadhom qed jigu njorati u mwarrba fil-genb filwaqt li dawn qed jidfnu rashom fir-ramel. Huwa propju f'dan il-ħin li l-Qaddejja Qaddisa Tieghi ghandhom jippridkaw dwar **l-importanza tal-migja Tiegħi lura fid-dinja**. Huma għandhom iħejju lill-erwieħ billi jfakkruhom fil-konsegwenzi jekk jonqsu milli jsalvaw lilhom infushom sakemm għadhom fuq din id-dinja. Għax wara l-mewt ma jistghux jitolbu ghall-mahfra. Insejjah lill-Qaddejja Qaddisa Tieghi issa. Għaliex mhux qed taghmluha cara din, mal-merhla taghkom? Għaliex mhux qed tiddiskutu ta’ spiss il-konsegwenzi ghal Uliedi matul il-Kastig il-Kbir? Ma tafux li ħafna minn **Uliedi se jitilfu ruhhom minhabba l-AntiKrist, li diġà qieghed hawn fuq din id-dinja lest biex jaqbez** minn fejn jinsab mohbi

fil-genb. Uliedi jridu jifhmu li t-Twissija, filwaqt li hija att kbira ta' Ħniena, se tkun biss l-ewwel fażi f'dak li se jkun żmien diffiċli ħafna u ta' sfida għal Uliedi kollha. Għax wara, dawk il-midinbin kbar u segwaci ta' Satana se jichdu l-ezistenza Tieghi.

L-ateisti se jgħidu li din kienet illużjoni globali. Ix-Xjentisti se jfittxu spjegazzjoni loġika imma m'hemmx wahda. Safrattant is-segwaċi Tiegħi se jigu bejn haltejn. Ħafna miljuni se jikkonvertu iżda
se jkunu mfixkla mill-gideb imferrex mill-Grupp tal-Hazen, l-oranizzazzjoni dinjija kiefra, li l-għan tagħha hu li tkisser il-bnedmin iz-zghar għall-qligħ finanzjarju tagħha stess.

Uliedi, jekk mhux se jibqa` bizzejjed nies fit-triq tal-verita` allura **mhux se jkun possibbli li jigi evitat l-impatt tal-Kastig.** Huwa f'dak il-mument meta Alla l-Missier se jiccaqlaq biex iwaqqaf il-midinbin milli jeqirdu l-ħolqien Tiegħu u ta' Uliedu. Huwa ser jippermetti li jsehhu terremoti fuq skala li qatt ma nhassew qabel, vulkani f'postijiet fejn huma lanqas mistennija u d-dinja se tigi mwaddba bhal vapur f'bahar imqalleb minghajr ankra li zzommu f'post wiehed.

Nitlobkom uliedi, hallu lit-Twissija li ssalvakom kollha kemm intom. Aċċettaw li dan il-miraklu se jghin biex issalva miljuni li, nkella, kienu ser jintilfu. Iżda għal dawk li ma jridux jibdlu hajjithom **huma ser jagħżlu d-dar ta' Satana**. Mingħajr talb m'hu se jkun hemm l-ebda tama għalihom għax **dawn se jittehdulhom l-imfietah tas-Sema l-Gdida fl-Art**. Minflok huma se jinharqu fin-nirien tal-Infern. Kieku dawn ikunu jafu fejn din it-Triq Hazina ser twassalhom, tahsbu li kienu jbiddlu triqithom? Uliedi, jekk jogħġobkom għinuhom billi tgħidulhom il-verità. Itolbu biex issalvawlhom ruhhom jekk dawn ma jkunux iridu jisimgħu. Għax dak huwa dak kollu li intom tistghu taghmlu.

Is-Salvatur Mahbub Taghkom

Imħallef Gust u Sultan tal-Ħniena

Ġesù Kristu

## Zmien ta' stennija - Ghidu lill-ohrajn biex ikunu jafu x'qed jistennew

Il-Hamis Awissu 4, 2011 @ 09:40pm

Ghaziza mahbuba binti **d-dinja kull jum li jghaddi qeghda titmermer dejjem izjed**. Fost Uliedi hemm tahlita ta' tama, inkwiet, rabja u disprament minhabba **l-gwerer u n-nuqqas ta' flus** biex titimghu u tipprovdu kenn lill-familji taghkom sewwa. Izda ghatu widen ghal dan. Mhux se jkollhom bzonn tahsbu ghal raskom ghal hafna tul ta' zmien izjed, ghax issa fil-qrib hafna, wara t-Twissija, se jinhass aktar sens ta' dawl pozittiv u mhabba fid-dinja. Xejn mhu mitluf, binti.

Itolbu ghal dawk li jikkonvertu waqt it-Twissija biex dawn jibqghu fit-triq tal-verità. Itolbu ghas-segwaci Tieghi li diga jafu l-Verita, biex l-imhabba taghhom Ghalija u ghal Missier Etern Tieghi ssir aktar b'sahhitha.

**Sakemm Uliedi jhaddnu r-rigal tat-Twissija allura m'hemm xejn minn xhiex tibzghu.**

Ghal dawk li ma jibqghux fuq il-moghdija u li jduru lura ghad-dnub, dawn ghandhom hafna ghalfejn jibzghu. Missieri mhux se jhallihom li jinfestaw lill-ohrajn permezz tal-metodi hziena u qarrieqa taghhom. **Huma ser jigu mwaqqfa**. Hija ta' dieqa, li hafna se jduru l'boghod mill-verità u se jaghmlu hilithom biex ikomplu bil-poter u l-kontroll fuq il-kumplament ta' Wliedi.

**Itolbu biex il-Kastig jigi mnaqqas**. It-talb taghkom jghin biex jikkonverti u jigu evitati sitwazzjonijiet bhal dawn. Bhalissa huwa z-zmien ta' stennija. Ta' talb. Ta' thejjija u li tassiguraw li kemm jista jkun nies ikunu jafu x'qed jistennew.

Dan ix-xahar t'Awissu "**Ix-xahar tas-Salvazzjoni ta' l-Erwieh**" huwa importanti hafna Wliedi. Nitlobkom tkomplu bid-devozzjoni taghkom dan ix-xahar ghall-erwieh ghax l-erwieh li intom se ssalvaw se jkunu bil-bosta. Is-Sema tifrah bl-imhabba u l-generozità ta' qalb u r-ruh tas-segwaci kollha Tieghi li ghamlu dan l-impenn, rigal prezzjuz Ghalija, sabiex in-nies jigu salvati waqt it-Twissija.

Mur issa Binti u xerred il-Kelma Tieghi. Mur issa fil-paci u l-imhabba.

Is-Salvatur Mahbub Taghkom

Gesu' Kristu.

## **Issa aghmlu l-Velji tal-Hniena Divina – It-Twissija hija fil-Qrib.**

It-Tnejn, 5 ta' Settembru, 2011

(Nota: *Il-lejla, Gesu' Kristu ta zewg messaggi. Fl-ewwel messagg, li kienet rivelazzjoni privata, gew moghtija lill-vizzjunarja, d-dettalji tal-perjodu meta ser issehh it-Twissija. Il-pubblikazzjoni ta' dawn id-dettalji, hija fid-diskrezjoni tal-vizzjunarja, li ddecidiet li ma tippublikahomx ghal issa. Minflok, dawn gew moghtija lil sacerdot biex jinzammu sigrieti. Dan il-messagg jigi ppublikat wara li ssehh it-Twissija. It-Tieni messagg, huwa messagg ghad-dinja bhalissa*.)

Mahbuba binti, iz-zmien issa huwa fil-qrib. It-talb ghen lill-mahbub Vigarju Tieghi, il-Papa Benedittu biex jieqaf ghall-battalja li huwa qed ihabbat wiccu maghha mill-forzi tal-hazen. Iz-zmien tieghu fil-Vatikan gie mtawwal.

Inheggeg lis-segwaci kollha Tieghi biex jaghmlu laqghat ta' talb u velji tal-Hniena Divina, ghall-ulied imsejkna kollha Tieghi, li tbeghdu Minni u mill-Missier Etern Tieghi. Huma ghandhom bzonn urgenti tat-talb taghkom. Talb u hafna aktar talb huwa mehtieg bhalissa biex isalvahom. Offru l-Quddies ghal dawk li minhabba l-istat ta' ruhhom waqt it-Twissija, jista' jkun li ma jsalvawx fizikament. Huma ghandhom bzonn it-talb taghkom. Inghaqdu. Aqbdu id f'id Mieghi.

Il-Mahbub Taghkom Gesu' Kristu.

## Wara t-Twissija

Il-Hamis 29 ta`Settembru, 2011 @ 20:45pm

Għażiża mahbuba binti, hekk kif it-Twissija qed toqrob jekk jogħġbok itlob lis-segwaċi għeżież tiegħi biex jitolbu u jifirhu bi gratitudni għall-ħniena kbira li l-Missier Etern tiegħi ser jaghti  lil Umanita'.

Se jkun minħabba dan l-att glorjuża ta` mħabba pura li aktar mill-umanità tista` tiġi salvata biex tgawdi l-era tal-paċi fid-dinja. Kunu grati li intom qed tgħixu f'dawn iż-żminijiet, għax miljuni minnkom se jiġu salvati, li kieku, qatt ma kienu jidħlu mil-bibien tas-Sema.

Il-thejjijiet huma lesti. Hejju djarkom b`xemgħat imbierka u provvista ta' ilma u ikel li jservu għal ftit ġimgħat. Wara se jkun diffiċli imma intom ma ghandkomx tkunu imbeżża. Minflok ifirhu, ghax it-tbatija se tkun offruta b`ringrazzjament għall-ħajja eterna li issa se tingħata lill-erwieħ prezzjuż Tiegħi li jħaddnu dan id-Don kbir.

Kunu fil-paċi. Afdaw Fija ghax ftakru, li Jien s-Salvatur taghkom u noffri lil dawk l-erwieħ fidili protezzjoni f'kull mument.  Jiena nimxi magħkom. Immexxikom. Nzommilkom idejkom b'imħabba tenera. Intom Tieghi u Jien qatt ma se nhallikom titilqu mill-Qalb Qaddisa Tiegħi. Intom, Segwaċi Tiegħi, intom imdawra bil-grazzji li għandkom bżonn biex tgħixu t-Twissija.

Ġesù l-Għażiż Taghkom

Salvatur u Redentur tal-Umanità kollha

Il-Kollass bankarju tagħkom kien ippjanat mill-Antikrist.

Il-Ħamis 6 ta` Ottubru, 2011 @ 22:45pm

Għażiża mahbuba binti itlob hafna għaliex l-Antikrist huwa lest biex johrog mit-toqba tal-ħabi tiegħu u se jabeż fuq id-dinja sabiex jahtaf l-Uliedi.

Il-Pjan ingenjuz tiegħu se jiġi moħbi wara **apparenza sabiha, gustuza u li taqalak** iżda meta Uliedi jħarsu f` għajnejh huma jaraw dlam għax hu m'għandu l-ebda ruħ. Hu ma kienx maħluqa mill-idejn t'Alla l-Missier.

Itolbu Uliedi issa, kull wieħed u waħda minnkom biex twaqqafuh milli jeqred dawk kollha li jikkontrolla minn ġewwa l**-Ordni ta' Dinja Wahda.**

It-Talb jista jtaffi ħafna mill-pjanijiet dizgustanti tiegħu, li gew proposti, kontra l-umanità. Sfortunatament ħafna se jkunu imqarrqa minnu. Qatt qabel ma ħeġġiġt lil Uliedi għal tant talb, għaliex mingħajr it-talb tagħkom, l-iskemi li huwa qed jahdem bil-qerq se jiġu mwettqa kif **mbassra fil-Ktieb tar-Rivelazzjoni.**

Il-Preżenza tiegħu fuq l-art tinħass madwar id-dinja imma l-azzjonijiet tiegħu huma moħbija mill-ghajn. Huwa bħal gebla li meta tintefa' fl-ilma, toħloq treghid hafif li jistgħu jibqghu sejrin għal mili. Huwa jrid jeqridkom għax intom Uliedi.

Uliedi li jsegwu kull mossa tiegħu bhal ilsiera, huma mghammda. L-atroċitajiet sigrieti mwettqa minn dawn in-nies joħolqu niket kbir fis-Sema.

Uliedi, ngħidilkom biex titolbu lil San Mikiel Arkanglu biex iċanfar lil Satana matul dawn iż-żminijiet ta' taqlib. L-Antikrist miexi b'heffa u l-influwenza tiegħu qed tħaffef il-pjan globali li jgħaqqad l-muniti tagħkom kullimkien.

**Il-Kollass bankarju tagħkom kien deliberatament ippjanat** mill-Antikrist biex meta l-pajjiżi tagħkom kellhom bzonn l-ghajnuna hu u **l-laaqgha hziena tiegħu jqumu biex jsalvaw il-pajjizi tagħkom.**

Qumu intom kollha u araw dak li hu verament qed jiġri quddiem għajnejkom. Huwa qed jistenna biex jaqbez fuqkom, iżda t-talb tagħkom jista` jtaffi l-azzjonijiet tiegħu u jwaqqfu fil-passi tiegħu. L-Idejn maħmuġa tiegħu qed jistennew biex jahtafkom f`tghannieqa, minn fejn intom se ssibuha diffiċli li tinhallu.

Ftakru tfal li z-żmien ta` Satana fuq l-art huwa qasir. L-Antikrist intbagħat biex jisraq erwieħ minn ghand Missieri. Dawn l-erwieħ ġejjin minn Missieri, Alla l-Ħallieq ta' kollox. Il-Wegħda ta` l- Antikrist ta' univers etern hija bluha. Hafna erwieħ issa qed jigu mhajra minn din id-duttrina ġdida u qarrieqa. Inhares u nara, hekk kif dawn qed jaqgħu f'dan l-ghar qarrieq ta' dlam u nibki dmugh ta' mrar. La darba dawn l-erwieħ isegwu din it-triq ta' qerq, huma jittiehdu minnu. L-ingieba tagħhom lejn l-oħrajn, inklużi l-familja tagħhom, tinbidel hekk kif il-qlub tagħhom jikshu.

Il-Poter ta` Satana huwa qawwi imma Alla l-Missier se jintervjeni u jikkastiga s-segwaċi tiegħu fuq din id-dinja bl-aktar mod ahrax. It-Twissija hija l-aħħar ċans tagħhom li jaghtu daharhom lilI-Antikrist.

Itolbu biex id-dawl Tiegħi jippenetra kull ruħ matul it-Twissija, sabiex speċjalment l- erwieħ mitlufa jistghu jiġu salvati minn dan id-dlam terribbli.

L-Ghaziz Mahbub Taghkom Ġesù Kristu.

## Verġni Marija: Pjan hazin fi ħdan Il-Vatikan biex jeqred l-Knisja Kattolika

L-Erbgħa 18 ta` Jannar, 2012 @ 09:50am

Binti, il-perseveranza hija meħtieġa minn l-Ulied kollha t'Alla, matul dan iż-żmien ta' apostasija fid-dinja.

**Tant ftit jemmnu fil-Ħallieq Divin tagħhom, Missieri, Alla l-Aktar l-Għoli.**

Dalwaqt se jaraw il-verita, iżda ħafna xorta se jsostnu li m'hemm l-ebda Alla. Uliedi, issa huwa meħtieġ hafna talb.

**Lil Papa Benedittu XVI qed jikkonfoffaw kontrih, fil-kurituri tiegħu stess, minn setta tal-ħażen.**

Din is-setta ilha magħrufa li teżisti fost dawk il-qaddejja qaddisa fi ħdan il-Vatikan, madankollu huma dgħajfa kontra dan il-grupp ħażin, li dahal fil-Knisja Kattolika, għal sekli sħaħ.

**Huma hatjin li għawġu l-Verità tat-Taghlim t`Ibni. Ftit huwa magħruf dwarhom jew fuq ix-xoghol vili tagħhom.**

Huma warrbu l-Vera Duttrina mill-Knisja Kattolika u minflokha, versjoni bierda u dghajfa giet mitmugħa bil-forza lill-Kattoliċi, matul l-aħħar erbgħin sena.

Giet mxerrda tant konfużjoni minn din is-setta hazina izda moħbija, setta li uliedi grew il-bogħod mill-Vera Knisja.

**Itolbu biex ma jkeccux lill-Papa l-barra.**

Itolbu biex il-profeta falz ma jehux s-sede tal-qaddis Papa, sabiex ikun jista' jxerred il-gideb.

Itolbu li dawk il qaddejja qaddisa fil-Vatikan ikunu b'saħħithom biżżejjed biex jifilħu ghal dan il-pjan ħażin, maħsub biex jeqred l-Knisja Kattolika.

**Huma ippjanaw biex jibdlu l-Vigarju Qaddis Papa Benedittu XVI ma dittatur tal-gideb.** Huwa se joħloq knisja ġdida f`ghaqda mal-antichrist, u l-grupp tiegħu, sabiex iqarqu bid-dinja.

Sfortunatament, ħafna minn uliedi , fir-rabta tagħhom mal-Fidi Kattolika, ser isegwu bil-ghama din id-duttrina gdida falza, bħall-ħrief għall-qatla.

**Qumu uliedi ghal-Verità. Dan il-pjan hazin biddel l-awtentiċità fundamentali tad-Duttrina Kattolika, matul is-snin.**

**Intom tinsultaw lil Ibni meta tirċievu l-Ewkaristija fl-idejn.**

Dan kien l-ghemil tagħhom.

Intom tinsultaw lil Ibni meta intom ma tfittxux s-Sagramenti regolarment. Madankollu, dawk li intom isserrhu fuqhom għal dawn, ma jiżgurawx il-gid spiritwali tagħkom, għaliex ma jagħmlux s-Sagramenti disponibbli għal kulħadd.

Binti, ħażen kbir, moħbi għal sekli sħaħ fil-kurituri tas-Santa Sede, dalwaqt se jitfaċċa għad-dinja biex tara. Dawk minn uliedi , li huma miksija bl-Ispirtu s-Santu, se jaraw l-verità meta l-gidba qarrieqa tigi ppreżentata lid-dinja.

Oħrajn se jsegwu fil-ghama tul sqaq mudlam.

Diviżjoni kbira se titfaċċa fi hdan il-gradi tas-sacerdoti, isqfijiet, Arcisqfijiet u Kardinali. Naħa waħda kontra l-oħra.

Dawk il-vera dixxipli se jkollhom jinhbew biex jippridkaw fil-privat, jew inkella jiġu maqtula.

Tant moħbija se tkun il-Vera Knisja, li l-fidili veri se jkollhom jinghaqdu flimkien sabiex jipprattikaw l-fedelta tagħhom lejn il-Missier Etern Tiegħi.

Id-Dinja se tithezzez f'kull rokna, ikkawżata mill-Korla ta' Missieri tas-Sema, kontra din il-farsa.

Binti , dawn ma jistghux jirbħu. Dan ser isehh bil-fidi u l-kuraġġ tal-fdalijiet tal-Fidi Nisranija, u jgib il-qerda ta’ dawn l- imposturi hziena, ghal-dejjem.

Stennew issa u ħejju għall-Knisja Kattolika biex tħabbar dawn il-bidliet.

Imbagħad, intom tkunu tafu l-Verità li qed nghidilkom.

Itolbu, itolbu, itolbu għall-Papa Benedittu u dixxipli vera tiegħu.

Ommkom l-Għażiża.

Omm tas-Salvazzjoni

## L-Ahhar jiem ta' Satana; Bhal zunzan li qed imut, it-tingiza tieghu, hemm tkun twegga' l-aktar.

It-Tnejn, 13 ta' Frar, 2012.

Binti, nitolbok tiftakar illi l-bniedem kulma ghandu jaghmel, huwa li jhares madwaru biex jintehah li ga sehhew tibdiliet kbar fuq id-dinja.

Grajjiet normali ta' kuljum m'ghadhomx jidhru l-istess. Il-ferh, li intom uliedi tiehdu minn xi qligh materjali, tilef dak il-gmiel li kellu. M'ghadux daqshekk jigbdek. Sar qisu kollox m'hu xejn.

Ghaliex dan? Ma tafux li din hija s-sahta ta' l-antikrist u l-prezenza tieghu fid-dinja, li qed titfa' dawn id-dellijiet?

**Dan, li gej minn Satana, imarrad kull livell tas-socjeta' taghkom, fosthom il-politika, l-forzi militari, l-istituzzjonijiet finanzjarji, organizzazzjonijiet umanitarji u anke l-knejjes taghkom.**

L-ebda settur ma kien mehlus, halli huwa jaghmel deni kemm jiflah lill-umanita' f'dawn l-ahhar jiem tieghu fid-dinja.

Ftakru li Jiena Gesu' taghkom, tajt lilkom segwaci Tieghi, l-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu biex iggibu bla sahha lil dawn li qed jaghmlu dan il-hazen.

Izjed ma tqumu u titqabdu bis-sahha tal-fidi taghkom, izjed tiddghajjef il-qabda ta' l-antikrist.

It-talb, specjalment il-Krucjata ta' Talb li giet moghtija lilek, il-Messaggier Tieghi, ser tghin biex jitnaddaf dan il-hazen.

**Il-hazen kollu jista' jigi meqrud permezz tat-talb. Hija daqshekk semplici.**

**Il-jiem ta' kemm ser idum jghix Satana u l-armata tieghu, huma maghduda. Madanakollu bhal zunzan li qed imut, it-tingiza tieghu, hemm tkun twegga' l-izjed.**

Zommu pacenzja u perseveranza matul dawn it-tbatijiet, u hekk intom, l-armata Tieghi, bit-tama u b'wicckom minn quddiem, timxu lejn il-bibien tas-Sema l-Gdida Tieghi fl-art.

Is-Salvatur Taghkom Gesu' Kristu.

## **It-Twissija, ghalkemm mhix tal-biza', ser iggib ugigh f'dawk li ma jkunux fi stat ta' grazzja.**

Il-Hamis, 14 ta' Gunju, 2012 @ 6.15pm

Jiena, l-mahbub Gesu' taghkom, nixtieq li inti binti l-ghaziza mahbuba, tghid lis-segwaci kollha Tieghi biex jaghtu kas ta' l-istruzzjonijiet Tieghi.

Harsu lejn kull membru tal-familja taghkom, dawk fostkom, li ma jimxux fuq it-Taghlim Tieghi.

Fittxu fostkom ghal dawk l-erwieh mitlufa Ghalija, li minbarra jirrifjutawni. Imbaghad Jiena nitlobkom biex titolbu ghalihom hafna f'dan iz-zmien.

Intom ghandkom tittalbu ghall-Hniena ghal ruhhom. It-talb u s-sagrificcji taghkom jistghu jsalvawhom minn sofferenza terribbli waqt il-Purifikazzjoni fit-Twissija.

**It-Twissija, ghalkemm mhix tal-biza' u ghandha tigi milqugha bhala Rigal specjali Tieghi, ser iggib ugigh f'dawk li ma jkunux fi stat ta' grazzja.**

Hejju ruhkom minn qabel, ghax l-erwieh b'sahhithom ser isibu li t-Twissija hija Grajja ta' Ferh.

**Huma mhux ser isofru ghax ikunu fi stat ta' grazzja, specjalment jekk jircievu s-Sagrament tal-qrar regolarment**.

Il-qawwa taghhom ser tghin lil dawk li jkollhom jghaddu mill-ugigh tal-Purgatorju wara t-Twissija.

Ghinnu lil dawk li ma jridux jisimghu permezz tat-talb taghkom ta' kuljum tal-Kurunella tal-Hniena Divina.

Offru sagrificju , Lili Gesu' taghkom, bi tpattija ghad-dnubiet tal-familji taghkom.

**Jiena ser nuri Hniena ma kull minn jaccetta l-istat iswed tar-ruh tieghu, meta huma jigu murija dnubiethom waqt it-Twissija**.

Huma dawk biss li b'umilta' genwina u qalb pura li ser jigu mahfura.

Dawk kollha, inkluzi tfal li ma jaccettawnix, ghandhom htiega ddisprata ghat-talb taghkom.

Hawn it-Talba li intom ghandkom tghidu ghal konverzjoni taghhom waqt it-Twissija.

**Talba tal-Krucjata (60) Talba ghal konverzjoni tal-Familji waqt it-Twissija.**

*O Ghaziz Gesu' Helu*

*Nitolbok ghall-Hniena ghall-erwieh tal-familja tieghi*

*(semmihom hawn)*

*Noffrilek is-sofferenzi tieghi, t-tbatijiet tieghi u t-talb tieghi biex issalva*

*Lil ruhhom mill-ispirtu tad-dlam*

*Thalli lil hadd minnhom, l-ulied Tieghek jichdek jew*

*Jirrifjuta l-Id Tieghek ta' Hniena.*

*Ifthilhom qalbhom halli tghannaqhom mal-Qalb Qaddisa Tieghek*

*Halli jfittxu l-mahfra li hemm bzonn biex issalvahom*

*Min-nirien ta' l-Infern*

*Aghtihom ic-cans li jitjiebu*

*Halli jikkonvertu bir-Raggi tal-Hniena Divina Tieghek.*

*Ammen.*

Ulied t'Alla, kunu mhejjija kuljum ghat-Twissija, ghax din tista' tigri f'kull mument.

Gesu' Taghkom.

## Is-Smewwiet jitqaxxru b'lura, bhallikieku infetah saqaf.

Is-Sibt, 16 ta' Gunju 2012 @ 7.40pm

Ghaziza mahbuba binti, Kelmti qed tinstema' minn miljuni madwar id-dinja waqt li Jiena qed inhejji lil ulied kollha t'Alla ghall-Hniena Divina Tieghi.

**Dawk li jghidu li jafuni izda ma jgharfunix, xorta ma jissaportux li ma jaqrawx il-Kelma Tieghi, ghalkemm jitqabdu kontrija**.

**Huma jirrifjutawni, izda xorta jingibdu lejn il-Messaggi Tieghi.**

**Huma ma jirrealizzawx li dan huwa l-Ispirtu s-Santu, li ghalkemm rieqed go ruhhom, xorta wahda jigbidhom Lejja**?

Jien nghidilhom dan. Iz-zmien wasal, ghax ara, intom dalwaqt tigu murija dak kollu hazin li ghamiltu, matul it-Twissija.

Il-mibeghda taghkom ghall-Kelma Tieghi ser tkun murija lilkom u intom ser tkunu tafu l-Verita'.

**Meta dan isehh, imbaghad intom ghandkom tinghaqdu ma' hutkom u titqabdu ghad-dritt biex tiddefendu l-Knisja Tieghi fid-dinja**.

**Is-Smewwiet ser jitqaxxru lura, bhallikieku nfetah saqaf u jinkixfu n-nirien u l-fjammi tal-Hniena Divina Tieghi.**

**Id-dinja ser tithezzez b'tant forza, illi l-ebda bniedem m'hu ser jahrab minn Ghajnejja, l-Ispirtu Tieghi jew mir-Rigal Tieghi.**

Hafna ser jitreghdu bil-biza' ghax ikun f'dak il-mument **li huma ghall-ewwel darba, jintebhu li ghandhom ruh.**

Huma jsiru jafu li l-imhabba li ghandhom ghal gisimhom u dak kollu li huma jfittxu biex imantnu s-sensi taghhom, huwa bla sens.

Huma ser jaraw kull parti ta' ruhhom izda dan ma jkunx kif jarawha huma, izda kif naraha Jien. Huma ser iharsu lejn ruhhom permezz t'Ghajnejja.

**Ser ihossuhom ma jifilhux u mdardrin hekk kif inhossni Jiena meta nara l-kruha ta' dak il-hazin kollu li jaghmlu**.

Ser jaraw kemm kienet imhassra l-imgieba taghhom lejn l-ohrajn u l-hazen li ghamlu fuq l-umani bhalhom, huthom.

Huma ser jaraw l-imhabba lejhom infushom, il-vanita' u l-imhabba ghal idoli foloz u jkunu jafu dan kemm joffendini.

Ghal dawk li dnubiethom huma tant  suwed, huma jhossuhom ma jifilhux , migughin u ma jkunux jifilhu jieqfu quddiem l-orrur li jkollhom jaraw.  Huma jkunu jehtiegu s-sahha kollha biex jissaportu l-purifikazzjoni li ghandhom bzonn biex jghixu u jimxu fuq it-triq tal-Verita'.

**Huwa mportanti li tifhmu li t-Twissija hija dan biss.  Jiena nigi biex inwissi li dnubiethom jistghu u sejrin jigu mahfura.**

Jiena gej biex nurihom kif ser ikun Jum il-Haqq.  Dan ifisser li dawk li jitolbuni ghas-salvazzjoni f'dan l-istat, dawn jigu salvati.

Dawk li ser jirrifjutawni ser jigu moghtija zmien, izda mhux hafna, biex jindmu.  Jekk jibqghu xorta ma jaccettawx l-Id Tieghi ta' Hniena, hemm Jien ikolli nwarrab.

Imbaghad Jiena nifred il-gusti fuq naha u l-ingusti fuq in-naha l-ohra.  Cans wiehed iehor biss biex titolbu l-mahfra u dawk li ma jaccettawx l-Id Tieghi ta' Mhabba u Hniena jinxtehtu fl-Infern.

Din il-profezija ilha mhabbara mill-bidu.

Aghtu kas tat-Twissija u salvaw ruhkom sakemm ghadkom tistghu.

Gesu' Taghkom.

**Id-dinja dalwaqt se tigi mghotija l-aktar gidba qarrieqa li se tkun impossibbli għall-umanità li tintebah biha bhalissa**.

Il-Ġimgħa 20 ta' Lulju, 2012 @ 5:46pm

Ghaziza mahbuba binti, it-tlett snin u nofs li fadal fil-perjodu tat-Tribulazzjoni jibdew f'Diċembru 2012.

**Dan huwa l-perjodu meta l-antikrist se johrog bħala eroj militari**.

Ruħu ġiet mogħtija lil Satana; li jippossjedi kull parti minnu.

**Is-setgħat li se jkollu jfissru, li biz-zmien hu, mhux se jkun qed jitqies bħala l-bniedem ta' paċi biss imma n-nies se tahsbu li huwa Jien, Ġesù Kristu, s-Salvatur tal-umanità.**

Huma wkoll, biz-zmien, se jemmnu li l-antikrist ikun gie mibghut biex ihabbar It-Tieni Migja.

Hafna erwieh msejkna, għalhekk, ser jaccettaw minn rajhom il-marka tiegħu, il-Marka tal-Bestja. Għax huwa l-bestja kollu kemm hu, minħabba l-mod li bih Satana se jimmanifesta lilu nnifsu f'ġismu.

Huwa se jwettaq mirakli fis-sema.

Huwa se jfejjaq nies.

**Huwa se jkun il-kap tar-Reliġjon Dinjija l-Ġdida u hu, flimkien mal-Profeta l-Falz li se jkun ir-ras tal-qoxra tal-Knisja Kattolika fid-dinja, se jkunu qed jahdmu flimkien biex iqarrqu lill-Ulied kollha t'Alla.**

Id-dinja dalwaqt se tigi mghotija l-aktar gidba qarrieqa li se tkun impossibbli għall-umanità li tintebah biha bhalissa.

Dawk minnkom li qed tingħataw il-Ktieb tal-Verità, dawn il-messaggi Qaddisa Tiegħi biex iwissu lill-umanità b'dawn il-hwejjeg, kunu ghafu dan.

Tant se jkun sofistikat il-pjan tagħhom, li ħafna se jigu mqarrqa mill-imhabba umana fuq il-qoxra ta’ barra, li huma ser igibu quddiem id-dinja, tal-pjan qarrieqi taghhom.

L-Antikrist u l-Profeta Falz, bejniethom, diġà qed ilestu jippjanaw ir-renju qarrieqi tagħhom u l-ewwel ħaġa li se jgibu se tkun **il-firxa tal-gwerra fil-Lvant Nofsani**.

L-Antikrist se jkun il-bniedem prinċipali li jimmanuvra minn wara l-kwinti. **Imbaghad hu se joħroġ u jidher li qed jinnegozja pjan ta' paċi.**

**Se jkun hemm meta d-dinja se taqa' taħt is-sahta tieghu.**

Sadanittant il-Profeta Falz se jahtaf il-poter fi ħdan il-Knisja Kattolika.

Dalwaqt din se tigi migbuda ghal go r-Reliġjon Dinjija l-Gdida, li huwa front ta' qima satanika. Il-qima tieghek innifsek se tkun l-għan fundamentali ta' din l-istmerrija u d-dhul ta' liġijiet, li jikkonsistu f'żewġ affarijiet.

It-tneħħija tas-sagramenti u t-tnehhija tad-dnub.

Is-Sagramenti se jkunu verament disponibbli biss minn dawk is-sacerdoti u l-Kleru Kristjani ohrajn li jibqgħu lejali Lejja. Huma se joffru dawn is-Sagramenti fi knejjes ta' rifuġju speċjali.

**It-tnehhija tad-dnub se tiġi mdahhla permezz tal-introduzzjoni ta' liġijiet li se jidhru li jaccettaw it-tolleranza**.

Dawn jinkludu l-abort, l-ewtanasja u żwiġijiet bejn ta' l-istess sess. Il-knejjes se jigu sfurzati li jippermettu zwigijiet ta' l-istess sess u s-saċerdoti se jkunu mgghela li jbirkuhom f'Għajnejja.

Matul dawk iż-żminijiet huma ser ikomplu joffru l-verżjoni tagħhom tal-Quddiesa. L-offerta tagħhom tal-Ewkaristija, fejn huma se joffendu l-Ostja, din se ssir fil-knejjes Kattoliċi.

Il-Preżenza Tiegħi mhux talli se tkun nieqsa f'dawn il-Quddies iżda se tkun nieqsa fil-knejjes fejn ma jurunix rispett.

Dawn il-hwejjeg kollha se jkunu ta' biza' kbira ghas-segwaci Tieghi. Mhux ser tkunu tistghu tibqghu taghmlu uzu mis-Sagramenti ħlief minghand is-Sacerdoti fil-Knisja tal-Fdal Tieghi fuq l-art.

Ghalhekk qed Naghtikom ir-Rigali issa, bħall-Indulgenza Plenarja, għall-mahfra tad-dnubiet taghkom. Din mhiex maħsuba biex tiehu post l-Att ta' Qrar għal Kattoliċi.

Dan se jkun mod li bih tistghu tibqghu fi stat ta' grazzja.

Għalkemm biljuni ta' nies se jikkonvertu waqt it-Twissija, dawn il-profeziji xorta se jsehhu. Iżda ħafna minnhom jistgħu jiġu mnaqqsa permezz tat-talb biex jitnaqqsut-tbatija u l-persekuzzjoni.

**Intom, segwaċi Tiegħi, ftakru, li intom protetti f'kull hin mis-Siġill t' Alla l-Haj**.

Ghandkom ixxerdu s-Siġill u tqassmuh lill-aktar hafna nies possibbli.

Nitlobkom tifhmu li Jien ngħidilkom dawn l-affarijiet biex inhejjikom u tkunu tistghu tevitaw lill-izjed erwieħ possibbli milli jaċċettaw il-Marka tal-Bestja.

**Satana se juża il-qawwa tal-possessjoni f'dawn l-erwieħ li se jieħdu l-Marka u se jkun diffiċli ħafna biex insalvhom.**

Intom segwaċi Tiegħi ser tingħataw istruzzjonijiet kull pass tat-triq, matul din il-missjoni. M'għandkomx thallu l-biża tidhol fi qlubkom ghax Jien ser nimlikom bil-kuraġġ, bil-qawwa, bl-istamina u l-kunfidenza biex tqumu b'raskom fl-għoli waqt li timmarcjaw fl-Armata Tiegħi.

Ftakru li Satana ma jistax jirbaħ din il-battalja ghax dan qatt ma jista' jkun.

Dawk biss li ghandhom is-Siġill t'Alla l-Haj u dawk li jibqgħu lejali u sodi lejn Alla jistghu jirbhu.

Ġesù Taghkom.

## Alla l-Missier:  Dalwaqt ser jidher dawl gdid, xemx gdida.

Il-Hamis, 27 ta' Dicembru, 2012 @ 06.20pm

Binti l-izjed ghaziza, dan huwa messagg ta' tama kbira ghal uliedi kollha.

**Iz-zmien ghall-bidliet li kienu mhabbra, meta d-dinja tinqaleb; il-pjaneti jinbidlu u t-temp ma jkunx izjed prevedibbli, qieghed fuqkom.**

Bhalissa, il-Qawwa Kbira Tieghi qed tkun murija fis-Sema, hekk kif inhi fl-art, Jiena u mmexxi l-battalja kontra l-ghedewwa Tieghi.  Satana u x-xjaten tieghu, qed jigu meghluba, imma huma qed jaghmlu rezistenza kbira.  Maghhom qed jahtfu lill-imsejkna wliedi, li ghandhom qlubhom mimlijin b'ambizzjonijiet politici u tad-dinja, u jgeghluhom jiehdu parti, hekk kif huma jippruvaw isallbu lil uliedi.
Il-bniedem huwa dghajjef. Il-bniedem huwa facli li twaqqghu.  Minhabba l-ghama tieghu ghall-Verita', li tajtu Jien, mill-bidu tal-Holqien, il-bniedem jemmen fil-gideb.  Huwa jemmen fil-gideb li bezaq, il-wiehed tal-hazen, ghax huwa jigi mhajjar mill-weghdiet ta' qawwa u pjacir.

Uliedi ghandhom jgharfu dan id-Dawl glorjuz u sabih tas-Saltna Tieghi.  Inti binti, rajtu dan id-Dawl, u taf kemm Hu qawwi.  Inti taf il-Qawwa t'Alla, u kif din iddur mieghek.  Tista' timmagina kif din se tkun, meta l-Genna fl-art il-Gdida, tigi murija?  Inti ghadek rajt biss, bicca zghira hafna minn dan id-Dawl glorjuz u jlellex.

Huwa mportanti li tilqghu d-Dawl ta' Ibni fil-qlub taghkom.  Meta ssejhulu biex isalvakom, u jehodkom fil-Qalb Qaddisa Tieghu, intom thossu dan id-dawl.

**Id-dawl tas-Sebh il-Gdid – L-Era l-Gdida – bil-mod il-mod, izda fi zgur, ser idawwal id-dinja.  Dalwaqt, Dawl gdid, xemx gdida ser tidher.  Din ser tkun akbar, u tkun il-kawza ta' hafna staghgib**

Dan huwa sinjal tal-Qawwa Tieghi u l-Majesta' Tieghi.  Dan ser ikun Miraklu, u ser jaghti prova, li l-bniedem ma jifhimx ghal kollox is-sigriet tal-Holqien.

**Jiena biss, Alla l-Hallieq ta' l-Univers, nikkmanda dak kollu li hu.  Dak kollu li ser ikun.  Dak kollu li jista' jkun.  L-ebda bniedem, l-ebda xjenzjat ma jista' jsolvi dawn is-Sigrieti l-izjed Qadddisa, ghax mhux ghall-bniedem li jifhem ghal issa.**

L-ghegubijiet tal-Holqien Tieghi, u s-Sahha tal-Qawwa Tieghi, ser jintwerew lid-dinja.  Halli l-ebda bniedem ma jaghmel l-izball, li jahseb li Satana u s-segwaci hziena tieghu, ghandhom xi qawwa li jgibulkom l-ghegubijiet li Jiena Hloqt ghal kull kreatura.  Jiena ghamilt weghda li nuri l-Verita', halli intom uliedi, tkunu tistghu tnehhu l-ghanqbut li qed jghattulkom ghajnejkom.

Meta jasal il-Jum li fih il-Verita' tigi accettatha minnkom, Jiena naghtikom l-isbah rikkezzi, grazzji u hajja li intom lanqas biss tistghu timmaginaw, ghax din hija lil hinn mill-immaginazzjoni taghkom.

Jiena kuntent li qed naghtikom dan il-messagg ta' tama llum. Nispera li jgibilkom hafna ferh u paci.

Il-Weghda Tieghi li nwassalkom ghal wirt taghkom final, ser issir realta' dalwaqt.

Missierkom li jhobbkom.

Alla l-Aktar Gholi.

## Nitloblkom tiehdu dan ir-Rigal ta' fejqan li qed noffrilkom f'dan il-mument

It-Tlieta, 15 ta' Jannar 2013 @ 22.50 hours

Ghaziza mahbuba binti, waqt li din il-Missjoni qed tissokta tikber u tinfirex madwar id-dinja, din ser iggib maghha mirakli godda, li fl-Imhabba u l-Hniena Tieghi, ser jinghataw li dawk li qeghdin ibatu hafna. Meta Jiena gejt l-ewwel darba, l-Hniena Tieghi kienet tmur lejn dawk li kellhom bzonn l-ghajnuna Tieghi.

Ser ikun hemm dawk li jintlew b'nuqqas ta' fidi u li jkunu qed ibatu ugigh kbir fiziku. Dawk li jduru Lejja, Jiena nhaffef l-ugigh taghhom. Naghmel dan biex inheggeg il-fidi f'ruhhom, imma dan jista' jsir biss bil-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu li lilhom ser ifejjaqhom. Gibuli t-tbatijiet taghkom. Gibuli l-inkwiet taghkom. Gibuli l-ugigh taghkom. Ejjew Ghandi permezz tat-talb u Jiena nismaghkom. Nixtieq nehodkom kollha f'dirghajja u nipprotegikom.

Nitlobkom tiehdu dan ir-Rigal gdid ta' fejqan li qed nipprezentalkom issa. Huwa fil-forma ta' Talba tal-Krucjata u dan ifejjaqkom fil-mohh, fil-gisem u fir-ruh. B' din it-talba, Jiena qed naghti r-Rigal prezzjuz tal-fejqan. Meta tghiduha, intom tkunu tafu li din it-talba taghkom ghall-ghajnuna, ser iggib fuqkom u fuq dawk li intom tinkludu f'din it-talba, rigali kbar mis-Sema. Ghalhekk, ma din it-talba, tigi wkoll protezzjoni ghal tigdid ta' dawk li ntilfu, li m'humiex certi mill-fidi taghhom, u li jhossu sens ta' ghejja. Jistghu jkunu qed isofru mid-dubji. Jistghu jkunu qed isofru minn mard fiziku, dan kollu li mhux qed ihallihom li jaghtu c-cans Lili biex ingibilhom il-paci, l-imhabba u l-farag.

Sabiex tircievu din il-barka ghall-fejqan, nitlobkom tghidu din it-Talba tal-Krucjata.

**Talba tal-Krucjata (94) Ghall-Fejqan tal-mohh, tal-gisem u tar-ruh.**

"O Gesu' Ghaziz, ninxtehet quddiemek, ghajjien, marid, migugh u mxennaq biex nisma' Lehnek.

Halli l-Prezenza Tieghek tmissni, halli nintela' bid-Dawl Divin Tieghek fil-mohh, il-gisem u fir-ruh. Jiena nafda fil-Hniena Tieghek. Nhalli l-ugigh u s-sofferenza kollha tieghi Quddiemek u nitolbok taghtini l-Grazzja li nafda Fik, halli tfejjaqni minn dan l-ugigh u d-dlam, halli nerga' nsir shih u nkun nista' nimxu fit-triq tal-Verita' u nhalli Lilek tmexxini ghall-hajja fis-Sema l-Gdida. Ammen."

Ghandkom taghtu kas tal-fidi taghkom l-ewwel u qabel kollox. Imbaghad, bil-Grazzja tal-Hniena Tieghi, Jiena nwiegeb ghat-talbiet taghkom ta' fejqan, skom ir-Rieda Qaddisa Tieghi.

Gesu' l-Mahbub Taghkom.

## [Il-mażunerija daħlet fil-Knisja Tiegħi, fuq l-Art, u dalwaqt, il-qasma li kienet imħabbra, ser toħloq firda u nkwiet qalb il-qaddejja fidili Tiegħi.]

L-Erbgħa, 13 ta' Frar, 2013 @ 11.20

**Għażiża maħbuba binti, hemm rabja kbira fis-Sema bħalissa, meta l-Kuruna tax-Xewk niżlet biex tweġġa' l-Ġisem Tiegħi, l-Knisja Kattolika, fuq l-Art.**

**Din il-profezija li ġiet mogħtija lilek, f'ħafna dettall, f'dawn l-aħħar sentejn, issa seħħet.** Issa, meta **r-Rivelazzjonijiet l-oħra jseħħu,** ftit ser ikunu dawk il-qaddejja mqaddsa li ser ikollhom il-ħila li jinjoraw il-Karbiet Tiegħi lir-razza umana, f'din is-siegħa ħażina fi żmienkom.

Huma, l-grupp il-ħażin, bdew il-kampanja tagħhom, biex jeħilsu lid-dinja mill-Verita' tat-Tagħlim Tiegħi. **Il-Vigarju Qaddis Tiegħi ġie mġiegħel jagħmel din il-mossa** u ser isofri ħafna minħabba dan. Il-mażunerija daħlet fil-Knisja Tiegħi, fuq l-Art, u dalwaqt, il-qasma li kienet imħabbra, ser toħloq firda u nkwiet qalb il-qaddejja fidili Tiegħi.

Ħafna m'għandhomx ħjiel tal-qerq li qed jiġi ppreżentat lilhom. U lanqas ma jafu li **l-pedament tal-Knisja Tiegħi, l-Knisja Kattolika, ndaħan u sar trab.** Minfloku sejra tqum l-abominazzjoni u Jiena ser nintervjeni u nibgħat sinjali biex inwissi lil kull ruħ, bl-importanza tat-talb, ħalli jkunu jistgħu jagħżlu l-verita' mill-finzjoni.

**Mhix sejra tkun il-waqgħa tal-Knisja Kattolika, li sejra tidher dalwaqt, li sejra taqsam lid-dinja. Ser ikun is-sehem tagħhom fil-ħolqien ta' Knisja Waħda Ġdida, reliġjon waħda dinjija, li ser idaħħal il-paganiżmu u l-idolatrija.**

**Il-profeta l-falz ħejja kollox sew u wasal il-ħin tiegħu. Bi ftehim mal-antikrist, huma ser iniżżlu lid-dinja għarkoptejha.** Huma mhux ser jagħtu qima lil Alla, imma lill-bestja.

Jiena nħeġġeġ lid-dixxipli Tiegħi, l-Kristjani segwaċi Tiegħi, ma' kullimkien biex jibqgħu kalmi. Jitolbu għall-paċi u jħallu Lili Ġesu' tagħkom, immexxikom f'dan iż-żmien.

**Qed insejjaħ lilkom kardinali Tiegħi, isqfijiet Tiegħi u qaddejja mqaddsa Tiegħi, biex tgħaqqdu l-merħla tagħkom u tibqgħu leali lejn it-Tagħlim Tiegħi.** Agħtu każ sew ta' dak li jgħidulkom biex tippriedkaw għax dan ser jinbidel. L-omeliji tagħkom ser ikunu maħsuba u miktuba għal dinja sekulari u mhux ser ikun fihom ebda sustanza.

**Sabiex jidhru li qed jimmoderniżżaw il-Knisja Kattolika, dan hu li ser jiġi ppreżentat lilkom – li tħeġġu lejn ġemgħa li tkun tinkludi lil kulħadd – ir-reliġjonijiet kollha magħġunin f'waħda, dik li tissejjaħ Knisja Kristjana Magħquda.** Minbarra, s-sinjali, forsi jkunu jidhru li huma l-istess, għall-ewwel, imma dak huwa li jridukom taraw. Bil-mod, **intom lanqas tibdew tagħrfu l-Iskrittura Mqaddsa,** għax kliem ġodda, frażijiet u forom ġodda ta' kif jiġu ppreżentati s-Sagramenti, jitpoġġew quddiemkom.

Ser ikun hemm pandemonju qalb dawk is-saċerdoti leali konservattivi li ser jitwerwru quddiem din l-għamla ġdida li l-Knisja sejra tħaddan, meta din sejra tvara tip ta' Knisja moderna alternattiva.

**Ser ikun permezz tax-xibka tal-mażunerija, li daħlet f'kull rokna tal-Knisja Kattolika, fil-gvernijiet u fil-medja, illi din l-abominazzjoni sejra tiġi pprezentata bħala ħaġa ġdida u kbira.**

**Dan huwa l-bidu tat-tmiem.** Il-Preżenza Tiegħi tiġi bil-mod il-mod imneħħija miċ-ċermonji l-ġodda tal-Quddies.

**Dik il-pompa u ċ-ċeremonji kollha, sejrin jaħbu tabernaklu vojt,** għax il-Preżenza Tiegħi mhux ser jippermettiHa iżjed Missieri.

**Intom għandkom tibqgħu magħqudin u jekk intom Kattolici, tibqgħu tattendu għall-Quddies ta' kuljum u t-Tqarbin Qaddis.** Għax intom il-Kristjani kollha, għandkom tkunu tafu li intom ukoll, ser tiġu mħajra għal ġo din ir-Reliġjon Waħda Dinjija, li qed titħejja min-nazzjonijiet li huma biċċa waħda mat-tradituri tal-Knisja Kattolika. Huma jridu joħolqu sura sekulari u umanista – sura li tgħatti l-ħażen li ser tkun qed tmexxi, minn taht.

**Il-battalja bdiet, imma intom, segwaċi għeżież Tiegħi, intom b'saħħitkom iżjed milli taħsbu.** Jiena dejjem hawn. Jiena ħejjejtkom tajjeb. Biex ma tmutux, għandkom tgħidu din it-Talba tal-Kruċjata.

**Talba tal-Kruċjata (100)  Biex jibqa' jgħix il-Kristjaneżmu.**

*O Ġesu' għażiż, nitolbuk biex tagħtina l-ħila li ngħaddu mill-provi li ser inħabbtu wiċċna magħhom, hekk kif l-aħħar Papa Veru, jispiċċa l-Missjoni tiegħu Għalik.*

*Għinna biex ngħaddu minn dan l-abbuż kbir li issa ser inħabbtu wiċċna miegħu mal-waqgħa tal-Knisja, li darba konna nafu.*

*Tħalliniex nitbegħdu mill-Verita' tal-Kelma Divina Tiegħek.*

*Għinna biex nibqgħu siekta meta jitpoġġew fuq spallejna attakki li jħajruna biex nagħtu daharna Lilek u lis-Sagramenti li Inti tajt lid-dinja.*

*Għatti l-Armata Tiegħek bl-imħabba qawwija li neħtiegu, bħal tarka, biex tipproteġina kontra l-profeta l-falz u l-antikrist.*

*Għin il-Knisja Tiegħek fuq l-Art biex tinfirex u titkattar, sabiex iżżomm mal-Verita' u tgħin Lilek tmexxi lil ħutna fuq il-mogħdija tal-Verita' biex inħejju lilna nfusna kif jixraq għat-Tieni Miġja Tiegħek.  Ammen.*

Tinkwetawx segwaċi Tiegħi.  Kollox jinsab fl-Idejn Qaddisa Tiegħi.  Zommu l-paċenzja.  Toqogħdux tiġġustifikaw l-għemil tagħkom f'Ismi, għax meta intom tagħmlu dan, intom tkunu qed tiddefendu Kelmti, meta kulma għandkom tagħmlu huwa li xxandru l-Kelma Tiegħi.

Ġesu' Tagħkom.

## Din l-Illuminazzjoni Kbira tal-Kuxjenza se ssir wara li l-Vigarju Qaddis tiegħi jkun halla Ruma

L-erbgħa 20 ta` Frar, 2013 @ 07:30pm

Għażiża binti, filwaqt li jista' jidher inġust li wlied Alla ghandhom isofru taħt il-renju tal-profeta falz u l-antikrist, kun ghaf dan. L- erwieħ kollha fid-dinja jkollhom isofru l-uġigħ tac-ċaħda u t-tbatija, li jien ġarrabt, sa certu punt, sabiex jiġu ppurifikati.

Jiena, permezz tal-Ħniena Kbira Tiegħi, se niżgura li din il-purifikazzjoni isseħħ malajr. Imbagħad, s-segwaċi tiegħi se jikbru fin-numru, biex ikunu lesti għat-Tieni Migja Tiegħi. Missieri se jkun għassa fi zmien il-provi kollha , li se jinħassu minn uliedu kollha, bi hlewwa kbira ta` qalb. Huwa se jintervjeni meta l-atti ħziena ta' persekuzzjoni, imposti fuq l-Insara, jaqbżu dak li huwa permess u Hu stess jeqred dawn il-bnedmin hziena.

Inti ghandek tistenna issa l-Att Divin tal-Ħniena Tieghi, għax dan se jnaqqi t-tajjeb mill-hazin. Din l-Illuminazzjoni kbira tal-Kuxjenza ser issir wara li l-Vigarju Qaddis tiegħi jkun ħalla Ruma.

Ippreparaw biex issalvaw ruhkom. Dawk l-erwieħ stinati fostkom, ser jingħataw żmien qasir ħafna biex jinzlu gharkuptejhom, bl-umiltà, u jitolbu għall-Ħniena Tiegħi. U wara jindaqqu t-trumbetti, u l-profeziji, li jwasslu sat-tmiem ser jiġu mikxufa, kif imhabbra.

Ġesù Taghkom.

# Iva, Il-kelma  tiegħi hija għal kulħadd, imma hemm responsabbiltà enormi involuta fil-promozzjoni tal-Messaġġi Tiegħi

Is-Sibt it-23 Frar, 2013 @ 11:50am

Ghaziza Binti, qed nagħti lid-dinja l-Ktieb tal-Verità għal kull ruħ, f'kull nazzjon. Huwa Don għall-umanità, iżda kun ghaf dan.

Binti, nagħtik, l-awtorità unika li tiddeċiedi kif għandu jiġi tradott, distribwit u ppubblikat  biex tipproteġi dan ix-Xogħol. Dak kollu  dwar il-pubblikazzjoni ta' dawn il-Messaġġi jista' jsir biss taħt l-approvazzjoni personali tiegħek. Din hija  x-xewqa tiegħi u kull persuna  li ma tobdix  l-istruzzjonijiet tiegħi lilek, u tippubblika l-Messaġġi Tiegħi għal profitt ma jkollhiex il-Barka tiegħi.

Iva, l-kelma Tiegħi hija għal kulħadd, imma hemm responsabbiltà enormi involuta fil-promozzjoni tal-Messaġġi Tiegħi u kif il-Ktieb tal-Verità huwa ppubblikat. Donazzjonijiet mhumiex meħtieġa, peress li l-qligħ mill-kotba għandu jintuża biex jiffinanzja l-produzzjoni ta`kotba oħra u l-ispejjeż tal-pubblikazzjoni f'kull ilsien.

Inti, Binti, se tiġi kontinwament  attakkata talli qed tobdini f'din il-kwistjoni. Inti ser tkun akkużata li ippruvajt tapprofitta minn dan  x-Xogħol, u inti taf li dan  mhux veru u mhux possibbli.

Dawk li l-aktar se jattakkawk, f'din il-kwistjoni, ser ikunu dawk li jridu  jiksbu profitt  b'xi mod mill-Kelma Tiegħi u dawn se jirrabjaw meta inti mhux ser tippermettilhom  jikkontrollaw dan ix-Xogħol.

Jiena, għalhekk, niddikjara li hadd  ma ingħata l-awtorità  biex ixerred il-Kelma Qaddisa Tieghi  f'forma ta' ktieb - hliefek, Binti. Inti tista', madankollu, tagħti permess, taħt  il-Gwida Tiegħi, lil  dawk li jitolbu biex jgħinuk permezz ta' websajtz u dokumenti stampati. Iżda huma jistgħu jagħmlu dan biss meta jfittxu u jirċievu l-permess minnek biex jagħmlu dan.

Il-Kelma Tiegħi hija Sagra u kull rispett għandu  jintwera għax-xewqat Tiegħi u l-istruzzjonijiet għall-umanità. Intom, s-segwaċi Tiegħi, ghandkom taghmlu kif il-profeta Maria titlob minnkom u tirrispettaw ix-xewqat tagħha fir-rigward tal-pubblikazzjoni tal-Messaġġi Tiegħi. Attakkaw lilha, minħabba dan ix-Xogħol, u tkunu  qed toffendu  Lili, Ġesù taghkom.

Intom , s-segwaċi tiegħi, meħtieġa li tagħmlu r-Rieda Qaddisa  Tiegħi il-hin kollu , tkun xi tkun  s-sitwazzjoni. Jiena  mmexxi lil binti Maria. Hija ġiet magħżula bħala l-profeta ta` L-ahhar Zminijiet. Nitkellem permezz tagħha. Il-Vuċi tagħha ssir Tieghi. In-niket tagħha u l-uġigħ huma Tieghi. L-imħabba taghha  għall-oħrajn hija l-imhabba Tieghi. Il-Ferħ tagħha ġej mill-Qalb Imqaddsa  Tiegħi. Idha  qed tiġi mmexxijja minn Idi. Il-Fehma  tagħha dwar kif nixtieq il-Kelma Tiegħi  tigi mismugha ġejja  Minni.

Binti ngħatat dawn id-Doni mis-Sema  għal raġuni. Isimghu minn dak li hi tgħidilkom, ghax tistghu tkunu ċerti li dan  ikun ġej Minni. Ġesù Taghkom.

## L-akbar żball li inti tista` tagħmel huwa li  tassumi li l-midinbin iebsa biss jintefghu fin-nirien tal-infern.

IL-ĦADD 24 ta` Frar, 2013  22:00pm

Ghaziza binti l-mahbuba, meta d-dinja tesperjenza  It-Twissija, din ser tinqasam f'żewġ partijiet.
L-ewwel parti tinkludi lil dawk li jkunu aċċettaw il-Qrara, u li ruhhom tkun giet mimlija bl-Ispirtu s-Santu. Minn dak in-nhar, il-konverżjoni tagħhom se tkun kompluta, u minħabba dan, huma se jbatu minn idejn dawk li caħdu l-id tal-Ħniena Tiegħi.

It-tieni parti se tkun magħmula minn dawk l-erwieħ iebsa  li l-lealtà taghhom hija lejn il-bhima u li wegħdu qlubhom u rwiehhom  lil Satana, bil-kunsens kollu taghhom u b`għarfien sħiħ dwar dak li qed jagħmlu.  Dawn jemmnu  fl-hekk imsejħa ġenna  li hu wegħedhom, li naturalment ma teżistix. Id-Destin tagħhom huwa t-tbatija eterna fin-nirien ta' l-infern.

Hemm ukoll dawk l-erwieħ li ma jemmnux f'Alla jew Fija, S-Salvatur  tagħhom, Ġesù Kristu. Il-Ħniena Tiegħi mhux se tiġi aċċettata minn ħafna minnhom. Huma mhux se jiehdu hsieb l-istat ta` ruhhom  għaliex jemmnu li ma hemmx ghalfejn. Dawn huma l-ateisti li ħafna minnhom huma nies tajba fil-qalb, imma li jemmnu li huma jikkontrollaw ħajjithom  stess u li l-girja  tagħhom  lejn il-pjaciri tad-dinja sejra ssostnihom f'din il-ħajja; li dan se jkun biżżejjed biex igibilhom  il-paċi u sodisfazzjon, li naturalment, ma jistax ikun, għax dan ma jistax ikun, sakemm  id-dnub jigi meqrud.

Ir-ras iebsa taghhom, tfisser li, sakemm dawn jinbidlu u jaċċettaw Lili, Ġesù Kristu, dawn ma jistgħux imorru għand  Missieri. Huma ma jistgħux jingħataw l-aċċess għall-Genna li  Huwa ħoloq għal  uliedu Kollha.

L-akbar żball li wiehed jista' jagħmel, huwa li jassumi li huma biss  dawk il-midinbin iebsa  li huma mitfugħin  fin-nirien ta' l-infern. Sfortunatament dawk li jiċħdu lil`Alla, ma jistghux  ikunu qrib Alla, u lanqas ma jistgħu jiġu mġegħla jaċċettawH. Ir-rieda ħielsa tagħhom hija Don  kbir mogħti lilhom minn Alla. Ma jistax jittehdilhom lura bl-ebda forza. Ikun bir-rieda ħielsa tagħhom stess, li se jaghzlu id-destin tagħhom. Huma  jistghu jagħżlu l-id Tiegħi u jidħlu l-Genna , jew jaċċettaw il-gideb  mħawla fl-imħuħ tagħhom minn Satana, li se jissigilla d-destin tagħhom.

Ġesù  Taghkom.

# Huwa se jkun alleat qrib ħafna tal-profeta falz, u taħt l-ebda illużjoni dwar min hu - l-iben ta' Satana

It-Tnejn 25 Ta` Frar, 2013 @ 23:00pm

Ghaziza binti l-mahbuba, iz-zminijiet li gejjin sejrin icaqalqu lid-dinja mir-raqda taghha, irrispettivament mir-reliġjon, jekk hemm, li jhaddnu n-nies, għax il-vuċi tal-qarn iz-zghir ser jigbed l-attenzjoni minn madwar id-dinja kollha. Bilqiegħda fuq is-siggu ta` Pietru , dan l-impostur se jgħajjat b'leħen għoli u kburi, jaghti s-soluzzjoni tiegħu biex jgħaqqad il- knejjes kollha bħala waħda. Imfaħħar bħala innovatur modern, huwa se jkun imfaħħar minn dinja sekulari għax se jaccetta d-dnub.

Huwa se jġib liġijiet ġodda, li mhux biss imorru kontra t-Taghlim tal-Knisja Kattolika, iżda li se jmorru kontra l-liġijiet kollha Kristjani. Il-qassisin li jehduha kontra dawn il-messaġġi ser ikollhom jerġghu jikkunsidrawhom meta l-verità kerha tohrog fid-deher. Il-Verità tal-Kelma tiegħi, mogħtija lilek, Binti, fl-ahhar sejra tfigg fuqhom bil-mod. Kif ser jibku bin-niket, meta jindunaw li huwa jien, Ġesù Kristu, li bil-Barka ta' Missieri – qed nurikom l-profeziji ta' l-ahhar żminijiet bid-dettalji kollha.

Imbagħad huma ghad jigru wara kull Kelma li tohrog mix-Xufftejn Qaddisa Tiegħi hekk kif nikxef aktar hwejjeg li ser isehhu, sabiex inħejji l-umanità. Huwa mehtieg li l-bniedem jisma u jirrispondi għas-Sejħa Tiegħi, sabiex inkun nista` nsalva lil kull wiehed minn taht idejn il-bhima.

Il-profeta falz, filwaqt li jkun mitluf fl-ambizzjonijiet kbar tiegħu sabiex jimpressjona l-Kattoliċi fid-dinja, se jiġi mwarrab fil-genb għal ftit, ghax issa l-antikrist jidħol fix-xena dinjija, kif imbassar. Meta tisimghu r-rapporti tal-medja, dwar negozjatur tal-paci ġdid, promettenti u ta' hila, intom tkunu tafu min hu. Huwa se jkun alleat qrib ħafna tal-profeta falz, u taħt l-ebda illużjoni dwar min hu – l-iben ta' Satana.

Ftakar li din il-haga, tkun kemm tkun tal-biża, Jiena, Ġesù Kristu, Hu r-Re. L-Ebda bniedem, l-ebda ghadu, m' għandu setgħa akbar minn Alla. Iżda l-battalja għall-erwieħ għandha tiġi miġġielda, kif imbassra. Billi xxerred l-Kelma tiegħi, il-messaġġi tiegħi u t-talb tiegħi, inti se tgħinni biex insalva l-erwieħ li għandi bżonn, sabiex il-Genna l-Gdida Tieghi tintela bl-ulied kollha ta` Alla.

Dejjem afdaw Fija , Ġesù tagħkom, ghax jien ser immexxikom u nipprotegikom matul din l-istmerrija fuq l-art. Nweghdkom li dan iz-zmien ikun qasir.

Ġesù Taghkom.

# Wieħed mill-mexxejja politici l-oħra, fuq min tkellimt xi żmien ilu, dalwaqt se  jinqatel

Frar 26, 2013 @ 22:00pm

Ghaziza Binti l-mahbuba, wieħed mill-mexxejja politici l-oħra, li tkellimt fuqu xi żmien ilu, dalwaqt se  jinqatel.

Wara nixtieqek  tiżvela lil kullhadd, min hi  din il-persuna, permezz tal-prova mogħtija lilek u l-oħrajn, sabiex hafna jaccettaw l-Verità tal-Messaġġi. Din ir-ruħ msejkna helsitha mil-mewt, xi żmien ilu, imma l-popolarità mill-ġdid tiegħu, ser iggibu  fil-periklu. Huwa ghadu tal-forzi tal-Mazunerija  u dawn mhux ser joqghodu ghat-tmexxija tiegħu għal żmien twil.

Meta intom, is-segwaċi Tiegħi, taraw isehhu l-profeziji, mogħtija lir-ruħ il-magħżula, intom tkunu tafu li qed jghidu l-Verità u li dawn ingħataw mis-Sema, għax mhumiex kapaċi jagħmluhom huma.

Hija x-xewqa tiegħi li naghti prova lil dawk li jitkellmu  b’ sahha kontra l-Messaġġi Tiegħi, li Huwa Jien, l-għażiż  Taghkom Ġesù Kristu, li qed ikellem  lid-dinja permezz ta' din il- profeta. Filwaqt li dan iġibli ferħ kbir meta nara  kemm intom thobbuni u ssegwu t-talb mogħtija lilkom mis-Sema, huma x-Xettici  li ghandi hafna bżonn  inħaddan.

Dalwaqt issehh qasma fl-Ewropa, li ghandha x’taqsam kollha kemm hi mal-UE u l-pajjiż li fih jinsab is-Siggu ta' Pietru. Din se tispicca fi gwerra, se tkun tip differenti ta' gwerra  minn gwerer oħra. Iżda se tkun vjolenti. In-Nies se jqumu kontra xulxin fil-Ġermanja, l-Italja u Franza. Inti ghandek  titlob  lis-segwaċi tiegħi jibqgħu b'saħħithom u jiżguraw li l-Gruppi ta` Talb Ġesù għall-Umanita jittwaqfu  malajr f`dawn il-Pajjizi.

Wasal iż-żmien Għalija, Ġesù Kristu, il-Haruf t' Alla, biex nikxef aktar informazzjoni li tinsab fis-Siġilli. Se nagħmel dan b' reqqa kbira, ghax tridu tkunu mhejjija tajjeb, kemm spiritwalment kif ukoll fiżikament. Bħala Alla tal-Ġustizzja, jiena se niżgura li mmexxikom kollha u nberikkom  bil- Qawwa Tiegħi, kif  il-grajjiet jibdew isehhu wahda, wahda.

L-Ghaziz Gesu’ Tagħkom.

# L-Ewkaristija Mqaddsa Tieghi, għandkom tibqghu tircevuHa. M'għandkomx twaqfu dan s-Sagrifiċċju taghkom ta' kuljum , ghax mhux se tkunu intom li se tigu sfurzati li tiehdu din id-deċiżjoni

L-Erbgħa 27 Frar, 2013 @ 03:30pm

Ghaziza Binti l-mahbuba, il-quddies ta' kuljum se jkompli għal xi żmien u nħeġġeġ lis-segwaċi kollha Tiegħi biex ikomplu jattendu għalihom, bħal qabel.

L-Ewkaristija Mqaddsa Tieghi għandkom tibqghu tirċevuHa. M'għandkomx twaqfu s-Sagrifiċċju taghkom ta' kuljum, ghax mhux se tkunu intom li se tigu sfurzat li tiehdu din id-deċiżjoni. Se jkun iddikjarat li ser isir tip differenti ta' sagrifiċċju lil Alla u intom tindunaw mill-ewwel, meta jsehh, għax il-prattika tal-Quddiesa Mqaddsa ser titwaqqaf mill-profeta falz. Minflok il-Quddiesa Mqaddsa ser ikun hemm ritwal pagan ghal-Dinja wahda, u intom, s-segwaċi għeżież Tiegħi, imberkin bid-Don ta' l-Ispirtu s-Santu se tgharfu dan, għal dak li se jkun.

Intom qatt ma ghandkom thallu l-Knisja li Jiena tajt lid-dinja, li hija mibnija fuq it-Taghlim Tiegħi, u s-Sagrifiċju tal-mewt Tiegħi fuq is-Salib, moghtija lilkom mad-Doni l-aktar Sagri.

Intom, s-segwaċi għeżież Tiegħi, intom l-Knisja Tiegħi. L-Gheziez Sacerdoti Tiegħi u l-kleru, mberkin bid-Don ta' l-Ispirtu s-Santu, mhux se jhalluni qatt. Lanqas, ma huma sejrin ihallu lilkom. U b`hekk , il-Knisja Tiegħi tgħix, ghax qatt ma tista tmut. Il-Knisja hija l-Gisem Tieghi fuq l-art, u għalhekk, qatt ma tista` tiġi meqruda. Madankollu se tkun imgħaffġa, imwegga' u mwarrba u mbagħad titħalla fil-deżert biex tmut. Filwaqt li se jsir kull sforz biex jinqered kull l-ahhar nitfa ta' ħajja, mill-għedewwa Tiegħi, il-Knisja Tiegħi terga` tqum. Izda ftakru, li qatt m' hi ser tmut, għalkemm tista tidher hekk.

Il-Knisja tiegħi fuq l-art sejra tickien fid-daqs u ser ssir, mingħajr ma hi ħtija taghha, l-armata tal-fdal.

Il-Veru Vigarju tiegħi, waqt li mwarrab, se jiggieled biex imexxi lil`ulied Alla mill-aħjar li jista. Se nkun jien , Ġesù Kristu, li sejjer immexxikom, nghollikom u nehliskom mill-ħażen, li se jkun imbuttat fuqkom; ħażen, li se jintemm f'daqqa u bi tmiem tal-biza, għal dawk kollha li jzommu ma' l-antikrist u l-ilsiera tiegħu.

Ġesù Taghkom

# Se jkunu biss il-qalbiena u l-kuraġġużi fostkom , li jħobbuni l-aktar, li se jwasslu l-armata tiegħi lejn is-salvazzjoni

Il-Ħamis 28 ta` Frar, 2013 @ 23:50pm

Ghaziza mahbuba Binti, dawn il-ġranet li gejjin, huma kważi fuqkom, sejrin jġibu magħhom dlam tal-biza u qtigh ta' qalb, li qatt ma rajtu bhalhom matul hajjitkhom.

Dan d-dlam se jkun ta' l-ispirtu u ser isehh minhabba l-vojt li hemm go dawk l-erwieħ li jsegwu l-antikrist u l-profeta falz. L-uġigħ ta' l-ispirtu, li huma se jgibu fuq l-Insara, li se jirrifjutaw li jisimgħu l-ereżija, se jkun diffiċli sabiex tghaddi minnu.

Nghidilkom dan biss, sabiex tkunu tafu fil-qlub taghkom, li l-uġigħ tar-rifjut li sejrin thossu billi zzommu l-Kelma Mqaddsa tiegħi, ser issofru f`ismi.

Qatt ma ghandkom tistaqsu kemm ser ikunu kbar il-hwejjeg li ser jigu mitluba minnkom, jew titilfu l-kunfidenza, għax huwa Jien, Ir-Re taghkom, li għandu l-qawwa li jara li intom tifilhu ghal dan kollu. Lanqas, ma għandkhom qatt tiddubitaw li din l- Armata tal-fdal, li intom issa se ssiru parti minnha, sabiex tibqghu leali lejja, Ġesù Kristu, kienet mhabbra minn qabel.

Tisimgħux minn dawk li se jippruvaw jgħidulkom biex ma temmnux f`dawn, il-Messaggi Mqaddsa Tiegħi għad-dinja, għax dawn qed jiġu mqarrqa. Intom ghandkom titolbu għal dawk li mhux se jkollhom il-qawwa jew l-ispirtu tad-dixxerniment u li se jagħżlu n-naha żbaljata fit-triq. Ħafna li se jimxu wara l-profeta falz, jippruvaw ikaxkrukom l-isfel fl-istess triq bhalhom.

Hu jiggieled kontra huh u ohtu, l-missier kontra l-iben, omm kontra l-bint - kollha fit-tfittxija tagħhom biex isegwu l-Verità, imma ħafna se jonqsu li jaraw l-iżbalji tat-tagħlim tal-profeta falz u Għalija jkunu mitlufa.

Se jkunu biss il-qalbiena u l-kuraġġużi fostkom, li jħobbuni l-aktar, li se jwasslu l-armata Tiegħi lejn is-salvazzjoni Huma se jiġbdu magħhom biljuni ta' erwieħ, taħt it-Tmexxija Tiegħi, għall-kenn. Ghalhekk ma ghandkom qatt taqtghu qalbkom.

Ġesù Taghkom

## Nitlob lill-qaddejja qaddisa tieghi  biex isejhu lili, Ġesù  l-mahbub  tagħhom, biex inkun  nista  nghattihom  bid-Demm prezzjużi Tiegħi.

Ghaziza mahbuba Binti,  bagħatt l-Ispirtu s-Santu Tiegħi biex f`dan iz-zmien  jghatti  l-ulied kollha ta' Alla fi sforz biex ineħħi l-dlam tal-ħażen fid-dinja.

Ghandkom titolbu hafna  għall-qaddejja qaddisa kollha  Tiegħi f' dan iz-zmien.  fl-istat tal-biza, ta' tahwid  li fih  tinsab ruħhom.  Ser ikunu tant  imnikkta, fil-ġimgħat li ġejjin minħabba t-tmiem  tal-Vigarju qaddis  tiegħi, mhux se jkunu jafu lejn fejn  se jduru.

Nitlob lill-qaddejja qaddisa tieghi biex isejhu Lili, Ġesù  l-mahbub  tagħhom, biex inkun  nista nghattihom  bid-Demm prezzjuż Tiegħi. Nagħtihom l-grazzji, li se jkollhom bżonn biex jagħrfu l-Verità tat-Tagħlim tiegħi. Imbagħad  jgharfu l-ingann, li għandu jiġi ppreżentat lilhom.

Huma qatt ma għandhom jiddubitawni. Huma għandhom iqegħdu l-fiduċja tagħhom fija. Huma qatt ma għandhom ihallu l-isem Tieghi u għandhom ikunu attenti il-hin kollu.

Għidilhom li nhobbhom  bi hlewwa kbira,  u li huma se jingħataw  Doni  speċjali mis-Sema . Dawn id-Doni  se jġibulhom, il-paċi, tama u kuraġġ, fiz-żminijiet ta' taqlib, li gejjin, fi ħdan il-Knisja Mqaddsa tiegħi fuq l-art.

Ġesù Taghkom.

## Il-Knisja tiegħi fuq l-art hija taħt attakk u dan ifisser li l-Gisem  Tiegħi se jiġi Imsallab mill-ġdid, kif  imbassar.

Il-Ħadd 3 ta` MARZU, 2013 @ 11:45am

Ghaziza binti l-mahbuba , tibzghux mill-attakki, li qed jiġu organizzati kontra tiegħek, għax jien mieghek kull seconda biex naghmlek aktar bsaħħtek. Imnikket ngħidlek li inti se ssofri hafna abbużi verbali , minhabba z-zmien li se jahbat dan il-Pjan Tieghi ta' Salvazzjoni.

Għax dan huwa z-zmien li fih, mhux biss il-Kattoliċi ferventi se jiġu ppruvati fil-fidi tagħhom u l-fedelta tagħhom lejja, se tkun ukoll l-akbar prova għall-Insara f'kull parti tad-dinja.

Lil dawk li jakkużawk b'ereżija, nghidilhom dan. Jiena, Ġesù Kristu, qatt ma jiena ser nigdeb, għax Jien il-Verità. Qatt ma nista’ nqarraq bikom, għax dan mhux possibbli. Ftakru, huwa l-Gisem Tiegħi, li hija l-Knisja.Il-Knisja Tiegħi fuq l-art hija taħt attakk u dan ifisser li l-Gisem Tiegħi se jiġi Imsallab mill-ġdid, kif imbassar. B`dan, irrid nghid li l-Gisem Tiegħi mhux se jibqa preżenti, malli l-Ewkaristija Mqaddsa tigi mwarrba mill-ministri fis-Santa Sede ta' Ruma. Dan se jsir fil-verita’ u inti trid taghtih darek.

Nitlobkom biex titolbu għall-ulied kollha ta' Alla l-qaddejja qaddisa Tiegħi, inklużi l-profeti foloz żbaljati. Madankollu, jien qatt ma se ngħidlek biex titolbu għall-antikrist, għax dan ma jistax ikun.

Qumu, kollha kemm intom, u isimgħu dak li għandi x’ngħidilkom. Intom ma ghandkomx tibzghu, taqtghu qalbkom, jew titilfu t-tama, għax din l-istmerrija se tkun l-ahhar weggha, li l-ulied kollha ta 'Alla se jkollhom ikunu xhieda taghha u jsofru qabel nigi mill-ġdid.

Dak ikun il-jum ta`Glorja Kbira, Ferh kbir u l-Migja tieghi se ġġib fi tmiemu, il-ħażen, li jhassar lid-dinja.

Minflok il-biza, kunu ferrieħa. Ghandkom tharsu l-quddiem ħerqana ghat-Tieni Migja Tiegħi, ghax se ngib mieghi s-sema l-Ġdida li weghdtkom.

Meta ggorr is-salib Tieghi, dejjem se jkun diffiċli. Iz-zminijiet li qed tghixu issa, jġibu magħhom forma ta’ Krucifissjoni, li hafna Nsara ser isibuha bi tqila li jghaddu minnha - tant kemm ser ikun kbir l-ugigh.

Dawk l-erwieħ foqra, li ma jemmnux li nghid il-Verità, permezz ta' dawn il-Messaġġi, għandhom jistaqsu dan lilhom infushom. Temmnu fil-Bibbja Mqaddsa u l-istqarrija tal-profeziji li hemm bejn il-qxur taghha? Temmnu fl-antikrist u r-rivelazzjonijiet dwar l-impostur falz li se jieħu s-siggu ta` Pietru b’ mod qarrieq? Jekk temmnu, allura aċċettaw li dan huwa z-zmien li jsehhu dawn il-grajjiet quddiem għajnejnkom. Mhumiex għall-futur – Dan qed isehh bhalissa. Aċċettaw dan b'kuraġġ u ersqu lejja b`fiduċja shiha, għax inhobbkom. Irridkom izzommu ghajnejkom miftuha. Intom ma ghandkomx taharbu mill-Verità.

L-istmerrija issa bdiet. Meta intom ma taccettawx l-Kalci tiegħi, intom ma thallunix insalva l-erwieh li ghandi bżonn biex naghlaq il-Patt imwiegħed lil Missieri.

Nberikkom. Nixtieq tifthu qlubkom, sabiex inkun nista’ nehodkom fir-Renju Glorjuz

Tiegħi.

Ġesù  Taghkom

## Is-sinjali se  jingħataw lilkom kollha u se  jsehhu l-mirakli.

It-Tlieta 5 ta` Marzu, 2013 @ 03:30pm

Ghaziza binti l-mahbuba, thalli lil ebda bniedem jonqos  milli jagħraf l-bidliet, li ser jitfaccaw madwar id-dinja, għax dak kollu li gie mbassar fil-Ktieb tar-Rivelazzjoni se jseħħ. Ħafna minn dawn l-avvenimenti se jkunu differenti mill-interpretazzjoni tas-soltu tal-bniedem  tas-sigrieti żvelati lil  Ġwanni l-Evanġelista. Madankollu dawn se jagħmlu sens meta inti tarahom  kif inhuma.

Il pjan iddettaljat , iżda mahdum bir-reqqa, sofistikat mill-antikrist, ġie fformulat b`mod ghaqli ma` ħafna nies, fosthom politiċi magħrufa dinija , li s`issa naqsu milli jinnutaw dan il-pjan ħażin.

Ħafna Ċentri ġew stabbiliti f`diversi nazzjonijiet fejn qed jippjanaw it-teħid ta' ħafna pajjiżi. L-attivitajiet tagħhom , madankollu, ġew illimitati minħabba t-talb ta ' l-erwieħ magħżula u dawk  minnkom  li jirrecitaw it-Talb tal-Kruċjata tiegħi.

It-Talb taghkom  dejjem se jinstemgħu fis-Sema, ghalhekk  ghandkom   tkomplu titolbu bil-hrara  biex itaffu l-azzjonijiet ħziena  tal-bhima li qatt mhu se jirbaħ din il-battalja għall-erwieħ ghax il-ġranet tiegħu huma qosra.

Ix-Xewqa tiegħi hija  li mhux biex  imbezzakom  izda  biex  nippreparakom. Issa se nħalli grazzji  speċjali lilkom kollha li kontu fidili ghax xewqat  tiegħi li  tirrecitaw it-Talb tal-Kruċjata. Is-sinjali se  jingħataw lilkom kollha u se  jsehhu l-mirakli.

Il-Qawwa  tiegħi se tigri f`daqqa minn gol vini taghkom hekk kif ingorkom fit-triq tieghi biex insalva l-umanità.

Gesu Taghkom

## Ħafna minnkom se jirrifjutaw din is-Sejħa mis-Sema minħabba l-biża.

L-ERBGĦA 6 ta` Marzu, 2013 @ 09:45am

Ghaziza binti l-mahbuba, Nsejjah lil dawk kollha fid-dinja li jemmnu fija, Ġesù Kristu, biex jisimgħu.

**Ħafna minnkom se jsibuha diffiċli jaċċettaw it-tbatija li intom se jkollhom tiffaċċjaw f`Ismi**. Sa issa, t-tbatija taghkom kienet limitata għan-niket li hassejtu fir-ruh taghkom għad-dnubiet tal-bniedem u għas-Sagrifiċċju li ghamilt biex insalva l-umanità mill-ħażen taghha. Issa, se jwaqqghukom ghac-cajt għall Fidi taghkom u jgghelukom tisthu meta zzommu t-Taghlim tiegħi u l-Liġijiet ta' Alla.

**Ħafna minnkom se jirrifjutaw din is-Sejħa mis-Sema minħabba l-biża.**
Biex taccettaw li jien issa qed nikkomunika mad-dinja , sabiex tippreparha għat-Tieni Migja Tieghi , mhix xi ħaġa li n-nies jistgħu jaċċettawha faċilment. Għal min hi l-profeta tiegħi? U min huma dawk li gew qabilha f`Ismi? Kif tafu li hi qed tghid il-verita ma hafna profeti foloz u imposturi li qed iħawdukom? Qatt ma kien hemm profeta, mibgħuta mis-Sema , li ma soffriex , redikolu, abbuż, turment u moħqrija. L-ebda wieħed. Ħafna kienu maqtula. **Tistghu tkunu certi li meta l-frott tal-Ħidma tieghi, mogħtija lill profeti bħal dawn, jirriżultaw f`talb u konverżjoni, li dawn ikunu ġew mibgħuta minn Alla, fid-dinja, biex jippreparaw lil uliedu , sabiex dawn jirritornaw lura lejh.**

Kunu afu li l-profeti veri tiegħi se jifilħu t-test taz-żmien u għal dawk li jinjoraw l-messaġġi li dawn iġibu lir-razza umana, se jkun hemm il-biki u t-tghezziz tas-snien. **Meta tattakkaw l-Kelma Mqaddsa tiegħi, moghtija lill-profeta vera, qed tinterferixxu mar-Rieda ta 'Alla.** Issa tistghu ma thossu l-ebda mistħija. **Tistghu temmnu li qed tiddefendu l-Kelma tiegħi meta tattakkaw l-profeti tiegħi, iżda fiz-zmien l-ħsara li tagħmlu lil din, L-aħħar Missjoni tieghi fuq l-art, meta tigi żvelata lilkom, ser iġġibilkhom biża terribbli u niket.**

Jekk thobbuni, ghandkom iżżommu għajnejkom miftuħa u aqraw b'attenzjoni l-istruzzjonijiet tiegħi. Jekk tonqsu milli taghtu widen għat-twissijiet tiegħi, mogħtija lilkom minħabba l-Imħabba ta 'Alla, intom se tirrifjutaw l-Verità. Il-Verità biss tista ssalvakom. Il-Verità hija l-ossiġnu meħtieġ biex issostni l-ħajja tar-ruħ taghkom. Mingħajr il-Verità intom ma tarawnix car, u lanqas tkunu kapaċi tagħmlu l-għażliet t-tajba. Ftakru li Jien il-Verità. Mingħajri, m`ghandkom l-ebda ħajja.

Ġesù Taghkom

## It-Talb jista u se jsalva l-umanità

Il-Ħamis 7 ta` Marzu, 2013 @ 11:05am

Ghaziza binti l-mahbuba, huwa importanti li l-dixxipli Tiegħi fuq l-art jifhmu kif it-talb jista' u se jsalva umanità. **Il-qawwa tat-talb u, b'mod speċjali, ir-recita tar-Ruzarju Mqaddes , li jgib l-bhima bla ebda sahha, ma tistax tiġi sottovalutata.** Biex issalvaw aktar erwieh ghandkom tirecitaw ukoll t-talba tal-Ħniena Divina.

Agħżlu it-Talb tal-Kruċjata li jiena naghtikom u għiduhom, sabiex intom tkunu tistghu tiffokaw fuq talbiet differenti matul kull ghaqda ta' talb. Jekk, per eżempju, intom qed titolbu it-Talba tal-Kruċjata għall-Grazzja ta' Immunità għamlu dan b'tali mod li l-laqgha ta` talb, dak inhar, tista' tikkonċentra fuq għażla ta'Talb tal-Kruċjata li ssejjah ghall-protezzjoni ta' Alla għall-erwieħ. Imbagħad f`gurnata ohra, iffokaw fuq għażla ta 'talb, li huma mogħtija lilkom għall-protezzjoni tas-sacerdoti u l-kleru.

**Dawn il-gruppi ta`Talb tal-Kruċjata, meta jigu iffurmati madwar id-dinja, se jsiru l-armatura meħtieġa biex tegħlbu l-ghadu f`aktar modi li intom temmnu li hu possibbli**.

**Se nkompli nagħtikom id-don ta' talbiet ġodda, li jġibu magħhom mirakli speċjali.** Mingħajr dan l-intervent ma nkunx nista nsalva l-erwieh li nixtieq.

Morru u u ippjanaw il-laqgħat ta` Talb tal-Kruċjata bbażati fuq il-format li tajtkom, izda aqsmuhom f'partijiet sabiex intom tistghu tiffokaw fuq intenzjonijiet speċjali. M'hemm l-ebda ħtieġa li tghidu it-talb kollhu f`daqqa, għalkemm nħeġġigkom li tghidu minnhom kemm jista' jkun possibli matul kull ġimgħa.

Segwaci prezzjuzi tieghi, Intom iggibuli ferħ u konfort. **Nagħtikom l-barka tiegħi ta` qawwa u kuraġġ hekk kif tissuktaw t-tfittxija taghkom biex issalvaw l-erwieħ. Nhobbkom.**

Ġesù Taghkom.

## [Huwa ġie mibgħut biex iżarma l-Knisja tiegħi u jfarrakha f'biċċiet zghar.]

IL-ĠIMGĦA 8 ta` Marzu, 2013 @ 14:05pm

Ghaziza binti l-mahbuba, **Satana huwa infurjat kontra l-Knisja tiegħi fuq l-art u l-infestazzjoni tiegħu tkompli tinfirex fi ħdan il-ħitan tagħha**.

**L-impustur hazin, li qaghad jistenna bil-pacenzja minn wara l-kwinti, dalwaqt se jiddikjara r-renju tiegħu fuq l-imsejkna qaddejja qaddisa tieghi minghajr dawn ma jindunaw b'xejn.** L-uġigħ li huwa se jgib huwa tqil wisq ghalija sabiex ingorru, ghalkemm madankollu ,r-renju tiegħu se jirriżulta fit-tindif ahhari tal-ħażen minn ġewwa l-qalba tal-Knisja tiegħi.

Huwa hadem b' reqqa l-pożizzjoni tiegħu u dalwaqt l-imgieba pompuza tiegħu se tispikka f'nofs is-sala majestuza. Fil-bidu, il-kburija tiegħu, l-arroganza u l-ossessjoni bih innifsu, se jinhbew b'attenzjoni mid-dinja. Fid-dinja ta' barra, se jinhass sinjal ta' soljiev, hekk kif jindaqqu b' qawwa t-trombi biex iħabbru l-mandat tiegħu bħala kap tal-Knisja tiegħi.

Il-Gisem Tiegħi huwa l-Knisja Tiegħi, iżda mhux se jkun Lejja, Ġesù Kristu, li se jwieghed il-lealtà tiegħu, għax hu ma ghandu l-ebda mħabba Lejja. Il-lealtà tiegħu hija lejn il-bhima, u kif hu se jidħaq u jitbissem bi tbissima ta` disprezz fuq il-qaddejja qaddisa tiegħi li se jappoġġjawh.

Hu li ghandu l-hila jpoggi fit-Tempju Tiegħi, u li ġie mibgħut mill-ħażen, ma jistax jitkellem il-verità, għax hu ma ġiex minn ghandi. Huwa ġie mibgħut biex iżarma l-Knisja Tiegħi u jfarrakha f'biċċiet zghar qabel ma jobzoqha mill-ħalq korrott tiegħu.

Il-Gisem Tiegħi huwa l-Knisja Tiegħi. Il-Knisja Tiegħi għadha ħajja, iżda dawk biss li jitkellmu l-Verità u jzommu mal-Kelma Mqaddsa ta 'Alla jistghu jkunu parti mill-Knisja Tiegħi fuq l-art. Issa li l-insult ahhari, se johrog fid-deher kontra Tieghi, Ġesù Kristu, permezz tas-Siggu ta` Pietru, intom fl-ahhar se tifhmu l-Verità.

Il-Ktieb tal-Verità, mbassar lil Daniel, għaz-zmien tal-aħħar, mhux se jittieħed ħafif mill-membri tal-Knisja Tiegħi, għax il-kontenut tiegħu se jiddizguzta l-qaddejja qaddisa Tiegħi meta jindunaw li jien qed nghid il-Verità.

Il profeta falz - hu li jipposa bħala l-mexxej tal-Knisja Tiegħi - huwa lest li jilbes l-ilbies, li ma kenux magħmulin għalih.

Huwa se jzeblah l-Ewkaristija Tiegħi u se jaqsam l-Knisja Tiegħi minn nofs u mbagħad bin-nofs mill-ġdid.

Huwa ser jagħmel minn kollox biex ikecci dawk s-segwaċi leali ta` l-għażiż qaddis Vigarju Tieghi il-Papa Beneditttu XVI, maħtur minni.

Huwa se jnehhi lil dawk kollha li huma leali lejn t-Taghlim Tiegħi u jaghtihom lill-ilpup.

L-azzjonijiet tiegħu mhux se jkunu fid-deher mill-ewwel, iżda malajr s-sinjali se jidhru hekk kif hu johrog biex ifittex l-appoġġ ta' mexxejja dinjija influwenti u dawk f'pozizzjoni għolja.

Meta l-istmerrija tieħu l-għeruq, il-bidliet se jsehhu f'daqqa. It-tħabbira tieghu, biex tinħoloq Knisja Kattolika magħquda, billi tingħaqad ma' kull twemmin u reliġjon oħra, se toħroġ ftit wara.

Huwa se jmexxi r-reliġjon il-gdida dinjija u jsaltan fuq reliġjonijiet pagani. Huwa se jħaddan l-ateismu billi jnehhi l-istigma li hu jgħid li hija mehmuża ma l-insegwiment tal-hekk imsejha drittijiet tal-bniedem. Kull dnub, f`Għajnejn Alla, se jitqies aċċettabbli minn din il-knisja l-ġdida nklussiva.

Kull wiehed li ghandu l-hila jieqaflu, se jiġi mfittex u kkastigat. Dawk is-Sacerdoti, Isqfijiet u Kardinali li mhux ser jaqblu mieghu, se jkunu skomunikati u mnezza mit-titoli tagħhom. Oħrajn se jkunu vittmi ta` bullying u ppersegwitati b`hafna Sacerdoti jmorru jistahbew.

Lil dawk l-imsejkna qaddejja qaddisa Tieghi li issa jaghrfu lehni, nitlobkom tisimghuni hekk kif nohrog ghalikom biex inserrhilkom qalbkom. Jien qatt ma ngħidilkom biex tirrifjutaw il-Knisja Tiegħi fuq l-art għax kont Jiena, s-Salvatur mahbub Taghkom, li ħloqtha. Jien offrejt il-Gisem Tieghi bhala Sagrificcju Haj biex insalvakom. Intom ġejtu mogħtija r-responsabbiltà li tixhdu f'ismi sabiex issalvaw l-erwieħ ta ' dawk li intom turu t-triq u tmexxu.

Dak li tistghu taghmlu hu li tafdaw fija u tkomplu taqduni. Dak li m`ghandkomx tagħmlu huwa li taċċettaw kull duttrina ippreżentata lilkom u li intom tkunu tafu, mill-ewwel, li din mhihiex konformi mat-Taghlim Tiegħi. Ghandkom tagħmlu dak li tghidilkom qalbkom, imma kunu ghafu dan.

Dan il-perjodu se igibilkom uġigħ kbir u d-dnewwa li se tghaddu minnhom, meta taraw kif il-Knisja Tiegħi se tkun ipprofanata ser tħallikom imbikkma. Izda intom għandkom tagħrfu l-gideb li se jigu ippreżentati lilkom kif inhuma- Insult għall-mewt tiegħi fuq is-Salib.

Din il-qerda tirrizulta fit-twaqqih ta' l-istruttura tal-Knisja Tiegħi. Il-bidliet u l-adattamenti tal-bini flimkien mat-tempju l-ġdid maħluq għall-knisja dinjija waħda, se jiġu mahduma u mqiegħda f'Ruma.

Kunu zguri li, hekk kif t-Tempju Tiegħi huwa ipprofanat, li Jien, Ġesù Kristu, S-Salvatur tal-Umanita kollha, ser niġi skartat u mormi fil-genb.

Ġesù Taghkom.

**Sa meta tasal il-Gimgha l-Kbira hafna erwieħ jibdew jindunaw li t-Twissija Tiegħi lill-umanità waslet fuq id-dinja.**

Is-Sibt 9 ta`Marzu, 2013 @ 21:45pm

Ghaziza binti l-mahbuba, sa meta tasal il-Gimgha l-Kbira hafna erwieħ jibdew jindunaw li t-Twissija Tiegħi lill-umanità waslet fuq id-dinja.

Hekk kif tkunu xhieda ta' l-istmerrija, il-Verità ta 'dawn il-Messaġġi tkun tibda tifthiem sewwa.

Iġbor il-poplu tiegħek flimkien, maghqudin fit-talb, għax sħaba sewda se tghatti d-dinja. Il-Kastigi għandhom jigu mibghutin fuq l-umanità hekk kif din tinzel fl-abbiss tal-indifferenza u l-apatija, ghall-Kelma ta' Alla.

**Dawk li taw daharhom lejn id-Doni mogħtija lill-umanità, bil-mewt Tiegħi fuq is-salib, se jqumu u jaraw kemm hi kerha ir-ruh tagħhom, kif tidher quddiem Għajnejja.** Dalwaqt jaraw li huma ġew mogħtija biss żmien qasir biex jindmu. Għax il-paċenzja Tiegħi hija kbira, iżda d-dieqa Tiegħi hija profonda. Tant il-qlub taghhom huma iebsa, li mhux biss jiskartawni, Ġesù l-maħbub Tagħhom, iżda dawn jiċħdu lilhom infushom d-doni, li naghti liberament disponibbli għalihom.

Kif dawn ġew mqarrqa li jaħsbu fl-illuzjonijiet foloz tagħhom stess, li d-dinja hija tagħhom biex jghixu, f` kull mod li huma jagħżlu, minghajr ma hemm xejn li inaqqsilhom il-girja taghhom ghall-pjaciri. Din id-dinja mhux se tibqa tagħhom għat-teħid, minħabba li hija biss stat temporanju. Dalwaqt se jsibu ruħhom fi stat ġdid u, għal ħafna minnhom, dan mhux se jkun fil-Genna l-Gdida Tiegħi.

**L-Intervent Tiegħi huwa fil-qrib u l-Pjan Tiegħi biex insalva lid-dinja, dalwaqt se jsir magħruf kollu. Il-Kburija hija l-akbar ghadu taghkom u hija l-akbar htija ta` Satana.** Meta xi ħadd jakkuza lill-ieħor; icanfar lill-ieħor u jipponta saba' ta 'akkuża kontra l-ieħor, f-ismi, huwa jaqa’ vittma ghad-dnub ta' Satana.

Ikun d-dnub tal-kburija, li se jkun il-waqa' ta' l-umanità, u li se jitfa hafna erwieħ fin-nirien ta' l-infern.

Taqgħux vittma ta' din is-saħta tal-hazen u ibqgħu siekta jekk intom ma taqblux ma' haddiehor li jaghjjat kontra Tieghi b' leħen għoli, b`gideb hiereg minn ħalqu, anki jekk tafu li mhux qed jghid il-Verità. Ghandkom tbaxxu għajnejkom u sempliċement tiddikjaraw l-Kelma Tiegħi.

**Iddefenduni biss billi tiddikjaraw lid-dinja dak li tafu fuq il-Pjan Tiegħi biex insalva l-erwieħ.** U anke meta dawk l-erwieħ, li jemmnu li l-għarfien tagħhom dwari, jagħtihom id-dritt li jċanfru lill-oħrajn u jistennew twegibiet minghandkom, intom qatt ma ghandkom tiddefenduni bl-argumenti.

**Ħafna grajjiet fid-dinja dalwaqt se jahsdu bosta mill-umanità.** Sahansitra l-aktar nies li m’ ghandhomx interess, li qed jgħixu ħajjithom f’vojt kbir tal-ambizzjonijiet tad-dinja, bi ftit hin għall-kwistjonijiet spiritwali, se jibdew jintebhu li hemm ħafna tibdil. Huma se jkunu jafu li dawn il-bidliet huma lil hinn minn dak li jistghu jifhmu huma, u dan se jwassal sabiex huma jkunu aktar miftuħa għall-Kelma

t' Alla.

Ġesù Taghkom.

## Omm tas-Salvazzjoni: Il-Gruppi ta` Talb tal-Kruċjata se jsalvaw biljuni ta' erwieħ

Il-Ħadd 10 ta` Marzu, 2013 @ 18:00pm

Wild ghaziz tieghi , f'dan iż-żmien se tħossok aktar waħdek u maqtugha minn kulhadd, hekk kif il-Kelma Mqaddsa ta 'Alla tghajjat b'leħen għoli biex twissi lill-umanità ghall-bzonn li thejji ruha.

**Uliedi, huwa issa li jeħtieġ issaqsu lil Ibni l-Għażiż biex isostni l-kuraġġ taghkom matul il-jiem, xhur u s-snin mudlama, li jinsabu quddiemkom**. Intom ghandkom tiċċelebraw minħabba li hafna erwieh, imnebbha mill-Ispirtu s-Santu, ga wieġbu għas-sejħa tal-Iben Tiegħi, Ġesù Kristu. Tant iħobbkom kollha kemm intom, li jġibli d-dmugħ bil-ferħ, lili l-Omm l-Għażiża Tiegħu. Kif Huwa se jifrex il-Ħniena Tiegħu, huwa ferm l' boghod minn dak li tistghu tifhmu intom, u Hu se jigbed lejH, sahansitra lill-dawk li joboghduh, fil-qrib il-Qalb Tiegħu.

**Mhux fil-boghod issa, ser ikun qabel it-Tieni Migja Tiegħu, sabiex intom tagħtu Glorja lil Alla.** Biex tithejjew ghandkom tircievu s-Sagrament tal-Qrar, spiss u tkomplu titolbu għall-erwieħ.

Filwaqt li Alla jista kollox u l-Glorja Tiegħu issa se tkunu mifhuma kollha kemm Hi, meta tixhdu ghat-Tieni Migja Tieghu, intom l-Armata tal-fdal Tiegħu, ghandkom tgħinuh fil-pjan tiegħu biex isalva l-umanità.

**Il-Gruppi ta` Talb tal-Kruċjata se jsalvaw biljuni ta' erwieħ u, għalhekk, tridu tinxterdu u timmultiplikaw**. Il-Grazzji t' Alla qed jitferrghu fuq Uliedu kollha li jiehdu sehem f'dawn il-gruppi ta` talb. Huma se jkunu l-Armatura, li tipprotegi l-umanità mill-persekuzzjoni ippjanata mill-antikrist.

**Qatt taqtghu qalbkom, uliedi**. Ibqgħu fi stat ta` Grazzja il-hin kollu u komplu segwu l-istruzzjonijiet t`Ibni. Hu qatt m' huwa ser jabbandunakom, tant hija kbira l-imhabba Tieghu ghalikom.

L-Omm Ghaziza taghkom.

L-Omm tas-Salvazzjoni.

## Alla l-Missier: Issa l-battalja bejn il-Ġerarkija Tiegħi u s-saltna tal-bhima se tihrax.

IT-TLIETA 12 ta`Marzu, 2013 @ 02:38pm

**Binti l-ghaziza, s-Smewwiet jibku bin-niket f`dan il-jum terribli li kien mbassar ħafna żmien ilu.**

Il-umanità kollha ser tigi wicc m'wicc ma' l-akbar qerq, li gie mwettaq mill-bhima.

Il-dmugħ tal-agunija ta` Ibni, li bil-mewt fuq is-salib ta lill- uliedi l-helsien, qed jaqgħu bhalissa, madwar id-dinja kollha.

**Ir-Rabja Tiegħi hija mrazzna f'dan il-mument, iżda l-furja tiegħi hija kbira.** Dalwaqt il-qerq ser ikun ċar għal dawk kollha maħtura minn Ibni, biex imexxu l-merhla Tiegħu fuq l-art.

**Il-battalja bejn il-Ġerarkija Tiegħi u s-saltna tal-bhima se tihrax**. Din se tkun kiefra, iżda qasira, u l-kastig, li se jigi wara l-persekuzzjoni tal-hazen. mfassal mill-ghadu u l-grupp tieghu, se jiknes it-tahsir kollu.

Insejjah lil Uliedi kollha biex iduru lejn Ibni u jpoġġu l-fiduċja taghhom fiH, f'dan il-mument.

Zghar tieghi, kunu qalbiena, għax dan l-uġigħ se jkun qasir. Dawk li jsegwu l-bhima u l-profeta falz ser jigu mnebbha, bil-Qawwa ta`jdejja , sabiex inġibhom lura fil-Qalb ta' Ibni. Jekk dawn jirrifjutaw dan id-Don, allura dawn huma mitlufa u se jbatu l-istess turment, bhall-impustur li se jiġi mitfugħ fil-abbissi għall Eternita'.

L-Inkurunazzjoni tal-profeta falz se tiġi ċċelebrata mill-gruppi tal-mazuni, f`kull rokna, dawn qed jippjanaw l-istadji finali tal-persekuzzjoni ta` Uliedi kollha.

Dawk li se jiċċelebraw miegħu u li ma jafux aħjar, aktar ma jghaddi z-zmien,se jħossu aktar l-uġigħ minn dawk li diġà jafu l-Verità.

Stennew issa, b'kuraġġ u tama, għax dan kollu jrid isehh qabel jidher ir-renju Glorjuz tal-Iben Tiegħi.

Intom ghandkom twieghdu l-fedeltà taghkom lil Ibni l-Għażiż, il-hin kollu u qatt ma taċċettaw il-gideb. **Jekk, u meta, intom tigu mitluba biex tiehdu sehem f` quddiesa ġdida, ghafu li din se tkun l-akbar saħta qatt imposta minn Satana kontra uliedi.**

Kunu afu li s-Sema tmexxikom, u li, meta taċċettaw l-uġigħ b'dinjità, intom se tgħinu lil Ibni biex jwettaq il-patt finali.

Il-Maħbub Missier Taghkom Alla l-Aktar Gholi.

## It-Tron tiegħu insteraq. Izda mhux il-Qawwa tiegħu

L-erbgħa 13 ta` Marzu, 2013 @ 21:20pm

Ghaziza Mahbuba Binti, **Gejt ikkundannat għall-mewt għat-tieni darba.** l-insult tad-deċiżjoni f'Ruma, li intom rajtu llum, taqtani fi tnejn.

Meta waqaft quddiem il-bojja Tiegħi, akkużat b`ereżija u b`kuragg li nghid il-Verità, l-appostli Tiegħi harbu u ma dehru mkien. **Dawk li gew warajja u aċċettaw t-Taghlim Tiegħi laghbuni, meta l-Kelma tiegħi ġiet ikkontestata minn dawk fl-awtorità.** Huma bdew jitilfu l-fiduċja fija u bdew jiddubitawni.

**Xi wħud mis-segwaċi Tiegħi emmnu fir-reati tal-ereżija, li jien kont gejt akkużat bihom, u li dawn kienu ġustifikati.** Tant kienu qawwija l-akkuzaturi tiegħi - rġiel f`pozizzjonijiet għolja, liebsa lbies eżotiku u li mxew u tkellmu b`sens ta' awtorità reali - li ftit ddubitaw minnhom.

Jien kont ezaminat, ikkontestat, iddisprezzat, mcekken, irridikulat u mwaqqa ghac-cajt ghax tkellimt l-Verità. In-nies waqgħu quddiem dawn il-mexxejja - irġiel b`vuċijiet setghana u li l-awtorità taghhom ma kienet qatt iddubitata. Il-vuci Tieghi saret qisha tfesfisa fost l-ghajjat ta' l-akkuzaturi Tiegħi.

**"Eretiku" - huma għajtu. Huma qalu li Jien tkellimt b'ilsien ħażin, li Jien daghajt kontra Alla u li Jien ridt neqred il-knisja tagħhom.** U għalhekk, huma qatluni bla hniena.

**Mhux se jkun differenti meta issa naghmel hilti biex insemma lehni**, meta naghmel minn kollox biex inwissi lill-ulied kollha t`Alla dwar grajjeit li se jigru, li lilek binti ga kellimtek dwarhom, għall dawn l-aħħar ftit snin. Il-Kelma Tiegħi se tiġi ttrattata b`disprezz. Il-Kelma Tiegħi se tiġi iddubitata. Sejrin jidhlu d-dubji, u għal darb'oħra, l-appostli Tiegħi ser jergghu jaharbu u jħalluni għall-ilpup.

**Tizbaljawx, il-Verità ġiet murija lilkom.** Segwaċi Tiegħi, ghidtilkom kif intom ser tiġu mqarrqa. Dan se jkun diffiċli ħafna għalikom għaliex intom sejrin toqghodu tahsbuha, dwar dan l-impostur li jpoġġi fid-Dar ta` Missieri.

L-Għażiż Papa Benedittu XVI kien ppersegwitat u ħarab, kif mbassar. **Jien ma htartx din il-persuna, li tallega li giet f`Ismi.**

**Huwa l-Papa Benedittu, li se jmexxi s-segwaċi Tiegħi lejn il-Verità.** Jiena ma hallejtux wahdu, u nżommu qrib ta' qalbi u nagħtih s-serhan li hu jeħtieġ f'dan iz-zmien terribli.

It-Tron tiegħu insteraq. Izda mhux il-qawwa tieghu.

Ġesù Taghkom.

## Dan il-ġest hazin matul il-Ġimgħa Mqaddsa se jarawh dawk li se jżommu għajnejhom miftuħa

Il-Ħamis 14 ta` Marzu, 2013 @ 06:00pm

Ghaziza binti l-mahbuba, xi tbatija qed tiġi mgarrba mill-mahbubin qaddejja qaddisa Tieghi, qrib ta' qalbi, li jafu l-Verità u li jkollhom jaraw l-istmerrija fil-Knisja Tiegħi fuq l-art.

**Matul il-Ġimgħa Mqaddsa se jkun hemm insult partikolari, li se jigi mqieghed fuq l-Isem Imqaddes Tieghi, bi sforz biex izeblahni.** Dan il-ġest hazin matul il-Ġimgħa Mqaddsa se jarawh dawk li se jżommu għajnejhom miftuħa u dan se jkun wieħed mis-sinjali li bih intom se tkun tafu li l-impostur, li qieghed fuq il-tron, fil-Knisja Tiegħi fuq l-art, ma jkunx ġej minni.

Segwaċi tiegħi, intom għandkom tkunu tafu li l-profeziji mogħtija lid-dinja – li jwissukom dwar iz-zmien meta l-poter, fi ħdan l-Knisja Tiegħi, se jkun maqbud minn dawk li huma leali lejn il-bhima - huwa fuqkom. Il-mument hu issa.

Ftakru, li dawk li kburin, juru l-midalja ta' l-umiltà, huma ħatja ta' kburija. Il-Kburija hija dnub.

Dawk li jgħidu li l-Knisja Tiegħi ghandha ġġedded id-dehra tagħha, iggib d-duttrina taghha ghall-gurnata tal-lum, u li jgħidu li, billi timmodernizzaha, li din tiġi aċċettata minn aktar nies, allura kunu ghafu dan.

**Dawk minnkom li jgħidu li jsegwu t-Taghlim Tiegħi, iżda li jridu liġijiet mibdula biex jiskużaw atti, li huma ta` dnub quddiem ghajnejja, ohorgu issa mill-Knisja Tiegħi.** Intom m`intomx Tieghi. Intom dawwartu daharkom lejja u m` intomx denji li tidħlu fid-Dar Tiegħi. Madankollu, dan huwa dak li se jiġri. Intom u kull wiehed minnkom li tlabtu bidliet, li huma mħaddna minn dinja sekulari, ser tiġu ssodisfati, għax il-profeta falz se jigbidkom lejh u intom se tfahhru kull mument tar-renju qasir tiegħu. Iżda, mhux se nkun Jien, Ġesù Kristu, li intom sejrin issegwu. Intom se ssegwu duttrina falza, mhux ta 'Alla.

Allura ħafna se jħaddnu r-renju tal-profeta falz u jimbuttawni fil-genb, bil-kuntentizza kollha tagħhom. Imbagħad meta l-iżbalji tal-modi tiegħu jsiru ovvji, l-imsejkna qaddejja qaddisa Tiegħi ma jkollhom imkien fejn iduru. In-niket tagħhom jinbidel f`biża' u l-biża' tagħhom jinbidel f`disprament. Huma ma jkunux jafu lil min ser jafdaw, iżda dawn ghandhom jifhmu dan. **Il-Gisem Tiegħi, Il-Knisja Tiegħi, tista' tiġi fflagellata u ipprofanata iżda Ispirtu Tiegħi qatt ma jista jintmiss, għax dan qatt ma jista jmut.**

Lil dawk fostkom li issa jirrifjutaw l-Kelma Tiegħi u l-Verità li qed tingħatalkom, bħala Don speċjali mis-Sema, Jien imberikhom. Se nkompli nferrex l-grazzji Tiegħi fuqkom sakemm tergghu lura Lejja. Qatt mhu se naqta' qalbi, sakemm nista' nsalva l-erwieħ sobiena taghkom.

**Il-Knisja Tiegħi, fejn t-Taghlim Tiegħi u s-Sagramenti jibqgħu shah, se tghix u qatt ma tista tmut. Ma teħtieġx knatan u tajn biex tgħix għax hu Jien, Ġesù Kristu, li Gismi huwa l-Knisja**. Intom, gheziez sacerdoti fidili Tiegħi, qaddejja

qaddisa  u segwaċi, intom parti minni. Intom maghqudin mal-Gisem Tieghi biex tiffurmaw l-Knisja Tiegħi fuq l-art. Ghalhekk ghandkom titgħallmu tkunu  b'saħħitkom, kuraġġjużi u leali lejn il-Kelma Mqaddsa Tiegħi, minghajr ma tatu kas ta' l-argumenti li jigu ppreżentati lilkom  għall-kuntrarju.

**Il-mument li tinkixef il-qasma huwa fil-qrib, u f' Ruma  diġà, qed jinħass li xi haga mhux sew bil-bosta.** Meta l-Ispirtu Qaddis jahbat ma' l-ispirtu tal-ħażen, linja taqsam minn nofs b'mod li jitfaccaw żewġ naħat. Il-qasma l-kbira ser issehh malajr. Imbagħad ħafna minn dawk li ġew imqarrqa mill-giddieb, se jigru lura fid-dirghajn Mqaddsa Tiegħi għall-protezzjoni.

Jien immexxikom matul dawn iż-żminijiet ta` dieqa u nitlobkom sabiex intom kollha tghadduli d-dmugħ taghkom u jien nserrahkom fl-ispirtu.

Jien inberikkom. Ingibilkom il-Paci tal-Qalb. Jien  nipprotegikom.

Ġesù l-għażiż taghkom.

## Omm tas-Salvazzjoni: Ghidu r-Rużarju Tiegħi għal dawk kollha li jmexxu f'Ruma

Il-Ġimgħa 15 ta`Marzu, 2013 @ 10:30pm

Ghaziza binti, dan  huwa żmien ta' niket kbir, mhux għalik  biss, iżda għal dawk kollha li jħobbu lil Ibni.

Inheggigkom, gheziez uliedi, biex tibqgħu sodi u fidili lejn il-Kelma Mqaddsa ta' Alla, għall-bzonnijiet ta` Ibni. **Ibni  l-Għażiż, ibaxxi rasu fl-agunija hekk kif jara l-biza' u l-Knisja Tieghu titfarrak  quddiemu.**

**Jekk jogħġobkom itolbu għat-tama u għidu r-Rużarju Qaddis Tiegħi kuljum għal dawk kollha li jmexxu f'Ruma**. Ghandkom  titolbu għal dawk kollha li jmexxu l-Knisja Kattolika. Nitlobkom  tinkludu l-bniedem li qed ipoggi fis-siggu  ta' Pietru, għax huwa fil-bżonn kbir tat-talb taghkom.

Itolbu li hu jaċċetta l-Verità tal-mewt ta` Ibni fuq is-Salib u li hu jiftaħ qalbu għat-talb herqan ta` Ibni  għall-ħniena għall-ulied kollha ta 'Alla.

Ikunu iebsa kemm ikunu iebsa, dawn iż-żminijiet, fil-Knisja Kattolika Rumana, il-ħażen ma jistax,u mhux se jirbah kontra l-Qawwa ta' Alla.

Il-parti Tiegħi bħala Mediatrici tal-Grazzji kollha dalwaqt ser issehh, u kif l-mara magħżula biex tiġi mlibbsa bir-raġġi tax-xemx, iz-zmien  Tiegħi wasal biex ngħin lil Ibni fil-pjan finali tiegħu tas-salvazzjoni.

Ngħożż l-Ulied kollha ta' Alla, inklużi dawk li jġibulu mistħija kbira u tbatija. Itolbu biex t-talb Tiegħi, mwassla lil Ibni u ppreżentati lilu f'isimkom, jistghu jgħinu jttaffu t-tbatija, li ghad trid tigri fi ħdan il-Knisja Kattolika.

L-Imħabba Tiegħi, bħala l-Omm ta' l-ulied kollha t` Alla, tiġbor fiha kollox u għeżież uliedi jien qatt mhu se nieqaf fit-tfittxija tiegħi biex ingibilkom t-tama.

It-Talb ser jinstema' fis-Sema u intom qatt ma għandhom taqtghu qalbkom, ghax il-Ħniena t`Ibni  hija  akbar milli intom tistghu tkunu tafu.

Imħabba t 'Alla tista kollox. Itolbu  u  tirċievu barka kbira, hekk kif l-preparazzjonijiet huma kompluti bil-lest  għall-Jum il-Kbir tal-Mulej.

**Stennew bil-paċenzja, imħabba u fiduċja, għax dawn il-provi  kollha dalwaqt se jkunu fl-imghoddi, u wara, s-Sema l-Gdida u d-Dinja Ġdida se jingħaqdu bħala haga waħda.** Kull ma għandkom  thejju huwa - il-preparazzjoni ta' ruħkom  u dawk li għandhom l-aktar  bżonn it-talb taghkom. Imbagħad biss,  tkunu  tistghu taċċettaw d-Dawl t' Alla u tidħlu fis-Sema L-Gdida  fid-dinja.

Kunu fil-paċi u harsu biss lejn Ibni u x-xewqa wahda Tiegħu li  jsalva l-erwieħ ta' kull mahluq.
L-Ghaziza Mahbuba Ommkom,  Omm tas-Salvazzjoni

**L-Agunija Tieghi  Tinħass mill-qaddisin kollha u mill-angli kollha fis-Sema, għax iz-zmien tal-Apokalissi huwa fil-qrib.**

Is-Sibt 16 ta` Marzu, 2013 @ 12:40pm

Ghaziza binti l-mahbuba, x`rabja, x`korla u x' biża qed tinħass minn dawk li ma jaċċettawx il-Kalci tas-Sofferenza Tiegħi f'dan iz-zmien.

Ir-Rabja ta' Satana, kontra dawn il-messaġġi, se tizdied malajr u se jsir kull sforz biex jixluk, binti.

T-Tbatija għandha tiġi aċċettata minnek, minħabba li inti tajt ruhek minn jeddek għar-Rieda Mqaddsa Tiegħi. Ghalhekk inti, Binti, għandek tibqa siekta kif jissuktaw il-ghajjat tal-bhima u ta' dawk l-erwieħ imsejkna li huwa juża biex jattakkak. Ngħid dan lil mahbubin dixxipli leali kollha Tiegħi - ibqghu sodi. Baxxu raskom f`umli servitù u offru t-tbatija taghkom għal dawk l-erwieħ li mhux se jaċċettaw d-Don tal-Verità.

Dawk li gew imqabbdin sabiex jidhlu fil-Knisja Tieghi fuq l-art, għażlu z-zmien tar-Randan, bl-iskop li jinsultawni, Lili, Ġesù tagħhom, li jmut f`agunija biex isalvalhom ruhom.

Dawn huma tant infestati, dawk li jimirħu l-kurituri ta' Ruma li **l-akbar sinjal ta' dan, se jidher fil-kaos li se jirriżulta hekk kif jimxu mal-kmand tal-impostur. Kullimkien f'Ruma se taraw tahwid, disordni, diviżjoni u kontradizzjoni. Din id-disordni ġejja minn Satana ghax din ma tistax tiġi minn Alla.**

Ir-Rabja tigi mill-ħażen u l-korla tiegħu tinħass meta d-dawl Tieghi jinfirex fost l-Ulied kollha t`Alla. Gharrfu lil kulhadd, li meta attakki ta' natura vjolenti huma imposti fuq haddieħor, f`Ismi, Hija l-Preżenza Tieghi li tipprovoka reazzjoni bħal din.

Jiena biss , Ġesù Kristu, u s-segwaċi Tiegħi jistghu jkunu c-centru ta' abbuż bħal dan, għalhekk, meta ma tkunux tifilhu aktar, jekk jogħġobkom għidu din it-talba qasira.

***"Naqsam dan l-uġigħ miegħek, Għażiż Ġesù, u nitlob li Inti tbierek l-għedewwa Tiegħi u dawk li jifflagellawk, bid-Don ta 'l-Ispirtu s-Santu. Amen. "***

In-nuqqas ta' ftehim ikompli u l-Agunija Tieghi tinħass mill-qaddisin kollha u l-angli kollha fis-Sema, għax iz-zmien tal-Apokalissi huwa fil-qrib.

Żommu Mieghi, Ġesù Taghkom, u qeghdu l-fiduċja taghkom kollha Fija, hekk kif nibni l-Armata tal-fdal Tiegħi, bi tħejjija għall-battalja kerha li gejja, għall-erwieħ.

Ġesù Taghkom.

## It-Tielet Siġill ser jiġi żvelat meta l-bniedem se jitqabad għall-ikel hekk kif il-guh jahkem l-umanità.

Is-Sibt 16 ta` Marzu, 2013 @ 03:25pm

Ghaziza binti l-mahbuba, ser jibda t-tifrigh, u l-qerda, ikkawżata minn hafna gwerer, se tibda kif  hemm imbassra.

**Iż-żmien tal-wasla tal-profeta falz ser jahbat mad-dikjarazzjoni tal-gwerer madwar id-dinja kollha.** Dawn il-gwerer se jibdew f`daqqa u n-nies se jaqghu bil-biża hekk kif jintebhu b'dak li jkun qed jigri. Gwerer se jinbtu u jinfirxu bħal maltempati fid-deżert, fejn jiehdu spinta, u jaqbdu lil  dawk kollha  li jħossu li l-paċi tagħhom hija garantita, bħal ħalliel bil-lejl.

Tant pajjiżi ser ikunu involuti li se jieħdu lil kulħadd b`sorpriża. **Dalwaqt l-antikrist se jagħmel lilu nnifsu magħruf qalb il-qtil ta` hafna nies**.  Tahwid, biża' u t-telf ta' uċuħ tar-raba`se tiggrava l-problema. Mhux hafna zmien  wara, t-Tielet Siġill  jiġi żvelat meta l-bniedem se jitqabad  għall-ikel hekk kif il-guh jahkem lill-umanità. Nieqsa mill-ikel, nieqsa mill-ispirtu, nieqsa mill-għajnuna, l-umanità se tiggranfa ma` kull haga   jew kull wiehed, li joffri serhan.

Se jkun lest il-palk, għall-antikrist biex  jasal u jħabbar lilu nnifsu  lid-dinja. Sa dan iż-żmien, l-umanità se tkun tant rasha mistrieha minħabba l-bniedem tal-paċi, li joffri tant tama, li huma jkunu lesti li jsiru lsiera  tiegħu. Huma se jaqgħu għal pjan elaborat tiegħu biex tigi ristrutturata d-dinja u jinghaqdu n-nazzjonijiet kollha flimkien. Il-pjan, li se jghidulhom, li se jkun għall-ġid ta' kulħadd u li se jehles lid-dinja mit-terroriżmu. **L-għedewwa, li huwa se jgħid li se jiggildilhom, u li ser jeżerċita kontroll fuqhom, huma vittmi nnoċenti wżati minnu fil-qerq, li hu se jippreżenta lid-dinja.**

**Meta l-paċi, jew dak li jidher bħala waqfien mill-ġlied, tigi restawrata, allura se jmiss it-tieni stadju, l-ghaqda tan-nazzjonijiet kollha, r-reliġjonijiet kollha u l-pajjiżi kollha, f'haga waħda.** Dan huwa meta l-unjoni bejn il-profeta falz u l-antikrist se tkun ċara.

Dawk li jkunu ġew mogħtija l-Verità, u li isimhom huwa fil-Ktieb tal-Ħajja, se jkunu jafu dak li qed jiġri. Oħrajn, ghomja għall-Verità tal-Taghlim Tiegħi, mhux se jkunu daqshekk fortunati. Imbagħad se tkun kwistjoni ta' stennija. Il-Pacenzja Tieghi tfisser li se nagħmel  ħilti  biex insalva u nipproteġi lil dawk li mhux se jkunu jistgħu jagħrfu l-Verità.
Il-**Pacenzja Tiegħi u l-Ħniena Tiegħi ser twassal ghal Intervent Divin fuq skala kbira biex insalva l-ulied kollha t`Alla mill-ħakma tal-bhima, li l-uniku għan tieghu huwa li jhajjar ghad-dnub.** Għax hemm ħaġa waħda li tridu tkunu tafu; wara s-seher tal-antikrist se jkun hemm il-pjan biex ihajjar ghad-dnub,sabiex l-umanità tagħmel l-għażla ahharija taghha – li zzomm mal-bhima bi sfida kontra Alla. Meta jasal iż-żmien u wara li Jien inkun ghamilt minn kollox biex insalva l-erwieħ, kollox jintemm.

Il-maghzulin biss ser jittieħdu fir-Renju Tiegħi.
Ġesù Taghkom.

## Messaġġ għas-Sacerdoti u dawk il-qaddejja qaddisa kollha Tieghi li jkunu taw ħajjithom ghas-Servizz Qaddis Tiegħi.

Il-Ħadd 17 ta`Marzu, 2013 @ 06:50

Ghaziza binti l-mahbuba dan huwa messaġġ għas-Sacerdoti u dawk il-qaddejja qaddisa kollha Tieghi li jkunu taw ħajjithom ghas-Servizz Qaddis Tiegħi.

Gheziez qaddejja nixtieq li intom tobdu l-liġijiet tal-Knisja u dawk, li lejhom tridu turu ubbidjenza, fl-Isem Qaddis Tiegħi.

Intom qatt ma ghandkom taghtu l-genb id-dmirijiet taghkom għall-Knisja u intom ghandkom tkomplu taqduni bhal dejjem. **Nitlobkom tamministraw s-Sagramenti, bħal qabel, sahansitra b`aktar hegga. Aqdu, bħal dejjem, id-dmirijiet qaddisa taghkom. Id-Dmir taghkom hu lejn l-Ulied kollha t` Alla u intom ghandkom tmexxu merhla taghkom. Ibqgħu leali lejn it-Taghlim Tiegħi il-hin kollu.**

Mhux se tkunu intom, qaddejja prezzjużi tiegħi, li se tabbandunaw l-Knisja tiegħi fuq l-art. Mhux se jkun permezz ta` l-ghemil taghkom, li l-Ligijiet, fi ħdan il-Knisja Tiegħi, se jinbidlu sabiex jigu aċċettati duttrini ġodda.

Intom se tibqghu leali lejn is-servizzi tal-Knisja tiegħi u taqdu dmirijietkom sa dik il-ġurnata kerha. **Dan se jkun il-jum meta l-Quddiesa Mqaddsa Tiegħi ma tibqax tingharaf.** Se jkunu l-għedewwa t'Alla, li jkunu infiltraw fil-Knisja Tiegħi fid-dinja, li se jwarrbukhom il-bogħod minni.

Meta jippreżentaw il-Quddiesa l-Gdida, wara mhux se jhallulkom l-ebda għażla, għax tkunu tafu li din mhux sejra toffri aktar l-Ewkaristija Mqaddsa. Ikun dakinhar li l-Verità fl-ahhar tigi żvelata lilkom, għalkemm tkunu konxji tas-sinjali minn qabel.

Is-sinjali jkunu jinkludu, modi ġodda strambi kif jaggustaw it-talb; Satana qatt mhu se jibqa jiġi michud u s-Sagramenti se jiġu mbgħabsa biex jinkludu denominazzjonijiet oħra. Intom se thossukom skomdi, madankollu se tħossu l-obbligu li tibqghu leali lejn il-Knisja Tiegħi.

F'dak iz-zmien, l-ezistenza tal-Knisja Tieghi fl-art, se tkun l-uniku mezz ta' ghejxien taghkom; jekk tibqghu lejali lejn it-Taghlim Tieghi. Tkunux imqarrqa meta t-taghlim Tiegħi, is-Sagramenti Tiegħi u l-Quddiesa Mqaddsa Tiegħi jigu mibdula. Jekk intom ma timxux mall-Liġijiet Tiegħi, se titraduni.

**Għall-knejjes Kristjani l-oħra, nwissikom illi din l-infestazzjoni se tinfirex wkoll fil-knejjes taghkom.** Maz-zmien, se jsir diffiċli għalikom li tghozzu it-Taghlim Tiegħi bil-mod ta' kif gew mogħtija lid-dinja. Il-Kristjani kollha se jsofru taħt il-hakma tal-profeta l-falz u l-komplici tiegħu, l-antikrist - li wiccu ser jiġi muri lid-dinja kollha bhala l-aktar mexxej influwenti ta' kull żmien.
Ġesù Taghkom.

## Omm Alla: Id-diviżjoni fid-dinja, li se tigi miġjuba minn Gog u Magog, se taqsam il-familji fi tnejn

It-Tnejn 18 ta` Marzu, 2013 @ 19:35pm

Binti, ma ghandek qatt tiddubita mill-importanza ta' din il-Missjoni jew thalli l-attakki fuqek itellfulek l-attenzjoni tiegħek minn fuq Ibni l-Għażiż.

Huwa minħabba l-Imħabba u l-Ħniena Tieghu, li Hu qed juri lid-dinja l-pjanijiet tax-xitan li jahtaf lill-erwieħ qabel tmiem iz-zmien. Dan il-pjan qarrieqi kien ilu mfassal għal żmien twil ħafna u se jiġi impost fuq Ulied Alla mill-forzi tal-mazuni, li l-lealtà taghhom hija lejn ix-xitan.

Ħa jkun illi l-ebda wiehed ma jkollu dubju dwar il-profeziji rivelati minni, l-Omm Taghkom, lill-viżjonarji u profeti matul is-sekli. Uliedi, m`ghandkom qatt tkunu imbeżża'. Minflok għandkom tkunu mimlija tama u ferhana **għax iz-zmien tas-Sema l-Gdida u d-Dinja** l-**Ġdida huwa fil-qrib** u l-Ulied t'Alla sa fl-ahhar se jeħilsu mill-ħażen, li kull wieħed u waħda minnkom xheduhom tul ħajjithom.

Dan iz-zmien kien imbassar fil-Ktieb ta` Missieri, u minħabba dan, ghandkom taċċettaw l-Verità tal-kontenut tal-Ktieb tar-Rivelazzjoni. **Jekk ma taċċettawx l-Ktieb tar-Rivelazzjoni, mogħti lil Gwanni, allura intom ma tistghux tgħidu li taċċettaw il-bqija tal-Ktieb - il-Bibbja Mqaddsa.**

Ħafna minn dak li ġej se jkun diffiċli u jwegga`, **ghax il-qasma fid-dinja, li se tkun miġjuba minn Gog u Magog, se taqsam il-familji fi tnejn.** Il-komplotti u l-pjanijiet qarrieqa, **mfassla mill-profeta l-falz u l-antikrist, se jkunu l-akbar qerq minn dak iz-zmien ta' meta l-Farizej ċaħdu lill-Ibni.** Meta l-Farizej ċahdu lill-Ibni, huma ma hallewx il-Verità tingħata lill-Ulied Alla. Dan naqqas in-numri ta' segwaċi ta' Ibni, matul iz-zmien Tiegħu fuq l-art, u fixkilhom milli jsiru Kristjani. L-istess se jigri b'**dawn it-tnejn li se jgorru l-immaġini ta` tjubija, iżda li se jwasslu ħafna minn ulied Alla f`direzzjoni hazina**. Huma se jtellfu lill-hafna milli jaraw il-Verità, hekk kif l-bidliet radikali li se jġibu, matul il-hakma tagħhom, se jwarrbu n-nies mill-Liġijiet ta' Alla.

Lill-Ulied Alla se jghidulhom li l-ħażen huwa aċċettabbli u li ċerti dnubiet m'humiex offensivi lejn Alla. In-nies se jemmnuhom u, bħala riżultat, se jaghtu daharhom lil Alla.

Itolbu, itolbu, itolbu li zmien il-hakma tagħhom ikun qasir u li l-Verità tirbah sabiex l-Knisja ta` Ibni fuq l-art tibqa' shiha.

Ommkom l-Għażiża
Omm tas-Salvazzjoni

http://www.youtube.com/watch?v=xwJxbHsrzsU&feature=share&list=UUwowwo3UK5FMiRkCZjnxuwg

## Saff wara saff, l-azzjonijiet hziena tagħhom se jidhru ċari hekk kif dawn jitfixklu huma stess.

It-Tlieta 19ta` Marzu , 2013 @ 22:45pm

Ghaziza binti l-mahbuba, il-Kelma Mqaddsa Tieghi tinfirex bħal riħ qawwi madwar id-dinja kollha, f'dan iż-żmien, permezz ta' dawn il-Messaggi.

Ħafna se jisimghu l-Vuci Tieghi, kemm jekk ikunu jixtiequ jagħmlu dan, jew le, għax din tinstema bħal sajjetta qabel il-maltempata. Uħud se jaghrfu l-Ispirtu s-Santu hekk kif jaghattilhom ruhom. Oħrajn, sfortunatament, le, imma jien ngħidilhom dan. **Smajtu l-Vuci Tiegħi. Din qanqlet ir-ruħ taghkom u xorta fixkiltuni**. Madankollu, dawwartu daharkom Lejja. Tistghu tibzghu mill-Vuci Tieghi, ghax din tista' tkun qawwija, imma l-unika ħaġa li ma tistghux tagħmlu huwa li tinjorawni.

**Tant hu qawwi l-Ispirtu s-Santu Tiegħi, li Hu se jmissilkom ruħkom, tridu jew ma tridux**. Lil dawk fostkom li jaharbu, jinhbew u jippretendu li jien mhux Preżenti, għandkom tkunu tafu li intom mhux se tkunu kapaċi tiċħdu l-Preżenza Tiegħi, tippruvaw iebes kemm tippruvaw.

Xi wħud minnkom se tirreżistu l-Verità, minhabba li m'ghandkomx fidi fil-Wegħda Tiegħi li noffrilkom ħajja eterna. Ħafna minnkom jsibu dan tal-biża u jippreferu jaħsbu li l-Jum il-Kbir tal-Mulej mhux se jseħħ fil-ħajja taghkom. U għalhekk taghlqu ghajnejkom, issoddu widnejkom u tfittxu farag f`affarijiet oħra.

Is-sigurta' li tħossu meta tippruvaw isibu l-paċi, fejn tista` tinstab, se tkun qasira. **Dalwaqt se tkunu mċaħħdin mill-Kelma t'Alla**. Kliem li kontu mdorrijin tisimghu, se jisparixxi mill-Omeliji u l-ittri mill-Isqfijiet u l-Kardinali taghkom, mogħtija lilkom u lil dawk is-segwaci kollha tieghi li m' huma jissuspettaw xejn.

Setet tal-Mazuni, nfiltraw il-Knisja f'Ruma. Imma tagħmlu l-ebda żball – Jista` jkun hemm biss Papa wieħed f`ħajja wahda.

Ħafna segwaċi Tiegħi, issa se jirrifjutaw l-Kelma Mqaddsa Tiegħi, l-Verità, hekk kif għamlu matul il-guri Tiegħi, fuq l-art. Int, Binti, se tkun miċħuda, meqjusa bħala eretika, iddisprezzata u mwaqqa ghac-cajt. Inti ser issir xewka f'ġenb il-profeta l-falz. Iżda dalwaqt**, kollha kemm intom se taraw l-atti sottili u l-ġesti qarrieqa ta' dawk l-impusturi foloz li joqghodu fuq it-tronn Tiegħi f'Ruma, li dawn jammontaw għal sagrilegg.**

Saff wara saff, l-azzjonijiet hziena tagħhom se jkunu ċari hekk kif dawn ifixklu lilhom infushom, u dawk li huma mberkin bl-intuwitu, moghti lilhom minni, jindunaw bl-istmerrija, li qed issehh.

Issa l-bhima huwa mhejji u ghamel ċirku sekulari, magħmul minn xi wħud mill-mexxejja tad-dinja, bħala wiehed, f'ghaqda ma dak kollu li hu kontra r-Renju t'Alla. Spirti mxajtna li jinvadu dawn l-erwieħ msejkna, se juru ruħhom lil kulħadd, minħabba l-kburija tagħhom u l-arroganza, permezz tal-azzjonijiet tagħhom, li se jiġu analizzati u mistoqsijin sakemm it-tweġibiet finali se jisbhu fuq dawk li huma mbierka bid-Don tad-dixxerniment.

Afdaw Fija. Afdaw fid-Don tal-Fiducja. Halluni nżommkom u mmexxikom, qalb din il-

ġungla ta' kreaturi ħziena li jixtiequ jibilghu l-erwieħ taghkom.

Ġesù Taghkom

## Bhalma l-ghomja ma jistawx jaraw, fil-Knisja f'Ruma se jkun hemm dawk li jaraw, imma li xorta wahda ma jaccettawx il-Verita.

L-Erbgha 20 ta' Marzu, 2013 @07:15pm

Ghaziza mahbuba binti**, il-Krucifissjoni Tieghi qed nerga nghixha kollha kemm hi mill-gdid u kull parti ghandi x'taqsam maz-zmien tat-Tieni Migja Tieghi.**

Issa li l-Gisem Tieghi - il-Knisja Tieghi - ghaddiet mis-swat, ghal tant snin, minhabba l-ispirtu tal-hazen, il-kuruna tax-xewk bhalissa qed titpogga fuq ras it-tmexxija tal-Knisja Tieghi.

Meta t-tielet xewka taqbitli Ghajni tal-Lemin, ma  stajtx narha minnha. Stajt nara biss minn Ghajni l-ohra u rajt l-ugiegh kbir, li kienet ghaddejja minnu Ommi. Issa illi l-kuruna tax-xewk qed ittaqqab Ras il-Knisja Tieghi f'Ruma, nofshom biss jixhdu ghall-verita tal-profeziji imbassra. In-nofs l-iehor ikunu ghomja u ma jarawx id-dannu li qed isir lil kull parti tal-Gisem Tieghi - il-Knisja Tieghi - f'kull nazzjon fid-dinja.

Hekk kif l-ghomja ma jistawx jaraw, se jkun hemm dawk fil-Knisja f'Ruma, li jistghu jaraw imma li ma jaccettawx il-Verita. **Tant se tkun iebsa l-Verita, illi jkun ehfef ghal dawk il-qaddejja qaddisa Tieghi li jiehdu t-triq il-hafifa. Bezziegha, dawn se jaghzlu it-triq tad-desagrazzjoni minflok ma jerfghu is-salib Ghalija.**

Se jkun hemm dawk li jhobbuni u din il-qasma mhiex ser tfixkilhom fil-pjan taghhom biex jghinu Lili nsalva l-erwieh, minn mewt certa. Dawn l-erwieh qalbiena mimlija bil-grazzja ta' l-Ispirtu tan-Nar, ser jiggieldu biex izommu shah is-Sagramenti Qaddisa Tieghi. Dawn huma il-kleru li ser jitimghu lill-merhla Tieghi matul il-persekuzzjoni. Kull grazzja ser tinghata lil dawn erwieh puri u huma minn naha taghhom ghad iridu jmexxu l-armata Tieghi tal-Fdal, sa bibien is-Sema l-Gdida u l-Art Gdida.

**Hemm bzonn kuragg kbir biex taccetta l-Kelma t'Alla minghand il-profeti.** Qatt mhu facli li tisma il-Kliem tal-profeti, li Kliemhom jaqta' qisu xabla b'zewgt ixfar, sal-qalb tar-ruh. **It-twissijiet taghhom huma iebsa, imma helwin minhabba l-frott li jhallu,** ghax meta l-Kelma t'Alla hija moghtija bhala Rigal, din toffri s-salvazzjoni. Ahftu l-Kelma Qaddisa Tieghi ghax hija l-unika salvazzjoni taghkom. Intom, l-gheziez segwaci Tieghi, qed tigu mharsa mis-Sigill ta' Alla l-haj, u ghalhekk m'ghandkom qatt tibzghu.

**L-ghedewwa taghkom se jcanfrukom, jinsultawkom, u jippersegwitawkom, imma se nkun Jiena, Gesu Kristu li se nimxi maghkom.** Intom il-ftit maghzulin Tieghi, li twiegbu ghas-Sejha Tieghi fit-tbatija taghkom, ser tifdu hafna mill-umanita' f'Ghajnejja.

Imberikkom, naghtikom il-paci u s-sahha halli timxu warajja minghajr biza' f'qalbkom.

Gesu' Taghkom

## Iz-zmien  għad-diviżjoni huwa fil-qrib u intom ghandkom thejju ghalih.

Il-ħamis 21 ta` Marzu, 2013 @ 20:00pm

Ghaziza mahbuba binti, kif il-Qalb Tiegħi tinqasam minħabba n-niket, li qed jinħass mill-erwieħ li huma konfuzi minħabba t-tluq ta` l-ahhar Papa Tiegħi, Benedittu l-għażiż Tiegħi.

Intom, l-erwieħ għeżież Tiegħi, tħossukom tant  konfużi u, xi ftit, waħidkom. Inħoss l-uġigħ tagħkom u intom ghandkom titolbu hafna għall-id Tiegħi tal-Ħniena, sakemm inkun nista  nilħaq nserrah il-qlub mnikkta taghkom.

Dan se jkun żmien ta' tradiment għalik, Binti, minħabba li ħafna minn dawk li jkunu emmnu f'din il-Missjoni Mqaddsa se jitilqu l`hemm. Int ghandek  iżżid iz-zmien li tqatta' fl-Adorazzjoni Ewkaristika, għal sebat ijiem fil-ġimgħa u wara, inti jkollok il-hila timxi waħdek u mingħajr biża, biex tlesti x-xogħol, li jien ser nagħtik, li ħafna minnu ser jkun diffiċli hafna.

**Intom ghandkom izzommu sod, f'dan iż-żmien, kollha kemm intom. Ma ghandkomx taghtu kas ta' dawk li se  jikkundannawkom, li se jissikkaw fuq in-nervituri taghkom u li se jiżdiedu fi kwantitajiet kbar hekk kif tasal il-Gimgha Mqaddsa.**

**Kull malafama, kull gidba, kull oġġezzjoni hazina  għal dawn, il-messaggi Mqaddsa Tiegħi għad-dinja, se jkun is-salib taghkom  li se ggorru  għall-għaxar t`ijiem li gejjin.** Segwaci Tieghi, intom m'intomx ser tithallew, ghal mument wiehed, biex tistrieħu, titolbu, jew tikkontemplaw fuq il-Kelma Mqaddsa Tiegħi.

Kunu ghafu, li mingħajr il-protezzjoni tar-Ruzarju Mqaddes, li għandu jingħad kuljum, intom ser tħallu lilkom infuskom miftuħa għad-dubji, li ma jkunux ġejjin minni.

**Iz-zmien  għad-diviżjoni huwa fil-qrib u intom ghandkom thejju ghalih**. Nixtieq nagħtikom grazzja speċjali biex tgħinkom tifilħu ghall-persekuzzjoni u l-pressjonijiet, li se jitqiegħdu fuqkom, li jhajrukom biex titbeghdu mill-Messaġġi Tiegħi. Hemm bzonn fidi kbira, fiduċja u nervi ta' l-azzar, biex tiffokaw fuq il-Kelma Mqaddsa Tieghi, u għalhekk, ghandkom  tgħidu din it-Talba tal-Kruċjata, darba kuljum, minn issa.

**Talba tal-Kruċjata (102) Sabiex insostnu l-fidi u twemmin fil-Messaġġi t`Alla għad-dinja**

*"L-Ghezez Ġesù, meta nkun imdejjaq, erfaghni.*

*Meta niddubita, illuminani.*

*Meta ninsab fin-niket, urini l-imħabba Tiegħek.*

*Meta  nikkritika, għinni nibqa sieket.*

*Meta niggudika lil xi hadd fil-pubbliku, ghalaqli xofftejja.*

*Meta nidghi, f`ismek, ifdini  u ġibni lura fil-protezzjoni Tiegħek.*

*Meta jonqosni l-kuraġġ, agħtini x-xabla li ghandi bżonn biex nitqabad u nsalva l-erwieħ li tixtieq.*

*Meta nirreżisti l-imhabba Tieghek għinni ncedi u nabbanduna lili nnifsi, ghal kollox, fil-ghozza Tieghek ta' mhabba.*

*Meta niggerra l-bogħod, għinni biex insib t-triq tal-Verità.*

*Meta niddubita mill-Kelma Tiegħek, agħtini t-tweġibiet li ntfittex.*

*Għinni nkun pacenzjuz, mahbub u generuz, anke lejn dawk li jishtuk.*

*Għinni nahfer lil dawk li joffenduni u agħtini l-grazzja li ghandi bżonn biex insegwik sa truf l-art. Amen. "*

Morru, segwaċi prezzjużi Tiegħi, u ftakru li d-dover taghkom huwa Lejja, l-Knisja taghkom u t-Taghlim Tiegħi. Ħudu x-Xabla tas-Salvazzjoni u biha ssieltu Mieghi biex niehdu kull ruħ, inkluż dawk li jidinbu kontrija, fir-Renju Tiegħi.

Ġesù Taghkom.

## [Nixtieq li s-segwaci kollha Tieghi jaghmlu ħin ta' sawm minn nhar it-Tnejn li jmiss sal-Gimgha L-Kbira fit- 15:30pm.]

Il-Ġimgħa 22 ta` Marzu, 2013 @ 09:45pm

Ghaziza l-mahbuba binti, **Nixtieq li s-segwaci kollha Tieghi jaghmlu ħin ta' sawm** minn nhar it-Tnejn li jmiss sal-Gimgha L-Kbira fit- 15:30pm.

Anke l-icken sinjal ta' sawm, se jgib lilkom ilkoll, titwila ghal go l-Pjan Tiegħi ta' salvazzjoni, u kif tistghu tgħinuni biex insalva l-erwieħ tal-midinbin kollha.

**Huwa permezz tas-sawm li intom issiru sħaħ mill-ġdid.** Billi tnaddfu l-ġisem tagħkom, l-ispirtu tagħkom jiġi mġedded. Nixtieq ukoll li tirċievu s-Sagrament tal-Qrar, jew liema forma ta' rikonċiljazzjoni hija disponibbli ghalikom. Jekk jogħġobkom, jekk intom ma tkunux tistgħu tirċievu dan is-sagrament, allura aċċettaw d-Don li tajtkom tal-Indulgenza Plenarja Tiegħi xi żmien ilu.

(It-Tlieta 31 ta`Jannar, 2012 @ 21:30PM)

Intom ghandkom tgħidu din it-talba għal sebat ijiem wara xulxin, biex tingħataw d-Don tal-Assoluzzjoni totali u l-Qawwa tal-Ispirtu s-Santu.

*"O Ġesù Tieghi , Inti l-Dawl tad-dinja. Inti l-fjamma li tmiss l-erwieħ kollha. Il-Ħniena Tiegħek u l-imhabba Tieghek m'għandhiex tarf.*
*Aħna mhux denji tas-Sagrifiċċju li ghamilt bil-mewt Tiegħek fuq is-Salib, iżda nafu li l-imhabba Tieghek ghalina hija akbar mill-imħabba li ahna ghandna ghalik.*
*Għatina , O Mulej, id-Don ta` l-Umiltà, sabiex inkunu denji tar-Renju l-Gdid Tieghek.*
*Imlina bl-Ispirtu s-Santu, sabiex inkunu nistgħu nimxu l-quddiem u mmexxu l-armata Tiegħek biex niddikjaraw il-Verità tal-Kelma Mqaddsa Tiegħek u nhejju l-ħutna għall-glorja tat-Tieni Migja Tieghek fuq l-art.*
*Aħna Nadurawk. Aħna Nfahhruk.*
*Noffru lilna nfusna, n-niket taghna, t-tbatija tagħna bħala rigal Lilek biex issalva l-erwieħ.*
*Aħna nhobbuk, Ġesù. Ikollok Ħniena minn uliedek kollha, ikunu fejn ikunu. Amen. "*

**Imbagħad fl-ispirtu, nixtieqkom biex tissieħbu Mieghi, bħal li kieku intom qeghdin preżenti ma l-appostli Tieghi fl-aħħar Ċena Tiegħi.** Intom se taqsmu Mieghi, il-ħobż bla ħmira u tieklu Miegħi fuq il-mejda Tiegħi. Intom, segwaċi Tiegħi, tistgħu taqsmu Miegħi, l-Kalci Tiegħi tat-Tbatija, bir-rieda ħielsa tagħkom stess, jekk taċċettaw l-offerta Tiegħi.

Jekk tistgħu taċċettaw dan, intom, bi tpattija għad-dnubiet tal-bniedem mortali, ssalvaw miljuni ta' erwieħ. **Nagħti Ħniena lill-aktar midinbin iebsa , bi tpattija għar-rigal taghkom ta’ tbatija.**

Hawn hi t-Talba tal-Kruċjata għalikom jekk tixtiequ taqsmu l-Kalci Tiegħi tat-Tbatija. **Ghidu din, tlettt darbiet, meta intom tkunu tistgħu**, iżda l-ahjar matul xi ħin tas-sawm.
**Talba tal-Kruċjata (103) Biex taqsmu l-Kalci tad-Tbatija ma' Kristu.**

*"Nintelaq quddiemek, għażiż Ġesù, u f`Riglejk,biex tagħmel minni dak li trid għall-ġid ta' kulħadd.*

*Hallini naqsam il-Kalci tat-Tbatija Tiegħek.*

*Ħu din l-ghoţja minn ghandi, sabiex Inti tkun tista` ssalva  dawk l-erwieħ foqra li huma mitlufin u mingħajr tama.*

*Ħudni, fil-ġisem, sabiex  nista` naqsam l-Uġigħ Tiegħek.*

*Żommli  qalbi fl-idejn qaddisa Tiegħek u ġib ir-ruħ tiegħi f'ghaqda wahdai Miegħek.*

*B'din l-ghoţja ta' tbatija tiegħi, nhallii l-Preżenza Divina Tiegħek tħaddanli ruħi, sabiex Inti tkun tista' tifdi l-midinbin kollha u tgħaqqad l-ulied kollha t' Alla għal dejjem ta` dejjem. Amen. "*

**Dan is-sagrifiċċju mill-parti tagħkom, ippreżentat Lili, Ġesù Kristu, Feddej tal-umanità kollha, se jippermettili  li nxerred  il-Ħniena Kbira Tieghi madwar id-dinja kollha.**

Aktar importanti minn hekk, se nsalva anke lil dawk li jobghoduni. It-Talb tagħkom u s-sagrifiċċju huma l-unika grazzja ghalihom, għax mingħajr dan, huma jkunu meqruda mill-ħażin.

Nagħtikom barkiet kbar u nitlobkom tkomplu Miegħi f'dan il-vjaġġ Tiegħi, biex inqajjem lid-dinja mir-raqda tagħha u nneħħi l-velu ta' qerq li jghattiha.

Ġesù Taghkom.

**Omm  Alla: Il-Gisem ta` Ibni ġie mcarrat fi bcejjec.**

L-Erbgħa 23 ta` Marzu, 2013 @ 11:45pm

Binti, ħafna ma jifhmux ir-rwol Tiegħi bħala Ko-Redentrici. Lanqas ma jafu għaliex dan huwa hekk.

Meta aċċettajt is-sejħa biex nsir l-Omm t'Alla, Jien kont marbuta mal-Patt tas-Salvazzjoni t'Alla, għall-umanità.

Meta garrejt lil Ibni, hassejt l-istess imħabba, li kull omm jkollha għal uliedha. Dan, it-tifel safi, sabih u zghir kien parti minni, laħmi u demmi stess. Madankollu, Jien kont ukoll konxja li hu ma kienx biss tifel. L-Ispirtu Tiegħu daħal f'ruħi, hekk kif tfajt harsti lejH. Huwa u Jien konna maghqudin bħala haga wahda, fejn hassejt kull emozzjoni, ferh, Uġigħ u l-imħabba, li Hu ghadda minhom. Kont wkoll naf li Hu kien Divin u li Jien kont bħala qaddejja Tiegħu, għalkemm Hu qatt ma hallieni nħossni hekk.

Bħala tarbija, kien ipoggi r-ras Divina Tiegħu qrib sideri u jlissen kliem ta` Mhabba b`tali emozzjoni li kien jimla l-Qalb Tiegħi u kont inhossha kienet ser tinqasam bil-ferh. Hu, dan it-tifel zghir Tieghi, sar dak kollu li ghalih kont qed nghix. Kull kuntatt kien jimlieni bi hlewwa u b`ferħ tal-ghageb. Dawk kollha li rawh, anke bħala tarbija, kienu jgħiduli kemm kien speċjali. L-Għajnejn penetranti Tiegħu kienu jqanqlulhom ruħhom u ħafna ma kinux jafu għaliex.

Din l-ghaqda speċjali bejni u l-Iben għażiż Tiegħi qatt ma tista' tinkiser. Kont naf li kont twelidt biss, biex inkun nista' nsir Ommu. Dan ir-rwol kien l-uniku raġuni għal ezistenza Tiegħi.

U għalhekk, kont nwettaq kull xewqa Tiegħu, u Hu, b` Imhabba u Kompassjoni, kien iqieghed il-bżonnijiet Tiegħi qabel Tiegħu. Jiena, l-Omm Tiegħu, l-qaddejja umli Tiegħu, dejjem ilqajt ix-xewqat Tieghu.

Meta Huwa ma kienx jigi emmnut li huwa Bin il-bniedem, meta kien ihabbar il-Verita u kien jaghmel dak li kien jixtieq Missieru, Jien kont nibki dmugh ta' mrar. Kif kien jaqsamli qalbi meta kien ikolli nkun xhud tal-persekuzzjoni Tieghu.

Jien kont inbati l-ugigh Tieghu, mhux bhal kwalunkwe omm – kieku kellhom jaraw dan l-ugigh imwettaq fuq uliedhom – l-ugigh Tieghu kien isir Tieghi, u Tieghi Tieghu.

Geghluh jimxi b'idejh marbutin quddiem bil-hbula madwar qaddu, li jfisser li kellu jimxi – tikka tikka u jkaxkar saqajh. X'hin tefghulu s-Salib fuq il-Gisem imtertaq u mbiccer Tieghu, l-ugiegh Tieghi kien hekk kbir li kien ihossni hazin minn hin ghall-iehor.

**L-ugigh Tieghi ma kienx dak fiziku biss; id-dulur Tieghi nifidli qalbi u qasamhieli fi tnejn. Sal-gurnata tal-lum il-qalb Tieghi, hija hekk maghquda ma' dik ta' Ibni illi, matul il-Gimgha Mqaddsa, Jiena nerga' nghix l-ugigh, it-turment u l-persekuzzjoni ma' Ibni, kollu mill-gdid.**

Uliedi, biex nispjegalkom is-selvagija li giet uzata fuq Ibni, ikun impossibli ghalikom li tifhmuha, is-swat tant kien feroci illi Gisem Ibni gie mtertaq.

**Qatt tinsew li Hu kien Bin il-Bniedem, mibghut biex jifdi kull ruh fid-dinja, inkluzi dawk hajjin fid-dinja llum. Huwa miet f'agunija terribli biex isalva lil kull**

**wiehed u wahda minnkom illum.** It-tbatija Tieghu ma spiccatx fuq il-kalvarju. Ghad irid jibqa jhossha, sal-Gurnata l-Kbira, tat-Tieni Migja Tieghu.

Dawk li jinjoraw dawn it-Twissijiet mis-Sema`, huma hielsa li jaghmlu dan. M'humiex ser jigu ggudikati talli rrifjutawhom. Imma, meta huma jmorru l-boghod mill-verita`ta' dawn ir-rivelazzjonijiet mis-Sema` huma jigu ttantati ghad-dnub.  Id-dnubiet, li huma jigu ttantati bihom, huma dawk, li se jigu ddikjarati li m'ghadhomx dnubiet, mill-ghedewwa ta' Ibni, fil-Knisja fl-art.

Grazzi, wliedi, talli tifthu mohhkom, qlubkom u ruhkom ghal din is-sejha mis-Sema mibghuta lilkom permezz ta' l-imhabba, li Alla ghandu ghal uliedu kollha.

Il-Mahbuba Omm Taghkom

Omm tas-Salvazzjoni

## Il-Missjoni Tiegħi mhiex li  naghtikom Bibbja ġdida, dak qatt ma jista' jkun, ghax  il-Ktieb ta` Missieri fih il-Verità sħiħa.

Il-Ħadd 24 ta` Marzu, 2013 @ 06:06pm

Ghaziza l-mahbuba binti, **meta inti tigi mistoqsija, minn dawk li jħobbuni, x'inhu l-iskop tal-Missjoni tiegħek, it-tweġiba tiegħek għandha tkun – biex insalvalkom ruhkom.** Meta int tigi ddisprezzata, mwaqqa` ghac-cajt u mitluba tghid x`jagħtik id-dritt li xxandar il-Kelma t'Alla - it-tweġiba hija - biex Ġesù jista' jsalvalkom ruhkom. Imbagħad, dawk li diġà jipproklamaw l-Kelma Mqaddsa, u li jsegwu t-Taghlim Tiegħi, jakkużawk b'ereżija - allura r-risposta għalihom hija din. Intom, li intom leali lejn Kristu, ma taħsbux li intom, ukoll, midinbin f`Għajnejn Alla? Ma tridux intom, ukoll, ssalvaw ruhkom?

Id-dnub dejjem jigi bejnek u bejn Alla. **Kull ruħ, kemm l-midneb l-aktar stinat, kif ukoll dawk fostkom li huma erwieħ magħżula, qatt mhu se jkunu ħielsa mid-dnub, sakemm Jiena nigi mill-ġdid.** Intom tistghu tkunu mifdija kull darba li intom tqerru d-dnubiet tagħkom, iżda r-ruħkom tibqa nadifa, għal żmien qasir.

Qatt tħossukom li m'ghandkomx il-bżonn tal-Ikel tal-Ħajja. **Id-Dawl Tieghi jiġbidkom, issa Lejja, permezz ta din il-Missjoni speċjali ħafna**. Nagħtikom barkiet kbar u grazzji speċjali meta tirrispondu għas-sejħa Tiegħi, hekk kif insejhilkom lejn ir-Renju Gdid Tiegħi – S-Sema l-Gdida Tieghi.

Intom taħsbu li Alla ma ghandux bżonn jibgħat profeta iehor - li l-umanità giet mehlusa mill-ħakma ta' Satana, wara l-mewt Tiegħi fuq is-Salib, li intom ġejtu mogħtija l-Verità permezz ta` t-Taghlim Tiegħi diġà, u li l-Verità tinsab fil-Ktieb ta`Missieri, il-Bibbja Mqaddsa. U intom tkunu korretti, iżda jonqos dan. Għad hemm aktar x'għandkom tkun tafu, ghax il-profeziji li jinsabu fil-Ktieb tar-Rivelazzjoni mhumiex magħrufa lilkom. Intom ġejtu mogħtija dan fil-qosor - u madankollu ħafna minnkom ma jaccettawx il-kontenut tiegħu. Intom tixxammru mill-Ktieb tar-Rivelazzjoni u ma ghandkom l-ebda xewqa li tifmugh.

**Il-Missjoni Tiegħi mhiex li naghtikom Bibbja ġdida, dak qatt ma jista' jkun, ghax il-Ktieb ta` Missieri fih il-Verità sħiħa.** Xogholi, f'dinja mitfugħa fill-paganismu, huwa li nfakkarkom fil-Verità fuq naħa wahda, u fuq l-oħra, hija x-xewqa Tieghi li nipprepara l-erwieħ tagħkom, għaż-żmien tat-Tieni Migja Tiegħi.

Ħafna minnkom jgħidu li jonorawni, iżda ħafna marru l'bogħod mill-Verità. Ħafna ma jemmnux f'Satana jew fl-eżistenza ta` l-infern, u b'hekk, ma jeħdux id-dnub bis-serjetà. Intom ġejtu mmexxija fi żball gravi permezz tat-tolleranza tagħkom għad-dnub. U issa l-agħar żbalji se jsehhu, f`kull parti tal-Knejjes Insara, meta d-dnub ser jiġu mitfugħ fil-genb. Intom se tkunu mmexxija lejn duttrina ta' qerq. Dan huwa pjan mahdun mill-Hazen biex jehodkom l'bogħod Minni.

Minħabba li l-Preżenza Divina Tiegħi, Il-Gisem Tiegħi u d-Demm Tiegħi, jinsabu f'kull Tabernaklu fid-dinja – intom kellkom il-forza tiġġieldu lid-dnub. Imma issa, meta l-pjan biex titneħħa l-Ewkaristija Mqaddsa wasal, intom ma jkollkom il-hila li tagħmlu xejn.

Ghalhekk qed nikxfilkom il-Verità ta' dak li ġej, sabiex inhejjikom. Huwa biss ghax inhobbkom li issa qed insejhilkom.

Meta l-iżbalji jinkixfu, mbagħad tindunaw kemm ghad għandkom x'titgħallmu u kif il-

kburija fixklitkom milli taċċettaw l-id Tiegħi tal-Ħniena u kif m`intom xejn mingħajri.

Ġesù Taghkom.

## L-akbar biza' li rajt fi Żmieni fil-Gnien taz-Żebbuġ, kien il-flagell tad-dnub fiz-zmien ta' l-ahhar.

It-Tnejn 25 ta`Marzu, 2013 @ 14:50pm

Ghaziza l-mahbuba binti, **l-akbar biza' li rajt fi Żmieni fil-Gnien taz-Żebbuġ kien il-flagell tad-dnub fiz-zmien ta' l-ahhar. Matul il-viżjoni, murija Lili minn Satana, rajt il-waqgħa l'bogħod, tal-bniedem mortali mill-Liġijiet t'Alla**. **Huwa, l-ħażin, urieni vizjonijiet terribbli; ittantani b'kull mod, ghala ghandi ndur lilhinn mir-Rieda ta' Missieri.** Hu ried jittormentani u hekk hu wera l-poter li kien għad għandu, minkejja l-mewt Tiegħi fuq is-salib.

**Gejt muri l-qerda finali tal-Knisja Tiegħi fid-dinja; il-ħtif tal-poter fi ħdanha, minn settet mazuni, l-immoralità tal-bniedem; n-nuqqas ta' mistħija min-naħa ta` wlied Alla, hekk kif jaghmlu dnubiet hziena tal-ġisem: il-qtil tal-innocenti u l-waqa` fl-iżball minn dawk li jistqarru li jitkellmu f-Ismi.**

Tant hu qawwi Satana, li hu zera` dubji f`mohhi fuq li jien kont Bin il-Bniedem. Jien , fid-Divinita Tiegħi, ma nistax naqa' fid-dnub, imma nghidilkom dan, sabiex l-umanità tista' tifhem kif il-ħażen jista` jittantak biex iddur l'bogħod minni.

Satana ma jippreżentax l-ħażen fil-modi l-aktar ovvji. Minflok huwa jahbi l-ħażen bħala tajjeb. Huwa hazin, u jista anki jqarraq b'dawk l-aktar qaddisa fostkom, billi temmen li gidba hija l-Verità.

Hekk kif in-nies jaqgħu il-bogħod mit-Taghlim Tiegħi, dawn se jħaddnu d-dnub bir-rieda kollha taghhom u bir-regħba fi qlubhom. Mingħajr direzzjoni huma dejjem se jitilfu l-grazzja. Meta ismi jigi mnehhi minn wiċċ id-dinja, il-bniedem ma jkunx kapaċi jsib lill-Alla.

Ma taghmilx differenza x'reliġjon intom thaddnu, għax l-unika triq li twassal lejn Alla huwa permezz Tieghi, l-Iben uniku Tiegħu. Minħabba l-mewt Tiegħi fuq is-salib, salvajtkom - inkluż kull raġel, mara u t-tfal kollha ħajjin fid-dinja llum – min-nirien ta' l-infern. Jekk intom ma taċċettawx dan, allura ma tistghux tidħlu fil-Bibien tas-Smewiet. Huwa biss permezz tal-Iben li intom tistghu tiġu ppreżentati lill-Missier. Irrifjutawni, Ġesù Kristu, u intom tirrifjutaw s-salvazzjoni tagħkom.

Kemm tgħallimtu ftit fuq d-dnub u kif dan jifridkom minn Alla. **Il-firxa tad-dnub qatt ma kienet daqshekk bis-sahha, minn meta Alla ħoloq id-dinja**. Intom midinbin ilħaqtu qighan ġodda, li jiddisgustawni. Intom esponejtu sahansitra liz-zghar, li

kienu fdati fil-kura tagħkom, dawn igibu ruhhom bħax-xjaten. Intom neqsin mill-karità, imħabba u kompassjoni ghal xulxin, u madankollu ħafna minnkom juru atti ta` fidi quddiem id-dinja, biex din tara u tammira. Hekk kif il-Farizej iddettaw il-Liġijiet t'Alla, izda ma haddmuhomx, u lanqas ma wrew umiltà, hekk ukoll, dawk fostkom li jgħidu li jigu f`Ismi jaqghu għad-dnub tal-kburija.

Ghad ghandkom bżonn titgħallmu hafna dwar il-Vuci Tiegħi u t-Taghlim Tiegħi, li ghadhom xorta jaqgħu fuq widnejn torox. Imbagħad hemm dawk li jqattgħu l-ħin tagħhom kollu jiproklamaw l-għarfien tagħhom t'Alla, jgħidu li jafu l-profeziji, li għadhom għad jiġu żvelati, iżda ma jafu xejn. Kieku ma kienx għall-Ħniena Kbira Tiegħi intom  ma tkunux tajbin biex tidħlu fir-Renju Tiegħi.

**Wasal iż-żmien għal dawk kollha li jsostnu li jiggwidaw lil Ulied  t'Alla, fil-modi tal-Mulej, li jitolbuni, Lili, Ġesù Kristu, għad-Don tal-umiltà.** Wasal iż-żmien għalikom  biex tisimghu l-Verità, hekk kif kienet mogħtija lilkom, għax intom ma għandkomx  ħafna ħin biex tifdu lilkom infuskom f'Għajnejja.

Ġesù  Taghkom.

## Għandkom iżżommu għajnejkom miftuħa għal dak kollu , li jinsulta d-Divinita Tiegħi

IT –Tlieta 26 ta` Marzu, 2013 @ 21:17pm

Għażiża mahbuba Binti, dan il-Messaġġ huwa għad-dinja. Huwa għall-Insara ta' kull denominazzjoni, il-Lhud u dawk ir-reliġjonijiet kollha li jipproklamaw l-Missier Tiegħi li jista Kollox, Alla l-Aktar Gholi.

Dan il-Messaġġ Huwa wkoll għal dawk li ma jemmnux f`Alla l-Missier, jew Fija, l-Iben wahdieni mnissel Tiegħu. Huwa wkoll għal dawk li ma jaghtux kas x`hajja hemm l-quddiem u li l-indifferenza taghhom tfisser li ma jistghux jaċċettaw l-eżistenza t'Alla.

Permezz ta` dawn il-Messaġġi, intom qed tiġu mwissija dwar il-periklu għall-ħajja futura tagħkom u l-benesseri tagħkom, biex inkun nista ngibkom kollha fis-Sema l-Ġdida, li giet maħluqa għalikom, meta s-Sema u l-Art se jingħaqdu bħala waħda. Is-Saltna hija lesta u l-Bibien se jkunu miftuħa għal kull wiehed minnkom. Dan ir-rigal sabiħ, fejn intom se tgħixu fil-ġisem, moħħ u ruħ perfetti, ġej minn Alla l-Wiehed li jista kollox, li halaq id-dinja.

Il-zmien ta' l-eżilju tagħkom fuq l-art huwa kważi mitmum. Qatt izjed mhu ser ikollkom issofru l-uġigħ tad-dnub, li joħloq qerda f'kull parti tad-dinja. Il-Mibgħeda, li hija miżmuma ħajja permezz tal-infestazzjoni ta' Satana fid-dinja, mhux se tibqa teżisti. Meta l-mibgħeda tkun ġiet mkeċċija, il-ħażen ma jibqax itebba' l-Ħolqien perfett t'Alla. IL-Pjaneta Tiegħu, Id-Doni tan-Natura Tiegħu, Il-Protezzjoni Tiegħu u l-Imhabba Tiegħu se jiġu mġedda biex jagħtikom ħajja ta' eternita' fejn l-ebda mewt ma tezisti.

Il-hajja fid-dinja, kif inhi bhalissa, qatt ma tista' tissodisfakom, sakemm ikun jahkem Satana. Il-hakma tieghu ga giet fi tmiemha, izda dawk li huwa jinfesta, jkomplu jxerrdu d-dnub billi jigbdu maghhom fid-dlam tad-disperazzjoni, lill-innocenti u dawk li mhumiex daqshekk innocenti. Din l-infestazzjoni ser tkompli sakemm jigu mehuda, kemm jista' jkun erwieh u jigu pprezentati lill-bestja – li dan jiblaghhom.

Fl-ahhar, Jiena gej dalwaqt, bhal ma kien imhabbar, ghat-tieni darba; biex ingibilkom is-Salvazzjoni u naghtikom ic-Cavetta tas-Saltna Tieghi l-Imweghda. Is-Saltna Tieghi tinzel mis-Sema, biex id-dinja kollha taraHa, qabel ma ddoqq l-ahhar trumbetta. Meta din it-trumbetta ddoqq, ikunu dawk biss li hallewni nifdihom u dawk fidili lejn il-Kelma t'Alla, li jigu mehudin. Huwa ghalhekk li m'ghandkomx thallu l-kburija taghmikom, ghas-Sejha t'Alla f'dan iz-zmien. Din il-Missjoni ilha mhejjija minn zmien l-ewwel profeziji li nghatew minn Alla lir-razza umana. Kunu grati illi permezz tal-Hniena t'Alla, intom gejtu moghtija dan ir-Rigal Kbir. Qatt thallu l-kburija taghmikom ghall-Prezenza Tieghi, ghax dak huwa li jbeghdkom mill-Hniena Tieghi.

Qieghed inhejjikom issa, sabiex inkun nista' nsalva l-umanita' kollha u mhux biss lil dawk il-maghzulin li jaqduni b'umilta' kbira. Jiena rrid lilkom lkoll, ma jaghmilx differenza dak li intom temmnu. Missieri fassal din il-Missjoni biex jifthilkom qalbkom, halli tilhqu taraw il-Verita' fil-waqt, qabel il-Jum il-Kbir, meta Jiena nigi biex naghmel haqq.

Id-Don ta' l-Ispirtu is-Santu, jibqa' jigi mferra' fuq din il-Missjoni u jiksi l-erwieh kollha – specjalment dawk li jwebbsu rashom u jaghtuni daharhom. Il-battalja ghall-erwieh hija bejn is-Saltna Tieghi u l-abbiss terribbli li jahkem fuqu l-bestja. **Ghandkom izzommu ghajnejkom miftuhin ghal kull haga li tinsulta d-Divinita' Tieghi.** Ma taghmilx differenza minn fejn ikunu gejjin dawn l-insulti, imma intom m'ghandkom qatt taccettawhom fl'Isem Qaddis Tieghi.

Issa huwa z-zmien tal-gidba l-kbira u Jiena nheggigkom biex titolbu lil Alla ghall-Gherf biex taghrfu dak li hu gej Minni u dak li mhux.

Gesu' Taghkom.

**[Il-Bidla taghkom minn din id-dinja, ghas-Saltna l-Gdida Tieghi, ser tkun minghajr ugigh, f'mument u hekk f'daqqa, illi intom lanqas tilhqu tiehdu nifs wiehed]**

L-Erbgħa 27 ta` Marzu, 2013 @ 11:15pm

Għażiża mahbuba Binti, ejjew kollha kemm intom u ngħaqdu mieghi fit-tifkira tal-jum meta intom ingħatajtu d-Don kbir tal-Fidwa.

Il-Ġimgħa l-Kbira, għandu jiġi mfakkar bħala l-jum meta l-Bibien tas-Sema kienu finalment miftuħa biex tilqa l-Ulied t'Alla mill-eżilju tagħhom minnu. Il-Mewt Tiegħi gabitilkom futur li intom qatt ma kien se jkollhom, kieku Missieri ma bagħatnix bħala l-Messija.

Il-Gisem Tiegħi kien msallab, iżda il-Mewt Tiegħi ġabitilkom il-ħajja. **F'dan, iz-zmien tat-Tieni Migja Tiegħi, Il-Gisem Tieghi ser isofru l-istess Krucifissjoni - biss din id-darba se tkun il-Knisja Tiegħi, il-Ġisem Mistiku Tiegħi li se ssofri.** Għandkom tkunu tafu li jien qatt ma se nhalli t-tislib tal-Knisja Tiegħi li teqred il-fidi ta' Ulied Alla. Allura issa, nsejjah kull persuna, kull twemmin, kull kulur u kull razza biex tisma Minni.

**Intom dalwaqt se taraw is-sinjali kollha fuq l-art, li jaghtukom prova li intom il-Holqien t'Alla.** Intom dalwaqt se tkunu tafu li intom qatt mhu se tmutu jekk intom ssejħu l-Ħniena t'Alla. Il-futur għalikom kollha, li taċċettaw li intom ulied għeżież t'Alla, huwa mill-isbah. Jiena nistieden lilkom, lill-familja u ħbieb tagħkom biex tissieħbu fis-Saltna Tiegħi u tieklu mill-Mejda Tiegħi.

**Il-Bidla taghkom minn din id-dinja, ghas-Saltna l-Gdida Tieghi, ser tkun minghajr ugigh, f'mument u hekk f'daqqa, illi intom lanqas tilhqu tiehdu nifs wiehed qabel ma taraw il-gmiel taghHa.** Nitlobkom biex ma tibzghux mit-Tieni Migja Tieghi, intom li thobbu lil Alla. Alla jhobbkom. Jiena nhobbkom. It-Trinita' Qaddisa ser thaddan lid-dinja u lil dawk kollha li jaccettaw l-Id Tieghi ta' Hniena u li juru dispjacir ghall-hajja taghhom midinba, dawn ghalihom m'hemmx biza'.

**Dawk fostkom li huma qawwija fil-Fidi, ser jigu mehudin malajr. Il-hin ghal dawk li jaqghu lura, neqsin mill-Fidi u li jsibuha bi tqila biex jersqu Lejja, ser ikun itwal.**

Intom, segwaci fidili Tieghi, ser ikollkom tghinu lid-dghajfin u lil dawk li ntilfu. Il-Hniena Tieghi hija hekk kbira, li Jiena ser naghti lil dawn l-erwieh kollha, il-hin li hemm bzonn biex nehodhom fil-hajja Eterna, li Jiena weghdt lil kulhadd. Qatt thossukom qalbkom maqtugha, meta kollox jidher bla tama, hekk kif id-dnub jibqa' jibla' l-erwieh tad-dghajfa. Ahna rridu nahdmu flimkien biex insalvaw lil dawk li huma tant l'boghod Minni, li kwazi xejn ma jista' jgibhom f'Dirghajja. Permezz ta' l-imhabba taghkom ghal xulxin, isehhu Mirakli biex jikkonvertu lil dawn l-erwieh mitlufa. Din hija l-Weghda Tieghi lilkom. It-talb, u jrid ikun hafna, huwa parti mid-dover taghkom Lejja, biex insalvaw dawn l-erwieh mit-tmiem tal-biza', li qed jigi mfassal minn Satana, kontra ulied Alla li hu tant jobghod. Ma nistghux inhalluh jiehu dawn l-erwieh.

**Is-Sejha Tieghi hija ghal kulhadd. Dawn il-messaggi ma jhallu barra lill-ebda twemmin. Ghall-kuntrarju, qed jigu moghtija ghal kull iben t'Alla b'imhabba kbira, ghax intom kollha ndaqs f'ghajnejH.**

Kunu fil-Paci u afdaw fl-imhabba t'Alla.

Gesu' Taghkom.

## Il-Periklu ghall-ezistenza ta' l-Ewkaristija Mqaddsa, se jigi muri lilkom.

Il-Hamis, 28 ta' Marzu 2013. @ 09.30pm

Ghaziza mahbuba binti, int issa tista' tifhem kemm din il-Missjoni hija mistmerra mill-wiehed tal-hazen. Madanakollu, inti ghandek taqbez it-tfixkil qalil, li qieghed biex imexxi bil-mod dan ix-xoghol.

**Il-Periklu ghall-ezistenza ta' l-Ewkaristija Mqaddsa, se jigi muri lilkom, permezz ta' l-arroganza ta' dawk fil-Knisja Tieghi, li l-pjan taghhom biex jibdlu l-Verita', beda b'sahha.**

Ma jimpurtax li bosta fostkom ikemmxu xufftejhom ghal Missjoni Tieghi biex inhejjilkom ruhkom ghall-Jum il-Kbir. Biz-zmien ghad issiru tafu li kont veru Jien, Gesu' Kristu, li qed nigi sabiex naqdikom.

Jiena s-Sid taghkom, u Jiena l-Qaddej taghkom. Intom, qaddejja qaddisa Tieghi, ghandkom izzommu f'mohhkom x'inhi l-parti taghkom u qatt ma tinsewha. Bhala qaddejja, intom ma tistghux tkunu sidien ukoll. Ghax jekk intom sidien, allura ma tistghux taqdu Lili. Hafna minnkom fil-Knisja Tieghi, nsejtu x'kontu mghallmin. Intom insejtu l-Kelma t'Alla.

Il-Weghda Tieghi hija li naghtikom l-Ikel tal-Hajja – Gismi u Demmi – u madanakollu intom sejrin tergghu tichduni. Intom ser taghmlu dan billi tnehhu l-Ewkaristija Mqaddsa mit-Tempju t'Alla u ggibu minflokHa, gisem bla hajja. Il-bidla ser tkun fin, fin u ser tiehdu ftit tal-hin sakemm tindunaw bil-bidla qarrieqa, li se jgibu fuqkom.

**Hekk kif il-Gisem Tieghi fl-Ewkaristija izommkom hajjin, il-mewt tal-Gisem Tieghi, tal-Knisja, iggib il-mewt lir-ruh ta' dawk li jarmuni.**

Iz-zmien ghal din l-istmerrija huwa fil-qrib hafna. Iz-zmien biex taghzlu bejn it-Triq Tieghi jew dik tal-profeta l-falz, huwa kwazi fuqkom. Ghassu issa, x'hin il-Verita' tigi milwija mill-impostur. Araw kif ser jgholli lilu nnifsu fiz-zarbun Tieghi, imma ma jaccettax li jimxi l-moghdija tal-Verita' bhala qaddej t'Alla.

Gesu' Taghkom.

## Illum il-Knisja Tieghi ser tigi Msallba. Illum huwa l-bidu tal-bidliet

Il-Gimgha, 29 ta' Marzu 2013 @ 12.15am

**Jum il-Gimgha l-Kbira.**

**Ghaziza mahbuba binti, illum il-Knisja Tieghi ser tigi Msallba.**

**Illum huwa l-bidu tal-bidliet** li ser ikunu ta' malajr u li ser jigu biex ibiddlu id-dehra tal-Knisja Kattolika fid-dinja.

Warajha tigi l-ghaqda tar-religjonijiet kollha, li ser tigi murija fuq kull sinjal fil-pubbliku u murija apposta biex il-poplu jkun xhud taghha.

**Ghassu issa halli taraw kif kulma ghidtilkom Jien, ser johrog fid-dawl.** Nisfida lil dawk fostkom li tichdu din il-verita' kerha, meta tigu mgeghla tibilghu l-gidba.

Intom is-segwaci Tieghi ghandkom tipprotegu s-Sagramenti Tieghi u tkunu ghassa. Intom il-qaddejja qaddisa Tieghi, dalwaqt tigu ppruvati, hekk kif d-Divinita' Tieghi tigi sfidata. **Il-Ligijiet t'Alla, jigu rrangati u hekk kif l-Ewkaristija Mqaddsa tigi mbaghbsa, Id Alla ser tinzel hekk b'sahha, illi intom ser tkunu tafu mall-ewwel li dawn il-Messaggi gejjin mis-Sema.**

Id-dulur Tieghi ser isir id-dulur taghkom. In-niket taghkom, minhabba li tafu l-Verita', ser jaghmilha mpossibbli ghalikom li taccettaw is-sacrileggi, li intom ser tigu mghallma biex thaddnu.

Sahansitra f'dak il-punt, jekk intom ma taccettawx il-profeta Tieghi u l-Kliem li Jien naghti lilha, Jien naghtikom ftit zmien iehor. **Fil-qrib hafna, intom ser tigu mitluba biex iggeddu l-weghdiet taghkom, minn dawk il-mexxejja fostkom. Intom ser**

**tigu mitluba biex taghtu hajjitkom b'rahan, meta tahilfu favur il-ligijiet tal-paganizmu.** Jekk taghmlu dan, intom tigu taht l-influenza tal-wiehed tal-hazen u tkunu f'taqbida m'Alla.

Intom tridu izzommu iebes u tibqghu lejali Lejja, u titolbuni mmexxikom fiz-zmien meta, il-bniedem li jpoggi bilqeda fis-Siggu ta' Pietru, li la jrid jimxi fuq il-passi tieghu u lanqas irid jilbes iz-zarbun tieghu, se jkisser ir-rabta taghkom ma' Alla.

Waqt li intom tkunu xhieda tat-tislib tal-Knisja Tieghi fid-dinja, Jiena ser insejhilkom biex ixxandru l-Verita' t'Alla. Ser inkompli nsejhilkom biex nipprotegikom. Jien ser inkun zgur li l-Knisja Tieghi, dawk li jzommu mat-Taghlim Tieghi, s-Sagramenti Tieghi u l-Kelma t'Alla, jibqghu hajjin permezz tal-fdal, li dawn qatt m'hu ser jitilquni.

Ser ikun hemm dawk fostkom li llum ser jittraduni. Ohrajn fostkom dalwaqt jitilqu s-Sagramenti, ghax tkunu dghajfin wisq biex tiddefendu l-Kelma t'Alla. Dawk fostkom li ga qed jissuspettaw il-verita u li ser tippruvaw ixxerdu l-Kelma Tieghi,ser issofru ghax m'ghandkomx il-kuragg tieqfu f'isem il-Verita'. Imma xorta wahda tibqghu lejali Lejja, ghax tafu li ma tistghux tghixu minghajr Imhabbti.

Isimghu Lehni. Mielu raskom fuq spallti u halluni ndawwar Dirghajja madwarkom, f'dan iz-zmien. Jien ser nipprotegikom dejjem.

Gesu' Taghkom.

**L-ghaziz Tieghi, l-Papa Benedittu, dalwaqt ser imexxi l'ulied Alla minn postu fl-ezilju.**

Il-Gimgha, 29 ta' Marzu 2013 @ 08.45am.

Il-Gimgha l-Kbira – it-Tieni Parti.

Ghaziza l-mahbuba binti, llum ser issehh l-istorja. Hekk kif tkun qed tigi mfakkra l-Passjoni Tieghi, fil-verita’ din tkun qed tirrapprezenta it-Tislib tal-Knisja Kattolika.

Fil-granet qabel it-tradiment Tieghi fid-dinja, s-Sacerdoti ta’ dak iz-zmien, ghamlu minn kollox sabiex jakkuzawni b’erezija.

**Haduli dak kollu li kont ghallimt – il-Kelma t’Alla – u ghawguha.** Ix-xnighat li huma xerrdu, kien fihom il-gideb u qalu li kont qed nipprova nigbed lin-nies l’boghod mit-Taghlim Veru tal-Knisja. Huma ppriedkaw fit-Tempju biex iwissu lin-nies biex izommu l’boghod Minni, inkella joffendu lill-qassisin il-kbar. Kienu mwissija li jekk ikomplu jxerdu l-Messaggi Tieghi, kienu ser jigu mkeccija bhall-imgiddmin, mit-Tempju Qaddis. Xi drabi, lid-dixxipli Tieghi qalulhom li ser isofru kastig fiziku u jarrestawhom.

**Filwaqt li kienu qed jidghu kontra l-Ispirtu s-Santu, huma kienu qed jichdu li qed nghid il-Verita’ u li l-Kelma Tieghi kienet gejja minn Satana – huma baqghu jaduraw l’Alla fit-Tempji.** Mlibbsin hwejjeg ta’ rejiet, huma kienu jitqabdu ghal posthom fuq l-artal fit-Tempju. Il-qaddejja zghar kollha, kellhom joqghodu bil-wieqfa ghal sighat, filwaqt li huma kienu jpoggu fuq siggijiet maghmula ghar-rejiet**. L-artal kien ikun mimli b’ tant mexxejja tal-Knisja, li l-popolin kien jitfixkel. Huma kienu obbligati li jaduraw lil Alla, billi jigu sfurzati iqimu lill-oghla qaddajja t’Alla.** Il-qassisin il-kbar, kienu jippretendu rispett minn dawk li jmorru fit-Tempju. Huma minbarra, kienu juru s-sinjali kollha ta’ l-imħabba u umiltà, li kien mistenni minnhom, madankollu, huma libsu u ġabu ruħhom bħala sidien, fid-dar ta` Missieri, minflok ta` qaddejja kif huma kellhom ikunu.

In-nies kienu jibżgħu joffendu lill-Farizej, meta kienu jimxu warajja. Il-qassisin Tieghi kienu mhedda u mwissijja li, sakemm ma jeqfux ixerrdu l-Kelma Tiegħi, huma jkunu mnezzghin mit-titoli tagħhom. In-Nies ordinarji kienu jafu li jekk dawn kienu jinqabdu jxerrdu t-Taghlim Tiegħi, li d-destin tagħhom stess kellu jkunu ħafna agħar.

It-Tislib tal-Gisem Tieghi fuq l-art temm l-ewwel parti tal-Patt ma' Missieri biex insalva l-umanità.

Il-tislib tal- Ġisem Mistiku Tiegħi – Il-Knisja Tiegħi fid-Dinja - jibda llum, il-bidu tal-persekuzzjoni finali, hekk kif il-pjan tal-Mazuni, li jhammeg id-Dar Tiegħi, issa ser jidher bic-ċar għal dawk kollha li jafu l-Verità.

L-Storja issa se tirrepeti ruħha, iżda l-Verità mhux se tiġi miċħuda. Dawk li se jiċħduni, madankollu, fil-ħin jergħu jduru Lejja. Dawk li jafu bil-profeziji mbassra – li l-Knisja Tiegħi se tkun immirata biex fl-ahhar tehles lid-dinja mit-ttraċċi kollha Tiegħi, Ġesù Kristu - issa qed issehh. Huma ser isegwuni fl-armata tal-fdal Tiegħi u se jibqgħu lejali lejn it-Taghlim Tiegħi sa l-aħħar taz-żmien.

Ħadd ma jista' jwaqqaf il-vera Kelma t'Alla milli tinfirex. Ebda wieħed. Il-renju fid-Dar ta' Pietru se jkun qasir u dalwaqt, il-Maħbub Tiegħi l-Papa Benedittu se jmexxi l-ulied t'Alla minn postu fl-eżilju. Pietru, l-Appostlu Tiegħi, il-fundatur tal-Knisja Tiegħi fuq l-art, se jmexxih fil-ġranet diffiċli ta` l-aħħar, hekk kif il-Knisja Tiegħi tissielet għall-Ħajjitha.

Ġesù Taghkom.

**Mhux f'Riglejja ser jinxtehtu, mhux Riglejja ser ibusu, imma dawk tal-qaddejja Tieghi, tas-segwaci Tieghi, il-midinbin Tieghi.**

Il-Gimgha 29 ta' Marzu 2013 @ 7.00pm

Ghaziza mahbuba binti, meta Guda l-Iskarjota ttradini, zammli rasi u biesni fuq haddejja. Meta dawk li jmexxu l-Knisja Tieghi, jghidu li jhobbuni, u wara jittraduni, intom taraw car il-bewsa taghhom ta' tradiment.

**Mhux f'Riglejja ser jinxtehtu, mhux riglejja ser ibusu, imma dawk tal-qaddejja Tieghi, tas-segwaci Tieghi, il-midinbin Tieghi.**

Li turu li jimpurtakom mill-bzonnijiet ta' hutkom il-bnedmin, huwa ta' min jammirah. Izda meta tghollu l-bzonnijiet fizici tal-bniedem l'fuq minn dawk spiritwali, ma jkunx warajja, Gesu' Kristu, li tkunu qeghdin timxu.

L-umanizmu mhux li tkun Kristjan. Tkun Kristjan, jfisser taghti kollox Lili, tinxtehet bl'umilta' kollha f'riglejja. Tfisser li thalluni mmexxikom. Tfisser ubbidjenza lejn il-Ligijiet Tieghi u taghmlu kull ma tistghu biex taghtu ezempju ta' l-Imhabba Tieghi ghalikom lkoll. **Illum gejt ittradut.**

La se tkunu u lanqas tistghu tkunu mqarrqa fit-tul, ghax la darba d-Dar t'Alla tigi attakkata minn ta' gewwa stess, xejn hlief taqlib ma jigi wara. Ghandkom terfghu Salibkom u timxu warajja, ghax ghajnejkom daqt jigu mghammda u titfixklu u taqghu fid-dlam.

**Minghajr id-Dawl t'Alla ma tkunux tistghu taraw.**

Gesu’ Taghkom.

**Il-Qawmien ta' Ibni l-għażiż huwa l-aktar Don importanti, għaliex dan ifisser li l-ħajja eterna tista' tingħata lill-Ulied kollha ta 'Alla**

Il-Ħadd 30 ta` Marzu, 2013 @ 01:13pm

Uliedi, Il-Qawmien ta' Ibni l-għażiż huwa l-aktar Don importanti, għaliex dan ifisser li l-ħajja eterna tista' tingħata lill-Ulied kollha ta 'Alla.

Bil-qawmien Tieghu mill-mewt, Ibni qered il-mewt. L-Mewt m'għadx għandha setgħa fuqkom, jekk intom tixtiequ dan. Il-ħajja, li ġiet mogħtija lilkom, dalwaqt se tibidel, ghax se jkun hemm Ħajja waħda biss f'Alla.

Meta S-Smewiet ġodda u l-Dinja l-Ġdida jingħaqdu, ser ikun hemm biss ħajja Eterna. Mewt tal-ġisem, il-moħħ u r-ruħ ma jkunx hemm aktar. Intom qatt ma ghandkom tibzghu minn din il-Hajja l-ġdida, ghax se ggibilkom il-helsien. **Dalwaqt hafna lmħabba se tinfirex fuq l-art, imferra mill-Ħniena t`Ibni. Din il-grazzja kbira, kbira, se tkun il-pass li jmiss, meħud minn Alla biex isalva l-uliedu mill-mewt tar-ruħ.** Mewt tal-gisem ma jkunx hemm aktar meta Ibni jinżel ma' Ġerusalemm il-Ġdida.

Intom ghandkom turu kuraġġ kbir matul dawn iż-żminijiet hziena, għax dawn il-provi dalwaqt se jghaddu. Iffukaw biss fuq il-Ħajja kbira li ghandkom tistenniekom u itolbu li l-erwieħ kollha jaċċettaw dan id-Don Mirakoluż.

Dawk l- erwieħ, li jirrifjutaw li jaċċettaw il-Verità tal-Ħajja Dejjiema, minflok, se jagħżlu dannazjoni eterna. Hemm biss żewġ għażliet u madankollu ħafna minn dawn l-erwieħ jemmnu li hemm it-tielet. Dawk li jsegwu s-settet, maħluqa mill-qawwa tal-ħażen, żbaljatament jaħsbu f’ħajja mistika ohra fejn huma se jingħataw setgħa kbira. Huma jemmnu f`anġli foloz. Huma jaduraw anġli foloz, u sfortunatament, ħafna minn dawn jeżistu, iżda dawn huma anġli mhux t 'Alla. Huma jinfnew bil-ktajjen fl-abbissi tal-infern u madankollu jirnexxielhom iqarrqu bl-Ulied t'Alla li jemmnu li huma anġli tad-Dawl. Inti għandkom isegwu biss id-Dawl li huwa d-Dawl t'Alla - il-Verità.

Is-Saltna, is-Sema l-Ġdida, li qed tistenniekom, hija dik imwiegħda lilkom minn Alla, li Ibni se jsaltan fuqha.

Aċċettaw l-id t'Ibni u intom tidħlu l-Genna.

L-għażiża Omm Tagħkom

Omm Alla

Omm tas-Salvazzjoni

## Illum ser ingib Grazzja kbira fuq id-dinja

Il-hadd 31 ta` Marzu, 2013 @ 06:40pm

Ghaziza mahbuba binti, illum ser ingib grazzji kbar fuq id-dinja, kemm nifrah minhabba l-Fidi li tezisti, minkejja l-provi u tribulazjonijiet, li l-Ulied kollha t'Alla jkollhom jissaportu fid-dinja f'dan iz-zmien.

Illum ingedded il-wicc tad-dinja u nimla l-erwieh ta' dawk li jemmnu fija, l-Ghaziz Taghhom Gesù Kristu, Salvatur tal-umanità kollha, bl-Ispirtu Qaddis Tieghi. Ifirhu u injoraw t-turment, li qed jigi permess minn Satana. Minflok umlijaw ruhkom quddiemi u zommu l-fiducja kollha taghkom fil-Hniena Tieghi u Jien nipprotegikom mill-hsara.

Ghandkom tkunu tafu li s-setgha kollha hija Tieghi. Il-hazin u dawk li hu jassar ma ghandhom l-ebda setgha Fuqi. Izda l-influwenza taghhom se teqred hafna minn dawk li jhallu lilhom infushom miftuha ghall-qerq tal-bhima.

Is-Saltna Tieghi qed tistenniekom, fil-Glorja kollha Taghha, u dan iz-zmien huwa kwazi fuqkom.

Inferxu, segwaci Tieghi, immoltiplikaw fi gruppi u xandru l-kelma t'Alla, il-Verità, li tinsab fil-Bibbja Mqaddsa. Intom issa ghandkom tmorru lura ghall-Evangelji u fakkru lin-nies fil-kontenut taghhom, ghax fihom tinsab il-Kelma t 'Alla.

Hafna ligijiet godda se jingiebu fin-nazzjonijiet taghkom fejn il-Ktieb ta`Missieri jsir impossibbli biex issibu. Intom qatt ma ghandkom taccettaw dawn il-ligijiet, minhabba li jichduni. Meta intom ma ghandkomx l-ebda access ghat-Taghlim Tieghi, uliedkom mhux se jkunu jafuni. Meta t-taghlim Tieghi, l-Ligijiet t'Alla, jsiru illegali, allura intom tkunu tafu li hu minn id Satana li l-gvernijiet taghkom qed jigu mmexxija.

Intom ma ghandkomx thallu lilkom infuskom tigu mehuda bhal skjavi. Intom ma ghandkomx taqghu ghal-ligijiet bla sens, li jcahhdu r-rieda hielsa taghkom. Qatt tinsew li intom twelidtu bid-Don tar-rieda hielsa - Don minn Alla.

Kull bniedem li jnehhi r-rieda hielsa taghkom qed jichad lil Alla. Kull Gvern jew nazzjon, li jcahhadkom mir-rieda hielsa taghkom li taghtu xiehda lil Alla, qed ikun immexxi minn Satana. Intom, s-segwaci gheziez Tieghi, gejtu mqarrqa minn

influwenzi satanici, minn dawk in-nazzjonijiet, li jikkontrollaw l-banek taghkom, l-Gvernijiet taghkom u l-access taghkom ghall-ikel.

Iz-zmien jasal meta huma jgaghlukom issofru sahansitra aktar milli suppost, izda ghal-gharrieda u mhux mistenni, se jasal kastig iebes, li jgib lil dawk il-gvernijiet u s-setghat taghhom bla sahha. L-Intervent t' Alla se jkun malajr u huma, dawk is-settet hziena, se jitkaxkru fuq idejhom u gharkopptejhom iwerzqu bil-biza`, ghal-kastig, li se jinzel fuqhom, ghal atti hziena taghhom.

Intom, gheziez segwaci Tieghi, ghandkom tafdaw Fija u tibqghu b'sahhitkom. Illum inberikkom b`Don specjali - il Don tal-Perseveranza. Intom tkunu tafu li gejtu moghtija dan id-Don ghax il-pacenzja taghkom tkun impenetrabbli. Il-fehma qawwija taghkom biex taghmlu r-Rieda Qaddisa Tieghi, se tahsad anke lilkom, u meta jasal iz-zmien biex intom tistqarru fil-berah ix-xieda taghkom ghat-Tieni Migja Tieghi, intom ma jkollkom l-ebda biza. Minflok, l-imhabba Ghalija se turi ruha bhala imhabba specjali ghall-hutkom. Intom issa se tarawhom, kif jidhru f`Ghajnejn Missieri, bhaz-zghar. Il-Qalb taghkom se tikber fl-imhabba u dan se jhawwadkom, ghax intom se thossu l-imhabba fil-qlub taghkom anki ghal dawk l-ghedewwa li jmexxu fuq in-nazzjonijiet taghkom mill-kmand tal-bhima.

Din l-imhabba se tikkonverti l-erwieh ta' dawk bil-mibeghda fir-ruh taghhom. It-Talb taghkom ghall-erwieh bhal dawn se jaghtihom l-immunità mill-piena li kieku kellhom jiffaccjaw fil-gurnata tal-kastig meta nigi Niggudika.

Dan id-Don tal-perseveranza, li se naghtikom illum, se jsalva l-erwieh, ghax kull Don li ngib ghandu biss l-ghan wiehed, li huwa li nsalva l-erwieh kollha sabiex inkunu nistghu ninghaqdu, bhala Familja wahda Qaddisa, fis-Sema l-Gdida fid-dinja.

Gesù Taghkom.

**Alla l-Missier: Jien, il-Missier għażiż Tagħkom, fl-aħħar waqqaft il-jum għat-Twissija. Jien biss naf din id-data.**

t-Tnejn 1 ta` April, 2013 @ 05:22pm

Binti l-izjed ghaziza, is-sagrifiċji magħmula Minni, il-Missier għażiż tagħkom, f'isem l-umanità waslu biex jintemmu.

Sar kull tentattiv, minħabba l-Imħabba Pura Tiegħi għal-Uliedi, biex insalvahom mill-ħażen tad-dnub. F'dawn iż-żminijiet, il-battalja finali biex insalva l-Uliedi kollha ta' kull twemmin u razza hija issa fl-istadji finali.

Min fostkom se jieqaf għall-Verità, meta din ilha tigi mogħtija lilkom għal tant zmien? Min fostkom se jaċċetta il-Kelma Mqaddsa Tiegħi, hekk kif ippreżentata lilkom illum fil-Ktieb Tiegħi tal-Verità? Dawk minnkom li jwerzqu lejn il-profeta Tiegħi se jiġu msikkta, sabiex uliedi jkunu jistghu jisimghu l-vuċi ħelwa ta Ibni l-Għażiż, hekk kif Din, tiġbed l-erwieħ ghall-kenn, biex iħejjihom għas-Sema l-Gdida fid-dinja.

Insejjah l-Uliedi kollha, il-qawwija, id-dgħajfa, il- vulnerabbli, l-injoranti u dawk mimlija bil-kburija, li jaħsbu li jafu l-Verità tal-profeziji imwiegħda minni matul is-sekli, biex iwiegbu għal din is-sejħa mis-Saltna Tiegħi tas Sema.

Jiena, Missierkom l-Għażiż, fl-aħħar waqqaft il-jum għat-Twissija. Jien biss naf din id-data. Jien biss naf id-data tal-Jum Kbir meta Ibni se jerġa` jigi biex jiehu lura s-Saltna li wegħdtu.

Il-jum tat-Twissija, mogħti lilkom, bħala Don kbir, se jaqsam l-umanità f'żewġ nofsijiet. L-ewwel nofs se jaċċetta l-Ħniena kbira ta`Ibni. Il-nofs l-ieħor jinħeba u jahrab. Huma se jemmnu li huma se jkollhom il-poter li jifilħu l-intervent t'Alla biex isalvahom. Dak li ma jafux huwa li jien ser insegwihom sa l-aħħar Jum biex insalvahom mill-biza` finali, li minnu m'hemm l-ebda ritorn.

Uliedi, la tibzghux Minni. Huwa minħabba l-imhabba tieghi għalikom li jien ippermettejt il-persekuzzjoni finali meta l-ħażen se jagħmel lilu nnifsu magħruf b'mod bħal qatt qabel.

Il-Knejjes Insara kollha ser jiehdu daqqa fl-ispirtu. Xi whud ser jigu meqruda ghal kollox. Il-Knisja Kattolika, fuq l-ohrajn kollha, ser issofri l-izjed, ghax din issa ser tkun imhassra mill-qalba taghha stess.

Din il-marda ser tkun qerrieda, imma l-Knisja mwaqqfa minn Ibni fuq l-art, ser tgheleb dan il-hazen u tibqa’ tghix, ghalkemm hafna minnha ser tkun barra minn Ruma, ghax is-Siggu ta’ Pietru gie desagrat.

Qumu intom kollha, li tweghdu rabta ma’ Ibni. Ingabru flimkien u itolbu li din il-marda ma tiblax lil dawk l-erwieh li taw hajjithom lil Ibni. Kif ser ikunu ttantati mill-ligijiet il-godda, li ser jahsbu li gejjin mis-Sema permezz tas-Siggu f’Ruma. Qlubhom kif ser jolfqu bid-dulur, hekk kif jibda t-tahwid kollu. Kif ser jibku, meta l-qaddejja qaddisa, bil-mijiet u l-eluf, jigu skomunikati. Hemm biss ghad jerfghu dirghajhom l’fuq u jsejhu lil Ibni biex imexxihom.

Id-Divinita’ Tieghi ser tiksi d-dinja kollha u ser nigbor l’uliedi kollha fis-Saltna t’Ibni. Stennew din is-Sejha u accettaw bi qlub grati, dawn ir-Rigali, moghtija lilkom bhala l-armi li ghandkom bzonn biex tiggieldu kontra l-hazen li ser jiksi d-dinja bid-dlam.

Dawk ta' qalbhom helwa u umli, li jhobbu Lili Missierhom, u dawk li jaccettaw id-Divinita' ta' l-Iben wahdieni Tieghi, Gesu' Kristu, dawk jigu mehuda l-ewwel. Dawk li isimhom qieghed fil-Ktieb tal-Hajjin, ser jigu msejha u jsaltnu bhala mexxejja, flimkien mal-qaddisin, fost it-tnax il-tribu' ta' Izrael.

Dawk minnkom ta' ruhhom bierda, jigu murija kollox u hemm, it-taghbija taghhom issir aktar tqila. Ikun permezz tat-talb taghkom li l-ohrajn – dawk li jinhbew Minni, - jigu mehuda taht is-saqaf ta' Protezzjoni Tieghi.

Il-bhima, li jitkexkex quddiemi, mhux ser jirbah l-erwieh ta' dawn uliedi, daqshekk facli. Kull Att ta' Hniena, kull Miraklu u kull intervent, Jiena naghmel ghal uliedi.

Dawk li jwaqqfu Lili jew lill-uliedi ser isofru kastig kbir. Ghalkemm Jiena nhobb lil uliedi kollha, Jiena mhux ser noqghod lura milli nwaqqaf lil dawk fosthom, illi jekk inhallihom, jehduli Saltnati, li rrid nimla bil-Familja kollha Tieghi.

Oqghodu attenti ghall-Korla Tieghi. Ghax ghalkemm Hija mizmuma u l-Pacenzja Tieghi Hija Kbira, ser nitfa' fuq id-dinja ghawg kbir, anke jekk dan ifisser li neqred hafna minnha. Bhall-marda li tiblgha l-gisem uman, hekk il-hazen tal-bniedem jaghmel lil huh, jeqred ic-celloli l-huma b'sahhithom. Jekk din il-marda ma tigix imwaqqfa, u Jien ma naqtax u narmi, l-laham il-marid, ma nkunx nista' ngedded il-gisem.

Ikun biss il-Gisem b'sahhtu u shih tal-Knisja t'Ibni fid-dinja, li jista' jigi fil-Bieb tas-Saltna l-Gdida, fid-dinja. Dawk li zammew l'boghod mit-tentazzjoni li jwarrbu lil Ibni, ser isibuha izjed facli li jigu msejha biex jinghaqdu f' Gisem wiehed, flimkien ma Ibni. Huma jigu moghtija l-Hajja Eterna u ugigh ma jkunx hemm izjed.

Missiekom il-Mahbub,

Alla l-Gholi.

**Nixtieq inġib aktar minn 7 biljun minn ulied Alla lejn id-dar, fl-ahhar, lejn is-Sema Eterna Tagħhom.**

It-Tlieta 2 t`April, 2013 @ 03:30pm

Ghaziza mahbuba binti, l-pressjonijiet imposti fuq is-segwaċi Tiegħi biex ma jaccettawx dawn il-Messaġġi Qaddisa, se jiżdiedu. Ħafna Segwaċi Tieghi, li huma żbaljati, mhux se jaċċettaw dawn il-messaġġi bħala Tieghi. Ghalkemm fil-verita' dawn ma jixtiqux deni, huma ser jaghmlu minn kollox sabiex idawru lin-nies l'bogħod Minni, ghax huma jemmnu, li hekk, ikunu qed jghassu l-Knisja Tiegħi.

**Jiena l-Knisja, u sakemm il-qaddejja qaddisa Tiegħi jipproteġu t-Taghlim Tiegħi, d-Duttrina Tiegħi, s-Sagramenti Tiegħi u l-Ewkaristija Mqaddsa Tiegħi, aħna haga waħda. Dawk, inklużi l-mexxejja fil-Knisja Tiegħi, li jibdlu dawn il-Liġijiet, mhumiex parti mill-Knisja Tiegħi. Dawn il-bidliet għadhom ma ġewx ippreżentati u la jkunu, se jkun hawn hafna nkwiet.**

Lil dawk fostkom, li huma fid-dubju, nitlobkom twarrbunix. Filwaqt li intom tħaddnuni min-naha, intom iġġibuli wkoll d-dmugh f'għajnejja. Intom forsi ma tarawnix issa, iżda dalwaqt se tħossu l-Preżenza Divina Tiegħi.

Qed insejhilkom bhalissa, sabiex inhejjikom ghall-futur tant sabih li lestejt ghalikom. Is-Smewwiet jifirhu, hekk kif l-Ispirtu s-Santu, dalwaqt jinzel u jinfed qalbkom bl-Imhabba u l-gharfien. Tant erwieh ser jigu salvati, Imhabbti Hija hekk kbira, illi Jiena qatt m'hu ser naqta' qalbi. **Sejrin issofru f'ismi, imma dan malajr tinsewh, hekk kif tkunu fil-Bibien tas-Saltna Tieghi.** Intom tinghaqdu lkoll bhala familja wahda.

Qed nitkellem ghal dawk li huma mitlufin Ghalija, imma **Jiena ghandi l-hsieb li nifrex il-Hniena Tieghi, fuq l-aktar minnhom li huwa possibbli.** Ejjew ghandi u halluni nassigurakom kemm hija kbira u shiha Imhabbti u l-moghdrija Tieghi ghal kull wiehed minnkom. Dawk minnkom li jwarrbuni u xi drabi ma jahmlunix, ser ikunu mgeddsa f'dirghajja, filwaqt li nwensilhom l-imsejkna qlubhom u naghtihom l-gherf f'ruhhom. Jiena nsir l-unika tama taghhom, meta fl-ahhar jintebhu illi l-moghdija mudlama li ghazlu, ma toffri xejn hlief dwejjaq u biza'.

Ser nixhet fuq id-dinja kollha, ir-Raggi Tieghi tad-Divinita', kollhom Hniena u dalwaqt ser innaddaf l-umanita' kollha, sabiex tkunu tistghu tigu mehudin malajr fis-Saltna Tieghi. **Iz-zmien Tieghi huwa kwazi hawn, hekk kif Jiena qed nistenna l-Jum meta Missieri jaghtini l-Imfietah tas-Saltna Tieghi.**

Hekk kif jitlesta l-Ahhar Patt, Jiena nixtieq ingib l-fuq minn sebgha biljun minn ulied Alla, sa fl-ahhar, lejn id-dar, is-Sema Eterna. Din Hija l-ahhar wirt imwieghed lilkom. TwarrbuHiex, ghax in-niket li ggibu fuqkom ikun tal-biza', u jekk taghtuni daharkom, jasal iz-zmien meta Jiena ma nkun nista' naghmel xejn izjed, biex insalvakom.

Gesu' Taghkom.
**Jiena ser nigi fid-dinja fl-ahhar Jum. Izda Jiena qatt ma ser nimxi fuq id-dinja, qabel dak in-Nhar.**

L-Erbgha, 3 t'April, 2013 @6.00pm

Ghaziza mahbuba binti, il-Qawwa ta' Lehni, lahqet tant nazzjonijiet f'sentejn biss, illi miljuni ta' erwieh issa ser jghinu biex isalvaw l-erwieh ta' huthom.

**Il-Kelma t'Alla, mhegga minn din is-Sejha mis-Sema, ser tinxtered minn uliedkom subien u bniet u minn hutkom, mad-dinja kollha. Il-heffa li biha din il-Missjoni mxiet, hadet lid-dinja bhal tempesta, qed tigi mhegga mill-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu.**

Tant ilsna, tant nazzjonijiet, tant erwieh, qabdu ma' l-id Tieghi tal-Hniena u issa qed jimxu warajja hekk kif qed immexxihom lejn il-Hajja Eterna.

Missieri wieghed lid-dinja, l-Ktieb tal-Verita' ghall-ahhar zminijiet. Huwa dejjem izomm il-Weghda Tieghu. L-ebda bniedem ma jista' jkun jaf x'fih il-Ktieb tal-Verita', ghax dan mhux ghalikom li tkunu tafuh. Il-Profeta Daniel biss kien jaf x'fih, izda lil dan, Missieri qallu biex ma jikxifx is-Sigrieti li fih.

Issa, inti binti, bhala l-ahhar profeta, qed tigi moghtija dan x'fih, u mal-Kelma t'Alla, dan ser jaghmel hafna frott. **Il-Ktieb tal-Verita' qed jigi moghti lid-dinja biex isalva l-umanita', minn mewt fic-cert. Huwa Rigal li jsalva l-Hajja tar-ruh. Igib Mieghu Grazzji Kbar. Igibilkom il-Verita', mhux biss biex tfakkarkom fit-Taghlim Tieghi, izda biex ihejjikom ghall-attakki fuq il-Knisja Tieghi, li sa jfissru qerda ta' hafna erwieh.**

Gheziez segwaci Tieghi, il-Ktieb tal-Verita' sejjer jurikom il-Pjan ta' Missieri, biex jghinkom thejju kif xieraq u dak li hemm bzonn biex tidhlu fis-Sema l-Gdida, Glorjuza fuq l-art. Minghajr il-Ktieb tal-Verita', intom d-dixxipli Tieghi tkunu bhall-hrief sejrin ghal qatla, ghax ghandkom tkunu tafu li l-Fidi taghkom ser tigi sfidata u ser isir kull sforz biex titnehha kull tracca Tieghi, Gesu' Kristu, minn wicc id-dinja.

Meta n-nies jigu mgewhin ghall-Verita' t'Alla, huma jduru f'direzzjoni ohra biex isibu l-farag. Lanqas bniedem wiehed, fuq din id-dinja ma jista jghix, jekk ma jemminx f'xi haga li twieghed il-hajja. B'dieqa nghid, li hafna jigru wara duttrini foloz li jmorru tajjeb mad-djufija taghhom. L-imhabba ta' wiehed, lejh innifsu, ifisser illi, religjonijiet u settet ta' l-hekk imsejjah gharfien ta' l-ispirtu, jinzlu tajjeb mar-reghba ta' qalb il-bniedem. Li tpaxxi lilek innifsek ma twassalx ghand Alla, u lanqas ghall-Verita'. Imbaghad, dawn l-erwieh imsejkna, li ma jemmnux f'hajja ohra wara din fid-dinja, jimxu fil-mizerja minghajr l-ebda tama f'qalbhom.

Il-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, ir-raghda ta' Lehni, il-Mirakli li ser inferrex u l-prova tal-verita' ta' dawn il-messaggi, ser jirbhu miljuni ta' erwieh.

Il-Prezenza Tieghi qed tiksi d-dinja, u din qajmet hafna mibgheda, hekk kif Satana qed javvelena l-imhuh tas-segwaci Tieghi. Il-Prezenza Tieghi tinsab fit-Tabernakli tad-dinja, fil-Knejjes Tieghi, fil-Kliem tal-vizzjunarji maghzulin. Izda f'dawn il-messaggi Tieghi, l-ahhar messaggi ghall-umanita', il-Prezenza Tieghi, ser twassal ghal konverzjoni dinjija.

Qatt ma ghandkom tinsew il-Weghda Tieghi. Jiena nerga' nigi fl-ahhar Jum. Imma qatt ma Jien ser nimxi fuq id-dinja qabel dak in-nhar. Inwissikom issa biex taghtu

kas tal-profeziji.  Jekk xi bniedem jghid li huwa Jien, jew jekk xi hadd jghidilkom li Gesu' miexi fid-dinja bhala uman, dan giddieb.

Il-Mument Tieghi jigi, meta ninzel mis-Sema, bl-istess mod ezatt, li Jiena tlajt, fl-ahhar jum Tieghi fid-dinja.

Gesu' Taghkom.

## Dawk  li ghandhom is-Siġill t`Alla L-Ħaj biss, se jaħarbu minn din il-forma ta' ġenoċidju tar-ruħ.

Il-Ħamis 4 t`April, 2013 @ 07:45pm

Ghaziza mahbuba binti, qatt ma ghandek taghti kas ta' dawk li jiddubitaw, jisfidaw u jiddisprezzaw il-Messaggi Tiegħi. Mhuwiex meħtieġ li tiddefendi l-Kelma Mqaddsa Tiegħi. Il-Kelma Tiegħi hija finali u ebda bniedem m`għandu l-awtorità li jiddubitHa. Jew taccettawni jew le.

Filwaqt li l-Insara jiġġieldu bejniethom fuq dawn il-Messaġġi, li kienu mbassra hafna żmien ilu, huma jittrattaw lil xulxin bħal għedewwa. Intom ma tistghux tkunu ghadu ta' ħukom jew oħtkom u ssejjħu lilkom infuskom dixxipli Tiegħi. Filwaqt li intom tant mitlufin tghajtu bejnietkom, l-akbar ghadu, l-armati ta` Satana qed jippjanaw l-akbar atroċitajiet ħżiena, li qatt rat l-umanità, mill-ħolqien ta' Adam u Eva, l'hawn.

Il-gwerer li kellimtkom dwarhom se jibdew u l-pjan se jkun li jeqirdu popolazzjonijiet shah. Intom ser taħsbu li dawn huma gwerer bejn nazzjon u ieħor, iżda intom tkunu żbaljati. L-armi se jiġu minn sors wieħed biss.

Uliedi l-imsejkna t'Alla, kemm ma tafu xejn, bl-atti terribbli, li qed jiġu ppjanati minn settet Mazuni, fl-ogħla livelli kontra wlied Alla. Il-Ħażen tagħhom huwa mpossibbli għalikom li timmaġinawh, iżda agħrfu dawn is-sinjali. Meta l-banek tagħkom johdulkom l-libertà tagħkom, d-djar tagħkom u l-ħila tagħkom li titimghu l-familji tagħkom, din se tkun biss parti waħda mill-pjan tagħhom kontra l-umanità. Intom ssiru skjavi, iżda dawk li jibqghu marbutin Mieghi u t-Taghlim Tiegħi, u li jibqgħu lejali Lejja, qatt ma ghandom jinsew il-Ħniena Tiegħi.

Filwaqt li dawn ir-rivelazzjonijiet jistghu jkunu tal-biża', din hija l-Verità. Billi tkunu ppreparati għal dawn l-atti kontra l-Ħolqien ta' Alla, intom se tgħinu, permezz tat-talb tagħkom, biex ittaffu ħafna mit-tbatija, li dawn is-settet ħżiena se jitfghu fuqkom. Filwaqt li t-talb tagħkom se jtaffi l-impatt ta' dawn l-atroċitajiet, dawn, jekk jigu

mgħoddija Lili bl-imħabba fil-qlub tagħkom, jintużaw biex isalvaw lil dawk ħatja ta' atti terribbli bħal dawn. U filwaqt li dawn l-erwieħ żbaljat u ta` qalbhom kiesħa jkomplu jisfidawni, billi jippruvaw jeqirdu l-popolazzjonijiet tad-dinja, Jiena ser nipprova ndawwal il-qlub tagħhom sabiex dawn jitilqu minn din ir-rabta terribbli ma' Satana. Ħafna huma posseduti mill-ħażen ghal kollox, u għal xi whud ftit hemm tama. Miraklu biss mogħti mill-Ħniena Tiegħi, flimkien ma' dawk li joffruli d-Don tat-tbatija, jista' jsalvahom.

Dawk fostkom li jishtuni, meta bla qalb jirrifjutawni, se jittallbuni għall-Ħniena meta dawn il-grajjiet iseħħu. Meta intom tigu sfurzati ssofru u taċċettaw il-marka tal-bhima, jew tmutu, intom tghajjtu Lili. Imbagħad intom tiġru biex tfittxu s-Siġill t'Alla l-Ħaj, li tajtkom għad-dinja, permezz ta' Missieri f'dawn il-Messaġġi – izda hemm ikun tard wisq. Dawk Biss li jaċċettaw is-Siġill, miżmum fi djarhom, jew igorruh fuqhom se jiġu protetti. Dawk Biss bis-Siġill t'Alla L-Ħaj se jaħarbu minn din il-forma ta' ġenoċidju tar-ruħ.

Tiddubitawx, għal minuta wahda biss, il-Messaġġi Tiegħi mogħtija lilkom issa. Aċċettaw l-Intervent Divin Tiegħi, għax Jien kulma irrid, huwa li nsalvakom. Il-battalja għall-erwieħ hija tant kbira, li jekk Jiena ma nidholx ghalikom, permezz tal-profeti, ħafna minnkom izommu mal-bhima u s-segwaċi kollha tiegħu, li jidhru quddiemkom bħala ilpup imlibbsa ta' nagħaġ.

Satana jilhaqlu hafna, u qatt ma jippreżenta l-atti ħżiena tiegħu għal dak li huma. Le, minflok, huwa jippreżentahom bħala tajbin, li jispiraw u fl-interess kbir tagħkom. Din hija n-nassa li jqieghed. Dan huwa kif ser jigbed lil dawk l-erwieħ innocenti, li fil-verita' jixtiequ l-gid, ghal gol-mohba tiegħu. Il-mod kif Satana se jinkixef, permezz ta' dawn l-erwieħ foqra li jirnexxielu jirbaħ, se jkun permezz tad-dnub tal-kburija. Dan id-dnub, fl-aktar forma hazina tiegħu, se jidher f'dawk in-nies f'postijiet għolja, li se jeqirdu lill-oħrajn għall-qligħ egoist tagħhom stess. Fl-iskala l-aktar fil-baxx, intom ser tkunu xhieda tad-dnub tal-kburija fostkom, meta intom tiggudikaw l-oħrajn, titkellmu hazin fuqhom u mbagħad tippruvaw teqirdu l-karattru tagħhom, kif ukoll tħassru r-reputazzjoni tagħhom, f`Ismi.

Ngħidilkom dawn il-fatti ta' swied il-qalb, sabiex nippreparakom u narmakom bil-Ħarsien ta' l-Imhabba Tiegħi, sabiex inkun nista` ngħin biex insalva anke lil dawk li se jimxu madwar d-dinja biex jibilghuha.

Ġesù Taghkom.

**L-ebda wiehed minnkom m'hu ser jinghata l-awtorita' li jiggudika lill-iehor, f'Ismi, ghax dan ma jistax ikun.**

Il-Gimgha, 5 t'April 2013 @12.50pm

Ghaziza mahbuba binti, kif inti bil-weghda tal-ubbidjenza Lejja, qatt m'ghandek tiddefendi l-Messaggi Tieghi. **Lanqas ma ghandek l-awtorita' li tiggudika jew tikkritika xi vizzjunarju iehor, jew wiehed li jsejjah lilu nnifsu profeta, veru jew falz, f'Ismi.**

Ghal dawk li jghidu li jitkellmu f'Ismi, u jikkundannaw dawn il-Messaggi ghad-dinja, kunu ghafu dan. **Intom la ghandkom u lanqas fittixtu li jkollkom il-permess Tieghi biex tirrifjutaw, pubblikament, lil xi hadd li jghid li huwa ruh maghzula. Meta tiddikjaraw li dawn il-Messaggi mhumiex veri, intom qed tghidu li huma gideb. Il-gideb jigi biss minn Satana.** Dawn, il-Messaggi Tieghi ghad-dinja, iwissukom kontra l-gideb qarrieqi li hu, Satana jbellgha lill-erwieh kollha ta' wlied Alla. Kif gejtu mqarrqa biex twarrbuni, l-Ghaziz Gesu' Taghkom, li jibki dmugh ahjar fid-dwejjaq ghall-mod kif qed nigi mwarrab.

Dawk li jghidu li bniedem, hu min hu, jista' jikteb dawn il-messaggi mis-Sema, jinsultani. Kif jista' bniedem jikteb dawn il-Kliem minn fommi, meta dawn gejjin Minni? Intom temmnu li Kliem hekk Qaddisa, jistghu jigu mahluqa minn id bniedem mortali? Intom temmnu li kwalunkwe bniedem, mcappas bid-dnub, jista' jahgmel din il-Kelma Qadddisa Tieghi, minghajr l-ebda intervent mis-Saltna Tieghi tas-Sema? Jekk hu hekk, allura temmnu li l-bniedem ghandu l-hila johloq moghdija ghall-konverzjoni b'dan il-mod. Il-bniedem m'hu xejn minghajr Alla. Intom m'intomx denji li titkellmu b'awtorita' meta xxandru l-Kelma t'Alla. Jekk ixxandru l-Kelma t'Alla minn fommkom, minghajr ma nghidilkom Jiena, allura tkkunu hatja ta' zball gravi.

**Binti, ghandi nfakkar lilek u lil dawk l-erwieh il-maghzulin, illi lanqas wiehed minnkom m'hu ser jinghata l-awtorita' li jiggudika lill-iehor, f'Ismi, ghax dan ma jistax ikun.**

Qed insejjah issa, lil dawk l-erwieh kollha, l-maghzulin Tieghi. Ftakru fil-weghda Tieghi lilkom, li Jiena ser nerga' nigi. Kunu ghafu issa, li intom kollha gejtu moghtija l-Missjoni biex thejju l-qlub tal-bnedmin, ghat-Tieni Migja Tieghi. Kunu ghafu issa, illi din hija l-ahhar Missjoni ddettata mit-Trinita' Qaddisa. L-ebda wiehed minnkom ma ghandu l-Permess Tieghi, biex jakkuza din, jew xi missjoni ohra. Aghmlu dan u Jien inwarrabkom lil hinn Minni.

**O, kif id-dnubiet tal-erwieh maghzula, jxoqquni fil-fond hafna izjed minn ta' haddiehor. Dawk qrib Tieghi, li wara jittraduni, huma dawk li jwegghuni l-izjed. Meta jduru Ghalija, huma jgibu qasma tal-biza u ma jhallux l-erwieh isegwu l-moghdija ghas-salvazzjoni Eterna.**

Gesu' Taghkom.

[Omm Alla. Inti gejt mibghuta biex thejji t-triq ghat-Tieni Migja Tieghu.]

Is-Sibt, 6 t'April 2013 @ 04.30pm

Binti, thossok kemm thossok wahdek, u tkun difficli kemm tkun difficli, din il-Missjoni, inti dejjem ghandek tibqa' tobdi lil Ibni. Trid twiegeb ghal kull bicca xoghol li tkun mistennija minnek, anke jekk b'din iggib fuqek ir-rabja ta' l-ohrajn.

Kull wiehed mill-vizzjunarji t'Alla, li Jiena dehertilhom, sofrew minn taht idejn dawk li rrifjutawhom bil-kattivita'. Ghalkemm hafna minnhom, fl-ahhar spiccaw biex emmnuhom, inti binti, ser issofri l-izjed, ghax inti profeta t'Alla. Il-profeti t'Alla, minn dejjem qajmu mibgheda fost uliedu, ghax Satana jsawwat bl-aktar mod ahrax lil dawk li jghidu l-Kelma t'Alla.

**Bhala l-profeta ta' l-ahhar taz-zmien, l-ghedewwa tieghek ser ikunu mhux biss dawk li jirrifjutaw u jobghodu lil Ibni, izda wkoll dawk li jhobbuh.** L-ghedewwa tieghek ser jaqbzu fin-numru lil ta' dawk kollha li gew qablek. Ghalhekk ghandek tobdi lil Ibni l-hin kollu, u twiegbu malajr, ghax Hu qed jaghmel dan kollu u jghidlek biex timxi kif l-istruzzjonijiet Tieghu, biex jehilsek mill-ghawg.

**Inti gejt mibghuta biex thejji t-triq ghat-Tieni Migja Tieghu, u ma' din ir-responsabbilta' hemm hafna dulur.** Hekk kif il-gideb, il-mibgheda u l-oppozizzjoni kiefra ghal dawn il-messaggi tissokta, inti ghandek tfarrag lilek innifsek, ghax kieku, minghajr din il-Missjoni, kienu jkunu hafna aktar l-erwieh li ma jaccettawx il-Hniena t'Ibni.

Itlob ghal kull persuna li tabbuzak bil-kliem, ghax meta titlob ghalihom, Ibni jdawwalhom u malajr jifthu ghajnejhom ghall-Verita'.

Jiena l-Ghaziza Ommkom, nghattikom bil-Mantar Qaddis Tieghi u nishaq ras is-serp, kull darba li jipprova jaghmlilkom id-deni. Issa mur fil-Paci binti. Afda Lili, l-Omm tas-Salvazzjoni, f'kull mument, hekk kif Jiena qeghda ghassa fuq din il-Missjoni. Afda f'Ibni, ghax Hu jaf x'qed jaghmel. Halli kollox fl-Idejn Qaddisa Tieghu.

L-Ghaziza Ommkom

Omm t'Alla

Omm tas-Salvazzjoni.

## Il-zmien għall-kometa li tidher, li tkellimt, meta n-nies se jemmnu li hemm żewġt ixmux, huwa fil-qrib.

IS-Sibt 6 ta` April, 2013 17:00pm

Ghaziza mahbuba binti,l-istilel **dalwaqt se jinbidlu** u z-zmien għall-kometa li tidher, li tkellimt, meta n-nies se jemmnu li hemm żewġt ixmux, huwa fil-qrib. Dalwaqt l-ispettaklu ta` l-ghageb se tarah l-umanità, u hemm ser jinstemgħa l-ħoss tar-raghad , u se jidher li ż-żewġt ixmux se jahbtu.

Ir-raggi tal-Ħniena tieghi **se jaqghu fuq kull ruħ tal-bniedem**, inklużi dawk li se jaghmew bid-Dawl, tant mdallma hija r-ruh tagħhom. Meta jinstema l-ħoss tar-raghad , mbagħad tinżel tranquillita kalma fuq l-art u s-skiet jkun itarrax. Ebda ħoss ma jinstemgħa -biss l-ħoss tal-Vuci tieghi stampat fuq l-erwieħ tal-mizerabbli.

Se nkun bħala raġġ ta' xemx, li se jagħmel kull tort , kull dnub u ghajta ta` disprament, jsiru viżibbli b'mod ċar f`għajnejn il-midneb.

Se jkun hemm biki u sens profond ta' niket jinħass fil-qlub tal-bnedmin, kif dawn jiġu wiċċ imb'wiċċ ma' l-istat tar-ruh tagħhom. **Kollha se jibqgħu siekta għal ħmistax-il minuta**, u imbagħad il-ħajja se tigi bħall qabel, bħallikieku dan il-miraklu ma seħħx. F'dawk, li erwieħ intmessew mill-Verità, il-ħajja ma tistgħax, lanqas qatt ma se terga tkun l-istess. Huma mbagħad se jsegwuni, t-Taghlim tiegħi u se jikkonvertu f'biljuni.

**Il-Messaġġi tiegħi se jsiru l-ikel tagħhom ta' kuljum u flimkien ma Ewkaristija Mqaddsa tieghi, mhux se jkollhom bżonn xejn aktar.** Tant jsiru b'saħħithom li xejn m`hu se jtellifhom , xejn m`hu se jintimidahom, jew jwaqqafhom, hekk kif jimxu fl-armata tal-fdal tieghi lejn is-Sema l-Gdida tieghi.

L-oħrajn se jghidulhom li t-twissija kienet ikkawżata minn interruzzjoni fl-atmosfera tad-dinja u li facilment tiġi spjegata. Iżda se tkun gidba, għaliex dawn ma jridux jirrikonoxxu l-eżistenza ta 'Alla. Kieku kellhom jagħmlu dan, dawn ma jkunux kapaċi jlestu l-pjan tagħhom li jqarrqu d-dinja li jaċċettaw l-wegħdiet vojta ta` l-antikrist.

Meta l-mirakli ta' Alla huma murija fuq skala daqsekk kbira, ghafu li l-pjan tieghi li nġib l-umanità fis-Saltna tas-salvazzjoni huwa f`istadju finali.

Morru, segwaċi leali tiegħi, u afdaw dejjem fil-wegħda tiegħi li nsalva l-erwieħ kollha. Il-Ħniena tiegħi hija kbira u l-Qawwa tieghi Omnipotenti.

Ġesù Taghkom.

**Il-zmien li tkellimt fuqu, meta tidher il-kometa, meta n-nies se jemmnu li hemm żewġt ixmux, huwa fil-qrib.**

Is-Sibt 6 t’April, 2013 17:00pm

Ghaziza mahbuba binti, l-istillel dalwaqt se jinbidlu u z-zmien li tkellimt fuqu, meta tidher il-kometa, meta n-nies se jemmnu li hemm żewġt ixmux, huwa fil-qrib. Dalwaqt l-ispettaklu tal-ghageb se tarah l-umanità, u hemm ser jinstemgħa l-ħoss tar-raghad , u se jkun qisu ż-żewġt ixmux se jahbtu.

Ir-raggi tal-Ħniena Tieghi se jaqghu fuq ir-ruħ ta' kull bniedem, inklużi dawk li se jaghmew bid-Dawl, tant hija mdallma r-ruh tagħhom. Meta jinstema l-ħoss tar-raghad, jaqa' kwiet u kalma fuq l-art u s-skiet ikun itarrax. Ebda ħoss ma jinstemgħa - biss l-ħoss ta' Lehni, stampat fuq l-erwieħ tal-mizerabbli.

Se nkun bħal raġġ ta' xemx, li se jagħmel kull htija, kull dnub u ghajta ta` qtigh il-qalb, jidhru b'mod ċar f`għajnejn il-midneb.

Se jkun hemm biki kbir u sens profond ta' niket ser jinħass fil-qlub tal-bnedmin, kif dawn jiġu wiċċ imb'wiċċ ma' l-istat ta' ruhhom. Kollha se jibqgħu siekta għal ħmistax-il minuta, u mbagħad il-ħajja se tigi bħal qabel, bħallikieku dan il-Miraklu ma seħħx. F'dawk, l-erwieħ li ntmessew mill-Verità, il-ħajja ma tistax, lanqas qatt ma se terga tkun l-istess. Huma mbagħad se jsegwu Lili, t-Taghlim Tiegħi u se jikkonvertu bil-biljuni.

Il-Messaġġi Tiegħi se jsiru l-ikel tagħhom ta' kuljum u flimkien ma' l-Ewkaristija Mqaddsa Tieghi, mhux se jkollhom bżonn xejn izjed. Tant isiru b'saħħithom li xejn m`hu se jtellifhom, xejn m`hu se jintimidahom, jew iwaqqafhom, hekk kif jimxu fl-armata tal-fdal Tieghi lejn is-Sema l-Gdida Tieghi.

L-oħrajn se jghidulhom li t-Twissija kienet ikkawżata minn interruzzjoni fl-atmosfera tad-dinja u li facilment tiġi spjegata. Iżda se tkun gidba, għaliex dawn ma jridux jirrikonoxxu l-eżistenza t'Alla. Kieku kellhom jagħmlu dan, dawn ma jkunux jistghu issuktaw u jlestu l-pjan tagħhom, li jqarrqu lid-dinja biex taċċetta l-wegħdiet vojta ta` l-antikrist.

Meta l-Mirakli t'Alla huma murija fuq skala daqsekk kbira, kunu ghafu li l-pjan Tieghi li nġib l-umanità fis-Saltna tas-Salvazzjoni, huwa f`istadju finali.

Morru, segwaċi lejali Tiegħi, u afdaw dejjem fil-wegħda Tiegħi li nsalva l-erwieħ kollha. Il-Ħniena Tiegħi hija kbira u l-Qawwa Tieghi Omnipotenti.

Ġesù Taghkom.

**Dan it-tempju l-gdid, ser jghidulhom li huwa knisja, li tghaqqad lil kulhadd, ghax Alla jhobb lil uliedu kollha.**

Il-Hadd, 7 t'April 2013, @06.40pm

Ghaziza mahbuba binti, kull wahda mill-Knejjes t'Alla fuq l-art, li taghti gieh Lili, Bin il-Bniedem, u dawk li huma lejali lejn Missieri, dalwaqt jinqasmu. Hafna, f'kull Knisja, ser jirribellaw u jinholqu hafna qsim, hekk kif aktar minn dawk li mexjin hazin, jippruvaw idahhlu ligijiet li jaccettaw id-dnub.

**L-obbligazzjonijiet morali li jhossu dawk li jhobbu u jafu l-Kelma Qaddisa t'Alla, li ser jibqghu ghaddejjin bid-doveri taghhom, ser jigu akkuzati li huma kattivi u bla qalb. Ikunu hatjin li marru kontra ligijiet midinba, li jkunu dahlu fis-sehh, hekk kif il-Knejjes jibdew jisfaxxaw, taht il-persekuzzjoni ta' l-antikrist.** Meta jinqasmu u jiskaldaw, il-pedament taghhom jitbandal. Ma jkunux jistghu jieqfu izjed sodi, kontra l-hazen u l-ingustizzja. Iz-zmien ikun sar, biex hafna rwieh mfixkla, jsiru wisq aktar imhawda, u jsiru xhieda ta' tempju alternattiv t'Alla.

**Dan it-tempju l-gdid, sejrin jghidulhom li huwa knisja, li tghaqqad lil kulhadd, ghax Alla jhobb lil uliedu kollha.** U jekk Alla jhobb lil uliedu kollha, jkun iridhom jinghaqdu haga wahda; ikollhom jghannqu lil xulxin, jemmnu x'jemmnu, hi x'inhi r-religjon, il-kulur tal-gilda, ir-razza u l-ligijiet taghhom. Jghidulhom li kollha jinghaqdu flimkiem ghal Wicc Alla, u jghidulhom biex jibghatu r-rapprezentanti taghhom fit-tempju l-gdid li jkun f'Ruma. Jghidulhom li din hija Gerusalem il-Gdida, mhabbra fil-Bibbja u taht il-harsien tal-mexxej il-maghzul minn Alla – il-profeta l-falz.

Ser ikunu hafna dawk li ser jaqghu ghal din il-gidba, travestiment tal-Kelma t'Alla – li kienet moghtija lil Gwanni l-Evangelista. Kull kelma li giet moghtija lil dan il-profeta ghall-ahhar zminijiet, se tigi mehuda, addattata u milwija, biex tidhol fl-agenda ta' l-antikrist.

**Dawk li jirrifjutaw li jaccettaw din il-knisja gdida, hekk imsejha ta' kulhadd, jibdew jigu mlaqqma mhux Insara.** Huma jibdew jigu sfidati u jidhru bhala boloh. Kieku ma jkunx l-Ispirtu s-Santu li jmexxihom, huma jigu mixruba ghal got-tempju falz u oxxen, li jkun jahbi l-verita' kerha, li qeghda taht il-wicc tieghu.

**L-antikrist wasal biex jaghmel id-dahla grandjuza tieghu, ghal fuq il-palk tad-dinja**, u ser ikun hu, li mhux biss isaltan fuq dawn il-knejjes, izda li ser jidhaq bin-nies u jgeghelhom jahsbu li hu ghandu doni divini specjali. Huwa ser ikun onorat ghal hidma kbira tieghu ghal kawzi umanitarji. Huwa, l-antikrist jircievi gharfien internazzjonali ghax-xoghol ta' karita' tieghu. Imbaghad jghidu li ghandu l-karizma li ssoltu nsibuha f'nies qaddisa. Ma jkunx hafna wara, li jkun hemm mirakli li jigu marbuta mieghu, sakemm fl-ahhar, jghidu li hu profeta, u qieghed fuq missjoni t'Alla.

Hafna ser jaqghu ghal dan l-ingann kbir, ghax hu ser ikollu l-knejjes jaqbzu ghalih, u jigi moghti s-sigill ta' approvazzjoni mill-profeta l-falz.

Fl-ahhar, id-dinja ser temmen li huwa Jien, Gesu' Kristu. Il-Kelma Tieghi ser taqa' fuq widnejn torox, hekk kif il-prezenza tieghu, tibla' l-umanita', li c-capcip taghha, jitfi l-lehen ta' dawk li jxerrdu l-Vera Kelma t'Alla. Imma, minhabba l-Hniena Kbira Tieghi, Jiena, permezz ta' Id Missieri, ser nindahal f'kull pass, f'din il-mixja.

Il-Messaggi Tieghi m'humiex ser jieqfu, qabel l-ahhar Jum. Lehni qatt m'hu ser imut. Ulied Alla, li jibqghu lejali lejn il-Kelma Qaddisa Tieghu, m'huma sa jmutu qatt.

Gesu' Taghkom.

# Omm Alla: Meta l-Ulied  Alla huma żgwidati bil-gideb, huma jigu separati minnu.

IL-Ħadd 14 ta` April, 2013 @ 14:00pm

Binti l-għażiża, hallini ngiblek s-serhan f'dan il-mument. Hannini nzommok  qrib tieghi, sabiex nkun nista` naghtik il-qawwa hekk kif  tkompli ixxerred  l-Kelma Mqaddsa t 'Alla f'dawn iż-żminijiet diffiċli.

Meta dawk li ppersegwitaw lil ibni, u mbagħad qatluh, kienu mistoqsija - "Għaliex għamiltu dan?" - Huma wieġbu - ". Biex niddefendu l-Kelma t'Alla" Meta kienu mistoqsija jekk Alla jittollerax l-qtil ta' raġel ieħor, huma argumentaw li dan kien skont t-Taghlim tal-Knisja. U hekk ukoll ser ikun fl-ahhar zminijiet. **In-nies se jgħawġu t-Taghlim t'Alla sabiex jiġġustifikaw ir-rifjut tagħhom tal-Kelma Mqaddsa Tiegħu**.

**Ibni jaghti  lid-dinja dawn il-messaġġi sabiex intom  tħarsu t-tagħlim tiegħu.** Huwa jagħmel dan sabiex l-ebda bniedem ma  jirrifjuta bi zball l-Kelma Mqaddsa Tiegħu, meta t-Taghlim tal-Knisja Mqaddsa tiegħu fuq l-art huwa mbagħbas u maghmul mhux qaddis. Il-Kelma t'Alla qatt m`ghandha tinbidel, madankollu l-profeziji bassru  dawn il-jiem meta dan iseħħ, meta dan se jsir mill-Knisja mwaqqfa fuq il-Blata ta` Pietru.

Ibni huwa l-Kelma. Il-Kelma t'Alla għandha tiġi onorata minn kull wild ta' Alla. Meta l-ulied  t 'Alla huma żgwidati bil-gideb,huma jigu separati minnu.
Meta intom taċċettaw kollox  għajr l-Verità t'Alla, meta  taċċettaw d-dnub, u mbagħad tipparteċipaw fih, toholqu firda bejnkom u Ibni.

Ftakar li jiena, l-Omm t'Alla, nipproteġi dawk kollha li jsejħuli. Il-Protezzjoni tiegħi hija għall-persuni kollha, r-reliġjonijiet kollha. Meta  tgħidu r-Ruzarju tiegħi kuljum, intom tingħataw kull tip ta' protezzjoni u intom tkunu kapaċi tiddefendu l-Verità, il-Kelma Mqaddsa ta' Alla.

Kull wiehed fil-Knisja t`Ibni fuq l-art, li jmexxi lin-nies, li ma jistax jghid r-Rużarju quddiem il-kongregazzjoni tiegħu, ma jkunx ġej minn Alla.

L-Omm Taghkom

Omm Alla

Omm tas-Salvazzjoni

## Hafna qassisin tajbin u qaddisa li ngħaqdu flimkien biex ifarrku f'bicciet, dawn il-Messaggi.

It-Tlieta 9 ta` April , 2013 @ 23:00pm

Ghaziza mahbuba binti, hemm hafna qassisin tajbin u qaddisa li ngħaqdu flimkien biex ifarrku f'bicciet dawn il-Messaggi, iżda dawn ma ghandhomx il-kwalifiki jew l-għarfien biex jagħmlu dan. It-Triq tagħhom hija li jservu l-Alla. **M'għandhomx jhallu lilhom nfushom jiġu mhassra hekk, għax dan joħloq periklu għal dawk l-erwieħ li jgharfu l-Lehen Tieghi f'dawn il-Messaġġi.**

Filwaqt li jesponu prattiċi ta` l-Era l-Gdida tal-ispirtu, ħafna sacerdoti jahsbu li l-għarfien spiritwali tagħhom ifisser, li huma għandhom il-hila li jgharfu profeta veru t'Alla. Tant huma l'boghod Minni, li ma jistgħux jagħrfu l-Kelma Mqaddsa Tieghi. Jiena ma tajthomx tali grazzji, ghax is-suppervja twaqqafhom.

Lil dawk fostkom, qaddejja qaddisa Tieghi, li tippjanaw, tahdmu minn taht u tużaw is-simbolu tal-hatra qaddisa tagħkom fis-servizz t'Alla, bħala mezz biex iddawru l-parruċċani tagħkom 'l bogħod mill-Kelma Tiegħi, kunu ghafu li se tiġu ikkastigati. Intom ma tafunix verament. Intom m'intomx lejali Lejja. Intom ma ghandkomx idea tal-għarfien spiritwali u intom ma ghandkomx l-awtorità biex tumiljaw pubblikament, tiddisprezzaw lil ohrajn jew iccekknu lil xi ħadd fl-Ismi.

Kull wiehed minnkom ser ikollu jaghti kont Lili, u Jien ser nikkastigakom, mhux ghax m'emmintux, izda minhabba d-dnub tas-suppervja, li ggeghelkom tahsbu, li intom tifhmu f'affarijiet spiritwali, aktar Minni, Gesu' Kristu, l-Imghallem taghkom. **Kif tferghuni! Kemm tiddizappuntawni, ghax it-tradiment taghkom, ghamel hsara lill-Missjoni Tieghi, l-ahhar wahda tax-xorta taghHa. Ghal kull midneb li tigbdu l'boghod Minni, ikollkom tiehdu r-responsabbilta' ta' ruhu fuqkom.** Imbaghad, b'qalb tqila, jkollkom tirrispondu dawn il-mistoqsijiet, meta l-Verita' tigi murija lilkom.

Ghaliex irrifjutajtu l-Kalci Tieghi, meta gejtu moghtija l-Verita', bl-Imhabba u l-Fiducja, meta f'qalbkom kontu tafu li dan gej Minni? Ghaliex imbaghad ippruvajtu teqirdu l-Messaggi Tieghi? Ghandkom idea kemm huma serji il-weghdiet li ghamiltu f'Ismi? **Issa ghandkom tmorru rtir u taqraw it-Talb tal-Krucjata.** Jekk taghmlu dan, naghtikom il-Barka Tieghi, u l-Qawwa tad-dixxerniment. Imma dawk biss ta' qalb umli, jistghu jigu ghandi.

Morru lura. Imbaghad ejjew ghandi gharwenin. Hallu l-veduti xejn cari taghkom, il-pregudizzji taghkom, u dak li intom deherilkom minn dawn il-Messaggi, mibni fuq il-ghajdut, iz-zekzik u insinwazzjonijiet, kollha warajkom. Meta jasal dak il-jum, Jiena nerga' nghammidkom mill-gdid u tergghu tigu ndaf. Ruhkom terga' tigi bhal tac-ckejknin, u tixxenqu bil-guh, ghall-Prezenza Tieghi.

Qed nistenna t-twegiba taghkom. Jiena kolli mhabba. Jiena kolli Hniena. Ejjew Ghandi. Jien Hu kulma ghandkom bzonn.

Gesu' Taghkom.
**Alla l-Missier. Talba ghall-Muftieh tal-Genna fl-art il-Gdida.**

L-Erbgha, 10 t'April, 2013 @ 04.45pm

Mahbuba binti, hekk kif il-fjammi ta' l-Ispirtu s-Santu idawru l-erwieh umli ta' dawk li jaqraw dawn il-messaggi, hekk ukoll ser tkun il-firxa tal-konverzjoni dinjija. **Il-Kelma Qaddisa t'Alla hija bhal buffura rih qawwija li ggib maghha, u lil dawk l-erwieh kollha fi triqitha, frott bil-qabda.**

**Minn dawk l-ewwel zerriegha illi nzerghu, kibret kwantita kbira ta' frott li tinsab f'kull nazzjon inkluzi dawk taht ir-regim kommunista.**

Binti, hekk kif il-Kelma Qaddisa Tieghi tahtaf l-imhuh u l-erwieh ta' kull twemmin, din ser taqta bhal xabla f'dawk in-nazzjonijiet li jaghtu daharhom Lili, il-Mahbub Missierkom. Ghalhekk, meta l-mibgheda kontrikom tizdied, kunu ghafu li l-Kelma Qaddisa Tieghi biex nghin nsalva l-erwieh, qed tirnexxi.

Inti, il-habbara Tieghi, inti biss strument. Din il-missjoni mhix dwarek. Din mhix qeghda biex iddawwallek ruhek ghax dak mhux l-ghan Tieghi, ghalkemm dan jaghtini gost. Inti, binti, bhala l-ahhar habbara ghandek biss tghaddi lid-dinja l-messaggi li qed tigi moghtija ghall-gid ta' l-umanita. L-opinjoni tieghek u l-pariri tieghek lil ohrajn, mhux importanti u inti m'ghandekx l-awtorita' li taqsam il-veduti umani tieghek ma' ohrajn.

**Meta Lehen Alla, jilhaq il-qlub tal-bnedmin, jimmultiplika fl-erwieh ta' hafna. Hija t-Tjubija Tieghi, bhala l-Missier li jhobb l-umanita' kollha, li jaghti dawn il-Barkiet Kbar.**

Hekk kif kien imbassar, dawk li gew moghtija id-Don ta' l-Ispirtu s-Santu permezz ta' din il-Missjoni, ser ikunu xhieda ta' Mirakli kbar. Jiena Mbierek lil dawk kollha li jxerrdu u jferrxu l-Messaggi Tieghi, ghax l-isforzi taghhom ser jaghmlu il-Kelma Tieghi bhal cpar li jghatti d-dinja kollha.

Ghal dawk li stennew ir-rigal tal-konverzjoni - dawk l-imsejkna erwieh vojta Tieghi - Jien nghidilkom issa, Jiena, l-Missier Mahbub taghkom, inweghdkom li ser nghannaqkom Mieghi u nifthilkom qlubkom meta intom tghidu it-talba:

**Alla l-Missier: Talba ghall-Muftieh tal-Genna fl-art il-Gdida**

*Ghaziz Missier, huwa jien l-iben mitluf tieghek tant imhawwad u ghami,*

*li minghajr l-Ghajnuna Tieghek, l-Imhabba Teghek, jiena ma jien xejn.*

*Salvani permezz ta' l-Imhabba ta' l-Iben Tieghek Gesu Kristu, u aghtini*

*il-Muftieh ghall-Genna ta' l-art il-Gdida. Ammen.*

Uliedi Jiena Imberikkom u nipprotegikom. Intom Tieghi - kollha kemm intom. Fil-waqt li nixxennaq ghalikom u nibki ghal dawk minnkom li jobghoduni, Jien ser nuza il-Qawwa Omnipotenti Tieghi biex niftah il-qlub iebsa taghkom, halli naghtikom b'wirtkom dak li Jiena hloqt b'tant imhabba.

L-Intervent Tieghi, billi nurikom il-grajjiet li ghad iridu jigru, ser jghinkom biex tifhmu, Jiena kemm inhobbkom. Meta dawn il-grajjiet jigru quddiem ghajnejkom, Jiena nkun qed nistennikom biex tigu ghandi bl-imhabba u l-fiducja fir-ruh taghkom.

Il-Mahbub Missierkom

Alla l-Aktar Gholi

## Għal kull ruħ li intom tiddedikaw għall-Ħniena Tiegħi, jien nsalva mija aktar.

Il-Hamis 11 ta` April, 2013 @ 21:20pm

Ghaziza mahbuba binti, inti ghandek timxi ‘l quddiem u tikkonċentra fuq dawk l-erwieħ imsejkna li ma jemmnu xejn f'Alla. Nirreferi għal dawk li qatt ma ngħataw il-Verità dwar l-eżistenza t'Alla, il-Ħallieq tagħhom.

Hemm biljuni ta' persuni li m'għandhom l-ebda għarfien tat-Trinità Qaddisa, għaliex kienet moħbija minnhom. Dawn huma l-erwieħ li se jingħataw Ħniena kbira Minni u huma jeħtieġ li jkunu jafu b’dawn, il-Messaġġi Tiegħi għad-dinja.

l-erwieħ l-oħra li jinkwetawni, huma dawk li kienu bierda fil-fidi tagħhom u li issa jirrifjutaw li jaċċettaw il-Verità tal-ħajja eterna. Ħafna nies li huma incerti mill-Ħolqien tagħhom, jew l-eżistenza t'Alla, dalwaqt se jintwerew il-Verità. Għal darb'oħra se nurihom Ħniena kbira u l-imhabba Tieghi se tmissilhom qalbhom u huma jiġu salvati.

Iżda mbagħad hemm dawk li se jibqgħu jirreżistu l-Intervent Tiegħi. Huma se jehduha kontra kull tentattiv biex jingħataw il-Verità, u l-prova li se jingħataw tal-Ħniena Tiegħi, se tiġi mitfugħa lura f`wicci. Għal darb'oħra, jiena se nintervjeni u nkompli niġġieled għar-ruħ tagħhom.

Fl-aħħarnett, hemm dawk li jafu kollox dwari u l-fatt li Jiena l-Messija. L-ebda miraklu jew att ta' mħabba mhu ser jiġbidhom Lejja, minħabba li abbandunaw ruħhom lil Satana. Dawn l-erwieħ se jiġu mahtufa mill-bhima u hu mhux se jhallihom imorru liberi, għaliex huma ma jarawnix bħala s-Salvatur tagħhom. Huma għadhom ma jafux il-verità tal-pjan tal-bhima. Sabiex insalvawhom, intom, segwaċi għeżież Tiegħi, għandkom tkunu l-fidili Lejja, billi tafdawli l-erwieħ tagħhom waqt it-talb tagħkom u meta tirċievu l-Ewkaristija Mqaddsa. Intom ghandkom toffruhom Lili kuljum u għal kull ruħ li intom tiddedikaw għall-Ħniena Tiegħi, jien nsalva mija aktar.

Agħmlu dan f’kull jum. Fl-aħħar ta' kull xahar intom se tkunu mimlijin bil-ferh għax tkunu tafu kemm tali erwieħ ġew mogħtija din il-Ħniena kbira. Dan huwa biss Don ieħor li jien bih se nberikkom u l-grazzji li ser tirċievu meta tghidu din it-Talba tal-Kruċjata se jkunu abbundanti.

### Talba tal-Kruċjata (104)

### Ehles dir-ruħ mill-jasar

"Ghaziz Ġesù, nipprezentalek r-ruħ ta` Hija u oħti, li abbandunaw ir-ruħ tagħhom lil Satana.
Ħu din ir-ruħ u ifdiha fl-Ghajnejn Qaddisa Tiegħek.
Ehles lil din ir-ruħ mill-jasar tal-bhima u wassalha ghas-salvazzjoni eterna. Amen."

Il-Ħniena Tiegħi se tibqa’ tingħata lil Umanita’, u b'mod speċjali,lil kull ruħ li tiċħad il-Kelma t'Alla.

Nberikkom, dixxipli leali tiegħi, u nkompli nferra fuqkom d-Don ta' l-Ispirtu s-Santu.

Ġesù Taghkom.
**Imberkin dawk ta' qalbhom helwa, ghax is-suppervja taghhom giet imnezza' minn fuqhom, bil-Grazzja t'Alla.**

Il-Gimgha, 12 t'April 2013 @11.55pm

Ghaziza mahbuba binti, min fostkom, li jhobbni veru, jista' jigi u jinxtehet f' riglejja u jinghata Lili ghal kollox?

Min fostkom, li veru jonorani u jimxi fuq it-Taghlim Tieghi, li jista' jumilja ruhu quddiemi, minghajr ebda kas tieghu nnifsu? Jekk tistghu tintefghu fil-Hniena Tieghi, u sservu b'umilta', Jien nerfaghkom u nghollikom. Imma meta intom tghollu lilkom nfuskom, f'Ismi, u tghidu li tafuni aktar minn ohrajn, Jiena nwaddabkom ma' l-art, taht Saqajja.

**Ghaliex hafna, minn dawk li gew moghtija l-Verita', ghadhom ma jistghux jifhmu l-Verita' tat-Taghlim Tieghi?** Il-bniedem, minhabba t-tebgha tad-dnub, ma jisthoqqlux li jieqaf Quddiemi. Imma dawk li jifhmu d-djufija tar-ruh umana, ghandhom ikunu jafu, illi dawk li jehduha f'idejhom biex jiddikjaraw l-gharfien taghhom dwar fatturi spiritwali skond it-Taghlim t'Alla, permezz tal-profeti, ghandhom joqghodu attenti hafna. Meta dawn l-erwieh jiddikjaraw, l-hekk imsejjah gharfien taghhom, billi jiftahru bil-gudizzju intelletwali taghhom fuq Duttrina Qaddisa, minflok ma jiffukaw fuq l-umilta', dawn joffenduni. Meta huma juzaw l-gharfien taghhom biex jghawgu l-Verita', biex taqbel ma' l-agenda taghhom, biex jigbdu l-erwieh ghal go verzjoni tat-Taghlim Tieghi, maghmula mill-bniedem, Jiena nigi offiz hafna u ser nikkastiga erwieh hatja ta' dan id-delitt kontra Alla.

**Dawk fostkom li joholqu settet, u movimenti spiritwali, kollha minn rajkom, kunu ghafu, li meta tbghabsu mal-Kelma t'Alla, intom tkunu hatja ta' dnub kbir.** Lehenkom, li jxandar il-Kelma t'Alla u l-Glorja Tieghu, min-naha jigi mismugh ghax fih il-Verita'. Izda meta mal-Kelma t'Alla, izzidu l-interpretazzjonijiet taghkom, u tuzaw dan biex tattakkaw ohrajn fl-Isem Qaddis Tieghi, billi takkuzawhom li qed jaghmlu hazin, intom tkunu qed taghmlu dnub.

Imberkin ta' qalbhom helwa, ghax is-suppervja taghhom giet imnezzgha minn fuqhom permezz tal-Grazzja t'Alla, ghax huma ghad isaltnu bhala slaten fil-Genna ta' l-art il-Gdida.

Imberkin dawk, li t-Tama taghhom kollha Fija, tfisser li huma jippriedkaw u jxerrdu l-Kelma Qaddisa Tieghi, minghajr ma jfittxu attenzjoni jew glorja ghalihom infushom, ghax huma wkoll ghad isibu kenn fis-Saltna Tieghi.

**Dawk li jghidu li huma segwaci dedikati Tieghi, imma li jahsbu li jistghu jiggudikaw lill-ohrajn, jiflu t-twemmin ta' ohrajn li l-Fidi taghhom f'Alla toffendi u dawk li fil-pubbliku, jikkundannaw erwieh qadddisa li gew f'Ismi, dawn mhumiex parti mis-Saltna Tieghi**. Intom tappartjenu lill-Wiehed tal-hazen, ghax

intom ma taghtux kont ta' dan Lili, Gesu' Kristu. Jiena ma sejjahtilkomx, u lanqas ma tajtkom permess biex toholqu xi forma ta' grupp specjali, mwaqqaf biex iwaqqa' ghac-cajt lil xi grupp iehor.

**Ghal dawk kollha li jiftahru bil-hila ntellettwali, li ghandha x'taqsam mat-Taghlim Tieghi, biex icekknu lil xi iben iehor t'Alla, b'mod specjali erwieh maghzulin, kunu ghafu li l-jiem taghkom huma maghdudin.** Fil-passat, il-Pacenzja Tieghi kienet izzommni milli nwaqqaf dawn il-missjonijiet zbaljati. Issa, f'dawn iz-zminijiet ta' l-ahhar, m'inix ser naccetta l-mod li bih qed tippruvaw twaqqfu t-Tieni Migja Tieghi.

Huma tant ftit dawk fostkom li ser jaccettaw il-Pjan Tieghi biex inhejjikom ghat-Tieni Migja Tieghi – din id-darba, biex nehodkom fl-Era l-Gdida ta' Paci. Intom ga tafu l-Verita'. Intom tafu li Jien ser nerga' nigi, imma intom, bhal ma gara qabel, m'intomx ser taccettaw li Jien, is-Sultan ta' dak kollu li hu, Huwa dak li qed isejhilkom biex thejju ruhkom.

Elfejn sena Ghalija ma huma xejn. Daqs li kieku l-bierah. Ghalhekk illum, Jiena qed insejjah lilkom lkoll. Dak li jaghmilli qalbi sewda, huma dawk li jghidu li jhobbuni, u jgharfuni fil-pubbliku, izda fil-verita, ma jafunix. Huma taw cans lix-xinxilli ta' religjonijiet organizzati, politika nternazzjonli, kobor esagerat u ceremonji, biex jinhbew Minni.

Jiena semplici fil-mohh, fil-gisem u fir-ruh, u ghalhekk nghannaq l-ewwel lil dawk li jigu quddiemi b' dan il-mod. Meta missier jilqa' lil ibnu d-dar, li kien ilu msiefer ghal xi zmien, huwa ma jharisx lejn hwejgu, z-zarbun tieghu, il-gojjelli jew il-bagalja. Huwa jara biss lil Ibnu, wiccu u l-imhabba li hemm f'qalbu, minn l-ewwel nifs li dan ha minn meta hareg minn guf ommu. Huwa ma jkunx interessat minn kemm hu ghani, x'inhuma l-opinjonijiet tieghu, u t-tqasqis fuq l-ohrajn – kull ma jara huwa l-imhabba li jhoss ghal dan l-iben u l-imhabba li ibnu ghandu ghalih.

L-imhabba hija semplici. M'ghandiex kumplikazzjonijiet. Din ma tigix mill-mibgheda. Inti ma tistax thobb lil xi hadd, meta ruhek mimlija bir-rabja u mibgheda. Meta thobbu Lili, intom tridu thobbu lil dawk kollha li jimxu warajja, hi x'inhi d-djufija taghhom. Intom ghandkom thobbu sahansitra lil dawk li huma hatja ta' dnubiet kbar, ghax Jiena nista' nahfer l-izjed hziena mid-dnubiet kollha. Li ghandkom tiftakru, huwa li l-ebda bniedem ma ghandu l-jedd li jikkundanna lill-iehor f'Ismi. Dan Jiena biss nista' naghmlu.

**Kunu ghafu, li meta nigi ghat-twissija lid-dinja tal-midinbin, li huma l-ghedewwa t'Alla, dan huwa d-dritt Tieghi. Imma kull mument, Jiena nitlobkom ghat-talb ghal ruhhom.** Hemm biss kas wiehed, fejn dan mhux hekk. Jiena qatt ma nista' nghidilkom biex titolbu ghall-antikrist, ghax hu mhux gej minn Alla.

Gesu' Taghkom.

## Il-Knisja Kattolika issa waslet biex tghaddi mill-aghar persekuzzjoni fl-istorja taghha.

Is-Sibt, 13 t'April 2013 @ 11.50pm

Ghaziza mahbuba binti, nixtieq naghmel kuragg lil dawk kollha li jemmnu Fija u fil-Messaggi Tieghi li jinsabu f'dan il-Ktieb – Il-Ktieb tal-Verita'

Meta l-bniedem jimxi warajja u joffri lilu nnifsu Lili, ghandu jimitani f'kollox. Dan ifisser li ghandu jhobb lil kulhadd f'Ismi u jgib ruhu ma kull bniedem bhal ma jixtieq li kulhadd igib ruhu mieghu. Ghaldaqstant, meta intom terhu lilkom infuskom f'idejja, intom ser issofru minhabba f'dan. Ser tigu ttrattati b'kattivita' u jsir kull sforz biex jitfghu fuqkom, kemm jifilhu tkasbir.

Jien nghid dan lil ulied kollha t'Alla u lill-Insara, b'mod partikolari, ghax it-taghbija taghkom hija l-itqal. Jiena nghajjat lil dawk kollha fid-dinja li jemmnu Fija, jemmnu jew ma jemmnux li Jiena qed inkellimhom minn dawn il-Messaggi.

L-Insara dejjem ser ikunu l-mira ta' dawk li jridu jbiddlu l-Ligijiet t'Alla, sabiex dawn jigu jidhlu sew fil-girja taghhom ghall-pjaciri u x-xewqat egoisti. Il-Knisja Kattolika issa waslet biex tghaddi mill-aghar persekuzzjoni fl-istorja taghha, u din ser jaqilbuha ta' taht fuq u ta' gewwa barra. L-attakk ilu ppjanat exghur ta' snin u gie mahdum bir-reqqa. Kemm jibku l-Qaddisin fis-Sema ghall-grajjiet katastrofici li issa ser jinfirxu, b'heffa li ser tahsad sahansitra lil dawk li ma jemmnux f'dawn il-Messaggi.

Konfuzjoni ser tkun ir-rizultat, hekk kif hafna mill-qaddejja qaddisa jigu bla sahha, hekk kif dak kollu li huma dejjem zammew ghaziz, jigi mistoqsi u maqlub. Huma ser jigu sfidati u mghajra minn dawk li jippretenduha, f'Ismi, minn dawk stess ta' madwarhom.

Ghal dawk fostkom li huma lejali lejn il-Knisja Tieghi fid-dinja, nheggigkom biex tkunu ghassa u biex tibqghu zzommu t-Taghlim Tieghi, jekk tixtiequ li tibqghu lejali Lejja. Intom qatt m'ghandkom taccettaw xejn hlief il-Verita' li intom gejtu mghallmin. Dalwaqt ser thossukom wahidkom u l-insejkna qaddejja qaddisa Tieghi ser ikunu nkwetati ghal-lejalta' taghhom Lejja u lejn il-Knisja li bena Pietru, ghax din dalwaqt tittehdilhom minn taht riglejhom.

Ghal dawk kollha li huma Nsara lejali tradizzjonali, intom ghandkom zzommu soghod u ma taccettaw l-ebda attentat li jhajjarkom biex thallu l-Fidi. Intom ser tigu mbuttati fil-genb u sfurzati biex taqblu li tedukaw lil uliedkom f'duttrina falza, li mhix t'Alla.

Dawn il-grajjiet jibdew issa, u Jien qed inwissikom dwarhom, biex nurikom minn fejn ghandkom tghaddu. Jekk xi hadd jakkuzani, minhabba din il-Missjoni, li Jien qed inhajjar l-erwieh biex jitilqu 'l Knisja Tieghi fid-dinja, dan mhux qed jifhem l-istruzzjonijiet Tieghi. Jiena qieghed semplicement nghidilkom biex tibqghu lejali lejn it-Taghlim Tieghi, meta intom ser tigu sfurzati biex taccettaw verzjoni gdida tal-Knisja. Din il-verzjoni gdida qatt mhu ser tkun accettata f'Ghajnejn Alla.

Gesu' Taghkom.

**Omm Alla: Meta Wlied Alla jigu żgwidati bil-gideb, huma jigu separati Minnu.**

IL-Ħadd 14 ta` April, 2013 @ 14:00pm

Binti l-għażiża, hallini ngiblek s-serhan f'dan il-mument. Hallini nzommok qrib Tieghi, sabiex inkun nista` naghtik il-qawwa hekk kif tkompli xxerred il-Kelma Qaddisa t'Alla f'dawn iż-żminijiet diffiċli.

Meta dawk li ppersegwitaw lil ibni, u mbagħad qatluh, kienu gew mistoqsija - "Għaliex għamiltu dan?" - Huma wieġbu - ". Biex niddefendu l-Kelma t'Alla" Meta kienu mistoqsija jekk Alla jittollerax l-qtil ta' raġel ieħor, huma argumentaw li dan kien skont t-Taghlim tal-Knisja. U hekk ukoll ser ikun fl-ahhar zminijiet**. In-nies se jgħawġu t-Taghlim t'Alla sabiex jiġġustifikaw ir-rifjut tagħhom tal-Kelma Qaddisa Tiegħu.**

**Ibni jaghti lid-dinja dawn il-Messaġġi sabiex intom tħarsu t-Tagħlim Tiegħu**. Huwa jagħmel dan sabiex l-ebda bniedem ma jirrifjuta bi zball l-Kelma Qaddisa Tiegħu, meta t-Taghlim tal-Knisja Mqaddsa Tiegħu fuq l-art huwa mbagħbas u maghmul mhux qaddis. Il-Kelma t'Alla qatt m`ghandha tinbidel, madankollu l-profeziji bassru dawn il-jiem meta dan iseħħ, meta dan se jsir mill-Knisja mwaqqfa fuq il-Blata ta` Pietru.

Ibni huwa l-Kelma. Il-Kelma t'Alla għandha tiġi onorata minn kull wild ta' Alla. Meta l-ulied t'Alla jigu żgwidati bil-gideb,huma jigu separati Minnu.
Meta intom taċċettaw kollox għajr l-Verità t'Alla, meta taċċettaw d-dnub, u mbagħad tippartеċipaw fih, toholqu firda bejnkom u bejn Ibni.

Ftakru li Jiena, l-Omm t'Alla, nipproteġi lil dawk kollha li jsejħuli. Il-Protezzjoni Tiegħi hija għall-persuni kollha, r-reliġjonijiet kollha. **Meta tgħidu r-Ruzarju Tiegħi kuljum, intom tingħataw kull xorta ta' protezzjoni** u tkunu kapaċi tiddefendu l-Verità, il-Kelma Qaddisa t'Alla.

**Kull wiehed, fil-Knisja t`Ibni fuq l-art, li jmexxi lin-nies, li ma jistax jghid r-Rużarju quddiem il-kongregazzjoni tiegħu, ma jkunx ġej minn Alla.**

L-Omm Taghkom

Omm Alla

Omm tas-Salvazzjoni

**Hafna mhux ser ikunu b'sahhithom bizzejjed biex jiggieldu kontra l-abort, l-ewtanasja u z-zwieg bejn ta' l-istess sess.**

It-Tnejn, 15 t'April, 2013 @ 06.20pm

Ghaziza mahbuba binti, l-ghedewwa t'Alla, bhalissa qed iqumu bil-gzuz, f'kull nazzjon, biex jakkuzaw il-Ligijiet t'Alla.

**Ser ikun hemm hafna ligijiet godda, mdahhlin f'kull pajjiz u kull knisja.** Bosta minn dawn il-ligijiet ser ikunu kontra t-Taghlim li hemm fil-Bibbja Qaddisa. **Kull tip ta' dnub, ser issir ligi ghalih, u d-dlam tal-bestja ser jiksi d-dinja.** Dawk li jehduha kontra dawn il-ligijiet, ser jigi mghoddija bhala mgienen u mxajtna. L-ilhna taghhom ser jigu mahnuqa minn dawk li jhaddnu s-sekularizmu, daqs li kieku dan kien xi religjon ta' veru. Huma ser juzaw kull argument intellettwali biex idahhlu dawn il-ligijiet tal-hazen u ser iqarrqu bil-hafna, ghax huma ser juzaw id-drittijiet tal-bniedem bhala ghodda biex jikkontrollaw lill-ohrajn.

Hafna mhux ser ikunu b'sahhithom bizzejjed biex jiggieldu kontra l-abort, l-ewtanasja u z-zwieg bejn ta' l-istess sess. **Imbaghad hekk kif dawn il-ligijiet jigu fis-sehh, il-Knisja Kattolika, thabbar ir-riforma li taccetta d-drittijiet umani kollha u r-religjonijiet kollha.** Wara din, tigi qasma kbira bejn dawk imbieka bid-don, moghti lilhom mill-Ispirtu s-Santu, li jaraw dak li gej, u dawk li l-unika xewqa taghhom hija l-imhabba lejhom infushom u li ma jaccettawx lil Alla. Huma jaraw lil Alla u t-Taghlim Tieghi, bhala xkiel, biex jghixu dak li huma jemmnu li huwa stil ta' hajja hieles.

**L-organizzazzjoni qawwija, ta' dawk li huma l-aqwa tad-dinja, li dahlet fin fin, f'kull kantuniera fid-dinja, ser jippjanaw ligijiet tal-Knisja godda u jikkonfoffaw kif ser jehilsu minn mexxejja, waqt li fl-istess hin, joholqu gwerer, li jgibu l-qerda.** Tant huma mkabbrin u tant hi kbira r-rabta taghhom ma' l-adorazzjoni ta' Satana, li huma jahsbu li hadd ma jghaddi minghajrhom. Kemm ser ikollhom ibatu ta' dan il-hazen taghhom. Hekk kif huma jahsbu li jistghu jikkontrollow lill-ohrajn, u jgibu il-pjanijiet qarrieqa taghhom fuq l-ohrajn, huma ser jigu mnehhija minn Id Missieri. Huma ser jigu moghtija biss tant zmien, biex iduru. Wara, mbaghad, huma jduru ghal xulxin u jeqirdu lil xulxin. Tant ser ikun gholi l-livell tat-tbatija taghhom, illi lejn l-ahhar, lanqas biss ser ikun bizzejjed biex jaraw dak li ser jigri jekk jibqghu marbutin mal-wiehed tal-hazen.

Ghal hafna nies, li mhumiex m'Alla, ghall-ewwel, ftit li xejn ser jindunaw b'dawn il-grajjiet. Ikun biss, meta l-helsien taghhom jigi mnaqqas, li huma jqumu f'rewwixta fil-miftuh kontra l-ingustizzji fin-nazzjonijiet taghhom. Imbaghad huma jindunaw bil-biza' li jkun inholoq ghax id-Dawl t'Alla intefa. Postu jkun hadu d-dlam, il-bahh, il-guh u n-nuqqas ta' mhabba. Hemm biss, il-bniedem ser jghajjat ghall-Hniena t'Alla. Jiena nkun hemm biex infarrag u nsalva l-imsejkna erwieh imwerwra taghhom.

Gesu' Taghkom.

## Il-Kelma kif moghtija minn Alla, ser tigi mtertqa bicciet, hekk kif il-paganizmu jiknes lid-dinja.

It-Tlieta, 16 t'April, 2013 @08.45pm

Ghaziza mahbuba binti, **t-telgha lejn l-Gholja tal-Kalvarju, li l-Knisja fid-dinja, ghandha tghaddi minnha, ga bdiet kif imhabbar.** Dawk kollha li jitkellmu f'Ismi, li jhobbuni u li jonoraw it-Taghlim Tieghi, issa jkollhom jghaddu minn dan il-vjagg tat-torturi sabiex jibqghu jzommu l-Kelma Qaddisa Tieghi.

Il-Kelma kif moghtija minn Alla, ser tigi mtertqa bicciet, hekk kif il-paganizmu jiknes lid-dinja. Lil dawk kollha li jimxu warajja, Jien nghidilhom, imxu b'raskom imghollija. Qatt ticcaqilqu mill-Verita', meta dawk, inkluzi l-familja taghkom u l-hbieb, jitkarrbulkom biex titilqu lil hinn mill-Kelma Qaddisa Tieghi, moghtija lilkom fiz-Zmien Tieghi fid-dinja. M'ghandkom qatt iddghajfu d-decizjoni taghkom li tibqghu lejali Lejja. Xi whud minnkom ser jibqghu qawwija matul il-vjagg tal-persekuzzjoni. Ohrajn ser jaqghu. Ftit jaqtghu qalbhom. Ohrajn jiddeciedu li jaccettaw il-gideb li jigi pprezentat bhala Duttrina Qaddisa u jigu mifruda Minni.

**Jien ser nerfa' fuq spallejja lil dawk kollha li jafdaw Fija ghal kollox. Jien ser naghti protezzjoni lil dawk li huma kuragguzi bizzejjed li jibqghu joffru l-Quddiesa Mqaddsa, bil-mod li ghandha tkun immexxija. Jien ser nipprotegi s-Sagramenti pprezentati minn dawk il-qaddejja qaddisa Tieghi, li jirrifjutaw li jimmollaw jew li jhallu s-Servizz Tieghi. Dawk li jaghtu lilhom nfushom b'rahan f'Idejja, m'ghandhom xejn ghal xhiex jinkwetaw.** Dawk li gew moghtija l-Verita' tul hajjithom kollha, u issa jwarrbu t-Taghlim Tieghi ghall-gideb, ser jigu mormija 'l boghod Minni. Il-Gustizzja Tieghi ta' min jibza' minnHa, halli l-ebda bniedem ma jahseb li jista' joghdos f'abbiss ta' qerq, minghajr indiema f'ruhu u ma jsofrix il-konsegwenzi.

Imhabbti ser tkun qawwija bizzejjed biex tghannaq lil dawk li ser ikunu mhawdin matul dawn iz-zminijiet. Jien ser nixxabbat lejn l-ulied kollha t'Alla li jfittxuni, huma kemm huma suwed l-erwieh taghhom. F'nofs it-taqlib, fl-ahhar, Jiena ser nuri Lili nnifsi u l-Ispirtu Tieghi ser jiknes minn fuq id-dinja, hekk kif in-nies jahsbu li ma jifilhux ghal izjed.

Ftakru, li Jiena huwa l-Ewwel u l-Ahhar, xejn ma jista' jirbahli. Jiena Omnipotenti u meta thossu li l-hazen li qed jigi mixhut fuq id-dinja, mill-ghedewwa t'Alla, huwa kbir wisq, kunu ghafu li Jiena qieghed hawn. Jiena nhalli din it-tbatija, din l-ahhar persekuzzjoni, ghax hija l-ahhar arma kontra l-bestja. Minghajrha, huwa jisraq l-erwieh tal-parti l-kbira tal-popolazzjoni tad-dinja.

Din il-battalja ghall-erwieh ser tahsad lil dawk li veru jafuni, ghax il-hazen li ser tkunu xhieda tieghu, ser jidher fi bnedmin li intom tahsbu li huma tajbin. Satana mhux ser ihalli l-ebda gebla f'postha u ser juza' kull ruh, specjalment dawk li huma qrib Tieghi, biex jaghtu daharhom lit-Taghlim Tieghi. Sakemm il-battalja tkun fl-aqwa taghha ghal xi zmien, Jiena, permezz ta' din il-Missjoni, ser insalva biljuni bil-konverzjoni.

Gesu' Taghkom.

**Krucjata ta' talb (1): Ir-rigal tieghi lil Gesu' biex isalva l-Erwieh.**

Il-Gimgha, 19 t'April 2013 @ 04.03am

Il-Hamis, 17 ta' Novembru 2011

Mahbuba binti, jekk joghgbok, ghid lil uliedi, biex jghidu dawn it-Talb minn issa sat-Twissija. Is-Segwaci Tieghi huma mitluba biex jghidu dawn it-Talb li jiena ser naghtik kuljum, biex insalvaw l-erwieh. Din hija l-ewwel talba:

Ir-rigal tieghi lil Gesu' biex isalva l-erwieh

"Gesu' tieghi, l-izjed Ghaziz, Inti li thobbna tant, hallini nghin bil-mod umli tieghi, biex insalvaw l-erwieh gheziez Ghalik. Ikollok Hniena mill-midinbin, tkun kemm tkun kbira l-offiza taghhom Lejk.

Hallini permezz tat-talb u t-tbatija tieghi, biex nghin lil dawk l-erwieh li jista' jkun li ma jghixux sa wara t-Twissija, biex ifittxu post Hdejk fis-Saltna Tieghek.

Isma' t-talba tieghi, O Gesu' helu, biex nghinek tirbah dawk l-erwieh li Inti tixxennaq ghalihom.

O Qalb Qaddisa ta' Gesu', jiena nwieghed il-lejalta' tieghi lejn ir-Rieda Qaddisa Tieghek f'kull hin."

Is-Salvatur Taghkom

Gesu' Kristu.

## Dan is-simbolu, ma jridx jigi mhawwad mal-Marka tal-Bestja, ser ikun is-simbolu tar-Religjon Dinjija l-Gdida.

L-Erbgha, 17 t'April 2013 @ 08.00pm

Ghaziza mahbuba binti, qalbi tinqasam waqt li nghaddi mill-mizerja u t-tbatija li l-umanita' ser ikollha ssofri. Mhux ser tkun Idi li ggib dan kollu, izda s-sahta ta' Satana, hekk kif l-ispirtu tieghu jhuf u jibla' l-erwieh fi triqtu. Tant mhux qed jemmnu fl-influwenza hazina tieghu, illi n-nies qed twahhal f'kull haga ohra ghat-tbatija taghhom. Iwahhlu t-tbatija taghhom fuq l-ohrajn u ma jifhmux li huwa n-nuqqas ta' twemmin taghhom f'Alla, li johloq tant taqlib f'hajjithom.

Hekk kif l-ispirtu tal-wiehed tal-hazen, jahtaf l-umanita', id-Dawl t'Alla jahbat mieghu b'modi li jidhru f'diversi affarijiet.

Maltempati ser jizdiedu u t-tahwid jinhass f'hafna artijiet. Nuqqas ta' kwiet ser jidher f'nazzjonijiet, hekk kif il-poter tal-gvernijiet jiehu l-helsien tal-popli li huma jmexxu. Imbaghad il-Knejjes, inkluzi dawk kollha li jhobbu lil Alla, Alla wiehed fi Tlett Allat, jibdew iwaqqfu s-servizzi taghhom u jaghlqu l-bibien.
In-numru ta' knejjes li sejrin jaghlqu, ser jidher fil-pajjizi kollha tal-punent. **Daqt, il-marka tal-kommunizmu ser tidher bhala sinjal specjali li jidher fil-knejjes li jibqghu miftuhin; fil-media, fuq affarijiet tal-ilbies; fic-cinema u dan is-sinjal ser jintlibes u jkunu kburin bih dawk f'postijiet gholjin. Ikun jidher bhala medalja tal-unur u jxejruh il-membri tal-knejjes magguri u denominazzjonijiet religjuzi. Intom ser taraw dan is-simbolu f'postijiet pubblici; fuq l-artali; fl-ajruporti u fuq l-ilbies tal-mexxejja tal-knejjes.**

**Dan is-simbolu, ma jridx jigi mhawwad mal-Marka tal-Bestja, ser ikun is-simbolu tar-Religjon Dinjija l-Gdida.** Dawk kollha li ghandhom x'jaqsmu mieghu, mhux ser jibqghu jibzghu milli juruh, li huwa s-simbolu ta' kontroll u rabta mal-bestja.

Fil-jum li fih jigi mwaqqaf is-Sagrificju tal-Quddiesa, fil-format li ghandu jkun offrut fl-Isem Qaddis Tieghi, ikun il-jum li fih dan is-simbolu jidher fuq l-artali u quddiem it-tabernakli tad-dinja.

Itolbu, mahbubin segwaci Tieghi, halli ssibu l-farag f'dawk il-qaddejja qaddisa Tieghi, li ser jibqghu lejali Lejja, ghax sa jkollkom bzonn il-wens matul dawn it-tbatijiet. Jien dejjem ser nerfaghkom u ngorrkom. Qatt mhu ser nitlaqkom, imma intom qatt ma tridu titbeghdu mit-Taghlim Tieghi, jew taccettaw modi pagani minflok il-verita'.

Gesu' Taghkom.

## Nitlob li dawk minnkom li huma mbezzghin u konfużi b`dawn il-messaġġi biex jismughni issa.

Il-Gimgħa 19 t' April, 2013 @ 05:00pm

Ghaziza mahbuba binti, kemm inti wahdek f'din il-Missjoni , minkejja l-mijiet ta' eluf li jdawruk bl-imħabba u t-talb taghhom.

Meta inti taħdem Għalija u tabbanduna lilek innifsek, u ccedi kollox f`rilġejja, inti se tħossok waħdek hafna. Inti se tiffaċċjaw r-rabja ta' l-għedewwa Tiegħi, li mhux se jaghtuk moment ta` paċi. Inti, Binti, għandek tisma' issa, hekk kif noffri lil dawk kollha li jiċħduni, rigal speċjali, f'dawn il-Kliem li naghti lil ulied t 'Alla.

**Nitlob li dawk minnkom li huma mbezzghin u konfużi b`dawn il-messaġġi biex jismughni issa. Ma tafux kemm inhobbkom anke meta intom tistmerruni? Ma tafux li Jien qatt mhu se nikkastigakom talli ma taccettawx dawn il-Messaġġi, mogħtija lilkom biex inkun nista nhejjikom u nsaħħaħkom għall-provi li gejjin il-quddiem?** Ma taghrfunix, Ġesù l-Għażiż tagħkom, meta qed insejhilkom issa?

Jien s-Salvatur tagħkom u Jien qatt mhu se nwaddabkom fil-genb meta jkun hemm dubji f'moħħkom. Kif nista nkun irrabjat ghalikom, meta intom tħobbuni u jimpurtakom biss mill-Verità? Issa Jiena nhejjikom għall-isfidi li intom ser ikollhom tiffaċċjaw, hekk kif il-profeziji mbassra, tal-persekuzzjoni tal-Knisja Tiegħi fid-dinja, jsehhu.

Sabiex inkun nista niġbidkom fil-ħniena ta' Mhabbti u ndawwal il-qlub taghkom, naghtikom dan id-Don. Nwegħdkom li meta intom ssejħuli b'dan il-mod, permezz ta' din it-Talba, d-dubji tagħkom dwar min Jien, li qed nitkellem magħkom issa, ser jgħibu. Noffrilkom dan id-Don sabiex intom, permezz tat-Talb li nagħti lid-dinja f'dan il-mument, tistghu ssalvaw l-umanità kollha.

Jekk tigu ghandi, mingħajr suppervja u b'kuxjenza miftuha u ċara, intom malajr tindunaw li ġejtu mogħtija dan id-Don. Huwa d-Don tal-konverżjoni għall-oħrajn.

**Talba tal-Kruċjata (105) Don tal-konverżjoni għal Oħrajn.**

*O l-ghezez Ġesù tiegħi, ma' mhabbti għalik jekk jogħġbok aċċetta r-ruħ tiegħi f`ghaqda Mieghek.*

*Ħu r-ruħ tiegħi, ghattiha bl-Ispirtu Qaddis Tiegħek u għinni, permezz ta' din it-Talba, nsalva lil dawk kollha li jien niġi f'kuntatt maghhom.*

*Ahtaf kull ruħ li niltaqa maghha, bil-Ħniena Qaddisa Tieghek u offrilhom s-salvazzjoni meħtieġa biex jidħlu fis-Saltna Tieghek.*

*Isma t-talb tiegħi. Isma l-karba tiegħi u permezz tal-Ħniena Tieghek salva l-erwieħ tal-umanità kollha. Amen.*

Dawk minnkom li jitfgħu kalunji fuq dawn il-Messaġġi u li jiċħduhom , Nitlobkom tigu għandi. Nurikhom il-Verità. Nehodkom u nġibilkom il-farag. Dejjem ser inħobbkom, ma jimpurtax kemm toffenduni.

Ġesù Taghkom

## Meta l-bniedem ma jemminx f'Alla, huwa ma jaccettax id-differenza bejn it-tajjeb u l-hazin.

Is-Sibt, 20 t'April 2013 @ 04.45 pm

Ghaziza mahbuba binti, is-Smewwiet mimlija dieqa minhabba l-ugigh li l-gheziez segwaci Tieghi qed ikollhom ighaddu minnu. L-angli kollha u l-qaddisin jinghaqdu flimkien u jitolbu ghall-umanita', hekk kif din qed issofri attakk ta' hazen minn Satana u l-ispirtu hziena tieghu. Hekk kif it-talb taghhom jigi milqugh Minni, u nahdem fuqu, Jiena nitlob lil dawk kollha li jghidu li huma Nsara, sabiex jitolbu bhal qatt qabel.

It-talb offrut kuljum ghall-protezzjoni kontra l-forzi tax-xitan, li qed jiddeffes kullimkien fid-dinja, ser jghinu biex inaddfuha mill-ispirti hziena. Ghandkom tibqghu tittamaw, u meta tibqghu lejali Lejja, intom issiru aktar qawwija.

Is-sahha ta' l-Insara, maghqudin fil-Verita' t'Alla, ser toffri hajt ta' difiza kontra l-bestja, li l-pjanijiet tieghu biex iwegga' l-ulied t'Alla, qed jibdew isehhu bhalissa. Intom ghandkom tieqfu Quddiemi, tiddikjaraw l-imhabba taghkom li ma tmut qatt Ghalija, u Jiena mmexxikom fl-armata Tieghi, li qatt mhu ser tisfa telliefa. Filwaqt li l-armata Tieghi qed tikber fid-daqs u biljuni jikkonvertu u jaccettawni, din ser tghin biex noqtlu l-bestja.

Gheziez segwaci Tieghi, id-dover taghkom huwa li tahdmu fuq dawk li sejrin jirrifjutaw l-Id Tieghi ta' Hniena. Taghtux kas li tigu mkasbra f'Ismi, kulma ghandkom taghmlu huwa li titkarrbu ghas-salvazzjoni ta' l-erwieh. Kunu ghafu li l-armata t' Alla fid-dinja, ser tigi moghtija grazzji specjali, biex din tkun tista' iggib lura maghha l-erwieh ta' dawk li jiddubitaw mill-Kelma Qaddisa Tieghi.

Id-dubji, meta jithallew jizdiedu, dawn jifirdu lill-bniedem minn Alla. Id-dubji jitpoggew f'qalb il-bniedem minn Satana, sabiex iqarraq b'ulied Alla, jgeghelhom jemmnu li Huwa, Alla, ma Jezistix.

**Meta l-bniedem ma jemminx f'Alla, huwa ma jaccettax id-differenza bejn it-tajje u l-hazin. Minghajr it-tmexxija minn Alla, huwa jaqa f'kull nasba li Satana jkun lesta ghalih. Hemm tidher tant mibgheda f'qalb il-bniedem, ghax la darba jhallu lilhom infushom miftuha ghall-wiehed tal-hazen, qlubhom jintlew bir-rabja. L-**

**ghar rabja tkun dik lejn l-Insara, u fl-istss hin dawn in-nies ma jkunux jafu ghaliex qed ihossuhom hekk. Ghalhekk dawk li ma jemmnux f'Alla, jqattghu izjed hin jikkundannaw lil dawk li jemmnu.**

Itolbu, itolbu, itolbu ghal ruhhom.

Gesu' Taghkom.

## Ghal darb' ohra, it-Torri ta' Babel, ser jerga' jigi mwaqqaf u pprezentat bhala t-tempju t'Alla.

Il-Hadd, 21 t'April, 2013 @ 02.45pm

Ghaziza mahbuba binti, min jista' jichad il-mewt Tieghi fuq is-Salib? Min jista' jichad li Jiena tajt hajti halli l-Verita' ssalva lill-midinbin kullimkien? Imbaghad, min fostkom, meta jasal il-mument, ser jichad il-Verita' tal-Knisja Tieghi fid-dinja, meta din tigi svarata gebla, gebla?

Intom gejtu moghtija l-Verita'. Intom tafu t-Taghlim Tieghi. Ghalhekk intom ser tkunu tafu l-Knisja Tieghi mit-Taghlim Tieghi. Il-Knisja Tieghi fid-dinja hija l-Verita'. Il-Knisja Tieghi fid-dinja hija l-Gisem Tieghi. Allura jekk bniedem fostkom isawwat lil Gismi, u wara jivventa mill-gdid it-Taghlim Tieghi u jipprezenta lilkom il-gideb, hemmhekk tichduni?

Jiena, Gesu' Kristu, mhux qed nghidilkom dan kollu biex nifridkom. Jien nghidilkom dawn l-affarijiet biex intom tonoraw it-Taghlim Tieghi, izzommu s-Sagramenti Qaddisa u tibqghu soghdi fil-Verita'. **L-ebda bniedem fid-dinja ma jista' jibdel it-Taghlim Tieghi.** L-ebda bniedem. **L-ebda wiehed fostkom ma gie moghti din l-awtorita' biex jiddikjara duttrini godda u jipprezentahom bhala Tieghi**. Madanakollu, hafna fostkom ser jichduni, billi jichdu il-Verita', moghtija lilkom 2,000 sena ilu. Tant intom neqsin mill-gharfien ta' hwejjeg qaddisa, illi intom mhux ser tgharfu l-ligijiet il-godda, li ser ikunu daghwa kontrija, meta dawn jiddahhlu fil-Knisja Tieghi fid-dinja.

Hekk kif gara qabel, it-Torri ta' Babel, ghal darb'ohra, ser jitwaqqaf u jigi pprezentat bhala t-tempju t'Alla. Postu ser ikun f'Ruma u ser ikollu fuqu s-simbolu tar-religjon dinjija l-gdida. Dan is-sinjal ikun jidher fuq il-bejt, fid-dahla u ser jiehu l-aqwa post fuq l-artal maggur gewwa l-binja. It-Tabernaklu prezzjuz Tieghi, maghmul mid-deheb, imhammeg fil-Glorja kollha tieghu, jitpogga fuq nofs l-artal, fejn kulhadd jista' jarah. Dan l-insult ser ifisser illi l-bestja nghata l-bieb miftuh biex jidhol fit-Tabernaklu Tieghi. F' dan iz-zmien, il-Prezenza Tieghi tisparixxi.

Miljuni ta' nies - li hafna minnhom mhux ser jaghrfu t-tifsira ta' din l-istmerrija – ser jaghmlu dak kollu li jkun mitlub minnhom u jitolbu quddiem il-bestja. Hwejjeg godda, maghmulin b'medalji tad-deheb, li jkollhom id-dehra ta' suttana umli, jintlibsu minn

dawk li ser iservu f'dan l-hekk imsejjah tempju. Il-medalja tad-deheb, li tkun murija bla misthija, tkun is-simbolu tar-religjon dinjija l-gdida.

**Is-Slaleb ser jisparixxu**. Il-Kurcifiss Tieghi ma jidher imkien. Imbaghad, fejn ikunu jidhru, f'postijiet pubblici, n-nies ser jigu mgeghla jnehhuhom bil-ligi.

It-torri l-gdid, li jkun jonora lil Satana, jkollu hafna bhalu f'bosta pajjizi u wara, t-tieni parti tal-qerq tigi mikxufa. **L-ezistenza ta' l-Infern tigi pubblikament dikjarata mill-knisja, illi hija bla sens.** In-nies jigu kkalmati f'sens ta' sigurta' meta din il-gidba sfaccata tigi accettata mill-knejjes kollha. Jargumentaw illi Alla qatt mhu ser jippermetti li jezisti post bhal dan. Illi Huwa jhobb lil kulhadd u li l-ezistenza ta' l-Infern kienet giet imferrxa minn fanatici religjuzi matul is-sekli. U ghalhekk, **in-nies jaccettaw bhala tajjeb anke l-ezistenza tad-dnub il-mejjet.** Id-dnub tant isir accettat illi n-nies ma jibqghux jitolbu jew jitolbuni Hniena, ghax mhux ser ikun Alla, dak li huma jaccettaw. Ikun lill-bestja li huma jaghtu ruhhom u kull pass fil-vjagg taghhom ikun ippjanat bir-reqqa mill-ghedewwa t'Alla.

Gesu' Taghkom.

**Omm Alla: Sabiex ikunu xierqa li jidhlu fis-Saltna Tieghu, huma jkollhom jitnezzghu minn kull influwenza tad-dinja.**

It-Tnejn, 22 t'April 2013 @ 04.00 pm

Binti, sabiex ulied Alla jkunu jistghu jigu salvati, huma jridu jimxu fuq il-moghdija t'Ibni. Huma jridu jaccettaw illi, sabiex ikunu xierqa li jidhlu fis-Saltna Tieghu, huma jkollhom jitnezzghu minn kull influwenza tad-dinja, li tifridhom minn Alla.

**Dawk li jduru lejn Ibni, huma u jfittxu l-Verita', ghandhom jaraw numru ta' bidliet isehhu f'hajjithom.** Ghal dawk li ma jafuhx u li jifthu qalbhom Ghalih, ghall-ewwel darba, huma ser jibku bid-dmugh. Dan id-dmugh ikun ir-rizultat ta' l-imhabba li Hu jpoggi f'qalbhom u huma jhossuhom mirbuha. Dawn huma d-dmugh tal-konverzjoni. Il-qlub u l-erwieh taghhom jintlew b'imhabba, li huma qatt ma jkunu daqu bhalha. Din hija l-Imhabba t'Alla u hija rigal mis-Sema.

Wara ftit, hekk kif ikunu mimlijin bid-Dawl t'Alla, huma jigbdu lejhom id-dlam tal-wiehed tal-hazen, li jhuf ghall-erwieh mimlijin b'dan id-Dawl. Hemm huma jsofru minn id l-ohrajn, li juzahom il-wiehed tal-hazen, biex jattakka l-fidi u r-rabta taghhom m'Alla.

**Dawk b'imhabba semplici ghal Ibni, minghajr ebda arroganza u kburija – dawk li ma jaqghux ghal pressjoni ta' dawk li jichdu lil Ibni – ser isofru bhal ma sofra Hu**. Huma ser iwegghu meta jkunu xhieda tad-dnub, ghax huma jhossu l-istess ugigh li jhoss Ibni. Huma ser jaqghu u jitfixklu, hekk kif gralu Ibni fit-triq lejn il-Kalvarju. Ghax sakemm idumu hajjin, huma ser ihossu l-ugigh ta' dak li jsofri Ibni. Dan l-ugigh jibqa' maghhom sakemm tigi fi tmiemha l-purifikazzjoni ta' l-ahhar.

Qatt thossu li din ir-rabta taghkom ma' Ibni hija ghal dejjem imcappsa bl-ugigh biss, ghax din iggib maghha ferh, paci u tama, li jgibu l-hajja eterna. Intom qatt m-ghandkom thallu l-imhabba taghkom ghal Ibni, biex tifridkom minn l-ulied kollha t'Alla. Ghall-kuntrarju, intom ghandkom taghtu l-id taghkom lil kulhadd, specjalment lil dawk li qatt ma fethu qalbhom ghal Ibni. Dawn Ghandhom bzonn l-ghajnuna taghkom. Permezz tar-rigal tal-konverzjoni, intom gejtu moghtija l-Grazzji li hemm bzonn biex iggibu dawn l-erwieh ghal ghand Ibni. Intom ghandkom taghmlu dan, meta taccettaw l-ugigh li jkollkom issofru, bhala suldat ta' Kristu, u bit-talb taghkom u s-sagrificji ghall-ohrajn.

Il-Mahbuba Omm Taghkom

Omm tas-Salvazzjoni.

## Il-profeti foloz kollha ser jigu mibghuta ‘l barra Minni u kkastigati bi kbir.

It-Tlieta 23 t’April 2013 @ 04.55pm

Ghaziza mahbuba binti, il-vizzjunarji, madwar id-dinja ghaddejjin minn sofferenzi kbar f’dan iz-zmien, hekk kif qed ibatu l-ugigh li hemm bzonn biex isalvaw l-erwieh ta’ l-umanita’. Huma meta offrew lilhom infushom ghas-servizz Tieghi, ser ikollhom jimxu wahidhom, kif ghamilt Jien meta tlajt l-gholja tal-Kalvarju, bi ftit biss li jersqu biex jghinuhom.

Hekk kif dawk l-erwieh ta’ veru Tieghi, isofru l-ugigh, it-tkasbir u r-rifjut, daqstant iehor, dawk il-profeti l-foloz u vizzjunarji, ser jigi gglorifikati u ser jidhqu b’hafna. **Il-profeti l-foloz ser iqumu minn fostkom u jigbdu t-tifhir u l-glorja. Wara l-wicc tal-umilta’ u kliem helu, ikun hemm vojt li gej mill-ispirtu tal-hazen.**

Jiena nwissi lid-dinja biex ma timxix wara dawn il-profeti foloz, li jfittxu l-glorja, adorazzjoni u tifhir ghalihom infushom, fl-Isem Qaddis Tieghi. L-ebda bniedem mibghut Minni, Gesu’ Kristu, m’hu ser jgholli lilu nnifsu sabiex intom tinxtehtu f’riglejh. L-ebda profeta Tieghi m’hu ser jitla’ fuq pedestall u jghid li hu aqwa minnkom. Huwa m’ghandux ghalfejn jghid li huwa aqwa minn hutu, biex jaghmel dan, ghax hu kull ma jrid jaghmel huwa li jippriedka kliem ta’ dak l-hekk imsejjah gherf, b’tali mod, li jgeghelkom temmnu li huwa ghandu jigi mfahhar, ghal dik li tidher bhala r-rabta tieghu m’Alla. Minflok ma jheggigkom ghat-talb u biex iressaqkom aktar lejn Alla, huwa jikkmanda u jkun irid ir-rispett l-ewwel. Dawn il-profeti foloz jigbdu lejhom erwieh permezz tad-dnub tal-kburija. Il-Kburija, fi profeta falz, tigbed il-kburija fl-erwieh ta’ l-ohrajn. Wiehed ifahhar lill-iehor billi juza’ l-Isem t’Alla biex juri kemm hu kbir.

Oqghodu attenti ghal dawk li jghidulkom biex tiksu lilkom infuskom, b’dak li jirreferu ghalihom bhala rigali specjali, li jigbdu lejhom id-dinja spiritika. Intom ghandkom tevitaw lil dawk li f’Ismi, jistednukom biex tbaghbsu ma’ l-ispirti, li huma jghidulkom li jgibu l-paci u l-farag, imma fejn Alla ma jissemmix. Jekk intom ma tigux mistiedna biex tmilu b’umilta’ quddiem Alla, imma minflok jghidulkom biex iggibu lilkom infuskom u li thossukom tajjeb, l-ewwel, u qabel il-bzonnijiet ta’ l-ohrajn, intom ghandkom tkunu tafu li dan qatt ma jista’ jkun gej minn Alla. Intom qatt m’ghandkom

iggibu l-interessi taghkom jew dawk ta' l-ohrajn, qabel Alla. Kull ma titolbu ghalih, ghandu jkun skond ir-Rieda Qaddisa t'Alla.

Hafna mill-profeti foloz qed jahdmu ma' l-ispirti, li m'humiex gejjin Minni. Huma jmexxu l-importanza tal-fejqan minn gewwa, l-hsieb posittiv u l-metafizika, li flimkien jaghmlu haga wahda, lill-bniedem jaghmlulu l-hila biex jgholli lilu nnifsu fuq Alla.

Il-profeti foloz kollha ser jigu mibghuta 'l barra Minni u kkastigati bi kbir. Il-kastig taghhom ser ikun abkar minn dak tal-bnedmin mortali, ghax huma ser ikunu responsabbli ghat-telfien ta' tant erwieh.

Gesu' Taghkom.

## Omm Alla: Din id-darba, Huwa mhux gej bhala bniedem tad-demm u l-laham.

L-Erbgha, 24 t'April 2013 @ 02.15pm

Uliedi l-mahbubin, permezz ta' l-imhabba li ghandu ghall-umanita', Ibni qed ihejjikom ghat-Tieni Migja Tieghu. Huwa ghax ihobbkom, li qieghed ikellimkom bhal issa, permezz tal-profeti Tieghu, biex jizgura li hadd ma jahrab mill-Hniena Tieghu. Hekk kif Alla baghat lil Gwanni l-Battista biex jipprepara lid-dinja ghal Ibni – l-uniku Iben Imnissel t'Alla, il-Messija – Ibni issa ser jikxef l-ahhar pjan. Dan l-ahhar pjan tas-salvazzjoni ser ikun jixbah lil dak ta' l-ewwel migja Tieghu, izda b'differenza wahda. Din id-darba mhux gej bhala bniedem tad-demm u l-laham.

Issa illi l-Verita' qed tigi murija lilkom mill-gdid, Ibni jfakkarkom f'dak kollu li gej minn Alla fil-Kelma Qaddisa Tieghu, Huwa u jhejji l-ahhar stadji. Ulied Alla gew moghtija l-Verita' meta Ibni mexa fid-dinja. Issa intom ser tigu moghtija l-Verita' shiha, li fiha rivelazzjonijiet dwar il-hidma tal-ghedewwa t'Alla, u dan ghal gid taghkom, halli ma tigux mqarrqa. Intom ghandkom tkunu generuzi mill-qalb, meta Ibni jgibilkom dawn ir-rigali, li ser jimlewlkom ruhkom.

Meta Jiena kont nidher lill-vizzjunarji maghzulin tul is-snin, dan kien biex inhejji l-erwieh ghal dawn iz-zminijiet. **Issa, meta qeghdin thejju ghall-persekuzzjoni, li ser tigi mwettqa fuq l-Insara, ser ikun mill-izjed difficli, ghax ser ikun abbuz ta' l-ispirtu u dan iwegga' l-aktar.** Meta tkunu tafu l-Verita' tal-Kelma t'Alla, u meta tkunu tafu taghrfu l-hidma tal-qarrieqi, intom issiru aktar b'sahhitkom. Huwa hafna aktar siewi li tibqghu lejali lejn il-Kelma t'Alla, milli taccettaw gideb li jigu pprezentati lilkom minn dawk li mhumiex gejjin minn Alla.

Ibni ser jghollikom ghall-glorja meta intom tisimghu mill-Kelma Qaddisa Tieghu u zzommu t-Taghlim Tieghu. Jiena nitlobkom biex turu lil Ibni r-rispett li jisthoqqlu. Dawk li rrifjutawH meta mexa fid-dinja, fl-ahhar accettaw il-Verita' ta' min kien, meta Huwa miet fuq is-Salib. Dawk li jirrifjutaw il-Kelma Tieghu llum, sejrin jindunaw bil-Verita' fil-Jum li Huwa jigi biex Jiggudika. Ghal hafna jkun tard wisq.

Itolbu illi l-erwieh kollha jibqghu lejali lejn il-wirt t'Ibni l-Mahbub, Gesu' Kristu, ghax huma dawk biss li jaccettaw Lilu li ser jigu mehuda fis-Saltna Tieghu.

Il-Mahbuba Ommkom.

Omm tas-Salvazzjoni.

**Huma ser jigdbu l-hin kollu, u l-omeliji pubblici taghhom ikunu bla sens f' Ghajnejn Alla.**

Il-Hamis, 25 t'April 2013 @ 10.30 am

Ghaziza mahbuba binti, **issa mhux fil-boghod illi dawk li qed jirribellaw fil-Knisja Kattolika, li telqu l-ubbidjenza taghhom lejn Alla, ser jinghaqdu flimkien biex jaghmlu attakk feroci fuq il-qaddejja qaddisa li huma lejali lejn il-Verita'**.

**Dawk li mhumiex lejali lejn il-Gisem Tieghi, ser jibdlu hafna ligijiet u joholqu interpretazzjonijiet tat-tifsira ta' l-Ewkarisitja Qaddisa**. Hafna qaddejja qaddisa t'Alla, u l-fidili, mit-twemmin Nisrani kollu, ser iharsu waqt li jigi attakkat l-Ispirtu s-Santu. Hafna ser jinhasdu bil-mod kif Ismi u t-Taghlim Tieghi ser jigu ntepretati mill-gdid, sabiex l-importanza tkun fuq id-dmir li ghandu bnieden lejn bniedem iehor. Il-bniedem ser jigi mheggeg biex ihobb wiehed lill-iehor, u jpoggi l-bzonnijiet taghhom qabel l-artal t'Alla.

Minbarra dan il-mod li bih ser jersqu lejn it-Taghlim Nisrani, ser jidher bhala haga tajba. Dan ser igib 'l quddiem l-importanza ta' l-imhabba, imma mhux kif jiddettaha Alla. Nies f' postijiet gholjin ser jidhru li qed ifahhru lil xulxin meta jiehdu sehem f' ceremonji religjuzi. Huma jmilu lejn xulxin b'rispett u jinxtehtu bil-qima f'riglejn l-ghedewwa t'Alla.

Dawn ir-riti grandjuzi ser jidhqu bid-dinja, u hafna mhux ser jindunaw bl-iskop ta' dawn ic-ceremonji. Dawn l-atti, dawn l-omeliji l-godda u c-ceremonji l-godda, li suppost li qed jonoraw Lili, Gesu' Kristu, dawn minflok ser ikunu suwed fil-forma, u jaghtu glorja lill-bestja.

**Ir-re tad-dlamijiet qed jimxi bil-heffa flimkien ma' l-ispirti hziena tieghu, fil-qlub ta' hafna li ghandhom id-dover li jmexxu s-segwaci Tieghi**. Xi whud minn dawn il-qaddejja, lanqas biss jindunaw illi huma qed jigi mhajra mill-wiehed tal-hazen. Jiena nghidilhom – ejjew issa. Ejjew Ghandi permezz tas-Sagrament tar-Rikonciljazzjoni. Jekk intom inkwetati dwar il-fidi taghkom, Jiena ndawwalkom, imma l-ewwel tridu tnehhu s-suppervja minn ruhkom. Hija s-suppervja, illi tidhaq bikom u ggeghelkom temmnu li mohhkom huwa aqwa minn t'Alla.

**Ohrajn, bhal lupi libsin ta' nghag, bieghu ruhhom lil Satana**. U hekk kif jahdem hu, huma jkunu makakki fil-mod li bih iqarrqu b'ulied Alla. Huma ser iwaqqghu ohrajn billi jfahhru lill-qaddejja taghhom talli huma qaddisa u dan jigbed lil dawn il-qaddejja, b'imhabba ghalihom infushom u mimlija kburija, li jsegwuhom bhal nghag. Huma ser jigdbu l-hin kollu, u l-omeliji pubblici taghhom ikunu bla sens f' Ghajnejn Alla. Ma tidhirx uqija ta' umilta' fi kliemhom, ghalkemm jaghmlu minn kollox biex fil-pubbliku jgibu ruhhom bhala qaddejja umli t'Alla. Il-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu mhix ser tkun hemm fil-prezenza taghhom, u dawk li huma Tieghi, li jafuni ta' veru, ghad jixhdu ghal dan.

Binti, l-mibeghda murija lilek gejja minn zewg nahat, bhala rizultat dirett tat-twaqqigh tal-Knisja Tieghi fid-Dinja. Naha wahda jkun hemm dawk li jghidu li jirrapprezentaw il-Knisja Tieghi fid-Dinja, imma huma biss, dawk li jirrapprezentaw duttrina ohra. Fuq in-naha l-ohra jkun hemm il-qaddejja lejali Tieghi, li mhux ser jemmnuk.
Inti ghandek tkun taf illi l-Verita' taghmel il-biza' u r-rabja. Il-Verita' moghtija lill-profeti veri t'Alla, mhux talli tohloq ir-rabja minhabba il-biza', izda iggib il-korla. Il-korla u r-rabja gejjin mill-ispirtu tal-hazen. Il-wiehed tal-hazen, permezz ta' qalb il-bniedem, ser jaghmel minn kollox biex iwaqqaf il-Kelma t'Alla.

Ir-rabja ghall-profeti hija mibeghda ghal Alla.

Gesu' Taghkom.

## L-Antikrist se jkun mil-Lvant, mhux mill-Punent

Il-Ġimgħa 26 t'April, 2013 @ 12:30pm

Ghaziza mahbuba binti, id-dinja qed titħejja għad-dahla tal-antikrist. Huwa ġie mharreg minn numru ta' forzi politiċi qawwija biex jagħmel l-ewwel dehra kbira tiegħu.

L-antikrist se jkun mil-Lvant, mhux mill-Punent, iżda se jkun maħbub, onorat u meqjum mit-tnejn u f'kull rokna tad-dinja. Kollox ser jibda kif ġej.

**L-antikrist malajr se jġib, bl-għajnuna ta' l-għedewwa t'Alla, gwerra bejn żewġ nazzjonijiet immexxija minn żewġ mexxejja rashom iebsa u qawwija**. Dawn il-gwerer se jikbru u mbagħad se jinxterrdu f`pajjiżi oħra. Meta t-theddida isir tant serja li tibda taffettwa l-pajjiżi l-aktar qawwija, allura jibdew in-negozjati tal-paċi.

**Minn imkien, se jidhol il-bhima. U b`ħiliet li jimpressjonaw lid-dinja, huwa se jgib fi tmiemhom il-gwerer**. Huwa se jkollu vuċi qawwija. Huwa se jkun ferm intelliġenti u se joħloq xbiha Karismatika impressjonanti. Id-dehra sabiha tiegħu gustuża u s-sens ta' umoriżmu, se tkun bħal kalamita ipnotika qawwija. Huwa se jiġbed tifħir kbir mill-mexxejja dinjin magħrufa u mill-media, u hu se jsir ċelebrità. L-imgieba tiegħu se tigbed lill-mexxejja tan-negozju, li se jarawh strumentali fil-ħolqien tal-ġid, hekk kif l-ekonomiji jibdew jikbru.

**L-antikrist tant ser jidher li hu specjali, illi n-nazzjonijiet ser jitlewmu bejniethom biex ihegguh biex izur pajjizhom**. Huwa ser ikun mahbub u jikkopja sa l-inqas dettal, kull mument tal-Missjoni Tieghi, meta Jiena kont nimxi fuq id-dinja. Jippriedka l-importanza ta' l-imhabba, il-paci u l-importanza tal-ghaqda bejn in-nazzjonijiet, huwa ser jidher li qed johloq hwejjeg kbar, kulfejn imur. Dan mhux bniedem bhall-ohrajn. Dan mhux bniedem bhal xi mexxej karizmatiku iehor. L-istilla tieghu tiddi u tleqq, bhal ta' hadd minn ta'qablu. Huwa jitqies bhala l-mexxej tar-religjon dinjija umanitarja. Dak li jissejjah success ta' din l-istmerrija, ser ikun attribwit lilu. Kulhadd jinxtehet f'riglejh. Xbihat ta' wiccu jkunu ma' kullimkien. Huwa jidher ma' mexxejja ta' hafna denominazzjonijiet religjuzi. Malajr jibda jinghad li nies

fiequ wahidhom, fil-prezenza tieghu. Bil-qawwa ta' Satana, huwa jkollu l-hila johloq atti li jahsdu lil hafna, u dawn jidhru bhala mirakli.

Hemmhekk, huwa ser jidher bhala l-Messija, mill-injoranti. Wara huwa jibda jitfa' xi kelma li huwa gie mibghut minn Alla biex isalva lid-dinja. Hafna, inkluzi dawk fid-dinja li ma jaccettawx l-Ezistenza Tieghi, jgegheluhom jemmnu li dan ir-ragel huwa Bin il-Bniedem, Gesu' Kristu. Dawk li jonorawh, jobdu minn dak li jkun irid minnhom, u li jadurawh, jintlew b'tant hazen, illi r-ruh taghhom tigi mixruba ghal go vojt kbir, li huma jsibuha mpossibbli li johorgu minnu.

**Dawk li jafu l-verita' tat-Taghlim Tieghi, ser jaghrfu l-qerq, li jkun gie poggut quddiem il-bniedem, u lil din l-istmerrija, huma jieqfulha**. Dawk li jghidu li huma jafu lil Alla, u li huma Nsara prattikanti, mhux ser jifhmu l-Weghda Tieghi li nerga' nigi. Meta nerga' nigi, Jiena nigi biex niggudika. Qatt ma Jien ser nerga' nimxi fid-dinja ghat-tieni darba. Bil-gherf kollu taghhom tat-Taghlim Tieghi, huma ma jifhmux dak li Jiena ghidt. Jiena issa qed infakkarhom. Jiena mhux ser nimxi bil-gisem. Jekk xi hadd jghid li huwa Jien, ikun giddieb.

Gesu' Taghkom.

## Kull gurnata ghandkom tistaqsu lilkom infuskom – Alla ser jaccetta dak li qed naghmel illum?

Is-Sibt, 27 t'April 2013

Ghaziza mahbuba binti, rrid nispjega lil kull persuna hajja fid-dinja illum, l-importanza taz-zmien moghti lilhom. Jiena qatt ma ndhalt fir-rieda hielsa tal-bniedem, ghax din hija wiehed mill-akbar rigali moghti lill-umanita' u qatt ma tista' titehdilhom. Satana, min-naha l-ohra, jindahal fir-rieda hielsa tal-bniedem u bla heda jfittex biex ijjassar lil mohh uman u jisraqlu ruhu, kif ghamel mill-bidu nett.

Ghalhekk, **hija r-rieda hielsa li giet moghtija lill-bniedem, li tigi attakkata mill-ispirti l-hziena. Izda huwa wkoll permezz tar-rieda hielsa tal-bniedem, illi l-bieb tas-Saltna Tieghi jista' jinfetah.** Minhabba li intom laham, u ghalhekk intom mortali, iz-zmien li ghandkom biex thejju ghall-hajja eterna, huwa issa. Qatt m'ghandkom tinsew dan. Ghandkom tkunu mhejjija l-hin kollu, ghax hekk kif Missieri takom il-hajja, hekk jista' jehodilkom f'kull mument, f'kull gurnata.

**Li kieku kellkom tmutu issa, illum, tkunu xierqa li tigu Quddiemi?** Tafu x'inhuma l-htijiet u l-atti hziena li ghamiltu, u liema mibeghda wrejtu lejn garkom, li ser jigu mikxufa quddiemi? Intom biex tinghataw il-hajja eterna, tridu tkunu tafu x'ghandkom taghmlu issa, illum, biex tkunu ndaf f'Ghajnejja.

Ghal dawk li jaccettaw id-dnub u jwegghu lill-ohrajn, fuq naha, u min-naha l-ohra jitolbu u jghixu hajja tajba, u jghidu li huma devoti Tieghi, nghidilhom dan. Kull siegha intom twegghuni bl-ipokresija taghkom. Kuljum ruhkom titbieghed izjed 'l boghod Minni. **Intom ghandkom timxu fuq l-Ghaxar Kmandamenti ezatt kif gew moghtija minn Missieri, inkella ma tistghux tghidu li intom Tieghi.**

Tant erwieh ma jidhlux s-Sema u hafna jkollhom ibatu t-tindif li huwa mehtieg sabiex ikunu xierqa li jidhlu fis-Saltna Tieghi. Imma hafna izjed erwieh jigu mitfugha fid-dlam etern. Hafna jintebhu kif offendew lil Alla, ftit minuti biss wara l-mewt taghhom fid-dinja. Kemm jibzghu u kemm ikunu mnikkta hemm. Jindunaw illi l-hin biex jindmu ghadda u huwa tard wisq ghalihom f'dak l-istadju.

**Ghaliex ma tistghux tifhmu li l-mewt tista' tigri f' kull mument?** Ghandkom tkunu tafu illi meta toffendu lil Alla, intom tridu tithabtu biex tbiddlu l-mod kif iggibu ruhkom sabiex issibu l-paci. Meta tiskansaw id-dnub u tkunu l-hin kollu qed taghmlu mill-ahjar biex ttejbu l-mod kif tittrattaw lill-ohrajn, hemm biss issibu l-paci. Meta jkollkom il-paci f'ruhkom – li tigi biss meta titqabdu kontra d-dnub u turu ndiema ghall-atti hziena taghkom – intom toqorbu lejn Alla.

Kull gurnata ghandkom tistaqsu lilkom infuskom – Alla ser jaccetta dak li qed naghmel illum? Intom tkunu tafu f'qalbkom it-twegiba.

Gesu' Taghkom.

**Dawn il-Kliem Tieghi tal-lum, ser jergghu jinstemghu fl-Ahhar Jum, Ftakruhom**.

Il-Hadd 28 t'April 2013

Ghaziza mahbuba binti, qed nigi issa biex inwissik bit-tradiment ta' dawk li huma madwarek f'din il-missjoni. Hafna ser jigu mgeghla jitilqu dan ix-xoghol u inti qatt m'ghandek tmur tigri warajhom. Jiena qatt ma grejt wara dawk li kienu jippersegwitawni. Minflok, Jiena offrejt Lili nnifsi bhall-haruf ghal qatla, biex insalva l-erwieh.

**Kunu ghassa issa, hekk kif il-profeti foloz, li gew imhejjija minn Satana, dalwaqt jidlu f'qalb dawk li jghidu li huma qaddejja t'Alla.** Il-profeziji taghhom, li kollha kemm huma jichdu il-Verita', ser jintuzaw biex iwaqqghulek wiccek l-art. Halli l-ebda bniedem ma jahseb, ghal sekonda wahda biss, illi l-Messaggi Tieghi moghtija lid-dinja biex ihejju lill-umanita' ghat-Tieni Migja Tieghi, li dawn mhux ser jigu mqatta' bicciet.

Binti, dan it-tfixkil inti ghandek tinjorah. Bl-ubbidjenza tieghek, Jiena naghmlek izjed b'sahhtek, ghax m'ghandekx hin bizzejjed biex taccerta li l-Grazzji li nferrex fuq l-umanita', jilhqu jittiehdu minn kulhadd.

**Il-profeti veri Tieghi, fil-parti l-kbira taghhom, ma jafu xejn mill-Iskrittura Qaddisa u l-profeziji li nghataw lid-dinja permezz tal-Hniena Tieghi. Huma m'ghandhomx ghalfejn jikkwotaw bicciet mill-Bibbja Qaddisa, ghax Jiena ma nitlobx dan minnhom. Kelmti tigi moghtija kif inhi. Il-Bibbja Qaddisa hija sagra. Li tiehu bicciet minnHa biex taghmel li tidher vera xi rivelazzjoni divina, dan mhux permess. Meta messagg jigi moghti Minni, il-profeta jikteb dak li Jiena niddetta, u qatt ma jigi mitlub biex jaghmel kopja ta' bicciet moghtijin lid-dinja mill-appostli Tieghi.**

**Jiena akbar minn kull min jaqdini. Il-Kelma Tieghi hija sagra**. Ir-rigali Tieghi, jigu moghtija lilkom biex thejju ruhkom u huwa ghalhekk illi l-profeti veri jigu moghtija talb li jheggeg il-bzonn li tinghaqdu ma' Qalbi.

Il-persekuzzjoni li ghaddejjin minnha ser tkompli u tihrax. U meta tahsbu li ma tifilhux taqilghu izjed, Jiena ser naghti l-prova lid-dinja tal-Prezenza Divina Tieghi. Ckejkna Tieghi sofri bid-dinjita'. Tiddefendix il-Kelma Tieghi, tkun kemm tkun tixtieq taghmel dan, sahansitra meta jgibu quddiemek il-gideb.

Dawk li jafuni, jafu wkoll meta l-kliem ma jkunux gejjin minn Ghandi, ghax Jiena nghix f'qalbhom. Imma Satana huwa tant makakk, illi huwa jimitani ezatt, hlief f'haga wahda. Huwa qatt ma jaccetta li Jiena sirt bniedem u lanqas li l-Gisem Tieghi jinsab fl-Ewkaristija Qaddisa.

Issa l-Ispirtu Tieghi jizdied u jkompli jqum kontra l-forzi tal-hazen. Kull xitan jigi meqrud mill-Angli Tieghi, sakemm l-ebda wiehed ma jibqa' fl-ahhar jum.

***Jiena l-bidu u t-tmiem. Jiena nigi hekk kif imwieghed biex ingibilkom il-hajja eterna. Qumu intom ilkoll li temmnu Fija, u accettaw il-Verita'. Ejjew Ghandi. Hallu r-Rieda ta' Missieri ssaltan fuq is-Sema u l-Art il-Gdida. Ifirhu ghax Jiena ngib il-paci u l-ghaqda ghal dawk kollha li isimhom huwa mnizzel fil-Ktieb tal-Hajjin. L-ahhar Patt Tieghi maghluq. Is-Saltna Tieghi waslet. Qumu u accettaw l-Id t'Alla.***

Il-jum li fih tisimghu dawn il-kliem, ikun il-jum li ssiru tafu l-Verita'.

Thallux min jidhaq bikom, ghax Alla biss flimkien mar-rigal tar-rivelazzjoni divina, jistghu jgibulkom l-imhabba, il-paci, l-ferh u l-konverzjoni li tghaddi minn fuq id-dinja permezz ta' dawn il-Messaggi. Dawn huma Rigal. Il-mira taghhom hija li jurukom it-triq lejn il-wirt li huwa taghkom bi dritt. Accettawhom bil-hlewwa u ringrazzjament f'ruhkom.

Il-Mahbub Gesu' Taghkom

Salvatur ta' l-Umanita'.

## Forma gdida ta' Salib ser tigi ntrodotta

It-Tlieta, 30 t'April 2013

Ghaziza mahbuba binti, l-Awtorita' Tieghi mhix ser tonqos, u bhal dawl, din ser tnaqqas ftit mill-qawwa taghha f'nofs ic-cpar, izda dejjem tibqa' tidher, ghalkemm tista' issir biss xrara dawl.

Meta d-dinja terga' tinbidel, hekk kif l-ispirtu tal-hazen johloq qasma fuq qasma, ikun biss id-dawl t'Alla illi jsostnikom. Il-Prezenza Tieghi tinhass minn dawk li jigu Ghandi ghall-ghajnuna, ghax Jiena qatt mhu ser inhallikom, specjalment meta thossu illi ma baqax tama. Xejn hlief il-Verita' ma jista' jghinkom biex tkampaw, meta n-nuqqas ta' karita' li ga tinhass fid-dinja llum, tizdied, hekk kif qalb il-bniedem issir zonqor.

Il-Verita' tinsab fil-Bibbja Qaddisa. Hija l-ikel li bih il-bniedem jista' jghix issa u 'l quddiem. **Fil-qrib hafna, ser issir impossibbli li tixtri Bibbja, minhabba li hafna nazzjonijiet ser jimxu mal-ligijiet il-godda, specjalment fl-Ewropa, li dawn jipprojbixxu kotba li jmexxu l-Kelma t'Alla.**

**L-ittra ga qed tigi miktuba biex issejjah lil dawk kollha fis-servizz tal-Knisja Kattolika.** Il-qaddejja qaddisa Tieghi dalwaqt jigu nfurmati bil-bidliet, li ser jghidulhom li huma ghall-gid tal-Knisja.

**Ir-regolamenti l-godda, li bihom ser isehh tibdil fit-talb ghal matul il-Quddiesa Qaddisa, ser jidhru li ma fihom xejn hazin. Ghal hafna, lanqas biss ser jindunaw bit-tifsira, imma din tkun dwar l-Ewkaristija Qaddisa u l-Prezenza Tieghi go fiha. Il-kelma 'tfakkar' ser tintuza' u l-knejjes kollha dalwaqt ser jitnezzghu mit-tezori taghhom. Dan it-tehid tat-tezori li jinkludi t-Tabernakli tad-deheb – li ser jinbidlu ma dawk maghmulin mill-injam jew gebel – ikunu wiehed mis-sinjali li dawn qed jingabru ghar-Religjon Dinjija l-Gdida.**

Il-knejjes ser jitbiddlu minn gewwa u dan ikun is-sakrilegg ta' l-artali. L-ostensorium li jzomm fih l-Ewkaristija Qaddisa, jibda jisparixxi u jispiccaw il-jiem li fihom l-Ewkaristija Qaddisa tkun esposta.

Zebilhu l-Kelma Qaddisa Tieghi issa, u ghad tibku bid-dmugh, meta dawn l-atti jingiebu quddiemkom. Ftit biss wara, l-ilbies tal-qaddejja qaddisa Tieghi jinbidel u jiddahhal forma gdida ta' Salib. L-atrocita' mhix ser issir fuq is-salib semplici. Dan ser ikollu fuqu ras il-bestja, li tkun mohbija b'mod makakk.

Jiena nitlobkom biex tigbru s-Slaleb qaddisa Tieghi issa u zzommuhom fid-djar taghkom, flimkien ma' l-Ilma Mbierek. Inheggigkom ilkoll biex tibqghu zzommu mal-Verita' ta' dak li ghidtilkom. Imbaghad irridkom tafdawni ghal kollox. Qatt tahsbu li Jiena ser nhallikom ghall-hniena tal-wiehed tal-hazen. Jiena ser nibqa' qribkom il-hin kollu. Jiena ser inferra' barkiet specjali fuq l-irjus tal-mahbubin qaddejja qaddisa Tieghi, sabiex inzommhom marbutin mal-Qalb Qaddisa Tieghi.

Zommu qlubkom qrib Tieghi u ta' xulxin. Farrgu u sahhu lil xulxin, ghax ghandkom thobbu lil xulxin aktar minn qatt qabel, f'dawn iz-zminijiet u f'dawk li ghad iridu jigu. Jiena l-familja taghkom. Intom Tieghi. Nibqghu maghqudin sakemm idoqqu t-trumbetti u jhabbru illi fl-ahhar Jiena ser nuri Lili nnifsi, fit-Tieni Migja Tieghi. Hemm intom thossu l-ferh u l-paci li Jiena weghdtkom. Imbaghad tispicca s-sofferenza kollha.

Gesu' Taghkom.

## L-Gheziez xewqa Tieghi hija dik li tfittex l-erwieħ taż-żghazagh

Il-Ħamis 9 ta' Mejju, 2013 @ 10:45 pm

Ghaziza mahbuba binti, **Imhabbti għal dawk iż-żgħażagħ ta' kull nazzjon, kulur u twemmin, li ma jemmnux Fija, ma tispicca qatt.** In-niket Tiegħi għal dawn l-erwieħ iz-zghar Tieghi huwa kbir. Itolbu ghalihom, l-aktar issa. Jien se neħodhom fil-Ħniena Tieghi, mingħajr ma noqghod nahsibha, jekk intom titolbuni permezz ta' din it-talba tal-krucjata.

***Kruċjata ta' Talb (106) Ħniena għaż-żgħażagħ li ma jemmnux f'Alla***

*Għażiż Ġesù, hu taht il-protezzjoni Tiegħek l-erwieħ ta' dawk l-ulied t' Alla li ma jafukx, li ma jemmnux fl-Imhabba Tieghek u li ma jaċċettawx il-Weghda Tieghek.*

*Itfa' il-grazzja Tiegħek tal-konverżjoni u ghatihom il-ħajja eterna.*

*Kun hanin ma' dawk kollha li ma jemmnux fil-preżenza Tiegħek u li ma jiddispjacihomx għal dnubiethom. Amen.*

Għeżież ta' l-Armata tal-Fdal Tieghi, l-ghezez xewqa Tieghi hija dik li tfittxu l-erwieħ taż-żgħazagh, l-agnostici u dawk li ma jemmnux f'Alla. Lil dawn ghandkom tahsbu fihom qabel kollox. **Nitlobkom biex tiġbdu n-nazzjonijiet kollha, t-twemminijiet kollha, il-kuluri u r-reliġjonijiet kollha, taht il-Protezzjoni Tieghi. Meta intom tressquli dawn l-erwieħ, Jien se nagħtihom Rigali kbar u nweghdkom is-salvazzjoni tagħhom.**

Huwa mportanti li ma tinjorawx lil dawk li m'għandhomx interess fis-salvazzjoni tagħhom. Dawn huma erwieħ mitlufa li Jien imxennaq ghalihom u se nsegwihom f'kull rokna, kull xaqq u kull pajjiż sakemm nigbidhom fir-Renju Tieghi.

Ftakru f'din it-talba. Ftakru li x-xewqa Tiegħi hija li nilhaq lil dawk li ma jafunix u lil dawk li jixtiequ jsiru jafuni.

Ġesù Taghkom

**[Id-dnub ta' l-abort huwa dnub mejjet u dawk responsabbli se jinharqu fin-nirien tal-infern għall-eternita']**

L-Erbgħa, 1 ta' Mejju, 2013

Għaziza mahbuba binti, dan l-intervent Tiegħi, l-ħaruf t'Alla, fejn dawn il-messaġġi jingħataw lid-dinja, kienu ġew imhabbra.

Dawk minnkom li jsegwu l-Kelma t'Alla jridu jkunu fil-paċi, għax ma rridkomx li titbegħdu, għax Jiena nħobbkom. M'għandkom qatt tibżgħu mill-Imhabba Tiegħi, anki jekk id-dnub jifridkom Minni. Jiena niftaħ għajnejn dawk kollha li jridu jaraw u l-Kelma Qaddisa Tiegħi se tgħalaq għajnejn dawk li jirrifjutaw li jaċċettaw Idi. Jiena nagħtikom Idi, tfal għeżież Tiegħi, biex b'hekk Jien inkun nista' inressaqkom għall-kenn, 'l bogħod mill-volturi li jixtiequ jibilgħu lil ruħkom.

Kuljum, minn din il-ġurnata 'l quddiem, ser tisma ħafna ilħna jagħjtu – jridu li inti tisma'. Huma se jġibu quddiemek gideb diabolici u argumenti, mgħottija bil-ħlewwa tal-għasel. Iħajruk biz-zegħil,

b’argumenti li ma jieqfu qatt, biex inti tisma' r-raġunar taghhom, f’isem kawżi umanitarji - li jaccettaw id-dnub - dawn mhux se jieqfu qabel ma inti taċċetta u tibla’ dak li jridu huma.

**L-abort, li huwa qtil f’għajnejn Alla, se jigi sfurzat fuq in-nazzjonijiet kollha b’sinjal ta' sfida kontra l-Missier li Jista’ Kollox, Alla l-Aktar Għoli. Meta taccettaw din l-istmerrija terribli, intom ħatja ta' dnub kbir. Id-dnub ta' l-abort huwa dnub mejjet u dawk responsabbli se jinharqu fin-nirien tal-infern għall-eternita.**

Lil dawk fostkom li mhux se jaccettaw dan l-iżball kbir, fadlilkom biss ftit ħin ghas-salvazzjoni. Ghax meta l-Jum il-kbir jasal, jekk ma tkunux ghadkom dortu lura minn dan l-att hekk hazin, qatt m'intom se taraw Wiċċ Alla.

Il-qtil huwa wieħed mill-aktar atti serji ta' sfida kontra Alla u se jkun ikkastigat bil-kastrazzjoni. Il-qasma l-kbira, fost ir-razza umana, bdiet. Dawk li nghaqdu mal-bestja u kkundannaw dak kollu li jmur kontra l-Kelma t'Alla se jigu separati minn ħuthom. M'għandkomx tiehdu it-Twissija Tieghi bic-cajt. Jekk taċċettaw l-abort tkunu qed taċċettaw il-qtil intenzjonat ta' wild t’Alla. Jekk ma tigikomx indiema f’ruhkom, allura intom qatt ma tistghu Tarawni. Jiena ser inwaddabkom fid-deżert.

L-Imħabba Tiegħi u l-Ħniena jistghu jkunu kbar. Jien se nahfer lill-aktar ruh sewda, iżda mingħajr indiema, il-Ġustizzja Tiegħi tkun ta’ l-ahhar. Il-kastig Tiegħi huwa etern. Hobbuni u jien ngħożżkom. Eqirdu l-ħajja ta' bniedem ieħor, maħluq mill-Imħabba ta' Missieri, u intom wkoll, se titilfu hajjitkom.

Ġesù Taghkom.

## Huma jigu akkuzati bi krimini kontra s-Siggu ta’ Pietru u jigu umiljati pubblikament fl-Isem Qaddis Tieghi.

Il-Hamis, 2 ta’ Mejju 2013.

Ghaziza mahbuba binti, hafna, fl-oghla postijiet fil-Knisja, ser jitilqu, u hafna minnhom jaqbdu duttrini godda foloz, li jwassluhom fir-renju tad-dlam.

Dawk li jibqghu lejali Lejja, u dawk li ma jaccettawx l-istmerrija, ser jigu mmexxija minn Pietru l-Appostlu, li kien l-ewwel wiehed fis-siggu ta’ Ruma. Huwa ser imexxi lill-mahbub Tieghi Benedittu, li kif kien imbassar, ser jghinhom jaraw il-Verita’. Huwa ser ikollu jkun xhud tal-orrur kollu, imma ser jigi meghun minn dawk li weghdu r-rabta taghhom mal-Kelma Wahda Vera t’Alla.

U hekk tibda l-qasma. Dawk li jimxu mad-duttrina l-falza, li fiha, Jiena Gesu' Kristu mhinix meqjum, ghad iridu jitqattghu fi bcejjec mill-bestja u x-xjatan tieghu. Dawk il-qaddejja nnocenti Tieghi, li s'issa ghadhom ma accettawx dawn il-Messaggi Tieghi, issa ser jigu jigru ghal ghandi ghall-farag. Il-profeziji Tieghi ma jigdbux, u issa fil-qrib, hafna minn dawn l-imsejkna erwieh ser jigu mormija mis-Santa Sede. Huma ser jigu akkuzati bi krimini kontra s-Siggu ta' Pietru u ser jigu umiljati pubblikament fl-Isem Qaddis Tieghi.

Jien nghidilhom dan. Ibqghu kalmi u fil-paci, ghax meta intom timxu wara l-Verita', intom tkunu salvi. Qatt m'ghandkom taccettaw duttrina li giet mizjuda bl-ilma, li tkun vojta mill-awtorita' Tieghi. Ghal dawk minnkom li taccettaw il-gideb, li fil-fehma taghkom tkunu qed taqdu dmirhom, intom ghandkom tifhmu li ser ikollkom thabbtu wicckom ma triq iebsa. Intom ghandkom zewg ghazliet. Li tibqghu fid-Dawl t'Alla, jew li taghtu daharkom lis-Sagramenti.

Hafna minnkom dalwaqt jaraw dak li kont qed inwissikom dwaru. Il-qasma ser tkun qalila u ser issehh taqbida kbira bejn il-Verita' u l-gideb. Din ser izzarma lill-Knisja, sakemm din tigi qisha munzell gebel, imma l-Knisja Wahda u Vera, ser tibqa' wieqfa, hekk kif il-qaddejja fidili jibnu l-Armata Tieghi tal-Fdal. Dawn ser jitqabdu sat-tmiem qalil biex izommu l-Kelma Qaddisa t'Alla.

Gesu' Taghkom

## L-argumenti taghhom li jidhru awtentici, ser jitqiesu bhala forma gdida ta' Kattolicizmu.

Il-Gimgha, 3 ta' Mejju, 2013

Ghaziza mahbuba binti, **il-pjan djaboliku biex tinqered il-Knisja Kattolika minn gewwa, ga qed isehh.** Kulma huwa sagru ghal Alla, ser jintrema fil-genb, u dawk il-mexxejja tal-knisja li giet modernizzata, li dalwaqt ser jigu pprezentati biex kulhadd jarahom, ser ikunu liberali fil-fehmiet taghhom u ghedewwa tal-Verita'.

**L-argumenti taghhom li jidhru awtentici, ser jitqiesu bhala forma gdida ta' Kattolicizmu.** Hafna Nsara jibdew jghidu, imma dan x'ghandu x'jaqsam mieghi? Meta l-Knisja Tieghi, li giet imwaqqfa mill-Appostlu Tieghi Pietru, tigi svarata b'dan il-mod, dan kollu jaffettwa lil kull min jimxi warajja. Meta l-Kelma Tieghi u

t-Taghlim Tieghi jigu mfarrka u wara rrangati b'mod li jigu accettati mill-bzonn egoist tal-bniedem, ghalkemm ikunu kollha gideb, dawn biz-zmien isiru jidhru bhala Verita'.

Il-gideb li jigu pprezentati lid-dinja minhabba l-infestazzjoni tal-hazen, jibdew jigu meqjusa bhala accettabbli f'ghajnejn il-Knejjes Insara. **L-ebda wahda mill-Knejjes Insara mhu ser tehles minn dan l-attakk - attakk, li kien ilu jigi ppjanat apposta u bir-reqqa ghal izjed minn mitt sena.**

Taghmlux zball, meta l-Kelma Tieghi tigi mbaghbsa, il-Verita' tigi mcarrta fi tnejn. Il-gideb marrdu lir-ruh. Meta dan jigri, n-nies bla ma jridu jimxu fuq il-moghdija li twassal ghad-disperazzjoni. Jiena nheggeg lil kull min qed jismaghni issa, biex tibqghu zzommu l-Verita' quddiem ghajnejkom il-hin kollu. M'ghandkom qatt taccettaw bidliet, li intom tigu mitluba li taccettaw bhala parti minn Knisja gdida, li mhix gejja Minni.

Gesu' Taghkom.

## Kien id-dnub tas-suppervja li wassal lil Lucifru biex jaqa' u jinqata' barra u jigi mitfugh fl-abbiss.

Is-Sibt, 4 ta' Mejju, 2013

Ghaziza mahbuba binti, hekk kif Kelmti tilhaq il-widnejn ta' hafna, Jiena qed nigi biex inwissi lil dawk fostkom li ma jridux jisimghu Minni. Minn xhiex qed tibzghu? Mill-Kelma Tieghi, jew mill-bidliet li ser ikollkom tkunu xhieda taghhom, hekk kif tkompli l-purifikazzjoni? Ma tafux li Jiena mhinix ingibilkom Taghlim gdid, ghax dan m'hemmx bzonnu? Jiena qed inkellimkom biex infakkarkom fil-Verita'.

**Hafna minnkom jahsbu li jafu tant dwari, imma ghadkom ma tghallimtu xejn**. Min intom biex tistghu tghidu li intom ahjar minn ohrajn f'Ghajnejn Alla, meta nigu ghat-tifsir tal-Kelma Qaddisa Tieghi? Min intom biex tahsbu li ghandkom l-awtorita' li tidghu kontrija, u mbaghad tghidu li thobbuni? Mhux ser jirnexxielkom twaqqfuni milli, permezz tal-profeti Tieghi, nasal ghand ulied Alla. Imisskom tistaqsu ghaliex tobghodu Lehni? **Kif tistghu thobbuni, meta ccartu fi bcejjec il-Kliem Tieghi, meta kulma qed naghmel Jien, huwa li nhejjikom ghall-Jum il-Kbir?**

Il-bniedem huwa dghajjef hafna. Sahansitra l-erwieh devoti, huma dghajfa, ghalkemm l-imhabba taghhom Lejja hija qawwija. Thallu li hadd minnkom ma jahseb li xi hadd jista' jimxi quddiemi minghajr il-misthija tad-dnub li ghandu fuq ruhu. L-ebda wiehed minnkom ma jisthoqqlu jieqaf Quddiemi, madanakollu, Jiena naghtikom il-Hniena ta' Mhabbti. Mhux ghax intom jisthoqqilkom dan, izda ghax Jiena ghazilt li naghtikom dan ir-Rigal.

Ghal dawk li jghidu li jitkellmu b'gharfien kbir Tieghi u wara jbezzqu b'ilsien mishut kontra il-profeta Tieghi – kunu ghafu dan. Il-fidi taghkom mhiex ser issalvakom meta intom tishtu l-Kelma t'Alla. L-imhabba lejn Alla kif jidhrilkom intom, hija bla sens, meta intom tiggudikaw wiehed minn uliedu Quddiemu. **Tkunu qeghdin taqtghu il-kurdun, li jorbotkom ma' Missieri, meta intom turu nuqqas ta' rispett, rabja u mibeghda Lejja.** Meta tobzquli, intom taghmew u ma taraw qatt aktar. Meta tlissnu kliem ta' mibeghda, ilsienkom jigi maqtugh. Meta tieqfu u tiddikjaraw l-gharfien t'Alla kif tahsbuh intom, intom taqghu, b'riglejkom maqtughin minn tahtkom. Meta jidhrilkom li l-profeta Tieghi huwa gej mill-hazen, intom ma jkollkomx hajja.

**Kelmti ma tmut qatt; tghix ghall-eternita'**. Din tghaffeg fuq dawk il-midinbin li jaghmlu minn kollox biex jisfidaw il-Hniena t'Alla, permezz ta' dawn il-messaggi. Irrifjutawni issa u intom tkunu qed tirrifjutaw il-helsien li Jiena ngibilkom meta nigi biex nigborkom fis-Saltna Tieghi. Ma baqalkomx wisq zmien biex tifdu lilkom infuskom f'Ghajnejja, qabel il-Jum il-Kbir. Tahlux dan iz-zmien minbabba d-dnub tas-suppervja. Kien id-dnub tas-suppervja li wassal lil Lucifru biex jaqa' u jinqata' barra u jigi mitfugh fl-abbiss. Dawk kollha li jimxu warajh, permezz tad-dnub tas-suppervja – id-dnub li jgib tant firda minn Alla – ser jaqghu u qatt ma jqumu aktar fil-Prezenza t'Alla.

Gesu' Taghkom

**Tippruvawx tirragunaw b'mohhkom meta tippruvaw turu l-Ezistenza Tieghi, ghax Jiena mhinix ta' din id-dinja.**

Il-Hadd, 5 ta' Mejju, 2013

Ghaziza mahbuba binti, l-ugigh tal-firda Minni, Gesu' Kristu, Bin il-Bniedem, hafna ma jafux x'inhu, izda meta jasal il-jum, li lejn tmiemu d-Dawl Tieghi ibatti, jkun jidher car kemm hi agunija kerha.

Dawk li jafuni u li jhobbuni, jafu dan l-ugigh xi jgib, meta d-dnub johloq hajt bejn il-midneb u Alla.

**Dawk li ma jafunix, u dawk li jirrifjutawni, ser jghaddu minn din il-firda matul it-tlett ijiem tad-dlam, meta l-Prezenza t'Alla ma tkun tinsab imkien**.

Ikun biss meta dan id-Dawl t'Alla jisparixxi, illi l-bniedem fl-ahhar jifhem li m'hemmx hajja minghajr Alla. Kull ma jibqa' huwa vojt kbir, xaghri u dlam.

Jiena huwa d-Dawl, dak li l-bniedem ifittex ghalkemm minghajr ma jaf, f'kull sekonda tal-gurnata.

Il-bniedem jaghmel minn kollox biex ifittex il-paci u l-kuntentizza kull fejn jista'. Jipprova billi jigri wara l-affarijiet materjali tad-dinja u l-pjaciri tal-gisem biex jissodisfa l-bzonnijiet tieghu, li qatt ma jistghu jintlahqu, u jimxi wara religjonijiet foloz, li jweghdu soddisfazzjoni personali. Xejn minn dan kollu ma jwasslu ghad-Dawl t'Alla.

Dawk li jfittxu t-twegibiet bil-mohh u l-gherf, qatt ma jistghu jsibu paci jew it-twegibiet li jfittxu, qabel ma jifthu qalbhom ghall-Veru Mhabba t'Alla.

Jiena nigi ghand dawk kollha li jfittxuni. Jiena nitghaxxaq b'dawk l-erwieh li bis-semplicita' taghhom ifittxu biss lmhabbti. Jiena nimla lil dawn in-nies bid-Don ta' l-Ispirtu s-Santu. Biex tigu eqreb Lejja, tridu tafdawni ghal kollox. Ikun biss meta tintelqu bir-rieda taghkom kollha f'Idejja, illi l-Prezenza Tieghi tinhass. Ghal dawk li jfittxuni izda jsibuha bi tqila, nghidilhom dan.

**Tippruvawx tirragunaw b'mohhkom meta tippruvaw turu l-Ezistenza Tieghi, ghax Jiena mhinix ta' din id-dinja.** Taghlqux ghajnejkom ghall-ezistenza tal-hajja eterna. Qed tistenniekom, tridu biss tafdawni u thalluni nigi f'qalbkom u ruhkom. Jiena nuri Lili nnifsi lilkom. Kulma ghandkom taghmlu huwa li ssejhuli. Tridu ssejhuli malajr, ghax meta il-Prezenza Tieghi fid-dinja tittappan, ikun impossibbli ghalikom li tfittxuni, u dduru fil-vojt u bla sahha tippruvaw issibuni.

**Dawk li jahsbu li huma soghdi fil-fidi taghhom u li jemmnu li huma qrib Tieghi, ghandhom ikunu jafu kemm ser ikun facli li jaqghu, meta Jiena mhux ser inkun ninsab fit-tabernakli tal-futur. Meta jasal dak il-jum ta' dezolazzjoni, huma ghad jibku biki ta' qsim il-qalb u l-qawwa tal-bestja tkun hekk kbira, li hafna ma jkollhomx il-hila li jzommu Kelmti.**

Ghandkom titolbu ghall-ghajnuna Tieghi, u din tigi moghtija. Ghajtuli bi spirtu umli u Jiena nwegibkom. Itolbuni biex nipprotegikom u Jiena nghattikom bid-Demm Prezzjuz Tieghi, halli xejn ma jwaqqafkom tul il-mixja taghkom tal-Verita', li twassal ghas-salvazzjoni eterna.

Aqduni bil-mod li tahsbu intom, kif Jiena ghandi nigi moqdi, u jkollkom bzonn li toqghodu attenti hafna. Aghmlu kif ghidtilkom Jiena. Ghixu l-hajja taghkom skond il-Kelma Tieghi u Jiena ngorrkom. Onqsu mir-rispett Lejja, billi tuzaw kelmti b'mod li ggib it-tbatija lill-ohrajn, u intom issofru l-akbar ugigh ta' firda Minni.

Gesu' Taghkom.

**Meta tkunu gejtu moghtija l-Verita', ikun importanti illi tkomplu xxerrdu l-Kelma t'Alla.**

It-Tnejn, 6 ta' Mejju 2013

Ghaziza mahbuba binti, dawk li ma jafux x'inhuma jaghmlu meta joffenduni, minhabba li ma jafux il-Kelma Tieghi, dalwaqt ser jigu moghtija t-taghlim li ghandhom bzonn.

**Ghal dawk kollha li jafu l-Verita', li giet moghtija 2,000 sena ilu, ghandkom tkunu tafu li, waqt li intom tinhlew titqabdu bejnietkom, miljuni t'erwieh qed jintilfu. Hafna, hatja tad-dnub il-mejjet, jaghmlu dawn l-affarijiet ghax huma infestati mill-hazen. Li kieku kienu jafu l-Verita' tal-weghda Tieghi tal-hajja eterna, hafna ma kinux jiehdu sehem f'dan il-hazen.**

Meta tkunu gejtu moghtija l-Verita', huwa importanti li tkomplu xxerrdu l-Kelma t'Alla. Ghandkom taghmlu dan billi turu mhabba u rispett lejn il-hajja ta' l-ohrajn. Dan ifisser li timxu ezatt mal-Kmandament ta' Missieri 'La toqtolx'. Hemm isir id-dmir taghkom li tizguraw li l-hajja tal-bniedem tkun rispettata fil-Glorja t'Alla.

Intom ghandkom tfakkru lill-ohrajn dwar ir-Rigal tal-hajja eterna, f'dawk il-mumenti meta tkunu tafu li dawk li jichdu lil Alla, ghandhom bzonn l-ghajnuna taghkom. L-ghajnuna taghkom, bit-talb u tmexxija tajba, jistghu isalvaw dawn l-erwieh. Ghandi bzonn hafna mill-hin taghkom, gheziez segwaci Tieghi. Ghandkom tkunu generuzi bl-ghotja tal-hin taghkom ghas-salvazzjoni ta' l-erwieh. Nitlobkom li tibqghu tghidu il-Krucjata tat-Talb Tieghi, ghax qed inwieghed konverzjoni ta' miljuni t'erwieh meta dawn jintqalu.

Thallux l-attakki tal-wiehed tal-hazen, li ser ikompli jitfa' shaba fuq dawn il-Messaggi, li jharbatkom. Accettaw dawn l-attakki ghal dak li huma, attentat minn Satana u l-ispirti l-hziena li jiggerrew mad-dinja, biex ma jhallux lil ulied Alla jaslu ghall-wirt glorjuz li qed jistennihom.

Jiena nitlob ukoll li tkunu generuzi mill-qalb u titolbu ghal dawk li daru kontrija, f'din, l-ahhar Missjoni fid-Dinja qabel il-Jum il-Kbir.

Gesu' Taghkom.

## Omm Alla: Il-Missjoni li inti ngħatajt hija l-aħħar holqa fil-Patt finali

It-Tlieta 7 ta' Mejju, 2013

Għażiża binti, illum, matul din id-dehra speċjali ħafna, wrejtek is-sigriet tal-Qalb Tiegħi u kif din hija minsuga mal-Qalb ta' l-Iben għażiż Tiegħi. **Il-Qalb Tiegħi tħabbat f' ghaqda wahda ma' Tiegħu u bħala Ko-Redentrici. Se naħdem biex inġib tant minn ulied Alla fl-Era l-ġdida ta' Paċi.**

**Bhala l-Omm t'Alla, ġejt mogħtija s-setgħa fuq il-bhima, u dawk kollha li jsejhu l-għajnuna Tiegħi jingħataw protezzjoni kbira mingħandu**. Minħabba din il-qawwa speċjali, mogħtija Lili minn Ibni, se jsir kull sforz biex jitwaqqa' l-Isem Tiegħi, matul ir-renju tal-bhima.  Ser jigu organizzati avvenimenti pubbliċi biex jonoraw x-xewqat Tiegħi li jgħaqqdu l-Ulied kollha t'Alla. Sfortunatament, mhux kollha kemm huma se jirrispettaw il-Verità.

Urejt l-Verità f'La Salette, fi Franza, u go Fatima, fil-Portugal, iżda ħafna ma jifhmux dak li spjegajt. Dalwaqt, il-profeziji mbassra se jsiru realtà u wara l-mibegħda, li l-wiehed tal-ħażen għandu għalija, se tigi murija fic-car f`ċerimonji speċjali, li se jkunu insult għal Alla.

Ibni ħalaq pjan speċjali ħafna, fasslu sa l-inqas dettall, sabiex ikun żgurat li d-dinja tigi mogħtija l-Verità dwar l-għedewwa t'Alla. Huwa jagħmel dan, għax hija biss il-Verità li tista ssalva lir-razza umana. Jekk kemmil-darba ulied Alla jsegwu l-gideb u jigu mdahhla fil-qerq, li tfassal fil-pjan ta' l-antichrist, dawn jaghtu daharhom lil Ibni u lis-salvazzjoni tagħhom stess.

**Binti, il-Missjoni li inti ngħatajt, hija l-aħħar ħolqa fil-Patt finali, li Ibni għandu jgib fi tmiemu, b'ubbidjenza lejn Missieri, Alla l-Aktar Għoli**. Din se tkun l-istrument li bih l-erwieħ se jkunu salvati mill-ħakma ta' Satana u l-armata tal-ħażen tiegħu fid-Dinja. Minħabba dan, il-mibegħda murija lejk permezz tal-kliem, atti u l-azzjonijiet ta` l-oħrajn se jkunu krudili u ħorox. Il-rabja murija kontrik mhux se tkun bhal ebda wahda oħra, u int trid tifhem li dan huwa mistenni li jigri. Ix-Xogħol t`Ibni, f'dawn iż-żminijiet, se jopponewh bl-aktar mod ahrax u Hu u l-Knisja Tiegħu fid-Dinja se jkollhom isofru t-tisliba finali qabel ma jsehh il-qawmien, li gie mwiegħed lil dawk kollha li jemmnu f`Ibni.

Il-mibegħda hija reali u l-ħażin se jdawwar l-imħuħ sahansitra ta’ dawk l-erwieħ magħżula u l-viżjonarji, kontra tiegħek binti. Qatt tħossok imdejjqa għalik innifsek jew ghal dawk l-erwieħ, minħabba li t-tbatija t’Ibni hija għaxar darbiet agħar. Ibni huwa is-Salvatur u l-Feddej tal-umanità, li miet għad-dnubiet tal-bniedem, li għadu mibghud b’ tant qawwa, li gejja mir-rabja u mahduma minn Satana. Huwa Ibni Li huwa l-mira ta’ dawn l-attakki u meta jitfghu l-insulti lejk, binti, huma jergghu jsawtuh mill-ġdid.

**Ghandkom tqumu, intom ilkoll, u tagħmlu kif jghidlikom Ibni, ghax intom ġejtu magħżula biex tifformaw l-Armata tal-fdal Tiegħu**. Meta intom tbatu f'ismu, hija ghall-glorja t'Alla u s-salvazzjoni tal-umanità. Meta s-sema l-Ġdida u d-Dinja l-gdida jsiru haga waħda, tbatija bħal din sejra tintemm u kulhadd ghad ikanta tifħir lil Alla.

L- għażiża Omm tagħkom

Omm Alla

Omm tas Salvazzjoni

## [Il-pesta ser tkun mifruxa izjed mill-Aids.]

It-Tlieta, 7 ta' Mejju, 2013

Ghaziza mahbuba binti, kemm kellek mohhok imxerred, u kif hallejt lilek innifsek tigi mehuda 'l boghod minn taht Ghajnejja, f'dawn l-ahhar jumejn. Ma tafx x'gab dan? Meta tlift gurnata wahda biss ta' Adorazzjoni Ewkaristika, inti gejt mehuda u mghajra f'Ismi, minghajr ma pprotegejt ruhek kif ghidtlek Jiena. L-istruzzjonijiet Tieghi huma li inti tkompli tigi Quddiemi kuljum, u tghid ir-Ruzarju Qaddis, halli Ommi tghattik bil-protezzjoni li inti tehtieg ghal dan ix-xoghol.

Hafna li jkunu qrib Tieghi jiehdu wisq kunfidenza u jahsbu li l-ebda ammont ta' tbatija ma jirnexxielu jwaqqafhom milli jkomplu bil-Missjoni Tieghi, izda dan jigri biss, meta intom titolbuni biex immexxikom.

Binti, **l-bidu ta' pesta dalwaqt tohrog fid-deher**, hekk kif Missieri ser jixhet fuq id-dinja, kastig fuq dawk in-nazzjonijiet li jinsultawH u li jhallu l-hazen u l-ingustizzja li jsehhu fuq nies imsejkna u nnocenti**. Din il-pesta tkun tidher fuq il-wicc u l-infafet taghha mhux ser ifiequ qabel ma jkun ghadda l-Kastig il-Kbir. Din il-pesta ser tkun mifruxa aktar mill-Aids u ser tkun wiehed mill-ewwel sinjali li wasal il-Kastig**. Wara din jigi guh kbir f'terz mid-dinja u dan ser isehh waqt ir-renju ta' l-antikrist.

**Waqt li l-hakma ta' l-antikrist tinfirex bhall-ghanqbuta ta' brimba, hekk ukoll jlahhqu maghha sensiela ta' kastigi, mahluqa minn Id Missieri, li jigu mitfugha fl-erba' kantunieri tad-dinja.** Dan l-intervent Divin jghin biex iwaqqaf l-erwieh milli jigu misruqa mill-bestja permezz tal-qawwa tal-antikrist. Is-segwaci tieghu ser jaqghu taht kastig t' agunija u dan ser jidher fuq wicchom waqt il-pesta. Huma mhux ser jaharbu minn dan il-kastig kbir u lanqas dawk li jwettqu l-qerq kbir kontra l-Knisja Tieghi fid-dinja.

Din it-twissija qed tinghata, halli dawk li ghandhom xi dubju dwar l-Id tal-Gustizzja Tieghi, jifhmu fil-hin, illi l-bniedem ser isofri hekk kif gara fi zmien Noe, jekk dan jaghti daharu lil Alla.

**L-ahhar insult kontra Missieri, li jsehh bid-dnub tal-gwerra u l-abort, ser jigbed l-akbar kastig fuq l-umanita'. Il-hajja tat-tarbija, li ghadha ma twelditx, li tittehdilha b'tant kattiverja, u bla rimors, ser tigi kkastigata bil-mewt tal-gisem u l-mewt tar-ruh.**

Gesu' Taghkom.

## L-Gheziez xewqa Tieghi hija dik li tfittex l-erwieħ taż-żghazagh

Il-Ħamis 9 ta' Mejju, 2013 @ 10:45 pm

Ghaziza mahbuba binti, **Imhabbti għal dawk iż-żgħażagħ ta' kull nazzjon, kulur u twemmin, li ma jemmnux Fija, ma tispicca qatt.** In-niket Tiegħi għal dawn l-erwieħ iz-zghar Tieghi huwa kbir. Itolbu ghalihom, l-aktar issa. Jien se neħodhom fil-Ħniena Tieghi, mingħajr ma noqghod nahsibha, jekk intom titolbuni permezz ta' din it-talba tal-krucjata.

***Kruċjata ta' Talb (106) Ħniena għaż-żgħażagħ li ma jemmnux f'Alla***

*Għażiż Ġesù, hu taht il-protezzjoni Tiegħek l-erwieħ ta' dawk l-ulied t' Alla li ma jafukx, li ma jemmnux fl-Imhabba Tieghek u li ma jaċċettawx il-Weghda Tieghek.*

*Itfa' il-grazzja Tiegħek tal-konverżjoni u ghatihom il-ħajja eterna.*

*Kun hanin ma' dawk kollha li ma jemmnux fil-preżenza Tiegħek u li ma jiddispjacihomx għal dnubiethom. Amen.*

Għeżież ta' l-Armata tal-Fdal Tieghi, l-ghezez xewqa Tieghi hija dik li tfittxu l-erwieħ taż-żgħazagh, l-agnostici u dawk li ma jemmnux f'Alla. Lil dawn ghandkom tahsbu fihom qabel kollox. **Nitlobkom biex tiġbdu n-nazzjonijiet kollha, t-twemminijiet kollha, il-kuluri u r-reliġjonijiet kollha, taht il-Protezzjoni Tieghi. Meta intom tressquli dawn l-erwieħ, Jien se nagħtihom Rigali kbar u nweghdkom is-salvazzjoni tagħhom.**

Huwa mportanti li ma tinjorawx lil dawk li m'għandhomx interess fis-salvazzjoni tagħhom. Dawn huma erwieħ mitlufa li Jien imxennaq ghalihom u se nsegwihom f'kull rokna, kull xaqq u kull pajjiż sakemm nigbidhom fir-Renju Tieghi.

Ftakru f'din it-talba. Ftakru li x-xewqa Tiegħi hija li nilhaq lil dawk li ma jafunix u lil dawk li jixtiequ jsiru jafuni.

Ġesù Taghkom

•

## L-uniku ilma meħtieġ għas-sopravivenza ta' Wlied Alla ser jiġi mis-Siġra tal-Ħajja

Il - Ġimgħa 10 Mejju, 2013

Ghaziza mahbuba binti, mbierka huma dawk li jirrispondu għall-Vera Kelma ta 'Alla Veru, għax huma jkunu l-ewwel li jqumu u jidħlu fir-Renju Tieghi.

**Dawk li ma ġewx mogħtija L-Kelma Qaddisa Tieghi, inklużi dawk il-pajjiżi fejn Jiena ikkundannat, huma l-ewwel erwieħ li jien irrid nilhaq.** Minghajr m'hu htija tagħhom, dawn ġew imrobbija mit-twelid biex jiċħdu lil Alla, il-Ħallieq u l-Krejatur ta` dak kollu li hu. Se nithabat biex nikkonvertihom permezz ta` din il-Missjoni u nwieghed li ladarba dawn jigu murija l-Verità, matul it-Twissija, li huma se jingibdu malajr fi Ħniena Tieghi. Qatt mhu se ninsa lil dawk li gew imqarrqa, permezz ta` duttrini foloz, għax huma debboli u huma fil-bżonn ta` Mhabbti u tal-Ħniena Tieghi

Ix-xewqa Tiegħi hija li s-segwaċi Tiegħi issa jippreparaw biex jitilgħu is-sellum, tluq twil u diffiċli, lejn perfezzjoni spiritwali. **Dawk minnkom li ġew mbierka bid-Don tad-Dixxerniment bil-Vuci Tieghi li tinsab fil-Ktieb tal-Verità, għandhom dmir Lejja. Dan huwa dak li intom ghandkom tagħmlu. Użaw dan id-Don li tajtkom , biex tħejju għall-perfezzjoni spiritwali li hija meħtieġa minnkom, issa waqt li qed nibni l-armata tal-fdal fuq l-art.** Ir-Responsabbiltà tagħkom hija li tgħinu lil dawk li huma dgħajfa wisq, kburin wisq u rashom iebsa wisq, li jaċċettaw l-Id Tiegħi tal-Ħniena. Dan se jkun permezz taghkom li se nkun nista' nagħti lill-erwieħ kollha, inklużi dawk li ma jixirqilhomx il-Ħniena Tieghi, s-salvazzjoni meħtieġa biex jgħixu għal dejjem fil Gloria Tieghi.

**Oh kemm hija meraviljuza din is-Saltna glorjuza gdida Tieghi**. Li kieku tistghu biss taraw dan, l-ebda wieħed fostkom qatt ma jlissen kelma oħra kontrija**. Din se tkun d-dar ġdida tagħkom, il-post fejn intom u l-familja tagħkom se tgawdu ecstasi eterna, il-paċi, l-imħabba u l-ferħ, mhallta ma' dak kollu li huwa maħluq minn Missieri għall-kuntentizza tagħkom.** Immaginawha bhala d-dar ġdida taghkom, simili għall-mod li bih l-art giet maħluqa, imma din il-Genna Ġdida u d-Dinja Gdida mhux ser ikollhom il-baħar. L-unika ilma meħtieġ ghall-ghajxien ta' Ulied Alla ser jiġi mis-Siġra tal-Ħajja, fejn il-ħajja kollha tigi sostnuta.

Kull ħtieġa se tigi provduta u l-mħabba tkun bil-bosta, allura mhux se jezisti l-ebda tip ta' dizappunt. Dahq, imħabba, ferħ, kulur, u affarijiet fini, li ebda bniedem qatt ma ra tul hajtu fuq l-art, se jkun bil-bosta. Il-ferh, li ma tistghux tilhquh fuq din l-art, se jkun Rigal għal kull wiehed minnkom li se jingħata l-muftieħ għas-Saltna Tieghi.

Il-ħajja li ghandkom quddiemkom hija mzejna b'Rigali kbar u intom se tibqghu fi stat kostanti ta' paċi bl-imħabba Ghalija. Jien se nirrenja f'unjoni ma' Ulied Alla u lanqas wieħed minnkom mhu se jkun jixtieq xejn izjed, hekk kbira hija l-Imhabba Tieghi. Din hija l-uniku ħajja li għandkom timmiraw għaliha, ghax l-ebda ħajja oħra mhu se teżisti wara l-Jum il-Kbir meta Jien nigi ghalikom.

Ġesù Taghkom

**Il-mirakli li wegħidt lid-dinja, permezz tat-Talb tal-Kruċjata Tiegħi, se jiżdiedu**

Is-Sibt 11 ta' Mejju, 2013

Binti l-għażiża Tiegħi, ma jimpurtax jekk ikollkom issofru uġiegħ minħabba l-mod li bih intom miċħuda minħabba Fija, għax Kelmti ma tmut qatt. Kelmti ser tqum u ssir iktar b'sahhitha sakemm, bħal riħ qawwi, ser iżżid fil-qawwa sakemm l-ghajta feroci tal-Vuci Tieghi se tidwi bħal raghda madwar id-Dinja. Se jkun hemm ftit li ma jisimghux Lehni u anke dawk li jichduni se jibqghu jghidu Fuqi. Huma se jsibuha impossibbli li ma jaghtux kaz.

Bħal kull tarbija mnissla minn ommha, Ulied Alla - inklużi dawk li jirrifjutaw li jaccettaw lil Alla - se jkunu migbudin Lejh, għax ma jistghux jaghmlu mod iehor. Bħal tarbija ġdida li tintrabat m'ommha, kull tifel u tifla ta' Alla se jgharfu Lilu, permezz tal-mess, il-hoss u x-xamm. Ulied Alla ser jhossu meta l-Preżenza ta' Alla tmissilhom ruhhom. Hekk kif Jien naghraf lil Tieghi, bl-istess mod, dawk li Jhobbuni jwieġbu għas-sejħa Tiegħi.

Binti, **ir-Rieda Qaddisa t'Alla hija Qawwija u se tegħleb lil dawk kollha li jehduha kontra l-Kelma t'Alla.** Meta thossu li hemm hafna oppożizzjoni u hafna mibegħda lejn din il-Missjoni, ghandkom dejjem thossukom imfarrga bil-Weghda Solenni Tieghi. Din hija li nsalva l-erwieħ kollha, b'tali mod li l-Genna l-Gdida Tieghi tkun tista' tigi ppreżentata lill-umanità dalwaqt u bl-inqas tbatija li jista' jkun. **It-tbatija tista' tigi mnaqqsa permezz tat-talb tal-Armata tal-Fdal Tiegħi, ghax Jien nixhet fuqhom grazzji speċjali.**

Il-mirakli li wegħidt lid-dinja, permezz tat-Talb tal-Kruċjata Tiegħi, ser jiżdiedu u ħafna se jixhdu fejqan u konverżjonijiet. Se jkun permezz ta' dawn il-mirakli li jiena ser nagħmel lili nnifsi magħruf, anki għal dawk ix-Xettici l-izjed iebsa. Se jkun permezz tat-Talb tal-Kruċjata li l-qaddejja tal-Knejjes Kristjani Tieghi se jintwerew il-Ħniena Tieghi, u dalwaqt ħafna minnhom se jingħataw il-prova tal-awtentiċità ta' dawn il-messaġġi.

**Ir-Rieda tiegħi ser issehh u ebda bniedem mhu se jwaqqafha**. Ħafna se jopponi r-Rieda Tieghi, jwerzqu l-abbuż lejn il-Kelma Tieghi u jobsqu lilek, binti iżda l-mibegħda tagħhom se titnehha u dalwaqt se jiftħu qlubhom , għax huma ma jibqalhom l-ebda dubju li huwa l-Imghallem tagħhom li qieghed ighajtilhom. Jiena l-ġarra li permezz tagħha se jigu ppurifikati. Se jkun permezz Tieghi li huma jkunu moghtija l-unika protezzjoni possibbli kontra l-

antikrist. Il-Protezzjoni Tiegħi għandha tiġi mfittxija u s-Siġill t`Alla l-Ħaj għandu jingħata lill-izjed erwieħ possibli.

Imxu fuq l-istruzzjonijiet Tiegħi u kollox imur sew. Injoraw t-twissijiet Tiegħi u ippruvaw iġġieldu kontra l-inġustizzji, li se jkunu mifruxa ma kullimkien, meta d-dinja ser tkun immexxija minn idejn il-bhima, wahidkom u intom ma tkunux b'saħħitkom biżżejjed. Aċċettaw id-Doni Tiegħi u intom tibqgħu wieqfa, certi fl-għarfien li Jiena qed nipprotegi lilkom u lill-familji tagħkom u l-ħbieb.

Ġesù Taghkom.

## Kelmti hija t-tmien.  Hija ta' l-ahhar.  Ma jistax ikun hemm Kelma ohra.

It-Tnejn 13 ta' Mejju, 2013

Ghaziza mahbuba binti**, l-armata tal-fdal Tieghi f'dan il-waqt ser tikber malajr u tinfirex ma tmienja u hamsin pajjiz.** Ser ikun hemm il-mexxejja fostkom u intom ghandkom tinghaqdu kull fejn intom, permezz tal-formazzjoni tal-gruppi ta' Gesu' lill-Umanita'.

Gibu lil dawk kollha li jimxu warajja, l-ewwel fil-grupp taghkom, imbaghad itilqu biex tigbdu li dawk kollha li jsegwu kull tip ta' duttrina.  Jiena qatt mhu ser naghmel ghazla bejn ruh u ohra.  Jiena nixtieq li intom tghidu dan lil dawk kollha li ma jemmnux Fija u Jiena nweghdhom li huma ser jigu murija l-Verita' matul it-Twissija.  Huma ser isibuha iebsa biex jichduni, ghax Jiena ser nahtaf lil ruhhom b' tali mod li tissorprendihom u tahsadhom.  **L-Ispirtu Qaddis Tieghi ser jaqa' fuq kull nazzjon li fih hemm imwaqfin il-Gruppi tat-Talb Tieghi.**

**Jiena ser nimmultiplika n-numru ta' mirakli, dawk li diga kontu xhieda taghhom, fejn Jiena fejjaqt il-mohh, l-ispirtu u l-gisem ta' dawk l-imsejkna morda fostkom**.  Intom taghrfuni mill-Prezenza Tieghi, li Jiena ser nixhet go dawk minnkom li jitolbuni l-favuri. Intom veru mberkin - intom l-ulied ta' din il-generazzjoni, li tant minnkom gejtu maghzula biex tgawdu l-hajja eterna fis-Saltna Tieghi, li m'ghandix tmiem.  Intom ser tirbhu l-mewt. Il-hazen ser jinbela' bis-sahha tal-perseveranza taghkom u d-dnub ma jtebbax izjed lil ruhkom.

Uliedi hemm hafna xoghol li ghad irid isir.  Halluni mmexxikom permezz tal-Krucjata tat-Talb, ghax dawn jifthulkom ghajnejkom ghal Verita'.  La darba tkunu tistghu taraw il-Verita', intom f'qalbkom ser tkunu tafu x'ghandkom taghmlu.  Parir wiehed zghir – meta tigu mormija 'l hemm ghax ghidtu l-Verita', intom ghandkom tibqghu siekta.  Itolbu ghal dawk l-erwieh, halli huma wkoll jigu moghtija l-grazzja li jaccettaw il-Ktieb tal-Verita'.

Il-Kelma tiegħi hija t-tmien. Hija ta' l-ahhar. Ma jistax ikun hemm kelma oħra. **Kull min jghid li jitkellem f'Ismi, minn meta bdiet din il-Missjoni, f'Novembru 2010, ma ghandhomx l-awtorità li jagħmlu dan, għaliex dawn ma jkunux ġejjin Minni.** Dawk il-profeti li ġew qabel din, u li  jitkellmu f`Ismi, huma mbierka u Jien se nkompli nħarishom. Il-Vuci Tieghi tkellem lid-dinja permezz ta 'dawn il-messaġġi.  Il-Maħbuba Ommi , il-Verġni

Marija Immakulata, tkellem ukoll lil viżjonarji tagħha, u għal darb'oħra l-Missjoni tagħha hija mbierka Minni.

**Kunu afu li l-armata ta' Satana fiha numru ta' profeti foloz, li jitkellmu b'vuċi helwa**. Mimlija hleww, mhabba u mohbija wara wegħdiet vojta, huma se jgħidu l-oppost preċiż ta' dak li nghidlek Jien. Kunu afu li l-Vuci Tiegħi biss tgħidlek il-verità. Il-Vuci Tiegħi biss, se tgħidlek bl-avvenimenti li ġejjin, u li fil-fatt iseħħu. L-ebda wieħed iehor ma jista` u lanqas se jingħata l-awtorità biex, jitkellem Għalija, Ġesù Kristu jew ghall-mahbub Missieri.

Tfarrgu b'din ir-rivelazzjoni u kunu afu li hija biss t-Trinità Qaddisa li tikkomunika b'dan il-mod, b`nar li jahtaf l-erwieħ kollha li huma neqsin mill-kburija u mimlija b`imħabba umli Għalija.

Gesu' Taghkom.

**Dawk li segwew il-Kelma t'Alla, stabbilita mill-profeti ta` qabli, kienu l-ewwel li bezquli**

It-Tlieta 14ta` Mejju, 2013

Ghaziza mahbuba binti, għal dawk fost id-dixxipli tiegħi li qed ibatu minħabba t-twemmin tagħhom f'dawn il-Messaġġi mis-Sema, ghandi dan xi nghidilhom.

Għalkemm it-tbatija tagħkom hija iebsa, għandkom tkunu tafu li ġejtu mbierka b'Doni, mogħtija lilkom biex jgħinukom tiftħu għajnejkom għall-Verità. **L-abbuż li intom ser ikollhom issofru f'Ismi , minħabba l-lealtà tagħkom lejn dawn il-Messaġġi, ser jiġi minn dawk viċin tagħkom. B'mod partikolari, ħafna qaddejja qaddisa Tieghi, li jirrifjutaw li jfittxuni permezz ta' din, il-Kelma Qaddisa Tieghi,** se joholqulkom l-aktar tfixkil. Intom ser tkunu mkasbra, mcekkna, ikkontestati, ikkritikati u mwaqqa ghac-cajt, u madalkollu dawn l-istess nies jistqarru li jitkellmu fl-Isem Qaddis Tieghi.

**Intom ghandkom issofru dan l-uġigħ bhalma l-appostli u d-dixxipli Tieghi, kellhom igarrbu. Matul iz-zmien Tieghi fuq l-art, kont mitfugħ 'l barra mit-Tempji t'Alla**. Id-Dixxipli Tiegħi kienu mwissija biex iżommu 'l bogħod Minni inkella jigu eziljati mill-Knisja jekk dawn kienu jarawhom Mieghi. Meta tkellmu fuq l-Kelma Qaddisa Tiegħi u xerrdu t-Taghlim Tiegħi kienu gew mhedda u f'xi kazijiet imsawta. Kienu jaghtu spettaklu bihom. Dawk li segwew il-Kelma t'Alla, stabbilita mill-profeti ta` qabli, kienu l-ewwel li bezquli. Ir-Rabja tagħhom kienet gejja minhabba l-fatt li Jiena ghidt il-Verità, għax huma ma ridux jismghu l-Verità. Hija bezzghathom u hassewhom skomdi.

Mimlijin bil-qawwa ta` l-Ispirtu s-Santu, l-appostli Tiegħi kienu mibghuda wara t-tlugh Tieghi fis-sema, minn ħafna li qiemu fit-Tempji. U, għalkemm s-sofferenza tagħhom kienet kbira, u l-ilħna ta' l-oppożizzjoni werzqu b`lehen gholi fil-preżenza tagħhom, dan ma kienx jimporta.

**Xejn ma jista' jzomm il-Kelma Tieghi milli tinfirex. L-ebda vuci mhi se tkun qawwija biżżejjed. L-Ebda argument mhu se jkun kredibbli biżżejjed. L-ebda velenu mhu se jkun b'saħħtu biżżejjed. Il-Qawwa Tieghi hija mpossibbli li tirbaħa**. L-Ispirtu s-Santu

Tiegħi se jiġbed biljuni ta' erwieħ fil-kenn tas Sema l-Gdida Tieghi. L-Ilħna kollha ta' skuntentizza se jigu kkwietati u l-oppożizzjoni kollha se tiġi mirbuha, għax l-intervent ta' Missieri se jiżgura li x-xewk u l-blat, li jxekklu t-triq tal-Verità, se jigu meqruda.

Il-Vuci Tiegħi Biss se tibqa'. Din se tkun l-unika Lehen t`Awtorità, li ser izzomm, u wara, tigi l-Gurnata l-Kbira.

Ġesù Taghkom

## [Alla l-Missier: L-Intervent kbir Tiegħi biex insalva l-umanità beda u l-heffa ta' l-azzjonijiet Tiegħi se tkun evidenti għal kulħadd]

L-Erbgħa 15 ta` Mejju, 2013

Binti l-ghaziza, **l-Ispirtu t'Alla qed jitferra fuq id-Dinja b'mod li qatt ma sar qabel.**

Sabiex nipprepara l-għeżież uliedi għas-Sema l-Ġdida, li tinsab tistennihom, jiena nghattihom bl-Ispirtu tal-Verità. Uħud se jaċċettawha, b`dirghajn miftuħa, u jkunu grati għal dawn il-barkiet. Oħrajn se jirrifjutawhom għax mhux se jiftħu qlubhom ghalihom.

L-Intervent kbir Tiegħi biex insalva l-umanità beda u l-heffa ta' l-azzjonijiet Tiegħi se tkun evidenti għal kulħadd. **Il-mirakli, li Jien, il-Missier tagħkom, li jista kollox ser nippermetti, ser ikunu mifruxa u kulhadd jghid bihom.** Dawn se jġibu aktar konverżjoni. Imbagħad, eżatt kif l-Ispirtu ta` l-Imħabba Tiegħi jinfirex, l-azzjonijiet mill-wiehed tal-ħażin u shabu se jiżdiedu.

**L-Id Tiegħi se twaqqaf l-azzjonijiet ħżiena ta' dawk li jippruvaw igibu l-gwerra, mard, qtil u l-abort fuq Uliedi.** L-Id Tiegħi se taqa` wkoll fuq dawk li jittormentaw lis-segwaċi lejali ta' Ibni l-għażiż u dawk li jippruvaw ineħħu l-preżenza Tiegħu mill-Ewkaristija Qaddisa.

Isimghu issa s-Sejħa Tieghi. L-ulied kollha Tieghi se jinġibdu lejn il-Ħniena Tiegħi . Dawk li jirrifjutaw lil Ibni, jirrifjutaw Lili. Dawk li jinsultaw lil Ibni ma jistghux jigu Għandi. Dawk li jarmu t-tagħlim Tiegħu u jgħawġu l-Verità, jirrifjutaw l-Eżistenza Tiegħi. Ma tistghux toħolqu l-liġijiet tagħkom u tobduni. Lanqas ma tistghu taccettaw id-dnub u tistennew li taraw lil Wicci.

Jekk id-dnub ma jonqosx, Jien se nikkastiga dawk in-nazzjonijiet li huma responsabbli għad-dnubiet, li joffenduni. Hekk kif l-Ispirtu Qaddis Tiegħi jkompli ghaddej minghajr waqfien, hekk ukoll ser ikun l-Intervent Tieghi  biex iwaqqaf d-dnub milli jinfirex.

Dawn il-bidliet kollha se jidhru fl-istess ħin. Ftit wara, meta jkun sar kull sforz minn Ibni, permezz tal-Knisja Tiegħu u d-dixxipli Tiegħu, biex ixerrdu l-Verità, jasal il-jum meta l-

Ħniena Kbira ta`Ibni taqa` fuq l-umanità. Imbagħad, mhux fit-tul wara , se jigi il-Jum tal-Gudizzju.

Ippreparaw, Uliedi, issa għax dak il-jum jista' jasal f'kull mument. Dawk biss, li jobdu l-Kmandamenti Tiegħi, u juru soghba għad-dnubiet tagħhom, jistgħu jkunu, u se jiġu salvati.

Il-Mahbub Missier taghkom

Alla l-Aktar Għoli.

## L-Imħabba biss, gejja Minni, il-Mibegħda mhijiex

Il-Ħamis 16 ta` Mejju, 2013

Ghaziza mahbuba binti, **se tkun bil-Qawwa ta`l-Imhabba li l-umanità tista' u se tiġi salvata**. L-Imhabba li nitkellem fuqha hija l-imħabba t'Alla, li tigri fil-qlub tal-umanità. Imħabba t 'Alla hija preżenti fil-qlub t`uliedu kollha, inklużi dawk li jiċħduh. Se tkun l-imħabba tagħkom għal xulxin, li ser issostnikom waqt il-provi, li gejjin il-quddiem. Uru mħabba u karità lejn il-proxxmu tagħkom u kunu qalbkom tajba mal-foqra, id-dgħajfa u dawk li ma jistghux jiddefendu ruhom u Jien nagħmilkom Tieghi għall-eternita'.

Lil dawk fostkom li jittrattaw bl-aħrax ma' oħrajn, li jikkaġunaw uġigħ fuq dawk li huma jiggvernaw u li jfessfsu malizzja fuq l-oħrajn, intom tkunu bhal garrar vojta li m'ghandhom xejn x'joffruli. Intom għandkom dejjem isegwu t-Taghlim Tiegħi. L-Imħabba biss ġejja Minni. Il-Mibegħda mhijiex. Dawk li jgħidu li jonorawni u jitkellmu ħażin fuq ħaddieħor, għalkemm huma jsostnu li jżommu l-kelma Tieghi u jiddefendu l-Isem Tieghi, huma ma jonorawnix. Huma jinsultawni u l-mistħija tagħhom se tohrog fid-deher fil-Jum il-Kbir. Qatt, fl-ebda mument, ma ghandkom taħsbu li intom tistghu tgħixu mingħajr l-imħabba fil-qlub tagħkom għall-oħrajn, għax jekk intom ma għandkomx imħabba għall-oħrajn imbagħad intom tiċħdu d-Don, li huwa mogħti bla limitu lill-Ulied kollha t`Alla. Meta intom thobbuni verament, intom titrattaw lill-oħrajn bl-imħabba u r- rispett. Meta tkunu qalbkom hazina ma' l-ohrajn, tghidu fuqhom fil-hazin jew tikkritikawhom, hemm tkunu qed twarrbu l-Imhabba li Jiena nxerred fuqkom. Flokha tidhol il-mibeghda. **Il-mibeghda ghal bniedem iehor tigi minn Satana.** Meta thallu l-mibeghda twebbsilkom qalbkom, intom titbeghdu Minni u ruhkom tithawwad bi kbir.

Meta thobbu bniedem iehor f'Ismi, dan ghandkom taghmluh fi kliemkom, l-imgieba taghkom u l-atti tal-karita'. L-Imhabba t'Alla, meta tghixuha kif jixtieqha Hu minn uliedu, tista' ssalva l-umanita'. L-Imhabba tirbah lill-hazen. **Il-qawwa ta' Satana tinqered f'mument, meta turu mhabba lejn dawk li jittrattawkom hazin.** Ghandkom tahdmu kemm tifilhu biex thallu l-imhabba ddur madwarkom, halli wara tkunu tistghu tqassmu din il-grazzja kbira lill-ohrajn.

L-imhabba tkattar imhabba fl-ohrajn. L-imhabba ggib il-hajja. L-imhabba ggib il-mahfra. L-imhabba teqred il-hazen. Minghajr l-imhabba, jsaltan il-hazen.

Gesu' Taghkom.

**[Id-dinja ghad tifrah, ghax flimkien mal-Knisja Tieghi f' Ruma, n-nazzjonijiet Lhud ser jitwaqqghu.]()**

Il-Gimgha, 17 ta' Mejju 2013 @ 2.02pm

Binti l-izjed ghaziza, qed nurik, hekk kif ahna flimkien, l-Ugigh Tieghi u d-Dulur Jiena u nghix mill-gdid l-agunija li  Jiena sofrejt fil-Gnien taz-Zebbug.

L-ugigh li ghaddejt minnu minhabba l-wiehed tal-hazen, meta huwa wrieni vizzjonijiet mill-futur, kien minhabba l-paganizmu li jrid jiknes id-dinja fi zmienkom.  Dak in-nhar Jien kont naf, dak li qed jidher issa, l-mibeghda li tezisti Ghalija, Gesu' Kristu.

Is-sofferneza Tieghi tkompli tikber minhabba l-fatt illi l-umanita'  ghadha mhix tifhem ghal-kollox is-Sagrificju li Jien ghamilt ghal ruhhom.  It-Tislib Tieghi sewa biex Jien nsalva kull generazzjoni, b'dawk tal-lum inkluzi. L-ugigh Tieghi huwa kbir f'dan iz-zmien u t-tbatija Tieghi qed tidher fik binti, u f'erwieh vittmi ohrajn, halli Jiena nkun nista nigbor lil dawk l-aktar imjassra fostkom.

Nibki dmugh ta' mrar u Qalbi trid tohrog, hekk kif id-dnub qed jigi mferrex bil-ligijiet fil-pajjizi taghkom, li ser iwaqqa' erwieh innocenti fit-tentazzjoni. **Mhux talli dawn ser ihossu li d-dnub huwa gustifikat, ghax il-ligijiet f'pajjizhom jaccettawh, imma jigu akkuzati li qed jiksru l-ligi tal-pajjiz jekk izommu l-Kelma Qaddisa Tieghi.**

O kemm intom sejrin imqarqin.  Kemm imrahtu 'l boghod Minni.  Kemm qeghdin toffenduni.  Dawk li huma responsabbli li jxandru l-Kelma Tieghi, isimghuni issa.  Id-dover taghkom huwa li tiddefendu il-Kelma Qaddisa Tieghi f'kull hin. **Il-weghda taghkom hi li tobdu l-Kelma Tieghi u t-Taghlim Tieghi, hekk kif kienu minn dejjem mill-holqien tal-Knisja Tieghi fid-dinja.  Qatt titbeghdu mill-Verita'.** Hejju ruhkom, ghax daqt ikollkom tichduni kontra r-rieda taghkom, fis-Sagramenti.  Ghandkom tkunu ghassa l-hin kollu ghall-bidliet il-kbar li gejjin quddiemkom.

Lill-umanita' kollha, nsejhilkom biex twiegbu ghal Lehni, il-Lehen tal-Verita', il-Lehen ta' l-Imhabba, il-Lehen ta' l-Imghallem taghkom.  Dalwaqt, intom sejrin Tarawni.  Hemm l-ghanqbut imur minn ghajnejkom u l-Verita' issir cara.  Meta jisbah il-jum tal-Hniena Tieghi,

ghandkom tkunu tafu li t-Tieni Migja Tieghi ghandha ssehh fil-qrib hafna warajh. U filwaqt li nixxennaq ghalikom ilkoll biex idduru Lejja, Jiena nibki bi qsim il-qalb ghal dawk l-erwieh li huma mitlufa Ghalija.

Ghandi nwissi lil dawk li jippruvaw iwaqqfuni fis-salvazzjoni ta' l-erwieh, li Jiena ser nikkastigakom jekk intom tibqghu tisfidaw il-Kelma t'Alla. Mhux qed nirreferi ghal dawn il-Messaggi, ghalkemm nhossni mdejjaq illi ma tridux tisimghu Minni, imma ghat-tnehhija tal-Kelma Qaddisa Tieghi mill-pajjizi taghkom.

Id-dawl ser jitqabad mad-dlam. Id-Dawl t'Alla jzommkom hajjin. Id-dlam jeqridkom. Id-Dawl Tieghi ser isir izjed u izjed qawwi sakemm l-Ewkaristija tigi abolita. Imbaghad jigi jnemnem. **Il-Knisja Tieghi taqa' bicciet u tidher li mietet. Id-dinja ser tifrah, ghax flimkien mal-Knisja Tieghi f' Ruma, n-nazzjonijiet Lhud ser jitwaqqghu**. Dan ikun l-akbar qerq li qatt rat l-umanita' u dawk li jaccettaw dan it-tip ta' paganizmu, ser jingarru mal-ilmijiet ta' l-gharqa. Wara, meta n-nirien ikunu kinsu d-dinja, terga' tqum mill-gdid il-Knisja Tieghi, fil-forma glorjuza taghha. Dan ikun it-tmiem tal-midinbin li ma jaccettawx Idi, imma l-bidu tal-Hajja Eterna ghal dawk li jhobbuni.

Gesu' Taghkom

**Huma ser jircievu l-mahfra mill-ewwel, hekk kif jigbru l-kuragg u jghajtuli biex nghinhom johorgu mill-mizerja taghhom.**

Il-Gimgha, 17 ta' Mejju 2013 @ 11.50pm

Ghaziza mahbuba binti, ghandek tkun taf illi l-midinbin kollha, specjalment dawk li ghamlu affarijiet hziena hafna, ghandhom jigu Ghandi. Nixxennaq sabiex jaghtu kasi u rrid ingibhom lura f'Qalbi, ghax Jiena nhobbhom**.** **Huma ser jircievu l-mahfra mill-ewwel** hekk kif jigbru l-kuragg u jghajtuli biex nghinhom johorgu mill-mizerja taghhom. M'ghandhom qatt jibzghu Minni, ghax Jiena kollni Hniena. Huma jinsab eqreb Lejja minn dawk li jghidu li jirrapprezentawni fid-Dinja, imma li huma ipokriti, kif kienu l-Farizej.

Aghtuni idkom. **Ghamiltu x'ghamiltu, Jiena ser ninzel fuqkom. It-talba Tieghi, moghtija lilkom illum, ser iggibkom f'Qalbi u Jien nghix fikom u intom issalvaw.**

**Talba tal-Krucjata (107) Salvani min-nirien ta' l-Infern.**

*Gesu', Jiena midneb kbir,*

*Bl-azzjonijiet tieghi gibt tbatijiet kbar lill-ohrajn*

*Minhabba hekk spiccajt mormi fil-genb.*

*Hadd aktar ma jrid jaf bija fid-Dinja.*

*Ehlisni minn dan ix-xaghri u zommni 'l boghod mill-qabda tal-hazen.*

*Hallini nindem.*

*Accetta d-dieqa tieghi.*

*Imlini bil-Qawwa Tieghek u ghini biex nitla' mill-qiegh tad-disperazzjoni.*

*Jiena naghti Lilek, ghaziz Gesu', r-rieda hielsa tieghi, biex taghmel bija dak li trid, halli ninheles min-nirien ta' l-Infern. Ammen.*

Binti mur fil-paci, ghax Jiena qatt ma ser inhalli lil dawk li jittalbu ghall-Hniena Tieghi.

Gesu' Taghkom

**[Fejn ikun prezenti l-Ispirtu s-Santu, dan ser jinfirex bhal nar u jkattar il-Kelma t'Alla f'hafna ilsna.]()**

Is-Sibt, 18 ta' Mejju 2013 @ 1.16pm

Ghaziza mahbuba binti, id-Don ta' l-Ispirtu s-Santu xejn m'hu mifhum tajjeb. Huwa rigal prezzjuz li jitferra' fuq l-umanita' mill-Generozita' t'Alla. Dan jigi moghti b'imhabba kbira lil kulhadd, imma mhux kulhadd jaccaettaH. Mhux kulhadd jirnexxilu li jircievi dan id-Don. Dawk li jemmnu li jisthoqqilhom dan id-Don ghax huma jghidu li jafuni sew, u li huma mghallmin sew fit-teologija, mhux bilfors li huma ppreparati biex jircievu dan id-Don l-Aktar Qaddis.

**Matul l-ghaxart ijiem fic-Cenaklu, l-Ghaziza Ommi kellha tispjega lill-appostli Tieghi, bil-pacenzja kollha, l-importanza ta' l-umilta'. Minghajr umilta' wiehed ma jistax jintela b'dan id-Don mis-Sema.** Xi whud mill-appostli Tieghi hasbu li bhala dixxipli maghzulin, huma kienu aqwa min-nies il-komuni, minhabba li kienu eqreb Lejja, u li l-ohrajn kellhom bla dubju jinxtehtu f'riglejhom. Imma fic-cert, dan ma kienx dak li Jiena kont ghallimthom, Ommi ghal sighat twal kienet tispjegalhom kif il-kburija tista' ma thallix lill-Ispirtu s-Santu jidhol f'ruhhom.

Meta l-Ispirtu s-Santu jidhol fir-ruh, dan igib Mieghu hafna Doni. Jista' jkun id-Don tal-Gharfien, id-Don ta' l-ilsna, d-Don tal-Gherf, id-Don tal-Imhabba, d-Don tal-Fejqan jew id-Don tal-Profezija. Fil-kas ta' l-appostli Tieghi, huma malajr indunaw illi malli rcevew dan id-Don, huma qatt ma setghu jhallu d-dnub tal-kburija illi jfixkel il-Missjoni taghhom minn hemm 'l quddiem**. Ghax hekk kif il-kburija tidhol f'persuna li rceviet id-Don ta' l-Ispirtu s-Santu, l-Ispirtu t'Alla jisparixxi u postu jiehdu l-ispirtu tad-dlam.**

Ruh mudlama qatt ma tista' tferra' d-Dawl ta' l-Ispirtu Qaddis fuq l-ohrajn. Tista' tferrex biss id-dlam. Id-dlam ta' l-Ispirtu jqarraq bl-ohrajn. Ikun qarrieqi l-izjed meta jkun gej minn xi hadd li jidher li hu dixxiplu qaddis jew espert fit-Taghlim Tieghi. Ir-rizultat ikun mibeghda, ansjeta' u sens ta' nuqqas ta' tama.

Sabiex tircievu d-Don ta' l-Ispirtu s-Santu, r-ruh taghkom trid tkun nadifa u hielsa mid-dnub tal-kburija, inkella qatt ma jigi moghti lilkom. **Fejn ikun prezenti l-Ispirtu s-Santu, dan ser jinfirex bhal nar u jkattar il-Kelma t'Alla f'hafna ilsna. Dan igib il-fejqan tal-mohh,**

**tal-gisem u ta' l-ispirtu u jgib mieghu l-gherf, li jista' jigi biss minn Alla. Huwa ser jifrex il-konverzjoni mad-dinja kollha.**

Dan ghalhekk ikun il-frott li minnu tindunaw li l-Ispirtu Qaddis huwa prezenti, L-abbundanza ta' kull Don possibbli, inkluzi mirakli mis-Sema, issa gew murija fil-Ktieb tal-Verita', ghal gid ta' kulhadd – Il-Ktieb li kien imwieghed ghall-umanita' kollha ghal dawn iz-zminijiet. Accettawh bil-hlewwa u rringrazzjaw lil Alla ta' wiehed mill-ahhar Rigali mis-Sema, qabel il-Jum il-Kbir.

Gesu' Taghkom.

## Imbagħad, hekk kif jinsewni, Il-Knisja Tiegħi terga' tqum mill-mewt, kif għamilt Jien.

Il-Ħadd 19 ta` Mejju, 2013 @ 8.08pm

Ghaziza mahbuba binti, il-mewt qatt mhu ser ikollha aktar poter, fuq dawk l-ulied t'Alla li jhobbuh, fis-Sema l-Gdida Tieghi.

Dawn il-Messaġġi, sfortunatament, se jġibu biża` mhux mehtiega lil dawk li jemmnu li meta din id-Dinja tintemm a favur tas-Sema u d-Dinja l-Ġdida, huma ser ikollhom imutu. Dan mhux veru. Dawk li ser jintghazlu Minni u li jaċċettaw l-Id Tieghi tal-Ħniena se jingħataw ir-rigal tal-ħajja. Anke l-Atejisti, dawk li ma jemnux, dawk li mhux Insara u dawk ta' kull fidi ser iduru Lejja u jaċċettaw id-Don Tieghi, wara li ssehh it-Twissija. Hemm Jiena negħleb 'l bhima, għax se nagħti Ħajja Eterna lil biljuni t' erwieħ li huma ħajjin fid-dinja.

**Id-Dnub, li gew imhajrin ghalih Adam u Eva mill-bhima, ma jibqax jeżisti. Il-Ħniena Tiegħi se tegħleb dan. U kif id-dnub jeqred il-gisem, id-Dawl Tieghi ser iġib lill-umanità hajja Eterna. Mewt, mard, xjuħija, mhux se jibqgħu jeżistu fis-Sema l-Gdida Tieghi. L-Ulied magħżula Tiegħi - biljuni minnhom - se jkollhom gisem u ruh perfetta, f' ghaqda mar-rieda Divina ta' Missieri.**

Huwa, Missieri, ta hajja Eterna lil Adam u lil Eva u huma ċaħduha. U għalhekk, huma u d-dixxendenti tagħhom kollha ġew miċħuda r-rigal tas-Sema l-Gdida u l-Hajja Eterna. Issa fl-aħħar, dan se jinbidel. Il-Hajja Tieghi, Mewti u l-Qawmien Tieghi ghandhom issa jergghu isehhu, f'din il-parti finali tal-Patt Tiegħi. Il-Knisja Tiegħi kienet, eżatt kif kont qed inkun ippersegwitat Jiena; issa ser issofri swat bl-ahrax, attakk ikrah u tkun tidher li hija hadet telfa li ma tqumx minnha. U meta tiġi msallba u mormija fil-genb, se tidher li nharqet u ntesiet.

**Il-Paganismu se jirnexxi. Iżda minħabba li se jkun influwenzat u mmexxi mill-wiehed tal-ħażen , dan se joqghod attent li ma jurix il-kuluri veri tiegħu. Se jiġi ppreżentat lid-dinja bħala forma ġdida ta' ġustizzja soċjali - forma ġdida ta' umaniżmu, fejn l-ħtiġijiet kollha tal-bniedem huma pprovduti**. Dawn il-ħtiġijiet se jinkludu d-dritt li tidneb, imma dawn d-dnubiet, bi sfida lejn Alla, se jidhru li huma d-drittijiet morali tal-bniedem

**Kemm nistmerra Jiena, Ġesù Kristu, dik li ser tkun ir-reliġjon waħda dinjija, l-hazina. Huma mhux talli ser iduru daharhom Lejja, iżda dawn se jdahhlu simboli satanici, fejn is-salib Tiegħi se jintwera, bl-aktar mod grottesk**. L-Ewkaristija Tieghi se tiġi skartata. Tip differenti ta' sagrifiċċju se jsir fuq l-altari tal-knejjes. Se tkun il-bhima li huma se jqimu fil-miftuħ, u hu min-naha tieghu, se jagħtihom hafna poteri. Ghalhekk ħafna se jemmnu li dawk li qed imexxu din l-istmerrija se jkollhom setgħat mirakolużi. U filwaqt li jistgħu jidhru li huma qeghdin jimxu wara knisja tajba u ġusta, din mhu se taghti xejn hlief dlam.

**Ċelebrazzjonijiet u mġieba oxxena se jsehhu f`dawn il-knejjes, li kienu gew mibnija biex jonoraw Lili, Ġesù Kristu, imma Jien mhux se nkun preżenti. U mbagħad, hekk kif jinsewni, il-Knisja Tiegħi terga' tqum mill-mewt, kif għamilt Jien**. Terga ssir hajja mill-gdid f`postijiet pubbliċi. Imbagħad se niġbor l-ulied kollha Tieghi li baqgħu fidili lejn il-Kelma Tieghi u lil dawk li għajnejhom infetħu għall-Verità. Imbagħad aħna se nitlighu, flimkien ma' dawk li stennew l-Jum Kbir, iżda li huma mejta, fis-Sema l-Ġdida.

Dawk li irrifjutawni , wara li jkun sar kull sforz Minni biex insalvalhom ruhhom, se jiġu mitfugħa l-bogħod. Imbagħad, jibda r-Renju Tieghi u tigi ffurmata s-Saltna mwegħda Lili minn Missieri.

Qatt tibżghu mill-futur, ghax is-Saltna l-gdida Tiegħi biss, se tissodisfa l-qlub msejkna u mnikkta tagħkom. Is-Saltna l-Gdida Tiegħi biss se taghtikom Hajja Eterna.

Ghandkom titolbu għal kull wieħed u waħda minnkom, sabiex tkunu denji li tirċievu dan id-Don Kbir.

Ġesù Taghkom.

**Dawk kollha li huma fi Knejjes Insara ser jigu Ghandi l-ewwel. Imbaghad biz-zmien, jduru l-Lhud u fl-ahhar jaccettawni.**

It-Tnejn, 20 ta' Mejju, 2013. @ 10.52pm

Ghaziza mahbuba binti, hekk kif din il-Missjoni tikber, **Kelmti ser tigi moghtija f'hafna lingwi.** Il-Messaggi Tieghi, moghtija lilek illum il-gurnata, iheggu il-Kelma Tieghi fit-Testment il-Gdid. Il-Messaggi Tieghi, jfakkru wkoll lid-dinja fil-Kelma t'Alla, li tinsab fil-Bibbja Qaddisa.

**Jiena m'inhix nerga' nikteb il-Kelma, Jiena qieghed biss infakkarkom dak li tfisser ghall-lum.** Jiena nkellem lid-dinja wkoll, biex inhejjihom ghat-Tieni Migja Tieghi, ghax Jiena ma rridhomx jintilfu. Huwa b'imhabba kbira u ferh, li Jiena nara kif is-segwaci Tieghi jaccettawni hekk kif Jien. **Dawk li kienu jafu mall-ewwel li kont Jiena, Gesu' Kristu, li kont qed inkellimhom minn dawn il-Messaggi, huma mberkin**. Huma dawk li qatt ma ddubitaw. Huma hassew il-Prezenza Tieghi. Kelmti nifdet qalbhom bhal xabla. L-Ispirtu Tieghi messilhom ruhhom. Huma kienu jafu. Huma gharfuni, u kemm qed isofru minhabba hekk.

Intom, ulied prezzjuzi Tieghi, kunu ghafu, illi **meta twiegbu ghas-Sejha Tieghi, illi Jiena nkun tajtkom Rigal specjali, barka,** li ser tghinkom tkampaw f'din il-moghdija lejn il-Hajja Eterna. Intom ser ikollkom bzonnhom dawn ir-Rigali, ghax intom **ser tkunu s-sinsla ta' l-Armata Tieghi tal-Fdal** u ghad tridu tmexxu lill-ohrajn, li bil-mod ghad jimxu warajkom.

**Hafna nies, min-nazzjonijiet kollha, ghad jimxu warajkom** meta mhux ser ikollhom imkien izjed fejn iduru, u hemm ikun jistghu jaqsmu t-Taghlim Tieghi. Dawk kollha lejali Lejja, Gesu' Kristu, ser jigu moghtija Rigali sabiex jinghaqdu madwar id-dinja kollha, flimkien Mieghi. Dawk kollha li huma fi Knejjes Insara ser jigu Ghandi l-ewwel. Imbaghad biz-zmien, jduru l-Lhud u fl-ahhar jaccettawni. Ir-religjonijiet l-ohrajn kollha, ser jgharfu l-Verita' tat-Taghlim Tieghi u huma wkoll ghad jimxu warajja. Imma mhux kollha ghad jaccettaw il-Verita', sahansitra meta din tigi moghtija cara quddiem ghajnejhom. Imbaghad hemm dawk li ma jemmnux, hafna minnhom nies twajba. Huma juzaw ir-raguni umana biex ipoggu ragunijiet ghala Alla ma jezistix. Ghalkemm ser ikunu huma, u maghhom dawk l-Insara li huma bierda fil-fidi – li ser iduru jigru Lejja qabel kulhadd. Qalbhom ser tinfetah u minhabba li ghad jaraw dak biss li ngibilhom Jien biex jaraw, huma jindunaw li Jiena qed insejhilhom. Huma mhux ser jirrezistuni, ghal kuntrarju ta' dawk l-erwieh iebsa li

jahsbu li jafu aktar Minni  dwar il-weghda li ghamilt Jien li nerga nigi biex nipprezentalkom l-Ahhar Patt.

Kull bicca xoghol li naghtikom, ser tfisser  li aktar u aktar pajjizi ser jaqbdu s-Salib Tieghi u joholqu triq Lejja.  Qatt toqghodu tahsbuha biex timxu ma' genbi meta Jiena nsejhilkom, ghax meta twegbuni, intom teqirdu l-qawwa tal-hazen.  Il-hazen jista' jweggakom, izda meta thalluni mmexxikom, intom tirbhu kull tfixkil fi triqitkom.

Inhobbkom u mmexxikom, hekk kif Jiena nipprotegi l-Gruppi tat-Talb Tieghi madwar id-dinja.

Gesu' Taghkom.
**Meta jasal il-waqt sabiex il-bestja juri lill-antikrist, ser jidhru sinjali kbar.**

It-Tlieta, 21 ta' Mejju 2013 @ 4.30pm

Ghaziza mahbuba binti, meta jasal il-waqt sabiex il-bestja juri lill-antikrist, ser jidhru sinjali kbar.  **Raghad, li qatt ma nstema' bhalu, ser jinhass f'hafna partijiet mid-dinja, b'mod specjali f'dik il-parti fejn twieled l-antikrist.**

Sa dak in-nhar, **l-Ispirtu Qaddis Tieghi, mferra qalb is-segwaci Tieghi, fil-Knejjes kollha Insara Tieghi, ikun ha hsieb li dawn ikunu ga mhejjija.** Huma, flimkien mad-dixxipli Tieghi li gejjin minn din il-Missjoni, ser jiffurmaw il-Knisja tal-Fdal**. Il-qawwa taghhom ser tkun kbira u l-ebda ghawg m'hu ser ihabbat lil dawk li ghandhom is-Sigill t'Alla l-Haj.  Il-qawwa taghhom ser tigi mit-Talb moghti lilhom minn Ommi u mit-Talb tal-Krucjata.**

L-antikrist ser jibda ir-renju tieghu bil-hlewwa.  Hadd m'hu ser jinduna x'inhu l-iskop tieghu, minhabba li dak iz-zmien tkun nizlet fuq id-dinja speci ta' paci.  Dan ikun zmien veru importanti ghalikom, l-Armata tal-Fdal Tieghi, sabiex tingabru fi Gruppi ta' Talb.  Jiena nwieghed solennement illi dawn it-Talb ser inaqqsu hafna mill-kruha ta' l-atti hziena li l-antikrist ser igib fuq in-nazzjonijiet kollha ta' l-erba' trufijiet tad-dinja.

**Jiena ser naghti mahfriet lil dawk in-nazzjonijiet fejn il-Gruppi ta' Talb jigu mwaqqfa.** Ser ikun permezz tad-devozzjoni taghkom Lejja, l-mahbub Gesu' taghkom, illi Jiena ser insalva l-erwieh u nferra izjed Rigali fuq l-umanita', halli nipprotegi lill-ulied Alla mit-tbatija li l-bestja qed ihejji ghalihom.

Afdaw Fija.  Kunu fil-paci meta tafu li intom qed tigu mmexxija u protetti.

Gesu' Taghkom.

## Is-Suldati Tieghi Nsara ser jiffurmaw l-akbar Armata kontra l-antikrist

Il-Hamis, 23 ta' Mejju 2013 @ 10.30pm

Ghaziza mahbuba binti**, s-segwaci Tieghi mahbubin, madwar id-dinja kollha, dalwaqt ser ihossu l-Prezenza Tieghi, ghax Jiena sejjer nuri Lili nnifsi f'qalbhom b'mod li huma qatt ma hassewni qabel.** Dan hu l-mod li bih ser inhejji l-Insara biex jiggieldu f'Ismi, biex isalvaw ruh kull wiehed minnkom.

Is-suldati Nsara Tieghi, ser jiffurmaw l-akbar Armata kontra l-antikrist. Qed nghid ghal dawk kollha li jafuni u li ser jibqghu Lejali lejn id-Duttrina Qaddisa Tieghi, li tinsab fil-Bibbja l-izjed Qaddisa. Qed nghid ukoll ghal dawk li jipprattikaw il-fidi taghhom u li jemmnu Fija, imma li ma jzurunix u ghal dawk kollha li ghad jibqghu lejali lejn il-Verita'. **Intom ser tingabru f'kull tarf tad-dinja u ghalkemm intom ser tinghaqdu f'din l-Armata tal-Fdal u titkellmu b'hafna ilsna, intom ser tinghaqdu haga wahda Fija.**

Dawk li jsegwu dawn il-Messaggi ser ikunu l-fosdqa u minnha johorgu n-nebbieta u wara l-frieghi tal-Armata tal-Fdal Tieghi, madwar id-dinja kollha**. Mhux ser ikun hemm lanqas pajjiz wiehed li jibqa' mhux minsus mill-Ispirtu Qaddis Tieghi, permezz tal-Ktieb tal-Verita'.**

**Il-Ktieb tal-Verita' ghad jghaqqadkom meta l-fidi taghkom tigi ghal prova.** Meta l-fatt li tkunu lejali Lejja jigi mbaghbas u Jiena nigi mormi minn gol-knejjes, mirfus u midfun boghod mill-ghajn – intom ser tieqfu u zzommu Kelmti hajja. **Il-Fjamma ta' l-Ispirtu Qaddis ser tmexxikom pass pass tul it-triq.** Intom ser thossu qawwa u kuragg, li jghaggbu anke lil dawk l-izjed gwejjef fostkom. Id-dghajfa jsiru b'sahhithom. Il-bezghana jsiru kuragguzi u l-mirfusin jimxu bhala gwerriera tal-Verita'. U l-hin kollu, waqt li l-Armata tal-Fdal tikber u tintela bil-miljuni, bosta ostakli ser ifixklukom.

Insulti, akkuzi ta' ereziji, gideb, rabja u mibeghda ser tkun xortihom. Tahwid ikun jidher kullimkien fost l-ghadu, fejn l-argumenti taghhom ikunu mimlijin bl-inezattezzi, kuntrarji u argumenti li ma jiftehmux. L-influwenza ta' Satana dejjem tohloq it-tahwid, dizordni, argumenti kollhom malizja u minghajr logika u dejjem ikun hemm dik il-mibeghda ghal ulied Alla. Dawk li huma mberkin bid-Dawl t'Alla u d-Dawl tal-Verita' ser jigbdu lejhom attakki koroh u tal-mibeghda**. Ghax kull fejn Jiena nkun prezenti, tistghu tibqghu certi illi l-persekuzzjoni ta' dawk li jxandru Kelmti, tkun kbira. Akbar ma tkun il-persekuzzjoni kontra kull Missjoni li gejja minn Alla, dan ghax akbar tkun ir-rabja ta' Satana**.

Meta tbatu, bhal ma ser tbatu, minhabba l-mibeghda li hemm lejkom talli qeghdin terfghu s-Salib Tieghi u timxu warajja,  aktar u aktar ikun inkwetat il-bestja u jahdem aktar iebes, permezz ta' l-erwieh imtebbghin bid-dnub tal-kburija, sabiex jeqridkom.  Taghtux kas ta' dawn l-attakki.  Kunu fil-paci, ghax hekk kif dawn jizdiedu, b'izjed mibeghda lejkom, intom tkunu tafu li tinsabu f'ghaqda wahda Mieghi, Gesu' taghkom.

Morru fl-imhabba u l-paci u kunu ghafu li Jiena nghammar f'qalbkom.

Gesu' Taghkom

**Dawk kollha li jghajtu bir-rabja kontra Kelmti u jghidu li gejja minn Satana, ghad imorru mal-bhima ghall-eternita'**.

Il-Gimgha, 24 ta' Mejju, 2013 @ 9.50pm

**Ghaziza mahbuba binti, kull fejn jinstema' Lehni, f'kull post u f'kull tempju ddedikat ghall-adorazzjoni t'Alla, ser ikun hemm it-tahwid**.  Filwaqt li hafna ser iqimu Lili, t-Taghlim Tieghi, lill-Knisja Tieghi, izda meta jisimghu Lehni, hekk kif qed jigbed l-attenzjoni issa, huma ser isoddu widnejhom.

Lehni ser jaqa' fuq widnejn torox u fuq erwieh ta' rashom iebsa.  Lehni, Kelmti u s-Sejha Tieghi ser jigu rrifjutati u mibzuqa, issa li Jiena qed nigi ppersegwitat ghall-ahhar darba fid-dinja**.  Din hija l-ahhar sejha biex nigbed 'l ulied Alla fi hdani, qabel it-Tieni Migja Tieghi, izda hafna, mhawdin mill-gideb li gew mxerrdin mix-xjaten, ser jaghtuni daharhom u ma jaccettawx il-Hniena Tieghi.**

Ghal darb'ohra Jiena ser nerga' nigi rrifjutat minn dawk li huma tad-Dar t'Alla, s-sacerdoti u dawk kollha li ma jaccettawx il-Verita'. L-ahhar insult ghal Ismi ser jidher dalwaqt.  Dawk fostkom li jghattu ghajnejhom u jimxu u jduru bl-ghamad fuq ghajnejhom, ghad jaraw il-Verita' li qed tigi moghtija lilkom bhalissa.

**Jiena ma nistax nohloq qasma fil-Knisja Tieghi, ghax hekk inkun qed nichad Lili nnifsi.** Il-Gisem Tieghi huwa l-Knisja u din qatt ma tista' tmut, imma ser ikunu dawk ta' go fiha li sa jirrifjutawni.  Hekk kif kont michud l-ewwel darba, din id-darba huma ser jippruvaw jeqirduni, qabel ma nasal biex ingib is-salvazzjoni li Jiena weghdt lill-bniedem.

Il-bniedem huwa dghajjef.  Il-bniedem huwa injorant u ma haqqux il-Hniena Tieghi.  Il-bniedem rasu iebsa.  Il-bniedem kien gie moghti l-Verita' matul iz-zmien li Jiena kont fid-dinja, imma xorta ghadu mhux jifhem il-Weghda Tieghi.  Ir-ritorn Tieghi fit-Tieni Migja, ser jithaffef minhabba li l-ahhar profeta Tieghi ser jigi rrifjutat.  Il-profeta li ntbaghat ghandkom biex jaghtikom l-ahhar Kelma t'Alla biex  tgharfu thejju ruhkom, ser ibati bl-ahrax.  Huwa Lili, Gesu' Kristu, li intom titkellmu hazin fuqu, meta intom twaqqghu ghac-cajt il-Kelma Qaddisa Tieghi li giet moghtija lill-profeta t'Alla.  Hija l-Kelma t'Alla, li qed tigi moghtija

biex thejjikom ghat-taqbida ma' l-antikrist, li intom qed tirrifjutaw.  Meta taghmlu hekk, intom teqirdu l-erwieh.  Intom ittelfu lil dawn l-erwieh milli jidhlu fis-Sema l-Gdida Tieghi.

Dawk li jitkellmu fil-hazin fuq il-Messaggi Tieghi, ma jistghux jiggustifikaw l-istmerrija taghhom, ir-rabja jew il-logika taghhom, ghax huma mimlijin bl-izbalji, li gejjin mid-dnub tal-kburija**.  Daqt ikun difficli hafna biex tingharaf il-Verita' mill-gideb li sa jigu mill-organizzazzjoni dinjija, li tkun tirrapprezenta ir-religjon il-gdida dinjija pagana.**

Jekk intom ma tisimghux minni issa, intom se tigu sfidati li taċċettaw din ir-religjon ħażina minflok. Din ser tkun imlibbsa tleqq u tad-deheb minn fuq barra. Din se timpressjona anke l-aktar devoti fostkom u se ddawwar il-fedeltà tagħkom ʻl hemm Minni u se tiġi ammirata minn kulħadd. Din hija r-reliġjon li se tikkonverti l-atejisti ghal twemmin f`gidba kbira. Ebda paċi mhu se tigi għal dawk li jsegwu din l-istmerrija pagana. Biża' u mibeghda għal xulxin se jkunu kullimkien, fejn l-ahwa ser jiġġieldu kontra l-ahwa u fejn ir-razza umana se tkun maqsuma fi tnejn. Nofs se taċċetta l-verità mghawga ta' din ir-reliġjon dinija ġdida, li se tkun tinkludi hafna knejjes, ħafna reliġjonijiet, kif ukoll parti kbira tal-Knisja Kattolika. In-nofs l-ieħor se jikkonsisti minn dawk li verament ihobbuni u li ser jibqgħu fidili lejn l-Verità.

Jekk intom ma taċċettawx il-Verità li tinsab fil-Bibbja Qaddisa - intom se tkunu qed tgħixu gidba. Mhu ser jibqalkom l-ebda mħabba f'ruhkom Għalija jekk intom taċċettaw il-gideb li se tiġu mitmugħin.

**U filwaqt li l-Kelmti tista` tidher bhala ereżija llum, kif kienet matul iz-żminijiet Tiegħi meta kont fid-dinja, ħafna minnkom ser jibilghu dawn il-Messaġġi meta intom tkunu bil-guh ghal-Verita , meta l-antichrist jikontrolla n-nazzjonijiet tagħkom**. Intom se titkaxkru ghal zaqqkom u tghajjtu Għalija. Intom, li dghajtu kontrija, tkunu tridu taqtgħu ilsienkom barra, għax intom tindunaw wara kif il-kliem tagħkom insultani.Jien nistenna bil-pacenzja din il-ġurnata, imma jekk intom twaqqfuni u ma thallunix nilħaq lill-erwieħ, Jiena nqaccatkom. Jekk tkomplu tidghu kontrija, billi tiddikjaraw li l-Messaġġi Tiegħi huma il-ħidma tax-xitan, intom qatt mhu se tkunu mahfura. Għax dan huwa l-akbar dnub kontra Alla.

**Ftakru li Jien nigi għand ulied Alla ghall-ahhar darba sabiex naghlaq il-Patt ta`Missieri.** Ir-rieda Tiegħu, issa tista' ssehh fid-dinja hekk kif ukoll fis-Sema. Ebda wieħed minn fostkom ma jista' jwaqqaf dan milli jseħħ. L-ebda wieħed minn fostkom , għalkemm xi wħud minnkom joghboduni, ma jista' jwaqqaf it-Tieni Migja Tieni. Dawk li jghajjtu bir-rabja ghall-Kelma Tiegħi u jibqghu jghidu li din ġejja minn Satana, ghad imorru mal-bhima għall-eternita.

Ġesù Taghkom

## [Dawn il-messaġġi se jkunu l-aħħar mogħtija lilkom qabel il-Jum il-Kbir meta nigi biex niggudika]

Is-Sibt, 25 ta` Mejju, 2013@ 9.49pm

Ghaziza mahbuba binti, l-uġigħ tal-profeti li ġew qablek qatt ma gie verament magħruf. Iżda t-tagħbija tagħhom kienet tqila. B'differenza mill-viżjunarji, huma ħadmu wehidhom u ġew miċħuda kull forma ta' aċċettazzjoni.

**Il-profeti kienu mibghuda minħabba li huma bassru f`Isem Alla u għaliex huma gharrfu t-traġedji futuri, li kellhom jigru lill-umanità minħabba t-tebgħa tad-dnub**. Huma ghexu ħajja solitarja u mbezża' u waqghu ħafna drabi minħabba l-ebbusija tal-missjoni tagħhom. Huma sabuha diffiċli biex jifhmu l-profeziji u ħafna minnhom ma kinux jafu it-tifsira tal-kliem, li kienu gew ddettati lilhom. Ħafna kellhom dubju jekk huma stess kinux profeti, iżda mill-frott tal-missjoni tagħhom, meta dawn setgħu jaraw t-tixrid tal-Kelma t'Alla u kemm saru konverzjonijiet, huma fehmu.

Ħafna mill-profeti t`Alla kienu mmaqdra, mwaqqa ghac-cajt u meqjusa bhala eretici. Ħafna kienu mitfugħa fid-deżert u ittormentati, kollha minħabba li dawn kienu messaġġiera mibgħuta minn Alla.

**Il-Profeti huma mibgħuta fid-dinja, biss minħabba l-imħabba ta 'Alla, biex ihejji lil uliedu għal dak li jkun sa jigri, li se jkollu impatt fuq s-salvazzjoni ta' ruhhom**. Il-Profeti ngħataw missjonijiet differenti. F'xi każijiet, dawn intbagħtu biex iwissu lill-umanità bil-periklu li hemm jekk ma jobdux lill-Missier. Oħrajn kienu mibgħuta biex iwissu dwar il-konsegwenzi, li kienu se jaqghu fuq il-bnedmin, jekk huma jaqgħu fid-dnub il-kbir. F'każijiet oħra, kienu jwissu lill-umanità b' dawk li kienu ser igibulhom persekuzzjoni u li kienu ser jaghmlu minn kollox biex il-Kelma t'Alla ma ssostnix lil Uliedu. U mbagħad kien hemm Gwanni l-Battista, mibgħut biex ihejji lil ulied t`Alla għall-wasla tal-Messija, l-uniku Iben t'Alla, mibgħut biex jifdihom f'għajnejn Alla. Iżda, dawn ma semghux minnu . L-izghar fost il-Lhud semgħu u aċċettaw Lili, Ġesù Kristu, Bin il-Bniedem, iżda l-izjed qaddis u l-izjed qaddejja anzjani, fi ħdan il-knisja ta' dak iż-żmien, irrifjutaw li jaċċettaw il-Verità.

**U issa inti, binti, ġejt mibgħuta biex tħejji t-triq għat-Tieni Migja Tieghi sabiex inkun nista' nġib is-salvazzjoni lid-dinja u sabiex s-Sema l-Gdida Tieghi tkun tista' ssehh**. Dan kien mbassar, iżda huma sejrin jisimgħu? Sfortunatament, le. Huma jirrifjutaw li jemmnu li

huwa possibbli, li Missieri jibgħat fid-dinja, fi zmienhom, il-profeta finali Tiegħu. Meta jagħmlu dan, huma jiċħdu l-Evanġelju Qaddis t'Alla. Huma jemmnu li t-Tieni Migja Tieghi mhux se sseħħ hlief il-boghod fil-futur. Dan l-iżball mhux gej mill-għarfien tagħhom tal-Iskrittura Mqaddsa, iżda minħabba r-ragunament uman difettuż tagħhom, li permezz tiegħu l-ebda parti tal-weghda Tiegħi li nigi mill-ġdid, ma jista' jiftiehem.

Il-Wirt Glorjuz tal-futur tagħkom, li qed jistenniekom, huwa tagħkom. Huwa għal kull wieħed minnkom, ma jimpurtax kemm huma msewda jew puri l-erwieħ tagħkom, iżda intom ghandkom thejju u tkunu ghassa, għax kull xitan mill-infern qed iterraq fl-art f'dan il-mument, u permezz ta' l-oħrajn qed jipprova jwaqqafkom. Satana ma jridx li Missieri jġib lil uliedu d-Dar fil-Wirt gust tagħhom. Huwa se jferrex il-gideb, joħloq konfużjoni, u jaljenakom. Il-modi hziena u qarrieqa tiegħu se jkunu sottili u hu se jaħdem permezz ta`erwieħ oħra, li jhallu lilhom infushom jiġu miftuħa għat-tentazzjoni tieghu.

In-nies, għalhekk, mhux se jemmnu li Alla issa baghat profeta ieħor fid-dinja b'dan il-mod. Huma jghidu li m’hemmx bzonnu. Huma se jigu mqarrqa u jemmnu, minflok, fil-profeti foloz u minhabba li hemm tant minnhom - ilpup libsin ta’nagħaġ - dawn ser jingibdu lejn dawk li jgħidu dak li huma jridu jisimghu. Stejjer ivvintati. Mohbija b`mod ghaqli fi kliem qaddis, li se jaħbi gideb kbir, li jhammeg il-Kelma Qaddisa Tieghi.

**Inti, binti, se tkun l-unika waħda li se titkellem bil-Kelma t'Alla Veru f'dan iż-żmien, għad-dinja kollha biex tisma**. Hemm ukoll profeti oħra t'Alla, imma il-Missjonijiet tagħhom huma differenti. Inti ser tiġi mitluba li tgħid il-Verità, iżda l-Verità se tahsad, hekk kif ukoll ser issalva l-erwieħ.

Dawk fostkom li jghajtu li jafuni, ma taħsbux li Missieri se jibgħat profeta ahhari, biex ihejjikom, permezz tal-Qawwa tal-Ispirtu s-Santu, qabel It-Tieni Migja Tieghi? Intom ma tafuhx Lilu? Tafu kemm hi kbira l-imhabba Tiegħu ? Tafu l-limitu tal-Kompassjoni kbira Tiegħu? Jekk tafu, allura intom se tisimghu dawn il-Messaggi mis-Sema. Dawn il-messaġġi se jkunu l-aħħar mogħtija lilkom qabel il-Jum il-Kbir meta nigi biex niggudika

**Dawk li jgħixu ħajjithom skond il-Kelma ta 'Alla u li ma jafux b’dawn il-messaġġi m`għandhom xejn x`jibżghu**. Dawk li jaċċettaw dawn il-Messaġġi u t-twissijiet biex ma taċċettawx xi duttrini ohra għajr dawk moghtija lid-dinja Minni, Ġesù Kristu, ma għandhom xejn x`jibżghu, għax tagħkom se tkun s-saltna tas-Sema l-Gdida Tieghi.

Dawk li se jirrifjutaw l-id tal-Ħniena Tiegħi, li jiggerrew ‘l bogħod Minni u li jeqirdu ruhhom billi jonoraw lil Satana u l-wegħdiet kollha vojta tiegħu, minflok lil Alla tagħhom u l-Ħallieq, ser jiġu miċħuda l-ħajja eterna, sakemm ma jittallbux għall-Hniena Tiegħi.

**Hemm zmien il-quddiem biex iġgeddu l-ħajja tagħkom**. Huwa sempliċi ħafna. **Ejjew Ghandi u Jien nipproteġikom.** Dawn il-profeziji ghandhom x’jaqsmu mal-futur u se jsehhu. Iċħduhom bħala bluha u ghad tibku l-jum li tajtu daharkom lill-Verità mwegħda lilkom bħala l-ulied għeżież t’Alla.

Ġesù Taghkom.

## Jiena, l-Omm t'Alla, se neqred il-qawwa tal-ħażen, fil-qlub ta dawk li jsejħuli

IL-Ħadd 26 ta` Mejju , 2013 @ 2.10pm

Binti, int qatt ma ghandek tisma' minn dawk li jippruvaw iwaqqfuk f'din il-Missjoni Qaddisa. Huwa mportanti li inti tibqa f'rabta shiha ma` Ibni l-Għażiż u kun ghaf li dawk l-ilhna, li jidgħu kontra Ibni, ser ikomplu jimmultiplikaw. Il-mibegħda, li hierga minn ħalqhom, mhiex kontra tiegħek, imma kontra l-Kelma Qaddisa t'Ibni. Issa, inti taf kemm ghandu għedewwa Ibni fid-dinja. **Dawk li jweġġgħuh l-aktar huma dawk li jgħidu li jhobbuh, izda li bhalissa qed jirrifjutawH, hekk kif huwa jitkellem permezz tal-profeti magħżula t'Alla.**

**Dawk li jinqdew bija, l-Omm Qaddisa u Immakulata t'Alla, biex jinħbew warajja, filwaqt li jwerzqu l-oxxenitajiet, jgibuli dmugħ ta' niket kbir**. Tant ghandhom qalbhom iebsa u tant huma mimlijin bir-rabja, li l-mibegħda tagħhom ghal dawn il-messaġġi tahsad lil ħafna. Dawk li jahsbu li qed jiddefendu l-Kelma t'Alla, u jiċħdu lil dawk li jigu f`Ismu, m'ghandhom qatt jghadduha lixxa lil dawk li juru mibegħda jew jimalafamaw oħrajn f'Ismu. Meta jiġri dan u meta dawk li jsostnu li huma profeti jagħmlu dan, kunu ghafu li dawn l-attakki hodor ma jkunux ġejjin minn Alla, ghax dan mhux possibbli.

Jiena, l-Omm t'Alla, se neqred il-qawwa tal-ħażen, fil-qlub ta dawk li jsejħuli. Jekk ma jsejhulix, Jien ma nistax ngħinhom. Jiena, bħala l-ko-redemptrici, qatt ma nista` niċħad il-Verità, li Ibni jixtieq jiżvela lid-dinja. Id-dmir Tiegħi huwa lejn Ibni. Jien qatt mhu se ngħidilkom biex tirrifjutaw jew tikkundannaw il-hazen mbagħad nqarraq bikom u nghidilkom li Jiena l-Omm t'Alla.

**Dawk li jghidu li jonorawni permezz tar-Ruzarju l-aktar Qaddis tiegħi u mbagħad jgħidu affarijiet hziena dwar Ibni, billi jiddikjaraw li l-Messaġġi Tiegħu huma gideb, jinsultaw lil Ibni u ma jonorawx lili.** Ir-Rużarju Qaddis tiegħi, meta jinghad bil-mod u mill-qalb, jiftaħ il-qlub tagħkom ghall-Verità ta' din il-Missjoni. Intom qatt ma għandkom taqtghu qalbkom mit-tama, anke jekk intom m'intomx mogħtija d-Don tad-dixxerniment. Dan se jinghatalkom, jekk titolbuni biex nikonsagralkom ruħkom fil-kura t' Ibni. Jekk dan isir bi spirtu sempliċi u ta umilta', Ibni se jpattilkom bid-Don ta' l-Ispirtu s-Santu.

Uliedi, intom qatt ma ghandkom tinsultaw il-profeti t`Ibni, anke jekk intom ma temmnuhomx. Intom ghandkom tibqgħu siekta u titolbu għalihom. Jekk intom tirrifjutaw il-

profeti t`Ibni, Hu mhux se jehodha kontrikom. Iżda, jekk intom tiddikjaraw li l-Kelma Qaddisa Tiegħu, li giet mogħtija lill-profeti veri, li din gejja mill-hazen, intom se ssofru bil-kbir.

Ibqghu kalmi, uliedi, u poggu l-fiduċja tagħkom kollha f`Ibni. Erhu lilkom infuskom fil-Ħniena Tiegħu u Hu jmexxikom u jkollkom il-paċi. Morru għeżież uliedi, certi fl-għarfien li Ibni jhobbkom. **Huwa jahfer l-erwieħ kollha, tad-dnubiet kollha, bl-eċċezzjoni tad-dnub li jibqa' ghal dejjem – Id-dagħa bl-Ispirtu s-Santu**.

L-Għażiża Ommkom
L-Omm tas-Salvazzjoni.

## Alla l-Missier -Wegħidt id-dinja l-Ktieb tal-Verità u jien qatt ma se mmur lura fuq il-Kelma Mqaddsa Tieghi

Il-Ħadd 26 ta` Mejju , 2013

Ghezez Binti, L-għeżież uliedi huma f`konfuzjoni f'dan iż-żmien. Nixtieq ngħidilhom, u speċjalment dawk li jiddubitaw dawn il-Messaġġi Divini,moghtija lilek ghax inhobbhom, li huma m'għandhomx jibżgħu.

Il-Biża toħloq dubju. Dubju joħloq konfużjoni. Konfużjoni tista` twassal għal tħassib u, eventwalment, intom tkun ghamejtu għall-Verità. Il-Verità qatt m`hi se tkun faċli li taċċetta`, għax il-Verità tiżvela t-tajjeb u l-ħażin. Ħadd ma jkun irid jisma l-ħażin u minflok li jaċċettaw id-direzzjoni mogħtija lill-dinja permezz tax-xewqat tieghi, l-umanità se tileb ( verb libet) fil-biża.

Nibgħat il-profeti tiegħi biex infakkarkom f`Imhabba infinita għal kull wieħed mill-ulied prezzjużi tiegħi.Jien ukoll nibgħathom biex inwissikom bl-ostakli, li se jitpoġġew quddiemkom mill-hazin biex johdukom il-bogħod minni. Meta niżvela dawn l-affarijiet, mhux biex ninkwetakom, imma biex insalvakom u biex inżommkom il-boghod mid deni.

Il-Verità mogħtija lilkom fil-Ktieb Imqaddes tieghi, il-Bibbja, huwa hemm għalikom biex taraw. Toħduhiex u toħolqu verżjoni tagħkom, għax mhijiex ix-xewqa tieghi li tghawwgu l-Verità. Wegħidt id-dinja l-Ktieb tal-Verità u jien qatt ma se mmur lura fuq il-Kelma Mqaddsa Tieghi. Dan se nagħtihulkom issa, sabiex nista` niġbok l-Uliedi mill-erba` kantunieri tal-Dinja. L-Għedewwa tiegħi se tipprovaw jwaqqfu t-tixrid tal-kontenut fil-Ktieb tal-Verità. Tħallihomx jtellfuk, ghax meta dan isehh erwieħ se jintilfu għalija.

Kun grat li jien, l-għażiż Missier tagħkom, nagħtikom dan id-Don kbir, ghax ser ikollokom bżonn id-direzzjoni tieghi, speċjalment issa, hekk kif l-antikrist issa se jiġi ppreżentat għad-dinja biex tara. Intom , permezz tal-Ktieb tal-Verità, jurukom kif tipproteġu l-erwieħ tagħkom mill-kontaminazzjoni huwa ppjana li jikkaġuna fuq id-dinja. Kull protezzjoni qed tingħata lilkom biex tgħin isalvaw, mhux biss l-erwieħ tagħkom stess, iżda l-erwieħ ta' biljuni.

L-Armata tal-fdal se tingħataw l-akbar setgħa biex tegħleb l-bhima. Din se tkun

b'saħħitha biżżejjed biex tagħmel dan, b`hekk qatt tħossukom qalbkom maqtugha meta l-għedewwa tiegħi jipprovaw jipprevjenukom  milli timultiplikaw madwar in-nazzjonijiet kollha. Il-qawwa taghhom  se tiġi annullata u dawk li huma dgħajfa u jaċċettaw il-gideb, li se jiġu ppreżentati lilhom dalwaqt, fl-isem ta' Ibni, se jintilfuli. Huwa biss permezz ta` l-imħabba tagħkom ghalija  u ghal Ibni l-għażiż tiegħi, Ġesù Kristu, u mill-Qawwa tal-Ispirtu s-Santu jistghu Uliedi kollha jiġu  salvati

Jien se nipproteġikom  u niddefendikom il-ħin kollu. Ghollu l-erwieħ tagħkom lejja biex permezz tal-lealtà tagħkom  lejn Ibni  u intom  se jingħatlkom l-aktar Don Glorjuz tas-sema l-gdida tieghi.

Thallu l-ebda wieħed iwaqqafkom  milli titlobu  l-Wirt legittimu  tagħkom. Thallu l-ebda wieħed iwaqqafkom  milli tiġġieldu għall-erwieħ ta` Uliedi kollha, ghax intkom qed tinghataw l-grazzji meħtieġa biex issalvaw anki  l-erwieħ ta 'dawk li joffenduni l-aktar.Nhobbhom Uliedi,Nistenna r-risposta tagħkom għal din is-Sejħa mis-Sema.

Għażiż Missier Taghkom

## Hekk kif Lehni jidwi ma kullimkien, se jigbed miljuni Lejja fl-istadju li jmiss, u mbagħad biljuni fl-istadji finali

It-tlieta 28 ta` Mejju, 2013 @ 8.30pm

Ghaziza mahbuba binti, bhalissa qed inħejji kull parti tad-dinja, għat-Tieni Migja Tieghi. Jien se niknes kull nazzjon  – l-ebda wiehed mhu ser ikun eskluż – ghal go dirghajja tal-Ħniena, sabiex b`hekk inkun nista' nġibhom fis-Saltna Tieghi.

**Il-Pjan Tiegħi huwa dettaljat ħafna u, madankollu, huwa sempliċi. Hekk kif Lehni jidwi ma kullimkien, se jigbed miljuni Lejja fl-istadju li jmiss, u mbagħad biljuni fl-istadji finali.**  Ser ikunu hafna aktar li jismghu l-Verità issa, iżda dawn mhux se jaċċettawha, sakemm dak li ghidtilkom isehh. Il-Missjoni Tiegħi se tinfirex malajr u mbagħad meta kulħadd ikun jaf li huwa Jien, Ġesù Kristu, li qed jagħmel din is-Sejħa mis-Sema, dawn se jingħaqdu Mieghi.  Ser iwiegbu ghall-Missjoni Tiegħi, anki dawk li jirrinunzjaw dawn il-messaġġi.

Intom, is-segwaċi Tiegħi, tistghu taqtghu qalbkom minħabba l-abbuż, li intom se jkollkom issofru minħabba Fija, iżda dan mhux se jkun fit-tul. L-Imħabba Tiegħi għal ulied Alla hija tant kbira, li tista' tiġi mqabbla ma' dik ta' ġenitur, li għandu numru ta' tfal.  Xi tfal jonoraw lil ommhom u lil missierhom u jwieġbu għall-imħabba murija lilhom.  Tfal oħra se jimbuttaw lilll-ġenituri tagħhom 'l bogħod, jittrattaw lil ħuthom ħażin, qabel ma finalment jiksru kull rabta maghhom.  Minħabba r-rabtiet tad-demm u l-imħabba, kull sforz se jsir, mhux biss mill-ġenituri, iżda mill-aħwa, biex jiġbdu lil dawk it-tfal mitlufa lura fi hdan il-familja tagħhom.  U meta dan iseħħ, id-dnubiet kollha, r-rabja u c-ċaħda, se jigu minsija.

Segwaċi Tiegħi, filwaqt li ser ikollkom tiffaċċjaw ir-rabja ta` l-oħrajn, ghandkom tibqghu kalmi u pacenzjuzi. Il-Perseveranza tagħkom se tiġi ttestjata u xi wħud minnkom se jaqgħu.  Meta jigri hekk, ser isir minn kollox, mis-segwaċi lejali Tiegħi, halli jgibukom lura, sabiex intom tkunu tistghu twieġbu għas-Sejħa Tiegħi.

L-Għażiż Gesu' Tagħkom.

## Alla l-Missier: Se nikkastiga kull nazzjon skond in-numru ta' innocenti li jkunu qatlu.

L-Erbgħa 29 ta` Mejju, 2013 @ 10.50pm

Għeżiża binti, Jiena l-Bidu u t-Tmiem. Jiena l-Ħallieq ta' dak kollu li hu u li ghad irid ikun. Jiena s-Sid tal-ħajja u l-mewt. Ħadd m' għandu l-awtorità li jindahal fil-ħajja jew il-mewt, ghax Jien biss, il-Missier Taghkom li jista Kollox, nista' nintervjeni f`kwalunkwe wiehed.

Meta l-bniedem jibda jahseb li huwa qieghed tajjeb, jekk mhux aktar qawwi Minni, hu jipprova jimitani. Meta l-bniedem irid jieħu kontroll fuq il-Ħolqien Tieghi, qed jiġi ittantat minn Satana biex jidneb. Meta d-dnub tal-kburija jinfetta lir-ruħ sa tali punt, li l-bniedem jisfidani billi jeqred il-ħajja fid-Dinja.

Għaliex il-bniedem irid jagħmel dan? Huwa jrid jikseb is-setgħa fuq dak li ġie mogħti liberament Minni, meta jieħu l-ħajja ta' tarbija fil-ġuf. Meta hu jrid jikkontrolla il-popolazzjoni, hu jeqred il-ħajja qabel it-twelid u joqtol lil dawk li hu jħoss li m'għadx għandhom bzonn il-ħajja.

Hemm pjan, binti, minn grupp li jridu jeqirdu t-tkabbir tal-popolazzjoni tad-dinja. Dan isehh permezz tal-ħażen kbir li qed isir permezz ta` l-abort. Iż-żieda fl-abort u l-introduzzjoni mgħaġġla tieghu madwar id-dinja mhix kumbinazzjoni. Qed jiġi mifrux f' kull nazzjon. Dawk in-nazzjonijiet li joġġezzjonaw għall-abort se jiġu mbuttata fil-ġenb mill-bhima bl-għaxart iqrun u sfurzati biex jintroduċu din l-istmerrija.

B'Idejja stess, se nitfa' kastig gravi fuq dawk in-nazzjonijiet li jkunu dahhlu abort. Se taraw dan jiġri hekk kif dawn il-liġijiet jigu ntrodotti u mill-kastig li Jien se ngibilhom. Intom se tkunu tafu li hija Idi, li nizlet fuq dan il-ħażen. Dawk minnkom li jaħsbu li għandkom id-dritt li jieħdu l-ħajja, kunu ghafu li dan id-dritt ma jeżistix. Ħudu ħajja u ma jkollkom l-ebda ħajja. M'hemmx Ħajja Eterna ghalikom, jekk intom tkunu komplici fi kwalunkwe mossa, li ġġib liġijiet hziena bħal dawn fis-sehh. L-istess kastig se jaqa' fuq dawk minnkom li jaslu biex jiġġustifikaw l-ewtanasja.

Il-Ħniena Tiegħi hija kbira u Jien se nahfer lil dawk li ma jifhmux id-differenza bejn it-tajjeb u l-ħażin. Imma meta intom tafu u minn rajkom tieħdu sehem fil-pjan globali u teqirdu l-ħajja, bħala parti minn grupp sataniku, intom ikkundannati. Il-futur tagħkom ġie ssiġillat mal-wegħda li tkunu għamiltu lill-bhima, u dalwaqt, bl-allejanza tagħkom ma` l-antikrist.

Meta tieħdu l-ħajja tal-innoċenti u ggibu b'forza dawn il-liġijiet fis-seħħ, intom tisfidaw fil-berah, wieħed mill-Kmandamenti l-aktar importanti Tiegħi - La toqtolx. Meta intom tippjanaw dan il-ġenoċidju kbir fuq firxa globali, intom qed twettqu l-ħidma tax-xitan u għal dan, Jiena se neqridkom.

L-ewwel se naghtikom twissijiet, u mbagħad, jekk dawn il-liġijiet hziena ma jigux imwaqqfa, ma thalluli l-ebda għażla. Id-Dinja se tithezzez b' tant sahha, li hi ser tiblaghkom. Jien se nikkastiga kull nazzjon skond in-numru ta' innocenti li jkunu qatlu. Jekk Jien ma nintervjenix, dalwaqt in-nazzjonijiet tagħkom se jigu mahtufa mill-bhima u l-ebda wiehed ma jibqa. Irridkom tkunu tafu li d-dnub infesta lid-Dinja sa tali punt, li baqa` biss tpetpita ta` Dawl. Dak id-Dawl huwa d-Dawl t'Alla u huwa preżenti f`Ibni u l-Gisem Mistiku Tiegħu. Id-Dnubiet tagħkom ikomplu jifflagellawh u dan se jkompli jizdied sa ma l-Knisja Tiegħu tigi msallba. Meta jiġri dan, ser jaqa' d-dlam u mbagħad jasal it-tmiem.

Ir-Rabja Tieghi laħqet il-limitu tagħHa. It-Talb tagħkom se jgħin biex itaffi xi ftit mill-kastigi, li Jien se ngib fuq din id-dinja ngrata u fuq dawn il-midinbin hziena, imma mhux kollha, għax dawn il-kastigi jkollhom isehhu, biex inkun nista' nwaqqaf dawn il-pjanijiet milli jeqirdukom. Jekk ma nipprovax nwaqqaf it-tixrid ta' dawn l-istmerrijiet, ma jkun hemm l-ebda rimors. Ebda mistħija. L-ebda għarfien tal-fatt li Jien, Alla l-Aktar Għoli, noħloq il-ħajja u neħodha skond ir-Rieda Tieghi. Ħadd ma għandu s-setgha li jagħmel bhali.

Jiena wrejt irabja Tieghi lil uliedi matul iz-zminijiet, iżda s'issa, intom irrezistejtu l-kastigi, li issa se ngib fuq dawk li huma ħatja ta' l-introduzzjoni tal-att ta' l-abort.

Il-Missier Taghkom

Alla L-Aktar Għoli

**Alla ma jiftaharx bih innifsu.  Alla mhuwiex imkabbar.  Alla huwa ġentili u jhobb, izda sod fl-istruzzjonijiet Tiegħu għall-umanità**

Il-Ġimgha 31 ta` Mejju, 2013 @ 4.40pm

Ghaziza mahbuba binti, **il-mod li bih Jien nuri lili nnifsi lill-ulied t'Alla fuq din id-Dinja huwa permezz ta` sors wieħed biss, li huwa l-Ispirtu s-Santu**.  Ma nistax nagħmel lili nnifsi magħruf lilhom permezz ta' l-ebda mod ieħor.

**Mingħajr il-preżenza tal-Ispirtu s-Santu, Lehni ma jistax jinstema'**.  Ghalhekk meta l-Ispirtu s-Santu jinżel fuq ruħ magħżula, Lehni jkun jista' jsir magħruf.  Iżda kunu ghafu.  L-Ispirtu s-Santu jista` joqoghod biss f`erwieħ li jisimgħu u sempliċiment jikkomunikaw dak li jkun gie mogħti lilhom.

L-Ispirtu s-Santu jista jispira nies biex ixerrdu l-Kelma t'Alla, imma dawn l-erwieħ ma jistgħux jitbeghdu minn din.  Kull min jikteb, jikkomunika, jitkellem u jgħid li huwa jirrappreżenta l-Kelma t'Alla, mogħtija lilu bill-Qawwa tal-Ispirtu s-Santu, ma ghandu qatt jagħti l-interpretazzjoni tiegħu tal-Kelma Qaddisa Tiegħi.

**Kull min ixandar il-Kelma t'Alla u jkun ġie awtorizzat mill-Ispirtu s-Santu, qatt mhu se jiftaħar b'dan il-fatt.  Huma qatt mhu se jikkundannaw lil xi hadd ieħor f'Ismi, jitkellmu ħażin fuq l-oħrajn jew jimalafamawhom.  Meta taraw dan jiġri intom tkunu tafu li l-Ispirtu s-Santu ma jkunx preżenti.**

Hafna profeti foloz jghollu lehinhom, jiftahru bil-fatt li huma jkunu gew moghtija d-Don ta' l-Ispirtu s-Santu, iżda din hija gidba.  Aghrfu l-giddieb meta jgħid li huwa nfurmat tajjeb, għandu taghlim kbir fit-teoloġija - u għalhekk jaf aktar dwari mill-oħrajn u mbagħad jallega li ġie mogħti l-awtorità li jikkundanna lill-oħrajn, li jgħidu li jitkellmu f`Ismi.  Din l-arroganza qatt ma tista' tkun gejja minn Alla.

Alla ma jiftaharx biH innifsu.  Alla mhuwiex imkabbar.  Alla huwa ġentili u jhobb, izda sod fl-istruzzjonijiet Tiegħu għall-umanità.  Hu qatt ma jista' jagħti permess lil xi profeta ġenwin, dixxiplu veru jew qaddej qaddis biex iweġġa jew jinsulta lil xi ieħor f`Ismi.

Oqoghdu attenti mill-profeti foloz li ma jkollhomx id-Don ta' l-Ispirtu s-Santu, għax dawn itellfulkom it-triq. Huma jehdukom fid-direzzjoni opposta tat-triq li Jien ghazilt għal kull wiehed minnkom.

Ġesù Taghkom

- Jiena nkun prezenti fl-Ewkaristija Qaddisa permezz tal-Att tat-Transubstanzjazzjoni.

- Il-Hadd, 2 ta' Gunju 2013 @ 10.15pm

- Ghaziza mahbuba binti, rrid infakkar lill-ulied kollha t'Alla fil-Verita' tal-weghda Tieghi li naghti r-Rigal ta' l-Ewkaristija Qaddisa, lill-umanita'.

- Irrid infakkarkom fil-Qawwa ta' l-Ewkaristija l-Izjed Qaddisa u fil-fatt li Huwa Jiena, l-Ghaziz Gesu' taghkom, li Hu verament Prezenti. Jiena tajt Gismi biex insalvakom minn dannazzjoni eterna. Tajtkom Gismi biex b'hekk inkun nista' nibqa' gewwa ruhkom.
- Jiena nkun Prezenti fl-Ewkaristija l-Izjed Qaddisa permezz tal-Att tat-Transubstanzjazzjoni. Jiena spjegajt dan b'mod car lill-Appostli Tieghi waqt l-Ahhar Cena. Ghalhekk, ghaliex tant minnkom ma jaccettawx dan ir-Rigal moghti lilkom li ghaliH thallas prezz hekk kbir. Dan huwa r-rigal Tieghi ghalikom. Il-Gisem u d-Demm Tieghi jsahhu lil ruhkom. **Il-Prezenza Divina Tieghi ssostni lil ruhkom u taghti lil dawk kollha li jaccettaw l-Ewkarisitija Qaddisa Tieghi, Grazzji specjali, li jressqukom eqreb Lejja.**

- **Meta zzommuli kumpannija waqt l-Adorazzjoni Ewkaristika, Jiena nferrex fuqkom l-akbar Rigali.** Dalwaqt intom ser issibuha difficli li titilquni u Jiena nsir eqreb lejkom. Qalbkom tintrabat ma' dik Qaddisa Tieghi.

- **Qatt m'ghandkom tinsew il-Qawwa ta' l-Ewkaristija Qaddisa Tieghi, ghax fiha jinsab id-Dawl tal-Prezenza Tieghi fid-dinja.** Minghajr il-Prezenza Vera Tieghi fl-Ewkaristija Qaddisa, intom tkunu mitlufin u ma tkunux tistghu tibqghu fi stat ta' Grazzja.

- Meta intom tkunu mċaħħda mill-Gisem Tiegħi, intom se tibdew tħossukom vojta. Intom tkunu maqtugha Minni u filwaqt li intom tistghu xorta thobbuni, intom ser issibuha bi tqila biex tibqgħu marbutin Mieghi.

- Ġesù Taghkom

- 
- 
- 
- 
- 
- Il-Prattiċi pagani tagħkom se jwasslukom ghall-infern
- 
- It-Tnejn 3 ta` Ġunju, 2013 @ 9.50pm
- 
- Ghaziza mahbuba binti, s-swat li Jiena nsofri f'dan iż-żmien m'huwiex biss minħabba it-tradiment Tieghi li ghad irid isehh fi hdan il-Knisja Tieghi, iżda għandu x`taqsam ma' l-idoli foloz pagani li jehduli posti fid-dinja tal-lum.
- 
- Il-Paganismu qed jikber malajr ħafna u huwa mħaddan bħala kultura popolari ġdida, alternattiva għat-twemmin f'Alla l-Wiehed Veru. Dan jieħu ħafna suriet. L-aqwa, li dan se jiġi ppreżentat bħala gost li ma jagħmilx ħsara għal dawk li jbaghbsu mal-prattici New Age u li jkun parti mportanti ta' l-iżvilupp personali - forma ta' umaniżmu u imħabba tieghek innifsek.
- 
- Dan il-paganizmu globali kien mbassar għall-aħħar żminijiet u ħafna nies ma jistgħux jarawh, għal dak li hu. Huwa l-imħabba ghalik innifsek u ta`allat foloz, li hafna jpoggu l-fidi tagħhom fihom, għal dawk l-hekk imsejħa benefiċċji maġici li huma jemmnu li dawn jistghu joffru.
- 
- Ħafna, li jfittxu modi ohra, sabiex jimlew il-vojt f'ruhhom, jaghmlu dan permezz tal-incensar ta' statwi tal-Buddha, li jsiru c-ċentru tal-ħajja tagħhom, d-djar tagħhom u l-postijiet tax-xogħol. Huma jintilfu f`sens ta' kalma spiritwali meta jiprattikaw paganizmu New Age, bħal yoga, reikki u l-hekk imsejħa meditazzjoni. Ftit wara, huma jigu migbuda u jixxenqu aktar fil-fond u jibqgħu jemmnu fil-wegħdiet kollha foloz magħmula minn dawk li jipprattikaw din l-istmerrija. Għax dan huwa dak li hu - forma ta`okkult, li bih jghamew ħafna miljuni ta' erwieħ għall-Verità t'Alla.
- 
- Tkun xi tkun d-duttrina, New Age jew mod ieħor, jweghdukom farag spiritwali kbir u huma maħsuba biex jaghtuk s-setgħa għal ghanijiet egoisti, kunu ghafu li dan qatt ma jista' jiġi minn Alla. Kull duttrina li tghid li ghandkom tonoraw statwi bħal dawn, li m'humiex t'Alla, jew fejn intom tigu mitluba tiehdu sehem fi prattici fejn jidhol l-okkult, intom għandkom tevitawhom akkost ta' kollox. Ma tafux dawn x`jagħmlu lil ruhkom, moħħkom u ġismkom? Huma jeqirduhom.

- 
- Hafna erwieħ jigu nfestati minn dawn il-prattici, li jifthu l-bieb tar-ruħ u jippermettu lil Satana u x-xjaten tiegħu biex jahtfuk. Dawn – u titqarrqux, - huma prattiċi qawwija, li bihom jigbdu l-ispirti l-ħżiena. L-użu tal-qari tax-xorti, yoga, reikki u ċertu tipi ta' meditazzjonijiet, li jħaddnu prattici pagani, se jinfettawkom. Biz-zmien tistghu timirdu u tintlew bi qtigh il-qalb iswed, hekk kif l-ispirti tal-ħażen jidhlu f 'hajjitkom, u li zghir huwa c-cans li tahrab minnhom.

Dawn huma s-sinjali ta' l-influwenzi Satanici fid-dinja u ħafna xjaten jigu moħbija bħala anġli tad-dawl. Ghalhekk dawk minnkom li jsiru ossessjonati bil-karti angelici, u li jaċċettaw l-hekk imsejħa 'ascended masters', fi ħdan din il-kultura angelika, qed ihaddnu l-ispirtu tal-ħażen, li huwa ppreżentat bħala gost, li ma jagħmilx ħsara.

**Il-forma l-oħra ta' paganizmu tinsab fil-prattika ta' l-atejizmu. Dawk minnkom li huma kburin bl-atejizmu taghhom u li jista' jkun li qed jghixu hajja tajba, fejn huma gentili u jhobbu lill-oħrajn u jittrattaw lill-ġirien taghkom b'rispett, kunu ghafu li s-Saltna tal-Genna m'hiex ghalikom.** Jiena ma nista' qatt naċċettakom fis-Saltna Tieghi la darba tkunu hadtu l-aħħar nifs taghkom, avolja dan ser jaqsamli Qalbi. Jekk ma titolbunix biex naċċettakom qabel ma tmutu, Jien ma nistax nghinkom wara, għax Jiena ma nistax nindahal mar-rieda ħielsa taghkom. Kull min jghidilkom li l-ateizmu ma jimpurtax huwa giddieb. Il-Verità hija li dawk li Jaccettawni biss u li jaghrfu l'Alla jistghu jidħlu fis-Saltna Tieghi.

Hafna minnkom li jgħixu ħajja ta' tahwid, u jemmnu li kollox se jkun sew, ghad għandhom ħafna x'jitgħallmu. Dan huwa għaliex Missieri halla li ssehh it-Twissija, ghax mingħajrha ħafna erwieħ kienu se jinzlu dritt fin-nirien tal-infern.

Kunu grati li l-Verità qed tingħatalkom, ghax ftit wisq, mill-qaddejja l-maħtura Tiegħi qed jippridkaw il-perikli tal-ħajja midinba li intom qed tgħixu llum u bil-konsegwenzi terribbli, li dawn se jġibu.

Il-prattiċi pagani taghkom se jwasslukom għall-infern. L-atejizmu taghkom se jifridkom Minni. L-indiema biss tista' ssalvakom. Isimghu u accettaw il-Verità, għalkemm din tistghu ssibuha morra, u intom tigu moghtija r-Rigal tal-Hajja Eterna – ħajja, li intom imxennqa ghaliha bhalissa, iżda li qatt mhu se tkun taghkom, jekk tkompli taduraw allat foloz u Tirrifjutaw Lili, Ġesù Kristu. L-għażla hija taghkom, biss. Hadd aktar ma jista' jaghmel din l-ghazla, għax Alla takom ir-rieda libera li tagħżlu bejn it-tajjeb u l-ħażin u Hu qatt mhu se jehodilkom, anke meta taghzlu t-triq il-ħażina.

Ġesù Taghkom

## [It-Triq Tieghi hija semplici hafna. Intom tistghu timxu warajja kif tridu, biss intom ghandkom tonorawni fil-Knejjes Tieghi Nsara.]

It-Tlieta, 4 ta' Gunju, 2013 @ 11.30pm

Ghaziza mahbuba binti, hafna ser jitilghu tul il-Moghdija tal-Verita' b'emtuzjazmu, hekk kif gara tul it-triq lejn l-Gholja tal-Kalvarju.

Din hija triq li ghandha sfidi kbar, mimlija bit-tfixkil. Ghal hafna nies din ser tkun ta' ugigh, hekk kif isehh dak li kien imhabbar, flimkien mal-fatt li intom ser tigu mistmerra talli timxu warajja. Ohrajn ser jaghmlu minn kollox biex iwaqqfukom u jgibu kull argument biex jehdukom lura, halli intom titilquni. Ohrajn ser iwerzqu hwejjeg kiefra u jakkuzawkom li mhux talli m'intomx suldati ta' Kristu, izda ghodda f'idejn Satana.

Imbaghad, **ghalikom li intom sacerdoti u qaddejja, lilkom jordnawlkom biex titilquni f'din l-ahhar bicca sal-quccata. Din it-telgha hija s-simbolu tat-Triq tas-Salib**.

Dawk kollha li jimxu warajja, u jghinu biex jerga' jigi skopert mill-gdid it-Taghlim Tieghi – fejn in-nies jilbsu ghamad fuq ghajnejhom u ma jistghux jaghzlu bejn fatti u stejjer mahduma – dawn ser isofru mod iehor ta' kefrija. Dawn, l-gheziez segwaci Tieghi, ser jigu mwegga' b'akkuzi li huma jaghmlu parti minn kult. Dan l-insult ikun ifisser li huma jghixu fil-holm u mohhhom mhux f'postu.

It-Triq Tieghi hija semplici hafna. Intom tistghu timxu warajja kif tridu, biss intom ghandkom tonorawni fil-Knejjes Tieghi Nsara, kullimkien, ghax Jiena m'ghandix djar ohra fid-Dinja. Il-Kulti juzaw djar ohra barra mill-Knisja Tieghi. Meta ser jghidulkom biex titilqu mill-Knisja Tieghi, m'hu ser ikun xejn differenti minn zmien l-appostli Tieghi, meta Jiena kont fid-dinja, ghax lilhom l-istess ghamlulhom.

Taghtux kas it-tghajjir, it-twaqqigh ghac-cajt u lil dawk kollha li juzaw it-Taghlim Tieghi u li wara jghawguh biex jakkuzaw dawn il-Messaggi Tieghi moghtija lilkom illum.

**Ghollu raskom u imxu 'l quddiem bil-kunfidenza, ghax din it-taqbida ser iggib fix-xejn il-hazen u l-gideb, li hawwel il-qarrieqi, li jgibu dlam kbir fuq nies innocenti, li ma jistghux jaraw x'qed jigri.**

Dawk li jsibu li m'ghandhomx sahha jew qlubija biex ikomplu, nitlobkom biex ma tibzghux, ghax Jien ser naghtikom Grazzji specjali jekk tghidu din it-**Talba tal-Krucjat (108) Nitilghu l-Gholja tal-Kalvarju**

*Gesu' ghini biex ikolli l-kuragg, il-qlubija u s-sahha, li nqum u naghti sehmi, halli nkun nista' ninghaqad ma' l-Armata tal-Fdal Tieghek u nitla' l-istess Gholja tal-Kalvarju li tlajt Int ghal dnubieti.*

*Tini l-qawwa li ngorr is-Salib Tieghek u t-Toqol Tieghek, halli nghineK biex issalva l-erwieh.*

*Ehlisni mid-djufija tieghi.*

*Nehhi l-bizghat tieghi.*

*Ishaq id-dubji tieghi.*

*Iftahli ghajnejja ghal Verita'*

*Ghin lili u lil dawk kollha li jwiegbu ghal din is-Sejha biex igorru s-Salib Tieghek halli nimxu warajk b'qalb kbira u umli u halli bl-ezempju tieghi, ohrajn jaghmlu l-kuragg u jaghmlu bhali.  Ammen.*

Gesu' taghkom il-Mahbub

**Ftit huma dawk li jfittxu l-farag taghhom Fija. Jien nistenna bil-paċenzja u xorta wahda Huma ma jigux Ghandi**.

It-Tlieta 25 ta' Gunju, 2013 @ 20:45pm

Ghaziza mahbuba binti, id-Dmugħ Tiegħi jinzel illum, hekk kif il-mizerja tal-ħażen, li ġie manifestat f'qalb il-bniedem, zdiedet. **Tant saru iebsin li qalbhom tal-gebel ma fiha ebda spazju Ghalija, Ġesù Kristu, biex naghtihom il-paci minn gewwa**.

Issa Qalbi qed tfur bid-dwejjaq, għall-Insara li tbieghdu mill-Verità u minn dak kollu li Jien ghallimthom. Ftit huma dawk li jsibu l-farag taghhom Fja. Jien nistenna bil-paċenzja u xorta wahda Huma ma jigux Ghandi. Bnew hajt li jifridhom Minni u jparlaw bil-kliem biss dwar il-Wegħda Tiegħi li ghandi nerga' nigi. Kif insew dak li Jien għidt, dak li Għamilt biex salvajthom u dak li Ghidtilhom permezz tal-Ktieb ta' Missieri, biex jistennew iz-zmien, meta joqrob.

Imsejkna, msejkna wliedi. Ghandi bzonn inqajjem l-Imħabba Ghalija fi qlubhom, l-ewwel, jekk iridu li jirċievu l-farag u jonqsilhom l-uġigħ ta' dak li ghandhom jghaddu minnu f'din il-ħajja. **Ghandhom jifthu dirghajhom u Jsejhuli issa, f'dan iż-żmien, biex Jien inkun nista' naghmel il-bidla bla tbatija għalihom.**

M'Għandi l-ebda xewqa li ngib tbatija fuq Ulied Alla. Imma, billi cahdu l-Verità tat-Taghlim Tiegħi u l-Liġijiet li ghamel Missieri, dawn se jiġu mkaxkra f'taqbida terribbli mal-ispirtu tal-ħażen, qabel ma l-Ħniena Tiegħi tkun tista ggibhom f'Dirghajja fejn Jien ser insalvhom.

Kemm ghandhom fidi zghira fi qlubhom, f' Alla l-Wiehed Veru. Kemm huma superficjali u kemm ihaddnu malajr il-gideb, sabiex jissodisfaw il-gibda tagħhom għad-dnub. Kemm jibilghu kollox, meta huma jaċċettaw il-gideb, li jaqbel ghall-istil ta' ħajja taghhom, sabiex jiġġustifikaw id-dnub.

Kollox jghaddi, kulma jiġġustifika d-dnub bil-mohh uman, huwa l-unika triq li huma jagħżlu, sabiex ikunu jistgħu jgħixu ħajjithom kif jixtiequ. **Il-Verità hija tant diffiċli biex taccettha u iebsa li tnizzilha, li hemm bzonn tas-sagrifiċċji tal-gisem sabiex taccettha. Il-Verità,**

**jekk u meta tigi aċċettata, trid kuraġġ kbir u dawk biss li ghandhom ir-Rigal ta' l-Umiltà jistgħu verament iħaddnuha b'faċilità.**

Dawk li ġenwinament ifittxu l-Verità t'Alla spiss jigu mqarrqa minn dawk li jgħidu li qed ixandru l-Kelma t'Alla. L-uniku post li fih issibu l-Verità huwa il-Bibbja Qaddisa u fil-Kelma Qaddisa Tieghi mogħtija lilkom permezz ta' dawn il-messaġġi. Il-Messaġġi Tiegħi Jiddefendu l-Kelma Qaddisa t'Alla, hekk kif hija mnizzla fil-Ktieb ta' Missieri.

Li Thobbuni mhux facli, ghax intom tistghu tigu Ghandi biss, bhala tfal semplici. L-arja kollha li ghandkom u l-grazzji kollha taghkom, li ssoltu turu lid-dinja fil-ħajja ta' kuljum, ghandhom jigu mhollija fil-ġenb. Tistghu tigu Ghandi biss, bhala tfal semplici, u fiducjuzi. Ghandkom tinxtehtu Quddiemi u Titolbuni li nehodkom, niffurmakhom, nghinkom biex timxu fit-triq it-tajba ghal qdusija u mbagħad biex tafdaw Fija ghal kollox.

Hekk kif thallu kollox f'Idi, Jien se nghollikom, innehhi l-biża' taghkom u ngorrkom lejn is-Saltna Tieghi. Sahansitra wara dan kollu u bl-Imħabba t'Alla f'ruħkom, ser issibu din it-triq iebsa. Imma, se jkun bħal li kieku l-għanqbut tneħħew, ghax ladarba l-Verità ssir ċara mhux se jkun hemm triq oħra li intom se tkunu tixtiequ timxu fiha. Din hija l-unika triq li ser twassalkom ghal Genna u li hija t-triq li ghandkom tiehdu biex taslu Ghandi, Ġesù Kristu. Għax, Jien huwa t-Triq.

Ġesù Taghkom

**Il-kumplament tal-qaddejja mqaddsa Tieghi ser jiffirmaw weghda ta' rabta mar-religjon wahda dinjija.**

L-Erbgha, 5 ta' Gunju 2013 @ 5.45pm

Ghaziza mahbuba binti, **fl-ahhar, izjed mill-qaddejja mqaddsa Tieghi qed iwiegbu ghas-Sejha Tieghi, ghalkemm dan ikun ifisser ghalihom vjagg solitarju**.

Id-dmir taghhom huwa lejn is-superjuri taghhom, minhabba li Jiena tajt l-awtorita' lill-Knisja Tieghi fid-Dinja, biex din tkun fuq l-ulied kollha t'Alla. **Dawn il-qaddejja mqaddsa Tieghi ghandhom jimxu ma' dak kollu li tghidilhom il-Knisja Tieghi sal-jum meta s-Sagramenti Tieghi jigu mibdula. Minn hemm, id-dmir taghhom isir Lejja.**

Ghal dawk il-qaddejja mqaddsa Tieghi li ma jemmnux fil-profeziji li kienu gew moghtija, fejn il-Knisja Tieghi kellha tigi meqruda minn gewwa, intom ghandkom bzonn titolbu, sabiex Jiena nzommkom sodi u lejali lejn it-Taghlim Tieghi, sakemm jasal jum id-dlam li jnehhi ghal kollox il-Prezenza Tieghi mit-Tabernakli Qaddisa madwar id-dinja. Ghax meta dan isehh, minn dak in-nhar, id-dmir taghkom ikun Lejja, Gesu' Kristu.

Thallux qalbkom tithawwad, ghax sakemm intom tibqghu xxandru biss il-Verita' tat-Taghlim Tieghi u tamministraw is-Sagramenti kif intom gejtu mghallmin, din tkun il-Grazzja li ssalvakom. **Jekk u meta tigu msejha biex tirrifjutaw il-Verita' tal-Knisja Tieghi fid-Dinja, dak hu l-mument li ghandkom tiddixxernu**.

**Dan il-jum ghadu ma wasalx, imma meta tigu msejha minn dawk ta' l-oghla livelli biex tnehhu fil-genb l-Ewkaristija Qaddisa, hemm intom tindunaw li kontu gejtu moghtija l-Verita'.**

Meta tigu msejha biex taccettaw certi duttrini, dan qabel ma jasal dak il-jum, u li intom tkunu tafu li dawn Jien qatt m'hu ser naccettahom, intom tindunaw bil-qerda li qeghda thabbat wiccha maghha il-Knisja.

**Ser ikunu dawk biss fostkom li huma qalbiena u ta' kuragg, li ser jieqfu ghall-Verita'**. Meta jaghmlu minn kollox biex intom taccettaw il-gideb pagani, min ser jibqa' lejali Lejja? Intom ghandkom tkomplu tamministraw is-Sagramenti tal-Maghmudija, l-Ewwel Tqarbina, il-Grizma ta' l-Isqof, iz-Zwieg u l-Grizma tal-Morda.

Il-kumplament tal-qaddejja mqaddsa Tieghi ser jiffirmaw weghda ta' rabta mar-religjon wahda dinjija. Ikun hemm, illi intom tinqasmu fi tnejn – dawk li jimxu mal-Verita' u dawk li jaccettaw ligijiet, li wara kollox huma haga wahda, l-adorazzjoni t'allat foloz u l-accettazzjoni tad-dnub.

Hafna minnkom mhux ser jibqghu jonorawni izjed. Jekk intom ma tibqghux lejali Lejja u tbellghu l-gideb lill-merhla Tieghi, jkunu hafna li jintilfuli. Izda meta dawn l-erwieh jintebhu li gew imqarrqa, Jiena lest li nuri Hniena kbira maghhom. Intom ghalkemm gejtu mharrga biex tifhmu t-Taghlim Tieghi, biex tonoraw il-Kelma Qaddisa Tieghi u tamministraw is-Sagramenti Qaddisa, intom ser tittraduni Lili

Gesu' Taghkom.

## **Hafna drabi l-gideb jigi mlibbes bhala haga tajba**.

Il-Hamis, 6 ta' Gunju 2013 @ 4.00pm

Ghaziza mahbuba binti, kemm nixtieq li l-imhabba titkattar fid-dinja, ghax kieku l-bniedem isir ihobb ta' veru lill-proxxmu tieghu, hekk kif kien qalilkom Missieri u ma jkunx hawn gwerrer.

Il-gwerrer huma r-rizultat ta' nuqqas ta' twemmin f'Alla l-Wiehed il-Veru. Dawn igibhom il-biza', l-mibeghda u s-suppervja, li kollha jigu mkebbsa minn Satana. Hekk kif aktar bnedmin jitbeghdu minn Alla u ma jaghtux kas li jhejju ruhhom ghal hajja t'eternita' glorjuza, huma jaqghu fl-izball. Meta huma ma jkunux jistghu jararw il-Verita', huma jkunu lesti biex jemmnu l-gideb. Il-gideb hafna drabi jigi mlibbes bhala haga tajba. Jilbsu l-maskra ta' hwejjeg li tixxennaq ghalihom, atti li ghandhom dritt li jsehhu, pjacir u alternattivi ghal dak li hu n-natural.

**Il-hazen rari jidher ghal dak li hu, ghax mhux dak hu l-pjan ta' qerq ta' Satana fuq l-umanita'. Il-wiehed tal-hazen, li xogholu jidher fil-kliem, mossi u l-atti t'erwieh dghajfa, joqghod attent li qatt ma jikxef lilu nnifsu.. Huwa, permezz ta' l-erwieh msejkna li jmarrad, ikun jidher bhala wiehed li jiehu hsieb, jimxi bil-hlewwa u dejjem juri wicc li jigbdek**. Minhabba li hu makakk, huwa jigbed bnedmin biex jaghmlu atti ta' hazen permezz tat-tentazzjoni u jaghmel dan billi jahdem fuq il-punti dghajfin taghhom. Filwaqt li normalment huwa jigbed lil dawn permezz tas-sensi, huwa jahdem ukoll fuq dawk li jfittxu l-Verita' tal-fidi taghhom. Dan huwa meta Satana ser jigbed erwieh ghal go nasba fejn huma jaccettaw il-hazen bhala haga tajba.

Ikun biss fi stat aktar tard, meta dawn ser ihossuhom skomdi u mhux f'posthom meta huma jintebhu li hemm xi haga hazina. Izda sa dak in-nhar, il-mibeghda u n-nuqqas ta' mhabba lejn il-proxxmu jkunu ga tkattru f'ruhhom. Imbaghad jibdew jemmnu li l-imgieba taghhom, hekk kif qed igibu ruhhom f'Isem Alla, izda li fil-fatt tinsulta lil Alla, tkun ghall-Glorja t'Alla.

Meta gwerra tigi mahluqa f'Isem Alla, spiss jigri li l-armati tad-dinja mhux lil Alla jkunu qed jonoraw. Meta joqtlu nazzjonijiet u jghidu li huma jonoraw lil Alla, huma jkunu qed jitbeghdu minn Alla u jmorru man-naha tal-bestja.

**Il-bestja qed ihejji l-qerda ta' l-umanita' b'zewg modi, f'dan iz-zmien. Fl-ewwel kas, huwa qed jeqred il-hajja bl-abort, qtil u gwerra. Fit-tieni kas, huwa qed jattakka l-Knisja Tieghi fid-dinja halli l-Knejjes kollha li jonoraw Lili, Gesu' Kristu u l-Mahbub Missieri, jigu meqruda.** F'dawn il-jiem huwa jahtaf l-erwieh u ma jhallihomx jimxu fuq il-Verita' u lanqas li jirtu s-Saltna Tieghi.

Gesu' Taghkom.

## Se noħloq mirakli madwar id-dinja kollha biex nagħti prova lix-xettici li huwa Jien, Ġesù Kristu, li bgħatt il-profeta Tieghi biex thejjikom ilkoll għat-Tieni Migja Tieghi.

Il-ġimgħa 7 ta` Ġunju, 2013 @ 11.45pm

Ghaziza mahbuba binti, dawk kollha li jafu l-verità, u li jaċċettaw il-profeziji li jinsabu fil-Ktieb ta`Missieri, għandhom jaċċettaw li Hu ta lid-dinja l-akbar Ħniena.

Issa li l-ħin qorob għat-Tieni Migja Tieghi, dawk li jaghrfu l-Vuci Tieghi u li jisimgħu Minni, għandhom jiddedikaw il-ħin tagħhom biex jiżguraw li huma jifirxu l-Kelma Tieghi u jitolbu għas-salvazzjoni ta` huthom kollha.

Dixxipli għeżież Tiegħi, il-Grazzji Tiegħi qed jigu mferra' fuqkom u intom ghandkom tibqghu kunfidenti meta tgħinu lill-oħrajn biex ihejju għat-Tieni Migja Tieghi. Anke meta dawn jghajtu oxxenitajiet lejkom, intom ghandkom tibqghu kalmi. Din il-Missjoni ser tkun l-aktar wahda mmaqdra mit-Tislib Tieghi 'l hawn, iżda kunu ghafu li din hija l-Missjoni li se ssalva biljuni t'erwieħ.

Dan huwa z-żmien Tiegħi. Huwa z-zmien moghti Lili minn Missieri l-Ghaziz, kif miftiehem. Huwa z-zmien tar-Renju Tieghi, meta s-Sema l-Ġdida u d-Dinja l-Gdida se jingħaqdu haga waħda. Hekk kif ir-Rieda ta` Missieri issehh fis-Sema, hekk ukoll ser ssir fid-Dinja. Kollox se jsir haga waħda. Il-mibegħda, it-tbatija u l-qawwa tal-ħażen sejrin jispiccaw. Kull sforz li intom tagħmlu issa biex issalvaw ruhkom stess u t-talb tagħkom biex issalvaw lill-oħrajn se jkun kollu val la pena, jkun kemm ikun difficli. Ħalluhom jghajtu maghkom, isawtukom, jabbużawkom, jghajrukom giddibin u jistmawkom bil-kefrija. Aktar ma ssofru, izjed erwieh iġġibu Lejja.

Inqaxt din il-moghdija u hija mgħassa mill-angli kollha tas-sema. Kull spirtu ħażin se jgib it-tharbit, joħloq tfixkil u jaghmel minn kollox biex iwaqqafkom milli timxu Lejja, imma jkun kollu ta' xejn. Huma ma jistghux iwaqfuni milli naghtikom idi jew li ngibkom eqreb. Se jkun hemm biljuni minnkom. Dawk li jirrifjutaw li jhejju issa, se jagħmlu dan il-quddiem. Intom ma għandkomx thalluhom idewmukom, għax iz-zmien huwa qasir.

Kull wieħed minnkom fl-Armata tal-Fdal Tieġħi se jingħata Grazzji speċjali u Jien se noħloq mirakli madwar id-dinja kollha biex nagħti prova lix-xettici li huwa Jien, Ġesù Kristu, li bgħatt lill-profeta Tieghi biex thejjikom ilkoll għat-Tieni Migja Tieghi.

Gesu Taghkom

## L-ossessjoni t' uliedi ghall-hwejjeg tad-dinja u l-adorazzjoni ghall-ġid personali tbeghdhom minn Alla

Is-Sibt 8 Ġunju, 2013 @ 11:00pm

Ghaziza mahbuba binti, hekk kif l-umanità  tkompli teghreq aktar fil-fond fid-dnub, huma aktar ifittxu l-affarijiet materjali, li huma jahsbu li se jissodisfawlhom l-uġigħ li huma jħossu minn ġewwa, ghax xejn ma jista' jaghtihom sodisfazzjon meta huma qeghdin tant il-bogħod Minni.  Huma lanqas ghal mument wieħed ma jaħsbu Fija, huma tant maqbuda fil-giri wara l-hwejjeg tad-dinja - affarijiet bla bzonn - li ma jġibu xejn, hlief kilba għal aktar u aktar.

Imbagħad hemm dawk li l-imħabba taghhom ghall-attrazzjonijiet tad-dinja, jigu fi stat li ma jissodisfahom xejn.  Huma jfittxu affarijiet akbar u dak li huma jemmnu li huma hwejjeg aktar prezzjuzi.  Fl-ahhar dawn jibnu santwarji għalihom infushom.  Hawn huwa meta dawn jaqghu fid-disperazzjoni, minħabba li aktar ma jiksbu ġid u lussu, iktar isiru mhawdin u distratti.  Jibdew jitilfu l-interess taghhom fil-persuni l-oħra u ftit ftit jinqatghu wahidhom, hekk kif jinqabdu fl-ghanqbuta tal-brimba, mibrumin mill-ispirtu tal-ħażen biex jonsobhom u jeqirdilhom ruhhom.

L-ossessjoni t' uliedi ghall-hwejjeg tad-dinja u l-adorazzjoni ghall-ġid personali tbeghdhom minn Alla.  **Imhabbitkom tippossjedu dejjem izjed, teqred l-imħabba taghkom ghall-proxxmu taghkom.  Intom issiru egoisti sal-punt li ma tibqghux taghtu kaz l-isfortuna ta' l-ohrajn.**  B'dan il-mod intom ma tkunux qed tobdu l-Kelma t'Alla.

Ghandkom tieqfu tigru wara r-rikkezzi.  Imbagħad issiru aktar puri f'qalbkom.  **Iżda hallu dan id-dnub li jibqa' jigri warajkom, icajprilkom mohhkom u qatt ma tkunu puri f'ruhkom, u b'hekk mhux tajbin biex tigu Quddiemi.**  Dawk li huma foqra għandhom inqas x'jittanthom u li jbeghdhom Minni.  **Dawk li huma sinjuri huma foqra peress li ghad għandhom ħafna x'jitgħallmu qabel ma jkunu jistghu jidhru umli f'Għajnejja.**

Meta ser titgħallmu li meta bniedem ipoġġi l-pjaciri tad-dinja Qabli, li hu mhux se jkun kapaċi jħejji ruħu sabiex jidħol fil-Genna l-Gdida Tieghi?

Ġesù Taghkom

**Meta Gerusalem il-Gdida tinzel ghal fuq id-dinja waqt li jdoqqu t-trumbetti, dwal jimlew is-smewwiet u jkun hemm skiet perfett.**

Il-Hadd, 9 ta' Gunju, 2013 @

Mahbuba binti, l-ugigh fiziku li inti ghaddejja minnu bhalissa, jiswa' biex insalvaw l-eriweh, li tant huma mbeghdin Minni, u li kieku inti ma toffrix dan kollu Lili, bhala ruh vittma, dawn jintilfuli ghal dejjem**. Dejjem ftakar kemm inhoss ugigh u kif tinqasam qalbi, meta nitlef inqar ruh wahda.**

**Imhabbti ghall-umanita' tibqa kif dejjem kienet, ghax xejn ma jista' jwaqqafni milli nhobb lil kull ruh prezzjuza**. Inhobbhom tant illi tajtek id-Don, binti, illi tara l-ulied kollha t'Alla, hekk kif jarahom Hu, b'qalb pura, li ma tieqaf qatt. Dan hu ghaliex inti tbati tant, zghira Tieghi. Tbati mhux minhabba r-rabja ta' dawk li jinsultawk, imma minhabba dawk l-erwieh li tant huma fid-dlam u li d-destin taghhom iwerwrek, illi inti taccetta dawn l-ugighat fizici.

Nitolbok tifhem li meta thossok li tlift il-pacenzja u tithawwad, minhabba dawn il-hwejjeg iebsa, ftakar li dawn m'huma xejn hdejn it-tbatija kbira li jhabbtu wicchom maghha dawk l-erwieh li jehodhom il-bestja. M'hi ser tkun xejn hdejn dak l-ughigh li jghaddu minnu l-erwieh fil-Purgatorju. Dan kollu, kemm sejjer ma jkun xejn hdejn meta tara kif Jiena ser nahtaf l-erwieh, li dawn, kieku ma setghux isalvaw lilhom infushom mill-qabda tal-bestja.

Binti, tkun kbira kemm tkun kbira din it-tbatija, din m'hi ser tkun tfisser xejn meta Jiena nghaqqad lill-ulied kollha t'Alla, meta l-Genna Glorjuza ser tinzel f'dak il-Jum Kbir. Meta Gerusalem il-Gdida tinzel ghal fuq id-dinja waqt li jdoqqu t-trumbetti, dwal jimlew is-smewwiet u jkun hemm skiet perfett qabel ma jinstema' l-hoss ta' l-Angli, li l-ghana taghhom jilhaq lil kull ruh qabel l-ahhar mument. **Din tkun l-ahhar siegha meta Jiena nigi biex niggudika l-hajjin u l-mejtin.**

Gesu' Taghkom.

**M'ghandkomx tibzghu, ghax dak li qed inwieghed huwa taghkom u huwa l-Wirt taghkom.**

It-Tnejn 10 ta' Gunju, 2013 @ 11.00pm

Ghaziza mahbuba binti, id-dinja ghandha tigi mgharrfa li **z-Zmien Tieghi li nigi lura huwa qrib.** Il-Hin Tieghi digà beda, hekk kif naghmel hilti biex indawwar l-umanità Lejja, qabel il-Jum il-Kbir Tieghi.

**Qed inhejjikom kollha kemm intom f'dan il-hin**, ghalkemm hafna mhux ser jaghtuni widen. Naghmel dan bl-imhabba, ghal kull wiehed minnkom ghax Inhobbkom, ghal kull wiehed minnkom li ghalihom Jien tajt Gismi. Intom ser tkunu xhieda tal-Intervent Tieghi, meta Jien se niftah ghajnejn l-umanità u li dan ser tixduh b'mod car.

Mirakli se jsehhu meta l-Missjoni Tieghi tigi accettata. Il-Prezenza Tieghi se tinhass u Jien se nuri Lili nnifsi permezz ta' atti ta' Hniena Kbira. Dan il-pjan huwa biex jigbidkom lura, biex idawwar lil dawk minnkom li m'ghadhomx jemmnu li Jien nezisti, lejn is-Salvazzjoni Glorjuza Tieghi.

**Jiena r-Re, li se nirrenja fuq il-Genna l-Gdida mwieghda Lili minn Missieri**. Lil dawk li ma Jafunix, Isimghuni issa. Intom Tieghi. Jien ingibilkom il-Hajja, mhux kif tafuha fuq din id-Dinja, izda l-Hajja Eterna.

M'ghandkomx tibzghu, ghax dak li qed inwieghed huwa taghkom u huwa l-Wirt taghkom.

**Dan ir-Renju huwa dak li twelidtu ghalih, halli Alla, l-Mahbub Missieri, jkun jista jerga' johloq id-dinja, kif kienet fil-bidu. Huwa l-Bidu, ghax Huwa halaqha.** Huwa t-Tmiem, ghax meta jasal l-Jum il-Kbir mhux se jkun hemm iktar tbatija, ghax il-Bidu l-Gdid - il-Hajja Eterna - se tigi pprezentata lil dawk li jaccettaw l-Imhabba t'Alla. Tridu ssiru aktar fiducjuzi, inqas cinici u taccettaw ir-Rigal Kbir tal-Hajja, li tista' tigi biss minghand Alla li Hu perfett.

Alla biss jista' johloq miraklu hekk - ir-Rigal tal-Hajja.

Alla biss jista' jaghtik Hajja Eterna, fejn il-mewt se jigi mirbuhha u maghha kull hazen.

Tridu tharsu 'il quddiem bi stennija**. Tridu tippruvaw tisimghu minn dawn il-messaggi, ghaliex dawn se jkunu l-habel tas-salvazzjoni li ser ikollkom bzonn, hekk kif il-granet li gejja jkomplu jiddalmu.**

Hija x-Xewqa Tieghi li ebda wiehed minnkom ma jinkedd, ma jhossu nkwetat, mbezza' u mdejjaq, ghax il-Jum Glorjuz Tieghi se jfisser li Jien se nimsah kull demgha, wgigh, dwejjaq u tbatija li ghandkom u nnaddafkom bil-Glorja Kbira Tieghi.

**Ser tesperjenzaw kuntentizza pura eterna, fl-ahhar**. Dak kollu li intom qatt immaginajtu li huwa fi stat ta' Genna, se jkun taghkom.

Jekk ma tistghux Twegbuni issa, minhabba nuqqas ta' fiducja, Jien se nghinkom jekk intom issejhuli. Itolbuni ghar-Rigal tal-Fiducja permezz ta' din it-Talba tal-Krucjata.

**Talba tal-krucjata (109) ghar-Rigal tal-Fiducja**

*O ghaziz Gesù Tieghi,*

*Ghini biex Nafdak.*

*Biex nafda fil-Weghda Tieghek li terga tigi.*

*Biex naccetta l-Verità tat-Tieni Migja Tieghek.*

*Biex nafda fil-Weghda ta' Alla l-Missier meta Hu qal li se jaghtik ir-Renju Tieghek.*

*Ghini biex nafda fit-Taghlim Tieghek,*

*fil-Pjan Tieghek biex issalva d-dinja.*

*Ghini naccetta, bil-Grazzja, r-Rigali Tieghek.*

*Ghini biex nafda Fik, biex nehles mill-biza Tieghi u halli nkun nista nhalli l-Imhabba Tieghek tfawwarli qalbi u ruhi.*

*Amen.*

Oh, kemm nixtieq imfarragkom, innaqqas il-bizghat taghkom,l-inkwiet u t-thassib. Kemm nixtieq li naghmel il-bidla bla tbatija kemm jista' jkun, sabiex ma jkollkomx ghalfej issofru minn taht idejn il-bestja, li x-xoghol tieghu se jidher permezz ta’ l-ghedewwa t'Alla.

**Jekk intom tafdaw Fija ghal kollox u terhu lilkom infuskom fil-Hniena Tieghi, solennement Jiena nweghdkom li l-Hniena Tieghi se tqassar iz-zmien meta s-sofferenza umana se tikber minhabba l-hazen ta' dawk li jixtiequ jgibu t-tbatija taghkom.**

Inwieghdkom li l-Intervent Tieghi, permezz tal-mirakli, se jqajjem lil dawk l-aktar fil-bzonn ta' l-ghajnuna - l-gharfien tal-Verità. Meta l-Verità t’Alla, tigi accettata minn dawk li ma jifhmux il-Weghda Tieghi li nerga nigi imma li jaccettawha, fil-qlub taghhom, allura t-tbatija se tigi mnaqqsa u se nuri Hniena ma' biljuni t'erwieh.

Madanakollu, il-fiducja taghkom Fija, se tghinkom taraw il-Verità. Meta taccettaw il-Verità, taccettaw ukoll l-imfietah tar-Renju l-Gdid Tieghi.

Gesù Taghkom.

## Qatt taghmlu dan, ghax huwa l-uniku dnub li, permezz tal-ipokrezija tieghu, Jiddizgustani.

L-Erbgha, 12 ta' Gunju, 2013 @ 11:50pm

Ghaziza mahbuba binti, qed naghmel Hilti kollha biex naqbad l-erwieh tal-fidili, l-ewwel u qabel kollox, f'dawn il-Messaggi Mqaddsa Tieghi lid-dinja, Jiena ghandi nwissi lil dawk li jitkellmu hazin dwar il-Kelma Mqaddsa Tieghi, ghal darb'ohra. Filwaqt li nfittex l-erwieh ta' dawk fietla fil-fidi taghhom, ghalfejn dawk minnkom li jistqarru li jitkellmu f'Ismi, ticdhu l-Verità, meta qed tigi mghotija lilkom mill-Haruf t' Alla permezz ta' dawn il-Messaggi?

Liema bniedem se jkellimkom b'dan il-mod, fl-Isem Qaddis Tieghi u jissogra jigi quddiemkom? Hadd. Huwa minhabba l-Qawwa t' Alla biss, li l-Kelma Tieghi tista' tigi mgharrfa lilkom f'lingwa semplici.

Il-bniedem se jkompli jidneb; jekk jaghmilx dnubiet, li huma l-istess fostkom kollha fid-dinja jew jekk humiex ta' natura gravi. Intom kollha midinba.

Midneb ma jista' qatt jahfer lil midneb iehor f'Ismi, sakemm ma jkunx bl-Awtorità Tieghi, permezz tal-Att tal-Qrar, li jilliberah mid-dnub, ghal hin qasir. L-ebda midneb ma jista' jikkundanna midneb iehor f'Ismi, ghax dak mhuwiex dritt taghhom. Meta intom tikkundannaw midneb iehor, kemm jekk huwa hati ta' l-aktar att serju kontra Alla, intom issiru ruh imsewda bhal ta' dik il-persuna, li fil-berah intom ikkundannajtuha f'Ismi.

Ma tafux li Tikkawzawli wgigh u niket meta tweggghu wiehed lill-iehor? Qatt ma fhimtuni Lili? Ma tghallimtux ghaliex Jien mitt ghalikom? Lil dawk fostkom li ghadhom ma fehemux il-Verità, ghandkom tisimghu issa. Jien ma nikkundannakomx ghad-dnubiet taghkom, ghax Jien inhobbkom u se nahfrilkom d-dnubiet kollha, ma jimpurtax kemm jistghu ikunu gravi. Imma meta intom tiddikjaraw lilkom infuskom, f'Ismi, biex tkunu ugwali Mieghi u tiggudikaw midneb iehor b'Ismi, Jien se nikkundanna lilkom ukoll.

**Lanqas wiehed minnkom, ma jimpurtax kemm Inhobbkom, ma tistghu tiggudikaw lil xulxin. Jiena biss, Gesù Kristu, gejt mghoti l-Awtorità minghand Missieri biex niggudika l'umanità - hadd iktar. Jekk tikkommettu dan id-dnub, se jkolkhom tigu wicc m'b wicc mal-Gudizzju Tieghi**. Qatt taghmlu dan, ghax huwa l-unika dnub li, minhabba l-ipokrezija tieghu, Jiddizgustani.

**Iz-zmien kwazi wasal fuq l-umanità biex tkunu xhieda tal-Verità. Mhux ser ikunu hafna, inkluzi dawk li jistqarru l-lejaltà taghhom Lejja, li mhux ser iwiegbu ghas-sejha**

**Tieghi, sakemm Missieri jgib fuqkom hafna kastigi**. Tant intom ghomja ghall-Verità tal-Hajja Eterna, tant ma tistax tmisskom il-Kelma t' Alla, li l-uniku mod li se tisimghu, huwa meta l-kastigi jibdew isehhu fuqkom.

Meta l-ewwel wiehed fost hafna jsehh, hafna se jghidu li dawn huma dizastri naturali, izda meta dawn jinzlu fuqkom bhax-xita, u meta ma jkollkom imkien fejn tmorru, hemmhekk biss ser tintebhu li hija Id Alla, li qed iggib dan kollu.

**Missieri se jhezzez lid-dinja kollha**. Dawk minnkom, li jiddubitaw li Huwa jezisti, se jindunaw li dawn id-dizastri ma jistghux jigu min-natura biss. Dawk minnkom li jemmnu Fija, izda li jwaqqghu ghac-cajt dawn il-Messaggi Divini, se jkollkom tibilghu lura kliemkom u se tkunu tixtiequ taqtghu ilsienkom barra, ghax malajr se tintebhu, kif il-kliem vili taghkom Jinsultani. Intom mhux talli tishtu l'Alla, izda twaqqfu din il-Missjoni Divina milli ssalva l-erwieh.

**Ghal kull ruh li intom iccahduni minnha, se ssofru fl-eternita'**. Meta intom tisfidaw lil Alla f'Wiccu, mhux ser tithallew taghmlu dan. Ftakru, li avolja Inhobbkom tant, Jien se nintervjeni, jekk intom tippruvaw taghmlu sabotagg lix-Xoghol t' Alla f'din il-Missjoni Ahharija biex issalva l-umanità.

**Iz-zmien li l-Ktieb tal-Verità jinghata lid-dinja issa huwa hawn**. Jekk intom timxu warajja, imma m'intomx taccettawni bhalissa, meta qed Insejhilkom, tinkwetawx, ghax Jien mhux se niggudikakom. Imma jekk tippruvaw Twaqqfuni milli nsalva l-ulied t'Alla, Jien se nqaccatkom.

Gesù Taghkom

Salvatur ta' l-Umanità

**[Alla ma jippretendix li intom tqattgħu l-ħin tagħkom tinjoraw hwejjeg tar-rutina ta' kuljum jew il-ħin li intom tqattghu mal-familja u l-ħbieb.]**

Il -Ġimgħa 14 ta` Ġunju, 2013 @ 11.50pm

Ghaziza mahbuba binti, meta bniedem jibda jemmen li xejn u hadd ma jista' jirbahlu, huwa jkun mitluf.

**Hafna nies, li ma jaċċettawx li l-ħajja fid-Dinja hija biss parti żgħira tal-vjaġġ spiritwali tagħhom lejn is-Saltna Tieghi, qed jitilfu tant ħin prezzjuż**. Il-ħin li qed nirreferi għalih huwa dak mogħti lilkom minn Alla, fejn ghandkom tgħixu skond il-Kmandamenti Tiegħu, jekk intom tridu tiksbu Hajja Eterna. Jekk intom ma taċċettawx lil Alla, hemm intom tinqatghu l-bogħod Minnu. Meta tagħmlu dan, il-ħajja taghkom tigi maqtugħa hesrem, u għalhekk minflok id-Don ta' Hajja Eterna, il-ħajja tagħkom tispiċċa meta tmutu f'din il-hajja. Intom m'ghandkomx taħlu l-ħin mogħti lilkom f'din il-ħajja billi tuzawh tigru wara affarijiet bla bzonn, li fiz-zmien isiru trab.

**Alla ma jippretendix li tqattgħu il-ħin tagħkom tinjoraw hwejjeg tar-rutina ta' kuljum jew il-ħin li intom tqattghu mal-familja u l-ħbieb**. Dan ma jfissirx, li jekk intom tgawdu l-frott tal-ħajja fid-Dinja, ma tistghux timxu fit-triqat tal-Mulej. Ghax Tistghu.

Binti, nixtieq nghidilkom li hemm ħafna tahwid dwar x'inhuma x-xewqat Tiegħi kif nixtieq li l-umanità ssegwi t-Taghlim Tiegħi.

**Id-Dahq huwa tajjeb. Il-hbiberija hija importanti. Tgawdu ħajja li tissodisfa hija tajba, ladarba intom turu umiltà u tfahhru lil Alla u mbagħad toffru ringrazzjament anke għall-iżgħar kuntentizza.** Kull Rigal li tirċievu f'din il-ħajja, għall-ġid ta' l-oħrajn, jista` jiġi biss minghand Alla. Kif tużaw dawn ir-Rigali se jkun importanti ghas-salvazzjoni tar-ruħ tagħkom, meta d-Doni pprovduti minn Alla jigu maqsuma ma' l-oħrajn. Xi wħud jigu mogħtija talenti kbar, iżda l-erwieħ kollha huma mwielda b`Doni. Dawn huma maħsuba biex jgħinukom biex tgħinu lill-oħrajn. Dawk imwielda b`talent għan-negozju, għandhom l-obbligu li jiżguraw li dan jagħmluh b`użu tajjeb, għall-benefiċċju ta' l-oħrajn. Oħrajn se jużaw r-Rigali tagħhom biex jahsbu fil-proxxmu tagħhom u biex iġibu ferħ fil-ħajja ta` nies oħrajn. U hemm ukoll l-erwieħ li jbatu. It-tbatija tagħhom hija wkoll Don, għax dawn se jgħinu biex isalvaw l-erwieħ tal-oħrajn, u permezz ta' hekk, se jiksbu l-akbar Don minn ta' kulħadd – Il-Hajja Eterna.

Il-Hajja hija mogħtija minn Alla, għal raġuni. Qeghda biex taghti Glorja lil Alla u biex taghmel kuragg lill-uliedu biex jingħaqdu Miegħu, fl-ahhar, meta l-ħajja se tinbidel. **L-Ulied**

**t' Alla qed jiġu mhejjija għal din il-bidla, meta sa fl-ahhar, il-Hajja Eterna glorjuza, mwieghda lil Adam u Eva ser ssir tagħhom.**

Huwa importanti li taghmlu hilitkom u turu ħafna imħabba u kompassjoni lejn xulxin eżatt kif intom tistennew li tiġu meqjusa Minni, meta nigi biex niggudika. Kull jum ghandkom tistaqsu lilkom infuskom, għal kull att li intom twettqu, dan jogħġob lil Alla? Qieghed naghmel biżżejjed biex insegwi l-kmandamenti t'Alla? Qieghed nikser il-Liġijiet t'Alla, u jekk iva, x`se jkunu l-konsegwenzi?

Injoraw il-ħtiġijiet ta' l-oħrajn u l-ħtiġijiet tagħkom se jiġu njorati. Weġġgħu lil xi hadd mill-Ulied t'Alla bil-hsieb li taghmlu dan, u intom se ssofru. Oqtlu lil xi hadd minn Ulied Alla u intom ma jkollkom l-ebda ħajja.

Il-Ħajja fid-dinja, għalkemm tista' ġġib ħafna mħabba, ferħ u tama, hija mimlija provi. Kull prova ghandha tiġi ffaċċjata u ghandkom taċċettaw li din hija parti mill-pjan t'Alla ghall-purifikazzjoni ta` Uliedu.

Meta intom tgħixu l-ħajja tagħkom mingħajr ma tgharfu lil Alla, intom tkunu qed tgħixu ħajja komda ghax-xewqat taghkom. Meta intom ma tilhqux il-livelli, mwaqqfa minn Alla, intom titilfu triqitkom. Jekk tiggerrew tant il-bogħod li intom ma tkunux tistghux issibu triqtkom lura, intom ghandkomm titolbu għall-Grazzja t`Alla biex jgħinkom.

**Kull talba magħmula lil Alla, jekk din tkun għall-ġid ta’ ruħkom u għall-ħtiġijiet ta' dawk li thobbu, din tigi dejjem imwieġba**.

Ġesù Taghkom.

## Ikun fi hdan l-Imperu Ruman li l-istmerrija l-kbira se tqum kontrija.

Is-Sibt 15 ta` Ġunju, 2013

Ghaziza mahbuba binti, hekk kif mxejt waħdi tul il-mixja bil-mod u iebsa sal-quċċata tal-Gholja I Am Imħabba. I Am Alla. Dawn huma l-istess ħaġa
L-ERBGĦA 19 Ġunju, 2013
Bint dearly għeżież tiegħi, Ix-xewqa tiegħi li jiffurmaw il-qalba ta 'Armata tiegħi fid-dinja qed jiġu sodisfatti f'dan il-ħin. Mill ġandar ftit, dawn se jiġu mxerrdin u dawn se jikbru u jinfirxu kullimkien.
Binti, il-fondazzjoni hija l-parti importanti. Eżatt bħal tarbija, li huwa ffurmat fil-ġuf, dan jieħu ż-żmien u l-attenzjoni bir-reqqa sabiex ikun żgurat l-benesseri tal-minuri, li tirċievi nutriment mill-plaċenta. Ser tikber bil-mod, iżda perfettament, sakemm finalment se jitkeċċew mill-ġuf u tkun lesta li jgħixu l-ħajja stabbiliti għal dan billi My Missier.
It-twelid ta Armata fdal tiegħi se tkun l-istess. Huwa se jieħu preparazzjoni kbira qabel ma jkun lest li jieħu postu fid-dinja, iżda fondazzjoni tagħha hija solida u erwieħ, li huma l-blokki tal-bini, se maħdumin flimkien bħala waħda biex tinbena Armata formidabbli. Allura dan Armata se jinfirxu u jikbru kullimkien, fuq il darba, u ma 'tali forza, li se ssir diffiċli biex jinjoraw dan. Dawk fi ħdan Armata fdal tiegħi se tkun nieqsa minn ego, kburija jew il-ħtieġa li jiddependu fuq l-evalwazzjoni xjentifika tal-Kelma tiegħi, li se tkun mitluba minnhom biex tipprova l-Verità ta 'Alla.
Ix-xjenza hija rigal minn Alla, imma x-xjenza ma tistax tispjega l-misteru ta 'Alla. Allura dawk li għandhom bżonn l-kumdità ta 'spjegazzjonijiet loġiku, kif I jikkomunikaw lill tfal ta' Alla fid-dinja, għalissa, se jkun diżappuntat. M'hemm l-ebda tweġiba li se jissodisfaw lilhom.
Waħda mill-akbar rigali mogħtija lill-bniedem hija l-imħabba. Imħabba ma jistax jiġi spjegat jew xjentifikament ippruvat, għal dan ġej mill-Ispirtu ta 'Alla. Huwa preżenti fil lilkom kollha. Tħoss li. Huwa l-link li żżomm l-umanità flimkien, fejn il-qawwa tal-ħażen jonqos milli jimminaw.
I Am Imħabba. I Am Alla. Dawn huma l-istess ħaġa. Mingħajr imħabba, inti ma jista 'jkollhom ħajja. Imħabba se jgħaqqdu inti, inti żżomm qawwija, inti żżomm flimkien. Imħabba se jgħinek biex iġibu Me erwieħ.
Ġesù Yourtal-Kalvarju, hekk ukoll se timxi l-Armata tal-Fdal Tieghi.

**Meta mxejt din l-għolja tat-torturi, kont imdawwar minn mijiet ta' suldati Rumani li waqqfu lil dawk kollha tul il-passaġġ, li riedu jfarrguni**. Filwaqt li ma kienx hemm bzonn ta’ numru hekk kbir ta' suldati biex ighassu bniedem wieħed biss, il-preżenza tagħhom saret biex turi numru ta' hwejjeg. Huma riedu juru lis-segwaċi Tiegħi u lil kull min jipprova jxerred il-Verità tat-Taghlim Tiegħi, min kien qed imexxi. Dan l-att t' aggressjoni kien biex jhedded u jintimida lil dawk li kellhom il-hila juru lejaltà Lejja.

Il-Lhud cahduni u mbagħad ittradewni. Ir-Rumani sallbuni u kien f'Ruma li l-Maħbub appostlu Tieghi Pietru kien gie mqabbad biex iwaqqaf il-Knisja Tieghi fid-Dinja, għax xtaqt li l-Knisja Tieghi tiġi ffurmata fost dawk li ppersegwitawni.

**Hekk kif it-Tieni Migja Tiegħi se sseħħ dalwaqt u hekk kif il-Missjoni Finali Tieghi biex nerga' lura sabiex inġib lill-umanità s-salvazzjoni finali, li Jien weghedt tigi żvelata, l-istorja ser terga' tigri kollha mill-gdid.** Il-Lhud xorta se jichduni, sakemm issehh it-Twissija. L-għedewwa t'Alla ser iqumu kontrija, kullimkien. Dawk li jħobbuni u dawk li jgħidu li jirraprezentawni se jichduni.

**Ikun fi hdan l-Imperu Ruman li l-istmerrija l-kbira se tqum kontrija**.
Il-Babilonja, id-dar ta' l-Imperu Ruman u fejn jinsabu in-nazzjonijiet li abbandunaw lil Alla ghal allat foloz, se jkun it-tronn minn fejn se jinbezaq il-gideb kollu.

**Il-bhima b'għaxart iqrun hija l-Ewropa u f'Ruma armata ser tqum kontrija. Huma se jkunu hatja, għal darb'oħra, għat-tislib qabel il-Jum il-Kbir**. Huma se jġibu l-insult finali, meta dawn isallbu u jeqirdu l-Gisem Mistiku Tieghi fid-Dinja. Il-Gisem Tiegħi huwa l-Knisja Tieghi. Dawk li jinqatghu mill-Gisem Tieghi, billi jagħżlu li jimxu ma' duttrina ġdida, se jichduni u madankollu jkollhom il-wicc li jqumu u jgħidu li huma ġejjin Minni.

F`dak il-jum meta r-Religjon Wahda Dinija l-Gdida tigi magħrufa, dik li se tkun approvata minn partijiet fi ħdan il-Knisja Kattolika, kif imbassar, s-sema se jiddallam u fuq id-dinja ser irieghed bil-kbir. Se jigri kif gara fil-mument li Jien hadt l-aħħar nifs Tieghi fuq is-salib, meta r-Rabja ta` Missieri kienet mitfugħa ghal fuq l-gholja tal-Kalvarju. Meta dan kollu jseħħ u s-sinjal li l-Knisja Wahda Vera giet imnehhija u stmerrija pagana falza haditilha postha, intom ghandkom tkunu tafu dan. Dan huwa meta l-Kastigi sejrin jinzlu fuq ir-razza umana, kullimkien.

**Kull sinjal se jingħata mis-Sema biex iwissi lil dawk li jzommu mal-profeta falz u dak li dalwaqt ser ikun siehbu, l-antikrist, li l-ġranet tagħhom huma maghdudin**. Huma ser jigu murija kif ikun li tesperjenza r-Rabja ta' Missieri. Ħafna isqfijiet u saċerdoti se jaraw il-Verità f'dak l-istadju u se jiġġieldu kontra dan il-ħażen. Dawn mhux ser jitilquni u se jkomplu jmexxu l-Veru Knisja Tieghi fid-Dinja. Sfortunatament, ħafna mhux se jkollom l-kuraġġ li jagħmlu dan u se jkunu bhal ħrief li jittiehdu għall-qatla, iżda dawn se jkunu mfarrga meta jafu li Jien qatt mhu ser nitlaqhom. Jien sejjer nibgħatilhom ħafna għajnuna u l-Armata tal-Fdal Tieghi ser tqum u x-xerred l-Evanġelji, meta dawn se jkunu ġew mormija fil-genb, kullimkien. **Huma se jippridkaw f'kull rokna tad-dinja u se jkunu bla biza'. L-Imħabba tagħhom Ghalija se tirbah lill-ħidma tal-antikrist**. L-ubbidjenza tagħhom Lejja u bit-twegiba tagħhom għat-Talb tal-Kruċjata Tiegħi ser isalvaw biljuni t'erwieħ.

U hemm, il-Pjan Tiegħi ser jitlesta.

Ġesù Taghkom.

## [Alla jeżisti f'kull persuna li titwieled f'din id-dinja, irrispettivament mill-fidi tagħhom jew it-twemmin tal-ġenituri tagħhom]

Is-Sibt 15 ta' Ġunju, 2013 @ 11:44pm

Jiena Gesu' l-Għażiż Tieghek, Dak li jahdem f'ruhek. Anke meta Tinjorani, Jiena hawn qieghed. Jien nahdem f'ruhek, ghax inti Tajtili, u ghalhekk, ser issofri dejjem Ghalija u Mieghi.

Illum, Binti, nappella lil dawk kollha li jgħidu li ma jemmnux f'Alla. **Jekk ma temmnux f'Alla, issa ser ikolli nispjegalkom kif intom tafu li Alla jezisti verament.** Alla jeżisti f'kull persuna li titwieled f'din id-dinja, irrispettivament mill-fidi tagħhom jew it-twemmin tal-ġenituri tagħhom**. Ma' kull forma ta' ħajja Alla jgib sens ta' AWE u ghageb, li qatt mhu se jonqos milli johloq sens ta' mħabba qawwija fir-ruħ għall-hlejqa ohra t'Alla**.

Kull wieħed u wahda minnkom intom ħolqien t'Alla. Dan huwa fatt. Xi wħud minnkom gew imwielda bi sbuħija kbira. Xi wħud huma mwielda b'difetti. Oħrajn huma mwielda b'imperfezzjonijiet terribbli. Madankollu kollha huma mwielda għax Alla jippermetti dan.

Ħafna minnkom se jghidu li hu sew li twaqqaf il-ħajja f'ulied Alla, li huma imperfetti. Xi wħud minnkom se joqtlu wlied Alla fil-ġuf u mbagħad jiġġustifikawh, ħafna minnhom se jkun għal raġunijiet ta' egoizmu. Ta' dan, ser tiġu kkundannati, jekk ma titolbunix biex nahfrilkom. Tigu mahfura biss, jekk verament ikun iddispjacikhom għal dak li għamiltu li bih shittu lil Missieri.

**Xi wħud minnkom twelidtu b'imperfezzjonijiet, li jgibu trawma f'hajjitkom. Għalkemm dan jista' jkun difficli, qed tingħataw din it-tbatija biex issalvaw lill-oħrajn, li kieku jieqfu jeżistu**. Kif tafu, dawk l-erwieħ li ma jobdux lil Missieri u li qatt mhu ser jitolbu għall-maħfra ta' dnubiethom se jispiċċaw fin-nirien tal-infern, ghall-eternita' kollha. **It-tbatija taghkom ser tgħin biex issalvawhom, għax dawn ma jistghux u mhux se jsalvaw lilhom infushom. Intom ghaziltu din it-tbatija qabel ma twelidtu. Tistghu taċċettaw dan issa jew forsi aktar tard, iżda intom zguri fis-Saltna Tiegħi ghax il-Glorja ser tkun taghkom għall-eternita'**.

Ġesù Taghkom

## Jiena Imħabba.  Jiena Alla.  Huma wieħed u l-istess ħaġa

L-Erbgħa 19 ta` Ġunju, 2013  @ 3.00am

Għaziza mahbuba binti**, ix-xewqa Tiegħi li nifforma il-qalba ta` l-Armata Tiegħi fid-dinja qed issehh f'dan il-mument.**  Minn ġandar zgħir, dawn se jiġu mxerrdin u huma se jikbru u jinfirxu  ma' kullimkien.

Binti**, il-pedament huwa l-parti mportanti**.  Eżatt bħal tarbija, li hija ffurmata fil-ġuf, din tieħu ż-żmien u attenzjoni bir-reqqa sabiex ikun żgurat li t-tarbija tiġi b'sahhitha, waqt li din tirċievi l-ikel tagħha mill-kurdun.  Hija tikber bil-mod, iżda bl-ezatt, sakemm fl-aħħar titlaq il-barra mill-ġuf u tkun lesta li tgħix il-ħajja li xtaq għaliha Missieri.

It-twelid tal-Armata tal-Fdal Tiegħi se jkun l-istess**.  Ser ikun hemm thejjija kbira qabel ma tkun lesta biex tieħu postha fid-dinja, iżda il-pedament tagħha huwa sod u l-erwieħ, li huma l-knatan tal-bini, se jingħaqdu flimkien bħala haġa waħda biex tinbena Armata qawwija**. Wara, din l-Armata se tinfirex u tikber ma' kullimkien f'daqqa, b'tali forza, li se tkun diffiċli biex tinjoraha.  **Dawk fi ħdan l-Armata tal-Fdal Tiegħi mhux ser jaħsbu fihom infushom, ma jkunux imkabbrin u ma jkollhomx il-ħtieġa li jiddependu fuq l-evalwazzjoni xjentifika tal-Kelma Tiegħi, li se tkun mitluba minnhom biex tipprova l-Verità ta 'Alla**.

Ix-xjenza hija rigal minn għand Alla, imma x-xjenza ma tistax tispjega l-misteru t'Alla.  Allura dawk li għandhom bżonn l-kumdità ta' spjegazzjonijiet loġiċi, ta' kif Jien inkellem lil Ulied Alla fid-dinja, f`dan il-mument, se johorgu  ddiżappuntati.  M'hemm l-ebda tweġiba li se tissodisfhom.

Waħda mill-akbar rigali mogħtija lill-bniedem hija l-imħabba.  L-Imħabba ma tistax tiġi spjegata bix-xjenza jew ippruvata, għax hi ġejja mill-Ispirtu t'Alla.  Hija preżenti fikom lkoll.  Intom thossuha.  Hija l-ħolqa li żżomm l-umanità flimkien, fejn il-qawwa tal-ħażen ma jirnexxilhiex tfarrak.

Jiena  Imħabba. Jiena Alla. Huma wieħed u l-istess ħaġa.  Mingħajr imħabba, intom ma jistax ikollkom il-ħajja.  L-Imħabba tgħaqqadkom, iżżommkom b'sahhitkom, iżżommkom flimkien.  L-Imħabba tgħinkom biex iġġibuli l-erwieħ.

Ġesù Tagħkom

## L-akbar gidba hija li Satana jista' jbassar il-futur, iżda dan qatt ma jista' jkun.

Il-Ġimgħa 21 ta' Ġunju, 2013 @ 11:50am

Ghaziza mahbuba binti, hekk kif il-paganizmu jkompli jinfirex bħal mikrobu madwar id-dinja, il-bniedem qed jibda jaghmel lilu nnifsu bħala Alla. **Hafna settet li ma jaċċettawx l-eżistenza t'Alla l-Veru, minflok qed jonoraw il-bestja fit-tempji tagħhom. Dawn l-imsejkna erwieħ, li l-imħabba ghalihom infushom, li tohrog minn ambizzjoni qalila, waqqfu tempji, li bla misthija jonoraw lil Satana.** Minn barra, dawn it-tempji jidhru bhal knejjes, li jonorow l'Alla, imma titqarrqux. L-uniku għan tagħhom huwa li jonoraw lill-bestja, li wegħdhom ħajja eterna. Huwa wegħdhom li meta jaghtu qima lill-imħabba lejhom infushom, li tiehu post l-imħabba t'Alla, huma se jiksbu ġenna eterna ta' divertiment.

Il-wegħdiet li tahom il-bestja, li jikkomunika magħhom b'mod ċar, huma mfassla biex iqarquhom billi jemmnu f'gidba. Li jekk iqeghdu quddiem l-altar tal-bestja - l-alla falz li huma jaduraw minflok lill-Għażiż Missieri - it-talbiet tagħhom għall-pjaciri tad-dinja u l-imhabba lejhom infushom jiġu ppremjati. Jekk ipoggu l-bżonnijiet tagħhom l-ewwel, qabel dawk tal-oħrajn, huma jemmnu li se jigu ppremjati b'ġid kbir, kontroll u libertà.

Dawn in-nies huma mħeġġa li jpoggu lilhom infushom qabel Alla u li jfittxu dawn is-setgħat sabiex ikunu jifilhu jegħlbu s-Saltna Divina t'Alla. Sfortunatament, dawn se jagħmlu minn kollox sabiex jilhqu l-ambizzjoni tagħhom għall-ġid u l-kontroll fuq l-oħrajn permezz ta' regħba pura. Huma se jkissru hajjet l-ohrajn. Se joqtlu sabiex jilhqu l-għanijiet tagħhom u jishtu l'Alla kuljum.

**Meta jishtu l'Alla huma jorganizzaw il-quddiesa s-sewda, li ħafna minnhom jinzammu b'mod sigriet u li għaliha jattendu nies b'sahhithom, inklużi dawk li jgħidu li jservu lil Alla fil-knejjes Tiegħu**. Ic-cerimonji satanici tagħhom huma komuni u huma kburin bl-atti tagħhom. Huma b'wicchom minn quddiem isejhu l-bini tagħhom bhala tempji, ghax m'ghandhom l-ebda mistħija f'ruhhom. Dawn it-tempji huma mwaqqfa biex jaduraw lil Satana, mhux lil Alla, iżda jtuk x'tahseb bil-kontra.

Huma se jiġu kkastigati Minni għall-hazen tagħhom kontra l-umanità u l-oxxenitajiet kontra Alla, li taghhom huma ħatja. **Ħafna minnhom jishtu lil Missieri billi jużaw kliem li huma Ghalih biss. Missieri qal: "Jiena l-Bidu." "Jiena Jien" tintuża sabiex turi l-imħabba tagħhom lejhom infushom u jimitaw kull att qaddis, kull ghemil u jirrepetu kliem, li ngħataw lid-dinja minn Alla, dan kollu sabiex ikasbruH.**

Matul il-Kastig il-Kbir, it-tempji tagħhom, se jigu mfarrka minn Alla u se jsiru art xaghri u vojta mingħajr ebda tip ta' poter fuq Ulied Alla. Iżda, madankollu, bħal l'Ulied l-ohra kollha t'Alla se jingħataw l-opportunità li jirrifjutaw lil Satana qabel il-Jum il-Kbir. Uħud se jaċċettaw l-Id tal-Ħniena Tieghi, iżda ħafna se jirrifjutawha, għax jemmnu fil-gideb qarrieqi, li hallew marka fuq ruhhom mill-bestja.

Huma jemmnu li, billi jikkontrollaw id-dinja, jkabbru l-għarfien tagħhom ta' l-univers, jikkontrollaw il-ħajja billi jtawlu hajjet il-bniedem u billi jnaqqsu l-popolazzjoni globali li huma ser isiru bhal Alla.

Satana huwa attent hafna fuq kif ser jahtfilhom ruhhom. Jurihom viżjonijiet sbieh tal-futur, fejn jghidilhom li dak huwa tagħhom. Jghidilhom bi grajjiet kbar, li ghandhom iseħħu fil-futur, li ser ikunu tagħhom biex johduh. Kollu huwa gideb. Xejn minn dak li jghidilhom ma huwa veru. Satana għandu ħafna poteri, li kienu mogħtija lilu minn Alla, bħala Lucifru, wieħed mill-aktar anġli qawwija fil-ġerarkija ta' Missieri. Huwa juri lis-segwaċi tiegħu xbiha sabiħa ta' futur glorjuz, u jgħidilhom li se dan kollu jkun tagħhom jekk huma jċedulu ruhhom. Huma jemmnu fil-wegħdiet tiegħu tal-futur.

**L-akbar gidba hija li Satana jista jbassar il-futur, iżda dan qatt ma jista' jkun. Profezija tista' tiġi minn Alla biss**. Ħadd ma nghata dan ir-Rigal, li jista' johrog minn xufftejn Alla biss. Satana ma jistax ibassar grajjiet futuri, dettalji li jistghu jingħataw lill-profeti t'Alla biss. Jekk temmnu fil-wegħdiet ta' Satana, hajjitkom issir gidba u l-Hajja Eterna ma tistax tkun taghkom, sakemm ma taccetawx il-Verità.

Alla wegħdkom Hajja Eterna. Il-Wegħda Tiegħi li nerga nigi u nehodkom fil-Genna hija Vera. Tinsultawx lil Alla billi tichdu l-Verità.

Gesu' Taghkom

## Alla l-Missier: Meta Ibni jitqies li Huwa midneb, kunu ghafu li din hija l-akbar daghwa.

Il-Hadd 23 ta' Gunju, 2013 @ 6.18pm

Binti l-izjed ghaziza, kif igib ruhu genitur kieku jkunu jafu li wliedhom qeghdin wicc imb'wicc mal-mewt? Ma tahsbux li jitqabdu sa l-ahhar nifs biex isalvawhom minn kull hemm? Dan huwa ezatt ghaliex Jiena qed nintervjeni fid-dinja billi nghid lil Ibni biex jghidilkom il-Verita', halli jsalva il-hajja ta' Uliedi.

Huma l-affarijiet iz-zghar fil-hajja, li ghandhom impatt fuq skala globali. Meta nahla tbiddel l-imgieba taghha u meta l-pollin ma jkunx jista' jigi prodott dan ikollu effett dirett fuq il-hajja li tezisti fid-dinja. Huwa permezz tal-Knisja t'Ibni fid-dinja illi l-hajja tar-ruh tista' tigi mantnuta. Minghajr il-Verita', il-Knisja t'Ibni ma jistax ikollha hajja. Ghalhekk jekk il-gideb jikber bejn il-hitan tal-Knisja, minghajr ma Jiena nintervjeni, dan ikollu mpatt fuq il-hajja tar-ruh.

**Ser ikun meta l-Knisja ddur kontra dak li holoqha, illi l-hajja se tigi meqruda. Din l-infestazzjoni ser ikollha impatt dirett fuq id-dinja kollha, sahansitra fuq dawk li ma jemmnux fil-hajja ta' wara din**. Ser taffettwa wkoll lil dawk ta' religjonijiet ohra, li mhumiex gejjin Minni. Meta dawn il-gideb jinfestaw il-Gisem Mistiku ta' Ibni, Gesu' Kristu fid-dinja, dawn igibu l-mard. Il-mard jekk ma tiehux hsiebu jgib il-mewt. Ghalhekk bhala Alla, Missier tal-Holqien kollu, Jien miniex ser noqghod lura u nhalli lill-ghedewwa jeqirdu l-erwieh ta' Uliedi.

**Meta thabbtu wicckom mal-gideb dawn johorgu mill-hluq tal-qarrieqa b'mod konfuz u bla sens. Il-gideb li diga beda qed jigi mohbi f'lingwagg umli, qed jahbi l-akbar gideb kontra d-duttrina Vera tal-Knisja**. Kunu ghafuhom ghal dak li huma - mibghutin biex bil-kliem helu jwaqqghukom fid-dnub. Meta Ibni jitqies li Huwa midneb, kunu ghafu li din hija l-akbar daghwa, ghax dan ma jistax ikun.

Jiena baghatt lil Ibni fil-Gisem u bhalkom lkoll, hlief ghal haga wahda. Huwa kien imwieled minghajr dnub, u ghalhekk ma jistax jaghmel dnub. Kull min juza’ l-Verita’ u jghawwigha, biex idahhal tifsira gdida tat-Tislib tal-Mahbub Iben Tieghi, huwa giddieb. Mhux gej Minni u huwa l-ghadu ta’ Ibni.

Araw issa, ulied zghar Tieghi, hekk kif il-bestja u x-xjaten li huwa baghat biex jifirdukom Minni, qed jiggerrew fostkom. Ghandkom tkunu b’sahhitkom. Ghandkom tkunu tafu li Ibni dejjem takom il-Verita’ meta Hu kien fuq id-Dinja u meta Hu miet ghal dnubietkom. **Huwa**

**ta Gismu b'sagrificcju biex jifdikom, izda qatt ma sar midneb, ghax Hu mhux wiehed minnkom.**

Ibqghu lejali lejn il-Kelma Tieghi u t-Taghlim ta' Ibni. Ghax jekk ma tibqghux, intom tigu mhajra biex taccettaw il-gideb, li m'huma ser igibulkom xejn hlief tbatija ghall'eternita'.

Il-Mahbub Missierkom
Alla l-izjed Gholi.

**Il-Verità tehliskom. Il-gideb jeqridkom**

IL-Ħadd 23 ta`Ġunju, 2013 @ 6.37pm

Ghaziza mahbuba binti**, kif tinqasam qalbi għat-tbatija ta` l-għeżież imsejkna qaddejja Tiegħi, li issa se jibdew jaraw il-konfużjoni, li qed tiġi ppreżentata fi hdan il-Knisja Tieghi**. Lilhom, nghidlihom dan. Ibqghu u agħmlu dak li ghandkom taghmlu biex taqduni, taħt is-saqaf tal-Knisja Tiegħi. Ibqghu sodi fit-Taghlim Tiegħi. Taċċettawx dawk li qed jissejhu spjegazzjonijiet teoloġiċi ġodda dwar min Jien; dak li għamilt għall-umanità jew kif se nerġa' lura biex nerga' niehu lura lil Ulied kollha t'Alla, li jaċċettaw il-Hniena Tieghi. Afdaw biss fil-Kelma Qaddisa Tieghi, mogħtija lilkom permezz tal-appostli Tiegħi u fil-Bibbja Qaddisa. Dak kollu, li jkun differenti mis-Sagramenti Qaddisa jew dak li lilkom qalulkom dwar il-ħtieġa għal fidwa - taċċettawhx.

Jiena l-Verità. Intom ġejtu mogħtija l-Verità. Il-Verità biss tista` ssalvalkom ruhkom mid-dannazjoni. Il-Verità tehliskom. Il-gideb jeqridkom.
Jiena solennement inwieghed lil kull wiehed minnkom, qaddejja qaddisa prezzjuzi Tiegħi, grazzji straordinarji, sabiex tibqghu fuq saqajkom fil-wiċċ tal-persekuzzjoni, hekk kif il-fidi tagħkom tiġi ttestjata sal-limiti, jekk tghidu din it-talba.

**Talba tal-kruċjata (110) Għas-Sacerdoti biex jibqghu fidili għall-Kelma Qaddisa.**

*O l-ghezez Ġesu` Tiegħi. Nitolbok izzomnn+i b'sahhti u mimli kuraġġ, sabiex inkun nista' niddefendi l-Verità fl-Isem Qaddis Tieghek*
.
*Agħtini l-Grazzji li ghandi bzonn - nitolbok - biex nagħti xhieda tal-Kelma Qaddisa Tieghek il-hin kollu.*

*Sahhahni halli nkun niflah ghall-pressjonijiet li jippromwovu l-gideb, meta nkun naf fil-qalb tiegħi li dawn joffenduk.*

*Għini sabiex nibqa' fidil lejn il-Kelma Qaddisa Tieghek, sal-ġurnata li mmut. Amen.*

Ghall-qaddejja qaddisa Tiegħi, irrid naghtihom kelma waħda ohra li ghaliha jridu joqghodu attenti.

Ghandkom tiddefendu r-Rigal tar-Rikonċiljazzjoni u tifhmu li dawk biss li jkollhom indiema għal dnubiethom u jaċċettaw Lili, Ġesù Kristu, bħala l-muftieħ għas-salvazzjoni tagħhom, se jingħaqdu Mieghi fis-Sema.

Ġesù Tagħkom.

**L-Omm t'Alla: Ghandkom tibqghu lejali lejn dak li ghallimkom Ibni. Huwa kien bhalkom f'kollox minbarra d-dnub**.

It-Tnejn, 24 ta' Gunju 2013 @ 2.18pm

Jiena l-Mahbuba Omm taghkom, Sultana ta' l-angli, Omm Alla. Jiena l-Immakulata Kuncizzjoni.

Uliedi, intom ma tafux li Ibni f'dan iz-zmien qieghed imexxi lilkom kollha li tigu Quddiemu b'qalb miftuha?

Sabiex tkunu xhieda tas-Sinjur Alla, permezz ta' Ibnu, intom ghandkom tibqghu lejali lejn it-Taghlim Tieghu. Dawn minquxa fil-blat u ghalhekk qatt ma jistghu jitbiddlu. **Il-Verita' qatt ma tista' titbiddel.** L-ulied kollha t'Alla gew moghtija l-Verita', izda mhux kollha accettaw Min kien jew minn fejn gie. Dawk li ma jaccettawx il-Verita' moghtija lill-umanita' bit-Tislib ta' Ibni, Gesu' Kristu, m'ghandhom qatt jinsew dak li Hu kien qalilkom.

Huwa kien spjegalkom kollox. **Xejn ma tbiddel. Intom ghandkom tibqghu ghassa l-hin kollu, ghax ga qed tigu svijjati u daqt, hafna minnkom ser jaqghu fl-izball.**

Id-dnub huwa dnub. Dan ma joghgobx lil Alla, izda jigi mahfur biss meta turu ndiema u meta titolbu ghall-fidwa. Il-Grazzji tal-Hajja Eterna huma ghall-ulied kollha t'Alla, li jitolbu ghal dawn. **Kull wild t'Alla, permezz tal-Hniena ta' Ibni, ser jigi moghti hin u wara Rigal kbir biex ifakkarhom fil-Verita'**. B'dan il-mod, il-parti l-kbira tal-popolazzjoni tad-dinja sejra u tkun tista' tigi salvata u wara jigu moghtija r-Rigal tal-Hajja fil-Genna l-Gdida.

Bhala midinbin, intom ghandkom tibqghu titolbu l-mahfra permezz ta' Ibni, sabiex tibqghu fi Stat ta' Grazzja. Dnubietkom ma jistghux jinhafrulkom qabel ma intom titolbu lil Ibni ghar-Rigal tar-Rikolciljazzjoni.

**Intom ghandkom tibqghu lejali lejn dak li ghallimkom Ibni. Huwa kien bhalkom f'kollox minbarra d-dnub**. Alla jista' Kollox. Alla huwa Mhabba. Alla huwa Perfett. Alla permezz ta' Ibnu, qatt ma seta' jigi mwaqqa' fid-dnub.

Gheziez uliedi, morru fil-paci, u ladarba tibqghu sodi u lejali lejn il-Verita', li tista' biss tigi minn Alla, intom tghixu hajja shiha u glorjuza fil-gisem u fir-ruh u f'armonija ma' Ibni.

L-Omm taghkom

Omm tas-Salvazzjoni.

**Ftit huma dawk li jfittxu l-farag taghhom Fija. Jien nistenna bil-paċenzja u xorta wahda Huma ma jigux Ghandi**.

It-Tlieta 25 ta' Gunju, 2013 @ 20:45pm

Ghaziza mahbuba binti, id-Dmugħ Tiegħi jinzel illum, hekk kif il-mizerja tal-ħażen, li ġie manifestat f'qalb il-bniedem, zdiedet. **Tant saru iebsin li qalbhom tal-gebel ma fiha ebda spazju Ghalija, Ġesù Kristu, biex naghtihom il-paci minn gewwa**.

Issa Qalbi qed tfur bid-dwejjaq, għall-Insara li tbieghdu mill-Verità u minn dak kollu li Jien ghallimthom. Ftit huma dawk li jsibu l-farag taghhom Fja. Jien nistenna bil-paċenzja u xorta wahda Huma ma jigux Ghandi. Bnew hajt li jifridhom Minni u jparlaw bil-kliem biss dwar il-Wegħda Tiegħi li ghandi nerga' nigi. Kif insew dak li Jien għidt, dak li Għamilt biex salvajthom u dak li Ghidtilhom permezz tal-Ktieb ta' Missieri, biex jistennew iz-zmien, meta joqrob.

Imsejkna, msejkna wliedi. Ghandi bzonn inqajjem l-Imħabba Ghalija fi qlubhom, l-ewwel, jekk iridu li jirċievu l-farag u jonqsilhom l-uġigħ ta' dak li ghandhom jghaddu minnu f'din il-ħajja. **Ghandhom jifthu dirghajhom u Jsejhuli issa, f'dan iż-żmien, biex Jien inkun nista' naghmel il-bidla bla tbatija għalihom.**

M'Għandi l-ebda xewqa li ngib tbatija fuq Ulied Alla. Imma, billi cahdu l-Verità tat-Taghlim Tiegħi u l-Liġijiet li ghamel Missieri, dawn se jiġu mkaxkra f'taqbida terribbli mal-ispirtu tal-ħażen, qabel ma l-Ħniena Tiegħi tkun tista ggibhom f'Dirghajja fejn Jien ser insalvhom.

Kemm ghandhom fidi zghira fi qlubhom, f' Alla l-Wiehed Veru. Kemm huma superficjali u kemm ihaddnu malajr il-gideb, sabiex jissodisfaw il-gibda tagħhom għad-dnub. Kemm jibilghu kollox, meta huma jaċċettaw il-gideb, li jaqbel ghall-istil ta' ħajja taghhom, sabiex jiġġustifikaw id-dnub.

Kollox jghaddi, kulma jiġġustifika d-dnub bil-mohh uman, huwa l-unika triq li huma jagħżlu, sabiex ikunu jistgħu jgħixu ħajjithom kif jixtiequ. **Il-Verità hija tant diffiċli biex taccettha u iebsa li tnizzilha, li hemm bzonn tas-sagrifiċċji tal-gisem sabiex taccettha. Il-Verità, jekk u meta tigi aċċettata, trid kuraġġ kbir u dawk biss li ghandhom ir-Rigal ta' l-Umiltà jistgħu verament iħaddnuha b'faċilità.**

Dawk li ġenwinament ifittxu l-Verità t'Alla spiss jigu mqarrqa minn dawk li jgħidu li qed ixandru l-Kelma t'Alla. L-uniku post li fih issibu l-Verità huwa il-Bibbja Qaddisa u fil-Kelma Qaddisa Tieghi mogħtija lilkom permezz ta' dawn il-messaġġi. Il-Messaġġi Tiegħi Jiddefendu l-Kelma Qaddisa t'Alla, hekk kif hija mnizzla fil-Ktieb ta' Missieri.

Li Thobbuni mhux facli, ghax intom tistghu tigu Ghandi biss, bhala tfal semplici. L-arja kollha li ghandkom u l-grazzji kollha taghkom, li ssoltu turu lid-dinja fil-ħajja ta' kuljum, ghandhom jigu mhollija fil-ġenb.   Tistghu tigu Ghandi biss, bhala tfal semplici, u fiducjuzi. Ghandkom tinxtehtu Quddiemi u Titolbuni li nehodkom, niffurmakhom, nghinkom biex timxu fit-triq it-tajba ghal qdusija u mbagħad biex tafdaw Fija ghal kollox.

Hekk kif thallu kollox f'Idi, Jien se nghollikom, innehhi l-biża' taghkom u ngorrkom lejn is-Saltna Tieghi.  Sahansitra wara dan kollu u bl-Imħabba t'Alla f'ruħkom, ser issibu din it-triq iebsa.  Imma, se jkun bħal li kieku l-għanqbut tneħħew, ghax ladarba l-Verità ssir ċara mhux se jkun hemm triq oħra li intom se tkunu tixtiequ timxu fiha.  Din hija l-unika triq li ser twassalkom ghal Genna u li hija t-triq li ghandkom tiehdu biex taslu Ghandi, Ġesù Kristu. Għax, Jien huwa t-Triq.

Ġesù Taghkom

## [Omm tas-Salvazzjoni: Gibuli lil uliedkom, halli bħala omm vera tal-Ulied kollha t'Alla, Jien inkun nista' nikkonsagrahom lil Ibni.]

L-Erbgħa 26 ta' Gunju, 2013 @ 4:50pm

Għeżież uliedi, bhala Ommkom Jien insejhilkom biex iġġibu lil uliedkom, halli bħala omm vera tal-Ulied kollha t'Alla, Jien inkun nista' nikkonsagrahom lil Ibni, Ġesù Kristu.

**Meta intom tikkonsagraw lil uliedkom lil Ibni, permezz Tieghi, l-Omm tas-Salvazzjoni, Jien se nressaqhom quddiem Ibni, sabiex ikun jista' jghatihom Grazzji kbar ghal ruhhom.**

Qatt m'ghandkom tinsew l-Imhabba kbira li Ibni ghandu ghal Ulied Alla. **Ma taghmilx differenza l-età taghhom, meta toffruwhom lil Ibni, għall-qdusija ta' ruhhom, permezz Tieghi, l-Imbierka Ommu, it-talb taghkom se jiġi mwiegeb.** Hawnhekk hawn Talba tal-Krucjata ghal uliedkom. Meta tghiduha kuljum, se ggib lit-tfal taghkom eqreb lejn il-Qalb Hanina ta' Ġesù.

**Talba tal-Kruċjata (111) Biex tikkonsagraw lil Uliedkom lil Ġesù Kristu**

*O ghaziza Omm tas-Salvazzjoni,*

*Jien nikkonsagra lil uliedi (l-isem tat-tfal hawn) quddiem Ibnek, sabiex Hu jkun jista' jgibilhom il-paċi tal-ispirtu u l-imħabba tal-qalb.*

*Jekk jogħġbok itlob li wliedi jiġu aċċettati fid-dirghajn tal-Hniena t' Ibnek u jżommhom il'boghod mill-ħsara.*

*Ghinhom sabiex jibqgħu jharsu l-Kelma Qaddisa t'Alla speċjalment fi żminijiet, meta jkunu fit-tentazzjoni biex iduru l'bogħod Minnu. Amen.*

It-talba Tiegħi, f'isimkom, għat-tfal għeżież taghkom, se tigi aċċettata minn Ibni, bħala Rigal speċjali Ghalija, l-Omm Tiegħu, hekk kif wasalt biex inwettaq il-wegħda Tiegħi lil Ibni permezz tal-Missjoni Tiegħi biex ngħin insalva l-erwieħ il-mitlufa tal-Ulied t'Alla, li tibda f'dan iz-zmien. Ir-rwol tiegħi bħala Omm tas-Salvazzjoni beda b'ritmu mghaggel u b'Rigali speċjali, permezz tal-interċessjoni Tiegħi biex ingib il-Ħniena t'Alla fuq il-midinbin, li ser tingħata bil-bosta lil dawk kollha li Jsehuli.

Morru fil-paci wliedi. Jien, l-Omm ghaziza taghkom tas-Salvazzjoni, li dejjem se nwiegeb għas-sejħa taghkom, meta titolbu ghas-salvazzjoni tal-erwieħ.

L-Omm ghaziza taghkom,

L-Omm tas-Salvazzjoni

## [Il-Ġustizzja Tiegħi se taqa' fuq dawk kollha li jzommu l-Kelma Qaddisa t'Alla milli ssir magħrufa mad-dinja]

Il-Ħamis 27 ta`Ġunju, 2013 @ 11.20pm

Ghaziza mahbuba binti, thallix r-Revelazzjonijiet Tiegħi jgibulek dulur jew biża'. Inti qed tiġi mmexxija u anke meta t-tbatija ma tkunx tiflah ghaliha, nitolbok tiftakar fil-kliem Tiegħi.

Missieri wiegħed, permezz tal-profeti tal-qedem, li Hu kien se jibgħat il-profeta finali, il-messaġġier finali. **Hi kemm hi tal-biża' jew kemm twerwrek din, kun ghaf li huwa permezz ta` dan l-att, li l-Patt Finali t'Alla jista` jasal ghall-qofol Tiegħu**.

Ngħidilkom issa, ibżghu dawk minnkom li tinsultaw l-Kelma t'Alla. Ixhtu għajnejkom l-isfel u għattuhom b`idejkom, mod specjali dawk minnkom li beżqu f`wicci, f'dan iż-żmien, minħabba dawn, il-Messaggi Tiegħi ta' Rikonċiljazzjoni. Intom ma jixirqilkomx toqoghdu fil-Preżenza Tieghi**. Intom li tghadduni biz-zmien issa, se tkunu inkwetati u tibqghu tinkwetaw sal Jum il-Kbir, ghax intom tkunu tliftuli l-erwieħ li tant nixtieq.**

Lill-qaddejja qaddisa Tiegħi, li jiddisprezzaw l-intervent Tiegħi, permezz ta' dawn il-Messaġġi, il-jum tagħkom ghad jasal, meta nistaqsikom hekk. Waqt li intom qattajtu tant mill-hin tagħkom tiċħdu il-Vuci Vera Tieghi, kemm erwieħ gbartuli? U kemm bghattu l-boghod Minni b'dawk l-atti, li fuqhom Jiena ser niggudikakom?

**Dawk fostkom, li jaghjtu d-dagħa kontra l-Ispirtu s-Santu, kunu ghafu li qabel il-Jum il-Kbir, u bħala sinjal għal kulħadd, fuqkom ser taqa' l-qerda. L-ebda kelma mhu se tohrog minn xufftejkom u b'dan, intom se tinkixfu fost il-merhla taghkom - l-istess merhla li intom tkunu ghidtulhom biex jinjoraw dawn il-Messaġġi, għax dawn ma jkunux ġejjin minn Alla**. Dakinhar, s-segwaċi tagħkom se jkunu jafu l-Verità u intom se taqgħu quddiemi. Mhux se nitlob l-ebda skuza għax qed naghti din it-twissija. Jekk intom tkasbru l-Kelma ta' l-Ispirtu s-Santu, Jien naqtaghkom Minni u intom u dawk kollha li ggibu maghkom fix-xahri se tghajtu b'ghajjat terribbli.

**Il-Ġustizzja Tiegħi se taqa` fuq dawk kollha li jzommu l-Kelma Qaddisa t'Alla milli ssir magħrufa mad-dinja. Tagħhom se jkun l-agħar kastig, għax l-uġigħ li se jghaddu minnu, se jkunu agħar minn dak fl-aghar livell tal-Purgatorju**. Il-ħażen tagħkom jahsad lil hafna erwieħ tajba innoċenti, li huma lejali lejn il-Knisja Tieghi fid-Dinja. Il-moħqrija tagħkom, li ser tinkixef f'waqtha, se jarawha ħafna u mbagħad il-lejaltà vera tagħkom lejn il-Kelma t'Alla se tigi ghall-prova fl-ahhar. Imbagħad intom se tigu quddiemi fil-Jum il-Kbir meta nigi biex niehu lura l-Ulied kollha t`Alla - meta nigi biex neħlishom mill-eżilju u neħodhom lejn id-dar finali tagħhom ta' Mhabba u Paċi fl-Era l-ġdida tas-Sema l-Gdida Tieghi. Dan huwa meta s-Sema u l-Art isiru haga waħda.

Is-Salvatur Tagħkom.

## Il-bidla fil-format tal-Quddiesa dalwaqt se tiġi ppreżentata fil-Knisja Tieghi.

Is-Sibt 29 ta` Ġunju, 2013 @ 9.13pm

Ghaziza mahbuba binti, inti ghandek tinjora l-mibegħda li qed tinxtered mill-ħluq ta' dawk li jghidu li huma poplu qaddis u segwaċi lejali ta' l-ghaziza u Maħbuba Ommi. Kun ghaf li l-mibegħda li se tintwera kontra tieghek se tkun agħar minn dik li garrab kull profeta iehor li gie qablek. Ngħidlek dan mhux biex imbezzak imma biss biex inti taccetta dan il-fatt u tinjora l-ħażen kollu. Kull meta l-Preżenza t'Alla tigi mgharrfa fost il-bnedmin, din dejjem tqajjem reazzjoni vjolenti mill-bhima li se jaħdem permezz ta' oħrajn biex jiċħdu il-Kelma t' Alla.

Binti Il-bidla fil-format tal-Quddiesa dalwaqt se tiġi ppreżentata fil-Knisja Tieghi.
Din se tkun ta' tahwid u ħafna, se jonqsu milli jaraw il-gideb li se jigu ppreżentati qalb it-talb il-ġdid. Il-Preżenza Tiegħi se tigi mnehhija bl-aktar mod sottili, u dawk li jsegwu l-format il-ġdid, fejn il-Preżenza Vera Tieghi, se tiġi miċħuda mhux se jkunu kapaċi jwettqu s-Sagrifiċċju lil Alla fil-mod kif għandu jkun. **Binti, inti ser tigi mmaqdra minhabba din ir-rivelazzjoni iżda ghandek tkun taf li dan kien mbassar. Lis-Segwaċi Tiegħi se jghidulhom li t-Tqarbina Qaddisa hija dwar in-nies kollha - kullimkien - tgħaqqad haga wahda biex turi l-imħabba għal xulxin.** Bil-mod, iżda fi zgur, il-quddiesa mhux se tibqa` dwar is-Sagrifiċċju Qaddis Tieghi. Minflok iċ-ċerimonja se tkun maħluqa biex taghti qima lill-bniedem u intom tigu mqarrqa billi taraw konfrontazzjoni quddiem l-Altari Mqaddsa Tiegħi u t-tabernakli kollha fid-dinja.

**Il-jum meta s-sagrifiċċji ta' kuljum jitwaqfu, mhux fil-bogħod**. Kunu ghafu li qed nigi nwissikom b'dan issa sabiex intom ma tmututx bil-guh. Meta intom tigu mċaħħda mill-Preżenza Tiegħi, intom tkunu vojta mill-Ispirtu Tiegħi u intom se ssibuha bi tqila li tibqgħu qrib Tieghi.

**Il-kliem li se jintużaw biex iqarrqu bikom ser ikun fihom il-kliem "għall-ġid ta' kulħadd - għall-ghaqda ta' l- Ulied Kollha t'Alla."** Il-Quddiesa se tieħu tifsira ġdida. Minsija se tkun il-Mewt Tieghi fuq is-salib u r-raġunijiet kollha għall-quddiesa se jkunu vvintati mill-ġdid. Ftakru f'dak il-jum, il-Kliem Tiegħi lilkom bhalissa. Aċċettaw il-bidla u l-Preżenza Tiegħi se tisparixxi. Jien se nkun magħkom iżda mhux se jkun il-Gisem Tieghi li intom ser ikollhom sehem fih.

Lil dawk li ma jemmnux fil-pjan hazin li diġà ġie maħluq sabiex ihassar kull traċċa Tieghi, Jien ngħidilkom dan. Meta Jien ma nibqaw hemm, intom se tfittxuni? Meta l-Ewkaristija Qaddisa Tiegħi tigi mkasbra, intom se ggibu skużi għal dawk responsabbli? Jew intom se ssegwuni u tisimgħu l-Verità meta intom sa tkunu mdawra bil-gideb.

L-għażla se tkun tagħkom.

Ġesù Taghkom.

**Intom sa tigu akkuzati li qed tikkonfoffaw kontra l-Knisja Tieghi stess, izda l-unika htija taghkom sa tkun li zammejtu l-Verita'**.

Il-Hadd, 30 ta' Gunju 2013 @ 11.10pm

Ghaziza mahbuba binti, l-wiehed tal-hazen mhux ser jieqaf ghal mument wiehed mill-persekuzzjoni tieghu kontra dawk li jhobbuni. Meta l-erwieh ikunu qrib Tieghi u meta l-imhabba taghhom Lejja tikber, huwa dejjem ikun hemm, lest biex jigbidhom l-boghod Minni.

Meta ssalvaw l-erwieh permezz tat-talb taghkom, il-wiehed tal-hazen dejjem ser juza' r-rabja kollha tieghu kontrikom u intom thossukom imwegga' ghax issiru l-mira tal-kritika, specjalment minn dawk li intom thobbu. Ghandkom tidraw dan l-ugigh u n-niket meta intom timxu warajja u meta taccettaw dan l-intervent Tieghi permezz ta' dawn il-Messaggi. **Dawn igibu maghhom swat bil-kbir, ghax dawn il-Messaggi ser ikunu l-htija li jsalvaw izjed minn 7 biljun ruh.**

Meta ix-xitan ikun jaf li qed jitlef l-erwieh u jigu ghandi, huwa juza' dak kollu li jista' sabiex johloq dubji fl-imhuh ta' dawk lejali Lejja u mbaghad igib tilwim terribbli bejn dawk li jimxu warajja. Intom ghandkom taghrfu xoghol ix-xitan u tkunu tafu illi izjed ma tkunu ppersegwitati, ghax qed taccettaw l-Id Tieghi ta' Hniena, illi intom qed timxu wara l-Verita'. Hija biss il-Kelma t'Alla meta tkun prezenti bl-aktar mod qawwi – meta l-Ispirtu s-Santu jidher qalb dawk il-gruppi ta' wlied Alla – meta l-wiehed tal-hazen jahdem l-aktar bis-sahha. Satana huwa fferocjat kontra din il-Missjoni, u ghal dawk minnkom li ghandkom dubju dwar il-Kelma Tieghi, moghtija f'dan iz-zmien, kunu ghafu dan.

**Hija biss il-Kelma Tieghi li tista' tohloq tant rabja, sahansitra fost dawk li jemmnu Fija u li jimxu mat-Taghlim Tieghi. Hadd minnkom m'hu mehlus mill-attakki**. Intom s-segwaci prezzjuzi Tieghi, ser issibu ruhkom fuq in-naha fejn tlaqqtu kull ma dawk l-ilsna hziena jghidu kontrija. Lilkom jobzqulkom, jiddiehqu bikom u jwaqqawkom ghac-cajt. **Intom sa tigu akkuzati li qed tikkonfoffaw kontra l-Knisja Tieghi stess, izda l-unika htija taghkom sa tkun li zammejtu l-Verita'**. Dawk kollha li zammew il-Kelma t'Alla u li ma hallewx lilhom infushom jigu svijjati mill-Verita', dejjem batew taht id dawk li kienu jzommu lilhom infushom bhala r-rapprezentanti l-maghzulin t'Alla, quddiem ghajnejn dawk l-erwieh li kienu veru jhobbui.

Hemm differenza bejn dawk li jghidu li jafu aktar u ghalhekk ghandhom aktar dritt li jiggudikaw ohrajn f'Ismi, minn dawk li semplicement ihobbuni. Intom tkunu denji li tieqfu u tiddikjaraw li thobbuni biss, jekk timxu fuq l-Ezempju Tieghi. **Jiena qatt ma nghid li bniedem huwa ahjar minn iehor – ghax intom kollha midinbin.** Ghalhekk Jien qatt ma

naccetta lil dawk li jghidu li jafu kollox dwari u jiddikjaraw li huma aqwa minn ohrajn. Dawk li jghidu li jafuni u jinsultaw ohrajn f'Ismi, ma jafuni xejn.

Ix-xitan jimla' l-erwieh bil-fehma li huma l-aqwa, bil-kburija u r-rabja. Dawn huma t-tlett hwejjeg li minnhom tindunaw li huwa jinsab f'dik ir-ruh, meta huwa jipprova jwaqqaf erwieh milli jxerrdu l-Verita' t'Alla. Kemm ser ibatu dawn l-erwieh, issa waqt li din il-Missjoni tant mistennija qeghdin tghixuha fostkom. Kull wiehed minnkom li jwiegeb ghas-Sejha Tieghi ser isib ma' wiccu lil min jabbuzah u lil min iwaqqghu ghac-cajt fil-pubbliku, tant li taqtalek nifsek – hekk ser ikun kbir it-tixrid tal-mibeghda. Irridkom tifhmu li mhux lejkom hija mmirata l-mibeghda, izda Satana jrid iwaqqaf Lehni, meta dan qed jinxtered biex insalvakom mill-pjan makakk tieghu, li kien gie mahsub u ppjanat ilu hafna. Ma jistax ikun hemm rebha ghall-bestja, izda huwa jaf kemm insofri Jiena meta jahtafli l-erwieh. Thallux dan it-tfixkil jaghmikom ghall-Verita'.

**Il-Verita' ssalvalkom hajjitkom u meta xxerrdu l-Verita', din iggibli izjed erwieh. Hekk irrid nirbahlu lill-bestja**. Intom tigu mkenna minn kull hemm, izda ser issofru minhabba li jittimbrawkom boloh. U dan kollu ghax thobbu Lili.

Gesu' Taghkom.

**Omm is-Salvazzjoni: Dak li Jiena kont xhud tieghu ma jistax jitnizzel fuq il-karta, tant kienu vili l-krudeltajiet li ghamlu fuq il-Gisem Divin Tieghu.**

It-Tnejn, 1 ta' Lulju 2013 @ 4.43pm

Binti, meta inti ssofri ghal Ibni, huwa accettat li tghajjat bl-ugigh, ghax wara kollox inti umana**. Meta Jiena kont xhud tas-swat li taw lil Ibni u mbaghad it-Tislib terribbli Tieghu, Jiena ma flahtx aktar bil-ghali. U x'hin kont nara l-imsejken Gismu jilqa' dak li lanqas annimal fil-biccerija ma jiflah ghalih, tant tawni hass hazinijiet, li bilkemm flaht noqghod bil-wieqfa.**

**Kemm sofra, hadd qatt m'hu ser ikun jaf, ghax dak li Jiena kont xhud tieghu qatt ma jista' jitnizzel fuq il-karta, tant kemm kienu vili l-krudeltajiet li ghamlu fuq il-Gisem Divin Tieghu. Ghalhekk hija tant ftit id-deskrizzjoni tal-insulti li huma ghamlu Fuqu, ghax kieku tkun tahsad tant, illi meta tinkiteb din twaqqa' l-Isem Qaddis Tieghu**.

Inti binti qed issofri biss farka zghira mill-ugigh Tieghu. Inti ghandek tkun taf illi filwaqt li inti tkun qed thoss l-ugigh fiziku, Ibni jippermetti li l-ugigh Tieghu jidher biss f'dawk li Hu jaghzel. Meta Hu jaghmel hekk, dan jghin biex Huwa jisfida, jeghleb u jeqred il-qawwa tal-hazen, permezz tar-rigal tar-rieda hielsa tieghek lill-Iben prezzjuz tieghi. B'dan inti tkun qed tikkonsagra ruhek, flimkien mal-gisem tieghek, u dan huwa rigal specjali Ghalih – rigal li bih Hu jkun jista' jsalva ohrajn.

Ghalhekk nitolbok tifhem illi meta Ibni jzidlek it-tbatija u meta Huwa jsofri fik, din hija Grazzja, illi inti m'ghandekx tirrifjutha. Ghannaqha. Inti dalwaqt tifhem din kemm hija qawwija. Meta Ibni jibghat il-Pjagi Tieghu f'gisem ta' ruh maghzula, din iggib maghha persekuzzjoni kbira. Dan huwa meta l-wiehed tal-hazen jattakka b'rabja vera u vjolenti. Inti ghall-bidu tkun imbezza', izda issa li inti taf, inti taccetta dan u bil-kwiet tipprotegi lilek innifsek billi tghid ghall-anqas tlett darbiet kuljum, ir-Ruzarju Qaddis tieghi.

Binti kun zgura li l-biza' ma jbeghdekx minn dan ix-Xoghol, ghax dak hu li jrid il-wiehed tal-hazen. Inti ghandek tieqaflu, tghaddi minn dan kollu u tibqa' siekta, meta l-mibeghda tikber kontrik.

Dawn il-provi huma ta' min jistennihom f' Missjoni ta' dan il-kobor. Kun fil-paci u kun ghaf illi l-angli u l-qaddisin qeghdin mieghek u jmexxuk.

L-Omm mahbuba tieghek

Omm Alla

Omm tas-Salvazzjoni.

## **Omm tas-Salvazzjoni: Lanqas bieb wiehed ma nfetah biex ihallu lil Ibni jigi fid-dinja bid-dinjita'.**

L-Erbgha, 3 ta' Lulju 2013 @
Ghaziza binti, meta inti tigi mitluqa wahdek fix-xahri u maqtugha minhabba din il-Missjoni, huwa mportanti li tkun taf ir-raguni ghaliex. Ghax meta ssir taf, ikun izjed facli ghalik li taccetta din il-kefrija.

Meta Jiena kont wasalt biex inwelled, lanqas bieb wiehed ma nfetah biex ihallu lil Ibni jigi fid-dinja bid-dinjita'**. Hekk kif kull bieb beda jissabbat f'Wicc Alla, li baghat lill-Iben il-Wahdieni Tieghu biex isalva lill-bniedem mid-dnub, hekk jerga' jigri ezatt issa, kif Alla qed ihejji t-triq ghat-Tieni Migja ta' Ibnu.**

Hekk kif Alla qed ihejji d-dinja ghal dan il-jum il-kbir, il-bibien ser jergghu jinghalqu, bi sfida kontra il-Kelma t'Alla. Inti bhala l-messaggier, ser tkompli issib ma' wiccek oppozizzjoni kiefra. Hafna mhux talli ser izommu l-bibien maghluqa – dan ikun biss l-ewwel insult – izda dawn ser jghajtu oxxenitajiet u jweggghu lilek binti, ghax huma ma jridux jisimghu il-Kelma t'Alla.

L-ispirtu tal-hazen jispikka f'dan iz-zmien krucjali fl-istorja ta' l-umanita' u ser jishaq sahansitra lill-izjed qaddisa fost ulied Alla. Huma dawk biss l-izjed kuragguzi li ser jieqfulu lill-ispirtu tal-hazen, li ser imarrad miljuni sabiex dawn jirrifjutaw il-Hniena t'Ibni.

**M'humiex il-Messaggi biss li jigu mibghuda, izda huwa l-biza' li permezz tal-Hniena t'Ibni, izjed erwieh ser jigu salvati mill-qabda tieghu**. Il-wiehed tal-hazen jahdem u jinseg triqtu ghal gol-qlub ta' hafna erwieh, b'mod specjali f'dawk li huma qrib ta' Ibni. Is-segwaci devoti fil-Knisja t'Ibni huma l-ewwel mira tal-wiehed tal-hazen, li hu ser idawwar hafna minnhom kontra l-Kelma Tieghu f'dan iz-zmien.

**Il-Kelma Vera t'Ibni, Gesu' Kristu, matul is-sekli naqqsulha hafna mis-sahha taghha u l-kontenut tal-Bibbja Qaddisa issa qed jigi michud minn hafna, li jghidu li jafu lil Ibni.** Ftakru li t-taqbida ghall-erwieh qed tigi missielta bejn l-angli u l-qaddisin fis-Saltna ta' Missieri, kontra l-qarrieqi. Inti binti gejt maqbuda bejniethom u bhala tali, sirt mira facli.

Huwa minhabba l-enormita' ta' din il-Missjoni u minhabba li inti profeta – u mhux vizzjunarja – li inti jkollok tahdem wahdek u tkun mibghuda fost il-bnedmin. Thallix din il-persekuzzjoni tnikktek jew taghmlek thossok li m'intix b'sahhtek bizzejjed, ghax dan ma jistax ikun. Inti gejt mibghuta u qed tigi protetta u ser tqum u tkompli xxerred il-Kelma t'Alla, sa l-ahhar jum. Dan kollu kien gie mhabbar u meta l-erwieh tad-dinja jigu salvati u meta s-Saltna l-Gdida – il-Genna l-Gdida – tibda, xejn minn din it-tbatija ma tkun aktar ta' mportanza.
Ifrah u tibzax, Jiena, l-Omm Ghaziza Tieghek, ser immexxik u nipprotegik, sahansitra fl-aktar siegha mudlama, halli d-Dawl t'Alla jimla mohhok, gismek u ruhek kuljum.

Inhobbok, binti,  u ghandek tkun taf li inti gejt imbierka bir-rigal tal-Perseveranza.  Issa kollox huwa f' Idejn Alla.  Afdah, f'kull hin.

Il-Mahbuba Ommok
Omm Alla
Omm is-Salvazzjoni

**Dalwaqt ser ikun hemm terremoti kbar fir-Russja u fic-Cina u dawn ser isehhu wiehed wara l-iehor.**

L-Erbgha, 3 ta' Lulju 2013 @ 1.30pm

Ghaziza mahbuba binti, kemm hassejtu n-nuqqas tal-hin tieghek u kemm qed niehu gost illi d-dlam spiritwali, li kien waqa' fuqek dawn il-jiem, issa telaq.  Inti ghandek tibqa' tghid ir-Ruzarju Qaddis biex tipprotegi lilek innifsek u kollox imur sew.

**Id-dinja ser ticcaqlaq, kif kien imbassar, u terz minnha ser jinxtewa, bhala rizultat dirett tad-dnub tal-bniedem.  It-talb jista' jtaffi hafna minn dawn il-fjammi, li ser jinzlu mis-sema fuq partijiet tad-dinja fejn ligijiet hziena qed jirrabjaw lil Missieri.**

Id-dnub kontra l-ligijiet t'Alla jigi ttollerat sakemm dawk li jafu l-Verita' u jaccettaw il-Kelma t'Alla, jonorawH.  Izda issa, dawk li intom poggejtu f'pozizzjonijiet ta' poter taw daharhom lil Alla.  Ta' dan huma ser jigu kkastigati permezz ta' taqlib ekologiku.  Il-purifikazzjoni hija l-uniku mod li bih tqajjem lill-umanita' sabiex tigihom l-indiema f' ruhhom.  Modi ohra, filwaqt li jgibu konverzjoni, ma kinux bizzejjed .  Il-bniedem ser isofri sensiela twila ta' kastigi, hekk kif huwa jibqa' jhaddan il-paganizmu u joqtol wiehed lill-iehor.

**L-Intervent t'Alla huwa bzonnjuz.  Minghajru intom tigu minsijin ghal raskom.**

Dalwaqt ser ikun hemm terremoti kbar fir-Russja u fic-Cina u dawn ser isehhu wiehed wara l-iehor.

**Temp estrem u tibdil f'daqqa tat-temperaturi minn kesha ghal shana kbira ser jinhassu.  L-istaguni mhux ser jibqghu jidhru kif kienu jkunu qabel**.

**Postijiet jeghrqu u maltempati fuq il-bahar ser ikunu fejn qatt qabel ma sehhew**.  Fil-pajjizi fejn jaghmlu ligijiet kontra Alla, it-terremoti ser jghezzu l-art u ghal dawk li jafuni, ser ikunu jafu ghaliex qed isehhu.

Meta jkunu sehhew il-kastigi, jigi t-tieni kastig kbir, li ser ikun ghall-knejjes il-foloz, li b'intenzjoni jwaqqfu l-Verita'.  Ghax huma ser ibatu l-aktar, minhabba l-erwieh li huma serquli.

Waqt li Jiena nikxef izjed dwar il-profeziji, li jinsabu fis-Sigilli, l-bniedem bil-mod jibda jinduna bil-Verita'.  U filwaqt li Alla huwa Mhabba u filwaqt li Huwa Gust, il-kastigi Tieghu ser jinzlu bhax-xita fuq l-umanita' biex jehlisha mill-vanita' l-egoizmu u l-imhabba lejk innifsek, sabiex il-bniedem isir denju li jidhol fil-Genna l-Gdida.  Huma dawk biss ta' qalb pura u umli li ser jinghataw dan ir-Rigal.

Gesu' Taghkom.

## Waqt li tant morr qed jaqsam in-nazzjonijiet, nuqqas ta' fiducja u biza' ser ikomplu jgibu taqlib fost il-popli.

L-Erbgha, 3 ta' Lulju 2013 @ 11.30pm

Ghaziza mahbuba binti, l-gwerrer u t-taqlib kif kien imhabbar, infirxu bhal nirien fis-selvagg, madwar id-dinja kollha. Ftit biss partijiet mid-dinja ser jibqghu mhux affettwati mill-gwerrer u n-nuqqas ta' qbil.

**Waqt li tant morr qed jaqsam in-nazzjonijiet, nuqqas ta' fiducja u biza' ser ikomplu jgibu taqlib fost il-popli, ligijiet mhux insara ser ikomplu jizdiedu, halli l-qtil u l-abort, kif ukoll atti kontra s-Sagramenti Qaddisa, ser jigu mghoddija fil-pajjizi taghkom**. Hafna ser jaqghu fid-dnub, minhabba dawn il-ligijiet, u fil-qrib hafna ser jinhass l-ugigh tad-dlam tar-ruh u ftit ser ikunu dawk li jkollhom il-hila jinjoraw dan.

Ghaliex hawn din l-atmosfera stramba, huma ser jistaqsu, fejn il-fiducja wiehed fl-iehor sparixxiet? Ghaliex ma nistghux nghixu hajjitna kif qalilna Gesu' Kristu, ghax nibzghu li jimmarkawna bhala boloh? It-twegiba qeghda fil-fatt, illi l-pajjizi taghkom, wiehed wiehed, mhux talli regghu kkundannawni, izda talli ddikjaraw li d-dnub huwa skond il-ligi. Meta dan jigri, Satana u l-armata tieghu jigru bikom.

Huma saru qawwija hafna u permezz tal-ligijiet liberali, li jaccettaw id-dnub, huma saru accettati u hemm ma jibqax paci fil-qlub tal-bnedmin, b'rizultat ta' dan. Ikun qisu l-ulied gew misruqa minn ghand il-genituri taghhom u mehuda prigunieri, u dawn jigu mitmugha affarijiet sbieh biex ipattulhom talli huma spiccaw prigunieri. Ghalkemm jigu offruti l-pjaciri kollha, xorta dawn ma jsibux farag. Minflok, dawn l-ulied jhossuhom bla serhan, vojta u jixxenqu ghall-imhabba vera, li tista' tigi biss mill-prezenza tal-genituri.

Il-Prezenza t'Alla ghadha hemm, fil-pajjizi taghkom, izda kif Jiena, Bin il-Bniedem, qed nigi mwarrab, bid-dhul ta' ligijiet hziena fl-artijiet taghkom u dalwaqt anke fil-knejjes taghkom, intom issiru qiskom orfni mitlufa b'imkien fejn tmiddu raskom.

**Minghajr Alla, m'hemmx paci. Minghajri, Gesu' Kristu, Prezenti permezz tat-Taghlim Tieghi, intom qed tigu maqtula bil-guh ftit ftit**. Thallux dawn il-ligijiet iwaqqfukom mid-devozzjoni taghkom Lejja, ghax f'dan iz-zmien aktar minn qatt qabel, Jiena ser nigi ghandkom u naghtikom il-farag li tixtiequ.

Inhobbkom. Nibki minhabba t-telqa taghkom u nweghdkom li din il-persekuzzjoni ma tiehux fit-tul.

Gesu' Taghkom.

[**Alla l-Missier: Naf li l-pjan tal-abort madwar id-dinja huwa kkontrollat.**]()

IL-Ħamis 4 ta` Lulju, 2013 @ 6.40pm

Binti l-izjed ghaziza, **wasal iz-zmien Tieghi biex nintervjeni, bil-forza kollha, fid-dinja, fi żmien ta' dnub kbir kontra Tieghi.**

Il-Pacenzja Tieghi hija ttestjata u r-Rabja Tieghi tqanqlet, meta qed nixhed l-akbar insulti, li qed jiġu mwettqa kontija.

**Bhala l-Ħallieq tal-ħlejjaq kollha, Jiena l-Awtur tal-ħajja. Nohloqha kif nixtieq u ntemma skond ir-Rieda Qaddisa Tieghi**. Huwa meta l-bniedem jipprova jindahal mar-rieda Tieghi, li Jiena ser nattakka lura, għax mhux ser nhalli ghaddej tali ħażen.

Lil dawk li joqtlu lil Uliedi, il-ħajja tagħkom ser tintemm. Niehu l-ħajja taghkom, mhux biss fil-ġisem, iżda fl-ispirtu. L-Ebda ħajja eterna mhux se tkun taghkom, u lanqas ma tista' tingħata lilkom. Il-ħajja li intom tnehhu se tkun il-waqgha tagħkom stess. Għajn għal għajn se jkun il-kastig tagħkom.

Aghtu widen, dawk minnkom li jibqghu sejrin jeqirdu l-ħajja f'kull forma taghha. Naf dak li qeghdin tagħmlu. Naf li l-pjan tal-abort madwar id-dinja huwa kkontrollat minn grupp wieħed fostkom. Naf li dawk il-pajjiżi, li għaġglu permezz ta' leġiżlazzjonijiet oxxeni biex jiġġustifikaw l-abort, huma sempliċi pupazzi. Huma miżmuma bl-ispag u jiżfnu ghat-ton tal-Grupp Wiehed Dinji, li jobdu kollha sid wiehed. Il-lejaltà tagħhom hija lejn il-bhima, li l-akbar pjan tieghu, li jeqred mijiet ta' miljuni ta' ħajjiet, qed issehh, permezz tal-dnub tal-abort. Dawk li ma jitweldux huma mira faċli f'għajnejhom. Dawn jużaw l-abort biex jindahlu mal-Liġijiet Tiegħi u r-rigal kbir li tajt lill-bniedem – d-Don tal-ħajja.

I-arroganza tal-bniedem, magħquda ma' ġenb il-bhima u dawk fostkom li huwa jinganna, jdardruni. L-Imħabba Tiegħi hija Qawwija, iżda l-intenzjoni hazina taghkom, li teqirdu dak li huwa Tieghi, se titwaqqaf f'daqqa, tant li intom se twerzqu għall-ħajjitkom. Sakemm ssejħuli issa, permezz tad-Don tar-Rikonċiljazzjoni, intom ser tintweraw ftit Ħniena. Għal kull wieħed minnkom li jittollera, jippromwovi jew jieħu kwalunkwe parti, fit-teħid tal-ħajja ta' dawk li ma tweldux, hemm l-istess kastig. Eqirdu dawk il-ħajjiet innoċenti u l-ħajja tagħkom ser titiehed. Qaghdt inhares waqt li nsofri terribbli, kif intom ilkom tinsultawni, għal zmien twil. Zmienkom spicca, għax issa se tigu kkastigati bi kbir, għal dan l-att gravi kontra d-Divinita Tieghi.

Ftakru, hemm ftit biss żmien biex intom tabbandunaw l-aċċettazzjoni tagħkom tal-abort. **Ir-Rabja Tieghi dalwaqt se tinfirex ma' l-erba' kantunieri tal-Dinja. Huwa minħabba d-dnub tal-abort, li l-bniedem se jsofri l-agħar Kastig.** L-ebda pajjiż m'hu se jkun mehlus minn dawn il-kastigi. Dawk biss li ma jippermettux l-abort se jiġu meħlusa mill-uġigħ terribbli li se ngib fuq id-dinja.

Bhala l-Awtur tal-ħajja, l-ebda bniedem m`għandu d-dritt li jmur kontra Tieghi. Ħadd. Dak li jipprova jisfidani, billi jimitani fit-teħid tal-ħajja, ser ikun imċaħħad minn kull hajja.

Missierkom

Alla l-Aktar l-Għoli
**L-Ordni Waħda Dinjija hija l-akbar farsa kontra Alla l-Vera Trinita'**.

Il-Gimgħa 5 ta` Lulju, 2013 @ 2.10pm

Ghaziza mahbuba binti, hemm reliġjon waħda, li ggibli l-akbar tbatija u dik hija r-reliġjon falza, li tadura lill-bhima. L-Ordni Waħda Dinjija hija l-akbar farsa kontra Alla l-Vera Trinita' u dawk li jappartjenu ghad-dar ta' Satana ghandhom bżonn hafna talb. Huma sejrin imqarrqa, billi jaħsbu li hemm Alla ieħor, li jħobbhom. Qalulhom li t-Trinità Qaddisa hija gidba u li l-għażiż Missieri huwa ħażin. Huma ma jaċċettawx li Hu ħalaqhom u li mohhhom huwa mimli b'tant gideb li qatt ma huma se jiftħu moħħhom għall-Verità. Minħabba d-devozzjoni tagħhom lejn l-okkult, huma mahkuma minn forzi satanici, li hatfulhom ruhhom, li huma mimlija bil-mibegħda, mhux biss għal Alla, iżda għall-Ulied kollha Tieghu.

Huma jhobbu biss lilhom infushom u l-kilba tagħhom għall-pjaċiri timlihom b`xenqa li ma tixxebbax, dejjem għal aktar. L-Ebda ammont ta' pjaċiri tad-dinja ma jissodisfahom, u ghalhekk dawn jixxenqu ghal-oxxenitajiet oħra. Huma jieħdu pjaċir fit-teħid tal-ħajja u ma ghandhom l-ebda ndiema f' ruhhom, għall-qtil brutali li huma ħatja taghhom. L-Influwenza tagħhom tinfirex madwar id-Dinja f'kull nazzjon u s-segwaċi tax-xitan huma mhallta fost l-għonja, mexxejja tan-negozju, gvernijiet, persuni rjali, organizzazzjonijiet, inklużi l-midja u infurzar tal-liġi, il-ġudikatura u l-Knisja.

Nitlobkom biex ma tiehdux il-qawwa taghhom bic-cajt. Ghalkemm huma ftit fin-numru, u ma jirnexxilhomx jidhlu f'kull sezzjoni tal-komunitajiet taghkom, xorta wahda jistghu jaghmlu hsara terribbli. Huma mhux talli bieghu ruhhom lix-xitan, izda huma jkaxkru maghhom erwieh ohra innocenti ghal go l-abbiss, mal-bestja u x-xjaten tieghu.

**Jiena ser naghti lil dawk kollha li jhobbuni l-Grazzji biex jeghlbu lil dan il-grupp hazin u qawwi, li jishetni f'kull sekonda tal-gurnata**, meta intom tghidu din it-talba qasira tal-Krucjata.

**Talba tal-Krucjata (112) Ghall-Grazzja tas-Salvazzjoni**.

*Gesu' l-izjed Ghaziz, insejjahlek biex tghatti bil-Grazzja Tieghek ta' Salvazzjoni, lill-erwieh ta' dawk li gew infestati minn Satana.*

*Ehles l-imsejkna erwieh taghhom mill-jasar li huma ma jistghux jaharbu minnu. Ammen.*

Dawn l-imsejkna erwieh ser ikunu minn ta' l-ewwel biex isejhu lill-bestja taghhom u huma ser jinzlu wicchom fl-art biex jaduraw l-antikrist. Intom ghandkom titolbu hafna, kollha kemm intom, halli l-qawwa, li Satana ghandu fuqhom, tinhall u qlubhom jinfethu ghall-Hniena Kbira Tieghi.

Gesu' Taghkom.

**Huwa ser juza' l-Verita' t'Alla u jistahba warajHa, sakemm jasal il-mument opportun.**

Il-Hadd, 7 ta' Lulju, 2013 @ 5.35pm

Ghaziza mahbuba gharusa Tieghi, x'jimporta jekk jghajtu u jishtuk f'Ismi? X'jimporta jekk dawk li jxandru l-Kelma l-Izjed Qaddisa Tieghi u li jibqghu shah Mieghi, jigu mxekkla u msawta? **Ma tafux li l-Qawwa Tieghi hija Omnipotenti u li Jiena ma nistax nitkisser, anke jekk jiksruli ghadmi.**

Meta tabib jitqabad biex isalva l-hajja ta' bniedem, tkun kemm tkun tiswielu, huwa jaghmel kulma huwa possibbli biex jirnexxilu. Jekk l-ohrajn ifixkluh, u ohrajn jippruvaw iwaqqfuh – jekk huwa jkun tabib iddedikat – huwa jinjora l-protesti taghhom u jaghmel minn kollox biex jimxi bil-modi tieghu, jekk f'qalbu jkun jaf li huwa jista' u ser isalva dik il-hajja. U hekk huwa jkompli sakemm jara l-frott tax-xoghol tieghu. Huwa jistinka sakemm dik il-hajja tkun salvata u mbaghad, meta kollox ikun lest, huwa jigi milqugh b'imhabba minn dawk l-istess nies li kien x'kien ir-ragunar taghhom, huma kienu ppruvaw jindahlu ma' l-isforzi li hu ghamel biex isalva l-hajja. U hekk kull nuqqas ta' ftehim jintesa.

L-istess ser jigri f'din il-Missjoni, li giet imweghda minn Missieri biex isalva l-hajjiet ta' wliedu f'dawn l-ahhar zmenijiet, qabel l-ahhar Migja Tieghi. Stennew li jindahlu f'din il-Missjoni, ghax li kieku ma kienx hekk, kontu tkunu tafu li dawn il-Messaggi ma jistghux ikunu gejjin minn ghand Gesu' l-mahbub taghkom.

**Meta l-Verita' tigi mxandra, din mhux facli li tigi accettata, ghalkemm tkun il-Kelma t'Alla**. Min-naha l-ohra, meta jipprezentaw il-gideb, mlibbsin bhala Verita', dawn jigu accettati aktar malajr, u xi drabi, milqughin b'dirghajn miftuha u bl-imhabba. Kunu mwissija dwar il-gideb, li ser jigu pprezentati mill-ghedewwa Tieghi, li jghidu li huma l-kelliema Tieghi. Huma ser ihawdukom f'hafna modi, ghax jibzghu li intom taqbduhom fil-qerq taghhom. Huma ser jghaddu l-hin taghhom jghidu li huma qrib ta' dawk li ghad-dinja huma mizmuma bhala twajba u qaddisa, qaddejja puri- li hafna minnhom issa qeghdin il-Genna Mieghi**. Billi jghidu li huma qrib taghhom, huma jkunu jidhru bhala dixxipli lejali ta dawn il-qaddisin. Imbaghad huma jtennu l-Verita' tat-Taghlim Tieghi, u dan lilkom ihawwadkom. Intom tghidu: "Imma dan kif jista' jkun?" "Dan il-bniedem qed jghid il-verita'".**

Il-hazen tal-bestja intom lanqas biss taslu biex tifhmuh, gheziez segwaci Tieghi. Huwa attent hafna li qatt ma juri lilu nnifsu, ghalhekk jistahba wara l-Verita'. Meta huwa jidhol go erwieh imsejkna li jimxu hazin, huwa juza' l-Verita' t'Alla biex jistahba warajHa, sakemm jasal il-mument opportun. Imbaghad, hemm johorgu l-oxxenitajiet kollha kontra l-Kelma t'Alla, izda ghal hafna, dan ma jkunx car. **Fittxu wara l-kliem, li ser ikunu pogguti b'kawtela, u hemm taqbdu l-gidba.** Din hija t-tip ta' forza li wlied Alla ser ikollhom ihabbtu wicchom maghha.

L-ispirtu tal-hazen huwa bhal shaba sewda, li meta tinzel ghal kollox fuq l-umanita', ser ikun difficli biex taghzel bejn it-tajjeb u l-hazin. Izda Jiena nweghdkom li din is-shaba ser titla' u meta d-Dawl t'Alla jiddi, intom ser taraw il-hazen fil-kruha kollha tieghu, hekk kif jidher f'Ghajnejn Alla.

It-taqbida ser tissokta fost dawk li huma lejali lejn Alla l-Wiehed Veru, hekk kif il-wiehed tal-hazen igib taqlib shih bejniethom. Meta dan il-grupp jinqasam fi tnejn, hemm ohrajn li ghandkom titolbu ghalihom. Dawn huma dawk l-erwieh, li tant huma l-boghod minn Alla, li huma qatt mhu ser jaccettawH, fl-ebda stadju. Dawk huma l-erwieh li huma mitlufin Ghalija, li ghalihom Jien qed niddedika din il-Missjoni. Meta Jiena nsalva dawk li huma mitlufa ghal kollox, l-Intervent Tieghi jsalva wkoll lill-ohrajn li huma biss imhawdin.

Ejjew, ingabru intom ilkoll, Quddiemi, ghax iz-Zmien Tieghi huwa fil-qrib hafna. Hadd minnkom m'ghandu jhalli ghal imbaghad biex jitlob ghal dawk l-erwieh li ghandhom l-aktar bzonn l-ghajnuna taghkom.

Gesu' Taghkom.

**L-Ghaxar Kmandamenti, li gew moghtija lid-dinja minn Missieri permezz tal-profeta Mose', qed jergghu jinkitbu mill-bniedem.**

It-Tnejn, 8 ta' Lulju @ 5.00pm

Ghaziza mahbuba binti, meta thoss li ftit hemm tama ghall-midinbin, ftakar illi l-Hniena Kbira Tieghi ma tispicca qatt. M'hemm l-ebda ruh fid-dinja li Jiena ma nixtieqx nghannaqha u ngibilha r-Rigal tas-Salvazzjoni. Jiena nhobbkom ilkoll. Nahfer lil kull min jitlobni ghar-Rigal tas-Salvazzjoni, izda dan ma jfissirx li Jiena mhux ser nikkastiga lil dawk li ghamlu dnubiet kbar.

L-Ghaxar Kmandamenti, moghtija lid-dinja minn Missieri, permezz tal-profeta Mose' qed jergghu jigu miktubin mill-bniedem. Dawn gew imfarrka, milwija u moghtija tifsira gdida, halli l-bniedem ikun jista' jaccetta d-dnub.

Intom taduraw allat foloz u tghidu li dan huwa kif ghandu jkun. Intom qeghdin tghixu gidba kbira meta intom tinsultaw lil Missieri b'dan il-mod u meta l-Verita' tigi murija lill-pagani, huma ser jindmu u Jiena ser inkun qed nistennihom biex nghannaqhom.

Intom toqtlu lil xulxin u tghidu li qed turu hniena meta taghmlu dan. **Intom taghmlu l-qtil bhala legali, esekuzzjonijiet, ewtanasja u l-abort u tghidu li dawn huma hwejjeg tajbin. Dan huwa l-hazen fl-aqwa tieghu, meta tisfidaw lill-Awtur tal-hajja kollha – il-Hallieq tas-Sema u l-Art – billi tbghabsu mal-ligijiet Divini t'Alla.** Izda xorta wahda, jekk intom turu ndiema vera, Jiena nkun nistenniekom ilkoll biex inhaddankom f'dirghajja.

Intom tiehdu dak li mhux taghkom u tisirqu minn ghand il-foqra, sabiex tissodisfaw il-kilba taghkom ghal izjed. Intom taghmlu dnubiet kbar tal-gisem, li ma jixirqux lid-dinjita' tal-bniedem u ggibu ruhkom bhal annimali selvaggi mitluqin f'hofra. Il-hzunija taghkom hija mistmerra f'Ghajnejn Alla, izda jekk intom issejhuli u tittalbu ghall-Hniena Tieghi, Jiena nkun hemm qed nistenna bil-pacenzja kollha. Meta intom thammgu lil Alla billi tirrifjutaw li taccettaw li Huwa jezisti, u mbaghad tippruvaw li tiehdu lil uliedu ghal go l-abbiss mal-bestja, Jiena xorta nkun hemm nistenna li intom idduru Lejja u titolbuni biex issiru tafuni.

**Dawk minnkom, li jaccettaw il-Verita', imma m'ghadhomx isibu l-hin biex jonorawni fis-Seba' Jum, ghax intom iggibu l-bzonnijiet taghkom qabli**, intom tweggghuni wisq, ghax intom ga tafu li intom ulied Alla. Intom hallejtu dar Missierkom **u ma tergghux tigu lura qabel ma tispiccaw minghajr saqaf fuq raskom. U Jiena nkun qed nistenniekom biex nilqaghkom lura.**

L-imhabba taghkom lejn Alla naqset, hekk kif gara fl-imhabba taghkom u r-rispett lejn il-ġenituri taghkom. Qlubkom ibbiesu tant illi ma turuhomx imhabba u tiehdu hsiebhom kif jixraq.

Intom tishtu lil Alla u tidghu, tuzaw Ismi bl-izjed mod baxx, kuljum, izda ma titkellmux Mieghi kif tant nixtieq. Meta tkasbru lill-ohrajn, intom tkasbru Lili. Meta thassru r-reputazzjoni ta' persuna, intom teqirdu l- imhabba Tieghi. U xorta Jiena ser nahfrilkom, meta turu ndiema.

Intom turu nuqqas ta' rispett lejn iz-zwieg u ftit toqghodu tahsbu qabel ma tabbuzaw minn dan is-Sagrament.  Intom tkomplu tinsultaw izjed lil Alla, meta tkomplu tfittxu l-Barka Tieghu fuq iz-zwigijiet, meta Huwa la jista' u lanqas ma Huwa sejjer jaghrafhom bhala tali.  Imma xorta wahda tkomplu tinsultawH.

Tant intom iffissati biex tahznu dejjem aktar hwejjeg ta' din id-dinja u tant intom mimlijin b'ambizzjonijiet morda, illi intom teqirdu lil kull min ifixkilkom.  Minkejja dan, Jiena ser nurikom Hniena jekk intom idduru Lejja.

L-ebda dnub, hlief id-dagha kontra  l-Ispirtu s-Santu, ma huwa daqshekk hazin illi ma jistax jinhafer.  Nitlobkom kollha kemm intom biex tezaminaw il-kuxjenza u tergghu tinghaqdu Mieghi, mill-gdid.

**Jiena pacenzjuz.  Jiena Mhabba.  Jiena s-Salvazzjoni taghkom.  Jiena qed nistenna.  Nitlobkom ejjew Ghandi malajr, ghax Jiena nhobbkom b'passjoni bla tarf.  Ma nistriehx qabel ma nkun salvajt lilkom ilkoll.**

Gesu' Taghkom.

## [Omm tas-Salvazzjoni: In-nies, kemm jaccettawhom malajr ligijiet godda, li jintqal li huma tajbin.]

L-Erbgha, 10 ta' Lulju 2013 @ 3.26pm

Binti, t-talb tieghek qed jigi mismugh u Ibni ser jintervjeni ghall-intenzjoni specjali tieghek. **Inti ghandek titlob ghal dawk kollha fid-dinja li qed jigu mmexxija bil-qerq u jemmnu li l-hazin huwa tajjeb. Din l-ghanqbuta ta' qerq infirxet fuq l-umanita' tant, illi hafna m'ghadhomx jistghu jaghzlu bejn il-Ligijiet t'Alla u l-hazen li gej mill-wiehed tal-hazen, meta dan juri lilu nnifsu fostkom.**

In-nies, kemm jaccettawhom malajr ligijiet godda, li jintqal li huma tajbin – ghall-gid ta' kulhadd – meta fil-fatt, dawn jahbu dak li f'Ghajnejn Alla huwa dnub mejjet.

It-taqbida tkompli bejn dawk li jzommu l-Ligijiet t'Alla u dawk li jkasbruhom. Dawk li jzommu mal-Ligijiet t'Alla fil-pubbliku, jghidulhom li ghandhom ix-xjaten fihom u li huma hziena u kattivi. Il-qerq u l-gideb, li jimlew lil dawk li jghidu li huma jhobbu lill-umanita, jidhru fil-miftuh, meta dawn fil-pubbliku jiggustifikaw id-dnub il-mejjet. Kemm hu makakk il-wiehed tal-hazen. Ftit huma dawk li jifhmu kif tkun l-influwenza tieghu f'hajjithom jew kif huwa jghawweg ir-ragunar taghhom.

Oqghodu mistrieha, gheziez uliedi, ghax tafu li Jiena, l-Omm tas-Salvazzjoni, nista' neghleb lill-wiehed tal-hazen li jinsab fostkom. Intom ghandkom issejhuli kull darba li thossukom meghluba mill-qawwa li huwa ghandu fuq in-nazzjonijiet taghkom. Jiena ser neqred l-influwenza tieghu, meta intom taghmluli din it-talba.

Nitlobkom tghidu din it-**Talba tal-Krucjata (113) Sabiex neqirdu l-hazen f'artna**.

*O Omm tas-Salvazzjoni, ejja fostna u iksi artna bil-protezzjoni tieghek.*

*Ishaq ras il-bestja u itfi l-influwenza tieghu minn go nofsna.*

*Ghin lill-ulied mitlufa tieghek biex jieqfu u jghidu l-Verita', meta ahna mdawrin bil-gideb.*

*Nitolbuk, O Omm t'Alla, pprotegi artna u zommna shah, halli nibqghu lejali lejn Ibnek fiz-zmien tal-persekuzzjoni taghna. Ammen.*

**Qatt m'ghandkom taccettaw argumenti li bihom jiddahhlu ligijiet hziena, li jiddettaw kif ghandkom tghixu hajjitkom**, li m'humiex skond il-Kelma t'Alla. Meta dawn il-ligijiet jidlu f'artkom, dawn jeqirdu l-erwieh.

Afdaw fija, l-Omm tas-Salvazzjoni, biex nghin niehu lura l-erwieh ta' dawk li intom thobbu u li tahdmu fosthom. Sejhuli u nweghdkom li jiena niksi n-nazzjon taghkom bil-Mantar l-Izjed Qaddis Tieghi.

Il-Mahbuba Omm taghkom.

Omm tas-Salvazzjoni.

**Alla l-Missier: Il-gideb li qed tigu mitmughin dwar l-ekonomija huma mfassla biex jidhqu bikom.**

L-Erbgha, 10 ta' Lulju @ 3.51pm

Binti l-izjed ghaziza, gwerrer ser ifaqqghu madwar il-Lvant Nofsani kollu u **Izrael il-mahbub Tieghi, daqt isofri stmerrija terribbli.** Hajjiet ser jintilfu madwar din il-parti kollha tad-dinja fuq skala kbira, hekk kif l-ispirtu tal-hazen jibla' l-hajjiet u f'hafna kazi l-erwieh ta' wliedi.

Il-mibeghda ta' wliedi ghal xulxin ser tinxtered ghal artijiet ohra, hekk kif il-Battalja t'Armageddon tishon u tikber, sakemm fl-ahhar din tinxtered fid-dinja kollha. Il-mibeghda li tigi minhabba l-infestazzjoni ta' Satana u x-xjaten tieghu, ser issir tant sinjal car, illi ftit ser ikunu dawk l-erwieh, li jemmnu kif jemmnu Fija, l-Hallieq ta' kollox, li sa jonqsu milli jhossu l-ispirtu tal-hazen, li qed jinfirex bhal virus qattiel.

Il-gwerrer, li hafna minnhom jinkludu taqbidiet fil-gvernijiet tan-nazzjonijiet kollha ser iqumu kollha f'daqqa. Hekk kif Idejja ga nizlu fuq id-dinja b'kastigi moderati, kunu ghafu li Jiena ser nishaq lil dawk li jweggghu lil uliedi. Hawn huwa meta l-battalja ghall-erwieh ser tihrax u tinfirex b'hafna modi.

Il-gideb li intom qeghdin tigu mitmughin dwar l-ekonomija, huma mfassla biex jidhqu bikom u jehdulkom dak kollu li ghandkom. Itolbu, itolbu, itolbu li Jiena nwaqqaf lil dawk li jikkontrollaw il-muniti taghkom, milli jehdulkom kulma ghandkom. Kunu ghafu illi filwaqt li Idi l-Leminija ggib kastigi kontra l-hziena, Idi x-xellugija ser tghollikom u ggibkom taht il-kenn Tieghi u Jiena ser nipprovdilkom.

**It-tibdil mhabbar fil-Ktieb Qaddis Tieghi, issa qed jigu pprezentati lid-dinja**. Battalji ser ifaqqghu, hajjiet jintilfu, artijiet isofru taqlib ekologiku, hxejjex ifallu u hafna minnkom ser jigu ppersegwitati mill-gvernijiet taghkom. L-aghar battalja ser tkun wahda spiritwali fejn ser isir kull sforz sabiex idawrukom kontra Tieghi.

Missierkom

Alla l-Izjed Gholi,

## **Ser ikun permezz tat-talb taghkom tal-Krucjata ta' Talb Tieghi, illi Jiena nkun nista' nsalvahom.**

Il-Hamis, 11 ta' Lulju 2013 @ 1.57pm

Ghaziza mahbuba binti, hallini nigbdek lejn il-Qalb Qaddisa Tieghi, ghax meta inti thallini naghmel dan fik, Jiena nqiegħed f'ruhek Grazzji specjali. Imbaghad il-hidma Tieghi taghti izjed frott, illi jissajjar u johrog b'abbundanza madwar id-dinja.

**Il-frott li gej Minni, jgib il-konverzjoni u jrattab il-qlub l-izjed iebsa, meta dawn iduquh. Meta jiekluh, lil dawn jghaqqadhom Mieghi b'mod li jgibilhom paci kbira. Il-paci li nwieghed lil kull min jisma' Minni issa, hekk kif Jiena qed inkellmek, ser tkun il-korazza taghkom kontra l-mibeghda**.

Dawk minnkom, inkluzi dawk l-erwieh li qatt ma semghu b'dawn il-messaggi, u li jhobbuni ta' veru, ser jintlew b'din il-paci u bhala rizultat ta' dan, dawk li jghajtu kontrikom minhabba li intom Mieghi, ma jaghmlulkom xejn. Meta intom tkunu haga wahda Mieghi, Jiena nwieghed li ghal kull insult u weggha li intom ser ikollhom tbatu minhabba li xxandru l-Kelma Qaddisa Tieghi, Jiena ser nimlikom bil-hajja, nghassiskom u nipprotegikom. Intom ser ikollkom hajja glorjuza fil-Genna l-Gdida Tieghi fejn lkoll ghad tkantaw flimkien ghall-imhabba u l-glorja t'Alla. M'ghandkom xejn x'tibzghu Minni kulma nitlob huwa li tghaddu hin fit-talb ghall-erwieh ta' dawk li huma mhawdin u xi drabi mitlufin.

Dawk li huma maqtughin Minni, ghandhom jigu lura Ghandi, u ser ikun permezz tat-talb taghkom tal-Krucjata tat-Talb Tieghi, illi Jiena nkun nista' nsalvahom. Morru, segwaci gheziez Tieghi u kunu ghafu li intom qeghdin f'Qalbi u Jiena f'qalbkom.

Gesu' Taghkom.

**Ninfena għalihom.  Mingħajrhom, ma nistax inħossni shih.**

Il-Ħadd 14 ta` Lulju, 2013 @11.50pm

Ghaziza mahbuba binti, meta nagħtik id-Don li tara lill-ulied t'Alla, kull fejn tmur, mill-għajnejn t'Alla, dan jigri għal raġuni.

Kull darba li inti tara tifel żgħir, u thoss l-imħabba Tieghi ghaddejja mill-vini tiegħek, din hija l-imhabba Tieghi għalihom.  Meta tara zaghzugh jimxi u jidhaq mal-ħbieb tiegħu u inti tħoss mewġa ta' mħabba materna għalih, kun ghaf li din hija l-imħabba t'Alla li inti qed tħoss.  Meta tara l-anzjani u xorta tħoss din l-imħabba, din ukoll, hija l-imhabba Tieghi li inti qed thoss.

Meta inti tħares lejn dawk l-erwieħ li jgibu dulur terribbli fuq l-ohrajn, permezz tal-ħażen tagħhom, u tħoss ħasra għalihom, kun ghaf ukoll, li din hija l-Imhabba Tieghi, li tigri gewwa fik.  **Kun ghaf li dawk li jisfidawni f'kull mod, xorta jimlewni bl-imħabba għalihom, għax kif nista niċħadhom?  Huma Tieghi.  Inħobbhom.  Nibki għalihom.  Ninfena għalihom.  Jiena qed ninqered bl-inkwiet għalihom.** Kemm igibuli uġigħ terribbli, iżda Jien se nibqa'  niġġieled lill-wiehed tal-ħażin, sa l-aħħar nifs li huma jieħdu fuq din id-dinja, għal dawn l-erwieħ imsejkna .

Dak li hu mogħti l-ħajja minn Missieri huwa Tiegħu. Dak li hu Tiegħu huwa Tieghi.  Mitt għalihom, anki jekk dawn sehtuni.  Bhalma għadhom jaghmlu.  Ninfena għalihom.  Mingħajrhom, ma nistax inħossni shih.  Huwa għalhekk li minn qalbi, nerga' ngħaddi  mit-Tislib Tieghi ghal darba wara l-ohra, kieku biss nista nigbidhom  f'dirghajja.

Kif nista' nistrieħ, binti, mingħajr l-ħlewwa tal-konverżjoni tagħhom?  Iżda, huma jridu jigu ghandi bir-rieda ħielsa tagħhom stess.  Nista` ngħattihom bl-Imhabba Tieghi u l-Grazzji.  Nista` nfawwar lir-ruħ tagħhom b'kull Grazzja, izda sabiex jaċċettaw Rigali bħal dawn, huma jkollhom icedu ghar-rieda Qaddisa Tieghi u  jintelqu f'Idejja.  Ma nistax nuża d-Divinita Tieghi biex nimponi r-rieda Tieghi fuqhom, izda dak li nista` nagħmel, permezz tal-Ġenerożità ta` Missieri, huwa li nieħu l-erwieħ magħżula Tiegħi u nitlobhom biex jieħdu l-ugigh Tieghi, biex ipattu għal dawn l-erwieħ.  Dan l-intervent mirakuluż se jkun wieħed mill-modi li bihom Jien ser insalva hafna mill-umanità.

Itlob, għażiża binti, Lili, Ġesù Tiegħek, għall-qawwa biex inti tagħtini aktar tbatija.  Jekk inti taċċetta din it-talba speċjali, Jiena solennement inweghdek li Jiena ser insalva għexieren ta' miljuni  t'erwieħ.  La tibzax.  Inti ser tkun qawwija u se tagħmel dan bil-ferħ f'qalbek, din id-darba.

Mur, binti, aċċetta t-talba Tiegħi.  Tibzax minnHa, għax inti ser iġġibli l-akbar ferħ jekk inti tghaddili dawn il-provi l-ġodda.  Se nkun Jien, li ser insofri l-uġigħ, mhux int.  L-Uġigħ

tiegħek se jkun qasir, iżda meta taċċetta dan, inkun nista` nilħaq ix-xewqa Tiegħi li nsalva l-ulied  imsejkna Tieghi, li huma separati Minni.

Grazzi talli smajt is-sejha Tieghi.  Iftaħ qalbek għat-talba Tiegħi u Jien ser ngħinek f'kull pass. Għalik, din se tkun sempliċement prova oħra li dalwaqt ser tigi minsija. Għalija, din tfisser erwieħ, li kieku kienu jmorru l-infern, u minflok ser ikunu Tieghi fis-Saltna Tieghi.

Ġesù Taghkom

**Ghas-Sacerdoti:  Il-jum meta intom ser tigu mitluba biex tichdu d-Divinita' Tieghi mhux fil-boghod.**

It-Tnejn, 15 ta' Lulju 2013 @ 5.52pm

Ghaziza mahbuba binti, irrid nghajjat lis-Sacerdoti, li issa bdew jindunaw li Jiena qed inkellem lid-dinja, permezz ta' dawn il-Messaggi, f'dan iz-zmien.

**Intom ghandkom toqghodu attenti.  Ghandkom tibqghu zzommu mar-regolamenti tal-Knisja Tieghi fid-dinja, sakemm dawn jibqghu kif kienu u ma jinbidlux**.  Taqtghux qalbkom, ghax intom qed tigu mimlija bid-Don ta' l-Ispirtu s-Santu.  Meta intom tigu mitluba biex tichduni, din ser issir b'mod sottili, imma b'mod qattiel.  Intom  ser tigu mitluba biex thaddnu d-duttrina tar-religjonijiet kollha li jinsabu barra mill-Kristjanezmu.  Sejrin jghidulkom li dan ser ikun ghal gid ta' kulhadd u li dan huwa l-mod kif fl-ahhar l-umanita' tista' tinghaqad permezz ta' mezz pacifiku.

Ir-religjonijiet kollha l-ohra, twemmin, fidi u duttrini, li jonoraw lil Missieri, imma li ma jaghrfux Lili, Gesu' Kristu, ser jigu mdahhla taht il-gewnah tal-papa l-hazin.  Intom, permezz tal-qawwa tal-bestja – hekk kif inhu l-mod tieghu, - ser tigu mhajra biex thaddnu lil dawk ta' madwarkom hutkom bniet u subien.  It-tewmminjijiet kollha, li jonoraw lil Alla;  lilkom ser jghidulkom, li huma maghqudin bhala wiehed f'Ghajnejn Alla.  Meta intom ma taqblux maghhom, huma lilkom icanfrukom.  Meta intom tispjegaw li l-unika triq ghal ghand il-Mahbub Missieri, hija permezz ta' Gesu' Kristu, dak hu li ser jghidulkom.

"Intom ma tifhmux illi Alla jhobb lil uliedu kollha, ghalhekk, meta ma turux imhabba u kompassjoni ghall-Knisja Tieghu billi tghannquhom – inkluz it-twemmin taghhom – intom ipokriti".

Issa kunu ghafu dan**.   Meta taccettaw li r-religjonijiet kollha ghandhom jithaddnu bhala wahda -  meta intom ikollkom taqbzu fil-genb u turu rispett lejn twemminijiet ohra, li ma jaghrfux lil Bin il-Bniedem – intom hemm tkunu hatja ta' dnub kbir.  Hemm intom tkunu qed tichduni.**

Ghal dawk li jistghu jigu mdahhla f'dan il-qerq, kunu ghafu li ser jidhru sinjali ohra wkoll, li jippuntaw lejn haga wahda, - id-Divinita' Tieghi mhix ser tibqa' tigi mistqarra.

Il-knejjes taghkom ser jaraw slaleb godda jiddahhlu, fejn ras il-bestja ser tkun hemm, mdahhla fihom; l-altari taghkom ser jinbidlu u ser jwaqqghuni ghac-cajt.  Kull meta taraw simboli godda u mhux tas-soltu fil-Knisja Tieghi, harsu bir-reqqa ghax il-bestja huwa arroganti u jiftahar bil-hazen tieghu, billi jpoggi fid-deher sinjali li jonoraw lilu.

Dawk fostkom li ma jindunawx b'dan il-qerq, ser isibu lilhom infushom migbuda ghal go prattici li ma jonorawx Lili. Dawn ser ikunu qed jahbu l-hsieb veru li jaghti qima lil Satana u l-ispirti hziena tieghu.

Is-sinjali ga bdew. L-azzjonijiet li qed nitkellem fuqhom ghad iridu jigru, izda l-jum meta intom ser tigu mitluba biex tichdu d-Divinita' Tieghi mhux fil-boghod. Ghandkom izzommu ghajnejkom miftuha ghal dawk li jghidu li gejjin f'Ismi, izda li fil-fatt jonoraw il-bestja, ghax dawn ga qed ifarfru gwenhawhom. Huma jsaltnu fostkom, imma bosta minnkom ghadhom mhux qed jaraw din l-istmerrija. Izda, jekk intom thobbuni, Jiena naghtikom il-Grazzji biex taraw il-Verita', ghax Jien qatt m'hu ser inhallikom. Iz-zmien huwa fil-qrib u intom ghandkom thejju ruhkom, ghax dalwaqt jaqa' d-dlam. Dawk minnkom li huma mberkin bid-Dawl t'Alla ser isofru taht idejn l-ghedewwa Tieghi.

Ftakru dawn il-Kliem, ghiduhom u Jiena nurikom il-Verita' permezz tad-Don ta' l-ispirtu s-Santu.

**Talba tal-Krucjata (114) Ghas-Sacerdoti biex jircievu d-Don tal-Verita'**

*Sinjur Tieghi, iftahli ghajnejja.*

*Hallini nara l-ghadu u ghalaqli qalbi*

*ghall-qerq.*

*Inhalli kollox f'Idejk, ghaziz Gesu'.*

*Nafda fil-Hniena Tieghek. Ammen.*

Gesu' Taghkom.

**Ma tistghux timxu warajja verament, minghajr ma ggarrbu l-ugigh tas-Sallib**.

L-Erbgha, 17 ta' Lulju, 2013, @ 11.40am

Ghaziza mahbuba binti, **kemm iferrahni t-talb tas-segwaci kollha Tieghi f'dan iz-zmien. Jiena ninsab f'qalbhom u ruhhom, u ruhhom ghandha Grazzja specjali**. Ikolli nitlobhom biex isofru meta jigu mwaqqa' ghac-cajt talli jimxu fit-Triq Tieghi u ghas-Salib Tieghi, li huma jgorru, ghax 'l quddiem ikunu jafu dan ghax ghandu jkun hekk.

Ma tistghux timxu warajja verament minghajr ma ggarrbu l-ugigh tas-Salib. Meta intom thobbuni, Dawl ikun prezenti f'ruhkom. Dan id-Dawl pur huwa bhal kalamita, ghax dan jigbed l-aghar fin-nies l-ohra. Erwieh li l-intenzjoni taghhom hija tajba, spiss jigu attakkati mill-ispirtu tal-hazen, biex igibu l-ugigh fuq dawk li jimxu fuq it-Taghlim Tieghi.

Meta intom tiddikjaraw il-Verita' t'Alla, intom tigu mibghuda minn dawk li ma jhobbux lil Alla. Meta timxu warajja, anke jekk fis-skiet, intom tghaddu mill-istess ugigh. Dan l-ugigh huwa kkawzat minn dawk –li intom is-soltu thobbu u tirrispettaw - li jattakkawkom ghax intom thobbu Lili u intom lejali lejn it-Taghlim Tieghi.

Iz-zmien wasal ghalikom biex tohorgu u titkellmu dwar il-Messaggi Tieghi. Madanakollu, s-Sacerdoti ser isibuha iebsa, minhabba li huma jkollhom jibqghu jobdu lis-superjuri taghhom. Hafna fil-Knisja Tieghi ser jibzghu jaghtu xhieda tal-Messaggi Tieghi, imma dan ma jfissirx li ma jistghux jiddefendu l-Verita' tal-Kelma Qaddisa Tieghi. Il-Kelma, moghtija mill-Appostli Tieghi, tibqa' hajja, ghalkemm hafna jaghmlu minn kollox biex joqtluha. Intom ser tintebhu kemm Jiena qed nigi meqjum ftit fil-pubbliku – kwazi qatt.

It-Taghlim Tieghi m'ghadx ghandu post fis-socjeta' taghkom. Intom ghandkom tinsistu, intom ta' liema Knisja Kristjana intom, illi l-qaddejja Tieghi ma jinsewx isemmu Ismi, meta jitkellmu dwar it-tajjeb, ghax it-tajjeb ma jigix mill-gebel. It-tajjeb jigi biss minn Alla.

Gesu' Taghkom.

**Omm tas-Salvazzjoni.  Il-Medalja tas-Salvazzjoni toffri r-Rigal tal-Konverzjoni**.

Il-Hamis, 18 ta' Lulju 2013 @ 7.14pm

Binti, nixtieq li kulhadd isir jaf illi minn issa 'l quddiem, Jien irrid li nibda nigi maghrufa bl-ahhar titlu moghti lili minn Ibni, fid-dinja.  Issa, f'din l-ahhar Missjoni, jiena ghandi nigi ndirizzata kull darba, bhala l-Omm tas-Salvazzjoni.

**Ghandha ssir xbiha tieghi u tinhadem Medalja, fejn fuq naha wahda, jiena jkolli x-xemx wara rasi u fejn tnax il-stilla minsuga ga kuruna tax-xewk titpogga fuq rasi.  Fuq in-naha l-ohra tal-Medalja, jiena nixtieq li tintwera l-Qalb Qaddisa t'Ibni biz-zewg Xwabel tas-Salvazzjoni, li jkunu jaqsmu wahda lill-ohra fuq kull naha.**

Ix-Xwabel tas-Salvazzjoni jkollhom zewg ghanijiet.  L-Ewwel Xabla ser toqtol lill-bestja u jiena gejt moghtija l-awtorilta' biex naghmel dan fl-Ahhar Jum.  Ix-xabla l-ohra trid tinfed il-qlub l-aktar iebsa tal-midinbin u ser tkun ix-xabla li biha tigi mifdija ruhhom.

Din il-Medalja trid tkun tinstab bil-hafna, u mbaghad meta dawk li jfittxuha jircevuha, din trid tigi mbierka minn Sacerdot u wara tigi moghtija bla hlas lill-ohrajn.  Il-Medalja tas-Salvazzjoni toffri r-Rigal tal-Konverzjoni, u s-Salvazzjoni.

Dawk kollha li jircievu l-Medalja tas-Salvazzjoni ghandhom jghidu din it-**Talba tal-Krucjata (115) Ghar-Rigal tal-Konverzjoni:**

*O Omm tas-Salvazzjoni, iksi lil ruhi fid-dmugh tieghek tas-Salvazzjoni.*

*Ehlisni mid-dubji.*

*Erfa' qalbi halli nkun nista' nhoss il-Prezenza t'Ibnek.*

*Gibli l-paci u l-farag.*

*Itlob li jiena nikkonverti bis-serjeta'.*

*Ghinni biex naccetta l-Verita' u iftahli qalbi halli nircievi l-Hniena t'Ibnek, Gesu' Kristu.*

*Ammen.*

Binti, nitolbok li tara li din il-Medalja tigi ddisinjata u mahduma. Jiena ser nimxi mieghek ma kull pass u wara inti ghandek tizgura li din tkun tinsab madwar id-dinja kollha.

Mur fil-paci u aqdi lil Ibni.

Ommok.

Omm tas-Salvazzjoni.

## Il-profeta finali issa ġie mibgħut għalhekk jekk jogħġbok tirrifjutax dan id-Don.

### [Il-profeta finali issa ġie mibgħut għalhekk nitlobkom biex ma tirrifjutawx dan id-Don.]

Il-Ġimgħa 19 ta` Lulju, 2013. @ 3.00pm

Ghaziza mahbuba binti , meta inti tinkwieta u tħossok mhux mahbuba, minħabba din il-Missjoni, ghandek tkun taf li l-Ispirtu s-Santu dejjem se jżommok b'saħħtek. Qatt m'int se tiddikjara hwejjeg foloz, ghax dan mhux permess minn Missieri l-Ghaziz. Inti l-profeta tal-aħħar u filwaqt li naf li dan ibezzghek, kun ghaf dan.

Jien, permezz ta' l-imħabba ta' Missieri, ser nagħti Ħniena Kbira lid-dinja. Il-profeta finali issa ġie mibgħut, għalhekk nitlobkom biex ma tirrifjutawx dan id-Don, għax hija x-xewqa ta` Missieri li nahtaf l-uliedu kollha u nħarishom mill-ħażen fid-dinja. Dan huwa d-don biex ingibilkom s-salvazzjoni finali minn kastig terribbli.

**Tirrifjutawx dan id-Don tal-profezija, l-ahhar interċessjoni mis-Sema, biex insalvakom mill-periklu**.

Ghal dawk li ma jonorawx lil Missieri u li jqimu Allat pagani, il-pajjiżi tagħkom se jiġu miknusa minn wiċċ id-dinja, jekk intom ma dduruwx lejn il-Veru Alla Wiehed. Intom, li tqimu allat foloz, li jweghdu futur ileqq u li jinzlu tajjeb mal vanita' tagħkom, se tiġu mwarrba l` bogħod Minni u ser teghrqu go vojt bla tmiem - abbiss minn fejn qatt ma terġghu lura.

**Isimghu issa, intom kollha. Qed insejjaħ lill-umanità mis-sema**. Il-Profeta tiegħi sempliċiment tagħmel kif nghidilha. Hija tobdi Lili, l-Iben t'Alla, Bin il-Bniedem, kif kien imbassar. Hija ma għandha l-ebda vuċi. Il-kliem tagħha huma kliemi. L-Ubbidjenza tagħha hija kruċjali skond il-Kmand t'Alla. L-Ubbidjenza tagħha tfisser li hija ma ghandhiex permess li tiftaħ ħalqha biex tiddefendi l-Kelma t'Alla.

**L-avvenimenti kollha, mbassra, se jsehhu malajr**. Injoraw din it-twissija mis-sema u intom sejrin issofru aktar milli huwa meħtieġ. Kasbru dawn il-Kliem mis-Sema u intom tinkixfu fil-mistħija kollha tagħkom quddiem id-dinja kollha talli ippersegwitajtuni.

Il-Kelma Tiegħi hija Vera. Il-Kelma Tiegħi hija konkreta. Il-Kelma Tiegħi hija mogħtija biex tipproteġikom u ssalvakhom mill-bhima, li jeqred il-ħajja tagħkom bl-infestazzjoni tiegħu. Nitlobkom tkunu b'saħħithom u timxu l-boghod mill-gideb makakki li jgħidilkom. Jekk qalbkom hija tqila ejjew ghandi u Jien nagħmilha hafifa. Jekk qalbkom hija imdejjqa Jiena nhaddankom u ngibilkom il-paċi, sabiex l-mewt qatt ma tbezzakom aktar.

Jekk intom mimlija bir-rabja, li ssir mibegħda kontra dawn il-Messaggi, allura kunu ghafu li intom gejtu attakkati mir-Re tal-gideb. Intom tkunu tafu fil-qalb tagħkom li jekk dawn il-Messaggi joholqu fikom uġigħ u tbatija, li dawn ikunu ġejjin Minni.

Ġesù Taghkom

Il-Ġimgħa 19 ta` L ulju, 2013 @ 8.54pm

Ghaziza mahbuba binti, nixtieq nispjega dwar l-Armata tal-fdal. L-Armata tal-fdal qed tikber fid-dinja kollha f'dan iz-zmien. Ħafna, li ma jafux b'dawn il-messaġġi, diġà qed jinġabru, hekk kif il-qalba tal-Knisja Tiegħi fid-Dinja hija fil-periklu li tittiekel ghal kollox.

Ħafna jafu l-Verità u jistghu jaraw l-attentati, li qed isiru biex inaqqsu mill-qawwa tal-Kelma Qaddisa Tiegħi. **Dawk kollha li huma mdawla mill-Ispirtu s-Santu se jaghrfu l-ispirtu tal-ħażen hekk kif jibla l-Knisja Tieghi. L-ispirtu tal-ħażen jiġi mlibbes b'dehra ta`umiltà qarrieqa.** Il-Pjan tiegħu huwa li jhajjar l-erwieħ ghal go xibka ta' qerq billi jgebbed lill-qlub tagħhom.

Ftakar, li l-pjan ta' Satana huwa li jisraq l-erwieħ. Imbagħad, kun ghaf liema huma l-erwieħ li hu jonsob l-ewwel. Hu dejjem jipprova jeqred lil dawk li jħobbuni. Huwa jinjora lil dawk li hu diġà infesta, għax hu jkun diġà qeridhom.

Qatt temmnu li l-ħażen juri ruħu fl-aktar mod ovvju**. Dan l-ispirtu tal-ħażen ihajjar lill-erwieħ, billi jippreżenta dehra umli, delikata u li taghti kas ta' l-oħrajn, għax inkella kif tista' tikkonvinci bil-gideb lill-erwieħ tajba.**

Jiena s-Salvatur tal-umanità u issa qed nintervjeni biex inwasslilkom il-Verità. Xejn mhu se jwaqqafni, iżda minn kull ghamla ta' hazen ser ikun impost fuq din il-Missjoni, li qeghda biex issalva d-dinja mill-mizerja.

Kif intom, segwaċi għeżież Tieghi, timxu l` quddiem, intom se tiġu mkaxkra lura minn dawk li jemmnu li intom qed tidghu kontra l-Kelma t'Alla. Imbagħad, meta intom tirtiraw fis-skiet u tonqsu milli taqgħu fin-nases tax-xjaten, li huma ser iwaqqfu biex jinkoraġġukom biex tiddefendu l-Kelma Tieghi, dawn se jizzikawkom.

**Il-Grazzji mogħtija lill-Armata tal-Fdal Tieghi se jkunu sottili, izda qawwija, u bl-għajnuna ta' l-Omm tas-Salvazzjoni, dawn se joqtlu l-bhima u s-segwaci tiegħu.**

Il-battalja għall-erwieħ mhux se tkun sabiha, ghax tmorrux mqarrqa, il-kuluri vera ta' l-għedewwa t'Alla, li jgħidu li jiġu f`Ismu, biz-żmien ser jiġu żvelati, u jidhru għal dak li huma. **Sfortunatament, ħafna, se jkunu ghomja għall-Verità u sa dakinhar, ikunu hadu sehem f`ritwali Satanici li ma jkollhomx idea x'inhuma, tant kemm ser jinheba kollox sew**.

Il-Vuci Tieghi se tghajjat u tghajjat fostkom, għax Jien qatt mhu se nieqaf mill-Pjan Tiegħi biex ingibilkom il-Hajja Eterna. L-ebda ammont ta' raġunar tal-bniedem, li jgib il-kundanna tal-Kelma Qaddis Tieghi permezz ta' dawn il-Messaġġi, ma jista' jnaqqas mill-qawwa t'Alla.

Il-Mibegħda tagħkom għalija ser tiżdied u r-rabja li se tahtaf lil ruhkom ġejja minn Satana, izda intom temmnu li tkun ġejja minn Alla. Kif tistghu tkunu daqshekk għomja? X`tahsir kiber go fikom, li jgeghelkom tippruvaw tweggghu lill-oħrajn? Itolbu li ma ddawrux il-proxxmu tagħkom kontrija. Itolbu li intom tfittxu l-Verità, qabel ma x-xitan jiehu pussess ta' ruhkom. Huwa qawwi ħafna u dawk l-erwieħ li ddgħajfu minhabba d-dnub tal-kburija se jsiru ghamar miftuha, li fihom Satana u l-anġli tiegħu li waqghu, se jgħammru.

Qumu , intom kollha. Iz-zmien għall-Ktieb tal-Verità sabiex jinfetah wasal. Intom mhux biss tridu tiftħu l-paġni tieghu, intom tridu tiftħu l-qlub tagħkom.

Ġesù Taghkom.

## Omm tas-Salvazzjoni – Il-falliment f'Ruma se jirrizulta f'hafna li ser jitilfu t-triq.

Is-Sibt 20 ta` Lulju, 2013 @ 12.45pm

Binti, Hekk kif it-taqlib fi hdan il-fidi nisranija zdied, se jkun għad hemm dawk lejali lejn Ibni, li bil-qawwa tal-fidi tagħhom, se jiddefendu u jipproteġu l-Kelma Qaddisa t'Alla.

Il-falliment f'Ruma se jirriżultaw f'ħafna li jitilfu it-triq, u bla ma jintebħu, jduru l`bogħod minn Ibni, Ġesù Kristu. Huma jaqgħu fl-iżball minħabba li se jaċċettaw duttrini ġodda li ma jkunux ġejjin minn Alla. Itolbu, itolbu, itolbu għal dawk fil-knejjes Insara li se jaqgħu fin-nasba li jaccettaw gideb mogħtija lilhom bil-mohbi, minn dawk li jsostnu li jkunu ġew magħżula minn Ibni biex ixandru l-Kelma Tiegħu.

Dawn l-affarijiet kienu mbassra lil viżjonarji għal sekli sħaħ u madankollu ħafna minnkom jirrifjutaw li jaċċettaw dawn il-profeziji. Wissejt lill-umanità dwar dawn il-jiem tad-dlam li ġejjin minħabba li Ibni jixtieqkom tkunu ghassa ghall-anġli li waqghu, li dawn sejrin jinfestaw il-Knisja Tiegħu fuq l-art. Id-dmugh tiegħi jinzel bhal gelgul kbir għax hafna qaddejja qaddisa fi ħdan il-Knisja jiċħdu d-dehriet tiegħi. Dawn id-dehriet ġew approvati minn Alla biex igibu lill-umanità konxja tal-perikli li jiffaċċjaw l-erwieħ, li kieku huma ma ngħatawx il-Verità bil-quddiem.

Il-profeziji mogħtija lilkom f`La Salette u Fatima huma ta' sinifikat kbir. Għaliex tant minkom li jsostnu li jhobbu lili, ommhom jinjoraw dak li jien ghidt lid-dinja. Intom ma smajtux minni u hallejtu lilkom infuskom tiġu mqarrqa.

Wasal iż-żmien li wieħed jiftakar li d-dlam, li jiksi l-Knisja ta`Ibni fuq l-art, huwa kkawżat mill-wiehed tal-ħażen, li nganna lil ħafna. Dan id-dlam ma jistax jiġi minn Ibni u, ghaldaqshekk, il-Gisem Mistiku Tiegħu – Il-Knisja Tiegħu - tibqa' bla mittiefsa. Dawk li jibqghu fidili lejn il-Gisem Mistiku Tiegħu mhux se jiddevjaw mill-Verità. Dawk li jittradixxu il-Knisja t`Ibni u jirrifjutaw t-tagħlim Tiegħu billi jaddottaw prattici ġodda, li huma insult ghal Ġesù Kristu, jinqatgħu l-boghod mill-Ħniena Tiegħu.

Għandkom tkunu tafu li meta s-Salib ta' Ibni jigi mibdul fil-forma, biex jidher differenti, u meta l-mod li bih s-Sagrifiċċju tal-Quddiesa jigi mibdul f'isem il-modernizmu, hemm intom se taraw d-disrispett lejn Ibni fil-mod kif dawn affarijiet jigu ppreżentati.

Intom qatt m'ghandkom tittradixxu lil Ibni. Huwa sofra tant u madankollu, xi wħud minn dawk fi ħdan il-Knisja Tiegħu stess se jaqgħu fl-iżball u jsallbuh mill-ġdid. Meta taraw dawn il-hwejjeg jigru, kunu ghafu li z-zminijiet qed jinbidlu u li l-battalja finali bejn Alla u l-bhima tinsab għaddejja.

Omm l-għażiża tagħkom

Omm tas-Salvazzjoni

## [Bhalissa qed ihejju lill-antikrist ghad-dahla grandjuza tieghu.]

Il-Hadd, 21 ta' Lulju, 2013 @ 6.05pm

Ghaziza mahbuba binti, **ghandi Messagg importanti ghad-dinja**, inkluzi dawk li jemmnu Fija, dawk li ma jemmnux, dawk li forsi ma jemmnux f'Missieri, u anke dawk li ma jaccettawx li kollox huwa gej Minni.

**Meta l-bestja kkonfoffa kontra Tieghi, huwa holoq pjan hazin ghall-ahhar zmenijiet**, li kien mahsub biex idahhal lid-dinja fl-akbar gidba, halli jkun jista' jehodhom fin-nirien ta' l-Infern.

Kunu ghafu li Jiena diga kxift mad-dinja dan il-pjan, izda baqa' sigriet li jrid jinkixef, halli tkunu tistghu tifhmu l-Verita'. Bhal kull battalja ohra, l-ghadu jiehu postu, u s-soltu dan isir b'hafna reqqa, halli jsir bil-mohbi, u biex min ikun il-mira tieghu ma jkunx jaf fejn jinsab l-ghadu.

**F'din l-ahhar taqbida ghall-erwieh, Satana u ta' mieghu ga hadu posthom kontra z-zewg xhieda t'Alla**. Din hadet bosta snin biex tinhema, imma ulied Alla, l-ewwel ghandhom ikunu jafu min huma z-zewg xhieda, qabel ma jkunu jistghu jifhmu kif tfassal il-pjan.

L-ghadu ga ha postu fil-Knisja Tieghi. Huwa jaghmel dan bhall-ghadu mohbi goz-ziemel ta' Troj. L-ghadu – u ftakru li hemm hafna minnhom u dawn iqimu lill-bestja – ga nizzel l-gheruq fil-Vant Nofsani. Il-mira vera huwa Izrael, li huwa fejn jghammar it-tieni xhud.

**Iz-zewg xhieda huma l-Insara u d-Dar ta' Izrael**. Il-Kristjanezmu huwa l-ewwel mira, ghax gej Minni, Izrael huwa t-tieni mira, ghax Jiena kont imwieled Lhudi u dik hija l-art tan-nisel maghzul minn Alla – d-dar ghal Gerusalem.

Mhux b'kumbinazzjoni illi Satana jrid jeqred dawn it-tnejn, ghax huwa jobghodhom, u ladarba huwa jnehhi kull tracca taghhom, huwa jkun qed jaghmel l-akbar dikjarazzjoni – li huwa 'l fuq minn Alla. Kemm ser isofru dawn iz-zewg xhieda f' Isem Alla. Huma mhux ser imutu, izda ser jidhru li l-hajja ttehditilhom.

Is-Sagramenti ser ikunu l-ewwel li jinqerdu - imbaghad il-Quddiesa – imbaghad il-Bibbja u kull tracca tal-Kliem t'Alla. Matul dawn iz-zmenijiet, hafna ser jitqabdu biex ixandru l-

Kelma t'Alla. Ikun matul dawk iz-zmenijiet li l-Grazzji Tieghi ser jitferrghu kullimkien, permezz tal-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, halli Alla ma jigix minsi.

**L-antikrist**

Fil-qrib hafna, l-antikrist ser jigi maghruf bhala l-bniedem tal-paci, li ser johloq pjan ambizzjuz ta' paci ghall-Vant Nofsani.

Bhalissa huma qed ihejju lill-antikrist ghad-dahla grandjuza tieghu. Sadanittant, il-pjan qarrieqi biex ifixkel lill-innocneti, billi jghallimhom gideb f'Ismi, qed ikompli. Ghal dawk minnkom li ma jaccettawx il-Verita', kunu ghafu li dawn iz-zmenijiet huma fuqkom. Jekk intom ma jirnexxielkomx taccettaw il-Verita' issa, jekk intom thobbuni fil-verita', allura Jiena naghtikom il-Grazzji biex tiddixxernu.

Huma tant dawk li ma jistghux jaraw dan il-pjan qarrieqi, li huwa mohbi b'tant reqqa, izda li qed jinfirex quddiem ghajnejkom, kif kien imbassar. L-Iskrittura Qaddisa qatt ma tigdeb. Il-Kelma Tieghi hija l-Verita'. Il-Verita' hija l-habel li jista' jgibilkom is-Salvazzjoni. Jekk intom taccettaw il-gideb, li ser jigu moghtija lilkom minn gol-Knisja Tieghi, minn dawk li m'humiex gejjin f'Ismi, allura intom taqghu fi dlam kbir u tigu miblughin minn tant hazen, illi jekk intom tiehdu sehem f'dawn il-prattici ta' l-okkult – moghtija lilkom f' Ismi – Ghalija intom tkunu mitlufa.

Fil-qrib hafna, meta tkun giet mahluqa l-paci falza, jibdew il-pjanijiet biex jeqirdu ghal kollox lill-Lhud. Waqt li l-bestja jkun qed jisselvaggja ma' Izrael, il-profeta l-falz jnehhi l-Przenza Tieghi u jqarraq mhux biss bil-Kattolici, izda bl-Insara kollha, r-religjonijiet kollha, biex jaghmel lill-bestja idolu taht l-ghata tar-Religjon Wahda Dinjija.

Jekk dan il-Messagg igibilkom il-biza' f'ruhkom, kunu ghafu li l-hsieb Tieghi huwa li ma nhalli xejn mohbi minnkom li jista' jeqridkom. Dak biss li huwa mportanti huwa li intom tibqghu lejali lejn it-Taghlim Tieghi u titolbu ghall-protezzjoni Tieghi. Meta intom tintelqu f'idejja, Gesu' taghkom u titolbuni biex immexxikom, kollox imur sew.

Jiena ser inzommkom taht il-Protezzjoni Tieghi – dawk kollha minnkom li mhux ser titbeghdu mill-Verita'.

Gesu' Taghkom.

**Afdaw Fija u Jiena nifthilkom ghajnejkom ghall-Verita' ta' futur glorjuz**
It-Tnejn, 22 ta' Lulju, @ 7.09pm

Ghaziza mahbuba binti, Jiena qed insejjah liz-zghazagh kollha tad-dinja, ta' kull twemmin u fidi.

Jiena Gesu' Kristu, is-Salvatur tad-dinja, u **Jiena ser nuri Lili nnifsi lilkom dalwaqt. La darba dan jigri, waqt grajja sopranaturali, li ser tinhass madwar id-dinja kollha fl-istess hin, intom ser tkunu tafu l-Verita'.**

Forsi intom ma taccettawx is-Sejha Tieghi issa. Forsi ma tilqghunix fil-hajja taghkom ta' kuljum, izda meta thossu Mhabbti, qatt xejn aktar ma jkun jaghmel sens. **Iz-zmien ghat-Tieni Migja huwa fil-qrib. Din il-grajja, fejn Jiena ser ingibilkom il-Paci, filwaqt li ndahhal il-Genna l-Gdida, ser timliekom b'ferh li intom qatt ma hassejtu bhalu qabel. Ser ingibilkom hajja lil hinn minn kull holma taghkom – hajja li meta taghti titwila lejha, issib li hija dak kollu li qatt xtaqtu.**

It-Tieni Migja Tieghi mhix tal-biza', ghax din ser tkun l-aktar okkazzjoni kbira ta' ferh. Din hija l-Weghda Tieghi. Qatt m'ghandkom tinkwetaw jew tahsbu li l-hajja ser tispicca – tahsbu li ser tigu mcahhda miz-zmien li intom is-soltu tahsbu li ghandu jkun taghkom fid-dinja – ghax il-hajja tkun ghadha ser tibda. Din id-darba mhux ser ikun hemm turmenti, wegghat, rabja, mibeghda jew qsim. L-Imhabba biss ser issaltan u maghha, ikun hemm hajja ta' glorja, fejn tghixu f'ghaqda kbira, fl-imhabba u l-paci mal-mahbubin taghkom.

Qed inhejji lid-dinja ghal din il-grajja kbira, li kienet imbassra. Sabiex thejju – halli f'tebqa t'ghajn, id-dinja tinbidel ghal dejjem – intom ghandkom tigu Ghandi. Biex tigu moghtija din il-hajja fil-Genna l-Gdida, fejn ser ikollkom gisem u ruh perfetti, intom ghandkom titolbuni biex innaddaf lil ruhkom. Sabiex Jiena naghmel dan, intom ghandkom titolbuni nahfrilkom dnubietkom. Hija daqshekk semplici. Jiena naf li intom midinbin. Intom tafu li intom midinbin, imma dan m'ghandux jifridkom Minni.

Jekk intom imhawda jew imbezzghin, ghiduli x'qed jinkwetakom u Jiena ntaffi l-ugigh taghkom. Afdawni u Jiena nifthilkom ghajnejkom ghall-verita' ta' futur glorjuz. Meta d-dinja tiggedded u t-Tieni Migja tigi mhabbra, Jiena nkun qed nistenna biex nilqaghkom. Jiena ser nibqa' nhobbkom dejjem, ghax kien ghalikom li Jiena tajt Gismi, meta hallejthom isallbuni. La Jiena nhobbkom daqshekk, allura xejn m'ghandu jwaqqafkom milli ssejhuli llum stess.

Qed nistenna li ssejhuli.

Gesu' Taghkom.

## Omm tas-Salvazzjoni: L-aħħar sigriet ta' Fatima ma kienx żvelat, tant kemm kien tal-biza.

It-Tnejn 22 ta`Lulju, 2013 @ 8.17pm

Binti, il-qerq, li d-dinja se tiffaċċja, se jkun tant diffiċli biex jintgħaraf, li dawk biss li jċedu ghal Alla, u jpoggu l-fiduċja tagħhom kollha f' Ibni li se jkunu kapaċi jissaportu l-provi, li gejjin quddiemkom.

Jiena tajt lid-dinja l-profeziji fl-1917, iżda l-aħħar sigriet ta' Fatima ma kienx żvelat, tant kemm kien tal-biza għal dawk fi ħdan il-Knisja Kattolika.

L-aħħar sigriet ta' Fatima xorta jibqa' mhux magħruf minn Ulied Alla, għalkemm parti minnu kienet giet zvelata lilek fis 26 ta`Jannar, 2012. Huma ftit hafna fil-Knisja, dawk li jafu is-sigriet. Issa, il-parti li jmiss tas-sigriet finali ta' Fatima għandu jiġi żvelat, sabiex inkun nista nwissi l-umanità bil-konsegwenzi jekk tinjoraw l-intervent tiegħi biex ngħin insalva l-erwieħ.

Il-Knisja giet infestata, minn ġewwa, mill-għedewwa t'Alla. Huma - u minnhom hemm għoxrin li jikkontrollaw minn ġewwa - ħolqu l-akbar ingann. Huma ghazlu bniedem, mhux t'Alla, filwaqt li l-Papa, li kien gie mogħti l-Kuruna ta' Petru, tneħħa fin, fin.

**Id-dettalji, li zvelajt, huma li jkun hemm żewġ irġiel lebsin il-Kuruna ta' Pietru fl-aħħar żminijiet. Wieħed minnhom se jsofri minħabba l-gideb li ġew maħluqa biex jitlef kull kreditu u li jghamluh priġunier virtwali. L-iehor, l-elett se jġib il-qerda, mhux biss tal-Knisja Kattolika, imma tal-knejjes kollha li jonoraw lil Missieri u li jaċċettaw t-Taghlim t`Ibni, Ġesù Kristu, Salvatur tad-Dinja.**

**Jista' jkun hemm biss kap wieħed tal-Knisja fid-Dinja, awtorizzat minn Ibni, li għandu jibqa' Papa sal-mewt tiegħu. Kull wiehed iehor, li jallega li jpoġġi fis-Sede ta' Pietru, huwa impostur.** Dan il-qerq għandu għan wiehed, li jdawwar l-erwieħ lejn Lucifru u baqa' biss ftit żmien għal dawn l-erwieħ, li xorta mhux se jkollhom l-ebda hila, biex jiġu salvati.

Uliedi, issa intom ghandkom taghtu widen ghal twissija waħda. Titbeghdux mit-taghlim t` Ibni. Stharrgu kull duttrina ġdid, li tista' tkun ippreżentata lilkom u li jghidulkom li tiġi mill-Knisja t`Ibni fid-Dinja. Il-verità hija sempliċi. Ma tinbidel qatt. Il-Legat t'Ibni huwa ċar ħafna. Tħallu lil ħadd icajpar il-ġudizzju tagħkom.

Dalwaqt il-profeziji ta`Fatima se jagħmlu sens. Issa kollox qed iseħħ quddiem dinja li ma temminx, u sfortunatament, ftit ser jifhmu sa meta jkun tard wisq. Itolbu, itolbu, itolbu r-Ruzarju l-aktar Qaddis tiegħi, spiss kemm jista' jkun, kuljum, sabiex ittaffu l-effett tal-ħażen, li qed idawwarkom.

L-Omm l-ghaziza tagħkom

Omm tas-Salvazzjoni

**Jiena ser nikxef is-sigrieti li jinsabu fil-Ktieb tar-Rivelazzjoni, u dawn mhux ser ikunu pjacevoli.**

It-Tlieta, 23 ta' Lulju 2013 @ 3.30pm

Ghaziza mahbuba binti, dak kollu li inti ser tghaddi minnu, huwa minhabba l-fatt li Jiena ser nikxef is-sigrieti li jinsabu fil-Ktieb tar-Rivelazzjoni u dawn mhux ser ikunu pjacevoli. Il-Verita' tista' thalli lil hafna mhawdin u mqallbin. Il-Verita' ser iggib dmugh ta' twerwir, dmugh ta' dwejjaq u tahwid kbir.

Min-naha l-ohra, il-gideb, jistghu jheddlukom u ssibu ruhkom f'serhan falz. Anke meta l-gideb jigu pprezentati lilkom imlibbsin bi kliem ta' mhabba u mossi nobbli, u f'qalbkom thossu li xejn m'hu sew, dawn xorta huma izjed facli biex taccettawhom mill-Verita'.

Meta xi hadd jghidilhom li gew infettat minn marda terminali, ghandhom zewg ghazliet. Dawn jistghu jaccettaw il-Verita', ihejju ruhhom, iqattghu izjed hin fil-qrib tal-familji taghhom, ifittxu l-Mahfra Tieghi u mbaghad, jistennew dak il-jum. Meta jaghmlu hekk, ghalkemm ikun tal-biza', huma – minhabba li jkunu accettaw il-Verita' – isibu l-paci vera f'ruhhom. Dawn l-erwieh ma jkollhom xejn x'jibzghu Minni. Jekk, minn naha l-ohra, huma jirrifjutaw il-Verita', u jemmnu f'medicini magici u allat foloz, li huma jahsbu li jistghu juzawhom biex ifiequ b'miraklu, huma johorgu ddizappuntati. Dawn l-erwieh, mghomija b'dawk li jghidulhom hsibijiet pozittivi, jemmnu li jekk huma jaghmlu hilithom biex ikunu ahjar, kollox imur sew. Dak li ma jistghux jifhmu, huwa li huma ghandhom isejhu Lili, Gesu' jekk jixtiequ li jfiequ. Jiena lest li nwiegeb ghas-sejhat taghhom, izda biss jekk dan ikun ghall-gid ta' ruhhom. Dawn l-erwieh li jonqsu milli jaccettaw il-Verita' tal-marda taghhom u li ma jdurux Lejja, ser jintilfu. Huma ser ikunu berbqu z-zmien moghti lilhom fid-dinja, biex ihejju ruhhom kif jixraq.

L-istess jigri ghall-Kelma Tieghi, li qed tigi moghtija lilkom bhalissa. Jiena tajt lid-dinja l-Verita', matul iz-zmien Tieghi fid-dinja u kont michud. Hafna mxew warajja, izda l-Verita' moghtija lilkom dak in-nhar, issa qed tigi sfidata mill-ghedewwa t'Alla u dawn ser jaqghu vittmi tal-qerq. Huma daqt jichdu l-Verita' u mhux ser ikollhom il-hila jaccettaw it-Twissija Tieghi, moghtija lid-dinja bhalissa.

**Issa Jiena qieghed insejhilkom, mhux biex naghtikom Taghlim gdid, ghax m'hemmx ghalfejn. Intom ga kontu gejtu moghtija l-Verita'**, izda issa Jiena qed nintevjeni biex infakkarkom fil-Verita'. Qed nigi wkoll biex inwissikom dwar l-atti koroh li ser jitwettqu fuqkom minhabba li intom thobbu Lili.

Iddawrux daharkom Lejja, Gesu' Kristu, ghax din id-darba, Jiena qieghed nersaq lejkom biex nipprotegikom. Ma rridkomx li titbeghdu Minni, ghalhekk ser nibqa' nfakkarkom fil-Verita' darba wara l-ohra. **Meta ssibu li ruhkom m'ghandhiex kwiet, minhabba r-regoli l-godda li sa jigu pprezentati minn dawk li jghidu li gejjin Minni, hemm ghandkom issejhuli permezz ta' din it-Talba tal-Krucjata.**

**Talba tal-Krucjata (116) Ehlisni mill-hazen tal-gideb:**

*Ghinni Ghaziz Gesu'.*

*Qed neghreq fid-dmugh tan-niket.*

*Qalbi mhawda.*

*Ma nafx lil min nista' nafda.*

*Nitolbok timlieni bl-Ispirtu Qaddis Tieghek, halli naghraf naghzel it-triq li twassal ghas-Saltna Tieghek.*

*Ghinni, Ghaziz Gesu', halli nibqa' lejali lejn il-Kelma Tieghek, moghtija lid-dinja permezz ta' Pietru u qatt ma nitbieghed minn dak li Inti ghallimtna, jew li nichad il-Mewt Tieghek fuq is-Salib.*

*Gesu', Inti t-Triq.*

*Urini t-Triq.*

*Erfani u gorrni f'dan il-vjagg ta' Hniena Kbira. Ammen.*

Gesu' Taghkom.

**Omm tas-Salvazzjoni: Bhallikieku gara miraklu, il-profeta l-falz jidher li qam mill-mewt**.

Il-Hamis, 25 ta' Lulju, 2013 @ 6.52pm

Binti, huwa mportanti li wliedi ma jitilfux il-kuragg meta jigu wicchom mal-weggha li ghandhom ihabbtu wicchom maghha, meta l-Knisja t'Ibni tigi mitfugha fix-xaghri tad-dezert.

Jiena l-Mara tal-Ktieb tar-Rivelazzjoni, mlibbsa x-xemx, li welldet Iben. Dan l-Iben huwa Gesu'. Il-Gisem Mistiku t'Ibni, Gesu', huwa l-Knisja Tieghu fid-dinja. Il-Knisja t-Ibni qed tigi misruqa u l-Gisem Tieghu dalwaqt ma jibqax prezenti hemm. Din il-weggha kbira, ser tqatta' l-qlub ta' dawk li jimxu mat-Taghlim t'Ibni, fi tnejn. Dawk mhux ser ikollhom lejn fejn iduru u ser isibu ruhhom mitfughin 'l barra mill-bini li s'issa kien id-dar ghall-Ewkaristija Qaddisa. Izda, filwaqt li huma jkunu gew mitfugha 'l barra u xejn hniena ma tkun giet murija lilhom, huma jkunu mimlija bl-Ispirtu s-Santu. Dan ifisser li huma jkunu mmexxija u ser imexxu b'qilla lill-Armata tal-Fdal, li hija maghmula minn dawk li huma lejali lejn Alla.

**Ohrajn, moghmijin ghall-Verita', ser jimxu wara l-profeta l-falz ghal got-tahwid. Qlubhom jigu mqarrqa u dalwaqt, meta l-profeta l-falz ikun donnu qieghed f'xifer il-mewt, huma ser inewhu. Izda mbaghad, bhallikieku jkun gara miraklu, l-profeta l-falz jidher qisu qam mill-mewt. Huma jghidu li huwa mbierek, b'hafna poteri sopranaturali mis-Sema u hemm huma jaqghu wicchom fl-art quddiemu u jadurawh**. Huwa jkun mahbub u adurat minn dawk li ma jarawx.

**Dalwaqt ser jidher l-antikrist u t-tlugh ghall-fama tieghu, ser jibda f'Gerusalem. La darba huwa jidher fil-pubbliku, kollox fil-Knisja t'Ibni ser jinbidel malajr**. Jidhlu fis-sehh ir-regoli l-godda. Relikwi, bdil fl-ilbies tas-sacerdoti u hafna regolamenti godda jigu nfurzati. Ghall-bidu, n-nies ser jghidu li dawn il-bidliet kollha hargu mill-bzonn li tkun umli. U filwaqt li dawn l-istmerrijiet jiddahhlu fil-Knejjes Kattolici, tibda l-persekuzzjoni. Azzardaw biss li ssibu oggezzjoni ghal dawn ir-ritwali Satanici u intom taqghu fl-erezija – tkunu qed taqilghu l-inkwiet.

**Hafna kardinali, isqfijiet, sacerdoti, sorijiet u nies ordinarji ser jigu skomunikati**, jekk huma ma jimxux mar-regoli l-godda jew jaduraw il-profeta l-falz. F'dan l-istadju, intom ghandkom tfittxu l-kenn, li jkun ga thejja biex tkunu tistghu tqimu lil Ibni fil-paci. Is-Sacerdoti ghandhom jibqghu jamministraw is-Sagramenti u jipprovdu lil uliedi bl-Ewkaristija l-Izjed Qaddisa.

Qatt m'ghandkom taqghu ghall-qerq, li intom ser tigu mitluba li tiehdu sehem fih. Dawk kollha li jaghmlu dan, jaghtu ruhhom lill-wiehed tal-hazen.

Il-Mahbuba Omm taghkom

Omm tas-Salvazzjoni.

## Għalkemm dawn se jgibu l-biża', dawn m`huma xejn meta mqabbla mal-Kastig il-Kbir li gej izjed il-quddiem.

Il-Ħamis 25 ta` Lulju, 2013 @ 8.40pm

Ghaziza mahbuba binti, l-Id ta` Missieri issa intervjeniet fid-dinja, b`kastig għad-dnub tal-bniedem. Id-Dnub żdied fid-dinja minħabba li l-bniedem mhux jaghraf aktar bejn it-tajjeb u l-ħażin. Ma tistgħux taħarbu mill-Korla tar-Rabja ta` Missieri, meta l-pajjiżi tagħkom ifaħħru id-dnub il-hazin, permezz tal-liġijiet tagħhom.

**Dawn il-kastigi ser jinhassu madwar id-dinja kollha, malajr. Għalkemm dawn se jgibu l-biża', dawn m`huma xejn meta mqabbla mal-Kastig il-Kbir li jigi izjed il-quddiem**. Il-bniedem ghandu rasu iebsa. Huwa jirrifjuta l-għajnuna meta din tigi offruta minn Alla. L-umanità għażlet li tirrifjuta lil Alla u kull wieħed minnkom sofra minħabba l-idolatrija fostkom.

Is-Sejħa Tieghi mis-Sema hija, l-ewwel haga, biex insalva lill-erwieħ kollha, iżda hija wkoll biex inkun nista` ngħinkom ittaffu l-kastigi, li gejjin fuq ir-razza umana. Kemm hi kbira l-Ħniena Tieghi. Kemm hija kbira l-Pacenzja Tieghi, iżda dawk li jiċħdu t-Taghlim Tiegħi u li jaghlqu lilhom infushom minn Missieri, l-Ħallieq tagħhom, dalwaqt se jkunu jafu l-konsegwenzi.

Insejjah lir-reliġjonijiet kollha u nitlobkom biex tittallbu għal hniena, kemm jekk taċċettaw dawn il-messaġġi kemm jekk le. **Il-talb huwa meħtieġ biex jittaffew il-katastrofi, li diġà bdew.** Itolbu, itolbu, itolbu, għall-ħajja taghkom u għas-salvazzjoni ta` ruhkom.

Ġesù Taghkom

**Harsu taht il-maskra tal-umanizmu u m'intomx ser issibu l-ebda sinjal t'Alla.**

Is-Sibt, 27 ta' Lulju, 2013 @ 7.22pm

Ghaziza mahbuba binti, hija x-xewqa Tieghi li s-segwaci prezzjuzi Tieghi jitolbu hafna halli jtaffu l-hsara li qed issir lill-erwieh, minhabba li kiber l-ateizmu. L-ateizmu mhux dejjem jiddikjara lilu nnifsu. Hafna drabi, nies li jkunu ddecidew li ghal xi raguni ma jridux jibqghu jemmnu f'Alla, dawn joholqu sostitut ghaliH.

Minhabba kif inhu maghmul il-bniedem, huwa jhoss il-bzonn li jsib ghaliex qieghed jezisti. Is-sahta ta' l-umanizmu hija li din tgholli l-bniedem f'ghajnejn il-bniedem. Skond l-umanista, ghandu jsir minn kollox biex il-bzonn tal-bniedem jigi l-ewwel u qabel kollox. Hafna nies ihalltu l-umanizmu mal-Kristjanezmu. **Meta wiehed jiddikjara l-importanza tal-hwejjeg materjali fil-hajja tal-bniedem, ikun xi jkun, sabiex jevita s-sofferenza u l-faqar, hemm ikun facli biex wiehed jahseb li din hija forma ta' mhabba ghall-gar tieghu.**

Jekk tghid li trid twaqqaf il-faqar, in-nuqqas ta' xoghol u mizerji ohra, hafna jahsbu li inti qed titkellem f' Isem Alla. **Harsu wara l-maskra tal-umanizmu u m'intomx ser issibu l-ebda sinjal t'Alla, lanqas m'intom ser tisimghu Ismu jissemma.** Dawk li jghixu hajjithom bhala umanisti, ma jhobbux lil Alla. Huma jhobbu biss lilhom infushom. Huma jemmnu wkoll li inti trid tkun sew u qieghed tajjeb – l-bicca l-kbira f'dawk li huma hwejjeg tad-dinja – biex ikollok kulma hemm bzonn.

Ghalkemm tidher li tkun qed taghmel karita', meta inti taghti kas tal-bzonnijiet tal-bniedem, inti qatt ma tista' tiehu l-post t'Alla, billi ggib il-bzonnijiet tal-bniedem qablu. Meta taghmel hekk, tkun qed tinsulta lil Alla. **L-umanizmu, filwaqt li minbarra jidher li huwa mhabba lejn Alla, mhuwiex dak li jidher.** Wara l-maskra ta' l-imhabba, hemm mohbija l-imhabba ghalik innifsek. Il-bniedem imut, gismu jsir trab, ruhu tibqa' tghix, izda l-umanizmu igibek temmen li l-bniedem huwa mmortali.

Oqoghdu attenti meta thaddnu l-umanizmu, ghax meta taghmlu dan, intom tinqatghu Minni.

Gesu' Taghkom.

.

## Ghall-innocenti l-ohra li jimxu wara l-bestja u l-profeta l-falz fil-ghama, huma ser jinqaflu go morsa kiefra.

Il-Hadd, 28 ta' Lulju, 2013 @ 9.40pm

Ghaziza mahbuba binti, inti qatt m'ghandek tiddubita l-Kelma Tieghi. Inti, jekk verament tafdani, ghandek taghmel dak li Jiena nixtieq minnek, halli Jiena ngharraf lid-dinja, f'dan iz-zmien, u nhejjihom ghall-Bidu l-Gdid.

Hafna minn dak li qed jigri lill-Knisja Tieghi, kien ga gie mhabbar, izda inti ghandek taccetta l-fatt li Missieri jippermetti dawn l-istmerrijiet ghal raguni. **Dan huwa t-tmien tar-renju ta' Satana. Huwa tella' bestja f'ismu, u l-antikrist huwa l-ispirtu ta' Satana nnifsu. Huwa u s-segwaci tieghu gew moghtija kemm kemm zmien f'din il-battalja ghall-erwieh**.

Il-vendetta ta' Satana hija li jisraq kemm jiflah erwieh, qabel ma jigi marbut bil-ktajjen u mitfuh fl-abbiss. Dawk kollha ta' mieghu, li ghamlu lis-serp idolu taghhom, jimxu biss fuq l-istruzzjonijiet tieghu minhabba l-qawwa li hu jweghdhom li ser tkun taghhom, jekk huma jghinuh biex igib fi tmiemu l-pjan dijaboliku tieghu. Kemm ser isofru dawn l-erwieh imsejkna ghall-eternita', u kif ser iwerzqu ghall-Hniena Tieghi meta jaraw car id-destin taghhom.

Ghall-innocenti l-ohra li jimxu wara l-bestja u l-profeta l-falz fil-ghama, huma ser jinqaflu go morsa kiefra, li minnha mhux ser ikollhom sahha jaharbu. Dawn qeghdin fi stat iddisprat ghall-ghajnuna taghkom. Intom ghandkom titolbu hafna ghall-erwieh taghhom biex jigu mehlusa u jigu lura ghal Ghandi. Lid-dinja hemm barra, dawn ghall-bidu mhux ser jaraw hafna x'jallarmhom. Il-gwerrer fil-Vant Nofsani u l-paci li gejja wara ser jintlaqghu bic-capcip.

**Il-bniedem tal-paci ser jircievi hafna premjijiet bhala rikonoxximent tax-xoghol umanitarju tieghu. Il-profeta l-falz ser jidher li qed jghaqqad il-knejjes tad-dinja u juri ma' kull cans li jsib, dak kollu li jaghmlu jidher qaddis.**

Kollox ikun sew, sakemm dawn it-tnejn iduru u bi tpattija jfarrku lil dawk li jopponu l-pjan taghhom biex jikkontrollaw id-dinja. Huma ser jahdmu l-Knisja Tieghi fid-dinja bhala l-bejta tal-bestja, sakemm id-dlam jiksi d-dinja kollha.

Kulhadd jibda jhoss nuqqas ta' kalma. Ilkoll ser thossu l-hazen, meta Satana permezz ta' l-antikrist, jikkontrolla kollox. Izda hemm, meta kollox jidher bla tama, Jiena ninzel, permezz tal-Hniena Kbira Tieghi, biex niksi lil kulhadd, biex naghti prova lid-dinja tal-Verita'.

Tant hija kbira l-Hniena Tieghi, illi Jiena ser indawwal l-erwieh l-izjed mudlama u huma ser jigu ghandi mfarrgin. F'dak l-istadju, d-dubji kollha jkunu telqu minn ruhhom, bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Fil-qrib wara dan, meta wlied Alla jkunu jafu l-Verita', iddoqq l-Ahhar Trumbetta u d-Dinja tiggedded. Il-hazen kollu jisparixxi. Ix-xemx timla lilkom kollha f'Dawl Kbir u l-Genna l-Gdida tigi moghtija b'imhabba kbira, bhala l-akbar Rigal li intom qatt tistghu timmaginaw, lil kull wiehed minnkom.

Kulma tridu taghmlu huwa li tafdaw fil-Verita' li Jiena nurikom, halli intom tkunu tistghu tevitaw l-imnasab li qed jithejjew biex jisirqulkom ruhkom. Dawk fostkom li jistghu jaraw, li jafdawni, li jsejhuli, ser jghinuni biex insalva l-erwieh ta' dawk li jistghu jaraw, izda li jirrifjutaw li jaraw il-Verita'.

Gesu' Taghkom.

**Il-Marka tal-bestja ser iggib maghha l-mewt – il-mewt tar-ruh u l-mewt b'marda terribbli.**

It-Tnejn, 29 ta' Lulju, 2013 @ 11.23am

Ghaziza mahbuba binti, Ismi rari jissemma fl-istess nifs meta dawk li jghidu li jirrapprezentawni jidghu kontra Alla. **Il-mewt Tieghi fuq is-Salib mhux talli ser tigi minsija u hadd ma jitkellem dwarHa, izda forom ta' xjaten ser jintuzaw biex jiehdu post il-Korp Tieghi fuq is-Salib. Jekk mhux Lili qatlu fuq is-Salib, mela min kien?** Min huma dawk li jxandru Kelmti lid-dinja, u wara, tant erezijiet johorgu minn halqhom?

Oqoghdu attenti mill-mirakli li l-bniedem bil-hwejjeg bojod qed jghid li jaghmel, bhallikieku kienu maghmulin minn Lahmi u mberkin mill-Ispirtu Tieghi. **Meta taraw hwejjeg tal-ghageb u li qishom mirakli, kunu ghafu li m'huma xejn minn dan.**

Ser jghidulkom li dawn il-mirakli gew mahluqa minn id il-profeta l-falz. Ikun mistenni minnkom li turu rispett kbir u ghall-ewwel, jghidulkom li huwa qaddis haj. Huwa jigi adurat, mahbub u ammirat u kulhadd ser jghid li Alla iffavurih. Biz-zmien jibdew jemmnu li dawn il-mirakli qed isehhu biex ihabbru t-Tieni Migja.

Imbaghad jidher il-bestja. U huwa jonora lill-ewwel wiehed. U d-dinja tigi maqbuda f'tahwida kbira. Huma jkunu waqghu fin-nasba. Min-naha wahda, il-profeta l-falz jikkontrolla r-religjonijiet kollha fid-dinja u jghix minn fuq l-imhabba ta' dawk li jafu l-Verita'. Dawk li jafu l-Verita', mhux ser jichduni, ghax taghhom hija s-Saltna t'Alla. **L-antikrist ser jonora bi kbir lill-profeta l-falz. U minhabba li sehmu huwa fil-politika, l-ghaqda taghhom ser tghaqqad hafna nies li ser ifahhru din l-ghaqda.**

Dawn il-grajjiet daqt jibdew jaghmlu sens. Dawk li jippruvaw jehdukom maghhom f'fidi falza, li mhix t'Alla, ser ikunu konvincenti hafna. Qatt m'huma ser juri l-veru mottiv taghhom, sakemm jibdew jahsbu li qed jirbhu din il-battalja. Izda mbaghad, huma ser jeqirdu lil hafna, li mhux ser jaccettaw il-marka tal-bestja. Huma ser jghidu li din hija sinjal ta' paci vera fid-dinja, mhabba u ghaqda, izda mohbija fil-qalba taghha ser ikun hemm l-ittri 666, il-marka tal-bestja.

Hekk kif medalji qaddisa joffru protezzjoni mis-Sema, bil-qawwa minn Alla, l-marka tal-bestja ser iggib maghha l-mewt – il-mewt tar-ruh u l-mewt b'marda terribbli. Dawk li jirrifjutawha jkollhom jinhbew u jhejju. Naf li dan huwa tal-biza', imma huwa l-verita'. Jiena ser nintervjeni bl-ghajnuna tat-talb taghkom biex ingib fi tmiemha din il-persekuzzjoni.

Intom gheziez segwaci Tieghi, li tafu l-Verita', qed tigu mhejjija biex tghinu lil dawk li jbatu biex jaccettaw dan il-gharfien. Meta dan kollu jigri, l-Armata tal-Fdal Tieghi, ser tkun ga

saret forza li mhux ta' min jehodha maghha. Is-sahha ser tkun fl-abbilta' taghhom biex isalvaw lil dawk li ser isofru minhabba dan l-att dijaboliku ta' vendetta fuq ulied Alla.

Gesu' Taghkom.

## Omm tas-Salvazzjoni: Ghandkom izzommu l-Kurcifissi tradizzjonali, ghax dawn daqt jisparixxu.

It-tnejn, 29 ta' Lulju, 2013 @ 7.05pm

Uliedi, ftakru dejjem illi bil-Qawwa t'Alla u bil-Grazzja t'Ibni, Jiena ser nishaq il-bestja u meta kollox jidher bla tama, r-renju tal-wiehed tal-hazen jigi fi tmiemu hesrem.

Il-velu tieghi ta' Protezzjoni jiksi lil dawk kollha li jsejhuli ghall-ghajnuna, matul dawn iz-zminijiet iebsa. Ftakru, li kif jiena tlift lil Ibni, meta kellu tnax il-sena, jiena sibtu fit-Tempju. Itolbu wliedi, u morru fil-knejjes issa, halli toffru sagrificji li hemm bzonn biex tkunu tifilhu tissaportu matul din il-battalja kiefra spiritwali.

Ibni bata tant bil-mewt Tieghu fuq is-Salib, izda dan kien biss toqol wiehed. L-akbar sofferenza li Hu jsofri llum, hija ghal dawk li ga huma mitlufin ghaliH. U issa, meta l-Ispirtu tal-hazen qed jaghmel minn kollox biex jehodlu lil dawk li jhobbuH, l-ugigh Tieghu jinfdu bhal xabla u joforqu fi tnejn.

L-erwieh vittma issa ser isofru l-akbar ugigh, hekk kif il-persekuzzjoni kontra ulied Alla dejjem tikber. Intom gejtu salvati permezz tas-Salib t'Ibni. Bis-Salib Tieghu intom tissieltu l-hazen u s-Salib Tieghu, meta jitbierek, dan jipprotegikom. Izda jekk dan is-Salib jinbidel jew jidher differenti, dan ikun biex jghaddu z-zmien bil-mewt t'Ibni biex isalva l-midinbin. Ghandkom izzommu l-Kurcifissi tradizzjonali ghax dawn daqt jisparixxu.

Ommkom il-mahbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

## Qatt taccettaw salib li ma jixbahx lis-Salib li Jiena kont imsallab fuqu.

It-Tlieta, 30 ta' Lulju 2013 @ 8.06pm

Ghaziza mahbuba binti, kemm huma helwin il-vucijiet ta' dawk li jhobbuni u jfarrguni, f'dan iz-zmien ta' dieqa kbira. Intom il-mahbubin segwaci Tieghi, li qatt m'intom ser titilquni, qiskom ghasel helu f'halqi, ttaffu l-ugigh ta' Gismi u tghollu l-Ispirtu Tieghi.

Hafna ser jimxu wara l-gideb, ghax jibzghu jieqfu u bil-qawwa jiddefendu l-Kelma t'Alla. **Ghall-ewwel, huma ser jithawdu bil-prattici l-godda, s-simboli l-godda, l-ilbies il-gdid, il-forom il-godda ta' l-artali u s-slaleb il-godda. Imbaghad huma ghad jaccettaw dawn l-affarijiet kollha bhala sinjali taz-zminijiet. Dan il-mod modern, li jissejjah mod maqghud kif tonora lil Alla, imbaghad jibda jigi milqugh b'entuzjazmu minn dawn l-erwieh imsejkna**. Imma dawk li huma Tieghi ser jibqghu lejali lejn il-Kelma Tieghi, ghaz-zmien kollu. Huma s-sinsla tal-Knisja Tieghi fid-dinja u qatt ma jinqasmu.

Ix-xewqa Tieghi hi, li intom il-Kristjani lejali – ta' kull denominazzjoni – tinghaqdu biex titqabdu max-xjaten, li gew mitluqa mill-infern u li jiggerrew fostkom. Qatt titolbu skuza ghax intom thobbu Lili. Qatt taccettaw salib, li ma jixbahx is-Salib li Jiena kont imsallab fuqu. Meta Jiena ma nkunx hemm, jew ma nigix imsemmi, intom tkunu tafu li l-infestazzjoni nfirxet ma' dawn il-Knejjes, li gew mahluqa mill-ghedewwa Tieghi. **Jekk intom taccettaw ir-riti u s-simboli satanici taghhom, intom tifthu lilkom infuskom berah ghall-hazen.**

Ibqghu lejali Lejja. Zommu t-talb taghkom ta' kuljum semplici. Zommu fi djarkom l-Ilma Mbierek u s-Salib Tieghi. Ipprotegu lil xulxin. Obdu lil dawk il-qaddejja qaddisa Tieghi, li ser jibqghu lejali Lejja b'sahha, u li jirrifjutaw li jichduni. Imbaghad ghaddu l-hin li jibqalkom titolbu ghall-erwieh ta' l-ateisti, ghal dawk li jemmnu f'allat pagani u ghal dawk li fil-ghama jimxu wara l-ghedewwa tal-Knisja Tieghi ghal gox-xahari.

Ibqghu fil-qrib f'ghaqda Mieghi u sejhuli kuljum ghall-qawwa. Jiena ser inkun ma genbkom matul dawn il-provi qarsa li gejjin u Jiena qatt m'hu ser inhalli wahedhom lil dawk li jfittxuni.

Gesu' Taghkom.

**Omm tas-Salvazzjoni: Hekk kif il-Kelma Qaddisa t'Alla tista' tghaqqad l-erwieh, tant iehor tista' ggib qasma bejniethom.**

L-Erbgha, 31 ta' Lulju, 2013 @ 6.31pm

Binti, meta thobbu lil Ibni, Gesu' Kristu, dan igib lil dawk li verament ihobbuH qrib lejn xulxin. Meta dawk li jhobbu lil Ibni isibuha bi tqila biex ihobbu lill-ohrajn, huma ghandhom isejhuli, l-Omm tas-Salvazzjoni biex nifthilhom qalbhom.

L-imhabba t'Ibni, tant hi qawwija, illi permezz tal-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, din tista' tinfirex minn kantuniera wahda tad-dinja, ghal madwar id-dinja kollha. Meta l-Kelma Qaddisa t'Ibni hija moghtija lill-ulied kollha t'Alla, permezz ta' din il-Missjoni, din tinfed il-qlub tal-erwieh umli, u dawn jaghrfu lis-Salvatur meta Huwa jitkellem. **L-Imhabba li tohrog mill-Kelma Tieghu, moghtija lilkom f'dan iz-zmien fl-istorja ta' l-umanita', ser tghaqqad miljuni ta' erwieh, malajr, malajr, bhallikieku kontu tafu lil xulxin tul hajjitkom kollha. Tant hija qawwija, illi din tista' permezz tal-qawwa ta' l-ilsna, tinxtered min-nazzjon ghal nazzjon, fil-lingwi kollha, malajr. Dan huwa l-mod kif tkunu tafu li dawn il-Kliem, permezz ta' dawn il-Messaggi, gejjin minn Ibni.**

Hekk kif il-Kelma Qaddisa t'Alla tista' tghaqqad l-erwieh, tant iehor tista' ggib qasma bejniethom. Il-mibeghda li tigi wara, hekk kif il-Kelma t'Alla tixrob l-erwieh, qeghda fl-aqwa taghha. Meta dawn il-Messaggi jigbdu lejhom tant mibeghda u azzjonijiet hziena, minn dawk li jsejhu lilhom infushom dixxipli veri t'Ibni, kunu ghafu li huwa l-wiehed tal-hazen li jaghmel dan. Erwieh imsejkna tieghi, uliedi l-imsejkna u mhawdin, intom qatt m'ghandkom idduru l'hemm, meta ma tkunux certi minn Kliem Ibni. Intom ghandkom izzommu mohh miftuh u tilbqghu lejali lejn dak li Hu ghallimkom. Qatt tiggudikaw lil hadd f'Ismu. Hobbu lil xulxin. Jekk intom ma temmnux li Alla baghat l-ahhar profeta Tieghu, ma jkun gara xejn. Nitlobkom biss tiftakru fl-obbligu li ghandkom – li twettqu d-dmirijiet taghkom lejn Ibni, billi timxu strettament mat-Taghlim Tieghu.

**Qatt m'ghandkom taccettaw li Hu ser ibierek xi duttrina gdida, li Hu ma kienx ta lid-dinja meta kien jghix fuq l-Art. Huwa qatt m'hu ser jaccetta bhala tajba, xi haga li titpogga minflok il-mewt Tieghu fuq is-Salib, fuq l-altari tad-dinja.**

Il-mahbuba Omm taghkom

Omm tas-Salvazzjoni.

**Huma se jikkonvinċu lis-segwaċi Tiegħi biex jaddattaw il-Liġijiet tal-Knisja Tiegħi billi joholqu referendum**.

L-erbgħa 31 ta` Lulju, 2013 @6.56pm

Ghaziza mahbuba binti, dejjem ftakru kif jahdem id-dimonju. Huwa attent hafna li ma jikxifx lilu nnifsu. Huwa, għalhekk, ihallat veritajiet u gideb flimkien, sabiex ihawwad. Dan huwa l-mod favorit tiegħu biex jqarraq bl-erwieħ. Hu qatt ma jgħid il-verità, billi jippermetti lill-oħrajn jaraw kif verament huwa, iżda minħabba li huwa kburi, l-arroganza tiegħu u l-mibegħda tiegħu għalija se johrogu jidhru xorta wahda. Dawk li għajnejhom huma miftuħa, mall-ewwel se jaghrfu l-insulti, li huma mitfugha f`wiċċi u quddiem l-altari Tiegħi.

**Ftakru li Satana, huwa kburi, arroganti, faħħari u moħħu jilħaqlu ħafna. Meta jkun preżenti fl-erwieħ, huwa għandu fiduċja, li gejja mil-kburija u l-arroganza u l-fehma li huwa 'l fuq minn Alla. Hu dejjem jagħti sinjali li jinsultaw lil Alla, iżda dawk biss li jafu x'għandhom jfittxu se jarawhom**. Dawk li jonoraw lil Satana, u li jqattgħu ħafna mill-ħin tagħhom fi gruppi li jorganizzaw ritwali biex jaghtu qima lilu, se jkunu kuntenti li jaraw dawn is-sinjali. Dawk kollha li biegħu ruhhom lil Satana se jikkomunikaw, permezz ta` dawn is-sinjali, bħala ġest arroganti u ta` sfida kontra Tieghi, Ġesù Kristu.

Dawk li jqarrqu bikom, f' Ismi, se jikkonvinċu lis-segwaċi Tieghi biex jaddattaw il-Liġijiet tal-Knisja Tieghi, billi joholqu referendum. **Ilkoll ser tigu mitluba biex taccettaw prattici ġodda, li jammontaw għal żewġ affarijiet. L-ewwel haga biex inehhu l-Preżenza Tiegħi fl-Ewkaristija Qaddisa. It-tieni haga hija li tittolleraw id-dnub, billi jinkoraġġixxu lin-nies biex juru simpatija għad-drittijiet tal-bniedem ta' dawk li ma jemmnux f`Ġesù Kristu**.

Dan ir-referendum se jkun iffalsifikat u l-gideb ser jiġu ppreżentati bħala l-Verità. Meta tiddahhal ir-reliġjon waħda dinjija l-gdida, l-Knisja Tieghi fid-Dinja - il-Knisja Vera - se tmur tistahba, sabiex taghti qima Lili.

Jiena l-mira tal-bhima. Jiena huwa dak li hu jixtieq li jweġġa. Hu jaf li ma jistax jeqridni, ghalhekk minflok, hu se jipprova jeqred lir-razza umana, li hu jishet kull sekonda. Il-qaddejja tiegħu mhux se jieqfu billi biss jinsultaw il-Preżenza Tieghi fit-Tabernakli tad-dinja. Huma mhux se jkunu kuntenti li jeqirdu biss s-Sagramenti, sabiex ikunu jistgħu jidghu kontrija. Huma se jkunu kuntenti biss meta dawn jisirqu l-erwieħ meta joħolqu l-akbar dagħwa fost kollox. Dan huwa meta se jergghu joholqu l-ewwel Migja Tieghi, billi jagħtu l-impressjoni li Gwanni l-Battista intbagħat issa. Il-bniedem li se jgħid li huwa l-profeta tal-Mulej se jigdeb u jikkawża tali staghgib meta jiddikjara li l-antkrist huwa Jien, Ġesù Kristu.

**L-antikrist , permezz tal-qawwa ta' Satana, jallega li huwa Jien, Ġesù Kristu**. Hazin ghalihom dawk l-erwieħ li jilqgħuh f`dirghajhom, għax dawn se jigu bla sahha ta' xejn

kontrih. Ħallu lil dawn it-tnejn jigbdukom fil-vakwu tal-gideb tagħhom u intom tinqatghu l-boghod Minni, tant li jrid ikun biss bl-intervent ta' Missieri li tistghu tinġiebu lura fil-Ħniena Kbira Tiegħi.

**Meta xi ħadd li jigi fil-futur, jallega li huwa Jien, Ġesù Kristu, kunu ghafu li huwa giddieb. Jien mhux se nigi fil-gisem għat-tieni darba**. Satana ma jistax jghid dawn il-kliem:

"Ġesù Kristu, li gie fil-gisem."

Dak li hu se jgħid, permezz tal-halq tal-bhima, l-antikrist, se jkun dan li ġej:

"Jiena Ġesù Kristu, Jien issa gejt bil-gisem, biex ingibilkom s-salvazzjoni."

Meta jiġri dan, l-Intervent Divin Tiegħi se jsehh malajr, imma sa dak in-nhar, l-profeta falz u l-antikrist se jkunu serqu ħafna erwieħ.

Itolbu, itolbu, Itolbu li dawk kollha li jgħidu li huma Tieghi jibqgħu Tieghi.

Itolbu li intom kollha jkollkom is-saħħa u l-kuraġġ li ggorru s-Salib Tieghi matul l-akbar persekuzzjoni tal-Gisem Tiegħi – Il-Gisem Mistiku Tiegħi – Il-Knisja Tieghi fid-Dinja f'dan iz-zmien.

Ġesù Taghkom.

.

**Il-hazen li hawn fid-dinja llum, huwa fuq skala akbar minn dak ta' zmien Noe'**.

Il-Hamis, 1 t'Awissu 2013 @ 3.00pm

Ghaziza mahbuba binti, kemm nixtieq nghannaqkom lkoll, gheziez segwaci Tieghi u nehodkom fil-kenn tal-paci u fejn ma tistax issirilkom hsara. Kemm nixtieq li nista' nehodkom lkoll u nahbikom mill-hazen, li qed jigi ppjanat kontra l-Kristjani kollha.

Il-hazen li hawn fid-dinja llum, huwa fuq skala akbar minn dak ta' zmien Noe' u jixbah xibka, li tiksi d-dinja kollha. Tant hi velenuza, li veru ftit huma dawk li jifhmu l-livell ta' kemm hija sofistikata. Imma kunu ghafu, li dan il-pjan – **li d-dettalji tieghu ser jinghataw lid-dinja – minn dawk li jghidu li jirrapprezentaw il-Knisja Tieghi fl-Art – ser jingieb quddiemkom u intom mistennija li taccettawh.** Imbaghad ikollkom tibilghuh u ma jkollkom l-ebda ghazla**. Dak li ser jitolbu minnkom li taghmlu**, **wara l-paroli kollu fil-vojt, huwa li tichdu Lili, Gesu' Kristu.**

Jiena qed inwissi lid-dinja, li meta tippruvaw tinjoraw id-Divinita' Tieghi – intom u dawk kollha li jkunu mdahhlin f'dan il-pjan makakk – intom tigu mmarkati bhala ghedewwa t'Alla. **Meta zzommu ma ligijiet ta' dagha kontra Alla, intom tkunu hatja ta' dnub kontra Alla.**

Jiena qed inkompli nwissikom, biex nifthilkom ghajnejkom ghall-Verita', imma Jiena ma nistax ngeghelkom li tibqghu lejali Lejja. Jiena ma nistax ngeghelkom thobbuni. Ir-rieda hielsa hija taghkom, izda jekk intom idduru u titolbuni biex immexxikom, Jiena nifthilkom ghajnejkom ghall-Verita'. Meta taccettaw il-Verita', Jiena nsalvakom.

Imsejkna segwaci Tieghi, kunu ghafu li filwaqt li d-dinja tehodha kontra Alla, il-Qawwa Omnipotenti ta' Missieri ser tintervjeni u teqred lill-ghedewwa Tieghu wiehed, wiehed.

Gesu' Taghkom.

## Omm tas-Salvazzjoni: Dalwaqt tigu mitluba li tibdew taghtu sostitut ghall-Ewkaristija Qaddisa, li mhux ser ikun il-Gisem t'Ibni.

Il-Gimgha, 2 t'Awissu 2013 @ 3.10pm

Binti, f'dan iz-zmien jiena nigi quddiem Ibni, u naqa' wicci fl-art f'riglejh b'dieqa kbira. Hekk kif kelli nkun xhud ta' l-agunija Tieghu f'riglejn is-Salib, matul it-Tislib Tieghu tal-biza', issa qed jerga' jkolli nsofri l-ugigh Tieghu ghal darb' ohra.

It-Tislib t'Ibni qed jerga' jsehh hekk kif Gismu, l-Gisem Mistiku Tieghu, li hija l-Knisja Tieghu fid-dinja, qed ikollha tghaddi mis-swat minn taht idejn dawk li huma Tieghu stess. Dawn, l-ghedewwa gewwa l-Knisja Tieghu, ser isawtu lil Gismu, igibuH bicciet, jiddiehku biH u zjebilhuH qabel ma jarmuH fil-genb. **Il-Knisja t'Ibni issa ser taqla' s-swat, matul dak li ser ikun l-ewwel stadju tat-Tislib Tieghu fid-dinja f'dawn iz-zminijiet**. Huma ser jiehdu l-Gisem Tieghu – permezz tal-Ewkaristija Qaddisa – u jinsultawH u jzebilhuH. Ser ikun hemm hafna minn dawn is-sinjali, fejn ser isir kull nuqqas ta' rispett u mossi hziena, biex jishtuH. Meta jkunu zebilhu l-Ewkaristija l-Izjed Qaddisa, huma mbaghad jarmuHa u ssir xi haga veru iebsa biex tkun tista' tirceviha. Dan huwa biss wiehed mill-pjanijiet li ghaddejjin biex inehhu kull Prezenza t'Ibni mill-Quddiesa Qaddisa.

Hafna ser jaraw dawn il-mossi hziena u jkunu jafu li qed jinsultaw lil Ibni. Hafna ser jipprotestaw, izda l-ilhna taghhom ma jigux mismughin. Ghal dawk is-Sacerdoti msejkna, li ser ikollhom isofru minhabba dan iz-zeblih, intom ghandkom titolbu lili, l-Omm taghkom, biex nghinkom tghaddu minn dan l-ugigh. Qatt m'ghandkom tbaghbsu mal-Ewkaristija Qaddisa, ghax dik hija l-unika Ikel taghkom ta' Salvazzjoni. Minghajrha intom tmutu bil-guh. Din ghandha tkun dejjem disponibbli ghal kull wiehed minn ulied Alla. Qatt m'ghandkom taccettaw li xi tip iehor ta' hobz, huwa l-Ikel tal-Hajja.

Dalwaqt tigu mitluba li tibdew tqassmu sostitut ghall-Ewkaristija Qaddisa, li mhux ser ikun il-Gisem t'Ibni. Intom ghandkom tibqghu lejali lejn ir-Rigal ta' l-Ewkaristija Qaddisa, sahansitra meta jghidulkom li din m'ghadhiex tghodd – li m'ghadhiex accettabbli fir-religjon dinjija l-gdida.

L-Omm taghkom fi Kristu

Omm tas-Salvazzjoni.

## Alla l-Missier: L-ismijiet ta' dawk li jinsabu fil-Ktieb tal-Hajjin, huma l-ewwel mira tal-bestja.

Is-Sibt, 3 t' Awissu, 2013 @ 1.17pm

Binti l-izjed ghaziza, qed insejjah lill-umanita' mir-Renju l-izjed Oghli u Qaddis.

Imsejkna wliedi z-zghar, kemm qed issofru ghad-dnub ta' Lucifru, imma ghandkom tkunu tafu li bil-Qawwa Omnipotenti Tieghi, Jiena ser niknes lilu u lill-angli kollha li waqghu, minn wicc id-dinja. Dak iz-zmien huwa fil-qrib, ghalhekk ghandkom thejju.

**Kunu ghafu li l-angli li waqghu u x-xjaten m'humiex maghrufin minnkom u huma invizibbli ghall-bicca l-kbira minnkom, izda huma jimxu fostkom, jittantawkom halli taqghu.** Meta tidhlu f'din l-ghanqbuta ta' qerq, malajr tintebhu li ma tistghux issibu mistrieh jew paci veru f'ruhkom.

Jiena niddikjara li dawk li jigu mmexxija hazin minhabba l-profeta l-falz, ser isibu lilhom infushom mitlufin u mhawdin meta jaccettaw il-qerq il-kbir, li huma jidhlu fih u jsiru vittmi bil-kunsens taghhom. Meta intom idduru kontra Tieghi u tal-Mahbub Ibni, Gesu' Kristu, intom ma jkunx jidhrilkom li dan hu l-kas. Intom tibdew temmnu li s-Sagramenti baqghu l-istess, ghalkemm jigu pprezentati b'mod differenti. Dawn isiru garar vojta u ma jibqghux accettabbli Ghalija.

Id-dinja hija Tieghi, izda wliedi ma jridux jafu Bija, l-Ghaziz Missierhom, il-Hallieq taghhom. Mohhom inghalaq u l-wiehed tal-hazen uza r-Rigal Tieghi tal-intelligenza biex jittanthom li jibdew jemmnu li ma jistax ikun li Jiena nezisti. **Dawk li ma jemmnux Fija mhux ser ikollhom imhabba vera, ferh jew paci f'hajjithom. Lanqas m'huma ser jaccettaw il-Hajja Eterna. Minflok, huma ser ifittxu biss pjaciri tal-gisem, ghalkemm jafu li l-hajja taghhom fid-dinja hija qasira.**

Jiena bhala Missier li nhobb lil kull wiehed minnhom, ser nigbidhom Lejja permezz tal-Hniena Kbira t'Ibni. Il-Qawwa Tieghi tinfirex fuq kullimkien u Satana, Lucifru Tieghi, li nqata' Minni, minhabba l-kburija tieghu, qatt m'hu ser jirbahli. Dawk li jimxu warajh deffsu l-istess feles bejnhom u bejni. **Bis-sinjali li ser nuri, huma ser ikunu jafu li hemm biss Alla Wiehed, Hallieq Wiehed u Genna Wahda**. Kull genna li qalulhom biha l-profeti l-foloz fid-dinja, li jmexxu lil uliedi 'l boghod Minni, ma tezistix u lanqas tista' tezisti. **Jiena Hu kulma hemm. Jiena hlaqt kollox. Jiena ser nispicca kollox. Kollox isir skond ir-Rieda Tieghi.** Tqabdu mar-Rieda Tieghi, u intom tispiccaw fix-xejn. Accettaw ir-Rieda Tieghi u intom tibqghu wliedi.

Ghal dawk li jemmnu Fija, intom qatt m'ghandkom tirrifjutaw lil Ibni, Gesu' Kristu. Jiena gejt fid-dinja permezz t'Ibni biex ingibkom lura fil-Hniena Tieghi, izda intom irrifjutajtuH. Qtiltu Lilu, izda intom qatt ma qtiltu Mhabbti ghalikom. Ghalhekk Jiena ppermettejt it-Tislib Tieghu biex ingibilkom is-Salvazzjoni. Din, il-mewt t'Ibni fuq is-Salib, saret it-triq taghkom tas-Salvazzjoni. Il-mewt Tieghu ma kinitx dak li deher li kienet – falliment f'ghajnejn il-wiehed tal-hazen. Kien permezz ta' dan l-att ta' tbatija kbira, li sofrih bl-akbar umilta', li

Satana hareg tellief. U kien minhabba l-mewt t' Ibni fuq is-Salib, li l-qawwa ta' Satana fuq l-umanita' giet fix-xejn. Ghalkemm ma jistax jiehu lil uliedi kollha mieghu fl-abbiss, hafna xorta ser jissahhru mill-gideb tieghu. Dan huwa ghaliex ghandkom tilssieltu wliedi, mhux biss ghar-ruh taghkom. Jekk thobbuni, intom thobbu wkoll lil Ibni. Jekk thobbu lil Ibni, allura ghandkom tghinuH isalva lill-midinbin.

Qed insejhilkom biex nghidilkom li meta Jiena nsejjah l-erwieh, specjalment lil dawk li ma jafunix, kif ukoll lil dawk li jafuni izda li ma jaccettawx il-Kmandamenti Tieghi, illi dawn ghandhom biss tant ammont ta' hin biex isalvaw lilhom infushom mit-torturi eterni.

**L-ismijiet ta' dawk li jinsabu fil-Ktieb tal-Hajjin, huma l-ewwel mira tal-bestja. Hafna minn dawn l-erwieh huma segwaci t' Ibni u huma lejali lejn il-Knisja**. Huma ser iduru kontra Ibni meta jaccettaw ligijiet godda, li m'humiex gejjin minn Ibni, li huma ser ikollhom jibilghu bhala religjon gdida. Din ir-religjon il-gdida kienet ippjanata bir-reqqa ghal hafna snin. Timxi fuq hafna riti satanici, izda hafna dan kollu mhux ser jifhmuh. Meta thaddnu dawn ir-riti, intom taghtu qawwa lil Satana. Meta taghtuh din il-qawwa, intom ikollkom bzonn hafna talb, ghax huwa jiblakom bil-gisem kif ukoll bir-ruh.

Uliedi, **Jiena issa qed nintervjeni permezz ta' kastigi fuq id-dinja. Dawk l-imsejkna erwieh li jitilfu hajjithom f'dawn il-kastigi qed jghinu biex isalvaw lil dawk li huma mitlufin Ghalija.**

Meta thossukom imbezza' minhabba l-hazen ta' Satana u l-influenza tieghu f'hajjitkom, ftakru li Jiena ser neqred lil dawk kollha li jirrapprezentawh fuq l-Art. Ser naqta' fil-qosor it-tbatijiet taghkom, ghax nixtieq insalva l-erwieh. Kieku hallejt dan il-hazen ghaddej, ma kienx ikolli l-hila li nsalva lil dawk l-erwieh kollha li isimhom jinsab fil-Ktieb tal-Hajjin.

Il-Mahbub Missierkom.

**Il-Profeziji Tieghi, li jikxfu l-wasla ta' l-antikrist, dalwaqt isehhu**.

It-Tlieta, 4 t'Awissu 2013 @ 11.16pm

Ghaziza mahbuba binti, il-Profeziji Tieghi, li jikxfu l-wasla ta' l-antikrist, dalwaqt isehhu.

**Il-jum meta intom ghandkom thejju djarkom u r-rutina ta' talb taghkom waslet fuqkom u dawk kollha li jimxu warajja jridu jkunu lesti biex jaghmlu s-sagrificji, halli jghinuni niftah ghajnejn ulied Alla kullimkien, ghal dan il-hazen, li ser jaqleb id-dinja ta' taht fuq**.

Bhalma kull profeta veru huwa michud u mizmun bhala xkiel, intom, l-gheziez segwaci Tieghi, ser tkunu ta' xkiel meta tikxfu l-Verita'. Stennew li tigu redikolati, mwaqqa ghac-cajt u mistmerra, kull fejn idduru. Dawk in-nies ta' madwarkom ser jisfidawkom, jikkritikawkom u jghidu li intom zbaljati, sahansitra meta intom lanqas biss issemmulhom il-Kelma Tieghi.

**Kull anglu li waqa' u xitan, li dahlu fid-dinja f'dan iz-zmien, permezz ta' l-erwieh dghajfa, ser jingibdu lejkom mall-ewwel, biex jaqtghulkom qalbkom f'dan ix-xoghol.**

Accettaw dan in-niket f'Ismi, ghax meta taghmlu hekk, intom taghtu glorja lil Alla u huwa wiehed mill-akbar rigali li tistghu taghtu Lili. Jiena nuza' dawn il-provi taghkom biex nirbah lil Satana billi nehodlu erwieh, li kieku kienu ser isiru tieghu.

Huma ftit hafna dawk li jifhmu l-ligijiet Divini tas-Sema u r-rwol li ghandu s-Salib f'hajjitkom. Jum wiehed, l-ulied kollha t'Alla ghad jifhmu ghaliex ghandhom jghaddu minn dawn l-azzjonijiet hziena kollha. Komplu bix-xoghol taghkom li tifirxu l-Verita', injoraw il-mibeghda li ser tkunu xhieda taghha u taccettawx tmexxija minn dawk li jichduni – qatt.

**Il-mixja taghkom lejn is-Sema l-Gdida ser tkun iebsa. Izda b'armata zghira intom tistghu tnaqqsu mill-qawwa tal-kastigi, li l-antikrist ser igib fuq id-dinja**. Id-dmir taghkom huwa li twissu lill-ohrajn bil-perikli li hemm jekk jaccettaw il-ligijiet ta' Satana minflok dawk t'Alla.

Irid ikun biss bil-Kmand ta' Missieri li Jiena nkun nista' niehu Mieghi lil dawk kollha li isimhom jinsab fil-Ktieb tal-Hajjin, izda li jkunu ntrabtu mal-profeta l-falz u li bil-hlewwa accettaw u waqghu ghall-gibda ta' l-antikrist.

Gesu' Taghkom.

**Meta jibdlu s-Sagrament tal-Maghmudija, huma ser inehhu kull weghda biex tichdu lil Satana, ghax huma ser jghidu li dawn ir-referenzi huma antikwati**.

It-Tnejn, 5 t' Awwissu 2013 @ 4.05am

Ghaziza mahbuba binti, thalli lill-ebda bniedem jahseb li matul il-persekuzzjoni, li l-mahbubin qaddejja qaddisa Tieghi – dawk li jibqghu lejali Lejja – li ser ikollhom jghaddu minnha, li l-Knisja Tieghi tista' xi darba tmut. Ghax dan huwa mpossibbli. Il-Knijsa Tieghi – il-Gisem Mistiku Tieghi – ghandu Hajja Eterna.

Meta l-ghedewwa Tieghi jibdlu s-Sagramenti u jdahhlu relikwi godda, slaleb godda u prattici godda - u wara jghidu li l-Knisja Tieghi baqghet kif dejjem kienet – huma jkunu qed jigdbu. Il-Knisja Tieghi qatt ma tista' titbiddel.

Ser jingiebu tant argumenti, f'kull nazzjon, biex iwaqqghu s-Sagrament taz-Zwieg. Huma, l-ghedewwa t'Alla, jridu li l-Insara jaccettaw zwieg bejn koppji ta' l-istess sess, imma intom qatt m'ghandkom taccettaw dan, ghax joffendi lil Missieri. Mhux accettabbli f'ghajnejH. Meta jibdlu s-Sagrament tal-Maghmudija, huma ser inehhu l-weghdiet kollha biex tichdu lil Satana, ghax huma ser jghidu li dawn ir-referenzi huma antikwati u jbezzghu wisq. Huma ser jghidu li m'hemmx bzonnhom.

Imbaghad huma, jibdew bicca bicca, jdahhlu verzjonijiet godda tat-Taghlim Tieghi. Intom lkoll li temmnu fil-Knisja Tieghi, qatt m'ghandkom tichduni. Qatt m'ghandkom taccettaw sostitut ghas-Sagramenti kif tajthomkom Jien. Jiena l-Verita'. Il-Knisja Tieghi tirrapprezenta l-Verita'. Izda intom tistghu biss tghidu li intom parti mill-Knisja Tieghi jekk izzommu shih it-Taghlim Tieghi, s-Sagramenti Tieghi u taccettaw illi l-mewt Tieghi fuq is-Salib kienet l-akbar Sagrificju biex tizgura s-salvazzjoni taghkom.

**Kulma jitbieghed mill-Verita', minhabba l-biza' biex ma toffendux lill-pagani, huwa perikoluz hafna. Meta tichdu t-Taghlim t'Alla u timxu wara Knisja alternattiva gdida, intom ma tibqghux parti mill-Knisja Tieghi fuq l-Art**. Jekk intom issibu oggezzjoni ghall-prattici pagani l-godda, li ser jiddahhlu mill-profeta l-falz, intom ser issiru eretici. Imbaghad jaghmlu minn kollox biex jiskomunikawkom, f'Ismi. Jekk intom tibqghu lejali Lejja u tirrifjutaw li tiehdu sehem f'dan il-qerq, intom tibqghu parti mill-Knisja Tieghi.

L-ghazla tista' tkun ta' wgigh, meta dawn il-hwejjeg isehhu, izda hija semplici hafna. Intom jew Mieghi jew kontra Tieghi.

Gesu' Taghkom.

**Omm tas-Salvazzjoni: Din il-gwerra, sabiex tiddefendu l-Kelma t'Alla, tfisser li dawk is-Sacerdoti li jibqghu lejali lejH, ser ikollhom ifittxu kenn.**

It-Tnejn, 5 t' Awwissu 2013 @ 1.05pm

Gheziez uliedi, dan ser ikun zmien ta' provi kbar tal-fidi taghkom. **Il-Knisja Kattolika ser tkun il-Knisja li fiha tibda l-qasma l-kbira.** Ser ikun f'din il-Knisja li s-Sacerdoti t'Ibni ser ibatu l-izjed, matul it-telqa l-kbira fil-fidi, li din ser ikollha ggarrab minn gewwa fiha, fil-qrib hafna.

**Ghal dawk is-Sacerdoti fidili lejn Ibni, li ser tinqasmu fi tnejn minhabba li ma tkunux tistghu tiddeciedu, ghandkom tkunu tafu li hemm bzonn li tibqghu haga wahda ma' Kristu l-Hanin**. Qatt thallu li tigu ttentati biex thallu l-Knisja Tieghu, billi taccettaw gideb minn ghand dawk li waqghu fi zball kbir. Ghandkom tqimu lil Ibni, jkun xi jkun, u tmexxu l-poplu Tieghu fit-triq tal-qdusija, ma jimpurtax kemm din tkun iebsa ghalikom.

**Dawk fostkom li ser ikomplu jqaddsu l-Quddiesa tradizzjonali ser jigu ttormentati sakemm jaccettaw li jabbandunawHa ghal kollox. Hafna fost ir-religjuzi taghkom stess, ser jichdukom ma' l-ghadu, minn wara daharkom**. Intom, bhal ma gara lil Ibni qabilkom, ser tigu mressqin quddiem dawk li jriduha li huma fuqkom, u tigu akkuzati b'erezija, talli tibqghu turu rispett lejn is-Sagrificju l-Izjed Qaddis tal-Quddiesa.

Il-kliem il-godda, li huma l-akbar zeblih ghal Gisem Ibni, ser jigu mponuti fuq dawk il-qaddejja qaddisa li jkollhom il-hila jghidu li ma jaqblux.

Ser ikun fil-Knisja Kattolika li wiehed ser jiggieled ma huh, wahda kontra ohtha, missier kontra ibnu, ulied kontra l-genituri, sakemm jinholqu zewg nahat.

**Din il-gwerra, sabiex tiddefendu l-Kelma t'Alla, tfisser li dawk is-Sacerdoti li jibqghu lejali lejH, ser ikollhom ifittxu kenn. Biex taghmlu dan, intom ghandkom tibdew thejju u tfittxu dawn il-postijiet fejn ser tkunu tistghu toffru l-Quddiesa Qaddisa u tipprovdu s-Sagramenti lil ulied Alla.**

Jiena, l-Omm tas-Salvazzjoni, ser nipprotegi dawn il-postijiet ta' kenn u meta intom tpoggu mal-hitan ta' gewwa, s-Sigill t'Alla l-Haj, moghti lid-dinja minn Missieri, dawn il-postijiet jibqghu invizibbli ghall-ghedewwa t'Alla.

Tibzghux minn dawn l-affarijiet, ghax jekk thejju sew, intom tmexxu lil ulied Alla lejn is-salvazzjoni. Jekk ma taghtux kas ta' din it-twissija, intom tigu mehuda prigunieri fil-mohh, il-gisem u r-ruh, mill-ghedewwa t'Ibni u ma jkollkomx salvazzjoni.

Dawk li jaghmlu dak li jghidilhom il-profeta l-falz, ser ikollhom bzonn hafna talb, ghax ftit minnhom huma ghomja ghall-Verita'. Ohrajn li ser ikunu jafu l-Verita' , izda li ser izommu ma dawk li jichdu l-mewt t'Ibni fuq is-Salib, huma ta' min jibza' minnhom. Huma ser igibu hsara kbira fuq is-segwaci nnocenti ta' Kristu.

Meta intom tibqghu lejali lejn il-Verita', intom tmexxu l-Armata tal-Fdal t'Ibni, halli din issir forza qawwija, kontra l-wiehed tal-hazen u dawk li hu jmexxi f'din it-taqbida kontra l-qaddejja veri t'Ibni fuq l-Art.

**Meta jasal il-waqt, intom ghandkom tirrifjutaw li tiehdu t-tmexxija taghkom minn ghand dawk li jzebilhu l-Kelma t'Alla u permezz tal-gideb taghhom u duttrini oxxeni godda, ser imexxu lil hafna fit-triq il-hazina. Dawk li jaccettaw xi caqliq fil-Quddiesa jew fis-Sagramenti Qaddisa, ser ikollhom iwiegbu ghalihom quddiem Ibni**. Ghax intom minghajr ma tkunu ntbahtu, tkunu sirtu qaddejja tal-wiehed tal-hazen u hafna, hafna erwieh jintilfu, ghax ikunu ddahhlu f'ritwali li jqimu lil Satana. Dawn ir-ritwali jaghtu gieh lill-profeta l-falz u lill-antikrist, li t-tnejn huma ghedewwa t'Alla.

Itolbu, itolbu, itolbu halli l-Verita' tidher u l-gideb jinkixfu ghal dak li huma – insult ghat-Tislib agonizzanti t'Ibni.

L-Omm mahbuba taghkom

Omm tas-Salvazzjoni.

## Meta tiddefendu l-Kelma Tieghi, intom jghidulkom kattivi, bla qalb u m'ghandkomx simpatija lejn dawk li ma jemmnux f'Alla.

It-Tnejn, 5 t'Awwissu, 2013 @ 6.33pm

Ghaziza mahbuba binti, kemm nibki bid-dwejjaq meta nara l-qasma li qeghda tfigg gewwa l-Knisja Tieghi fuq l-Art. L-imrar tal-agunija Tieghi jittaffa biss minn dawk li veru jhobbuni u li ga qed jinkwetaw ghal mod kif qed jigi ttrattat il-Gisem Tieghi.

Qatt m'ghandkom thossukom li ghandkom taccettaw xi mossa, att jew kliem li huma kontrija. **Jekk thossukom skomdi b'dak li taraw fil-Knisja Tieghi, minn dawk li jahilfu li huma bicca wahda Mieghi, meta huma jzebilhu Gismi, intom ghandkom timxu fuq dak li tghidilkom qalbkom**. Jiena ninsab maghkom f'kull sekonda, f'din il-prova, u ghal dawk li jibqghu jsejhuli, Jiena ser nifthilkom ghajnejkom ghall-Verita', halli tibqghu lejali Lejja.

Il-mument issa huwa kwazi fuqkom. **Il-bibien tal-Knisja Tieghi dalwaqt jinghalqu ghal dawk li jibqghu jinsistu li jridu jibqghu lejali lejn il-prattici Kristjani tradizzjonali**. Dawn il-bibien ser jissabbtu f'wicckom meta intom taghtu xhieda Tieghi. **Il-fidi taghkom tigi mwaqqa ghar-redikolu, bl-izjed mod makakk, halli meta tiddefendu Kelmti, intom tidhru kattivi, bla qalb u m'ghandkomx simpatija lejn dawk li ma jemmnux f'Alla.**

Intom tigu mcanfra jekk tkunu qaddejja qaddisa Tieghi u jkollkom twiegbu ghar-rabta taghkom Mieghi. Ingabru issa, lkoll kemm intom. Jiena rrid li intom ma tichdunix. Jiena ser nipprotegikom, halli tkunu tistghu taqduni. Ser nghinkom billi nerfa' t-toqol taghkom. Il-Grazzji kollha tas-Sema ser jitferrghu fuqkom.

Twissija lis-Sacerdoti:

Jiena ser ingib fix-xejn lil dawk kollha fostkom li ser jimxu mal-knisja l-falza – il-knisja tal-bestja – meta din tigi pprezentata lilkom. **Imxu wara din il-knisja gdida, u intom tkunu qed tbieghu ruhkom lill-bestja.** Minflok ma ssalvaw l-erwieh, f'Ismi, intom tkunu responsabbli li qed tghadduhom ghall-Infern etern.

Qed nghidilkom il-Verita' issa, biex ikollkom bizzejjed hin biex thejju ghal dak il-jum, ghax mhux fil-boghod.

Gesu' Taghkom.

**[Omm tas-Salvazzjoni: Taċċettawx tolleranza għall-pagani biex jieħdu f'idejhom il-knejjes t' Alla]**

It-Tlieta 6 ta` Awissu, 2013 @ 7.37pm

Binti, int qatt ma ghandek tisma minn dawk li jattakkaw dawn il-Messaġġi gejjin mit-Trinita Qaddisa, għax ifixkluk f'dan ix-xogħol. Ftakar, li din **il-Missjoni ser tiġi attakkata aktar minn qatt qabel, minħabba l-gravità taghha. It-Twaqqih ghac-cajt, ir-redikolu u l-kritika, se tkompli sa l-aħħar ġurnata meta inti tirċievi l-Messaġġ Finali**.

Il-pjan biex jiskredita dawn il-Messaġġi se jintensifika u l-mibegħda se tizdiet, għalhekk nitolbok tkun imhejjija. Dawn il-Messaġġi ma jistgħux jiġu njorati mill-fidili, jew dawk li ma jemnux, għax il-Kelma t'Alla qatt mhu se tghaddi inosservata. Il-mibegħda kontra Alla fid-dinja bhalissa hija kullimkien u dawk li jipproklamaw l-Kelma Tiegħu f'dawn iż-żminijiet se jsofru.

**Il-Verità minn dejjem kienet miċħuda, minn meta Alla bagħat l-profeti Tiegħu fil-bidu biex iwissi lil uliedu bil-perikli tal-paganizmu. Il-Paganizmu huwa l-antiteżi tal-Verità - l-Kelma t'Alla.** Dawk l-erwieħ foqra, li jqimu allat foloz, jirrabjaw hafna lil Missieri. Huwa Alla li jghir, għax kien permezz Tieghu li l-affarijiet kollha bdew. Huwa jista kollox. Huwa Alla li jhobb, iżda r-rabja Tiegħu hija ta' min jibza' minnHa, meta l-pagani jinfestaw lil dawk li jhobbuH.

Meta wlied Alla - dawk li jemmnu fiH, u li jadurawH, permezz t`Ibnu l-għażiż, Ġesù Kristu - jippruvaw jinghaqdu ma' l-erwieħ kollha, r-reliġjonijiet kollha, dawn għandhom joqghodu attenti ħafna. **Alla jrid l-ulied kollha Tiegħu li jhobbu lil xulxin, irrispettivament mir-razza, twemmin jew nazzjon. Dak li Hu mhux se jippermetti huwa li l-Insara jhaddnu lill-pagani, fi hdan il-knisja tagħhom**. Meta jiġri dan, l-paganizmu se jeqred kull tracca ta` Kristjaneżmu. Huwa insult ghal Alla, li tnehhi l-Verità - l-Kelma ta 'Alla - u tħalli lok għal gideb biex jikkontaminawha.

Il-Profeti t'Alla wissew lill-umanità bil-perikli li jħaddanu l-paganizmu, għax iwassal għall-qerda totali. Meta jiġri dan, in-nazzjonijiet li jippermettu dan il-hazen fil-knejjes tagħhom se jinqerdu, u ftit Ħniena tigi murija lilhom.

**Taċċettawx tolleranza għall-pagani biex jieħdu f'idejhom il-knejjes t'Alla**. Qatt m'għandkom tinsew is-Sagrifiċċju kbir magħmul minn Alla meta Huwa baghat lilI-iben Tiegħu l-Wahdieni biex igibilkom s-salvazzjoni. **Il-jum li fih taċċettaw l-prattiċi ta' knejjes oħra, li m'humiex t' Alla, jew meta turu rispett għall-pagani, huwa l-jum meta intom idduru lil hinn mill-Verità.**

Żommu għajnejkom miftuħa u itolbu li l-knejjes taghkom ma jisfurzawkomx tirrinunzjaw l-lejaltà taghkom lejn Ġesù Kristu.

L-Għażiża Ommkom

Omm tas-Salvazzjoni.

## Alla l-Missier:  L-antikrist issa lest biex juri lilu nnifsu.

L-Erbgha, 7 t' Awwissu, 2013 @ 6.50pm

Binti l-izjed ghaziza, **d-dinja ghandha thejji ghall-migja ta' l-akbar ghadu ta' l-umanita' sa minn meta wliedi tqeghdu fuq l-Art**.

L-antikrist issa huwa lest biex juri lilu nnifsu u l-pjan tieghu huwa dan.  **Huwa ser jistenna sakemm il-gwerrer ikunu jheggu ma kullimkien.  Imbaghad jidhol u johloq paci falza fl-istat ta' Izrael, billi jghaqqadhom f'allejanza li ma tistax tkun.** Kulhadd ser ifahhru kemm jiflah.  Hu mhux ser jieqaf hemm, ghax hu ser jimxu b'pass li jghaggeb lil hafna u jinnegozja ftehim ta' paci fost hafna nazzjonijiet mifnijin bil-gwerra.  Hemm huwa ser jerga' jigi mfahhar u ammirat, biljuni madwar id-dinja jkollhom devozzjoni lejh.

Imbaghad kollox jidher li jkun sejjer tajjeb.  Ftit wara, huwa jidhol fil-filantropija u huwa jinghaqad mal-banek magguri tad-dinja, biex johloq istituzzjoni finanzjarja gdida u qawwija.  Hafna postijiet tal-kummerc u mexxejja politici jigu mdahhla fil-hafna pjanijiet tieghu.  **Malajr, tinholoq haga mostruza, f'isem li naghtu palata lill-ekonomija tad-dinja.  Din tkun il-Babilonja l-gdida, c-centru ta' kull poter, minn fejn l-aqwa nies tad-dinja u l-izjed sinjuri jaghmlu l-kummerc.** Din ser tidher li hija ahbar tajba, ghax in-nies jibbenefikaw b'kull mod f'dawk li huma xogholijiet, djar fejn joqghodu u l-ikel li jitimghu lill-familji taghhom.

L-antikrist ser ikun imdawwar b'kull glorja**.  Imbaghad huwa, flimkien mal-profeta l-falz, ser johloq shubija globali, li ser tigi pprezentata bhala l-akbar inizjativa umanitarja**.  Id-dinja ser tfahhar lil din il-Babilonja l-gdida u kulhadd jaghmel minn kollox biex imqar ipoggi siequ fic-centru taghha.

Jghidu lil kulhadd li din il-Babilonja l-gdida ser taghti glorja lill-wiehed il-kbir, taghmel tajjeb lil madwarna, thaddan lil ommna l-art u tehles lid-dinja mil-faqar, dan kollu mir-rikkezzi li johorgu mill-halq mahmug taghha.

**Meta dan jigri, Idi, bl-intervent taghHa ser iddawwar id-dinja fuq il-fusien taghha**.  Jiena m'inhix ser noqghod fil-genb u ma nwissix lil uliedi bil-konsegwenzi li thaddan din l-istmerrija, mahluqa fil-qiegh ta' l-Infern u migjuba fuq l-umanita'.  Is-sinjali kbar Tieghi ser jinaghtaw biex jikxfu lil dawk kollha li jhaddnu u jaccettaw dan l-insult fl-Isem Qaddis Tieghi.

**Jiena ser nhezzez id-dinja u din teghleb fuq naha.  L-ebda bniedem ma jkun jista' jinjora l-intervent Tieghi.  Imbaghad ser inwaddab in-nar ghal fuq terz mid-dinja.** Dalwaqt jidher guh kbir, li ma jkunx gej Minni – ikun gabu l-antikrist ghax ikkontamina d-dinja.  Hekk kif hu u ta' madwaru jgibu dan il-hazen fuq in-nies f'hafna nazzjonijiet, li ma jkunu qed jissuspettaw xejn,  Jiena ser inpattiha lura.

Ghalkemm din is-sofferenza tkun iebsa, tibzghux, uliedi, ghax din ma ddumx.  Imhabbti kbira hafna ghalikom, izda l-Gustizzja Tieghi hija hafifa u l-Kastig Tieghi kbir.

M'ghandkomx taccettaw dak li jgibulkom quddiemkom.  Meta taraw il-bniedem tal-paci, l-antikrist, jircievi tifhir u jigi ppremjat ghax-xoghol kbir tieghu fil-pajjizi mifnija bil-gwerrer, kunu ghafu li l-intervent Tieghi huwa fil-qrib.

Intom ghandkom tibqghu haga wahda m'Ibni, Gesu' Kristu, f'kull hin, u titolbu illi s-Sagramenti jkunu disponibbli ghalikom minn dawk is-Sacerdoti lejali u l-kleru, waqt dawk iz-zminijiet ta' prova li gejjin quddiemkom.

Ir-Rieda Tieghi ser issehh.

Xejn ma jista', u lanqas m'hu ser iwaqqaf l-ahhar Patt, fej Ibni ser jirrenja fil-Paci, milli jsehh.

Il-Mahbub Missierkom

Alla l-Izjed Oghli.

**Ir-ruh ma tistax issir shiha mill-gdid, qabel ma taghraf il-Kobor t'Alla.**

Il-Gimgha, 9 t'Awwissu 2013 @ 4.50pm

Ghaziza mahbuba binti, n-nies ma jifhmux ghal kollox xi tfisser li tkun maghqud ma' Qalbi. Jiena, Gesu' Kristu, gejt biex nehles lill-umanita' mill-iskjavitu' tad-dnub. Id-dnub inholoq meta Lucifru emmen li hu aqwa minn Alla. Minhabba l-ghira kiefra tieghu, huwa ttanta lill-bniedem – l-ewwel ulied t'Alla, Adam u Eva - biex iduru kontra Tieghu.

Il-mewt Tieghi tat lil ulied Alla, r-Rigal tas-Salvazzjoni. Bosta nies fid-dinja, ta' kull twemmin, inkluzi dawk li ma jemmnux f'Alla jew dawk li jichdu lil Alla u jpoggu idoli foloz qablu, huma lkoll qed jigu offruti r-Rigal tas-Salvazzjoni. Mhux kulhadd ser jaccetta dan ir-Rigal. Jiena nigi ghand kull wiehed minkom bhala Salvatur. Jiena ser nigi quddiem kull wiehed minkom, biex naghtikom prova tal-Verita', qabel l-ahhar jum. Jiena ser nigi biex noffri r-Rigal tal-Hajja Eterna sahansitra lil dawk li dinbu gravi f'Ghajnejn Alla.

Il-Glorja t'Alla hija t-triq taghkom minn hawn 'l quddiem, u sabiex tircievu dan ir-Rigal, kulma ghandkom taghmlu huwa li taccettaw il-Hniena Tieghi. Alla huwa Omnipotenti, Qawwi u Perfett f'kollox. Huwa mahbub hafna mill-angli u l-qaddisin fis-Sema. Huwa mahbub hafna minn erwieh li huma hajjin fid-dinja llum. Kulhadd ser ikun xhud tal-Glorja Kbira Tieghu fis-Sema l-Gdida u l-Art il-Gdida.

**Alla m'ghandux bzonn lill-bniedem. Huwa biss tant kemm Hu jhobb lill-bniedem, illi huwa qed jibghat Lili, l-Mahbub Ibnu, ghal darb'ohra biex igibilhom il-Hajja Eterna, li Hu weghdhom. Ghalhekk Huwa qed izomm pacenzja**. Ghalhekk jaghlaq ghajn wahda ghad-dnub, bit-tama li wliedu jduru LejH u jaccettaw Imhabbtu.

L-imhabba hija qawwija meta tkun pura u tkun gejja minn Alla. Meta r-ruh tkun pura, din tigi facilment migbuda lejn l-Imhabba t'Alla. Erwieh li ghandhom bzonn jindafu, ser jaccettaw l-Imhabba t'Alla, jekk jaccettaw it-tbatija li hemm bzonn biex jergghu jsiru shah mill-gdid. **Ruh ma tistax issir shiha mill-gdid, qabel ma taghraf il-Kobor t'Alla u tmil quddiemu bhala qaddejja umli.**

Il-jum li fih intom lkoll tigu murija t-triq tas-Salvazzjoni hija fil-qrib. Kull midneb jigi moghti l-opportunita' li jersaq lejn Alla. Dawk li jaghmlu dan, ifuru bil-Hniena Tieghi.

Gesu' Taghkom

**Omm tas-Salvazzjoni: Liema bniedem jista' jirrifjuta din l-ezistenza perfetta l-gdida.**

Il-Gimgha, 9 t'Awwissu, 2013 @ 6.38pm.

Binti, kull sforz ser isir mill-wiehed tal-hazen biex ihajjar lill-erwieh, inkluzi dawk l-eqreb lejn Qalb Ibni, biex jirrifjutaw u jichdu t-Tieni Migja Tieghu.

**Hekk kif l-ispirtu tal-hazen tqabad kontrija, l-Omm t'Alla, fiz-zmien meta kien ser jitwieled Gesu', l-istess oppozizzjoni sejrin tixhduha, hija u toqrob it-Tieni Migja Tieghu.**

Hafna min-nies huma ghomja ghall-weghda li kien ghamel Ibni, meta Hu qal li ghad jerga' jigi. Hafna li ma jaccettawx li t-Tieni Migja Tieghu dalwaqt issehh, m'humiex imhejjija ghax ma jistghux jaccettaw li din ser tigri f'hajjithom stess. Ghal kuntrarju taz-zmien ftit wara l-mewt t'Ibni fuq is-Salib, fejn l-appostli kienu jahsbu li huma kienu ser ikunu xhieda tat-Tieni Migja Tieghu. Dan it-twemmin kien qawwi wkoll f'mohh l-Insara hafna mijiet ta' snin wara. Imma dan mhux il-kas illum. Xi whud jahsbu li t-Tieni Migja tirreferi ghal parti antika hafna ta' l-Iskrittura Qaddisa, u li din il-grajja ghad tigri fil-futur 'l boghod. Huma ma jemmnux li t-Tieni Migja ghandha x'taqsam maghhom illum fid-dinja moderna. **Illum kollox fid-dinja huwa mibni fuq il-materjalizmu, l-intelligenza umana moderna u l-ghegubijiet kbar li johorgu mill-avvanzi tax-xjenza.**

**Uliedi intom ghandkom thejju**. M'ghandkomx tibzghu. **Huwa minhabba li intom tant mahbubin minn Ibni, illi Huwa gej lura dalwaqt biex igibilkom paci kbira, helsien kbir mid-dwejjaq u d-disperazzjoni – li gejja direttament mid-dnub fid-dinja.**

**It-Tieni Migja ta' Kristu hija dak li l-umanita' ghandha bzonn biex tibqa' tghix. Kieku Gesu' ma jigix dalwaqt, kif mhabbar, kieku d-dinja tinqered u l-bniedem jigi mitluq.** Dan ir-Rigal ser igibilkom hajja gdida, bidu gdid tal-ghageb u glorjuz fil-Genna l-Gdida. Ser ikun l-akbar tigdid ta' l-Art u mieghu ser tigi l-Hajja Eterna. Liema hu dak il-bniedem li jista' jirrifjuta din l-ezistenza gdida perfetta. L-ebda wiehed, li kieku kellu l-gharfien shih ta' dan iz-zmien gdid ta' Paci, fejn il-Genna terga' tezisti, ma kien ser jaghtiHa dahru. L-ebda midneb ma jkun irid jibqa' barra, imma sfortunatament, l-imhuh ta' hafna ser jibqghu ghomja ghall-Verita'. Minflok, huma ser jahsbu li ser ikollhom il-paci meta jibilghu l-gideb, li dalwaqt jigu pprezentati lilhom, u li huma jahsbu li gejjin minn Alla.

Itolbu, itolbu wliedi, li intom tkunu mbierka bid-Don li ma tkunux ghomja, dan ikun moghti biss lil dawk li jisthoqqilhom li jircievu d-Don ta' l-Ispirtu s-Santu. Huma dawk biss li ser jaccettaw l-Id tal-Hniena, minn Id Alla, li ser jigu mehuda fil-hajja ta' l-Eternita'

Ommkom il-Mahbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

**Kunu ghafu li l-ugigh li ser thossu meta jarmukom, ser ikun ezatt bhal dak li Jiena u l-appostli Tieghi sofrejna fi zmieni fuq l-Art.**

Is-Sibt, 10 t'Awwissu, 2013 @ 12.49pm

Ghaziza mahbuba binti, lanqas bniedem wiehed biss fostkom, m'hu tant nadif fir-ruh, li jista' jiggudika lill-ohrajn f'Ismi.  Izda kunu ghafu dan, illi dawk fostkom li huma lejali Lejja u jimxu fuq it-Taghlim Tieghi – ghad iridu jghaddu minn tant dieqa meta ser ikunu xhieda ta' l-akbar stmerrija, li ser thabbat wiccha maghha d-dinja.

**F'isem il-gustizzja socjali u l-kompassjoni socjali, l-profeta l-falz ser johrog biex jaghmel dak li d-dinja ser temmen li huwa biex jevangelizza u johloq knisja moderna. Din il-knisja tkun tilhaq lill-midinbin kollha u thaddan lil dawk il-midinbin li dnubiethom m'humiex accettati Minni.**

Intom is-segwaci mahbubin Tieghi, ser iharsu lejkom bhala setta eretika, ghax tibqghu xxandru l-Verita'.  Kull min jibqa' jaghmel minn kollox biex jibqa' lejali Lejja, jigi attakkat bis-sahha.  Intom tigu mormija l-barra u tigu ddikjarati li intom dissidenti leminin.  Kull sforz li taghmlu biex izzommu t-tradizzjonijiet tac-ceremonji Qaddisa ser jigi njorat.

Il-qawwa ta' dawk li ser imexxu hazin il-Knejjes Tieghi fl-Art, m'ghandhiex tigi njorata, ghax miljuni ta' qaddejja qaddisa ser ihaddnu din id-duttrina falza gdida.  Huma bi zball ser jahsbu li din id-duttrina l-gdida hija forma t' evangelizazzjoni.  L-ghajnuna taghhom, bhala qaddejja bil-kunsens kollu taghhom ghal din l-istmerrija, ser taghmilha iebsa hafna ghall-Insara li jafu l-Verita'.  L-ilhna ta' dawn ta' l-ahhar, ser ikunu bhal tfesfis qalb l-ghajjat ta' dawk li ser isiru skjavi  tal-gideb, mahluqa f'Ismi.

Kunu ghafu li l-ugigh li ser thossu meta jarmukom, ser ikun ezatt bhal dak li Jiena u l-appostli Tieghi sofrejna fi zmieni fuq l-Art.  Is-Sacerdoti ta' dak iz-zmien, li kienu jghidu li jhobbu lil Alla, ma kienu jahsbuha xejn, biex jimmutaw l-ilhna tad-dixxipli Tieghi,  li kienu jaghtuhom l-ahbar ta' min kont Jien.  Din id-darba, x'hin inhabbar it-Tieni Migja Tieghi, l-profeti u d-dixxipli Tieghi ser iwegghu bi kbir meta l-ilhna taghhom jigu msikkta u huma jigu akkuzati li qed jidghu.

Waqt li s-segwaci Tieghi jinfirxu u jikbru, huma ser ikunu bhal tallaba u huma ser jitilghu l-gholja tal-Kalvarju – gharwenin, b'xejn hlief il-fidi taghhom.  Filwaqt li huma ser izommu theggeg il-Fjamma tad-Dawl Tieghi, fil-Knisja Tieghi – il-Knisja vera Tieghi – huma qatt m'huma ser jitbeghdu mill-Verita' u ser igorru fuq daharhom salib tqil.  Dan huwa s-salib tas-salvazzjoni, ghax fuq daharhom imsejken u ghajjien, huma ser igorru d-dnubiet ta' dawk li hallewni.  Xortihom ser tkun iebsa.  Ghall-imhabba taghhom Lejja, huma ser isofru minhabba l-ohrajn, sabiex isalvawlhom l-erwieh imsejkna taghhom.

**Dawn l-erwieh ma jkunx haqqhom min isalvhom.  Huma ser ikunu salvati biss ghax Jiena naghzel li nsalvhom.  Huma ser ikunu nsultawni, gabu sofferenzi kbar fuq is-segwaci lejali Tieghi u ttormentaw lill-Armata tal-Fdal.  Imma xorta Jiena ser insalvhom minhabba l-fidi ta' dawk fl-Armata tal-Fdal Tieghi.**

Dawk n-nies l-ohra, li taw ruhhom lill-bestja, ghandhom ikunu jafu dan. Intom forsi ma temmnux fl-Infern, izda Jiena ser nurikom kif jinhass l-ugigh tieghu. **F'dak il-jum li Jiena ser nurikom il-livelli tat-tortura fl-Infern, intom ser titwerwru u hafna minnkom ser jghajtu ghall-Hniena Tieghi. U Jiena ser insalvakom, jekk intom titolbuni nahfrilkom. Jiena ser naghmel dan matul il-Jum tat-Twissija l-Kbira.** Dawk minnkom li ser jixhdu n-nirien ta' l-Infern, izda li mhux ser iduru Lejja – intom mhux ser tibqghu hajjin ghal wara t-Twissija u dak il-mument li intom tirrifjutawni, jkun ta' l-ahhar.

Dawk kollha li jibqghu lejali Lejja u jimxu mal-Kelma Tieghi – ghalkemm ser issofru – il-futur quddiemkom huwa wiehed ta' glorja kbira.

Dawk minnkom li mhux ser jaghtu kas tat-Twissija Tieghi jew li ma jisimghux il-Verita' ser ikunu f'periklu kbir.

Dawk miinnkom li jaghmlu lill-bestja idolu taghhom u jimxu wara l-profeta l-falz ghal gor-religjon dinjija l-gdida, ser jintefghu hajjin fin-nirien jaqbad ta' l-Infern, maghhom it-tnejn.

Il-Verita' hija morra biex igerrahha, izda meta taccettha, din iggiblek Hajja Eterna, fejn intom tgawdu s-Saltna Tieghi ghal dejjem ma' l-gheziez taghkom. Taqtghux il-kurdun ghall-Hajja Eterna, ghax intom issofru bi kbir u qatt ma jerga' jkollkom cans iehor.

Gesu' Taghkom;

## [L-Għargħar se jkunu komuni u se tkunu tafu liema huma l-aktar partijiet tad-dinja li jirrabjaw lil Missieri.]

It-Tnejn 12 ta` Awissu , 2013. @ 3.00pm

Ghaziza mahbuba binti, Is-segwaċi Tiegħi kullimkien, inklużi dawk li ma jafux dwar dawn il-Messaġġi, se jersqu lejn il-knejjes Tiegħi f'dan iz-zmien biex ifittxuni. Minħabba id-Don Tiegħi ta' l-Ispirtu s-Santu, dawn se jigu migbuda fir-Rifuġju tal-Qalb Tieghi. Huma ser ihossu l-inkwiet fid-dinja u se jintebhu li jeħtieġu l-għajnuna Tiegħi biex jibqghu sodi mat-Taghlim Tiegħi.

Ħafna se jħossu l-bidliet fl-arja, kif l-għedewwa t'Alla jibdew jagħmlu magħrufa l-pjan tagħhom ta' mibegħda biex iqarrqu bid-dinja, hekk kif l-atti vili tagħhom, biex jiskużaw id-dnub fis-suriet kollha tieghu, jigu magħrufa. Id-dinja se tkun mkaxkra f`għargħar ta` dieqa u ħafna se jkunu xxukkjati mit-tentattivi li se jaraw ma' kullimkien biex id-dnub f'kull forma tieghu, jsir idolu.

Id-Dnubiet tal-Gisem ser ikunu imfaħħra. Il-vanita' u l-imhabba ossessiva tieghek innifsek se tkun tidher fid-dinja kollha. L-ossessjoni tieghek innifsek , aktar minn qatt qabel, se tkun tidher li hija karatteristika essenzjali. Dawk li ma jfittxux pjaciri bhall dawn se jiġu skartati u jhossuhom bħal barranin . Id-dnubiet tal-wiehed tal-ħażen se jkunu gglorifikati u hekk kif il-bniedem isib ruħu ġo dan il-ġenn, id-dinja se tara l-għargħar tar-rabja, fejn Missieri se jkaxkar ħafna partijiet minn ħafna pajjiżi. L-Għargħar se jkunu komuni u intom se tkunu tafu liema partijiet tad-dinja l-aktar li jirrabjaw lil Missieri, meta l-ilmijiet jitferrghu ghal isfel bir-rabja fuq in-nazzjonijiet.

In-Nazzjonijiet hziena kollha tagħkom ser jesperjenzaw huma stess, kif id-dnubiet tal-Gisem se jiġu kkastigati. Missieri se jwaqqaf lill-wiehed tal-ħażen milli jieħu f'idejh l-erwieħ ta' dawk li huma ħatja ta' dan id-dnub, sabiex ma jħallihomx jinfestaw lill-oħrajn. Huma ser jitwaqqfu. Qatt izjed m'huma se jithallew ikomplu bl-infestazzjoni tagħhom. Dan il-ħażen issa se jiġi ndirizzat u issa ser taraw Interventi Divini ma' kullimkien, gejjin minn Id Alla.

Iitolbu għall Ħniena dawk minnkom li jista' jkun li jinqabdu f'dawn il-Kastigi. Jien se nipproteġi lil dawk li jduru Lejja għall-protezzjoni.

Ġesù Taghkom.

## Dalwaqt juzaw il-knejjes ghall-kummerc u biex jaghmlu qligh minnhom.

It-Tlieta, 13 t'Awissu, 2013 @ 3.00pm

Ghaziza mahbuba binti, kemm ser ihossuhom imdejqa l-Kattolici u l-Kristjani, madwar id-dinja kollha, meta jaraw kif il-knejjes taghhom u l-postijiet ta' qima ser jinbidlu f'postijiet ta' divertiment.

Ser jittellghu hafna grajjiet fil-knejjes, li suppost ser jaghtu gih Lili, izda li minflok ser jinsultawni. Dalwaqt juzaw il-knejjes bhala postijiet fejn isir il-kummerc u li minnhom jaghmlu l-qligh. Dawn il-hwejjeg kollha ser isehhu u dawk li jhobbuni, ser jibku bid-dieqa. Kemm ser isofru dawn l-imsejkna erwieh, huma u jitqabdu ma dan id-dagha. L-erezijiet li jigu mdeffsin fi grizmejhom ifissru li ftit ser jintwera rispett lejn dawn l-erwieh waqt il-prattici u c-ceremonji, li jinsultaw lil Alla. Ser ikun hemm kant, dahk, ilhna jghajtu u ser jigu recitati hrejjef, li m'ghandhom xejn x'jaqsmu Mieghi. Dawn l-atti vili ser jitwettqu fil-Knejjes Tieghi u Quddiemi.

Binti ghati kas tal-Weghda Tieghi. Jiena ser immur sat-truf kollha ta' l-Art biex insalva midneb wiehed. Izda tant ser ikunu nfestati l-erwieh, illi naghmel x'naghmel ghalihom, huma qatt m'hu ser jaccettaw il-Hniena Tieghi, sahansitra waqt il-mewt, ghalkemm ikunu jafu li l-Infern qed jistennihom.

Ghalhekk ikollkom taccettaw li ser ikun hemm erwieh li jintilfuli, ghax il-hazen taghhom huwa tant fil-fond f'ruhhom, illi l-ebda intervent ma jisseparhom mill-bestja.

Li rrid nghidilkom huwa dan. Thallux lil dawk li huma nfestati mill-wiehed tal-hazen li jehodkom minn Ghandi, bil-gideb. Meta taccettaw il-gideb, iddettati lilkom minn dawk li ma jgibulix rispett, ghax inkella tonqsilkom il-fidi – anke jekk ikun f'haga wahda, f'aspett wiehed li ghandu x'jaqsam mat-Taghlim Tieghi. Jekk tintrehew ghal talba wahda li tkun giet mahluqa biex tbiddel dak li Jien inkun ghidtilkom, dan ikun ifisser li tkunu qed thallu l-wiehed tal-hazen jittantakom izjed bis-sahha, biex ibeghdkom Minni.

Soddu widnejkom b'idejkom meta johrog id-dagha minn halq il-bestja. Taccettaw xejn, xejn li bih tichdu s-Sagramenti Tieghi jew it-Taghlim Tieghi. Duru n-naha l-ohra u imxu warajja, ghax meta dan kollu jigri, jibqa' biss triq wahda li fiha tistghu timxu. Din hija t-Triq Tieghi – it-Triq tal-Verita'. Il-Verita' trid tkun shiha biex tkun accettabbli. Nofs verita tfisser li ssir gidba.

Gesu' Taghkom.

## Meta taghtu gieh lil Ommi, intom ghandkom izzuru l-Knejjes iddedikati Lilha u taghtuha gieh hemmhekk.

L-Erbgha, 14 t'Awwissu, 2013 @ 3.15pm

Ghaziza mahbuba binti**, l-ebda bniedem haj ma jista' jifhem ghal kollox kemm huwa makakk Satana.** Dawk li huwa jinfesta, qatt ma jkunu jaghtu l-impressjoni ta' xi hazen. Ghall-kuntrarju, huma jkunu jigbduk, cajtiera, t'awtorita' u jkunu konvincenti meta juru l-modi midinba taghhom lilkom, halli intom taccettaw il-qerq taghhom.

**Dawk fil-Knisja Tieghi, li jaghtu gieh lill-wiehed tal-hazen u li jimxu bhal ilsiera fuq l-istruzzjonijiet tieghu, ser ifixklukom bi kbir minhabba li jidhru qaddisa**. Ser jigbdu lil hafna minnkom ghat-triqat taghhom, ghax intom ser jidhrilkom li huma veru qed jonoraw Lili u lill-mahbuba Ommi. Izda kunu ghafu li kull mossa u dak li jidher bhala att qaddis, ikun qed jahbi insult, quddiem l-altari li kienu maghmla biex jonoraw lil Ismi. Ghandkom tkunu tafu li meta jonoraw lill-bestja, **huma jaghmlu quddiemkom atti li jidhru qishom qaddisa, izda dawn ikunu kollox bil-maqlub.** L-intenzjonijiet taghhom ikunu jidhru tant qaddisa u ta' rispett, izda tkunux imqarrqa.

**Meta taghtu gieh lil Ommi, intom ghandkom izzuru l-Knejjes iddedikati lilha u taghtuha gieh hemmhekk. Dawk li jhobbuni jmorru huma ghandha. Huma qatt m'ghandhom jaccettaw li Ommi tista' tigi kkmandata biex tigi hi, ghand l-ghedewwa tal-Knisja Tieghi.**

Is-sinjali l-ohra, li lid-dinja ser jghidulha biex taccetta, li jkunu jidhru li qed jonoraw lit-Trinita' Qaddisa, lil Ommi u l-qaddisin kollha, ser jidhru li huma xi haga tajba. Izda kollox jigi muri lilkom b'mod differenti mill-ghedewwa t'Alla. Meta dak li hadd ma jkun qed jistenna jigi pprezentat, kunu ghafu li dan huwa s-sinjal il-kbir tal-bestja, li ser iqarraq bid-dinja u jaghtihom x'jemmnu li huwa u ta' mieghu, huma qaddisin.

Gesu Taghkom.

## L-Ewwel Gudizzju huwa fil-qrib u Jiena ser inwaddab il-hziena fil-genb.

Il-Hamis, 15 t'Awwissu, 2013 @ 9.57pm

Ghaziza mahbuba binti, qed insejjah lid-dixxipli kollha Tieghi, li jafu l-Verita'. Biex juru kuragg f'dawn iz-zminijiet iebsa ghall-umanita'

Iz-zmien meta l-gwerrer ser ifaqqghu f' hafna nazzjonijiet, fl-istess hin, huwa fil-qrib hafna. Meta tisimghu b'dawn il-gwerrer kollha u taraw il-kefrija liema bhala ta' dawn l-oppressuri, kollha kemm huma maqghudin haga wahda, li qed igibu dawn il-gwererrer, intom ser tkunu tafu li t-Tieni Migja Tieghi hija fil-qrib.

Izjed fostkom ser jaghrfu l-Verita' li tinsab fil-Ktieb ta' Gwanni – ir-Rivelazzjoni – li bhalissa qed tigi murija lilkom. Tibzghux, ghax dan kolllu jrid isehh. Hafna li ma jaccettawx dawn il-Messaggi, qed jaghmlu zball kbir, ghax il-Ktieb tal-Verita' fih id-dettalji u s-sigrieti li huma tal-Ktieb tar-Rivelazzjoni. Jiena, l-Haruf t'Alla, Jien l-unika Awtorita' – Jien biss ghandi l-permess minn Missieri - li niftah is-Sigilli li fihom.

**Jekk intom ma temmnux fil-Ktieb tal-Verita', allura intom ma temmnux fil-Ktieb tar-Rivelazzjoni**. Hudu din it-twissija. Dawk li jirrifjutaw il-Ktieb tar-Rivelazzjoni jarmu l-Hniena Tieghi. Izda l-Verita' tigi murija lilhom matul it-Twissija l-Kbira Tieghi permezz ta' Intervent Divin, ghax kieku ma jkunx hekk, huma qatt ma kienu ser ikunu jafuni jew jifhmu l-Hniena Kbira li Jiena qed ingib lid-dinja. Qatt m'ghandkom izzidu mal-Ktieb tar-Rivelazzjoni, tippruvaw tinterpretawH jew tnehhu xi haga minnu, biex ikun joghgob ix-xewqat taghkom, ghax inkella ta' dan issofru. Meta taghmlu dan, intom tkunu qed tbaghbsu mal-Kelma t'Alla. Dan il-Ktieb kien imwieghed lilkom. Alla baghat is-7 messaggier biex jikxef il-Verita'. Accettaw dan u afdaw Fija, inkella intom timxu wahidkom, moghmija ghall-qerq kbir li ser jigi fuq dawk li jirrifjutaw il-Kelma t'Alla.

Hafna, hafna bidliet ser isehhu fid-dinja, li l-ebda bniedem m'hu ser jonqos milli jinnota. Ir-religjonijiet ser isiru bla sens, hekk kif miljuni ser jaqbdu fidi pagana, li ser jghidulhom li biha taghti gieh lil Alla. **L-umilta' u l-imhabba ghal foqra ser ikunu r-ragunijiet, li lilkom ser jghidulkom li minhabba fihom, il-knisja mgedda u mdawla, ser issejjah bidu gdid. Bhal hrief ghal qatla, intom tigu mehuda ghal go l-ghadira tan-nar**. Meta tintebhu bl-istmerrija terribbli, li intom gejtu mdahhla fiha, jista' jkun tard wisq. Meta tqimu lill-bestja, hu jinfestakom tant, illi biz-zmien, hafna jsiru lsiera.

Bidliet kbar fil-politika tad-dinja u fis-sistemi tal-medja, ser igibu qasma kbira. Dawk li huma lejali lejn dak kollu li Alla ta lid-dinja permezz Tieghi, Gesu' Kristu, ser jghixu. Dawk li jirrifjutawni mhux ser ikollhom hajja, ghax huma mhux ser ikollhom il-hila jaccettaw il-Hniena Tieghi. Ghalkemm Qalbi ser tinqasam fi tnejn minhabba dan kollu, ser tibbies u l-Gustizzja Tieghi tirbah.

**L-Ewwel Gudizzju huwa fil-qrib u Jiena ser inwaddab fil-genb lill-hziena, ghax is-Sema l-Gdida u l-Art il-Gdida tilqa' biss lil dawk li accettaw il-Hniena Tieghi. Hafna ser jghidu: "Alla huwa Hanin. Huwa qatt m'Hu ser juri tant kefrija." It-twegiba Tieghi hija din. L-Art, kif tafuha intom illum, ma tibqax izjed.** Minflokha tidher Art mgedda – hafna akbar, aqwa minn qabel, fejn tnax il-nazzjon ghandhom posthom, wiehed hdejn l-iehor, f'armonija fl-imhabba. Huma dawk biss lejali Lejja u dawk li ma jafunix, izda li jaccettaw

Idi, meta Jiena naghtihom prova tal-Verita' fit-Twissija, li ser jidhlu mill-bibien. Wara Jiena ser naghlaq il-bibien. L-ebda bniedem iehor ma jghaddi minnhom, ghax Jiena nkun tajt il-Gudizzju Tieghi. Kull niket jintesa u l-hziena jintefghu fl-Infern, fejn huma jsofru ghall-eternita'. Il-bniedem qatt m'ghandu jinsa kemm huma kbar l-Imhabba, l-Hniena u l-Kompassjoni Tieghi. Izda tant iehor ghandu jibza' mill-Kastig Tieghi, ghax dan ikun ta' l-ahhar, meta ddoqq l-ahhar trumbetta fil-Jum il-Kbir tal-Mulej.

U mbaghad kollox ikun intemm.

Gesu' Taghkom.

Huma ghandhom jibqghu jzommu l-Messalin, l-ilbies, il-Bibbja Qaddisa u s-Slaleb Qaddisa. Dawn kollha ser jinbidlu ma ohrajn.

Is-Sibt, 17 t'Awwissu, 2013 @ 11.50am

Ghaziza mahbuba binti, hafna li huma mberkin b'fidi qawwija u mhabba Ghalija, Gesu' Kristu, fl-ahhar qed jibdew jaghrfu Lehni, fejn Jiena qed inkellem lid-dinja f'dawn il-Messaggi.

Dawk li jqattghu hajjithom iservu bhal ilsiera lis-serp, huma wkoll jafu li huwa Jiena li qed nitkellem. U ghalhekk tibda t-taqbida biex min-naha issir ir-Rieda Qaddisa Tieghi u mill-ohra, x-xewqa tal-ghedewwa t'Alla biex jiggieldu Lili.

**Dawk li qed jippjanaw biex igibu tbatija fuq l-umanita', li hija parti mill-kuntratt mal-bestja, ser joqghodu attenti biex ma jidhrux li qed jichdu dawn il-Messaggi fil-pubbliku, ghax jekk jaghmlu dan, huma jgeghlu n-nies temmen fihom**. Minflok, huma ser ixerrdu l-mibeghda kontrija b'modi ohra, jibdew billi jeqirdu l-fidi ta' dawk fil-Knisja Tieghi. Huma ser idawru l-qlub ta' dawk li jhobbuni, kontra huthom il-Kristjani. **Huma ser ihaddnu lill-pagani, shahar 'new age' u dawk li jaduraw lill-bestja, minflok lill-Kristjani, li dawn ser joggezzjonaw ghar-riti pagani li ser isehhu fil-Knejjes Kattolici u ftit wara fil-knejjes Kristjani.**

Dawn il-hwejjeg ghad iridu jsehhu. Nitlobkom biex ma tahsbux li l-Quddies Qaddis jew s-Sagramenti diga tbiddlu, ghalkemm ser jinbidlu fil-qrib hafna. Meta jsir dan, intom ghandkom taghtuhom dahrkom u tiddefendu Lili.

**Tibdil kbir ilu jigi ppjanat ghal dawn l-ahhar ftit snin, mill-hazen tal-mazunerija fil-Knisja Tieghi fuq l-Art. Issa, l-pjanijiet taghhom, li diga saru jafuhom dawk fl-oghla gerarkija tal-knejjes, dalwaqt ser jithabbru. Dawn jinkixfu u jithabbar illi l-Knisja Kattolika qed tigi mmodernizzata, halli tkun relevanti ghas-socjeta' mohhha miftuh u liberali tal-lum.** Ser jghidu li l-knisja ser thalli l-passat warajha u l-motto taghha ser ikun li thaddan it-twemminijiet kollha, biex turi li mhix dejqa fl-agir taghha. Din l-ahbar ser tigi ccelebrata mad-dinja kollha u l-medja ser taghti post lil din l-ahbar fil-pagni ta' quddiem taghha, meta qabel, din kienet thares bl-ikrah lejn il-Knisja Kattolika.

Iz-zerriegha ta' Satana tkun hadet, u c-ceremonji l-godda, fejn il-ghamla tal-Quddiesa Qaddisa ser tigi pprezentata bil-maqlub, izda fejn il-frazijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-Passjoni Tieghi ser jinbidlu mal-bluha – kliem vojt – garrar vojta – tabernakli vojta. Is-Slaleb kollha ser jinbidlu ma' simboli sigrieti ta' l-okkult.

Din hija d-dezolazzjoni li kien gie mkellem dwarha Daniel. **Dan huwa t-tmien ta' l-Ewkaristija Qaddisa u t-tmiem tal-Quddiesa, kif tafuha intom, f'hafna postijiet. Izda l-mahbubin qaddejja lejali Tieghi, issa ser ihejju l-produzzjoni tal-Ostji Qaddisa. Huma ghandhom izommu l-Messal Qaddis, l-ilbies, il-Bibbja Qaddisa u s-Slaleb Qaddisa.** Dawn kollha ser jinbidlu ma' ohrajn.

Intom ghandkom tingabru malajr u tippjanaw, ghax mhux ser ihallukom ticcelebraw il-Quddies skond ir-Rieda Tieghi.

Jiena ser immexxikom, qaddejja qaddisa Tieghi, meta iz-zmien jasal.  Ghal dawk il-Kristjani li jahsbu li din l-istmerrija ser tkun biss fil-Knisja Kattolika, mela kunu ghafu li din ser taffettwa l-knejjes Kristjani kollha, sakemm huma wkoll inehhu kull sinjal jew kull fejn nissemma Jien,  Biz-zmien ghad tridu tigu kkastigati bi kbir jekk biss issemmu Ismi.

Intom ser tinhasdu kif dik il-knisja li tidher innocenti u mgedda, izda kkontaminata, ser tispicca f'kult mill-ehzen.  Huma ghad jispiccaw jaghmlu minn kollox biex jikkastigaw lil dawk li jisfidaw din ir-religjon gdida pagana li ghamel il-bniedem.

Il-Kristjani u l-Lhud ser ikunu l-mira principali tal-mibeghda u huma ser ikunu ppersegwitati minhabba r-religjon taghhom.

Minflok ma tibzghu, Jiena qed insejhilkom biex titqabdu ghal Ismi.  Qatt tinsew kemm Jiena ghadni mibghud.  Kunu ghafu li meta timxu warajja, f'dawn iz-zminijiet li gejjin, is-salib taghkom ser ikun hafna itqal minn ta' dawk li gew qabilkom.

Gesu' Taghkom.

## [Omm tas-Salvazzjoni: Huma ser ikollhom bzonn isibu postijiet ta' kenn, halli jkunu jistghu jipprovdu l-Quddies ta' kuljum u l-Ewkaristija Qaddisa.]

Is-Sibt, 17 t'Awwissu, 2013 @ 4.45pm

**O gheziez uliedi, kemm hija mdejqa qalbi minhabba t-tbatija li ser ihabbtu wicchom maghha dalwaqt is-sacerdoti**.

Hafna minn dawk il-qaddejja prezzjuzi t'Ibni, li l-unika xewqa taghhom hi li jaqdu lil Alla u jgibu lill-erwieh fit-triq it-tajba tas-salvazzjoni, ser ihabbtu wicchom ma provi hekk kbar li hafna minnhom ser icedu bil-biza'. Hafna li ser ikunu ghomja ghall-Verita' u li ser jaccettaw u jilqghu it-tibdil kbir fil-knisja, bil-hsieb zbaljat li dawn huma ghall-gid ta' kulhadd. Dawk li ser jaghrfu l-qerq, li sa jigi pprezentat lill-Kattolici, ser jaharbu. Tant ser ikunu mwerwrin ghal dak li jista' jigri minnhom, illi huma ser ihallu l-Knisja, ghax ser ikun dghajfa wisq biex jieqfu kontra tant hazen.

**Dawk is-sacerdoti li ser jirrifjutaw li jaccettaw id-duttrina falza, ser jigu akkuzati b'erezija u hafna minnhom ser jigu mcanfra fil-pubbliku, talli naqsu milli jobdu li dawk li huma fuqhom. Hafna ser jigu skomunikati. Ohrajn ser jiehdu l-martirju. Imbaghad ser ikun hemm dawk li ser imexxu l-Knisja – il-Knisja li giet moghtija lid-dinja minn Ibni – bil-mohbi**.

**Huma ser ikollhom bzonn isibu postijiet ta' kenn, halli jkunu jistghu jipprovdu l-Quddies ta' kuljum u l-Ewkaristija Qaddisa.** Huma ser jigu mmexxija mill-Ispirtu s-Santu u warajhom sejra timxi l-Armata tal-Fdal t'Ibni, li ser tibqa' lejali b'sahha, lejn it-Taghlim Tieghu u s-Sagramenti sa l-ahhar jum.

Intom ghandkom tifhmu li jekk ghandkom xi dubju dwar il-validita' ta' din it-twissija, illi jiena, l-mahbuba Omm ta' Kristu, ser nigi wzata biex nahbi l-veru pjan ta' dawk il-forzi, li dahlu fil-Knisja t'Ibni fuq l-Art. Jiena ser nigi wzata bhala r-ras tal-Knisja biex intellef lin-nies milli jindunaw bil-veri intenzjonijiet ta' dan il-grupp hazen. Sabiex jikkonvincu lill-ulied Alla li huma qed jibqghu lejali lejn il-Kelma t'Alla u t-tradizzjonijiet tal-Knisja Kattolika, huma ser joholqu cermonji, li jkunu jidhru li qed jaghtu gieh lili. **Ser juzaw il-profeziji ta' Fatima biex izebilhu x-xbiha tieghi, billi jipprezentaw lid-dinja qerq kbir. Huma ser juzawni biex izebilhu l-Knisja t'Ibni u kulma jaghmlu ser ikun bil-maqlub, hekk kif inhu mitlub mill-wiehed tal-hazen.**

**Billi huma jaghtu l-impressjoni li huma qed jonoraw lil Omm Alla, hafna Kattolici ser jahsbu li kollox huwa sew meta fil-fatt kollox falz. Dan ifisser illi kull dubju li dawn ser ikollhom meta jaraw it-tibdil stramb gdid li ser isir lill-Quddiesa u lis-Sagramenti, ser jintesa mill-ewwel.** Dan kollu kemm igibli niket kbir**.** Ix-xbiha tieghi ser tintuza apposta biex jinsultaw lil Ibni.

Satana jobghodni. Izda huwa jibza' minni wkoll. Biex iwegga' lil Ibni, huwa, permezz ta' dawk l-erwieh li ghandu l-qawwa fuqhom, jaghmel minn kollox biex izeblah ix-xbiha tieghi permezz ta' hafna riti sigrieti u l-quddiesa s-sewda. L-istatwa tieghi ser tigi mzejna b'simboli satanici u jiena ser nigi mzebilha f'hafna postijiet minn gruppi tal-mazuni li hadu kollox taht idejhom.

Itolbu, itolbu, itolbu, wliedi kuljum, ghas-sahha biex thabbtu wicckom ma' dan il-hazen bil-kuragg. Tibzghux minnu. Accettaw illi l-armata ta' Satana bhalissa ghandha taht idejha hafna nazzjonijiet, f'kull parti tad-dinja. Meta taccettaw dan, intom tkunu tistghu tinghataw il-qawwa u d-determinazzjoni li ghandkom bzonn. Meta titolbu ghal dawn il-grazzji, permezz tat-Talb tal-Krucjata, intom tkunu tistghu, u ser tghinu tnaqqsu dan il-hazen.

Il-Mahbuba Ommkom

Omm tas-Salvazzjoni.

**Huma ser jigu mitluba biex jergghu jaghmlu l-weghda ta' lejalta', permezz ta' gurament gdid, biex jibqghu fidili lejn il-Knisja.**

Il-Hadd, 18 t'Awwissu, 2013 @ 5.45pm

Ghaziza  mahbuba binti, l-pjan mahdum mill-profeta l-falz biex iqarraq bil-kleru tad-dinja, beda.

**Bl-iskuza li tiggedded u terga' tinbena l-Knisja Kattolika, l-kleru kollu, fi hdan din il-Knisja,  ser jigi mibghut ghal irtieri halli jhegguhom biex jaccettaw l-appostolat il-gdid**. Dawn ser ikunu mferxin ma kullimkien u hafna ser jghidulhom li l-ghan taghhom huwa li jinghaqad kulhadd fid-dinja, f'isem il-gustizzja.  Din il-Missjoni gdida, ser jghidulhom li ser thaddan il-foqra kollha tad-dinja u tahdem ghall-ghaqda. **Huma ser jigu mitluba biex jergghu jaghmlu l-weghda ta' lejalta', permezz ta' gurament gdid, biex jibqghu fidili lejn il-Knisja.  Huma mhux ser jigu mitluba biex ipoggu l-fidi taghhom Fija jew fil-Kelma Tieghi.  Minflok, huma ser iweghdu lejalta' lejn dawk li ghamlu lilhom infushom il-mexxejja l-godda, li hadu taht idejhom is-Siggu ta' Pietru.**

Tmorrux imqarrqa, intom li gejtu moghtija r-Rigal ta' l-Ordni Sagri li ser tigu mitluba li tiehdu sehem f'gidba, fejn Jiena, Gesu' Kristu, mhux ser inkun fuq quddiem, ghalkemm ser jidher li huwa hekk.  Il-flus ser ikunu l-forza li tmexxi u ser titwaqqaaf organizzazzjoni finanzjarja gdida li tikkontrolla l-gbir ta' fondi biex tizgura li f-foqra tad-dinja jgawdu minnha.

Meta tbiddlu b'xi mod l-Ordni Sagri, u wara tweghdu hajjitkom lil xi hadd li qata' l-irbit kollu minn Mieghi,  intom ma tibqghux tajbin biex taqduni.  Kollox ser jigi maghmul biex jidher semplici f'Ghajnejn Alla.  Il-pjan ikun biex jikkonvincu lil dawk il-qaddejja qaddisa Tieghi biex jiehdu sehem, minn rajhom, fl-istmerrija, li ghandha tghaqqad lis-socjeta' u lid-dinja sekulari mal-Knisja, li kont waqqaft Jiena, Gesu' Kristu.

Hekk ser nigi nsultat.  Kull sforz biex jithaddan is-sekularizmu ser jigi mfahhar minn dawk li ma jemmnux u dan ser ikun jidher li huwa xi haga tajba, ghal dik is-socjeta' gdida, hekk imsejha moderna tal-lum.

Din ser tidher stramba ghall-Kristjani, meta jaraw membri tad-dinja sekulari jhaddnu l-Knisja Kattolika, f'tant entuzjazmu.  Izda hafna jfarfru d-dubji taghhom u ma jaghtux kas, hekk kif jaqghu ghal dan il-qerq.  Fil-qalba ta' dan il-pjan biex igibu rivoluzzjoni fil-Knisja, hemm il-mibeghda Ghalija u ghal dak kollu li Jiena tajt lill-Knisja Tieghi.  Fil-jiem li gejjin, intom ghandkom tgharblu kollox.  Itolbu ghal twegibiet meta huma jibdlu t-Taghlim Tieghi u jghawguh biex jaqbel lill-pagani.  L-ebda dixxiplu, mqabbad Minni, qatt m'hu ser jinghata l-awtorita' li jaghmel dan, ghax dan jigi dagha.

Hazin ghalihom dawk li jhallu l-Kelma Tieghi li tigi mbaghbsa u jhalluha titressaq fil-genb biex juru rispett lejn dawk li jichduni.

Gesu' Taghkom.

**Omm tas-Salvazzjoni: Uliedi kullimkien – intom ghandkom tisimghu minni, l-mahbuba Ommkom, f'dan iz-zmien.**

It-Tnejn, 19 t'Awwissu 2013 @ 6.28pm

Uliedi kullimkien – intom ghandkom tisimghu minni, l-mahbuba Ommkom, f'dan iz-zmien ta' dieqa. Insejjah b'mod specjali lil dawk li ghandhom devozzjoni kbira lejja, l-Omm t'Alla, hekk kif jiena qed inwenniskom f'dan iz-zmien ta' telf kbir tal-fidi. Intom ghandkom taccettaw dan l-Intervent mis-Sema b'imhabba u tkunu grati illi, ghall-Imhabba kbira tal-mahbub Missieri, intom qed tigu moghtija dan ir-Rigal kbir.

Meta tahsbu li l-mewga enormi ta' paganizmu li daqt tibla' l-Knisja t'Ibni, madwar id-dinja kollha, tkun kbira wisq biex tghaddu minnha, hemm intom ghandkom titolbu l-intecessjoni tieghi. Jigri x'jigri, meta intom tibqghu fidili lejn Ibni, ghalkemm isir minn kollox biex itellifkom, kollox imur sew. **Qatt thossukom taqtghu qalbkom, ghax il-Glorja kbira t'Ibni u r-Rieda t'Alla daqt jinkixfu.**

Ghalkemm hafna fil-Knisja ser jaqghu fl-izball il-kbir, il-Kelma t'Alla ser tinfirex bhal nar selvagg. **Iz-zewg xhieda tal-Kelma t'Alla – il-Vera Knisja Kristjana u d-dar ta' Izrael ser jghaddu mill-prova taz-zmien. Nar ser johrog minn fommhom fil-forma ta' l-Ispirtu s-Santu**.

Fiz-zmien, wara li tinkixef l-istmerrija tad-dezolazzjoni, dawk lejali lejn il-Verita' ser iqumu u taghhom ser tkun is-Saltna ta' Kristu. Il-gideb dejjem jinqabad, ghalkemm fil-bidu, dawk minnkom mimlijin bid-Don ta' l-Ispirtu s-Santu ser isofru hafna meta jkunu xhieda taz-zeblih terribbli li ser isehh fil-Knejjes t'Ibni. Il-Verita' tinkixef u dawk kollha li ghall-bidu kienu hadu triq b'ohra, fl-ahhar, jifhmu l-hazen li kien gie mifrux quddiemkom.

Ghandkom tafdaw biss f'Ibni, tul dan il-vjagg ta' torturi, fejn ser tigu meqjusa bhala kriminali ghax tibqghu ssostnu li tkunu lejali lejn il-Kelma t'Alla. Nitlobkom tiftakru l-mixja t'Ibni lejn il-Kalvarju. Accettaw dan is-salib, b'imhabba u dinjita', ghax hekk toghgbu hafna lil Ibni, meta terfghu t-toqol Tieghu. Permezz tas-sagrificju u t-tbatija taghkom, Huwa ser isalva lil dawk l-erwieh li lanqas li haqqhom, u mbaghad Huwa jkun jista jghaqqad l-ulied kollha t'Alla.

Ommkom il-Mahbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

## Jiena ser nizgura li miljuni izjed jisimghu Kliemi.

It-Tlieta, 20 t'Awwissu 2013 @ 7.20pm

Ghaziza mahbuba binti, l-Imhabba u l-Kompassjoni Tieghi ghal-midinbin kollha, tfisser illi Jiena ser naghti Hniena Kbira lil biljuni t'erwieh, mil-lum. Jiena ser nifthilhom ghajnejhom ghal dawn il-Messaggi Tieghi lill-umanita'. Jiena ser nizgura illi miljuni ohra jisimghu Kliemi, halli nkun nista' niehu hafna izjed erwieh mitlufa lejn il-Genna l-Gdida.. Dawn l-erwieh kollha illi kieku qatt ma kienu ser jaccettaw dawn il-Messaggi minhabba r-ras iebsa taghhom, issa ser jarawhom, ghal dak li huma – Att ta' Hniena min-naha Tieghi, halli nsalvalhom ruhhom.

Is-sacerdoti li cahdu l-Messaggi Tieghi u ddikjaraw li huma l-kliem tax-xitan, ser jintebhu bl-izball kbir li ghamlu, meta cahhdu lill-erwieh l-opportunita' li jisimghu Lehni mis-Sema.

Dawk li ma jemmnux u tqabdu biex isibu l-paci, issa ser jingibdu lejn il-Messaggi Tieghi u huma daqt ifittxu l-wens Fija. Jiena qed nistennihom u hekk kif jimxu Lejja, ser nimlihom b'xenqa ghal Imhabbti, tant li ma jkollhomx il-hila jinjorawni.

Dawk li jemmnu f'Alla l-Missier li jista' Kollox, imma li ma jaccettawx Lili, l-mahbub Ibnu, ser ihossu tqanqil f'ruhhom. Huma ser jghajtu ghall-Verita' meta jaraw il-mod kif id-dinja tkun nbidlet u ma tintgharafx.

Imbaghad dawk li jhobbuni, u jibqghu shah fil-fidi taghhom, izda li jonqsu milli jaghrfu Lili, meta Jiena qed insejjah lil ruhhom, ser jintrebhu meta fl-ahhar jindunaw; meta l-Prezenza Divina Tieghi tigi murija lilhom. Kemm ser nifrah meta dawn is-segwaci Tieghi, jhalluni mmexxihom kif hemm bzonn fl-ahhar vjagg.

Jiena ser naghti dawn ir-Rigali ghax Jiena nhobb lil kulhadd. Stennew dan ir-Rigal b'imhabba u gratitudni.

Gesu' Taghkom.

**It-Tieni Migja Tieghi ma tistax issehh qabel ma tinqered il-kontaminazzjoni tad-dnub**.

L-Erbgha, 21 t'Awwissu 2013 @ 6.05pm

Ghaziza mahbuba binti, t-tigdid u l-purifikazzjoni ta' l-Art issa bdiet hekk kif qorob iz-Zmien Tieghi. It-Tieni Migja Tieghi ma tistax issehh, qabel ma tinqered il-kontaminazzjoni tad-dnub, permezz tat-tindif li hemm bzonn fuq l-Art.

**Filwaqt li l-Art tkun qed tigi ppurifikata, l-erwieh ta' kull twemmin, jinxtehtu f'tigdid ta' l-ispirtu u jkollhom jghaddu minn battalja terribbli spiritwali**. Huma mhux ser jifhmu dak li jkunu ghaddejjin minnu, izda Jiena ser nippermetti dan minhabba l-Hniena Tieghi. Sabiex ikunu denji li jieqfu Quddiemi u jigu moghtija l-Hajja Eterna fil-Genna l-Gdida, l-erwieh l-ewwel iridu jigu purifikati. Din il-purifikazzjoni ser issehh fuq l-Art, ghal dawk li ser jghixu l-persekuzzjoni ta' l-antikrist, kif ukoll ghal dawk li ser jghixu fi zmien il-bidla ghal gol-Genna l-Gdida. Fl-istess hin, l-Art tkun bdiet it-tigdid taghha u kull hazen jigi msoffi, stadju wara l-iehor.

Kunu grati li Missieri ma tilifx il-Pacenzja Tieghu u li mhux ser jikkastiga lil uliedu skond il-gravita' ta' dnubiethom. Kunu grati wkoll li Huwa ma jaghtikomx dahru issa, u semplicement jiehu lil dawk l-erwieh li jhobbuH verament, lil hinn minn din id-dinja li bl-inkwiet taghha, tiddisgustaH.

Missieri jissaporti ghax uliedu huma l-Holqien Tieghu u Hu mhux ser ihallihom jigu mehudin minn Satana. **Lucifru kien tant ghajjur, illi meta Missieri holoq il-bniedem fuq ix-Xbieha Tieghu stess, dan halef li hu kien ser jitqabad sa l-ahhar jum biex idawwar lill-bniedem kontra l-Hallieq tieghu.**

Ghall-Imhabba Tieghu, Missieri ser jintervjeni halli jgib fix-xejn il-qawwa ta' Satana. **Kull attentat li Satana jaghmel biex igib verzjoni tieghu tat-Trinita', li tkun maghmula mill-profeta l-falz, l-antikrist u l-ispirtu tal-hazen, ser tigi mxejna.** Din it-taqbida ser tkun kerha, mhix gusta ghal hafna erwieh, li ser ikunu dghajfa wisq biex jinhelsu mill-qabda tal-hazen, izda din tintrebah minn Alla li jista' Kollox.

Intom ghandkom, lkoll kemm intom, idduru lejn Missieri u tittalbulu biex isalvalkom ruhkom u jipprotegikom milli timxu wara l-bestja fit-triq tat-telfien.

Gesu' Taghkom.

**Irrid inwissi lid-dinja bin-numru kbir ta' profeti foloz , li f'dan iż-żmien qed jippruvaw jgharrqu l-Vuci Tieghi.**

Il-Ħamis 22 ta` Awissu, 2013 @ 11.05pm

Ghaziza mahbuba binti, rrid **inwissi lid-dinja bin-numru kbir ta' profeti foloz, li f'dan iż-żmien qed jippruvaw jgharrqu l-Vuci Tieghi.**

Bgħatt numru ta' profeti, kollha b`missjonijiet differenti, biex ihejju lill-Ulied t'Alla. Dawn il-messaġġi, dwar l-aħħar żminijiet, huma l-uniċi Messaggi awtentiċi tat-tip tagħhom, bhalissa, għax Jien qatt mhu se nhawwad lill-Ulied t'Alla .

**Dawn il-Messaġġi qatt m`għandhom jiġu mqabbla m'oħrajn, li qed jiġu mifruxa ma' kullimkien, bhalissa , sabiex jikkontradixxu l-Kelma Qaddisa Tieghi. Jista' jkun hemm biss Ktieb wiehed tal-Verità, u Jien biss, Ġesù Kristu, il-Haruf t'Alla, nista` niżvela l-kontenut. Dawk minnkom li jemmnu Fija, jistgħu jiġu faċilment imqarrqa. Għandkom tkunu tafu li l-messaġġi, li jikkontradixxu lil dawn u fejn huwa allegat li dawn ikunu ġejjin minn Alla, li dan huwa impossibbli.**

Intom tafdawni biss ftit? Jew thaddnuni kif nixtieqkom, b'qalb sħiħa u miftuħa? Insejhilkom b'imħabba u ninkwieta ghalikom. Ma nippruvax nigbidkom permezz ta' l-intelliġenza tagħkom. Insejhilkom permezz tal-qalb tagħkom u niġbed ruħkom lejja. Meta tħossu l-Preżenza Tieghi f'dawn l-Messaġġi, allura m'hemmx bżonn li tfittxu konferma jew l-approvazzjoni minn xi ħadd.

Jien kif Jien. Nieqaf quddiemkom, kif kellu jkun, issa. Missieri qatt mhu se jippermettili li niżvela l-kontenut tal-Ktieb tar-Rivelazzjoni lil ħaddieħor hlief lis-seba' messaġġier, għax wasal dan il-jum..

Ħafna viżjonarji awtentiċi taw lid-dinja l-Kelma t'Alla fil-passat u sofrew bi shih għal dan. Ħafna għadhom jirċievu konsolazzjoni minn ghandi u Jien se nkompli nikkomunika maghhom, għax Jien ghandi bżonn s-sofferenza tagħhom u t-talb . Huma l-erwieħ magħżula Tiegħi u kull wieħed għandu rwol biex isalva erwieħ oħrajn.

**Din il-Missjoni hija ta' l-aħħar. Inwissikom biex taghtu widen ghall-Kelma Tieghi, issa, fil-preżent. Il-Kelma Tiegħi biss, mogħtija lilkom permezz ta' dawn il-Messaġġi, ser tmexxikom tul il-persekuzzjoni**. Ma' dawn, ingibilkom Grazzji kbar. M`Ghandkom qatt tinsulentawni, billi tikkontaminawhom, meta tisfidaw il-Kelma Tiegħi, meta tqabblu l-Messaġġi Tiegħi mal-finzjoni maghmula minn profeti foloz.

M`għandkom bżonn lil ħadd biex imexxikom lejn il-Ħniena Kbira Tieghi. **Intom tridu tiffokaw biss fuq dawn il-Messaġġi u tibqgħu lejali lejn t-Taghlim Tiegħi ta` l-imghoddi, issa, għax dawn huma s-salvazzjoni taghkom.** Ġesù Taghkom.

## Omm tas-Salvazzjoni : L-antikrist, mat-tħabbira tiegħu, se jiddikjara li huwa Nisrani Devot.

Il-Ġimgħa 23 ta` Awissu, 2013 @ 2.09pm

Binti, kemm ser isofru l-Insara, hekk kif l-marda tad-dnub tibla lid-dinja kullimkien f'ħafna suriet.

Hemm tentattiv organizzat li qed isir biex jeqred il-Kristjaneżmu u dan jieħu ħafna forom. Int se tkun taf li meta l-Insara jigu mċaħħda mid-dritt li jiddikjaraw pubblikament il-lejaltà tagħhom lejn Alla, illi kull twemmin ieħor, mhux t'Alla, se jkollu l-permess li jagħmel dan. Dawn it-twemmin l-oħra se jingħataw appoġġ kbir meta jittalbu għall-ġustizzja, f`isem id-drittijiet tagħhom bħala ċittadini. Dak li sa jigri, huwa li dan ser ixerred aktar dnubiet li huma ta' stmerrija ghal Missieri.

**In-Nies se jkunu sfurzati jaċċettaw id-dnub fil-pajjiżi tagħhom u se ssir haga kontra l-ligi għall-Insara li joġġezzjonaw għal dawn il-liġijiet. L-Insara se jitqiesu li m'humiex karitattevoli, leminin u m'ghandhomx ideja tad-drittijiet tal-bniedem ta' l-ohrajn**. Kull karatteristika, mixtieqa fl-erwieħ, kif stabbilita minn Missieri, se tintuża bħala front fl-isforzi tagħhom biex jiġġustifikaw tali ħażen fin-nazzjonijiet tagħkom.

Meta l-marda tal-gisem taqbad komunità, din ser toqtol ħafna. Iżda, wara żmien ta' niket kbir u ħafna mwiet, il-komunità li tibqa issir immuni għall-marda. Id-dnub se jikkawża mard tal-gisem f'ħafna nazzjonijiet, hekk kif il-gudizzji tas-Siġilli li huma ddikjarati mis-Salvatur tal-umanita' u mferra mill-anġli tal-Mulej. Ħafna se jinqatlu bhala tpattija għall-ħażen tal-bniedem. Din il-purifikazzjoni se tkompli sakemm jibqa' biss dawk li huma immuni għall-mewt ghax ihobbu lil Alla.

**L-Insara se jsofru bi shih b' modi differenti. Il-Fidi tagħhom se tittehdilhom u minflokha se jkunu xhud ta' stmerrija**. L-uġigħ tagħhom, li diġà beda, huwa l-istess bħal dak li jghaddi minnu Ibni, f'dan iz-zmien. Imbagħad, **dawn se jkollhom jixhdu derhra li tghaggibhom, hekk kif l-antikrist, mat-tħabbira tiegħu, se jiddikjara li huwa Nisrani devot**. Huwa se jużaw ħafna bicciet mill-Bibbja fid-diskorsi tiegħu lid-dinja. Insara ghajjenin, li s'hawn ikunu sofrew, f'daqqa waħda ser iserrhu rashom. Fl-aħħar, dawn se jaħsbu, hawnhekk hawn bniedem mibgħut mis-sema bi tweġiba għat-talb tagħhom. Minn halqu ser johorgu ħafna kliem ħelu u ta`faraġ u hu se jidher li hu mibghut minn Alla, f'dak hu se jitqies li qed isewwi l-ingustizzji kontra l-Insara. **Huwa se jibni b'attenzjoni l-mod kif huwa jidher mill-Insara u specjalment mill-Kattoliċi Rumani, għax dawn se jkunu l-mira prinċipali tiegħu.**

Kulhadd se jammira lill-antikrist u l-hekk imsejħa atti kristjani tiegħu, ġesti u l-imħabba tiegħu li tidher li ghandu għall-Iskrittura Mqaddsa se jagħmluh aċċettabbli mill-ewwel minn ħafna. Huwa se jiġbed lin-nazzjonijiet kollha flimkien u jfassal twaqqif ta` ċeremonji għar-reliġjonijiet l-oħra u, b'mod partikolari, l-organizzazzjonijiet pagani, sabiex ikunu jistgħu jaħdmu flimkien biex iġibu l-paċi fid-dinja. Huwa se jirnexxilu jgħaqqad il-pajjizi, li sa dak in-nhar kienu għedewwa. Is-silenzju ser jinstema fil-pajjiżi mkissra mil-gwerra u x-xbihat tiegħu ser jidhru ma' kullimkien. **Il-kisba kbira finali tiegħu se tkun meta hu jġib lil dawk in-nazzjonijiet kollha li għaqqad, fil-qasam tal-Knisja Kattolika u d-denominazzjonijiet kollha Nsara l-oħra. Din l-ghaqda se tifforma ir-religjon wahda ġdida dinjija. Minn dak in-nhar l`quddiem, l-infern se jinfetah fid-dinja u l-influwenza tad-demonji se tkun fl-akbar livell tagħha sa minn qabel l-għargħar il-kbir.** In-nies se tidher li qed tadura lil Alla fl-ordni wahda dinjija l-ġdida, u jidhru li huma devoti f'kull mod. Imbagħad l'barra mill-knejjes huma se jipprattikaw id-dnub fil-miftuħ, għax l-ebda dnub mhu se jgibilhom misthija. Taħt id-

direzzjoni ipnotika tat-Trinità falza – t-Trinita maħluqa minn Satana – huma se jixxenqu ghal kull tip ta` dnub bħala mezz biex jaqthgu l-aptit gdid li jkunu skoprew.

**Dan il-ħażen se jinkludi dnubiet tal-gisem, fejn l-ghera se tkun aċċettabbli, meta l-bniedem se jaghmel dnubiet oxxeni tal-gisem fil-postijiet pubbliċi**. Il-qtil se jkun komuni u mwettaq mill-ħafna, inklużi t-tfal.

Qima Satanika u quddies suwed ser isiru f`hafna Knejjes Kattoliċi. L-Abort se jitqies bħala soluzzjoni għal kull tip ta' problema u se jkun permess sal-ġurnata tat-twelid.

**Dalwaqt se jsir reat kriminali li turi kull tip ta' lejaltà lejn Ġesù Kristu. Jekk lilkom jarwkom b`Salib Veru, intom ser issibu li għandkom kemm wettaqtu reat, għax tkunu ksirtu l-liġi**. Il-liġi fl-artijiet tagħkom ser issir liġi doppja - fejn il-politika u r-reliġjon se jkunu minsuga haga wahda fl-ordni dinjija l-ġdida.

Din il-persekuzzjoni se tfisser li ħafna, minghajr ma jafu, se jaduraw lill-bestja u jinfestaw lilhom infushom. Tant ser isiru infestati li huma ghad jittradixxu lil huthom bniet u subien, lil ommhom u lil missierhom, ma' l-awtoritajiet, jekk dawn jibqgħu lejali lejn il-Kristjaneżmu. L-unika tama tagħkom, uliedi, huwa t-talb biex izommkom matul dan il-perjodu.

**Nheggigkom biex iżżommu l-oġġetti kollha qaddisa, z-żibeġ tar-ružarju, xemgħat imbierka, ilma mbierek, kopja tal-Bibbja u l-Missal qaddis ta` kuljum, flimkien mal-Ktieb tat-talb tal-Kruċjata.** Għandkom iżżommu is-Siġill t' Alla l-Ħaj fid-dar tagħkom u fuqkom ukoll, jekk jista' jkun. **Il-Midalja Tieghi tas-Salvazzjoni se tikkonverti lil dawk li jilbsuha u dawn se tintwera maghhom Hniena minn Ibni. Issa nitolbok, Binti, li jkollok l-Midalja tas-Salvazzjoni prodotta issa u jkun maghmul skapular tas-Siġill t' Alla l-Ħaj.**

Dan il-messaġġ huwa twissija mis-Sema ta' hwejjeg li ser isehhu. Għandkom tisimghu minni, l-Omm tas-Salvazzjoni, ghax Jien ghandi mmexxikom lejn il-Verità, sabiex intom tibqgħu verament fidili lejn Ibni il-hin kollu.

Morru fil-paċi, uliedi, u ibqghu kalmi ghax din il-prova, minħabba l-ħniena t'Alla, se tkun qasira. Afdaw fija, l-Omm tagħkom, ghax Jien se nkun dejjem magħkom waqt il-provi tagħkom. Intom qatt mhu se tkunu waħidkom.

L-Omm Taghkom

Omm tas-Salvazzjoni.

## Alla l-Missier: Uliedi, intom qeghdin biss ftit zmien 'l boghod mill-Jum il-Kbir.

Il-Gimgha, 23 t'Awwissu 2013 @ 3.00pm

Binti l-izjed ghaziza, filwaqt li d-dinja qed tipprova taghmel sens minn din id-disperazzjoni kollha li qed taraw, kunu ghafu li dan kollu ghandu jsehh, qabel ma Jiena niehu lil dawk kollha li jhobbuni, ghall-Post Tieghi ta' Wens.

Intom daqt tkunu tafu min Jien, uliedi. Dawk fostkom li m'humiex certi Minni, ser jaraw il-Verita' fl-ahhar u din iggibilkom paci kbira. Il-hazen fid-dinja qed jizdied bhalissa u wasal il-qerq. Tridu tkunu b'sahhitkom, nitlobkom, sakemm qed nistenna l-jum meta ser jibda t-tigdid u wliedi kollha ser isibu l-wens dak in-nhar, meta l-mahbub Ibni jiddikjara Lilu nnifsu.

**Dak li qeghdin tkunu xhieda tieghu, hija l-battalja bejn il-Gerarkija tas-Sema u Satana u x-xjaten tieghu**. Hija tal-biza' u thawwad lil hafna minnkom, izda kunu ghafu li Jiena ser nintervjeni biex innaqqas l-ugigh taghkom. Kunu ghafu li intom Tieghi u li Jiena ser ingib il-paci lid-dinja, meta nkun hlistha mill-infestazzjoni.

Uliedi, ahna qeghdin biss ftit zmien 'l boghod mill-Jum il-Kbir u filwaqt li hafna ghad irid isehh, fejn l-Isem Qaddis t'Ibni ser jigi mfarrak, dan kollu ser jghaddi malajr. **Intom issa ghandkom tharsu lejn il-futur, ghax dan huwa gojjell ta' kobor hekk kbir, illi f'dak il-Jum li intom tidhlu fl-Era Gdida ta' Paci, intom ga tkunu nsejtu l-persekuzzjoni li tkun ghaddiet minnha d-dinja, minhabba l-wiehed tal-hazen.** Ghandkom taghmlu dak li jghidilkom Ibni. Ghandkom tibqghu kalmi waqt li s-sigilli qed jigu svelati lilkom, li huma ghall-gid taghkom u ghal dawk li ghal ruhhom Jiena qed nitlobkom biex titolbu ghalihom il-Hniena.

Jekk tibqghu lejali lejn il-Kmandamenti Tieghi u tghixu hajjitkom haga wahda m'Ibni, intom tkunu ga qeghdin nofs triq. Jekk tibqghu sodi lejn is-Sagramenti u tirrifjutaw milli tiehdu sehem f' riti pagani, li jaghtu gieh lill-bestja, allura intom toghgbu hafna Lili.

Morru u ftakru li Jiena dak li jista' Kollox u li kull Qawwa hija Tieghi. Jiena dalwaqt ser neqred lill-hziena u nurikom il-Genna l-Gdida Tieghi. Hudu ftit pacenzja. **Imxu wara Ibni u accettaw ir-Rigali, li Huwa u l-mahbuba Ommu, il-Vergni Immakulata Maria, qed igibulkom, f'forma ta' Talb tal-Krucjata u l-Midalja tas-Salvazzjoni.**

**Fl-ahhar accettaw is-Sigill Tieghi bhala wiehed mill-akbar Rigali li Jiena tajt lill-umanita' minn meta tajthom il-Hajja. Jiena qed naghti l-Hajja mill-Gdid bil-Grazzji Specjali, meta intom izzommu s-Sigill t'Alla l-Haj qrib taghkom. Dawk kollha li jkollhom is-Sigill ser naghtihom post fil-Genna l-Gdida.**

Jiena nhobbkom uliedi, izda Jiena Missierkom u jkollu nippermetti dawn il-provi, ghax huma ser jghinuni biex innaddaf minn fostkom lil dawk li m'huma qatt ser jitbeghdu minn mal-bestja. Iz-zmien li Jiena nghaddi, naghmel minn kollox biex nirbah qalbhom, qed johloq battalja terribbli u ta' mibeghda, ma' miljuni t'angli li waqghu u xjaten, anke jekk din il-battalja tkun ghal ruh wahda biss.

Serrhu raskom, meta tafu li Jiena nbierek lilkom ilkoll li intom puri u ta' qalb umli. Jiena nhobbkom lkoll, ghalhekk m'ghandkomx taqtghu qalbkom meta kollox jidher bla tama, ghax il-Qawwa Tieghi tfisser li l-qerda ta' kull hazen hija taht il-kontroll Tieghi. Intom ghandkom tpoggu l-fiducja taghkom kollha Fija, specjalment f'dan iz-zmien, meta qed thossu li l-gustizzja Tieghi hija harxa wisq.

Il-Mahbub Missierkom

Alla l-Izjed Oghli.

**Dan in-nar ser jinzel fuq l-ghedewwa ta' l-Art u fuq dawk li jippersegwitaw lil dawk iz-zewg Xhieda.**

Is-Sibt, 24 t'Awwissu 2013 @ 11.15pm

Ghaziza mahbuba binti, inti u dawk kollha li gew imbierka bil-Verita', ghandhom ikunu jafu li r-rabja ta' Satana qed tizdied kontra din il-Missjoni. L-indhil tieghu bi sfida issa qed ifisser li huwa wera lilu nnifsu fizikament quddiemek, ghat-tielet darba. Huwa jokrob bl-ugigh, izda ma jiflahx ghad-Dawl Tieghi, li jinsab fik. Inti ghandek tigbor is-sahha li ghandek bzonn, permezz tar-Ruzarju Qaddis, biex ma thallihx jattakkak. O, kieku l-erwieh jistghu jaraw dak li Jiena nhalli lilek tghaddi minnu ghal din il-Missjoni, kieku huma jhosshom hazin bil-hasda.

Dawk li jinsultawni waqt li Jiena qed inhejji biex insalva l-erwieh, ser jigu mwaddba fil-genb, hekk kif il-battalja tihrax, qabel ma l-antikrist jigi pprezentat lid-dinja. **Meta tobdu minghajr ma tistaqsu, f'dak kollu li Jiena nitlob minnkom, Jiena nkun nista' nsalva izjed minnkom u nahtafkom mill-qabda tal-qerq li ser tigi mizrugha f'mohhkom mill-wiehed tal-hazen.**

Intom ma tafdawnix biex nipprotegikom? Ma tafux li meta taccettaw il-Grazzji li Jiena naghtikom, biex tkunu tifilhu ghall-ugigh ta' meta jirrifjutawkom, li dan kollu jkun ta' xejn, jekk ir-ruh li suppost tircevihom ikollha riservi u dubji? Jiena ma nistax nimlikom bis-sahha u l-kuragg u d-Don ta' l-Ispirtu s-Santu, jekk tibzghu u tinhbew. Ghandkom tkunu miftuhin ghas-Sejha Tieghi, ghal Imhabbti, ghar-Rigali Tieghi.

**Is-Sigilli li jinsabu fil-Ktieb tar-Rivelazzjoni ga nfethu. Issa li nfethu, nar ser jitqabad man-nar**. Hekk kif jisbroffa n-nar tal-mibeghda, meta l-bestja qed ihejji lilu nnifsu, n-nar ser jigi mferra fuq id-dinja, minn Missieri**. Din il-gwerra mhix ser tkun biss wahda spiritwali. Id-dinja ser ticcaqlaq, tinfetah u n-nar ser jahraqha, meta Missieri jibghat il-kastigi, halli jittardja l-azzjonijiet tal-grupp tal-hazen.**

Il-Qawwa ta' Missieri ghandhom jibzghu minnha dawk li bhal ghomja jimxu wara l-gideb, li gabhom fuq id-dinja l-wiehed tal-hazen. Huwa ser jaghti lura ghal kull mossa hazina li jaghmel kull wiehed minnkom – jaf jew ma jafx – meta taghtu gieh lill-ghadu t'Alla. Il-Qawwa moghtija liz-Zewg Xhieda Tieghi – il-Knisja Kristjana u d-dar ta' Izrael – tfisser li nar ser johrog minn fommhom, meta huma jifirxu l-Fjammi ta' l-Ispirtu s-Santu. Dan in-nar ser jinzel ukoll fuq l-ghedewwa ta' l-Art u dawk li jippersergwitaw liz-Zewg Xhieda. Tehdux bic-cajt din il-battalja ghall-erwieh, ghax din ser tkun wahda terribbli ghal dawk li jichdu l-Kelma t'Alla. Dawk li jzommuHa, jkunu protetti, halli huma jkunu jistghu jaghtu xhieda tal-Verita' lil dawk li lanqas biss jafu x' inhu jigrilha l-umanita',

Ghalhekk ghandkom taccettaw il-Grazzji Tieghi, li jaghtukom s-sahha li ghandkom bzonn biex tiggieldu fl-Armata Tieghi, halli ntemm dan il-hazen.

Gesu' Taghkom.

## Alla l-Missier: Ibzghu minn dawk li jqumu u jishtu lil Ibni.

Il-Hadd, 25 t'Awwissu, 2013 @ 6.00pm

Binti l-izjed ghaziza, **Jiena ser naghti Rigal kbir lid-dinja minhabba din il-Missjoni l-Izjed Qaddisa. Jiena ser insalva 200 miljun ruh, minghajr ma noqghod nahsibha, minghajr ma jimporta kemm joffenduni, u Jiena ser naghmel dan, din il-gimgha li gejja minhabba s-sofferenza li hemm marbuta ma' din il-Missjoni**.

Dan l-intervent Tieghi ser isehh fuq it-talba tieghek, binti, u Jiena ser inkompli naghti Rigali kbar filwaqt li din il-Missjoni tibqa' ghaddejja. Dawk li jhobbuni ser jghaddu bil-pacenzja kollha mill-persekuzzjoni li huma qed ihabbtu wicchom maghha, u ser ikomplu jsofru, ghax din hija x-Xewqa Tieghi.

Dawk li jippersegwitawk, zghira Tieghi, minhabba li inti qed tkompli xxandar il-Kelma Qaddisa t'Ibni, ghandhom ikunu jafu dan. Jekk tghidu li Ibni huwa xitan, Jiena ser nikkastigakom. Jekk tghidu li l-Kelma l-Izjed Qaddisa Tieghu gejja mix-xitan u wara tghidu li intom wild t'Alla, Jiena nibghatkom fix-xaghri. Xejn m'hu ser iwaqqaf lill-profeta Tieghi milli twettaq din il-Missjoni. Xejn. Tqabdu kemm tridu, ghax intom ser taqghu, ghax tkunu qed titqabdu f'battalja li qatt ma tistghu tirbhuha. **Il-Qawwa Omnipotenti Tieghi qatt ma tista' tigi minsusa, mbaghbsa jew sfidata. Sfidaw l-intervernt Divin Tieghi biex insalva lid-dinja u intom idduqu l-korla Tieghi. Intom tinqerdu.** Ibzghu intom li tqumu u tishtu lil Ibni. Is-suppervja taghkom u d-dizubbidjenza ser ikunu l-waqgha taghkom. Jiena wissejt, permezz tal-profeti tal-qedem, x'jigri lil min jinjora Lehni.

Issa Jiena ser nimxi 'l quddiem biex ngib fis-sehh il-bidu ta' dak li ghandu jigi fuq l-umanita'. **Jiena ppermettejt li din il-battalja finali biex tiehu postha. Jiena tajt l-ahhar cans lill-wiehed tal-hazen, biex jinfesta lil dawk li huma migbudin lejh. Jiena qed naghmel dan biex permezz tal-Hniena t'Ibni, l-erwieh jisfidaw lill-bestja.** Huma ser jaghmlu dan ghax huma lejali lejn Ibni. Dawk li ma jafux la Lili u lanqas lil Ibni, ser jigu moghtija Grazzji kbar halli jaccettaw is-salvazzjoni. **Is-salvazzjoni kollha hija bil-Qawwa tal-Hniena Tieghi.** Ser ikunu biss dawk ta' rashom u qalbhom iebsa, li ser jibqghu lejali lejn il-bestja. Jiena ser nigbed lill-ohrajn kollha Lejja. Sa nkun cert li kull ruh ikollha l-ghazla li ssalva lilha nfisha quddiem Ibni, qabel l-ahhar jum.

**Din il-Missjoni ta' l-ahhar ilha mahluqa fis-Sema mill-bidu. L-angli u l-qaddisin kollha jahdmu flimkien biex igibu lill-uliedi lura Ghandi, l-mahbub Missierhom. L-ahhar vjagg huwa issa**. Intom kollha li timxu ma' Ibni, ibqghu qrib Tieghu f'dan iz-zmien. Mhux ser ikollkom sahha tghaddu minn dan il-vjagg, jekk ma tisimghux minn dak li Hu jghidilkom. Thallux li tigu mdawra minn dawk li jahdmu lejl u nhar biex igeghlukom tatuni daharkom. Jekk thallu li dan jigri, ser issibuha bi tqila hafna biex tergghu tingabru ghal darb' ohra.

Minghajr Ibni, m'intom xejn. Minghajri m'intom xejn. Qabel ma thallu kollox u timxu wara l-Verita', intom qatt m'hu ser issibuha.

Ippruvaw thallux il-Verita' milli tigi moghtija lid-dinja Minni, l-Hallieq taghkom u Jiena neqridkom u l-biki taghkom ikun kollu ta' xejn. Jiena ser narmi 'l barra lill-

imkabbrin u l-arroganti, li jahsbu li jafu aktar Minni, ghal gox-xahri. Meta tisfidaw Kelmti u tichdu l-Prezenza Tieghi, qatt ma ggibuha zewg meta Jiena nipprova nsalvakom.

Nies ingrati, baqghalkom biss ftit hin. Meta tisimghu Minni, intom tistghu tigu Ghandi, imma ser tkunu tistghu taghmlu dan meta titkaxkru wicckom fl-art u tinzlu umli quddiem Ibni. **Il-Missjoni Tieghi waslet f'fazi perikoluza hafna, ghax kull sforz ser isir mill-ghedewwa Tieghi li jridu jaghmluha bicciet**. Dan ser jidher li qisu jkun qed isehh, izda kunu ghafu li dawk l-ghedewwa Tieghi baqghalhom ftit wisq hin, u daqt, meta l-pacenzja Tieghi tispicca, li jibqalhomx izjed u huma qatt ma jaraw Wicci.

Missierkom.

Alla l-Izjed Oghli.

**Il-Farizej sawtu u qatlu lil hafna qabel ma fl-ahhar sallbu Lili.**

It-Tnejn, 26 t'Awwissu 2013 @ 8.20pm

Ghaziza mahbuba binti, qabel ma Jiena gejt imsallab, kienu nholqu hafna gideb dwari, mill-ghedewwa Tieghi. Il-Farizej kienu jiltaqghu hafna drabi, biex jiddeciedu x' ser jaghmlu Bija. Huma qatt, lanqas ghal minuta wahda, ma riedu jaccettaw li Jiena kont mibghut minn Alla biex insalva l-umanita'. Kemm kienu joboghduni. Kemm ghajtu u ttormentaw lil dawk id-dixxipli Tieghi, li huma kienu jaqbdu.

Il-Farizej sawtu u qatlu lil hafna, qabel ma fl-ahhar sallbu Lili. Is-selvagija u l-hazen taghhom kienu kontra t-Taghlim t'Alla u l-Bibbja l-Izjed Qaddisa. Xejn minn dan ma waqqafhom, meta huma fittxewni biex jaqbduni. Huma kienu jippriedkaw il-Kelma t'Alla u mbaghad jisfidaw il-Kelma t'Alla. – kollox f' hin wiehed. Mhux talli kkundannawni, izda ddikjaraw li Alla qatt ma kien ser jibghat Messija ta' dan it-tip. Huma kienu jqisu lill-umli u l-foqra, li m'humiex tal-livell taghhom u li huma njoranti fit-teologija. Il-mibeghda taghhom Lejja werwret hafna erwieh imsejkna, li kienu jmorru fit-tempji. Dawk li kienu jistaqsuhom ghaliex huma, l-Farizej kienu jikkundannaw Lili, kienu jigu huma stess ikkundannati, talli azzardaw jistaqsu ghaliex Jiena kont irrifjutat.

Kien hemm hafna profeti foloz jippriedkaw, meta Jiena kont nghix fuq l-Art u Jiena kont mizmum bhala marid tal-mohh u mhux accettat. Hafna minn dawn il-profeti foloz kienu jikkwotaw mill-Ktieb tal-Genesi u jghidu hwejjeg li kienu offensivi ghal Alla, madanakollu kienu jigu ttollerati u ftit li xejn kienu jaghtu kashom.

Ghalkemm il-mirakli li Jiena kont naghmel, kien ikun hemm xhieda taghhom, huma xorta ma fethux ghajnejhom ghall-Verita', ghax ma ridux jaraw. **Il-qassisin ta' dak iz-zmien kienu jitkellmu fil-pubbliku u jikkundannawni li Jiena kont bin Satana u kienu jwissu lil dawk li kienu jaghmluha Mieghi, illi huma kienu ser jigu mkeccija mit-tempji**. Huma rrifjutawni ghax ma setghux jaccettaw l-origini umli Tieghi u ghax Jiena ma kontx gejt edukat kif stennew huma. Ghalhekk huma kkonkludew li Jiena ma stajtx inkun il-Messija. Huma kienu jahsbu li l-Messija kellu jigi minn fosthom. U ghalhekk huma kienu joboghdu kull ma kellu x'jaqsam Mieghi. **Huma kienu jhossuhom mhedda minn Kliemi, ghalkemm huma kienu jirrifjutaw Lili, Kliemi kien imisshom b'mod li huma ma setghux jifhmu.**

**Huma ma kinux imhejjija ghall-Ewwel Migja Tieghi. Huma fi zgur li m'humiex imhejjija ghat-Tieni Migja Tieghi llum.** Kull min jazzarda jghid li hu profeta, mibghut biex iwissi lill-ulied Alla bit-Tieni Migja, jigi ttollerat, sakemm ma jikxifx il-Verita'. Izda **meta jfigg profeta veru u jxerred il-Kelma t'Alla, hu jew hi jigu mibghudin u kkundannati fil-pubbliku**. Meta taraw tant kundanna fil-miftuh, ibbazata fuq l-injoranza tal-weghdiet li Jiena ghamilt li nerga' nigi, u meta l-mibeghda tkun tant kbira, illi dawk li jaghmluha jiksru l-Kelma t'Alla, hemm tkunu tafu illi huwa Jiena li huma jobghodu. Jien biss nista' nigbed tant mibeghda fost il-midinbin**. Lehni biss iqajjem tant oppozizzjoni.**

**Kieku kelli nerga' nghix fuq l-Art f'dan iz-zmien, huma kienu jergghu jsalbuni. Dawk li jghidu li jhobbuni u li jmexxu d-dixxipli Tieghi fil-Knejjes Kristjani, sfortunatament, kienu jkunu huma li jinfdu Lahmi bl-ewwel musmar.**

Ftakru li hadd minnkom ma jisthoqqlu jigi Quddiemi. Hadd minnkom m'ghandu l-awtorita' biex jikkundanna l-Kelma Tieghi fil-pubbliku, meta intom ma tafunix. Intom li tikkundannawni, hekk kif Jiena qed naghmel hilti biex inlesti l-Ahhar Patt ta' Missieri, m'ghandkom l-ebda misthija. Il-kburija taghkom iddardarni. Intom ikkundannajtu ruhkom stess, f'Ghajnejja. **Intom ma tghallimtu xejn dwari. Intom ma temmnux fl-Iskrittura Qaddisa, ghax intom tichdu illi t-Tieni Migja Tieghi ser issehh**.

Intom, fl-ahhar jum, ser tigu mitluba tghoddu kemm tliftuli erwieh. F'dak il-jum, filwaqt li ser tghajtu ghall-Hniena Tieghi, intom mhux ser ikollkom il-hila tharsu f'Ghajnejja.

Gesu' Taghkom.

## Ghal kull att hazin ta' gwerra jew terrur, Alla ser jibghathom 'l barra u jhallihom mejtin daqs gebla.

It-Tlieta, 27 t'Awwissu, 2013 @ 11.45pm

Ghaziza mahbuba binti, **fil-qrib, id-dinja ser tghaddi minn gwerrer terribbli u l-mibeghda ser tinxtered u tinfetta hafna nazzjonijiet**. Inkwiet u qasma ser ikunu prezenti f'bosta artijiet u hemm in-nies ser jindunaw li z-zminijiet inbidlu aktar milli wiehed jemmen.

**Ansjeta' kbira li ma thallikx kwiet ser tinhass u n-nies ser isibuha bi tqila biex ikunu jafu lil min jistghu jafdaw. Dan huwa l-mod kif Satana jinfesta lil ulied Alla, huwa u jniggez wiehed kontra l-iehor**. Dawk biss li jemmnu f'Alla l-Veru ser isibu l-farag, ghax huma jafu li l-fidi u l-imhabba taghhom Ghalija, ser izzommhom shah.

**Tridu titolbu bi shih, halli l-qerq li hawn, li qed igib hafna gwerrer, jinkixef ghal dak li hu – attentat biex igib qasma kbira u mibeghda halli jiehdu l-kontroll.** Missieri ser jikkastiga lill-oppressuri, li qed igibu t-tahwid u l-ugigh fuq l-innocenti. Huma ser joqtlu u jimmankaw lil hafna, izda huma ser jigu meqruda minn Missieri ghall-hazen taghhom.

Dawk li jahsbu li jistghu joholqu l-gwerrer u jghaddu biz-zmien lid-dinja, mhux ser ikollhom wisq zmien biex jiftahru bil-hazen li ghamlu. Xortihom lesta. Interventi minn Id Alla ser jidhru f'kull parti tad-dinja. Ghal kull att hazin ta' gwerra jew terrur, Alla ser jarmihom 'l barra u jhallihom mejtin daqs gebla.

**Il-gwerra mahluqa minn id il-bniedem teqred il-hajja tal-gisem. Il-kastig minn Missieri jtemm il-hajja tar-ruh u ma tigix moghtija r-Rigal tas-salvazzjoni**.

Gesu' Taghkom.

## Omm tas-Salvazzjoni: Fl-ahhar jum, malli jbexbex, ser jinstema' l-hoss qawwi tat-trumbetta, madwar id-dinja kollha.

L-Erbgha, 28 t'Awwissu, 2013 @ 8.00pm

Uliedi, halluni nghannaqkom sakemm intom qed issofru l-insulti li intom ikollkom tixhdu kontra Ibni.

Meta tisimghu minn dawn il-Messaggi u titghallmu tifhmuhom, imbaghad hafna minnkom jimxu 'l quddiem b'kuragg kbir, biex iwissu lid-dinja biz-zminijiet li gejjin, halli Alla jkun jista' jhejji lil uliedu ghall-Genna l-Gdida.

**Dak li ghandkom tifhmu hu li intom ser tigu mibghudin minhabba x-Xoghol li taghmlu ghal Ibni. Hafna lilkom mhux ser jaccettawkom u intom ser tghaddu minn ugigh u umiljazzjoni bhala rizultat. Ma kull pass li taghmlu, intom ser issibu l-bsaten fir-roti minhabba li intom qed timxu fuq il-passi t'Ibni**.

Hadd minkom m'hu ser isib dan kollu hafif, sakemm tirrassenjaw ruhkom u taccettaw bil-kalma, illi dan kollu huwa mistenni. Sahansitra dawk li jimxu wara Ibni, izda li ma jaccettawx dawn il-Messaggi, ser jitqabdu maghkom u jippersegwitawkom, f'Ismu. Huma ma jindunawx li meta qed igibu ruhhom b'tant mibeghda, li huma qed jinsultaw lil Ibni.

Intom ghandkom taccettaw illi meta Ibni juri ruhu, Kliemu jigu attakkati u jgib qasma. **Meta tifhmu ghala qed issibu wicckom ma' dawn l-attakki u ghala qed tigu kkastigati talli qed tkellmu lid-dinja f'Ismu, intom imbaghad issibu dan ix-Xoghol izjed hafif.**

Din il-persekuzzjoni ser tissokta, sfortunatament sal-Jum tat-Tieni Migja Tieghu. **Nitlobkom taccettaw dawn il-provi Ghalih u intom taghtu glorja kbira lil Alla minhabba din is-sofferenza**. L-ebda bicca minn din is-sofferenza m'hi ser tinhela, ghax meta din tkun accettata ghall-imhabba ta' Gesu, din tirbah lill-wiehed tal-hazen, ghax iddghajjiflu l-pjan tieghu biex jeqred l-umanita'.

Ahfru lil dawk l-erwieh imsejkna li jitqabdu kontra din il-Missjoni. Injoraw il-kefrija li jkollkom tghaddu minnha f'Isem Ibni. Accettawha, illi meta joboghdukom, ghax thobbu lil Ibni, intom tigu ppreferuti minn Alla.

Ahfru lil dawk il-qaddejja qaddisa, li ma jhallukomx titkellmu dwar il-Ktieb tal-Verita'. Huma ma jifhmux il-kobor tal-Pjan t'Alla biex ihejji lill-umanita' ghall-Bidu l-Gdid, ghax lanqas huma, m'huma mhejjija. Hafna minnhom jaghmlu dak li jaghmlu ghall-imhabba t'Ibni. Mhux ghax iridu l-hsara. Semplicement mhux jaraw, ghax ma jistghux jaraw.

Itolbu, itolbu, itolbu illi jiena, l-omm taghkom, nigi moghtija l-Qawwa biex nghinkom tghaddu minn dan il-vjagg, minghajr ma taqtghu qalbkom u tieqfu, sakemm joqrob l-ahhar jum. F'dak il-Jum, malli jbexbex, hoss qawwi tat-trumbetta ser jinstema' madwar id-dinja kollha. Ser tinstema' ezatt kif intom tistennewha li tinstema' u warajha jigi l-kant tal-kori ta' l-angli. Dan jinstema' f'kull art, belt, rahal – kullimkien. Imbaghad

inti binti, bhala s-sebgha anglu, tiddikjara li Ibni wasal. **Is-smewwiet isiru lewn id-deheb u ftit wara jidher Miraklu, li jarah kull ragel, mara, tifel u tifla – jarah kull midneb. Ibni juri ruhu lilkom fuq is-shab, ezatt kif telaq.** Imbaghad, mis-Sema tinzel Jerusalem il-Gdida – il-Bidu l-Gdid, ghal dawk li jkunu accettaw il-Hniena t'Alla.

L-Omm Mahbuba taghkom

Omm tas-Salvazzjoni.

**Intom ghandkom titolbu ghal ruhhom ghax bieghuhom**.

Il-Hamis, 29 t'Awwissu, 2013 @ 11.53pm

Ghaziza mahbuba binti, **dawk minnkom li jitolbu t-Talb Tieghi tal-Krucjata kif suppost, jafu illi Jiena qed ingib helsien lid-dinja min-nases tax-xitan.**

**Is-serp xih, jaqa' u jitfixkel, waqt li jitlef hafna qawwa, meta intom taghmlu hilitkom biex tghidu t-Talb tal-Krucjata Tieghi, kuljum. U filwaqt li jkompli z-zmien tal-provi, t-talb taghkom iwaqqa' lura l-pjanijiet mahluqa mill-qawwiet mazuni fid-dinja, li l-pjan taghhom hu li joholqu tahwid biex jikkontrollaw lid-dghajjef u l-vulnerabbli. Talba tal-Krucjata wahda biss, jekk tinghad mill-qalb, hija bizzejjed Ghalija biex neqred il-qawwa ta' mexxejja politici arroganti, li m'ghandhomx kuxjenza.**

L-egoizmu huwa sahta u tfixkil ghall-hila ta' l-umanita' biex tghix fl-armonija u l-paci. L-ossessjoni bl-ambizzjoni personali ma ggib xejn hlief firda, hekk kif il-bniedem jaghmel minn kollox biex jiehu l-poter fuq dawk li hu jahseb li ghandu bzonn biex jikseb dak li jrid.

Dawk minnkom li jimxu bil-ghama fuq ordnijiet minn ghand dawk li huma fil-poter, li jmexxukom biex taghmlu atti li intom tafu li huma ta' stmerrija f'Ghajnejn Alla, allura intom ukoll ser tkunu hatja daqs l-ohrajn li jhajrukom biex twettqu tant hazen. L-irgiel u n-nisa li l-poter taghhom fuq l-ohrajn gie permezz ta' korruzzjoni u modi ohra, ghandhom hafna x'jaghmlu jekk iridu jgawdu s-Saltna Glorjuza Tieghi.

Jien ser infellel lil dawk egoisti u mkabbrin fostkom. Ser inwaddabkom ma' l-art, sakemm issiru umli daqs dawk li intom tghaffgu fuqhom.

Jiena ser inqatta' l-qlub ta' dawk l-erwieh ta' qalbhom u rashom iebsa, li ma jqisu xejn il-bzonnijiet ta' l-ohrajn hlief taghhom stess. Huma ser jitghallmu li jekk ma jistghux ihobbu, allura qalb ma jistax ikollhom. Minflok imhabba, huma jfittxu li jsiru idoli. Dawm l-imsejkna erwieh li gew mghollijin quddiemkom fid-dinja, f'kull forma, huma vittmi ta' Satana. **Minflok ma ccapcpulhom meta jiftahru u taccettawlhom il-bzonn li huma ghandhom ghall-adorazzjoni mill-pubbliku, intom ghandkom titolbu ghal ruhhom, ghax hafna bieghuhom.**

Hafna erwieh f'pozizzjonijiet influenti fuq ohrajn, inkluzi dawk fil-politika, d-dinja tal-muzika, il-medja, n-negozju tad-divertiment u dawk fil-gholi fil-finanzi, ghandkom izzommuhom f'qalbkom, ghax hafna minnhom saru lsiera taghhom infushom u tal-bzonnijiet taghhom, li jaqdulhom biss z-zina u x-xewqat taghhom. Huma jinfestaw lill-innocenti, li jaghmlu bhalhom u jippruvaw jghixu l-istil ta' hajja taghhom, li kien hu li firidhom minn Alla.

Jiena, Gesu', nikkundanna d-dinja tal-idoli foloz mahluqin minn dawk li ma jridu xejn hlief setgha, flus u li jkunu jistghu jinfluenzaw lill-ohrajn.

Il-firxa tal-ateizmu giet minhabba l-kburija tal-bniedem li jemmen fih innifsu. Sehhet minhabba li l-bniedem jemmen li l-bniedem mortali, minhabba li ghandu d-don ta' l-intelligenza, huwa ghandu t-twegibiet kollha ghat-tifsira vera tal-hajja tieghu fuq l-Art.

Erwieh zaghzagh intilfuli minhabba li huma jaghmlu idoli taghhom hwejjeg tad-dinja, l-moda, l-muzika u d-dinja tad-divertiment. Mhux ghax m'ghandhomx igawdu l-hajja – ghax dan iferrahni – hija n-nuqqas ta' mhabba Ghalija u ghal gisimhom stess, li tnikkitni. Huma kienu mwielda puri u perfetti. Gisimhom huwa Rigal mis-Sema. Huma jwaqqghu fil-baxx gisimhom u m'ghandhom l-ebda misthija meta jaghmlu atti oxxeni biex jigbdu lejhom erwieh innocenti. **Hafna minn dawk li ghandhom tant qawwa, bieghu ruhhom ghal dawn ir-rigali mxajtnin. L-unika raguni ghaliex gew moghtija dawn ir-rigali, kien biex jaghtu pjacir lid-dinja, kienu talent moghti lilhom minn Alla. Izda Satana, ttanta lil hafna u weghdhom li bi bdil ma' ruhhom, jaghtihom hajja glorjuza u mimlija rikkezzi, adorazzjoni, fama u pjacir. Meta rcevew dawn ir-rigali, huma wzawhom biex jinfestaw lill-ohrajn. U hekk tibqa' sejra, sakemm miljuni t'erwieh isiru lsiera ta' Satana.** Hafna erwieh li jimxu wara idoli foloz, jingibdu lejn il-vizzju tad-droga. Huma m'ghandhom l-ebda misthija, l-ebda modestja u lanqas imhabba vera ghal xulxin, ghax kull wiehed jitqabad biex ikollu l-izjed attenzjoni.

Tant ħin jinhela fil-battalja għall-glorja ta' wiehed ghalih innifsu, li gejja minn imħabba ossessiva tagħhom infushom, li Alla m'għandux rwol fil-ħajja tagħhom. **Ħafna minnhom jirrifjutaw lil Alla fil-miftuħ permezz tal-profanazjoni tal-Kurċifiss Mqaddes – ftit li xejn għandhom mistħija.** Kunu ghafu li huma kienu ser isofru destin terribbli, li kienu Jien ma nintervjenix. Dawn huma biss grupp wieħed t' erwieħ mitlufa, li jiena se nigbor u mbagħad nagħtihom d-Don tas-salvazzjoni, minħabba t-talb tagħkom segwaċi għeżież Tiegħi. Jien se neħodhom permezz ta' din it-talba speċjali, fir-Rifuġju Tieghi.

**Talba tal-kruċjata (117) Għal dawk li biegħu ruhhom.**

*Ġesù l-izjed Ghaziz, nikkonsagra l-erwieħ ta' (Nizzilhom hawnhekk) u dawk kollha li skambjaw l-erwieħ tagħhom għall-prezz tal-fama.*

*Ehlishom mill-infestazzjoni tagħhom. Dawwarhom il-bogħod mit-theddida tal-Illuminati, li jahtfuhom.*

*Agħtihom l-kuraġġ li jimxu lil hinn minn dan il-jasar hazin mingħajr biża'. Hudhom fid-dirghajk tal-Ħniena u rawwimhom lura lejn Stat ta' Grazzja, biex ikunu denji li jieqfu quddiemek.*

*Bid-Divinita Tiegħek, għinni permezz ta' din it-talba, għall-erwieħ adottati ta`Satana, biex tehodhom l-bogħod mill-mazunerija. Ehlishom mill-ixkiel li jorbtuhom u li jwasslu ghal tortura terribbli fil-kmamar tal-infern.*

*Għinhom, permezz tat-tbatija tal-erwieħ magħżula, bit-talb tiegħi u permezz tal-Ħniena Tiegħek, biex ikunu minn ta' quddiem, lesti biex jidħlu mill-Bieb tal-era l-ġdida ta' Paċi - l-Genna l-Ġdida. Nitolbok biex teħlishom mill-jasar. Ammen.*

Ġesù Taghkom

**Ser ikun hemm celebrazzjonijiet ma' kullimkien. Dawn jibqghu sejrin ghal 100 jum** .

Il-Gimgha, 30 t'Awwissu, 2013 @ 8.24pm

Ghaziza mahbuba binti, nitolbok biex tizgura li kull nazzjon jisma' l-Profeziji Tieghi, halli jkunu jistghu jhejju lilhom infushom ghall-Art mgedda ta' l-ghageb – il-Genna l-Gdida. Kull wild t'Alla ghandu sehem minn dan il-wirt, u ghalhekk, bhallikieku kienu qed ihejju ghal festa ta' tieg kbir, huma ghandhom jibdew jippjanaw ghal dan il-Jum Kbir.

**Jiena qed insejjah lill-Lhud, Musulmani u Kristjani, kif ukoll kull twemmin iehor, biex jisimghuni issa. L-ebda wiehed minnkom m'hu ser jibqa' bla minsus mill-hazen ta' l-antikrist. Izda jekk thejju issa, intom tigu immuni ghas-sofferenza li hu ser igib fuq id-dinja, billi tiehdu s-Sigill t'Alla l-Haj u zzommuH go djarkom.**

Meta l-Kelma t'Alla, l-Vera Kelma, tigi mgharrfa lilkom, intom ghandkom tieqfu u tisimghu, ghax din ser twassalkom ghall-Bibien tal-Genna l-Gdida u l-Art il-Gdida. Din il-Genna l-Gdida qed tistenniekom u ser issir id-dar ta' biljuni t' erwieh, inkluzi dawk li qed jistennew fil-Purgatorju u fis-Sema. Jiena ser nghaqqad lil dawk kollha li qlubhom miftuha ghall-Kmand t'Alla, li ser ihossu l-Imhabba tal-Hniena Tieghi.

Nitlobkom biex ma tibzghux minn dak il-Jum, ghax ser igib mieghu tant kuntentezza, paci u ferh. Is-Saltna Tieghi ser tghaggibkom, bil-gmiel kbir taghha. Hafna minnkom jibzghu mill-Messaggi Tieghi ghax jemmnu li t-Tieni Migja tfisser mewt – it-tmiem. Imma dik assunzjoni hazina.

**Dawk minnkom li jigu Ghandi minn rajhom, minghajr kundizzjonijiet, bl-umilta' u mhabba, mhux ser jghaddu mill-ugigh tal-mewt fizika.** Minflok, intom f'tebqa t'ghajn, ser issibu ruhkom fil-madwar il-gdid taghkom. Ghall-ewwel dan ser jahsadkom u ser tfittxu madwarkom ghall-mahbubin taghkom. Jiena ser insalva tant

erwieh, li intom ser tkunu mal-familji taghkom, inkluzi dawk li thobbu, li diga qeghdin Mieghi fis-Sema u dawk li Jiena ser nehles min-nirien tal-Purgatorju.

Ser isiru celebrazzjonijiet kbar ma' kullimkien. Dawn jibqghu sejrin ghal 100 jum**. Il-Genna l-Gdida Tieghi jkollha biss religjon wahda, Gerusalem il-Gdida, fejn Jiena nigi adurat kuljum. Kollox ikun skond ir-Rieda Qaddisa ta' Missieri. Ikun hemm tnax il-nazzjon, izda lingwa wahda, ghax Jiena mhux ser nippermetti qsim.**

Jiena ser insejjah mexxejja u f'kull nazzjon mhux ser ikun hemm nuqqas ta' ikel, ilma, djar jew hajja. Mhux ser ikun hemm mewt, ghax Jiena ser naghti l-Hajja Eterna lil kull min jidhol. In-nazzjonijiet kollha ser jahdmu flimkien biex ixerrdu l-Kelma t'Alla, u l-ferh, li llum huwa mpossibbli biex tilhqu fuq l-Art, ser ikun wiehed mill-akbar Rigali li Jiena ser naghti lilkom. Intom ser tkunu mahbubin hafna u intom thobbu Lili, bhalma Jiena nhobb lilkom.

Hafna minnkom ser jiltaqghu ma' generazzjonijiet tal-familji taghkom, li jmorru lura mijiet ta' snin. Il-generazzjonijiet ser ikomplu u ghalhekk intom ser taraw lil uliedkom subien u bniet jizzewgu u jkollhom ulied t'Alla perfetti – kull wiehed imbierek bi Grazzji kbar. **Jigi msejjah Ras ghall-Knisja Tieghi u ismu huwa Pietru, ghax Jiena weghdt li huwa ghandu jifforma l-Knisja Tieghi fuq l-Art. U ghalhekk, fil-Genna l-Gdida huwa ser ikun ir-ras tal-Knisja Tieghi.**

O, kieku nista' nurikom dak li hemm ghalikom, intom tibku bil-ferh u titqabdu ghat-triq tal-Bibien. Ghalhekk nitlobkom, kollha kemm intom, injoraw l-attentati biex iwaqqfukom milli tfittxu l-Hajja Eterna. Injoraw lil dawk li jghidulkom li Jiena ma nezistix. Temmnux lil dawk li juzaw il-Kelma Qaddisa Tieghi biex jikkonvincukom li Jiena ma' nistax inkun qed inkellimkom minn dawn il-Messaggi.

Intom ghandkom titqabdu biex kollha kemm intom tigu moghtija dan il-wirt glorjuz, ghax l-ebda bniedem m'ghandu d-dritt li jcahhad lill-iehor minn dan il-wirt kbir, li huwa ta' kull wiehed, hi kemm hi sewda ruhu. Jiena qed naghtikom l-ghodda biex iggibuli l-erwieh, minn kullimkien, halli flimkien neqirdu x-xoghol ta' Satana u nimxu bil-heffa ghal god-Dinja l-Gdida.

Il-paci Tieghi tkun maghkom

Gesu' Taghkom.

**Hafna minnkom li jghidu li jaqduni, m'humiex denji li jieqfu u jiddikjaraw li huma qaddejja t'Alla.**

Is-Sibt, 31 t'Awwissu, 2013 @ 9.45pm

Ghaziza mahbuba binti, **Jiena ghidtilkom ilkoll, ftit taz-zmien ilu, biex tizirghu z-zerriegha biex taghti l-ikel lilkom u lill-familji taghkom, matul il-persekuzzjoni. Jiena qed naghmel dan ghal raguni. Intom ghandkom tizirghu, mqar ftit zerriegha – zerriegha pura, li ma gietx mbaghbsa mill-intervent tal-bniedem. Jiena mbaghad sejjer nimmultiplika l-frott li ser jaghmlu u kulhadd ikollu bizzejjed x'jiekol meta d-dinja tesperjenza l-guh.** Dawk il-jiem m'humiex il-boghod u ser jigu ghal numru ta' ragunijiet.

Il-hxejjex ser ikunu kkontaminati minhabba l-kilba tal-bdiewa. Il-hxejjex li jirrizultaw, ma jkunux tajbin ghalikom biex tikluhom. Il-gwerra tfisser li ftit irgiel ikunu jistghu jahdmu l-art. **Imbaghad ikun hemm in-nar, li ser jitferra fuq l-erba' nahat tad-dinja, u kollox jispicca xahri.** Dawn il-provi terribbli ser jigru minhabba l-firxa tal-hazen, izda hafna nies ser jibqghu hajjin jekk jafdaw Fija. Intom ghandkom thejju issa, daqs li kieku gejja gwerra u kif taghmlu kieku l-ikel ikun bil-qies**. Zommu hafna ilma, ghax kulma tahznu, Jiena nimmultiplikah.**

Nitlobkom biex ma tahsbux li Jiena qed nghidilkom biex titilqu minn djarkom , ghax dan m'hemmx bzonnu. Ftit thejjija, fejn intom toffru ghajnuna lil xulxin, huwa kulma hemm bzonn. Id-Demm Prezzjuz Tieghi ser jiksi lil dawk kollha li jemmnu fit-Twissija Tieghi lill-umanita', ghax iz-zmien biex jinfetah it-Tielet Sigill, ser jigi wara zmien ta' gwerra.

Hafna, hafna, ser jinjoraw il-Kelma t'Alla, li tinsab fil-Ktieb tar-Rivelazzjoni. Tant mexxejja u qaddejja qaddisa fil-Knejjes Tieghi, jonqsu milli jwiegbu ghall-profeta Tieghi, ezatt kif kienu ghamlu qabel l-gharqa.

**Issa Jiena qed insejjah lill-qaddejja qaddisa Tieghi. Intom f'min temmnu? Fija, Gesu' taghkom, jew fit-tgedwid ta' dawk li jghidu li huma esperti fit-teologija, izda li huma njoranti dwar il-Verita'? Qumu minn hemm. Is-Sigilli nfethu. Id-dover taghkom huwa li tghinuni biex insalva l-erwieh, izda intom ma bqajtux inqajmin ghall-hoss tas-Sejha Tieghi.** Jiena kont ghidtilkom li ghad nigi bhal halliel bil-lejl. Meta jasal dak il-jum, ikun tard wisq ghal dawk l-erwieh li ma hejjewx.

Il-mument biex it-trumbetti jghajtu l-gudizzji taghhom, jasal malajr, bilkemm ikunu ghadhom inkixfu s-Sigilli. Imbaghad xhiex? Tqumu u timxu warajja f'dak l-istadju, jew tkomplu titilfuli l-erwieh, sakemm toqghodu tahsbuha? Sakemm tistennew li ohrajn imexxu huma?

Jiena rrid infakkarkom li x-xoghol taghkom hu li ssalvaw l-erwieh. Intom taghmlu dan f'hajja fejn intom suppost li qed taqduni u mhux fejn intom timxu wara dawk li minhabba l-kburija u l-ego taghhom, jippruvaw jghawgu t-Taghlim Tieghi. Hafna minnkom fil-Knejjes Tieghi lanqas tifhmu xi tfisser il-Genna l-Gdida Tieghi u nqastu milli tfakkru lill-ulied Alla, bil-Weghda Tieghi. Intom ghandkom tfakkruhom il-Verita' – dwar iz-zmien, qabel l-ahhar jum.

Hafna minnkom, ghalkemm qalbkom tajba, twajbin, thobbu u kkommettejtu ruhkom sinceramente ghall-Knisja Tieghi fuq l-Art, tinsew dwar it-Tieni Migja Tieghi. X'tahsbu li hi u x'tghallimtu? Kemm hemm bzonn profeti biex jikkonvincukom li z-zmien huwa kwazi fuqkom?

Fejn smajtu li Alla ma jibghatx lill-profeti Tieghu biex ihejji lill-uliedu fit-taqbida kontra l-hazen, li jinfesta r-ruh umana. U **x'jaghtikom id-dritt li tassumu li l-Ktieb tar-Rivelazzjoni fih il-gideb? Intom tichdu hafna minn dak li fih u ma titkellmux dwaru. Ghaliex? Ma tafux li dan ifisser li intom qed tichdu l-Kelma t'Alla**?

**Il-Pacenzja Tieghi waslet fit-tarf. Ir-Rabja Tieghi hija kbira. L-ebbusija taghkom li tibqghu tirrifjutaw li taccettaw ir-Rigal tal-Interventi Tieghi, biex inhejjikom, tinsultani.** Meta intom tippersegwitaw lil dawk il-qaddejja qaddisa li jaghrfu Lili, go dawn il-Messaggi, intom qed iccahhdu lill-ohrajn ir-Rigal tas-Salvazzjoni. Intom ghomja u l-injoranza taghkom ghat-Taghlim Tieghi u ghall-Kelma t'Alla, li tinsab fil-Ktieb Qaddis ta' Missieri, - il-Bibbja – hija ta' l-iskantament. Intom tghidu li taqdu Lili, izda intom ma tafunix u ghalhekk ma tarawx.

Meta l-fidi taghkom tkun dghajfa, intom ma tistghux tifthu qalbkom Ghalija. Kieku ftahtu qalbkom Ghalija, kontu tisimghuni car, ghax kontu tkunu mimlijin bl-Ispirtu s-Santu. B' niket nghid, li hafna minnkom, li jghidu li jaqduni, m'humiex denji li jieqfu u jiddikjaraw li huma qaddejja t'Alla. Intom ggeghluni nisthi u ggibu l-misthija fuq Ismi, meta fil-pubbliku tumiljaw il-merhla taghkom f'Ismi. **Intom tiksru kull regola t'Alla, meta tikkundannaw lil dawk li jsegwu dawn il-Messaggi, ghax intom ma kontux moghtija l-awtorita' biex taghmlu dan.** L-imhabba ghalikom infuskom taqbez lil dik Ghalija, Gesu' Kristu u minhabba dan, m'ghadkomx tajbin biex taqduni. Intom imkabbrin wisq biex tieqfu quddiem it-Tronn Tieghi.

Is-Salvatur taghkom.

**Jiena ghazilt tnax il-ragel semplici, minghajr edukazzjoni u ma jafu xejn dwar l-Iskrittura Qaddisa, li kienu sajjieda**.

Il-Hadd, 1 ta' Settembru, 2013 @ 11.08am

Ghaziza mahbuba binti, meta Jiena kont nghix fuq l-Art u kont nidhol fit-Tempji biex nifxef il-Verita', ghall-ewwel kienu jiehdu pacenzja Bija. Hafna qassisin kienu jiskantaw b'dak li Jiena kont naf, u minhabba li Jiena kont Iben umli ta' mastrudaxxa. Ghalhekk kienu jisimghuni, b'attenzjoni, meta kont nispjega x'kien mistenni izjed minnhom, kif kien hemm miktub fil-Ktieb ta' Missieri.

Minn meta kelli tnax il-sena Jiena kont naf x'kienet il-Missjoni Tieghi u Jiena bdejt bil-mod, minghajr ma nikxef wisq, qabel il-mument ezatt. Jiena kont naf li kelli nhejji lid-dinja ghall-Migja tal-Messija. Jiena kont naf ukoll fi ftit zmien, illi l-Knisja ta' Missieri fuq l-Art, ser tichadni u tghid li Jiena giddieb.

**Jiena ghazilt tnax il-ragel semplici, minghajr edukazzjoni u ma jafu xejn dwar l-Iskrittura Qaddisa, li kienu sajjieda.** Ghaliex ghamilt dan? Jiena kont naf li dak li kont ser ngharrafhom, huma kienu ser jaccettawh kif inhu. Minhabba li qatt qabel ma kellhom l-ebda gharfien ta' l-Iskrittura Qaddisa, huma ma kinux sejrin iqabblu t-Taghlim Tieghi mal-Bibbja Qaddisa u jippruvaw isibu ma xhiex jaqbdu, meta jifluhom bir-reqqa. Dan kien ikun ifisser li hafna minnhom ma kienx ikollhom il-kuragg li jxerrdu l-Verita'. **Huma kienu jigu mistmerra minn dawk f'postijiet gholjin fil-Knisja, li kienu jahsbu li nies injoranti ma kinux denji li jigu maghzula minn Alla, biex ixerrdu l-Kelma Qaddisa Tieghu, 'l fuq minnhom**. Kienu jahsbu li bl-edukazzjoni kollha taghhom fi hwejjeg spiritwali u l-pozizzjoni taghhom fil-Knisja t'Alla, Alla kien ser jaghzel biss lill-Knisja Tieghu biex taghti l-profeziji tal-Kelma t-Tajba. Huma naqsu milli jifhmu illi Alla jaghzel biss lill-umli u l-injoranti, ghal dan ix-xoghol, ghax dawn ma joqghodux jargumentaw. Huma ma jisfidawx u ma jibzghux li jigu rrifjutati, ghax huma hekk jafu. Ftakru li Alla ma jaghzilx lil dawk li jghollu lilhom infushom qabel l-ohrajn. Dan qatt ma jista' jkun.

Dan huwa ghaliex inti, binti, qed tkun mibghuda qalb il-Knisja Tieghi fuq l-Art. Dan huwa ghaliex ifarrku l-Messaggi Tieghi u jwaqqghuhom ghar-redikolu. Dan huwa ghaliex jghadduk biz-zmien, ghax ghalihom inti m'intix denja li xxerrred il-Kelma Qaddisa Tieghi. Kemm inikktuni**. Il-mibeghda li ser tara, ser tkun gejja l-aktar mill-Knisja Kattolika. Huma qatt m'hu ser jaccettaw li profeta li m'ghandux gharfien tal-Bibbja l-Izjed Qaddisa jew tat-Taghlim Tieghi, jista' jintbaghat**. Huma ser jghidu li inti qed ixxerred l-erezija. Huma jghidu dan, ghax tant huma mbeghdin mit-Taaghlim Tieghi, illi huma bdew jemmnu fil-gideb taghhom stess. Kunu ghafu li l-profeta Tieghi ghal dawn l-ahhar zminjiet, gie mibghut mhux maghzul, ghax dan ma jistax ikun, minhabba li din, l-Ahhar Missjoni, giet mahluqa minn Missieri li hu jibghat lil dawk li huma Tieghu.

**Jiena nwissi lil dawk li jghadduni biz-zmien, billi jgibu fix-xejn dawn il-Messaggi – il-Kelma Qaddisa Tieghi, intom ghandkom idduru Lejja issa, f' Adorazzjoni Qaddisa, minn issa stess, kull jum, sakemm tisimghu Lehni**. Hemm biss inkun nista' nehodkom u nurikom dak li rrid minnkom f'dan iz-zmien krucjali fis-servizz taghkom ghal Alla.
Gesu' Taghkom.

**[Dawk minnkom li issa qed tghadduni biz-zmien, meta tirrifjutaw il-Messaġġi Tiegħi, intom temmnu verament li Jien ser naqsam il-Knisja Tieghi.]**

Il-Ħadd 1ta` Settembru, 2013 @ 5.05pm

Ghaziza mahbuba binti, fl-aħħar, inti qed tirringrazzjani għal din il-Missjoni diffiċli ħafna. Naf kemm hafna twegga' biex ixxandar il-Kelma t'Alla, peress illi toħloq ħafna rabja fost dawk li jahsbu li huma l-elit.

Binti kun ghaf li filwaqt li nagħtik favuri, inti dejjem se timxi waħdek, u inti se tispiċċa fid-deżert, ezatt bħall- profeti ta` qablek. Jien se nibgħat xi whud biex jgħinuk iżda inti dejjem se tkun maqtugha wahdek. Imma jJien dejjem se nżommlok kumpannija, waqt li l-ilpup se jippersegwitawk.

**Għid dan lil dawk li jsejħu lilhom infushom vera dixxipli Tiegħi, saċerdoti u qaddejja qaddisa fostkom. Jien dejjem se nisma l-ilħna taz-zghar, d-dgħajfa, l-umli u dawk puri f`qalbhom. Anke jekk huma mbezza' mill-Messaġġi Tiegħi, Jien dejjem se niffavorixxi lil dawk li verament iħobbuni. Min huma dawn li qed nitkellem fuqhom issa? Qed nirreferi għal dawk li qatt ma nsew dak Ii ghidtilhom. Gorru s-Salib Tieghi, imxu warajja iżda kunu imhejjija għax meta tiddikjaraw l-Kelma t'Alla, mingħajr malizzja, se ssofru l-ugigh Tieghi. Mhux billi tahsbu li hija ċivilizzata d-dinja f'dan iz-zmien, intom ser tkunu mibghuda meta intom tqumu, bi sfida, kontra dawk li joboghduni. Meta huma jobogħduni huma se jsallbukom**.

Jien nisma l-umli. Jien imbierek lil dawk li jwettqu l-istruzzjonijiet ċari Tiegħi, li Jiena tajt lilkom, biex thobbu lil xulxin, ma jimpurtax kemm dawn jippersegwitawkom. Dawk minnkom li jirrifjutawni, permezz ta' dawn il-Messaggi, m`għandhom qatt, minħabba d-dubji tagħkom, tifirxu l-mibegħda kontra xi ħadd f'Ismi. Jiena, Ġesù Kristu, ngħidilkom issa li l-dimonju wasal biex jiddikjara dan l-attakk finali fuq l-ulied kollha t` Alla. Dawk minnkom li jirrifjutaw li jisimgħuni, se jaqgħu għas-seħer tal-qaddejja devoti tiegħu.

**Ma tafux li l-Knisja Tieghi ser tigi attakkata minn Satana, u li dan kollu kien imhabbar? L-ghedewwa Tieghi ser jimxu fostkom u xorta intom mhux ser taccettaw li Jiena qed inhalli dan jigri.** Kunu ghafu li l-Battalja t'Armageddon ghandha zewg nahat. Dawk li jemmnu f'Alla u jimxu fuq il-Kelma t'Alla u lill-wiehed tal-hazen, l-armata tieghu u dawk kollha li hu jqarraq bihom. Satana ser iqarraq b'hafna fil-Knisja Tieghi u dawk biss li jibqghu mqajmin u jghassu ghall-izbalji fid-duttrina, li ser ikunu jifilhu jieqfu lil dan is-seher. Is-seher, huwa l-aktar ghodda qawwija li juza l-qarrieqi. Huwa jqarraq billi jidher li jkun qed jiddikjara l-Verita'.

Jiena nheggeg lil dawk l-erwieh imsejkna, dawk li jhobbuni u dawk li jibqghu lejali lejn il-Knisja Tieghi fuq l-Art, biex jisimghuni. **Intom ghandkom tibqghu lejali lejn il-Knisja Tieghi u taccettaw id-dixxiplina meta s-superjuri taghkom jibqghu lejali lejn dak li Jiena tajt lid-dinja, bil-Mewt Tieghi fuq is-Salib. Iz-zmien ta' l-ghazla qieghed fil-qrib. L-istmerrija ghadha ma sehhitx, izda meta taraw l-izbalji li jmorru kontra t-Taghlim Tieghi u r-Rigal Tieghi tas-Sagramenti, aharbu l' hemm. Dak il-jum qieghed fil-qrib. Imbaghad ghandkom tingabru u tibqghu timxu fuq ir-regolamenti tal-Knisja Tieghi, hekk kif kienu mfassla qabilkom minn Pietru.**

Dawk minnkom li bhalissa qed jghadduni biz-zmien, meta intom tirrifjutaw il-Messaggi Tieghi, tahsbu intom verament li Jiena ser naqsam il-Knisja Tieghi u nitlobkom tichdu t-Taghlim Tieghi? Stennew sa dak il-jum, meta lilkom jghidulkom biex tweghdu l-lejalta' taghkom lejn il-gideb, f'Isem il-Knisja Qaddisa Tieghi fl-Art, qabel ma tirrifjutaw lill-profeta Tieghi. Hija minhabba l-imhabba Tieghi tant kbira ghalikom, li Jiena ma nwaddabkomx mal-genb u nhallikom tinbelghu mid-demonji.

Gesu' Taghkom.

**[Ma tafux li generazzjoni shiha ta' zaghzagh jinsabu 'l boghod Minni, bhalissa.]()**

It-Tnejn, 2 ta' Settembru, 2013 @ 6.45pm

Ghaziza mahbuba binti, **filwaqt li qed tikber il-mibeghda kontra dawn, il-Profeziji Tieghi, moghtija lid-dinja biex ihejju lilkom ilkoll ghat-Tieni Migja Tieghi, kunu ghafu dan. Din il-Missjoni ghandha ghan wiehed. Dan hu li ssalva l-erwieh kollha – kull min hu haj fid-dinja llum.** Ma jimpurtax kemm tkun harxa l-kritika mmirata lejk binti, ghax Jiena ser nibqa miexi 'l quddiem, minghajr waqfien, sakemm intemm xogholi. **L-ebda bniedem m'hu ser iwaqqafni milli nsalva l-erwieh, ghax Jiena ser nibqa' ghaddej minn fuq dawk li joqoghduli fin-nofs biex iwaqqfuni, milli nsalva l-erwieh ta' dawk li waqghu mill-Grazzja Tieghi**.

Minhabba l-paganizmu li qed jiknes l-Art u d-djufija tal-fidi, li tinsab fost dawk li jemmnu, ma tafux li generazzjoni shiha ta' zaghzagh jinsabu 'l boghod Minni, bhalissa? **Il-Missjoni Tieghi tiffoka fuq dawn iz-zaghzagh milquta, li fil-parti l-kbira taghhom, gew michuda kull taghrif Dwari, Gesu' Kristu. Minhabba li hemm tant f'kull nazzjon, Jiena rrid nilhaqhom b'kull mezz li nista', biex nigbed l-attenzjoni taghhom.**

Ftakru, dawk il-Kristjani fostkom, li gew moghtija l-Kelma t'Alla minn meta kontu tfal zghar, li intom imbierka. Minhabba dan, intom ghandkom dover li titolbu ghall-generazzjoni l-mitlufa. Nitlobkom biex titolbu ghal dawn l-erwieh zaghzagh b'din it-Talba tal-Krucjata.

**Talba tal-Krucjata (118) Ghall-generazzjoni mitlufa t'erwieh zaghzagh.**

*Ghaziz Gesu' qed insejjah il-Hniena Tieghek ghall-generazzjoni mitlufa t'erwieh zaghzagh.*

*Ghal dawk li ma jafukx, aghtihom r-Rigal li jaraw.*

*Ghal dawk li jafuk, izda li jinjorawk, igbidhom lura fil-Hniena Tieghek.*

*Nitolbok taghtihom il-prova ta' l-Ezistenza Tieghek malajr u tmexxihom lejn dawk li jistghu jghinuhom u jmexxuhom lejn il-Verita'.*

*Imlilhom mohhom u ruhhom biex jixxenqu Ghalik.*

*Ghinhom jgharfu l-vojt li jezisti gewwa fihom minhabba li ma jhossux il-Prezenza Tieghek. Nittallablek ghaziz Sinjur biex ma titlaqhomx u fil-Hniena Tieghek taghtihom il-Hajja Eterna. Ammen.*

Kemm nixxennaq biex noqrob lejn dawn it-tfal zghar u ndawwar id-Dirghajn Qaddisa Tieghi madwarhom, halli npespes Kliem ta' farag f'widnejhom u naghtihom paci tar-ruh. Huma Tieghi u minghajrhom is-Sema tkun nieqsa minn dawk li Jiena nibki l-izjed ghalihom. Ghinuni biex insalvhom.

Gesu' Taghkom.

**Hajjitkom hija biss mument wiehed biss li jghaddi, f'ghomorkom kollu. Intom tinsabu fl-ezilju.**

It-Tlieta, 3 ta' Settembru, 2013 @ 4.45pm

Ghaziza mahbuba binti, hija l-akbar xewqa Tieghi li Nsejjah lill-bnedmin kollha madwar id-dinja kollha, li qatghuni 'l barra minn hajjithom, biex jergghu jigu Ghandi. Hafna erwieh, immexxija mill-hsieb illi fil-fatt jista' jkun li Alla ma jezistix, iddecidew li jinsew Lili, Gesu' l-mahbub taghhom. Jiena ninkwieta ghal dawn l-imsejkna nies li thawdu, ghax Jiena nhobbhom hafna u mxennaq ghall-kumpannija taghhom.

**Jekk intom tbeghdtu 'l boghod minni, u ssibuha iebsa biex tghaqqdu flimkien il-veduta ta' dinja mghaggla moderna, ma' twemmin semplici Fija, Gesu' Kristu, allura halluni nghinkom biex tifhmu. Intom tinsabu 'l boghod Minni minhabba d-dnub. Meta d-dnub itebba' lil ruhkom, jinzel fuqha d-dlam, li jaghmilha iebsa biex intom taccettaw id-Dawl t'Alla. Meta jigri dan, qalbkom tibbies. Imbaghad jidhol l-intellett, u huwa hawn meta intom bi zball temmnu li Alla ma jistax jezisti, ghax il-logika tiddettalkom li ma jistax ikun.**

Hajjitkom hija biss mument wiehed biss li jghaddi, f'ghomorkom kollu. Intom tinsabu fl-ezilju. Il-Verita' tinsab fil-futur, meta intom fl-ahhar tigu d-dar ghand Alla, fl-istat naturali taghkom. Jiena nifhem kemm hi haga iebsa biex bniedem jibqa' qrib Tieghi, meta huwa jhabbat wiccu ma tant distrazzjonijiet, tentazzjonijiet u dlam fuq l-Art.

Meta thossukom li ma tistghux thossu l-Prezenza Tieghi jew Imhabbti, rridkom tghidu din it-**Talba tal-Krucjata (119) Biex inhoss l-Imhabba ta' Gesu'**.

*Gesu' ghinni ghax inhossni mhawwad.*

*Qalbi ma tridx tinfetah Ghalik.*

*Ghejnejja ma jistghux jarawk*

*Mohhi jinghalaq Ghalik.*

*Fommi ma jistax jghid kliem biex ifarrgeK.*

*Ruhi liebsa d-dlam.*

*Nitolbok tithassarni, midneb imsejken.*

*Jiena bla sahha, minghajr il-Prezenza Tieghek.*

*Imlieni bil-Grazzji Tieghek, halli jkolli l-kuragg*

*li nixxabbat Lejk, nittallab Lilek ghall-Hniena.*

*Ghinni, jiena dixxiplu mitluf Tieghek, li jhobbok, izda li m'ghadux ihoss l-imhabba titqanqal f'qalbu, biex jara u jaccetta l-Verita'. Ammen.*

Mhix hafifa li tibqghu haga wahda Mieghi. Tridu tibqghu zzommu shih sakemm thossu l-Prezenza Tieghi f'ruhkom. Sejhuli u Jiena nigi nigri u nghannaq l-imsejkna ruh taghkom u nehodkom, immexxikom u nwassalkom ghas-salvazzjoni eterna taghkom. Ma jimpurtax minn dak li ghamiltu, intom qatt m'ghandkom tibzghu ssejhuli. Jiena nwiegeb lil kull midneb, hu min hu. L-ebda wiehed minnkom m'hu minghajr tebgha ta' dnub. Qed nistenna s-sejha taghkom.

Gesu' Taghkom.

Se ngib Doni fi stadji, jiddependi mill-purità tar-ruħ.

L-erbgħa 4 ta` Settembru, 2013

Ghaziza mahbuba binti, Alla l-Ħaj, preżenti f`erwieħ umli, se jibda jinħass aktar hekk kif id-Don gdid tieghi qed jigi mferra fuq kull wieħed minn dawk ħajjin fid-dinja f'dan il-ħin.

Se ngib Doni fi stadji, jiddependi mill-purità tar-ruħ. S-Segwaċi tiegħi, f'kull knisja fid-dinja kollha, se jħossu mill-ġdid żvillup ta' l-imħabba tagħhom għalija hekk kif naghlaqhom b`fehma akbar dwar il-Wegħda tiegħi li nerga nigi. Id-Don tiegħi se jfisser li dawn se jkunu jistgħu jaraw, minn ġol għanqbut tad-dlam, kif il-Verità tibda tagħmel sens. Huma se jkunu jafu issa li nitkellem magħhom, minħabba li dawn se jħossu l-preżenza tiegħi fil-qlub tagħhom. Huma se jkunu mbierka bl-għarfien, mogħti lilhom mill-Qawwa tal-Ispirtu s-Santu, sabiex dawn ikunu jistgħu jippreparaw adegwatament għat-Tieni Migja Tieghi.

S-Segwaċi tiegħi se jkunu immexxi mill-Ispirtu s-Santu u dawn mhux se jichduni Me lanqas m'huma se jaċċetta dagħa, ippreżentata lilhom fl-ismi. Dan huwa għaliex il-Kelma tiegħi issa qed tinfirex aktar malajr u dalwaqt l-Ispirtu s-Santu se joħloq tixniqa fir-ruh tagħhom għall-Jum il-Kbir meta t-tromba finali "peel out " biex tħabbar il-Migja Tieghi.

Tibzawx, segwaċi għeżież tiegħi, Jiena magħkom, għalkemm intom tbatu. Dalwaqt, intom se tikbru f'numri kbir u dan se jagħtikhom l-kunfidenza li tibqghu fidili Lejja.

Ġesù Taghkom.

## Se ngib Rigali fi stadji, jiddependi mill-purità tar-ruħ.

L-Erbgħa,  4 ta` Settembru, 2013 @ 6.00pm

Ghaziza mahbuba binti, Alla l-Ħaj, preżenti f`erwieħ umli, se jibda jinħass aktar, hekk kif ir-Rigal gdid Tieghi qed jigi mferra fuq kull bniedem haj fid-dinja bhalissa.

Se ngib Rigali fi stadji, jiddependi mill-purità tar-ruħ. **S-Segwaċi Tiegħi, f'kull knisja  madwar id-dinja kollha, se jħossu mill-ġdid theggeg l-imħabba tagħhom Għalija, hekk kif indawwarhom b`fehma akbar dwar il-Wegħda Tiegħi li nerga' Nigi**. Ir-Rigal Tiegħi se jfisser li dawn se jkunu jistgħu jaraw, minn ġol għanqbut tad-dlam, kif il-Verità tibda tagħmel sens. Huma issa, se jkunu jafu li qed inkellimhom, ghax se jħossu l-Preżenza Tiegħi fil-qlub tagħhom. Huma se jkunu mbierka bl-għarfien, mogħti lilhom bil-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, sabiex dawn ikunu jistgħu jhejju kif jixraq għat-Tieni Migja Tieghi.

**S-Segwaċi Tiegħi se jkunu mmexxijin mill-Ispirtu s-Santu u dawn mhux se jichduni u lanqas m'huma se jaċċettaw dagħa, li jigi ppreżentat lilhom f'Ismi**. Ghalhekk il-Kelma Tiegħi issa ser tinfirex aktar malajr u dalwaqt l-Ispirtu s-Santu se joħloq xenqa fir-ruh tagħhom għall-Jum il-Kbir, meta t-tromba finali ser iddoqq b'sahhitha kollha biex tħabbar il-Migja Tieghi.

Tibzghux, segwaċi għeżież Tiegħi, Jiena magħkom, għalkemm intom qed tbatu. Dalwaqt, intom se titkattru f'numri kbar u dan se jagħtikhom il-kunfidenza li tibqghu fidili Lejja.

Ġesù Taghkom.

**Omm tas-Salvazzjoni:  Kull wiehed mis-Sagramenti ser jinbidel tant li jsir lanqas jintgharaf.**

Il-Hamis, 5 ta' Settembru, 2013 @   9.35am

Binti, meta poggew il-Kuruna tax-Xewk fuq ir-Ras Qaddisa t'Ibni, ma kienx biss biex igibulu tortura fizika tal-biza', izda biex jaghmlu dikjarazzjoni.  Kienet gest simboliku.  **Filwaqt li jwaqquH ghac-cajt, huma kienu qed jghidu illi dan ir-Ragel, li jghid li Hu Ras il-Knisja u li jsejjah Lilu nnifsu l-Messija, mhux ser jigi ttollerat.  Huma kasbru r-Ras tal-Knisja meta huma nkurunawH u ser jergghu jkasbruH matul dawn iz-zminijiet.**

Mhux ser ikun bizzejjed li huma, l-ghedewwa ta' Kristu, ser jiehdu l-Knisja t'Ibni minn gewwa – huma ser ikasbruH f'hafna modi ohra.  **Huma ser jibdlu l-ostji tat-Tqarbin Qaddis u jibdlu t-tifsira ta' l-Ewkaristija Qaddisa.  Huma ser jghidu li din, l-Ewkaristija Qaddisa, tirrapprezenta l-umanita' u li hija sinjal ta' ghaqda gdida – gabra tal-bnedmin kollha f'Ghajnejn Alla.  Lilkom, uliedi, ser jghidulkom li intom ilkoll f'ghaqda wahda flimkien u li dan ghandu jigi ccelebrat.**

It-Tqarbin Qaddis huwa l-Gisem ta' Kristu u huwa l-Prezenza Veru Tieghu.  Dan ma jistax ikun zewg affarijiet f'daqqa.  Xorta wahda, huma ser jghawgu t-tifsira – dak li jibqalkom, ser ikun bicca hobz, ghax meta jkasbru l-altari u l-Ewkaristija l-Izjed Qaddisa, l-Prezenza t'Ibni tispicca.

Kull wiehed mis-Sagramenti ser jinbidel tant li jsir lanqas jintgharaf.  Tant ser ikunu makakki l-ghedewwa t'Ibni, illi c-ceremonji qaddisa jkunu jidhru li tbiddlu biss bi ftit.  **Is-Sagrament tal-Qrar ser jispicca**, ghax il-bestja ma jridx li l-erwieh jigu mifdija, ghax din tkun rebha ghal Ibni.

Uliedi, intom ghandkom tibqghu titolbuni biex nidhol ghalikom, halli l-ugigh ta' dawn il-hwejjeg li ghad iridu jigru jkun jista' jitnaqqas u z-zmien jintemm malajr.

Il-mahbuba Ommkom

Omm tas-Salvazzjoni.

## L-ebda qaddej qaddis minn Tieghi, ma jista' jikkundanna lil hadd f'Ismi.

Il-Hamis, 5 ta' Settembru, 2013 @ 2.30pm

Ghaziza mahbuba binti, kemm huma ftit dawk li jemmnu f'Alla, jew dawk li jaccettaw Lili bhala Bin il-Bniedem, li jhobbuni verament. Huma jghidu li jhobbuni, izda hafna minnhom ma jghixux skond it-Taghlim Tieghi. Intom ma tistghux tghidu li thobbuni u mbaghad tikkundannaw lill-ohrajn. Ma tistghux twegghu persuna ohra, bi kliem goff u wara tghidu li thobbuni fl-istess hin.

Min minnkom huwa hieles mid-dnub? Liema wiehed minnkom jgholli lilu nnifsu quddiemi u mbaghad jitkellem b'kattivita' kontra l-iehor? Intom qatt ma tistghu tghidu li qed titkellmu f'Ismi, meta intom tkasbru l-ohrajn. Dan ikun insult lil Alla u dawk minnkom li jgibu ruhhom b'dan il-mod, joffendu Lili. Dawk minnkom li jitkellmu hazin fuq haddiehor, meta tghidu li qed tiddefendu Lili, tkunu biss qed titbeghdu Minni. Imma intom tahsbu li l-azzjonijiet taghkom kienu gustifikati. Meta hsibtu li Jiena ser naccetta mgieba bhal din u ghaliex tahsbu li intom ghandkom l-awtorita' li taghmlu dawn il-hwejjeg?

**Meta intom tikkommettu ruhkom ghas-servizz Tieghi u mbaghad tghidu kliem ahrax kontra xi hadd minn ulied Alla, intom taghmlu dnub kbir. L-ebda qaddej qaddis minn Tieghi ma jista' jikkundanna lil xi hadd f'Ismi. Forsi intom familjari mat-Taghlim Tieghi – intom tistghu tkunu tafu sew kull m'hemm fil-Ktieb ta' Missieri, izda meta tkasbru lil xi hadd f'Ismi, Jiena nibghatkom 'l hemm. Ikollkom tpattu hafna min-naha taghkom biex tergghu tkunu l-Favoriti Tieghi u sahansitra hemm, sakemm tittallbuli biex nahfrilkom, irid jghaddi hafna zmien sakemm tergghu tkunu denji li tergghu tigu Quddiemi.**

Gesu' Taghkom.

## Omm tas-Salvazzjoni. Gwerra gdida kiefra, ser tigi ddikjarata.

Il-Gimgha, 6 ta' Settembru 2013 @

Ghaziza binti, fuq l-istruzzjonijiet ta' Ibni, Gesu' Kristu, ser ikolli nghidilkom li l-gwerrer li ser isehhu issa fil-Lvant Nofsani, ser ikunu d-dhul tal-battalja l-kbira, fejn, gwerra gdida kiefra ser tigi ddikjarata.

Dan kollu kif qed jaqsam il-Qalb Qaddisa ta' Ibni li qed ibati. Il-mibeghda li qed timla l-qlub ta' dawk il-mexxejja li huma fdati bit-tmexxija ta' l-artijiet taghhom, min-nies ordinarji, ser tinfirex. Huma ser jittradixxu lin-nazzjonijiet taghhom stess. Miljuni ser imutu u hafna nazzjonijiet ser jidlu fiha. Intom ghandkom tkunu tafu li l-erwieh ta' dawk li jinqatlu u li jkunu innocenti minn kull delitt, ser jigu salvati minn Ibni.

**Il-velocita' ta' dawn il-gwerrer ser tikber tant u malli l-erba' partijiet tad-dinja jkunu mdahhlin fiha, tigi ddikjarata l-Gwerra l-Kbira. Tan-niket, izda armi nukleari ser jigu wzati u hafna ser isofru. Ser tkun gwerra tal-biza', izda mhux ser tkun twila.**

**Itolbu, itolbu, itolbu ghall-erwieh innocenti u komplu ghidu r-Ruzarju Qaddis Tieghi, tlett darbiet kuljum, biex tnaqqsu s-sofferenza, li ser tkun rizultat tat-Tielet Gwerra Dinjija III.**

Grazzi binti, talli wegibt ghas-sejha tieghi. Kunu ghafu li hemm dwejjaq kbar fis-Sema bhalissa u b'qalb tqila qed ingibilkom dawn l-ahbarijiet iebsa.

Ommkom

Omm tas-Salvazzjoni.

## Omm tas-Salvazzjoni: L-unika triq ghal Hajja Eterna hija permezz ta' Ibni, Ġesù Kristu

Il-Ġimgħa 6 ta' Settembru, 2013 @ 8.15pm

Binti, hadd minnkom qatt ma jista' jinsa li Ibni miet sabiex isalva l-umanità. Huwa heles lill-erwieħ kollha mill-jasar tal-besjta. Huwa ta lilkom ilkoll ir-Rigal tas-Salvazzjoni u sabiex tircievu l-Hajja Eterna, ghandkom tigu ghand Ibni u titolbuh għal dan ir-Rigal Kbir.

L-unika triq ghall-Hajja Eterna hija permezz ta' Ibni, Ġesù Kristu. Minhabba li Huwa tant hanin, Hu jaghti lil kulħadd ic-cans li jiġi Ghandu, bir-rieda ħielsa tagħhom stess. Huwa ta lid-dinja l-Verità u, bir-Rigal tal-mewt Tiegħu fuq is-Salib, Huwa fetaħ it-triq għal kulħadd biex jgħixu fil-paċi eterna u fil-Genna Tieghu.

Ħafna minnkom ma taċċettawx lil Ibni u lanqas ma temmn f'Alla**. Jekk ma temmnux f'Alla jew taccettaw ir-Rigal tas-Salvazzjoni, allura intom qed tisseparaw ruhkom minn Alla. Minħabba din il-Missjoni Finali biex jigu salvati l-erwieħ, inklużi l-erwieħ tal-midinbin kollha, kif ukoll dawk li jirrifjutaw li jirrikonoxxu l-eżistenza t'Alla, Ibni se jwettaq Miraklu Kbir.** Waqt it-Twissija kulhadd se jkollu l-prova li ghandu ruh u ħafna se jikkonvertu. Dawk li mhux se jikkonvertu u jibqgħu ateisti ma jistghux jigu mghotija r-Rigal tas-Salvazzjoni, għax se jirrifjutaw l-Id tal-Hniena Tieghu. Dawn l-erwieħ se jirrifjutawh bl-aktar mod krudili u xejn, hlief it-talb taghkom, ma jista' jsalvhom.

Dawk li jirrifjutaw kull tentattiv, kull intervent u kull Ħniena, li jwassluhom fil-Genna l-Gdida, se jigu mitfugħa l'bogħod. Għax ir-Renju ta' Ibni mhux ser ikun tagħhom, għax Missieri, li ta lill-umanita' ir-Rigal tar-rieda hielsa, qatt mhu ser jimponi ir-Rieda Tieghu fuq l-ebda wiehed minn uliedu.

**Itolbu, itolbu, itolbu li l-ateisti jaccettaw l-Id tal-Ħniena, li Ibni ser jaghti lil kull wieħed u wahda minnhom. Ftakru biex titolbu t-Talb tal-Kruċjata sabiex issalvaw l-erwieħ ta' dawn l-imsejkna erwieh.**

Ommkom l-Ghaziza

Omm tas-Salvazzjoni

## Il-Kelma Qaddisa Tieghi, la tista' tinbidel u lanqas tigi rrangata li ssir xi haga ohra.

Is-Sibt, 7 ta' Settembru 2013 @ 6.25pm

Ghaziza mahbuba binti, filwaqt li Jiena qed nissokta bl-isforzi Tieghi biex nilhaq lil kulhadd fid-dinja, permezz ta' dawn il-Messaggi – xorta wahda, hafna mis-segwaci Tieghi, jonqsu milli jaccettaw Idi. **Dawn l-erwieh gheziez Tieghi huma vulnerabbli, ghax hafna mhux ser jaraw kif il-fidi taghhom ser tintuza biex tiddahhal dik li ser tissejjah il-liturgija l-gdida, li mhix ser tkun qed taghti gieh Lili, Gesu' Kristu, Bin il-bniedem.**

**Hafna ser jassumu, bi zball, illi l-liturgija l-gdida u l-quddiesa l-gdida – ghalkemm mibdulin hafna – ma jistghux jaghmlu hsara.** Hafna ser jistaqu bil-kwiet dwar xi bicciet mill-kontenut, kif ukoll dwar l-ghamla u jsibuhom strambi. Izda ftit ser ikunu dawk li jisfidawhom, ghax ser jemmnu li dan kollu ghandu l-barka tal-Knisja u ghalhekk ma jistax ikun hazin. Li ma jistghux jifhmu huwa li l-Kelma Tieghi ma tistax tinbidel u lanqas tigi rrangata biex issir xi haga ohra. **Il-Knisja Tieghi hija nfallibbli, izda jekk xi hekk imsejjah qaddej jew mexxej fil-Knisja Tieghi, jghawweg il-Kelma t'Alla jew jerga' jikteb mill-gdid it-tifsira ta' l-Ewkaristija Qaddisa, dawn ikunu qed jidghu kontra Alla.**

Jiena kont michud mill-umanita' u msallab, meta huma, inkluzi l-mexxejja fit-Tempji t'Alla, rrifjutaw il-Verita'. **Meta xi hadd – ikun kemm ikun fil-gholi fostkom – jichad il-Verita', huwa jkun hati t' erezija u dan ma jkunx gej minn Ghandi**. Huma xorta ser igibukom temmnu illi l-Verita' hija gidba. Huma ser jichdu dak kollu li intom gejtu mghallma Minni biex tghixu hajja Nisranija. Huma ser jobzquli, izda jmexxukom fi triq li huma ser jghidu li twassalkom ghal Ghandi, li dan mhux hekk

**Dawn il-hwejjeg, li ga kienu gew imhabbra, ser isehhu dalwaqt**. Kunu mhejjija. Meta taraw is-sinjali, kunu ghafu li dawn il-profeziji jistghu jigu biss minn ghand Alla.

Gesu' Taghkom.

**Wasal iż-żmien li l-Gruppi tat-Talb tal-Kruċjata għandhom jigu stabbilita u mifruxa madwar id-dinja**

Il-Ħadd, 8 ta' Settembru, 2013 @ 9.10pm

Ghaziza mahbuba binti, wasal iż-żmien li l-Gruppi tat-Talb tal-Kruċjata għandhom jigu mwaqqfa u mifruxa madwar id-dinja. Dan it-Talb huwa mogħti mill-Qawwa t'Alla u mirakli kbar huma assoċjati magħhom.

**Dan it-Talb se jferrex konverżjoni, jipprovdi fejqan fiżiku u jnaqqas l-impatt tal-gwerra, tal-ġuħ u tal-faqar.** Illum se nhallilkom Talba ġdida li se tgħin biex tnaqqas it-tbatija kbira li se tigi mill-gwerra.

**Talba tal-Kruċjata (120) Waqqaf il-firxa tal-Gwerra**

*O Ġesù ħelu tieghi, hu l -bogħod il-gwerrer, li jeqirdu l-umanità.*

*Ipproteġi lill-innocenti mit-tbatija.*

*Ipproteġi l-erwieħ li jippruvaw iġibu l-paċi vera.*

*Iftaħ il-qlub ta' dawk milquta mill-uġigħ tal-gwerra.*

*Ipproteġi liż-żgħażagħ u l-vulnerabbli.*

*Salva l-erwieħ kollha li ħajjithom hija meqruda mill-gwerra.*

*Sahhah lilna lkoll, għażiż Ġesù, li nitolbu għall-erwieħ kollha t' Alla u aghtina l-Grazzja biex inkunu nifilhu għat-tbatija, li tista' tigi fuqna waqt iż-żminijiet ta' konflitti.*

*Nitolbuk biex twaqqaf it-tixrid tal-gwerra u gib l-erwieħ fil-Rifuġju Qaddis ta' Qalbek.*

*Ammen.*

Morru intom lkoll li qed tisimghuni, u itolbuni ghall-Grazzji mehtiega biex tghaddu mill-ugigh Tieghi f'dan iz-zmien.

Gesu' Taghkom.

## Izjed ma intom mibghudin, dixxipli Tieghi, izjed intom mahbuba minn Alla.

IT-TLIETA 10 ta` Settembru, 2013 @ 11.45pm

Ghaziza mahbuba binti, ma tafux li, hekk kif izjed minnkom isegwu l-Messaġġi Tiegħi, intom ser tkunu itturmentati minn dawk li jixtiequ jsikktu l-Vuci Tieghi?

**Hekk kif din il-Missjoni tkompli, bil-Kmand ta` Missieri l-mahbub, kull sforz se jsir minn dawk, speċjalment fil-Knisja Tiegħi fid-dinja li jopponu dawn il-Messaġġi Qaddisa, biex jġeghlukom tieqfu ssegwuhom**. Dawn l-oġġezzjonijiet ser jiżdiedu u kull tip ta' loġika mghawga, kull ċaħda arroganti tal-Verità u Teoloġija ffalsifikata, se tintuża biex tifga l-Vuci t` Alla.

Izjed ma intom mibghuda, dixxipli Tiegħi, izjed intom mahbuba minn Alla, għaliex dawk biss li jsegwuni u jgħixu ħajjithom skond it-Taghlim Tieghi se jsofru b'dan il-mod. **Jekk intom tkunu mfahhra, iffavoriti u magħżula mid-dinja bħala qaddis haj, fejn l-ebda difett ma jinstab fikom jew fejn l-iżball tal-modi tagħkom ma jigix identifikat pubblikament, allura intom m`intomx magħżula minn Alla, għax intom tisfidaw dak li huwa mistenni mill-qaddejja t'Alla. Minhabba li ma tesprimux il-Verità u ddawwru l-Verità Tieghi, sabiex tisbqu lilkom infuskom f'għajnejn id-dinja, intom ser tiġu mitfugħa fil-ġenb waqt li Jiena nfittex lill-qaddejja veri Tiegħi.**

Il-qaddejja veri Tieghi iħobbuni u huma mqanqlin mill-Ispirtu Qaddis Tieghi. In-niket tagħhom, li jidher f'għajnejhom, minħabba li jbatu Mieghi, jista' jidher b'mod ċar minn dawk li gew moghtija d-don ta' l-Ispirtu s-Santu. Dawn l-erwieħ puri qatt ma jikkundannaw lill-oħrajn jew jippruvaw jimblokkaw il-Kelma t'Alla, għax huma ma jistghux jagħmlu dan.

Intom tridu titolbu bil-qawwa f'dan iż-żmien - kollha kemm intom - għax dawn il-qaddejja qaddisa Tieghi huma taħt attakk minħabba Fija. Jien inzomm magħhom, iżda ħafna ser jaqgħu u jitfarrku taħt il-pressjoni biex jibqgħu siekta, meta huma jigu sfurzati jippreżentaw lill-merhla tagħhom id-duttrina ta` gideb li gejja.

Ġesù Taghkom

**Omm tas-Salvazzjoni: Ser jghaddukom biz-zmien talli m'intomx ser taccettaw l-interpretazzjoni l-gdida tat-taghlim Kattoliku**.

L-Erbgha, 11 ta' Settembru, 2013 @ 4.30pm

Binti, qalbi hija marbuta ma' dik t'Ibni, Gesu' Kristu, f'dan iz-zmien ta' dieqa kbira, meta l-persekuzzjoni ta' wlied Alla qeghda tizdied.

Kull persuna fid-dinja, specjalment dawk li m'ghandhomx flus, m'humiex influenti u m'ghandhom xejn, ser isofru minhabba l-kilba ta' dawk li jikkontrollaw hafna nazzjonijiet. Ix-xoghol tieghi biex nghin lil Ibni jtemm l-ahhar parti tal-Patt Tieghu biex isalva lill-umanita', ga beda jidher f'hafna modi. Jiena, bil-Qawwa t'Alla, ser immexxi lil dawk kollha ddisprati bin-niket, minhabba t-tbatija fil-hajja taghhom, lejn ir-Refugju ta' Protezzjoni t'Ibni. Dawk li ser ikollhom jghaddu minn tant faqar, guh, nkwiet, ingustizzji – jkun xi jkun - ser ikunu mfarrga meta jitolbuni biex nitlob ghalikom.

**Dawk minnkom li ser ikollhom isofru, minhabba li jkunu xhieda ta' Gesu' Kristu, s-Salvatur ta' l-umanita', ser jigu moghtija izjed qawwa, f'dan iz-zmien, meta intom titolbuni biex nghinkom. L-akbar ingustizzja fil-Knisja t'Ibni dalwaqt tarawha, fejn kemm il-fidili ordinarji kif ukoll il-qaddejja qaddisa, bhalhom, ser jigu akkuzati b' dizubbidjenza kontra t-Taghlim ta' Gesu' Kristu.**

**Intom ser tigu mitluba biex tiehdu gurament – li jkun jinghad bhall-Kredu ta' l-Appostli – fejn tiddikjaraw il-lejalta' taghkom lejn forma mibdula ta' kif jigi adurat Alla. Meta tiehdu dan il-gurament, li ma jidhirx fil-Bibbja l-Izjed Qaddisa, intom tkunu qed tpoggu ruhkom f'periklu kbir. Il-liturgija ser tigi mibdula u jigu ddikjarata zidiet, filwaqt li bicciet ohrajn, li ilhom jinghadu ghal hafna snin, ma jibqghux jinghadu**. Dan il-pjan qarrieqi jigi ggustifikat billi ser jiehdu dak li ghandu x'jaqsam ma' Ibni u jiddikjaraw li dawn kienu r-raguni ghala sar dak it-tibdil.

Dan huwa ghaliex dawk minnkom li huma lejali lejn Ibni ser isibuha ta' tahwid kbir u rwiehkom ser isofru bil-hafna. U filwaqt li intom tkomplu taghtu qima lil Ibni, lilkom ser jghaddukom biz-zmien talli m'intomx ser taccettaw l-interpretazzjoni l-gdida tat-taghlim Kattoliku u l-Kristjanezmu. Qatt m'ghandkom titilfu l-kuragg, matul dawn il-provi, ghax intom gheziez uliedi, intom iffavoriti minn Alla u Hu ser jibqa' maghkom sa l-ahhar.

Qatt m'ghandkom dduru 'l hemm mill-Verita'. Qatt m'ghandkom temmnu xejn li ma giex minn ghand Alla.

Il-mahbuba Omm taghkom

Omm tas-Salvazzjoni

**Dawk fostkom li qed isofru hafna u li jista' jkun li tilfu t-tama kollha fil-hajja, kunu ghafu li intom tinsabu fil-Qalb Tieghi.**

Il-Gimgha, 13 ta' Settembru, 2013 @ 11.15pm

Ghaziza mahbuba binti, Qalbi tixxennaq ghad-dinja u ghal dawk kollha li jghixu fiha, u Jiena nweghdkom li ser naghmel minn kollox biex nghaqqadkom ilkoll, ulied t'Alla, f' Qalbi.

Jiena nhobb lil kull ragel, mara u tifel jew tifla, huma min huma – kemm jekk huma qawwija, sinjuri, influwenti, umli, fqajrin jew biss nies semplici, li qed jghixu hajja ordinarja. Ilkoll kemm intom gejtu maghzula biex titwieldu minn Missieri, li Halaqkom. Kull ruh ghandha ghan u kull wiehed minnkom huwa wild ghaziz t'Alla.

**Dawk fostkom li qed isofru hafna u li jista' jkun li tilfu t-tama kollha fil-hajja, kunu ghafu li intom tinsabu fil-Qalb Tieghi u li Jiena nhoss hafna l-ugigh taghkom. Jiena nsofri go fikom. Intom qatt m'ghandkom titilfu t-tama, ghax Jiena ghandi post ghalikom fil-Genna Tieghi**. Meta titilfu t-tama, intom taghtu daharkom lill-futur taghkom, li huwa mimli bid-Dawl Tieghi. Dan il-futur huwa r-Rigal Tieghi ghalikom u kollox huwa Tieghi**. Jiena nnehhilkom t-thassib taghkom. Tridu biss Issejhuli u tghidluli: "Gesu' hu l-ugigh kbir tieghi u t-tbatija u hallini nhoss l-Imhabba Tieghek." u Jiena nnehhilkom it-toqol taghkom dak il-hin.**

**Meta thossukom vojta u tahsbu li hadd ma jhobbkom ta' veru, kunu ghafu li Jiena nkun qieghed hemm hdejkom, ghax Jiena dejjem ser inhobbkom, ma jimpurtax kemm tbeghdtu l' boghod**. Meta tahsbu li m'ghandkomx ghal xhiex tghixu, kunu ghafu li l-Genna Gdida Tieghi, ser taghtikom Hajja Eterna. Izda intom tridu tghaddu minn din it-tbatija, f'din il-hajja l-ewwel. Jiena xorta ser intaffilkom t-tbatija taghkom, u kulma ghandkom taghmlu huwa li titolbuni ghal dan.

Hafna minnkom ihossuhom ma jiswew ghal xejn, m'humiex mahbubin, ma jistghux jirnexxu, vojti u kwazi bla uzu. Intom thossukom hekk ghax id-dinja hija ossessjonata b'dak li jsejhulu success u ambizzjonijiet. Huma biss il-ftit, l-elite li

jidhru li jistghu jilhqu tant fil-gholi. Il-pressjonijiet li tohloq il-medja fejn tgholli l-lussu u s-sbuhija, sservi biss biex teqred il-kunfidenza tal-bniedem ordinarju. M'hemmx bzonn li timpressjonaw lill-ohrajn. Mhux mehtieg jew mixitieq li timpressjonaw Lili b'dak li jsejhulu success. Tajjeb li tahdmu hafna. Uzaw it-talenti li takom Alla, izda wzawhom biex taqdu lill-ohrajn u ghall-gid ta' kulhadd. **Izda kunu ghafu dan. Ser ikun d-dghajjef u l-umli fl-ispirtu u dawk b'imhabba semplici Ghalija, Gesu' Kristu, li Jiena ser ngholli ghall-akbar glorja fis-Saltna Tieghi. Dawk li jbatu issa, qatt izjed m'huma ser isofru fil-Genna l-Gdida Tieghi.**

Il-weghda Tieghi li ser nigi biex nigborkom ilkoll ser issehh fit-Tieni Migja Tieghi. Harsu lejn dak il-jum ixxenqu ghalih u ifirhu, ghax mhux fil-boghod u mbaghad Jiena ser ingibilkom ir-Rigali ta' l-Imhabba, l-hena, l-ferh u l-Hajja Eterna. Ishru u ersqu Lejja. Jiena maghkom. Jiena qatt m'hu ser nitlaqkom, izda intom ma tridux tinqatghu Minni, ghax jekk taghmlu dan, intom tkunu mitlufa Ghalija. Ejjew, poggu raskom fuq Spalti. Halluni nfarragkom. Halluni nwaqqaf in-niket taghkom. Halluni nixxotta d-dmugh taghkom. Halluni naghtikom il-Paci Tieghi.

Qed naghtikom Barka specjali issa. HuduHa. Accettaw Idi u kollox imur sew. Jiena nhobbkom.

Gesu' Taghkom.

**Id-duttrina tad-dlam - l-apostasija l-kbira li se tohrog mill-gewwieni tal-Knisja Tiegħi - se tinżel bħal ċpar kbir oħxon.**

Is-Sibt 14 ta` Settembru, 2013 @ 03:00pm

Ghaziza mahbuba binti, **Jiena l-Vuci f`nofskom, li nipprova ninstema fost dawk il-mexxejja li jferrxu l-apostasija u li jmexxu mal-erba' nahat tad-Dinja**.

Id-duttrina tad-dlam - l-apostasija l-kbira li se tohrog mill-gewwieni tal-Knisja Tiegħi - se tinżel dalwaqt, bħal ċpar kbir oħxon fuq l-Insara kollha li ma jkollhom l-ebda suspett. Il-pjan biex jifga l-Verità beda u dalwaqt, verżjonijiet mdawra tad-Duttrina Mqaddsa Tiegħi se jkunu ċari ghal ħafna minnkom. Iżda, waqt li jkunu qed iparrtu l-Verità mal-gideb, l-Ispirtu s-Santu se jqum kontra l-għedewwa Tiegħi. Id-Dawl Tiegħi xorta se jkun jidher qalb il-konfużjoni li l-mexxejja tal-akbar apostasija ta' kull żmien, se jgibu fuq id-dinja. Huma mhux ser jieqfu qabel ma d-dinja ssir qisha pagana, bla ebda mħabba Għalija, Ġesù Kristu.

**Id-dinja sekulari se titqies li tkun dik il-ġusta, il-waħda fejn kull bniedem se jiġi mħeġġeg biex isegwi l-ġibdied u x-xewqat tieghu nnifsu. Kull tentattiv se jsir biex ittaffi l-Preżenza ta' l-Ispirtu s-Santu. Huma se jiċħdu t-Tbatija Tiegħi fuq is-salib u t-tifsira tal-ħtieġa li tikseb s-salvazzjoni, għalkemm din tingħata lil kull wiehed li jifdi lilu nnifsu lili , u li jitlob ghall-Ħniena Tiegħi**. Huma mhux talli se jbellghu lil Ulied Alla, l-gideb fuqi u fuq it-Taghlim Tiegħi, izda huma se jippersegwitaw lil dawk li jiddubitaw minn tali gideb.

**Dawk li jisfidaw lill-mexxej tal-Knisja Tiegħi, minn ġewwa, se jiġu ttrattati bla qalb u l-ebda nitfa ta' ħniena mhu se tintwera ghalihom**. Dawk minnkom li jaċċettaw duttrini foloz, minn ghand dawk li jgħidu li jirrappreżentaw il-Knisja Tiegħi, u li fil-qalb tagħkom tafu li dawn ma setgħux jiġu Minni, allura Jien se ngħinkom. Jien se nfarragkom filwaqt li niggwidakom. Intom qatt ma ghandkom tichdu l-Verità jew iccedu ghal dawk li l-ġibda għall-poter se tfisser li dawn se jigdbu f'Ismi, sabiex dawn ikunu jistgħu jibqgħu hbieb mal-għedewwa Tiegħi. Il-fidi tagħkom se tkun verament taht prova.

Jien qed niġi issa biex ingibilkom il-Verità, għax intom se tkunu mċaħhda mill-Verità. Meta jiġri dan, intom mhux ser tkunu tistgħu xxandru l-Verità lill-erwieħ l-oħra li ma jistgħux jgħixu mingħajrha.

Itolbu għall-ħniena ghal ruhkom stess u għal dawk li se jkun immexxija fi żball kbir mill-għedewwa Tiegħi.

Ġesù Taghkom.

## [Il-Pjanijiet Tieghi biex nifdi lid-dinja, issa ser jaghtu l-frott. Kollox huwa ghal-lest.]()

Il-Hadd, 15 ta' Settembru, 2013 @ 23.50

Ghaziz mahbuba binti, l-Pjanijiet kollha Tieghi biex nifdi lid-dinja, ser jaghtu l-frott. Kollox huwa ghal-lest. L-Armat Tieghi giet iffurmata. Issa ser jikbru u jitferrxu ma'kullimkien, u jgibu maghhom l-erwieh ta' hafna, li Jiena nixxennaq ghalikhom. Din l-Armata giet moghtija Grazzji kbar Minni, u bil-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu huma ser izommu l-fjamma tal-Kristjanezmu theggeg u huma ser igorru t-torca tal-Verita' sa l-ahhar jum. Huma ser iwasslu d-Dawl t'Alla go l-aktar rokna mudlama u jifthu l-ghajnejn ta' miljuni ghall-Vera Kelma t'Alla, filwaqt li l-apostasija tkun qed tibla' l-Knisja Tieghi fid-dinja. Jiena qed naghtihom din it-Talba tal-Krucjata biex nghinhom jaghmlu l-weghda taghhom ta' rabta Mieghi.

**Talba tal-Krucjata (121) Alleanza mal-Armata ta' Gesu' Kristu.**

*Ahna weqfin hawn, marbutin mal-Qalb Qaddisa Tieghek, Ghaziz Gesu'*

*Ahna nxandru b'awtorita', l-Kelma Vera t'Alla.*

*Immorru sa truf l-art biex inxerrdu l-Verita'.*

*Ahna qatt m'hu ser naccettaw duttrina falza f'Ismek, hlief dik li Inti stess ghallimtna.*

*Ahna nibqghu veri, lejali u shah fil-fidi taghna.*

*Ahna ser ingibu ruhna b'imhabba u kompassjoni lejn dawk li ttradewk, bit-tama li jergghu lura Ghandek.*

*Ser inkunu sodi, izda pacenzjuzi ma' dawk li jippersegwitawna f'Ismek.*

*Ser nimxu rebbieha t-Triq kollha lejn il-Genna l-Gdida Tieghek.*

*Nweghduk li permezz tal-ugigh u t-tbatija taghna, ahna ser ingibulek lil dawk l-erwieh kollha li qed imutu bil-guh ghal Imhabbtek.*

*Nitolbuk taccetta t-talbiet taghna ghall-midinbin kollha fid-dinja, halli nsiru familja wahda, maghquda fl-imhabba Ghalik, fl-Era l-Gdida ta' Paci. Ammen.*

Morru, Armata tal-Fdal Tieghi, u kunu ghafu li intom ser tigu moghtija l-ghajnuna kollha u l-Grazzji biex tirnexxu f'din l-ahhar Missjoni Qaddisa fuq l-Art, sabiex Jien nigbor lill-ulied kollha t'Alla mill-wicc tad-dinja u nehodhom fil-Genna l-Gdida Tieghi.

Gesu' Taghkom.

## Alla l-Missier: Ghal dawk minnkom li twieldu go familji pagani u li mhix htija taghhom, Jiena ser inhenn ghalikom.

It-Tnejn, 16 ta' Settembru 2013 @ 16.20

Binti l-izjed ghaziza, hafna mir-razza umana mhix thalli l-Ezistenza Tieghi toqrob lejha. Hafna jafu tant ftit fuqi, Missierhom, il-Hallieq taghhom. Il-qaddejja qaddisa Tieghi, inkluzi dawk li jemmnu Fija, il-Hallieq ta' kulma hu, naqsu milli jhejju lill-umanita' ghall-kastig li hemm lest ghalihom jekk dawn ma jgharfux l-izbalji taghhom.

**Ix-xewqa li jemmnu li 'kollox ser ikun sew', fissret li hafna minn uliedi ma jemmnux fl-ezistenza ta' l-Infern. Dan huwa post fejn dawk li jirrifjutaw il-Hniena Tieghi, l-Intervent Tieghi biex insalva l-erwieh, imorru. Id-dnub il-Mejjet, jekk ma jigix imhassar bir-rikonciljazzjoni, jwassal l-erwieh fl-abbissi ta' l-Infern**. Dawk li forsi m'humiex hatja ta' dnub mejjet, izda li ma jemmnux Fija, u minflok, jemmnu f'ezistenza li giet mahluqa u minsuga f'mohhhom minn idoli foloz, ghandhom hafna ghal xhiex jibzghu.

Irrifjutaw Lili, l-Hallieq taghkom, u intom tkunu qeghdin Kontrija. Intom tinqatghu Minni. Hafna minnkom, meta taraw il-Verita' tad-Divinita' Tieghi, ser topponuni b'sahha u xejn minn dak li ser naghmel ma jsalvakom min-nirien ta' l-Infern. Jiena nista' nuza' kull Qawwa Divina, imma qatt ma nista' nisfurzakom taccettaw il-Hniena Tieghi. Xejn, hlief it-talb tal-erwieh maghzula ma jista' jghinkom. Dan ifisser li qatt m'intom ser taraw Wicci. **Kull min jghidilkom li ma jimpurtax jekk intom ma taccettawx l-Ezistenza Tieghi, jkun qed jigdeb**. Dawk biss li jaccettaw Lili u permezz tal-Hniena ta' l-uniku Iben Tieghi, jistghu jidhlu fis-Saltna Tieghi. Jekk inti tkun ruh ta' qalb tajba u thobb, izda xorta tirrifjuta Lili – sahansitra meta l-Verita' tigi murija lilek – inti wkoll, tispicca mormi 'l boghod Minni. Mhux ser ikollok l-ebda hajja eterna.

Jiena issa ser naghti r-Rigal tal-purifikazzjoni lilkom ilkoll, izda b'mod partikolari lill-ateisti u lill-pagani. Din il-purifikazzjoni ser tkun ta' ugigh, izda f'hafna kazijiet din ser tifthilhom ghajnejhom ghall-Verita'. Ghal dawk minnkom li twieldu go familji pagani u li mhix htija taghhom, Jiena ser inhenn ghalikom. Izda ghal dawk li gew moghtija l-Evangelji u li jafu dwar l-ezistenza Tat-Trinita' Qaddisa, u li issa ser jirrifjutaw Lili, ftit hemm tama ghalikom, sakemm idduru lura u tpattu ghal dnubietkom. Imbaghad tridu tittallbu ghas-salvazzjoni ta' ruhkom.

Il-Missier taghkom,

Alla l-Izjed Gholi.

**Gej ghalikom biex nehodkom ghand Missieri. Gej biex naghmel ir-Rieda Divina Tieghu u ntemm il-Patt.**

It-Tlieta, 17 ta' Settembru, 2013 @ 22.45

Ghaziza mahbuba binti, meta inti ssib dan ix-Xoghol iebes u toqghod tahsibha biex taghti lid-dinja ahbarijiet hziena, inti ghandek tifhem li inti biss messaggier. Inti biss strument ta' Alla l-Qaddis, l-Izjed Gholi u huwa d-dover tieghek li twiegeb ghas-Sejha Tieghu. L-ubbidjenza tieghek hija essenzjali u m'ghandekx tibza' minn x'jista' jigri lilek wara, bhala l-profeta tas-Sinjur.

**Il-grajjiet kollha kienu gew mhabbra mill-bidu u jaghmlu parti mill-Pjan t'Alla biex jissokta bil-Patt li jigbor lill-uliedu, fl-ahhar, halli jkunu jistghu jghixu f'armonija skond ir-Rieda Divina Tieghu**. Il-battalja finali bejn il-gerarkija ta' Missieri u l-wiehed tal-hazen tfisser li hafna nies li jhallu lilhom infushom bla protezzjoni, ser jigu nfestati mid-dnub, u dawn ser iduru kontra huthom li jibqghu lejali lejn Alla.

Meta tkun ghaddejja l-battalja, ser isehhu hafna delitti koroh, mill-ghedewwa t'Alla, kontra l-mahbubin uliedu. Izda kif ghidtlek qabel, huma jistghu jaghmlu biss tant, ghax huma m'ghandhomx is-setgha li jeqirdu l-umanita', ghalkemm huma hekk jahsbu.

**Tinkwetawx kollha kemm intom, ghax Missieri ser jintervjeni f' dawn l-azzjonijiet ta' dawk li jridu jikkontrollaw in-nazzjonijiet kollha u Hu ser jahsdilhom hajjithom – lil dawk li jazzardaw iwegghu lil uliedu**. Hafna erwieh imsejkna ser ibatu matul dawn il-persekuzzjonijiet, izda Missieri Huwa ta' Hniena bla tarf. Il-Qawwa Tieghu hadd ma jista' jmissHa. L-Id Tieghu hija Omnipotenti. Huwa jista', x'hin irid, jarmi 'l hemm l-ghedewwa Tieghu. Izda l-profeziji li kienu gew imhabbra li ghandhom isehhu qabel it-Tieni Migja Tieghi, huma realta'. Ser isehhu b'mod li forsi mhux ser ikun daqshekk ovvju ghal kulhadd, izda kunu ghafu dan. It-talb huwa l-arma taghkom. It-talb jaghtikom l-armatura li tehtiegu biex tirbhu lill-wiehed il-hazin. It-talb irid itaffi l-impatt tal-gwerra, tat-tbatija u kull tip ta' persekuzzjoni li ser tigi fuq ir-razza umana mill-ghedewwa t'Alla. It-talb ser isalva lilkom u lil dawk li titolbu ghalihom. It-talb taghkom ser jeqred il-hazen u meta jasal il-Jum il-Kbir, intom ser tibku bil-ferh meta taraw il-Generazzjoni l-Gdida, dawk il-

biljuni ta' nies li jkunu gew salvati minhabba li intom tkunu wegibtu ghas-Sejha Tieghi.

Filwaqt li l-Messaggi Tieghi jgibu tahlita ta' niket, biza' u frustrazzjoni – huma jgibu wkoll it-tama ghax joholqu hafna konverzjonijiet. Il-Pjan ta' Missieri mhux maghruf minn hafna minnkom. Li ghandkom tifhmu huwa dan. Il-Pjan Tieghu ser jeqred l-ghedewwa kollha Tieghu. Meta jhalli dawn il-provi kollha jsehhu, Huwa ser jehles lill-umanita' fl-ahhar, mir-rabta taghha mad-dnub. Kunu pacenzjuzi. Oqghodu kalmi. Ghax daqt l-hena, l-imhabba u l-paci, fl-ahhar ser ikunu taghkom ghall-erternita'.

Jiena nigi biss, minhabba li ahna qisna haga wahda – familja wahda fis-Saltna t' Alla. Gej ghalikom biex nehodkom ghand Missieri. Gej biex naghmel ir-Rieda Divina Tieghu u ntemm il-Patt. Gej biex ingibilkom il-Verita'.

Is-Salvatur mahbub taghkom

Gesu' Kristu.

- **[Fit-Tieni Migja Tiegħi, Jien se niggudika lil kull persuna li tibqa' ħajja fid-Dinja f'dak iż-żmien skond dak li jkunu għamlu għall-Glorja t' Alla.]**

L-Erbgha 18 ta` Settembru, 2013 @ 17:08

Ghaziza mahbuba binti, meta Jiena ghidt li se nerga' nigi mill-ġdid biex niġġudika l-hajjin u l-mejtin, ridt infisser ezatt dak. L-Ewwel Gudizzju għandu jiġi mwettaq u b` dan, irrid infisser li fit-Tieni Migja Tieghi, Jien se niġġudika kull persuna li tibqa ' ħajja fid-Dinja f'dak iż-żmien, skond dak li jkunu għamlu għall-glorja t' Alla. Il-Gudizzju Tiegħi se jkun aħrax, għax il-Ħniena Tieghi, f'dak l-istadju, diġà se tkun ġiet mferra' fuq id-Dinja.

Dawk fostkom li jibqgħu jisfidaw sa l-aħħar, billi jirrifjutaw Lili - għalkemm il-Verità se tigi magħrrfa lilhom - se jiġu mitfugħa l-bogħod Minni. Intom qatt mhu se taċċettaw l-Ħniena Tieghi, nittallab kemm nittallab għas-salvazzjoni tagħkom. Ic-caħda tagħkom u l-mibegħda taghkom Ghalija ser iġġibilkom tbatija eterna u Jien se nxerred dmugh morr u mimli niket għalikom. **O kemm se tixxenqu ghall-farag tad-Dinja, għalkemm intom ħlejtu l-ħin tagħkom hemm tiggerrew wara l-hazen tal-pjaċiri tad-dnub u l-poter u fejn intom hqartu lill-oħrajn. Id-Dinja se tidher bhal ġenna mitlufa, meta intom ser tkunu tghajtu għall-għajnuna Tiegħi fl-eqqel tad-dlam**.

Dawk fostom li jħobbuni, iżda li r-ruh taghhom ġiet mhassra mid-dnub, ma għandux ikollhom l-ebda biża ' għax Jien se nahtafkom bil-Ħniena Tieghi, meta intom titolbuni għaliha. Il-midinbin kollha se jiġu salvati ladarba dawn jifdu lilhom infushom f'għajnejja, ma jimpurtax kemm kienu gravi dnubiethom.

**Il-Hajjin li huma fil-hbiberija Tiegħi se jittelghu fil-Genna Glorjuza Tieghi. Dawn jinkludu kull midneb, ta' kull twemmin, minn kull razza, li sejħu Lili, is-Salvatur tagħhom, Bin il-Bniedem, u dawk kollha li talbuni biex insalvawhom**.

Jien se nqajjem lill-mejtin, dawk li jkunu ġew imsoffija fil-fond tal-Purgatorju, kif ukoll dawk li qed jistennew, bil-pacenzja, fil-ġenna, għall-wasla ta ' dan il-Jum Kbir. Il-bqija se jigu eziljati.

Il-Ħin tagħkom fl-Art ġie deċiż minn Missieri u din il-ġurnata għada mhix magħrufa lanqas Minni, iżda ngħidilkom dan. Intom, ta' din il-ġenerazzjoni, se tigu migbura u tigu meħuda fil-Genna l-Gdida Tieghi meta s-Smewwiet u l-Art se jsiru haga waħda. **Intom ġejtu mogħtija l-ħin biex thejju, ghalhekk użawh b'mod ghaqli, ghax intom jista' jkollkom Hajja Eterna u tgawduha mal-maħbubin tagħkom. Issa nitlobkom biex tikkonsagraw lil kull maħbub taghkom, il-familja tagħkom, il-ħbieb tagħkom u n-nazzjonijiet tagħkom Lili, biex inkun nista' ngħattihom bil-Protezzjoni tad-Demm Prezzjuż Tiegħi**.

Ġesù Taghkom.

**Ghidu din it-Talba Specjali tal-Krucjata biex tikkonsagraw lil dawk kollha qrib tagħkom halli nkun nista` ngħattihom bid-Demm Prezzjuż Tiegħi**.

L-ERBGĦA 18 ta` Settembru , 2013 @ 23:30

Ghaziza mahbuba binti, nitlobkom tghidu din it-Talba Specjali tal-Krucjata biex tikkonsagraw lil dawk kollha qrib tagħkom, ħalli nkun nista ngħattihom bid-Demm Prezzjuż Tiegħi.

**Talba tal-kruċjata (122) Għall-konsagrazzjoni lid-Demm Prezzjuż ta' Ġesù Kristu**.

*Għażiż Ġesù, nitolbok biex tikkonsagra lili, lill-familja tiegħi, ħbieb u lin-nazzjon għall-Protezzjoni tad-Demm Prezzjuż Tiegħek.*

*Inti mitt għalija u l-Pjagi Tiegħek huma l-feriti tiegħi waqt li jiena bil-grazzja naċċetta t-tbatija, li jiena ser insofri fil-mixja lejn it-Tieni Migja Tieghek.*

*Jien inbati miegħek, għażiż Ġesù, waqt li inti qed taghmel hiltek biex tiġbor l-ulied kollha t` Alla fil-Qalb Tiegħek, sabiex aħna jkollna l-Hajja Eterna.*

*Għatti lili u lil dawk kollha li għandhom bżonn l-Protezzjoni Tieghek bid-Demm Prezzjuż Tiegħek.*

*Ammen.*

Kull ma ghandkom tagħmlu huwa li tafdawni u Jien nipproteġi lil dawk li jsejħuli għas-salvazzjoni tar-ruh tagħhom stess u ta’ l-oħrajn.

Morru u ħejju għall-Jum tal-Gudizzju. Nberikkom ilkoll u nagħtikom s-sahha biex tkomplu bid-devozzjoni tagħkom għat-talb tal-Kruċjata Tiegħi.

Ġesù Taghkom

[**L-ebda bniedem, sacerdot, isqof, cardinal jew papa, m'ghandu l-awtorita' li jikteb mill-gdid il-Kelma t'Alla**](#).

Il-Hamis, 19 ta' Settembru 2013@ 19.26

Ghaziza mahbuba binti, l-imsejkna qaddejja qaddisa Tieghi, wara li l-Liturgija tkun giet mbaghbsa u kull lat qaddis taghha mnehhi quddiemi, dawn ser jigu jigru Ghandi mnikkta bil-kbir. Ikun biss meta jigri dan, illi huma ser jindunaw illi l-Kelma t'Alla qed tigi moghtija permezz tal-profeta t'Alla, u li din hija l-Verita'. Il-Kelma t'Alla hija l-Verita'. Din tista' tkun biss il-Verita' jew xejn, jekk il-profeziji moghtija lil ulied Alla jkunu gejjin Minnu.

Hafna ser jingabru u jinghaqdu biex ihejju halli jaghtu qima Lili, bil-mod li jaghti gieh Lili, ghax xejn m'hu ser iwaqqafhom milli jzommu l-Kelma Qaddisa Tieghi; is-Sagramenti Qaddisa Tieghi; il-Quddiesa Qaddisa Tieghi u l-Ewkaristija l-Izjed Qaddisa. Izda sahansitra f'dak il-punt, hafna mhux ser jaraw l-izbalji li ser jigu pprezentati lill-erwieh li m'huma jissuspettaw xejn.

**Ikun biss meta l-Knisja t'Alla tigi ddikjarata li hija f'ghaqda wahda mal-pagani, u mal-prattici redikoli taghhom, meta izjed mill-qaddejja qaddisa Tieghi ser jifhmu dak li verament ikun qed jigri**. Ikun biss meta simboli pagani u satanici jibdew jidhru gewwa, fuq u fin-naha ta' barra tal-Knejjes Kristjani, illi dawn ser jaharbu biex isalvaw lilhom infushom. Ser ikun hemm biza' kbir f'qalbhom, ghax hafna minnhom f'dak l-istadju mhux ser ikollhom fejn imorru, ghax ma jkunux hejjew ghal dak il-jum. Dawn ser ikunu dawk li ser jigu mfittxija, ghax huma ma jkunux wiegbu ghas-Sejha Tieghi. Is-suppervja u l-ego taghhom ma hallewhomx jaghrfu Lehni. Tant mill-qaddejja qaddisa Tieghi ser jinqabdu bla ma jindunaw, u hafna ser jispiccaw bla sahha kontra r-renju tal-profeta l-falz u siehbu l-antikrist. Dawn it-tnejn ser ikunu bla kuxjenza ta' xejn huma u jfittxu li jikkontrollaw lin-nazzjonijiet u kull min jazzarda jfixkilhom, jigi meqrud.

Filwaqt li dawk il-qaddejja qaddisa fil-Knisja Tieghi ikunu waqghu fin-nassa, ghax ma kinux imhejjija, ser ikunu l-erwieh tal-fidili, dawk is-segwaci lejali Tieghi, Gesu' Kristu, li ser jigi mmexxija hazin ghal go l-izball il-kbir, li dan ser inikkitni bi kbir. Hafna ser jibzghu jidhru li m'ghadhomx lejali lejn il-Knisja, sahansitra meta t-Taghlim Tieghi, d-Duttrina Qaddisa Tieghi u s-Sagramenti kollha jkunu tbiddlu. Halli jkunu jafu issa, illi l-ebda bniedem, sacerdot, isqod, kardinal jew papa,

m'ghandu l-awtorita' biex jikteb mill-gdid il-Kelma t'Alla. Meta jaghmlu dan, huma jkunu kisru l-Ligi t'Alla. Hija biss il-Knisja t'Alla, li tibqa' fidila lejn it-Taghlim Tieghi, li hija nfallibbli. Ladarba dik l-ghaqda – l-ghaqda fejn tkun biss il-Verita' li tigi ddikjarata f'Ismi – din tinkiser, huma jinfirdu Minni. Jiena l-Knisja. Intom, is-segwaci Tieghi, l-qaddejja qaddisa Tieghi, intom bicca Minni biss, meta intom izzommu shih mad-Duttrina Qaddisa Tieghi.

**Il-Knisja – l-Knisja Tieghi – ser tibqa' bla mittiefsa, ghax il-Verita' qatt ma tista' titbiddel. Dawk li jitbeghdu Minni ma jistghux jibqghu parti mill-Knisja Tieghi fl-Art.**

Gesu' Taghkom.

## Ser jinbtu erbat imperi li jkunu l-ghajn ewlenija li bihom jintghelbu l-gwerrer.

Is-Sibt, 21 ta' Settembru, 2013 @ 12.22

Ghaziza mahbuba binti, ser isehhu hafna hwejjeg fid-dinja, hekk kif tkompli tikber is-setgha tal-profeta l-falz u kull min jazzarda jisfidah, ser jigi njorat, sahansitra fl-oghla postijiet fil-Knisja Tieghi.

Ser ikun hemm hafna nuqqas ta' qbil politiku f'erba' partijiet tad-dinja. Erba' imperi qawwija ser jinbtu bhala l-ghajn ewlenija li bihom jintghelbu l-gwerrer. Huma u jikbru fis-setgha, dawn ser jikkontrollaw hafna partijiet tad-dinja, izda mhux kollha, ghax Missieri mhux se jhalli li dan isehh.

Kull wiehed minn dawn in-nazzjonijiet ser jitqabdu bejniethom, ghalkemm jghidu li qed jahdmu flimkien. Meta jibdew ma jafdawx lil xulxin, kull wiehed jaghmel hiltu biex jisboq lill-iehor u hemm jibda l-glied. Huma ser jeqirdu hafna partijiet mill-imsejkna nazzjonijiet taghhom. Il-popli li huma jkunu jiggvernaw ma jibqalhomx wisq sahha, fejn id-demokrazija tkun imdendla fuq xaghra. **Ser ikunu dawn l-imsejkna nies li qed isofru, li ser jigu protetti minn Alla jekk ikollhom is-Sigill t'Alla l-Haj**.

**Dan ir-Rigal minn ghand Alla huwa hafna izjed milli tahsbu. Is-Sigill t'Alla l-Haj ser jipprotegikom mill-mewt fizika u spiritwali matul il-gwerrer. Nitlobkom twasslu dan lill-izjed nies li intom tistghu f'kull nazzjon**.

L-Egittu u s-Sirja ser jidhlu f'konflitt ta' poter, li mbaghad ikollu riperkussjonijiet fuq Izrael. L-ghedewwa tal-Lhud huma hafna. Il-gwerrer kollha li jimmiraw lejn u jinkludu lil dawn iz-zewg pajjizi, ser jispiccaw fi gwerra finali, li tkun tinvolvi lil Izrael u dawn ser isofru l-akbar genocidju li qatt deher mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn.

Il-waqgha u l-qawmien ta' Izrael kienu gew imhabbra u dawn il-battalji jkollhom jigru, qabel ma l-profeziji jsehhu kollha.

Gesu' Taghkom.

## Hafna sejrin jittraduni billi jaccettaw il-gideb.

Is-Sibt, 21 ta' Settembru, 2013 @ 13.45

**Ghaziza mahbuba binti, l-Qawwa Tieghi, issa ser titkebbes gol-qlub ta' dawk li jemmnu, fejn huma, permezz tal-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, ser ihossuhom kalmi, ghalkemm huma ga qed ikunu xhieda tal-apostasija l-kbira fil-Knisja Tieghi.**

**Jiena, bil-Qawwa u l-Glorja tal-mahbub Missieri, ser naghti lilkom, gheziez dixxipli Tieghi, sahha kbira u kuragg ghal matul dawn il-provi. Intom qed tigu moghtija dawn ir-Rigali permezz tal-Krucjata tat-Talb, ghax kieku minghajrhom, intom issibuha mpossibbli li tghaddu mill-persekuzzjoni religjuza li gejja quddiemkom.** Intom qed tigu moghtija dawn ir-Rigali biex tkunu tistghu ssalvaw lill-ohrajn, li ser jirrifjutaw is-Sejha Tieghi mis-Sema u li ser jiggerrew, bl-innocenza taghhom ghal gol ghar tal-iljun, fejn ser jinqala' l-Infern kollu. Ladarba gewwa l-ghar tad-dlam, huma jigu mkaxkra ghal mar-ritwali pagani. Ruhhom tinfetah ghall-ispirtu tal-hazen u f'perjodu ta' zmien qasir hafna, huma jaghmew ghall-Verita' – il-Kelma Qaddisa t'Alla, li kienet hemm mill-bidu.

Hafna sejrin jittraduni billi jaccettaw il-gideb. Ghalkemm huma kienu gew moghtija l-Verita' bil-Mewt Tieghi fuq is-Salib. Hafna mid-dixxipli Tieghi, meta Jiena kont nghix fl-Art, ittradewni fil-jiem qabel it-Tislib Tieghi. Huma ghamlu bhal Farizej, u bdew jghajtu l-kliem " Ersaq 'l boghod minna, Inti qed tghid l-ereziji. Inti qed izzeblah lill-Farizej, li jitkellmu f'Isem Alla. Inti giddieb u tghid il-hazen. Inti bin Satana."

Issa li qed inhejjikom ilkoll ghat-Tieni Migja Tieghi, intom ser tobzqu l-istess akkuzi ghal darb' ohra. Jiena qed nigi issa permezz ta' dawn il-Messaggi mis-Sema, biex ingibilkom il-Verita', ghalkemm intom tafu kollox dwari. Jiena qed naghmel dan ghax il-Verita' ser tigi mwarrba fil-Knisja Tieghi. Intom dalwaqt taccettaw il-gideb f'Ismi u l-Verita' ma tkun tinstab imkien.

Ftakru dawn il-kliem. Jiena qed nigi biss, biex inwettaq il-Weghda li ghamilt lil Missieri. Jiena qed nigi biex ingibilkom is-salvazzjoni li intom gejtu mweghda. Satana ma jridx li dan kollu jsehh, izda hu ma jistax iwaqqafni. Izda li ser jaghmel hu, li jzomm lil hafna minn ulied Alla, milli jaccettaw l-Ahhar Hniena Tieghi. Huwa

ser jaghmel dan bl-ghajnuna tal-ghedewwa Tieghi, li huwa ga gibed ghal warajh minn gol-Knisja Tieghi fl-Art.

Qumu minn hemm, intom li tinsabu reqdin. Jiena ser nigi bhal halliel bil-lejl. Dawk biss li jkunu mhejjija ser jigu salvati.

Gesu' Taghkom.

## L-Omm tas-Salvazzjoni lis-sacerdoti: Sabiex tibqghu lejali lejn il-Knisja t' Ibni fuq l-Art, intom tridu tkunu lesti biex titimghu l-merhla Tieghu.

It-Tnejn, 23 ta' Settembru, 2013 @ 13.30

**Binti, ser ikunu hafna s-sinjali mis-Sema li ser jidhru fuq il-bjut tal-Knejjes t'Ibni, meta jkunu saru l-ahhar tibdiliet fil-Liturgija tal-Quddisa Qaddisa**. Dawk kollha li jzommu ghajnejhom miftuhin u widnejhom weqfin, ser ikunu xhieda tar-Rabja t'Ibni, b'mod li ma jistax ikun li ma jintgharafx.

**Ibni wieghed illi Huwa ser juri r-Rabna Tieghu, meta fil-Knisja Tieghu fl-Art, huma ser jergghu jsallbuH mill-gdid billi jhammgu l-Gisem u d-Demm Tieghu waqt is-Sagrificju Qaddis tal-Quddiesa**. Raghad u sajjetti, li warajhom jigu maltempati kbar, ser jaqtghu lin-nies minn saqajhom. Ser taraw izjed gharghar fejn jigu mkaxkra mal-ilmijiet id-dnubiet tal-bniedem, meta tibdew taraw l-kastigi li gejjin minn Alla, li ser jitferrghu fuq l-umanita'.

Ilsiera tad-dnub – sahansitra dawk li jhobbu lil Ibni u li ser jibqghu lejali lejn il-Quddiesa Qaddisa – dawn mhux ser jindunaw bid-differenza meta tigi pprezentata l-istmerrija. Ftakru, illi din issir biex tfakkar il-mewt t'Ibni, ghalhekk issir il-Quddiesa Qaddisa, u fejn tiltaqghu mal-Prezenza Vera t'Ibni. Dalwaqt ma jibqghux jaccettaw il-Verita' u l-quddiesa l-gdida issir ceremonja pagana. Dak il-jum ghad irid jasal, u ser jigi f'daqqa u minghajr ma jkun mistenni – hekk ser jimxi bil-ghaggla l-profeta l-falz. **Issa huwa l-waqt li thejju. Dawk il-qaddejja qaddisa kollha, li sejrin jibqghu lejali lejn l-Ewkaristija l-Izjed Qaddisa u li ser izommu mal-Kelma Qaddisa t'Alla, ghandhom jibdew ihejju issa.**

**Sabiex tibqghu lejali lejn il-Knisja t'Ibni fl-Art, intom tridu tkunu lesti li titimghu l-merhla Tieghu bl-Ikel tal-Hajja, li hija l-Ewkaristija Qaddisa. Din hija l-weghda li intom ghamiltu lil Gesu' Kristu, meta intom ghidtu li sejrin taqduH u tipprovdu l-Gisem u d-Demm Tieghu, permezz tal-Quddiesa Qaddisa, lil dawk kollha li jfittxu s-salvazzjoni.** Din il-weghda tridu zzommuha sa l-ahhar jum.

Tibzghux miz-zminijiet li ghandkom quddiemkom, meta l-ghedewwa t'Alla ser juzaw l-Isem Qaddis Tieghu biex jaccettaw id-dnub u jgibu lil kulhadd li jaccettah, meta mbaghad huma ser icahhdu lil kulhadd mill-Gisem u d-Demm Tieghu.  Dan ma jkunx jimporta, jekk intom tkomplu taqdu lil Ibni b'kull mod li tistghu.,

Morru fil-paci u mimlija bit-tama li intom ilkoll li thobbu lil Ibni, ser tigu mbierka bid-Don ta' l-Ispirtu s-Santu, halli tgharfu l-Verita'.

L-Imbierka Omm taghkom

Omm tas-Salvazzjoni.

**L-erba' partijiet tad-dinja li qed nirreferi ghalihom huma l-erba' imperi l-kbar – l-Istati Uniti, r-Russja, l-Ewropa u c-Cina**.

It-Tlieta, 24 ta' Settembru 2013 @11.18

Ghaziza mahbuba binti, l- erba' partijiet tad-dinja li qed nirreferi ghalihom huma l-erba' imperi l-kbar – l-Istati Uniti, r-Russja, l-Ewropa u c-Cina.  Il-profeziji kollha li gew imhabbra ser ikunu mdahhla fihom dawn il-qawwiet, li madwarhom ser isehh it-taqlib kollu religjuz u dak fl-istrutturi tal-politika.

Is-Sirja u l-Egittu, minhabba l-inkwiet f'pajjizhom, ser ikunu dawk li jqabbdu gwerra kbira, li fiha jiddahhlu l-erba' qawwiet il-kbar.  Kull wiehed minn dawn ser ikun maqghud ma' l-ohrajn biex joholqu regim wiehed maghqud, li jintuza biex jikkontrolla l-gid tad-dinja u l-popolazzjoni.

Il-gwerra religjuza ser tkun centrali ghal dan il-kontroll u dawk il-mexxejja mahturin fil-Knejjes Kristjani Tieghi ser jigu meghluba u meqruda biex ihejju t-triq ghall-bestja, li ser jiehu l-kontroll ta' l-erbat imperi. **L-ebda wiehed mill-mexxejja, li jisfidaw il-Kelma t'Alla jew li jippruvaw jeqirdu lill-uliedu, m'huma ser jigu moghtija l-awtorita' minn Alla li jiehdu bil-forza lil dawk li isimhom huwa mnizzel fil-Ktieb tal-Hajjin**.  U filwaqt li Jiena qed nitkellem dwar il-Kristjani u l-bzonn li huma jibqghu fidili Lejja, Jiena qed nirreferi wkoll ghal-Lhud, ghax il-protettur taghhom, l-Arkanglu Mikiel, ser iharishom u jghinhom biex jghaddu mill-persekuzzjoni li huma bhala l-ulied maghzula t'Alla, ser ikollhom huma wkoll jghaddu minnha.

Il-Pjan t'Alla ga tlesta u l-angli u l-qaddisin fis-Sema issa qed ihejju, biex jghinuni fil-Missjoni Tieghi biex nghaqqad lil kulhadd u nipprotegi lil dawk li jhobbuni, mill-qerq, li gie mahluq biex jidhqu bid-dinja.  Qatt qabel, il-hazen kontra Alla ma kien daqshekk miftiehem bejn ir-razza umana bhal ma huwa llum.  **Qatt qabel, il-bniedem mortali, ma kellu l-hila jgib tant tbatija, billi jahtaf il-poter biex jikkontrolla, bhal ma huwa f'dan il-mument fi zmien fl-istorja.**  Il-persekuzzjoni l-kbira kontra ulied Alla, li giet mahluqa minn Satana flimkien mal-hazen li ghenu, rgiel u nisa bil-guh ghall-poter, issa qed jinfirex quddiem ghajnejkom.  Izda, hafna minnkom ma jistghux jaraw ghax dahqu bikom.

Gesu' Taghkom.

**Hafna nsewni u hafna drabi jehduni li Jiena qieghed hemm ghal meta jkollhom bzonni, izda m'hemmx bzonn jaghtu kasi.**

It-Tlieta, 24 ta' Settembru, 2013 @ 18.00

Ghaziza mahbuba binti, kemm inhossni wahdi meta hafna, inkluzi dawk lejali lejn il-Kelma Qaddisa Tieghi, jghaddu tant ftit mill-hin taghhom fil-kumpannija Tieghi. Kemm nixxennaq biex jaghtu kasi, anke jekk ikun ghal moment wiehed fil-gurnata. Hafna nsewni u hafna drabi jehduni li Jiena qieghed hemm ghal meta jkollhom bzonni, izda m'hemmx bzonn jaghtu kasi. Ma tafux li meta titkellmu Mieghi mqar ghal hin qasir, li Jiena nferra' fuqkom il-Grazzji Tieghi? Dawk li jfarrguni billi jitkellmu Mieghi – jkun b' liema mod huwa l-izjed facli ghalihom – huma jsibu paci minn gewwa, li ma tinstab imkien iehor fid-dinja.

**Fil-girja taghkom wara l-pjacir, l-kumditajiet u l-gost, il-ftit soddisfazzjon huwa dejjem ta' hajja qasira. Xejn, inkluzi l-akbar tezori tad-dinja ma jissodisfawkom**. Huwa minhabba Fija – il-Hniena Kbira Tieghi – illi intom gejtu moghtija l-akbar tezor – ir-Rigal ta' hajja mimlija bi glorja kbira, mdawrin bil-gmiel, b'gisem perfett u bil-hila li tistghu thossu mhabba dejjiema, li ser thallikom bla forza, izda ser iggibilkom ferh bla qies. Din hija l-Hajja Eterna u l-waqt li Jiena nehodkom fis-Saltna l-Gdida Tieghi fl-Art, huwa fil-qrib.

**Meta intom titkellmu Mieghu u titolbuni biex inhejjikom ghal dan il-Jum Kbir, intom hemm tkunu lesti, imma din tiehu z-zmien biex taghmlu l-bidliet li huma mehtiega minnkom ghall-Jum il-Kbir tal-Mulej**.

Bhal gharus u gharusa, intom ghandkom ikollkom kollox f'postu qabel il-Jum tal-Barka l-Kbira. Intom tridu thejju l-familja taghkom, il-hbieb taghkom, lil dawk li jigu minnkom, sew bil-quddiem. Imbaghad f'dak il-Jum meta nigi biex inkun xhud ta' din il-Bidla Glorjuza, intom ghandkom tkunu lesti kemm fil-gisem kif ukoll fir-ruh, halli tkunu denji li tidhlu fil-Genna l-Gdida.

Ghal kull jum li tqattghu medijin bil-bzonnijiet ta' l-ohrajn, intom ghandkom izzommu ghal lanqas ghaxar minuti mill-gurnata, li fihom tpattu ghal dnubiekom. Dan huwa ta' bzonn kbir, ghax Jiena nhobbkom u nilqakom. Biex titkellmu Mieghi kif xieraq, intom ghandkom tigu quddiemi, l-ewwel haga bhala qaddejja umli. **Meta tinzlu gharkubtejkom quddiemi jew semplicement tkellmuni f'qalbkom, dejjem ibdew billi tghidu hekk:**

**"Gesu' ahfirli, ghax jiena dnibt."**

**Wara dan, intom thossu l-Prezenza Tieghi u Jiena nigi nghix f'ruhkom**. Izjed ma dduru Lejja ta' spiss, izjed tersqu qribi. Fi ftit zmien, Jiena nsir bhal habib li ma tistghux tghixu minghajru. Hemm tibdew idduru Lejja ghal kull haga zghira, u Jiena hemm inkun. Jiena dejjem nizgura li dawk li jghaddu l-hin fil-Kumpannija Tieghi jigu moghtija favuri u l-barkiet Tieghi jgibulhom il-kalma tar-ruh u l-paci tal-mohh. Ftakru li Jiena nwiegeb mall-ewwel lil dawk li jfittxuni.

Gesu' Taghkom

## Hazin ghalihom dawk il-Kristjani li telqu Lili u fittxew il-paganizmu 'new age'

It-Tlieta, 24 ta' Settembru 2013 @ 22.44

**Ghaziza mahbuba binti, kull ruh hajja ghandha stint qawwi li tfittex lil Alla f'hajjitha. Dawk li jsibu l-Imhabba t'Alla fil-forma l-izjed pura taghha, jkunu gew moghtija dan ir-Rigal minhabba l-umilta' taghhom u ghax jkunu accettaw il-fatt li kull Glorja hija t'Alla.**

**Il-pagani, min-naha l-ohra, huma u jfittxu l-paci spiritwali, jibdew ifittxu dak li holoq Alla l-Veru, minflok lill-Hallieq taghhom**. Minflok ma jinxtehtu quddiem Alla, l-Missier Tieghi, li jista' Kollox, Hallieq ta' kollox, huma jinxtehtu quddiem idoli foloz, inkluzi l-ghegubijiet li Huwa halaq ghad-dinja – l-Art, ix-xemx, il-qamar u l-istilel. Huma jaghmlu lil dawn l-ghegubijiet idoli u mbaghad jemmnu li meta jaghmlu hekk, dawn igibilhom qawwiet kbar. Dak li qed ifittxu huwa forma t'gharfien spiritwali, li huma jittamaw li jgibilhom pjacir u paci. **Hafna mbaghad, permezz tal-meditazzjoni u l-yoga, jifthu mohhhom u ruhhom biex ihallu lill-ispirtu tal-hazen li jhazzinhom.** Zbaljati, huma jahsbu illi xi qawwi ohra, li mhix gejja minn Alla l-Izjed Oghli, tista' taghtihom il-paci li huma jixxenqu ghaliha.

**Kunu ghafu issa, illi hemm Alla wiehed biss. Kull forma ohra ta' adorazzjoni hija paganizmu**. Ma jimpurtax xi jghidu, jew kif jiggustifikaw l-azzjonijiet taghhom, ghax huma jkunu qed jistiednu lil Satana biex jattakka ruhhom u ladarba jirnexxielu jidhol, hu, flimkien max-xjaten li jibghat, ma jhallux lil dawn l-erwieh kwieti. Huma jitturmentaw lil dawn l-erwieh, jimlewhom bil-gideb u jgeghluhom jemmnu li huma ghandhom don. **Xi whud jahsbu li jistghu jfejqu lill-ohrajn, bil-prattici bhal ma huwa r-Reiki, li dak li jaghmlu huwa li jinfestaw lill-ohrajn anke lil dawk li huma innocenti. Meta l-pagani jkantaw biex jigbdu lejhom doni specjali, huma jghidu li din iggibilhom il-paci. Filwaqt li hafna jemmnu dan, kunu ghafu illi fi zmien qasir – ladarba l-ispirtu tal-hazen ikun dahal fil-menti taghhom – huma jithawdu u ma jsibu l-ebda mistrieh.** Huma jfittxu kull pjacir tas-sensi l-hin kollu u kulma jiehdu lura huwa d-dlam tar-ruh.

Il-paganizmu jgib nuqqas ta' kwiet kbir, u fl-artijiet fejn il-pagani jghajtu lill-allat foloz, huma jgibu fuqhom il-Korla ta' Missieri. Hafna minn dawn l-erwieh ma jifhmux xi jkunu qed jaghmlu, izda intom tgharfuhom mill-mod kif izejnu gisimhom, ghax huma jaraw lilhom infushom bhala garar sagri f'ghajnejn dawk l-idoli foloz li

huma jghidu li jaduraw. L-imhabba, l-umilta' u s-sagrificju personali ghall-gid ta' l-ohrajn, ma jkunux hemm, ghax huma jaduraw biss is-sensi. Huma ma jifhmux li ruhhom hija Rigal minn Alla u ghalhekk huma jbieghuha huma u jigru wara l-perfezzjoni, li qatt ma jista' jkollhom.

Waqt it-Twissija, Jiena ser inqajjem go dawn l-erwieh il-Verita' dwar huma lil min jappertjenu. Itolbu li huma jaccettaw l-Id Tieghi tal-Hniena. Hazin ghalihom dawk il-Kristjani li telqu Lili u fittxew il-paganizmu 'new age'. Huma dawk li ma jridux il-Hniena Tieghi u jippreferu jhawdu fi hwejjeg bla sens, ghax dawn jimlewlhom l-ego taghhom meta huma jsiru jemmnu li ghandhom qawwa li jikkontrollaw hwejjeg ta' spiritwalita'. Meta jkunu qed ifittxu l-perfzzjoni personali b'dan il-mod, huma jinqatghu ghal kollox minn Alla. Billi jaghmlu hekk, huma jkunu fethu l-bieb ghall-wiehed tal-hazen, li jwaqqaghhom u jipnotizzhom permezz tal-weghdiet superstizzjuzi, li jwasslu biex ruhhom issir xahari fejn l-Imhabba t'Alla ma tistax tghix.

Gesu' Taghkom.

## **Ftit biss ser ikunu qalbiena bizzejjed biex ixandru fil-miftuh il-Kelma t'Alla waqt it-Tislib tal-Knisja t'Ibni fuq l-Art.**

L-Erbgha, 25 ta' Settembru 2013 @ 12.15

Binti, t-Tislib tal-Knisja t'Ibni fuq l-Art ga beda bis-serjeta' u s-sinjali bdew jidhru. Hekk kif Ibni kien imsammar mas-Salib, wiehed biss mill-appostli baqa' Mieghu sa l-ahhar, u hekk ukoll, ser ikunu **ftit biss mid-dixxipli Tieghu fuq l-Art, li ser jazzardaw li juru ruhhom li qed jiddefendu l-Gisem Mistiku Tieghu fl-Art, meta dan qed jigi misruq, ippersegwitat u migjub fix-xejn.**

Ftit hafna minn dawk li hadu gurament lejn Ibni, ma qaghdu jaraw is-swat Tieghu jew li mxew Mieghu Huwa u tiela' l-Gholja tal-Kalvarju. Jiena kelli biss erba' dixxipli lejali – il-kugina tieghi Maria, Martha, Maria ta' Magdala u lil Gwanni – biex izommuni u jghinuni fl-agunija tieghi meta kont qed nara t-torturi terribbli t'Ibni. Hafna ser jimxu fuq l-istruzzjonijiet t'Ibni, permezz ta' dawn il-Messaggi ghad-dinja, izda ftit biss ser ikunu qalbiena bizzejjed biex ixandru fil-miftuh il-Kelma t'Alla waqt it-Tislib tal-Knisja t'Ibni fuq l-Art.

In-niket tieghi bhalissa huwa kbir, meta dak kollu li kien gie mhabbar fid-deheriet ta' La Salette u Fatima qed isehh quddiemkom, izda hafna minnkom huma ghomja. Dawk minnkom li qattghu sighat quddiemi fil-knejjes qaddisa ddedikati lili, ghandhom jigu u jitolbu lili Ommkom, biex nifthilkom ghajnejkom ghalll-Verita'. Intom ghandkom titolbuni biex nikkonsagra l-qalb u r-ruh taghkom lil Ibni, ghax inkella intom ukoll tichduH.

Ommkom il-mahbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

## [Alla l-Missier: Jekk ikolli neqred bliet shah sabiex inwaqqaf it-tixrid tal-hazen, Jien lest li naghmel dan.]

Il-Hamis, 26 ta' Settembru 2013 @ 17.55

Binti l-izjed ghaziza, l-Id Tieghi tal-Gustizzja issa nizlet madwar id-dinja kollha u Jiena ser nikkastiga lil dawk li jwegghu lil uliedi fil-gisem u fir-ruh. Intom ghandkom tibzghu mill-Korla Tieghi u taccettaw ukoll il-Hniena Tieghi.

**Jiena ser nintervjeni fin-nazzjonijiet taghkom biex inwaqqaf il-gwerrer milli jikbru u jekk ikolli neqred bliet shah sabiex inwaqqaf it-tixrid tal-hazen, Jien lest li naghmel dan.** Waqt li l-hazen tal-bniedem qed jinxtered bhal virus, Jiena ser naqsam lil dawk l-erwieh u neqridhom. **Kif idardruni d-dnubiet koroh tal-abort, gwerrer, qtil u l-qerq ta' dawk li jghinu fil-firxa tad-dnub. Huma ser ihallsu l-prezz ta' dan kollu issa.**

**Dawk f'pozizzjonijiet politici, li jikkontrollaw kemm ikun facli li taghmel abort, ser ikunu l-ewwel li jigu kkastigati.** Stennew issa halli taraw kif ser isofru ghall-atrocitajiet li huma jaccettaw Quddiemi. Dawk il-gruppi, li jippjanaw il-qerda tal-popolazzjoni permezz tal-abort, ser imutu mewta ta' agunija permezz ta' Idi. Fl-ahhar ser issir gustizzja maghhom, ghax Jiena m'inhix ser inhallihom jaghmlu izjed hazen fuq uliedi. L-ghajjat taghhom, li huma qed jaghmlu dan kollu fl-interess ta' l-uman, ser jigi msikket ghax huma nqatghu Minni u issa ser ikollhom ftit wisq hin biex jifdu ruhhom.

**Dawk li gew moghtija r-responsabbilta' biex jghallmu lil uliedi l-Verita' tal-Evangelji, ghandhom jaghtu kas ta' din il-weghda. Jiena ser nghollikom meta intom tghidu l-Verita', izda Jiena ser nitfakom fl-abbiss jekk u meta intom twaqqghu l-Ewkaristija Qaddisa.** U filwaqt li l-giddibin jippruvaw jikkonvincukom li ghandkom bzonn li tibdlu l-Verita' u jippersegwitawkom, din m'hi ser tkun xejn hdejn id-dlam li Jiena ser ingib fuq l-art kollha. Imbaghad ser ikun hemm il-biki u t-thezziz tas-snien izda hadd ma jismaghkom. Intom ma tibqghux taraw, u lanqas tisimghu xejn, izda intom thossu l-ugigh ta' dawk l-erwieh li intom qridtu bl-apostasija, li ghintu biex titheggeg, sakemm din hakmet l-erwieh ta' dawk il-qaddejja qaddisa li intom tmexxu.

Ibzghu mill-Korla Tieghi, ghax din ser tigi fuqkom bla mistenni u hemm ikun tard wisq ghalikom. **Intom qatt m'hu ser taraw Wicci. Jiena qed naghti lill-mexxejja ta' dawk kollha li jikkontrollaw il-Knejjes Tieghi fuq l-art din l-ahhar twissija**.

Jekk tonqsu milli tiddefendu l-Kelma t'Alla, jew li zzommu shiha l-Ewkaristija Qaddisa, r-rizultat ikun mewt u disperazzjoni. Jiena mhux ser inhallilkom zmien biex teqirdu l-erwieh ta dawk kollha li gew immarkati mill-ghedewwa Tieghi

Missierkom

Alla l-Izjed Oghli.

## Il-Knisja Vera Tieghi ser tigi mkeccija minn Ruma u jkollha tghaddi numru ta' snin fix-xahri.

Is-Sibt, 28 ta' Settembru 2013 @ 15.23

**Ghaziza mahbuba binti, dejjem fakkar lil dawk li jemmnu Fija, izda li m'ghandhomx l-icken hsieb li t-Tieni Migja Tieghi qeghda toqrob, illi huma ghandhom dejjem izommu ruhhom ghassa ghas-sinjali li kienu gew imhabbra fil-Ktieb ta' Missieri, ghal dak iz-zmien ta' qabel il-Jum il-Kbir**.

**L-apostasija l-kbira hija l-ewwel sinjal. Din hija meta t-twemmin fil-Verita' – il-Kelma t'Alla – tisparixxi u d-dnub jigi gglorifikat f'kull parti tad-dinja**. Is-sinjal ta' meta t-Tieni Migja Tieghi tkun fil-qrib hafna, jkun meta l-apostasija l-kbira tahtaf lill-Knisja Tieghi minn gewwa. Meta taraw lil dawk li jghidu li gew mqabbda Minni biex imexxu l-Knisja Tieghi fuq l-Art, u mbaghad jinghaqdu mad-dinja sekulari biex jinghogbu, intom tkunu tafu li l-bidliet bdew. Meta taraw is-Sagrificju l-Kbir – it-Tislib Tieghi - jigu dibattuti u jsir tifsir gdid ghall-Ewkaristija Tieghi, intom tindunaw li l-Knisja Tieghi ser tinxtehet fid-dezert.

**Bil-Knisja Tieghi, Jiena rrid nirreferi ghal dawk li ma jitbeghdux mill-Verita' u jkomplu bhal qabel, jaccettaw il-Kelma t'Alla. Il-Knisja Vera Tieghi ser tigi mkeccija minn Ruma u jkollha tghaddi numru ta' snin fix-xahri.** Din ser tigi taht riglejn dawk li ma jemmnux u ser issofri, izda bil-Grazzja Tieghi, din ser tibqa' bla mittiefsa u dawk l-erwieh qalbiena li jirrifjutaw li jitilquni, ser jigu moghtija Rigali mhux tas-soltu Minni. Hekk kif il-mistmerra u hekk imsejha 'mirakli', fejqan u atti t'umilta' falza u mhabba ghall-umanita', jidhru fil-qoxra tal-Knisja Tieghi, hemm jidhru l-interventi mirakoluzi veri Tieghi. Jiena permezz tal-Gruppi tal-Krucjata ta' Talb Tieghi, ser ngharraf lil dawk li jghajruhom u jghadduhom biz-zmien, bil-Prezenza ta' l-Ispirtu s-Santu. Hafna mirakli ser jigu moghtija lil Gruppi ta' Talb Tieghi u lil dawk li jghidu t-Talb bhala rigal biex jghinu lid-dixxipli mahbubin Tieghi jghaddu mill-persekuzzjoni religjuza.

Il-persekuzzjoni li qed nitkellem dwarha hija wahda spiritwali, l-izjed. Id-dixxipli veri Tieghi, u Jiena nfisser il-Kristjani kollha, ta' kull twemmin, kullimkien, ser ikollhom iharsu b'niket kbir u jkunu xhieda tal-qerq il-kbir, li gej fuq il-Knisja Kattolika. **Il-Knisja Kattolika ser tghannaq lid-dinja sekulari u tiddikjara li d-dnub il-mejjet m'ghadux jezisti.** Id-dnub mhux ser jibqa' dnub u biex iqarrqu bl-innocenti, huma ser jghidulhom li mhux difficli li tidhol fis-Saltna Tieghi. **Il-Qrar fil-forma li huwa llum ser jispicca.** In-nies ser jghidulhom biex jitolbu ghall-fidwa taghhom bil-mod kif jahsbuha huma, u ghalhekk, hafna mhux ser jinkwetaw biex

jitolbu l-Mahfra Tieghi. Huma mhux ser jaghmlu dan ghax mhux ser jibqghu jaccettaw illi d-dnub isir bir-rieda tieghek stess, u jahsbu li ghalhekk Alla ser jahfer lil kulhadd. Dan huwa l-izball li kien gie mhabbar u li ser iwassal miljuni ghal go n-nirien ta' l-Infern u dawn ser jitwasslu hemm mill-profeta l-falz u l-antikrist.

Dalwaqt il-festi u l-festegjamenti kollha pagani, ser jiddahhlu fil-Knejjes Kattolici kullimkien. Il-pagani u dawk li joboghdu lil Alla sa jigu mistiedna fuq l-artali quddiem it-tabernakli. Din il-festa ser tkun iddikjarata li hija l-forma l-gdida tat-Tqarbin – l-ulied kollha t'Alla jinghaqdu flimkien biex jirrispettaw it-twemmin wiehed ta' l-iehor u d-drittijiet umani. Intom is-segwaci Tieghi ser tigu mitluba biex turu rispett lejn dawn li jridu jgibu l-qerda tal-Prezenza Tieghi fl-Ewkaristija Qaddisa. Intom ser tigu akkuzati li m'intomx Kristjani jekk ma titghannqux mal-paganizmu. Dan huwa kif ser jidhqu bikom ilkoll. Dan huwa kif Jiena, Gesu' Kristu ser nigi mkasbar. Ser jaghmlu l-istess haga fil-politika, fejn kulma ghandu x'jaqsam Mieghi ser jigi miknus. L-ebda religjon ohra m'hi ser tkun il-mira ta' tant mibeghda. Il-Kristjanezmu, minhabba li huwa l-Verita', ser jigi meqrud.

Dak li intom ma tindunawx huwa illi meta intom tiehdu sehem bir-rieda kollha taghkom f'dan it-tkasbir, ruhkom tiddallam u biz-zmien intom titilfu s-salvazzjoni taghkom stess.

Ittraduni u Jiena nahfrilkom. Ichduni u Jiena nahfrilkom. Izda meta intom tkasbruni u taghmlu patt mal-bestja, intom tinqatghu ghal kollox minn Mieghi u ssibuha mpossibbli li taccettaw il-Hniena Tieghi.

Gesu' Taghkom.

## [Il-Masunerija ekklesjastika issa laħqet l-oghla livell ta' poter fil-Knisja Qaddisa Tiegħi fid-Dinja.]

It-Tnejn 30 ta` Settembru, 2013 @ 15:40

Ghaziza mahbuba binti**, rrid nitlob lill-qaddejja qaddisa Tiegħi biex joqogħdu attenti għall-ordnijiet biex jattendu rtiri, li se jiddahhlu biex jipperswaduhom biex jaqblu ma' ġurament gdid ta' lejaltà, li jgib fix-xejn – jekk jaqblu li jagħmlu dan – l-aktar weghdi sagri tagħhom li huma għamlu Lili, Ġesù Kristu.**

Il-Mazunerija ekklesjastika issa laħqet l-oghla livell ta' poter fil-Knisja Qaddisa Tiegħi **u dalwaqt se tiddetta il-liturġija ġdida tagħha, li se tkun ta` sfida – ghar-rieda Qaddisa Tiegħi. Maħluqa mill-għedewwa t' Alla u moħbija bħala addatament ġdid li tixraq lis-setgħat politiċi, li jixtiequ jwaqqfu l-Kristjaneżmu, din se tiġi ppreżentata hekk malajr li ħafna fi ħdan il-Knisja Tiegħi se jigu mahsuda**. Huma se jwegghu meta jaraw tali stmerrija, iżda l-ilħna tal-qaddejja lejali Tiegħi mhux se jinstemgħu fil-pubbliku, għax dawn, il-Mazuni, jikontrollaw kif din il-liturġija ġdida ser tiġi accettata f'kull mod. Kull oġġezzjoni li tkun tqajmet fid-djoċesijiet madwar id-dinja se tiġi miċħud u mwarrba. I-iskuża se tkun li l-Knisja għandha bżonn tigbor maghha erwieħ żgħażagħ ġodda li jkunu waqgħu l-bogħod minnha. Billi tkun toghgob lid-dinja sekulari, huma se jgħidu li din se tikkonverti aktar nies permezz ta' liturġija ġdid.

O kemm se tkun qarrieqa din l-istmerrija u kemm se jkunu hafna dawk li jaqgħu għall-gideb, li se jwassal lil hafna l-bogħod mill-verità. **Il-Ktieb tal-Verità kien gie mhabbar lill-profeta Daniel, li bih, l-Ulied t'Alla m'ghandhom qatt jinsew il-Verità, meta jkunu qed jegħrqu fil-gideb li se jibla' l-Knisja Tieghi fid-Dinja**.

Aċċettaw il-Verità stabbilita mill-Knisja Tieghi fid-Dinja. **Taċċettawx il-liġijiet il-ġodda, li intom se tkunu sfurzati li taċċettaw fl-Isem Imqaddes Tieghi, li se jwasslu għal sagrilegg.**

Ġesù Taghkom.

**Hemm idea zbaljata ta' dak li jaghmel ragel jew mara qaddisin f'Ghajnejja**.

L-Erbgha, 2 t'Ottubru 2013 @ 22.15

Ghaziza mahbuba binti, hemm idea zbaljata ta' dak li jaghmel ragel jew mara qaddisin f'Ghajnejja.

Hafna nies fid-dinja jsibu li hija difficli biex thaddan il-Fidi Kristjana meta tigi ghat-talb. **Hemm tant nies li jridu l-gid u li huma tajbin, li jsibuha bi tqila biex joqoghdu bil-qeghda fil-kwiet u fil-paci jikkontemplaw il-Lezzjonijiet Kbar Tieghi li Jiena tajt lid-dinja biex infehmhom dak li huwa mistenni minnhom. Jiena ma nitlob xejn kbir. Jiena ma nisfurzax erwieh biex iqattghu sighat fuq sighat quddiemi, ghalkemm Jiena nifrah hafna meta erwieh umli jaghmlu dan – izda din hija xi haga rari**.

Dan huwa l-mod li bih Jiena nixtieq inkabbar relazzjoni intima ma' l-ulied kollha t'Alla. Jiena ghandi bzonn nisma' l-lehen zghir taghkom jghajjatli meta intom tkunu tixtiequ taqsmu Mieghi l-hsibijiet privati taghkom; in-niket; il-ferh; l-inkwiet; il-fallimenti u x-xenqa taghkom Ghalija, halli Jiena nkun prezenti u intom tkunu xhieda Tieghi.

Qatt qabel fl-istorja tad-dinja, Alla ma halla Lilu nnifsu li jinhass go ruh dawk li jfittxuH daqs issa – permezz Tieghi, l-uniku Iben Tieghu. **Bil-Qawwa t'Alla, l-Missier, l-Izjed Oghli – Jiena ser nigi quddiem l-izjed baxxi, l-izjed li ma jisthoqqilhomx, l-izjed konfuzi, dawk li huma l-izjed ittormentati fl-ispirtu, biex naghtikom ir-Rigal li tkunu xhieda tal-Prezenza Tieghi.** Kif ser naghmel dan? Kif ser tkunu tafu li Jiena qed nikkomunika maghkom? **L-ewwel Jiena ser nimliekom bid-dmugh tal-konverzjoni. Intom tibdew thossu dieqa kbira filwaqt li tergghu tghixu t-Tislib Tieghi. Intom tibdew taraw il-hajja, anke fis-sitwazzjonijiet ta' kuljum, minn kif naraha Jiena. Intom tingibdu lejn l-ohrajn li diga huma mimlijin bid-Don ta' l-Ispirtu s-Santu.**

Jiena ma naghzilx lil dawk li intom tahsbu li l-izjed jixirqilhom, li huma l-izjed qaddisa, l-izjed imbierka, jew li ghandhom l-izjed dixxiplina izjed minnkom. Jiena naghzel biss lil dawk li jigu Ghandi b'umilta' totali, fejn ir-rieda hielsa taghhom huma telquha, halli ssir ir-Rieda Tieghi.

Jekk intom veru thobbu Lili, intom ikollkom il-paci vera. Jekk intom veru thobbuni, intom tghiduli:

***"Gesu' tkun biss ir-Rieda Tieghek. Ir-rieda hielsa tieghi hija Tieghek. Aghmel biha dak li trid."***

Meta ruh tghidli hekk, din tkun qaddejja vera Tieghi u huwa minhabba hekk, illi Jiena nista' nsalva l-kumplament ta' dawk li ghandhom rashom tant iebsa biex jaghrfu t-tifsira tal-ghaqda taghhom Mieghi.

Jiena nista' naghmel hafna affarijiet u nohloq hafna mirakli, meta r-rieda hielsa, li kienet giet moghtija lil kull persuna minn Missieri, tigi offruta lura Lili, Ibnu. Din hija l-akbar qawwa li ser teqred il-qawwa tal-bestja meta jigi fil-poter. Ejjew Ghandi u aghtu b'rigal ir-rieda hielsa taghkom lil Missieri, sabiex iggibu l-helsien lir-razza umana. Nitlobkom tghidu din it-Talba specjali tal-Krucjata:

**Talba tal-Krucjata (123) Ir-Rigal tar-rieda hielsa lil Alla:**

*Gesu' tieghi, l-izjed ghaziz, isma' din it-talba tieghi, ruh li ma tiswa xejn, u ghinni biex inhobbok izjed. Bir-rieda hielsa tieghi, jiena qed noffrilek dan ir-Rigal lura, ghaziz Gesu', halli jiena nsir il-qaddej umli tieghek u nibqa' ubbidjenti lejn ir-Rieda t'Alla.*

*Ir-rieda tieghi hija r-Rieda Tieghek. Il-Kmand Tieghek ifisser li jiena nobdi kull xewqa Tieghek.*

*Ir-rieda hielsa tieghi hija Tieghek biex taghmel biha dak li huwa mehtieg biex issalva l-bnedmin kollha, madwar id-dinja kollha, li huma mbeghdin Minnek.*

*Jiena naghti dan ir-Rigal li gie moghti lili fit-twelid, ghas-Servizz l-Izjed Qaddis Tieghek. Ammen.*

Izjed ma tibdew issiru tafuni, izjed tifhmu zewg affarijiet. It-Taghlim Tieghi qatt ma tbiddel. Jiena nhobb l-erwieh kollha.

Gesu' Taghkom.

**Hekk kif jibda t-Tislib tal-Knisja Tieghi fl-Art, intom ghandkom tgharrxu ghas-sinjali li kienu gew imhabbra**.

Il-Hamis, 3 t'Ottubru, 2013 @22.35

Ghaziza mahbuba binti, hekk kif jibda t-Tislib tal-Knisja Tieghi fl-Art, intom ghandkom tgharrxu ghas-sinjali li kienu gew imhabbra.

**L-ghedewwa t'Alla ser jikkupjaw kull aspett tat-Tislib Tieghi, billi jibdew bit-tkasbir tal-Gisem Tieghi. Meta gejt imkaxkar ghal quddiem il-bojja Tieghi, huma nezzawni gharwien, sabiex jghadduni biz-zmien u jgeghluni nisthi. Imbaghad huma libbsuni l-ahmar – il-kulur tal-bestja. Huma argumentaw min kien ser idahhal l-ewwel musmar f'Gismi. Imbaghad, bhal slavag, huma bdew igebbdu dirghajja u riglejja u gebbduli dirghajja tant illi qalghuhomli minn posthom, halli jwegghuni izjed. Sabiex iwegghuni izjed, huma dahhlu l-imsiemer minn gol-pali ta' idejja, b'angolatura li johorgu mill-polzijiet Tieghi. Dirghajja t-tnejn gew migbuda f'angolu hazin u Jiena sfajt imdendel b'mod ta' ugigh kbir, li kien kollu mahsub biex Jiena jkolli l-izjed ugigh possibbli u umiljazzjoni.**

**Huma tefghu x-xorti halli jkunu l-ahhar tmint irgiel li jiehdu sehem fit-tortura mdemmija li ghamlu fuq Gismi**. Bdew ikantaw oxxenitajiet, jaghtuni bil-harta u bil-ponn, jaghtuni bis-sieq fl-istonku u jghajtu bhal slavag. Huma kasbruni b'kull mod li setghu biex juru lil kull min kien xhud tal-mewt Tieghi fuq is-Salib, illi Jiena kont qed nigi kkastigat ghal dak li huma kienu jsejhu gideb. Jiena gejt maqtul biex isikktuni u biex ma jhallux il-Kelma t'Alla tilhaq l-erwieh.

**Dalwaqt jigri l-istess**. Mhux ser ikun bizzejjed ghall-ghedewwa Tieghi li jibdlu l-Prezentazzjoni ta' l-Ewkaristija – huma ser ikasbru Gismi ghal darb' ohra. Huma sejrin ikasbruni bl-istess modi. Il-kulur ahmar ser jintuza'; u huma ser jaghmlu mossi quddiem is-Salib Tieghi u jinsultawni bir-ritwali godda taghhom. Ser ikunu dawk

biss li jaghrfu s-sinjali u jindunaw bis-sagrileggi li ser jigu pprezentati lid-dinja b'entuzjazmu qalb il-pompa u l-isplendur.

**L-omeliji l-godda ser ikunu bla sens u hafna mill-liturgija l-gdida mhix ser taghmel sens.** Ghal dawk li jafu t-Taghlim Tieghi, oqghodu attenti ghad-dikjarazzjonijiet li jhawduk, bla logika u kkumplikati, li ser jakkumpanjaw id-dhul il-gdid tat-taghlim u t-twemmin l-antik, li gew riveduti. Dawn mhux talli ser ihawdukom u joholqu nuqqas ta' kwiet f'ruhkom, izda dawn ser ikunu mimlija kontradizzjonijiet u gideb, li qatt ma jista' jkun li gejjin Minni, Gesu' Kristu.

Intom gejtu moghtija l-Verita' minn meta Jiena mxejt fuq l-Art. Issa intom ser tigu moghtija l-gideb, mahluqa biex titbeghdu minn Alla. Kunu zguri li qeghdin ghassa, ghax tigu miblughin u mehudin go duttrina falza. Id-duttrina tad-dlam, mahluqa bir-reqqa ghal hafna snin, daqt gejja fuqkom. Intom qatt m'ghandkom taccettaw weghdiet li jmorru kontra Kelmti. Meta taraw dawn il-hwejjeg isehhu, intom tkunu tafu li dawn gew migjuba lilkom mill-ispirtu tal-hazen, biex jeqred ic-cans taghkom ghas-salvazzjoni eternal.

Gesu' Taghkom.

I**chdu d-dnub u intom tkunu qed tichdu Lili.**

Il-Gimgha, 4 t'Ottubru, 2013 @ 23.44

Ghaziza mahbuba binti. l-ebda bniedem ma jista' jitqabad Mieghi u wara jippretendi li jkollu s-salvazzjoni eterna, jekk kemm-il darba huwa ma jaghtix lilu nnifsu kollu Lili. L-ulied kollha t'Alla ghandhom ikunu jafu li z-zmien qed joqrob meta d-dinja ghandha tkun taf illi l-Ahhar Sejha Tieghi hija kwazi fuqhom.

Qatt tibzghu mis-Sejha Tieghi. IlqughHa, ghax Jiena ser ingibilkom l-imhabba, il-Paci u s-Salvazzjoni. Injorawni riskju taghkom, ghax Jiena ser naghti tant hin biss biex intom twiegbu ghas-Sejha Tieghi mis-Sema.

**Intom, l-gheziez segwaci Tieghi – intom min intom – ser issibu lilkom infuskom izolati u maqtughin mill-Prezenza Vera Tieghi. Il-Prezenza Tieghi, Kelmti u t-Taghlim veru t'Alla ser jigu eziljati u intom ser issibu ruhkom fi stat ta' solitudni**. Dawk li jwarrbu u jghaddu biz-zmien dawn il-Messaggi Qaddisa Tieghi ta' Mhabba lid-dinja, ser jibqghu jithassbu kif dan jista' jkun, meta intom timxu fit-triq tal-qerq. Izjed ma timxu f'din it-triq, izjed tkabbru d-distanza bejn ruhkom u l-Hniena Tieghi.

Meta intom thobbuni, intom temmnu fit-Taghlim Tieghi. Jekk intom tafuni, intom taghrfu l-Kelma Qaddisa Tieghi fl-Iskrittura. Jekk intom tafuni u taccettaw li xi darba Jiena ser inhalli l-Kelma Qaddisa Tieghi tinqaleb u ssir xi haga li m'hiex, minghajr ma nintervjeni min-naha Tieghi, allura intom ma tistghux tghidu li tafuni. Jekk intom temmnu li Jiena, Bin il-Bniedem, li miet mewta kerha, ghalikom, biex isalvakom mid-dnub, ser noqghod kwiet u naccetta sitwazzjoni bhal din, allura intom qed tichdu l-Kelma t'Alla.

Ichdu d-dnub u tkunu qed tichdu Lili. **Accettaw li d-dnub huwa haga tajba jew inkella emmnu, ghal minuta wahda biss, li Jiena ser niskuzah, minghajr**

**rikonciljazzjoni, u hemm intom ma tistghu qatt ikollkom post fis-Saltna Tieghi**. Jiena qed inwissikom li dan iz-zmien li gej quddiemhkom ser jghaddikom mill-aktar triq perikoluza ta' qerda, jekk intom ma tibqghux lejali lejn il-Kelma Qaddisa Tieghi.

Kelmti hija Eterna. Is-Saltna Tieghi hija taghkom meta intom taccettaw Kelmti kif kienet giet moghtija lilkom. Azzardaw baghbsu maghHa jew accettaw xi tibdil gdid fiha u intom issofru ta' dan. **Ir-Rabja Tieghi qeghda tikber, meta nara kemm huwa ftit ir-rispett li hafna minnkom juru lejn il-Verita' li giet miktuba fil-Ktieb ta' Missieri. Ma jistax ikun hemm Verita' ohra. Kull tip ta' tibdil qatt ma jista' jkun accettat minn Alla. M'hemmx argumenti. M'hemmx ragunar uman. M'hemmx eccezzjonijiet. Il-Verita' tibqa' tghix ghall-Eternita'. Il-gideb iwassalkom f'dirghajn il-bestja**.

Gesu' Taghkom.

**Dalwaqt jghidulkom biex tuzaw il-fidi taghkom biex tinholoq kampanja politika madwar id-dinja li ssalva lill-foqra.**

Il-Hadd, 6 t'Ottubru, 2013 @ 23.20

Ghaziza mahbuba binti, **lehen il-profeta l-falz jghajjat dwar dak kollu li huwa sagru fil-Knisja Tieghi. Sadanittant ftit ser jinghad dwar l-importanza li zzommu mat-Taghlim t'Alla, s-Sagramenti u d-dikjarazzjoni tal-Verita'**. Minflok intom ser taraw tibdil, bhalma huwa li tiehdu hsieb il-foqra tad-dinja u dawk li huma bil-guh, u dan isir li huwa l-ewwel obbligu taghkom bhala qaddejja t'Alla.

Bhala qaddejja u segwaci t'Alla fil-Knisja, l-ewwel lejalta' taghkom ghandha tkun lejn il-Verita' ta' dak li ghidtilkom Jien. Li thobbu lill-foqra u lil dawk li huma bil-guh u tghinuhom hija haga tajba, izda l-Knisja Tieghi fid-dinja ghandha dover hafna akbar, li ghalih kontu ghamiltu weghda. Dan jinkludi t-Taghlim tal-Verita' f'kull ma ghallimtkom Jien, u intom tridu taghmlu dan, jekk intom thobbuni.

**Il-Knisja ghandha Missjoni biex tghallem il-Verita' tat-Taghlim Tieghi. Meta tiehdu aspett wiehed biss mill-Kelma Tieghi, dak li tghinu l-foqra, huwa ta' min jammirah, imma dan jiftiehem hazin, ghax it-Taghlim Tieghi jghid car illi intom ghandkom tghinu lil dawk foqra fir-ruh**. Tghinuhom ifejqu ruhhom, qabel ma tghinuhom biex jehilsu mit-toqol tal-hajja. Kieku kellu naghtikom bniedem fqir u nghidilkom biex tghinuh, kif ser taghmlu dan? Taghtuh il-hwejjeg? Flus biex jitma lill-familja? Jew titolbuni biex inslava lil ruhu, l-ewwel?

Dalwaqt jghidulkom biex iddawru l-attenzjoni kollha taghkom fuq il-foqra tad-dinja. Intom tigu mitluba l-flus – u dawn ser jittiehdu minn sorsi differenti, biex tghinu lill-foqra tad-dinja, lil dawk li m'ghandhomx xoghol u lil dawk li m'ghandhomx fejn joqghodu. **Lilkom jghidulkom li Jiena, Gesu' Kristu, dejjem kont inhobb lill-foqra. Il-problema hija din. Jiena l-ewwel ma naghmel huwa illi nfittex lil dawk li huma foqra fl-ispirtu – biex nehlishom mill-hajja mitlufa taghhom. Dawk foqra fir-ruh – dawk li kwazi ma jhossu xejn fl-ispirtu ghal Alla – huma dawk li**

**Jiena nixxennaq ghalihom.** Imberkin dawk li huma foqra f'din il-hajja, ftit ghandhom x'juru fiha, izda illi jhobbuni, ghax dawn in-nies m'huma foqra xejn. Il-bniedem sinjur li ma jhobbnix, huwa izjed fil-bzonn ta' l-Imhabba Tieghi, l-Hniena Tieghi, l-Kompassjoni, minn dawk li jkollhom ifittxu l-ikel, hwejjeg jew il-kenn. Il-mod kif thobbuni u kif titolbuni biex insalvakom, huwa dak li ghandkom taghtuh attenzjoni. Is-Sagramenti ser ikunu l-forza li ser issalva lil dawk li huma sinjuri jew fqar, izda li ma jhobbunix.

Dalwaqt jghidulkom biex tuzaw il-fidi taghkom biex tinholoq kampanja politika madwar id-dinja li ssalva lill-foqra, l-mexxejja tal-Knejjes Tieghi kullimkien. Xejn m'huma ser jghidulkom biex jaghmlulkom kuragg thejju ghat-Tieni Migja Tieghi, ghax m'ghandhomx il-wicc ihejjukom ghal dan il-Jum il-Kbir. Huma jaqblilhom li ma jhallukomx tahsbu fuqi u ghalhekk jghidulkom biex tqattghu izjed hin tonoraw ix-xoghol tal-profeta l-falz.

**Fil-qrib hafna, ser ikun hemm statwi qaddisa, relikwi, stampi kbar, kikkri u jsiru tpingijiet kbar tal-profeta l-falz, li kollha jitpoggew fil-Knejjes kullimkien. Ix-xbiha tieghu, flimkien ma dik ta' l-antikrist il-quddiem, ser ikunu qed izejnu postijiet pubblici, knejjes, centri politici, u sahansitra f'pajjizi fejn il-parlamenti taghhom ikun jidher li qed ihaddnu l-Knisja Kattolika f' 'dawl gdid'.** Dan ser johloq forma gdida t' evangelizzazjoni falza, u minhabba li ser ihajjar lis-socjeta' moderna sekulari, dan ser jigbed ammiraturi mid-dinja kollha.

L-ebda kelma m'hi ser tinghad li titkellem dwar l-importanza tas-Sagramenti Qaddisa, kif kienu gew moghtija lid-dinja jew l-Grazzji kbar, li dawn jaghtu. Minflok, dawn it-tnejn ser jigu daqs li kieku m'huma xejn – jizdidulhom it-tifsir taghhom biex isiru jappellaw ghal dawk li qabel kienu jichduhom. Dan isir bit-tama li l-istmerrija tat-tkasbir tas-Sagramenti Tieghi, jigu offruti lill-izjed nies possibbli, biex ibeghduhom minn Alla, halli l-ghedewwa t'Alla jlestu l-patt li ghamlu max-xitan.

Ix-xitan ser iqarraq b'hafna li posthom huwa fil-Knisja Tieghi f'dan iz-zmien fl-istorja. Huwa ser jaghmel dan bl-izjed mod sabih u konvincenti u huwa ser jiggustifika l-gideb, meta l-qaddejja tieghu ser jghidu li Jiena napprova dawn il-bidliet il-godda. Jiena, Gesu' Kristu, ser nigi kkwotat hazin, biex jintrebhu l-erwieh. **It-Taghlim Tieghi ser jigi mghawweg b'mod li jeqred il-Knisja Tieghi u jisraq l-erwieh ta' dawk l-eqreb Lejja.** Miljuni ser jaccettaw il-gideb, minghajr ebda kas. Intom ghandkom titolbu ghalihom bit-tama li huma jindunaw, biz-zmien, illi xi haga mhix qeghda sew.

**Meta Jiena nqabbad mexxejja u meta ruh maghzula tkun mqabbda biex ixxerred il-Kelma Qaddisa Tieghi, fil-Knisja Tieghi fuq l-Art, il-Verita' tkun dejjem dritta, cara, qasira u tal-punt.** Meta jigdbulkom, permezz tal-ispirtu tal-hazen, intom tithawdu. Frazijiet ma jaghmlux sens. Dak li jkun msejjah titjieb, ipprezentati mill-ghedewwa gol-Knisja Tieghi, ifisser illi l-Verita' mhix 'tajba bizzejjed'.

**Kelmti, s-Sagramenti Tieghi, u t-Taghlim Tieghi m'ghandhomx bzonn ta' titjieb, ghax huma gejjen Minni.** Jiena Alla. Jiena Perfett. Kelmti tibqa' ghal dejjem. Kull bniedem li jbaghbas mal-Kelma Qaddisa Tieghi huwa ghadu t'Alla. Ir-Rabja Tieghi hija kbira f'dan iz-zmien u dak il-bniedem li jittratta Gismi, l-Ewkaristija l-Izjed Qaddisa, b'nuqqas ta' rispett, u jghid li huwa jmexxi l-poplu Tieghi, jaf li dan mhux veru. Jiena qatt ma Jiena sejjer nitlob mexxej fil-Knisja Tieghi biex jibdel il-Kelma t' Alla, billi jdahhal tifsiriet godda jew interpretazzjonijiet godda. Dan qatt ma jista' jkun.

Gesu' Taghkom.

## Alla l-Missier: Satana u x-xjaten tieghu gabru armata kbira hafna.

It-Tlieta, 8 t'Ottubru, 2013 @15.40

Binti l-izjed ghaziza, Qawwiet Divini minn Tieghi qed jigu moghtija lil uliedi li jduru Lejja, jitolbuni – permezz t' Ibni – biex inzommhom shah matul iz-zmien tal-provi l-kbar fuq l-Art.

**Id-dnub kiber tant, illi Ibni qed jerga' jsofri l-istess Agunija, li huwa ghadda minnha ghalikom lkoll fuq is-Salib**. Id-dnub tant infirex illi intom gejtu immuni ghalih u ghall-hazen li johrog minnu. Uliedi, intom ghandkom idduru Lejja u qatt ma tieqfu milli tfittxu l-paci u l-imhabba. Qatt m'ghandkom tahsbu li Jiena m'inhix nisma' lehenkom, meta qed isejjahli, intom kemm intom ckejknin.

It-Tieni Migja t'Ibni ser iggib taqlib kbir, qasma, nuqqas ta' fiducja, mibeghda u dwejjaq, hekk kif il-Verita' tal-Kelma Qaddisa Tieghi ser titpogga fil-genb. **Satana u x-xjaten tieghu gabru armata kbira hafna – armata tant kbira u qawwija li m'ghandkomx hila timmaginawha kieku kellkom taraw kif giet iffurmata. Din l-armata tikkontrolla dak kollu li intom uliedi, jghidulkjom fil-pubbliku. Minn issa 'l quddiem ser ikun rari hafna li jghidulkom il-Verita'**. B'dan Jien infisser il-Verrta' skond il-Patt l-Izjed Qaddis.

Dak kollu li ghandu x' jaqsam mad-dinja li intom tghixu fiha ma jigix muri lilkom bil-verita', hekk kif il-gwerrer, li gew mahluqa apposta biex jeqirdu lill-poplu Tieghi, dalwaqt tarawhom. L-ebda wahda minn dawn il-gwerrer m' hi ser tkun ghall-gid tal-bniedem u lanqas m'huma ser ikunu gusti. Kelmti, moghtija lid-dinja, minn zmien l-ewwel profeta li wriet x'inhuma x-Xewqat Tieghi, mhix ser tibqa' mehuda bis-serjeta'. **Il-Kelma skond Ibni, Gesu' Kristu, ser tkun abbuzata u mkasbra biex jiggustifikaw il-gideb.**

**Wasal il-hin biex dawk kollha li gew imsejha ghas-servizz t'Ibni jghassu sew.** Intom ma tistghux tinjoraw din is-Sejha Tieghi lill-umanita'. Jiena, permezz t'Ibni, qed nitlobkom tibqghu flimkien u f'ghaqda wahda ma' Ibni l-hin kollu. Intom uliedi, intom l-ewwel mira ta' Satana, ghax hu mhux ser jistrieh qabel ma jahtaf il-Knisja t'Ibni fuq l-Art, l-ewwel haga. Jekk ma jiehux il-Knisja t'Ibni, huwa ma jirnexxilux jigbed lil dawk l-erwieh li huwa tant irid. Intom uliedi, ser tigu mwegghin u ttormentati mill-bestja.- l-antikrist – jekk intom taqghu ghall-pressjoni li ssirilkom biex thaddnu d-duttrina falza l-gdida, li bhalissa qed tigi mhejjija bir-reqqa u bla hniena.

**Jiena, l-Missier taghkom lkoll, Alla l-Izjed Oghli, nixtieq nghidilkom li l-antikrist wasal biex jigi mghannaq mill-ghedewwa Tieghi waqt riti sigrieti. Huwa qed jiehu l-gurament tieghu fil-mohbi, f'postijiet li kienu maghmulin ghall-Adorazzjoni t'Ibni.** Il-mazunerija ekklesjastika li issa dalwaqt taraw, ghandha sehem importanti f'din l-istmerrija. Sfortunatament dan kollu jkollu jsehh qabel il-Patt Tieghi biex nigbor l-ulied kollha Tieghi, lura ghal gewwa l-Genna li Jiena hloqt ghalihom mill-bidu nett, ma jinghalaq.

**Ser tkunu intom li gejtu maghzula Minni, li ghandkom tibqghu tgharfu l-Verita', halli tkunu tistghu tghinu lil Ibni biex isalva l-erwieh l-ohra li ser jiehdu gurament li jimxu wara l-bestja.**

**Ix-Xbiha t'Ibni, maghrufa mad-dinja kollha, dalwaqt ser tohdilha postha x-xbiha tal-profeta l-falz.** L-ewwel, ix-xbiha tieghu ser tigu adurata, minflok dik t'Ibni. **Imbaghad warajha jigu xbihat kbar, ta' kull forma, tal-bestja, s-sinjal tieghu 666 ser ikun mohbi f'kull marka li huwa jaghmel fuq is-dinja li m'hi tissuspetta xejn. Intom ser taraw dan is-sinjal mohbi f'oggetti hziena, li ser jintuzaw bhalma wiehed juza oggetti sagri.** Ser tigi mahluqa forma ta' kuruna tar-ruzarju li biha jaghtu qima lill-unjoni l-gdida tal-knejjes tad-dinja. Ir-Religjon il-Gdida Dinjija, ser tigi ccelebrata billi tiehdu l-kotba tat-talb, midalji, skapulari, kuruni tar-ruzarji, Slaleb u dawn tkasbruhom billi jsiru oggetti li jgibu xorti tajba.

Kulhadd ser ihobb lill-antikrist, meta huwa jirrapprezenta d-dinja 'l barra mir-religjon fuq naha, izda minhabba li huwa ser jigi mhaddan mill-impostur falz fil-Knisja t'Ibni fuq l-Art, huwa ser jidher li qed jirrapprezenta dak kollu li huwa sagru fid-dinja.

Gheziez uliedi, thallux il-bxara ta' dawn il-hwejjeg tqattghalkom qalbkom, ghax meta intom tisimghu Minni, u timxu fit-Triq t'Ibni, Jiena ser nehliskom minn hafna mill-persekuzzjoni ta' l-ispirtu, li ghad trid tigi. Minn zmien ghal zmien, ser tonqsilkom il-hegga taghkom ghal dawn il-Messaggi, minhabba l-attakki ta' Satana. Xi whud minnkom ser jitilquhom. Ohrajn ser jiddubitaw. Il-maggor parti taghkom ser tibqghu lejali Lejja u Jiena ser naghtikom Favuri u Grazzji kbar talli obdejtu.

Uliedi, Jiena nhobbkom. Jiena ser inkun hanin u meta intom titolbuni permezz t'Ibni, biex infarrag qlubkom u nghinkom tibqghu fil-paci u mexjin lejn il-Bibien tal-Genna l-Gdida Tieghi, Jiena nwegibkom.

Missierkom il-Mahbub

Alla l-Izjed Oghli.

**Intelqu ftit, ilkoll kemm intom, u kunu ghafu li Alla huwa Omnipotenti u l-ebda att, ikun kemm ikun hazin, ma jista' jintrifes Minnu.**

Il-Gimgha, 11 t'Ottubru, 2013 @22.30

Ghaziza mahbuba binti, kun ghaf illi Jiena nimxi ma' genbek kuljum, f'kull minuta, u nistenniek twiegeb. Ikun hemm hinijiet meta inti jkollok wisq x'taghmel ghal din il-Missjoni, izda inti dejjem ghandek thalli l-hin addattat Ghalija, Gesu' tieghek. Ftakar li Jiena dejjem Prezenti u nwiegeb dejjem lil dawk li jsejhuli. Xejn m'ghandu qatt jifridkom mill-Kumpannija Tieghi ghax il-hin li taghtu Lili, jaghtikom lura Grazzji kbar.

Illum Jiena qed nitlob lil dawk kollha li jaccettaw li Jiena qieghed bhalissa nkellem lid-dinja kollha, permezz tal-Ktieb tal-Verita', biex intom thejju ruhkom. Qatt thallu li l-Messaggi Tieghi jhawdukom, jinkwetawkom jew igibulkom paniku. **Qatt m'ghandkom temmnu li Jiena ser nghidilkom biex taharbu minn djarkom u tmorru go xi kenn iehor, ghax dan il-kmand mhux gej minn Ghandi. Il-kennijiet li Jiena nitkellem dwarhom, huma dawk il-postijiet li intom ghandkom tmorru fihom biex tircievu l-Quddies u s-Sagramenti.**

Il-qaddejja lejali Tieghi bhalissa qed ihejju, madwar id-dinja kollha, ghal dak il-jum li ghad irid jigi, meta s-Sagrificju ta' kuljum tal-Quddiesa ma jkunx hemm aktar.

**Intom ghandkom izzommu dejjem is-Sigill t'Alla l-Haj, imbierek, fid-djar taghkom u f'kull ghamla li tistghu, sabiex tkunu tistghu ggorruH maghkom ukoll. Dan ser jipprotegikom minn kull tip ta' persekuzzjoni u intom ser tiehdu s-sahha li hemm bzonn biex tibqghu lejali lejn Alla u lejn dak kollu li jinsab imnizzel car fil-Bibbja l-Izjed Qaddisa.**

Intelqu ftit, ilkoll kemm intom, u kunu ghafu li Alla huwa Omnipotenti u l-ebda att, ikun kemm ikun hazin, ma jista' jintrifes Minnu.

**Dawk fostkom li ghazlu li jwiegbu ghas-Sejha Tieghi huma mberkin. Intom, mbaghad, permezz ta' l-imhabba taghkom lejn ghajrkom, ser tferrxu s-Sigill t'Alla l-Haj kulfejn tmorru**. Issa intom ghandkom taghmlu dan. Afdaw Fija. Qatt thossukom neqsin mill-kwiet, ghax Jiena ma rridx inferrex il-biza'. Jiena nferrex il-

Verita', li ghal xi whud tista' tkun qawwija wisq. Jiena l-Protettur taghkom, is-Salvatur taghkom u dalwaqt nigi biex ingibilkom is-salvazzjoni finali u d-dinja li gejja, li mhix ser ikollha l-ebda hazen. Kunu fil-paci. Jiena ser immexxikom u nipprotegikom ilkoll u naghtikom ir-Rigal tal-perseveranza fil-provi li hemm 'l quddiem.

Gesu' Taghkom.

## La darba s-Smewwiet u l-Art jinghaqdu haga wahda, mhux ser ikun hemm Purgatorju.

Is-Sibt, 12 t'Ottubru, 2013 @ 17.10

Ghaziza mahbuba binti, t-Tronn Tieghi ser jitpogga fuq l-Art imgedda u dalwaqt kulhadd jghix fil-paci u l-armonija, skond ir-Rieda ta' Missieri.

Id-dinja terga' ssir hekk kif kienet fil-bidu u ma jkun hemm l-ebda nuqqas ta' ftehim. **L-ulied kollha t'Alla, li gew maghzula biex jinghaqdu ma' l-angli u mal-qaddisin, ser jghixu ezistenza perfetta**. Izda kunu ghafu dan. **Dawk li ma jaccettawx ir-realta' tal-Genna l-Gdida, meta huma jkunu ga nghataw kull cans biex jiddeciedu liema triq jixtiequ jaghzlu, dawn mhux ser jerga' jkollhom cans iehor.** La darba s-Smewwiet u l-Art isiru haga wahda, mhux ser ikun hemm Purgatorju. L-unika triq li l-erwieh ser jiehdu, dawk li jirrifjutaw li jaccettaw il-Hniena Tieghi meta tigi moghtija lilhom bil-hafna, ser tkun dik it-triq li twassalhom ghall-Infern. Hafna ser ikunu tant rashom iebsa, minhabba li huma joqghodu kwazi ghal kollox fuq ir-ragunar intellettwali, illi huma, minghajr ma jafu, ser jaghzlu li jqattghu l-eternita' fin-nirien ta' l-Infern.

**Dawk li ma jemmnux f'Alla, jew li ma jaccettawx il-Verita', ma jemmnux fl-ezistenza ta' Satana. Il-qarrieqi, ser jghammad mohhom bil-gideb, halli jigbidhom ghal gewwa l-kmamar tat-torturi. La darba jkunu hemm, minhabba li huwa ghandu tant mibeghda, huwa jgeghlhom isofru minghajr waqfien ghall-eternita'.** Jiena ma nkunx nista' nghin lill-erwieh hemm. Kemm nibki bin-niket ghall-erwieh ta' dawk li huma arroganti, l-injoranti u dawk ta' qalbhom iebsa. Tant huma mimlijin bis-suppervja, illi huma qatt m'huma ser jarawni, ghax ma jistghux. Huwa mpossibbli li persuna tarani jew tkun mimlija bil-Kelma Vera Tieghi, jekk din tkun mahkuma mid-dnub tas-suppervja. Min-naha l-ohra, dawk minnkom li jafuni, izda li jaccettawni fuq il-kundizzjonijiet taghhom – intom ukoll titbeghdu Minni.

Ghaliex tghidu li tafuni u mbaghad tghawgu dak li ghidtilkom Jiena dwar li timxu warajja? Kif tistghu issejhu lilkom infuskom Kristjani u tkunu lesti biex taccettaw

teologiji foloz u gideb, li jkunu gew mghawga biex jaqblu ma' l-istil ta' hajja taghkom? Min intom jekk ma timxux warajja u taccettaw il-Verita' shiha tat-Taghlim Tieghi? Inti tkun traditur. Inti tittradini. Meta tittradini darba, inti tigi ttentat biex terga' u terga' taghmilha, sakemm fl-ahhar inti ma tibqax Kristjan f'Ghajnejja.

**Jiena rrid insejjah lil dawk kollha li jemmnu fil-Kelma Tieghi u nistaqsikom, meta qatt Jiena accettajt id-dnub? Jiena nahfer id-dnub, izda qatt ma naccettah. Jekk intom tahsbu li Jiena naccetta d-dnub, allura intom tiggustifikaw id-dnub.** Intom ser issofru ghall-modi zbaljati taghkom u m'intomx ahjar minn dawk li ttradewni, ghaddewni biz-zmien, dahqu f'Wicci u Sallbuni.

Ftakru li Jiena ghallimtkom il-Verita'. Xejn hlief il-Verita' ma twassalkom biex taccettaw is-salvazzjoni li Jiena ser nigi biex ingib lid-dinja, f'dan l-ahhar stadju tal-Patt Tieghi biex insalva lill-umanita'.

Qatt tinsew li Jiena l-Verita'. Xejn hlief il-Verita' m'hu gej Minni.

Gesu' Taghkom.

## Intom ma tafunix għax intom ma tgharfunix.

Il-Ħadd 13 ta`Ottubru, 2013 @ 18:00

Ghaziza mahbuba binti, meta dawk fostkom, jħossuhom abbandunati u dubbjuzi mill-Imhabba Tieghi għad-dinja, intom qatt ma għandkom tieqfu milli ssejħuli biex ngħinkom. Intom, minn żmien għal żmien, tħossu sens ta' disperazzjoni, sens ta' biża' u sens ta' solitudni meta żżommu mal-Kelma Tieghi, mogħtija lid-dinja permezz tal-Evanġelju Qaddis. Anke issa, meta l-Evanġelju Qaddis Tieghi għadu jigi ppreżentat lilkom, intom qed tħossukom wahedkom ħafna, minħabba li ftit nies ipoggu fil-prattika dak li għallimthom permezz tal-Kelma Mqaddsa Tieghi.

Jekk tgħidu li tħobbu l-proxxmu tagħkom u mbagħad timmalafamawh, intom xorta tappartjenu Lili. Jekk intom tgħidu li temmnu fl-Għaxar Kmandamenti, iżda tadattawhom kif jaqbel għal ħajja tagħkom, allura intom għomja għall-Verità. Jekk taċċettaw s-Sagramenti mogħtija lilkom permezz Tieghi , iżda tiksruhom, intom tinsultawni.  Meta tippridkaw l-Kelma Mqaddsa Tieghi lill-oħrajn u mbagħad tpoġġu lilkom innfuskom qabel l-oħrajn, billi tghidu li intom aktar denji minnhom, f’għajnejn Alla, intom toffenduni.  **Meta tiddikjaraw li l-Kelma t' Alla li ma tghoddx aktar f'dinja moderna u li din għandha tiġi adattata biex tappella għal dinja sekulari, allura intom tobsqu f`wiċċ Alla.  Meta intom temmnu li l-għarfien taghkom Dwari, huwa superjuri għall-Kelma Mqaddsa Tieghi, hekk kif qed naghtiha issa permezz ta' dawn il-Messaġġi u li hemm l-iżball fihom, intom injoranti ghall-Verità. Intom Ma tafunix għaliex intom ma tgharfunix.**

Għalhekk, anki dawk minnkom li jħossuhom kuntenti bl-gharfien taghkom tal-Kelma Mqaddsa Tiegħi u jiċħduni issa f'din il-Missjoni – Intom abbandunajtuni. Intom, b’mod specjali, għandkom issejhu għall-għajnuna Tiegħi, għaliex m`intom xejn mingħajri.

Ġesù Taghkom

**Omm tas-Salvazzjoni : Lill-qassisin fil-Knisja Kattolika, nheġġiġkom biex iggorru il-Kuruni tar-Ruzarju l-izjed Qaddisa**.

It-Tnejn 14 ta`Ottubru, 2013 @ 15:30

Għażiża binti, qatt temmen għal mument wieħed biss, illi xi hadd wiehed minnkom huwa b'saħħtu biżżejjed, wahdu, biex jiflah għat-tentazzjonijiet li intom se tiffaċċjaw biex taghtu darkom lill-Verità - il-kelma Vera t'Alla. **Mingħajr talb kontinwu, intom ser issibu li m`intomx kapaċi tqumu u tiddikjaraw l-Verità meta intom tigu ppreżentati bil-gideb.**

**Intom ilkoll ghandkom tghidu t-Talb tal-Kruċjata hekk kif id-dlam diġà beda niezel fuq il-Knisja t`Ibni fuq l-Art u intom trid tkunu lesti għal dan kull sekonda.**

**Lill-qassisin fil-Knisja Kattolika, nheġġiġkom biex iggorru l-kuruni tar-Rużarju l-izjed Qaddis tiegħi u Salib Benedittin magħkom il-hin kollu. Intom ghandkom tirrecitaw R-Rusarju Mqaddes tiegħi kuljum u oqogħdu attenti għal dawk fil-gradi ogħlja fil-Knisja biex taraw min jghid Ir-Ruzarju Mqaddes tiegħi fil-pubbliku**. Meta jien inkun qed niġi meqjuma, ir-Ruzarju Mqaddes tiegħi għandu jkun irrecitat minn kulħadd preżenti quddiemi. Jekk dawn, li jgħidu, li qed imexxu l-fidili biex ifittxu l-ghajnuna tiegħi quddiem t-Tronn t'Alla, ma jistghux jirecitaw r-Rużarju tiegħi, allura dawn jeħtieġu t-talb tagħkom. Biex tiġi quddiemi, tfittxu l-għajnuna tiegħi, mingħajr ma tirrecitaw r-Rużarju tiegħi, huwa mingħajr sustanza, ghax qisu suldat li jidħol f`battalja mingħajr ebda armatura.

**Ir-Rużarju tiegħi huwa l-aktar talba qawwija u, meta jinghad kuljum, jeqred il-qawwa tal-ħażin. Dawk, li ruhhom giet mdallma minn Satana, se jsibuha wisq difficli biex jirrecitaw din it-talba**. Mill-azzjonijiet tagħhom intom ser tkunu tafu min huma u għandkom titolbu lil Alla, permezz tal-Ħniena ta' Ibni, Ġesù Kristu, biex jgħinhom jinġibdu lejn id-Dawl t' Alla.

L-Omm mahbuba tagħkom

Omm tas-Salvazzjoni

## Il-pjanijiet ga tlestew mit-trinita li mhix qaddisa, fejn dak kollu li huwa Veru, gie eziljat.

It-Tlieta, 15 t'Ottubru, 2013 @ 15.45pm

Ghaziza mahbuba binti, **hija x-xewqa Tieghi, illi s-sacerdoti kollha Tieghi, f'kull denominazzjoni Kristjana, jibdew jippreservaw is-Sagramenti l-Izjed Qaddisa. Dawk fil-Knisja Kattolika ser ikunu ta' l-ewwel li jaraw il-qerda u t-tkasbir tas-Sagramenti. Dawk li huma lejali Lejja, Gesu' Kristu, ser ihejju tajjeb ghal dan ix-xahri tal-biza' li ser tigi mitfugha fih il-Knisja Tieghi. Intom ghandkom thejju issa, ghax ser ikun permezz tar-rabta taghkom illi l-ulied kollha t'Alla ser ikunu jistghu jircievu s-Sagramenti fl-istat Qaddis taghhom.**

Lill-knejjes Kristjani l-ohra kollha, nghidilhom dan. Ftakru fil-Weghda Tieghi li nerga' nigi fil-Jum Kbir u Glorjuz, tat-Tieni Migja Tieghi. Kunu ghafu wkoll illi, fis-snin sa kemm jasal dan, dawk kollha li jimxu warajja ser ihabbtu wicchom ma provi tal-biza'. **Dawk li ser jilhqu f'pozizzjonijiet godda gholja ta' poter, fid-denominazzjonijiet kollha taghkom, ser jigu mmexxija mill-profeta l-falz u kollha kemm huma ser jghidu l-istess kliem tieghu u jikkupja kull mossa tieghu.**

**Hazin ghal dawk li jzommu mall-profeta l-falz, ghax huwa jirrapprezenta dak kollu li huwa kuntrarju ta' Gwanni l-Battista u huwa ser ikun dak li jigi qabel l-antikrist li ser jahkem fuqkom ilkoll.**

**Intom ser tkunu protetti Minni, ghax dalwaqt inkun Jien biss li nista' mmexxikom.** Jiena biss nista' nigi fdat li ser nghidilkom il-Verita' meta intom tkunu mgebbdin 'l hawn u 'l hemm bl-ereziji, li ser jigi pprezentati lilkom fil-forma l-gdida ta' teologija modern Kristjana. Kemm huwa makakk Satana, ghax huwa qatt ma jahsadkom – minflok, huwa, permezz ta' dawk li jaqduh – huwa jigbidkom lejn interpretazzjoni gdida mghawga u kollox bil-maqlub tal-Kelma l-Izjed Qaddisa Tieghi.

Il-pjanijiet ga tlestew mit-trinita li mhix qaddisa, fejn dak kollu li huwa Veru, gie eziljat. Dak kollu li jigbed lid-dinja sekulari, fejn ir-reghba u x-xewqa li tinjoraw id-dnub, ser jigu pprezentati gewwa l-Knejjes kollha Kristjani, lill-fidili. Dan il-jum kien gie miktub fil-blat u ser ikun l-ahhar insult, li Alla ser jippermetti, qabel ma

jibghat Lili, l-Iben il-Wahdieni Tieghu, biex nigbor lil dawk kollha li jibqghu lejali lejn il-Kelma t'Alla. **Meta l-gideb jigu pprezentati lilkom, dawn ser jidhru bhala haga tajba. Il-marka ta' l-umilta' ser tkun komuni fil-knejjes kollha taghkom, ghax din ser jaddottawha dawk kollha li ser iqarrqu bikom.**

**Kull azzjoni, li ghandha x'taqsam Mieghi – l-Imhabba Tieghi ghal fqajrin; l-Imhabba Tieghi ghad-dghajjef u l-umli; ic-cahda Tieghi ghar-reghba, l-hela u l-lussurja, ser jingiebu bhala argumenti biex jisfurzawkom li taccettaw din id-duttrina l-gdida – din ir-religjon wahda dinjija, biex ihejju lid-dinja ghall-hakma ta' l-antikrist.**

Bhala Alla li jhobb, intom qed tigu moghtija dawn it-twissijiet biex isalvakom. Aghtu kasi issa. Kulma qed nitlob hija haga wahda. Ibqghu lejali lejn il-Kelma Qaddisa Tieghi. Il-Kelma Qaddisa Tieghi kienet giet moghtija lilkom fil-Bibbja Qaddisa. Din qatt ma tista' tinbidel. Izda l-ghedewwa t'Alla ser jghawgu t-tifisiriet taghHa. Meta jigri dan, irrifjutaw lil dawk li jghidulkom li Alla kien jaccetta dawn il-bidliet. Xejn m'hu izjed 'l boghod mill-Verita'.

Gesu' Taghkom.

## Is-serp jaghti messaggi specjali lill-antikrist, li dan izommhom bir-reqqa.

L-Erbgha, 16 t'Ottubru, 2013 @ 23.27

**Ghaziza mahbuba binti, t-trinita' l-izjed hazina, li hija maghmula mit-tlett ghedewwa Tieghi, l-profeta l-falz, l-antikrist u d-dragun, li huwa Satana, issa ser iqumu kontra t-Trinita' l-Izjed Qaddisa.** Kunu ghafu li huma ghandhom eluf u eluf ta' dixxipli devoti u hekk kif iz-zmien qed joqrob, ser isiru hafna ceremonji koroh fil-mohbi, biex jaghtu gieh lis-serp.

Is-serp tant huwa attent li ma jurix lilu nnifsu, l-veri intenzjonijiet hziena tieghu kontra l-ulied t'Alla huma mistura u huwa jipprezenta lilu nnifsu lil dawk maghzulin minnu, bhala gustuz u princep sabih u jidher quddiemhom bl-izjed mod li jigbdek. Hekk bhalma l-profeti maghzulin Tieghi, Jiena nikkomunika maghhom, hekk huwa jaghti messaggi specjali lill-antikrist, li dan izommhom bir-reqqa u jaqsamhom mal-gerarkija tieghu fl-Art. **Dawn il-messaggi fihom l-istruzzjonijiet biex ikasbru l-Knisja Tieghi, bi thejjija ghall-antikrist biex jiehu t-tronn tieghu u jidhaq bid-dinja u jaghtihom x'jemmnu li huwa l-Kristu, s-Salvatur tad-dinja.**

Isimghu issa, intom ilkoll li ma taghtux kas ta' din it-twissija. Dalwaqt hafna mid-dixxipli Tieghi, dawk li jhobbuni, izda li ma jemmnux f'dawn il-Messaggi, ser ihabbtu wicchom ma' periklu kbir. Il-pjan biex jehdukom 'l boghod Minni, ga beda, u jekk ma tibqghux attenti u ghassa, intom tigu migbuda ghal gon-nassa tad-dlam. Huwa, l-antikrist, ser jikkopja kull aspett tad-Divinita' Tieghi, li qalulu s-serp. Ghax dan, is-serp, qaghad jara t-Tislib Tieghi u huwa biss jaf id-dettalji, li sehhew madwar din il-grajja terribbli. **Huwa ser jghaddini biz-zmien billi jqabbad lill-qaddejja devoti tieghu, li jergghu jibnu ritwali li huma ta' wara quddiem, fil-Knisja Tieghi. Ser jaqbdu l-Kelma Tieghi u jzidu maghHa bicciet oxxeni, biex tigi taghti qima lill-bestja, u hafna mhux ser jifhmu dan xi jkun ifisser.**

Baghbsu max-xitan u poggu lilkom infuskom ghad-dispozizzjoni tieghu, u dan iwassalkom ghal provi kbar. Irrepetu dawk il-kliem hziena li huwa ser jizra' fostkom u intom tkunu ftahtu ruhkom ghalih. Adurawh, billi thobbu lill-antikrist meta huwa jigi biex jidher quddiemkom bl-arroganza kollha tieghu, u intom

iddahhluh f'qalbkom, minfloki. **Dak kollu li Jiena ghallimtkom ser ikun ta' wara quddiem, rasu l-isfel u ta' gewwa barra.** Minhabba li tant minnkom ma jafux it-Taghlim Tieghi u minhabba li tant ftit minnkom semghu bir-reqqa l-Evangelji, fejn ghandhom x'jaqsmu mal-grajjiet ta' qabel it-Tieni Migja Tieghi, m'intom ser tifhmu xejn.

O kif tinqasam qalbi li jkolli naghti din il-bxara. Kemm nixtieq li kieku ma kellkomx tbatu b'dan il-mod. Izda Jiena nweghdkom li sejjer inhaffef dan l-ugigh taghkom u meta jasal, ir-renju tieghu jghaddi malajr.

L-erwieh li ser jinqabdu nnocentament f'dan it-travestiment tad-Divinita' Tieghi, ser jigu murija l-Hniena Tieghi. **Izda bin-niket nghidilkom li dawk li jemmnu li ser isaltnu fil-genna li giet mweghda lilhom mill-qarrieqi, ser isibu lilhom infushom mitfughin fl-ghadira tan-nar, fejn huma ser ibatu ghall-eternita'.** M'hu ser ikun hemm hadd min jghinhom, ghax huma jkunu belghu l-gideb, li nholqu biex jigbdu il-fiducja taghhom, li ser tispicca fit-telfien ta' hafna erwieh li ser jimxu bil-ghama wara din id-duttrina falza.

Itolbu ghall-Hniena ghal dawk li ser jigu mqarrqa mir-re tad-dlamijiet.

Gesu' Taghkom.

## Kull ligi gdida li ser tiddahhal mill-ghedewwa minn gewwa l-Knisja Tieghi, ser tkun izzeblah il-Verita' kif ghamilHa Missieri.

Il-Hamis, 17 t'Ottubru, 2013 @ 20.38

Binti l-mahbuba, kieku biss aktar nies kienu jemmnu Fija, Gesu' taghhom, kieku huma kienu jsibu l-paci f'qalbhom. Fejn m'hemmx fiducja, hemm il-biza'. Il-biza', ma jhallix l-Imhabba t'Alla tidhol go ruhkom u mbaghad issiru prigunieri. Xejn hlief id-dawl Tieghi ma jista' jhaffef it-toqol.

**Meta Jiena nghidilkom il-Verita', Jiena naghmel dan biss, ghax inhobbkom u nixxennaq ghall-jum meta ser ninghaqdu, sa fl-ahhar. Tibzghux mill-Verita'.** Imhabbti ser timlikom bil-kuragg u s-sahha biex tieqfu sodi u tibqghu lejali Lejja f'kollox. Jiena nipprotegi lil dawk kollha minnkom li jitolbuni biex naghmel dan, izda huma biss l-erwieh li jintelqu ghal kollox f'Idejja, li mhux ser ikollhom ebda biza'.

Il-hazen tal-bestja ser ikun imlibbes bhala sabih u modern, u ser jigi muri taht il-velu tal-umanitarizmu, tal-karita' u 'l-kura tal-foqra'. Qatt tahsbu ghal moment wiehed, illi d-dixxipli ta' Satana ser juru dak li veru huma. Kull gidba li tigi pprezentata, biex tiehu post il-Verita', ser tidher li hija logika u ghall-gid komuni ta' kulhadd. Kull ligi gdida li ser tiddahhal mill-ghedewwa minn gewwa l-Knisja Tieghi, ser tkun izzeblah il-Verita' kif ghamilHa Missieri, fl-Ghaxar Kmandamenti li gew moghtija lil Mose'. Kull mossa, zghira u mohbija kemm tkun, din tkun mahsuba biex tinsulta Lili, Gesu' Kristu, Bin il-Bniedem. **Il-qarrieqi, permezz tal-qaddejja tieghu, ma jiflahx ma jzeblahnix, ghax huwa jobghodni. Huwa ser jinsulta kull haga li tinsab fil-Knisja Tieghi, bil-mossi, kliem u billi jzid simboli satanici.** Huma dawk biss li jafu l-Verita' li ser jaraw din l-istmerrija u jifhmu ezatt xi jfissru dawn il-mossi.

Il-qawwa ta' Satana ghandha l-hila thawwad, ittellef u tirrormenta lid-dixxipli Tieghi. Huwa, Satana, qatt m'hu ser ihallikom kwieti, specjalment meta intom taghtu xhieda tal-Verita'. Izda kunu ghafu dan. Huwa jista' jigi meghlub meta intom tafdaw Fija, ghal kollox. Meta intom taghtu lilkom infuskom ghal kollox Lili, huwa ma jkollux il-qawwa li jinfluwenza l-fidi taghkom Fija. Huwa, Satana spicca. Ir-renju tieghu, ghalkemm kien iebes ghall-umanita', wasal fi tmiemu. L-ahhar insult tieghu quddiemi, ser isehh permezz ta' l-antikrist, li ser jimita Lili u jidhaq bid-dinja billi jaghtiha x'temmen li huwa Jiena, Gesu' Kristu, u li huwa gie biex isalva lid-dinja.

Meta tkunu tafu l-Verita', intom ikollkom il-hila li tieqfu ghal din it-tentazzjoni, u jkunu dawk biss li huma mimlijin mibeghda Ghalija li ser jichduha. Tibzghux ghax Jiena l-uniku Salvatur ta' l-umanita'. Imhabbti biss trid izzommkom. Ibzghu biss ghal dawk l-imsejkna erwieh li se jobzquli f'Wicci meta Jiena nixxabbat ghalihom, biex fl-ahhar nehodhom fil-Genna l-Gdida.Gesu' Taghkom.

**Jista' jkun li Jiena l-uniku habib veru taghhom, l-unika salvazzjoni taghhom, izda hafna minnhom ser jinjoraw it-Twissijiet Tieghi**.

Il-Gimgha, 18 t' Ottubru 2013 @ 12.38

Ghaziza mahbuba binti, l-akbar dwejjaq Tieghi huma li dawk li jhobbuni l-izjed, l-akbar parti minnhom, ser jirrifjutaw li jisimghu Lehni, issa meta Jiena qed insejhilhom.

Jista' jkun li Jiena l-uniku habib veru taghhom, l-unika salvazzjoni taghhom, izda hafna minnhom ser jinjoraw it-Twissijiet Tieghi. **Anke dawk li jisimghu Lehni, ser jinjorawni u jwarrbu Kliemi bhala erezija. Huma mhux ser jgharfu z-zminijiet li qed jghixu fihom u ser jintebhu b'dan, biss, waqt it-Twissija. Izda sa dak in-nhar, hafna minnhom ikunu ga sehtuni u telqu tant 'l boghod Minni, illi Jiena mhux ser inkun nista' ninfed fil-qalb taghhom jew insalva ruhhom.**

**Tahsbux li l-mibeghda li x-xitan ghandu Ghalija hija zghira. Huwa ttradixxa lil Missieri bi kbir, izda huwa ma jistax Ghalija. Dan ifisser li huwa jobghod il-Knisja Tieghi, u li l-battalja finali ser issehh bejn il-Knisja Tieghi fuq l-Art u x-xjaten mibghuta minn Satana.** Din il-battalja ga bdiet u ga serqitli l-erwieh mahbubin Tieghi, li hafna minnhom ma setghux jaraw kif qed joffendu lil Alla.

Meta l-Prezenza Tieghi tinhass dalwaqt, fost dawk kollha li jhobbu Lili – jemmnu jew ma jemmnux f'dawn il-Messaggi – Jiena ser nimla lil ruhhom bl-gharfien, permezz tal-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Dik hija l-Weghda Tieghi lid-dinja. Qatt m' hu ser inhallikom f'idejn il-hazen, ghax Jiena nhobbkom ilkoll hafna. Intom qiskom driegh jew sieq minn Tieghi. Intom parti minn Gismi. Intom bicca Minni.

Triduni jew ma tridunix, Jiena ser nibqa' nigri warajkom sa dak il-Jum il-Kbir u Jiena ser nitqabad biex insalva lil ruhkom. Intom tistghu taghtuni daharkom, izda Jiena mhux ser nitlaqkom, ghax Jiena pacenzjuz. Il-Perseveranza u d-Divinita' Tieghi ma tistghux taslu biex tifhmuhom. Intom qatt m' ghandkom tinsew Lili, Gesu' taghkom, ghax Jiena dejjem maghkom, nistenniekom tigu Ghandi.

Is-Salvatur mahbub taghkom

Feddej ta' l-Umanita'

Gesu' Kristu.

**L-antikrist ser johloq ghotjiet biex ihajjar kumpanniji, organizazzjonijiet, kif ukoll ghaqdiet ta' karita', biex jahdmu ghac-centru ta' kummerc l-gdid dinji, tieghu.**

Is-Sibt, 19 t'Ottubru, 2013 @ 20.00

Ghaziza mahbuba binti, qed insejjah lid-dixxipli kollha Tieghi, li semghuni u li gharfu Lili f'dawn il-Messaggi, biex jisimghuni issa.

Dan ix-xoghol li tpogga fuqek, huwa Sagru. Ghal kull torment, abbuz, tbatija u tkasbir li tista' tghaddi minnu inti, minhabba din il-Missjoni, ftakar li dan ix-Xoghol huwa Tieghi. Din l-ahhar Missjoni, moghtija lid-dinja, permezz tal-profeta t'Alla, huwa Rigal kbir lill-umanita'. Intrefa 'l fuq mit-twaqqigh ghac-cajt, li inti ser tkun xhud tieghu, u kun ghaf li dan kollu nholoq mill-wiehed tal-hazen bi sforz biex iwaqqaf il-Verita'. Il-Verita', il-Kelma Qaddisa Tieghi, ser tigi mirfusa u kull xitan mitluq minn qiegh l-Infern, ser jaghmel kulma jista' biex isikket Lehni.

Huwa jahdem permezz ta' dawk l-erwieh li jhallu lilhom infushom miftuha ghall-infestazzjoni, u hekk l-ghemejjel hziena ta' Satana daqt jinhbew u jigu pprezentati bhala Skrittura Qaddisa. Id-duttrina l-gdida, ser jghidu li kienet ispirata divinament Minni, Gesu' Kristu. Id-dinja kollha ser tqum attenta, hekk kif din tibda tinkixef saff, saff u tigi mfahhra, specjalment mid-dinja sekulari. Dawk li intom l-anqas li tistennew li ser jaghtu qima lil Alla, ser ikunu minn ta' quddiem fil-kju, biex ihaddnu dawn l-ereziji – gideb kontra Tieghi – hekk kif jigu svelati.

Qatt qabel il-Knisja Kattolika ma hadet tant unur fil-pubbliku mal-midja tad-dinja u dawk gholjin fil-politika. Qatt qabel, l-ateisti u r-religjonijiet kollha, inkluzi dawk li ma jaghtux qima Lili, ma fethu dirghajhom u nizlu gharkuptejhom jaghtu qima lil dawk li jghidu li gejjin minn Alla.

**Meta x-Xbiha Tieghi tisparixxi u ma tidhirx aktar, u meta s-Slaleb Tieghi, l-Bibbja Qaddisa, l-Messalini tal-Quddiesa Mqaddsa, l-kuruni tar-ruzarju, l-midalji, l-iskapulari u s-Slaleb Benedittini ma jibqghux jinstabu aktar, intom tkunu tafu li beda r-renju tal-bestja.**

Id-dinja ser tfahhar lill-antikrist. **Bilkemm ikun ghadu gab il-paci – paci falza - li giet rizultat ta' gwerrer li huwa stess kien ghen biex jaqbdu – illi huwa sejjer jaghmel stqarrijiet li jghaggbu. Huwa, l-antikrist ser jiddikjara li huwa kellu**

**messaggi minn ghand Alla l-Missier u dawn jidhru li jkunu veri. Imbaghad, juza' l-qawwa ta' l-okkult, u jidher li qed ifejjaq hafna u jkun qisu ghandu doni spiritwali.** Hafna ser jistghagbu b'dawn l-imsejha 'mirakli' li huwa jkun jidher li qed iwettaq, u d-dinja tibda tadurah u tinxtehet f'riglejh. **Imbaghad huwa, l-antikrist, jiddikjara li huwa Gesu' Kristu, Bin il-Bniedem, u jghid li wasal iz-zmien biex huwa jerggha' jiehu lura d-dinja u jsalva lill-umanita' kollha.** Kull min jazzarda jisfida l-hmieg u l-oxxenitajiet, li ser johorgu minn halq il-bestja, ser jigi kkastigat bi kbir.

F'dan iz-zmien, minhabba l-infestazzjoni ta' Satana fid-dinja, d-dnub tant ser jinfirex illi d-dinjita' tal-bniedem ser taqa' fl-aktar livell baxx taghha, fejn in-nuqqas ta' safa', r-reghba u kull dnub ikrah iehor, f'Ghajnejn Alla, sejrin tarawh jitwettaq f'kull post pubbliku. Minhabba li d-dnub sejjer jigi ddikjarat bhala nuqqas marbut man-natura umana, u minhabba li ser jghidulkom li Alla mhux ser jiggudika fuq debbolezza tal-uman, hafna ser ihaddnu d-dnub u ma jkollhom l-ebda misthija f'ruhhom.

Ic-celebritajiet tad-dinja, dawk fid-divertiment, sillel tac-cinema, kollha ser ihaffu biex jidhru mal-antikrist, u x-xbiha tieghu ser tidher aktar minn ta' kull bniedem iehor li gie qablu. **Huwa ser ikun jitkellem b'hafna lingwi; huwa ser ikun gustuz; ser ikollu sens kbir ta' umorizmu u jkollu hila kbira kif jikkomunika. Huwa ser joqghod attent hafna dwar dak li ser jghid dwar Alla u qatt m'huwa ser isemmi l-Omm t'Alla, ghax hija ser tkun qisha m'ghadx ghandha rwol x'taqdi.**

**L-intervisti ta' l-antikrist fuq it-television ser ikunu komuni u n-nies ser izommu ma kull kelma li tohrog minn fommu. Huwa ser jinfluenza l-politici f'kull nazzjon u dawk li huwa jidher maghhom, ser jigu ttrattati bhala rjali. Mhix ser tispicca hawn. Minn fuq il-pulptu ser jippriedkaw kwotazzjonijiet minn tieghu. Huwa ser ikunu moghti unur kbir u pozizzjoni fil-knejjes kollha, sakemm fl-ahhar huwa ghad ipoggi fuq it-tronn fit-tempju l-gdid tal-Babilonja.** L-influenza tieghu ser tinfirex mal-banek kollha, l-ligijiet tal-kummerc u l-ekonomija tad-dinja. L-antikrist ser johloq ghotjiet biex ihajjar kumpanniji, organizzazzjonijiet, kif ukoll ghaqdiet ta' karita', biex jahdmu ghac-centru ta' kummerc l-gdid dinji, tieghu. Ser jinholoq gid kbir minn dawk li ser ikunu jridu jaghmlu parti mill-imperu ta' l-antikrist. **Kull min jaghmel patt t'alleanza mieghu, kemm permezz ta' ceremonji religjuzi, negozju jew ftehim ta' kummerc, ser ikollu jiehu marka. Dawk li jaccettaw il-marka, li ser tkun f'forma ta' card tal-bank u cippa specjali , li tigi mdeffsa fl-id, ser jitilfu ruhhom minhabba fih. Dawk kollha li jkollhom fuqhom is-Sigill t'Alla l-Haj, ser jiskappaw minn taht difrejn l-antikrist u jsiru immuni ghall-orrur.** Tinjorawx din it-twissija. Tibzghux minnha, ghax jekk intom timxu ma' l-istruzzjonijiet Tieghi, intom tkunu protetti.

Jiena bkejt hafna dmugh, Jiena u naghtik dan il-Messagg u dan huwa ghaliex l-Ugigh Tieghi fik, binti, f'dan iz-zmien huwa tant kbir. Farragni billi ssejjah ghall-Hniena Tieghi u ghal Protezzjoni Tieghi.

Gesu' Taghkom.

**Intom ghandkom tibqghu kalmi, izda b'rieda shiha li ser tkomplu xxandru l-Kelma Qaddisa li tinsab fl-Evangelju.**

Il-Hadd, 20 t'Ottubru, 2013 @12.07

Ghaziza mahbuba binti, Jiena nixtieq nghid lilkom ilkoll – appostli mahbubin Tieghi – intom li tghixu fuq l-art u xxandru l-Kelma Qaddisa Tieghi – illi intom ghandkom tiddendlu Mieghi, Gesu' taghkom, bhal qatt qabel. Dawn iz-zminijiet li gejjin quddiemkom ser ikunu iebsa u ghal dawk kollha li ser jibqghu haga wahda Fija, Mieghi u Ghalija, intom ser ikollkom ir-responsabbilta' li zzommu l-fjamma tad-Dawl Tieghi mixghula, fil-granet tad-dlam li gejjin.

Ulied prezzjuzi Tieghi, intom ghandkom tibqghu kalmi izda b'rieda shiha li ser tkomplu xxandru l-Kelma Qaddisa li tinsab fl-Evangelju, f'kull rokna tad-dinja. Intom, l-armata tal-fdal Tieghi, ser iggibuli 'l ulied kollha t'Alla u tghinuni biex insalvhom mid-duhhan tal-hazen, li ser jiksi miljuni t'erwieh. Intom Tieghi u intom timxu fid-Dawl t'Alla, thejju t-triq biex id-dinja tigi salvata.

Il-Grazzji Tieghi qed jitferrghu fuqkom, appostli mahbubin Tieghi, u la darba intom tafu li qed tigu mmexxija Minni, u tafdawni ghal kollox, l-ebda hsara m'hi ser tmisskom. Izda jekk thallu lilkom infuskom issiru qaddejja tal-qerq, bir-rieda taghkom stess, hemm il-Protezzjoni Tieghi mhix ser tghattikom. Dawk minnkom li jzommu mal-profeta l-falz u l-antikrist, ser jintasbu minn Satana u hu mhux ser jitlaqhom qatt hielsa. Dawk minnkom li jimxu ma genb l-ghedewwa Tieghi, u jibilghu l-kalci tas-serp, ser tigu meqruda minnu jekk kemm il-darba tazzardaw tisfidawh.

Isimghu issa t-twissija Tieghi – zommu man-naha tal-bestja u hudu gurament mhux qaddis, li intom tqimu l-erezija, u intom ser issibuha iebsa wisq biex tehilsu lilkom infuskom mill-hatfa vili tieghu. Itolbu li jkollkom l-gherf li taraw il-Verita'.

Gesu' Taghkom.

## Ix-xizma fil-Knisja Tiegħi se tinqasam fi stadji differenti.

Il-ħadd 20 t` Ottubru, 2013 @ 17:48pm

Ghaziza mahbuba binti morru lkoll fid-dinja u xerrdu l-Evanġelji, għax hemm bżonn li tagħmlu dan qabel ma l-persekuzzjoni tal-Knisja Tiegħi tibda bis-serjetà.

Intom tridu tpoggu l-fiduċja kollha tagħkom Fija u kunu mfarrga billi tafu illi meta jigi l-Jum l-Kbir, intom ser tintrefghu, bil-ġisem u bir-ruħ, f`dirghajja, f`hakka t' għajn. Ghalhekk ghandkom, bl-imħabba u l-paċenzja, tfakkru lid-dinja t-Taghlim Tiegħi. Fakkruhom li d-dnub jeżisti u jista' jigi mahfur, iżda huma, l-ewwel, għandhom jitolbuni għall-maħfra. **Mhux billi jghidulhom illi d-dnub huwa t-tieni natura tal-bniedem, huma għandhom ikunu jafu li, bħala ulied Alla, huma għandhom jitolbu għar-rikonċiljazzjoni kull darba, irrispettivament minn kemm jidhru insinifikanti dnubiethom.** Id-dnub huwa dak li jifridkom minn Alla. Aktar ma tidinbu, aktar intom ser issiru mdallmin, se thossu dieqa akbar u intom se tkunu tant bla serhan, li xejn hlief il-Grazzja Tieghi mhi se tħaffef l-uġigħ tagħkom jew iġġibilkom paċi vera.

Kunu ghafu, li meta r-renju tal-ereżija jibda, dawk li jiġu involuti fih, se jħossu solitudni terribbli u mizerja. Madankollu, ghad-dinja ta' barra, kollox se jidher li huwa aċċettabbli għall-Knisja. Filwaqt li intom se titqabdu minn gewwa, r-ritwali esterni kollha, mmexxija f'isem knisja magħquda globali, se jagħmlukom tħossukom inċerti. Fi żmien sitt xhur mill-introduzzjoni tal-erezija fil-Knisja Tiegħi, ħafna li jkunu njoraw s-Sejħa Tieghi, se jaħarbu u jfittxu lil dawk li baqgħu fidili lejn il-Kelma Qaddisa Tieghi. Imbagħad l-Armata Tiegħi se titwessa', tikber u tiġbor l-fdalijiet mill-Knejjes Insara kollha biex tiġġieled kontra l-ispirtu tal-ħażen.

**Ix-xizma fil-Knisja Tiegħi se tinqasam fi stadji differenti. L-ewwel stadju se jkun meta dawk biss li verament jafuni, u jifhmu l-Verità tal-Evangelji Qaddisa, li dawn se jiddeċiedu li ma jistgħux jaċċettaw gideb f'Ismi. It-tieni stadju ser iseħħ meta n-nies ser ikunu mċaħħda mis-Sagramenti Qaddisa kif kellhom ikunu. It-tielet stadju se jkun meta l-knejjes Tieghi jkunu ġew ipprofanati u dak se jkun meta l-qaddejja qaddisa Tiegħi, fl-aħħar, se jifhmu l-Verità li tinsab fil-Ktieb tar-Rivelazzjoni**.

Il-profeti Tiegħi ma jigdbux. Huma ma jiehdux gost b'dak li huma jigu mitluba li jagħmlu. Huma juru biss l-Kelma Qaddisa Tieghi u dak li jigu msejha biex jaghmlu bir-Rieda Qaddisa ta` Missieri. Is-sinjali li l-aħħar profeta - l-uniku profeta li nghata permess mis-sema llum - biex jipprepara lid-dinja għat-Tieni Migja – wasal, huma hawn issa. Meta intom tifhmu li l-profeziji, mogħtija lid-dinja mis-Sema, li fihom huwa dan, - biex ikattru l-fidi tagħkom u biex jiżguraw li intom tibqghu fidili lejn il-Kelma Qaddisa Tiegħi - allura intom se taċċettawhom. Meta jsehhu, kif imhabbar, allura intom se tkunu tafu l-Verità .

Kunu mhejjija.  Kunu fil-paċi għax Jien se nimxi maghkom ilkoll li qed tinġabru issa biex tiffurmaw l-Armata tal-fdal Tieghi fuq l-art.

Ġesù Taghkom.

## Huma ser jimxu bhal hrief ghall-qatla, fit-triq tal-qerda.

It-Tnejn, 21 t'Ottubru, 2013 @ 10.56

Ghaziza mahbuba binti, l-akbar tradiment tal-mahbubin, dixxipli lejali Tieghi – dawk li dejjem ser jibqghu jzommu mal-Verita' – ser jigi minn dawk is-segwaci fil-Knisja Tieghi li ser jaqghu vittmi tal-qerq il-kbir.

Tant nies, minhabba l-lejalta' taghhom li giet imhawda, ser jigu mqarrqa mill-impostur li ser jahtaf ir-riedni fil-Knejjes Tieghi kullimkien.  Ghalkemm huma jhossuhom skomdi xi drabi, meta huma jisimghu priedki strambi tal-Kelma Qaddisa Tieghi, li ma tkunx mehuda mill-kuntest kif suppost, huma ser jimxu bhal hrief ghall-qatla, fit-triq tal-qerda.  Huma ser jiksu lill-profeta l-falz bit-tifhir u jsellmulu bhallikieku dittatur kbir u jsiru haga wahda biex jiffurmaw armata kbira.  Din l-armata ser iggib l-akbar persekuzzjoni fuq huthom il-Kristjani.  Ahwa ser jitqabdu bejniethom f'din il-battalja terribbli ghall-Verita'.  Il-ghadd ta' dawk li ser jimxu wara t-trinita' mhux qaddisa, li hija maghmula mill-profeta l-falz, l-antikrist u Satana, ser tkun hafna akbar minn dawk li ser jibqghu lejali lejn il-Kelma Qaddisa t'Alla kif kienet minn dejjem.

**Intom, nies maghzula Tieghi, li mhux ser titbeghdu mill-Verita', ser issibu dan il-vjagg iebes.  Qatt, ghal mument wiehed f'hajjitkom ma mmaginajtu l-qerq, li ser taraw.  L-ghedewwa Tieghi huma mhejjin tajjeb, ghandhom influenza kbira u hemm il-flus warajhom.  Huma ghandhom hafna vantaggi, izda huma m'ghandhomx fuq in-naha taghhom, il-Qawwa t'Alla.  Mhux talli m'ghandhomx il-Qawwa t'Alla, ta' Missieri, l-Wiehed li jista' kollox, izda huma jistghu jigu meqruda f'kull mument, skond ir-Rieda Tieghu.** Izda sfortunatament, huma ser jigbdu hafna erwieh 'l boghod Minni u Jiena ser nippermetti dan bhala parti mill-ahhar purifikazzjoni tal-umanita'.  Dan iz-zmien fid-dinja ser jifred it-tajbin mill-hziena.

X'irrid infisser b'dan?  Intom zgur ser tghidu illi t-tajbin ser jigi mqarrqa u li mhix htija taghhom.  Dan huwa veru.  Izda, meta dawk li jghidu li huma Kristjani veri, jaccettaw l-erezija, minflok il-Kelma Qaddisa Tieghi, huma jkunu qed jidghu kontrija.  Huma jafuha sew il-Verita' u ghandhom jibqghu ghassa ghall-Kelma Tieghi f' kull sekonda.  Hafna minnkom reqdin.  Hafna ma jafunix ta' veru, ghax m'humiex umli fir-ruh, tant intom imkabbrin bl-gherf taghkom ta' l-Iskrittura Qaddisa.  Hafna naqsu milli jaqraw l-Evangelji jew li jifhmu dak li ser jigri qabel it-Tieni Migja.  Intom ghadkom lanqas tafu illi l-Verita' giet moghtija lilkom fil-Bibbja l-Izjed Qaddisa.  Ghaliex tibqghu tisfidaw il-Kelma t'Alla, targumentaw, tirrifjutaw u titqabdu kontra l-Id li halqitkom?  Intom ma tafu xejn izjed minn dawk li sallbuni.  Intom m'ghandkomx izjed gharfien mill-Farizej li kienu jemmnu li l-interpretazzjoni taghhom tal-Kelma Qaddisa t'Alla kienet aqwa minn dik ta' Bin il-bniedem.

Minhabba li intom qed tirrifjutaw l-ahhar profeziji, intom ser tichdu Lili. Il-qadi taghkom lejja m'hu ser ifisser xejn, ghax intom ser timxu wara dak li gie mibghut minn Satana biex icahhadkom mill-wirt li huwa dritt taghkom, gewwa l-Genna Tieghi.

Kif tbikkuni. Kif ser tittraduni, ser jigi rifless fil-persekuzzjoni li intom ser iggibu fuq dawk li ssejhulhom hutkom, f' Ismi. Intom ser tiehdu duttrina ta' gideb, bhal ma kienu ohrajn qabilkom, minn mexxejja hziena u dittaturi fil-passat. Minhabba n-nuqqas ta' mhabba vera Ghalija, li titlob hafna sagrificji, intom ser iggibuli hafna niket u sofferenza. Filwaqt li l-ghedewwa fil-Knisja Tieghi ser jigbdukom ghal go ghanqbuta ta' qerq, intom ser tkunu qed tfahhru, taduraw u thobbu lil dawk li joboghdu Lili u Jiena ser nigi minsi.

Ftakru dawn il-Kliem. Meta intom tpoggu allat foloz qabli, fuqkom taqa' r-rabja t'Alla.

Gesu' Taghkom.

**Dawk kollha li jilbsu t-trijangolu, is-sinjal tat-Trinità l-aktar profana, se jkunu mdahhla u responsabbli ghal dawn il-karitajiet**.

It-Tlieta, 22 t`Ottubru, 2013 @ 00:20

Ghaziza mahbuba binti, **kull rokna tal-Knisja Tiegħi qed titħejja għar-ritwali l-ġodda. Dikjarazzjonijiet pubbliċi dwar il-ħtieġa li tkun umli u taghti kas, ser jaghtu l-preċedenza lill-filantropija sekulari, li se tiġi introdotta mill-antikrist. Dawn il-qaddejja kollha ta' Satana qed jingħaqdu f' ċelebrazzjonijiet fil-privat u n-netwerk dinji tagħhom se joħloq karitajiet globali, mwaqqfa biex jikkonvinċukom li huma ispirati mid-divin.**

Dawk kollha li jilbsu t-trijangolu, is-sinjal tat-Trinità l-aktar profana, se jkunu mdahhla u responsabbli ghal dawn il-karitajiet, halli jitghollew f' għajnejn id-dinja. F'daqqa waħda, ser jitkellmu dwar moviment gdid qawwi u hekk imsejjah evangeliku, u n-nies se jgħaddu l-flus tagħhom biex jgħinu jkabbru l-isforzi tagħhom biex jgħinu l-foqra tad-dinja. Kulħadd se jemmen li qed isir l-akbar gid u ċerti mexxejja fil-Knejjes Tiegħi se jkunu ammirati fl-irkejjen kollha tad-dinja. Ftit hafna se jargumentaw dwar l-intenzjonijiet tagħhom, izda meta taraw l-akbar banek fid-dinja jingħaqdu fl-isforzi tagħhom, intom tkunu tafu li dan huwa att maħsub biex iqarraq bikom. Kemm huwa makakk il-bestja. Kemm ser jidhru li huma għaqlija l-azzjonijiet tiegħu, minħabba li dawn ikunu miksija biz-zokkor li huwa forma ta' qerq, u dawk biss li huma mberkin bid-Don tal-Ispirtu s-Santu se jkunu kapaċi jagħrfuh. U matul d-diskors kollu dwar il-ġid komuni tal-bniedem, ix-xewqa li jingiebu r-reliġjonijiet kollha flimkien biex tifforma komunjoni wahda kbira ta' nies - lanqas kelma waħda m'hi se tiġi mlissna dwar t-taghlim Tieghi li l-Ulied t' Alla ghandhom jibqghu sodi ghall-Kelma Mqaddsa Tieghi.

**Iz-zminijiet qegħdin jiċċaqalqu bil-ghaggla u f'nofs dik li tidher li hija propaganda ordinata u orkestrata bir-reqqa, l-konsenturi se jibdew jidhru. Meta Satana jkun qed jahdem, tinxtered il-konfużjoni; tinholoq il-firda; l-kontradizzjonijiet isiru rampanti u xejn qatt ma jkun bil-ordni. Ċerti unuri, li s-soltu jkunu mogħtija Lili quddiem it-Tabernakli Tiegħi, sejrin jisparixxu. Is-sigħat tal-Adorazzjoni Perpetwa ser jitwaqqfu u dalwaqt se jnezzghu l-Knejjes mill-istatwi tal-qaddisin**. L-azzjonijiet kollha tagħhom se jiġu accettati f'isem il-qlugh mill-gheruq tal-Knisja tal-qedem biex issir aktar relevanti, aktar pjacevoli u aktar tigbdek għal dawk li ma jemnux.

Dawk li jafuni ghandhom jagħmlu dak kollu li jistgħu, permezz tat-tixrid tal-Evanġelji, għax, tistghu tkunu certi, li m'intom se tismghu l-ebda diskors dwar il-Bibbja Mqaddsa. L-uniċi kwotazzjonijiet li intom se tismghu se jkunu dawk, li huma mibrumin biex jappoġġjaw l-gideb. Hekk kif inezzghu l-Knisja mid-dinjità tagħha, il-

kastigi ser jibdew jitferrghu ghal isfel, ghal fuqhom mis-smewwiet. Huma, biz-zmien, se jigu mwaqqfa, iżda dawn il-provi għandhom isehhu l-ewwel, kif imbassra.

Ġesù Taghkom.

## Intom il-ġenerazzjoni, li se jkollkom tixhdu t-tislib finali tal-Knisja Tieghi.

L-Erbgha 23 t'Ottubru, 2013 @ 13:30pm

Ghaziza mahbuba binti, **l-qaddejja għeżież Tiegħi se jingħaqdu f' unjoni Mieghi - inqas minn nofshom - iżda l-lejaltà tagħhom Lejja se tgħin lill-Armata Tiegħi biex tgħix u tikber sabiex jifirxu l-Evanġelji matul id-dlam globali li se jinħass waqt din, l-akbar apostasija ta' kull żmien.**

In-nuqqas ta' rispett Lejja, Ġesù Kristu, qed jidher car fin-nazzjonijiet kollha, fil-postijiet pubbliċi u l-Knejjes Tiegħi. Ix-xewqa Tiegħi issa hija li thejju l-Armata Tieghi kif jixraq. Segwaċi għeżież Tiegħi, thallux dawn l-affarijiet ihawdukom, għax dawn ifixklukom meta ghandi bzonnkom li tkunu qawwija fil-fidi tagħkom. Hekk kif il-bibien gew imsabbtin f'wiċċ Ommi, meta hi ppruvat tfittex kenn, eżatt qabel t-Twelid Tieghi, hekk ukoll il-bibien se jigu msabbta f'wicckom. Kunu ghafu li meta dawn il-bibien qed jigu msabbta f'wicckom, minn dawk il-qaddejja li sejrin żbaljati fil-Knisja Tiegħi, intom mbagħad ghandkom idduru biss Lejja. **Kunu ghafu wkoll li dawk li jsostnu li huma nies qaddisa, ghorrief fl-Iskrittura Mqaddsa u t-Tagħlim tal-Knisja Tieghi, se jkunu fil-kju u jkunu ta' l-ewwel li jikkundannawkom, għaliex intom qed issegwu l-Verità.** Qed nirreferi għall-erwieħ kollha fid-dinja li jhobbuni u li jafu l-Verità u mhux, neċessarjament, ghal dawk li jsegwu dawn il-Messaġġi Tiegħi għad-dinja kollha.

**Id-Don ta' l-Ispirtu s-Santu se jinzel biss fuq dawk denja li jirċievu dan id-Don prezzjuż minn Alla. Dawk vojta mill-Ispirtu s-Santu se jghajtu abbuż u jippruvaw jikkonvincukom biex issegwu l-ereziji, li dalwaqt se jsiru rampanti fil-Knejjes Kristjani kollha. Aktar ma dawn juru l-biża' tagħhom għal dawn il-Messaġġi, aktar ser ihebbu ghalikom. Intom ghandkom tinjoraw il-velenu tal-mibeghda tagħhom u tibqgħu siekta. Dawn il-ġranet huma kważi fuqkom. Xi wħud minnkom diġà se jkunu hadu lemha ta' l-oppożizzjoni kiefra, li intom se jkollhom issofru minħabba Fija**.

Intom il-ġenerazzjoni, li se jkollkom tixhdu t-tislib finali tal-Knisja Tieghi, imma kunu ghafu dan. Mill-irmied ser iqumi l-Gisem Glorjuz Tieghi, Ġerusalemm il-Ġdida u intom se tintgħażlu biex issaltnu fost it-tnax il-nazzjon. Meta intom tibqghu fidili Lejja, Jien se nqajjimkom fil-glorja u s-Sema u l-Art se jkunu tagħkom, fid-dinja li ġejja. Intom ghandkom tiffissaw fuqi biss matul id-Dezolazjoni ta' l-istmerrija, għax din se tkun qasira. U mbagħad, xejn qatt, mhu se jifridkom aktar Minni.

Ġesù Taghkom.

## Omm tas-Salvazzjoni: Ibni qed jippjana tigdid kbir fuq l-Art, f'dan iz-zmien, u dan ser ikun ta' ugigh.

L-Erbgha, 23 t'Ottubru, 2013 @ 15.34

Binti, **Jiena niksi lil uliedi kollha bil-protezzjoni tieghi f'dan iz-zmien, halli jibqghu kalmi, fil-paci u qawwija f'dan iz-zmien ta' provi kbar.**

Intom, gheziez uliedi, ghandkom taccettaw il-fatt illi intom dejjem ser thossu l-ugigh, li gej mill-izolament, r-rifjut u nuqqas t'accettazzjoni minn dawk li jobormu xoftejhom ghall-Kelma t'Alla. **Id-dwal jigbdu lil dawk li huma fid-dlam u huma dejjem sejrin jattakkawkom u jhebbu ghalikom, meta intom haga wahda ma' Ibni, Gesu' Kristu.**

Ibni qed jippjana tigdid kbir fuq l-Art, f'dan iz-zmien, u dan ser ikun ta' ugigh, ghax ser ikun f'forma ta' purifikazzjoni. Dan ifisser illi hafna ser isofru ghal dnubiethom issa, u li d-dinja qed tigi mhejjija ghal Gesu' Kristu, halli meta l-purifikazzjoni tkun lesta, tohrog l-ahbar. **L-ghedewwa t'Alla, sadanittant, ser iferrxu gideb u ereziji biex jirbhu l-midinbin u lil dawk kollha li jhobbu lil Ibni, u sabiex ikunu jistghu jikkontrollawhom. Dawn il-grajjiet ta' niket, kollha jridu jsehhu qabel it-Tieni Migja t'Ibni, Gesu' Kristu.**

Jiena nitlobkom gheziez uliedi biex tiehdu pacenzja u tghaddu minn dawn id-diffikultajiet ghal Ibni, li jhobbkom hafna. Qatt m'ghandkom thossukom anzjuzi, ghax daqt tkunu xhieda tal-Genna l-Gdida Tieghu, fejn m'hu ser jezisti l-ebda dwejjaq, ugigh jew hazen. **Hija tant haga zghira meta intom tbatu ghal Ibni u lanqas tinhass, meta tqabbilha ma' dak li Huwa sofra ghal kull wiehed minnkom, meta Huwa miet fuq is-Salib biex isalvakom.**

Ghalhekk nitlobkom biex tpoggu l-fiducja kollha taghkom f'Ibni u tkunu grati li qed tigi moghtija din it-tmexxija mis-Sema. Ifirhu ghax intom gejtu moghtija l-ammont ta' zmien bil-qies, biex thejju kif jixraq ghall-Jum il-Kbir tal-Mulej.

Kunu fil-paci.

L-Omm il-mahbuba taghkom

Omm tas-Salvazzjoni.

**Alla l-Missier: Din hija Sejha ghas-salvazzjoni ta' dawk minnkom li mhux ser jaraw xejn hazin fl-ereziji li daqt ser jigi ddikjarati.**

Il-Hamis, 24 t' Ottubru, 2013 @`19.45

Binti l-izjed ghaziza, **gejt biex nghid lid-dinja, illi l-ghedewwa li jiggerrew fuq l-Art, bhala dawk li jghidu li qed igibu l-Kelma t'Ibni lill-massa tan-nies, issa huma nghaqdu bhala haga wahda.** Bhala haga wahda, huma jgibu l-qawwa taghhom kollha flimkien u ser jibdlu wicc l-Art bil-qerq kbir taghhom.

**Jiena qieghed lest nistenna. Hekk kif idahhlu l-ligijiet vili taghhom, Jiena ser nattakka u d-dinja ser tkun xhud tal-kastigi Tieghi.** It-Twissijiet Tieghi waqghu fuq widnejn torox u fuq dawk li huma tant suppervi biex jaccettaw l-Id tal-Hniena, li qed tigi moghtija lilkom permezz tal-Messaggi Tieghi. Il-mexxejja ta' dawk li ser jippersegwitawkom, f'isem id-drittijiet umani, ser isofru taht Idejja. Huma jahsbu li l-qawwa taghhom tista' kollox u li hadd ma jista' jirbhilhom, imma huma daqt ikunu jafu li m'huma xejn minghajr il-Qawwa tal-Hallieq taghhom.

**Jiena l-Awtur tal-Hajja, u dawk li jiddeciedu li juzaw is-setgha taghhom biex inehhu l-hajja ta' wliedi, kemm tal-gisem kif ukoll tar-ruh, huma ser jitilfu kollox.** Meta intom titqabdu ma' wliedi u tittradixxu lil Ibni, Gesu' Kristu, ftit ikun hemm tama ghalikom. Jiena ma naghtikomx il-Hniena Tieghi malajr, ghax intom qed iggibuli Korla kbira. Jiena nixxennaq ghal lejalta' taghkom izda nwissikom bil-perikuli li hemm meta wiehed jitlajja mal-wiehed tal-hazen. Jiena ser naghtikom kull cans, biex tinhallu mill-irbit li jorbtukom mat-trinita' l-hazina. Intom ghandkom tohorgu mill-ktajjen ta' Satana. Il-hin ghalikom huwa qasir.

Nitlobkom biex taghtu titwila lejn il-Bibbja l-Izjed Qaddisa, u tfittxu s-sinjali li intom gejtu moghtija dwar kif inhi mhabbra l-apostasija l-kbira, ghax din belghet lid-dinja u qed tinfirex bhal virus qattiel, f'kull parti li wiehed jista' jimmagina tas-socjeta'. Intom gejtu nfettati u issa gej Jiena, Missierkom, biex innaddafkom minn din il-marda terribbli. Intom ghandkom tittalbuli ghall-ghajnuna Tieghi, qabel ma jkun tard wisq.

Intom issa ghandkom tghidu din it-Talba tal-Krucjata. Titolbuni ghall-ghajnuna.

**Talba tal-Krucjata (124) Isma' l-karba tieghi ghall-helsien.**

*O Alla, Missieri l-Hanin, Hallieq ta' dak kollu li hu, isma' l-karba tieghi ghall-helsien. Ehlisni mill-ktajjen ta' l-iskjavitu' u pprotegini mill-persekuzzjoni l-hazina. Ghinni biex naghraf il-Verita' u idhol ghalija, anke jekk jiena mhawwad u jista' jkun li niddubita mill-Kelma Tieghek. Ahfirli jekk noffendik u hudni fil-kenn tal-Genna l-Gdida Tieghek fuq l-Art. Ammen.*

Iz-zmien Tieghi biex niddikjara t-Tieni Migja t'Ibni, huwa fil-qrib. Il-hin ser itir u r-renju ta' l-ghedewwa Tieghi ghalkemm ser ikun qasir, ser jidher twil eternita', minhabba l-krudelta' li huma ser juru ma' wliedi. Huma m'huma ser juru l-ebda lejalta' lejn dawn in-nies boloh, li ser iweghdu alleanza mal-bestja. Hekk kif il-wiehed tal-hazen jobghod Lili, hekk hu jobghod lil kull wiehed minn ulied, kemm tajbin kif ukoll hziena. Din hija Sejha ghas-salvazzjoni ta' dawk minnkom li mhux ser jaraw xejn hazin fl-ereziji li daqt ser jigi ddikjarati. Intom ghandkom tithassbu u tergghu tithassbu dwar kull dubju, li jidhol f'ruhkom, meta intom ma tkunux kuntenti b'xi forma ta' duttrina li f'qalbkom ma thossux li hija tajba.

**Jiena ma tajt l-ebda awtorita' ghal l-ebda ligi gdida jew sagrament, biex jiddahhal fl-Isem l-Izjed Qaddis Tieghi.**

Il-mahbub Missierkom

Alla l-Izjed Oghli.

**Huma ftit wisq in-nies illum fid-dinja, li  ghandhom xi ftit fidi jew li jemmnu f'Alla**.

Il-Gimgha, 25 t'Ottubru, 2013 @ 23.55

Ghaziza mahbuba binti, meta n-nies jakkuzawk li qed tferrex il-biza', b'dawn il-Messaggi, allura huma ghandhom jifhmu l-intenzjoni vera Tieghi.  Il-biza' jigi mill-hazen ta' dawk li huma mimlijin bid-dlam tar-ruh, li jimxu fostkom.   L-ghedewwa taghkom huma l-ghedewwa Tieghi.  Huma ser joholqu spiritwalita' falza f'kull nazzjon u din mhix ser tkun gejja Minni.  Huma tant ser ikunu jigbduk, illi huma ser jithalltu ma dawk kollha li huma fil-gholi biex iferrxu d-duttrina l-falza 'new age' li ghandha origini satanici.  Hafna ser jiehdu dawn l-atti bhala gost li ma jista' jaghmel xejn hazin, imma wara din il-faccata innocenti, hemm mohbi pjan makakk biex jehilsu lid-dinja mit-twemmin fit-Trinita' Qaddisa.

Huma ftit wisq in-nies illum fid-dinja, li  ghandhom xi ftit fidi jew li jemmnu f'Alla u ghalhekk meta l-qaddejja ta' Satana ser jipprezentawlhom valuri foloz, spiritwalita' falza u paganizmu, ser ikunu hafna dawk li ser jingibdu.  Huma ser jingibdu lejn l-appelli ghall-karita' foloz, ghad-drittijiet ta' dawk li qed ifittxu li l-hajja kif jghixuha huma tigi accettata, din tkun tisfida ghall-Ligijiet li ghamel Missieri.  Minhabba li l-fidi taghhom f'Alla hija dghajfa, huma ser ikunu lesti ghall-gideb.  Huma, minflok, ser jaduraw alla falz, lill-antikrist.

Jiena nghidilkom dawn il-hwejjeg, ghax huma l-Verita'.  Ghaliex m'ghandix inwissikom b'dawn il-hwejjeg?  Jiena s-Salvatur taghkom u qed inhejji biex insalvakom ilkoll, fl-ahhar, wara dan iz-zmien imtawwal u ta' ugigh.  **Il-bniedem sofra tbatija li lanqas tinghad, minhabba Satana.  Hafna nies ma jistghux jifhmu kemm hajjiet huwa jeqred.  Huwa jkisser ir-relazzjonijiet taghkom ma' nies ohra, iwebbilkom bil-vizzjijiet, li jeqirdukom, jibdilkom u jonsobkom.  Jaghtikom x'jaghtikom, intom dejjem thossukom vojti.** Intom tkomplu taqghu u tibqghu taqghu sakemm tidhlu f'atti perversi u li m'humiex naturali u ma ssibu l-ebda soddisfazzjon.  Jiena biss, Gesu' Kristu, nista' ngibilkom il-paci vera, l-imhabba u s-salvazzjoni.  **Minhabba li hajjitkom fuq l-Art ser tinbidel lanqas ghandkom hjiel kemm, mill-antikrist, Jiena jkolli nwissikom.  Jiena naghmel dan mhux biex ingibilkom il-biza', izda biex inhejjikom ghall-Verita'.  Hija l-Verita' biss li tista' tehliskom mill-hazen ta' dawk li jghixu, jiehdu n-nifs u li ser imutu minhabba r-rabta taghhom ma' Satana u x-xjaten tieghu.**

Jiena biss, Gesu', Jiena t-triq biex issibu kenn mill-persekuzzjoni, li dawn in-nies hziena, makakki u qarrieqa ser igibu fuq id-dinja.

Gesu' Taghkom.

**Il-Jum il-Kbir ser jisbah u dalwaqt tibda d-dinja ta' bla tmiem**.

Is-Sibt, 26 t'Ottubru, 2013 @ 11.15

Ghaziza mahbuba binti, l-fidi ta' l-ulied kollha t'Alla, huma ta' liema denominazzjoni huma, hija tant dghajfa li hafna minn dawk li jafu l-Verita' ser isibuha difficli biex jipprattikaw ir-religjon bil-miftuh minghajr ma jigu kkritikati.

**Huma hafna dawk fid-dinja li jirrifjutaw Lili, Gesu' Kristu, f'dan iz-zmien fl-istorja, meta m'ghadhiex accettabbli f'hafna nazzjonijiet, li titkellem dwari fil-pubbliku. Huwa rari li tisma' Ismi jissemma fuq il-midja, sakemm ma jkunx biex jiddubitaw fuq l-Ezistenza Tieghi**. Rari tisma' nies jiddikjaraw imhabbithom Lejja bil-miftuh fil-pubbliku, ghax isibuha mbarazzanti. Sahansitra dawk il-qaddejja Tieghi m'ghadhomx iridu jiddikjaraw il-Verita' minhabba l-biza' li jwaqqghuhom ghar-redikolu. Dawk li jsegwu Lili, ser isibuha dejjem izjed iebsa biex ixandru l-Kelma Qaddisa Tieghi. Hafna, li darba kienu jhobbuni, issa m'ghadhomx u d-dezolazzjoni Tieghi u d-dwejjaq iqattghuli Qalbi, daqs li kieku dahlet xabla.

**Ghaliex, O ghaliex, tlaqtuni? Ghaliex dawk li jemmnu Fija u li jafuni, jwegghu lil tant minn huthom? Ghaliex tghix f'qalbkom il-mibeghda? Ghaliex thossukom li ghandkom tiddubitaw l-Evangelji issa, meta ilhom jezistu ghal tant zmien? Min takom l-awtorita' biex tinterpretaw hazin il-Kelma Tieghi moghtija lill-appostli? Ghaliex qed tghawguhom u ghaliex m'intomx temmnu dak li Jiena ghidt? Kelmti cara hafna. Meta Jiena nitkellem, Jiena nfisser dak li nghid. Jekk nghid haga, ma nkunx qed infisser ohra. Ghal ezempju, ghaliex ghandi Jiena nikkuntradixxi Lili nnifsi, specjalment f'din il-Missjoni?**

**Dak li jigi moghti lill-profeti t'Alla, huwa l-Verita'. Kull haga li tikkuntradixxi dawn il-Messaggi, li gejja minn halq dawk li jghidu li Jiena qed nitkellem maghhom, ghandha tigi rrifjutata. Jiena qatt ma nikkompeti ma' Kelmti stess, ghax Jiena rrid inkun cert li intom tigu moghtija l-Verita'.**

X'ghandi naghmel Jiena, biex ingibkom illi taghtu kasi? X'irrid naghmel biex inwaqqafkom milli tiggerrew u toqghodu tfittxu ghal forom ohra ta' pjacir? Ghaliex ma tridux tafdaw Fija? Intom tahlu tant hin prezzjuz tgharrxu ghall-qari tax-xorti, li johrog bhal velenu minn fomm dawk l-hekk imsejha mistici u dawk li jfittxu s-sensazzjoni, illi intom tinsultawni billi dduru lil hinn Minni. Jiena qieghed hawn. Dawn huma Kliemi. X' intom tfittxu izjed, intom ser issibu l-Verita' biss minn Fommi? Jiena ghidt il-Verita' meta kont nghix fuq l-Art. Hallejt wirt ta' tama kbira u salvazzjoni. Jiena qed nghid il-Verita' issa, meta qed ingibilkom dawn l-Ahhar Kelmiet Tieghi, f'dan iz-zmien, ghax il-Jum il-Kbir ser jisbah u daqt tibda d-dinja bla tmiem.

Meta Jiena nitkellem, inkun nixtieq illi intom tisimghuni. Jiena ma nistax nisfurzakom. Intom tistghu tfittxu ma kullimkien biex tippruvaw issibu l-Messaggi Tieghi, moghtija biex inhejji lid-dinja ghat-Tieni Migja Tieghi f'dan iz-zmien, izda

m’intomx ser issibuhom.  Il-Messaggi Tieghi pubblici biex inhejjikom ghal dan l-ahhar stadju qabel ma l-Patt Tieghi jigi fi tmiemu, jinsabu biss fil-Ktieb tal-Verita’.

Il-Kelma hija Tieghi.  Kliemi sejrin jinstemghu f’kull nazzjon.  Hadd m’hu ser iwaqqaf Lili, ghax il-Qawwa Tieghi tista’ kollox.

Gesu’ Taghkom.

## M'inix ser noqghod mal-genb u narakom teqirdu l-hajjiet taghkom li jistghu jkunu taghkom ghall-eternita'.

Is-Sibt, 26 t'Ottubru, 2013 @17.52

Ghaziza mahbuba binti, meta n-nies jippruvaw jaraw liema huma dawk l-ulied t'Alla li Jiena nixtieq ingibilhom il-Hniena Tieghi – ir-risposta hija lil kollha kemm huma. **Jiena ma naghmilx differenzi, ghax Jiena nhobb lil kull ruh li twieldet, kull wahda minnhom kienet mahluqa minn Missieri. L-ebda ruh ma tista' tinqata' barra minn din il-Missjoni finali Tieghi biex insalva lill-umanita'. Jiena ser nigi biex ingib is-salvazzjoni lil kulhadd.**

Staqsu lil liema genitur tajjeb li tridu, jekk hux lest li jissagrifika wild tieghu fuq l-iehor, u dan jghidlek hekk. Igibu ruhhom, kemm igibu ruhhom hazin jew iwegghuni, jiena qatt ma nista' nirrifjuthom, ghax huma laham minn lahmi. L-istess huwa ghall-ghedewwa t'Alla. Huma joffenduH u jgibulu dieqa kbira, izda Huwa xorta jhobbhom, ghax huma gew Minnu, ghalkemm issa huma bil-guh, minhabba d-dnub ta' l-umanita'.

Intom tistaqsu, kif jista' jkun, li Jiena nista' nahfer lil dawk li jwegghuni l-izjed? Dawk li jsawtu lill-ohrajn u jgibulhom l-ugigh u t-tbatija? Huwa ghax inhobbhom. **Jiena dejjem ser inhobb lill-midneb.** Id-dnubiet taghhom jiddizgustawni, izda Jiena dejjem ser inkun qed nistennihom biex nghannaqhom.

**Din il-Missjoni kollha, ddur mal-mahfra. Hija dwar is-salvazzjoni ta' ruhkom.** Ghalkemm Kliemi kultant ikunu horox, dawn jigu moghtija lilkom ghax Jiena nhobbkom u ma nistax naccetta l-hsieb li nitlifkom. Dawk li ttradewni, minhabba l-ambizzjonijiet taghhom tal-hajja, qatt m'ghandhom jibzghu li jigu Ghandi u jitolbuni ghall-ghajnuna Tieghi. Jiena nhoss in-nuqqas taghkom. Jiena kollni dieqa, imma ser nuza' kull intervent possibbli, minghajr ma nikser il-Patt ta' Missieri tar-rieda hielsa, li dejjem ser tibqa' taghkom sal-bidu l-gdid. Xejn milli taghmlu m'hu ser jifridkom Minni meta intom titolbuni biex nahfrilkom.

Jiena ser nibla' d-dinja ghal gol-Hniena Tieghi u ghal kull att hazin li jaghmlu l-ghedewwa Tieghi, biex ikaxkrukom ghal go l-izball, Jiena nweghdkom li ser nintervjeni. Jiena mhux ser nixhitkom f'halq il-lupi, li jridu jibilghukom. Jiena mhux ser noqghod mal-genb u narakom teqirdu l-hajjiet taghkom li jistghu jkunu taghkom ghall-eternita'. Jiena ser inzommkom weqfin sa dak iz-zmien li intom ikollkom taghmlu l-ahhar decizzjoni. Jiena mhux ser nitlaq lil ruhkom daqshekk malajr. Jiena mitt mewta kiefra biex insalvakom. Din id-darba intom ser tkunu xhieda ta' Intervent Divin l-aktar qawwi biex nirbahkom lura. **Intom Tieghi. Jiena taghkom. Il-bestja mhux ser jirbah l-erwieh daqshekk malajr, ghax Jiena Alla, forza bla qies. Jiena nista' Kollox. Satana m'ghandu xejn, izda l-makakkerija tieghu ser tigbed lil dawk dghajfa fostkom.** Jiena nheggeg lilkom ilkoll, li

thobbuni, biex titolbu li dawk dghajfa jaccettaw l-Intervent Divin Tieghi bl-imhabba f'qalbhom.

Gesu' Taghkom.

**IL-Knisja Tiegħi kienet mibnija fuq il-Verità u xejn għajr il-verità m'ghandu johrog minn xofftejha.**

Il-Ħadd 27ta` Ottubru, 2013 @ 23:30pm

Ghaziza mahbuba binti, **meta il-Knisja Tiegħi tigi mfaħħra fil-berah minn dinja kburija u sekulari, kunu ghafu li ż-żewġ entitajiet separati huma fil-qrib li jinghaqdu bħala waħda. Meta l-Knisja Tieghi tħaddan lid-dinja sekulari, issir politikament motivata minnha, u qed tipprova tikseb rikonoxximent fid-dinja tal-politika u n-negozju, kunu ghafu, li Jien qatt mhu se naccetta din l-azzjoni.**

Il-Knisja Tieghi nbniet fuq il-Kelma Tiegħi. Kienet mibnija fuq il-Verità u xejn għajr il-verità m'għandu johrog minn xofftejha. Meta l-Knisja Tieghi titkellem, bl-Awtorità Tieghi, kontra d-dnub, din dejjem se tigi kkritikata, għax il-bniedem dejjem se jiddefendi d-dnub. Id-Dnub jagħmillu hajtu aktar aċċettabbli ghalih u ghall-oħrajn u hu jagħmel kull sforz biex jiddikjara li l-Infern ma jaghmilx sens. **Meta l-Knisja Tieghi titkellem biss fuq din id-dinja, in-niket taghha, l-problemi tagħha, it-tbatija tal-bniedem u ma tippridkax il-Kelma t'Alla, din tifred lilha nfisha Minni.** Dawk biss fi ħdan il-Knisja li jibqgħu lejali lejn dak li ghallimthom Jien, jistghu verament jgħidu li jappartjenu għall-Knisja Tieghi. Il-Knisja Tieghi tikkonsisti biss f'dawk li jghidu l-Verità.

Meta dawk fi ħdan il-Knisja jiċħdu Lili, Ġesù Kristu, allura l-ispirtu tal-ħażen ikun daħal fid-dominju tagħha. Jiena qed nigi maghsur 'l barra mill-Knisja Tiegħi. M'ghadnix nigi meqjum kif darba kont. Il-Kliem Tiegħi m'għadhomx jintużaw biex jiddikjaraw l-Verità. Huma qed jiġu mghawgin biex jiskużaw kliem, atti u azzjonijiet, li ma jkunux ġejjin Minni, u li qatt m'huma se jiġu Minni. **Il-Kelma Tiegħi qatt ma tista' titbiddel u kull bniedem li jieħu l-Kelma Tieghi u jkasbarha se jsofri kastig etern**.

Ġesù Taghkom

**Omm tas-Salvazzjoni: Il-Knisja t'Ibni ser issir il-maqghad ta' l-antikrist**.

It-Tlieta, 29 t'Ottubru, 2013 @ 19.30

Helwa binti, **s-Smewwiet kollha jinghaqdu m' Ibni, biex jghinu lil dawk is-sacerdoti qaddisa, li ser isibu lilhom infushom f'nofs battalja kbira. Hafna minn dawn l-erwieh prezzjuzi ser ikollhom jghaddu minn ugigh kbir u tbatija meta huma ser ikollhom jixhdu l-ereziji li ser jinbtu minn gewwa l-Knisja**. Huma ser ikunu mhawdin, mbezzghin u hafna ser ihossu li m'ghandhomx fejn imorru. **Hemm ghandhom iduru lejja, jitolbuni biex nikkonsagrhom lil Ibni, halli huwa jferra' fuqhom kull qatra mid-Demm Prezzjuz Tieghu. Meta jkunu miksija b'dan ir-Rigal, huma jkunu jafu x'ghandhom jaghmlu. Huma suppost li jafu li jiena wissejt lill-uliedi, matul is-sekli, b'din l-apostasija, li qed tigi ppjanata mill-wiehed tal-hazen.**

Il-Knisja t'Ibni ser issir il-maqghad ta' l-antikrist u issa li l-Verita' nkixfet, hafna ser ihosshom imbezzghin u ser isofru l-ugigh tas-Swat t'Ibni. Il-Knisja t'Ibni ser tigi ppersegwitata, meqruda, u pprofanata – sakemm fl-ahhar, din ser issir id-dar tat-tronn li fuqu ser ipoggi l-antikrist. Ser ikun minn hawn illi huwa, l-antikrist, ser jiddikjara li huwa l-Kristu u li d-dinja ser tigi salvata permezz tieghu.

Meta taccettaw il-gideb, intom tkunu qed tichdu l-Verita'. Meta tinjoraw il-Verita', intom tibdew temmnu f'ghanqbuta ta' qerq li giet maghmula, mahduma mill-wiehed tal-hazen u din ser tkun in-nasba taghkom. Ladarba taqghu fin-nasba, intom tigu mhajra biex timxu wara l-folol f'kull nazzjon, li ser jaghtu gieh kbir lill-antikrist. Nitlobkom uliedi, ghidu din it-Talba tal-Krucjata biex tissieltu kontra l-erezija, li ser tiksi l-Knisja t'Ibni fuq l-Art.

**Talba tal-Krucjat (125) Biex niddefendu l-Kelma l-Izjed Qaddisa t'Alla.**

*O omm tas-Salvazzjoni, ghinni, jien qaddej umli t'Alla, biex niddefendi l-Kelma l-Izjed Qaddisa Tieghu fi zmien ta' turment. Ikkonsagra lili, ghaziza ommi, lill-Iben Tieghek, halli jiksini bid-Demm Prezzjuz Tieghu. Aghtini, permezz ta' l-intercessjoni tieghek lil Ibnek, Gesu' Kristu, l-grazzja, s-sahha u r-rieda li nibqa' lejali lejn it-Taghlim ta' Kristu fiz-zmien tal-Inkwiet il-Kbir, li ser jibla' l-Knisja l-Izjed Qaddisa Tieghu fuq l-Art. Ammen.*

**Morru ghand Ibni, gheziez qaddejja ta' Kristu. Intom Tieghu. Huwa ser jghinkom matul il-persekuzzjoni. Huwa qatt m'Hu ser ihallikom fiz-zmien tal-bzonn.**

Ommkom il-mahbuba

Omm tas-Salvazzjoni

**Ladarba l-Ispirtu s-Santu jahtaf ruh, din tqum, u tersaq mill-ewwel lejn ir-Rieda ta' Missieri u twiegeb billi tintelaq ghal kollox f'idejH.**

L-Erbgha, 30 t'Ottubru, 2013 @ 18.00

Ghaziza mahbuba binti, meta l-Ispirtu Qaddis Tieghi jinzel fuq persuna, jigru numru ta' hwejjeg. L-ewwel thoss ruhha mhawda u ma tistax temmen. It-tieni, tkun li thossha mirbuha minn xi haga tant qawwija illi l-persuna tispicca dipendenti ghal kollox fuq ir-Rieda Qaddisa t'Alla. Hemm jispicca t-twemmin, fejn wiehed jemmen fl-intellett superjuri uman, ghax l-intellett ma jkun ghad ghandu l-ebda rwol x'jaghmel. Minflok, ir-ruh tintela bl-gharfien, b'titwila u fehma li tkun lil hinn mill-interpretazzjoni dghajfa umana.

**Ladarba l-Ispirtu s-Santu jahtaf ruh, din tqum, u tersaq mill-ewwel lejn ir-Rieda ta' Missieri u twiegeb billi tintelaq ghal kollox f'idejH.** Meta jnaqqas xi ftit il-biza' tal-bidu, tinhass paci profonda u l-biza' tal-persuna li tidher quddiem l-ohrajn, li qed ixxandar il-Kelma t'Alla, jisparixxi. Qatt aktar ma jinkwethom x'jahsbu n-nies l-ohra, ghax minn halqhom titferra' l-Vertia'. Il-personalita' tar-ruh, kemm jekk tkun fuq taghha, kwieta jew misthija, din tispicca tiehu postha fuq wara u ssir sekondarja ghall-mod kif dawn ixandru l-Kelma t'Alla.

**L-erwieh kollha li jircievu d-Don ta' l-Ispirtu s-Santu – minghajr l-ebda eccezzjoni – ir-rieda hielsa taghhom taghti postha lir-Rieda ta' Missieri.** Ghax l-erwieh li gew verament imbierka bid-Don ta' l-Ispirtu s-Santu, r-rwol taghhom huwa li jxerrdu l-Kelma t'Alla, u ghal dan huma jsofru. Kisja ta' l-Imhabba t'Alla, tiksi lil dawn l-erwieh huma hu jimxu 'l quddiem, minghajr biza' u bil-kuragg biex ixandru l-Verita'. Dawk li jxandru l-Verita' tat-Taghlim Tieghi, f'dawn iz-zminijiet ta' paganizmu u meta l-Knisja ser titlef il-Fidi Vera, ser jigu moghtija zieda ta' sahha biex nizgura li Lehni jigi mismugh. Dik is-sahha tkun gejja minn Alla, l-mahbub Missieri. Ser ikun bil-Qawwa tas-Sahha t'Alla, illi hafna mill-armata ta' Satana sejrin jikkonvertu, filwaqt li l-kumplament ser jigu meqruda.

**Bhal xwabel ta' nar jaqbad, l-Ispirtu s-Santu ser jinfed il-qlub ta' dawk li jisimghu u jaccettaw il-Verita'.**

Gesu' Taghkom.

Meta tkunu neqsin mill-umilta', l-kburija timla lil ruhkom u intom tidinbu kontrija.

Il-Hamis, 31 t'Ottubru, 2013 @ 23.30

Ghaziza mahbuba binti, hafna mhux ser jisimghu Lehni, ghax ma jafux min Jiena. Hafna jghidu li jafuni, izda hija biss l-interpretazzjoni zbaljata taghhom li tikkonvincihom li huma jifhmu min Jien u x'ghamilt biex insalvhom mill-abbiss, li jigu wicchom mieghu l-ulied kollha t'Alla, dawk li ma jitolbunix biex nahfrilhom.

Ir-rieda hielsa hija Rigal minn ghand Missieri. Izda r-rieda hielsa tista' tkun ta' tfixkil meta l-bniedem johrog biex ifitted l-Imhabba t' Alla. Imma xorta wahda Missieri ta lil uliedu dan ir-Rigal. Daqshekk Huwa generuz. Dan huwa kemm ihobb lil uliedu. Dan huwa r-Rigal li bih tahom il-helsien li jigru madwar id-dinja, juzaw il-frott taghha u jghannqu sbuhitha. Izda l-bniedem, meta gie ttantat minn Satana, abbuza mill-fiducja ta' Missieri. Hemm il-bniedem gie mjassar minn Satana u ghamel patt mieghu, fejn minhabba fih, id-dnub ser jibqa' jifred lil ulied Alla Minnu.

Ir-Rigal tal-mewt Tieghi fuq is-Salib, kienet tfisser li Jiena kont ser inkisser din ir-rabta bejn il-bniedem u Satana. Ghalhekk Jiena gibt li l-bniedem jista' jfittex is-salvazzjoni permezz tal-mahfra tad-dnub, bil-mewt Tieghi fuq is-Salib. Dan ifisser illi l-bniedem jista' jahrab mill-hatfa ta' Satana, izda huma biss dawk li jsegwu Lili, billi jaqduni f'umilta' shiha, illi jistghu verament ikollhom is-salvazzjoni. **Sakemm intom ma jkollkomx il-hila li tiddikjaraw Lili, Gesu' Kristu, bil-miftuh, id-djufija taghkom, dnubietkom u l-mibeghda taghkom wiehed ghall-iehor, permezz tal-qrar, intom ma tibqghux safja. Minghajr is-safa tar-ruh, intom ma tistghux issiru umli f'Ghajnejja**. **Meta tkunu neqsin mill-umilta', l-kburija timla lil ruhkom u intom tidinbu kontrija. Meta intom tidinbu kontrija, intom taghmlu dan b' diversi modi.**

**L-ewwel intom tmantnu l-gibdiet taghkom, ir-reghba u l-kburija. Imbaghad iggibu ruhkom bhallikieku intom tafu kollox, intom izjed fuq taghkom u ahjar minn ohrajn. Imbaghad tiggudikaw lill-ohrajn. Imbaghad tmorru ghall-istadju li jkun imiss. Intom tghaddu z-zmien b'dawk li jkunu f'ghaqda vera Mieghi, billi tghidu li m'humiex perfetti. Wara dak, intom tibdew taqilghu l-qlajjiet kontra dawk li jibqghu lejali Lejja. Imma xorta intom tikkonvincu lilkom infuskom li intom mimlijin bl-Ispirtu s-Santu. Imma mhux ser ikun l-Ispirtu s-Santu li jispirakom. Minflok, ser ikun l-ispirtu tal-hazen, li ser jattakka ruhkom u intom ser temmnu li qed tigu mmexxija mis-Sema.**

Meta tghidu li qed tirrapprezentaw Lili, u li intom f'pozizzjoni ahjar minn ohrajn biex tkunu parti mis-Saltna Tieghi u wara tigdbu dwari, intom ghandkom bzonn min jitlob ghalikom. F'dak l-istadju intom tkunu ga nofs triq ghall-qiegh ta' l-Infern u minghajr l-Intervent Tieghi, intom tintilfu.

**Hudu dan il-Messagg Tieghi. Aghfsuh ma' qalbkom u staqsu: "Gesu' dan Inti? Veru li jiena ghandi bzonn l-ghajnuna Tieghek?" u Jiena nwegibkom.**

Gesu' Taghkom.

## Id-dixxipli lejali Tieghi, nkluzi s-sacerdoti u l-qaddejja qaddisa f'kull fidi Kristjana, ser jibqghu ma' genbi.

Il-Gimgha, 1 ta' Novembru, 2013 @ 23.17

Ghaziza mahbuba binti, l-ispirtu tal-hazen qed jinfirex u qed jaffettwa lil dawk li bi hdura qed jopponu dawn il-Messaggi. Dan ser iwassal ghal izjed hazen, gideb u ppjanar biex iwaqqfu din il-Missjoni. Inti ghandek tinjora dawn l-ilsna hziena u lil dawk mikulin bil-ghira spiritwali, li jaghmlu minn kollox biex jippruvaw iwaqqfu din il-Missjoni li qeghda biex iggib is-salavazzjoni ta' kulhadd.

Jiena nghidilkom, intom kollha li ssegwu dawn il-Messaggi, dawn il-Messaggi huma mportanti wisq biex intom taghtu kas ta' dawk li joboghdukom f'Ismi. Ghax huwa Jiena, Gesu' Kristu, li huwa l-mira taghhom. Ftakruh dan. Imma s-suppervja taghhom ggeghelhom jemmnu li huma qed igibu ruhhom hekk ghax ihobbu Lili. Huma ghandhom ikunu jafu li Jiena qatt ma Jiena ser nippermetti lil xi hadd li jghid tant gideb jew iferrex ghajdut koroh fuq ruh ohra f'Ismi.

**Jiena, Gesu' Kristu, l-Haruf t'Alla, Jiena biss ghandi l-awtorita' li nikxef maghkom il-Verita' f'dawn iz-zminijiet. Il-Verita' ser thawwad lil hafna u l-Verita' hija morra biex tnizzilha, ghax hija tant goffa, illi dawk biss li huma b'sahhithom fl-Imhabba Tieghi li ser ikollhom il-hila li jaccettawha. Il-Verita', hi kemm hi tqila biex tnizzluha, ser tehliskom. Ser tifthilkom ghajnejkom ghall-hazen li qed jintwera bhala tajjeb; ghal nies hziena li qed ixerrdu d-dagha meta huma jghidu li qed ixandru l-Kelma Tieghi u ghall-ghedewwa Tieghi li jridu jeqirdu l-ulied t'Alla.**

Hafna profeti foloz, imxerrdin ma' kull nazzjon, ser iqumu biex jiddikjaraw li l-gideb li hiereg minn halq l-antikrist huwa l-verita'. Huma sejrin jghidu wkoll illi l-antikrist huwa Jiena. Huma ser jghidu minn kollox dwar l-Evangelji, li jidhru li jkunu ezatti u ser juzaw bicciet mill-Bibbja Qaddisa, inkluzi kliem minn Tieghi, biex jiggustifikaw il-missjonijiet vili taghhom. Izda ghal dawk li jafuni, intom dejjem ser issibu l-gidba u l-erezija mohbija go dawk li huma jsejhu kliem profetici. Dawn ser jikkuntradixxu dawn il-Messaggi u jiddikjaraw li Kelmti hija erezija. **Issa huwa z-zmien biex thallu barra dawn l-ilhna kollha li jheggukom biex tisimghu lilhom, minflok Lili.** Intom ghandkom tibqghu tfakkru lilkom infuskom bil-Verita' li tinsab fl-Evangelji Qaddisa. Intom ghandkom tisimghu Minni meta qed niggwidakom.

Daqt, dawk kollha li mexxew il-Knisja Tieghi fil-passat, dawk kollha li jipprovdu l-Kelma Vera lill-ulied t'Alla fil-Knisja Tieghi, u dawk kollha li ser jibqghu lejali lejn il-Verita', ser jintremew fil-genb. **Il-Knisja Kattolika ser taghmel numru ta' stqarrijiet allarmanti, il-ghaliex hija ghandha tinbidel u tirranga kull bicca mill-istruttura taghha.** Din ser tuza' d-dnubiet ta' dawk fil-Knisja Tieghi u dawk li ttradewni, biex tiggustifika li tqalleb il-Knisja Tieghi ta' gewwa, barra. **Hafna mill-**

**qaddejja qaddisa Tieghi ser jigu mnaqqija u jehlu ta' kollox. Hafna ser jigu mfittxija u jgibu kontra l-isem tajjeb taghhom, gideb u hwejjeg ohra, qabel ma jitnehhew. Dan huwa l-mod kif hafna mill-qaddejja qaddisa ser jigu mnehhija mill-Knisja Tieghi biex l-ghedewwa t'Alla jithallew jiehdu kontroll shih minn gewwa fiha.** Kull kalunja mahduma mill-ghedewwa t'Alla kontra l-qaddejja qaddisa Tieghi, ser tigi mfahhra pubblikament u tigi pprezentata bhala haga tajba, halli l-isem tajjeb tal-Knisja ma jkunx mittiefes.

O, kif ser tigu mqarrqin u kif ser tigi mghottija l-Vertia', mohbija u wara njorata. Dawn il-bidliet kollha ser jidhlu fis-sehh malajr, fil-gejjieni, u l-firxa taghhom ser tahsad lil hafna. F'nofs kollox, ser ikun hemm konfuzzjoni, biza', dwejjaq u nkwiet. **Il-Knisja Tieghi tant ser tigi fi bcejjec, illi kull fiducja bejn il-hitan taghha ser tispicca. Din iggib biza' kbir u mbaghad b'mod li ghall-bidu ma jkunx car, il-Knisja Kattolika ser issir forza mexxejja fir-religjon wahda dinjija.** Din l-istmerrija l-gdida ser tiddikjara mhabba kbira ghal foqra tad-dinja u ghal dawk bil-guh. Izda din mhix ser tippriedka Kelmti, u lanqas ser tibqa' fidila lejn il-Knisja Vera Tieghi. Imma xorta wahda, l-Knisja Tieghi tibqa' tghix.

Id-dixxipli lejali Tieghi, nkluzi s-sacerdoti u l-qaddejja qaddisa f'kull fidi Kristjana, ser jibqghu ma' genbi. Il-Fdal Tieghi ser jghaddu mill-prova taz-zmien, u dawn qatt ma jistghu jmutu, ghax Jiena huwa l-Knisja. Jiena qatt ma nista' nigi meqrud.

Gesu' Taghkom.

## L-akbar persekuzzjoni ser tigri mill-Insara fuq l-Insara.

Is-Sibt, 2 ta' Novembru, 2013 @ 20.30

Ghaziza mahbuba binti, Jiena rrid nheggeg lill-ulied kollha t'Alla biex jinghaqdu flimkien u jitolbu ghall-Knisja Tieghi fuq l-Art.

Qalbi tkun trid tinqasam f'dan iz-zmien, ghax hemm mibeghda kbira bejn dawk li huma Nsara prattikanti. Il-persekuzzjoni ta' l-Insara ser tkompli fl-artijiet kollha u din tinkludi lil dawk kollha li bhalissa huma hielsa li jaghtu gieh Lili. L-akbar persekuzzjoni ser tigri mill-Insara fuq l-Insara. **Is-swat tal-Gisem Tieghi fuq l-Art ser ikun fl-aghar tieghu minn gewwa, minhabba li wiehed ser idur kontra huh u wahda kontra ohtha. Intom dalwaqt taraw id-dikjarazzjoni tat-talb il-gdid, li ser jiddahhal mal-liturgija l-gdida.**

**Il-bidliet ewlenin ser ikollhom x'jaqsmu mat-Tqarbin Qaddis, fejn dan ser jigi pprezentat bhala xi haga li ghandha ftit li xejn xebh mal-mewt Tieghi fuq is-Salib, meta Jiena tajt il-Gisem Tieghi ghall-midinbin. Meta jigi ddikjarat illi t-Tqarbin Qaddis ifisser l-ghaqda flimkien tal-umanita', bhala haga wahda quddiem Alla, intom ser tinsultawni, ghax dan ikun kuntrarju ghall-Verita'.** Il-Verita' m'ghadhiex tfisser il-Verita', ghax huma hafna li jferrxu l-gideb, jesageraw u ma jifhmux kemm huwa facli illi l-Verita' tista' tigi mbaghbsa. Meta titghawweg, b'mod fin hafna, hafna lanqas biss jindunaw bil-bidliet, meta l-Verita' ma tkunx baqghet Verita'. Il-gideb jiehdu post il-Verita', jifirdu r-razza umana u joholqu firda minn Alla, li twassal ghall-qerda.

**Dejjem ghozzu l-Verita', ghax minghajrha x-xemx tiddallam, il-qamar ma jaghtix izjed dawl meta jaqa' l-lejl u l-kwiekeb ma jiddux izjed f'dawk il-jiem li jaghtu sinjal ta' l-ahhar dlam, qabel ma nigi Jiena biex niehu lura s-Saltna Tieghi.**

Dak in-nhar, il-Verita' biss ser issalvakom.

Gesu' Taghkom.

**Jiena ma naghti l-awtorita' lill-ebda bniedem biex jiggudika lill-iehor, jghid il-hazen fuq l-iehor jew jitfa' dellijiet fuq xi ruh ohra.**

Il-Hadd, 3 ta' Novembru, 2013 @ 19.07

Ghaziza mahbuba binti, **l-mod kif taghraf attack tax-xitan, huwa billi tara kif l-erwieh li huma infestati bil-wiehed tal-hazen, igibu ruhhom. Huma qatt ma jkunu kalmi. Minflok, huma jifferocjaw bla kwiet, jghajtu oxxenitajiet, jigdbu u johorgu bir-rabja ghall-miri taghhom.** Bhalissa, Satana u x-xjaten tieghu jinsabu rrabjati bi kbir u ser jattakkaw lil kulhadd u lil kull min isibu fi triqithom, li jkun qed ixandar il-Kelma t'Alla, matul dawn iz-zminijiet.

**Erwieh li huma mimlijin b'dawn il-karatteristici, li ghandhom x'jaqsmu max-xitan, bhal ma hija l-kburija, l-arroganza u rispett esagerat ghall-inteligenza zbaljata taghhom, ser ikunu fuq quddiem nett biex jattakkaw lil dawk li jmexxu l-Armata tal-Fdal Tieghi. Kull tattika, kull mossa, u kull insult verbali ser ikun imzewwaq b'mibeghda fina u dejjiema ghall-erwieh li huma jattakkaw.** L-attakki taghhom dejjem jispiccaw daqs li kieku intom, il-vittmi, qlajtu daqqa ta' sieq fl-istonku – dak huwa l-attakk klassiku tax-xitan.

Meta intom tkunu xhieda ta' kalunja, akkuzi foloz u kliem kontrikom, gheziez segwaci Tieghi, hemm intom tkunu tafu illi dan qatt ma jista' jkun gej Minni, Gesu' taghkom. Jiena ma naghti l-awtorita' lill-ebda bniedem biex jiggudika lill-iehor, jghid il-hazen fuq l-iehor jew jitfa' dellijiet fuq xi ruh ohra, f' Ghajnejn Alla. Jiena biss, Gesu' Kristu, nista' niggudika lill-bniedem ghal dnubietu. Hadd izjed ma gie moghti dan il-jedd, ghax dan huwa Tieghi biss.

**Meta tiggudikaw lil xi hadd iehor fl-Isem Qaddis Tieghi, bil-mibeghda f'qalbkom, intom ukoll tigu ggudikatai Minni ghal ghemilkom. Meta intom twegghu wild iehor t'Alla u tiddikjaraw li huwa hazin, hemm intom ukoll tigu ggudikati li intom hziena f'Ghajnejja**. Ghajn ghal ghajn – hekk ser ikun il-kastig taghkom. Intom forsi tahsbu li intom gustifikati meta timmalafamaw ruh ohra f'Ismi, imma minflok, intom tkunu ghedewwa f'Ghajnejja. Dawk li jghollu lilhom infushom quddiemi, billi jiftahru li l-gharfien uman taghhom dwar hwejjeg spiritwali huwa superjuri, ghandhom ikunu jafu li huma ser jispiccaw fix-xejn. **Meta intom tichduni u tiddikjaraw illi l-Kelma Qaddisa Tieghi gejja minn halq il-wiehed tal-hazen, hemm intom tkunu ffirmajtu d-destin taghkom u qatt m'intom ser taraw Wicci.** Mhux ser ikun hemm l-ebda Hniena ghalikom, ghax intom tkunu dghajtu kontrija.

It-twissija Tieghi ghal dawk li jittraduni, hija din. Tqabdu Mieghi u intom qatt m'intom ser tirbhu. Il-Qawwa Tieghi tista' Kollox. L-ebda bniedem qatt m'hu ser jirbahli. Izda hafna ser ikunu dawk li jaqsmuli qalbi ghax jippruvaw jikkompetuli, jiddikjaraw li huma aqwa Minni u jghidu li l-gharfien taghhom huwa akbar minn Tieghi. Aharbu Minni, ja rgiel u nisa ngrati – d-dnubiet taghkom tad-dagha qatt m'huma ser jintesew.

Gesu' Kristu

Salvatur ta' l-Umanita'

**Ir-Rabja ta' Missieri ser tkompli tikber aktar ma  l-ulied ingrati Tieghu jqumu jisfidaw il-Patt Tieghu li jista' Kollox.**

It-Tnejn, 4 ta' Novembru, 2013 @ 16.00

Ghaziza mahbuba binti, **ulied Alla ghandhom bzonn jifhmu l-enormita' tal-battalja l-kbira, li qed issehh bhalissa bejn il-mahbub Missieri u l-wiehed tal-hazen.** Huma ftit dawk minnkom li jistghu qatt jifhmu l-intensita' ta' din il-battalja kbira, li diga bdiet.

**L-angli fis-Sema ga bdew il-battalja finali biex jeqirdu l-ghedewwa ta' Missieri fuq l-Art.  Waqt li tkun ghaddejja l-battalja, din ser tibla' l-erwieh ma' kullimkien.  B'mod specjali, din ser tigbed l-erwieh ta' dawk li jinsabu fid-dlam u li mhux veru jafuni, biex dawn jitqabdu kontra dawk li isimhom jinsab fil-Ktieb tal-Hajjin.** Dawk li ma jafunix, li ma jemmnux Fija, li ma jemmnux f'Missieri u li ma jemmnux li Satana jezisti, ser jibqghu mal-gnubijiet u jharsu, waqt li z-zewg armati Nsara jahbtu ghal xulxin fuq l-Art.  Dawn iz-zewg nahat ser ikunu gejjin minn gewwa l-Knejjes Kristjani.  Il-Kristjani fuq iz-zewg nahat ser isofru l-akbar persekuzzjoni u huma ser jigu mgebbda lejn kull direzzjoni biex jigu mhajra li jitilqu Lili.

Erwieh innocenti ser isofru minhabba l-mibeghda li ser tintwera maghhom mill-ghedewwa t'Alla, u Satana ser juza' z-zewg nahat bhala rahan f'agenda mimlija mibeghda, li twassal ghal dezolazzjoni terribbli fuq l-Art.  Id-dezolazzjoni ser tigi mid-dnub tal-bniedem u t-tradiment Tieghi.  **Ir-rifjut taghhom t' Alla, Missieri, ser tohrog fid-deher meta huma jiddeciedu li jbiddlu l-Ligijiet li saru bil-Kmand Tieghu, halli jsiru accettabbli ghall-hajja midinba taghhom.** Kunu ghafu li  dan ser iwassal ghal kastig kbir.

Ir-Rabja ta' Missieri ser tkompli tikber aktar ma  l-ulied ingrati Tieghu jqumu jisfidaw il-Patt Tieghu li jista' Kollox.  Dawk li jhejju ghat-Tieni Migja Tieghi ser jigi maqfula go speci ta' habs, fejn huma ser jigu mgeghla jibilghu l-gideb.  Jekk jirrifjutaw li jaccettaw l-ereziji, li ser jisfurzawlhom ghal go grizmejhom, huma mbaghad jigu mixhuta 'l barra mill-knejjes taghhom.  Kelmti ftit wara tigi minsija.  **Kulma wissejtkom dwaru, ser jigri ezatt kif ghidtilkom Jien.** Dawk li huma ghomja ghall-Verita' jippreferu li jghixu gidba, huwa ehfef li taccetta l-gideb, ghax dawn ser ikunu jigbduk, bil-mod kif ser jigu pprezentati lilhom.

**L-erezija ser tkun ipprezentata lill-massa bhala parti minn kostituzzjoni gdida fil-Knisja Tieghi, li m'hu ser ikollha xejn x'taqsam Mieghi.** Kollha ser jiffullaw biex jaccettaw dan, ghax huma ma qaghdux ghassa taz-zminijiet, li kienu gew imwissija dwarhom, fuq dak li ghandu x'jaqsam mal-Jum il-Kbir.  Issa ghandkom thejju ghal dan il-Jum.  Intom ghandkom taharbu 'l boghod meta d-Divinita' Tieghi tigi sfidata, kif ser tkun b'hafna modi, gewwa l-Knisja Tieghi fuq l-Art.  **Huduha mal-ghedewwa Tieghi u intom ma tirbhulhomx.  Injorawhom.  Itolbu ghal ruhhom u hejju taghkom stess, ghax dalwaqt kollox ikun ghadda.**

Gesu' Taghkom.

## [Id-Dawl t'Alla ser jinzel fuqkom u Jiena nweghdkom li m'intomx ser thossukom wahedkom.]

It-Tlieta, 5 ta' Novembru, 2013 @ 11.00

Ghaziza mahbuba binti, Alla ga beda l-ahhar thejjijiet biex jizgura li s-salvazzjoni tingieb lil uliedu kollha. Hafna minnkom lanqas biss jafu xejn dwar xi tfisser it-Tieni Migja u ghalhekk intom m'intomx thejju ruhkom. Hafna minnkom mhux qed jemmnu li din ser tigri qabel hafna zmien 'l quddiem. Ghalhekk, dawk biss li huma mhejjija ta' veru, ser ikunu lesti biex jilqghu Lili, l-Gharus, imlibbsin u pprezentati kif inhu xieraq. Ohrajn ser ikunu reqdin u mhawdin. Xi whud mhux ser jemmnu Fija qabel ma Jiena nidher f'kull parti tad-dinja. Xi whud ser imutu bil-hasda, izda l-maggoranza ser jintlew bil-ferh u l-ghageb. **Dawk li hallew lilhom infushom jigu mqarrqa, ser ikunu mahfura jekk huma jitolbuni ghall-immunita'.** Sfortunatament, hafna ser jirrifjutaw il-Hniena Kbira Tieghi ghax qlubhom ikunu saru tal-gebel u xejn ma jiftahhom.

Iz-zmien li gej ser ikun mimli rivelazzjonijiet u Grazzji specjali li jigu mferrghin fuqkom. Jiena naghmel dan biex insahhahkom izjed u izjed, halli ma tbighux ruhkom ghall-attrazzjonijiet tad-dinja. Aktar u aktar minnkom ser joqorbu Lejja u waqt li Jiena nkellem lil ruhkom, intom ser thossukom fil-paci f'nofs il-biza' ta' l-apostasija. Meta intom tixhdu dan l-orrur, intom tkunu armati ahjar biex tiqfulu u tghinu lill-ohrajn.

**Id-Dawl t'Alla ser jinzel fuqkom u Jiena nweghdkom li m'intomx ser thossukom wahedkom, sahansitra meta tigu rrifjutati minn dawk li ma jafux ahjar. Meta Jiena kont nghix fuq l-Art, il-Farizej keccew hafna minn Mieghi. L-istess haga sejra tigri issa. Hafna minnkom ser jigu mhegga biex, mhux talli jirrifjutaw is-Sejha Tieghi mis-Sema bhalissa, izda t-Taghlim Tieghi. It-Taghlim Tieghi qatt ma jista' jitbiddel ghax huwa l-Verita' u l-Verita' biss tista' ssalvakom.**

Gesu' Taghkom.

**It-taqlib kollu li ser taraw dalwaqt huwa xhieda tal-Verita' tal-profeziji moghtija lill-mahbub Gwanni Tieghi fil-Ktieb tar-Rivelazzjoni.**

Il-Hamis, 7 ta' Novembru, 2013 @ 18.35

Ghaziza mahbuba binti, **z-zmien ghall-bidu l-gdid huwa fil-qrib. Filwaqt li jissokta jinhass l-Inkwiet il-Kbir, ser isehhu hafna grajjiet.**

L-ghedewwa gewwa l-Knisja Tieghi, minghajr l-ebda misthija, sejrin jippruvaw jghidu illi knisja ta' dinja-wahda sekulari illi tilqa' l-midinbin kollha u r-religjonijiet kollha, hija approvata minn Alla. Meta dawk fil-Knisja Tieghi jilqghu lil dawk fid-dinja sekulari, din ma timxix izjed fuq il-Verita'. **Meta inti tkun segwaci veru Tieghi, l-fidi tieghek tkun tidher fl-ghemil u l-hidma tieghek. Meta intom tkunu Tieghi, intom tibqghu fidili lejn il-Kelma t'Alla. Meta intom izzommu Kelmti, intom tobdu dak kollu li Jiena ghallimtkom. Meta intom ma tkunux Tieghi, intom tishtu lil hutkom bniet u subien. Meta m'intomx Tieghi, intom toboghdu lil dawk li huma Tieghi. Meta tahsbu li intom jista' jkollkom il-hajja eterna minghajr ma tkunu hdimtu ghaliha, intom tkunu qed tizbaljaw hafna.**

Jekk tghidu li d-dnub huwa haga naturali u li Alla gust u li jimxi ma kulhadd l-istess, biss, jista' jahfer kull dnub, allura dak huwa veru. Izda jekk temmnu li l-hajja eterna hija dritt naturali taghkom u li intom m'ghandkomx ghalfejn tindmu l-ewwel, hemm intom tkunu qed tichdu l-Verita'. Jiena nhobb lil kull wiehed minnkom. **Jien qatt m'hu ser inkun kattiv, qalbi hazina, kiefer, abbuziv, jew inwegga' lil xi hadd minn ulied Alla.** Izda Jiena qatt m'hu ser niftah il-bieb tas-Saltna Tieghi ghal xi midneb, jekk dan ma jurix indiema vera ghall-hazin li jkun ghamel. Meta Jiena mmexxikom lejn is-salvazzjoni, Jiena niftah kull bieb, halli nkun nista' nilqakom fl-ahhar jum. Hafna bibien qed jinfethu bhalissa, izda ftit huma dawk li qed jghaddu minnhom. L-ebda wiehed minnkom m'hu ser jidhol fis-Saltna Tieghi, jekk intom ma tobdux il-Kelma Tieghi li giet moghtija lilkom fl-Evangelji Qaddisa. Il-fidi taghkom trid tkun pura. L-imhabba taghkom wiehed ghall-iehor trid tkun genwina u l-ubbidjenza taghkom lejn il-Kelma Tieghi trebbahkom ir-Rigal ta' hajja eterna.

**Hafna li jsejhu lilhom infushom Kristjani m'humiex fidili lejn il-Knisja Tieghi. Intom tircevuni fit-Tqarbin Qaddis b'ruhkom sewda. Intom tinjoraw it-Taghlim Tieghi u taccettaw dnubiet li intom temmnu li ma huma xejn f'ghajnejkom.** Intom gejtu moghtija l-Verita' fl-Evangelji Qaddisa, u xorta wahda intom ma taghmlux dak li dawn jghallmukom. Imhabbti ghalikom tfisser li, filwaqt li hafna minnkom mhux ser jaqilghu s-Salvazzjoni taghhom li Jiena tajt lid-dinja permezz tal-mewt Tieghi fuq is-Salib, Jiena xorta ser naghti lilkom ilkoll ic-cans li taraw il-Verita' waqt il-Hniena Divina Tieghi, meta Jiena ser nigi quddiemkom biex nghinkom tiddeciedu jekk intomx ser taccettaw ir-Rigal Tieghi jew le.

It-taqlib kollu li ser taraw dalwaqt huwa xhieda tal-Verita' tal-profeziji moghtija lill-mahbub Gwanni Tieghi fil-Ktieb tar-Rivelazzjoni.  Meta taraw il-Knisja tidhol f'ghaqda mad-dinja sekulari, intom tkunu tafu li wasal iz-zmien ghall-Missjoni Tieghi biex nigbor l-erwieh madwar id-dinja kollha.

Gesu' Taghkom.

## [Omm tas-Salvazzjoni: Meta missjoni, li tghid li qed ixxandar il-Kelma t'Alla, tkun falza, ma jkunx hemm mibeghda lejha.]

Il-Gimgha, 8 ta' Novembru 2013 @12.09

Gheziez uliedi, bhala l-ulied gheziez t'Alla, intom qatt m'ghandkom thallu n-nuqqas ta' qbil jinbidel f'mibeghda ghal xulxin. Il-wiehed tal-hazen johloq tbatija terribbli fostkom billi jferrex l-infestazzjoni hazina tieghu u b'mod specjali kontra l-vizzjunarji u l-profeti maghzula minn Alla.

**Meta Alla jkun prezenti f'Missjoni, li jkollha l-Barka Tieghu fuq l-Art, biex issalva l-erwieh, Satana dejjem jattakkaha. Intom tistghu tkunu tafu min huma l-profeti veri t'Alla mill-persekuzzjoni u l-mibeghda li tigi murija maghhom. Intom tgharfuhom minn kif il-pubbliku jirrifjuta l-missjoni taghhom u mill-atti hziena li jsiru kontrihom.**

Meta missjoni, li tghid li qed ixxandar il-Kelma t'Alla, tkun falza, ma jkunx hemm mibeghda lejha, ghax Satana qatt m'hu ser jattakka pubblikament lil dawk li huwa jqarraq bihom. **Meta Ibni juri Lilu nnifsu, Huwa dejjem jigi muri vjolenza, ghax id-dnub tal-bniedem jifirdu minn Alla. Meta Ibni kien jghix fuq l-Art, kull fejn kien imur kienu jghajtu Mieghu. Kienu jishtuH u jwaddbulu l-gebel Lilu u lil dawk li kienu jkunu Mieghu. U filwaqt li kienu jiddikjaraw li Huwa kien falz, huma kienu jiggennu wara l-hafna profeti foloz li kienu jippruvaw jikkompetu Mieghu. L-istess ser jigri meta Huwa ser jaghmel l-ahhar vjagg biex jigbor lil dawk kollha li jibqghu Fih u Mieghu.** Huwa ser jghaqqad lil dawk kollha li jimxu fuq it-Taghlim Tieghu u li jibqghu qaddejja fidili u umli. Imbaghad bil-ghajnuna tal-Knisja tal-Fdal, Huwa ser jitqabad sa l-ahhar nifs biex isalva l-izjed erwieh possibbli, inkluzi l-erwieh ta' l-ghedewwa kollha Tieghu u lil dawk kollha li jirrifjutaw li jaccettawH.

Jekk thobbu lil Ibni, intom qatt m'ghandkom twegghuH billi toboghdu lil xulxin. Ibni qalilkom li intom ma tistghux tibqghu maqghudin Mieghu, meta jkun hemm il-mibeghda f'qalbkom.

Itolbu, itolbu, itolbu li intom kollha li tiddikjaraw li intom Kristjani, timxu fuq l-ezempju li takom Ibni.

Ommkom il-mahbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

**Hafna dalwaqt ser jibdew juzaw l-gharfien taghhom tax-xjenza biex jezaminaw l-Evangelji l-Izjed Qaddisa.**

Is-Sibt, 9 ta' Novembru, 2013 @ 11.48

Ghaziza mahbuba binti, hafna dalwaqt ser jibdew juzaw l-gharfien taghhom tax-xjenza biex jezaminaw l-Evangelji l-Izjed Qaddisa. Minflok ma jiddikjaraw il-Verita' tal-Kelma Tieghi, li gejja mill-Gherf t'Alla, huma ser jibdew jghawguha biex jaghtuha dehra aktar moderna.

**Kliemi kollu li jinsab fl-Evangelju Qaddis, ser jigi interpretat b'mod differenti. Huma ser jghidu li Kliemi jfissru xi haga gdida, li ghandha izjed postha fid-dinja tal-lum. Huma ser jippruvaw jaghtu ezempji ta' kif kont nghallimkom Jien, kieku kellu nghix fuq l-Art f'dan iz-zmien.** Tispicca sejra s-semplicita' tal-Kelma t'Alla, li qeghda ghal kulhadd. Dawk li huma intelligenti, ghandhom l-gharfien u li huma kburin bil-progress li ghamel il-bniedem fid-dinja tax-xjenza, imbaghad ser jibdew jaghmlu stqarrijiet li jinsultawni.

**Il-Knisja ser thaddan dawk li ser isejhulhom sejbiet xjentifici godda, li ser igiddbu lil dak li hemm fil-Bibbja Qaddisa. Huma ser jikxfu dak li huma ser jghidu li hija xhieda gdida, li twaddab dubju fuq kif kienet giet mahluqa d-dinja.** Imbaghad ser jghidu li hafna minn dak li jinsab fil-Bibbja huma metafori mahduma biex igibu l-paci bejn il-bnedmin. **Huma ser juzaw il-messagg tal-umanizmu, mhabba wiehed ghall-iehor, kemm ghandek hila tiehu hsieb il-foqra, dawk ta' minghajr edukazzjoni u lil dawk fil-bzonn, minflok il-Verita' li intom gejtu moghtija fl-Evangelji.** Wara, duttrini godda foloz, li jidhru li jixbhu lill-Verita', ser jigu mhaddna mis-sacerdoti, u dawk biss li jibqghu fidili sodi lejn il-Kelma Tieghi, ser jibqghu jzommu l-Verita' hajja.

Mahbubin segwaci Tieghi, meta intom issibu li huma ftit wisq dawk li jridu jisimghu l-Verita' – il-Kelma t'Alla – allura intom ikollkom tfarrgu lil xulxin. Intom ghandkom tibqghu tfakkru lil dawk fil-Knejjes Tieghi, li ser ifahhru l-ereziji li ser jiddahhlu, bil-Verita', ghax hafna minnhom xorta m'huma ser jifhmu xejn. Tant ser jaqghu 'l boghod Minni, illi huma ser jaccettaw facilment dawn il-bidliet. Ser tkun hafna izjed facli ghal dawk ta' fidi zghira biex jaccettaw il-kelma ta' dawk li jridu dawn il-bidliet, milli jibqghu fidili lejn il-Kelma t'Alla.

**Is-sejha ghall-ewwel bidliet ser issehh dalwaqt. Bi hlewwa li tikkalmak u kliem appassjonat dwar il-htiega li nqumu bhala dinja maqghuda – biex nuru mhabba u tolleranza lejn kulhadd – intom ser tiddahhlu go l-akbar zball.** Hafna ser jinhasdu kemm il-Knisja Tieghi ser thaddan malajr lid-dinja sekulari. Hafna ser jibqghu mistghagba bil-mod kif religjonijiet differenti, pagani u eretici, ser ihaffu biex jinghaqdu ma' din il-knisja wahda dinjija, ta' karita'. Huma ser jghidu "Fl-ahhar, hawn knisja tolleranti li ser tigbor lil kulhadd". Huma mhux ser ihossuhom jisthu

meta juru dizubbidjenza lejn Alla. Minflok, kburin, huma ser jghidu li l-imsejkna dnubiet taghhom mhux talli huma accettabbli f'Ghajnejn Alla, izda li mhumiex izjed dnubiet. Dan ser igib celebrazzjonijiet ma' kullimkien.

**Ghall-ewwel darba fl-istorja, dawk li ser imexxu l-Knisja Tieghu ghall-go l-izball, ser ikunu mahbuba, adurati u kwazi ma ssir l-ebda kritika lejhom.**

L-akbar erezija, li qatt ma deheret mill-mewt Tieghi fuq is-Salib, issa ser tibla' lill-Knisja Tieghi fuq l-Art. **Huma ser jimlew il-Knejjes Tieghi b'simboli pagani li jinsultawni u Jiena ma nkun nidher imkien.** U filwaqt li huma jimlew il-bini, li huma holqu biex jaduraw Lili, l-Knisja Vera Tieghi, maghmula minn dawk li jibqghu fidili lejn il-Verita', dawn, ser isiru l-Veru Tempju t'Alla, ghax huma qatt m'huma ser jaccettaw it-tkasbir tal-Gisem Tieghi. Il-fidi taghhom ser tghinhom biex jifirxu l-Evangelji u jzommu mixghula l-Fjamma ta' l-Ispirtu s-Santu.

Gesu' Taghkom.

**Alla l-Missier: L-ebda stharrig xjentifiku m'hu ser jaghmel sens, meta ser jidhru zewgt ixmux**.

Il-Hadd 10 ta' Novembru, 2013 @ 15.00

Binti l-izjed ghaziza, ix-xewqa Tieghi hija li Jiena nigbor lil uliedi kollha flimkien, u ma ndumx, biex ikunu xhieda tal-Weghda Tieghi. Ir-Rigal Kbir Tieghi jigi f'nofs persekuzzjoni spiritwali qalila, meta dak kollu li Huwa Jiena, jigi michud. Allat godda, li hadd minnhom ma jezisti, ser jigu pprezentati lid-dinja. Miksijin bit-tlellix minn barra, dawn ser ikunu ppjanati biex inessu kull twemmin fl-Ezistenza Tieghi. Din l-erezija kollha ser titfi d-Dawl t'Alla.

**Dalwaqt il-kwiekeb ma jiddux izjed b'dik il-qawwa. Daqt, Jiena ser nurikom sinjali godda, m'humiex mistennija, li ser jisfidaw kull gharfien tax-xjenza mill-bniedem, lil dinja li ma tridx temmen, bhala l-bidu ta' l-Intervent Tieghi.** L-ebda stharrig xjentifiku m'hu ser jaghmel sens, meta ser jidhru zewgt ixmux. L-ebda definizzjoni maghmula mill-gharfien limitat tal-bniedem, m'hi ser taghmel sens. **Huma ser jiehdu kull sinjal li ser jigi moghti mis-sema, u jghidu li dan gej minn hajja umana ohra li tezisti fl-univers.**

Jiena l-Hallieq tal-hajja kollha. Jiena hloqt lill-bniedem. Jiena hloqt id-dinja. Qatt tichdu dan, ghax meta taghmlu dan intom tkunu qed timxu fuq duttrina falza. **Kull intervent mis-Sema, - u ser ikun hemm hafna – ser jippruvaw jsibu spjegazzjoni ghalih.** Meta taraw dawn is-sinjali, kunu ghafu li l-Jum tat-Tieni Migja huwa fil-qrib.

Jiena nitlobkom, gheziez uliedi, biex qatt ma tichdu Lili jew tichdu l-Weghda Tieghi li ngib lid-dinja l-paci finali u r-rikonciljazzjoni, li ser tkun taghkom jekk intom taccettawni fuq il-Kundizzjonijiet Tieghi u mhux taghkom. **Ir-Rieda Tieghi waslet biex issehh fl-ahhar. Biex inhejjikom, Jiena ser naghti lid-dinja hafna mirakli fis-Smewwiet, fl-univers u fis-sistema planetarja.** Meta taraw dawn il-hwejjeg, irridkom tifirhu, ghax intom tkunu tafu li Jiena qed inhabbar ir-ritorn t'Ibni biex itemm il-Weghda Tieghu tas-salvazzjoni eterna.

Ixxuttaw id-dmugh minn ghajnejkom. Jiena naf kemm ser ikunu iebsa l-provi taghkom. Jiena qed nirreferi ghal uliedi kollha, inkluzi dawk li jemmnu u dawk li ma jemmnux, kif ukoll dawk li huma hatja ta' dnubiet kbar – hadd minnkom m'hu mholli barra. Meta intom tergghu lura tinghaqdu ma' Ibni, intom issiru bicca Minnu u ssaltnu Mieghu fil-Genna, ghal dejjem.

Il-mahbub Missierkom

Alla l-Izjed Oghli.

## Omm tas-Salvazzjoni: Ikollkom is-salvazzjoni biss, jekk intom tirrikonciljaw m' Alla.

Il-Hadd, 10 ta' Novembru, 2013 @ 15.20

Ghaziza binti, r-rwol tieghi bhala Omm tas-Salvazzjoni qieghed biex ifakkarkom f'dak kollu li jiena ghidtilkom tul is-snin. Hobbu lil xulxin kif ihobbkom Ibni. Uru hasra ma kulhadd specjalment ma dawk li jippersegwitawkom. **Isimghu minn dak kollu li jiena wrejt lill-vizzjunarji ta' La Salette u Fatima u studjawhom fid-dettall. Ftit biss minn dak li jiena ghidtilkom li ghandkom taghmlu, gie mwettaq minnkom. It-twissijiet tieghi gew mormija, u l-konsegwenzi talli njorajtu dak li kien gie moghti lilkom, issa ser isir realta'.**

Meta s-Sema taghti messaggi lill-umanita', din qisha qed tipprova tikkomunika ma' fortizza kbira tal-gebel. Xi ftit mir-rivelazzjonijiet tieghi rnexxielhom jghaddu u tajtu kashom. Hafna semplicement gew mormija minn dawk ta' fidi zghira, u l-fortizza saret ma tista' tidhlilha minn imkien kontra l-interventi tas-Sema, li jigu moghtija lilkom biex tkabbru l-fidi taghkom u nzommukom 'l boghod mill-periklu, f'dirghajn Alla.

**Ir-rwol tieghi bhala Ko-Redentrici jfisser illi l-qawwa tieghi kontra x-xitan issahhet, b'mod li qatt qabel ma kien moghti lili minn Alla. Ghalhekk issa huwa z-zmien meta kull devozzjoni lejja ser titnehha, mill-ghedewwa t'Ibni. Meta l-qima lejja tithaffef malajr u meta t-talba tieghi biex tipprotegu n-nazzjonijiet kontra l-Kommunizmu jitghawgu, hemmhekk, ix-xewqat tieghi ma jkunux twettqu. Jiena minn issa 'l quddiem, ser insir rarita' bhala l-patruna li ssoltu jghajtuli, l-Omm t'Alla, fil-Knejjes t'Ibni fuq l-Art.** Il-qawwa tieghi kontra l-bestja ser titnehha, meta jnehhu x-xbihat tieghi, ir-Ruzarju Qaddis tieghi u devozzjonijiet ohra lejja minn hafna Knejjes Kattolici.

**Imbaghad, it-tempji t'Alla ser inehhu kull tracca t'Ibni, Gesu' Kristu, bi thejjija ghall-bestja, li ser jigi u jpoggi bilqeda fuq it-tronn fl-oghla tempju t'Alla.** Imbaghad it-tifsira vera tar-rikonciljazzjoni ma' Gesu' Kristu ser tigi rrangata, meta huma jghidu li ma jkunx ghad hemm il-bzonn li wiehed jitlob lil Alla biex jahfirlu dnubietu, jekk dan ikun qed jghix hajja tajba. In-nies jibdew jemmnu f'dak li jahsbu huma li huwa tajjeb f'Ghajnejn Alla. Imma intom qatt qatt m'ghandkom tinsew illi s-salvazzjoni, li hija Rigal ghal kull midneb fid-dinja, ma tistax tkun taghkom sakemm intom ma titolbuhx jahfrilkom l-ewwel. Din hija l-fosdqa tal-Patt, li kienet giet mirbuha ghar-razza umana bil-mewt t'Ibni fuq is-Salib. Gesu' Kristu rebah ghad-dinja, s-salvazzjoni mid-dnub u r-Rigal tal-Hajja Eterna. Biex tircievu dan ir-Rigal, intom tridu titolbu lil Alla biex jahfrilkom dnubietkom..

Is-salvazzjoni tkun taghkom biss, permezz tar-rikonciljazzjoni m' Alla.

Ommkom il-Mahbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

**Il-Kastigi ta' Missieri diga bdew, u d-dinja ghad trid tara hafna izjed taqlib ekologiku.**

It-Tlieta, 12 ta' Novembru, 2013 @ 15.52

Ghaziza mahbuba binti, huwa zball li tahsbu li Alla mhux ser jaghmel Gustizzja mid-dinja f'dan iz-zmien.  Il-Kastigi ta' Missieri ga bdew u d-dinja ghad trid tara hafna izjed taqlib ekologiku waqt dan il-bidu tal-purifikazzjoni ta' l-Art.

It-thejjijiet ghaddejjin, u daqt, l-ghedewwa t'Alla ser jitnaqqew u jigu kkastigati, ghax huma qatt m'huma ser iduru u jitolbu ghall-Hniena Tieghi.  Ir-Rabja ta' Missieri hija kbira u miskin hu min jisfida l-Kelma t'Alla, ghax dan jigi meqrud u mirfus, waqt l-ahhar tindif tad-dinja li ser jahbat ma' l-infestazzjoni tal-wiehed tal-hazen – kollox f'hin wiehed.

Meta taraw l-elementi tan-natura jgibu ruhhom bil-qilla, intom tkunu tafu li Id Missieri nizlet.  Il-kburija tal-bniedem, l-ossessjoni bih innifsu u t-twemmin tieghu fl-intelligenza zbaljata tieghu f'dawk li huma hwejjeg spiritwali, gabu fuq ir-razza umana n-nar – li gie mferra mill-erba' bwieqi, ghal fuq l-erba' rkejjen ta' l-Art.

Intom injorajtu t-twissijiet u ghalhekk il-battalja biex jinqered id-dnub ga bdiet sew u fil-verita'.

Gesu' Kristu

Bin il-Bniedem

**L-ewwel sinjal ser ikun illi d-dinja ser iddur izjed bis-sahha. It-tieni sinjal ghandu x'jaqsam max-xemx, li din ser tidher akbar, izjed qawwija u tibda ddur.**

It-Tlieta, 12 ta' Novembru 2013 @ 20.30

Ghaziza mahbuba binti, hekk kif qed joqrob iz-Zmien Tieghi, hafna ser ikunu reqdin, izda dawk li huma mberkin b'ghajnejhom mifuthin ghad-Dawl Tieghi, ser jgharfu s-sinjali. Huma ser jigu mberkin ukoll biex ihejju, u dawk biss li ser jiddendlu Mieghi, ser ikollhom il-hila jghaddu mit-tibdil li gej.

Aktar ma joqrob il-Jum tal-Migja l-Kbira Tieghi, izjed nies, li jghidu li hobbu lil Alla, ser jitbeghdu Minnu. Anke dawk li jghidu li huma qaddisin u jghollu lilhom infushom fil-gerarkija tal-Knisja Tieghi fuq l-Art, mhux ser ikollhom il-hila li jaraw il-Verita'. Huma m'humiex ser jaraw il-Verita', minhabba li ser ikunu wisq mhedijin bi hwejjeg u ceremonji, li ser ikunu jinsultaw Lili.

**L-ewwel sinjal ser ikun li d-dinja ser iddur aktar bis-sahha. It-tieni sinjal ghandu x'jaqsam max-xemx, li ser tidher akbar, izjed qawwija u tibda ddur. Hdejha, intom ser taraw it-tieni xemx. Imbaghad it-temp ser icaqlaq lid-dinja u dawn il-bidliet ikunu jfissru li hafna partijiet mill-Art ser jinqerdu**. Dawn il-kastigi – u ser ikun hemm hafna minnhom – ser inezzghu lill-umanita' mill-arroganza taghha, halli l-erwieh jittallbu ghall-Hniena t'Alla. Xejn izjed ma jirnexxilu jqanqal il-qlub tal-gebel ta' dawk li jghalqu barra minn hajjithom l-Imhabba t' Alla.

Id-dnub ta' l-umanita' ser jizdied bil-ghaggla u d-dnub ta' l-idolatrija ser idur bi tlett darbiet madwar id-dinja. Il-paganizmu, mlibbes qisu xi haga rjali, ser jinfiltra fil-Knisja Tieghi fuq l-Art. Meta dawk li ma jemmnu f'xejn ihaddnu l-Knisja Tieghi, dan mhux ser jaghmluh biex jaduraw lil Alla. Meta l-pagani, ateisti u ohrajn li ma jemmnux, li minn barra jirrifjutaw l-Ezistenza t'Alla, u jihaddnu l-Knisja Tieghi, huma mhux Ghalija, Gesu' Kristu, ser jinzlu gharkuptejhom. **Meta l-Knisja Tieghi tiddikjara li hija tilqa' lil kulhadd, titqarrqux. Dan mhux ser ifisser li huma qed jilqghu l-pagani fil-Knisja Tieghi, halli jmilu quddiem it-Tabernaklu Tieghi. Le, dan ser isir biex juru idolatrija, li gejja mid-dnub tal-kburija, Quddiemi, biex ikasbru t-Tabernakli Sagri u Qaddisa. Huma ser ipoggu sinjali pagani fuq l-Artali Tieghi u jippretendu li l-migemgha li ma tkun qed tissuspetta xejn, tmil u taccetta lill-ahwa nisa u rgiel, bil-grazzja u l-generozita'.** Dan kollu ser jigi mitlub minnkom biex tichdu l-Verita', u hekk tilqghu lil dawk li jqimu b'mod falz, li ser jghaffgu fuq l-Artali Tieghi. Imbaghad tinzel Id Alla.

**Il-gwerrer ser jinfirxu; t-terremoti jhezzu l-erba' rkejjen ta' l-Art u l-guh jahkem lill-umanita' u ssir minn kull mossa u insult quddiem Alla, li ser tispicca f'kastig kbir.** Meta dawk li jaccettaw il-Hniena Tieghi, jmexxu l-Knisja Tieghi – kull demonju jishet lil dawk l-ulied t'Alla. Biex jipprotegihom, Alla ser jintervjeni u msieken huma dawk li jobzqu f'Wicc il-Hallieq taghhom.

**Iz-zmien wasal.** Dawk li jishtuni ser isofru. Dawk li jimxu warajja, ser jghaddu minn din il-persekuzzjoni sa dak il-Jum meta Jiena ser nigi biex nikniskom ghal go Dirghajja tal-Hniena. U mbaghad, dawk biss li jibqghu, minhabba li jkunu rrifjutaw l-Id Tieghi tal-Hniena, ser jigu moghtija lill-bestja li huma ghamlu idolu u li minnu fittxew il-pjacir.

Ser ikunu hafna li jibqghu jirrifjutawni sa l-ahhar nett. Zewg terzi ser jobzquli, jitqabdu \ma' l-intervent Tieghi u jghajtu kull tip ta' oxxenita' Lejja. Aktar u aktar ma joqrob il-Jum, il-mibeghda Lejja, ser tohrog aktar fejn kulhadd jista' jaraha. Sahansitra dawk li jaghtu lid-dinja l-impressjoni li huma jqimu lil Alla, dawn ser jishtuni minn taht l-ilsien.

Il-jum meta l-qerq tal-bestja ser jinkixef ghal kulhadd biex jarah, ser ikun jum li hadd m'hu ser jinsa. Ghax f'dak il-jum, hekk kif id-dinja tkun qed thares lejn l-impostur l-antikrist, iqum bil-Kuruna Tieghi fuq rasu, - liebes l-ahmar – ser ikun il-jum meta n-nar ser johrog minn halqu. Waqt li l-biza' fl-ahhar jibda jidher car, in-nar ser idawru u dawk kollha li kienu ghamlu patt mieghu, ser jintefghu fl-abbiss. Imbaghad nigi Jiena kif kont ghidtilkom. Jiena nqajjem il-Knisja Tieghi u ngib lid-dinja f'ghaqda mar-Rieda Qaddisa ta' Missieri, u fl-ahhar issaltan il-paci.

Kulma ghidtilkom huwa l-Verita'. Kulma ghandu jigri, ser jigri ezatt kif ghidtilkom Jien. Kollox ser isehh malajr, ghax ghalkemm Missieri huwa rrabjat minhabba l-ipokresija u l-ingratitudni tal-bniedem, Jiena gej biex intemm din it-tbatija. Jiena gej biex insalva l-midinbin kollha, izda hafna mhux ser ikunu jridu jigu salvati.

Kunu qawwija, segwaci Tieghi, ghax Jiena ser nipprotegi l-midinbin kollha, li jaccettaw l-Id tal-Hniena Tieghi matul it-Twissija. Ghalhekk kull wild t'Alla, jemmen u ma jemminx ser jigi nkluz f'dan l-Intervent Kbir mis-Sema. Imma wara dan iz-zmien, l-anglu t'Alla ser jifred it-tajbin mill-hziena. **Iz-zmien huwa qasir.**

Gesu' Taghkom.

## Qatt qabel, il-fidi taghhom ma kellha tghaddi minn prova bhal din.

Il-Hamis, 14 ta' Novembru 2013 @ 12.00

Ghaziza mahbuba binti, **id-Dawl t'Alla jdawwal lil uliedu kollha, li huma f'ghaqda Mieghi, Gesu' Kristu, f'dan il-mument. Dawk il-Kristjani kollha fid-dinja li jghixu l-Kelma Tieghi, li jieklu l-Gisem Tieghi u jixorbu Demmi, ser jghaddu minn tbatija spiritwali bhal qatt qabel, minhabba t-twemmin taghhom Fija.** Jiena qed nitkellem dwar il-Kristjani kollha li jghixu bil-Verita', li jgibu ruhhom kif ghallimthom Jiena u li jsegwu t-Taghlim Tieghi Kelma b' Kelma.

Dawk kollha, inkluzi dawk li qatt ma semghu b'dawn il-Messaggi Tieghi ghad-dinja, daqt ser ikunu jafu kif thossok meta wiehed jghix Fija u Mieghi. Qatt qabel, il-fidi taghhom ma kellha tghaddi minn prova bhal din u sfortunatament, hafna mhux ser ikollhom il-hila li jirrezistu l-pressjoni li ser ikollhom ihabbtu wicchom maghha, minhabba l-mibeghda li ser tintwera lejhom. Huma ser jaghmlu minn kollox biex jibqghu fidili lejn l-Evangelji Qaddisa, izda meta jaghmlu dan, huma ser jigbdu fuqhom mibeghda kbira u ser jigu msejha giddibin. Mhux ser ikun wisq fil-boghod, qabel ma l-Kristjani kollha, li minghajr biza' jxandru l-Kelma Tieghi, jigu akkuzati li huma gellieda leminin, fejn il-vera hatjin huma dawk li qed jabbuzaw minnhom.

**Jiena nheggeg lilkom ilkoll biex tibqghu siekta u li qatt ma twiegbu lura lil dawk li jisfidawkom u li qed jippruvaw jeqirdu l-fidi taghkom u l-imhabba Ghalija. Dawk li ser jobzqu l-velenu u jghajtu f'wicckom, ghandhom bzonn it-talb taghkom u l-mahfra. Meta titolbu ghal dawk l-erwieh, intom teqirdu l-influenza ta' Satana u hu jsibha iebsa biex jinfexx ir-rabja tieghu fuqkom.**

Itolbu, itolbu, itolbu ghal dawk kollha li ser jintuzaw bhala rahan f'din it-taqbida qarsa biex ihottu l-Knisja Tieghi fuq l-Art. Nitlobkom biex tghidu din it-Talba tal-Krucjata biex tirrezistu l-persekuzzjoni religjuza.

**Talba tal-Krucjat (126) Biex nirrezistu l-persekuzzjoni religjuza.**

*Ghaziz Gesu' ghinni biex nirrezisti kull xorta ta' persekuzzjoni fl-Isem Qaddis Tieghek.*

*Ghin lil dawk li jaqghu fl-izball, li jahsbu li qed jaghtu xhieda tax-Xoghol Tieghek.*

*Iftah ghajnejn dawk kollha li jistghu jigu mhajra biex jeqirdu lill-ohrajn, permezz ta' atti hziena, hwejjeg u mossi.*

*Ipprotegi lili mill-ghedewwa t'Alla, li ser iqumu u jippruvaw isikktu l-Kelma Tieghek u li ser jippruvaw jeziljawK.*

*Ghinni biex nahfer lil dawk li jittradixxu Lilek u aghtini l-Grazzja biex nibqa' sod fl-imhabba tieghi Lejk.*

*Ghinni biex nghix il-Verita', li Inti ghallimtna u biex nibqa' taht il-Harsien Tieghek, ghal dejjem. Ammen.*

Morru, intom ilkoll li thobbuni bis-serjeta' u imxu fuq dak kollu li ghallimtkom. Hobbu lil xulxin kif ghidtilkom Jiena. Qatt turu mibeghda ghall-ohrajn. Minflok, itolbu ghal dawk li jippersegwitawkom. Uru mhabba meta jurukom il-mibeghda ghax din hija l-arma taghkom kontra l-qawwa tal-hazen.

Gesu' Taghkom.

**Intom ser tieqfu Quddiemi wahidkom – hadd ma jkun hdejkom.**

Il-Gimgha, 15 ta' Novembru 2013 @ 20.00

Ghaziza mahbuba binti, **bl-awtorita' ta' Missieri, Alla l-Izjed Oghli, Jiena nixtieq ngharraf lil dawk kollha li qed isofru f'Ismi, illi z-zmien tat-Twissija biex issehh, huwa fil-qrib.**

**Dawk minnkom, li gew moghtija l-gharfien ta' dan il-Jum il-Kbir tal-Hniena Tieghi, daqt ser jaraw is-sinjali. Intom ghandkom tqerru n-nuqqasijiet taghkom Quddiemi, halli tkunu mhejjija kif jixraq ghal din il-grajja li ser tahsad lid-dinja.**

Jiena ser naghmel dan dalwaqt, halli nkun nista' nsalva lil dawk in-nies li qatghu l-kurdun, li jorbothom Mieghi, qabel ma jkun tard wisq. Intom ghandkom tafdaw Fija u tingabru fit-talb halli l-erwieh li jinsabu fid-dlam ma jintilfux qabel ma Jiena naghtihom l-immunita' ghal dnubiethom. **Issa harsu lejn qlubkom u rwiehkom u arawhom kif narakom Jien.** X'intom taraw? Jirnexxielkom tieqfu quddiemi u tghiduli "Gesu' jiena naghmel dak kollu li inti tixtieq minni biex nghix il-hajja li inti qed tippretendi minni."? Sejrin tghidu "Gesu', Jiena noffendik, ghax ma jirnexxilix nikkontrolla, ghalhekk ikollok Hniena minn ruhi"? Jew sejrin tghidu "Gesu' Jiena dnibt, imma ghax kelli niddefendi lili nnifsi"?

Intom ser tieqfu Quddiemi wahidkom – hadd ma jkun hdejkom. **Jiena ser nurikom ruhkom. Intom ser taraw kull tebgha li hemm fiha. Intom sejrin tergghu tghixu d-dnub u mbaghad Jiena ser naghtikom il-hin biex intom titolbuni biex nuri Hniena maghkom. Mhux ghax ghandkom xi dritt ghall-Hniena Tieghi – izda biss ghax Jiena niddeciedi li naghtikom dan ir-Rigal.**

Il-Jum Tieghi ser jisbah, minghajr ma jkun mistenni, qalb is-sinjali li intom tkunu gejtu murija minn qabel.

Ghaddejt tlett snin shah, nipprova nifthilkom ghajnejkom ghall-Verita'. Ftit minnkom accettawha. Ohrajn xehtuhieli lura f'Wicci. Issa huwa z-zmien tal-Hniena Divina Tieghi u huma dawk biss li fethu qalbhom Ghalija, u li jaccettaw Lili, li ser jinghataw ic-cans li jifdu lilhom infushom.

Kunu grati ghal din Imhabbti li ma taghmilx kundizzjonijiet.

Gesu' Taghkom.

**Biljuni ser jikkonvertu u jaghrfu lil Alla, Alla Trinita', ghall-ewwel darba.**

Is-Sibt, 16 ta' Novembru, 2013 @ 22.17

Ghaziza  mahbuba binti, meta Jiena ser nigi fid-dinja fil-Hniena Divina Tieghi, n-nies ser jinaghtaw l-okkazzjoni biex ifittxu l-Hniena Tieghi, ghax din ser tkun l-ewwel qrara vera li hafna minnhom ser ikunu hadu sehem fiha.

Kulhadd, hu min hu, ser jghaddi minn din ir-rivelazzjoni Tieghi, bil-Barka ta' l-Awtorita' ta' Missieri. **L-illuminazzjoni tal-Kuxjenza ser iggib maghha hafna ugigh, ghax in-niket li l-erwieh mitlufa ser ihossu, ser ikun tant illi huma mhux ser ikunu jifilhu ghall-hasda. Hafna ser ihosshom hazin u jaqghu, meghluba mis-soghba**. Izda huma ser jindunaw kemm ruhhom ghandha bzonn titnaddaf qabel ma jkunu jistghu jidhlu fil-Genna Eterna Tieghi. **Dawn in-nies, mbaghad ser ikunu jafu dak li huwa mistenni minnhom u huma ser isofru piena ghal xi zmien, wara l-Grajja l-Kbira. Hafna nies ser jahsbu li qed joholmu. Xi whud ser jahsbu li waslet l-ahhar tad-dinja, izda mhux hekk. Din ser tkun l-Ahhar Twissija, li ser tigi moghtija lill-umanita' biex tghinhom jifdu lilhom infushom quddiem Alla.**

Biljuni ser jikkonvertu u jaghrfu lil Alla, Alla Trinita', ghall-ewwel darba u huma ser ikunu grati ghall-prova li gew moghtija ta' l-Ezistenza tal-Hallieq taghhom. **Xi whud, sejrin jitbaxxew u jistahbew mid-Dawl Tieghi u dan ser igibilhom ugigh li lanqas jitwemmen u huma ser jistahbew u jaghtuni daharhom minghajr l-ebda nitfa ta' ndiema f'ruhhom.** Huma ser jichdu l-Intervent Tieghi. **Imbaghad l-ohrajn ser jifirhu, meta jhossu r-Raggi Tieghi ta' Hniena, ghax dawn l-erwieh tant ser ikunu grati li qed ikunu xhieda tal-Prezenza Tieghi, illi huma ser jingibdu lejn id-Dawl Tieghi facilment u jixxenqu ghall-Prezenza Tieghi, li ma jkunux jistghu jilhquha, ghax dan ikun ghadu mhux iz-zmien biex jinfethu l-Bibien tal-Genna l-Gdida Tieghi.** U ghalhekk mbaghad huma jkollhom jaghmlu penitenza bhala dixxipli Tieghi, f'isem dawk l-erwieh li ser jirrifjutaw l-Id Tieghi tal-Hniena.

Wara dan l-Intervent Kbir minn Alla, biex l-umanita' tigi moghtija c-cans li thejji lilha nfisha ghat-Tieni Migja Tieghi, d-dinja ser tkun qed tistaqsi hafna mistoqsijiet. Xi whud tant ser jinbidlu minn gewwa ruhhom, illi huma ser jiddedikaw hafna mill-hin taghhom jghinu biex jikkonvertu lil dawk li huma jridu jsalvaw mill-qerq. Ohrajn ser ikunu tant niedma u jrid jghaddi ftit taz-zmien biex huma jifhmu x'kienet il-prezenza taghhom Quddiemi u huma ser jaghtu hafna attenzjoni kif ser jergghu jinghaqdu Mieghi.

**Imbaghad l-ghedewwa t'Alla ser jichdu li t-Twissija qatt sehhet u ser jidhqu b'miljuni billi jaghtuhom x'jifhmu li din kienet kollha grajja kozmika, fejn id-dawl tax-xemx hakem lill-pjaneta kollha f'daqqa, fi grajja ta' darba biss, li kienet kawza tac-caqliq tad-dinja fuq il-fusien taghha.** Xejn m'hu izjed 'l boghod mill-verita'. U filwaqt li huma jkunu qed jipprezentaw dawk is-suppost kawzi kollha, huma ser jichdu li Alla jezisti u ser jiehdu lil hafna lil hinn Minni. Sfortunatament, hafna mhux ser jergghu lura Ghandi u jkun permezz ta' l-Interventi t'Alla biss, meta huwa ser jigi sfurzat li jikkastiga lill-ghedewwa Tieghu, halli jgibhom lura lejn is-sensi taghhom, illi l-erwieh jkunu jistghu jigu ppurifikati.

**Kunu grati ghal din il-Hniena kollha, ghax minghajr dan ir-Rigal minn ghand Alla, kieku, kienu jkunu ftit wisq in-nies, li jistghu jidhlu mill-Bibien tal-Genna.**

Gesu' Taghkom.

**Jiena gej biex ingedded id-dinja, nehles lill-bniedem mill-mizerja, d-dieqa u dnub.**

Il-Hadd, 17 ta' Novembru, 2013 @ 14.00

Ghaziza mahbuba binti, Jiena rrid li d-dinja tarani, s-Salvatur mahbub taghhom, Bin il-Bniedem, fil-Glorja kollha Tieghi, halli jingibdu ghal gol-Hniena Divina Tieghi.

Jiena rrid lil dawk kollha, b'mod specjali lil dawk li ma jemmnux f'Alla, li jarawni u jkunu ta' l-ewwel li jigu jigru ghal Ghandi. Huma l-ewwel hsieb Tieghi, u Jiena nghidilhom dan. **Intom ma tafunix. Intom ma tridux temmnu Fija, izda Jiena nhobbkom. Irridkom tkunu parti mis-Saltna Tieghi, halli nkun nista' nferrex fuqkom ir-Rigali kollha tal-Genna l-Gdida Tieghi, Id-Dinja l-Gdida Tieghi, l-Bidu l-Gdid Tieghi. Jiena rrid lilkom, il-familja taghkom, lil qrabatkom u hbiebkom biex tkunu haga wahda, Mieghi u ma' l-umanita' kollha. Intom ikollkom tistennew sal-Grajja l-Kbira, l-jum meta d-dinja ser tinxteghel bir-Raggi Tieghi u meta din ser tieqaf ghal kollox ghal hmistax il-minuta.** Meta ser taraw u tkunu xhieda ta' dan kollu, intom m'ghandkomx tibzghu. Hemm ser tkunu tafu li Imhabbti Hija Divina u li d-dinja, minn wara dak il-jum, ser tinbidel tant, li lanqas tkun tingharaf.

Tippruvawx taharbu Minni, ghax Jiena ser ingibilkom bxara tajba. Jiena gej biex ingedded id-dinja, biex nehles lill-bniedem mill-mizerja, d-dieqa u d-dnub. Jiena gej biex neqred il-hazin kollu li hemm fid-dinja, billi naghti prova lil kull wiehed ta' l-Ezistenza Tieghi. Meta din tkun giet moghtija lilkom, intom tridu thalluni nhejjikom ghall-Hajja Eterna, li Jiena weghdtkom. Il-Hajja Eterna hija hajja fejn intom tghixu bil-gisem u r-ruh Mieghi ghal dejjem. Jiena ser nohrogkom mill-mizerja taghkom u nnehhilkom ghal dejjem l-ugigh, li intom qed ikollkom issofru minhabba l-ezistenza ta' Satana u dan ser jigi eziljat ghall-eternita'.

**Tirrifjutawnix, ghax Jiena ma rridx nitlifkom. Jiena s-Salvazzjoni taghkom. Jiena l-Verita'. Jiena l-mahbub taghkom Gesu' Kristu u Jiena, issa fl-ahhar, daqt ser nuri Lili nnifsi lid-dinja, specjalment lil dawk li ma jemmnux Fija.**

Gesu' Taghkom.

**Jiena gej bhala Alla tal-Hniena. Jiena minix gej biex inbezzakom ghax Jiena verament inhobb lil kull wiehed minnkom**.

It-Tnejn, 18 ta' Novembru, 2013 @ 20.10

Ghaziza mahbuba binti, **kollha kemm intom ghandkom thejju halli tkunu xierqa li tigu Quddiemi, ghax Jiena ser nigi bhal halliel bil-lejl u hafna mhux ser ikunu jafu x'inhu jigri. Ghalhekk, huwa mportanti li kull wiehed minnkom jistqarr htijietu Lili issa.**

Il-Verita' tal-Kelma Qaddisa Tieghi ser tidher izjed issa, meta verzjonijiet mghawgin taghha ser jitpoggew minflokha mill-ghedewwa Tieghi, li ser jaghmlu minn kollox biex iqarrqu bikom. **Issa huwa l-mument biex tiffokaw fuq ruhkom u fuq l-istat li din tinsab fih.** Ghal dak il-bniedem li ma jemminx Fija, Jiena nghidlu dan. Meta Jiena nigi quddiemek, inti sejjer thossok mehlus, meta ssir taf Min Jien? Inti tigi Mieghi? Jiena niehdok u nixxotta d-dmugh tieghek u inti tghix hajja glorjuza, ladarba tkun stqarrejt dnubietek Lili u titlobni biex niehdok fil-Hniena Tieghi.

Lill-bniedem li jemmen Fija, inti jirnexxielek tieqaf Quddiemi minghajr misthija? Tigi Quddiemi, meta taf dak kollu li taghmel dwar dak li Jiena ghallimtkom, b'ruh nadifa? Hu x'inhu: Meta intom tghiduli, "Gesu' ahfirli, jiena rrid nimxi warajK." Intom tkunu salvi.

Ghall-bniedem li jemmen Fija, imma li jahseb li huwa ezemplari u li m'ghandux bzonn il-qrar, inti wkoll tajjeb biex tigi Quddiemi.? Meta Jiena ser nurik l-istat ta' ruhek, inti ser targumenta Mieghi u tghidli li jixraqlek li tigi Quddiemi, meta fil-fatt ma jixraqlekx? Jekk inti ma tistax taccetta r-Rigal tal-Hniena Tieghi u tammetti dak kollu li ghamilt hazin, allura inti tibqa' mbieghed Minni u Jiena naghtik cans wiehed iehor biss biex tingabar.

**Lill-umanita' kollha, Jiena nitlobkom biex l-ewwel ma thejju tkun ruhkom.** Intom ghandkom issewwu kull parti ta' ruhkom, qabel ma tkunu lesti biex tieqfu shah fil-Prezenza Tieghi matul it-Twissija. Jekk le, intom ikollkom tghaddu minn purifikazzjoni ta' ugigh u l-Purgatorju taghkom issofruh fuq l-Art, qabel ma jisbah il-Jum tat-Tieni Migja Tieghi. Jiena nheggigkom biex titolbu din it-Talba tal-Krucjata ghar-ruh taghkom stess u ghal dik tal-mahbubin taghkom.

**Talba tal-Krucjata (127) Biex insalva ruhi u dawk tal-mahbubin tieghi:**

*O Gesu', hejjini halli nkun nista' nigi Quddiemek minghajr misthija. Ghin lili u lill-mahbubin tieghi (semmi isimhom hawn….) biex inhejju halli nistqarru kull hazen li ghamilna. Biex nammettu kull nuqqas taghna. Biex nitolbu ghall-mahfra tad-dnubiet kollha. Biex nuru mhabba lejn dawk li nqasnihom. Biex nittallbu ghall-Hniena ghas-salvazzjoni. Biex nigu umli Quddiemek, halli fil-Jum ta' l-Illuminazzjoni l-Kbira, l-*

*kuxjenza tieghi u dawk ta' (semmihom hawn…) tkun safja u li Inti tfawwar ruhi bil-Hniena Divina Tieghek. Ammen.*

Issa huwa l-mument biex tfakkru lilkom infuskom dwar dak kollu li ghallimtkom. **Issa huwa z-zmien li tezaminaw l-Ghaxar Kmandamenti u tistaqsu lilkom infuskom jekk intom ghextux hajjitkom kif xieraq.**

**Kunu onesti maghkom infuskom ghax jekk le, intom – taghmlu x'taghmlu, - ser tigu murija kif weggajtuni tul hajjitkom. Izda, halluni nfarragkom.**

Jiena gej bhala Alla tal-Hniena. Jiena minix gej biex inbezzakom ghax Jiena verament inhobb lil kull wiehed minnkom, ghamiltu x'ghamiltu, izda l-Pacenzja Tieghi ghandha limitu. Huma dawk biss li jaccettaw kemm hija gravi n-natura ta' dnubiethom kontra Alla, li ser jigu mdawra bil-Hniena Divina Tieghi. Dawk li jirrifjutawni ser ikollhom ftit hin biex jifdu lilhom infushom, ghax Jiena ser nifred in-naghag mill-moghoz. Naha ser jigu Mieghi. In-naha l-ohra ser jithallew, u hemm il-Bidu l-Gdid ser jigi mgharraf lil kull hlejqa. Dawk biss li jhobbu Lili, ser jigu moghtija l-Hajja Eterna.

**Aghtu widen issa ghas-Sejha Tieghi, ghax Jiena qed naghmel dan biex nizgura li l-aktar minnkom possibbli, jkunu mhejjija tajjeb qabel il-Jum tat-Twissija.**

Gesu' Taghkom.

## **F’dak il-jum, Jiena ser nigbor lill-Hajjin.**

It-Tlieta, 19 ta’ Novembru, 2013 @ 20.00

Ghaziza mahbuba binti, f’hafna hajjiet Kristjani, Jiena sirt qarib li jimbarazzhom. Wiehed li jridu jduru bih, minn zmien ghal zmien, izda li jzommuH fejn ma jarah hadd, il-hin kollu. Dan huwa l-mod kif hafna minn dawk li twieldu Kristjani, u li waqghu ‘l boghod Minni, qed jarawni issa. Jiena m’inix importanti, u xorta wahda, meta huma jkunu fl-inkwiet, huma jghajtu Lili, bla ma jridu, ghax hija haga naturali ghalihom.

Ghaliex, O ghaliex, ma jistghux jaccettawni? X’ fired lill-bniedem Minni? Ghaliex il-qaddejja qaddisa naqsu milli jgibuhom Ghandi? It-tbatija Tieghi illum, hija bhal dak matul il-Passjoni Tieghi u issa dawk li baqghu fidili Lejja dalwaqt jitilquni wkoll. Huma ser jaghmlu dan ghax ser jergghu jiznu l-fehma taghhom ta’ Min Jien ezattament, u xi jfisser verament il-Patt Tieghi – u dan kollu minhabba l-ereziji li gejjin.

Kull qima Lejja, fil-Knejjes Tieghi, dalwaqt tonqos tant u ssir biss tmejjila zghira tar-ras fid-direzzjoni Tieghi. M’humiex izjed ser jitbaxxew fuq l-irkoppa quddiem it-Tabernakli Tieghi. M’ humiex ser imilu Quddiemi jew jinzlu gharkoptejhom, u lanqas ser jitolbu quddiem il-Gisem mejjet Tieghi fuq is-Salib, ghax huma mhux ix-xbiha Tieghi ser jigu mitluba biex iqimu. **Jiena ser nigi msawwat u nidher redikolu. Kliemi ser jinbidel f’verbal l-izjed stramb u l-Verita’ tal-mewt Tieghi fuq is-Salib tinqata’ barra.**

**Il-Prezenza Tieghi ghadha tinsab fuq l-Art f’dan iz-zmien. M’ghandkomx titilquni, ghax meta taghmlu dan, id-Dawl Tieghi jintefa u tinbelghu mid-dlam. Dawk biss li jibqghu fidili Lejja jistghu jibqghu jzommu l-Fjamma Tieghi u meta d-Dawl tal-Knisja Tieghi fuq l-Art jickien u jsir xrara zghira – hemm tinstema’ l-ahhar sejha mis-Sema. F’dak il-jum, Jiena ser nigbor lill-Hajjin. Il-bqija jithallew ma’ l-ghedewwa t’Alla li maghhom huma kellhom rabta. Wara dan huma ma jiehdu l-ebda gost.**

Gesu’ Taghkom.

**Meta Jiena nigi bhala s-Sultan tal-Hniena, l-ebda ruh ma jkollha l-ebda dubju dwar min Jien u x'Jien**.

L-Erbgha, 20 ta' Novembru, 2013 @ 14.15

Ghaziza mahbuba binti, ghid lis-segwaci kollha Tieghi – dawk kollha li jemmnu Fija Gesu' Kristu – illi huma ghandhom isibu hin kuljum Ghalija fit-talb, halli jsalvaw l-erwieh ta' dawk li huma mitlufin Ghalija. Bil-Grazzji li Jiena naghtikom, Jiena nixtieq illi intom tghinuni lura, billi ggibu Ghandi l-erwieh ta' dawk li jaqsmuli Qalbi.

Jiena jkolli nitlobkom biex tghaddu bis-sabar mill-ugigh li ser thossu, minhabba l-firda tal-umanita' Minni, Gesu' Kristu. Dan ser jigi mill-qasma fil-Knisja Tieghi fuq l-Art. Meta intom taccettaw din it-tbatija u tbaxxu raskom ghaliha, Jiena nkun nista' niggieled kontra l-qabda li l-wiehed il-hazin ghandu, fuq dawk li huma dghajfin wisq biex ixandru l-Vera Kelma t'Alla. **Qatt m'ghandkom tibzghu minn din il-Missjoni, ghax din giet moghtija lid-dinja bil-generozita' tal-Mahbub Missieri. Huwa jrid biss li jiehu lura l-Holqien Tieghu kif kien, halli ma jitlef l-ebda wild minn Tieghu.**

**Ma taghmilx differenza min isawwatkom, jghaddikom biz-zmien jew jippersegwitakom, ftakru biss fil-kastig, li ser jaqa' fuq dak kollha li jobzquli f'Wicci. Mbaghad, filwaqt li tinjoraw it-tkeskis, intom ghandkom titolbu bla waqfien ghal kull wiehed minn dawn l-imsejkna erwieh.** Kunu generuzi mill-qalb u intom tintlew bl-Ispirtu s-Santu halli mbaghad intom titqabdu flimkien ma' l-armata tas-Sema biex insalvaw lid-dinja mill-hazen. Intom allura ghandkom tistennew bl-imhabba u l-fiducja, u Jiena ngibilkom Barkiet kbar.

Qatt m'ghandkom titilfu t-tama' minhabba l-biza'. Il-biza' qatt m'ghandu jaghmikom ghad-dover li jkun mehtieg minnkom, halli meta nigi bhala s-Sultan tal-Hniena, l-ebda ruh ma jkollha l-ebda dubju dwar min Jien u x'Jien. Ingabru flimkien. Inghaqdu. Gibu l-erwieh kollha fid-Dirghajn Tieghi tal-Hniena. Biex tghinuni naghmel dan, intom ghandkom tghidu din it-Talba specjali tal-Krucjata, biex tghinu Lili nigbor u nghaqqad l-erwieh kollha.

**Talba tal-Krucjata (128) Biex nigbru u nghaqqdu l-erwieh kollha.**

*Gesu' l-izjed Ghaziz, ghinna, d-dixxipli mahbubin Tieghek, biex nigbru lid-dinja f'Dirghajk u nipprezentawlek lill-erwieh l-izjed fil-bzonn tal-Hniena Kbira Tieghek.*

*Qawwina bid-Don ta' l-Ispirtu s-Santu halli nizguraw illi l-Fjamma tal-Verita' tahtaf lil dawk kollha li tbeghdu Minnek.*

*Ghaqqad lill-midinbin kollha halli kull wiehed jigi moghti kull cans ghar-rikonciljazzjoni.*

*Aghti lilna lkoll is-sahha biex nibqghu shah lejn il-Kelma Qaddisa Tieghek meta nigu mgeghla biex nirrifjutaw il-Verita', li kienet giet imxandra lid-dinja permezz tal-Evangelji l-Izjed Qaddisa.*

*Ahna nibqghu Fik, Mieghek u Ghalik, waqt kull pass f'dan il-vjagg lejn is-salvazzjoni. Ammen.*

Kunu fil-paci. Afdawni. Hallu t-talbiet taghkom kollha f'Riglejja u Jiena nwiegeb ghal kull talba li ssirli biex insalva xi ruh li isimha jigi pprezentat Lili.

Gesu' Taghkom.

## L-Imhabba tibqa' tghix, ghax hija Rigal minn Alla u ghandha l-qawwa li teqred il-hazen.

Is-Sibt, 23 ta' Novembru, 2013 @ 17.00

Ghaziza mahbuba binti, nixtieq infiehem l-importanza ta' l-imhabba u kif permezz taghha, intom tistghu teqirdu l-hazen u kif minghajrha, l-hazen jinfirex.

Satana ma jistax ihobb, u minflok huwa ossessjonat bih innifsu, b'dak li huwa jahseb li huwa l-qawwa u l-kobor tieghu. Meta huwa jinfesta l-erwieh, l-ewwel ma jaghmel huwa li jeqred l-imhabba minn go dik ir-ruh. Meta jirnexxilu jaghmel dan, huwa jdahhal mibeghda kbira f'dik ir-ruh, u tkun din il-mibeghda li ggib il-firda. Il-firda u l-argumenti, mibdijin mill-mibeghda, jistghu jwasslu ghal atti ddisprati ta' ruh kontra ohra. Dawn l-atti mimlija mibeghda hafna drabi jistghu jwasslu ghal kattivita' kbira u sahansitra qtil. Id-dnub tal-kburija jiddahhal fl-erwieh li jifthu ruhom ghax-xitan u dan iwassal ghal ambizzjoni bla razan u reghba. Izda fejn ikun hemm l-imhabba, hemm il-Prezenza t'Alla.

L-Imhabba tibqa' tghix, ghax hija Rigal minn Alla u ghandha l-qawwa li teqred il-hazen. L-imhabba mhix egoista. L-imhabba hija generuza, tahfer u mhix minsusa mid-dnub tal-kburija. Intom ghandkom titolbu lil Alla kuljum, ghar-Rigal ta' l-Imhabba u meta tigu moghtija dan, intom ghandkom tuzawh bhala tarka kontra l-mibeghda. L-imhabba, meta tkun prezenti f'ruh safja, din tigbed lejha l-mibeghda ta' l-erwieh li jkunu eziljaw lil Alla minn hajjithom. Huma ma jkunux jifilhu ghad-Dawl t'Alla, li jiddi mill-erwieh ta' dawk li huma mimlijin bl-Imhabba t' Alla.

Morru issa la tafu li l-Imhabba ghandha tintuza biex tghin l-erwieh ta' dawk kollha li jehtiegu hafna l-ghajnuna Tieghi. Nitlobkom tghidu din it-Talba tal-Krucjata ghar-Rigal ta' l-Imhabba.

**Talba tal-Krucjata (129) Ghar-Rigal ta' l-Imhabba.**

*O, Alla, imlieni bl-Imhabba Tieghek*

*Ghinni biex naqsam ir-Rigal ta' l-Imhabba ma' dawk li ghandhom bzonn il-Hniena Tieghek.*

*Ghinni biex inhobbok izjed.*

*Ghinni biex inhobb lil dawk kollha li ghandhom bzonn Imhabbtek.*

*Ghinni biex inhobb l-ghedewwa Tieghek.*

*Aghti li l-imhabba li Inti Beriktni biha, tintuza' biex nahtaf il-qlub ta' dawk li niltaqa' maghhom.*

*Bl-Imhabba li Inti timla lil ruhi, ghinni biex nirbah kull hazen, nikkonverti l-erwieh u nirbah lix-xitan u lil dawk l-agenti tieghu, li jippruvaw jeqirdu l-Verita' tal-Kelma Qaddisa Tieghek. Ammen.*

Jiena l-Imhabba.  Meta intom thobbuni fil-verita', Jiena nfawwar lil ruhkom b'izjed imhabba u b'din l-imhabba, intom tghinuni nsalva lid-dinja.

Gesu' Taghkom.

**Biljuni ta' nies ser igawdu hajja ta' glorja eterna fil-Prezenza t'Alla.**

Il-Hadd, 24 ta' Novembru, 2013 @ 16.45

Ghaziza mahbuba binti, meta Jiena nigi biex nehles lill-umanita' mill-ugigh li huma jkunu ghaddew minnu minhabba l-firda minn Alla, huma kollha ghandhom ikunu grati ghal din il-Hniena Kbira. Minhabba din, biljuni ta' nies ser igawdu hajja ta' glorja eterna fil-Prezenza t'Alla.

B'dan l-att kbir ta' Hniena, Jiena ser ingib il-bxara t-tajba tal-Weghda glorjuza Tieghi, fejn it-Tieni Migja Tieghi – li gejja ftit wara t-Twissija – ser ittemm il-Pjan t'Alla ghal uliedu. L-erwieh kollha ser jigu moghtija dan ir-Rigal tal-Hniena Tieghi, izda mhux kollha ser jaccettawH. Dawk li mhux ser jaccettawH ser jigu moghtija biss zmien qasir li fih iridu jiddeciedu x' tip ta' hajja jridu. Huma jistghu jaghzlu wahda fejn jghixu hajja shiha u perfetta fil-gisem u fir-ruh gewwa l-Genna l-Gdida Tieghi jew wahda minghajr Alla. Dawk li jifhmu dan x'inhu li Jiena qed noffri, qatt m'ghandhom jirrifjutaw Rigal bhal dan. Imbaghad dawk li jirrifjutaw Lili, jkollhom jikkuntentaw billi jghixu fid-dlam, waqt li jahsbu li ma jimpurtax. Dak li ma jafux huwa illi huma ser ihossu ugigh kbir meta huma jigu mifruda Minni. Huma ser isibu ruhhom f'abbiss fid-dlam cappa, fejn ma jaraw xejn. M'huma ser ikollhom xejn. Kulma ser ihossu huwa nar iheggeg illi ser ixoqqhom bhal xabla, u jkollhom jissaportuh ghall-eternita'.

Il-firda minn Alla sehhet meta Lucifru ttanta lil Adam u lil Eva permezz tad-dnub tas-suppervja. Id-dnub tas-suppervja huwa l-gherq tad-dnubiet kollha u wiehed li jorbot lill-bniedem ma Satana. Meta nigi biex niehu lura t-Tronn Tieghi, din il-firda ma tibqax tezisti. Dawk li huma Ghalija, Mieghi u Fija jinghaqdu haga wahda. Izda f'dak il-jum meta finalment nigi u meta naghmel gudizzju mid-dinja, dawk li nfirdu Minni u li ser jibqghu jirrifjutawni, ser jesperjenzaw l-ahhar tmiem, fejn Jiena mhux ser inkun izjed Prezenti. Fejn Jiena mhux ser inkun nista' noffrilhom farag. Biex nigbidhom lura. Imbaghad huma ser jesperjenzaw ugigh etern u sofferenza mal-bestja u x-xjaten kollha tieghu fin-nirien ta' l-Infern.

Jiena ma rridx inbezzakom, nahsadkom jew ninkwetakom, izda biex intom tifhmu l-konsegwenzi, Jiena jkolli nghidilkom il-Verita'. Hemm tant minnkom li ma jemmnux fl-Infern. Intom ma temmnux fih, ghax gejtu mmexxija hazin ghal tant zmien. Il-Genna, l-Infern u l-Purgatorju jezistu. Fl-ahhar jum, ser jezistu biss tnejn – il-Genna l-Gdida fejn is-Sema u l-Art isiru haga wahda u l-abbiss li huwa l-Infern.

Il-Verita' hija iebsa biex taccettha, izda jekk ma tkunux tafu l-Verita' intom ma tistghux taghzlu d-destin taghkom.

Gesu' Taghkom.

**Omm tas-Salvazzjoni: L-ghedewwa t'Alla ser iwettqu sagrileggi kbar sakemm ikunu kasbru ghal kollox it-Tabernakli.**

It-Tnejn, 25 ta' Novembru, 2013 @ 17.25

Binti, meta l-Knisja t'Ibni tigi maqbuda, l-grajjiet kollha li jsehhu ser ikunu ezatt bhal dak li kien gara matul it-Tislib Tieghu.

L-istorbju jkun itarrax meta l-ghedewwa t'Alla jiehdu Gismu u jkasbruH. Huma ser jifirhu u jghajtu jxandru waqt capcip ghall-imposturi, li ser jinstemghu ma' kullimkien, ghax din ser tkun okkazzjoni li ser tirbah maghha sahansitra lil dawk l-ghedewwa l-izjed stinati u li qabel kienu ghedewwa tal-Knisja t'Ibni. Minn kull tip ta' dikjarazzjonijiet godda ser johorgu minn halqu, dwar xi tfisser il-Kelma Qaddisa t'Ibni. Kull gidba, mohbija bil-makakkerija, halli tidher taghmel sens, ser tintuza' biex tigbed lil ulied Alla ghal go din il-knisja mgedda. Kull dnub jigi ggustifikat, halli izjed barranin jigu milqughin fit-tempji t'Alla, sakemm fl-ahhar ikun hemm konfuzjoni shiha gewwa dawn il-hitan.

Sakemm ikunu qed ihottu l-Knisja t'Ibni, kantun, kantun, l-fdal li huma ma' Ibni, jkollhom jaharbu minnHa. Kull argument, kull mossa u kull difiza li dawk li huma fidili lejn il-Knisja t'Ibni ser jipprezentaw, dawn jigu mormija. Din ser tkun Tisliba fis-silenzju, ezatt bhal ma kienet dik li sofra Ibni, meta Huwa sofra bi ftit izjed minn tnehida. L-ilhna ta' dawk li ser jissuktaw ixandru l-Verita', mhux ser isibu posthom fil-media. L-ebda attenzjoni ma tinghatalhom. Anke jekk jirnexxilhom isemmghu lehenhom, huma ser jissejhu mxajtnin talli jaghmlu dan.

Jiena nheggeg lil dawk kollha li jhobbu lil Ibni u li jifhmu li dawn is-sinjali kienu kollha mhabbrin, illi huma ghandhom jibqghu jaqdu lil Ibni. Hafna sacerdoti, minflok ma jitqabdu ghall-fidi taghhom, u jibqghu fidili lejn Ibni, ser jitilquH. Ohrjan mhux ser jaqtghu qalbhom u ser jipprovdu l-Ikel tal-Hajja ghal dawk li jfittxu l-Prezenza Vera t'Ibni.

L-ghedewwa t'Alla ser iwettqu sagrileggi kbar, sakemm ikunu kasbru ghal kollox it-Tabernakli. Meta huma jkunu kisbu dan, huma mbaghad ihejju t-tronn li fuqu ser ipoggi l-antikrist.

Itolbu, itolbu, itolbu halli dawk minnkom li jafu l-Verita' jkunu jistghu joffru farag lil dawk li ser ibatu bil-kbir minhabba l-akbar apostasija li ser tibla' lill-Knisja t'Ibni, Gesu' Kristu, hija u tinfirex quddiemkom.

In-niket tieghi huwa kbir u Qalbi tqila, minhabba l-qerq ikrah li ser jaqa', sahansitra fuq dawk, li jhobbu lil Ibni b'qalbhom kollha. It-tbatija taghhom ser tkun l-akbar.

Ommkom il-mahbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

**Is-Sema dalwaqt tikxef il-parti finali tal-Pjan il-Kbir t'Alla biex isalva lill-umanita'**.

It-Tlieta, 26 ta' Novembru, 2013 @ 12.53

Ghaziza mahbuba binti, ghal dawk kollha li huma ppersegwitati f'Ismi, Jiena rrid infehmhom ghaliex jigri dan. Ftakru fil-mewt Tieghi fuq is-Salib u t-tbatija li Jiena ghaddejt minnha biex nehles lill-bniedem mill-jasar tal-bestja. Kunu ghafu, li meta intom issibu ruhkom qed ikollkom iggorru s-Salib Tieghi, din hija taghbija iebsa hafna. Intom tkunu mibghuda, mhux biss mill-hziena, izda wkoll min-nies qaddisa, li jhobbuni genwinament, izda li huma neqsin mid-dixxerniment, dan kollu meta intom iggorru s-Salib Tieghi.

Meta terfghu s-Salib Tieghi u timxu skond it-Taghlim Tieghi, intom tkunu michuda. Meta terfghu s-Salib Tieghi, billi xxandru l-Verita', li tinsab f'dawn il-Messaggi, intom tigu avveluti u mibghuda izjed minn kull dixxiplu iehor minn Tieghi li gie qabilkom. L-ebda missjoni ohra, mill-mewt Tieghi fuq is-Salib 'l hawn, ma tista' titqabbel ma' din, l-wahda ta' l-ahhar, mahruga minn Missieri fis-Sema. Li kieku ma kienx hekk, kienet tkun injorata. Izda minflok, Kelmti ser tinstema' ma' kull rokna tad-dinja u bil-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu ser tigi mismugha minn kulhadd, sahansitra mill-ghedewwa Tieghi. **Hadd m'hu ser jinjora Kelmti, ghax dan ma jistax ikun. Ghax meta l-Kelma t'Alla tinstema', l-ebda bniedem, hu x'inhu l-istat ta' ruhu, ma jista' jonqos milli din iccaqlqu b'xi mod.** Dawk li jhalluni ninfed go qalbhom, jintlew bl-imhabba Ghalija, izda ma jonqsux milli jigu meghluba, ghax huwa biss Lehen Alla li ghandu l-hila li jgib din ir-reazzjoni.

Dawk minnkom li jisimghuni bhalissa, ghandhom jaghtu widen. Nitlobkom taccettaw it-toqol tas-Salib, hi kemm hi tqila din it-taghbija. Dan is-Salib ser jehdilkom sahhitkom, izda ser jaghmel il-frott tal-mahfra, ghall-ghedewwa Tieghi, li ruhhom Jiena nixtieq insalva. Il-persekuzzjoni taghkom tista' tkun kbira hafna¸ taf iggibilkom in-niket u d-dwejjaq, izda kunu ghafu li din tigi minhabba l-fatt li dan huwa Xoghol Tieghi. **Ix-Xoghol Tieghi, meta ma jkunx mittiefes, igib tbatija kbira fost dawk li jwiegbu Lili. Madanakollu, kunu ghafu li din it-tbatija hija qasira u dalwaqt tintesa, meta s-Sema** dalwaqt tikxef il-parti finali tal-Pjan il-Kbir t'Alla biex isalva lill-umanita'. Imbaghad id-dinja tiggedded u l-Imhabba t'Alla tinfirex sakemm ir-Rieda t'Alla tkun mitmuma.

Gesu' Taghkom.

**L-ugigh, il-persekuzzjoni, t-tbatija, t-twaqqigh ghaz-zufjett u ghac-cajt, dejjem ser ikunu x-xorti ta' dawk l-erwieh maghzulin t'Alla.**

Il-Gimgha, 29 ta' Novembru, 2013 @ 16.45

Ghaziza mahbuba binti, meta inti tistaqsi ghaliex Jiena, Gesu' Kristu, nippermetti t-tbatija fid-dinja, allura inti ghandek bzonn li tifhem ir-Rieda t'Alla. Hafna nies ibatu fid-dinja u dejjem hekk gara. It-tbatija gejja minhabba l-fatt li d-dnub johloq il-firda fost il-bnedmin. Id-dnub jifred lill-bniedem minn Alla u ghalhekk, bniedem jidneb kontra bniedem iehor. Jiena nippermetti din it-tbatija ghax tqarreb l-erwieh Lejja, permezz tal-purifikazzjoni li dawn l-erwieh jghaddu minnha. Jiena ma niehux gost bit-tbatija. Minflok, **Jiena nkun prezenti f'kull ruh li jkollha tbati l-ugigh u n-niket. Hija r-Rieda t'Alla illi certi erwieh ibatu izjed minn ohrajn, ghax ser ikun permezz ta' dawn il-vittmi li erwieh ohra, li ma haqqhomx daqshekk il-Hniena Tieghi, jistghu jigu salvati.**

Jiena accettajt li nbati, matul il-Passjoni Tieghi, u l-Ugigh u l-Umilta' Tieghi rebhu hafna mill-qawwa ta' Satana. Satana qatt ma jista' jumilja ruhu, ghax dan mhux possibbli. Ghalhekk, huwa permezz ta' l-umilta' li tigi mill-ugigh tat-tbatija li l-erwieh jistghu jtaffu mill-qawwa tieghu fuq l-ohrajn. **L-ugigh, l-persekuzzjoni, t-tbatija, t-twaqqigh ghaz-zufjett u ghac-cajt, dejjem ser ikunu x-xorti ta' dawk l-erwieh maghzulin t'Alla. Erwieh bhal dawn huma l-eqreb Lejja u Jiena ser nuza' dan is-sagrificju taghhom biex nigbed erwieh ohrajn, li ghandhom l-izjed bzonn tal-Hniena Tieghi, lejn il-kenn tas-salvazzjoni.**

Din il-lezzjoni hija iebsa ghalikom ilkoll li thobbuni u tista' tidher li mhix gusta. Izda kunu ghafu li t-tbatija tressaqkom izjed Lejja u taghtikom Hajja Eterna gewwa l-Genna Mieghi. **Qatt m'ghandkom twahhlu f'Alla ghat-tbatija li hawn fid-dinja, ghax din gabitha, fil-bidu nett, il-waqgha tar-razza umana, meta wlied Alla waqghu ghad-dnub tal-kburija.**

**Il-kburija hija l-gherq ta' kull dnub u hija l-kawza ta' hafna mit-tbatija fid-dinja.** Il-kburija twassal ghal kull dnub iehor u din wara tohloq firda fid-dinja u nuqqas ta' gustizzja. Oqghodu zguri li fil-qrib hafna, d-dinja fl-ahhar ser tifhem il-vera tifsira tar-Rieda t'Alla. Hemm, ir-rieda tal-bniedem ser tmil ghar-Rieda Qaddisa ta' Missieri. Sakemm jasal dak il-jum, meta l-bniedem ser jehles lilu nnifsu mill-kburija u jumilja ruhu quddiem s-Sinjur Alla, l-izjed Gholi, ma jistax ikun hemm tmiem ghat-tbatija.

Meta d-dinja fl-ahhar taccetta l-Verita', l-Weghda li ghamilt Jiena li nerga' nigi, Jiena ser nixxotta kull demgha minn ghajnejkom. Jiena ser ngholli lill-hajjin u lill- mejtin, ghall-glorja u huma jsaltnu fi gmiel liema bhalu fis-Smewwiet u l-Art il-godda, meta t-tnejn isiru haga wahda Fija. Meta tghaddu mit-tbatija, kunu fil-paci, ghax dan kollu daqt jintemm.

Gesu' Taghkom.

## Satana jahdem billi l-ewwel jidhaq u jqarraq b' dawk li jemmnu, qabel ma jeqridhom.

Is-Sibt, 30 ta' Novembru, 2013 @ 15.50

Ghaziza mahbuba binti, kemm inhobbha lid-dinja. Kemm nibki ghal kull ruh li tintilifli f'dan iz-zmien. Jiena, nwieghed, illi sejjer infittex lil kull persuna u naghmel minn kollox biex nigbidhom lejn il-Hniena Tieghi. Nixtieq illi kull wiehed minnhom ikun jaf bil-Prezenza Tieghi, Imhabbti u l-Kompassjoni Tieghi. **Id-dmugh Tieghi, f'dan iz-zmien, li Jiena nuri lilek zghira Tieghi, nezlin ghal dawk li ser jirrifjutaw l-Intervent Divin Tieghi u li minhabba hekk, ser jinzlu rashom l-isfel ghal go vojt ta' qerq.**

Ser nerga' nghix il-Passjoni Tieghi, hekk kif Gismi ser jerga' jhabbat wiccu mas-swat meta l-pagani – li ser jigi b'wicc falz ta' paci, mhabba u umilta' – ser jghaffgu fuq il-Knisja Tieghi, qabel ma jsallbuha. Dawk li huma ghorrief fl-ispirtu ser ikunu jafu l-Verita'. Il-gwerra ser tkun qalila u l-premju l-kbir, li l-armata ta' Satana qed tfittex, huma l-erwieh ta' wlied Alla.

**L-erwieh ta' dawk li jemmnu ser ikunu l-ewwel mira ta' Satana u ghal hemm, huwa ser jigbor l-energija kollha tieghu.** Satana jahdem billi l-ewwel jidhaq u jqarraq b' dawk li jemmnu, qabel ma jeqridhom. Dawk li ma jemmnux kwazi ma jinteressawh xejn lil Satana, ghax huwa ga jkun rebah lil ruhhom u huma ftit li xejn jisfidawh. Missieri mhux ser joqghod mal-genb u jara dan l-orrur, li kien mhabbar. Minn kull miraklu, kull sejha mis-Sema u kull Intervent ser isehh hekk kif tibda ghaddejja t-taqbida – l-akbar gwerra spiritwali ta' kull zmien.

Dawk li twieldu ntelligenti, mhux ser ikunu izjed ghorrief ghall-Verita', ghax huma ser janalizzaw il-holqien taghhom mill-logika umana. Dawk li twieldu b'imhabba pura ghal Alla f'qalbhom ser jaccettaw il-Verita', sahansitra jekk din thawwadhom, ghax qlubhom huma t'Alla u huma ser jkollhom il-barka tar-Rigal tad-dixxerniment. Dawk li jitqabdu kontra l-Kelma t'Alla u l-Intervent ta' Missieri biex isalva l-erwieh u li jippruvaw biex iwaqqfuH milli jsalva l-erwieh, ser jigu ggustizzjati bl-ahrax.

Waqt li tissokta t-taqbida ghall-erwieh, intom ghandkom idduru Lejja dejjem u titolbuni biex insahhahkom, nipprotegikom u nfarragkom. **Meta intom tkunu Mieghi, intom tghaddu minn din id-dezolazzjoni kbira b'kalma li tissorprendi lilkom stess. Izda jekk intom ma tistghux tafdawni u tinghataw Lili ghal kollox, intom ser issibu dawn il-provi, li gejjin quddiem il-Knisja Tieghi, kwazi mpossibbli li ggarrbuhom, tant kemm huma ta' ugigh.**

Intom qatt m'ghandkom tinsew li Alla jista' Kollox u li Satana ma jistax jirbah din il-gwerra ghall-erwieh. Sfortunatament, hafna mhux ser ikunu b'sahhithom bizzejjed fil-fidi taghhom, u lanqas m'ghandhom il-hila jaghrfu l-qerq, li ser ikollhom ihabbtu

wicchom mieghu f'Ismi u ghalhekk qatt m'hu ser ikunu jistghu jifdu lilhom infushom Quddiemi.

Dawn huma l-erwieh, li jgibuli tant imrar f'dan iz-zmien.

Gesu' Taghkom.

**Omm tas-Salvazzjoni: Jiena qed nitlobkom biex issa tibdew in-Novena tas-Salvazzjoni**.

Il-Hadd, 1 ta' Dicembru, 2013 @ 2013

Binti, Jiena l-mara liebsa x-xemx u hija x-xemx, li tirrapprezenta d-Dawl t'Alla fid-dinja. Minghajr ix-xemx, m'hemmx Dawl. Minghajr Dawl, m'hemmx hajja. Minghajr Alla, hemm biss il-mewt.

Ir-rwol tieghi bhala l-Omm tas-Salvazzjoni, fejn jiena nghin lil Ibni f'din l-ahhar Missjoni, l-ahhar Pjan Tieghu biex jaghlaq il-Patt ta' Missieru li jgib is-salvazzjoni lil kull ruh, dan ifisser li jiena ser naghmel kulma nista' biex ingiblu l-erwieh kollha li huwa jixtieq. **Nixtieq li tkunu tafu li jiena kont mahtura, mhux biss bhala Regina tas-Sema, izda Regina tat-tnax il-tribu' ta' Izrael. Tnax-il nazzjon ser isaltnu f'Gerusalem il-Gdida.** It-tnax il-stilla fil-kuruna tieghi, li gew mpoggija fuq rasi mill-mahbub Ibni, Gesu' Kristu, waqt l-Inkoronazzjoni tieghi, jfissru din il-profezija. Kull wahda minn dawn l-istilel tirrapprezenta t-tnax-il nazzjon, li ser jisvolgu fil-Jum tal-Gudizzju.

L-erwieh kollha, inkluzi dawk li ser iqumu mill-mewt, kif ukoll dawk li huma hajjin fid-dinja llum u li jibqghu fid-Dawl t'Alla, ser jaghmlu din il-bidla ghal gos-Smewwiet u l-Art il-Godda. Huma ser jinghaqdu haga wahda, flimkien ma' Ibni, u huma ser jirxuxtaw ghal go gisem u ruh perfetti, ezatt kif gara meta Ibni qam mill-mewt. Dan l-istat ta' perfezzjoni huwa l-Akbar Rigal minn Alla u jaghti xhieda ta' kemm Huwa hanin. Din hija s-salvazzjoni li wieghed Ibni, meta huwa ghadda mill-Agunija Tieghu fuq is-Salib. U ghax Huwa ghandu Imhabba hekk kbira ghall-umanita', Huwa jixtieq isalva lil kull ruh u specjalment lil dawk li huma mitlufa ghaliH.

**Jiena issa ser naghti lilkom ilkoll Rigal specjali, bil-barka t'Ibni, halli l-erwieh kollha jkollhom l-immunita' min-nirien ta' l-Infern u jigu moghtija s-salvazzjoni. Ibni jixtieq li kull ruh issalva, hu kemm hu kbir id-dnub taghha. Nitlobkom issa biex tibdew in-Novena tas-Salvazzjoni. Intom ghandkom tibdew din immedjatament u tkompluha, kif immexxikom jien, sa l-ahhar taz-zmien. Intom ghandkom tghidu din it-Talba ghal sebat ijiem wara xulxin, matul kull xahar tas-sena, tibdew nhar ta' Tnejn, fil-hin ta' filghodu. Intom ghandkom tghiduha tlett darbiet kuljum ghal dawk is-sebat ijiem u f'jum minnhom ghandkom issumu. Meta nghidu ssumu, nfissru li intom mistennija li tieklu biss ikla wahda matul il-gurnata, u mbaghad hobz u ilma biss fil-hin taz-zewg ikliet l-ohra.**

Din hija t-Talba li ghandkom tghidu kuljum, f'dawk is-sebat ijiem.

**Talba tal-Krucjata (130) Talba tal-Krucjat Novena tas-Salvazzjoni:**

*Mahbuba Omm tas-Salvazzjoni tieghi, nitolbok biex takkwista ghall-erwieh kollha, r-Rigal tas-salvazzjoni eternal permezz tal-Hniena ta' l-Iben tieghek, Gesu' Kristu.*

*Permezz tal-intercessjoni tieghek jiena nitolbok biex titlob ghall-helsien ta' l-erwieh mill-jasar ta' Satana.*

*Jekk joghgbok itolb lill-Ibnek biex juri Hniena u mahfra lejn dawn l-erwieh, li jirrifjutawH, iwegghuH bl-indifferenza taghhom u li jaduraw duttrini u allat foloz,*

*Ahna nitkarrbulek ghaziza Ommna, biex inti tittallab ghall-grazzji biex jinfethu l-qlub ta' dawk li jehtiegu l-izjed l-ghajnuna. Ammen.*

Il-weghda tieghi, li jiena ser nghin lil Ibni, Gesu' Kristu, fil-Pjan Tieghu ghall-umanita', hija li jiena nigbed lilkom, li tgharfu r-rwol tieghi bhal Medjatrici tal-Grazzji Kollha u Ko-Redentrici, kollha flimkien, halli d-dinja tinghaqad haga wahda ma' Gesu' Kristu, s-Salvatur u l-Feddej taghkom.

Morru fil-paci. Jiena dejjem sejra nitlob ghalikom gheziez uliedi u dejjem inwiegeb ghas-sejha taghkom biex nifdi lill-umanita' f'Ghajnejn Alla.

L-Omm taghkom

Omm tas-Salvazzjoni.

## Jiena qatt m'hu ser nghix fil-gisem izjed

It-Tlieta, 3 ta' Dicembru 2013 @ 19.46

Ghaziza mahbuba binti, dawk kollha li jigu f'Ismi u jghidu  li qed ihejju t-triq tal-Mulej ser isemmghu lilhom infushom ma kull naha tad-dinja – hafna ilhna, hafna profeti, hafna giddibin – kollha kemm huma, minghajr l-Awtorita' t'Alla.

Kunu ghassa meta tisimghu, specjalment lill-profeta li jghidilkom li huwa ghandu d-dmir li jhejjikom ghat-Tieni Migja Tieghi. **Meta tisimghu dawn il-hwejjeg u meta jghidulkom li Jiena ser nidher fid-dinja bil-gisem u bir-ruh, kunu ghafu li dan mhux veru. Nerga' nirrepeti t-Twissija Tieghi lid-dinja. Jiena qatt m'hu ser nghix fil-gisem izjed. Jiena gejt, l-ewwel darba, bil-gisem, izda meta nerga' nigi Jiena gej bil-mod ezatt kif tlaqt mill-Art – fis-shab.**

Dalwaqt intom tigu murija atti kbar, li ser jidhru li huma xogholijiet kbar bi thejjija ghat-Tieni Migja. **Numru ta' fejqan mirakoluzi gew mtellghin biex jigu pprezentati lid-dinja mill-ghedewwa t'Alla, li ser jghidu li dan kollu gej Minni.** Hafna, tant ser jinhasdu li ser jaqghu ghal dan il-qerq. Tant ghegubijiet, atti kbar – kollha jidhru li gejjin minn Id Alla – ser jikkonvincu sahansitra lil dawk li huma xettici, li jkunu mirakli divini. **Unuri bla qies ser jitferrxu fuq dawk ir-rapprezentanti foloz li jghidu li jmexxu l-poplu Tieghi. Dalwaqt id-dinja tiddikjara li dawn l-imposturi huma qaddisin hajjin u mhux fit-tul li huma ser jintroducu lill-antikrist.**

Dan kollu kien ilu jithejja seba' snin shah u l-heffa li biha qed jiddahhlu bidliet radikali mhix kumbinazzjoni. It-Tieni Migja Tieghi ser issir punt ta' diskussjoni regolari. Lkoll ser tigu mitluba biex thejju ghall-Grajja l-Kbira, izda l-izbalji ser ikunu bil-hafna fid-duttrina Kristjana. Dawk biss b'ghajnejhom miftuhin, li jistghu jaraw il-Verita' u dawk li ma jibzghux jiffaccjaw il-Verita', ser jaraw dawn il-falsifikazzjonijiet. U ghal dawn din ser tkun taghbija iebsa. Qalb l-ghajjat, u it-tifhir li ser jigu mitfughin fuq dawk li serqu t-Tronn tal-Gherf, ftit li xejn ser tissemma' l-Kelma Qaddisa Tieghi. Kulma ser jitkellmu dwaru hija l-importanza ta' atti tajbin. L-ebda kelma dwar il-hidma li hija mehtiega biex tfittxu s-salvazzjoni, skond il-Kelma t'Alla.

Meta d-dinja sekulari, fl-ahhar iccedi u tghaqqad il-forzi taghha ma' dawk ta' l-imposturi foloz, li ser jiehdu f'idejhom it-Tempju t'Alla, ikun wasal iz-zmien biex taraw l-akbar stmerrija. Dak ikun meta jinholoq it-Tempju biex isir it-tronn ta' l-antikrist. Sa dak in-nhar, dawk li jaduraw lill-antikrist ser ikunu biljuni. Dawk li jafu l-Verita' ma jibqalhomx hafna zmien x'jistennew, ghax ir-renju tal-bestja ser ikun qasir hafna. Imbaghad tinstema' t-trumbetta. F'dak il-jum, l-ghedewwa t'Alla jigu mitfugfhin fl-ghadira tan-nar, hekk kif kien imhabbar.

Ftakru fil-profeziji.  Dawn ser isehhu ezatt kif thabbru – dawk l-imposturi, li jghidu li jigu f'Ismi, ser ikunu mahbubin, jfahhruhom u jaghmluhom idoli.  Dawk li jigu f'Ismi, jkunu mkasbra u mibghuda.  Izda minn halqhom johrog in-Nar ta' l-Ispirtu tal-Vertia' u bit-tbatija taghhom hafna ohrajn jigu salvati li kieku ma kinux jigu salvati.

Gesu' Taghkom.

## Hazin ser ikun ghalikom intom l-imposturi, ghax intom m'intomx gejjin Minni.

L-Erbgha, 4 ta' Dicembru, 2013 @ 10.30

Ghaziza mahbuba binti, kun ghaf illi kull Kelma li tohrog minn Fommi, tkun hierga minn Fomm Min baghatni. Kull twissija moghtija lid-dinja, permezz ta' dawn il-Messaggi, gejjin Minnu li Jista' Kollox. Jiena gej f'Isem Missieri u Huwa qed jibghat Lili biex inhejji t-triq biex nikkonsagra lid-dinja, qabel il-Jum tat-Tieni Migja Tieghi.

Lehni biss igibilkom l-ahbar ta' dak li Missieri jixtieq li uliedu jkunu jafu. **Dawn huma l-unici Messaggi, li jghidu fil-pubbliku l-Verita' dwar it-tnejn mhux qaddisa, li ser jaqsmu d-dinja fi tnejn permezz ta' l-apostasija l-kbira. Intom mhux ser tisimghu l-Verita' minn imkien iehor, fuq dak li ghandu x'jaqsam mat-Tieni Migja Tieghi, ghax ebda wiehed fostkom ma gie moghti l-awtorita' biex ikellem lid-dinja kollha f'Isem Dak li halaqkom.**

Hekk kif il-profeta veru ta' l-ahhar taz-zmien jurikom il-Verita', hekk ukoll tan-naha l-ohra ser jgholli lehnu, bhal haruf li jitkellem, daqs li kieku kien qed jghid il-Veru Kelma t'Alla. Imbaghad hekk kif ir-re ta' l-Art – l-wiehed tal-hazen – jitqabad kontra l-Intervent tas-Sema, mijiet ta' profeti foloz ser jinbtu fostkom u qatt m'hu ser jghidulkom il-Verita'. Il-vizzjonijiet taghhom u kliemhom, li jinbtu mill-immaginazzjoni taghhom – u hafna drabi mill-wiehed tal-hazen – ser jurukom biss il-hwejjeg it-tajbin li intom tridu tisimghu. Huma ser iwennsukom meta jkollkom bzonn titwennsu, izda huma ser imexxukom fit-triq il-hazina. Huma ser jitkellmu fuq il-paci, fejn mhux ser ikun hemm paci – fuq il-Verita', meta ser ikun hemm l-erezija – dwar hxejjex bix-xaba', meta ser ikun hemm il-guh. Intom qatt m'hu ser tisimghu il-Verita', ghax dawk il-giddibin ma jridux jispiccaw jaqilghu r-rabja taghkom.

**Il-Verita' thejjikom biex taffaccjaw ir-realta' ta' zminijiet iebsa, li kienu mhabbrin fil-Ktieb ta' Missieri.** Gie moghti lilkom biex isahhahkom. Izda l-profeti l-foloz, li jiggerrew fostkom, ser ihawdukom u jghidulkom li kollox sew – meta huwa hazin, u qaddis – meta mhux. Huma ser jghattu lill-ilpup li jridu jibilghu l-erwieh ta' wlied Alla. Kliemhom ta' mhabba u l-versi kkwotati mill-Iskrittura Qaddisa jservu biss biex iqarrqu bikom. U xorta, hafna minnkom ser ihaddnu l-gideb u mhux jaffaccjaw il-Verita'.

Hazin ser ikun ghalikom intom l-imposturi, ghax intom m'intomx gejjin Minni. Meta intom tigu Ghandi u tghiduli "Imma Gesu', ahna kulma ridna naghmlu kien li nxerrdu l-Bxara t-Tajba." Jiena narmikom 'l barra u tigu eziljati. Intom ittradejtuni meta gdibtu dwar missjonijiet li qatt ma jkunu gew moghtija lilkom. Intom qed tichduni billi tikkuntrarjawni u meta fil-pubbliku tiddikjaraw li Kelmti hija gidba.

Ara qatt ma tippruvaw ixxekklu t-triq tal-Ministeru t'Alla, ghax is-Smewwiet jinfethu u intom tkunu l-ewwel li tinqerdu mal-profeta l-falz u l-bestja, fl-ahhar jum. Il-kastig ser jinzel fuq dawk kollha li jghidu li gew f'Ismi u li jaqdu ghan wiehed biss. Li huwa, li jbaghbsu u jindahlu mal-Kelma t'Alla. Hekk kif toqrob il-battalja t'Armageddon u waqt li din il-gwerra tishon bl-armata ta' Satana kontra wlied Alla, intom ghandkom issa stess tintefghu fil-genb, ghax jekk le, intom ser tiffaccjaw il-Korla t'Alla u l-ebda Hniena m'hi ser tigi murija lilkom jew lil dawk li jibilghu l-gideb li hergin minn fommkom, biex tisfidaw il-Verita'.

Is-Salvatur taghkom

Gesu' Kristu.

**Omm tas-Salvazzjoni: Ibni miet biex isalvalkom ruhkom, mhux biex jehliskom mill-hsarat ta' din id-dinja.**

Il-Hamis, 5 ta' Dicembru, 2013 @ 14.00

**Binti, d-dinja ser tkun xhud tal-profeziji ta' La Salette, hekk kif l-ghedewwa t'Alla, lisbsin ta' hrief bl-ilbies ta' nghag, daqt iqumu kburin gewwa l-Knisja t'Ibni fl-Art u jibdew jiddikjaraw l-ereziji li jiena kont wissejt lid-dinja dwarhom. Dak iz-zmien wasal.**

Hekk kif kien imbassar, id-dlam ga ghatta lill-Knisja u dan il-pjan biex jahtfu lill-erwieh tal-fidili ser jissokta sakemm Gisem Ibni jigi mkasbar skond il-pjan ta' l-antikrist. Dak li hafna nies ma jafux huwa li l-ghedewwa t'Alla, mmexxijin mill-antikrist – li ghad irid juri lilu nnifsu – jemmnu f'Alla. Mhux talli jemmnu f'Alla, izda minhabba li huma joboghdu dak kollu li ghandu x'jaqsam m'Alla, huma ser jikkonfoffaw kontra l-Pjanijiet Tieghu huwa u jhejji ghat-Tieni Migja t'Ibni, Gesu' Kristu.

Ghal kull Kelma li Ibni jghid, permezz ta' dawn il-Messaggi, huma sejrin jikkuntrarjawH billi jaghmlu dak li qed jghid Hu. Jekk Ibni jghid, hejju issa permezz tas-Sagramenti u t-talb, huma, l-ghedewwa Tieghu, ser jaghmlu stqarrijiet simili, izda jkunu differenti. Huma ser isejhu biex tghinu lill-umanita' – il-foqra – l-ippersegwitati – ser ikunu dawk, li huma ser jiffokaw fuqhom, mhux ix-xandir tal-Kelma. Huma mhux ser iheggukom biex titolbu ghal ruhkom jew ghas-salvazzjoni t'erwieh ohrajn. Le, minflok, intom ser tigu mitluba biex tghinu lil dawn l-erwieh min-naha umanitarja.

Meta intom ma tisimghux is-sejha biex issalvaw ruhkom, minghand dawk li jirrapprezentaw il-Knisja t'Ibni, hemm intom tifhmu, f'qalbkom, li xi haga sejra hazin bil-kbir.

Ibni miet biex isalvalkom ruhkom, mhux biex jehliskom mill-hsarat tad-dinja, li dejjem ser jibqghu jezistu sakemm Ibni jiehu lura t-Tronn li hu bi Dritt Tieghu, mwieghed Lilu minn Alla l-Izjed Gholi. **Intom qatt m'ghandkom tinsew il-Kelma t'Alla. Kulma huwa ta' htiega issa huwa li tittalbu ghas-salvazzjoni ta' l-erwieh kollha – kemm jekk huma rejiet jew tallaba.**

Ommkom il-mahbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

## **Jiena, fuq kollox, Jiena Alla ta' Hniena Kbira**.

Is-Sibt, 7 ta' Dicembru 2013 @ 14.25

Ghaziza mahbuba binti, **Jiena rrid lilkom lkoll li thobbuni li tkunu tafu li Jiena qed insejhilkom, f'dan iz-zmien biex tigu Ghandi bhal tfal zghar u tinzlu gharkoptejkom Quddiemi.**

**Ifthu qalbkom u afdawni f'kollox. Imbaghad itolbuni, permezz ta' l-Imhabba Tieghi ghalikom ilkoll, biex nuri Hniena ma' dawk li rrifjutawni, matul it-Twissija.** Nitlobkom biex titolbu ghal dawn l-erwieh li tant huma 'l boghod Minni, ghax dawn ser isibuha ta' ugigh kbir biex juri wicchom quddiem Ghajnejja li jaraw kollox, matul l-Illuminazzjoni tal-Kuxjenza.

Jiena nitfarrak bl-ugigh kull darba li nara lil dawn in-nies li ma jafunix u li ma jifhmux dak li ser jigri fid-dinja, meta iz-Zmien Tieghi kwazi qieghed fuqhom. Ser ikun kwazi mpossibbli li thejji lil dawn l-erwieh, ghax huma qatt m'hu ser jifthu widnejhom ghall-Kelma Vera t'Alla. U ghalhekk, intom permezz tat-talb taghkom, ghandkom tittalbu ghall-Hniena ghalihom. **Jiena ser inferrex fuqhom il-Hniena Tieghi, izda ser tkun bicca xoghol ta' torturi.**

**Jiena qed insejjah lid-dinja kollha biex tisma' s-Sejha Tieghi llum.** Iz-zmien Tieghi, z-zmien li Alla juri Lilu nnifsu lid-dinja, fl-akbar manifestazzjoni mill-mument li Qalbi waqfet thabbat meta Jiena mitt fuq is-Salib, huwa kwazi hawn.

Meta dawk minnkom li jafu bil-weghda Tieghi li nerga' nigi, jigu Quddiemi, nitlobkom biex jekk joghgobkom titolbu, mhux biss ghal ruhkom stess, izda ghall-erwieh ta' l-indannati. Ftakru dak li qed nghidilkom issa. F'dak il-jum, irridkom titolbuni:

**"Gesu', qed nittallab ghall-Hniena ghal dawk kollha li jirrifjutawK u li jehtiegu l-izjed l-ghajnuna Tieghek. Ammen."**

Meta intom titolbuni biex nghin lill-ohrajn, Jiena nkun nista' nferra Grazzji specjali, f'dak il-mument, fuq dawk li d-destin taghhom ikun gie mibdul minhabba l-qerq tax-xitan.

Jiena, fuq kollox, Alla ta' Hniena Kbira. Qatt tinsew kemm hija kbira l-Hniena Tieghi, ghax dejjem hemm tama' ghal dawk li tbeghdu Minni. M'hemm xejn li Jiena ma naghmilx biex ingibhom f'Dirghajja ta' Mhabba. Ghinuni biex insalvhom.

Gesu' Taghkom.

## Jiena qed inhejji lid-dinja ghat-Tieni Migja Tieghi u hafna ser joboghduni minhabba dan.

It-Tnejn, 9 ta' Dicembru, 2013 @ 16.15

Ghaziza mahbuba binti, m'hemm xejn li joffendini izjed minn dawk li jafu t-Taghlim Tieghi moghti lid-dinja permezz tal-Ktieb ta' Missieri, izda li jinterpretaw il-Kelma t'Alla kif jaqbel lix-xewqat taghhom. **Dawk li jippruvaw jheddu lill-ohrajn u li jittormentawhom, waqt li juzaw il-Kelma Qaddisa Tieghi, jaghmlu zball kbir. Huma ma juzawx ir-Rigal ta' l-imhabba biex iwasslu l-Verita'. Minflok, il-mibeghda, li tigi mid-dnub tal-kburija, tigri fil-vini taghhom.** Ma tafux li Kelmti hija eterna? Hija semplici halli l-bnedmin kollha, nkluzi dawk li twieldu bi ftit intelligenza, kif ukoll dawk li ma jafu xejn dwari, jkunu jistghu jifhmu dak li Jiena qed nghidilhom. Ghaliex ghandi Jiena naghti tifsira ghall-Kelma Tieghi lil wiehed u mbaghad ohra mod iehor lill-haddiehor?

Permezz tal-Kmand ta' Missieri, Jiena qed inhejji lid-dinja ghat-Tieni Migja Tieghi u hafna ser joboghduni minhabba dan. Dawk minnkom li taraw lilkom infuskom bhala l-aqwa, l-ftit il-maghzulin u dawk li ghamiltu lilkom infuskom profeti, intom lanqas biss intom denji li tixxuttaw Riglejja, tant kemm intom mimlijin bil-mibeghda. Imbuttati mill-ispirtu tal-hazen u tant kburin, li intom ghomja ghall-Veru Lehen ta' l-Ispirtu s-Santu. L-Ispirtu s-Santu qatt ma jista' jinzel fuq l-erwieh taghkom iebsa u mimlijin mibeghda, ghax intom ma tirrapprezentawx Lili. **Ghal dawk minnkom li jifhmu l-Verita' li tinsab fl-Izjed Ktieb Qaddis, il-Bibbja, kunu ghafu li intom m'ghandkomx tabbuzaw minn dan ir-Rigal Kbir tal-gharfien. Intom qatt m'ghandkom tnaqqsu minnu jew izzidu mieghu. Lanqas ghandkom tippruvaw toholqu interpretazzjonijiet godda jew tifsiriet minnu.**

**Jiena qed inhejjikom ilkoll, biss, ghax kieku l-maggoranza taghkom ma kinux jaccettaw il-Hniena Divina Tieghi. Li kieku kelli ma nhejjikomx kif xieraq, intom ma kontux tkunu lesti.** U xorta wahda, ghalkemm Jiena qed inkellimkom issa, hafna minnkom jinsultawni. Meta taghmlu d-deni lil haddiehor, intom ser tbatu bi kbir. Dawk minnkom li jaghmlu d-deni lill-ohrajn u mbaghad jghidu li dan jaghmluh f'Ismi, kunu ghafu li intom qatt m'hu ser tinghaqdu Mieghi fil-Genna. Meta intom tirrifjutaw il-Kelma t'Alla, intom qatt m'intom ser taccettaw il-Verita'. Intom tant intom raskom iebsa, tant intom mimlijin bikom infuskom u temmnu li intom taghmlu kollox tajjeb, illi intom ma tistghux thossu l-Vera Mhabba li tista' biss tigi minn Ghandi, Gesu' Kristu. Morru 'l boghod Minni, Jiena ma nafkomx. Intom m'intomx Tieghi.

L-ispirtu tal-hazen ser jikkonvinci lil hafna li l-Gustizzja Tieghi tant hija hanina, illi kulhadd ser jiddahhal fil-Genna l-Gdida Tieghi. **Dalwaqt, kull Verita' miktuba fl-Evangelji ser tigi riveduta u tigi mfissra f'dawl iehor. Hafna ser jigu mqarrqin u hafna mhux ser jaghtu kas biex ihejju ruhhom, inkluzi dawk li jemmnu fit-Tieni Migja Tieghi.** Dan is-sens ta' sigurta' falza ser ikun l-akbar qerq, li gie mhejji biex icahhad lill-bniedem mid-dritt naturali tieghu ghas-Saltna t'Alla. Fejn m'hemmx rikonciljazzjoni mfittxija mill-bniedem ghall-mahfra ta' dnubietu, ma jistax ikun hemm fidwa f'Ghajnejja.

L-Id Tieghi tal-Gustizzja ser tinzel tiknes fuq ir-razza umana. Jiena ser nifred lill-erwieh ingrati – dawk li ghazlu li jaduraw l-allat foloz taghhom tad-deheb u l-fidda u lil mexxejja li huma tad-dinja u mkabbrin – minn dawk ta' qalbhom helwa w umli. Jiena ser nuri Hniena ma' dawk kollha li jitolbuni nkenninhom, izda dawk li ghamlu lilhom infushom profeti, li jghajtu b'lehen gholi, li jkunu cahhduni mill-erwieh, dawn qatt m'huma ser ifittxu l-Hniena Tieghi, ghax il-kburija taghhom tiswa biss biex tifridhom Minni ghall-eternita'.

Gesu' Taghkom.

**Huwa, l-antikrist, ser jitkellem b'hafna lingwi, izda l-ebda kelma mill-Latin m'hi ser tohrog minn xofftejh.**

It-Tnejn, 9 ta' Dicembru, 2013 @ 19.46

Ghaziza mahbuba binti, z-Zmien Tieghi huwa fil-qrib. Izjed ma joqrob il-Jum il-Kbir, izjed id-dinja ser tara sinjali.

**Il-bniedem li huma ser juru bhala 'l-bniedem tal-paci' qed ihejji biex jimita lili b'kull mod li tista' timmagina. Huwa jaf l-Iskrittura Mqaddsa b'ghajnejh maghluqin, u minhabba min huma l-genituri tieghu, huwa ser jghid il-kliem minn wara ghal quddiem, halli t-tifsira taghhom tinqaleb**. Minn halqu ser johorgu d-dagha, l-erezijiet, il-gideb u t-tkasbir tal-Kelma Tieghi. Huwa ser jimpressjona lil kulhadd bl-gharfien tieghu ta' hwejjeg Sagri. Huwa ser itenni bicciet mit-Taghlim Tieghi, u jiddikjarhom b'passjoni minn kull tijatru sekulari fid-dinja, sakemm in-nies tqum u taghti kasu.

Hafna ser jghidu: "Min hu dan li jitkellem b'dan l-gherf kollu? Min hu dan li qed isejjah lid-dinja b'tant imhabba f'qalbu ghall-massa? Tghid huwa s-Sinjur Alla, Gesu' Kristu?" huma ser jistaqsu, meta hafna miraklu ser jigu assocjati mieghu. U meta huwa ser jimxi fuq l-artali ma' l-ghedewwa l-ohra Tieghi, li jkunu libsin bhala qaddejja qaddisa t'Alla, huwa ser jigi accettat miz-zewg nahat li hawn fid-dinja – dawk li jemmnu veru u dawk li ma jemmnu f'xejn.

**Huwa, l-antikrist, ser jghawweg il-Verita' u jiddikjara l-gidba li huwa hu Jiena, u li hu gie biex igibilkom is-salvazzjoni. Il-gidba ser tkun li hu gie bil-gisem.** Huwa qatt m'hu ser jitkellem dwar Gesu' Kristu li gie bil-gisem jew dwar il-mewt Tieghu fuq is-Salib, ghax dan ma jistax ikun. Le, huwa ser jiddikjara l-fatt bil-kontra. Huwa ser jghid li huwa gie, sa fl-ahhar, f'dan iz-zmien, bil-gisem. Hafna ser jemmnu li huwa l-Kristu. **Huwa, l-antikrist, ser jitkellem b'hafna lingwi, izda kelma wahda bil-Latin mhix ser tohrog minn xofftejh.**

Il-bestja ser isir idolu, filwaqt li Jiena, s-Salvatur Veru tad-dinja, ser nigi minsi u Kelmti mirfusa. Intom qatt m'ghandkom temmnu l-gideb, li ser jigu mtennija mill-bestja, meta huwa jpoggi kburi fit-tempju li ser jittella' biex jonorah.

Gesu' Taghkom.

**Intom ma tistghux taghtu l-Verita', meta l-ego taghkom ifittex il-popolarita'.**

It-Tlieta, 10 ta' Dicembru, 2013 @ 23.00

Ghaziza mahbuba binti, **kemm inwegga' nara tant nies jaccettaw l-umilta' falza, li tinheba wara l-umanizmu, li huwa tant mahbub minn dawk fil-Knisja Tieghi**.

**Ir-Rwol Tieghi bhala Salvatur u Feddej ta' l-umanita' intesa.** L-umilta' falza fil-Knisja Tieghi, ser tibqghu tarawha u kulhadd ser ifahhar lil dawk li jhajru ghall-htiega li niehdu hsieb lil dawk bi bzonnijiet materjali. Dan kollu ser igib religjon falza.

Intom li ssejhu lilkom infuskom qaddejja t'Alla, meta hadtu d-decizjoni biex tibdlu l-Kelma t'Alla, ma' l-interpretazzjoni zbaljata taghkom? **Meta ddecidejtu li tbiddlu l-Kristjanezmu mal-umanizmu, fejn Jiena ma nissemma qatt?** Ma tafux li xejn ma johrog minn dak li mhux gej minn Alla? Kemm tghallimtu ftit u kemm intom boloh biex temmnu li dawk li ssejhulhom xogholijiet tajbin – fejn tikkoncentraw fuq il-gid materjali – qatt jistghu jiehdu post il-Verita'.

Meta intom tinjoraw ir-rwol taghkom li ghandu jigi l-ewwel – id-duttrina l-izjed importanti tas-salvazzjoni ta' l-erwieh ta' l-ulied t'Alla – intom qatt ma tistghu tghidu li intom qaddejja Tieghi. Kemm hi haga facli ghalikom li tghajtu biex issalvaw il-foqra, l-maghkusin u lil dawk il-membri tas-socjeta' li huma bin-nieqes. Meta intom timxu ma' din it-triq li ma twassalx fejn suppost, fejn intom tfittxu l-ammirazzjoni tad-dinja lejn dawk li intom issejhu xogholijiet tajbin, hemm intom tinsew ir-rwol l-izjed importanti, li intom gejtu msejhin ghalih. Li huwa li taqdu Lili, Gesu' taghkom. Mhux biex tfittxu l-popolarita' personali taghhom permezz ta' l-Isem Qaddis Tieghi. **X'jiswilu wiehed, li jkollu l-lussu tal-mahluqin fil-hajja, meta dan ma jistax isalva ruhu?** Jekk tfittxu l-ammirazzjoni mid-dinja sekulari, permezz t'atti fil-pubbliku, li gew mahluqa biex jaghmlukom popolari, allura intom m'intomx iggorru s-Salib Tieghi. Jekk intom ma taghmlux bhali, allura ma tistghux titkellmu Ghalija. Intom ma tistghux taghtu l-Verita' meta l-ego taghkom ifittex il-popolarita'.

Meta tinsew is-Sagrificju li Jiena ghamilt biex insalva ruhkom, allura intom ma tistghux taqdu Lili. **Meta sacerdot jinsa r-raguni ghaliex hu kien sar qaddej Tieghi, l-waqgha tieghu mill-grazzja, hija ghaxar darbiet akbar minn dik ta' ruh ordinarja.** Ghax meta hu jitbieghed Minni hu jiehu mieghu lil dawk l-erwieh li huwa jinfluenza u li jafdaw fuq il-gudizzju tieghu. **Isimghu issa, qaddejja Tieghi, din is-Sejha Tieghi biex insalva l-erwieh ta' dawk kollha li intom gejtu mahtura biex tmexxu, permezz tas-Sagrament ta' l-Ordni Sagri.** Meta intom tonqsu milli tirrepetu dak li intom gejtu mghallmin, intom ma tghallmux il-Verita'. Intom tibdlu Lili Gesu' Kristu, max-xewqa taghkom mhux biss biex iggibu l-gustizzja socjali, izda biex tigbdu l-ammirazzjoni ghax-xoghol siewi taghkom f'ghajnejn l-ohrajn. L-ammirazzjoni taghhom u x-xewqa taghkom li tkunu popolari jfissru li intom m'ghadkomx taqdu Lili. Meta intom ma tibqghux taqdu Lili, intom thallu lilkom infuskom taqghu fl-izball u fi ftit zmien lanqas biss tibqghu taccettaw Lili, bil-mod kif ghandkom taghmlu.

**Ser ikunu biss il-ftit, il-maghzulin, li ser jaqdu Lili sa l-ahhar Jum. F'dak il-Jum, hafna minn dawk li jsejhu lilhom infushom qaddejja fil-Knisja Tieghi fuq l-Art, ser inewhu u jwerzqu, jittalbuli biex nuri Hniena. Hemm huma jkunu ga tellfuli biljuni t'erwieh u hafna minnhom tant ser ikunu maqbudin fl-istmerrija, illi huma ser jonqsu milli jifhmu l-verita' tad-destin taghhom, sa meta jkun tard wisq.**

Qumu minn hemm dawk minnkom li qed ihossuhom skomdi, b'sens ta' bahh u tahwid, li qed idawwar lilkom qaddejja Tieghi, f'dan iz-zmien. Ibqghu bl-gheruq taghkom sodi fil-Verita' l-hin kollu. Ftakru fir-rwol taghkom bhala qaddejja qaddisa Tieghi, li huwa li titimghu lill-merhla Tieghi bil-Verita' u li tizguraw li huma jircievu l-ikel mehtieg biex isalvaw ruhhom.

Ix-xoghol taghkom huwa li ggibuli l-erwieh.

Gesu' Taghkom.

**Omm tas-Salvazzjoni: Huma ser jigu moghtija unuri ta' dottorat fil-knisja mgedda tal-profeta l-falz.**

L-Erbgha, 11 ta' Dicembru, 2013 @22.05

Binti, **d-dinja ser tigi mqarrqa b'hafna atti li jitqiesu bhala xogholijiet ta' karita' kbira**. Il-karita' lejn l-ohrajn ser tkun iddikjarata bhala l-aktar karatteristika meqjusa f'Ghajnejn Alla.

Meta dawk li jikkontrollaw il-gvernijiet, knejjes u l-istat, jinghaqdu flimkien, huma jigbru sahha kbira fuq ulied Alla. Il-kontroll fuq dawk li huma l-izjed imsejkna fis-socjeta' taghkom ghandu zewg tifsiriet. Jista' jew jintuza ghat-tajjeb jew ghal raguni hazina.

Jiena nitlobkom biex tibqghu lkoll iffukati, bl-attenzjoni kollha taghkom, fuq ix-xewqat ta' Ibni, f'din it-triq iebsa tas-salvazzjoni. Hafna mill-qaddejja fidili t'Alla, ghalkemm b'intenzjoni tajba, ser ikun dghajfa wisq biex jibqghu fit-triq tas-salvazzjoni. Tant ser tkun kbira l-pressjoni fuqhom, mill-ghedewwa t'Alla, biex jirrifjutaw lil Ibni, illi huwa ser jitilqu minn mal-Vertia'.

**Il-profeta l-falz ser idahhal fidi ekumenika qawwija li ser tissodisfa lil kull eretiku. L-maggoranza ta' dawk fil-Knisja t'Ibni ser jitqarrqu, izda kwazi nofs il-qaddejja qaddisa t'Ibni, ser jirrifjtaw li jiehdu l-ahhar gurament, li b'gidba ser jigi ddikjarat li huwa haga wahda ma' l-Ewkaristija. L-Ewkaristija u t-tkasbir Taghha, ser ikunu fil-qalba tan-nuqqas ta' qbil u li hafna jitilqu.** Imbaghad, meta l-mirakli foloz jigu attribwiti lilu, hafna minn nies importanti tad-dinja, ser iduru mieghu, jfittxu favuri madwaru. Hemm huwa jhejji lista ta' unuri u dawn ser jigu moghtija unuri ta' dottorat fil-knisja mgedda tal-profeta l-falz, li ser tkun biss qoxra ta' dik ta' qabel. Kollha kemm huma ser jaccettaw il-premju taghhom ghax-xoghol kbir ta' karita' li huma jkunu mexxew, taht id-direzzjoni ta' l-impostur. Kull wiehed ser ifahhar lill-iehor, sakemm huma jiddikjaraw fil-pubbliku li l-profeta l-falz huwa qaddis li qed jghix, minhabba l-hekk imsejha mirakli li huwa jkun holoq bhala qaddej t'Alla. U mbaghad, **hu flimkien ma' l-antikrist ser jikkontrollaw hafna mid-dinja, izda r-Russja u l-Asja mhux ser ikunu mdahhlin, ghax dawn iz-zewg imperi ghad iqumu kontra Babilonja l-Gdida, sakemm tinqered Ruma.**

Dawn il-grajjiet kollha jridu jsehhu u meta intom tarawhom juzaw il-knejjes bhala postijiet fejn huma jiddikjaraw il-kobor taghhom stess, ix-xoghol ta' karita': hemm intom taraw car kif il-kburija tkun tiddetta l-iskop taghhom. Meta taqa' Ruma, jkun hemm izjed inkwiet, izda dan ikun ta' zmien qasir. Imbaghad iz-zmien ikun sar biex jigi lura Ibni, Gesu' Kristu.

Intom m'ghandkomx tinjoraw dawn il-profeziji. Ladarba intom tmorru mal-fidi falza l-gdida, li dalwaqt tigi ddikjarata, intom tkunu qed tarmu lil Ibni, Gesu' Kristu u

tittiehdu ‘l boghod mill-Hniena Tieghu.  Qatt titilfu d-dritt li ghandkom ghall-Hajja Eterna minhabba xi hadd li jaghmel minn kollox biex iwaqqakom fl-erezija.

Il-mahbuba Ommkom

Omm tas-Salvazzjoni.

**Ghax meta intom tbatu b'dan il-mod, intom iggibuli l-erwieh u dawk li jgibuli l-erwieh, huma Tieghi.**

L-Erbgha, 11 ta' Dicembru, 2013 @ 22.30

Ghaziza binti, hekk kif il-qerq fil-Knisja Tieghi fuq l-Art jikber, hafna izjed erwieh ser jigu msahhra mill-umilta' falza u dawk l-atti pubblici ta' l-hekk imsejha karita' kbira ghal htigijiet tal-foqra.

Tant ser tkun haga iebsa, u tant ser tkun iebsa biex taghraf il-verita', illi hafna sejrin semplicement jintelqu mad-duttrina l-gdida li mhix gejja Minni. Meta intom, gheziez segwaci Tieghi, tibdew tindunaw kif in-nies iwiddbukom fil-pubbliku, jikkritikawkom ghal xejn, igibu ruhhom maghkom b'mod aggressiv mhux tas-soltu u jittormentawkom, intom ghandkom tkunu tafu li Satana qed jaghmel kulma jista' biex johloq id-dubji fi qlubkom dwar din il-Missjoni. Hu u s-segwaci tieghu jissieltu ma' kull wiehed minnkom li gie mbierek bid-Don ta' l-Ispirtu s-Santu, kull sekonda. **L-ebda wiehed minnkom li jissielet biex jghini nirbah l-erwieh, m'hu ser jithalla fil-paci. Intom ser thabbtu wicckom ma' hafna tfixkil, halli titilqu din il-Missjoni u tichdu Kelmti. Kull darba li jigri dan, kunu ghafu li jiena ndawwarkom bil-Protezzjoni Tieghi u intom tindunaw bil-Prezenza Tieghi gewwa fikom, ghax huma mhux maghkom ikunu qed jissieltu izda Mieghi.**

**Meta intom tkunu mwegghin, minhabba li thobbu Lili, huwa l-ugigh Tieghi li intom thossu. Meta tibku bin-niket, ghax timxu warajja u bhala rizultat jittormentawkom, huwa d-dmugh Tieghi li jinzel. Meta jkasbrukom u jwaqqghu ghac-cajt Lili, huwa Lili u lil dak kollu li ghandu x'jaqsam Mieghi, li huma jinsultaw – mhux lilkom. U meta jinjoraw l-imhabba taghkom u jaghtukom daharhom, huwa Lili li jitilqu.** Mela kunu ghafu li meta intom issofru provi hekk ibsin u ta' nkwiet f'Ismi, illi l-Prezenza Tieghi hija fl-aqwa taghha. Meta Jiena nkun prezenti b'dan il-mod, intom tindunaw, b'certezza, illi x-Xoghol Tieghi biss, jigbed lejH din is-sofferenza. Allura **kunu ghafu li Jiena qatt m'hu ser nitlaqkom, ghax imhabbitkom Ghalija ser tirbhilkom l-oghla premju fis-Saltna Tieghi**. Ghax meta intom tbatu b'dan il-mod, intom iggibuli l-erwieh u dawk l-erwieh li jgibuli l-erwieh huma Tieghi bil-gisem, ir-ruh u l-ispirtu. Intom Fija, Mieghi u Jiena nghix go fikom.

Jiena nhobbkom.

Gesu' Taghkom

**Jiena kont naf min kont matul tfuliti kollha**.

Il-Hamis, 12 ta' Dicembru, 2013 @ 23.15

Ghaziza mahbuba binti, **hekk kif joqrob il-jum ta' gheluq snini, Jiena nixtieq li l-Kristjani kollha jikkontemplaw fuq ir-raguni ghala twelidt Jiena.**

**It-Twelid Tieghi kien mahsub minn Missieri, fil-Hniena Kbira Tieghu u l-Imhabba straordinarja ghal uliedu.** L-akbar sagrificju Tieghu kien li jibghat lil Ibnu l-Wahdieni, f'dinja ingrata, mimlija midinbin, li ma jridux jafu la biH u lanqas b'dak li qed joffri. Kull Intervent permezz tal-profeti kien imfassal biex jipprova jdawwar il-qlub iebsa biex ifittxu l-Glorja Tieghu. Izda huma daru kontriH u qatlu l-profeti li kienu jitimghuhom bl-ikel ghal ruhhom.

Meta baghat tarbija nnocenti, l-uniku Iben Tieghu, fid-dinja, Huwa ghamel Lilu nnifsu qaddej ckejken ta' laham uman, quddiem dawk li kellhom jaqdu lis-Sinjur taghhom. **Ghalhekk, is-Sinjur sar il-qaddej f'dik li kienet l-akbar forma t'umilta'**. Ghax Hu tant habb lil uliedu, li Hu kien lest li jaghmel minn kollox biex jirbahhom lura mill-qerq u t-tentazzjoni ta' Satana.

Jiena kont naf min kont matul tfuliti kollha u dak li kien mistenni Minni. Jiena kont ukoll imbezza' hafna u mistagheb bl-gharfien ta' Min kont Jiena u dak li kien mistenni Minni. Minhabba li kont uman, Jiena kont nibza', kont inwegga' facilment. Jiena kont inhobb lil dawk kollha li kienu jigu f'kuntatt Mieghi u kont nafda lil kulhadd ghax kont inhobbhom. Ma kontx naf li ser joqtluni, ghax kont nahseb li s-Saltna Tieghi kienet waslet. Kien hemm hwejjeg li kienu nzammu mistura Minni, minn Missieri, li ma kienx jikkomunika Mieghi kif tahsbu intom. Minflok, Jiena rcevejt gharfien gewwa Fija, meta xtaq Missieri, dwar x'kellha tkun il-hidma Tieghi, biex ingib is-salvazzjoni lil kulhadd.

Kull tip ta' Intervent Divin sehh biex jintrebhu l-erwieh ta' dawk li kienu jahsbu li kienu jafu l-Ligijiet ta' Missieri, izda li kienu jilwuhom ghall-gosti u l-ego taghhom.

**Ghaddejt hafna snin nghix mal-mahbubin Ommi u missieri, San Guzepp, bhal kull familja ohra. Kont inhobbhom tant u kont kuntent. Konna qrib hafna ta' xulxin u Ommi kienet giet moghtija Grazzji specjali, mill-Ispirtu s-Santu**. Dan kien ifisser li hija kienet taf ezatt fhiex kienet tikkonsisti l-Missjoni Tieghi. Kienet taf id-diffikultajiet li kont ser inhabbat wicci maghhom. Li kont ser nigi rrifjutat. Li kont ser nitwaqqa' ghac-cajt. Izda lanqas hi ma kienet taf li kont ser nigi maqtul.

Kien wara l-ewwel sentejn tal-Missjoni Tieghi, meta kont nghaddi ghoxrin siegha kuljum nippriedka l-Verita', illi Jiena ntbaht illi l-oppozizzjoni Lejja kienet kibret. Dawk kollha li semghu Kelmti kienu widnejhom miftuha ghaliHa, sahansitra meta huma ma fehmux ezatt dak li kont qed nipprova nghidilhom. Hafna, li accettaw li dak

li kont qed nghidilhom kien il-Verita', sabuha iebsa biex jimxu warajja ghax kienu jigu mwaqqghin ghac-cajt. Hu x'inhu, **l-ghedewwa Tieghi ma setghux jinjorawni. Jiena kont is-suggett ta' hafna dibattiti, hafna argumenti u hafna nuqqas ta' qbil.**

**Huma ferrxu gideb kbar dwari, nkluz fuq il-Moralita' Tieghi, jekk kontx f'sensija u l-intenzjonijiet Tieghi – u xorta wahda ma setghux jinjoraw dak li Jiena ghamilt, dak li ghidt u dak li ghidtilhom dwar is-Saltna ta' Missieri.**

**Jiena kont ittradut minn dawk li kienu jhobbuni, izda li ma kellhomx il-kuragg li jimxu warajja.**

Bil-Grazzja ta' Missieri, Jiena ghaddejt minn dan l-ugigh kollu, sakemm indunajt car x'kien ser jigri. Hemm, Jiena kont naf li ma kinux ser jaccettawni. Kont naf il-Verita', lejn l-ahhar, izda kont naf ukoll li ma stajtx naqta' qalbi. U ghalhekk, permezz ta' l-akbar att ta' Umilta', Alla, permezz ta' l-Iben il-Wahdieni Tieghu, sar Vittma u halla l-bniedem igiblu fuqu tbatija kbira, swat u mewt vjolenta. Dan li jidher att gifa min-naha Tieghi, kif deher f'ghajnejn Satana, kien ifisser li hu kien jiddubita li Jien kont fil-fatt Bin il-bniedem. U ghalhekk huwa tqarraq. **Satana ghalhekk ma seta' jaghmel xejn kontra dan l-Akbar Att ta' Umilta', ghax ma kienx baqa' lil min jittanta.** Meta mort ghall-mewt Tieghi, minn qalbi u vittma kwieta, mimlija mhabba ghall-umanita', huwa, Satana, ma seta' qatt jikkompetili, ghax hu m'ghandu l-ebda forma t'umilta'. Allura Jiena mort minn qalbi u b'xewqa theggeg biex insalva l-erwieh u naghti lid-dinja l-wirt tal-Hajja Eterna. Is-Saltna Tieghi baqghet xorta wahda, fil-parti l-kbira taghha, taht il-hakma ta' Satana. Imma l-erwieh saru jafu l-Verita'.

Issa, biex ikun cert li l-umanita' tifhem il-Verita', **Jiena gej issa biex niehu lura s-Saltna Tieghi.** Meta ser naghmel hekk, Jiena gibt ir-rabja ta' Satana. Il-pjanijiet tieghu biex jahbi l-Verita' huma elaborati u sofistikati. Bil-makakkerija, huwa dahal fil-Knisja Tieghi f'dan l-ahhar attentat biex icahhadni mill-erwieh li Jiena gejt ghalihom. L-erwieh li ghandhom id-dritt naturali ghas-Saltna Glorjuza li Jiena weghdthom. Din id-darba mhux ser jirbah. Izda **hafna erwieh ser jigu mqarrqa u b'hekk jittehdilhom l-Akbar Rigal moghti lill-umanita' mill-mahbub Missieri.** Li tghixu hajja fil-Glorja t'Alla, b'gisem u ruh perfetti ghall-eternita', hija taghkom. Intom ilkoll. Tberbqux dan, billi thallu lilkom infuskom tigu moghmija ghall-Kelma t'Alla l-Vera.

Gesu' Taghkom.

## Issa ilkom tigu mhejjija ghal tlett snin shah.  Qumu, erfghu salibkom u segwu Lili

Is-Sibt, 14 ta' Dicembru 2013 @ 15.17

**Ghaziza mahbuba binti, t-thejjijiet bdew illum ghall-Intervent Tieghi ta' Hniena Kbira, biex nibdel il-qlub tal-bniedem minn gebel ghal deheb.  Ghal dawk li ghandhom ghajnejn li jistghu jaraw, dawn ser jaraw is-sinjali fit-temp u ghal dawk li huma ghassa ghall-weghda Tieghi li naghti lil kulhadd cans indaqs ghas-salvazzjoni**.

Dawk li l-fidi taghhom iddghajfet, ser jiggeddu bin-Nar ta' l-Ispirtu s-Santu.  Tant ser ikun qawwi l-Ispirtu s-Santu, meta huma ser jaraw id-Dawl, ir-Raggi tal-Hniena Tieghi, illi hafna ser jinstabtu ma' l-art bil-qawwa Tieghu.

Dawk li ma jistghux Ghalija, u li dnubiethom ma jfissru xejn ghalihom, ser imutu izjed fl-ispirtu u jitkaxkru 'l boghod Minni mwerwrin.  Xi whud mhux ser jibqghu hajjin wara l-Intervent Tieghi, ghax dan ser jahsadhom b'mod aktar milli jifilhu.

**F'dan iz-zmien qed inhejji lill-erwieh maghzulin kollha, biex ifittxu l-Qrar u jitolbu ghad-dnubiet ta' l-ohrajn.  Iz-zmien Tieghi huwa fil-qrib.  L-Intervent Tieghi ser isehh bil-heffa u l-qawwa u minn dak in-nhar 'l quddiem, id-dinja ser tinqasam fi tnejn.** F'dak il-jum, id-dinja ser tinqaleb ta' gewwa barra u ser ikunu dawk biss li jibqghu favur Tieghi, li ser jirnexxilhom jghaddu mill-provi li ser jidhru ma' kullimkien.

Issa ilkom tigu mhejjija ghal tlett snin shah.  Qumu, erfghu salibkom u segwu Lili.  Kunu sodi.  Jiena ser naghtikom il-kuragg, ghax ser tigu bzonnu meta d-dlam ta' dawk l-erwieh, li ser jirrifjutaw il-Hniena Tieghi, ser jaqa' fuq l-Art u jinfirex.  Dawk biss mbierka bl-Ispirtu s-Santu ser jipprovdu d-dawl, li ser imexxi lil dawk kollha li jridu jidhlu fis-Saltna Tieghi, biex isibu triqithom lejn il-Hajja Eterna.

Gesu' Taghkom.

**Il-Kburija hija karatteristika perikoluza ghax tikkonvinci lill-bniedem li huwa akbar minn Alla.**

Il-Hadd 15 ta' Dicembru, 2013 @ 16:45

Ghaziza mahbuba binti, l-umanita` ma taf xejn dwar il-Ligijiet Divini u r-Rieda Divina ta' Missieri. **Il-Bniedem huwa holqien t' Alla, u bhala hekk ma giex moghti r-Rigal ta' l-Gharfien ta' hafna sigrieti, li jafuhom biss l-angli u l-qaddisin li hemm fis-Sema.** Ghalekk bniedem wiehed ma jistax jghid ghala Missieri jhalli certa grajjiet li jsehhu fid-dinja, filwaqt li bniedem iehor jghid li jaf kif beda l-univers. Il-bniedem huwa biss qaddej t' Alla, izda Alla minhabba li Huwa ried johloq il-bniedem fix-Xbiha perfetta Tieghu, tah hafna rigali u talenti. **Huwa qatt ma ta l-Gharfien tas-Sigra tal-Hajja u dan ghal raguni.** Il-bniedem qered kif kien jidher f'Ghajnejn Alla, meta Adam u Eva tbieghdu Minnu, minhabba d-dnub tal-kburija. Id-dnub tal-kburija ghadu sejjer illum u huwa l-kawza ta' hafna firda minn Alla. Il-Kburija hija karatteristika perikoluza ghax tikkonvinci lill-bniedem li huwa akbar minn Alla. Il-kburija tittanta lill-bniedem biex jindahal mal-Ligijiet tad-Divinita` t'Alla. Dan jinkludi t-twemmin illi l-bniedem ghandu d-dritt li jiddeciedi min ikun moghti r-Rigal tal-Hajja u min ghandu d-dritt li jnehhiha.

Il-kburija tikkonvinci wkoll lill-bniedem li huwa jaf kif kien gie mahluq l-univers, meta huwa fil-fatt ma jaf xejn dwar dan il-miraklu. **Alla biss ghandu il-Setgha li johloq li jrid. Alla biss jista' jiddeciedi kemm ihalli lill-bniedem jesplora jew ibaghbas mal-Holqien Tieghu.** Imma xorta wahda, il-bniedem jahseb li hu ghandu t-twegibiet kollha. **Meta l-bniedem jemmen li huwa jista jikkontrolla d-destin tieghu, u d-destin ta' l-ohrajn, huwa jaqa' fi zball kbir, ghax meta huwa jaghmel id-dnub bhall-Lucifru, huwa jigi mormi.** Meta l-bniedem jirrifjuta milli jwiegeb lill-Hallieq tieghu, Huwa ma jibqax hemm ghalih biex ifarrgu fl-ahhar jum.

**Intom m'ghandkom qatt thallu lill-kburija li tikkonvincikom li intom tafu kollox ta' din id-dinja u izjed, ghax dan ma jistax ikun.** Minflok, intom ghandkom tisimghu, taccettaw l-istruzzjonijiet moghtija fl-Evanglji Qaddisa, halli tkunu tistghu tghixu fil-paci u skond ir-Rieda ta' Missieri. Ghax meta intom tumiljaw lilkom infuskom Quddiemu, Huwa jurikom glorja kbira u hemm intom tifhmu il-misteru kbir tas-Saltna Glorjuza Tieghu fl-ahhar jum.

Gesu' Taghkom.

## Permezz tas-Sagrament tal-Maghmudija, s-setgha tal-bestja tiddghajjef.

It-Tnejn, 16 ta' Dicembru, 2013 @ 19.25

Ghaziza mahbuba binti, **meta inti tkun qrib ta' Qalbi u meta l-erwieh jintrehew f'Idejja, jigru numru ta' hwejjeg.**

**L-ewwel haga, kull biza' ta' ndhil uman f'hajjitkom jisparixxi.** Minfloku tidhol il-paci u l-kuntentezza, li tkun gejja Minni meta Jiena nghix f'qalbkom u ruhkom. L-ebda ammont t'abbuz, kattivita' jew kritika ma tinfed ruhkom, ghax intom tkunu ghaddejtu dan l-ugigh Lili. Dan huwa ghaliex intom ghandkom dejjem izzommu kalmi u siekta meta thabbtu wicckom ma' dawn l-attakki.

**Il-Grazzja li jkun imiss li intom tigu moghtija, tkun il-qawwa biex tieqfu kontra d-dnub.** Din it-tentazzjoni, li titfacca quddiem l-erwieh kollha, kuljum, mix-xitan, hija qawwija hafna u ftit huma dawk li ghandhom rieda soda li jevitaw li jaqghu fid-dnub. Izda meta intom tkun cedejtu r-rieda taghkom Lili, tkun ir-Rieda Tieghi li tinsab f'ruhkom, li wara tirbah it-tentazzjonijiet li jigu quddiemkom.

**Qatt qatt m'ghandkom tonqsu milli tqisu kif Satana qed izomm lir-razza umana mghallqa.** Din il-qawwa hija bhal tempesta qawwija u b'sahhitha daqsha, buffuri ta' rih jistghu jwaddbukom ma' l-art, is-seher, li jpoggi quddiemkom il-wiehed tal-hazen, qisu forza li tghollikom f'sekondi u timmirakom ghad-dnub, li intom tippruvaw tevitaw.

Il-bniedem huwa mwieled bid-dnub. Permezz tas-Sagrament tal-Maghmudija, s-setgha tal-bestja tiddghajjef. Imbaghad meta intom tghaddu mill-provi tal-hajja u t-tentazzjonijiet, kull persuna tigi mhajra ghad-dnub ta' kull tip. Huma dawk biss li jahdmu sod biex jevitaw id-dnub, li jirbhu l-battalja kiefra, li l-wiehed tal-hazen iqajjem biex jibla' l-erwieh. Komunikazzjoni regolari Mieghi hija mportanti. Kulma ghandkom taghmlu huwa li titkellmu Mieghi fi kliemkom stess. Itolbuni regolarment biex nahfrilkom dnubietkom li intom ghandkom ndiema taghhom. Ircievu s-Sagramenti regolarment. Imbaghad fl-ahhar, afdaw Fija, ghax meta taghmlu dan, Jiena jkolli s-setgha li nigbidkom lura minn xifer id-dnub. Meta ccedu r-rieda taghkom Lili, r-Rieda Tieghi issir il-forza li tmexxi u tipprotegikom kontra Satana.

Meta tintelqu f'Idejja ghal kollox, intom tipperfezzjonaw ruhkom.

Gesu' Taghkom.

**Id-dawl t'Alla biss jista' jġib hena eterna**.

L-Erbgħa 18 ta' Diċembru, 2013 @ 16:40

Ghaziza mahbuba binti, l-bidu huwa mingħajr tmiem. La darba l-ħajja tkun giet maħluqa minn Missieri u la darba l-bniedem jieħu l-ewwel nifs tiegħu, huwa se jeżisti fil-ġisem u mbagħad fir-ruħ għal dejjem.

**L-akbar misteru tal-Hajja Eterna huwa li tezisti, ma jimpurtax jekk il-bniedem jemminx jew le.** Il-bniedem gie moghti r-Rigal tar-rieda ħielsa u sal-ġurnata tal-aħħar nifs tiegħu fid-Dinja huwa ghandu l-għażla. Huwa jista' jgħix hajtu, bl-ahjar mod li huwa jista' u skond il-liġijiet t' Alla, u jaqla` s-salvazzjoni tiegħu, jew inkella jista' ma jaghtix kas tal-Verità tal-eżistenza t' Alla u jgħix hajtu skond ix-xewqat tiegħu. Meta hu jissodisfa iz-zina tiegħu, ir-regħba u x-xewqat bi ksur tal-Kelma t' Alla, hu jkun qed jieħu riskji kbar, li jkollhom konsegwenzi għal-eternita`.

**Dawk l-iffurtunati li jiksbu l-aktar salvazzjoni glorjuza se jgħixu Hajja Eterna ta' estasi fis-Saltna t' Alla. Sejrin igawdu kull forma ta' glorja f'unjoni mar-Rieda t' Alla u jgħixu eżistenza perfetta, li qatt m'hu ser tintemm.** Dawk li għażlu li jaghtu daharhom lil Alla, sahansitra wara li jkun sar kull sforz Minni biex insalva l-erwieh imsejkna taghhom, huma wkoll ser ikollhom eżistenza eterna. Sfortunatament, huma ser isofru agunija kiefra f'dezolazzjoni wahedhom u ddisprati. Huma wkoll se jigu mqajma, flimkien mal-hajjin u l-mejtin, iżda l-eżistenza taghhom ser tkun waħda ta' uġigħ, ghax huma qatt mhu ser jaraw id-Dawl t' Alla. Id-dawl t'Alla biss jista' jġib hena eterna.

**Meta tieħdu l-aħħar nifs taghkom fid-dinja, dan sempliċiment ifisser li ser tghaddu ghall-istadju li jmiss tal-vjaġġ taghkom fl-eternita'. Hemm moghdija wahda biss li tistghu taqbdu u dik hija dik li twassal ghal Ghandi.** Kull moghdija oħra twassalkom ghal eżistenza tal-biza' u xorta wahda, hafna erwieħ żbaljati jemmnu li huma jafu l-Verità meta huma jiċħdu l-eżistenza ta' l-eternita'.

M'ghandkom qatt tirrifjutaw il-Verità ghax il-Verità biss tista` ggibilkom is-salvazzjoni eterna.

Ġesù Taghkom

**Fil-Jum tal-Gudizzju, intom fl-ahhar ser tifhmu s-Setgha t'Alla**.

Il-Gimgha, 20 ta' Dicembru, 2013 @ 23.16

Ghaziza mahbuba binti, huwa meta naghti l-Kmand Jiena, li Satana u x-xjaten tieghu kollha, ser icedu. Bis-sahha kollha li huma ghandhom, huma m'huma xejn Quddiemi, Bin il-bniedem, Gesu' Kristu. Bl-Umilta' kollha Tieghi, s-Sagrificji Tieghi, l-Karbiet Tieghi lir-razza umana, biex inhalli Mhabbti tigbidkom Lejja, qatt m'ghandkom tissottovalutaw id-Divinita' Tieghi. Is-Setgha Tieghi tifhmuHiex hazin, ghax Jiena nista' Kollox u s-Saltna Tieghi tibqa' ghal dejjem bil-bniedem jew minghajru, li ghandu r-rieda hielsa u ghalhekk ghandu l-ghazla jekk jigix Warajja jew le.

Filwaqt li d-dghjufija ta' l-umanita', li jgibha d-dnub, taghmel lil kull persuna vulnerabbli ghat-tentazzjoni ta' Satana, intom qatt m'ghandkom temmnu li huwa ghandu s-setgha kollha, ghax m'ghandux. Kull xitan, inkluz sidhom, il-bestja, jinzel f'Riglejja, mal-Kmand Tieghi. Dan ma tafuhx? Ghax hemm Wiehed biss li ghandu d-Divinita' biex igib kollox taht Riglejh, u dak huwa Jiena, Gesu' Kristu.

Biex issiru l-favoriti t'Alla, kull wiehed minnkom ghandu jigi Ghandi. Jiena nhobbkom. Jiena nigbidkom Lejja. Jiena nittallbilkom. Jiena numilja Lili nnifsi quddiemkom. Jien hallejt Lili nnifsi li nigi mkaxkar ma' l-art, fit-tajn, ghalikom, qabel ma mitt. Intom dalwaqt tigu wicckom Mieghi. Fil-Jum tal-Gudizzju, intom fl-ahhar ser tifhmu s-Setgha t'Alla u hemm tkunu tafu xi tfisser li tigi wicc mb'wicc mad-Dawl Divin Tieghi. Tant hu qawwi d-Dawl Tieghi illi l-puri u l-umli biss jifilhu Ghalih. Lil hafna minnkom jimbutthom ghal ma' l-art, u intom tghattu wicckom Minni. Huma ftit hafna dawk minnkom li huma denji li jieqfu Quddiemi, imma xorta Jiena ser nigbidkom Lejja, sakemm tqumu weqfin kif kellu jkun, ccedu kollox Lili u f'ubbidjenza shiha. F'dak il-jum, ir-rieda hielsa taghkom ser tigi fi tmiemha.

Gesu' Taghkom.

**Intom ma tistghux tiddivorzjaw lill-Knisja Tieghi mill-Kelma – il-Gisem – ghax inkella ma tkunx tista' tezisti.**

Is-Sibt, 21 ta' Dicembru 2013 @ 20.13

Ghaziza mahbuba binti, ghal dawk kollha li jakkuzawk, permezz tal-Kelma Tieghi, li inti qed tiggieled kontra l-Awtorita' tal-Knisja Tieghi, ghandhom jisimghu s-Sejha Tieghi.

Il-Knisja mahluqa Minni, Gesu' Kristu, kienet mibnija fuq Gebla soda u tigi kemm tigi attakkata l-Knisja Tieghi – Gismi – l-bibien ta' l-Infern qatt m'huma ser jeqirduha. **Satana u l-agenti tieghu jattakkaw biss dak li huwa genwin, dak li hu veru u li gej Minni.** Dan huwa fejn l-energija kollha tieghu hija ffukata – il-Knisja Tieghi. Jiena prezenti fil-Knisja Tieghi, permezz tal-Gisem Tieghi, l-Ewkaristija l-Izjed Qaddisa. **L-ghedewwa Tieghi dejjem ser jimmiraw lejn l-Ewkaristija l-Izjed Qaddisa, minhabba li din mhix semplicement simbolu ta' l-Imhabba Tieghi, l-Weghda Tieghi li nsalva lid-dinja – Din hija Gismi.** Din tghix u tiehu n-nifs, ghax Huwa Jiena, Gesu' Kristu, li nghix go Fiha. Jiena ser nibqa' prezenti go l-Ewkaristija sa qrib it-tmiem, izda l-Knisja Tieghi qatt m'hi ser tmut.

Kelmti saret Gisem u permezz ta' Gismi, intom, ulied Alla, ser tibqghu qrib Tieghi. Meta l-ghedewwa Tieghi attakkaw il-Knisja Tieghi fil-passat, il-Knisja Tieghi nghaqdet u ssieltet kontra l-ghadu. Izda meta l-Knisja Tieghi hija attakkata, mill-ispirtu tal-hazen minn gewwa taghha stess, din ftit li xejn ser issib tfixkil mid-dinja sekulari.

**Satana ma jattakkax il-hidma tieghu stess.** Bhala Bin il-bniedem, Jiena qatt m'hu ser inhalli l-Knisja Tieghi, ghax din hija mpenetrabbli kontra x-xitan. Is-segwaci Tieghi ser jibqghu fidili lejn il-Knisja Tieghi sa l-ahhar jum. Xorta wahda, **l-ghadd ta' nies li mhux ser jifhmu l-attakki, li ser taqa' tahthom il-Knisja Tieghi, minn gewwa, ser ikun kbir. Huma, fil-parti l-kbira taghhom, ser jikkuntentaw bil-hafna addattamenti li ser jiddahhlu fis-Sagramenti Qaddisa u l-Ligijiet t'Alla. Huma ser jibilghu l-gidba illi l-hajja moderna titlob knisja moderna; illi n-nies illum ghandhom bzonn jaghmlu ghazliet, ibbazati fuq ir-rieda hielsa taghhom – minghajr ma jimpurthom jekk jinsultawx lil Alla jew le.** Imbaghad meta jinsultaw lil Alla u jidghu, meta jkasbru l-Ewkaristija Qaddisa, huma ma jibqghux parti mill-Knisja Tieghi. Il-Knisja Tieghi ser tibqa' bla minsusa. Il-Knisja Tieghi ser tibqa' wieqfa, minhabba dawk li ser jibqghu fidili lejn il-Kelma t'Alla – il-Kelma li saret Gisem. Ghax intom ma tistghux tiddivorzjaw lill-Knisja Tieghi mill-Kelma – il-Gisem – ghax inkella din ma tistax tezisti.

Jiena kont weghdt illi ser nipportegi lill-Knisja kontra l-bibien ta' l-Infern u issa qed naghmel dan billi qed inhejji lill-qaddejja qaddisa fidili Tieghi, biex jieqfu hdejja u jibqghu fidili u sodi sal-Jum il-Kbir. Jiena qatt ma nikser il-Weghda Tieghi.

Gesu' Taghkom.

**Omm tas-Salvazzjoni: Permezz tal-miraklu ta' l-Illuminazzjoni tal-Kuxjenza, Huwa, Ibni, ser igib ferh, imhabba u tama lid-dinja.**

Il-Hadd, 22 ta' Dicembru, 2013 @ 15.19

Binti, **nitolbok biex tgharraf lil kulhadd, illi l-Prezzjuz Iben Tieghi qed ihejji ghall-Intervent Kbir Tieghi ta' Hniena**. Id-dinja ser tiggedded wara dan u hafna ser jifirhu meta huma jsibu lilhom infushom mehlusa mid-dubju dwar l-ezistenza t'Alla.

Kemm huma wahedhom dawk li ma jafux lil Ibni. Meta Ibni kien wieqaf fuq il-gholja, ezatt qabel it-Tlugh Tieghu fis-Sema, id-dixxipli Tieghu kienu mhawdin u mbezzghin minhabba l-firda li kienu ser ihabbtu wicchom maghha minghajru. Hafna minnhom qabadhom il-paniku u ttallbu lil Ibni biex ma jitlaqhomx. Huwa farraghom billi bil-pacenzja spjegalhom illi din il-firda kienet biss ghall-mument u li Huwa kien ser jibghatilhom l-ghajnuna. L-ghajnuna li kien qed jirreferi ghaliha kien ir-Rigal ta' l-Ispirtu s-Santu. Imbaghad huwa qalilhom: "Tibzghux, ghax bl-ghajnuna ta' Dak li Jiena ser nibghatilkom, intom mhux ser tkunu wahedkom. Jiena dejjem ser inkun maghkom taht il-Forma ta' l-Ispirtu s-Santu."

Ghax, ghalkemm hu dak in-nhar, qal lil kulhadd illi ser jerga' jigi, huma fil-verita' ma fehmux dak li kien qed ifisser. Xi whud hasbu li Hu kien ser jerga' juri Lilu nnifsu fi ftit gimghat. Izda ftakru, li jum fiz-Zmien t'Alla, jista' jkun kull zmien. **Issa dak il-Jum qed joqrob u l-profeziji li kienu mhabbra, dwar is-sinjali taz-zmien ta' l-ahhar, qed isehhu. Thallux biza' fil-qlub taghkom, gheziez uliedi, ghax iz-zmien li tifirhu qieghed kwazi fuqkom. Mhux ser ikun hemm izjed dmugh jew niket, ghax il-Jum Kbir t'Ibni ser jisbah f'tebqa t'ghajn u Huwa ser jigbor lil dawk kollha li huma Tieghu ghal go dirghajH Qaddisa.**

Itolbu ghall-Barkiet kbar t'Alla u ghall-Hniena kbira Tieghu, li Ibni ghandu bil-hafna minnhom ghal kull wiehed minn ulied Alla. Dan jinkludi lit-tajbin, il-hziena u l-indifferenti. **Bil-miraklu ta' l-illuminazzjoni tal-Kuxjenza, Huwa, Ibni, ser igib ferh, imhabba u tama lid-dinja.**

Kunu grati ghal din il-Hniena kbira. L-imhabba t'Ibni ghalikom ma tmut qatt, ma tintefiex u ma jwaqqafhiex, ghax intom tappartjenu Lilu. Intom Tieghu. Intom ulied Alla. Intom ma tappartjenux ghal Satana.

**Itolbu, itolbu, itolbu illi l-umanita' taghzel l-Id Hanina t'Ibni u mhux il-qerq u l-qabda tat-tghallieq, li l-wiehed tal-hazen ghandu fuq id-dghajfin.**

Ommkom il-mahbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

**Dalwaqt intom, sejrin tarawni fil-Glorja tas-Sema kollha Tieghi u hemm fl-ahhar tifhmu l-misteru tad-Divinita' Tieghi**.

Il-Hadd, 22 ta' Dicembru, 2013 @ 15.56

Ghaziza mahbuba binti, kif ser tqum id-dinja u taghraf il-Prezenza Tieghi. **Il-Prezenza Tieghi ser tinhass f'kull nazzjon, pajjiz u dar u hadd m'hu ser jichad il-Prezenza Tieghi, izda xorta wahda, ftit mhux ser jaccettaw li jkunu xhieda ta' l-Intervent Tieghi. Intom ilkoll ghandkom taccettaw illi meta ssehh it-Twissija, li din hija Sinjal Kbir mis-Sema.** Din ser tikkonferma l-Imhabba, li Alla ghandu ghal uliedu kollha.

Il-firda taghkom solitarja minn Alla ser tispicca f'dak il-Jum; ghal dawk li jridu l-protezzjoni li huma jixtiequ, min-niket, li jezisti fid-dinja llum, kunu ghafu dan. Jiena sejjer nixxotta d-dmugh taghkom. Nahfrilkom dnubietkom. Imbierek lilkom ilkoll, inkluzi dawk li ser jaghtuni daharhom, bit-tama li huma jigu jigru lura ghandi, halli nsalvhom.

Id-dinja hija Tieghi. Ulied Alla ser jigu migbura kollha flimkien u dawk kollha li isimhom jinsab fil-Ktieb tal-Hajjin, ser jinkinsu 'l fuq ghal go Dirghajja. Itolbu li dawk li ghandhom id-dubji jehilsu minnhom, li dawk li qeghdin fid-dlam tal-biza' jitolbu Lili ghall-Hniena u li dawk li jichduni, sa fl-ahhar jgharfuni.

Intom qatt m'ghandkom thallu lil dawk li jnaqqsu mill-Kelma Qaddisa Tieghi, li jehdukom 'l boghod Minni, Gesu' l-mahbub taghkom. Dalwaqt intom sejrin tarawni fil-Glorja tas-Sema kollha Tieghi u hemm fl-ahhar tifhmu l-misteru tad-Divinita' Tieghi.

Gesu' Taghkom.

**Omm tas-Salvazzjoni: Din l-imitazzjoni gdida u oxxena tal-Kelma t'Alla ser iggib lil hafna jemmnu li hija semplicement verzjoni mgedda tat-Testment il-Gdid.**

It-Tnejn, 23 ta' Dicembru, 2013 @ 18.36

Binti, **d-Dlam ser jinzel tant f'daqqa fuq il-Knisja t'Ibni, illi hafna ser jisktu ghal kollox, tant kemm ser jinhasdu. Ibni, Gesu' Kristu s-Sultan, ser jigi ddikjarat li m'ghadux Sultan. Minfloku jkun hemm l-allat pagani li gew mghollijin u r-religjonijiet kollha, inkluzi dawk li mhux gejjin minn Alla u kollha ser isibu post fil-Knisja t'Ibni fuq l-Art.**

Ghad-dinja, l-proklama l-gdida ta' l-hekk imsejha Kristjanita' ser tidher li hija ahbar tajba. Id-dinja ser tifrah ghax hafna ser jilqghu dik li tidher bhala tolleranza ghal kull att, li sa dak in-nhar kienet meqjusa dnub f'Ghajnejn Alla.

Meta Ibni kien jghix fuq l-Art, il-Farizej irrifjutaw il-Verita'. Huma kienu jemmnu biss f'dak li kien jaqbel lilhom u huma kienu jemmnu hafna gideb. Huma ma ridux jaccettaw id-dirghajn miftuha t'Ibni, meta kien qed ixandar il-Kelma Qaddisa t'Alla. **Iz-zmien rega' wasal ghal darb'ohra, ghal dawk li jghidu li jafu l-Verita' biex jichdu lil Ibni.** B'dan, jien irrid infisser il-Kelma Qaddisa Tieghu li tinsab fl-Evangelji l-Izjed Qaddisa. **Fil-qrib, l-Izjed Ktieb Qaddis ser jintrema u sostitut tieghu, mimli dagha jigi mxandar lil kulhadd, gewwa l-Knisja t'Ibni u barra minnha.** Hafna ser jitqarrqu.

**Tant huma makakki l-ghedewwa t'Ibni, illi din l-imitazzjoni gdida u oxxena tal-Kelma t'Alla ser iggib lil hafna jemmnu li hija semplicement verzjoni mgedda tat-Testment il-Gdid. Il-Kelma t'Ibni ser tintuza u tinbidel biex tfisser xi haga gdida – xi haga li Hu qatt ma qal.** Il-wiehed tal-hazen, permezz tal-ghedewwa t'Ibni, dejjem ser iqarraq lid-dinja billi juza' l-Verita' bhala bazi ghall-gideb. Huma ser jattakkaw dejjem dak li huwa Verita' billi jahdmu bil-Verita' biex iwaqqghu l-Kelma t'Ibni.

Huma ser jibdew mill-Kelma Tieghu u jeqirduHa – l-ewwel billi jwaqqghuHa ghac-cajt, mbaghad jarmuHa, u jibdluHa mal-erezija. Imbaghad huma ser jattakkaw il-Gisem Tieghu. Il-Kelma giet maghmula Gisem fil-forma t'Ibni. **Huma sallbu lil Ibni qabel, u issa, meta Huwa ser jerga' jigi biex igedded l-Art, huma ser jeqirdu l-Ewkaristija Qaddisa.** Dawk kollha li ghandhom il-fidi, jkollhom jibqghu sodi matul dan l-ugigh tat-twelid, ghax meta jghaddi kollox, Bin il-Bniedem ser iqum u jigi biex jiehu lura s-Saltna Tieghu fuq l-Art. Dawk li jhobbu lil Ibni, ghandhom jonorawH il-hin kollu u mhux jichduH.

Intom ghandkom thejju biex tghixu l-Verita' u qatt ma ccedu li taccettaw il-gideb, li ser jitferrxu mad-dinja kollha u ghar-religjon gdida wahda dinjija, li dalwaqt tithabbar. Meta taraw dawn il-hwejjeg jigru, kunu certi li z-zmien ikun fil-qrib ghat-Tieni Migja tas-Salvatur, il-Wiehed il-Veru – Gesu' Kristu, s-Sultan ta' l-umanita'.

Ommkom il-mahbuba
Omm tas-Salvazzjoni.

## Milied iehor, ic-celebrazzjoni tat-Twelid Tieghi ser tiehu postu ceremonja kbira.

L-Erbgha, 25 ta' Dicembru 2013 @ 09.50

Ghaziza mahbuba binti, Jiena l-Kelma maghmula Gisem. Il-Gisem Tieghi jhaddan lid-dinja kollha, izda d-dinja, filwaqt li tidher qed ticcelebra l-Milied, hija mhix thalli l-Pjan Tieghi ta' Salvazzjoni jasal ghandha.

Il-Milied m'ghadux ic-celebrazzjoni tat-Twelid Tieghi, izda sostitut pagan, fejn kull unur Lejja, huwa mibdul mal-girja wara hwejjeg foloz. Kemm saret dghajfa l-fidi tal-Kristjani. Kif insew dak kollu li Jiena ghallimt lid-dinja. Kemm jinkwetaw ghall-hwejjeg materjali, li jsiru trab, u jinjoraw ghal kollox l-istat ta' ruhhom.

Gew fuqkom iz-zminijiet meta l-fidi tal-parti l-kbira tal-Kristjani tant saret dghajfa illi ftit hemm diskussjoni jew referenza ghad-Divinita' Glorjuza Tieghi. It-Taghlim Tieghi m'ghadx ghandu tifsira vera f'hajjitkom u hafna sacerdoti m'ghadhomx ihobbuni kif jixraq. Le, binti, huma fil-verament ma jafuni xejn.

Jiena ma nistriehx qabel ma Lehni jinstema', qabel ma nqajjimkom ghas-sejha biex iggeddu l-fidi. Dalwaqt il-fidi taghkom Fija tkompli tiddghajjef. Tant ser tkunu mhabbtin, mitlufin fi hwejjeg politici, li ghandhom x'jaqsmu ma pajjizi fejn il-gwerra u l-faqar huma kbar, illi intom ser tinsew Lili. Jiena ser nigi mibdul fil-fidi taghkom ma' l-ghedewwa Tieghi, li jghamluha ta' qaddejja Tieghi u li ser imexxukom izjed u izjed 'l boghod Minni.

**Milied iehor, ic-celebrazzjoni tat-Twelid Tieghi ser tiehu postha ceremonja kbira, li ser tfahhar ix-xoghol ta' dawk l-impusturi, li jiehdu gost jidhru, fil-Knisja Tieghi, libsin ilbies li jservi biss biex jghami lill-fidili**. F'dak il-jum, huma ser icapcpu lill-alla tal-gustizzja socjali, d-drittijiet umani u l-flus li huma ser jghidu li gabru ghal dawk bil-guh fid-dinja. Izda kunu ghafu dan. Dawn il-hwejjeg kollha li ser jigu pprezentati lid-dinja fl-Isem Qaddis Tieghi, jservu ghal haga wahda biss. **Dik hija biex ibeghdukom mill-Kelma, li hija Lahmi. Lahmi huwa l-Gisem Tieghi. Il-Gisem Tieghi huwa l-Knisja Tieghi.** Meta dawk li jghidu li huma minn tal-Knisja Tieghi, ma jqimux il-Kelma Qaddisa Tieghi, izda minflok, ihaddnu u jippruvaw jikkontrollaw il-politika tad-dinja, allura huma qatt ma jistghu jghidu li huma Tieghi. Iz-zmien wasal ghad-divizjoni – ix-xizma mhabbra – li kellha ssehh u din ser issehh bil-heffa.

Intom tistghu thobbu Alla wiehed biss u l-unika triq lejn Missieri hija permezz Tieghi, l-Uniku Iben Imnissel Tieghu. Infirdu Minni fil-girja taghkom wara kampanji politici, li jistinkaw biex jippromwovu d-drittijiet umani u l-gustizzja socjali, bhala sostitut ghall-Kelma, u intom tichdu Lili.

Qalbi tqila f'dan iz-zmien. Jiena qed naghtikom din it-twissija halli ma taqghux fl-izball u fl-izjed nassa makakka, li ser titpogga quddiemkom mid-dixxipli tal-ghadu Tieghi – x-xitan.

Gesu' Taghkom

**Il-Pjanijiet Tieghi biex insalva lid-dinja kollha jinsabu lesti u ma Jiena ser nerhi lill-ebda ruh daqshekk malajr.**

Il-Hamis, 26 ta' Dicembru, 2013 @ 14.20

Ghaziza mahbuba binti, hija x-Xewqa Tieghi li nfarrag lilkom ilkoll f'dan iz-zmien. Il-Pjanijiet Tieghi biex insalva lid-dinja kollha jinsabu lesti u ma Jiena ser nerhi lill-ebda ruh daqshekk malajr. Kull iben jew bint t'Alla ghandu l-kapacita' li jhobb – sahansitra dawk li huma mifrudin minn Alla. Kull ruh twieldet bir-Rigal ta' l-Imhabba – ir-Rigal t'Alla, li jghix go fihom, anke jekk ma jgharfuHx.

**L-imhabba hija karatteristika li Satana jobghod, ghax l-Imhabba hija Alla.** Kull min ihobb persuna ohra jhoss il-ferh f'qalbu. **L-Imhabba hija l-aktar sentiment naturali u hija dak li jzomm id-Dawl t'Alla jixghel f'dinja ta' dlam. Satana jattakka l-imhabba ma' kull cans li jsib.** Huwa jahtafha min ghand dawk li jista' u jbiddel l-imhabba ma' hafna sostituti hziena. Meta huwa jattakka s-Sagrament taz-Zwieg, huwa jtaffi l-imhabba f'dik il-ghaqda sakemm jibqa' biss il-mibeghda. Huwa jfarrak il-hbiberiji. Huwa jgib id-divizjoni, nuqqas ta' fidi f'xulxin u mibeghda, kull meta u kull fejn ikun jista'. Huwa l-kawza tal-qtil, atti ta' vjolenza bejn il-bnedmin, atti t'oppressjoni, tortura u gwerra. Meta Satana jattakka il-ligi naturali ta' l-imhabba, mahluqa minn Missieri, huwa jgib il-bnedmin f'inkwiet kbir. Huma ma jhossux il-paci meta l-imhabba tkun nieqsa f'hajjithom. Huma ma jafdawx lill-ohrajn fejn ma jkunx hemm imhabba u meta hemm il-mibeghda f'ruh il-persuna, hu jew hi, tittratta lill-ohrajn b'kattiverja kbira.

Il-mibeghda qatt ma tista' tigi minn Alla. **Il-mibeghda gejja mix-xitan**. Min jibghod, jikkopja l-karatteristici ta' Satana. Minhabba li jimita' lil Satana, il-bniedem spiss jahbi l-mibeghda wara bixra helwa u makakka. Spiss, min jobghod lil haddiehor jghid li qed jaghmel dan ghall-imhabba, meta huwa jgib il-hsara lill-ohrajn, biex ihawwadhom. **Il-bniedem li jobghod, bhal ma jaghmel Satana, ikun kawt biex ma jikxifx il-mibeghda tieghu.** Hafna jghidu li qed jagixxu ghal fini tajba ghax tkun mehtiega l-onesta'. Izda, kull att ta' mibeghda qatt ma jista' jaghti frott tajjeb, ghax bhal laham li qed imur, dan jitmermer u wara jgib il-mewt tar-ruh.

L-imhabba hija kulma nara f'Ghajnejja. Ibqghu zguri, li dawk kollha li huma mimlijin bl-imhabba – jew ghal ghajrhom jew ghal Alla – li huma ga jinsabu ffavoriti Minni. Dawk li huma ffavoriti minn Alla, ser jigu murija Hniena Kbira, Minni. Dawk li ghandhom il-mibeghda f'ruhhom, mhux ser jintwerew Hniena, sakemm ma jifdux lilhom infushom f'Ghajnejja qabel kollox. Intom ghandkom tiftakru illi l-mibeghda f'kull ghamla taghha, u b'mod specjali meta issir fl-Isem Qaddis Tieghi, iggib biss dezolazzjoni tar-ruh.

**Imhabbti hija akbar minn dik li jista' jhoss kull bniedem. Intom ma tistghux tifhmuHa. Ghax l-Imhabba Tieghi ghalikom hija tant wiesgha u fonda, Jiena ser nimla lil kull wiehed minnkom bl-Ispirtu Qaddis Tieghi.** L-Imhabba Tieghi ser theggeg dik l-imhabba li hemm fi qlubkom, ma jimpurtax, tkun kemm tkun ckejkna f'kull ruh. **Ghalhekk nitlobkom biex ma titilfux it-tama li Jiena ser ingib is-**

**salvazzjoni lid-dinja kollha, ghax il-Pacenzja Tieghi hija bla tarf u l-Imhabba Tieghi hija eterna.**

Gesu' Taghkom.

## L-ulied kollha t'Alla huma parti mill-familja straordinarja Tieghu.

Is-Sibt, 28 ta' Dicembru, 2013 @ 23.36

**Ghaziza mahbuba binti, hafna li jemmnu f'Alla, ghandhom idea xejn cara dwar min Hu u ghaliex holoq id-dinja.**

**Missieri Huwa mhabba. Dawk kollha li jinsabu madwaru jhobbuH,** bhal ma timmaginaw l-imhabba ghal xi missier tant ghaziz. Li tkun Mieghu, hija l-izjed emozzjoni naturali u fis-Sema kulhadd jinsab f'ghaqda wahda Mieghu. Huma jhossu li Huwa jghozzhom, ihobbhom hafna u dan kollu jaghtihom sens shih li huma Tieghu. **Meta dawk kollha li huma favoriti fis-Saltna ta' Missieri, jinghaqdu Mieghu, huma jghaddu minn estasi li ma tafu xejn bhalha fuq l-Art.** Meta dawk minnkom li jimxu warajja, Gesu' Kristu, u jinghaqdu haga wahda Mieghi, jsiru jafu lil Missieri, huma ukoll jghaddu minn dan is-sens li huma Tieghu.

L-ulied kollha t'Alla huma parti mill-familja straordinarja Tieghu u kull wiehed minnkom huwa mahbub Minnu b'passjoni dejjiema. Ghal dawk li huma mberkin bil-Grazzji mis-Sema, u li jhossuhom qrib ta' Missieri, intom suppost li tafu li intom thossu sens ta' staghgib u biza' meta intom titkellmu Mieghu f'qalbkom – min-naha. Izda min-naha l-ohra, intom thossukom mahbubin, u b'istint, li intom ma tifhmuhx, intom tkunu tafu li intom l-ulied Tieghu. Dan jghodd ghall-ulied kollha t'Alla, ghandhom kemm ghandhom eta'. Ghax fis-Saltna t'Alla, l-eta' ma tezistix. L-erwieh kollha huma mghollija skond l-istat taghhom u skond il-mod kif wettqu r-Rieda ta' Missieri.

O, kif gie minsi Missieri, u kemm jifhmuH hazin. Huwa mhux tal-biza'. Izda l-Gustizzja Tieghu ghandha tmiem. Huwa jhobb u huwa gust u ser jaghmel kull ma jista' biex igedded lid-dinja, halli tkun imhejjija kif jixraq biex tilqa' Lili, Ibnu l-mahbub.

**Qatt m'ghandkom thossukom li ma tistghux issejhu lil Missieri, ghax Huwa Missierkom, il-Wiehed li Jista' Kollox. Hu li ta l-Ordni ghall-hajja biex tibda u li jaghti l-Ordni biex il-hajja tittiehed.** Imxu fuq il-Kmandamenti ta' Missieri. Accettaw bil-gratitudni r-Rigal tat-Twelid Tieghi, l-mewt u l-qawmien, u l-Hajja Eterna tkun taghkom.

Gesu' Taghkom.

**Omm tas-Salvazzjoni: Ibni nfurmani biex ingib dan il-Messagg importanti lid-dinja.**

Is-Sibt, 28 ta' Dicembru, 2013 @ 23.50

Binti, **Ibni nfurmani biex ingib dan il-Messagg importanti lid-dinja**. **Huwa jixtieq li kull min ghandu familja u hbieb, li jirrifjutaw lil Alla u jichdu lill-mahbub Ibni, Gesu' Kristu, ghandhom ikunu jafu illi Huwa ser iroxx fuqhom hafna Grazzji meta intom tghidu din il-Krucjata ta' Talb ghalihom. Meta tghidu din it-Talba, Huwa ser juri Kompassjoni kbira maghhom u Huwa ser jifdihom u jigbidhom lura mix-xifer tad-dezolazzjoni.**

**Talba tal-Krucjata (131) It-Talba tal-Hniena.**

*O ghaziza Omm tas-Salvazzjoni, nitolbok biex titlob lill-Iben tieghek, Gesu' Kristu, biex juri Hniena ma' ( semmihom kollha hawn.....) matul it-Twissija u ghal darb'ohra fil-Jum ta' l-ahhar, qabel ma jigu quddiem Ibnek.*

*Nitolbok biex titlob, li kull wiehed minnhom jigi salvat u jgawdi l-frott tal-Hajja Eterna.*

*Ipprotegihom kuljum, u hudhom ghand Ibnek, halli l-Prezenza Tieghu tkun murija lilhom u huma jinghataw l-paci fl-ispirtu u jircievu Grazzji kbar. Ammen.*

Ibni, minhabba din il-Missjoni, ser iroxx Grazzji mhux tas-soltu fuq l-erwieh li ghandhom bzonn il-Hniena Tieghu. Huwa ser ikun generuz meta l-erwieh jghixu skond il-Kelma Qaddisa Tieghu u jilqghuH f'qalbhom.

Morru u ifirhu, ghax dan huwa wiehed mill-izjed Rigali mhux tas-soltu, li Huwa ta lil dawk kollha li jwiegbu ghas-Sejha Tieghu mis-Sema.

Ommkom il-mahbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

[Intom ilkoll gejtu moghtija l-Verita', imma hafna minnkom insejtuha. Hija ddejjaqkom. Fiha wisq inkwiet]().

Il-Hadd, 29 ta' Dicembru, 2013 @ 19.48

Ghaziza mahbuba binti, **meta Jiena kxift is-sigrieti tal-Ktieb tal-Verita', mill-bidu, Jiena kont ghidtlek illi l-Ktieb kien gie mhabbar lill-profeti – b'kollox tlieta –li jirrapprezentaw it-Trinita' l-Izjed Qaddisa.** Jiena mhux qed nghidlek dawn il-hwejjeg biex inbezzak. Qed nghidlek dawn il-fatti, halli inti tafda Lili ghal kollox.

**Binti, l-Pjan ta' Missieri biex jifrex il-konverzjoni beda mal-mument li bdiet din il-Missjoni.** Din il-konverzjoni, fi zmien t' apostasija kbira, apatija u ndifferenza tal-misthija lejn il-Kelma t'Alla, hija mehtiega hafna. Ulied Alla kienu gew moghtija l-Verita' fil-Ktieb l-Izjed Qaddis, izda hafna minn dak li fih, ftit ghandu mpatt fuq in-nies tad-dinja tal-lum. Kif jista'? Hafna huma mitlufin fid-divertiment, malajr jingibdu u jahtfu kulma jaghti gost. Sahansitra l-verita' tal-holqien tal-bniedem giet michud. Minflok, huma bidlu l-Verita' ma' twemmin redikolu f'allat foloz li ghamlu huma stess. Il-prattici taghhom tal-magija u t-tbaghbis ma' l-occult gibdu l-attenzjoni ta' hafna u xeghlu l-immaginazzjoni ta' dawk li kienu qed ifittxu s-sensazzjonalizmu f'hajjithom.

Imbaghad hemm dawk li jabbuzaw mill-gharfien taghhom tad-dinja spiritwali u li geghlu hafna erwieh jitbeghdu Minni. Biex jitqawwew b'rigali spiritwali, dawn l-imsejkna erwieh, minflok, jistiednu l-ispirtu tal-hazen, meta huma jsejhu lill-ispirti ta' dawk li dahlu fl-Infern. Dawn l-ispirti kulma jaghmlu huwa li jigbduhom ghal go ghanqbuta li minnha qatt ma jinhallu. Dawk li jbaghbsu mal-prattici tan-'new age', seher, kartomanzia u kjaroveggenti, jkunu l-kawza ta' hafna deni fuq l-ohrajn, ghalkemm f'hafna mill-kazi, huma ma jkunux jafu bid-deni li jaghmlu. Dawn in-nies, li jpoggu allat foloz qabel Alla l-Wiehed Veru, huma hatja ta' paganizmu – delitt ikrah – ghax huma kienu jafu l-Verita' qabel ma tawha daharhom.

Imbaghad hemm dawk li jaghmlu maghmul fuq l-ohrajn meta huma jbaghbsu mas-Satanizmu. Tant huma hziena, illi huma l-hin kollu jisfidawni u jaghmlu dawn ghax huma ga ghamlu patt max-xitan. Naghmel x'naghmel Jiena, xejn m'hu ser jibdilhom. O, kemm nibki Dmugh ta' mrar ghal dawn l-imsejkna erwieh li tilfu t-triq.

Imbaghad hemm dawk li jafu Lili, imma li ftit iqattghu hin fil-Kumpanija Tieghi. Huma jaghmluli dwejjaq kbar, ghax huma jiehdu r-ruh taghhom 'for granted'. Huma jemmnu li ghandhom dritt naturali ghall-Hajja Eterna, imma jemmnu li m'ghandhomx ghalfejn jahdmu ghaliHa. Hafna minnhom tant huma bierda, illi huma lanqas jaghtu kas is-Sagramenti u rari jaghtu kas tal-Ghaxar Kmandamenti, ghax huma ma jemmnux li dawn ghadhom jghoddu ghalihom illum. Hafna ma jemmnux fl-Infern u l-Purgatorju. Huma jimxu fi triq perikoluza. **Huma dalwaqt ser jigu mqarrqin izjed, meta huma ser jigu mitmughin duttrina mnaqqsa mill-qawwa taghha, li ser tiddahhal mill-ghedewwa Tieghi.** Huma bhalissa ghandhom bzonn hafna talb.

Fl-ahhar hemm dawk li huma l-eqreb Tieghi u li huma mghallmin fi hwejjeg Sagri. Dawn huma l-erwieh li jfarrgu Lili hafna u li fuqhom Jiena nserrah. Izda, hemm

dawk fosthom li ma jghixux il-Verita'. Huma jippriedkaw il-Verita', izda ma jipprattikawx il-bazi tat-Taghlim Tieghi. Huma ma jhobbux lill-ohrajn kif inhu xieraq. Huma jaraw lill-ohrajn inqas minnhom ghax huma jarawhom mhux infurmati daqshom dwar hwejjeg Sagri. Xi whud iqisu lilhom infushom 'l fuq mill-ohrajn u izjed iffavoriti minn Alla. Dawn l-ipokriti jirrabjawni l-izjed, ghax huma ma jarawx kemm qed jidinbu f'Ghajnejja.

Ghalhekk qed taraw, li l-Verita' qatt ma trid tehodha 'for granted'. Intom kollha gejtu moghtija l-Verita', izda hafna minnkom insewha. Din iddejjaqkom. Hija wisq tal-inkwiet – tiehu wisq hin – ghax hafna minnkom jaraw il-Verita' bhala xi haga li m'ghadhiex relevanti fil-hajja mghaggla taghkom tal-lum. Hafna minnkom ser jichdu Lili u mbaghad fl-ahhar jirrifjutawni ghal kollox, meta huma jintemghu l-gideb minn dawk li jridu jmexxukom 'l boghod Minni. Ghalhekk ghandkom bzonn titghallmu l-Verita' kollha mill-gdid.

**Jista' jkun hemm biss Verita' wahda, u dik hija l-Verita' li ta Missieri mill-bidu.**

Gesu' Taghkom.

## **Meta intom tippruvaw tiktbu mill-gdid il-Kelma t'Alla, intom tkunu hatja tad-dagha.**

It-Tnejn, 30 ta' Dicembru, 2013 @ 20.06

Ghaziza mahbuba binti, meta intom tiddubitaw mill-Awtorita' Tieghi, intom tichdu l-Verita'. Meta l-Kelma Tieghi li hija mnaqqxa fil-blat, tigi sfidata minnkom, intom ma tkunux qed taccettaw il-Verita'. Meta intom tippruvaw tiktbu mill-gdid il-Kelma t'Alla, intom tkunu hatja tad-dagha. **Id-dinja kienet giet imwissija li hadd – l-ebda qaddej qaddis, l-ebda ruh maghzula, l-ebda profeta – ma seta' qatt izid jew inaqqas mill-Kelma li ta Missieri fil-Ktieb Tieghu. Izda dak hu ezatt li ser jigri meta dawk li jghidu li huma mexxejja maghzulin fil-Knisja Tieghi fuq l-Art, ser ibaghbsu mal-Verita'. Dak il-jum huwa fil-qrib hafna. Dak huwa l-jum, li intom gejtu mwissija dwaru.** Ghax kull min jabbuza jbaghbas mal-Kelma, jkun qed jghid li huwa 'l fuq minn Alla. Kull min jghid li hu fuq Alla, b'mossi jew atti, qatt ma jista' jirrapprezenta Lili.

Minhabba li l-fidi tal-bniedem hija tant dghajfa u minhabba li ftit huwa l-gharfien li jezisti dwar it-Testment il-Gdid, hafna ser jigu mqarrqa u jaccettaw l-erezija bhala Verita'. Din ser tkun il-waqgha taghhom.

**L-Intervent Tieghi ser ikun permezz ta' l-inzul ta' l-Ispirtu s-Santu, biex idawwal lil dawk li jibqghu fidili Lejja.** Issa dik il-prova ser tkun hekk. Jekk intom veru temmnu fl-Ezistenza Tieghi, fil-Missjoni Tieghi, t-Tislib, il-Qawmien Tieghi mill-mewt u l-Weghda tas-Salvazzjoni, allura intom qatt ma tisfidaw il-Kelma Tieghi, li giet moghtija lilkom fil-Bibbja Qaddisa. Jekk intom ghal mument wiehed tahsbu li Jiena ser inbierek xi nterpretazzjoni gdida tal-Evangelji Tieghi, l-Kmandamenti t'Alla u dak kollu li intom gejtu mghallma Minni, biex jaqblu ghal socjeta' moderna, allura intom tkunu zbaljati bi kbir.

**Il-jum li fih il-mexxej li jghid li jmexxi l-Knisja Tieghi fuq l-Art, jghidilkom illi certi dnubiet m'ghadhomx jimpurtaw, ikun il-jum tal-bidu tat-tmiem.** Ghax dan huwa l-jum li intom ghandkom tkunu ghassa ghalih. **Dak huwa l-jum meta l-Knisja Tieghi tidhol fl-era tad-dlam.** F'dak il-jum, intom qatt m'ghandkom tittantaw illi tichdu Lili – li tichdu l-Verita'. Il-gideb qatt ma jistghu jiehdu post il-Verita'.

Gesu' Taghkom.

## [Omm tas-Salvazzjoni: Il-Verita' ser tigi mghawga u l-Kelma t'Alla tigi pprezentata ta' wara quddiem.]

L-Erbgha, 1 ta' Jannar 2014 @ 13.44

Binti, nitolbok theggeg lill-ulied kollha t'Alla biex jipperseveraw waqt il-provi li gejjin. Il-Kristjani kollha ser ihabbtu wicchom ma hafna sfidi, meta ser ikollhom jixhdu l-apostasija l-kbira li ser titpogga quddiemhom minn dawk stess li huma jfittxu biex imexxuhom, halli jghixu hajja Kristjana shiha.

**Dawk li dalwaqt ser jigu maghzula, ghal l-oghla postijiet fil-Knisja t'Ibni fuq l-Art, mhux ser ikunu minn t'Alla. Huma mhux ser jaqdu lil Ibni u ser jibdlu hafna duttrini u ligijiet fil-Knisja. Tant ser igibu dawn il-bidliet malajr, b'hafna kotba godda, messalini u ittri li jigu ntrodotti, illi intom ser tindunaw li dawn ix-xogholijiet hadu snin biex jithejjew.** Mhux possibbli li ddahhal bidliet tant radikali f'tant forom, kieku dan ma kienx il-kas. Dan ser ikun wiehed mill-ewwel sinjali li bih intom tistghu tkunu zguri li din id-duttrina mghawga li daqt tiddahhal, kienet mahluqa b'reqqa kbira.

Hafna nies mhux ser jgharfu dawn il-bidliet fil-Knisja u dawk li jirnexxielhom, ser ifahhruhom, ghax bihom jghattu l-htija li jhossu huma, minhabba dnubiethom. Fl-ahhar huma ser jistriehu ghax issa jkun ifisser li jistghu ixandru bil-miftuh il-hwejjeg kollha li joffendu lil Alla. Ghax, ladarba l-Knisja tiddikjara li d-dnub huwa haga naturali u huwa parti min-natura tal-bniedem, imbaghad dan zgur li jkun ifisser li d-dnub m'ghadux importanti. Imbaghad, meta jiddikjaraw l-importanza li tiehu hsieb il-foqra u lil dawk bil-guh fid-dinja, huma jgibu lilhom infushom jidhru qaddisin f'Ghajnejn Alla.

**Meta Ibni jigi michud fil-pubbliku u Kelmtu mghawga, hemm ser tidher reqqa kbira f'atti pubblici taghhom ta' karita'. Din biex tbieghed l-attenzjoni mir-realta'.** Din ser tohloq divizzjoni u fl-ahhar il-Vera Kelma t'Alla ma tigix diskussa izjed. Meta r-religjonijiet kollha jigu taht saqaf wiehed u l-fehemiet ta' dawk li ma jemmnux jigu meqjusa b'rispett, hemm in-nies ser jibzghu iqumu u jiddikjaraw il-Verita'. Jekk u meta jaslu biex jaghmlu dan, huma jigu akkuzati li qed jidghu.

Il-jum qed joqrob malajr, meta jekk inti tiddikjara li inti Kristjan veru u meta inti tfakkar lin-nies fil-Kelma t'Alla, hemm inti tigi akkuzat b'erezija. Il-Verita' ser tigi mghawga u l-Kelma t'Alla tigi pprezentata ta' wara quddiem. Xejn m'hu ser jibqa' bl-ordni. Xejn m'hu ser jaghmel sens fir-regoli l-godda li daqt jiddahhlu fil-Knisja t'Ibni. Huwa mportanti li ma taghtux kas kemm ma tibqghux popolari, imma intom ghandkom dejjem tibqghu fidili lejn il-Kelma t'Alla.

Ommkom il-mahbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

## Tlieta minn kull erbgha ser jichdu Lili

Il-Hamis, 2 ta' Jannar, 2014 @ 20.40

Binti, **z-zmien meta l-mod kif il-pubbliku jaghraf u jaccetta min Jien, meta dan ser isir biss xrara dawl fil-ftila ta' xemgha, li ga nharqet kollha sat-tarf, kwazi wasal fuqkom.**

Dawk li jghidu li huma Tieghi, ftit li xejn ser jitkellmu Dwari. Dawk fidili Lejja ser jinhasdu meta jaraw tant li ser jichdu Lili. Iz-zmien meta l-fidili ser jinfirdu minn dawk li gew immexxija lejn l-izball, huwa kwazi fuqkom. F'dawk il-jiem li gejjin, l-ghomja, t-torox u dawk li naqsu milli joqghodu ghassa ghall-Vera Kelma t'Alla, ser jingabru bil-biljuni u jaccettaw duttrina falza – li mhix Tieghi.

**Meta tisimghu jitekellmu dwar il-weghda l-gdida tal-fidi, li ser tkun f'ghamla tas-Sagrament tal-Grizma, kunu ghafu li dik hija maghmula mill-bniedem. M'hu ser ikollha l-ebda tifsira f'Ghajnejja. Din ser tigi pprezentata mill-profeta l-falz bhala parti mill-pjan globali biex jghaqqad ir-religjonijiet kollha tad-dinja**. Id-Divinita' Tieghi tigi miknusa fil-genb. Kelmti minsija u midfuna, filwaqt li t-Taghlim Tieghi jigi mghawweg, biex ihajjar lill-fidili li jaccettaw forma gdida ta' l-hekk imsejha evangelizazzjoni.

Izda Kelmti xorta wahda tibqa' hajja, ghax dawk li ser jibqghu fil-Knisja Tieghi, dik li kienet twaqqfet mill-bidu, mhux ser jichdu Lili. Tlieta minn kull erbgha ser jichdu Lili. Ser ikunu biss il-Fdal Tieghi li ser jiddendlu Mieghi u jzommu Kelmti u hafna minnhom ser jithawdu. Dawk l-imsejkna erwieh, li ser jibqghu fil-Knisja Tieghi meta din tigi mahtufa mid-duttrina l-gdida, mhux ser ikunu jafu fejn ser jaghtu rashom. Jien lilhom nghidilhom dan. Kunu b'sahhitkom. Kunu sodi. Tichdunix. Itolbuni biex immexxikom u ibqghu aqdu Lili, kif dejjem ghamiltu. Meta tigu mitluba biex tichduni, minn dawk li jghidu li qed jaghmlu dan ghall-gid ta' kulhadd- ir-religjonijiet kollha – ghatuhom daharkom, ghax intom ser tigu mitluba biex thaddnu l-paganizmu, li ser ikun imlibbes biex jaghmilha ta' Kristjanezmu.

Filwaqt li dawn l-imposturi, ghedewwa t'Alla, jiehdu lill-Knisja Tieghi minn gewwa l-gerarkija taghha, Missieri ser jibghat kastig kbir. Huwa sejjer ixengel lid-dinja fuq naha u l-ebda ragel, mara jew tarbija m'huma ser jinjoraw dan it-taqlib. **Meta l-ghedewwa Tieghi jattakkaw il-Gisem Mistiku Tieghi, huma ser igibu hafna hsara, hafna konfuzjoni u jmexxu lil hafna 'l boghod mill-Verita'. Izda huma qatt m'hu ser jeqirdu l-Knisja Tieghi, ghax l-Armata Tieghi tal-Fdal qatt m'hi ser thalli 'l Verita' jew thalli lilha nfisha tigi sfurzata li twieghed ir-rabta taghha ma' Satana jew l-agenti tieghu.**

**Issa hafna gwerrer sejrin jikbru u l-maltempati u t-terremonti jizdiedu, sakemm l-Ghajta ta' rabja ta' Missieri tinhass kullimkien.**

Lil dawk l-ghedewwa Tieghi li jimxu fostkom u jmexxu hazing lill-Knisja Tieghi, nghidilhom dan. Jiena qatt mhu ser inhallikom tirbhu lil dawk l-erwieh li Jiena tajt Hajti ghalihom. L-arroganza taghkom ghandha hajja qasira, l-atti taghkom jigu

mwaqqfa u l-attentati taghkom biex twegghu lil dawk li intom ga mmarkajtu, dan kollu ser jintemm hesrem. Intom qatt ma tistghu tqumu kontra l-Kelma t'Alla, minghajr ma iggibu fuqkom Intervent Divin. Ir-rabta taghkom mal wiehed tal-hazen ser tispicca f'dizastru ghalikom u ghal kull min jirnexxilkom tqarrqu. Meta intom tippruvaw tersqu lejn Bibien is-Sema biex tiftahru bir-rabta taghkom ma' Satana, intom titwaqqghu, tigu marbuta bil-ktajjen u mitfugha fl-abbiss, bla ma tigi murija l-ebda Hniena maghkom

Issa morru, intom kollha li qed tixhdu dawn il-hwejjeg kollha li ser isehhu, u ibqghu ghassa l-hin kollu. Intom ghandkom tibqghu taqduni ghax Imghallem wiehed biss jista' jkun hemm.

Gesu' Taghkom.

**Ser jintwera hafna lil ulied Alla, qabel il-Jum il-Kbir tal-Mulej**.

Il-Gimgha, 3 ta' Jannar, 2014 @ 21.45

Ghaziza mahbuba binti, meta l-profeti ta' l-antik kienu jigu msejha minn Alla biex ixandru l-Verita', huma ma kinux – hadd minnhom – herqana izjed milli ghandu jkun bil-Kalci tal-Kelma Vera t'Alla moghtija lilhom. Din kienet tant tghaggibhom lil kull wiehed minnhom – il-parti l-kbira minnhom ma kinux mghallmin fil-Kliem ta' l-Iskrittura – hafna minn dak li kienu jigu moghtija lanqas kien jaghmel sens ghalihom. Izda l-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu gibdithom u din taghthom il-mezz li bih jitkellmu l-Kelma t'Alla, ezatt kif kienet giet moghtija lilhom. Hafna inhbew bil-biza'. Hafna telqu 'l hemm. Dawk li telqu regghu gew lura. Meta Alla jibghat profeta, jkun ifisser li Huwa ghandu xi haga kbira ppjanata Minnu stess. Il-profeti, messaggiera minn Alla, jikxfu lid-dinja dak biss li huwa mehtieg ghas-salvazzjoni ta' l-erwieh.

Binti, **halli jkunu jafu illi din ser tkun il-Missjoni meta ser jinhass Lehen Alla, daqs li kieku kien raghada, li ser tinhass f'kull parti fuq l-Art**. Ser jintwera hafna lil ulied Alla, qabel ma jisbah il-Jum il-Kbir tal-Mulej. **Dan kollu huwa mehtieg li jsehh, ghax li kieku Huwa ma jwissix lill-umanita', allura Huwa ma jkunx zamm il-Weghda Tieghu lill-profeti – Mose', Danjel u Gwanni.** Meta Alla jaghmel weghda, din dejjem tinzamm.

Qatt tibzghu minn profeta veru, ghax huma jitkellmu l-Kliem li jkunu tpoggew fuq fommhom minn Alla, ghall-gid taghkom.

Li tisma' l-Kelma t'Alla moghtija llum, tista' ggib il-biza'. Tista' tkun qawwija wisq u ggib certu ammont t'ansjeta'. Izda jekk il-Kelma ma tergax titqajjem, tiehu n-nifs u tghix fostkom, intom issibu l-vojt – id-distanza bejnkom u bejn Alla – kbira wisq. Il-vojt jinghalaq issa, meta l-Kelma Tieghi, migjuba lilkom minn Missieri, ser iggibilkom il-farag – izjed ferh milli dieqa, izjed kuragg milli biza' u izjed konsolazzjoni milli lfieq.

Binti isma' dan bir-reqqa. Intom qatt m'ghandkom timbuttawni 'l hemm, meta Jiena kulma rrid naghmel huwa li ngezwer lilkom ilkoll fid-Dirghajn Qaddisa Tieghi u ndahhalkom f'Qalbi. Kelmti tista' tkun gravi, l-profeziji difficli biex tismaghhom u l-atti hziena tal-bniedem ihawduk biex tkun xhud taghhom, izda qatt tinsew illi dawn il-hwejjeg jghaddu. Jintesew. Ser ikunu ta' ftit importanza. Ghax id-dinja, l-hajja li hemm quddiemkom, ser iggib maghha ferh kbir u tbissim, hekk kif l-Imhabba t'Alla ser tinhass kullimkien, f'kull dar, kull ruh u kull qalb.

**Din hija l-ahhar parti tal-Pjan Tieghi biex insalva l-Art u lil kull holqien li jghix**. Ser iggib hafna diffikultajiet u provi. Il-kattivita' tal-bniedem ser tkun l-izjed kerha biex tkun tiflah ghaliha u r-rifjut Tieghi, Gesu' Kristu, l-ahhar tibna f'Ghajnejn Missieri. Izda dan l-ahhar konfront mhux ser jiehu hafna zmien, qabel ma l-bniedem jigi mehlus mill-mibeghda kbira, li tezisti fid-dinja.

**Il-Qawwa tas-Sema mhix ta' min jahseb li jista' jnaqqas minnHa, ghax l-Intervent ta' Missieri ser ikun qawwi wisq ghall-ghedewwa Tieghu biex ikunu jifilhu ghalih.** Ghalhekk kunu fil-paci. Accettaw l-Intervent t'Alla – l-Att Kbir

Tieghu ta' Mhabba, moghti lilkom bil-Kelma, li gejja minn fomm il-profeti Tieghu. Dawn il-hwejjeg kollha qeghdin biex jipprotegu lilkom, iqarrbukom Lejja u joholqu Bidu Gdid li ma fihx tmiem.

Gesu' Taghkom.

**Jiena dejjem ser inwiegeb lil dawk li jittalbu ghall-Hniena ghal erwieh ohra.**

Is-Sibt, 4 ta' Jannar, 2014 @13.40

Ghaziza mahbuba binti, ghalkemm il-Gustizzja Tieghi hija ta' min jibza' minnHa, Jiena dejjem ser inwiegeb lil dawk li jittalbu ghall-Hniena ghal erwieh ohra. **Jiena nweghdkom illi permezz tat-Talb Tieghi tal-Krucjata u talb iehor, li fih intom titolbuni biex nuri Moghdrija, Jiena ser nismaghkom u naghmel dak li jkun mehtieg.**

Il-Hniena Tieghi hija bla tarf u tghatti lill-midinbin kollha meta huma u ohrajn ifittxu l-fidwa. Imhabbti hija bla tmiem, il-Kompassjoni Tieghi bla waqfien. **Halli l-ebda bniedem ma jiddubita l-Weghda Tieghi u x-Xewqa Tieghi li nsalva lil kulhadd, inkluzi l-ghedewwa Tieghi.** Jiena nheggigkom, mahbubin segwaci Tieghi, madwar id-dinja kollha – inkluzi dawk li m'humiex familjari ma' dawn il-Messaggi – biex titolbu, titolbu, titolbu ghal l-erwieh taghkom u dawk ta' l-ohrajn. Din tinkludi lil dawk li jemmnu, dawk li ma jemmnux u lil dawk li ma jafux il-Verita'.

L-Imhabba Tieghi ghalikom qeghda hemm biex tarawha, thossuha u tghixuha. Kulma tridu taghmlu huwa li twiegbu kif ghallimtkom Jien. Hobbu wiehed lill-iehor kif naghmel Jiena. Kunu hanina meta jsawtukom, billi titolbu ghalihom. Kunu generuzi bil-hin taghkom billi tahdmu iebes u titolbu biex issalvaw l-erwieh ta' dawk li huma mwarrbin 'l boghod Minni.

Din hija l-akbar Xewqa Tieghi. Morru fil-paci.

Gesu' Taghkom.

**Omm tas-Salvazzjoni: Ahna l-ewwel morna l-Gudea u mbaghad Ibni gie mehud l-Indja, l-Persja, l-Egittu, l-Grecja u l-Ingilterra**.

Is-Sibt, 4 ta' Jannar, 2014 @ 13.50

Binti, meta kien riesaq it-twelid t-Ibni, l-wegghat kienu cari f'dak kollu li beda jigrilna. Jiena hrabt ghal ghand Elizabetta ghall-farag, ghax kont naf li hija kienet imbierka bid-don li kienet taf x'kellha taghmel, li kien gie moghti lilha mill-Ispirtu s-Santu. Jiena u l-mahbub gharus tieghi, fittixna dan il-kenn ghall-paci, fi zmien meta tant konna mistghagba bl-gharfien ta' dak kollu li kellu jigri.

**Meta qorob iz-zmien tieghi, sibna quddiemna minn kull tfixkil, li kien gie mpoggi mill-ispirtu tal-hazen, ma kull pass li konna naghmlu. Bibien kienu jigu msabbta f'wiccna; nies li konna nafu skartawna u gejna mitfughin fid-dezert.** U ghalhekk spiccajna minghajr saqaf fuq rasna u f'kenn li kien tajjeb biss ghall-annimal, fl-istess hin li l-Messija Qaddis gie fid-dinja bhala tallab. Ma kienx hemm ceremonji, l-ebda nkurunazzjoni, l-ebda gharfien. Kien baqa' biss ftit nies biex ifarrguni fis-solitudni tieghi. Izda mbaghad, meta Ibni twieled, kull ansjeta' hallietni. Kulma hassejt kienet imhabba ghall-Prezenza l-Izjed Divina. Fl-ahhar f'qalbi saltnet il-paci.

Bis-sahha ta' l-Ispirtu s-Santu, giet mibghuta lilna l-ghajnuna u l-farag, ghalkemm kienu ftit fil-ghadd. Ghalkemm it-twelid t'Ibni kien grajja umli u baxxa, - gejn kienu ftit dawk involuti – l-kelma kienet xterdet. Dan huwa kif jahdem l-Ispirtu s-Santu. Hafna kienu qed jistennewh it-twelid. Hafna kienu semghu bil-grajja u hafna kienu jitkellmu fuqha. **Meta kien maghruf li Gesu' Kristu, l-Messija mwieghed lill-umanita', kien twieled, l-oppozizzjoni bdiet tizdied.** L-attakk kattiv t' Erodi u l-qaddejja kollha tieghu, wera kemm il-Prezenza t'Alla ggib biza' fil-qlub ta' nies hziena.

**Minn dak in-nhar 'l quddiem, Jiena sirt il-protettrici t'Ibni u l-mahbub gharus tieghi Guzeppi, kien jorganizza s-sigurta' taghna f'hafna okkazzjonijiet wara dik. Ghaddejna hafna snin naharbu minn post ghall-iehor.** Habbatna wicckna ma' tant oppozizzjoni – tant biza', tant mibeghda. Din kienet xortina. **Il-mument li Ibni nstab, fl-eta' ta' tnax-il sena, jippriedka fit-tempju, ahna hadniH jistahba.**

**Il-familja ta' Guzeppi kienu mdahhlin biex harrbuna bil-mohbi u ghal hafna snin ivvjaggajna.** L-ewwel morna l-Gudea u mbaghad Ibni gie mehud l-Indja, l-Persja, l-Egittu, l-Grecja u l-Ingilterra. Kull fejn konna mmorru, l-Prezenza t'Ibni kienet tohloq hafna mirakli, ghalkemm Huwa qatt ma pprezenta Lilu nnifsu bhala l-Messija. Huma kienu jiehdu hsiebu sew u ahna konna narawH hafna. Konna nghixu fil-paci, l-imhabba u l-armonija u li kieku ma kienx ghall-gharus tieghi, Guzeppi, ma kien ikollna mkien fejn immorru biex nipprotegu lil Ibni sakemm bdiet il-Missjoni pubblika Tieghu.

**U issa li t-Tieni Migja Tieghu hija tant fil-qrib, kull tfixkil ser isehh qabel il-Wasla Tieghu.** Kull Kelma minn fomm il-profeta Tieghu, ser tigi mehuda bicciet u mghoddija biz-zufjett. Ponn nies biss ser ikunu midhla tal-Verita' mdawrin ma' din il-Missjoni u hafna bibien ser jinstabtu f'wicc dawk li ser jimxu fuq l-istruzzjonijiet

Tieghu. Din il-Missjoni hija wahda ta' solitudni ghalik binti, u inti ghandek tibqa' tobdi f'dawk il-hwejjeg kollha li qed jgharrfek Alla.

Huwa ser jibghat l-ghajnuna. L-ghajnuna ser tieqaf ukoll meta tkun ix-Xewqa t-Ibni. Filwaqt li jidher li ftit qed isegwu din il-Missjoni, miljuni ohrajn jemmnu fiha ghal kollox. Ghax il-Kelma t'Alla dejjem tigbed lil dawk li huma Tieghu, bil-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu.

L-ugigh tat-twelid ga beda u l-hlas mhux ser jiehu fit-tul. Dalwaqt jisbah it-twelid ta' bidu gdid u mbaghad fl-ahhar jasal il-Jum tal-Mulej. Uliedi kunu fil-paci, ghax dawn il-hwejjeg kollha jridu jsehhu qabel ma l-art tinheles mid-dnub.

L-Omm mahbuba taghkom

Omm tas-Salvazzjoni.

**Jekk ikun hemm imqar farka kburija fir-ruh, l-Ispirtu s-Santu qatt m'hu ser jinzel fiha**.

Il-Hadd, 5 ta' Jannar, 2014 @ 19.34

Ghaziza mahbuba binti, **meta n-Nar ta' l-Ispirtu s-Santu jidhol go persuna, l-ewwel mod kif din tagixxi huwa li din tibki. It-tieni mod huwa li tithawwad. It-tielet mod ikun li tirrealizza li xi haga tal-ghageb – l-gharfien minn gewwa tal-Verita' t'Alla u dak kollu li Huwa jixtieq – ikun hakem lil dik ir-ruh partikolari.** F'daqqa wahda tinzel il-paci flimkien ma' gharfien tal-misteru ta' l-Ezistenza t'Alla – l-Imhabba t'Alla. Il-hwejjeg kollha li huma skond il-Kelma t'Alla, jsiru cari.

**Huma dawk biss li taw ir-rieda taghhom lil Alla u li nezghu kull kburija umana u intellett u li pprezentawhom Lilu, li ghandhom il-hila li jircievu d-Don ta' l-Ispirtu s-Santu.** Jekk ikun hemm imqar farka kburija fir-ruh, l-Ispirtu s-Santu qatt m'hu ser jinzel fiha.

**Dawk biss li jemmnu verament li Alla Jista' Kollox u li l-bniedem m'hu xejn u ma jisthoqqlux jieqaf Quddiemu, huma dawk li jistghu jcedu r-rieda taghhom.** Dawk biss li huma lesti li jaghmlu dak kollu li hu mistenni minnhom, li jaghmlu r-Rieda Qaddisa t'Alla, skond il-Kelma Tieghu, li jkunu jistghu jinghataw ir-Rigali biex ixandru l-Kelma, li jkollha impatt veru.

**Kull bniedem li jghid li qed ixandar il-Verita', u jghid li huwa mmexxi mill-Ispirtu s-Santu, qatt ma jiftahar bil-kobor tieghu. Huwa qatt ma jigbed attenzjoni lejn ir-rigali tieghu, t-talenti tieghu, l-gharfien tieghu, l-qdusija tieghu jew l-umilta' tieghu.** Ghax meta bniedem jaghmel dan, fl-Isem Qaddis t'Alla, huwa ma jkunx gie mbierek bl-Ispirtu tan-Nar – il-Fjamma li tqabbad il-qlub tal-bnedmin, halli huma jwiegbu, bl-imhabba, ghall-Kelma t'Alla.

Matul iz-zmien Tieghi fuq l-Art, Jiena ghamiltha cara lilkom ilkoll li min jgholli lilu nnifsu Quddiemi jigi mitfugh fid-dezert. Dak li jumilja lilu nnifsu Quddiemi, jigi mgholli.

Gesu' Taghkom.

## Intom dalwaqt ser tkunu xhieda ta' l-akbar qerq li qatt gab Satana fuq id-dinja.

It-Tlieta, 7 ta' Jannar, 2014 @ 12.15

Ghaziza mahbuba binti, l-Kelma Tieghi ser tibqa' bla mittiefsa, ghax il-mahbubin segwaci Tieghi madwar id-dinja kollha, li ser jiffurmaw il-Fdal tal-Knisja Tieghi, qatt m'huma ser jitbeghdu mill-Verita'.

**Hafna mis-segwaci Tieghi ser johorgu u jiffurmaw l-Armata tal-Fdal Tieghi f'kull nazzjon fid-dinja, inkluzi dawk fejn hemm regim kommunista. L-Ispirtu s-Santu qed jigi mibghut biex jghatti lil kull farka minn din l-Armata Tieghi ckejkna imma qawwija.** Dalwaqt, id-dixxipli kollha Tieghi ser iferrxu l-Kliem tal-profeziji, moghtija lid-dinja permezz ta' din il-Missjoni – ma' kullimkien. Huma issa ser johorgu u jxerrdu l-Evangelji, l-Kelma Tieghi u l-Weghdiet Tieghi, lil kulhadd. Jiena qatt m'hu ser inhalli l-fidi tas-segwaci Tieghi titbiel jew tiddghajjef. Ghalkemm, dawk l-erwieh li ser jibqghu fidili lejn il-Kelma, hekk kif kienet giet moghtija lill-umanita' fil-Bibbja, ser ikunu ftit.

**Id-Dawl Tieghi ser jiddi bhax-xemx fuq dawk il-postijiet kollha fejn il-mahbubin dixxipli Tieghi jwiegbu ghas-Sejha Tieghi f'dan iz-zmien. Din hija Sejha mis-Sema biex tistieden lilkom li taqbdu s-Salib Tieghi u timxu warajja, Gesu' taghkom, sa truf l-Art.** Jiena nixtieq li meta intom titferrxu u xxandru l-Verita' tat-Trinita' l-Izjed Qaddisa, illi intom tghinuni biex nigbor lill-mitlufin, lill-imhawdin, lil dawk li jduru fil-vojt u lil dawk li ma jafunix.

**Intom ghandkom tghajtu lir-religjonijiet kollha u taghtuhom il-Kelma Tieghi.** Permezz tat-Talb li Jiena naghtikom, huma jkunu mberkin. Ifirhu, dawk minnkom li tafu li huwa Jiena, Gesu' Kristu, li qed isejhilkom f'dan iz-zmien ta' bidla kbira. Intom veru mberkin. Kunu ghafu li Mhabbti ghalikom hija tant, illi Jiena ser immexxikom, insahhahkom u naghtikom kuragg ta' ljuni f'din il-missjoni. **Intom ser titkellmu b'imhabba, perswazjoni u qawwa u n-Nar ta' l-Ispirtu s-Santu ser jitferra' minn fommkom.** Dan ir-Rigal ser jigbed miljuni lura Lejja. Jiena qed inhejjikom issa, ghax intom dalwaqt ser tkunu xhieda ta' l-akbar qerq li qatt gab Satana fuq id-dinja.

Meta intom gejjin Minni, intom ikollkom il-hila li tiddefendu lid-dinja milli tinbela' mill-hazen tal-wiehed il-hazin, fl-ahhar jiem tieghu. Intom m'intomx ser tfallu. Intom ser tbatu. Intom ser thabbtu wicckom ma' dawk li ma japprovawx dak li qed taghmlu, ma' oppozizzjoni u akkuzi ta' erezija, ghalkemm intom tkunu qeghdin semplicement tfakkru lin-nies f'dak li jinsab fl-Evangelji Qaddisa.

Kunu fil-paci, ghax **ir-Rigali Tieghi ser iqawwukom matul il-battalja**. Intom issa lesti, ghax l-ghedewwa Tieghi, li kienu qed jistennew biex jiddikjaraw lilhom infushom fil-miftuh lid-dinja, ser tkunu tafuhom dalwaqt. Imbaghad, dak ikun iz-zmien ghall-Pjan ahhari Tieghi ghas-salvazzjoni ta' l-umanita' biex jigi fi tmiemu.

Jiena fikom, maghkom u Jiena dejjem nghix fil-qlub u l-erwieh taghkom.

Gesu' taghkom il-mahbub.

**Meta s-segwaċi Tiegħi jaqgħu għall-qerq  li ser jiġi, u jiċħdu Lili, dan ma jfissirx li huma ser jgħidu : "Jiena ma nemminx f'Ġesu'."  Le, ser ifisser dan.**

It-Tlieta, 7 ta' Jannar, 2014 @ 23.15

Għażiża maħbuba binti, **hekk kif il-fidili jgħajtu: "Issa daqshekk – ma nifilħux naraw iżjed ħażen jirbaħ fuq it-tajjeb."  l-uġigħ kollu jiġi fi tmiemu ħesrem.**

**Biex jitnaddaf il-ħażen, hemm bżonn li l-ewwel jitħalla jinxtered.  Dan ikun ta' prova għal dak il-bnedmin ta' qalb ħażina,** li jkunu minn ta' l-ewwel li jinġibdu. Hekk kif jintefgħu ġo vojt kbir ta' ħażen, huma jew jissaportu l-uġigħ li dan joħloq f'ruħhom, jew inkella jħallu lilhom infushom jinżlu iżjed fil-fond, dejjem iżjed u iżjed 'l bogħod mis-Saltna t'Alla.

**L-erwieħ tal-fidili ser jiġu ppruvati sax-xifer u huma ser ikunu ttormentati mit-taħwid li jkun hemm quddiemhom.**  Ħafna, f'qalbhom ser ikunu jafu, li dak li huma dejjem emmnu huwa veru u li dejjem żammew qrib qalbhom,  m'għadux miżmum bħala l-Verita'.  U għalhekk mhux ser ikollhom il-ħila li jeddeciedu x'inhu ġej Minni u x'mhux.  Il-fidi tagħhom ser tinqasam u ħafna jsibu lilhom infushom imdaħħlin f'duttrina ġdida magħmula mill-bniedem, li qatt m'hi ser tinħass li hija ħaġa tajba.  Huma ser iħossu li m'humiex komdi u ħafna mhux ser ikollhom il-hila li jafdaw il-biżgħat tagħhom ma' dawk magħżula bħala qaddejja qaddisa Tiegħi.  Huma mhux ser ikunu jafu 'l fejn ser iduru għall-Verita'.

Huma ser ikollhom ikunu xhieda tal-proklama pubblika, li ser tfaħħar id-dnub, fejn ser jiġi ddikjarat illi l-umanita' hija dgħajfa – Alla jaf illi lill-bniedem,  id-dnub dgħajfu u huwa biss vittma.  **Minflok ma jkollhom ikunu xhieda tad-dnub fil-kruha kollha tiegħu, huma ser jiġu sfurzati biex ibaxxu rashom u jaqblu u jaċċettaw liġijiet ġodda, li ser jiġu mdaħħlin fil-Knisja.**  Huma ser ikunu mistennija li jonoraw u jirrispettaw liġijiet ġodda, li ser jgħidulkom biex tirrispettaw l-individwalita' tal-bniedem u d-dritt ta' kull wieħed li jagħmel dak li jixtieq u jagħmel dak li jagħżel.

Meta s-segwaċi Tiegħi jaqgħu għall-qerq  li ser jiġi, u jiċħdu Lili, dan ma jfissirx li huma ser jgħidu : "Jiena ma nemminx f'Gesu'."  Le, ser ifisser dan.  **Huma ser jagħżlu liema parti mit-Tagħlim Tiegħi huma jridu jemmnu fih.  Imbagħad huma ser jiddeċiedu liema partijiet huma ma jaqblux magħhom.  Imbagħad huma ser jgħidu li Ġesu' kien jaqbel ma' din l-interpretazzjoni l-ġdida, kieku kellu jimxi fuq l-Art illum.**  O, kemm tgħallmu ftit u l-kburija kif ser tkissirhom. Meta ser jiġi l-kastig madwarhom u meta huma jindunaw kif offendew Lili, huma ser iwerżqu bil-biża', meta huma jiġu wiċċ mb' wiċċ mal-ġustizzja li ser taqa' fuqhom.

F'dak il-jum, meta tinkixef il-Verita', ser ikun biss minħabba t-talb ta' l-Armata tal-Fdal, illi dawk li ġabu din il-mistħija kollha fuqhom infushom u li tqabdu Miegħi, l-maħbub Ġesu' tagħhom, li rrid biss inġibilhom il-Ħniena – illi huma ser  jiġu salvati.

Ġesu' Taghkom.

**Meta intom tgħidu din il-Litanija l-ġdida matul il-provi l-kbar, Jiena ser nagħtikom ftit tan-nifs.**

L-Erbgħa, 8 ta' Jannar 2014 @ 21.15

Għaziza maħbuba binti, għandkom tkunu tafu illi meta intom tiddefendu l-Kelma t'Alla matul iż-żmien tad-dlam, ser ikollkom bżonn ta' kull Grazzja minn Għandi, jekk tridu li tibqgħu weqfin. Meta ssejħuli biex nimla lil ruħkom bil-Grazzji speċjali Tiegħi, intom sejrin issibuha eħfef biex timxu warajja.

Jiena issa ser nagħti lilkom ilkoll erwieħ qalbiena u leali dawn il-grazzji speċjali. Meta intom tgħidu din il-Litanija l-ġdida matul il-provi l-kbar, Jiena ser nagħtikom ftit tan-nifs.

**Litanija (6) Rigal ta' Grazzji.**

*O Ġesu' l-iżjed għażiż, Salvatur maħbub,*

*Imlieni bl-Imħabba Tiegħek*

*Imlieni bis-Saħħa Tiegħek*

*Imlieni bl-Għerf Tiegħek*

*Imlieni bil-Perseveranza Tiegħek*

*Imlieni bl-Umilta' Tiegħek*

*Imlieni bil-Kuraġġ Tiegħek*

*Imlieni bil-Passjoni Tiegħek.*

*Ammen.*

**Lill-erwieħ li jgħidu din matul iż-żminijiet tal-persekuzzjoni, kunu għafu li Jiena ser inferra' dawn il-Grazzji fuqkom. Intom issiru iżjed kalmi, iżjed b'saħħitkom u iżjed qalbiena, waqt li ġġorru s-Salib tqil Tiegħi sal-Bibien tas-Smewwiet il-Ġodda u l-Art il-Ġdida. Imma l-iżjed importanti hu li intom mhux ser iċċedu għat-theddid li ser tiffaċċjaw fl-Isem Qaddis Tiegħi.**

Intom ser tibqgħu mexjin sodi u bid-dinjita', filwaqt li tkomplu żżommu l-Kelma t'Alla. Għax kull min iwieġeb għal din is-Sejħa u jgħid din il-Litanija speċjali, ser iħoss hena f'qalbu li qabel ma kinitx hemm. Intom ser tħossukom kunfidenti għax tafu li intom ġejtu mbierka bil-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu u l-Verita' dejjem sejra ssaltan f'qalbkom.

Jiena nħobb u nbierek lil kull wieħed minnkom issa – fl-Isem tal-Missier, u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu.

Ġesu' Tagħkom.

Imħabbti għall-umanita' hija sħiħa.  Jiena nħobb lil kulħadd, saħansitra lil dawk li jwettqu l-eħżen atti.

Il-Ħamis, 9 ta' Jannar, 2014 @ 21.40

Għażiża maħbuba binti, ħares madwarek, u x'tara?  Dinja mimlija kuntrarju.  Fuq naħa tara l-imħabba, l-hena u rieda tajba.  Imma din hemm kontriha, fuq in-naħa l-oħra, l-mibegħda, li l-wieħed il-ħażin għandu għall-umanita'.

**Kull taqlib, dwejjaq, konfużjoni, nuqqas ta' fiduċja, velenu, mibegħda u ħażen li taraw jiġri fid-dinja; kunu għafu li dan jista' jiġi biss minn banda waħda.  Is-swat ta' l-umanita', li huwa Satana, ħoloq dwejjaq tad-disperazzjoni fost ulied Alla.  L-uġigħ tagħhom isir Tiegħi u huwa għalhekk illi l-wieħed il-ħażin joħloq tant taħwid – biex iweġġa' Lili.**

Binti, kull fejn timxi u kull wiċċ li tara, mil-lum 'l quddiem, inti ser tarahom kif narahom Jien – ilkoll wild t'Alla.  Kemm inħobbhom ilkoll, kemm nixtieq ngħożż lil kull wieħed- tkun xi tkun il-ħtija tagħhom jew dnubiethom.  Ma jagħmilx differenza x'għamlu biex offendew Lili;  Jiena xorta nħobbhom – lil kull wieħed u waħda.  Jiena nħoss ferħ kbir meta nara l-imħabba ħierġa minnhom – l-imħabba li huma rċevew bħala Rigal minn għand Missieri, li ħoloqhom.  L-imħabba tagħhom hija l-imħabba Tiegħi u din tiġbed erwieħ oħrajn lejhom u wara din tifrex l-Imħabba t'Alla ma' kullimkien.

Iżda meta nara l-uġigħ u t-tbatija, f'ruh, l-uġigħ tagħhom isir Tiegħi.  L-uġigħ tagħhom jista' jkun ġej minn tbatija kbira, li tiġi minħabba n-nuqqas ta' mħabba għall-oħrajn, li mbagħad iġib sens ta' deżolazzjoni ddisprata.  Is-solitudni u l-iżolament inħosshom Jien ukoll u dawn ikabbru l-kompassjoni Tiegħi.

Imbagħad hemm dawk l-erwieħ li jqattgħu ħinhom kollu jiġru wara ħwejjeġ li mhux ġejjin Minni.  Dawk li jirrifjutawni, jaqsmuli Qalbi fi tnejn.  Kemm nibki dmugħ tad-demm għal dawn l-erwieħ, għax huma qatgħu l-kurdun, li jgħaqqadhom mas-Salvatur tagħhom – l-unika tama ta' Salvazzjoni.  Meta tara dawn l-erwieħ, inti binti, ser tħoss dieqa kbira f'qalbek, l-istess kif inħoss Jien għalihom.

Fl-aħħar hemm dawk li jgħidu li jirrappreżentaw Lili, iżda li m'humiex denji li jixxuttawli Riġlejja.  L-mibegħda tagħhom Lejja, ġejja mill-imħabba tagħhom lejhom infushom.  Imma xorta waħda, ma jimpurtax kemm il-darba joffendu Lili u jmexxu ħazin il-merħla Tiegħi, Jiena xorta nieħu ħsieb ruħhom.

L-Imħabba Tiegħi għall-umanita' hija sħiħa. Jiena nħobb lil kulħadd, saħansitra lil dawk li jwettqu l-eħżen atti. U hekk ser jibqa' jkun sat-tmiem.  Jiena ser inħaddan l-erwieħ kollha sa l-aħħar jum, meta wara li l-isforzi kollha Tiegħi biex insalva l-erwieħ jispiċċaw, ikunu dawk biss li jaħarbu għal ġo l-abbiss tal-bestja u li jirrifjutaw Lili, għalkemm jafu kemm inħobbhom – li ser jintilfuli għal dejjem.

**Dejjem ħobbu lil xulxin, bid-difetti u b'kollox – bil-mod kif inħobbkom Jien.** Meta ma taċċettawx lil xi ħadd, ftakru fl-Imħabba Tiegħi u ibqgħu siekta.  Meta tistmerru lil xi ħadd,  kunu għafu li din il-mibegħda mhix ġejja Minni.  Meta tħarsu lejn xulxin, araw lil xulxin daqs li kieku b'Għajnejja.  L-ebda wieħed minnhom

m'għandu jitwarrab minnkom.  Minflok, uru kompassjoni ma' dawk li ma jogħġbukomx, joffendukom jew jagħmlulkom il-ħsara, għax huma maħbubin Minni. Jekk intom tħobbu Lili, intom turu mħabba ma' dawk kollha li tiltaqgħu magħhom.

**L-Imħabba tittieħed, għax hija ġejja minn Alla.  Ġid biss jista' joħrog mill-imħabba.**

**Ġesu' Tagħkom.**

**In-nies li jgħixu fid-dinja tal-lum m'huma xejn differenti minn dawk li għexu eluf ta' snin ilu.**

Is-Sibt, 11 ta' Jannar, 2014 @ 10.48

Għażiża binti, **Jiena rrid lid-dinja li tkun taf kemm Jiena nħobb lill-bniedem, għax Jiena nħobb lil dawk li huma l-iżjed baxxi, l-iżjed ittormentati u dawk li lanqas ikun jixirqilhom.** Kull min jaħseb li Jiena npoġġi bniedem qabel ieħor, ma jafnix. Jiena jista' jkun li nagħti favuri lil ċerti erwieħ, speċjalment lill-erwieħ magħżulin, iżda Jiena ma nħobbhomx iżjed jew anqas mill-erwieħ ta' dawk li huma anqas minn oħrajn.

Jiena nħares lejn kull ruħ bl-Imħabba f'Qalbi. Jiena nibqa' nżomm lil kull wieħed minnkom, għax intom Tiegħi – ta' Missieri. **Għalkemm nista' nkun offiż bid-dgħjufija tagħkom u rrabjat għall-intenzjonijiet u xewqat ħziena tagħkom, l-Imħabba Tiegħi għalikom qatt ma tmut.** L-erwieħ kollha huma maħbubin minn Alla – jkunu għamlu xi jkunu għamlu. Alla għandu l-aħħar Setgħa fuq id-destin ta' kull ruħ u din is-Setgħa hija Tiegħu.

**Jiena għandi l-unika awtorita' li niġġudika. L-ebda bniedem fostkom ma ġie mogħti dan id-dritt.** Meta wieħed iqis lill-ieħor ħati ta' dnub, huwa jista' biss jikkastigah permezz ta' piena, izda mhux bil-mewt. L-ebda bniedem, mħallef, mexxej politiku jew membru tal-Knisja Tiegħi fuq l-Art, qatt ma jista' jikkundanna bniedem ieħor għall-mewt, minħabba dnubietu – huma kemm huma ħziena. L-ebda bniedem ma jista' jikkundanna ieħor għal l-Infern, għax meta dan jiddikjara ruħ biex tkun indannata, hemm, ikun hu li jiġi ndannat minflok, irrispettivament kemm ikun għamel atti tajba f'Ismi.

**Kif taħlu tant ħin tikkundannaw lil xulxin, minflok ma taċċettaw ir-Rigal li ġejtu mogħtija – r-Rigal tal-imħabba għal xulxin.** Għożżu r-Rigal li intom ġejtu mogħtija minn Alla u li issa sar tagħkom biex tagħtuh kif tixtiequ – la darba jkun skond ir-Rieda ta' Missieri. Imma ħafna li jħobbu Lili Ġesu' Kristu, jemmnu li Jiena naċċetta kull azzjoni li tagħti l-faħam lil mibegħda kontra xulxin. Minflok, intom għandkom tkunu tafu illi Jiena sempliċement irridkom tħobbu lil xulxin u tibqgħu sħaħ fil-Kelma t'Alla, li tinsab kemm fit-Testment il-Qadim u fit-Testment il-Ġdid.

Il-Kelma hija eterna – ma tinbidel – qatt. In-nies li jgħixu fid-dinja tal-lum m'huma xejn differenti minn dawk li għexu eluf ta' snin ilu. Jista' jkun li għandkom iżjed għarfien u iżjed informazzjoni, iżda m'intomx aqwa minn ebda ġenerazzjoni, li ġiet qabilkom. Il-bniedem huwa mortali. Xejn ma jinbidel f'dan ir-rigward, sakemm Jiena nġibilkom il-Ħajja Eterna.

**Ieqfu u aħsbu. L-istruzzzjonijiet Tiegħi għadhom l-istess kif kienu ġew mogħtija lill-umanita' matul iz-żmien Tiegħi fuq l-Art.** L-unika differenza issa, hi, li minħabba l-avvanz fix-xjenza, hafna nies jaħsbu li huma akbar minn Alla. Ħafna tant jemmnu li huma immortali, illi huma ddeċidew li ma jaċċettawx li huma ħolqien t'Alla. Ħafna jaħsbu li għandhom is-setgħa li jiktbu mill-ġdid il-Liġijiet t'Alla.

Ħafna ddeċidew li jtellgħu torri ta' babel ġdid u meta jagħmlu hekk, dan ser jinżel kollu b'tixjira waħda t'Id Missieri. Imbagħad il-bniedem jinduna li l-ħajja tista' teżisti biss ma' Alla u għal Alla, skond ir-Rieda t'Alla. M'hemmx ħajja mingħajr Alla.

Ġesu' Tagħkom.

**Fil-Qrib ħafna, l-Infern ser jiġi ddikjarat formalment li huwa post li  ma jeżistix.**

Il-Ħadd, 12 ta' Jannar, 2014 @20.28

Għażiża maħbuba binti, li kieku ma kienx  Għalija, Ġesu' Kristu, li Jiena qed inkellem lid-dinja f'dan iż-żmien, kieku ħafna erwieħ qatt ma kienu jidħlu mill-Bibien tal-Ġenna.

Ħafna erwieħ ingrati m'għadhomx jobdu l-Liġijiet Tiegħi u għalhekk huma joħolqu l-interpretazzjoni tagħhom, li Lili timbuttani.  Ir-Regolamenti li għandhom x'jaqsmu mal-Verita' kienu ġew mogħtija, b' Rigal lill-umanita, bħala mezz li bih il-bniedem seta' jirbaħ id-dritt għas-salvazzoni.  Ma tafux li ma tistgħux tgħixu skond il-verżjoni tagħkom tal-Liġijiet t'Alla u mbagħad tistennew li tidħlu l-Ġenna?

L-arroganza tal-bniedem rikbet lill-ispirtu ta' l-umilta'  Il-bniedem m'għadux jaqdi lil Alla kif kien ġie ordnat li jagħmel.  Minflok, huwa joħloq mill-immaġinazzjoni tiegħu, viżżjoni ta' dak li jemmen hu li huma s-Smewwiet.  **Illum l-ebda qaddej minn Tiegħi – dawk li ġew magħżula biex jaqdu Lili – qatt ma jirreferi għall-eżistenza ta' l-Infern.**  Sempliċement li ssemmi l-kelma Infern timbarazza lill-qaddejja qaddisa Tiegħi, għax jibżgħu li jiġu mwaqqgħin għar-redikolu mis-soċjeta' sekulari, li ġiet imqarrqa.  **L-Infern hija d-dar ta' ħafna erwieħ imsejkna u Jiena kemm inweġġa' meta nara erwieħ li ma jkunu qed jissuspettaw xejn, u jinxteħtu għal ġo l-abbiss tat-terrur, fil-mument li huma jieħdu l-aħħar nifs tagħhom.**

Ulied Alla għandhom isiru jafu issa b' urġenza, li għandhom jitolbu għall-erwieħ ta' dawk li huma għomja għall-Verita'.  Fil-Qrib ħafna, l-Infern ser jiġi ddikjarat formalment li huwa post li  ma jeżistix.  **Lill-erwieħ ser jgħidulhom li, l-ulied kollha t'Alla, jekk jgħixu ħajja raġonevoli u dinjituża – irrispettivament jekk dawn jemmnux f'Alla jew le, - ser jiġu mogħtija l-Ħajja Eterna.  Izda din ser tkun gidba.  M'hemmx ritorn mill-Infern.  Dan huwa għall-eternita'.**

Ħafna erwieħ li kienu jirrifjutaw Lili minn barra, kemm fil-privat kif ukoll fil-pubbliku, jinsabu fl-Infern.  Is-sogħba tagħhom issir agħar minħabba t-tbatija kbira tagħhom u l-mibegħda lejn Satana.  **Ladarba fl-Infern, Satana juri lilu nnifsu lilhom fil-forom vili u ħżiena kollha tiegħu u l-mibegħda tiegħu lejhom timlihom il-ħin kollu.  L-istmerrija tagħhom lejh – l-istess bestja li huma kienu jqimu matul ħajjithom fuq l-Art – hija ħafna mill-uġigħ tagħhom.  Izda hija s-separazzjoni tagħhom Minni u l-uġigħ tad-dlam li jgħaddu minnu, li joħloq l-akbar tbatija.**

Kull bniedem li jgħidilkom, f'Ismi, li l-Infern ma jeżistix, m'għandux interess li jgħinkom biex issalvaw ruħkom.  Meta intom tikkonvinċu ruħkom li l-Infern ma jeżistix, hemm intom tassumu ħażin, illi d-dnub huwa irrilevanti.

Intom ma tistgħux taqdu Lili jekk temmnu li d-dnub ma jeżistix.  Intom ma tistgħux tgħixu ħajja fil-glorja għall-eternita' fis-Saltna Tiegħi, jekk ma titolbunix naħfrilkom dnubietkom.  **Din ser tkun il-fosdqa ta' dik id-duttrina l-ġdida li ser tiddaħħal, li**

**intom ser tiġu mġegħla tibilgħu.** Hemm ser tiġu mqarrqa billi ma tħejjux ruħkom għall-Jum il-Kbir tal-Mulej, meta Jiena niġi biex neħodkom għax intom Tiegħi.

Jiena qed ngħidilkom dan biex inwissikom mhux biex inbeżżakom. Nitlobkom li taċċettaw li d-dnub huwa parti minn ħajjitkom, imma xorta Jiena ngħidilkom biex tibqgħu tevitaw is-seba' dnubiet il-mejta, għax meta tagħmlu hekk, intom issibu Lili Favur tagħkom. Intom għandkom dejjem tammettu d-dnubiet tagħkom. Għamlu dan kuljum. Kellmu Lili u itolbuni naħfrilkom. Għal dawk minnkom li ma jistgħux jirċievu s-Sagrament tal-Qrar, - dawk li jsegwu ħafna twemminijiet u reliġjonijiet – allura intom għandkom taċċettaw ir-Rigal li tajtkom ta' l-Indulġenza Plenarja:

**Talba tal-Kruċjata (24) Indulġenza Plenarja għall-Maħfra tad-dnubiet**

*O Ġesu' tiegħi, Inti d-Dawl tad-dinja. Inti l-Fjamma li tmiss l-erwieħ kollha. Il-Ħniena u l-Imħabba Tiegħek m'għandhomx tarf.*

*Aħna ma jistħoqqilniex is-Sagrifiċju li Inti għamilt bil-mewt Tiegħek fuq is-Salib, imma aħna nafu li l-Imħabba Tiegħek hija akbar mill-imħabba tagħna Għalik.*

*Agħtina O Mulej, ir-Rigal ta' l-Umilta', ħalli nkunu denji tas-Saltna Tiegħek.*

*Imliena bl-Ispirtu s-Santu, ħalli nimxu 'l quddiem u mmexxu l-armata Tiegħek biex ixxandar il-Verita' tal-Kelma Qaddisa Tiegħek u nħejju lil ħutna għall-glorja tat-Tieni Miġja Tiegħek fuq din l-Art.*

*Aħna nagħtuk qima. Aħna nfaħħruk.*

*Aħna noffru lilna nfusna, in-niket tagħna, t-tbatijiet tagħna bħala rigal Lilek biex issalva l-erwieħ.*

*Ġesu' aħna nħobbuk.*

*Ikollok Ħniena minn uliedek kollha, huma fejn huma. Ammen.*

Ħarsu lir-ruħ tagħkom, għax hija ruħkom li ser tgħix għal dejjem. Intom ser tgħixu f'post wieħed biss minn żewġ postijiet, għall-eternita' – fl-Infern jew fis-Saltna Tiegħi.

Ġesu' Tagħkom.

**Alla l-Missier: Jiena ġej biex niġbor il-fidili. Il-Ħin Tiegħi huwa dalwaqt, għax il-Ħniena t'Ibni hija kwazi fuqkom.**

It-Tnejn, 13 ta' Jannar, 2014 @ 16.56

Jiena Alla l-Missier. Jiena dak li Jien. Jiena l-Ħallieq - l-Alfa u l-Omega.

Binti l-iżjed għażiża, **ismagħni nħabbar illi l-Intervent Tiegħi biex inwaqqaf milli tiġri l-qerda tar-razza umana, dalwaqt iseħħ.**

Meta ma tisimgħu l-ebda ħażen – dak ma jkunx ifisser li ma jeżistix. **Hemm att vili li qed jiġi ppjanat biex iġib il-gwerra, bl-iskop uniku li jeqirdu kemm jistgħu nies.** Il-kapaċita' tal-bniedem li jwettaq atti hżiena kontra ulied Alla, qatt ma kien akbar. Il-ħila tal-bniedem biex jipproduċi teknoloġija qatt ma kien akbar, izda dan il-għarfien qed jiġi abbużat fuq skala kbira u l-pjanijiet biex jikkontrollaw kull parti ta' ħajjitkom, jinsabu fi stadju avvanzat.

**Huma, l-għedewwa Tiegħi, jridu jikkontrollaw dak li intom tieklu, tixorbu u dak kollu li tagħmlu biex ixxandru l-Verita', kif tajthielkom Jiena. Huma mhux ser jistrieħu qabel dak il-jum meta jkollhom il-kontroll tal-pajjiżi tagħkom, il-finanzi tagħkom u s-saħħa tagħkom.** Meta dawn il-pjanijiet isiru evidenti, huma mbagħad jieħdu kontroll tar-reliġjonijiet kollha. Minħabba li tant nies ma jemmnux fl-Eżistenza Tiegħi, ftit ser ikun hemm oppożizzjoni għal dan il-pjan biex itellef it-triq u jisraq l-erwieħ mingħandi.

**Meta l-bniedem jemmen li jista' jisfida lil Alla, allura huwa ma jafx fil-verita' Min Jien. Jekk ma jafx Min Jien, allura ma jaf xejn. Qalbu bbieset, l-intellett tiegħu ddallam u ruħu tqalet.**

Min jitbiegħed Minni, jintilef. Min jitqabad kontrija, bil-ħsieb li jisraq l-erwieħ ta' wliedi, Għalija huwa mejjet u d-destin tiegħu magħmul.

**Jiena issa ser nintervjeni biex inwaqqaf din l-atroċita' terribbli u ħazina, milli titwettaq. Imbagħad meta nkun lestejt, Jiena ser nifttħilkom għajnejkom, inġebbed lil qalbkom u nimliekom bil-għaġeb.** Dalwaqt nurikom il-Verita, għax ħafna minnkom ma jemmnux fiha.

Jiena dak kollu li hu, u li ser ikun. Jiena Missierkom, li Naf Kollox, Nara Kollox, Kollni Mħabba u Kollni Ħniena. Jiena ġej biex niġbor il-fidili. Il-Ħin Tiegħi huwa dalwaqt, għax il-Ħniena t'Ibni hija kwazi fuqkom.

Missierkom il-maħbub

Alla l-Izjed Għoli

**Meta l-Knisja Tiegħi żżomm il-Kelma t'Alla, intom għandkom tibqgħu ubbidjenti lejn il-Knisja Tiegħi.**

It-Tlieta, 14 ta' Jannar, 2014 @ 16.53

Għażiża maħbuba binti, **meta l-qaddejja Tiegħi, s-segwaċi Tiegħi u dawk kollha li jgħidu li ġejjin Minni, jgħidu li jħobbu Lili, dan ifisser żewġ affarijiet. Huma jħobbuni għax jaċċettaw il-Kelma Tiegħi u jqimu Lili billi jiddikjaraw il-Verita'.**

**Meta intom tħobbu Lili, intom għandkom tibqgħu fidili lejn il-Kelma Qaddisa Tiegħi.** Dan ifisser li tobdu l-Kelma Tiegħi f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Verita'. Meta intom tiddikjaraw il-Verita' tal-Kelma Tiegħi, bħala l-qaddejja qaddisa Tiegħi, intom tridu tibqgħu ubbidjenti lejn il-Kelma t'Alla.

**Sakemm l-Knisja Tiegħi żżomm il-Kelma t'Alla, intom għandkom tibqgħu ubbidjenti lejn il-Knisja Tiegħi. Iżda meta jasal il-jum meta dawk li għandhom l-awtorita' fil-Knisja Tiegħi ma jibqgħux ixandru l-Verita', allura intom tridu tibqgħu ubbidjenti, Lejja biss. Għax Jiena l-Knisja. Mingħajri, Ġesu' tagħkom, m'hemmx Knisja.**

Meta l-Kelma Tiegħi tiġi mbagħbsa u rranġata, din ma tibqax il-Kelma Tiegħi. Intom tistgħu tibqgħu ubbidjenti biss lejn il-Vera Kelma t'Alla. **Jekk intom issegwu duttrina magħmula mill-bniedem, li ser tieħu post il-Kelma Qaddisa Tiegħi fil-Knejjes Tiegħi madwar id-dinja, hemm, dawk responsabbli għal dan is-sagrileġġ ser ikunu qed jiċħdu Lili.** Ibqgħu ubbidjenti biss lejn dawk li jxandru l-Kelma t'Alla, għax jekk dik mhix ser tkun il-Kelma Tiegħi – din ma tkunx minn Alla.

Il-Kelma t'Alla hija Sacrosanta. Qatt ma tista' titbiddel minn ħadd. L-ubbidjenza lejn il-Knisja Tiegħi hija mportanti. L-ubbidjenza lejn il-Kelma t'Alla hija dik li tagħmlek Kristjan. Fil-jum li tbiddlu l-Kelma t'Alla ma sostitut magħmul mill-bniedem, ikun il-jum li intom ma tobdux il-Kelma t'Alla.

Intom tistgħu tibqħu ubbidjenti f'Għajnejja, fil-Knisja Tiegħi fuq l-Art, dejjem jekk tinżamm il-Verita'. Intom qatt m'għandkom tibżgħu xxandru l-Vertia', għax il-Verita' biss ser teħliskom.

Ġesu' Tagħkom.

**Din il-ġerarkija ġdida li ġiet maħluqa malajr, ser tieħu f'idejha l-Knisja Tiegħi.**

Il-Ħamis, 16 ta'Jannar, 2014 @ 19.41

Għażiża maħbuba binti, l-Verita' tifred. Kif għamlet dejjem. Meta wieħed jgħid li jaf il-Verita', ieħor jiċħadha. Iżda meta l-Verita' tkun ġejja minn Alla, din toħloq l-akbar qasma. Ħafna jibżgħu mill-Verita', għax din mhux dejjem tkun sabiħa, u mbagħad mingħajr il-Verita', intom tgħixu f'ċaħda. Meta intom tgħixu tiċħdu l-Kelma t'Alla, intom qatt ma ssibu paċi fil-qlub tagħkom.

**Meta tafu l-Verita' li tinsab fil-Ktieb ta' Missieri, allura intom tafu t-Triq tal-Mulej u għandkom timxu fuq din it-triq sa l-aħħar nifs tagħkom. Titilqux lil hinn minnha.** Iżda jekk Kelmti tiġi mbagħbsa, miktuba mill-ġdid u mfarrka, żgur li intom qatt m'intom sejrin taċċettaw dan. Hekk huwa tajjeb. Iżda jekk jiddaħħlu duttrini ġodda li huma differenti mill-Kelma Qaddisa Tiegħi, taħt l-istess isqfa tal-Knejjes Tiegħi, hemm intom x'ser tagħmlu?

Sejrin taċċettaw gidba minflok il-Verita'? Sejrin taċċettaw duttrina li mhix qaddisa f'Għajnejja?

Ir-risposta għandha tkun le. Intom qatt m'għandkom tiċħdu l-Kelma Tiegħi – għal ħadd. Ħadd, lanqas jekk ikun liebes il-ħwejjeġ ta' l-aqwa fil-ġerarkija tal-Knisja Tiegħi, tallab, re jew prinċep – hu min hu li jitlob li intom taċċettaw duttrina ġdida li ġejja mill-Kelma Tiegħi, mhux ġej Minni.

**Il-Knisja Tiegħi qed tiġi mġarrfa bil-għaqal minn ġewwa u maħtuta bicca bicca. Hekk kif is-saffi qed jiġu maħtuta u l-qaddejja fidili mneħħija – imbagħad jgħidu li m'ghadx hemm bzonnhom – tkun tnaddfet it-triq biex joħorġu bil-beraħ d-duttrini mill-Infern.**

Imsieken huma s-saċerdoti, l-isqfijiet u l-kardinali, li ser jażżardaw jiddefendu l-Kelma t'Alla, għax huma ser isofru l-iżjed. Filwaqt li xi wħud ser jiġu skomunikati u akkużati b'ereżija – għalkemm huma jkunu qed jaqbżu għall-Kelma Vera t'Alla – oħrajn ser ikun dgħajfin wisq. **Ħafna qaddejja qaddisa ser iċedu għall-pressjoni biex jikkundannaw il-Liġijiet t'Alla. Jekk huma ma jaqblux illi jħaddnu d-duttrina tal-gideb, huma jiġu mixħuta għall-lupi.** Dawk li l-fidi tagħhom tkun ġa ddgħajfet u li jħobbu l-ħwejjeġ tad-dinja, u li għandhom ambizzjoni kbira f'ruħhom, ser ikunu ta' l-ewwel fil-kju biex iwegħdu r-rabta tagħhom lejn ir-'rahan' il-ġdid.

**Din il-ġerarkija ġdida li ġiet maħluqa malajr, ser tieħu f'idejha l-Knisja Tiegħi. Huma ser jiddikjaraw ħwejjeġ foloz f'Isem Alla, u jkaxkru magħhom ħafna mill-erwieħ innoċenti tal-fidili.** Il-miġemgħa, bla ma taf, ser tiġi offruta kalċi avvelenat mimli bix-xejn – ħobz biss. L-Ewkaristija Qaddisa mhix ser timla lil ruħhom iżjed. Huma daqt jiġu mitmugħin omeliji li ser jirredikolaw il-Kelma t'Alla, fejn ikun iddikjarat li d-drittijiet umani huma l-iżjed duttrina mportanti. Imbagħad jiddikjaraw l-akbar ereżija, illi l-bniedem ser jingħata l-Hajja Eterna, jindem jew le minn dnubietu. Hekk ser jeqirdu l-erwieħ ta' miljuni.

**Filwaqt li huma jkunu qed jaqsmu l-Knisja Tiegħi minn ġewwa għal barra, s-saċerdoti leali Tiegħi u s-segwaċi fidili ser jerġgħu jibnu mill-ġdid il-Knisja**

**Tiegħi, kantun, kantun. Il-Knisja Tiegħi, kif qed tara, ma tistax tmut, għax Jien mhux ser inħalliha.**

Is-saċerdoti kollha, l-isqfijiet kollha u l-kardinali kollha li ser jitneħħew minn posthom u li ser jibqgħu fidili Lejja, qatt m'huma ser jitilqu lill-ġusti jew lil dawk is-segwaċi Tiegħi li ġew imbierka bid-Don ta' l-Għerf. Imbagħad, filwaqt li l-għarfien falz ser jimla l-qlub tal-qaddejja dgħajfa fil-Knisja Tiegħi, d-Don ta' l-Ispirtu s-Santu, mhux talli ser idawwal l-erwieħ tal-Knisja tal-Fdal Tiegħi, iżda dan ser jipprovdi d-Dawl għal dawk kollha li isimhom jinsab fil-Ktieb tal-Ħajjin, biex jaslu sal-bieb Tiegħi.

Id-dixxipli Tiegħi qatt qabel ma kienu ppruvati hekk, kif ser ikunu fil-futur. **Huma ser jingħataw Għajnuna Divina biex ikunu jistgħu jżommu d-Dawl t-Alla jiddi f'dinja li ser tiġi mitfugħa bil-mod u bit-tbatija, għal ġewwa d-dlam, li ġej mal-wasla tal-għadu, l-antikrist.**

Ġesu' Taghkom.

[**Kull kelma li inti tlissen f'din il-Missjoni tkun ġejja Minni. Kull azzjoni li inti tagħmel tkun ġejja Minni.**]()

Il-Ġimgħa, 17 ta' Jannar, 2014 @ 20.42

Għażiza maħbuba binti, **kun kalma kull darba li tiġi wiċċek mal-bsaten fir-roti, li inti u s-segwaċi kollha Tiegħi jħabbtu wiċċhom magħhom kuljum, f' din il-ħidma biex issalvaw l-erwieħ.**

**Dejjem ftakru li Satana qatt m'hu ser jieqaf jittormenta lil din u missjonijiet oħra li huma awtentiċi, għax ikunu ġejjin minn Alla.** Il-missjonijiet awtentiċi, li Jiena mbierek illum u dawk li Jiena berikt matul is-sekli, dejjem sofrew minħabba l-oppożizzjoni.

Huma biss il-missjonijiet li ġejjin minn Alla, li jiġbdu lejhom tant minbegħda. Profeti veri biss, jiġbdu l-mibegħda. Mose', Elia, Noe u Ġwanni l-Battista u oħrajn bħalhom, kollha ġibdu l-mibegħda, minħabba l-influwenza ta' Satana fuq erwieħ dgħajfa. Jiena biss, Ġesu' Kristu, wieħed minn mijiet ta' profeti ta' żmieni fuq l-Art, ġbidt dik it-tip ta' mibegħda li mbagħad ġiet mwettqa fuqi. U issa, inti biss, l-aħħar profeta Tiegħi, ser tiġbed mibegħda ta' tip li ilha ħafna ma tidher – għalkemm oħrajn bħalek, sofrew fi żminijiet riċenti.

**Meta jkollok tgħaddi minn oppożizzjoni, f'Isem Alla, kun għaf li, meta t-Trinita' Qaddisa tippreżenta l-Kelma lill-umanita' permezz ta' profeta, din ser tkun mill-agħar li tista' tkun.** Li kieku ma kienx għall-Għajnuna Divina li tiġi mogħtija lilek, kieku inti kont taħrab imwerwra. Missieri jipproteġik, binti ż-żgħira, u għalhekk inti għandek taqdef il-quddiem, meta taf illi Huwa jixtieq l-erwieħ, għal kull kelma li toħrog minn fommok, għal kull kelma li tinkiteb minn idejk u għal kull ruħ li inti tersaq lejha. Din it-tbatija kollha, ser iġġibli iżjed erwieħ.

**Oqgħod żgura illi ż-żmien li Jiena nerġa' niġi biex nieħu lura t-Tronn Tiegħi, huwa fil-qrib u iżjed ma joqrob il-Jum, ser jintużaw ħafna tattiċi biex ifixkluk f'din il-Missjoni. Kull gidba li jsibu ser jgħiduha fuqek, kull ġebla tigi mwaddba, xortik mimlija turment u kull għadu t'Alla jitpoġġa fuq kull triq li inti tikser lejha.** Iżda bħala s-Salvatur ta' l-umanita', Jiena ser inkun żgur li kull xewka tiġi mneħħija bir-reqqa, kull ġebla tintefa mal-ġenb, kull triq titnaddaf, ħalli inti jirnexxilek li ġġib Kelmti quddiem id-dinja, fi żmien meta Jiena nkun kważi ntesejt għal kollox.

Binti, Jiena nimxi miegħek. Jiena nserraħ Idi fuq spaltek ix-xellugija, ħalli nkennek mill-ħażen u mmexxik b'kull mezz. Kull kelma li inti tlissen f'din il-Missjoni tkun ġejja Minni. Kull azzjoni li inti tagħmel tkun ġejja Minni. **Kull tbatija li inti tgħaddi minnha tkun Tiegħi.** Ir-Rieda tiegħek hija Tiegħi, għax inti tajtha Lili u għalhekk issa Jiena noqgħod ġo fik għal kollox. **Meta jweġġgħu lilek, huma jinsultaw Lili. Meta jgħadduk biż-żufjett, huma jiċħdu l-Verita'. Meta huma jiċħdu l-Kelma, huma jiċħdu Lili, iżda meta huma jaċċettaw Kelmti, mogħtija lilek, huma jsiru biċċa Minni u għalhekk huma wkoll jiġu taħt il-Protezzjoni Tiegħi.**

**Mur issa, binti, u qatt tinkwieta meta tara l-mibegħda lejk f'din il-Missjoni, għax hemm, inti u dawk kollha li jisimgħu s-Sejħa Tiegħi, mhux ser ikollhom l-ebda dubju dwar Min hu li huma qed jehduha kontrih. Huma mhux lilek, iżda Lili, Ġesu' Kristu, jkunu qed iwarrbu 'l hemm.** Meta intom Għalija, Miegħi, Fija u xxandru Kelmti – intom ulied veri t'Alla.

Ġesu' Tagħkom.

**Min fostkom ser ikun b'saħħtu biżżejjed biex jaċċetta l-Kalċi Tiegħi tat-tbatija, f'dak kollu li ser iġib miegħu.**

Il-Hadd, 19 ta' Jannar, 2014 @ 14.35

Għaziza maħbuba binti, liema bniedem fostkom, li jiddikjara li huwa segwaċi qaddis minn Tiegħi, u li jiftaħar b'dan il-fatt, ser jieħu l-Kalċi Tiegħi?

Min fostkom ser ikun b'saħħtu biżżejjed biex jaċċetta l-Kalċi Tiegħi tat-tbatija, f'dak kollu li ser iġib miegħu? **It-tweġiba tkun ftit wisq minnkom. U xorta intom tħossukom li qed tagħmlu sew meta tagħtuni s-swat, permezz ta' l-erwieħ magħżulin Tiegħi, li aċċettaw bil-qalb il-Kalċi Tiegħi.**

**Erwieħ magħżulin, viżżjunarji, profeti u dawk li jaraw il-futur, jaċċettaw il-Kalċi Tiegħi, għax huma jagħtuni r-rieda ħielsa tagħhom, fuq il-kundizzjonijiet Tiegħi – u mhux tagħhom. Meta intom tiddikjaraw li tafu kollox u tafu sew il-Kelma Qaddisa Tiegħi u wara ma taċċettawx it-tbatija, li jġorru l-imsejkna profeti ppersegwitati, allura intom ma tafunix.** Jekk intom ma tafunix, allura intom ma tistgħux tħobbu Lili verament. Jekk intom ma tħobbux Lili, intom ma xxerdux il-Verita'. Minflok, intom taqbdu dawk il-biċċiet mill-Evanġelji l-Iżjed Qaddisa, li jaqblu lilkom u tużawhom bħala kejl biex bihom issawtu lill-profeti Tiegħi u lil dawk l-erwieħ magħżulin li jġorru s-Salib Tiegħi tan-niket.

Meta intom tirfsu fuq erwieħ oħrajn, tittrattawhom bil-kattivita' f'Ismi, intom tkunu intlejtu bil-mibegħda. Il-mibegħda gejja minn Satana. Din ma tiġix Minni. Meta tiġu Quddiemi, waqt it-Twissija – l-Illuminazzjoni tal-Kuxjenza – Jiena sejjer nurikom kif offendejtu Lili. **Imma xorta, ħafna minnkom, li huma ħatja ta' tgħawwiġ tal-Kliem Tiegħi ta' Mħabba għal kliem ta' mibegħda kontra l-profeti Tiegħi, ser jieqfu Quddiemi u jisfidawni. Għax tant intom mimlijin bl-imħabba lejkom infuskom u l-kburija, illi saħansitra Jiena, Ġesu' Kristu, ser insibha iebsa biex niġbidkom Lejja.**

Il-mibegħda tagħkom lejn l-oħrajn tifridkom Minni.

Ġesu' Tagħkom.

**Omm tas-Salvazzjoni: Din l-aħħar Midalja, li qed inġibilkom Jiena, permezz tal-Ħniena t'Alla, ser tiġbed biljuni t'erwieħ lejn il-Ħajja Eterna.**

It-Tnejn, 20 ta' Jannar 2014 @ 12.09

Għażiża binti, **Alla jrid isalva lil kull persuna ta' kull fidi, kif ukoll lil dawk li jiċħdu l-Eżistenza Tiegħu u t'Ibnu, Ġesu' Kristu. Dan huwa għaliex, kull persuna ta' kull eta', kull kultura u kull denominazzjoni, għandha tirċievi Midalja tas-Salvazzjoni.**

**Kull persuna li tiġi mogħtija Midalja, anke jekk din ma tkunx tista' tiġi mbierka, ser tingħata Rigal straordinarju. Ftit wara, Alla ser jitfa' ġo fiha Grazzja, għarfien ta' kemm ir-ruh hija bla saħħa u din tinduna bl-Imħabba li tista' Kollox t'Alla.** Huwa sejjer idawwal saħansitra lill-erwieħ l-iżjed rashom iebsa u lil dawk ta' qalb tal-ġebel. Wara ftit huma jfittxu l-Verita' u mbagħad isejħu lil Alla, jittalbulu biex iħaffef qlubhom u jimlihom bil-Ħniena Kbira Tiegħu.

Tirrifjutawx ir-Rigal tal-Midalja tas-Salvazzjoni, għax din l-aħħar Midalja, miġjuba lilkom minni, permezz tal-Ħniena t'Alla, ser tiġbed biljuni t'erwieħ lejn il-Ħajja Eterna. Meta Missieri tani l-istruzzjonijiet biex nippreżenta lid-dinja ir-Rużarju l-Iżjed Qaddis lil San Duminku, ħafna rrifjutawh. Huma għadhom jagħmlu hekk sal-lum, għax jaħsbu li ħloqtu jiena. Dan kien mogħti lili, ħalli kull min jgħidu, jipproteġi lilu nnifsu mill-wieħed il-ħażin. Huwa permezz ta' l-interċessjoni tiegħi illi jiġu mogħtija Grazzji speċjali u protezzjoni lill-erwieħ, kontra l-influwenza tal-wieħed il-ħażin.

**Tagħmlux l-iżball li tirrifjutaw din il-Midalja, għax din hija għad-dinja kollha u ħafna mirakli ser ikunu assoċjati magħha.** Dawk li jirrifjutawha jew jippruvaw ma jħallux lill-oħrajn jaċċettawha, jkunu qed jiċħdu s-salvazzjoni – speċjalment lill-ateisti, li jeħtieġu l-iżjed, Intervent Divin. Intom għandkom dejjem tpoġġu lil dawk in-nies li jirrifutaw lil Alla, quddiem it-Tronn ta' Missieri u titolbu għall-Ħniena għal ruħhom.

**Nitlobkom tiżguraw li l-Midalja tas-Salvazzjoni tiġi pprovduta lill-iżjed nies possibbli.**

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

**Alla l-Missier: Ir-Ried Ħielsa mogħtija lill-umanita', wasslet biex ħafna minn uliedi nġarru 'l bogħod Minni.**

It-Tlieta, 21 ta' Jannar, 2014 @ 15.44

Binti l-iżjed għażiża, **Ir-Rieda Tiegħi ser isseħħ, meta wasal iż-żmien fejn ir-rieda ħielsa tal-bniedem, li jagħmel kull ma jrid skond ix-xewqat tiegħu sejra tasal fi tmiemha.**

Jiena tajt ir-rieda ħielsa lill-bniedem. Din hija Rigal. Jiena tajt dan ir-Rigal flimkien ma' oħrajn lil uliedi. Għalkemm jagħżlu li jimxu skond ir-rieda tagħhom, kontra dak li Jiena xtaqt minnhom, Jiena xorta waħda nirrispetta r-rieda ħielsa tagħhom.

Jiena nħobb lil uliedi mingħajr ebda kundizzjoni. Jiena qatt ma nista' ma nħobbhomx, għalkemm huma joffendu Lili b'tant modi. Ir-rieda Ħielsa, mogħtija lill-umanita', wasslet biex ħafna minn uliedi nġarru 'l bogħod Minni, u bidlu Lili ma' wegħdiet ileqqu li huma jiġu ttentati bihom kuljum, meta huma jixxenqu għas-sbuħija, l-ġid, l-fama u l-poter, li kollha kemm huma jġorruhom 'l bogħod Minni.

**Jiena l-Kenn tagħhom, imma huma dan ma jifhmuhx. Fija huma jsibu l-bidu u t-tmien ta' kulma jista' jġibilhom il-pjaċir, il-paċi u l-imħabba.**

**Għalkemm il-wieħed il-ħażin uża' r-rieda ħielsa li Jiena tajt lill-bniedem biex isaħħarhom għal warajh, Jiena ser nieħu lura lill-midinbin kollha għal ġor-Renju Tiegħi, meta huma jindunaw li dak kollu li huma fittxew biex iġibilhom il-paċi, naqas milli jissodisfhom.** Iż-żmien huwa qrib biex titlesta s-Saltna Tiegħi. **Jiena nwegħdkom li l-erwieħ ser iħossuhom mħajrin biex jiġu jiġru għal Għandi, l-maħbub Missierhom, meta jasal iż-żmien.** Imbagħad huma ser ineħħu l-għanqbut minn għajnejhom, il-qxur iebsa ta' qlubhom u d-dlam li hemm f'ruħhom u jfittxu Lili.

Uliedi, dejjem afdaw fl-Imħabba Kbira Tiegħi għal kull wieħed minnkom, għax kif jista' jkun mod ieħor? **Intom Tiegħi, bħal driegħ jew riġel, biċċa minn Qalbi. Jekk ninbuttakom lil hinn u neżiljakom inkun qisni tlift biċċa Minni nnifsi.** Għalhekk meta nagħmel l-aħħar Sejħa u wara li jkunu ttieħdu l-miżuri kollha biex nirbaħ qlubkom, ħaffu, għax Jiena nkun qed nistenna. Jiena neħodkom u naħtafkom għal ġor-Renju Qaddis Tiegħi, 'l bogħod minn kull ħsara.

F'dak il-Jum, intom tinsew ir-rieda tagħkom u ssiru ħaġa waħda ma' dik Tiegħi, għax mhix ser tkun iżjed ta' ħtieġa għalikom, issir bla interess, għax meta intom tiġu d-dar Għandi, aħna nsiru ħaġa waħda.

Missierkom il-maħbub

Alla l-Iżjed Għoli.

**Omm tas-Salvazzjoni: Dawn id-deheriet għandhom jibdew fir-Rebbiegħa, skond l-istruzzjonijiet t'Ibni.**

Il-Ġimgha, 24 ta' Jannar, 2014 @ 20.05

Għażiż binti, agħmel li kulħadd isir jaf illi jiena ser nagħmel dehra oħra fl-għerien Marjani kollha, li kienu ġew approvati mill-Knisja t'Ibni, matul is-sekli.

**Jiena ser nidher f'postijiet Sagri, li ser jinkludu Lourdes, Fatima, La Salette u Guadalupe. Jiena ser nidher ukoll f'Garabandal**. Dawn id-deheriet għandhom jibdew fir-Rebbiegħa, skond l-istruzzjonijiet t'Ibni.

Erwieħ magħżula ser jarawni, bix-xemx wara rasi. Ser ikun hemm tnax il-stilla mdawrin u minsuġa madwar il-kuruna tax-xewk li kienet ġiet milbusa minn Ibni matul it-Tislib Tiegħu, poġġuta fuq rasi, bħala sinjal biex ilkoll timxu fuq l-eżempju tiegħi. Ir-rwol tiegħi huwa illi mmexxi lill-ulied kollha t'Alla tul il-Mogħdija tal-Verita' u neħodhom għand Ibni.

**Meta jseħħu dawn id-deheriet, mhux ser jibqa' dubju, speċjalment fost dawk li jonoraw lili, illi jiena qed ngħid il-Verita' meta ngħidilkom li dalwaqt, it-Triq ta' l-aħħar li ser teħodkom għand Ibni, għandha tkun permezz tal-Ktieb tal-Verita'.**

Meta intom issegwu lili, Ommkom, jiena neħodkom u mmexxikom lejn Ibni. Ibni wiegħed ħafna mirakli, biex jifthilkom għajnejkom għall-profeziji li Huwa ta lid-dinja, permezz tal-Missjoni tiegħi. Ħafna ma jaċċettawx li jien kont dehert f'dawn il-postijiet speċjali tad-deheriet u ma jagħtux kaz ta' l-importanza tagħhom fis-salvazzjoni ta' l-erwieħ.

**Meta jiena nerġa' nidher għal darba ta' l-aħħar f'dawn il-postijiet u nippreżenta lili nnifsi bħala l-Omm tas-Salvazzjoni, intom ser tkunu tafu li din il-Missjoni hija l-aħħar waħda u li d-deheriet kollha wasslu għal din l-aħħar waħda, biex inġib is-Salvazzjoni lid-dinja, li hija d-dritt mit-twelid ta' kull persuna.**

Ifirħu, għax dawn il-ġranet huma fil-qrib u meta tisimgħu b'dawn il-ħwejjeġ, kunu għafu li din il-profezija, meta titwettaq, setgħet biss kienet ġejja minni, l-Omm maħbuba tagħkom, l-Omm tas-Salvazzjoni, Omm t'Alla.

L-Omm maħbuba tagħkom

Omm tas-Salvazzjoni.

## Il-Pjan biex titneħħa kull traċċa Tiegħi ġa beda.

Il-Ħadd, 26 ta' Jannar, 2014 @ 15.00

Għażiża maħbuba binti, qatt tħalli l-veduti ta' dawk ta' qalbhom mimlija mrar, kontra dan ix-Xogħol, iwaqqfuk u toqgħod taħsibha, f'din il-Missjoni għall-erwieħ.

X'jimporta jekk inti u l-maħbubin erwieħ fidili Tiegħi, li jirrifjutaw li jmorru 'l bogħod mill-Kelma t'Alla, tiġu mormija? X' jimporta jekk iwaddbux l-istmerrija tagħhom fuqkom jew le? L-opinjonijiet umani tagħhom, li jiċħdu l-Kelma t'Alla, m'għandhom l-ebda mportanza fil-ġirja tagħkom wara s-Salvazzjoni Eterna. Meta intom tagħtu glorja Lili, u meta tagħtu ġieh lill-Kelma Tiegħi, intom tiġu ttentati minn kull naħa biex tagħtuni daharkom.

Huma ħafna dawk li sejrin jirrifjutaw din il-Missjoni, sakemm għalihom tbexbex il-verita' kiefra, meta huma ser ikunu xhieda tad-dagħa li ser joħrog minn ħalq il-profeta l-falz. **Meta xi ħadd imur kontra l-Eżistenza tat-Trinita' Qaddisa, u jażżarda jmur jilbes il-ħwejjeg tal-qassis il-kbir taħt is-saqaf tal-Knisja Tiegħi u wara jipprova jikkonvinċi lilkom li dak li intom tafu li huwa veru, s' issa, ma jkunx għadu l-każ, intom hemm tindunaw li l-ispirtu tal-ħażen ikun bela' l-Knisja Tiegħi minn gewwa.**

**Meta tiġu mdawrin minn ideoloġiji ġodda, duttrini ġodda u meta jgħidulkom li r-razza umana tal-lum titlob dawn it-tibdiliet, dak ikun iż-żmien meta x-Xewqat t'Alla ma jkunux għadhom qed jiġu mwieġba. Minflok, jkun meta d-duttrini mimlijin żbalji u mhumiex perfetti, li jiddikjaraw li d-dnub m'għadux dnub, hemm iż-żmien ikun wasal biex Jiena neqred l-għedewwa Tiegħi, kif kien imħabbar.**

Ħafna aktar minkom ser iqumu u jaraw il-Verita' u d-diżunur kbir, li ser isir Lili, Ġesu' Kristu, fil-Knisja Tiegħi fuq l-Art. Dawk il-qaddejja fidili ser jgħarfu l-ħażen u mbagħad ħafna minnhom ser jaħarbu. Iżda meta jasal iż-żmien u din il-għażla tiġi quddiemkom ilkoll, ħafna minnkom, bid-dwejjaq nammetti, li ser jitilqu Lili u jieħdu sehen fil-prattiċi pagani.

Il-pjan biex ineħħu kull traċċa Tiegħi ġa beda. **Il-Verita' tal-Kelma Tiegħi ser tiġi eżiljata mill-kostituzzjonijiet tagħkom, l-iskejjel tagħkom, u fl-aħħar din ser tiġi akkużata fil-Knisja Tiegħi stess.** Dawk minnkom li jaħsbu li dan ma jistax jiġri – illi Alla qatt m'hu ser jippermetti dan li jiġri – huma żbaljati. Dawn l-atroċitajiet ġew permessi għall-aħħar purifikazzjoni tal-bniedem, qabel it-Tieni Miġja Tiegħi. **Jekk ma tibqgħux għassa u mqajmin, tħobbuni kemm tħobbuni, intom ser tiġu mmexxija biex tieħdu sehem f'sensiela ta' ċeremonji, li mhux ser ikunu qed iqimu lil Alla. Jekk dawn ma jonorawx Lili, allura intom għandkom tistaqsu lilkom infuskom, għaliex dan? Għaliex saru dawn il-bidliet u għaliex daqshekk malajr? It-tweġiba hija l-ħin – għax ftit baqa'.**

It-tellieqa biex jintrebħu l-erwieħ fuq iż-żewġ naħat ser tispiċċa f'battalja feroċi. Naħa sejra tikkonvinċikom biex tirrifjutaw il-Kelma t'Alla għal ma' prattiċi vili, li

jagħmlu lil Satana idolu. Huma ser jidħqu saħansitra b'dawk li jafu sew il-Kelma Tiegħi, tant kemm ser jippreżentaw il-każ tagħhom bil-makakkerija, biex ineħħu Lili mill-Knisja Tiegħi. In-naħa l-oħra ser ibatu minħabba l-lealta' tagħhom, mhux lejn dawn il-Messaġġi biss, iżda minħabba l-Vera Kelma t'Alla, mogħtija lid-dinja fil-Ktieb ta' Missieri.

Ġesu' Tagħkom.

## Alla l-Missier: Jiena stennejt bil-paċenzja għal ħafna żmien, sabiex niġbor lil uliedi lura għar-Rieda Qaddisa Tiegħi.

It-Tnejn, 27 ta' Jannar, 2014 @ 17.18

Binti l-iżjed għażiża Tiegħi, kemm tibża' meta m'hemmx għal xhiex. **Meta Jiena naghti Rigal lid-dinja ta' dan il-kobor, dan isir b'sens ta' dover, li ġej mill-Imħabba Kbira Tiegħi għal uliedi kollha.**

Jiena nwissikom biex nipproteġikom ilkoll. **Jiena nurikom biċċa Minni f'kull Messaġġ li Jiena nagħti lid-dinja.** Lilek, binti, Jiena nurik kemm nixxennaq biex insir qrib ta' wliedi. Jiena nurik il-Kompassjoni Tiegħi, l-Ferħ Tiegħi, meta ma naqbilx, ir-Rabja Tiegħi, l-Imħabba Tiegħi u l-Ħniena Tiegħi. Għaliex mela, meta nersaq lejkom, intom tibżgħu Minni? Intom qatt m'għandkom tibżgħu minn Missier li jħobb lil uliedu kollha speċjalment lill-midinbin, li jisfidaw bil-miftuħ, kull Liġi mogħtija lilkom Minni, biex niġbed lill-umanita' lejn il-Ħlewwa Tiegħi.

Uliedi, kunu lesti biex taċċettaw il-Ħniena Kbira Tiegħi. Iftħu qlubkom biex tilqgħu Lili, l-maħbub Missierkom. Ħejju biex tilqgħu Lili u sejħu Lili kull darba li jidħol il-biża' fil-ħsibijiet tagħkom, meta tippruvaw taċċettaw dawn il-Messaġġi. **Dawn il-Messaġġi huma uniċi. Huma qed jiġu ppreżentati lid-dinja mit-Trinita' Mbierka. Dawn inqishom bħala l-iżjed Missjoni mportanti fid-dinja minn meta Jien bgħatt lil Ibni l-Waħdieni biex jifdikom.**

Din il-Kelma Tiegħi għandkom taċċettawHa b'qalb grata u b'ringrazzjament. Ilqgħu Kliemi. Kunu kuntenti meta tafu li dak kollu li hu, jibqa' u dejjem ser jibqa' taħt il-Kmand Tiegħi. Jiena dak kollu li hu u li għad ikun. Kull deċiżżjoni dwar il-futur tal-umanita' u d-destin tad-dinja li ġejja, kollha huma Tiegħi. Jiena qatt ma nbeżża' lil uliedi b'intenzjoni. Dak li nagħmel Jiena huwa li nħejjikom għas-Saltna Tiegħi l-Ġdida, ħalli tkunu denji li tidħlu fiHa – meta l-uġigħ u d-dieqa ma jibqgħux iżjed.

Kunu fil-paċi, sbieħ uliedi li tant nixtieq. Intom kollox Għalija. Hawn qed ninkludi lil kulhadd. Il-midinbin kollha. Lil dawk kollha li ma jridux jgħarfuni. Lil dawk kollha li jagħmlu lil Satana idolu tagħhom. Lill-ulied fidili Tiegħi. Lil dawk li ruħhom ġiet maħtufa. Intom ilkoll Tiegħi, u Tiegħi biss. Jiena mhux ser inħalli l-ebda ruħ li tiġi njorata f'dan, l-aħħar attentat Tiegħi, biex inħejji lid-dinja għat-Tieni Miġja tal-Maħbub Iben Tiegħi.

**L-ebda wieħed minnkom m'hu ser jibqa' bla mittiefes mill-Id Tiegħi tal-Ħniena**. Ħalluni niftaħ qlubkom ħalli tkunu mbierka minn Idi.

**Għiduli : 'Missier l-Iżjed Għażiż, ixxabbat u miss il-ġisem u r-ruħ tiegħi bl-Id Tiegħek tal-Ħniena. Ammen.'. Jiena nwieġeb mill-ewwel għas-sejħa tagħkom.**

Morru żgħar Tiegħi u kunu fil-paċi, għax l-Intervent Tiegħi ser ikun il-Grazzja li ssalvakom, ikun kemm ikun iebes il-perjodu li ġej quddiemkom. Jiena ser inkun qed

nistenniekom b'Qalbi kollha Mħabba, biex niftħilkom il-Bieb tal-Ġenna l-Ġdida Tiegħi, filwaqt li nsejħilkom għal Għandi, Missierkom

Jiena stennejt bil-paċenzja għal ħafna żmien, sabiex niġbor lil uliedi lura għar-Rieda Qaddisa Tiegħi. Dak il-Jum huwa fil-qrib u Qalbi tifraħ waqt li tistenna dak il-mument meta l-bniedem jiġi lura fil-post li huwa dritt tiegħu, Ħdejja.

Missierkom li jħobbkom

Alla l-Iżjed Għoli.

## Illum, anqas nies minn qatt qabel, jemmnu fil-Kelma t'Alla.

It-Tlieta, 28 ta' Jannar, 2014 @ 23.15

Għażiża maħbuba binti, tħalli lil ħadd jiddubita li jista' jsib il-Verita' fil-Ktieb ta' Missieri, l-Bibbja l-Iżjed Qaddisa. Il-Kelma qegħda hemm biex jaraHa kulħadd, kif kienet għal sekli. Il-Bibbja Qaddisa, fiHa l-Verita' u dak kollu li hu mistenni mill-umanita' jinsab bil-miftuħ fil-paġni tagħHa.

Kulma ħareg minn fomm il-profeti u d-dixxipli Tiegħi, li kienu mnebbħa mill-Ispirtu s-Santu, jinsab hemm. Il-Verita' tinsab fil-Kelma – dak hu – fil-Ktieb ta' Missieri. Allura għaliex il-bniedem għandu jkollu dubju dwar il-validita' tal-Kelma? Kulma ġie mogħti lill-bniedem, għal ruħu, jinsab fil-Bibbja Qaddisa.

Il-Verita' titniżżel mill-erwieħ b'modi differenti. Dawk li huma erwieħ umli u li jaċċettaw il-Kelma t'Alla u ma jiddubitawhiex. Oħrajn jeħduha u jneħħu biċċiet minnha sakemm ma tibqax tixbaħ il-Verita'. Imbagħad hemm dawk li qatt m'huma ser jaċċettaw il-Kelma, għax ftit li xejn tinteresshom. Huma jaraw il-Verita' li tinsab fil-Bibbja Qaddisa bħala xejn, ħlief stejjer antiki.

Illum, anqas nies minn qatt qabel, jemmnu fil-Kelma t'Alla. Dawk li jemmnu jieħdu biss partijiet li jaqblu ma' l-istil tal-ħajja tagħhom u jersqu 'l bogħod mil-Liġijiet t'Alla, li huma ma jaqblux magħhom. Illum, il-Verita' li qed tiġi mgħallma, hija biss id-dell ta' dak li jinsab fil-Bibbja.

Jiena qed inkellimkom issa, dwar il-Verita' għal tlett raġunijiet. L-ewwel waħda biex infakkarkom fil-Kelma tal-Verita' – li tinsab fil-Ktieb ta' Missieri. It-tieni biex insaħħaħ il-fatt li intom ma tistgħux terġgħu tiktbu l-Kelma t'Alla. It-tielet biex nitma' lil ulied Alla bil-Kelma t'Alla, fi żmien meta, dalwaqt, din ser tiġi miżmuma minnkom. Jiena bħalissa qed nagħmel dan permezz tal-Ktieb tal-Verita', li ġie mwiegħed lilkom permezz tal-profeti. Jekk il-Verita' ma tinżlilkomx tajjeb, intom ma tkunux qed taċċettaw il-Kelma t'Alla. Jekk ma taċċettawx il-Kelma t'Alla, Jiena ma nkunx nista' neħodkom fis-Saltna l-Ġdida Tiegħi u nagħtikom is-salvazzjoni li wegħdtkom, meta Jiena mitt għal dnubietkom fuq is-Salib.

Ġesu' Tagħkom.

**Jiena ser ikolli nintervjeni biex insalva l-umanita' milli teqred lilha nfisha, qabel il-Jum il-Kbir tal-Mulej.**

L-Erbgħa, 29 ta' Jannar, 2014 @ 15.00

Għażiża maħbuba binti, tibkux għalikom infuskom, iżda Għalija, Ġesu' tagħkom, li qed nibki u nbati minħabba l-għaġġla, li biha r-razza umana qed taqa' ġo ħajja perverta u midinba.

Minħabba li Kelmti ġiet irrifjutata minn tant nies, għal tant tul ta' żmien, ħafna nies m'għandhomx direzzjoni jew għarfien meta jiġu biex jagħmlu l-għażliet f'ħajjithom. Erwieħ li ttieħdu 'l bogħod mill-Verita', għandhom biss il-ġibdiet tagħhom u li jimpurthom minnhom infushom biss, biex imexxuhom. Meta tkun mogħmi bik innifsek, bl-immoralita' sesswali, tkun tikkuntenta lilek innifsek u tiġri wara l-ħwejjeġ materjali, dawn jagħmlu ħerba minn ruhek. Xejn m'hu, u lanqas ma jista' jikkuntenthom. Meta jaslu sal-qiegħ fid-dnub, huma jfittxu bis-saħħa erwieħ oħra x'jaħtfu. Dan għax Satana jkun ħataf ruħhom b'tali mod li huwa jużhom biex jiġbed erwieħ oħra fin-nasba tiegħu.

**Il-moralita' ta' l-umanita' tant niżlet fil-baxx, illi dan l-ispirtu tal-ħazen qed jibla' miljuni t'erwieħ kuljum.** O kemm jiżdied l-uġigħ Tiegħi u kemm jeħtieġ xogħol biex titnaqqa din l-infestazzjoni. **Ser jasal żmien meta terz biss mir-razza umana ser ikollha l-grazzja li tagħraf bejn it-tajjeb u l-ħażin.**

Dawk li jilqgħu l-ħazen, f'kull forma tiegħu, ser jippreżentawh bħala ħaġa tajba. **Dalwaqt ser ikollok tkun bniedem kuraġġjuż ħafna, biex titkellem u tiddikjara li 'dan huwa ħażin,' mingħajr ma jgħidulek li inti mxajtan u jistmerruk, għax jibdew jarawha bħala ġennata.**

O kif ser jegħrqu wlied Alla. L-erwieħ bil-qlub iebsa, mimlija mibegħda għall-oħrajn, bla ebda kompassjoni, regħba u ġibda għall-vjolenza, ser jiżdiedu fin-numru. Lilhom ser jammirawhom fid-dinja, meta snin ilu kienu jibżgħu minnhom. Għalhekk Jiena ser ikolli nintervjeni biex insalva l-umanita' milli teqred lilha nfisha, qabel il-Jum il-Kbir tal-Mulej.

**Il-pjan ta' Satana huwa li jeqred l-akbar numru t'erwieħ li jista'. Il-Pjan Tiegħi hu li nwaqqaf din l-infestazzjoni u minhix ser noqgħod naħsibha biex inġibilkom s-sinjali, li huma meħtieġa biex inqajjimkom għall-Imħabba t'Alla u biex tħejju kif inhu xieraq għad-dinja li ġejja.**

Qatt tirrifjutaw l-Id t'Alla. Qatt tinjoraw il-Kelma t'Alla, għax mingħajr dawn il-ħwejjeġ m'intom xejn.

Ġesu' Tagħkom.

**Omm tas-Salvazzjoni: Ftakru li Satana ma jaħmilx din il-Missjoni, għax minħabba fiha sejjer jitlef biljuni t'erwieħ.**

Il-Ġimgħa, 31 ta' Jannar, 2014 @ 15.27

Għeżież uliedi, tħallux il-mibegħda lejn din il-Missjoni tħawwad qlubkom. Minflok, baxxu raskom b'ringrazzjament għal dan ir-Rigal tal-Ktieb tal-Verita', f'dawn iż-żminijiet imħawda fid-dinja.

Il-maħbub Ibni, Ġesu Kristu, kien ittormentat, mistmerr u mċanfar, matul il-Missjoni Tiegħu biex jippriedka l-Verita', waqt iż-żmien Tiegħu fuq l-Art. Dawk li kienu jafu l-Kelma t'Alla rrifjutaw milli jagħrfu lill-Messija li kien imwiegħed, meta Huwa kien quddiemhom. Kliemu kienu jagħmluhom laqx, imma xorta waħda, ma kinux jinjorawhom. **Meta Alla jitkellem permezz tal-profeti Tiegħu, u fil-każ t'Ibni, tal-Messija Veru – jkun impossibbli biex il-bniedem jinjora l-Kelma t'Alla.** Dawk li ma jaċċettawx il-Kelma t'Alla, meta toħroġ minn fomm il-profeti, jsibuha mpossibbli biex jagħtuha daharhom. Minflok, il-mibegħda tittormenthom u ma jkollhomx mument paċi f'qalbhom.

Matul it-Tislib t'Ibni, Huwa kien maħqur u ttorturat, b'inkejja kbira, ħaġa li dawk li kienu msallbin Miegħu fl-istess jum, ma sofrewx. U dawk kienu kriminali kkundannati, filwaqt li l-unika ħtija li kellu Ibni kienet li Huwa qal il-Verita'. **Meta l-Verita' – il-Kelma t'Alla - tintqal mill-profeti, din tkun xabla b'żewġt ixfar. Din iġġib ferħ u Grazzji speċjali lil xi wħud, iżda lill-oħrajn iġġibilhom biża', li jista' jġib il-mibegħda.** Għalhekk meta taraw il-mibegħda fil-forma t'atti ħziena, gideb u liwi tal-Kelma, kunu ċerti li din il-Missjoni ġejja minn Alla. Il-ħafna profeti foloz li jiġġerrew fuq l-Art f'dan iż-żmien, ma jqajmux din ir-reazzjoni, għax huma mhux ġejjin minn Alla.

Ftakru li Satana ma jaħmilx din il-Missjoni, għax minħabba fiha huwa ser jitlef biljuni t'erwieħ. Għalhekk ser tkun mogħdija iebsa għal dawk li jsegwuha. Nħeġġiġkom biex toqogħdu għassa għal dawk li jgħidu li ġew f'Isem Ibni u li jiddikjaraw li din, il-Kelma t'Alla, ġejja mix-Xitan. Huma qed iwettqu wieħed mill-iżjed żbalji gravi ta' dagħa kontra l-Ispirtu s-Santu. Itolbu, itolbu, itolbu għal dawn l-erwieħ. Tirrabjawx għalihom. Minflok, intom għandkom titolbu għall-Ħniena għal ruħhom.

Biex tipproteġu din il-Missjoni kontra Satana, **jiena nitlobkom biex tibdew tgħidu din it-Talba qawwija biex tiċħdu lil Satana. Meta intom tgħidu din it-Talba tal-Kruċjata, mill-anqas darbtejn fil-ġimgħa, intom tgħinu biex tipproteġu din il-Missjoni ta' Salvazzjoni u ġġibu iżjed erwieħ lejn ir-Renju tas-Saltna t'Alla.**

**Talba tal-Kruċjata (132) Iċħdu lil Satana, biex tipproteġu din il-Missjoni.**

***O, Omm tas-Salvazzjoni, idħol għal din il-Missjoni. Għin lilna, l-Armata tal-Fdal, biex niċħdu lil Satana. Nitolbuk biex tisħaq ras il-bestja b'għarqubek u warrab it-tfixkil kollu minn din il-Missjoni biex insalvaw l-erwieħ. Ammen.***

Uliedi, intom tridu tiftakru li qatt m'hi facli  li tgħinu lil Ibni biex jerfa' s-Salib Tiegħu.  It-tbatija Tiegħu ssir tagħkom, meta intom tiddikjaraw r-rabta tagħkom Miegħu.  Meta intom tafdaw fiH għal kollox u tipperseveraw fit-triq tagħkom biex tgħinuH isalva l-erwieħ, intom issiru iżjed b'saħħitkom.  Intom tiġu mogħtija l-kuraġġ, is-saħħa u d-dinjita' li ma taqgħux meta jwaqqgħukom għaċ-ċajt, għad-dagħa u t-tentazzjonijiet, li ser ikunu xortikom ta' kuljum, sa dak il-Jum tat-Tieni Miġja tal-maħbub Iben tiegħi, Ġesu' Kristu.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

**[Ħejju dejjem, kuljum, daqs li kieku t-Twissija kienet ser isseħħ għada, għax din ser tiġi fuqkom f'daqqa waħda.]()**

Il-Ġimgħa, 31 ta' Jannar, 2014 @ 16.13

Għażiża maħbuba binti, **ismagħni issa, Jiena u nitkellem dwar it-Twissija li ġejja. Mingħajr l-Intervent Tiegħi, ħafna mid-dinja kienet tinżel rasha l-isfel għal ġo l-abbiss tal-bestja u qatt ma kienet tara d-Dawl t'Alla. Mingħajr dan il-Miraklu, biljuni t'erwieħ kienu jmorru l-Infern.**

Għalhekk, irrid infakkar li intom għandkom tħejju għal din il-Ġrajja, għax din ser iġġib uġigħ kbir u tbatija għal ħafna. Ser tkun daqs li kieku ħafna niżlu fl-iżjed livell fil-fond tal-Purgatorju, li jnaddaf ir-ruħ bi sħana qawwija u joħloq sens ta' rimors terribbli, li jġib uġigħ fil-gisem.

Ħafna erwieħ sejrin jifirħu. Imma, saħansitra dawk l-erwieħ li huma qrib Tiegħi ser iħossuhom inkwetati meta jkollhom iħabbtu wiċċhom mal-ħażen li għamlu, Quddiemi. Il-mistħija li ser iħossu malajr ser tintesa, hekk kif id-Dawl tal-Ħniena Tiegħi jaħtafhom u jimlihom bil-Grazzji. L-erwieħ li ma jafunix ser jiċċassaw u ħafna ser jaħsbu li huma mietu u qed jiġu ġġudikati Minni, fl-aħħar Jum. Huma wkoll ser jifirħu meta jintwerew il-Verita'. Imbagħad dawk l-imsejkna erwieħ li jperrċu l-ħajjiet midinbin tagħhom, ser ibatu ħafna. Xi wħud mhux ser ikunu jifilħu iżjed u jintefgħu f'Riġlejja filwaqt li jaħbu għajnejhom mid-Dawl Tiegħi, minħabba li l-uġigħ li jieqfu Quddiemi waħedhom u bla difiża, ser ikun wisq għalihom. Huma mhux ser jitolbu għall-Ħniena Tiegħi, għax il-mibegħda tagħhom Għalija hija ġejja mill-fond.

Fl-aħħar, l-erwieħ li ċaħduni għal kollox, u taw lilhom infushom bil-gisem u r-ruħ lill-wieħed il-ħażin, ser isofru torment akbar, daqs li kieku tkaxkru għal ġol-fond ta' l-Infern. Ħafna mhux ser ikunu jifilħu għall-Preżenza Tiegħi u ser jaqgħu mejtin zoptu Quddiemi. Oħrajn ser jippruvaw jgħajtuli, iżda ser jiġu meħudin minn Quddiemi mill-wieħed il-ħażin.

**Wara li jseħħ dan l-Intervent qawwi Tiegħi, biljuni sejrin jikkonvertu u huma wkoll jingħaqdu mal-Knisja tal-Fdal, biex jgħaddu mill-penitenza għal dawk l-erwieħ li nqatgħu għal kollox mill-Ħniena Tiegħi, biex jgħinuni nsalvalhom ruħhom.**

Kollox ser imur sew, għax fl-aħħar mill-aħħar, Jiena Kollni Ħniena, Kollni Tjubija, u Kollni Mħabba. Dawk li jħobbuni ser jiġu mogħtija r-Rigal tal-Imħabba Tiegħi bl-abbundanza. Imħabbti fihom ser tqabbad ix-Xbiha tal-Passjoni Tiegħi u din tinkoraġġihom biex jagħmlu sagrifiċċji b'riparazzjoni għad-dnubiet tal-erwieħ mitlufa li għandhom l-iżjed bżonn tal-Ħniena Tiegħi.

Ħejju dejjem, kuljum, daqs li kieku t-Twissija kienet ser isseħħ għada, għax din ser tiġi fuqkom f'daqqa waħda.

Ġesu' Tagħkom.

**Ħafna minn dak li l-umanita' tieħdu bħala tas-soltu, ser jinqaleb ta' taħt fuq, imma dan huwa meħtieġ.**

Is-Sibt, 1 ta' Frar, 2014 @ 19.53

Għażiża maħbuba binti, **minħabba l-inkwiet il-kbir, li l-umanita' ser ikollha tgħaddi minnu matul il-purifikazzjoni, jkun żball jekk tħalltu l-uġigħ li dan kollu jġib, mat-telfien tat-tama.**

Ħafna minn dak li l-umanita' tieħdu bħala tas-soltu, ser jinqaleb ta' taħt fuq, imma dan huwa meħtieg. Meta titlesta l-purifikazzjoni, jidher sebħ ġdid – f'daqqa waħda u għallarrieda – u d-dinja l-ġdida tiġi ppreżentata lil ulied Alla.

**Jiena nitlobkom, biex filwaqt li dawk li jħobbu Lili u anke dawk li le, ser jgħaddu minn ħafna uġigħ, ħadd minn fostkom m'għandu jaħseb li m'hemmx tama.** Minflok, għandkom tifirħu, għax l-imħabba, hena, paċi u ferħ jinsabu fil-Ġenna l-Ġdida Tiegħi. Meta d-dinja titnaddaf mid-dnub u l-akbar numru t'erwieħ li hu possibbli jkunu ġew ippurifikati, hemm Jiena niġi bħal Għarus, lest biex nilqagħkom. Il-Jum Glorjuż il-Kbir huwa ta min jistennieh bil-ferħ, bl-eċitament u jixxennaq għalih, għax Qalbi hemm toħrog u tingħaqad mad-dinja kollha.

**Il-Bidu l-Ġdid jinsab fil-qabda tagħkom.** Għaddu mill-uġigħ u t-tbatija li ser ikollkom taraw issa, għax dan ma jkun ifisser xejn, meta intom tiġu fid-Dawl Tiegħi, meta Jiena ngħaġġibkom bl-imħabba u l-ferħ, li stennejtu tul ħajjitkom kollha, iżda li qatt ma stajtu tilħqu sa dak in-nhar.

Għinu Lili biex inġib l-erwieħ li ntilfu, lura lejn Dirgħajja. Itolbu għal xulxin. Kunu ferħana. Ittamaw. Kunu fil-paċi. Jiġri x'jiġri 'l quddiem, kunu għafu li l-Imħabba Tiegħi hija aktar qawwija mill-mibegħda. Il-Qawwa Tiegħi tista' Kollox. Il-Ħniena Tiegħi bla tarf. Il-Paċenzja Tiegħi hija kbira.

Morru fil-paċi u aqdu Lili, sa l-aħħar jum, għax il-Jum ta' wara, jkun il-bidu ta' dinja li ma jkollhiex tmiem u fejn il-mewt ma teżistix.

Jiena nħobbkom u ngħożżkom ilkoll.

Ġesu' Tagħkom.

**Omm tas-Salvazzjoni: Dawk kollha ta' twemmin differenti, għandhom jibdew ukoll, jgħidu r-Rużarju Qaddis tiegħi, għax dan jikseb għal kull wieħed minnkom protezzjoni kbira.**

Il-Ħadd, 2 ta' Frar, 2014 @ 17.09

Ulied tiegħi l-iżjed għeżież, **Jiena nitlob li intom tgħidu r-Rużarju Qaddis kuljum minn issa 'l quddiem, biex tipproteġu din il-Missjoni mill-attakki sataniċi.** Meta tgħidu r-Rużarju tiegħi l-Iżjed Qaddis, kuljum, intom ittaffu l-ħażen ta' Satana u dawk li huwa jinfluwenza, fejn jagħmel minn kollox biex ma jħallix l-erwieħ isegwu din is-Sejħa speċjali mis-Sema.

**Dawk kollha ta' twemmin differenti, għandhom jibdew ukoll jgħidu r-Rużarju Qaddis tiegħi, għax dan jikseb għal kull wieħed minnkom protezzjoni kbira. Ir-Rużarju l-Iżjed Qaddis huwa għal kulħadd u għal dawk li jridu jgawdu mill-protezzjoni tiegħi – ir-Rigal li jiena rċevejt minn għand Alla biex niddefendi l-erwieħ mill-wieħed il-ħażin.**

Ħafna minnkom għeżież uliedi, ser jiġu ttormentati sakemm iċedu. Inkella intom ser tinġibdu 'l bogħod minn din il-Missjoni. L-għedewwa t'Alla ser jużaw kull qawwa li għandhom biex iwaqqfukom. Huma sejrin iġebbdukom, jabbużawkom bil-kliem u jakkużawkom ta' ħwejjeg ħżiena. Injoraw dan kollu u ħallu lili, l-Omm maħbuba tagħkom tas-Salvazzjoni, biex nagħtikom il-faraġ u nipprovdilkom il-protezzjoni li għandkom bżonn.

Matul il-Missjoni t'Ibni fuq l-Art, Huwa kien ittradut b'ħafna modi. Kienu jistennewH fl-irħula, bil-ġebel f'idejhom. Meta kien jgħaddi, b'mijiet warajH, kienu jwaddbu dawn il-gebel mill-moħbiet tagħhom, ħalli ħadd ma jkun jaf min huma. **Huma kienu jobogħduH; irrapputawH lill-awtoritajiet tal-Knisja; xerrdu gideb koroh fuqu u qalu li kien jitkellem bi lsien ħażin u jidgħi kontra Alla. U xorta, ħadd minnhom ma seta' jispjega eżatt kif Hu kien ħati ta' dawn il-ħwejjeġ.** Huma mbagħad kienu jgħaddu ħafna ħin iħeġġu lid-dixxipli Tiegħu biex jiċħduH. Ħafna minnhom hekk għamlu. Imbagħad, **il-Fariżej wissew lil dawk kollha li kienu jaduraw fit-tempji, illi jekk kemm-il darba huma jissuktaw jimxu wara Ibni, huma ma kinux ser jitħallew jidħlu iżjed fid-Dar t'Alla.** U ħafna minnhom waqfu jsegwuH. Dawn l-istess erwieħ bkew dmugħ ta' niket u mrar, meta Ibni kien ġie msallab, għax hemm indunaw kemm kienu mxew ħażin Miegħu.

**L-istess ser jiġri lil din il-Missjoni, li qed tħejji t-triq għall-Mulej u l-Jum il-Kbir tat-Tieni Miġja t'Ibni.** Ser isir kull sforz biex tiddgħajjef il-Knisja tal-Fdal. Ser isir kull attentat biex idgħajfu r-rieda tagħkom. Ser jinħoloq minn kull tip ta' pjan biex jinkoraġġikom tagħtu daharkom lis-salvazzjoni tagħkom u ta' l-oħrajn.

Qatt m'għandkom tħallu l-ispirtu tal-ħażen li jitfi l-ispirtu tagħkom, idgħajjef il-fidi tagħkom jew jinkoraġġikom biex tiċħdu lil Ibni. Qatt titilfu l-fiduċja f'Ibni jew fil-wegħda Tiegħu li jerġa' jiġi biex iġib Bidu Ġdid lill-bniedem. Huwa qatt m'hu ser jitlaqkom. Huwa jifhem kemm hija iebsa għalikom ilkoll, l-uġigħ li tgħaddu minnu, kif ukoll is-sagrifiċċji li intom tagħmlu GħaliH.

**Ftakru li intom Tiegħu u li meta intom verament parti Minnu u ċċedu kollox Lilu, intom issiru biċċa mid-Dawl Tiegħu. Id-Dawl t'Alla, li jkun preżenti fl-erwieħ, joħrog id-dlam li hemm fl-erwieħ l-oħra.** Meta Satana juża' l-erwieħ b'dan il-mod, huwa jħalli r-rabja tiegħu tidher u tinħass. Meta jsiru oġġezzjonijiet kontra din il-Missjoni, li hija mbierka minn Alla, huma qatt ma jaraw raġuni jew ikunu kalmi. Il-ferneżija li tintwera, tkun sinjal ċar ta' kemm din il-Missjoni hija mibgħuda minn Satana. Għalhekk għandu jingħad ir-Rużarju Qaddis tiegħi, kuljum, minnkom ilkoll biex tipproteġu din il-Missjoni.

Dejjem afdaw fl-istruzzjonijiet tiegħi, għax lili Ibni qalli biex ngħinkom tegħlbu l-pressjonijiet li ser ikollkom issofru f'Ismu.

Ommkom il-maħbuba.

Omm tas-Salvazzjoni.

## Hekk kif qed jikber in-numru ta' dawk li jimxu wara Satana, huma sejrin jagħmlu minn kollox biex jiddikjaraw fil-pubbliku, l-adorazzjoni tagħhom lejn ix-xitan.

It-Tnejn, 3 ta' Frar, 2014 @ 21.00

Għażiża maħbuba binti, inti ser tagħraf lid-dixxipli Tiegħi, mhux mill-fidi tagħhom biss, iżda mill-ħidma tagħhom. Għalxejn tgħidu li tħobbu Lili, jekk intom ma tgħixux il-fidi tagħkom bil-ħsieb, kliem u għemil. Huwa biss mill-frott li intom tagħmlu, li tistgħu tgħidu li intom veru dixxipli Tiegħi. Meta tgħidu li tħobbu Lili, intom ma tistgħux ċċaħħdu lil dawk li jitolbu l-għajnuna tagħkom – dawk li għandhon ħtiega kbira tal-faraġ tagħkom. **Intom ma tevitawx milli tgħinu lill-oħrajn, li huma ppersegwitati jew miġugħin, jekk intom veru Tiegħi. Intom ma tgħidu xejn ħażin jew bla qalb dwar ruħ oħra, jekk intom fidili lejn it-Tagħlim Tiegħi.**

Min-naħa l-oħra, intom tkunu tistgħu tagħrfu biċ-ċar lil dawk li jagħtu ġieħ Lili, mill-frott li huma jagħmlu. Huma qatt ma jibżgħu jiddikjaraw il-Kelma Vera t'Alla. Huma dejjem jgħidu l-Verita'. Huma qatt ma jgħidu kontra xi ħadd ieħor u jkunu huma minn ta' l-ewwel li jfarrġu lil min ikun marid, lil min huwa fil-bzonn u lil dawk li qed ifittxu l-Verita'. Huma dejjem iġibu l-ħtiġijiet ta' l-oħrajn qabel tagħhom stess, juru paċenzja meta jisfidawhom fl-Isem Qaddis Tiegħi u jibqgħu siekta meta jiġu ppersegwitati, minħabba l-lealta' tagħhom Lejja. Huma dejjem jitolbu għall-erwieħ ta' l-oħrajn u jitolbu Ħniena għall-umanita' kollha. Għalhekk, għalkemm Jiena nitfarraġ u ma nħossnix waħdi minħabba dawn l-erwieħ, Jiena nagħmel minn kollox biex niġbed lill-erwieħ li huma mgħottijin bil-velu tal-qerq, li jġibu Satana f'ħajjithom, għall-Ħniena Tiegħi.

Sakemm qed nistenna li jasal il-Jum il-Kbir, meta Jiena nieħu lura t-Tronn Tiegħi, Jiena jkolli nsofri agunija meta nara lill-bestja, Satana, bilqeda fuq it-tronn tiegħu, dirgħajh mistrieħa, kburi, sieq 'l hawn u 'l ohra 'l hemm, b'ras ta' mogħża, filwaqt li jitpaxxa bl-adorazzjoni li tingħata lilu minn dawk li huwa jwaqqa fin-nasba. Il-mogħza hija s-simbolu tal-infestazzjoni tiegħu, fejn huwa jibla' l-ġisem u r-ruħ ta' dak kollu li jiġi taħt idejh, permezz tad-dnub tal-immoralita' sesswali. L-ewwel mira tiegħu tkun li jħammeġ il-ġisem uman billi jħajjar l-erwieħ jiddegradaw lilhom infushom b'kull mod, permezz tas-sensi. L-influwenza tiegħu tinsab kullimkien u **s-simbolu tal-mogħża u l-qrun tiegħu ser jidhru ma' kull mossa. L-arroganza tiegħu dalwaqt tidher fis-simboli li huwa jħajjar lis-segwaci tiegħu biex juru, ħalli juru r-rabta tagħhom miegħu, f'kull qasam tal-ħajja.**

Hekk kif qed jikber in-numru ta' dawk li jimxu wara Satana, huma sejrin jagħmlu minn kollox biex jiddikjaraw fil-pubbliku, l-adorazzjoni tagħhom lejn ix-xitan u kull min jaħseb li dan ma jistax jagħmel deni, ikun għaqli jekk jieqaf issa stess. Huma ghandhom jitolbu Lili, Ġesu' Kristu, biex ngħinhom jegħlbu il-qawwa tal-ħażen, li ser tahkem lid-dinja minħabba l-qawwa li Satana qed ikollu f'dawn iż-żminijiet.

Għal kull att ta' sfida kontra l-Knisja Tiegħi, Missieri ser jikkastiga lil dawk li jkunu jaħtu għalihom. Għal kull att ta' desagrazzjoni li huma ser iwettqu fit-Tempji Qaddisa t'Alla, huma ser isofru bi sħiħ. Iżda **fil-jum li huma sejrin jiddesagraw il-**

**Ġisem Tiegħi, l-Ewkaristija Qaddisa, kastig kbir, li bħalu qatt ma deher qabel, ser jinżel fuq l-għedewwa Tiegħi.**

**Jiena nitlob lil dawk kollha li jemmnu Fija, l-maħbub tagħkom Ġesu' Kristu, biex tintebħu bl-akbar stmerrija li qed tiġi ppjanata bħalissa biex jeqirdu lil ulied Alla.** Il-pjan kattiv, biex jiġbdu l-erwieħ u jiċħdu lil Alla, billi jbiegħu lilhom infushom bil-ġisem u r-ruħ lill-bestja, qed jiġi maħdum bil-makakkerija kollha, permezz tad-dinja tal-mużika rock, il-films, il-politika u r-reliġjon.

Wasal iż-żmien biex l-infestazzjoni tkun magħrufa lid-dinja, minn ġewwa t-Tempju t'Alla. Filwaqt li ħafna nies kienu jirrifjutaw din l-istmerrija – li kieku din kellha tiġi ppreżentata b'mod miftuħ, - il-verita' hija li mhux ser jindunaw. Iżda meta **s-simboli sataniċi ser jitpoġġew fil-knejjes, dawn ser ikollhom qawwa fuq l-innoċenti u mingħajr it-talb tagħkom, sagrifiċji u tbatija, huma jiġu meħuda 'l bogħod Minni.**

Meta jiġi dak iż-żmien fil-futur, dawn l-erwieħ mhux ser jemmnu lil dawk minnkom li jafu l- Verita'. Imbagħad, **meta l-fosdqa tal-Preżenza t'Alla, tiġi attakkata, permezz tal-Knisja Tiegħu fuq l-Art, l-effetti jinħassu mad-dinja kollha. Hemm id-Dawl t'Alla jitbaxxa, għax il-Preżenza t'Alla tkun intfiet.** Id-dlam biss isaltan.

Jiena nitlob lilkom qaddejja fidili Tiegħi, biex tagħmlu d-dover tagħkom u tibqgħu għassa għall-ħwejjeġ li ġejtu mwissija dwarhom. Lill-qaddejja sagri Tiegħi, li dalwaqt jifhmu biċ-ċar dak li qed iseħħ quddiem għajnejhom, Jiena ngħidilhom dan. Ser ikun bl-Ordni Tiegħi li Jiena ser nagħtikom l-istruzzjonijiet biex twettqu d-doveri qaddisa tagħkom biex issalvaw kemm tistgħu erwieħ, billi tibqgħu fidili lejn il-Kelma Tiegħi u titimgħu l-Merħla Tiegħi, sakemm nidher Jiena fil-Jum il-Kbir.

Ġesu' Tagħkom.

**Alla l-Missier: Jiena nixtieq li intom taċċettaw il-Verita', mhux bid-dubji fi qlubkom, iżda bl-imħabba u l-fiduċja.**

It-Tlieta, 4 ta' Frar, 2014 @ 15.00

Binti l-iżjed għażiża, illum huwa jum speċjali, meta fl-aħħar Jiena ġejt mogħti r-rigal tal-aċċettazzjoni sħiħa ta' din il-Missjoni.

**Meta Jiena mmiss il-qlub ta' l-erwieħ, li Jiena nsejħilhom biex ixandru Kelmti, dan ikun wisq għar-ruh magħżula. Il-Preżenza Tiegħi taħsad, kif ukoll tikkalma. Iġġib taqlib kbir u dan jeħtieg il-fiduċja sħiħa tar-ruħ. Hija xi ħaġa tal-biża' għal kull min jixhed l-Intervent Tiegħi, għax dan ikollu bżonn dixxerniment kbir, minħabba l-konflitt t'emozjonijiet li jinħoloq fir-ruħ.**

**Għall-ewwel, ir-ruħ, tiddgħajjef bil-forza qawwija ta' l-Ispirtu s-Santu u l-ġisem jinħass tqil. Is-sensi joħorġu aktar u l-intellett jittappan. Ftit wara, jinħass il-bżonn naturali li wieħed jistaqsi x'qed jiġri u jistgħu jidħlu d-dubji. Iżda l-Preżenza ta' l-Ispirtu s-Santu ma jmissHa ħadd u tibqa' hekk sakemm isseħħ ir-Rieda Tiegħi, jekk kemm il-darba r-ruħ taċċetta dak li jkun mistenni minnha. Imbagħad ix-xenqa biex l-affarijiet jiċċaraw, flimkien mal-bżonn tal-assigurazzjoni, jaħtfu lir-ruħ. U filwaqt li din tkun qed tfittex il-faraġ u l-kuraġġ, il-Forza ta' l-Ispirtu s-Santu ma tistax tiġi mfixkla, mwaqqfa jew miżmuma.**

**Ir-rieda li r-ruħ tħalli lilha nfisha ssir strument ta' l-Ispirtu s-Santu, biex tiddikjara l-Verita', tfisser li hija ssir bla ebda saħħa biex tinfluwenza l-Kelma, tindaħal fiha jew tbagħbas magħha b'xi mod.**

Minn żmien għal żmien, l-intellett uman jiġġildilHa. Filwaqt li r-ruħ tikkalma bl-Ispirtu s-Santu, u ma tibqax tibża' Minnu, dejjem tibqa' t-tama li l-ħajja terġa' tkompli bħal qabel, għar-ruħ, meta l-Missjoni tispiċċa. Imma, dan mhux dejjem ikun il-każ. Hekk, **f'din il-Missjoni biex niġbor lil uliedi u neħodhom salvi fid-Dinja Tiegħi ta' bla tmiem, m'hemmx tmien għal din il-Missjoni. Ser tibqa' teżisti sa l-aħħar Jum.** Issa li inti qed taċċetta dan il-fatt u m'għadekx tixtieq alternattiva oħra, inti tista' fl-aħħar issib il-paċi f'qalbek, binti.

Uliedi, huwa biss meta intom fl-aħħar taċċettaw ir-Rigal Tiegħi lid-dinja, tal-Ktieb tal-Verita', li intom issibu l-paċi f'qalbkom. Ikun biss meta taċċettaw li Jiena, Alla l-Iżjed Għoli – dak Kollu li Hu u li għad Ikun – li Jiena qed nikkomunika mad-dinja f'dan iż-żmien, li intom tkunu tistgħu tafdawni għal kollox.

Jiena nixtieq li intom taċċettaw il-Verita', mhux bid-dubji fi qlubkom, iżda bl-imħabba u l-fiduċja. Meta intom tagħmlu dan, Jiena nfawwarkom bil-Paċi u l-Imħabba Tiegħi. Hemm biss tintlew bil-hena u l-ferħ. Hemm biss tkunu ħielsa.

Missierkom.

Alla l-Iżjed Għoli.

**Omm tas-Salvazzjoni: Dawn it-Talb, għeżież uliedi, jiġu bi Grazzji kbar magħhom**.

L-Erbgħa, 5 ta' Frar, 2014 @ 15.27

Binti, hija iżjed diffiċli għall-erwieħ li darba kienu jafu lil Ibni u li telqu 'l bogħod Minnu, biex jiġu lura Għandu, milli għal dawk li qatt ma kienu jafuH.

Meta tesperjenzaw l-Imħabba ta' Ġesu' u wara tagħtuH daharkom, dan joħloq vojt kbir f'ħajjitkom. Xejn qatt ma jista' jinbidel mal-Preżenza Tiegħu. Huwa għalhekk, illi meta ruħ tipprova terġa' tiġi lura Għandu, għalkemm Ibni dejjem ikun jistenna b'Imħabba kbira u Paċenzja, dik il-persuna tibqa' mhix ċerta kif ser tiftaħ qalbha.

Jekk tħossukom maqtugħin minn Ibni, qatt m'għandkom tibżgħu ssejħulu. Qatt m'għandkom tistħu turu lilkom infuskom Quddiemu, għax Huwa Kollu Ħniena u jaħfer lil kull midneb, meta jiġi mitlub minn ruħ niedma.

Meta tkunu tixtiequ ssejħu lil Ibni, intom għandkom sempliċement tgħidulu jeħodkom fil-Ħniena Tiegħu u ħallu l-kumplament f'idejH.

Hawn din it-**Talba tal-Kruċjata (133) Sejħa biex nerġa' lura lejn Alla**.

***Għażiż Ġesu', aħfirli, ruħ mitlufa, li caħditek, għax kont għami. Aħfirli għax biddilt l-Imħabba Tiegħek ma' ħwejjeg bla bżonn li ma jfissru xejn. Għinni biex nagħmel il-kuraġġ u nimxi ma' Ġenbek, biex naċċetta bil-gratitudni, l-Imħabba Tiegħek u l-Ħniena. Għinni biex nibqa' qrib tal-Qalb Qaddisa Tiegħek u ma nerġa' nitbiegħed qatt iżjed Minnek. Ammen.***

Dawk li ma jafux lil Ibni u li jixtiequ li jiġu meħuda quddiem it-Tronn t'Alla, l-Iżjed Għoli, għandhom jgħidu din it-**Talba tal-Kruċjata (134) Biex nemmen fl-Eżistenza t'Alla.**

***O Alla l-Iżjed Għoli, għinni biex nemmen fl-Eżistenza Tiegħek. Neħħili d-dubji Tiegħi. Iftaħli għajnejja għall-Verita' tal-ħajja ta' wara din u mexxini lejn il-Ħajja Eterna. Nitolbok tħallini nħoss il-Preżenza Tiegħek u agħtini r-Rigal ta' fidi sħiħa qabel il-jum ta' mewti. Ammen.***

Dawn it-Talb, għeżież uliedi, jiġu bi Grazzji kbar magħhom u dawk li jgħiduhom jiġu murija l-Verita' u qlubhom jintlew b'imħabba kbira, li huma qatt ma kienu ħassew qabel, fuq din l-Art. Imbagħad ruħhom tiġi ppurifikata.

Morru, meta tafu li meta intom tkunu qrib Alla, intom tiġu mbierka bil-Grazzja ta' paċi kbira.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

**Omm tas-Salvazzjoni: Meta s-saċerdoti t'Ibni, ser jiġu wiċċhom ma' dieqa kbira u gustizzja mħaddma ħażin, huma għandhom isejħu lili.**

Il-Ħamis, 6 ta' Frar, 2014 @ 16.15

Binti, meta jasal iż-żmien, **meta s-saċerdoti t'Ibni, ser isibu wiċċhom ma' dieqa kbira u gustizzja mħaddma ħażin, huma għandhom isejħu lili. Jiena ġejt mogħtija l-Grazzja biex inkun nista' nagħmlilhom il-kuraġġ li jeħtieġu biex ikomplu jaqdu lil Ibni.** Qed nirreferi b'mod partikolari għas-saċerdoti tal-Knisja Kattolika, għax huma ser ibatu iżjed minn kull qaddej ieħor t'Alla.

**Meta jasal il-jum fejn huma jiġu msejħa biex jieħdu ġurament, li ser ikun jiċħad id-Divinita' tal-maħbub Ibni, Ġesu' Kristu, huma qatt m'għandhom jiddubitaw l-intenzjonijiet ta' dawk li jitolbu dan minnhom. Meta huma jiġu mitluba biex jibdlu t-tifsira tal-Ewkaristija Qaddisa u jaċċettaw interpretazzjoni ġdida, hemm huma jkunu jafu li s-siegħa tkun waslet. Dak ikun il-jum meta jidħol it-taħsir u t-tmermir tal-ħitan jibda jidher taħt l-isqfa tal-knejjes ma' kullimkien.**

Jiena nixtieq li s-saċerdoti kollha, li ser ikollhom jiffaċċjaw dawn il-provi ta' dieqa, jgħidu din it-**Talba tal-Kruċjata (135) Biex niddefendi l-Verita'.**

***O maħbuba Omm tas-Salvazzjoni, għinni fil-mument tiegħi ta' bżonn. Itlob li jiena nkun imbierek bir-Rigali mferra' fuq ir-ruħ tiegħi li ma jistħoqqilhiex, bil-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, biex niddefendi l-Verita' f'kull ħin. Seddaqni f'dak kollu li jinqala', fejn jiena niġi mitlub biex niċħad il-Verita', l-Kelma t'Alla, s-Sagramenti Qaddisa u l-Ewkaristija l-Iżjed Qaddisa.***

***Għinni nuża' l-Grazzji li nirċievi biex nieqaf sod kontra l-ħażen ta' Satana u dawk l-erwieħ imsejkna kollha li huwa juża' biex iħammeġ lill-Iben tiegħek, Ġesu' Kristu.***

***Għinni fis-siegħa tiegħi tal-bżonn. Minħabba l-erwieħ l-oħra, agħtini l-kuraġġ biex nipprovdi s-Sagramenti lil kull wild t'Alla, meta l-għedewwa t'Alla ma jħallunix nagħmel dan. Ammen.***

Meta jibdew dawn iż-żminijiet, intom għandkom tkunu mħejjija biex tkomplu bil-ħidma t'Alla u ġġorru s-Salib Tiegħu b'rieda soda u bid-dinjita', għal ruhkom stess u għall-erwieħ ta' l-ulied kollha t'Alla.

Ommkom il-maħbuba.

Omm tas-Salvazzjoni.

[**Omm tas-Salvazzjoni: Ħafna sejrin jaħsbu li l-antikrist huwa bniedem qaddis ħafna.**]()

Il-Ġimgħa, 7 ta' Frar, 2014 @ 15.50

**Binti, kieku Ibni, Ġesu' Kristu, kellu jimxi fuq l-Art illum, Huwa kien jiġi maqtul.** L-ebda uffiċjal fil-Knisja Tiegħu ma kien jaċċettaH. Huwa kien jiġi meħud biż-żufjett, imbagħad jibzgħu minnu u tant kien ikun mistkerraH, illi kienu jsallbuH, bħal qabel.

**Din id-darba Ibni ġej fl-Ispirtu biss u bil-Kmand ta' Missieri, Huwa mhux ser jidher fuq l-Art bħala bniedem, bil-ġisem, jiena nħeġġiġkom biex dan il-Messaġġ isir ċar ma' kulhadd, għax ħafna għad jiġu f'Ismu, u wieħed minnhom ser jogħla u jgħid li huwa Ibni, iżda din tkun gidba.**

L-antikrist ser iqum u jsir tant b'saħħtu li l-immaġini tiegħu ser tkun ma' kullimkien. Ser jittellgħu statwi tax-xbiha tiegħu u wiċċu ser jidher il-ħin kollu fl-aħbarijiet u fuq it-television madwar id-dinja. Huwa ser jiġi mfaħħar mill-mexxejja l-iżjed b'saħħithom, imma mhux ser ikun qabel ma huwa jiġi milqugħ bil-miftuħ u wara jkun aċċettat mill-profeta l-falz, illi huwa ser ikollu l-akbar influwenza fuq l-umanita'.

Li kieku kellu Ibni jerġa' jiġi bil-ġisem u jiġbed l-attenzjoni, huma kienu jeqirduH. Iżda minflok, lill-antikrist, huma ser jilqgħuh fid-dinja u jeħduh bħala Ġesu' Kristu.

**Kull Kelma li tinsab fil-Bibbja, f'dak li għandu x'jaqsam mat-Tieni Miġja t'Ibni, ser tiġi rranġata u milwija, biex jikkonvinċu lid-dinja li huma qed ikunu xhieda tar-ritorn ta' Ġesu' Kristu.** L-għedewwa t'Ibni, li jitħalltu ma' dawk il-qaddejja nnoċenti Tiegħu fil-Knejjes t'Ibni ma' kullimkien, ser imexxuhom biex jiżbaljaw. Dawk ta' fuqhom, ser jgħannqu lill-antikrist u jħajru l-erwieħ biex jagħmluh idolu. L-influwenza tiegħu ser taħsad lil ħafna li ser jibqgħu fidili lejn Alla u huwa mportanti li tieħdu ħsieb ruħkom kontra l-ġibda ipnotika tiegħu.

**Il-Midalja tas-Salvazzjoni, meta ġġorruha fuqkom, din, flimkien ma' Grazzji oħra li ġġib magħha, tgħattikom kontra l-qawwa ta' l-antikrist.** Tiżbaljawx, l-antikrist ser isaħħar lil ħafna u huwa sejjer jidher bħala l-aktar qawwi, popolari, karizmatiku u mexxej influwenti ta' kull żmien. Ħafna sejrin jaħsbu li l-antikrist huwa bniedem qaddis ħafna u minħabba r-rabtiet mal-Knisja t'Ibni, miljuni ta' nies ser jikkonvertu għal dak li jaħsbu li hija l-Verita'. Din il-qoxra falza ta' qdusija, ser iġġib id-dmugħ ta' ferħ f'għajnejn dawk li s'issa ma kellhom l-ebda fidi fil-ħajja tagħhom, u lanqas ma emmnu f'Alla. Huma sejrin jimlew lil dan ir-ragel bit-tifħir u jagħtuh il-kreditu li hu salvalhom ruħhom.

Għall-ewwel, l-antikrist ser jidher bħala mexxej kbir li jiġbdek, gustuż u li jħobb. Imbagħad, biż-żmien, huwa jibda jidher li għandu poteri li jfejjaq u ħafna nies ser jitfaċċaw u jgħidu li huma ġew imfejqa minnu. Ħafna ser jgħidu wkoll li raw mirakli fil-preżenza tiegħu. Imbagħad, ikun hemm sensiela ta' deheriet, li fihom jidher is-sinjal ta' l-Ispirtu s-Santu, dawn jidhru ma' kullimkien.

Il-midja ser tagħmlu jidher bħala alla u ftit ser ikunu dawk li jabbużaw iċanfruh fil-pubbliku. Minħabba li huwa jitkellem b'ħafna lingwi, huwa ser jidħaq bil-miljuni fi żmien qasir. Imbagħad, jibdew l-għajdut li Ġesu' Kristu reġa' ġie għat-tieni darba. Dawn ser jingħataw in-nar minn dawk li ser jaħdmu bla mistieħ għall-antikrist biex ixerrdu l-gideb, sakemm biż-żmien, huwa jittieħed bħala Ibni. Dawn il-ħwejjeġ kollha jinstemgħu li wieħed qed jgħaġġibha bħalissa, iżda meta jibdew jinfirxu quddiemkom, ser jidhru qishom sensiela ta' ġrajjiet, li bihom ħafna ser iħossuhom jieħdu r-ruħ.

Imbagħad, meta kull falsita' tkun ġiet mogħtija lid-dinja ta' wara quddiem, minn Satana – l-antikrist, permezz ta' riti sataniċi, jidher tiela' s-sema. **Ibni, Hu u ġej lura, ser jidher nieżel fuq is-sħab – il-kontra ta' meta Huwa tela' s-Sema – eżatt kif wiegħed.**

Hemm, l-antikrist u dawk kollha li adurawh bħal ilsiera, ser jintefgħu fl-għadira tan-nar u l-paċi tkun tagħkom, għeżież ulied. Għax dawk kollha li jibqgħu fidili lejn il-Verita', f'tebqa t'għajn, ser jittellgħu fil-Ġenna l-Ġdida, fejn is-Sema u l-Art isiru ħaga waħda.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

**Jiena qatt ma ninjora lil dawk li huma waħedhom, imdejqin, imbeżżgħin jew mhumiex ċerti jekk Alla jeżistix jew le.**

Il-Ġimgha, 7 ta' Frar, 2014 @ 11.38

Għażiża maħbuba binti, **waqt li l-Messaġġi Tiegħi qed jinfirxu u jqajmu l-ħtieġa biex tħajru lil ħafna jduru Lejja, ser iseħħu ħafna mirakli.**

**Dawk li ma jemmnux, dawk minn kull twemmin u dawk li nqatgħu minni minħabba l-ħajja midinba tagħhom, ser jikkonvertu.** Dan Jiena nwegħdulkom. Il-bniedem li kellu għajnejh magħluqin, ser jiftaħhom. Dawk li kellhom il-mibegħda fi qlubhom, ser jibku dmugħ ta' ferħ meta jitneħħilhom it-toqol tat-tagħbija tagħhom. Il-bniedem li ma jafnix, ser jagħrafni. Ħafna ser jiġu u jsejħu Lili u l-Preżenza ta' l-Ispirtu s-Santu ser tinħass minn ħafna, meta fl-aħħar jaċċettaw li Jiena ndħalt biex insalvhom minn kull saram.

Binti, nitolbok biex taċċerta lil dawk li jħossuhom imnikkta bil-mod kif l-Eżistenza Tiegħi fid-dinja qed tiġi miċħuda. Għidilhom illi għalkemm kull traċċa Tiegħi ser tisparixxi, bil-Grazzja t'Alla, Jiena ser nibqa' ndawwal l-erwieħ ta' dawk li jsejħuli. Jiena qatt m'hu ser nitlaq lil dawk li huma Tiegħi. Jiena qatt ma ninjora lil dawk li huma waħedhom, imdejqin, imbeżżgħin jew mhumiex ċerti jekk Alla jeżistix jew le. Jekk sempliċċement iwarrbu fil-ġenb il-kburija tagħhom u jitolbuni sinjal tal-Preżenza Tiegħi, Jiena nweġibhom. **Qatt qabel Jiena ma ntervjenejt b'dan il-kobor, kif qed nagħmel issa. Hija minħabba x-xewqa Tiegħi biex insalva l-umanita' kollha,** li Jiena qed ninfed għal ġol-qlub ta' dawk li s'issa dejjem ċaħduni, jekk u meta jsejħuli.

Jiena qed nistenna t-tweġiba tagħkom. Ġa qed nara l-imħabba u l-ferħ, li bihom Jiena ser nimla lil qlubkom u lil ruħkom, hekk kif nerġgħu ningħaqdu, għax dik hija l-ħlewwa tal-konverżjoni. Dak ikun il-mument meta tiftħu ruħkom u tħallu d-Dawl t'Alla jġibilkom l-akbar Rigal li qatt tistgħu timmaġinaw – ir-Rigal tal-Ħajja Eterna.

Ġesu' Tagħkom.

## [Omm tas-Salvazzjoni: Missieri ser iċaqlaq id-dinja kemm fiżikament kif ukoll spiritwalment.]

Is-Sibt, 8 ta' Frar, 2014 @ 16.00

Għażiża binti, hekk kif l-Ispirtu s-Santu, Rigal mingħand Alla, niżel fuq l-appostli t'Ibni, hekk ukoll ser jitferra' fuq dawk kollha li jħobbu lil Ibni f'dawn iż-żminijiet.

**Missieri għandu ħafna pjanijiet, li Huwa ser iwettaq, biex isalva lil kull wild minn Tiegħu. Dawn il-pjanijiet huma ta' ħafna ġrajjiet mirakolużi, inkluż it-tferriegħ ta' Grazzja speċjali, rivelazzjonijiet mogħtija lilek permezz ta' dawn il-Messaġġi, biex jiżgura li wlied Alla ma jmorrulux fit-triq il-ħażina, u ħafna interventi oħrajn. Xi wħud minn dawn l-interventi ser ikunu bħala kastigi ekoloġiċi. Meta dawn isiru tant kostanti, l-bniedem ma jkunx jista' jibqa' jgħid illi kull fejn għereq, terremoti, tsunami, vulcani u maltempati ġew ikkawżati min-nuqqas tal-bniedem lejn id-dinja.**

Alla għandu l-kontroll tad-dinja, għax Huwa ħalaqha. Huwa għandu jiddeċiedi x'għandu jsir minnha - ħadd iżjed – għax il-Poter huwa kollu Tiegħu.

**Missieri ser iċaqlaq id-dinja kemm fiżikament kif ukoll spiritwalment,** waqt li l-għemejjel ħżiena tal-wieħed il-ħażin, jikbru f'kull nazzjon. Kull att ta' desagrazzjoni kontra Alla, ser jipatta lura Minnu, u dan iġib kastig li ma jinfelahx. Id-dnub tal-bniedem ser jiġi miġġieled bis-saħħa, minn Missieri u l-bniedem qatt m'għandu jinsa kemm hija kbira l-Qawwa t'Alla.

L-Imħabba t'Alla qatt m'għandha tittieħed 'for granted'. Qatt m'għandkom tħarsu lejH bħala dgħajjef, għax Imħabbtu għal uliedu hija bla tarf. L-Ħniena Tiegħu hija kbira u dawk kollha li jħobbu lil Alla, ser jiġu meħlusa waqt it-tribulazzjonijiet, li ser jitniżżlu fuq l-umanita', meta Alla jitpoġġa mal-ġenb, u postu jeħduh allat foloz u l-ossessjoni tal-umanita' biha nfisha.

**Itolbu, itolbu, itolbu għax kulma ġie mħabbar, bi tħejjija għat-Tieni Miġja t'Ibni, ser jibda issa.** Il-ġrajjiet ser jiġru bil-ħeffa u l-armata ta' Satana ser tattakka l-Knejjes t'Ibni b'pass meqjus, ħalli ftit ikunu dawk li jindunaw. Imbagħad ma jagħtux kas iżjed, għax ftit wara, huma jkunu qarrqu b'tant nies li jispiċċaw taħt difrejhom, illi huma ma jkollhomx għalfejn jaħbu iżjed l-intenzjonijiet veri tagħhom.

Intom, għeżież uliedi, għandkom tħejju issa, ibqgħu kalmi, għamlu dak kollu li ġejtu mogħtija l-istruzzjonijiet biex tagħmlu u itolbu. Ibqgħu flimkien. Ġibu l-Verita' lill-erwieħ oħrajn, itolbu bi sħiħ għall-konverżjoni ta' dawk li ma jemmnux f'Alla u għal dawk kollha li jinsultaw il-memorja t'Ibni, Ġesu' Kristu.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

## Alla l-Missier: M'hemm xejn li Jien ma nagħmilx għal uliedi. L-ebda sagriċifju m'hu kbir wisq.

Il-Ħadd, 9 ta' Frar, 2014 @ 19.00

Binti l-iżjed għażiża, m'hemm xejn li Jien ma nagħmilx għal uliedi. L-ebda sagriċifju m'hu kbir wisq.

Jiena nbaxxi Lili nnifsi u npoġġi Qalbi f'riġlejhom u huma xorta jkomplu jirfsu fuqHa. Jien numilja ruħi billi nsejħilhom permezz ta' dawn il-Messaġġi u huma jiżufjettaw Bija u jistkerrhu.

Jiena ħallejthom isawtu u joqtlu lil Ibni, u huma ma jqisu xejn is-Sagrifiċju Kbir li Jiena għamilt għalihom, biex nagħtihom il-ħajja u neħlishom mill-iskjavitu' tal-wieħed il-ħażin.

Nitkarrbilhom biex ibiddlu ħajjithom u huma jinjorawni. Jiena bgħatt erwieħ magħżulin biex ikellmuhom u jxandrulhom il-Kelma Tiegħi u huma beżqu f'wiċċhom.

Jiena bgħattilhom il-kastigi u huma ma tgħallmu xejn minnhom. Minflok, huma qalu li dawn kienu xorti ħażina u ma kellhom xejn x'jaqsmu Miegħi.

Jiena bgħattilhom Imħabbti, permezz ta' Rigali mirakolużi mogħtija lill-viżżjunarji, qaddisin u profeti, u ftit kienu dawk li għamlu użu minnhom. **Agħtu kas ta' Kliemi issa, il-Ktieb tal-Verita' huwa l-akbar Rigal mogħti Minni lid-dinja, minn meta Jiena bgħatt lil Ibni l-waħdieni biex jifdikom. Jiena qed nagħti dan ir-Rigal prezzjuż ħalli jifthilkom qlubkom, jeħles lil ruħkom mill-irbit mat-tentazzjonijiet tax-xitan u jgħin biex iħejjikom għas-Saltna Tiegħi.**

**L-Intervent Qawwi Tiegħi f'dan iż-żmien ser ifisser illi l-ħeffa li biha l-Kelma Tiegħi ser tinxtered, mil-lum, sejra taħsad u tissorprendi lil ħafna. Meta tisimgħu Kelmti, mitkellma b'kull ilsien, fejn ftit seta' kien hemm imdaħħla l-id umana, intom ikollkom il-prova tal-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu.**

Jiena ser niżgura li l-Ħidma Tiegħi tibqa' għaddejja. Jiena ser ngħaddi minn fuq dawk kollha li jippruvaw iwaqqfuli Idi. Jiena ser ninbotta fil-genb lil dawk li huma mmexxija mill-ispirtu tal-ħażen u nitfi l-ħoss ta' l-ilħna msejkna tagħhom.

Jiena, b'tixjira t'Idi, sejjer insikket lil dawk li jippruvaw iwaqqfu Lili, meta Jiena kulma nixtieq huwa li nsalva lil kull ruħ. Jiena determinat lil ma nħallix dan ix-Xoghol jiġi njorat, għax la darba Jiena nkun tajt l-Awtorita' għal Missjoni, bħal din, tistgħu tibqgħu żguri li l-qawwa tal-bniedem m'hi xejn meta tkun imqabbla magħha.

Oqogħdu kalmi, għeżież uliedi, u afdaw Fija, l-maħbub Missierkom. Imħabbti hija tant kbira li ma tistax tonqos, tidinbu kemm tidinbu bil-kbir. Jien qed nippermetti dawn il-provi, tribulazzjonijiet u pjanijiet ħżiena biex titħassar kull traċċa t'Ibni, għal żmien qasir biss.

Qatt tibżgħu mill-Pjanijiet Tiegħi, għax dawn għandhom għan u dan hu biex inaddfu kull ħażen u jġibulkom ilkoll ħajja ta' Glorja, skond ir-Rieda Qaddisa Tiegħi. Intom għandkom ħafna lejn x'hiex tħarsu quddiemkom. **Kulma nitlob minnkom hu li titolbu u timxu fuq dak kollu li Jiena tajtkom, f'dan iz-zmien, permezz tal-Missjoni Qaddisa Tiegħi biex inġibilkom ilkoll l-akbar, Rigal inestimabbli li Jiena ħloqt għalikom fis-Smewwiet il-Ġodda u l-Art il-Ġdida – il-Ġenna l-Ġdida Tiegħi – hekk kif kellha tkun meta Jiena ħloqt lil Adam u lil Eva.**

Dejjem ftakru fl-Imħabba Tiegħi għalikom ilkoll, meta tħossukom dgħajfa jew vulnerabbli, għax din tant hija kbira li lanqas taslu biex tifhmuha.

Missierkom il-maħbub,

Alla l-Iżjed Għoli.

**Ma tafux li, wara li sseħħ it-Tieni Miġja Tiegħi, ruħkom sejra teżisti għall-eternita'**

It-Tnejn, 10 ta' Frar, 2014 @ 15.43

Għażiża maħbuba binti, **iż-Żmien Tiegħi huwa fil-qrib u s-Sema qed tħejji għall-ikla l-kbira, ta' meta s-Smewwiet u l-Art isiru ħaġa waħda.**

Għaddejjin ħafna tħejjijiet u l-maħbub Missieri qed jippjana ħafna Rigali għal dawk li jafuH. L-anġli kollha u l-qaddisin ingħaqdu biex jitolbu għall-erwieħ, bit-tama li l-bnedmin kollha, speċjalment dawk li m'għandhomx idea ta' l-eżistenza tas-Sema u l-Infern, jiġu mogħtija l-Verita'.

Meta l-erwieħ jiġu mogħtija l-Kelma t'Alla, huma mhux dejjem jilqgħuHa. Minflok, huma jiskartaw il-Kelma, li hija l-uniku mezz ta' salvazzjoni tagħhom. Għaliex il-bniedem huwa daqshekk rasu iebsa u jrid jemmen biss dak li jrid hu u li jissodisfa biss l-ego tiegħu? Għaliex il-bniedem ma jirnexxilux jara r-rabta li hemm bejn id-dnub fil-ħajja tiegħu u s-sens ta' nuqqas ta' sodisfazzjon li huwa jħoss, li ġej min-nuqqas tiegħu li jagħraf li hu m'hu xejn? Huwa biss għall-Imħabba ta' Missieri għad-dinja u għall-ulied kollha Tiegħu, illi l-bniedem ġie mogħti tant ċansijiet biex isir sħiħ. Iżda huwa jagħżel li jgħix nofs ħajja, fejn Alla jiħol biss f'partijiet fejn jaqel lilu.

**Jiena, Ġesu' Kristu, ser niftaħ l-imħuħ ta' dawk li ma jagħrfux il-Kelma t'Alla f'dawn il-Messaġġi, dalwaqt.** Jiena sejjer inġebbed qalbhom u nimlihom bix-xenqa għall-Verita'. Meta intom tkunu mimlijin bil-falsitajiet, ppreżentati bil-gideb u mitmugħin gideb dwar id-dnub u kif dan jidher f'Għajnejn Alla – Jiena ser noqgħod bħal barriera biex nipproteġikom. **Jiena ser indejjaq lil hafna, għax Jiena ma nċedix malajr meta l-bniedem jinjora d-Don ta' l-Ispirtu s-Santu.** Jiena ser inkun bħal xewka f'genbkom – bħall-ħarqa ta' l-alkohol meta jitferra fuq gerħa miftuħa. Ftit ħafna, ser jirnexxilhom jinjorawni, iżda mhux kulħadd ser jaċċetta l-Aħħar Rigal tas-Salvazzjoni Eterna.

Sfortunatament, ħafna sejrin jirrifjutaw l-Aħħar Sejħa Tiegħi u huma sejrin jimxu wara l-bestja minflok, u dan ikun ifisser li huma ser jintilfu għall-eternita'. Ma tafux li, wara li sseħħ it-Tieni Miġja Tiegħi, ruħkom sejra teżisti għall-eternita'?

Intom ser ikollkom tagħżlu l-Ħajja Eterna Miegħi jew dannazzjoni eterna max-xitan. M'hemm xejn bejniethom. Kull bniedem ser jieħu it-triq ta' l-għażla tiegħu.

Ġesu' Tagħkom.

**Fl-aħħar, il-Lhud ser jingħataw il-prova tal-Patt ta' Missieri.**

It-Tlieta, 11 ta' Frar, 2014 @ 23.41

Għażiża maħbuba binti, kif kibret din il-Missjoni u kif sejra tivolvi bil-għaġġla issa, meta qed inħejji għaż-żmien Tiegħi biex niġi.

**Jiena bdejt il-pjan li jmiss biex inġib l-għarfien lill-ulied kollha t'Alla tad-dinja l-ġdida li qed tistenniekom u din it-tħejjija ser tkun maqsuma fi stadji. L-ewwel stadju jkun il-purifikazzjoni. Dan ikun ifisser taħwid, bdil fil-klima, rewwixti u apostasija kbira, li sejrin jikinsu d-dinja. Dawn kollha ser iseħħu fl-istess ħin. Imbagħad taqa' l-Knisja Tiegħi u jkunu biss il-Fdal, li jżommu l-Verita' u jagħtu xhieda tal-Kelma Qaddisa Tiegħi.**

Jiena sejjer niġbor nies minn kull rokna tad-dinja – minn kull twemmin Kristjan, l-ewwel. Imbagħad Jiena niġbed oħrajn Lejja. Fl-aħħar, il-Lhud ser jingħataw il-prova tal-Patt ta' Missieri u huma jinġiebu fis-Saltna t'Alla, kif kien imħabbar.

Bħalissa Leħni jintilef qalb ħafna ilħna oħrajn, iżda ser ikun Leħni biss li huma ser jagħtu kasu, għax Ilsieni bħal xabla u l-Preżenza Tiegħi bħal sajjetta. Meta nħalli l-Preżenza Tiegħi tinħass, din ser tkun fl-iżjed postijiet umli u tinħass minn erwieħ ta' qalb tajba – dawk ġentili kif ukoll dawk makakki. Jiena ser nuri l-Preżenza Tiegħi fost dawk li ma semgħux Bija u għall-ewwel darba, huma ser jistaqsu dwar l-eternita' futura tagħhom u jibdew jiftħu qalbhom Għalija. Kif qed taraw, l-ebda ruħ m'hi ser tibqa' bla minsusa. Xi wħud mhux ser jilqgħuni, imma ser ikunu jafu li Jiena qiegħed hemm.

**Il-Ħin Tiegħi meta sejrin tħossu l-Preżenza Tiegħi, permezz ta' l-Ispirtu s-Santu, huwa qrib ħafna.** Jiena nixtieq li intom tirrikonċiljaw ruħkom Quddiemi u tkunu lesti biex tilqgħu Lili, għax mhux ser tkunu tafu l-ħin jew is-siegħa. Ħaġa waħda ngħidilkom, illi dan ser iseħħ ħabta u sabta.

Ġesu' l-maħbub tagħkom.

**Omm tas-Salvazzjoni:  Dalwaqt, it-talba tas-'Sliema' mhix ser tinstema' iżjed la ġewwa u lanqas barra mill-Knisja t'Ibni.**

L-Erbgħa, 12 ta' Frar, 2014 @ 22.45

Binti, **bħalma x'xbiha t'Ibni, l-Kelma Tiegħu u l-Wegħda Tiegħu li jerġa' jiġi ser jiġu njorati u mbagħad mqaċċta, hekk ukoll ser jiġri lil kull referenza għalija, l-Omm maħbuba tagħkom.**

Dalwaqt, it-talba tas-'Sliema' mhix ser tinstema' iżjed la ġewwa u lanqas barra mill-Knisja t'Ibni.  Ser jeħduha ħafna kontra dawk li jżuru l-Knejjes iddedikati lili u l-gruppi Marjani ser jiġu kkritikati għal diversi raġunijiet, kollha mingħajr raġuni.  Kull verifika dwar l-awtentiċita' tad-deheriet li għandhom x'jaqsmu miegħi, l-Vergni Mbierka Maria, Omm t'Alla, ħadd ma jagħti kashom.  **Kull referenza għalija daqt tiġi mistkerrha mill-qoxra l-ġdida tal-Knisja t'Ibni fuq l-Art.**  Id-devozzjonijiet lejja sejrin jitwaqqfu f'ħafna knejjes, taħt ir-reġim il-ġdid li ser jiddahhal '1 quddiem. **Jiena sejra nintesa u mbagħad ma ninħamilx minn dawk li jgħidu li jirrappreżentaw il-knisja moderna l-ġdida li tinkludi lil kulhadd, li ftit li xejn ser tkun tixbaħ lill-Knisja mwaqqfa fuq il-Ġebla, mill-appostlu maħbub t'Ibni Pietru.**

**Meta taraw id-devozzjonijiet kollha lejja, l-Omm Qaddisa t'Alla, jiġu meqjusa b'dan il-mod, nitlobkom tifhmu li dawn ir-regoli l-ġodda jkunu ddahhlu mill-wieħed il-ħażin.  Il-wieħed il-ħażin ma jaħmilnix, daqs kemm huwa mbeżża' minni.  Huwa jaf li d-devozzjoni ta' l-erwieħ lejja, twaqqaf il-ħażen tiegħu u r-Rużarju l-Iżjed Qaddis isawtu u jħallih bla saħħa.** Dawk il-jiem li għad jiġu, jkollhom jgħaddu minnhom dawk li jħobbuni u jasal żmien meta r-rabta tal-Knisja mal-Knejjes iddedikati lili, għad tinqata'.  Meta dak jiġri, intom tkunu tafu li dan kollu,biex jifirdu l-ulied Alla mill-influwenza tiegħi, li f'dawk iż-żminijiet tant tkun meħtiega, jekk jiena għandi nqarribkom lejn Ibni.

**Ir-rwol tiegħi huwa li nħejjikom għall-Jum il-Kbir tat-Tieni Miġja t'Ibni.**  Jiena fi ħsiebni li nibqa' nsejjaħ lil uliedi sakemm jasal dak il-jum.  Jiena nixtieq biss li nwassal l-erwieħ quddiem Ibni, ħalli huwa jagħtihom is-Salvazzjoni Eterna.  Kollox għandu x'jaqsam mas-salvazzjoni ta' l-erwieħ, iżda ser isir kull sforz mill-wieħed il-ħażin biex iwaqqaf dan milli jseħħ.

Ommkom il-maħbuba.

Omm tas-Salvazzjoni.

## Huma jparlaw biss bil-kliem dwar xi tfisser it-Tieni Miġja Tiegħi.

L-Erbgħa, 12 ta' Frar, 2014 @ 23.00

Għażiża maħbuba binti, l-bniedem, kemm ħaseb li Jiena ser nistenna qabel ma nikkomunika miegħu għal darb' oħra qabel it-Tieni Miġja Tiegħi? Ħaseb li Jiena ser nagħmel dan fis-sena ta' qabel? Ix-xahar ta' qabel? Il-ġimgħa ta' qabel? Jew ħaseb li ma Jiena ser navżah xejn?

**Qabel it-Twelid Tiegħi, d-dinja kienet ġiet imwegħda Messija.** Missieri tkellem permezz tal-profeti, ħalli l-umanita' jkollha tama, għerf u l-Grazzja biex taċċetta l-Kelma t'Alla, ħalli jkunu mħejjija għall-Wasla Tiegħi. Imma huma semgħu? Ħafna semgħu u ħejjew għaż-Żmien Tiegħi. **Sfortunatament, meta Jiena twelidt, huma ma kinux lesti.** Imbagħad Ġwanni l-Battista tahom il-Kelma u wissihom biex iħejju. Imma kienu lesti? Le, huma ma emmnuhx. U xorta waħda, ħafna ġew salvati permezz tal-mewt Tiegħi fuq is-Salib, li ġiet għax irrifjutaw Lili, Jiena fdejthom f'Għajnejn Missieri.

Ħafna tqabdu kontra l-Missjoni Tiegħi dak in-nhar, u xorta ħafna mxew warajja. **Issa d-dinja qed tiġi mħejjija għal darb'oħra permezz tal-Imħabba ta' Missieri għal uliedu kollha. Din id-darba, ser tkun iżjed iebsa. Għalkemm għandhom tant għarfien Tiegħi, huma xorta waħda ser jirrifjutaw li Alla qed jintervjeni u jħejjihom permezz tal-profeta Tiegħu.** Aktar ma jitbegħdu minn Alla, anqas u anqas ikunu jafu dwar il-wegħda Tiegħi. Huma jparlaw biss bil-kliem dwar xi tfisser it-Tieni Miġja Tiegħi għax ħafna minnhom fil-verita' ma jafu xejn dwarha.

**Din id-darba mhux ser jibqgħalhom wisq għażla, ħlief li jaraw is-sinjali, li ser ikollhom ikunu xhieda tagħhom, għax kollox ser jinkixef.** Meta Jiena ngħid li xi ħaga sejra sseħħ u meta din isseħħ, huma sejrin jiċħdu li l-profezija ġiet mill-Kliem li ħarġu minn Xofftejja. Meta huma ser jaraw id-dinja ddur, titheżżeż u kastigi oħra jiġu mferrgħin għal fuqhom, huma xorta ser jargumentaw li hemm raġuni xjentifika għal dan.

Meta l-apostasija l-kbira tibla' d-dinja u tisħaq il-Kristjaneżmu, biex tiffavorixxi l-paganiżmu, huma ser jgħidu li din ħaġa tajba? It-tweġiba hija iva. Għalhekk, meta l-Preżenza Tiegħi dejjem tonqsilha r-reverenza ta' ħafna, x'cans għandha d-dinja kontra Satana? Għalhekk Missieri qed iħejjikom issa, għax Huwa qatt ma jċedi meta jkun qed iħejji lill-uliedu għall-Ħniena Kbira Tiegħu.

**It-tħejjija ta' l-umanita' sejra tkompli u d-dinja ser tiġi mogħtija l-Verita', sabiex il-bniedem jiġi salvat mill-aħħar qerda. Iż-Żmien Tiegħi huwa fil-qrib u l-umanita' kollha għandha ssib il-ħin li huwa meħtieġ biex tħejji r-ruħ tagħha.** Il-ħin qatt m'għandu jiġi moħli fix-xejn meta intom qegħdin tħejju biex tilqgħu Lili. Intom qatt m'għandkom twarrbu l-Kelma mogħtija lil xi profeta t'Alla. Jekk tagħmlu dan, intom tkunu qed tagħtu bil-ħarta Lili, Ġesu' tagħkom, f'Wiċċi.

Is-Salvatur maħbub tagħkom
Ġesu' Kristu.

Omm tas-Salvazzjoni : Dan huwa z-zmien meta l-erwieħ se jkollhom isofru l-uġigħ tal- Purgatorju fid-Dinja

Il-Ħamis 13 ta` Frar, 2014 @ 13:43

Binti l-helwa, għaliex tinkwieta dwar id-diffikultajiet li inti ghandek tiffaċċjaw kulljum fil din il-Missjoni ? Ma tafx li s-setgha kollha qiegħeda f'idejn Missieri,Alla l-Aktar Gholi?

Meta t-tindif finali qed jigi mġarrab mill-umanità, jista ma jkunx pjaċevoli, iżda mingħajru l-erwieħ mhux se jkunu purifikati. Dan huwa z-zmien meta l-erwieħ se jkollhom isofru l-uġigħ tal- Purgatorju fid-Dinja.
Dawk biss li huma puri u b`erwieħ safja jistgħu jidħlu fis-Sema l-Gdida li hija s-Saltna t 'Alla . **Allura minflok ma tkunu mbezzghin ,inħeġġiġkom taċċettaw l-Intervent t`Alla fid-dinja. Kunu rassenjati għal dak li għandu jkun , dak li għandu jseħħ u kwalunkwe azzjonijiet li huma meħtieġa biex jipproteġukom mill-ħażen u l-inġustizzji , li ser ikunu imposti fuq ir-razza umana minn dawk li l-lealtà taghhom hija biss ghalihom infushom u lil dawk li huma aġenti ta' Satana.**

Hija x-xewqa ta`Ibni li l-ewwel jgħaqqad dawk l-erwieħ kollha innoċenti li ma jemnux f'Alla. Ibni jaf li dawk li jħobbu l'Alla , izda li ma jistgħux jaċċettawh, ser iduru lejh fil-ħin. Huwa għandu l-fiduċja f`dawk li verament iħobbuh, izda li jiċħdu l-intervent tiegħu permezz ta' dawn il-Messaggi Divini, hekk kif huma wkoll se jiġu jigru lejh. **Huma dawk li ma jafuhx u dawk li jirrifjutaw li jaċċettaw min hu , li Hu jinkwieta dwarhom l-aktar. Għalhekk dejjem ftakru li dawn l-erwieħ mitlufa ser ikunu l-ewwel erwieħ , li Ibni jixxennaq l-aktar. Dawn huma l-persuni li jweġġgħuh l-aktar ; li jikkawżawlu uġigħ u tbatija terribbli u li kienu l-kawża tad-Dmugħ tiegħu tad-Demm, meta Sofra l-Agunija fil-Gnien.**

Il-Kastigi jintbagħtu, mhux biss bħala piena għad-dnubiet tal-umanità, iżda bħala mezz biex iggib l-umanità f`sensiha u fuq irkopptejha bl-umiltà. Meta l-bniedem jkun meħlus mill-arroganza tiegħu, t-twemmin fil-kobor tiegħu stess u l-idea żbaljata li l-qawwa tiegħu hija ikbar minn t`Alla, allura biss permezz ta` tali purifikazzjoni li hu jista' jsir tajjeb biex joqgħod quddiem Alla.

Persuna li tkun fid-dnub il-mejjet u li tirrifjuta li turi rimors qatt mhi se tkun kapaċi tiflah l-uġigħ tad-dawl t'Alla. Għalhekk, huwa Att ta` Ħniena li Alla jintervjeni, sabiex tipprepara dik ir-ruħ, sabiex ikun jista ukoll jaqsam fil-glorja ta 'Alla. Huwa minħabba l-imħabba ta 'Alla u l-ġenerożità tiegħu , li Hu se jippermetti dawn iż-żminijiet diffiċli , li diġà bdew , biex iseħħu. Mhux għax Hu jixtieq li sempliċiment jikkastiga l-uliedu għall-ħażen tagħhom, iżda biex jiżgura li dawn huma denji ghall-Hajja Eterna.

Omm l-għażiża tagħkom

Omm tas-Salvazzjoni

Sofru fis-silenzju meta intom itturmentati , ssofru minn forom Vili ta ' moħqrija, immalafamati , abbużati jew imwaqqa ghac-cajt f'ismi.

IL-Ġimgha 14 ta` Frar, 2014 @ 22:00

Għażiża maħbuba binti, meta bniedem jgħid li huwa għaref fix-xjenza, huwa jkollu jipprova dan , sabiex intom temmnuh. Meta għalliem jgħid li jaf ħafna affarijiet, intom tkunu tafu kemm hu tajjeb jekk intom tistghu titgħallmu minnu . Meta bniedem ta 'Alla jgħid li jaf kollox dwar Alla , huwa jista' jagħti din l-informazzjoni u intom tkunu infurmati. Iżda , meta bniedem ta ' Alla jgħid li huwa ispirat mill-Ispirtu s-Santu , intom tkunu tafuh biss mill-frott li jipproduċi u mhux mill-għarfien li huwa jagħti.

Meta l-Ispirtu s-Santu qed jahdem dan jirriżulta f'ħafna frott, li jippreżentaw kif ġej : **Nies li huma mressqa lejn l-Ispirtu s-Santu se jersqa eqreb lejn Alla . Huma se jhobbu l-oħrajn b'intensità akbar minn qabel. Huma jaqsmu l-imħabba tagħhom. Imbagħad, dawn jkunu jridu jqattgħu aktar ħin fit-talb u , speċjalment , fejn jitolbu għall-erwieħ tal-oħrajn, aktar milli l-intenzjonijiet tagħhom.**

L-Imħabba ta 'Alla se ssir aktar profonda u aktar personali. U, kif jhallu l-Ispirtu s-Santu jiblahom, dawn se jħossu ħtieġa urġenti li jċedu lilhom infushom bis-sħiħ għall-rieda ta 'Alla. **Dawk li huma ispirati mill-Ispirtu s-Santu mhux se juru mibegħda għal dawk li jiddisprezzawhom. Minflok, huma jagħmlu ħilithom, permezz tat-talb ,biex jitolbuni biex insalva dik r-ruħ.**

L- Imħabba ta 'Alla tista' biss tippenetra ir-ruħ bill-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Il-ruħ se tħoss dejjem paċi u trankwillita, minkejja t-tbatija li huma inevitabbilment se jkollhom isofru, l-eqreb dawn jersqu lejja , Ġesù tagħhom.

Jien ma naqsamx nies. Niġbed l-imbierka - dawk b-imħabba biżżejjed, kkorroborata b 'sens profond ta' umiltà għal Alla – fil-qalb Imqaddsa tieghi. Ladarba mohbiha fi ħdani , ix-xewqa biss tagħhom hi li jġibuli erwieħ. Meta tassew isiru tieghi, fl-unjoni mieghi , dawn se jkunu suġġett ghal-mibegħda. Il mibegħda muriha lilhom mhux se jimpurthom, għaliex mhux se jabbandunawni, jekk l-imħabba tagħhom għallija hija b'saħħitha biżżejjed. Huma jistgħu jaqgħu , minn żmien għal żmien , minħabba li dawn se jkunu l-mira ta ' oppressjoni . Huma se jħossu l-uġigħ tar-rifjut - hekk kif inħoss jien. Huma se jkunu mwaqqa ghac-cajt , ikkastigati u msejjħa boloh- hekk kif kont Jien. Huma se jħossu piż kbir minħabba l-mod se jkunu mwarrba – kif kont jien. **L-Għarfien tagħhom u l-għerf tagħhom , mogħtija lilhom mill-Ispirtu s-Santu , se jkun vjolentement oppost u madankollu, dak li jgħidu f`ismi , se jibqa sod fil-memorji ta' kull min jiġu f'kuntatt.**

Allura , dixxipli għeżież tiegħi , ahsbu fijja hekk kif ,nimxi fostkom. Intom tistghu ma tarawnix , tmissuni jew tharsu fid-Dawl ta' Wicci , izda ghafu li Jiena magħkom , bhal meta kont meta mxejt fid-Dinja ma` l-appostli għeżież tiegħi. Ma nfittixx l-intelliġenti , l-għorrief jew il-bravi tas-soċjetà - għalkemm nilqagħhom u nħaddanhom, kif naghmel lil ulied kollha ta 'Alla . ma nfittixx l-

approvazzjoni tal-istruwit , l-gholi fostkom, il-mexxejja tal-pajjiżi tagħkom jew tal-knejjes. ma nfittixx t-timbru tal-approvazzjoni, li l-bniedem hekk herqan jixtieq. Minflok , **nfittex l-ubbidjenti, l-umli u dawk li jimpurthom biss mill-benesseri tal-oħrajn , l-fuq mill-ħtiġijiet tagħhom stess . Dawn huma l-erwieħ li huma mbierka minn idejja. Imħabba tagħhom għall-oħrajn tirifletti l-imhabba tieghi stess. Huma jaċċettaw s-sofferenza kif naghmel jien li huwa irrilevanti għalihom. Dawn in-nies huma s-sinsla tal-Kristjaneżmu u l-Ispirtu s-Santu huwa sod fl-erwieħ tagħhom , għall-ġid tal-ulied kollha Alla.**

Qatt tisthu mid-don ta' l-Ispirtu s-Santu. Sofru fis-silenzju meta intom itturmentati , ssofru forom Vili ta ' moħqrija, immalafamati , abbużati jew imwaqqa ghac-cajt f'ismi, ghax meta tibqgħu b`raskom baxxuta, d-dimonju u dawk l-erwieħ kollha sfortunati li huwa juża biex jittormentakom, se jonqsu fl-attentat tagħhom biex johdukom il-bogħod minni.

Qumu w iddikjaraw il-fedeltà tagħkom lejja b`ħeffa ta` qalb u purità ta' ruħ u jiena nberikhom bid-Don ta' Paċi u trankwillita.

Ġesù Taghkom

**Omm tas-Salvazzjoni: Dan huwa ż-żmien meta l-erwieħ ser ikollhom jgħaddu mill-uġigħħ tal-Purgatorju fuq l-Art.**

Il-Ħamis, 13 ta' Frar, 2014 @ 13.43

Ħelwa binti, għaliex tinkwieta fuq id-diffikultajiet li tħabbat wiċċek magħhom kuljum f'din il-Missjoni? Ma tafx li l-Poter kollu jinsab f'Idejn Missieri, Alla l-Izjed Gholi?

Meta l-umanita' tkun għaddejja mill-aħħar tindif, dan jista' ma jkunx pjaċevoli, iżda mingħajru l-erwieħ ma jkunux ippurifikati. Dan huwa ż-żmien meta l-erwieħ ser ikollhom jgħaddu mill-uġigħ tal-Purgatorju fuq l-Art. Dawk biss li jkunu puri u ruħhom nadifa, jistgħu jidħlu fil-Ġenna l-Ġdida li hija s-Saltna t'Alla. Għalhekk, **minflok ma tibżgħu, jiena nħeġġiġkom lkoll biex taċċettaw l-Intervent t'Alla fid-dinja. Kunu rrassenjati għal dak li għandu jkun, dak li għandu jseħħ u kull azzjoni li tkun meħtieġa biex tipproteġikom mill-ħażen u l-inġustizzji, li ser jitwettqu fuq l-umanita' minn dawk li r-rabta tagħhom hija biss magħhom infushom u ma' dawk li huma aġenti ta' Satana.**

Hija x-xewqa t'Ibni li jgħaqqad lil dawn l-erwieħ innocenti kollha li ma jemmnux f'Alla, l-ewwel. Ibni jaf li dawk li jħobbu lil Alla, iżda li forsi ma jaċċettawHx, biż-żmien għad iduru lejH. Huwa għandu tama kbira f'dawk li verament iħobbuH, izda li jirrifjutawH f'dawn il-Messaġġi Divini, għax dawn ukoll għad jiġu jiġru Għandu. **Huma dawk li ma jafuHx u dawk li jirrifjutaw li jaċċettaw min Hu, li Huwa jinkwieta l-iżjed għalihom. Għalhekk ftakru li dawn l-erwieħ mitlufa, ser ikunu minn ta' l-ewwel li Ibni jixxennaq għalihom l-iżjed. Dawn huma n-nies li jweġġgħuH l-iżjed; li jġibulu uġigħ kbir u tbatija u li kienu l-kawża tad-Dmugħ tad-Demm Tiegħu, meta sofra l-Agunija fil-Ġnien.**

Il-kastigi jintbagħtu mhux sempliċement bħala kastig għad-dnubiet tal-umanita', iżda bħala mezz li bih iġib lill-umanita' f'sensiha u għarkubtejha fl-umilta'. **Meta l-bniedem jiġi mnaddaf mill-arroganza tiegħu, t-twemmin tiegħu fil-kobor tiegħu nnifsu u t-twemmin żbaljat li l-qawwa tiegħu hija akbar minn dik t'Alla, hemm, ikun biss permezz tal-purifikazzjoni, li hu jsir xieraq li jieqaf quddiem Alla.**

Persuna li tkun fid-dnub il-mejjet u li tirrifjuta li turi rimors, qatt m'hi ser jirnexxilha tissaporti l-uġigħ tad-Dawl t'Alla. Għalhekk huwa Att ta' Ħniena li Alla jintervjeni, biex iħejji lil dik ir-ruh, ħalli din ukoll tkun tista' taqsam fil-Glorja t'Alla. Hija permezz tal-Imħabba t'Alla u l-Ġenerożita' Tiegħu, illi Huwa ser jippermetti dawn iż-żminijiet, li diġa bdew, biex iseħħu. Mhux għax Hu jrid sempliċement jikkastiga lill-uliedu għall-ħażen tagħhom, iżda biex jiżgura li jkunu xierqa għall-Ħajja Eterna.

Ommkom il-maħbuba.

Omm tas-Salvazzjoni.

**Sofru fis-silenzju meta tiġu ttormentati, tbatu taħt attakki vili ta' krudelta', jgħidu l-ħażen fuqkom, jabbużawkom jew jgħaddukom biż-żufjett f'Ismi.**

Il-Ġimgħa, 14 ta' Frar, 2014 @ 22.00

Għażiża maħbuba binti, meta bniedem jgħid li huwa għandu l-għarfien tax-xjenza, huwa jkollu jagħti prova ta' dan, biex intom temmnuh. Meta għalliem jgħid li huwa jaf ħafna ħwejjeġ, intom tkunu tafu kemm huwa tajjeb jekk intom jirnexxilkom titgħallmu minn għandu. Meta bniedem t'Alla jgħid li huwa jaf kollox dwar Alla, huwa jista' jgħaddilkom din l-informazzjoni u intom tieħdu l-għarfien. Iżda, meta bniedem t'Alla jgħid li huwa ġie spirat mill-Ispirtu s-Santu, intom tgħarfuh biss mill-frott li jagħmel u mhux mill-għarfien li jgħaddilkom.

Meta l-Ispirtu s-Santu jkun qed jaħdem, dan jirriżulta f'ħafna frott, li jidher kif ġej: **Nies li jinġibdu lejn l-Ispirtu s-Santu jinġibdu eqreb lejn Alla. Huma jħobbu lill-oħrajn b'intensita' akbar minn qabel. Huma jaqsmu l-imħabba tagħhom. Imbagħad huma jkunu jridu jgħaddu iżjed ħin fit-talb u speċjalment fejn huma jitolbu għall-erwieħ ta' l-oħrajn, minflok għall-intezjonijiet tagħhom infushom.**

L-Imħabba lejn Alla ssir iżjed profonda u personali. U filwaqt li jħallu l-Ispirtu s-Santu jirkibhom, huma jħossu l-bżonn urġenti li jċedu lilhom infushom għal kollox għar-Rieda t'Alla. **Dawk li jkunu spirati mill-Ispirtu s-Santu ma jurux mibegħda għal dawk li ma jaħmluhomx. Minflok, huma jagħmlu minn kollox biex permezz tat-talb, jittalbu Lili biex insalva lil dik ir-ruħ.**

L-Imħabba t'Alla tista' biss tidħol fir-ruħ permezz tal-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Ir-ruħ dejjem tħoss il-paċi u l-kalma, saħansitra waqt it-tbatija li jkollha tgħaddi minnha, iżjed ma toqrob Lejja, Gesu' tagħha.

**Jiena ma nifridx in-nies. Jiena niġbed lil dawk imbierka – dawk li għandhom biżżejjed imħabba, li ġejja minn sens qawwi t'umilta' lejn Alla – għal ġol-qalb Qaddisa Tiegħi.** La darba hemm, l-unika xewqa tagħhom tkun li jġibuli l-erwieħ. Meta huma jsiru verament Tiegħi, f'għaqda Miegħi, huma jsiru s-suġġett tal-mibegħda. L-mibegħda li tiġi murija magħhom ma tagħmlilhomx differenza, għax huma ma jitilqux Lili, jekk imħabbithom Għalija tkun qawwija biżżejjed. Minn żmien għal żmien huma forsi jaqgħu, għax ikunu l-mira tal-oppressjoni. Huma jħossu l-uġigħ ta' min jirrifjuthom – bħalma nħoss Jien. Huma jiġu mgħoddija biż-żufjett, mċanfra u mgħajrin boloh – hekk kif kont Jien. Huma jħossu toqol kbir minħabba l-mod li bih jaqtghuhom 'l barra minn kollox – kif kont Jien. **L-għarfien u l-għerf tagħhom, mogħti lilhom mill-Ispirtu s-Santu, jiġi kkuntrarjat bil-herra u xorta, dak li jgħidu f'Ismi, jibqa' mnaqqax fil-memorja ta' dawk kollha li jiltaqgħu magħhom.**

Għalhekk, għeżież dixxipli Tiegħi, aħsbu Fija, waqt Jiena qed nimxi fostkom. Intom forsi ma tarawnix, ma tmissunix u lanqas ma tħarsu fid-Dawl ta' Wiċċi, iżda kunu għafu li Jiena magħkom, bħalma kont meta kont ngħix fuq l-Art ma' l-appostli Tiegħi. Jiena ma nfittixx l-intelliġenti, l-għorrief, jew il-qawwija tas-soċjeta' – għalkemm Jiena nilqagħhom u ngħannaqhom, hekk kif nagħmel lil ulied kollha t'Alla. Jiena ma nfittixx li jaċċettawni l-imgħallmin, dawk fil-għoli fostkom, il-mexxejja tan-nazzjonijiet jew tal-knejjes. Jiena ma nistenniex it-timbru tal-approvazzjoni li l-

bniedem dejjem jixxennaq għalih. Minflok, **Jiena nfittex id-dgħajfin, l-umli u lil dawk li jagħtu kas tal-ġid ta' l-oħrajn, iżjed u qabel dak tagħhom infushom**. **Dawn huma l-erwieħ li Idi tbierek. L-imħabba tagħhom għall-oħrajn hija mergħa ta' l-Imħabba Tiegħi. Huma jaċċettaw it-tbatija kif nagħmel Jiena u ftit li xejn jimpurthom. Dawn in-nies huma x-xewka tad-dahar tal-Kristjaneżmu u l-Ispirtu s-Santu Huwa mnaqqax f'ruhhom, għall-ġid ta' l-ulied kollha t'Alla.**

Qatt tistħu meta jkollkom id-Don ta' l-Ispirtu s-Santu. Sofru fis-silenzju meta tiġu ttormentati, tbatu taħt attakki vili ta' krudelta', jgħidu l-ħażen fuqkom, jabbużawkom jew jgħaddukom biż-żufjett f'Ismi, għax meta tibqgħu raskom baxxuta, x-xitan u dawk l-erwieħ sfortunati kollha li huwa juża' biex jittormentawkom, ifallu fl-attentati tagħhom li jbegħdukom Minni.

Qumu u ddikjaraw l-alleanza tagħkom Miegħi b'qalb ferħana u ruħ nadifa u Jiena mberikkom bir-Rigal tal-Paċi u t-Trankwillita'.

Ġesu' Tagħkom.

**Omm tas-Salvazzjoni:  L-antikrist ser juża l-hekk imsejħa stigmata, biex bihom jikkonvinċi lid-dinja li hu Ġesu' Kristu.**

Is-Sibt, 15 ta' Frar, 2014 @ 17.14

Binti, meta l-qerq  jibla' l-erwieħ taħt l-influwenza ta' l-antikrist, in-nies ser jiġu mqarrqa b'ħafna mossi, atti u kliem li jkunu ġejjin minnu.  Ħelu u jikkalma u b'aġir trankwill, huwa sejjer jiġġustifika kull dnub kontra Alla.  Saħansitra l-iżjed dnub vili kontra l-umanita' ser jiġi spjegat bil-ħlewwa daqs li kieku ma kien xejn.  Huwa ser jikkonvinċi lil ħafna li meta tieħu l-ħajja ta' xi hadd, dan ikun għall-ġid ta' l-oħrajn u parti mportanti mid-drittijiet umani.  Id-dagħa li ser joħroġ minn fommu, ser jidher ġust u xieraq.  Huwa ser jiġġustifika kollox billi jikkwota l-Iskrittura Qaddisa, b' lura.  Dawk li ser joqogħdu fuq kull kelma minn tiegħu, mhux ser ikunu jafu biżżejjed il-Kelma t'Alla biex ikunu  jistgħu jikkuntrarjawh.  Imbagħad huwa sejjer jagħti l-impressjoni li jitlob il-ħin kollu u jiddikjara li huwa mogħni spiritwalment.

L-antikrist ser ifittex il-kumpannija ta' dawk li jidhru li qed jagħmlu atti kbar ta' karita' u jimxi ma' dawk li jidhru li huma qaddisa f'Għajnejn Alla.

Biż-żmien, in-nies ser jikkonvertu għal dik li jahsbu li hija r-reliġjon waħda dinjija, moħħa miftuħ, li fiha l-antikrist ser jilgħab parti kbira.  Imbagħad, **huwa ser juża kull poter imxajtan, mogħti lilu minn Satana, biex jikkonvinci lid-dinja li huwa għandu l-istigmata li jkollhom il-qaddisin.**  L-antikrist ser juża l-hekk imsejħa stigmata, biex bihom jikkonvinċi lid-dinja li hu Ġesu' Kristu u li ġie biex isalva lid-dinja.  Imbagħad **huwa ser jgħid li qed iħabbar it-Tieni Miġja u dawk li jinżlu f'riglejh jadurawh, ser jinkinsu miegħu mill-Anġlu tal-Mulej, li ser jitfagħhom fl-għadira tan-nar.**

Ommkom

Omm tas-Salvazzjoni.

## Xejn tajjeb ma jista' joħroġ mill-mibegħda, għax din ġejja biss minn Satana.

Il-Ħadd, 16 ta' Frar, 2014 @ 15.47

Għażiża maħbuba binti, **meta l-mibegħda tidħol fl-erwieħ, huma għandhom jitqabdu bil-ġewwieni kollu tagħhom biex jeqirduha.** Jekk le, din tibla' lir-ruħ imsemmija u tkompli tgerrem fiha sakemm tkun kilitha kollha.

**Ix-xitan iġib nuqqas ta' fiduċja, nuqqas ta' kalma, konfużżjoni, biża' u ma jistrieħx qabel ma r-ruħ li jkun immira għaliha, tintela' bil-mibegħda għaliha nfisha u għall-oħrajn. Il-mibegħda f'ruħ toħloq taħwid fost dawk il-persuni li dik ir-ruħ tiltaqa' magħhom. Ir-ruħ infestata tuża' minn kull tattika u tradiment biex tħajjar oħrajn jaqbdu magħha, sakemm ir-ruħ l-oħra tiġi nfestata u hekk ikompli ċ-ċirku.** Il-mibegħda tinfirex bħal virus u tikber għax tkun belgħet l-erwieħ u tieħu pussess tar-ruħ, sakemm dik ir-ruħ tiġi sfurzata biex tgħammar il-mibegħda fost l-oħrajn. Hekk jiġri l-qtil, minħabba l-mibegħda li l-bniedem iħoss għal bniedem ieħor. Il-mibegħda tingħata l-faħam mill-gideb u l-mhux veritajiet u din tkompli tikber sakemm tirbaħ ħafna erwieħ li ħażen biss jista' joħroġ minnhom. Xejn tajjeb ma jista' joħroġ mill-mibegħda, għax din ġejja biss minn Satana.

**Satana huwa giddieb u jiżra' ż-żerriegħa tad-dubju f'dawk l-erwieħ li ma jkunux għassa. Huwa juża d-dnub tal-kburija, kull darba, sabiex joħloq mibegħda ġewwa r-ruħ, għal persuna oħra.** Joħloq in-nuqqas ta' qbil fost ulied Alla, li, minħabba d-dnub oriġinali, huma dgħajfin u jekk ma jkunux segwaċi ġenwini Tiegħi u jimxu mal-Kelma ta' Missieri, huma jispiċċaw vittma tal-qerq.

**Qisu li qatt ma tabbużaw u tiddikjaraw li intom wild t'Alla, fuq naħa, u mbagħad min-naħa l-oħra taqsmu persuna fi tnejn.** Qatt tgħidu li intom mimlijin bl-Ispirtu s-Santu min-naħa, u min-naħa l-oħra tgħidu li ruħ oħra hija qaddejja tax-xitan. Qatt tiġġudikaw persuna oħra b'dak li intom tarawh dnub, meta intom stess waqqajtu x-Xbiha Tiegħi. **Qatt tagħmlu lilkom infuskom fuqi u tgħidu li tafu iżjed Minni, meta intom qed tieħdu t-tmexxija tagħkom minn għand Satana.** Dawk li għajnejhom huma mergħa ta' dawk Tiegħi, jaraw kollox u huma għandhom jitolbu għat-tali erwieħ, ħalli jigu mogħtija l-Grazzja biex jinqalgħu minn taħt difrejn il-bestja.

It-Triq Tiegħi qed issir iżjed iebsa. Dawk biss li jiġu mogħtija l-kuraġġ, li jingħata lilhom mill-Ispirtu s-Santu, ser jirnexxielhom jitilgħuha. Sfortunatament ħafna ser jaqgħu mat-triq, għas-sodisfazzjon tal-wieħed il-ħażin.

Ix-xewk ta' din il-Missjoni iqattgħu fil-laħam u t-tniggiż kattiv ta' mibegħda jista' jinfed il-qalb, imma Jiena huwa dak li qed nimxi quddiemkom u għalhekk Huwa Jiena li qed nieħu l-qilla tal-mibegħda. **Dejjem ftakru, illi l-attakki fuq din il-Missjoni huma attakki kontra Tiegħi. Mibegħda kontra din il-Missjoni hija mibegħda kontra Tiegħi, Ġesu' Kristu.** Intom ma tistgħux tgħidu li tħobbuni b'mod u mbagħad tiddikjaraw il-mibegħda tagħkom Għalija b' modi differenti. Intom jew Miegħi jew kontra Tiegħi. Intom jew temmnu Fija, jew ma temmnux. Jekk temmnu

Fija, intom qatt m'għandkom tippersegwitaw ruħ oħra, għax jekk tagħmlu dan, intom tiġu meħuda Minni mill-għadu Tiegħi u ma jkollkom l-ebda dritt li tgħidu li intom Tiegħi.

Ġesu' Tagħkom.

**Ħuduli ruħ – ħajja – l' bogħod Minni u ħajjitkom stess – s-Salvazzjoni Eterna – ma jibqalkomx dritt għaliha.**

It-Tnejn, 17 ta' Frar, 2014 @ 00.15

Għażiża maħbuba binti, **meta jasal iż-żmien, għall-Aħħar Jum tal-Ġudizzju, ħafna erwieħ ikunu ġa ċaħduni u jkun hemm ħafna biża f'qalbhom.** Għax sa dak in-nhar, il-Verita' tkun bħal għadira ċara kristall, mingħajr tebgħa. Tant sejra tkun ċara l-Verita', illi jkunu daqs li kieku qed iħarsu ġo mergħa. U x'jaraw? **Jaraw Wiċċi, n-Niket Tiegħi, l-Imħabba Tiegħi, dak li ma nixtieqx, ir-Rabja Tiegħi u mbagħad, huma jaraw il-Ġustizzja Tiegħi, għax hemm ma jkunx hemm fejn tmur lura.**

Iż-żmien biex l-umanita' tifdi lilha nfisha huwa issa. Jiena ġejt mogħti dan iż-żmien biex inħejji lilkom ilkoll. Użawh bil-għaqal u intom taraw il-Glorja t'Alla. Aħluh u intom qatt ma taraw id-Dawl jew il-Glorja tas-Saltna Tiegħi. Minflok, intom ikollkom tbatu firda eterna Minni. **L-unika kumpannija tagħkom ikunu qabda lupi – xjaten irrabjati – ġewwa l-abbiss – li hija d-dar tal-bestja**. Dawk kollha li jaqgħu għall-ħażen, ikun fuq liema skala jkun, jibqgħu jaqgħu dejjem aktar u aktar l' bogħod Minni – iżjed ma tiċħdu l-Kelma t'Alla.

Dan iż-żmien gie mogħti lill-umanita', ħalli jħejju ruħhom kif inhu xieraq. Il-Missjoni Tiegħi qegħda biex inneħħilkom l-għanqbut minn għajnejkom, ħalli nurikom xi tridu tagħmlu biex inkun nista' nilqakom fil-Ġenna l-Ġdida Tiegħi.

Din il-Missjoni tista' tkun l-uniku cans biex twassalkom li taħtfu Idi, qabel ma tiġu mixħutin f'vakum ta' qerq. **Satana ddikjara li hu ser jissokta jisraq l-erwieħ ta' dawk li jħobbu Lili. L-mira tiegħu bħalissa huwa li jaħtaf minn Għandi – lil dawk li jħobbu Lili verament. Għaldaqshekk, ser idaħħal minn kull dubju u dagħa f'dawk l-erwieħ li jgħixu ħajjithom skond il-Verita'.** Permezz ta' l-influwenza tiegħu, dawn in-nies sejrin jitilquni. Kburi, Satana jinkini kull darba li Jiena nitlef ruħ, huwa jaħlef li qatt m'hu ser jieqaf milli jindaħal f'din il-Missjoni fuq l-Art, li ġiet imbierka Minni biex issalva l-erwieħ.

**Intom qatt m'għandkom taqbdu ma', jew tiddefendu Lili kontra l-għedewwa Tiegħi.** Qatt tħallu l-Bibbja l-Iżjed Qaddisa minn taħt għajnejkom. Tħallu l-ebda bniedem ibagħbas magħha. Injoraw lil dawk li jippruvaw jikkonvinċukom illi Alla jaċċetta xi attentat biex tinbidel kelma waħda biss, profezija waħda biss, Kmandament wieħed biss, għax dak huwa l-akbar dnub. **Qatt tiksru l-ewwel Kmandament. Ħadd ma jista jkun fuq Alla.**

Kull min fostkom jidneb, għandu jibqa' jiġi lura Għandi, darba wara l-oħra. Qatt tistħu tiġu tiġru Għandi. **Tħallux lilkom infuskom tintlew b' xi tip ta' mibegħda.** Huwa dnubkom li Jiena nobgħod – u xorta naħfru. Jiena nħobbkom u nibqa' nħobbkom. Huwa għax inħobbkom, illi Jiena ġejt mogħti dan iż-żmien biex ngħaqqadkom ilkoll flimkien. **Tħallux il-ħażen jifridkom minn ħukom u oħtkom. Tagħtux kas ta' min jipprova jbegħdkom mill-Ħidma Tiegħi – din il-Missjoni ta' Salvazzjoni.**

Ir-rabta tagħkom Miegħi hija mportanti, għax intom l-Armata tal-Fdal Tiegħi, li ser tkun hi li ssalva l-kumplament tad-dinja milli jgħaddu mill-istess tbatija bħal dawk li rrifjutaw li jisimgħu minn Noe'. **Kull min ikun ħati li hadli mqar ruħ waħda, jsofri ta' dan. Ir-Rabja Tiegħi qegħda fl-agħar tagħha, meta ma tkunux kuntenti tikkonċentraw fuq l-istat ta' ruħkom, intom apposta, tippruvaw tieħdu ruħ oħra magħkom, 'l bogħod mill-Imħabba Tiegħi u s-Saltna Tiegħi.**

Intom ġa kontu ġejtu mwissija qabel, dwar il-konsegwenzi. Issa qed nerġa' nfakkarkom. Ħuduli ruħ – ħajja – l' bogħod Minni u ħajjitkom stess – s-Salvazzjoni Eterna – ma jibqalkomx dritt għaliha.

Ġesu' Tagħkom.

## Meta niġi għall-Ġudizzju, d-dinja sejra titriegħed.

It-Tlieta, 18 ta' Frar, 2014 @ 18.09

Għażiża maħbuba binti, meta din il-battalja għall-erwieħ tisħon, ħafna nies ser jibdew jiddubitaw l-Eżistenza Tiegħi, għall-ewwel, qabel ma jwarrbuni għal kollox.

Ser jinħoloq sostitut ġdid falz Għalija, fl-imħuħ tad-dinja. Sa jabbużaw u jużaw Ismi, iżda l-kliem li ser jgħidu li għandhom x'jaqsmu Miegħi, mhux ser ikunu ġejjin Minni. **Ser jiddikjaraw illi Alla ma jħallix id-dnub tal-bniedem iċajparlu l-ġudizzju Tiegħu. Minflok, jgħidu li Alla d-dnub jinjorah, għax m'hu xejn, u minħabba li l-bniedem huwa dgħajjef, dejjem ser jidneb, jigri x'jigri. Lilkom ser jgħidulkom li Ġesu' jaħfer lil kulħadd, għax il-Ħniena Tiegħi taqbeż il-Ġudizzju Tiegħi.** Din tkun gidba, imma ħafna ser jemmnuha u ma jħossu l-ebda dover li jevitaw id-dnub jew li jfittxu l-maħfra, għax sa dak in-nhar, huma jibdew jemmnu li fil-fatt id-dnub ma jeżistix. Dawn huma l-erwieħ li għandhom l-iżjed bżonn ta' talb. **Ħalli l-ebda bniedem ma jħallat il-Ħniena Tiegħi mal-Ġudizzju Tiegħi, għax huma żewġ affarijiet differenti.**

Il-Ħniena Tiegħi tintwera biss ma' min juri sogħba għal dnubietu. Ma tiġix murija ma' min jieqaf kburi Quddiemi, fejn ma jkun għamel l-ebda attentat biex ifittex il-Maħfra Tiegħi. Meta niġi għall-Ġudizzju, d-dinja sejra titriegħed. U meta l-Ħniena Tiegħi tispiċċa, l-Ġustizzja Tiegħi tinżel bħal mannara. Jiena nikkastiga lill-ħżiena, li ma nkunx nista' ngħinhom iżjed.

Il-bniedem m'għandu qatt, għall-ebda mument, jinjora l-Wegħda Tiegħi. Jiena ser niġi biex niġbor l-ulied kollha t'Alla, iżda sfortunatament ħafna minnhom qatt m'huma ser jidħlu fil-Ġenna Tiegħi, għax huma jkunu ċaħdu Lili, l-Eżistenza Tiegħi u l-eżistenza tad-dnub.

Ġesu' Tagħkom.

## Meta niġi għall-Ġudizzju, d-dinja sejra titriegħed.

It-Tlieta, 18 ta' Frar, 2014 @ 18.09

Għażiża maħbuba binti, meta din il-battalja għall-erwieħ tisħon, ħafna nies ser jibdew jiddubitaw l-Eżistenza Tiegħi, għall-ewwel, qabel ma jwarrbuni għal kollox.

Ser jinħoloq sostitut ġdid falz Għalija, fl-imħuħ tad-dinja. Sa jabbużaw u jużaw Ismi, iżda l-kliem li ser jgħidu li għandhom x'jaqsmu Miegħi, mhux ser ikunu ġejjin Minni. **Ser jiddikjaraw illi Alla ma jħallix id-dnub tal-bniedem iċajparlu l-ġudizzju Tiegħu. Minflok, jgħidu li Alla d-dnub jinjorah, għax m'hu xejn, u minħabba li l-bniedem huwa dgħajjef, dejjem ser jidneb, jigri x'jigri. Lilkom ser jgħidulkom li Ġesu' jaħfer lil kulħadd, għax il-Ħniena Tiegħi taqbeż il-Ġudizzju Tiegħi.** Din tkun gidba, imma ħafna ser jemmnuha u ma jħossu l-ebda dover li jevitaw id-dnub jew li jfittxu l-maħfra, għax sa dak in-nhar, huma jibdew jemmnu li fil-fatt id-dnub ma jeżistix. Dawn huma l-erwieħ li għandhom l-iżjed bżonn ta' talb. **Ħalli l-ebda bniedem ma jħallat il-Ħniena Tiegħi mal-Ġudizzju Tiegħi, għax huma żewġ affarijiet differenti.**

Il-Ħniena Tiegħi tintwera biss ma' min juri sogħba għal dnubietu. Ma tiġix murija ma' min jieqaf kburi Quddiemi, fejn ma jkun għamel l-ebda attentat biex ifittex il-Maħfra Tiegħi. Meta niġi għall-Ġudizzju, d-dinja sejra titriegħed. U meta l-Ħniena Tiegħi tispiċċa, l-Ġustizzja Tiegħi tinżel bħal mannara. Jiena nikkastiga lill-ħżiena, li ma nkunx nista' ngħinhom iżjed.

Il-bniedem m'għandu qatt, għall-ebda mument, jinjora l-Wegħda Tiegħi. Jiena ser niġi biex niġbor l-ulied kollha t'Alla, iżda sfortunatament ħafna minnhom qatt m'huma ser jidħlu fil-Ġenna Tiegħi, għax huma jkunu ċaħdu Lili, l-Eżistenza Tiegħi u l-eżistenza tad-dnub.

Ġesu' Tagħkom.

## It-terremoti tant ser ikunu kbar, illi ser jinħassu minn pajjiżi differenti, fl-istess ħin.

Il-Ħamis, 20 ta' Frar, 2014 @ 18.39

Għażiża maħbuba binti, **meta jasal il-mument biex Jiena nuri Lili nnifsi, fit-Tieni Miġja Tiegħi, id-dinja mhix ser tkun tingħaraf, daqs kemm tkun tbiddlet.**

Il-ħeffa li biha l-umanita' ser tinżel fil-fond fid-dnub, taħsadkom. Kull dnub tal-ġisem ikun fid-deher u ħafna jkollhom jaraw dan f'postijiet pubbliċi. Ftit li xejn ser juru mistħija dawk ħatjin, li bħal iljuni jieklu f'sakra, ser jaqgħu l-iżjed fil-baxx tal-perversjoni, li qatt ma deheret mill-jiem ta' Sodoma u Gomorra. Tant ser tkun kbira l-infestazzjoni, li ser idaħħal il-wieħed il-ħażin, illi l-qtil iseħħ ma' kullimkien u s-suiċidju jogħla mas-sema. Filwaqt li Satana jibla' l-erwieħ, huwa ser jiżgura li kull Liġi li għamel Missieri tinkiser. Qlub bierda, erwieħ vojta u ossessjoni b'allat foloz u spirti ħżiena, ser jieħdu post l-imħabba, li għadha teżisti dan iż-żmien fid-dinja.

Ismi ser jintuża' biex ilissnu oxxenitajiet u jisħtu wieħed lill-ieħor f'qalbhom. Binti, **kultant il-Verita' tista' ma tkunx tinfelaħ, iżda l-ġustizzja sejra tinżel minn Missieri, fuq dawk li jiddesagraw il-Kelma Tiegħu. Il-kastigi kollha li ser jibgħat Missieri, ser iseħħu qabel it-Tieni Miġja Tiegħi.** Bliet jisparixxu, pajjiżi jinħaslu bl-imwieġ tar-Rabja ta' Missieri u t-terremoti jkunu tant kbar li jinħassu minn pajjiżi differenti fl-istess ħin.

Binti inti ġa ġejt mogħtija l-informazzjoni dwar dawn l-ibliet, li ser isofru ħafna. Inti għandek toffrili d-dmugħ tiegħek, bi tpattija għad-dnubiet ta' dawk li ser jintilfu. Mingħajr it-tbatija tiegħek, Jiena ma nistax nagħmel dak li huwa meħtieg biex insalva dawn l-erwieħ. Nitolbok tkun ġeneruża bl-uġigh tiegħek u Jiena nuri Ħniena, ma' dawk li inti tpoġġi Quddiemi.

**Muntanji ser jaqgħu, għadajjar jingħaqdu mal-ibħra u l-artijiet jonqsu b'terz. Ix-xita, li titqabbel mad-Dmugħ Tiegħi ta' Niket, minħabba l-mibegħda f'qalb il-bniedem, ser tkun kontinwa, sakemm id-Dmugħ Tiegħi jiġi xxuttat, permezz tar-rikonċiljazzjoni tal-midinbin, li jikkonvertu.**

**Kunu għafu issa, illi r-Rigali li ġew mogħtija lid-dinja minn Ommi, matul is-sekli, għandhom jiġu wżati biex tipproteġu lilkom infuskom. Kunu għafu wkoll li l-Midalja tas-Salvazzjoni – aktar qawwija minn kull waħda oħra – ser tkun id-difiża tagħkom kontra l-ġibda ta' l-antikrist.** Ser isir kull attentat biex titwaqqaf il-Midalja tas-Salvazzjoni, iżda xejn ma' jista' jwaqqaf il-Qawwiet li hemm marbuta ma' dan ir-Rigal.

Għeżież segwaċi Tiegħi, intom għandkom timmiraw fuq it-talb f'dawn il-jiem u tpoġġu l-fiduċja tagħkom kollha Fija, għax dawk li huma Tiegħi ser jiġu protetti u intom ser tkunu r-raġuni li għaliha Jiena ser nuri Ħniena ma' dawk imsejkna u dawk li ma jemmnux. Intom qatt m'għandkom tiddgħajfu jew taqtgħu qalbkom, għax jekk jiġri dan, intom issibu li t-triq Lejja tkun impossibbli mingħajr id-Dawl Tiegħi, li ser ikun meħtieg ma' kull pass fi triqitkom, jekk tridu li tlestu l-vjaġġ.
Ġesu' Tagħkom.

**Meta Alla jippermetti l-persekuzzjoni tal-Insara u l-Lhud, din tkun għal raġuni tajba.**

Il-Ġimgħa, 21 ta' Frar, 2014 @ 18.00

Għażiża maħbuba binti, l-bniedem huwa ħlejqa vulnerabbli u dgħajjef, imma huwa wild t'Alla. Minħabba li ġo fih hemm sens ta' preservazzjoni, l-bniedem jagħmel dak kollu li jkun meħtieg li jsir, biex jibqa' ħaj. Fi żminijiet ta' tbatija fiżika, kull laqxa ta' saħħa li hemm ġewwa fih tidher aktar. Saħħa kbira s-soltu tidher f'dawk li huma dgħajfa, dawk bil-guħ, dawk milquta fiżikament, l-ippersegwitati u dawk li jsofru taħt idejn dawk li ma jaċċettawx lill-oħrajn minħabba t-twemmin tagħhom. Ikunu dawk l-iżjed dgħajfa fostkom li jsiru l-iżjed b'saħħithom u dawk li jaħsbu li huma b'saħħithom jsiru l-iżjed dgħajfa.

**Jiena qed nifred lil dawk dgħajfa, ta' qalbhom ħelwa, l-umli u dawk li jimxu skond is-sewwa, minn dawk li jgħollu lilhom infushom u jitkellmu bil-kliem biss dwar it-Tagħlim Tiegħi, u mbagħad jisħtu lill-oħrajn f'qalbhom. Bħalissa Jiena qed nagħżel il-qamħ mit-tiben, u minħabba dan, il-fidi ta' kull bniedem ser tgħaddi mill-prova, sakemm hu jew hi jitwasslu sax-xifer.** Jiena qed ninkludi lil dawk kollha li ma jemmnux f'Alla, dawk li jirrifjutaw lil Alla Veru u dawk li taw qalbhom lill-għadu Tiegħi – il-wieħed il-ħażin. Kull ruħ ser titqies l-istess Quddiemi u ser tingħata kull Grazzja lil dawk li bħalissa ma jgħannqunix.

**Id-dinja sejra tiġi għall-prova ta' kemm kull persuna tħobb lill-oħrajn, li hija l-vera xbiha u kejl tal-imħabba tagħhom lejn Alla. Il-ħin tagħkom huwa limitat u sabiex ngħinkom tgħaddu minn dan il-vjaġġ ta' penitenza, intom għandkom taċċettaw illi l-profeti t'Alla sempliċement qed jiddikjaraw ir-Rieda Tiegħu, ħalli intom issiru Tiegħu fil-ġisem u l-ispirtu.** Tirreżistux l-Id t'Alla. Ifirħu, għax il-provi li Missieri qed jippermetti, ser iġibu l-għaqda sħiħa taż-Żewġ Xhieda Tiegħu fuq l-Art – l-Insara u l-Lhud – u minn dawn it-tnejn trid tiġi konverżjoni kbira. Meta Alla jippermetti l-persekuzzjoni tal-Insara u l-Lhud, din tkun għal raġuni tajba. **Minħabba dak li ser ikollhom jgħaddu minnu, ser jiġu ħafna konverżjonijiet u biljuni ta' nies ser jaraw il-Glorja t'Alla, b'moħħ ċar, fejn l-ebda taħwid ma jtellef il-ferħ tagħhom, meta huma fl-aħħar jgħarfu l-Verita'.**

Iż-żmien biex il-Verita' tidher għal dak li hi, inkluż dak li hu tajjeb u ħażin, huwa fil-qrib. U mbagħad xejn iżjed ma jweġġakom. Ma jkunx hemm iżjed firda minn Alla. Fl-aħħar l-imħabba ser tirbaħ fuq kollox. L-Imħabba hija Alla u r-Renju Tiegħu Huwa għall-eternita'. Mhux ser ikun hemm iżjed mibegħda, għax din tkun mejta.

Ġesu' Tagħkom.

[**Ħafna minnkom li issa tgħidu li tħobbu Lili, ser tittraduni kif għamel Ġuda.**]()

Is-Sibt, 22 ta' Frar, 2014 @ 18.35

Għażiża maħbuba binti, wara l-uġigħ għad jiġi l-ferħ, mill-qtigħ il-qalb tiġi t-tama' u mill-persekuzzjoni jiġi l-ħelsien, jekk tħallu f'Idejja u tafdawni f'kollox u għall-Glorja t'Alla.

**Kull ħlejqa tas-Sema, fuq l-Art u taħt l-Art, sejra tinżel għarkubtejha quddiem il-Mulej – kollha, mingħajr eċċezzjoni**. Iżda l-bniedem dgħajjef u midneb, ma jagħtix Glorja lill-Alla – saħansitra dak l-iżjed devot u qaddis – meta dan jonqos milli jagħti lilu nnifsu għal kollox lil Missieri, permezz Tiegħi, l-Iben il-Waħdieni Tiegħu, Ġesu' Kristu. **Sakemm l-ispirtu tal-ħażen jibqa' jeżisti fid-dinja, l-bniedem mhux denju li jieqaf Quddiemi. Intom ma tistgħux tinżlu għarkubtejkom Quddiemi meta intom mimlijin bikom infuskom.** Jiena ma nistax nismagħkom, meta intom tgħalquni barra, ta' tiranni li sirtu, meta Satana jimla moħħkom bid-dnubiet tas-sensi. Dawk biss li jiġu Quddiemi ndaf, li reġgħu ngħaqdu Miegħi, li jistgħu verament ikunu magħqudin Miegħi.

Meta timxu bħallikieku rejiet u tiddettaw lill-oħrajn, filwaqt li tpoġġu fuq tronnijiet ta' din l-art, intom qatt ma tkunu tistgħu tkunu qaddejja Tiegħi. **Meta tkunu tħobbuni verament, ikun xi jkun ir-rwol tagħkom, intom dejjem tgħidu l-Verita'. Intom dejjem tkunu tafu li meta tiddikjaraw il-Kelma Vera Tiegħi, Din dejjem iġġibilkom ħafna kritika.** Dalwaqt ser jiġri, li l-Vera Kelma mhux ser tintqal iżjed, minn dawk li nfiltraw fl-ogħla postijiet fil-Knisja Tiegħi, li jippretenduha li jħobbu Lili, iżda li fil-fatt jistmerru Lili. Imbagħad għalikom il-fidili, biex intom tibqgħu Fija u Miegħi, intom irid ikollkom ħafna kuraġġ.

Kemm minnkom għandhom dan il-kuraġġ? Kemm minnkom ser ikollhom il-ħila jgħaddu mill-persekuzzjoni, li taraw meta intom ixxandru l-Verita'? Hekk hu, b'qalb tqila jkolli ninfurmakom illi ħafna minnkom, li issa tgħidu li tħobbu Lili, - ser tittraduni kif għamel Ġuda. Għax meta l-Kelma Qaddisa Tiegħi tiġi mibdula, u ssir xejn, ġarra vojta, ħafna minnkom sejrin jaċċettaw din id-duttrina falza. Għalhekk ħafna minnkom ser jirrifjutaw din il-Missjoni u jagħtu daharhom lill-Kalċi tas-Salvazzjoni.

Intom għandkom tgħidu din it-Talba tal-Kruċjata biex tgħinkom tibqgħu leali lejn il-Kelma Tiegħi.

**Talba tal-Kruċjata (136) Biex inżomm Kelmtek.**

*Ġesu' l-iżjed għażiż, għinni biex nisma' Kelmtek. Ngħix Kelmtek. Inlissen Kelmtek. Inxerred Kelmtek.*

*Agħtini l-kuraġġ biex inżomm il-Verita' saħansitra meta*

*niġi ppersegwitat talli nagħmel dan. Għinni biex inżomm Kelmtek ħajja, meta din tkun maħnuqa mill-għedewwa Tiegħek.*

*Ħallini nħoss il-Kuraġġ Tiegħek meta nkun imdejjaq.*

*Imlieni bis-Saħħa Tiegħek meta nkun dgħajjef*

*Agħtini l-Grazzja li nieqaf bid-dinjita'*

*meta l-bibien ta' l-Infern jqumu kontrija, talli bqajt leali lejn ir-Rieda l-Iżjed Qaddisa Tieghek. Ammen.*

**Kull xitan mill-Infern jisħet din il-Missjoni, l-aħħar waħda Tiegħi fuq l-Art. Tinħtieġ reżistenza qawwija, kuraġġ kbir u mħabba profonda Għalija, Ġesu' tagħkom, biex tibqgħu leali Lejja**. Id-dgħajfin l-ewwel ma jaqgħu. Imbagħad warajhom jiġu l-bierda u mbagħad dawk biss li huma safja f'qalbhom u bla biża' li jibqgħu weqfin.

Ġesu' Tagħkom

## Meta r-rieda tal-bniedem tiġi kontra r-Rieda t'Alla, ż-żewġ naħat jgħaddu minn uġigħ kbir.

Il-Ħadd, 23 ta' Frar, 2014 @16.03

Għażiża maħbuba binti, meta r-rieda tal-bniedem tiġi kontra r-Rieda t'Alla, ż-żewġ naħat jgħaddu minn uġigħ kbir. Il-bniedem ġie mogħti r-Rigal tar-rieda ħielsa minn Missieri u minħabba hekk, huwa ħieles li jagħmel l-għażliet li jixtieq fil-ħajja u Alla qatt m'hu ser jindaħal ma' dan ir-Rigal mis-Sema. Madanakollu, għal dawk li jixtiequ jaqdu Lili f'kollox, bil-ħsieb li jgħinu Lili nsalva l-erwieħ tal-oħrajn, u li jagħtuni r-rigal tar-rieda ħielsa tagħhom, dan ser ikun vjaġġ iebes ħafna.

Meta tagħtuni r-rieda ħielsa tagħkom, biex nagħmel dak li huwa meħtieg għas-salvazzjoni tal-erwieħ, it-tbatija li tgħaddu minnha hija ħarxa ħafna. Minħabba li r-rieda ma tibqax tagħkom, u n-natura umana hi dik li hi, dan ifisser li tinħoloq taqbida, bejn ir-rieda ħielsa tal-bniedem u r-Rieda t'Alla. Ħafna nies li jħobbu Lili u li jridu li sseħħ ir-Rieda t'Alla f'ħajjithom, dejjem ikunu f'taqbida. **Biex tagħmel ir-Rieda t'Alla, r-ruħ trid tneħħi kull sens ta' kburija u l-ħtiega li tissodisfa x-xewqat personali tagħha.** Intom tistgħu taqdu lil Alla biss, jekk tafdaw Fih għal kollox u toffru Lilu l-provi u t-tribulazzjonijiet tagħkom, għall-ġid ta' kulħadd.

Meta nies li jixtiequ l-ġid, jaqdu lil Alla u jippruvaw jgħixu ħajjithom skond l-istruzzjonijiet Tiegħu, jaqgħu mill-grazzja, huma jħossu l-mistħija. Inkwetati għall-mewt għax telqu lil Alla u għax naqsuH minħabba l-egoiżmu, għax ħassewhom li huma xi ħaga, jew minħabba l-arroganza, huma mbagħad jaħbu wiċċhom mid-Dawl t'Alla. Meta jiġu mdawla bil-Verita', dawn l-erwieħ jistgħu, f'daqqa u mingħajr ma jagħtu ebda twissija, jibdew jiddubitaw mil-fidi tagħhom. Mument huma jħobbu lil Alla b'qalbhom kollha u joffru lilhom infushom fil-kura Tiegħu u l-mument li jmiss, huma jinqatgħu 'l bogħod mis-Sors tad-Dawl. Ikun hemm, illi l-persuna, tuża l-intellett uman, u tiddetta lil Alla dak li hija lesta li tagħmel biex taqdi lil Alla u dan normalment ikun fuq il-kundizzjonijiet tagħha. Iva, r-ruħ tista' tgħid lil Alla: "Jiena naqdik, imma fuq il-kundizzjoni li Inti tagħtini dan u dak il-favur." Ma tafux li ma tistgħux taqdu żewġ sidien, għax Alla Wieħed hemm u Hu jikkmanda. Alla huwa Sid ta' dak kollu li huwa u li għad ikun. Il-bniedem qiegħed hemm biex jaqdi lil Alla, għalkemm Alla jagħmel minn kollox biex ifarraġ lil uliedu.

**Meta ssibu li qegħdin tiddubitaw lil Alla jew titilfu l-kunfidenza tal-Imħabba Tiegħu jew il-Wegħda Tiegħu, hemm intom għandkom tgħidu din it-Talba tal-Kruċjata, li ser tkun magħrufa bħala t-Talba ta' Restawrazzjoni.**

**Talba tal-Kruċjata (137) Talba ta' Restawrazzjoni**

*O Alla li Tista' Kollox, O Alla l-Iżjed Għoli, ħares lejja, qaddej umli Tiegħek, b'imħabba u ħasra f'Qalbek. Ħudni lura fid-Dawl Tiegħek.*

*Erga' ħudni taħt il-Ħarsien Tiegħek. Imlieni bil-Grazzja, ħalli noffri lili nnifsi Lilek u naqdik bl-umilta' u skond ir-Rieda l-Iżjed Qaddisa Tiegħek.*

*Eħlisni mid-dnub tal-kburija u minn dak kollu li jinsulta Lilek u għinni biex inħobbok b'xewqa profonda u sogħda, li naqdi Lilek il-jiem kollha ta' ħajti għal dejjem ta' dejjem. Ammen.*

**Nitlobkom tiftakru li huwa faċli ħafna li tagħtu daharkom lil Alla u kulma trid hija persuna waħda li titfa' dubju f'ruħek dwar it-Tjubija t'Alla u l-Ħniena Kbira Tiegħu għal uliedu kollha.**

Hemm bżonn kuraġġ kbir u deċiżjoni sogħda li tibqgħu leali lejn il-Kelma t'Alla, iżda jekk ma titolbux għall-Grazzji biex taqduH kif jixraq, intom ma jkollkomx il-ħila tagħmlu dan waħedkom.

Ġesu' Tagħkom

**Omm tas-Salvazzjoni:  Kull referenza għall-Infern ġiet imneħħija u l-bniedem qed jgħix f'sens ta' sigurta' falza.**

Il-Ħadd, 23 ta' Frar, 2014 @ 16.28

Binti, sakemm ir-renju ta' Satana jibqa' jeżisti, il-verita' dejjem sejra tibqa' mistura.

Mill-mewt t'Ibni fuq is-Salib, kull attentat biex tinxtered il-Kelma Tiegħu ġie mfixkel.  U minn meta xtered il-Kristjaneżmu, nfetħu ħafna xquq u d-Duttina kif kienet mogħtija minn Ibni, permezz tad-dixxipli Tiegħu, ġiet adattata.  Il-Verita' dejjem ġiet imbagħbsa, imma b'dan kollu, l-Kelma t'Alla tibqa' ħajja fid-dinja u l-Preżenza t'Ibni, fl-Ewkaristija Qaddisa, nżammet.

**Il-verita' li għandha x'taqsam mal-eżistenza ta' Satana u r-realta' tal-Infern, issa ilha miżmuma għal għexieren ta' snin u din kellha effett ħażin fuq is-salvazzjoni ta' l-umanita'.** Kull referenza għall-Infern tneħħiet u l-bniedem qed jgħix f'sens ta' sigurta' falza.  Għalhekk issa, illum, ftit nies jemmnu fl-eżistenza tax-xitan jew l-abbiss ta' l-Infern.  **Din il-gidba ġabet l-inkwiet kollu lill-umanita' u minħabba fiha, ntilfu ħafna erwieħ, għax l-Infern qed jiġi miċħud**.  **Id-dnub il-mejjet m'għadux jittieħed bħala realta' għalhekk ma jsir l-ebda sforz biex  jiġi evitat.** Dawk li jaqdu lil Ibni, Ġesu' Kristu, fil-Knejjes Tiegħu għandhom id-dmir li jħejju l-erwieħ, biex ikunu xierqa li jidħlu fis-Saltna tas-Sema.

**L-Infern jista' jiġi evitat, meta wieħed jifhem il-konsegwenzi tad-dnub il-mejjet, iżda l-ebda kelma ma tissemma dwar dan.** L-erwieħ jintilfu għax huma qatt ma jiġu mmexxija kif jixraq biex jevitaw id-dnub u jfittxu l-indiema.  Biex issiru denji li tidħlu fis-Saltna t'Ibni, intom għandkom tgħaddu l-ħin tgħixu ħajjitkom, skond il-Kelma t'Alla.  Nitlobkom tinjorawx il-Vertia', għax jekk tagħmlu hekk, intom tintilfu.

Itolbu, itolbu, itolbu li l-umanita' taċċetta l-eżistenza ta' Satana, għax qabel ma jiġri dan, huma qatt ma jistgħu jaċċettaw verament il-Wegħda t'Ibni tal-Fidwa.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

**Intom, iż-żewġ xhieda Tiegħi fuq l-Art, għandkom tieqfulhom.**

It-Tnejn, 24 ta' Frar, 2014 @ 16.00

Għażiża maħbuba binti, l-għedewwa Tiegħi ma jinsabux fil-ġerarkija ta' reliġjonijiet foloz. Ħafna minn dawk l-erwieħ ma jafux aħjar minn hekk u huma għad jaċċettawni meta nuri Lili nnifsi lilhom. Huma dawk li qed joħolqu l-apostasija l-kbira, minn ġewwa l-Knisja Tiegħi stess fuq l-Art, li huma l-iżjed perikolużi.

Mhux dawk kollha li jiġu libsin bħala qaddejja Tiegħi, huma minn Tiegħi, iżda kunu għafu dan. **Is-siegħa Tiegħi hija fil-qrib u eżatt qabel it-Tieni Miġja Tiegħi, l-pesta tal-apostasija sejra tinżel u tibla' l-Knisja Tiegħi fuq l-Art. Filwaqt li dawk il-lupi libsin ta' ngħaġ, jidħqu bid-dinja u jagħtuha x' tifhem li d-Dar t'Alla taċċetta minn kull twemmin, inklużi dawk li jiċħdu Lili, Ġesu' Kristu, huma ser jikkonvinċukom illi din hija l-akbar evanġelizazzjoni li qatt rat id-dinja.** U warajha din sejra tħalli r-Rabja t'Alla. Sakemm id-dinja u r-reliġjonijiet kollha tagħha jkunu qed jiġu evakwati għal ġo din il-knisja ġdida falza, tkun qed titħejja t-triq biex, kollhom kburija, jdaħħlu l-bniedem li ma joqgħodx taħt il-liġi.

Filwaqt li dawk minnkom li jibqgħu għassa għat-Twissija Tiegħi u dawk li jisfidaw u jibqgħu jżommu l-Kelma Tiegħi ser isofru, Jiena sejjer nagħtikom is-saħħa biex tgħaddu minn din il-ġrajja ta' niket. Dawk l-imposturi li jkunu raw kif għamlu u daħlu fil-Knisja Tiegħi, jkunu ġa qarrqu b'ħafna u huma jkomplu jqarrqu bil-miljuni, nklużi t-twemminijiet kollha Kristjani, flimkien ma' dawk li Lili ma jonorawni xejn. Dawn il-qarrieqa kollha ser ixerrdu l-ereżija u biż-żmien huma sejrin iwaqqfu reliġjon waħda għad-dinja kollha. L-ebda twemmin ieħor ma jkun aċċettat, ħlief din id-duttrina ġdida falza – d-duttrina mill-Infern. **Il-Kristjani u l-Lhud ser ikunu dawk iż-żewġ twemminijiet li minnhom sejra toħroġ il-Fdal.**

Meta l-profeziji Tiegħi jġibulkom id-dmugħ f'għajnejkom, kunu għafu li minhabba li Jiena nberikkom permezz ta' din il-Missjoni, u nagħtikom nervituri tal-azzar u determinazzjoni tal-ħadid, intom sejrin tibqgħu leali Lejja, Ġesu' tagħkom.

Intom, iż-żewġ xhieda Tiegħi fuq l-Art, għandkom tieqfulhom. Irreżistu kull tentazzjoni biex titilqu Lili u ppersistu fl-imħabba tagħkom Għalija, l-ħin kollu. **Il-Knisja Tiegħi tal-Fdal ser tiġi ffurmata, kemm barra minn din il-Missjoni, kif ukoll minn ġewwa fiha. Dawk fostkom li tirrifjutaw din il-Missjoni bħalissa, iżda li intom ġenwieni f' imħabbitkom Lejja, intom ukoll sejrin tidħlu fl-Armata tal-Fdal Tiegħi fuq l-Art. Dak in-nhar li jiġri dan, intom tindunaw li l-Ktieb tal-Verita' kien verament Rigal mis-Sema biex jgħinkom fl-aħħar vjaġġ tagħkom lejn is-Saltna Tiegħi u l-Ħajja Eterna.** Hemm biss, intom tifirħu u ssiru bla biża', għax ikollkom il-kunfidenza kollha li teħtieġu biex twasslu glorja lil Alla.

Ġesu' Tagħkom.

## L-'alla' li huma sejrin ixandru, mhux ser ikun il-maħbub Missieri

It-Tlieta, 25 ta' Frar, 2014 @ 13.50

Għażiża maħbuba binti, **kien ġa ġie mħabbar illi l-mibegħda tal-umanita' lejn Alla għad tilħaq livelli qatt milħuqa qabel, fl-aħħar żminijiet.** In-nies ta' dak iż-żmien mhux ser ikollhom il-ħila jagħżlu bejn it-tajjeb u l-ħażin. Il-konfużżjoni tnebbet ġewwa fihom u hemm isaltan id-dlam tar-ruħ, li ftit li xejn iġibilhom paċi.

Alla jiġi miċħud. Jiena, l-uniku Iben Tiegħu, ser niġi mwaqqa' għaż-żufjett u d-Divinita' Tiegħi tiġi miċħuda. **Dawk kollha li jħobbu Lili ser jiġu ttantati biex jitilqu dak kollu li Jiena għallimthom.** Kull persuna li tiċħadni, sejra tipprova tiġġustifika għala qed tagħmel dan. Dawn ikunu r-raġunijiet tagħhom. "*Ġesu'* – huma sejrin jgħidu – *qiegħed biss biex jidher bħala mexxej, profeta, mibgħut biex jgħallem lin-nies il-Verita'*." **Huma malajr jibdew jemmnu li d-Divinita' Tiegħi kienet gidba u rabta biss m' Alla – Alla tat-Tjubija – huwa dak kollu li jinħtieġ, għar-reliġjonijiet kollha, biex dawn jingħaqdu ħaġa waħda.**

L-'alla' li huma sejrin ixandru, mhux ser ikun il-maħbub Missieri. Minflok, **huma sejrin jagħmlu idoli lil spirti foloz, mlibbsin t'anġli t'Alla.** Hija u tifrah, id-dinja, flimkien mal-Kristjani, li jibqgħu leali Lejja u l-Lhud li jibqgħu leali lejn Missieri, il-mument tat-Tieni Miġja Tiegħi ser jasal tant ħesrem, illi verament ftit ikunu dawk imħejjija. Imbagħad il-persekuturi jiġu mmutati, il-ħżiena meqruda u dawk li isimhom ikun fil-Ktieb tal-Ħajjin, jingħaqdu lkoll u jgħixu ħajja ta' glorja eterna.

Ġesu' Tagħkom.

**Alla l-Missier:  Il-Perfezzjoni tal-Ġenna l-mitlufa, sejra tiġġedded għall-Glorja li kellha qabel.**

L-Erbgħa, 26 ta' Frar, 2014 @ 16.26

Uliedi, isimgħuni , meta Jiena qed insejħilkom u niddikjara l-Imħabba profonda Tiegħi li ma tmut qatt, kollha kemm hi għalikom.  Qalb il-provi u d-dwejjaq, il-krudelta', il-ħażen u kif wkoll il-ferħ u l-paċi, Jiena kmand ta' kollox.

**Wasal iż-żmien biex il-purifikazzjoni tintensifika, imma xejn ħlief ġid m'hu ser joħrog minn dawn iż-żminijiet.** Ħarsu lejn dawn iż-żminijiet daqs li kieku tifel jew tifla  jinsabu fis-sodda għax qabdithom marda, li ġġibhom dgħajfin, bla saħħa, tonqoshom l-enerġija, n-nutrienti u għandhom deni għoli ħafna.  Dan ma jiġix għall-aħjar qabel ma jinżel id-deni u madanakollu huwa d-deni li jeħilsu mill-marda.

Il-purifikazzjoni tal-bniedem kienet mħabbra u Jiena nippermettiha, ħalli neħles lill-umanita' mill-mard li jsawwat il-qlub u l-erwieħ ta' dawk li ma jafunix sew.  Il-firdiet fid-dinja sejrin jiżdiedu, qabel ma jintfew.  **Il-gwerrer, li jfaqqgħu u jeqirdu, ser jisparixxu u l-paċi ssaltan.** L-apostasija tiksi ħafna erwieħ, iżda wara, ħafna minn uliedi jaraw il-Verita' u jiġu jiġru Għandi, permezz ta' l-imħabba li ser jesperjenzaw għall-maħbub Iben Tiegħi, Ġesu' Kristu.

Il-Ħolqien Tieghi isir perfett, meta Satana u kull xitan li jinfesta lid-dinja jkun ġie eżiljat.  Id-Dawl jitqawwa, il-Perfezzjoni tal-Ġenna l-mitlufa, sejra tiġġedded għall-Glorja li kellha qabel u l-umanita' ssir ħaġa waħda Miegħi.

**Il-Wegħda Tiegħi li nġibkom lura fil-Ġenna, li Jiena ħloqt għal kull wieħed minnkom, qabel ma intom ħadtu l-ewwel nifs tagħkom, dalwaqt titwettaq.** Kull wieħed minnkom ġie mogħti d-dritt, bit-twelid tiegħu.  **Ħejju.** Intom sejrin tinġibdu għal ġol-Ġenna Tiegħi permezz tal-imħabba, li Jiena sejjer inpoġġi fi qlubkom u bil-Grazzji li nagħtikom f'ruħkom.  L-ebda ruħ fostkom m'hu ser ikollha l-ħila tgħid li Jiena ma tajtkomx kull ċans, minn kull sinjal, kull twissija.  **Itolbu biex ikollkom il-grazzja li taċċettaw il-ħajja glorjuża, li Jiena ġa ħejjejt għalikom, ta' dinja bla tmiem.**

Missierkom il-maħbub

Alla l-Iżjed Għoli.

## Omm tas-Salvazzjoni: L-imħabba, u l-imħabba biss tiġi minn Alla. Il-mibegħda biss ġejja minn Satana. M'hemm xejn bejniethom.

Il-Ħamis, 27 ta' Frar, 2014 @ 14.48

Binti, hemm wisq mibegħda kontra din il-Missjoni ta' Salvazzjoni, għax il-wieħed il-ħażin ma jridx jitlef l-ebda ruħ u jeħodhielu Alla. **Meta Alla jitkellem permezz ta' profeta, dan joħloq rabja fl-Infern.** Isir kull sforz mill-wieħed il-ħażin biex isikket il-Kelma t'Alla, f'dawn iċ-ċirkostanzi. Huwa, Satana, jagħmel dak kollu li hu possibbli biex javvelena lin-nies kontra dak kollu li ser isalva l-erwieħ tal-umanita'.

Huwa jibqa' jxerred il-mibegħda sakemm l-erwieħ li jkunu mimlijin bil-mibegħda, jsiru l-aġenti tiegħu, sa dak il-punt fejn huma ma jibqalhomx kontroll fuq dak li jagħmlu. Mimlijin b'din ir-rabja, huma jsibuha mpossibbli biex iħossu l-imħabba f'qalbhom għal dawk li huma jaħsbu li huma l-għedewwa tagħhom. Imbagħad huma jibdew joboghdu lilhom infushom u iżjed ma jidinbu kontra Alla, huma jintlew b'rabja terribbli. Biż-żmien, meta mibegħda bħal din tirkeb l-erwieħ, dawn ma jkunux jistgħu jinħallu minn Satana. Hemm bżonn ħafna talb għal dawn l-erwieħ. Jekk l-erwieħ jidgħu kontra l-Kelma t'Alla, huma jiġu affaċċjati b'taqbida kontra l-bestja, hekk qalila, illi tkun impossibbli għalihom biex joħorgu minn taħt is-setgħa tiegħu. Is-saħta tagħhom kontra Alla, issir is-saħta tagħhom stess u xejn ma jkun jista' jsir għalihom f'dak l-istadju.

Erwieħ li huma mimlijin mibegħda, ma jitkellmux il-Kelma t'Alla, għax dan ma jistax ikun. Il-mibegħda qatt ma toħrog minn fomm dawk li verament iħobbu lil Alla. Intom qatt m'għandkom tissottovalutaw il-qawwa ta' Satana, għax huwa jista' jonsob lil kull ruħ. Huwa juża' l-imħabba ta' dik ir-ruħ lejn Alla, biex inissel fiha sens ta' rabja kontra dak li r-ruħ tarah bħala att ħazin, mossa jew kelma. Huwa jonsob ir-ruħ li xi drabi tista' tkun qaddej leali lejn Alla. Iżda ladarba r-ruħ tħalli lill-wieħed il-ħażin jimliha b'xi forma ta' mibegħda, hu jew hi, jsibuha mpossibbli li jinħelsu minnu. It-talb biss u atti ta' penitenza w umilta' jistgħu ikeċċuh. Wara ftit ir-ruħ tinduna li xi ħaġa qegħda tinkwetaha, meta r-rabja, l-iskumdita', ansjeta' u nuqqas sħiħ ta' paċi jikkapparraw lir-ruħ. Il-wieħed il-ħażin ma jistrieħx qabel ma dik ir-ruħ fl-aħħar tispiċċa ddur kontra Alla u tidgħi kontriH.

Uliedi, qatt teħduha ma dawk li jitfgħu d-dubju f'ruħkom dwar il-Perfezzjoni t'Alla. Meta teħduha ma' dawk li jisħtu lil Alla, intom tittieħdu. Meta tagħmlu dan, intom ukoll tintlew b'mibegħda, li qatt ma ħassejtu bħalha qabel. Imbagħad ikollkom bżonn ħafna għajnuna u interventi qabel ma tkunu xierqa li tieqfu fil-Preżenza t'Alla mill-ġdid.

Injoraw kull forma ta' mibegħda, għax din qatt ma tista' tkun ġejja minn Alla. Hemm sors wieħed li minnu din tkun ġejja, u dak huwa Satana. Ħuduha ma Satana u dawk li huwa jimla lil qalbhom bil-mibegħda, u hemm dak il-velenu jinxtered għal ġo ruħkom. Injoraw din is-sitwazzjoni. Ibqgħu siekta. Itolbu għal dawk l-erwieħ li joboghdu lill-oħrajn. Intom għandkom tgħidu r-Rużarju Qaddis tiegħi, biex tkunu protetti kontra din it-tentazzjoni.

Jiena nwissikom dwar dawn il-ħwejjeg, għax il-qawwa ta' Satana hija tant kbira f'dan iż-żmien, huwa u jisraq l-erwieħ ta' dawk in-nies madwar id-dinja kollha li jemmnu f'Ibni, Ġesu' Kristu, u li huma leali lejja, l-maħbuba Omm Tiegħu. **Nitlobkom tagħtu kasi bhalissa, billi tgħidu din it-Talba biex tipproteġikom mill-mibegħda.**

**Talba tal-Kruċjata (138) Protezzjoni mill-mibegħda.**

*O, Omm tas-Salvazzjoni, ipproteġini kontra kull tip ta' mibegħda. Għinni biex nibqa' sieket, meta nħabbat wiċċi mal-mibegħda. Żommni sogħod fir-rabta tiegħi ma' Ġesu' Kristu, meta nkun l-iżjed dgħajjef. Issiġilla xofftejja. Għinni biex nagħti dahari lil dawk li jeħduha miegħi bil-kliem, li jiċħdu t-Tagħlim t'Ibnek jew dawk li jiżżufjettaw bija minħabba l-fidi tiegħi. Itlob għal dawn l-erwieħ, għażiża Ommi, ħalli huma jiċħdu lil Satana u jħossu l-paċi tal-imħabba tiegħek u r-Renju ta' l-Ispirtu s-Santu, ġewwa ruħhom. Ammen.*

L-imħabba, u l-imħabba biss tiġi minn Alla. Il-mibegħda biss ġejja minn Satana. M'hemm xejn bejniethom. Xejn fin-nofs. Intom jew ma' Ibni jew kontriH.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

**Id-dinja serjra tbaxxi rasha, tinżel fuq irkoptejha t-tnejn u tadura lill-bestja**

Il-Ġimgħa, 28 ta' Frar, 2014 @ 21.42

Għażiża maħbuba binti, **Jiena nagħti lill-Armata tal-Fdal Tiegħi u lil dawk kollha li qatt m'huma ser jitbegħdu mill-Kelma Qaddisa Tiegħi, awtorita' fuq in-nazzjonijiet, meta l-apostasija tkun għamiet lil kulhadd f'isem l-għaqda.**

**Intom tiġu mogħtijia Favuri kbar, Grazzji kbar u l-qawwa li tmexxu l-fidili, lid-dgħajfin u lil dawk li jintilfu f'deżert vojt. Intom issiru l-Ispirtu l-Veru, l-uniku Fdal li jibqa' ta' l-Ispirtu tal-Mulej fil-knisja, li tkun tbattlet mill-Preżenza Qaddisa Tiegħi.** Il-Preżenza Tiegħi tkun tinsab biss f'dawk li jkunu mogħtija l-awtorita' biex jiddettaw il-Kelma t'Alla u jmexxu lill-erwieħ għattxana lejn il-Funtana tal-Ħajja.

Meta l-messaġġiera foloz, li jgħidu li qed jirċievu kliem u direzzjoni mis-Sema, jidhru dalwaqt, huma jkunu qishom prinċpijiet tat-tronn, li daqt jinkixef fit-tempju l-ġdid tal-istmerrija. Dan iċ-ċentru tat-tmexxija l-ġdid ser ikun mgħammar bil-qaddejja devoti tiegħu, qarrejja tax-xorti u dawk li huma mimliijin bl-ispirtu tad-dlam – li kollha kemm huma sejrin jitgħaxxqu bl-antikrist.

Id-dinja sejra tbaxxi rasha u tadura lill-bestja. Ma tibqax uqija ta' mħabba pura f'qalbhom – imma kunu għafu dan. Meta taqtgħu driegħkom il-lemini minn Alla, intom, b'idkom ix-xellugiija, sejrin tieħdu b'idejn il-bestja, li ser jiġbidkom u tinħatfu mill-qabda ta' ħażen tiegħu. Meta tiftħu ruħkom għall-wieħed il-ħażin, huwa jidħol fiha u qatt ma jagħtikom mument ta' paċi. Minħabba r-rieda ħielsa tagħkom, intom titqabdu miegħu, iżda ma tkunux b'saħħitkom biżżejjed.

Il-Fdal Tiegħi sejrin jibqgħu mexjin, bla biża' u bil-marka tad-Dawl ta' Wiċċi, huma u jiġbru miljuni mill-erba' rkejjen tal-Art, biex iġibulhom il-Verita'. Huma ser jippriedkaw l-Evanġelji, jxandru l-Kelma Tiegħi u qatt ma jitbegħdu mill-Verita'. Huma jiġu mistmella, mwaqqa' għaż-żufjett, ippersegwitati u ttraduti – saħansitra minn dawk li huma l-eqreb lejhom – u xorta huma qatt ma jneħħu għajnejhom minn Fuqi.

Id-dinja mhix sejra tilqa' l-Verita', meta hija tkun ġiet indottrinata bi tjubija falza u tant ser tħossha grata, għax f'dak l-istadju, d-dnub ikun miċħud f'kull forma tiegħu.

F'kull taqbida jista' jkun hemm rebbieħ wieħed. Meta l-bniedem jeħodha kontra Alla, huwa dejjem jitlef. Meta huwa jżomm mal-qarrieqi, huwa jiġi mixħut 'l barra u qatt ma jara d-Dawl ta' Wiċċi.

Itolbu, maħbubin Fdal Tiegħi, għal dawk li ser jiġu mqarrqa mill-antikrist. Jiena nixtieq li dawk l-erwieħ jinġiebu taħt il-Protezzjoni Tiegħi. Huma m'humiex ser ifittxuni, iżda permezz tat-talb tagħkom, Missieri jidħol għalihom, ħalli huma jkunu jistgħu jiġu taħt il-Ħniena Kbira Tiegħi.

Ġesu' Tagħkom.

## [Meta jkollkom Lili, għandkom kollox.]

Il-Ħadd, 2 ta' Marzu, 2014 @ 20.14

Għażiża maħbuba binti, hemm żmien ta' taqbid, meta n-nies tħossha bla ħila. Hemm żmien ta' traġedji meta huma jħossuhom imbezza'. U hemm żmien meta l-bniedem jiddispra u kull tama' tiġi fix-xejn f'ħajtu. Imbagħad hemm żminijiet meta l-bniedem iħossu mdejjaq u jinqata' minn dawk li jħobb – meta jħoss li l-ħajja hija iebsa wisq biex igħaddi minnha. Jiena ngħid lil dawk li qed jgħaddu minn uġigħ bħal dan biex isejjaħ Lili, Ġesu' tagħkom, biex inneħħilkom kull tbatija. Offru dan l-inkwiet kollu tagħkom Lili, meta jsir wisq għalikom biex tgħaddu minnu. Ikun f'dak il-mument, li intom iċċedu dan in-niket terribbli, li Jiena nneħħi l-isħaba li ddallam lil ruħkom u li tħawwad moħħkom.

Qatt iċċedu għat-tbatija. Qatt tħossukom bla tama' għax ladarba jkollkom Lili, intom għandkom kollox. Jiena l-krozza tagħkom f'din il-ħajja u Jiena biss nista' ngħinkom. Il-bniedem għandu jibqa' jissara biex jgħix, jitqabad ma' l-inġustizzji, jżomm il-virtu' u qatt ma jibża' jipproklama l-Verita'. Imma meta dak li intom taraw, iġibilkom uġigħ kbir u tbatija, minħabba l-inġustizzji, Jiena biss nista' nsaħħaħkom matul dawn it-tribulazzjonijiet.

**Xejn minn dak li toffri d-dinja ma jista' jagħtikom faraġ veru fiż-żmien tal-bżonn tagħkom. Jiena biss, Ġesu' Kristu, nista' nagħtikom il-paċi tal-moħħ u s-saħħa u l-kuraġġ biex tieqfu lill-mibegħda, l-inġustizzja, l-persekuzzjoni u l-iżolament.** Jiena għandi nkun l-ewwel għażla tagħkom fiż-żmien tal-bżonn tagħkom, meta intom għandkom issejhu Lili. **Jiena biss, inġibilkom il-kalma**, **l-paċi u l-ħelsien mill-ansjeta', għax Jiena l-Imħabba u meta l-imħabba tgħix f'ruħkom, intom tkunu tistgħu tagħmlu kollox.**

**Ġesu' Tagħkom.**

**L-Imħabba tista' tegħleb kull deni li jgħakkes lir-razza umana.**

It-Tnejn, 3 ta' Marzu, 2014 @ 23.37

Għażiża maħbuba binti, **aħseb Fija, bl-imħabba f'qalbek, għax huwa biss permezz tal-imħabba, li Jiena nikkomunika mad-dinja, permezz tal-Ktieb tal-Verita'.**

**Bl-ordni ta' Missieri, Jiena qed niġbor lill-ulied prezzjużi Tiegħu, bħala ħaġa waħda Miegħu u Fih. Hija l-Imħabba li tippermetti dan l-Intervent Divin.** Missieri għaddej mill-Uġigħ, Rabja, nuqqas ta' Paċenzja u Frustrazzjoni, minħabba t-tebgħa tad-dnub, li tħassar l-erwieħ ta' kull wieħed minn uliedu. Iżda hija l-Imħabba bla tarf Tiegħu għalikom ilkoll, li żżomm id-Dawl t'Alla mixgħul fuq l-Art.

Mingħajr dan id-Dawl, ikun hemm biss dlam, mhux biss ta' l-ispirtu, iżda fl-Art infisha. Id-dawl tal-jum kieku ma jeżistix. Ix-xemx ma tagħtix dawl, u lanqas il-qamar ma jdawwal il-lejl. L-istilel jisparixxu. Imma dawn ir-Rigali kollha jibqgħu hemm għall-Imħabba t'Alla. **Meta din l-Imħabba tkun reċiprokata, din iġġib ferħ kbir lil Missieri, għax Huwa jaf, li ladarba l-ispirtu tal-imħabba jkun jeżisti fl-erwieħ, dan ikun jista' jegħleb kull dlam tar-ruħ.**

L-Imħabba tista' tegħleb kull deni li jgħakkes lir-razza umana. L-imħabba lejn xulxin teqred il-ħażen. L-imħabba lejn Alla teqred is-setgħa ta' Satana fuq il-bniedem. Lealta' lejn il-Kmandamenti tipperfezzjona r-ruħ u wara, ssalva lir-razza umana mill-eżilju u l-firda minn Alla.

Meta d-Dawl t'Alla jkun jinsab f'qalbkom u l-Imħabba t'Alla ta' wieħed lejn l-ieħor tkun tinsab f'ruħkom, hemm kull ħażen ikun jista' u jirnexxielu jiġi megħlub. Meta tħobbu lil Alla, intom tħossu sens ta' paċi profonda ġewwa fikom, għax meta turu mħabbitkom Lejh, Huwa jimliekom bil-Grazzji Tiegħu. Intom għandkom dejjem tiskennu fl-Imħabba qawwija, li Alla għandu f'Qalbu għal kull wieħed minnkom. **Intom min intom, għamiltulu x'għamiltulu u huma kemm huma koroh id-dnubiet tagħkom, Huwa jaħfrilkom – dejjem. Kulma għandkom tagħmlu huwa li ssejħulu, billi titolbu Lili, l-maħbub Iben Tiegħu, Ġesu' Kristu, biex nintervjeni f'isimkom permezz tar-rikonċiljazzjoni.**

**Ejjew Għandi bit-talba tagħkom u għidu: "Ġesu', ħudni taħt ir-refuġju Tiegħek għal għand Missieri u wassalni għas-Salvazzjoni Eterna."**

Meta tiġu Għandi, b'indiema vera f'ruħkom, tagħkom tkun is-Saltna tas-Smewwiet.

Ġesu' Tagħkom.

## Il-gwerrer sejrin jikbru, sakemm fl-aħħar tiġi ddikjarata l-Gwerra l-Kbira.

It-Tlieta, 4 ta' Marzu, 2014 @ 17.00

Għażiża maħbuba binti, **huwa mportanti li n-nies, madwar id-dinja kollha, jduru u jitolbu Lili nipproteġihom mill-kruha tal-gwerra, f'dan iż-żmien.**

**Il-gwerrer sejrin jikbru, sakemm fl-aħħar tiġi ddikjarata l-Gwerra l-Kbira u l-akbar għadu, li huwa l-kommuniżmu, joħloq taqlib sħiħ qalb in-nazzjonijiet.** Il-poter u l-kilba għalih, ġejja mill-egoiżmu. Dawk li jfittxu l-poter, għad biż-żmien, ma jkollhom xejn, meta huma jkollhom jieqfu Quddiemi. Dawk li jippersegwitaw lid-dgħajjef u lill-vulnerabbli, għad isofru l-persekuzzjoni tagħhom stess, għal tlett darbiet ta' dak li għamlu fuq l-oħrajn.

Dawn il-gwerrer ser jispiċċaw bit-taqlib. Ħajjiet sejrin jintilfu, u mbagħad, **il-gwerra fil-Lvant ser iġġib gwerra akbar.** Meta tiġi din il-gwerra, jintilfu miljuni ta' ħajjiet. **Meta kollox jidher bla tama', jidher il-bniedem tal-paċi u mbagħad taraw il-bidu tat-tmien.**

Ħajti, l-Preżenza Tiegħi, sejrin jiżguraw li t-tama', l-imħabba u t-talb ikomplu, sabiex itaffu l-uġigħ ta' wlied Alla, matul dawn iż-żminijiet. Il-gwerrer kollha, Jien niżgurakom, ser ikunu qosra. Dawn il-ġrajjiet terribbli kollha ser ikollhom ħajja qasira, iżda kunu għafu li meta dawn iseħħu, il-ħin ta'dak kollu li għandu jseħħ, huwa f'Idejn Missieri.

Ġesu' Tagħkom.

**Jiena kolli Ħniena.  Jiena ma nfittixx it-tpattija.**

It-Tlieta, 4 ta' Marzu, 2014 @ 21.25

Għażiża maħbuba binti, ftakar li Alla dejjem jiġġudika favur l-oppressat.  Huwa qatt ma jogħlli lil dawk li jogħllu lilhom infushom.  Għal kull bniedem li jogħla, l-iżjed baxx mill-baxxi fid-dinja tagħkom, jiġi mogħlli fis-Saltna Tiegħi.  L-oppressuri fid-dinja tagħkom ser jiġu oppressati, fl-aħħar Jum tal-Ġudizzju.

Jiena kolli Ħniena. Jiena ma nfitixx it-tpattija.  Jiena ma nċanfarkomx billi nerġa' nagħmel il-ħażin li intom għamiltu lill-oħrajn, il-mibegħda li intom ġibtu fuq l-oħrajn jew il-mod aħrax li bih intom iġġudikajtu lill-oħrajn.  **Imħabbti hija tant kbira, li Jiena naħfrilkom kull dnub, ħlief id-dnub etern, li jisħet il-Kelma t'Alla.**  Jiena dejjem naħfrilkom, għalkemm issalbu Lili u lill-qaddejja Tiegħi, li jkunu ntbagħtu biex jifdukom.  **Qatt, mit-Tislib Tiegħi 'l hawn, l-umanita' ma rat Intervent Tiegħi daqs issa, fejn Jiena qed nagħtikom il-Ktieb tal-Verita'.**

**Il-waqt huwa fil-qrib issa, meta Jiena ser niġbor in-nazzjonijiet għall-aħħar laqgħa.**  Jiena ser nieħu lil dawk li huma Tiegħi, permezz tal-atti tagħhom, kliemhom u għemilhom, lejn bidu ġdid, li ser ikun id-dinja l-ġdida, l-Ġenna l-Ġdida.  Is-Saltna Tiegħi ser tkun tagħkom.  Jiena sejjer niġbor in-nies Tiegħi, minn kull rokna tal-Art.  Xi wħud ser ikunu Tiegħi, filwaqt li l-oħrajn sejrin jiġu kkastigati għall-ħażen tagħhom.  Dawk li huma msejħa, kif ukoll dawk li ġew magħżulin mill-bidu taż-żmien, isiru qishom iljuni.  **Il-kuraġġ ser  jiġi mogħti lilkom mis-Sema u ser ikollkom bżonnu jekk tridu tegħlbu l-mibegħda, li ser tiġi murija kontrikom.**

**Nitlobkom qatt ma tibżgħu mill-għedewwa Tiegħi.  Injoraw il-velenu tagħhom. L-vuċijiet tagħhom jgħajtu u t-twerżieq tagħhom itarrax, imma huma m'għandhom l-ebda setgħa fuqkom.**  Jekk  intom verament Tiegħi, n-nirien tal-Infern qatt m'huma sejrin jegħlbukom.

Ġesu' Tagħkom.

**Il-ħażin jibda jidher bħala sewwa u s-sewwa bħala ħażin.**

Il-Ħamis, 6 ta' Marzu, 13.45

Għażiża maħbuba binti, meta n-nies jippruvaw iħajru lill-oħrajn biex jidinbu, huma jagħmlu dan b'modi differenti, li mhux dejjem ikunu jidhru.

It-tentazzjoni li tidneb hija waħda li tiġbdek u l-vittma dejjem sejjer isibha bi tqila biex jinġibed lura. Fil-każ tas-serq, il-midneb ikun miġbud lejn il-premju l-kbir, li ser ikun tiegħu, jekk jaċċetta li jisraq. Fil-każ tal-attakk fiżiku u ħsara fuq il-ġisem ta' ħaddiehor, il-vittma jkun miġbud mill-mibegħda, li tkun ġiet ippreżentata lilu bħala ħaġa tajba. Huwa jikkonvinċi lilu nnifsu li huwa qed jieħu sehem f'kastig, li huwa meħtieg, f'isem il-ġustizzja. F'każijiet oħrajn, il-vittma tinġibed għad-dnub u ma tara li hemm xejn ħażin fih, għax il-ġibda tkun qawwija wisq.

Id-dnub u t-tentazzjoni li tieħu sehem fil-att, dejjem sejra tidher bħala ħaġa tajba, li ma fiha xejn, u ħafna drabi tidher li hija sewwa. Il-ħażin jibda jidher bħala sewwa u s-sewwa bħala ħażin. Dak kollu li jkollu x'jaqsam fih Satana, u b'mod partikolari meta huwa jittanta lill-bniedem, b'kull raġunar li tista' timmaġina, biex dan idur kontra Alla, dejjem kollox ikun ta' wara quddiem. Kull fejn ikun preżenti Satana, jkun hemm it-taħwid. Xejn ma jkun kif suppost. Xejn tajjeb ma joħroġ mill-infestazzjoni. L-erwieħ li jieħdu sehem fil-iskemi tiegħu, waqt u wara li jkun seħħ id-dnub, iħossu l-kuxjenza ma tħallihomx bi kwiethom. Il-lezzjoni mportanti hawnhekk, hija li tevitaw sitwazzjonijiet fejn intom tiġu wiċċkom mat-tentazzjoni. Biex tagħmlu dan, intom tridu titolbu għall-qawwa biex tibqgħu fi stat ta' Grazzja.

**Ħalli l-ebda bniedem ma jaħseb li huwa għandu biżżejjed qawwa fih innifsu biex jieqaf għall-pressjoni li ssir fuqu mill-ispirtu tal-ħażen.** Jekk temmnu dan, intom taqgħu għallarrieda u bla mistenni. Intom għandkom tibqgħu għassa, kull minuta tal-ġurnata, għax qatt ma tafu meta l-wieħed il-ħażin ikun qed jaħdem. Huwa makakk ħafna u joqgħod attent. Ħafna, ma jafux kif jaħdem Satana, iżda ħaġa waħda hija ċara. Huwa ma jġibilkom xejn ħlief miżerja u niket. **Għalhekk intom għandkom titolbu kuljum it-talba ta' San Mikiel.**

**San Mikiel, Arkanġlu, idħol għalina fit-taqbida, kun inti l-għajnuna tagħna kontra l-ħażen u t-tnassis tax-xitan. Irażżnu Alla, nitolbuk bil-ħerqa u inti l-aqwa fost il-qtajja tas-Sema, itfa' bil-qawwa t'Alla, fil-qiegħ ta' l-Infern lix-xitan u l-ispirti ħżiena l-oħra li jiġġerrew fid-dinja għat-telfien tal-erwieħ. Ammen.**

**Satana u kull xitan ieħor li jiġġerra fid-dinja, qed jaħdmu iebes, biex jeħdukom 'l hinn Minni f'dan iż-żmien – iżjed minn kull żmien ieħor minn meta Jiena kont ngħix fid-dinja.** Intom għandkom iżżommu għajnejkom fuqi u tisimgħu Minni, ħalli nkun nista' nkompli nipproteġikom.

Ġesu' Tagħkom

**Huwa minħabba l-influwenza ta' Satana li intom ma tibqgħux indaf f'Għajnejja.**

Is-Sibt, 8 ta' Marzu, 2014 @ 13.37

Għażiża maħbuba binti, **il-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu qegħda fl-aqwa tagħha f'dan iż-żmien fid-dinja, permezz ta' dawn il-Messaġġi.** Hekk kif il-mibegħda, li Satana għandu għall-umanita' madwar id-dinja kollha, kibret tant, hekk ukoll il-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu kibret u b'saħħa kbira, sejra tattakka l-qalba tal-ħażen.

**Dejjem ftakru li l-battalja, li teżisti bejn Alla u Satana, hija għall-erwieħ tal-bnedmin.** U filwaqt li kull qawwa u Grazzja qed tiġi mferra' minn Missieri għal fuq l-umanita' – minn kull għemil ħażin u att qed jiġi mwettaq mill-wieħed il-ħażin fuq l-erwieħ. Ħafna nies lanqas biss jafu x'qed jiġri u sfortunatament ħafna jagħtu lilhom infushom bir-rieda kollha tagħhom, lil Satana, billi jiftħu ruħhom u jħalluh jidħol ġewwa fiha.

Jista' jgħaddi ftit taż-żmien sakemm Satana juri lilu nnifsu ġo l-erwieħ u dawk li kontinwament ifittxu li jirrikonċiljaw ruħhom Miegħi, Ġesu' Kristu, jiġu mogħtija l-Grazzji biex jipproteġu lilhom infushom ħalli ma jaqgħux għal atti li jwasslu għall-perverżjoni totali. **Jiena nħeġġeġ lilkom ilkoll biex titolbu għall-erwieħ ta' dawk li jaqgħu vittmi tal-iskemi u l-intenzjonijiet ħżiena ta' Satana.** Nitlobkom tgħidu din it-Talba:

**Talba tal-Kruċjata (139) Għas-saħħa biex negħleb il-ħażen.**

*Għażiż Ġesu', ipproteġini mill-ħażen tax-xitan. Għatti lili u lil dawk kollha li huma dgħajfin u bla difiża fil-preżenza tiegħu. Agħtini l-kuraġġ biex niċħdu u għinni biex nevita kull attentat tiegħu biex jaqbad miegħi b'kull mod, kuljum. Ammen.*

**Nitlobkom biex ma tinjorawx it-twissija Tiegħi, dwar il-perikli li hemm jekk taqbdu max-xitan, u tispiċċaw tagħmlu l-ħażen tiegħu.** Meta intom tagħmlu tratti tiegħu, li jinkludu l-gideb, li tissodisfaw lilkom infuskom, iġġibu wġigħ fuq l-oħrajn u tgħidu l-ħażen fuq il-ġar tagħkom, hemm, tkunu tafu li hu bela' lilkom u jkun biss permezz Tiegħi u tal-Grazzji li Jiena nagħtikom, li intom tkunu tistgħu tinħelsu mill-qabda li huwa għandu fuqkom.

Dejjem sejħu Lili, Ġesu' Kristu, meta f'qalbkom tkunu tafu li huwa minħabba l-influwenza ta' Satana li intom ma tibqgħux indaf f'Għajnejja.

Ġesu' Tagħkom

## Omm tas-Salvazzjoni: Wara t-Twissija jkun hemm xewqa kbira biex tagħtu glorja lil Alla.

Il-Ħadd, 9 ta' Marzu 2014, @ 17.25

Uliedi intom dejjem sejrin tkunu taħt il-protezzjoni tiegħi meta intom issejħu lili, l-Omm tas-Salvazzjoni, matul din il-Missjoni. **Jiena qaddejja t'Alla u r-rwol tiegħi huwa li naqdi lil Ibni, Ġesu' Kristu, u ngħinu fil-tfittxija Tiegħu għall-erwieħ, li sejra tkun minn madwar id-Dinja kollha. L-ebda nazzjon m'hu ser jitħalla barra, Minnu.** Il-Pjanijiet t'Ibni, biex iħejji lid-dinja, jinkludu lil kull razza, nazzjon, twemmin, u kull raġel, mara u t-tfal, lkoll ser ikunu jafu li Huwa ġej biex jgħinhom. Huwa jagħmel dan għall-Imħabba profonda li Alla għandu f'qalbu għal uliedu.

**Ħafna nies li ma jipprattikaw l-ebda reliġjon, mhux ser ikunu jistgħu jinjoraw l-Intervent t'Ibni, Ġesu' Kristu, fid-dinja. Huma ser jiġu megħluba u għall-ewwel ma jkunux jistgħu jifhmu, l-esperjenza straordinarja li ser iħossu, f'kull fibra ta' qalbhom u ruħhom.** X'ferħ ser iġġib it-Twissija lil ħafna nies, għax din ser iġġib magħha l-prova tal-Eżistenza t'Ibni. Ma' dan ir-Rigal, ħafna ser jintlew bil-paċi bħal qatt qabel, kif ukoll xenqa kbira biex ikunu fil-kumpannija ta' Ġesu'.

Filwaqt li d-dubji kollha dwar l-Eżistenza t'Ibni ser jaħarbu mill-imħuħ ta' dawk li huma għomja għall-Verita' tal-Kelma t'Alla – u ħafna, ser ikollhom bżonn direzzjoni spiritwali ladarba tinkixef il-Verita' tat-Twissija. Wara t-Twissija jkun hemm xewqa kbira biex tagħtu glorja lil Alla. Dan ikun perjodu ta' provi kbar; għax l-għedewwa t'Alla ser jagħmlu dak kollu possibbli biex jikkonvinċu lid-dinja li t-Twissija – l-illuminazzjoni tal-kuxjenza ma seħħetx.

Meta Alla jumilja Lilu nnifsu u jsejjaħ lil uliedu u meta Huwa jittallbilhom biex jisimgħuH, din tkun l-akbar Att ta' Ġenerożita' min-naħa Tiegħu. **Uliedi aċċettaw it-Twissija bil-Grazzja, għax għal ħafna din ser tkun il-ħabel tas-salvazzjoni li għandhom bżonn biex jgħixu fid-dinja ta' bla tmiem.** Qatt tirrifjutaw dawn l-atti kbar jew il-mirakli mis-Sema, għax dawn kollha għall-ġid ta' kulħadd, ħalli s-salvazzjoni tingħata lill-massa u mhux lill-ftit.

Dejjem għidu grazzi għall-Ħniena Kbira t'Ibni. **Intom smajtu kemm Huwa Ġeneruż u dalwaqt taraw kemm hi kbira l-Ħniena Tiegħu, li sejra tiksi d-dinja kollha.**

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni

[Li titlob id-drittijiet tal-Kristjani jkun daqs li kieku qed tikser il-liġi]

It-Tnejn, 10 ta' Marzu, 2014 @ 15.30

Għażiża maħbuba binti, dalwaqt sejrin tisimgħu l-imposturi li nfiltraw fid-Dar Tiegħi fuq l-Art, iħabbru numru ta' ħwejjeġ L-ereżiji li ser joħorġu minn fommhom u bl-għemil tagħhom, ser jinġiebu liġijiet ġodda, li ser iħammġu l-Kelma t'Alla, li wara jiġu nfurzati fuq dawk li huma fidili lejn il-Kelma.

Is-Sagramenti jonqsu u n-numru ta' Quddies bil-mod jiċkien, sakemm fl-aħħar jibdew isiru rari. Issir kull skuża, iżda dan kollu jaħbi r-raġuni vera wara dawn il-motivi. Intom, għeżież segwaċi, qed tkunu xhieda ta' dak kollu li l-maħbuba Ommi kienet ħabbret f' La Salette u Fatima. Intom għandkom tifhmu li l-pjan huwa li tiġi desagrata kull Knisja t'Alla, qabel ma l-antikrist ipoġġi fuq it-tronn fit-Tempju Tiegħi, fil-glorja vili kollha tiegħu. Dawk li jippretendu tweġibiet jiġu njorati u wara redikolati talli kellhom il-ħila jġibu dubju fuq dawk li jmexxu l-Knisja Tiegħi fuq l-Art.

Kulma huwa dnub f' Għajnejn Alla, bil-mod jiġi mwarrab. Mhux talli d-dnub jiġi rifjutat, imma dan jiġi ppreżentat f'kull forma vili tiegħu fuq l-Artal Tiegħi. It-tneħħija tad-dnub tkun tidher fl-indottrinazzjoni fl-edukazzjoni tat-tfal. It-tfal, b'mod speċjali ser jiġu mitmugħin l-ereżiji. Lilhom ser jgħidulhom illi jekk huma ma jaċċettawx dan it-tagħlim, huma jkunu ħatja li qed jiġġudikaw aħrax lil dawk li jgħidu li d-dnub huwa ħaga tajba. It-tfal ser jiġu mgħallma li qatt m'għandhom jiddikjaraw il-Kelma t'Alla bil-miftuħ fil-preżenza tal-oħrajn, minħabba l-biża' li jiġu akkużati li huma qed jeħduha kontra d-drittijiet umani.

Kull attentat li b'xi mod jippromovi l-moralita' fost iż-żagħżagħ, jiġi oppost u kkundannat. Il-Kristjani u dawk li pubblikament jiddikjaraw id-dritt tagħhom biex idaħħlu t-Tagħlim Kristjan, jiġu msawta u msikkta. Kliemhom isir tfesfis u n-nies jibdew jistħu jammettu li huma Kristjani. U filwaqt li d-drittijiet ta' dawk li m'humiex Kristjani jiġu miżmuma, jkunu d-drittijiet tal-ateisti, li jiġu ddikjarati li huma l-iżjed importanti. Kif għidtilkom, il-mibegħda kontra l-Kristjani sejra tikber 'l barra mill-Knisja Tiegħi. Imbagħad, fuq ġewwa, din tiġi maħtuta biċċa biċċa sakemm ma jibqa' xejn ħlief qoxra. Il-ġebel u t-tajn jibqgħu posthom, iżda l-Knisja Tiegħi fuq l-Art, kif tafuha intom, tkun inbidlet aktar milli tistgħu timmaġinaw.

In-nies Tiegħi huma n-nies Tiegħi – dawk li ser iżommu l-Kelma Qaddisa t'Alla u li ser ikomplu jieħdu sehem fis-Sagramenti Qaddisa, li ser iġibuhomkom il-qaddejja mqaddsa Tiegħi li huma qalbiena u kuraġġużi, li qatt ma jitilqu Lili.

Meta tisimgħu Kelmti – li tinsab fil-Kelma miktuba u li ilha ġejja għal sekli fil-Ktieb ta' Missieri – tiġi mistħarrġa u miflija, b'xewqa li jerġgħu jiktbuha, intom għandkom tkunu tafu dan. Jiena ma nagħtix awtorita' għal din l-ereżija. Jiena nikkundanna lil dawn it-tradituri minħabba l-erwieħ li huma sejrin imexxu ħażin. Intom ukoll, qatt m'għandkom tisimgħu minn min jgħidilkom biex tiċħdu Kelmti.

Dalwaqt intom sejrin taraw kull liġi fil-pajjiżi tagħkom u fil-knejjes titbiddel, biex tilqa' kull tip ta' dnub u jsiru liġijiet għal dan. Iż-żewġ settijiet ta' liġijiet jitħalltu

flimkien ħaġa waħda, sakemm fl-aħħar, il-Kelma t'Alla ma tiġix diskussa iżjed u lanqas jimxu magħHa. Li titlob id-drittijiet tal-Kristjani jkun daqs li kieku qed tikser il-liġi u tiġi ikkastigat b'ħafna modi. Għal dawk minnkom li ma temmnux li dawn il-ħwejjeg huma possibbli, allura intom sfortunatament ser ikollkom tkunu xhieda tagħhom f'ħajjitkom stess, kif kien imħabbar.

Kemm minnkom sejrin jibqgħu fidili lejn il-Kelma Tiegħi? It-Tagħlim Tiegħi? Mhux ħafna. U huma dawk li jgħidu li jonoraw Lili issa u li huma ddedikati għall-Knisja Tiegħi, li ser ikunu minn ta' l-ewwel li jagħtu daharhom lill-Verita'.

Ġesu' Tagħkom.

[Omm tas-Salvazzjoni: Huma sejrin jippreżentaw ktieb aħmar, b'ras ta' mogħża minquxa fil-qoxra tiegħu].

It-Tlieta, 11 ta' Marzu, 2014 @ 20.39

Għażiża binti, meta jiena wellidt lil Ibni, dan kien ifisser li jiena mhux biss tajt il-Bin il-Bniedem, is-Salvatur tad-dinja, iżda ġibt bidu ġdid. Id-dinja nfdiet bit-twelid tal-prezzjuż Iben tiegħi u l-umanita' ġiet mogħtija Rigal speċjali. Dan ir-Rigal ġie rrifjutat, iżda l-umanita' għadha tieħu l-benefiċċji tiegħu sal-lum, għax ħafna aċċettaw il-Verita'.

**It-twelid t'Ibni ħabbar it-twelid tal-Knisja Tiegħu fuq l-Art, għax it-tnejn twieldu minni, qaddejja sempliċi tal-Mulej.** Ser inkun jiena, l-mara mlibbsa x-xemx, li ser inkun imkeċċija flimikien mal-Knisja t'Ibni, lejn id-deżert. **Kull traċċa tiegħi, l-Omm t'Alla, ser tiġi mneħħija. Dawk id-Deheriet li għandhom x'jaqsmu miegħi, jiġu redikolati u l-għedewwa fil-Knisja t'Ibni, jgħidu lin-nies biex jirrifjutaw kull twemmin li għandu x'jaqsam magħhom.** Imbagħad, il-Knisja t'Ibni tiġi mwarrba, flimkien ma' dawk li huma segwaċi veri ta' Kristu. **Il-Quddies Imqaddes jitwaqqaf** u filwaqt li jkun qed iseħħ dan kollu, s-serp ikun qed iferrex il-qaddejja tiegħu u huma jieħdu posthom f'kull Knisja Kristjana. Tant ser tkun kbira din il-bidla, illi ħafna nies, li jemmnu ta' veru, tant ser jiskantaw biha, li huma ser ikunu imbeżża' wisq biex jieqfu u joġġezzjonaw għad-desagrazzjoni li jkunu qed jaraw, minħabba l-biża' għal ħajjithom stess.

Matul dan iż-żmien, il-Fdal t'Ibni ser jinġabru f'kull nazzjon, madwar id-dinja kollha, u jmexxu lil dawk li huma mitlufa u l-imħawdin, tul dan il-perjodu terribbli tal-infestazzjoni. **Din l-Armata tiġi mogħtija qawwa kbira kontra l-ħażen, li sejrin taraw f'dawk li xi darba kienu Knejjes t'Ibni.** Huma, bil-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, ser jippriedkaw il-Verita' – l-Evanġelji Veri – il-Kelma Vera, mogħtija lid-dinja fil-Bibbja Mqaddsa. Il-Bibbja tiġi sfidata fil-miftuħ, mill-imposturi fil-Knejjes Kristjani u huma jibdew jistħarrgu kull Tagħlim, li jwissi bil-periklu tad-dnub. Huma ser jgħawġu l-kontenut tagħHa u ser jippreżentaw ktieb ġdid aħmar b'ras ta' mogħża mnaqqxa fil-qoxra tiegħu, moħbija ġo simbolu tas-salib.

Għad-dinja hemm barra, ta' dawk li ma jemmnux, din ser tkun tidher bħala rivoluzzjoni u tkun waħda li taffaxxinhom u tappella għal dawk li jirrifjutaw l-Eżistenza t'Alla. Jibdew ħafna ċelebrazzjonijiet f'ħafna nazzjonijiet. Huma ser jilqgħu din iċ-ċelebrazzjoni tal-ħelsien, minn kull obbligu morali, f'isem l-għaqda globali u ċ-ċelebrazzjoni tad-drittijiet umani.

Id-Dawl tal-Preżenza t'Ibni sejjer jinżamm fil-għoli, bħal torca, minn dawk li ser imexxu l-Armata tal-Fdal t'Ibni. Dan id-Dawl ser ikompli jiġbed l-erwieħ, minn kullimkien, għalkemm ikun qed jinfirex il-paganiżmu fil-knejjes kollha, ta' kull twemmin, bl-eċċezzjoni taż-żewġ xhieda – l-Kristjani u l-Lhud, li jibqgħu fidili lejn ir-Rieda t'Alla.

**Imbagħad, meta jisbaħ il-Jum il-Kbir u wara li jkunu għaddew it-tlett ijiem tad-dlam, jidher Dawl kbir fuq l-Art. Dan id-Dawl idawwar lil Ibni, u x-xemx, li tkun fl-akbar saħħa tagħha, tinżel fuq id-dinja – t-tnejn fl-istess ħin.** L-ebda

persuna m'hi ser tonqos milli tkun xhud ta' dan l-ispettaklu sopranaturali. L-għajta ta' l-aħbar sejra tinstema' permezz ta' kull forma ta' komunikazzjoni magħrufa mill-bniedem. Għalhekk, kulħadd ser jistenna ġrajja kbira, iżda mhux ser ikunu jafu ż-żmien, is-siegħa jew id-data. U mbagħad, dawk li isimhom jinsab fil-Ktieb tal-Ħajjin, ser jiġu miġbura.

Itolbu, itolbu, itolbu li d-dinja ma tirrifjutax din it-tħejjija, li hija meħtieġa qabel ma l-umanita' tkun tista' tara Wiċċ Ibni.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni

Sa dak in-nhar, id-Dmugħ Tiegħi jkunu waqfu, iżda d-dwejjaq jkun bla tarf.

L-Erbgħa, 12 ta' Marzu, 2014 @ 21.08

Għażiża maħbuba binti, **meta bniedem jinfired Minni, Jiena nsegwih sa truf l-Art biex niġbdu lura Lejja. Huwa jista' jkun insultani, għamel atroċitajiet kbar u baqa' sejjer sakemm għamel il-ħażen idolu tiegħu, inkluż li jkun għamel lilu nnifsu lsir tax-xitan, iżda Jiena qatt ma nċedi.**

**Jiena nintervjeni fil-ħajja tiegħu b'hafna modi.** Jiena nġiblu mħabba vera f'ħajtu; niftaħlu qalbu għall-imħabba għal nies oħrajn; Jiena ma nħallix il-kuxjenza tiegħu kwieta; nħallih isofri minn taħt idejn l-oħrajn – dan biss biex nġibu umli u hekk ikun iżjed miftuħ Għalija, Ġesu' Kristu. Jiena nħallih jara s-semplicita' tad-dinja fil-ġmiel glorjuż kollu tagħha, kif kienet maħluqa minn Missieri, biex niġbdu 'l hemm mill-falsitajiet, li jnawru ħajtu. Jiena, permezz ta' tfal zgħar, nurih l-importanza li jġib il-bżonnijiet ta' dawk li jridu minnu, qabel dawk tiegħu stess. Jiena nġiblu tbissma, nurih atti kbar ta' tjubija, permezz t'erwieħ puri, u Jiena naghtih eżempji tad-dgħufija tiegħu stess, ħalli jkun jaf li huwa mhux akbar minn Alla. Jista' jkun li nħallih jimrad, jekk dan ikun li jġegħlu li jċedi Għalija u f'dawn il-każijiet, hemm il-Ħniena Tiegħi tkun l-akbar. Għax huma dawn l-erwieħ li għandhom l-akbar ċans li jduru Lejja u hekk jagħmlu, u jkunu jistgħu jiġu salvati Minni.

**Kemm nagħmel sforz, Jiena, l-maħbub tagħkom Ġesu' Kristu, biex neħodkom taħt il-protezzjoni ta' Dirgħajja – il-Kenn Tiegħi. U kif ħafna minnkom xorta jduru n-naħa l-oħra u jinjoraw Lili.**

Jiena nintervjeni permezz ta' messaġġi, mogħtija lil veġġenti u viżżjunarji ġenwini, u dawn ikkonvertew miljuni. Jiena nibgħat sinjali; nferra' Grazzji mis-Sema; Jiena nġibilkom Rigali permezz tas-Sagramenti Qaddisa u miljuni kkonvertew. Iżda mhux biżżejjed daru Lejja u għalhekk Jiena ma nistrieħx qabel ma nkun tajt kull sinjal, kull miraklu, kull Rigal, kull profezija u kull intervent, qabel ma niġi biex niġġudika.

**Tkun ġurnata ta' niket jekk dawk li jirrifjutaw ir-Rigali Tiegħi u l-Intervent Tiegħi, jkollhom jieqfu Quddiemi fil-Jum il-Kbir u xorta jiċħduni.** Saħansitra hemm, meta Jiena nagħtihom iċ-ċans li jpoġġu fil-ġenb is-suppervja tagħhom u jiġu Għandi, huma xorta jirrifjutaw. Hemm ma jkun baqa' xejn li Jiena nista' nagħmel biex nagħtihom il-Ħajja Eterna, għax huma ma jaċċettawhiex. Intom forsi titħassbu għaliex jista' jiġri dan u għalhekk Jiena sejjer nispjega.

Meta x-xitan jittanta lir-ruħ, dan jieħu ftit tal-ħin sakemm jaqbad sew ġo dik il-persuna. Iżda ladarba jibilgħu, huwa jiddettalu kull mossa li l-persuna jagħmel – kif jaħseb, kif jikkomunika man-nies, kif jidneb u t-tip ta' dnub li huwa jrid li r-ruħ tidħol għalih. **L-akbar saħħa li Satana għandu fuqhom, hija li jikkonvinċihom li Alla huwa ħażin. Satana jikkonvinċi lir-ruħ li huwa Alla u li Alla, huwa fil-fatt il-wieħed il-ħażin.** Hekk jiġu meqruda dawn l-erwieħ permezz tal-makakkerija u l-manipulazzjoni tax-xitan. Tant isiru mudlama dawn l-erwieħ, illi biex jieqfu fid-Dawl Tiegħi jkun ta' wġigħ immens għalihom u huma jaħbu wiċċhom Minni. Hemm id-dmugħ Tiegħi jkunu waqfu, iżda d-dwejjaq ikun bla tarf.

Ġesu' Tagħkom.

**Alla l-Missier:  Għax dan huwa l-aħħar perjodu – l-aħħar kapitlu fit-twettieq tar-Rieda Qaddisa Tiegħi**.

Il-Ħamis, 13 ta' Marzu, 2014 @ 20.45

Binti l-iżjed għażiża, **il-Protezzjoni Tiegħi bħalissa nfirxet għal fuq uliedi kollha madwar id-dinja, li jħobbu Lili.  Jiena qed nagħmel dan b'abbundanza, minħabba t-theddid li qed tħabbat wiċċha miegħu l-umanita' f'dan iż-żmien fl-istorja.**

**Intom, uliedi, għandkom titolbu għal kull wieħed minn dawk li huma mitlufin Għalija.** Jiena iddisprat għalihom.  Jiena nixxennaq għall-imħabba tagħhom.  Jiena nibkihom.  Jiena nistenna l-jum li fih huma jifhmu l-Patt Tiegħi, li ħloqtu Jiena mill-bidu.  Għax dan huwa l-aħħar perjodu – l-aħħar kapitlu fit-twettieq tar-Rieda Qaddisa Tiegħi.  Kien skond il-Patt Tiegħi li Jiena tajt lill-bniedem iż-żmien meħtieg biex  jiġi f'sensih u jagħraf lilu nnifsu għal dak li hu u għal dak li mhuwiex.  Il-bniedem kien maħluq bl-Id Tiegħi ta' mħabba, fl-istess Xbiha Tiegħi.  Jiena fawwart ruħu b'Imħabbti, tajtu ħelsien sħiħ, permezz tar-Rigal Tiegħi tar-rieda ħielsa.  Jiena qatt ma ridt li l-bniedem jagħtini lura mħabbtu għax jibża' Minni.  Jiena ridtu biss iħobbni, hekk kif inħobbu Jiena.  Ħloqt l-Anġli Tiegħi qabel il-bniedem, biex jaqduni, imma għax kont inħobbhom, huma wkoll ġew mogħtija r-Rigal tar-rieda ħielsa.

Kien minħabba t-tradiment ta' Luċifru li l-bniedem sofra.  Hu, Luċifru, kien maħbub u ffavorit Minni.  Huwa kien ġie mogħti rigali straordinarji u setgħa u ħafna Anġli kienu jaqdu taħtu.  Meta ħloqt il-bniedem, Luċifru ntilef f'rabja ta' għira.  Ma felaħx jara li Jiena kont ser inħobb lil uliedi tant u għalhekk huwa ntefa' biex jifred Lili minn uliedi.  Huwa ttanta lil Adam u lil Eva u dan kien ifisser li huma bir-rieda ħielsa tagħhom, ċaħdu s-Setgħa Tiegħi u ħasbu – kif kien ħaseb Luċifru – li huma setgħu jieħdu l-Qawwa Tiegħi u anke biċċa mid-Divinita' Tiegħi.

Luċifru flimkien mal-anġli leali lejh – li kollha wettqu atroċitajiet kontra uliedi – qabel u issa – ġew mixħuta fl-abbiss għall-eternita'.  Iżda minħabba r-rieda  ħielsa tagħhom – mogħtija Minni ta' xejn u bl-Imħabba lejn l-umanita', Jiena qatt ma tlabtha lura.  Għalhekk **Jiena ħloqt Patt biex nirbaħ lura ruħhom, permezz tal-Pjanijiet biex nifdihom.** Huma rċevew favuri kbar minn Għandi.  Bgħattilhom profeti biex iwissuhom bil-perikli li hemm jekk jintelqu għat-tentazzjoni tax-xitan.  Tajthom l-Għaxar Kmandamenti biex imexxuhom u jgħinuhom jgħixu skond ir-Rieda Tiegħi. **Bgħattilhom l-uniku Iben Tiegħi, meħud minn Gismi stess, biex jagħtihom il-ħelsien mill-Infern.** Dan huma ma aċċettawHx, iżda l-**mewt Tiegħu fuq is-Salib kienet il-punt kruċjali tal-Pjan Tiegħi tal-Patt Finali.**

**Il-Ktieb tal-Verita' huwa l-aħħar parti ta' l-Intervent Tiegħi, qabel l-Aħħar Jum, meta Jiena ser inġib lil uliedi flimkien u lura lejn il-Ġenna li Jiena kont ħloqt fil-bidu.** Dawk li jisimgħu l-Verita' u jibqgħu fidili lejn il-Kelma Qaddisa Tiegħi, ser ikunu iffavoriti.  Dawk li  ma jagħmlux dan, xorta għad ikunu ffavoriti Minnni, permezz tal-ħajja li jgħixu, l-imħabba li juru ma' l-oħrajn u s-safa' ta' ruħhom.  Jiena sejjer nilqagħhom, ladarba huma jaċċettaw l-Id ta' Ħniena, li ser joffrilhom Ibni.

**L-aħħar stadju tat-twettieq tal-Patt Tiegħi ser ikun wieħed ta' wġigħ.** Minħabba l-influwenza ta' Satana u x-xjaten tiegħu, ħafna nies ser jiġu mqarrqa biex jaduraw lilu u lill-qaddejja tiegħu, li jimxu fostkom. Jiena sejjer nissaporti din is-sofferenza tal-erwieħ u dak kollu li sejrin jgħaddu minnu, li ser jaqa' fuq nies innoċenti, għal zmien qasir, biss. Imbagħad ser niknes lill-għedewwa Tiegħi minn wiċċ id-dinja. Jiena nwegħdkom għeżiez uliedi, illi Jiena sejjer intaffi l-uġigħ tagħkom, niket u biża', billi nagħtikom Grazzji qawwija u Barkiet. Intom ser tkun protetti miċ-ċirku tal-Ġerarkija tal-Anġli.

Biex titolbuni nħoll il-biża' tagħkom u n-niket, u nagħtikom il-ħelsien mill-persekuzzjoni, nitlobkom tgħidu din it-talba.

**Talba tal-Kruċjata (140) Protezzjoni mill-Ġerarkija tal-Anġli:**

*Missier l-Iżjed Għażiż, Alla tal-Ħolqien kollu, Alla l-Iżjed Għoli, agħtini l-Grazzja u l-Protezzjoni permezz tal-Ġerarkija Tiegħek tal-Anġli. Agħtini l-ħila li niffoka fuq Imħabbtek għal kull wieħed minn uliedek, għalkemm joffenduk. Għinni biex inxerred l-aħbar tal-Patt Finali biex tħejji lid-dinja għat-Tieni Miġja ta' Ġesu' Kristu, mingħajr biża' f'qalbi. Agħtini l-Grazzji speċjali Tiegħek u l-Barkiet biex inqum mill-persekuzzjoni li jġib fuqi Satana, x-xjaten tiegħu u l-aġenti tiegħu fuq l-Art. Tħallinix nibża' mill-għedewwa Tiegħek. Agħtini s-saħħa biex inħobb lill-għedewwa tiegħi u lil dawk li jippersegwitawni f'Isem Alla. Ammen.*

Uliedi, għandkom tibqgħu b's saħħitkom f'dan iż-żmien. Qatt tagħtu każ tal-mibegħda u l-velenu, li ser jiksi lid-dinja, minħabba l-infestazzjoni li ġejja. Meta intom tinjorawhom, intom tkunu tistgħu taqdu Lili b'mod aktar ta' benefiċċju, mingħajr malizja fi qlubkom.

Ħejju, għax fid-dinja sejra tisplodi ħafna rabja, li sa tkun diretta Lejja, Alla l-Iżjed Għoli u lejn il-maħbub Iben Tiegħi, Ġesu' Kristu. Itolbu għal dawk li ser jiġu mixruba għal ġo vakum ta' gideb, li m'hu ser iġibilhom xejn ħlief niket.

Ibqgħu Fija, Miegħi u Għalija.

Missierkom il-maħbub.

Alla l-Iżjed Għoli.

Ikun biss meta l-Ewkaristija Qaddisa tiġi mneħħija għal kollox, illi l-antikrist jidħol fil-Knisja Tiegħi.

Is-Sibt, 15 ta' Marzu, 2014 @ 20.10

Għażiża maħbuba binti, hekk kif ir-rimi tal-apostasija għaddejjin minn ġol-Knisja Tiegħi, l-akbar prova, ġejja għal dawk li jaqdu Lili, minn ġewwa fiha. Il-kriżi ġewwa l-Knisja Tiegħi fuq l-Art tfisser li ħafna saċerdoti ser isofru dilemma kbira. Il-fidi ta' ħafna minnhom ġa ġiet mhezza u huma ser ikollhom jagħżlu jekk iridux jaċċettaw jew le, duttrina sostituta ġdida, li ser tieħu post il-Kelma, jew jibqgħu leali lejn il-Fidi Vera. Saħansitra l-iżjed wieħed devot fosthom ser jingħeleb mill-ilħna qawwija tal-impusturi u huma sejrin jibdew jiddubitaw kemm huwa relevanti t-Tagħlim Tiegħi fid-dinja illum, fejn id-dnub mhux ser jibqa' jiġi dikjarat li għandu xi sinifikant.

It-triq qed titħejja biex tinżergħa ż-żerriegħa u iben Satana daqt ikun lest biex iħaddan il-knisja falza l-ġdida. Il-Knisja Tiegħi sejra ssofri perjodu ta' dlam kbir u kull ruħ li tibqa' leali Lejja, sejra tgħaddi mit-Tislib Tiegħi. L-għedewwa Tiegħi ser jagħmlu stqarrijiet radikali u li bihom jikinsu kollox, fejn jgħidu li dak kollu li jinsulta l-Isem Qaddis Tiegħi, jiġi dikjarat li huwa aċċettabbli f'għajnejn il-Knisja Tiegħi. Ftit ħafna mill-kleru, ser jissieltu kontra din id-desagrazzjoni minħabba d-dnub tal-kodardja, iżda kunu għafu dan. Jekk huma jieħdu sehem f'sagrifiċji foloz, sagramenti foloz u tagħlim falz, li mbagħad huma jippruvaw iwaħħluh fuq is-segwaci leali Tiegħi, Jiena niddikjarhom li m'humiex denji li jieqfu Quddiemi.

Ħafna mill-ħsara, li ser issir fuq in-nies ordinarji, ser issir permezz ta' dawk li daħlu fil-Knisja Tiegħi b'mezzi foloz. Meta jgħidulkom li l-Ġisem Tiegħi jfisser xi ħaġa oħra altru mill-Ġisem Fiżiku Tiegħi, hemm kunu għafu li t-Tqarbina li intom ser tirċievu ma tkunx ġejja Minni. Intom qatt m'għandkom tħalluhom jibdlu t-tifsira tal-Ewkaristija Qaddisa. Ikun biss meta l-Ewkaristija Qaddisa tiġi mneħħija għal kollox, illi l-antikrist jidħol fil-Knisja Tiegħi u jikkapparrha. Dan ikun il-jum meta tkunu tafu li l-politika tad-dinja ser issir ħaġa waħda mal-Knejjes Kristjani kullimkien u li Jiena mhux ser inkun iżjed Preżenti ġewwa fihom. Imma xorta waħda, l-Knisja Tiegħi ma tistax tmut u għalhekk ikunu l-Fdal Tiegħi li jżommu d-Dawl Tiegħi jiddi u l-Preżenza Tiegħi ħajja u ħafna ser ikollhom ifittxu Knejjes moħbija u lil dawk il-qaddejja qaddisa Tiegħi, li bil-Grazzja t'Alla, jirnexxielhom iżommu l-Knisja Tiegħi bla mittiefsa.

Qatt taħsbu li iben Satana, l-antikrist, ser jidher b'xi aggressjoni jew bħala dittatur ħażin, għax dak mhux l-istil tiegħu. Minflok, huwa jkollu ħafna ħbieb. Huwa jkun maħbub minn ħafna gvernijiet, kif ukoll mill-għedewwa fil-Knisja Tiegħi, li ser ifaħħru kull mossa tiegħu, bil-kliem, sakemm huwa jiġi mogħti pożizzjoni ta' unur fil-Knisja Tiegħi. Il-kardinali, isqfijiet u membri oħra fil-Knisja Tiegħi ser isemmuh il-ħin kollu u jfaħħruh fl-omeliji tagħhom. Il-qawwa ta' seduzzjoni tiegħu ser tkun tant kbira, li ser tkun ipnotika. Huwa, permezz tal-qawwa sopranaturali ta' Satana, ser jattira lil dawk kollha li jieħdu d-deċiżżjonijiet fil-Knisja Tiegħi, sakemm fl-aħħar, dawn imilu quddiemu daqs li kieku kont Jien.

Ser ikun permezz ta' membri ambizzjużi tal-kleru, li waqgħu mill-fidi tagħhom, iżda li xorta waħda, ġew imbierka bir-Rigal tal-Ordni Sagri, illi l-antikrist ser jiġbor

qawwa żejda.  Huwa sejjer jieħu minn dawn l-imsejkna tradituri Tiegħi, l-aħħar biċċa tal-poter fil-Knisja Tiegħi, sakemm din tkun lesta għalih biex jidħol fiha bħala l-mexxej il-ġdid tagħha. Matul dan il-perjodu kollu tad-dlam, l-għedewwa Tiegħi, b'mod ħelu u sabiħ, ikollhom ħila straordinarja biex jippreżentaw il-gideb bħala l-Verita'.  Dawk biss li jibqgħu jitolbu għall-protezzjoni u li jiċħdu lil Satana b'kull mod li huma kienu ġew mgħallma, li ser ikollhom il-ħila jiskappaw mill-qabda ta' l-antikrist.

Ġesu' Tagħkom

**Il-Ġenna li kienet maħluqa minn Missieri għal uliedu, sejra tiġi mogħtija lura lilhom, fl-aħħar, fil-Glorja oriġinali tagħha.**

Il-Ħadd, 16 ta' Marzu, 2014 @ 18.00

Għażiża maħbuba binti, meta l-Kelma saret bniedem, permezz tat-Twelid Tiegħi, dan kien ifisser li l-Kelma Qaddisa t'Alla mmaterjalizzat kif kien imħabbar fil-Ktieb ta' Missieri.

Il-Kelma t' Alla hija ċara u ma titbiddilx. Tibqa' għall-eternita'. Kull min ikisser il-Kelma t'Alla u jirrangħa biex taqbel lilu, jew lill-oħrajn, huwa ħati tal-ereżija. Meta Jiena ġejt fid-dinja, ulied Alla – u speċjalment dawk il-qaddejja mgħallmin fit-Tempji Tiegħu fuq l-Art – kienu jafu l-profeziji li kienu jinsabu fil-Ktieb ta' Missieri. Ma kienx sigriet, li Missieri kien ser jibgħat il-Messija biex jifdi l-umanita' u dan il-fatt kien jiġi mgħallem fit-tempji u kien jiġi nkluż f'kull qari tal-Iskrittura Mqaddsa. Kulma jiġi minn Missieri huwa l-Verita'. Huwa ma jigdibx. Il-Kelma t'Alla hija minquxa fil-Ġebla. Dak kollu li Missieri qal fil-bidu, sejjer jiġri. Dak li wiegħed ser jitwettaq, kemm jekk l-umanita' taċċettax il-fatt jew le.

Missieri ta l-Kelma lid-dinja, mbagħad ta Ġismu, permezz tat-Twelid Tiegħi – l-uniku Iben Tiegħu Ġesu' Kristu – u mbagħad wiegħed lill-bniedem is-Salvazzjoni Eterna. Kull Kelma li tinsab fil-Bibbja Qaddisa, kif kienet mogħtija fil-forma oriġinali, nkluż il-Ktieb tar-Rivelazzjoni, huwa l-Verita'. **Għalhekk, il-Wegħda ta' Missieri lid-dinja, li Huwa kien ser jerġa' jibgħat lill-Iben Tiegħu – biss din id-darba biex jiġġudika l-ħajjin u l-mejtin – qatt m'għandha tiġi rrifjutata. Il-perjodu qabel dan il-Jum Kbir ser ikun wieħed imqalleb u d-dettalji taż-żmien li ser iwassal għat-Tieni Miġja Tiegħi jinsabu fil-Ktieb tar-Rivelazzjoni, kif kienu ġew ddettati lil Ġwanni mill-Anġlu tal-Mulej.**

Li tgħidu li taċċettaw parti biss mill-Ktieb ta' Missieri u mhux parti oħra, jfisser li tiċħdu l-Kelma t'Alla. Intom ma tistgħux taċċetttaw parti biss mill-Verita' u tiddikjaraw il-kumplament tal-Kelma t'Alla li huwa gidba. **Il-Ktieb tal-Verita' kien ġie mħabbar lil Danjel u mbagħad mogħti f'partijiet lil Ġwanni l-Evanġelista. Ħafna minn dak li jinsab fil-Ktieb tar-Rivelazzjoni għad irid iseħħ.** Ħafna nies jibżgħu mill-kontenut tiegħu u għalhekk jippruvaw jiċħduh, għax il-Verita' hija pillola qarsa biex tiblagħha. U xorta, l-Verita', meta tiġi aċċettata, hija xi ħaġa li tista' taqbadha b'iżjed faċilita' għax magħha ġġib il-kjarifika. Kjarifika tfisser li intom tkunu tistgħu tħejju iżjed bil-paċi fir-ruħ tagħkom u l-ferħ f'qalbkom, għax tafu li Jiena ġej biex inġedded id-dinja. Intom tkunu tafu li l-Ġenna li kienet maħluqa minn Missieri għal uliedu, sejra tiġi mogħtija lura lilhom, fl-aħħar, fil-Glorja oriġinali tagħha.

**L-ebda bniedem ma jista' jifhem verament il-Ktieb tar-Rivelazzjoni, għax mhux kull ġrajja tinsab miktuba bid-dettall kollu jew waħda wara l-ohra, u lanqas ma kellha tkun hekk.** Iżda kunu għafu dan. Intom tistgħu tkunu ċerti li dan huwa l-perjodu meta r-renju ta' Satana jispiċċa u huwa u joqrob lejn tmiemu, huwa ser iġib minn kull kastig Fuqi. Huwa sejjer jagħmel dan billi jinfiltra fil-Knisja Tiegħi minn ġewwa. Huwa ser jisraqli l-erwieħ u jiddesagra Ġismi, l-Ewkaristija Qaddisa. Iżda

Jiena l-Knisja u Jiena sejjer immexxi lill-poplu Tiegħi. Satana ma jistax jeqred Lili, għax dan huwa mpossibbli. Iżda huwa jista' jeqred ħafna erwieħ meta jqarraq bihom u huma jemmnu li huwa Jien.

Hekk kif id-dinja kienet imħejjija għall-Ewwel Miġja Tiegħi, hekk ukoll issa qed tiġi mħejjija għat-Tieni Miġja Tiegħi. Għal dawk li jopponu Lili, fl-isforzi Tiegħi biex insalva l-erwieħ u li jgħannqu lill-għedewwa Tiegħi, kunu għafu dan. Intom qatt ma tistgħu tirbħu l-Qawwa t'Alla. Intom qatt ma tistgħu teqirdu l-Kelma. Intom qatt m'intom sejrin tiddesagraw Ġismi u tibqgħu weqfin.

Meta l-profeziji li jinsabu fil-Ktieb tar-Rivelazzjoni, jseħħu, intom ma tridux tiddispraw, għax għandkom tibqgħu ċerti li l-Imħabba t'Alla għal uliedu tfisser li Huwa ser iġib ruħu mal-għedewwa Tiegħu bl-aħrax u jagħmel minn kollox biex iġib lil uliedu kollha , li jagħrfu Lili, l-uniku Iben Tiegħu, fil-Kenn Divin Tiegħu tal-Paċi. U filwaqt li l-għedewwa t'Alla jisirqu ħafna erwieħ permezz tas-seħer u l-qerq, ħafna nies sejrin iwarrbu l-Vera Kelma t'Alla.

Għal dawk li huma mberkin u qed jaraw, tibżgħux mill-għedewwa Tiegħi, iżda mir-Rabja t'Alla, li ser tinżel fuq dawk li qed jippruvaw jisirqu l-erwieħ ta' dawk li lanqas biss jafu x'inhu jiġri.

L-Imħabba t'Alla Tista' Kollox u r-Rabta Tiegħu mas-sopravivenza ta' kull persuna hija bla tarf. Iżda l-Kastig Tiegħu fuq l-għedewwa Tiegħu huwa feroċi daqs kemm huwa finali.

Ġesu' Tagħkom.

**Aħjar tbatu l-uġigħ f'Ismi, milli tkunu gglorifikati mill-midinbin talli għamiltu l-ħażin f'Għajnejja.**

It-Tlieta, 18 ta' Marzu, 2014 @ 16.20

Għażiża maħbuba binti, ħalli l-ebda bniedem ma jistħi jħabbat wiċċu mal-persekuzzjoni għax ikun iddefenda Lili ta' Kristjan. Qatt m'għandkom tibżgħu mill-persekuzzjoni f'Ismi, għax meta tindunaw li qed tiġu kkritikati għax tgħidu l-Verita', hemm tkunu veri qaddejja Tiegħi.

Dawk biss li huma Fija u Miegħi ser jiġu redikolati u mibgħuda f'Ismi. Dawk minnkom li huma vera Tiegħi u meta ċċedu r-rieda tagħkom ħalli ssir Tiegħi, ser ibatu l-iżjed. **Intom għandkom dejjem tifhmu li meta l-mibegħda għal xi segwaċi minn Tiegħi tkun l-iżjed qawwija, hemm tistgħu tkunu ċerti li hemm il-Preżenza Tiegħi fl-aqwa tagħha.** Aħjar tbatu l-uġigħ f'Ismi, milli tkunu gglorifikati mill-midinbin talli għamiltu l-ħażin f'Għajnejja.

Għeżież segwaċi Tiegħi, **ħalli niżgurakom li Idi qegħda tmexxikom kuljum, f'din l-aħħar Missjoni Tiegħi fuq l-Art. Kelmti sejra tqajjem lir-ruħ tagħkom u l-erwieħ ta' dawk il-biljuni li jimxu warajkom – għax id-dinja daqt tisma' Leħni.** Tħallu xejn ixekkilkom meta titkellmu Fuqi; meta tfakkru lin-nies it-Tagħlim Tiegħi u meta intom tfakkru lill-qaddejja qaddisa Tiegħi fl-obbligu tagħhom li jibqgħu leali lejn il-Kelma Tiegħi, li tinsab fl-Evanġelji.

Meta jgħidulkom biex tiċħdu Lili, kemm jekk permezz tal-Ewkaristija Qaddisa jew permezz ta' verżjoni rranġata tal-Bibbja Mqaddsa, intom għandkom tirrifjutaw li tagħmlu dan, bil-miftuħ u bla mistħija. Intom għandkom tiddefendu l-Kelma billi tirrifjutaw li taċċettaw gideb f'Ismi. **Sabiex nipproteġikom mill-persekuturi, li ser iġibu għajb kbir kontra l-Knisja Tiegħi u ta' dawk kollha li jibqgħu leali lejn il-Kelma t'Alla, nitlobkom tgħidu din it-Talba tal-Kruċjata.**

**Talba tal-Kruċjata (141) Protezzjoni kontra l-persekuzzjoni.**

***Għażiż Ġesu', idħol għalija fil-battalja tiegħi biex nibqa' fidil lejn il-Kelma Tiegħek jiġri x'jiġri. Aqbeż għalija kontra l-għedewwa Tiegħek. Ipproteġini minn dawk li jippersegwitawni minħabba Fik.***

***Aqsam miegħi l-uġigħ tiegħi. Taffili t-tbatija. Għollini fid-Dawl ta' Wiċċek, sa dak in-nhar li Inti terġa' tiġi biex tagħti s-Salvazzjoni Eterna lid-dinja.***

***Aħfer lil dawk li jippersegwitawni. Uża t-tbatija tiegħi biex tpatti għal dnubiethom, ħalli huma jkunu jistgħu jsibu l-paċi f'qalbhom u jilqgħu Lilek bl-indiema f'ruħhom fl-aħħar Jum. Ammen.***

Morru u tfarrġu bit-tama' li Jiena sejjer nieħu l-għedewwa kollha Tiegħi u lil dawk li jippersegwitawkom f'Ismi, fil-Kenn tal-Ħniena Kbira Tiegħi.

Ġesu' Tagħkom

## [Dawk li jisħtu Lili għad ikunu misħutin.]

L-Erbgħa, 19 ta' Marzu, 2014 @ 16.05

Għażiża maħbuba binti, **meta Jiena nirreferi għall-għedewwa Tiegħi, Jiena dejjem inkun irrid infisser għal dawk, li permezz ta' mezzi malizjużi, jippruvaw jisirquli l-erwieħ.** Jiena nirreferi b'mod partikolari għal dawk li juru wiċċ ta' qdusija bl-iskop li jmexxu l-erwieħ għad-dnub. Meta wieħed jipprova jħajjar ruħ oħra biex temmen falsitajiet dwar Kelmti, mogħtija lid-dinja permezz tal-Ktieb ta' Missieri, allura dan ikun għadu Tiegħi.

**L-akbar uġigħ li ngħaddi minnu huwa dak li jiġi minn taħt idejn dawk li jgħidu li huma segwaċi devoti Tiegħi u li jiftaħru bl-għarfien tagħhom dwari.** Meta dawn in-nies jippruvaw iweġġgħu lill-oħrajn, u jaħsbu li jistgħu iċanfruhom f'Ismi, dan huwa l-iżjed li jweġġgħani. Jiena nfittex erwieħ li huma qrib Tiegħi u niġbidhom Lejja b'ħafna mezzi u Jiena ma ninkludix biss lil dawk li huma ġa parti mill-Knisja Tiegħi fuq l-Art. Jiena dejjem niġri wara dawk li huma mxerrdin, mitlufin u li ma jistgħux jaraw, l-ewwel. Huma l-ewwel erwieħ li Jiena nfittex u huma jkunu dawk li jekk jiġu fl-idejn żbaljati, jistgħu jiġu mmexxija ħażin.

Nitolbkom tiftakru dejjem f'dawk in-nazzjonijiet, dawk ir-reliġjonijiet, dawk li m'għandhom l-ebda twemmin Fija – dejjem – fit-talb tagħkom. Nitlobkom tilqgħuhom, kif kieku kont nagħmel Jiena. Qatt tisfurzaw l-opinjonijiet tagħkom fuqhom jew tibbulijawhom f'Ismi. Dejjem ersqu lejhom bl-imħabba u l-ġenerożita', għax huma mportanti Għalija daqs l-iżjed wieħed devot fostkom. Ma tagħmilx differenza lejn min tersqu, għax kunu għafu li ħadd fostkom ma ħaqqu iżjed mill-ieħor, għax intom kollha midinbin.

Biż-żmien, ulied Alla kollha ser ikunu xhieda tal-Verita' finali tal-Pjan Tiegħu biex iwettaq il-Patt Tiegħu. Kulħadd ser ikun jaf il-Verita' u ser isibuha iżjed faċli biex jaċċettaw l-Id Tiegħi ta' Ħniena. F'dak il-Jum, nies mir-reliġjonijiet kollha, twemmin, kulur u nazzjonalita', sejrin jaraw l-evidenza tal-Eżistenza Tiegħi. Dawk li jwaqqgħu l-barrikati li hemm bejnhom u bejn il-Ħallieq, ser jibku bil-gratitudni, għax sa fl-aħħar, huma ser jaraw l-Imħabba t'Alla. U filwaqt li tkunu qed tippjanaw u tħejju għaż-żminijiet li ġejjin, kunu għafu li għal kull tfixkil li jpoġġu quddiemkom f'din il-mixja lejn is-Salvazzjoni Eterna, l-għedewwa Tiegħi ser ipattuha bl-aħrax.

Dawk li jisħtu Lili, jiġu misħutin. **Dawk li jitqabdu kontra l-Pjan ta' Missieri biex isalva l-erwieħ, jispiċċaw telliefa.** U **dawk li jippersegwitaw lil ulied Alla u jfixklu lill-Mulej, huma stess sejrin jiġu ppersegwitati mill-qaddej li huma stess intrabtu miegħu.** Xejn m'hu ser ixxekkel Lili, għax huwa mpossibbli. Bil-qawwa t'Alla, kull għadu ser jinqered u dawk kollha li jfaħħru l-kliem, l-għemil u l-azzjonijiet tal-antikrist, ser jiġu mneħħija u hemm is-Saltna t'Alla tkun kompluta.

Ġesu' Tagħkom.

## Sejra tqum armata tal-biża', li bħala qatt ma tkun dehret qabel.

Il-Ħamis, 20 ta' Marzu, 2014 @ 21.42

Għażiża maħbuba binti, d-dinja tinsab f'xifer ta' ħafna gwerrer u dawn ser ikollhom riperkussjonijiet fuq l-għaġġla li bihom tisplodi l-Knisja. Ser ikun waqt l-aħħar negozjar ta' paċi, li ser iseħħ wara ħafna mwiet u ħerba, li ħafna nies ser iħossuhom bla ħila, waħedhom, mbeżża' u mingħajr tmexxija vera. Ikun minħabba r-rabtiet dgħajfa fid-dinja tal-politika li d-dinja ser tkun l-iżjed vulnerabbli. Minħabba dan, **sejra tqum armata tal-biża', li bħala qatt ma tkun dehret qabel. Hekk kif tinqasam id-dinja f'biċċiet, hekk ukoll jiġri lil ħafna knejjes. Imbagħad meta kollox ikun jidher bla tama', grupp magħqud, li jikkonsisti f'mexxejja politiċi u mexxejja ta' Knejjes Kristjani, jinħoloq taħt organizazzjoni waħda dinjija – li minnha ser tinbet abominazzjoni ġdida – reliġjon waħda dinjija.**

**Dawn il-ġrajjiet kollha jseħħu fi stadji.** Id-dover tagħkom, maħbubin segwaċi Tiegħi, huwa Lejja, meta Jiena qed immexxikom, għax triq waħda biss hemm għall-paċi u l-kenn, u dik hija permezz Tiegħi, Ġesu' Kristu. Jiena sejjer immexxikom qalb ix-xewk, l-uġigħ u l-orrur tal-abominazzjoni tad-deżolazzjoni. Intom tkunu fi żgur meta tiggranfaw Miegħi.

Kun sogħda, għażiża binti, matul dawn il-provi, għax ser ikun permezz tas-saħħa u l-kuraġġ tiegħek, illi Jiena nkun nista' nurikom it-Triq tal-Verita', meta d-dinja tinqaleb ta' ġewwa barra, minħabba l-ħażen li ser iġibuh l-imħabba għall-poter u l-korruzzjoni, li ser iġibu dawn il-gwerrer u wara, l-Gwerra l-Kbira.

**Imxu bil-ħeffa u żguraw li tiddedikaw ħajjitkom għat-talb u l-protezzjoni tal-Knisja Tiegħi fuq l-Art. Ir-Rigali Tiegħi jipproteġu lil kull wieħed minnkom u Jiena dejjem ser inwieġeb għal dawk li jfittxuni, f'dan iż-żmien ta' taqlib li ġej. Meta jibdew iseħħu dawn il-ġrajjiet, l-Armata Tiegħi tikber.** Dawk li jopponu din il-Missjoni ser jiġu warajja, għax sa dak iż-żmien, huma ma jkunux jistgħu jiċħdu iżjed il-Verita' – meta jsibu li huma wkoll, ser isofru l-persekuzzjoni li jkunu qed iħabbtu wiċċhom magħha l-Kristjani kullimkien, meta jkollhom joqogħdu taħt ir-renju tad-Dragun. L-unika tama' tagħhom tkun li jimxu warajja, Ġesu' tagħhom, f'dak l-istadju, għax ikun biss permezz Tiegħi li huma jkunu jistgħu jaslu fis-Saltna ta' Missieri.

Ġesu' Tagħkom.

## Ladarba ruħ tinħoloq minn Missieri, din tibqa' għall-eternita'

Is-Sibt, 22 ta' Marzu, 2014 @ 14.00

Għażiża maħbuba binti, l-mewt m'għandkomx tibżgħu minnha, jekk intom taċċettaw il-mewt Tiegħi fuq is-Salib. **Il-mewt hija mument li jgħaddi minn din id-dinja għad-Dar tas-Saltna ta' Missieri.** Li tibżgħu mill-Mewt tfisser li tiċħdu l-Ħniena Tiegħi, għax Jiena sejjer insalva lil kull ruħ li tagħraf Lili u li titlobni naħfrilha dnubietha.

Ladarba ruħ tinħoloq minn Missieri, din tibqa' għall-eternita'. Din ikollha l-Ħajja ta' Dejjem, jekk hija tħalli Lili neħodha. Jekk le, din tintrebaħ minn Satana jekk ir-ruħ tiċħad Lili, meta tkun taf Min Jien.

Il-mewt ta' ruħ fid-dinja hija naturali daqs kemm huwa t-twelid. **Meta ruħ tħalli l-ġisem u tiġi Għandi, din tintela b'abbundanza ta' Grazzji u tidħol fil-familja ta' Missieri – s-Saltna Tiegħu, li hija mimlija b'imħabba kbira, ferħ u kuntentezza, li qatt ma tistgħu taslu għaliha fuq l-Art.** Ħafna minnkom li esperjenzaw l-imħabba, ferħ u kuntentezza f'ħajjithom, daqu biss loqma zgħira minn kif tkun il-Ħajja ta' Dejjem. Għandkom titħabtu dejjem, bil-ferħ fi qlubkom, għal dak il-mument li intom tidħlu fis-Saltna ta' Missieri, għax din ta' min jistenniha – mhux jibża' minnha.

**Jekk ikollkom tħabbtu wiċċkom mal-mewt jew jekk xi ħadd maħbub ikollu jħabbat wiċċu mal-mewt, dejjem għandkom idduru Lejja, għall-għajnuna.** Meta intom tagħmlu dan, Jiena ngħollikom fl-ispirtu, nixxotta d-dmugħ tagħkom, nneħħi l-biża' kollu minn qlubkom, meta intom tgħidu din it-talba.

**Talba tal-Kruċjata (142) Inħejju għall-mewt.**

*Ġesu' Tiegħi l-iżjed għażiż, aħfirli dnubieti. Naddaf ruħi u ħejjini biex nidħol fis-Saltna Tiegħek.*

*Agħtini l-Grazzji biex inħejji għall-għaqda tiegħi Miegħek. Għinni negħleb kull biża'.*

*Agħtini l-kuraġġ biex inħejji moħħi u ruħi, ħalli nkun xieraq li nieqaf Quddiemek.*

*Jiena nħobbok. Jiena nafda Fik. Jiena nagħti lili nnifsi Lilek bil-gisem, bil-moħħ u bir-ruħ għall-eternita'. Ħalli r-Rieda Tiegħek issir tiegħi u eħlisni mill-uġigħ, d-dubju u t-taħwid. Ammen.*

Jiena nilqa' l-erwieħ kollha li jgħidu din it-talba, mingħajr eċċezzjoni. Il-Ħniena Tiegħi tinfirex speċjalment lejn dawk l-erwieħ li qed iħabbtu wiċċhom mal-mewt, iżda li ma jemmnux Fija, meta huma jgħidu din it-talba tlett darbiet kuljum, fl-aħħar jiem tagħhom.

Ġesu' Tagħkom.

**[X'jiswa li bniedem jinġieb  Quddiemi mkaxkar u jagħti b'saqajh?  Kollu għal xejn.]()**

Il-Ħadd, 23 ta' Marzu, 2014 @ 11.30

Għażiża maħbuba binti, huwa mportanti li intom twessgħu l-imħabba li kull wieħed minnkom għandu għall-familja tiegħu, 'l barra minn djarkom. **Nħeġġiġkom lkoll biex taraw lil dawk li intom tafu, lil dawk li ma tafux, lill-għedewwa tagħkom, kif ukoll lil dawk li huma qrib tagħkom, daqs li kieku kienu ħutkom naturali.** Tant nies insew kif iħobbu lill-oħrajn, kif ħabbejtkom Jien. Mhux faċli tħobb lil dawk li ma tafhomx, iżda Jiena ngħidilkom – kunu qalbkom tajba mal-oħrajn u wruhom rispett, saħansitra jekk huma jirrifjutawkom. Fuq kollox għandkom turuhom karita'. Intom għandkom tagħtu każ tal-ħtiġijiet tal-oħrajn, daqs li kieku bagħttkom Jiena stess direttament.

Meta Jiena tajtkom il-Kelma Tiegħi, kienet ix-xewqa Tiegħi li l-erwieħ kollha jiġu salvati. Sabiex jiġu salvati, intom ma tridux tkunu egoisti u tagħtu każ ta' ruħkom biss. **Intom għeżież segwaċi Tiegħi għandkom id-dover li taqsmu r-Rigali li qed inġibilkom bħalissa, permezz ta' dawn il-Messaġġi, mal-oħrajn.** Aqsmu Mħabbti mal-oħrajn speċjalment mal-għedewwa. Itolbu għal dawk li jeħtieġu l-Intervent Tiegħi. Imxu magħhom bil-paċenzja. **Meta tagħtuhom ir-Rigali Tiegħi, t-Talb Tiegħi u Protezzjoni tas-Siġill t'Alla l-Ħaj, intom għandkom tieħdu pass lura u tħalluhom iduru Lejja.**

Jiena ma ngħidilkomx biex tisfurzaw in-nies biex jaċċettaw il-Ktieb tal-Verita'. Bir-rieda ħielsa tagħhom, din trid tkun l-għażla tagħhom jekk iridux jisimgħu Lili jew le. Aċċertaw lil dawk in-nies, li Jiena, Ġesu' Kristu, ser nagħmel minn kull Intervent, biex nirbaħ ruħhom. L-iżjed dgħajfin fosthom ser iwieġbu b'xi mod , għas-Sejħa Tiegħi. Dawk li għandhom il-mibegħda Lejja fir-ruħ taghom, f'xi waqt, ser iħossu qalbhom tirtab u mhux ser ikunu jafu dan għaliex. Għalhekk intom għandkom dejjem iġġibuli l-erwieħ permezz tal-imħabba u l-paċenzja.

X'jiswa li bniedem jinġieb  Quddiemi mkaxkar u jagħti b'saqajh? Kollu għal xejn. **It-Talb tal-Kruċjata, li Jiena tajt lid-dinja, huma tant qawwija, li permezz tal-Imħabba t'Alla, l-erwieħ ta' dawk kollha li intom titolbu għalihom jiġu murija Mħabba kbira, Kompassjoni u Ħniena Minni.** Kulma għandkom tagħmlu  huwa li tagħtuhom it-Talb u mbagħad titolbuni biex niġbed dawn l-erwieħ Lejja. Għax Jiena qatt ma nirrifjuta l-midneb li jeħtieg il-Ħniena.

Ġesu' Tagħkom.

**Alla l-Missier: Il-ġuħ, li ser jaħtaf lid-dinja, hekk kif jinfetaħ it-Tielet Siġill, mhux ser ikun minħabba n-nuqqas tal-ikel biss.**

It-Tnejn, 24 ta' Marzu, 2014 @ 15.33

Binti l-iżjed għażiża, il-guħ, li ser jaħtaf lid-dinja, hekk kif jinfetaħ it-Tielet Siġill, mhux ser ikun minħabba n-nuqqas tal-ikel għall-ġisem biss. **Il-ġuħ li qed nitkellem dwaru ser ikun il-ġuħ tal-ispirtu, meta kull traċċa tal-Verita' ser tiġi mħassra mill-għedewwa li daħlu fil-Knisja, maħluqa minn Ibni, Ġesu' Kristu, fuq l-Art, f'għaqda mal-Ġisem Tiegħu.**

**Il-Verita' dalwaqt issir tħawdek u l-Ispirtu s-Santu jinbidel mal-ispirtu tal-ħażen.** Dawk li sejrin ixerrdu l-forma l-ġdida t'evanġelizazzjoni ser ikunu responsabbli li żammew l-Ikel tal-Ħajja, minn uliedi. Meta tkunu mejtin bil-guħ għall-Verita', ser ikollkom ftit biex tmantnu lil ruħkom u mbagħad biż-żmien, intom taqgħu fil-paganiżmu. Jiena qed nintervjeni f'kull pass tal-proċess li bih intom sejrin taqgħu fl-iżball. Jiena sejjer nagħmel kull sforz u permezz tal-Ħniena t'Ibni, ser nagħti lil ħafna mill-qaddejja qaddisa Tiegħu, l-Grazzji li huma jeħtiegu biex jagħżlu bejn il-Verita' u l-fittizju.

Waqt li nkun qed niġbidkom 'l bogħod mill-għadu, ħafna minnkom ser isibuha fi tqila biex jibqgħu leali lejn il-Kelma t'Alla. **Intom ser tkunu ttormentati mid-dubji, nuqqas ta' kuraġġ biex iżżommu mal-Kelma Qaddisa u biża' kbir li tiġu ddikjarati tradituri tal-Knisja.** Il-battalja għall-erwieħ sejra tkun qalila daqs kemm kienet fi żmien Ibni fuq l-Art. L-akbar diffikulta' sejra tkun minħabba li l-qaddejja qaddisa t'Ibni, mhux ser jirnexxielhom jaqbdu l-qerq li hemm ġo nofshom. U għalhekk, huma, minħabba l-fidi bierda tagħhom u nuqqas ta' dixxerniment, iwasslu ħafna minn sħabhom il-kleru, fi żball kbir, kif kien imħabbar.

Jiena qiegħed niddikjara li ż-żmien huwa qasir. Mhux ser ikollkom iż-żmien meħtieġ biex iġġibu l-ulied kollha Tiegħi għal ġo Dirgħajn Ibni. **Għal dawk minnkom li huma privileġġati li ġew mogħtija l-Grazzja li jagħrfu r-Rigal tal-Ktieb tal-Verita', ħafna huwa mistenni minnkom.** Permezz tal-fidi tagħkom u l-fiduċja tagħkom Fija, l-maħbub Missierkom, intom sejrin tgħinu biex tmexxu lil uliedi lura, ħalli huma jaċċettaw bil-qalb l-Intervent tat-Twissija, meta Ibni sejjer iħaddan id-dinja bir-Raġġi tal-Ħniena Kbira Tiegħu.

Dawn iż-żminijiet waslu fuqkom u wasal iż-żmien biex tilbsu l-armatura u titqabdu għall-Kelma Vera – il-Verita' – biex tibqa' tinżamm. Mingħajr il-Kelma m'hemmx ħajja.

Missierkom

Alla l-Iżjed Għoli

## [Omm tas-Salvazzjoni: Itolbu lili, l-Omm għażiża tagħkom, sabiex nagħtikom il-qawwa li twettqu u tipproteġu l-Missjoni tas-Salvazzjoni]

It-Tlieta, 25 ta’ Marzu, 2014 @ 15.30

Għeżież Uliedi, meta Alla għażel lili bħala l-Omm tal-Uniku Iben Imnissel Tiegħu, dan ġara, sabiex inkun nista' nagħti glorja lil Alla billi naqdiH u nġiblu fid-dinja l-Messija tant mistenni. Kont sempliċement qaddeja umli dak iż-żmien, kif Jien bħalissa.

Dejjem ftakru li meta taqdu lil Alla, fil-Pjan Tiegħu biex iġib is-Salvazzjoni Eterna lid-dinja, intom sempliċiment qaddejja Tiegħu. Biex taqdu lil Alla jeħtieġ sens qawwi t' umiltà. Ma jista jkun bl-ebda mod ieħor. **Din il-Missjoni, l-aħħar waħda approvata minn Missieri fil-Pjan Tiegħu, biex iġġib l-aħħar salvazzjoni lill-Uliedu, se tiġbed miljuni t' erwieħ biex jaqduH. Se jiġu minn kull rokna tad-Dinja.** Ħafna mhux se jkunu konxji tas-sejħa tagħhom, sakemm jitolbu t-Talb tal-Kruċjata. Se jkun permezz tar-reċitar tat-Talb tal-Kruċjata li l-Ispirtu s-Santu se jferraħ lil dawn l-erwieħ u li mbagħad ikunu lesti li jġorru s-Salib t’ Ibni.

**Jekk verament intom isservu lil Ibni u tgħinuH, sabiex ikun jista' jġib is-salvazzjoni lil kull midneb, allura se jkollkom taċċettaw il-piż tas-Salib.** Meta taqdu lil Ibni, iżda wara jiddispjaċikom għat-tbatija li jġibilkom, dan ikisser il-barriera li tipproteġikom mill-wieħed il-ħażin.

Satana qatt ma jagħti każ ta’ dawk li jsegwu viżżjunarji foloz jew lis-segwaċi tagħhom, minħabba li jaf li dawn ma jagħmlu l-ebda frott. Huwa, madankollu, fil-każ ta' missjonijiet awtentiċi, jattakka bi krudeltà kbira. Se juża erwieħ dgħajfa, milquta bid-dnub tal-kburija, biex jattakka dixxipli veri t' Ibni. Għal dawk li jwieġbu lili, l-Omm tas-Salvazzjoni, il-mibegħda tiegħu se tkun l-aktar evidenti meta l-Midalja tas-Salvazzjoni Tiegħi, tkun disponibbli madwar id-dinja kollha.

**Il-Midalja tas-Salvazzjoni sejra tikkonverti biljuni t’erwieħ u għalhekk, ser isir kull sforz mill-wieħed il-ħażin biex iwaqqafha.** Minn dawn l-attakki, intom sejrin taraw il-velenu li ser jitferra’ mill-wieħed il-ħażin u kull aġent minn tiegħu, għax hu ma jridx li din il-Midalja tiġi mogħtija lil ulied Alla. **Uliedi, intom qatt m’għandkom taqgħu għall-pressjoni u l-ħażen, li sejrin joħorġu minn dawk li telqu lil Ibni.** Li tagħmlu hekk, jfisser li ċċedu għal Satana. Minflok, intom għandkom titolbu lili, l-Omm maħbuba tagħkom, biex nagħtikom is-saħħa li tibqgħu għaddejjin u li tipproteġu l-Missjoni tas-Salvazzjoni f’dan iż-żmien tal-anniversarju tat-Tħabbira.

**Intom għandkom tgħidu din it-Talba tal-Kruċjata (143) Biex nipproteġu din il-Missjoni ta’ Salvazzjoni:**

*O, Omm tas-Salvazzjoni, pproteġi din il-Missjoni, Rigal minn għand Alla, biex iġib il-Ħajja Eterna lill-uliedu kollha ma’ kullimkien. Nitolbuk tintervjeni, f’isimna, permezz tal-Iben tiegħek, Ġesu’ Kristu, biex tagħtina l-kuraġġ ħalli nwettqu*

*dmirijietna biex inservu lil Alla l-ħin kollu u speċjalment meta nsofru minħabba dan kollu. Għin din il-Missjoni biex issalva biljuni t'erwieħ, skond ir-Rieda Divina t'Alla u biex tbiddel dawk il-qlub tal-ġebel f'qaddejja li jħobbu lil Ibnek. Agħti lil dawk kollha li jaqdu lil Ġesu' f'din il-Missjoni, s-saħħa biex jegħlbu l-mibegħda u l-persekuzzjoni tas-Salib u biex iħaddnu t-tbatija li jġib miegħu, b'qalb ġeneruża u jaċċettaw għal kollox dak li ġej 'l quddiem. Ammen.*

Għeżież uliedi, qatt tħallu l-biża' li taqdu lil Alla, jfixkilkom milli xxandru l-Kelma Qaddisa Tiegħu. Il-biża' ġej minn Satana – mhux minn Alla. Il-kuraġġ u s-saħħa, flimkien mal-umilta' u x-xewqa li żżommu mar-Rieda t'Alla, ma jistgħux ikunu ġejjin ħlief minn Alla.

Illum jiena niżżiħajr, fl-anniversarju tat-Tħabbira, lill-għażiż Missieri, Alla l-Iżjed Għoli, għar-Rigal li Huwa ta lid-dinja meta huwa talab lili biex inġib lill-Iben għażiż Tiegħu ħalli jifdi lill-umanita' u jwassal id-dinja fis-Saltna Eterna.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

**Huma Tiegħi.  Jiena tagħhom.  Dejjem hekk ser ikun.  Jiena nħobbhom ilkoll.  Daqshekk sempliċi**.

L-Erbgħa, 26 ta' Marzu, 2014 @ 02.52

Għażiża maħbuba binti, **qed insejjaħ lis-segwaċi kollha Tiegħi, minn madwar id-dinja, biex jingħaqdu ħaġa waħda Fija, ħalli jitolbu għall-erwieħ ta' dawk li nfirdu Minni.  Jiena, qed insejjaħ speċjlament lill-Gruppi tat-Talb tal-Kruċjata, ta' kullimkien, u lil dawk kollha li jwieġbu għas-Sejħa Tiegħi, permezz tal-Ktieb tal-Verita', biex iħobbu lil xulxin bħalma nħobbkom Jien.**  Ħallu fil-ġenb id-differenzi tagħkom – u jekk dawn ikunu hemm, injoraw il-firda, jekk din tinħoloq u tagħtux każ tal-mibegħda li Satana u dawk l-erwieħ li huwa qarraq, juru lejkom, għax din hija l-aħħar Missjoni Tiegħi bi tħejjija għat-Tieni Miġja Tiegħi.

**Intom tridu tifhmu l-iskop tal-Pjan Tiegħi biex nifdi lid-dinja, permezz tal-Ktieb tal-Verita'.**  Dan qiegħed biex isalva l-erwieħ kollha, kullimkien, huma min huma, jemmnu dak li jemmnu, kif jidinbu, x'jagħmlu wieħed lill-ieħor u jaħsbuha kif jaħsbuha.  Huma Tiegħi.  Jiena tagħhom.  Dejjem hekk ser ikun.  Jiena nħobbhom ilkoll.  Daqshekk sempliċi. Ma tistax tkun mod ieħor.

Meta tiġu ppersegwitati f'Ismi, dejjem qumu u itolbu għall-erwieħ ta' dawk li jisħtukom, għax qalbi maqsuma għalihom.  Jiena nbati ħafna għal dawn l-erwieħ.  Ġibuhomli, ħalli jiftħu qlubhom għal Imħabbti għalihom.  **Għinuni nilħaq l-erwieħ mnikkta u miksura tagħhom u l-qlub iebsa tagħhom, għax Mingħajri u mingħajr l-Intervent Tiegħi, huma jitbielu u jmutu.**  Din mhix ix-xewqa Tiegħi.  Ejjew, intom ilkoll.  Qed insejjaħ lil dawk li huma Fija u Miegħi.  Qed insejjaħ lil dawk li mhux veru jafuni, iżda li jaħsbu li jafuni.  Qed insejjaħ lil dawk li m'humiex leali lejn it-Tagħlim Tiegħi.  Qed insejjaħ lil dawk li jirrifjutaw din il-Missjoni u li jiddikjarawha falza.  Titilqunix, għax Jiena ma tlaqtkomx.  Tibżgħux Minni, għax Jiena mhux l-għadu tagħkom u Jiena għatxan għal ruħkom, ħalli intom tkunu parti Minni u hemm issibu l-paċi f'qalbkom.

Iż-żmien Tiegħi huwa issa, meta Jien qed immexxikom, niftaħ qlubkom u nfakkarkom fil-Verita' tal-Kelma Tiegħi, li qatt ma titbiddel.  Iż-żmien tal-Miġja Tiegħi huwa fil-qrib u huwa mportanti li tħejju ruħkom u lil dawk kollha li tiltaqgħu magħhom.  **Il-wasla Tiegħi tiġi hesrem u mhux ser tkunu mwissija minn qabel.**  Titilqux ruħkom, għax jeħtieg li tkunu lesti biex taraw id-Dawl ta' Wiċċi u tkunu tistgħu tibqgħu weqfin Quddiemi, jekk tridu li tidħlu fis-Saltna Tiegħi.

Jiena dejjem sejjer inħobbkom meta intom taqdu Lili b'qalbkom kollha.  Jiena dejjem sejjer inħobbkom meta intom tirrifjutawni, tiċħdu din il-Missjoni jew taqilgħu għajdut fuq l-oħrajn f'Ismi, għax intom ma tafux x'intom tagħmlu.  Meta jasal il-Jum, Jiena sejjer insejħilkom wieħed, wieħed u mbagħad neħodkom f'dirgħajja u nagħtikom il-faraġ li teħtieġu.  Għax dak in-nhar, ser ngħaqqad lil dawk kollha li jħobbu Lili  u niddikjara  l-Bibien miftuħa biex idaħħlu lil ulied kollha t'Alla, minn madwar id-dinja, inklużi dawk li mietu u li ser jerġgħu jqumu – bħala ħaġa waħda Miegħi.  Hemm tkun seħħet ir-Rieda ta' Missieri, fl-aħħar.

Ġesu' Tagħkom.
**[Meta huma jħallu lilhom infushom jiġu mbeżża' minn dawk li ma jemmnux, huma stess isiru ma jemmnux]**.

Il-Ħamis, 27 ta' Marzu, 2014 @ 14.30

Għażiża maħbuba binti, **hija x-xewqa Tiegħi illi s-segwaċi Tiegħi, inkluzi l-Kristjani ta' kull denominazzjoni, jqattgħu iżjed ħin fil-kumpannija Tiegħi f'dan iż-żmien.**

Ma jimpurtax kemm intom temmnu li tinsabu qrib Tiegħi, għax ser isir kull sforz mill-wieħed il-ħażin biex jittantakom għal kull tip ta' nkwiet. L-ebda wieħed fostkom m'hu daqshekk b'saħħtu fil-fidi tiegħu li jiflaħ jieqaf għall-influwenza tal-ispirtu tal-ħażen. **Intom għandkom tagħmlu minn kollox biex tgħaddu iżjed ħin fit-talb, kuljum u tużaw dan iż-żmien biex tibnu madwarkom l-armatura li teħtieġu biex tipproteġikom, jekk tridu li tibqgħu leali Lejja. Jekk tonqsu mill-titkellmu Miegħi, permezz tat-talb u s-Sagramenti, dan jagħmilkom dgħajfin, m'intomx ċerti mill-imħabba tagħkom Għalija u mbagħad tkunu miftuħin għad-dubji dwar it-Tagħlim Tiegħi, l-Wegħdiet Tiegħi u l-Qawwa Tiegħi.** Il-provi li sejrin tgħaddu minnhom, li ser iġibhom miegħu t-twerwir li ġej fuq dawk li huma segwaċi Tiegħi, li ser jibqgħu leali lejn il-Kelma Qaddisa t'Alla, sejrin ikunu diffiċli ħafna.

Intom ġejtu mogħtija rieda ħielsa minn Alla, bħala dritt naturali tagħkom u xorta waħda, dawk l-impusturi li daħlu fil-Knisja Tiegħi ser jippruvaw jeħduhielkom. **Intom ser tiġu sfurzati biex taċċettaw gideb, pprezentati lilkom mlibbsin bħala preżentazzjoni ġdida tal-Evanġelji Qaddisa u jekk tażżardaw tiddubitaw minnhom, intom tiġu mtellqa 'l barra bil-mistħija.** Għalhekk, ħafna minnkom, minħabba l-kodardja, għama u devozzjoni sgwidata, lejn dawk li intom temmnu li qed imexxu l-merħla Tiegħi, ser issibu lilkom infuskom tħaddnu duttrina falza.

**Id-duttrina falza li ser tiddahħal, sejra tiġi moħbija qalb ħafna kliem ta' mħabba.** Il-mod kif tagħrfu li din mhix gejja Minni ser ikun fuq tlieta. Din sejra tqiegħed il-ħtiġijiet tal-midinbin l-ewwel, billi tiddikjara li intom għandkom titolbu biex joghlew id-drittijiet tal-bniedem ħalli dan jidneb quddiem il-Mulej. It-tieni, intom tiġu mitluba biex tiddikjaraw li d-dnub huwa xi ħaġa naturali u qatt m'għandkom tibżgħu mill-futur minħabba fih – għax Alla qatt ma jirrifjuta midneb u li wliedu kollha sejrin jidħlu fil-Genna. It-Tielet, lilkom ser jgħidulkom illi s-Sagramenti jridu jiġu addattati minn kif kienu fil-bidu tal-Kristjaneżmu, biex ikunu jappellaw għal dawk li ma jemmnux u li jixirqilhom li jkollhom id-drittijiet umani tagħhom mħarsa f'Għajnejn Alla. Meta jseħħu dawn il-ħwejjeġ, ikun ifisser ħaġa waħda. Il-bniedem ikun ippreżenta, fuq l-artali tal-Knejjes Tiegħi, ma' kullimkien, l-interpretazzjoni tiegħu tar-Regolamenti li għamel Alla, dak li jogħġob lilu u dak li le. Huwa mbagħad jippretendi li Alla jitbaxxa għat-talbiet tiegħu. Fil-fatt, huwa jiddetta lil Alla għax huwa jemmen li huwa akbar Minni.

Jiena għad nixħet dawn l-erwieħ lil hinn Minni, għax huma ma jkunux iżjed jistgħu jgħidu li huma Kristjani. Meta huma jħallu lilhom infushom jiġu mbeżża' minn dawk li ma jemmnux, huma stess isiru ma jemmnux. **Fis-Saltna Tiegħi m'hemmx post għal dawk li ma jagħtux lilhom infushom Lili kif għallimthom Jiena, meta kont**

**ngħix fuq l-Art. Intom sejrin issibuha iebsa, fis-snin li ġejjin, biex tibqgħu leali lejn it-Tagħlim Tiegħi, għax dawk li jgħidu li qed jirrappreżentaw Lili, sejrin imexxukom fl-iżball il-kbir, kif kien imħabbar. Oqogħdu attenti.** Araw sew dak li jgħidulkom biex taċċettaw, bħala sostitut għall-Kelma Qaddisa Tiegħi. Dawk li għandhom dixxerniment veru, mogħti lilhom mill-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, sejrin ikunu jafu mall-ewwel meta dawn il-ħwejjeg iseħħu. Oħrajn mhux ser ikunu daqshekk imbierka, għax ma qagħdux attenti għal dak kollu li għallimthom Jien. Huma ser isibu lilhom infushom f'post mudlam ħafna u mwarrab, mingħajr il-Preżenza Tiegħi biex Iddawwal it-triq tal-Verita'. Dak iż-żmien qed joqrob ħafna.

Ġesu' Tagħkom.

**[Ser isir kull sforz min-nies tax-xjenza, matul is-sentejn li ġejjin, biex iġibu prova li Alla ma jeżistix.]**

Is-Sibt, 29 ta' Marzu, 2014 @ 14.30

Għażiża maħbuba binti, ser isir kull sforz min-nies tax-xjenza, matul is-sentejn li ġejjin, biex iġibu prova li Alla ma jeżistix. Huma ser jiddikjaraw il-falz u jgħidu li l-bniedem jista' jgħajjex il-ħajja fuq pjaneti oħrajn, minbarra d-dinja. **Id-dinja hija l-unika biċċa ħajja mill-univers, li ġie maħluq minn Alla għal uliedu.** Imma din mhix l-unika raġuni li biha ser iġibu prova li Alla ma jeżistix. **Huma sejrin jiddikjaraw il-kobor tal-bniedem; l-intelliġenza tiegħu u l-avvanzi tiegħu fix-xjenza, biex ineħħu l-ħsieb li l-bniedem kien maħluq minn Alla. L-akbar insult ikun meta huma jiddikjaraw li l-bniedem kien ġie maħluq minn miraklu tax-xjenza.** Huma ser jagħmlu minn kollox biex jagħtu prova li l-bniedem huwa nvinċibbli, imma xorta waħda, huma mhux ser ikollhom tweġiba għal dak li jiġri wara l-mewt fiżika tal-ġisem, li kull bniedem ikollu jħabbat wiċċu magħha. Din il-biċċa tiġi njorata minn dawk li jgħidu l-gideb u jiċħdu lil Alla.

Huma għad iwaqqgħu għar-redikolu lil kull min jiddikjara li jemmen fl-Ezistenza tas-Sema' jew tal-Ħallieq Veru, Alla l-Iżjed Għoli. U **matul dawn id-dikjarazzjonijiet pubbliċi kollha, kontra l-Verita', mhix ser titlissen kelma waħda minn dawk li jgħidu li jmexxu l-Knisja Tiegħi.** Fl-aħħar jiem, ir-reliġjon issir kunċett pagan, fejn l-adorazzjoni tal-Art, ix-xemx, il-qamar u l-istilel, jieħdu post Alla, meta dawn jagħtu qima lil Alla.

L-biċċa l-kbira tad-dinja sejra ddur lejn il-paganiżmu u ġġib il-mewt ta' ruħha stess. Għalkemm ser isir minn kull Intervent minn Missieri, huma sejrin jitilqu n-naħa l-oħra. Kien għalhekk li Missieri wiegħed lid-dinja l-Ktieb tal-Verita', l-kxif tal-Ktieb tar-Rivelazzjoni, biex isalva l-erwieħ imsejkna tagħkom. Il-bniedem rasu iebsa. Il-bniedem imkabbar, vanituż u aktar ma jagħmel avvanzi fix-xjenza, anqas u anqas ikun jaf u iżjed jitbiegħed mill-Verita'.

Agħtu każ ta' Kelmti bħalissa, għax daqt, dak kollu li għallimtkom jitteħdilkom biċċa biċċa, stadju wara l-ieħor, mill-Knejjes Tiegħi fuq l-Art. Il-Kelma titteħdilkom, iżda Jiena ma nitlaqkomx, għax Jiena dejjem ser nibqa' magħkom, immexxikom, ngħallimkom u nimliekom bl-Imħabba Tiegħi. Intom dejjem f'Qalbi u ser ikun għall-imħabba tagħkom Lejja, li Jiena ser inkun nista' nsalva lil dawk li huma mitlufin. **Intom għeżież segwaċi Tiegħi, intom il-ħolqa li tgħaqqad Lili ma' wlied Alla u permezz tat-talb tagħkom, Jiena sejjer nitħabat biex ngħaqqad lid-dinja.** Għalhekk m'għandkom qatt tiddispraw, meta kollox jidher mingħajr tama'.

Ġesu' Tagħkom.

**[Ħażin għalihom dawk magħżulin mill-Mulej biex jaqduH fl-aħħar jiem, għax huma mhux sejrin jistenbħu għas-Sejħa Tiegħi.]()**

Il-Ħadd, 30 ta' Marzu, 2014 @ 20.00

Għażiża maħbuba binti, qatt m'għandek tieħu l-Kliem li Jiena nagħti lilek bħala li hekk għandu jkun, għax dawn qed jiġu mogħtija lilek bħala Att ta' Ħniena Kbira. M'humiex qed jiġu mogħtija lid-dinja għax il-bniedem jixraqlu, iżda għax huwa qed imut bil-guħ għall-Kelma.

**Kull Rigal mogħti lill-bniedem, permezz ta' l-Interċessjoni t'Ommi, mill-mewt Tiegħi fuq is-Salib, kien biex jgħin lill-midinbin biex iħejju għall-Jum il-Kbir.** Ommi wieġbet għar-Rieda Divina ta' Missieri meta hija welldet Lili, s-Salvatur u l-Feddej tad-dinja. Hija, min-naħa tagħha saret l-interċessur bejn il-bniedem u l-Ġustizzja Divina t'Alla. Huwa rwol tagħha li tinterċedi f'isem il-midinbin, biex twissihom u tħejjihom biex jilqgħu Lili, Binha, fl-aħħar Jum.

**Kull dehera tal-maħbuba u mbierka Omm Tiegħi, li seħħet fid-dinja, kienet bl-Awtorita' ta' Missieri.** Dak kollu li ħabbret issa ser iseħħ u dak kollu li qalet ġie minsi minn ħafna mill-qaddejja qaddisa Tiegħi, li għażlu li ma jagħtux każ it-twissijiet tagħha.

Ħazin għalihom dawk magħżulin mill-Mulej biex jaqduH fl-aħħar jiem, għax huma mhux sejrin jistenbħu għas-Sejħa Tiegħi. Torox u għomja, huma ser jimxu fuq verżjoni mħallta bl-ilma, tal-Ktieb ta' Missieri u minflok il-frott li għandhom jagħmlu, xejn ħlief frott imħassar ma joħroġ minn fommhom. Mkabbrin u arroganti, huma ċaħdu l-interċessjonijiet tal-Omm Tiegħi, d-deheriet tagħha u s-sejħa tagħha biex tiġborhom, ħalli twassalhom għall-għerf tal-Ġerarkija tas-Sema, fejn il-Verita' ssaltan bħala Re. Il-Verita' ħalliethom u minflok ma nxteħtu għarwenin bl-umilta' quddiem it-Tronn t'Alla, huma jimxu wara r-regolamenti tal-bniedem – il-bniedem li jiżbalja – li ma jafx il-Verita' tal-Wegħdiet li għamel Alla mal-poplu Tiegħu.

**Jista' jkun li d-dinja tal-lum għamlet avvanzi kbar fil-mediċina, fit-teknoloġija u fl-għarfien, iżda huma bidlu l-għerf ta' dak li huwa meħtieġ biex jidħlu fis-Saltna Tiegħi, mal-flus, ġid u poter.** Il-ħwejjeġ kollha ta' din id-dinja – flus, poter, dak kollu li għandkom, pożizzjonijiet ta' poter fil-gvern – m'huma xejn f'Għajnejja. Jiena nista' nikniskom b'tixjira waħda t'Idi. **Ir-rispett għall-għarfien uman u l-avvanzi tax-xjenza, huma bla siwi, għax dawn mhux ġejjin minnkom – dawk talenti li ġew mogħtija lill-bniedem minn Alla, għall-Imħabba li Hu għandu għal uliedu.** Li kieku kellu jeħodhom lura, flimkien mal-kumditajiet materjali li għandkom, x'jibqalkom? Xejn.

**Dawk minnkom li jafu Lili, fil-verita', ma jimpurthom minn xejn, għax huma jafu li meta huma Tiegħi, huma jistgħu jħossuhom mistrieħa biss, meta jafdaw Lili għal kollox, għax jafu li Jiena qatt ma nħallihom ifendu għal rashom.** Allura għaliex tfittxu ħwejjeġ li m'humiex Tiegħi – ħwejjeġ li qatt ma jissodisfawkom? Iżjed ma tirrifjutaw Lili u tiġru wara wegħdiet vojta, iżjed tħossukom maqtugħin waħedkom, meta qed joqrob iż-żmien Għalija biex nifred il-qamħ miż-żbul.

**L-unika għażla li tistgħu tagħmlu hija dik li ssiru wild veru t'Alla, li mingħajru m'intom xejn.** Mhux min intom, x'pożizzjoni għandkom fil-hajja, x'parti tagħmlu, li tgħodd. Huwa biss għax intom maħbubin minn Alla, illi intom tiġu salvati. L-ebda bniedem ma jixraqlu jieqaf Quddiemi. L-ebda bniedem m'għandu ruħu daqshekk pura, li jista' jsir qaddis. L-ebda wieħed minnkom ma jista' jitgħolla għas-Saltna Tiegħi fuq il-merti tiegħu. Hija biss minħabba l-Ħniena Tiegħi, li intom sejrin issiru denji li tgħixu l-Ħajja Eterna.

Ġesu' Tagħkom.

**Alla l-Missier: It-terremoti sejrin jattakkaw l-ibliet tagħkom.**

It-Tnejn, 31 ta' Marzu 2014 @ 14.00

Binti l-iżjed għażiża, **wasal iż-żmien fejn il-bniedem, li dineb u ħammeġ lilu nnifsu għal tant żmien f'Għajnejja, issa sejjer jinżel fl-aktar baxx, fejn ser jagħmel minn kollox biex jeqred dak kollu minn Tiegħi li huwa sagru.**

Il-ħajja kollha ġejja Minni. Il-ħajja tar-ruħ hija Tiegħi. Il-ħajja tal-ġisem hija Tiegħi wkoll. Ħalli l-ebda bniedem ma jbagħbas ma l-ebda waħda minnhom – jekk ma jridx li tiegħu tiġi meħuda Minni. Dan tistgħu tkunu ċerti minnu. Kull għamla ta' ħajja, li nġabet permezz t'Idi, ser tiġi meqruda min-nies ħżiena. Huma sejrin jieħdu l-ħajja ta' dawk fil-ġuf u jiddikjaraw li din hija forma ta' dritt uman. **Intom uliedi m'għandkomx id-dritt li teqirdu l-ħajja ta' wliedi – kemm qabel jew wara t-twelid – u jekk intom tagħmlu dan, intom mbagħad sejrin issofru kastig kbir. Mingħajr ir-rikonċiljazzjoni u jekk ma jiddispjaċikomx ta' dan id-dnub tal-abominazzjoni, Jiena neqridkom, kemm lilkom kif ukoll lil dawk il-pajjizi, li jħeġġu dan il-ħażen.** Meta intom teqirdu ħajjitkom stess, intom toffendu Lili, għax din mhix tagħkom u Jiena biss għandi d-dritt li nagħti l-ħajja u neħodha, meta rrid Jiena. Meta tbagħbsu mal-ħajja tal-ġisem, intom tindaħlu fid-Divinita' Tiegħi u Jiena qatt ma Jiena ser noqgħod lura u ninjora affront bħal dan kontra l-Ħolqien Tiegħi.

Meta ma jkunx biżżejjed li jneħħi l-ħajja, l-bniedem jattakka bil-kbir il-ħajja tar-ruħ, billi jġib il-mewt tal-Kelma Qaddisa Tiegħi, li huwa sejjer jgħaffiġha sakemm jisħaqha, u tiġi bħal żrar taħt riġlejh. **Imbagħad il-bniedem, arroganti u mimli bih innifsu dwar kif iħares lejn il-ħiliet tiegħu, sejjer jittanta biex ifittex pjaneta ġdida biex isib dar ġdida għall-umanita', għalkemm dan mhux possibbli.** Ir-Rigal tal-ħamrija nfisha, li fuqha poġġejt l-umanita', ser tibda tidher li mhix biżżejjed għall-ħtiġijiet tal-bniedem. U għalhekk sejra tkompli – din il-mixja lejn il-qerda tiegħu nnifsu. **Il-bniedem ser ikun l-awtur tal-qerda tiegħu nnifsu.** Huwa sejjer jeqred biċċa wara l-oħra, dak kollu li hu sagru Għalija.

Ir-Rigal tal-ħajja, mogħti Minni lil kull maħluq minn Tiegħi, ser jinsteraqli mill-bniedem, mingħajr l-ebda laqxa ta' dispjaċir. Huwa sejjer jiskuża kull parti mill-ħsieb tiegħu ta' qtil, billi jiddikjara li jekk tneħħi ħajja, din tkun ħaġa tajba. Il-mewt bl-abort, hija l-akbar insult fost kollox u Jiena nwissi lill-umanita' illi l-Gustizzja sejra tkun Tiegħi, għax m'inix ser inħallikom tisħtuni iżjed b'dan il-mod.

It-terremoti sejrin jattakkaw l-ibliet tagħkom u kull nazzjon li jaċċetta t-tneħħija tal-ħajja, **intom sejrin tħossu l-Korla Tiegħi ġejja, x'ħin Jiena nattakka l-qlub tagħkom, gravi u mimlijin mibegħda. Dawk li jiddispjaċihom minn dan il-ħażen li jkunu għamlu, jiġu meħlusa, iżda kunu għafu li l-ebda nazzjon minn fostkom m'hu ser jeħles minn dan il-kastig.**

Il-mewt tal-Knisja Tiegħi minix sejjer inħalliha għaddejja, meta l-bniedem, flimkien mal-mexxejja foloz li huwa jimxi warajhom bħal ilsier, jeqirdu s-Sagramenti u jerġa' joħolquhom ħalli fl-aħħar jisparixxu. Jiena nwaqqa' t-tempji tagħkom u l-knejjes tagħkom sakemm intom tkomplu ġġibu d-desagrazzjoni tal-Ġisem t'Ibni. Intom tajtuH is-swat, għaddejtuH biż-żufjett u ppersegwitajtu s-segwaċi Tiegħu – sakemm intom qtiltuH bis-selvaġġija, meta sallabtuH. Xorta ma tgħallimtux. In-nuqqas

tagħkom li taqdu b'umilta', Lilu li takom il-ħajja, ġab il-Fidwa tagħkom u li issa qed jipprova jħejjikom għall-Jum il-Kbir, din tiddiżgustani.

**Jiena Mnikket. Jiena Mdejjaq u Jiena Rrabjat, għax intom fl-aħħar irnexxielkom toqtlu kull forma ta' ħajja li Jiena tajtkom. Qed nirreferi kemm għall-ħajja tal-ġisem kif ukoll għal dik tar-ruħ.** Il-ħajja li tajtkom Jiena m'għadhiex biżżejjed, għalhekk Jiena sejjer neħodha lura fl-Aħħar Jum, mingħand dawk li waddbuhieli lura f'Wiċċi. Sakemm dan l-att ta' gwerra kontrija, l-Ħallieq tad-dinja, ta' dak kollu li hu, jkompli, Jiena sejjer nippermetti li dawn l-atti tagħkom ta' qerda jdumu biss ftit żmien.

Jiena issa qed nagħtikom il-ħin biex teżaminaw id-dnubiet tal-umanita' kontra dak kollu li Jiena nżomm sagru, ħalli intom tagħmlu riparazzjoni għad-dnubiet tad-dinja. L-aħħar battalja ġa bdiet u ħafna ħajja – r-Rigal tal-ħajja li ġie maħluq Minni – ser jiġi meqrud mill-bniedem. U ta' dan Jiena ser nikkastiga lid-dinja.

Missierkom

Alla l-Iżjed Għoli.

## Kien għal dawn l-erwieħ imsejkna li Jiena bkejt id-Dmugħ tad-Demm fil-Ġnien tal-Ġetsemani.

It-Tlieta, 1 t'April, 2014 @ 21.00

Għażiża maħbuba binti, xi drabi l-ħeffa li biha qed tikber din il-Missjoni tista' tkun qawwija wisq. **Huwa mportanti li Kelmti tinstema' fil-pajjizi kollha u li l-Gruppi tat-Talb tal-Kruċjata jitwaqqfu f'kull nazzjon u b'mod speċjali f'dawk il-pajjizi fejn Jiena ma niġix meqjum.**

Qatt tħallu l-qawwa ta' din il-Kelma titfa' fid-dell ir-raġuni li għaliha Jiena qed insejjaħ lid-dinja. **Jiena rrid saħansitra lil dawk l-erwieħ l-iżjed iebsa, li ma jridux iħallu lill-Ispirtu s-Santu jmissilhom qalbhom, ħalli jagħtu widen u jisimgħu dak li qed ngħid u jifhmu l-Wegħda Tiegħi.**

**Il-Pjan Tiegħi ta' Salvazzjoni mhux biss għal dawk l-iżjed fidili – huwa għal kulħadd, inklużi dawk li l-erwieħ suwed tagħhom jiddiżgustawkom.** Huwa għal dawn l-erwieħ imsejkna li Jiena bkejt id-Dmugħ tad-Demm fil-Ġnien tal-Ġetsemani. Kienu l-erwieħ ta' dawk l-erwieħ mnikkta, mitlufin – li jħobbu lill-bestja, li ntwerew Quddiemi minn Satana. Huwa wrieni kif ħafna xorta għad jirrifjutawni, għalkemm Jiena offrejt Lili nnifsi minn jeddi lil Alla u kienet ix-xewqa Tiegħi li nifdi lid-dinja bil-mewt Tiegħi fuq is-Salib. **L-uġigħ Tiegħi għal dawn l-erwieħ huwa kbir wisq u inti, binti, qatt m'għandek tinjora x-xewqa Tiegħi li nfittex lil dawk li ma jemmnux.** Jiddisprezzawk kemm jiddisprezzawk, jobżqulek u jisħtuk, inti għandek togħla 'l fuq mill-mibegħda, li dejjem sejra tkun immirata lejn din il-Missjoni u ġġibli dawn l-erwieħ, jiswewlek kemm jiswewlek. Ġibli l-maħbubin segwaċi Tiegħi u mbagħad lil dawk li ma jafunix u lil dawk li forsi ma jafunix. Imbagħad **ġibli l-erwieħ ta' dawk li jobogħduni. Dan irid ikun it-tir ta' kull wieħed minnkom.** Meta ġġibuli lil dawn l-erwieħ imnikkta, Jiena nagħtihom Grazzji kbar, ħalli niġbidhom għall-Ħniena Tiegħi.

**Meta tħarsu madwarkom u taraw l-erwieħ ta' dawk li intom tiltaqgħu magħhom, li ma jafux bil-pjan Tiegħi li nerġa' niġi, intom għandkom tersqu lejhom u tikkonsagrawhom Lili.** Intom iġġibuli faraġ kbir u ferħ meta tagħmlu dan, għax Jiena nkun nista' nagħmel minn kollox biex ngħaqqad l-erwieħ kullimkien.

Morru u tkattru għax it-triq ġiet imħejjija. Għadda biss ftit żmien minn meta Jiena sejjaħt lid-dinja l-ewwel darba, permezz ta' din il-Missjoni. Kien vjaġġ ta' ħidma kbira u issa l-mogħdijiet ser jerġgħu jinferqu u jinfirxu ħalli lanqas nazzjon wieħed ma jitħalla barra, hekk hija l-Ħniena Tiegħi.

Ġesu' Tagħkom.

[Omm tas-Salvazzjoni: Il-Konverżjoni li wiegħed Missieri, sejra tibda dan ix-xahar.]

L-Erbgħa, 2 t'April, 2014 @ 16.27

Binti, **il-Konverżjoni li wiegħed Missieri, sejra tibda dan ix-xahar u sejra tinfirex madwar id-dinja bil-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Erwieħ ser jiġu meħlusa u ser tiġi murija Ħniena kbira minn Ibni, lejn l-iżjed midinbin ħorox.**

Ħafna nies, li ma jemmnux f'Alla u jgħixu ħajjithom daqs li kieku ma kienx hemm Ħajja Eterna, sejrin ikunu l-ewwel nies li Missieri jurihom id-Dawl tal-Verita'. Dawn in-nies huma maħbubin ħafna u n-nuqqas ta' fidi tagħhom sejra toħdilha postha mħabba u xenqa kbira għar-rikonċiljazzjoni ma' Ġesu' Kristu, li qabel kien mitluq minnhom. **L-erwieħ ta' dawk li għamlu dnubiet kbar u li huma nfestati bl-influwenza tal-ħażen, jiġu warajhom. Huma ser jingħataw Grazzji kbar u l-Ħniena t' Ibni sejra tinfed qlubhom, hekk ħabta u sabta, illi l-konverżjoni tagħhom sejra tkun mall-ewwel.** Tant ser ikun mhux mistenni dan il-Miraklu, illi meta huma jibdew ixerrdu l-bxara tal-Evanġelju, ħafna sejrin jieqfu u jisimgħuhom.

Sejra tkun minħabba l-konverżjoni ta' dawk l-iżjed milquta, illi ħafna iżjed erwieħ jistgħu jiġu salvati. **Imbagħad ikun għall-dawk li ġa jimxu fuq il-Verita' biex jaraw jekk jixtiqux jew le li jibqgħu leali lejn Ibni u t-Tagħlim Tiegħu. Dawn l-erwieħ l-iżjed li sejrin isofru, għax huma t'Alla u minħabba dan, isir kull sforz mill-wieħed il-ħażin biex jittormenthom bid-dubji dwar il-Verita'.** Dawn huma l-erwieħ li ser jittieħdu minn Ibni u dawk li l-wieħed il-ħażin, l-iżjed li jixtieq.

Għall-protezzjoni tal-fidi tal-Kristjani ma' kullimkien, nitlobkom tgħidu din it-Talba tal-Kruċjata.

**Talba tal-Kruċjata (144) Biex nipproteġu l-Fidi Kristjana.**

*O, Omm tas-Salvazzjoni, nitolbuk tidħol għalina f'isem il-Kristjani kollha madwar id-dinja.*

*Nitolbuk tgħinhom biex jipperseveraw fil-fidi tagħhom u jibqgħu leali lejn it-Tagħlim ta' Ġesu' Kristu. Itlob illi jkollhom is-saħħa tal-moħħ u l-ispirtu, biex iżommu l-fidi tagħhom il-ħin kollu.*

*Idħol għalihom, għażiża Omm, biex f'isimhom, tiftħilhom għajnejhom għall-Verita' u tagħtihom il-Grazzja biex jagħrfu kull duttrina falza, li tiġi ppreżentata lilhom f'Isem Ibnek.*

*Għinnhom jibqgħu qaddejja veri u leali t'Alla u biex jiċħdu l-ħażen u l-gideb, saħansitra jekk huma jkollhom ibatu l-uġigħ u r-redikolu minħabba dan.*

*O, Omm tas-Salvazzjoni, ipproteġi lil uliedek kollha u itlob illi kull Kristjan jimxi fuq il-mogħdija tal-Mulej, sa l-aħħar nifs ta' ħajtu. Ammen.*

Uliedi, Ġesu' jħobb lil kulħadd. Huwa dejjem sejjer jitqabad biex jipproteġi lilkom mill-ħsara u ser jintervjeni bl-iżjed modi straordinarji biex jipproteġikom mill-ħażen,

fil-jiem tad-dlam, li ser ikollkom tgħaddu minnhom f'Ismu. Afdaw fija, l-Omm maħbuba tagħkom, waqt li jiena qed nidħol għalikom biex inqarrabkom lejn Ibni tul il-provi li ġejjin.

Grazzi talli weġibtu għal din is-Sejħa mis-Sema.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni

Omm Alla.

**Sakemm l-imħabba tibqa' tgħix, ir-razza umana tista' tibqa' ħajja.**

Il-ħamis 3 t'April, 2014 @ 17:11

Għażiża maħbuba binti, **l-imħabba hija waħda mill-aktar Rigali qawwija mingħand Alla**. Sakemm l-imħabba tibqa' tgħix, ir-razza umana tista' tibqa' ħajja. L-imħabba tegħleb kull ħażen, diviżjoni u mibegħda, għax hija minn Alla , li Jista' Kollox, u l-ebda forza tal-ħażen ma tista' teqridha għal kollox.

**Meta ruħ hija tassew viċin ta' Qalbi, Jien nimliha bl-imħabba. Jien nimla lil dik il-persuna b'dan ir-Rigal u minħabba dan, huma jsibuha mpossibbli li jobogħdu persuna oħra, saħansitra lil dawk li jittormentawhom.** L-imħabba, meta tkun prezenti f'ruħ, tiġi wżata minn Alla biex tiġbed erwieħ oħra lejH. Tkun użata biex iġġib ferħ u konsolazzjoni lil dawk fil-bżonn u li qed ibatu. Madankollu Hija Grazzja, u hija mogħtija lil dawk l-erwieħ, magħżula sabiex jaqsmuha mal-oħrajn, għall-Glorja t' Alla. O kemm iġibuli ferħ dawn l-erwieħ, meta jaċċettaw Imħabbti, mingħajr ebda kundizzjoni, Mingħandi. Meta huma jilqgħu il-Preżenza Tiegħi, bi qlub miftuħa u jħallunI nfawwrilhom rwieħhom, dawn l-erwieħ isiru l-ġarar Tiegħi u bħal inbid tajjeb, dawn jimlew u jissodisfaw l-erwieħ ta' dawk li huma bil-għatx għall-Preżenza Tiegħi.

**L-imħabba hija l-mod li bih Jien nikkomunika mad-dinja, sal-Jum il-Kbir meta Jien se niġi u nieħu lura s-Saltna Tiegħi. Meta jkun hemm l-imħabba vera preżenti, Jien hemm inkun.** Meta ma jkunx hemm imħabba, il-Preżenza Tiegħi tiġi rtirata. Ħafna nies jagħlquni barra u għalhekk huma ma jistgħux iħossuhom mimlija bir-Rigal tal-Imħabba, kif għandu jkun.

**Inwegħdkom li Jiena se nferrex ir-Rigal tal-Imħabba Tiegħi permezz ta' din il-Missjoni**. L-Imħabba Tiegħi se tkun karatteristika li tingħaraf u dawk kollha li jwieġbu għas-sejħa Tiegħi se jkunu mdawra bl-Imhabba Tieghi, meta jitolbu din it-Talba tal-Kruċjata:

**Talba ta-Kruċjata (145) Imlieni bir-Rigal tal-Imħabba Tiegħek**

*Ġesù l-Iżjed Għażiż, imla lili, ġarra vojta, bir-Rigal ta' l-Imħabba Tiegħek. Fawwar ruħi bil-Preżenza Tiegħek. Għini biex inħobb lill-oħrajn bħalma Inti tħobb lili. Għini biex inkun ġarra tal-Paċi Tiegħek, il-Kalma Tiegħek u l-Ħniena Tiegħek . Iftaħli qalbi dejjem għall-qagħda mwegħra ta' l-oħrajn u agħtini l-Grazzja li naħfer lil dawk li ċaħduK u li abbużaw kontra tiegħi. Għini nxandar l-Imħabba Tiegħek permezz tal-eżempju, kif tagħmel Inti kieku kont f'posti. Ammen.*

Jien sejjer immiss ir-ruħ ta' kulħadd, dawk li jħalluni nidħol. L-imħabba se ġġibilkom hena eterna. Meta taċċettaw Imħabbti, mingħajr ma ssaqsu Mistoqsijiet u b'qalbkom miftuħa, intom se ġġibulI ferħ kbir. Ir-Rigal Tiegħi huwa tagħkom issa u Jien nixtieq li intom tpoġġu r-Rigal ta' Mħabba quddiemkom f'dak kollu li tagħmlu, minn dan il-jum l' quddiem. B'dan il-mod intom se tgħinu biex tegħlbu l- mibegħda, li nfestat l-umanità u li ġejja minn Satana. Ma' dan ir-Rigal ta' Mħabba, Jien se nxerred, fuqkom lkoll, Barka speċjali; Barka li hija unika u qawwija, li intom se tħossu meta titolbu din it-Talba u speċjalment fil-Gruppi tat-Talb tal-Kruċjata, li huma speċjalment importanti f'din, il-Missjoni Tiegħi tas-Salvazzjoni . Ġesù Tagħkom

## Sejrin iwaqqgħu miljuni ta' Kattoliċi fi żball gravi u l-Knejjes Tiegħi se jitilfu l-Qdusija tagħhom

Il-Ġimgħa 4 t' April, 2014 @ 23:20

Għażiża maħbuba binti, il-profeziji mhumiex qed jiġu żvelati lill-bniedem, minn Alla, biex joħolqu sensazzjoni. Qed jinagħtaw biex iħejju l-umanità għall-futur tagħhom fis-Saltna Tiegħi, sabiex ikunu jistgħu jiġu avżati bil-perikli kbar għar-ruħhom. Kull Intervent bil-Kmand ta' Missieri, f'ħajjitkom, huwa għall-ġid tagħkom stess u għal dak t' erwieħ oħra.

**Il-Profeziji Tiegħi, mogħtija lilkom, binti, bdew tabilħaqq. L-impusturi ħadu l-kontroll, minn ġewwa, u se jkomplu jqarrqu bid-dinja biex temmen li duttrina ġdida - waħda li jkunu sarulha bidliet fid-Duttrina Mqaddsa eżistenti, minn kif kienet ġiet stabbilita minn Alla – tista' tiġi mibdula, biex tissodisfa l-ħajja tal-bnedmin kollha u tar-reliġjonijiet kollha**. Attenti għall-kelma "ekumeniku" jew kull tentattiv biex jieħdu l-Knisja Tiegħi fuq l-Art u jnezzawha mid-Divinita' tagħha.

**Dak li jbagħbas mal-Liturġija mhuwiex qaddej veru Tiegħi u xorta waħda, huwa eżattament dan li se jiġri.** U x'se jagħmlu l-qaddejja sagri Tiegħi? Huma se jbaxxu rashom, jgħollu dirgħajhom f'tifħir glorjuż għad-duttrina falza ġdida u jiċħdu dak kollu li Jien tajt lid-dinja. **L-imħabba tagħhom għall-materjaliżmu tad-dinja; ix-xewqat tagħhom li jkunu ammirati u l-ambizzjonijiet kbar tagħhom se jneżżgħuhom mill-wegħdiet tagħhom.** Ser isiru tradituri u jagħtuni daharhom. Se jwaqqgħu miljuni ta' Kattoliċi fi żball gravi u l-Knejjes Tiegħi se jitilfu l-Qdusija tagħhom. Ftit wara, **hekk kif il-qalba tal-Knisja Tiegħi tiġi ddesagrata, se jiġbru r-reliġjonijiet Kristjani l-oħrajn kollha u jfasslu settet ekumeniċi ġodda, li se jwasslu għad-dikjarazzjoni pubblika, fejn se jiċħdu l-eżistenza ta' l-Infern.** Imbagħad, b'ħidma bil-maqlub, eżattament fid-direzzjoni opposta tal-Verità, lill-fidili ser jgħidulhom li d-dnub, huwa dnub biss skond kif tarah u li, minħabba d-dnub oriġinali, huwa mpossibbli li tevitah. Għalhekk, lilkom se jgħidulkom li, mhuwiex xi ħaġa li għandkom tinkwetaw fuqha. **Id-dnub innifsu se jiġi ridefinit. Ladarba dan iseħħ, is-sens kollu tal-moralità se jispiċċa.** Meta l-morali ma jibqgħux jitqiesu li huma mportanti, id-dnub se jikber. Id-dnub se jinfirex, jikber, sakemm is-soċjetà titkisser u għal dawk li se jibqgħu fidili għall-Knisja Tiegħi - il-Knisja Vera – din se tkun viżżjoni t'orrur għalihom.

**Se jkun hemm min jiftaħar bid-dnub, se jiftaħru fil-beraħ bin-nuqqas ta' moralità u r-reliġjon dinjija l-ġdida sejra tiddetta li d-dnub qatt mhu se jwaqqafkom jew iħassarkom, f'Għajnejn Alla. L'Alla li jkunu qed jirreferu għalih huwa Satana, imma huma qatt ma ser jgħidulkom dan. Biex iwaqqgħu Lili għaċ-ċajt, dawn se jippreżentawlkom l-antikrist, li se jkun milqugħ b'entużjażmu, għax se jkun imfaħħar mill-profeta l-falz u meqjum minnu.** L-antikrist se jagħmel dak kollu li jikkontradixxi t-Tagħlim Tiegħi, iżda ser jagħmel dan b'karizma u seħer. Miljuni se jadurawh. Se jkun dak kollu li Jien minix. Huwa se jqarraq b'tant, li se jkun faċli għalih li jwassal lill-ulied Alla fl-ereżija u f'niket kbir.

Jien qed nħejjikom kollha għal dan il-jum. Huwa diffiċli ħafna għal ħafna minnkom li tisimgħu dawn l-aħbarijiet, imma huma l-Verità. Il-Verità se teħles lil ruħkom mill-mewt. Tqabdu lill-Verità u xejn tajjeb ma joħroġ minn dan - disprament biss.

Tħallux lill-oħrajn jibqgħu leali lejn il-Knisja Tiegħi, billi tħeġġuhom biex isegwu din l-ereżija, li waslet biex tiġi mposta fuq id-dinja mill-Knisja Tiegħi, minn ġewwa, u intom  tintefgħu għall-iljuni.  **Dawk li jeqirdu r-ruħ tal-oħrajn, bil-forza, jsibu wiċċhom  mal-akbar piena Mingħandi.**

Aċċettaw il-Verità u ħejju rwieħkom.  Segwuni u Jien nwassalkom bl-aktar mod sikur fis-Saltna Tiegħi.  Segwu l-bestja u hu jwassal lilkom u lil dawk li intom iġġibu magħkom fin-nirien ta' l-Infern għall-eternita'.

Ġesù Tagħkom.

**Il-Pjan aħħari Tiegħi biex niġbor il-Knisja Tiegħi għall-Kenn Tiegħi, dalwaqt jiġi svelat.**

Is-Sibt, 5 t'April, 2014 @ 18.15

Għażiża maħbuba binti, nixtieq nagħti l-kuraġġ u nsaħħaħ lil kull wieħed minnkom, li ġejtu mogħtija dan id-Don tad-dixxerniment biex tagħrfu Leħni, meta Jiena qed inkellem lid-dinja permezz ta' dawn il-Messaġġi.

**Filwaqt li intom, il-Fdal Tiegħi, timxu 'l quddiem, f'għaqda mal-Knisja Tiegħi fuq l-Art, intom daqt taraw ħafna nies jitbegħdu mis-Sagramenti.** Għall-ewwel din sejra tħawwadkom u mbagħad tittormentakom, għax dawn daqt jiġu desagrati u ma jibqgħux l-istess Sagramenti, li Jiena tajt lid-dinja. **Qatt m'għandkom titilfu ħin, jekk veru temmnu li Jiena qed inkellimkom. Morru – iġbru lis-saċerdoti Tiegħi u lil dawk li jwieġbu għas-Sejħa Tiegħi. Imbagħad ħejju għas-snin li ġejjin, ħalli huma jitimgħu l-merħla Tiegħi bl-Ikel tal-Ħajja, meta ma jibqax traċċa Tiegħi.**

Meta dak kollu li hu Tiegħi u ta' Min Jien, jitneħħa mill-Knejjes Tiegħi, dak kollu li jibqa' jkun ġej minn dak li Jiena m'inix. **Ix-xitan inkarnat jidħol fil-Knisja Tiegħi u sejjer jinfesta lil kull min imiel quddiemu u jadurah.** Huwa jibla' l-erwieħ għall-eternita' u tridu tibqgħu għassa l-ħin kollu, għal dawn iż-żminijiet li ġejjin. Tħallux lilkom infuskom miftuħin għall-ereżija, li sejra tinvadi l-Knisja kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra tagħha. Intom bħalissa qegħdin tiġu mħejjija, għalhekk għandkom timxu fuq dak kollu li qed ngħidilkom, ħalli ssalvaw il-Knisja Tiegħi, mill-aħjar li tistgħu, mill-għedewwa Tiegħi.

Il-Pjan aħħari Tiegħi biex niġbor il-Knisja Tiegħi għall-Kenn Tiegħi, dalwaqt jiġi svelat. **Meta nagħtikom l-istruzzjonijiet, intom ser tinħtieġu saħħa kbira u perseveranza, għax l-għadu tagħkom ser ikun l-antikrist – u l-armata tiegħu, sfortunatament ser tkun akbar minn Tiegħi fil-qies.** Għalhekk din tkun ta' sfida għalikom – iżda kunu għafu dan. Mhux ser ikollha l-Qawwa t'Alla warajha u din qatt m'hi sejra tegħlibkom, la darba intom tibqgħu fidili lejn il-Kelma Tiegħi.

Morru fil-paċi u stennew l-istruzzjonijiet Tiegħi.

Gesu' Tagħkom.

[**Dawk li sejrin jippruvaw iżommu l-Kelma Tiegħi, ġewwa l-Knejjes Tiegħi, sejrin isikktuhom billi jkeċċuhom.**]()

It-Tnejn,7 t'April, 2014 @ 19.15

Għażiża maħbuba binti, **ż-żerreigħa ġa nżergħet u kull dettall tal-pjan, biex iħejju lid-dinja għall-antikrist, ġa tlesta.** Kull tibdil li intom sejrin taraw fid-dinja tal-politika u fil-Knisja Tiegħi fuq l-Art, għandhom x'jaqsmu flimkien – hekk kif ukoll hija kull mossa bejn in-nazzjonijiet – kif hija kull liġi li tisfida l-Liġijiet t'Alla. Mhix kumbinazzjoni li qed jiddaħħlu dawn il-liġijiet, madwar id-dinja, bil-ħeffa li qed jiġru bħalissa, imma għax dawn kienu ġew mħejjija bil-għaqal.

Tħabbiriet ġodda għallarrieda, li għandhom x'jaqsmu ma tkattir ta' rabtiet bejn l-Istat u l-Knisja, fejn il-liġijiet tagħhom jitħalltu flimkien, ser jiġu fuqkom f'daqqa. Dawk li sejrin jippruvaw iżommu l-Kelma Tiegħi, ġewwa l-Knejjes Tiegħi, sejrin isikktuhom billi jkeċċuhom. Mhix sejra tintwera ħniena ma' dawk li jippruvaw jiddefendu l-Knisja Tiegħi, għax l-għedewwa Tiegħi ser jgħidu li l-kuntrarju ta' dan hija l-verita'. Intom, is-segwaċi Tiegħi, ser tiġu ddikjarati eretiċi talli m'intomx tobdu r-regolamenti l-ġodda, li dalwaqt ser joħorġu mill-Knisja Tiegħi. Lilkom sejrin jgħidulkom li l-Knisja Tiegħi ma tistax tiżbalja u għalhekk, saħansitra meta intom iżżommu l-Verita' intom tiġu iżolati. **Il-Knisja Tiegħi qatt ma tiżbalja, l-mexxejja magħżulin Minni qatt ma jiżbaljaw, iżda meta mpustur jaħtaf il-poter, intom m'għandkomx timxu warajh, meta jiddikjara li l-Verita' hija gidba.**

Intom permezz tal-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, sejrin tkunu tafu meta jisbaħ dak il-jum. U, f'dak il-jum, intom għandkom timxu Warajja, Ġesu' tagħkom. **Itolbu għall-Kuraġġ li nagħtikom Jien, ħalli nkun nista' nsostnikom, għax ser ikollkom bżonn ta' nervituri tal-azzar biex tibqgħu leali Lejja, meta d-dinja taqa' ċatta, u ċċedi għal kollox ir-rieda ħielsa, quddiem l-antikrist.**

Ġesu' Tagħkom.

**Intom sejrin tagħrfu lil dawn it-tradituri mill-mossi simboliċi tagħhom, li jinsultaw id-Divinita' Tiegħi**.

It-Tlieta, 8 t'April, 2014 @ 20.20

Għażiża maħbuba binti, dawk li huma l-għedewwa Tiegħi m'humiex dawk li ma jemmnux Fija. Le, huma dawk li jafuni sew Min Jien, iżda li jobogħduni. Mhux kollha jifhmu għaliex jobogħdu Lili, imma jistgħu jinqasmu f'żewġ kampijiet.

L-ewwel grupp ma jħobbx il-Verita'. Jagħtihom gost li jieħdu sehem fil-ġirja wara ħwejjeg li huma dnub, jiġġustifikaw kull att u mossa ħażina, u jissodisfaw biss il-ġibdiet tagħhom, minn fuq il-bżonnijiet tal-oħrajn. Huma jimpurthom biss minnhom infushom u jimitaw kull karatteristika tax-xitan. Imbagħad hemm dawk li jafu Min Jien u Dak li Jien, iżda li jirrifjutawni għal kollox, u jżommu ma' Satana, huma jispiċċaw maħkuma mis-seħer tiegħu. Dawn huma n-nies li sejrin jagħmlu, mhux biss dak kollu li huwa bil-maqlub ta' dak li Għallimthom, iżda li sejrin jibqgħu jinsultawni, ma' kull ċans li jsibu.

**Bħalma l-adorazzjoni tax-xitan tinvolvi simboli, dawn it-tradituri Tiegħi, sejrin jittantawni billi jpoġġu simboli tal-ħażen minn tax-xitan Quddiemi. Għal kull ritwal li huma sejrin jieħdu sehem fih, sabiex jaduraw lil Satana, huma ser jiddesagraw is-Salib Tiegħi u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Passjoni Tiegħi. Intom sejrin tagħrfu lil dawn it-tradituri mill-mossi simboliċi tagħhom, li jinsultaw id-Divinita' Tiegħi. Dalwaqt, dawk minnkom li għandhom għajnejhom li jistgħu jaraw il-Verita', ser ikollhom il-ħila jagħżlu bejn dawk li verament jaqdu Lili u dawk li le.**

**Dawk il-qaddejja mqaddsa li huma leali Lejja, sejrin jonoraw Lili matul il-Ġimgħa Mqaddsa, bil-ġesti umli tagħhom, li jinkludu li jintelqu fl-art quddiem is-Salib Tiegħi u jpoġġu xofftejhom b'bewsa magħfusa ma' Riġlejja.** Huma sejrin jiffokaw Fuqi biss, Ġesu' Kristu, l-mewt Tiegħi fuq is-Salib u l-Wegħda Tiegħi biex nifdi lill-bniedem mid-dnub. Imma kunu għafu dan. **Mill-Ġimgħa Mqaddsa, ta' din is-sena, jibdew jidhru l-konsenturi u t-tifsira tat-Tislib Tiegħi ser tiġi mgħawġa. Ser jiġu ppreżentati nterpretazzjonijiet ġodda quddiem il-fidili u l-gideb ser joħroġ minn fomm l-għedewwa Tiegħi. Il-Passjoni Tiegħi sejra tiġi mwaqqa' għaż-żufjett b'modi sottili li mhux ser jidhru mall-ewwel. Iżda meta jneħħu l-attenzjoni minn fuq il-mewt Tiegħi fuq is-Salib u jseħħu mossi strambi fil-Knejjes Tiegħi, intom ser tifhmu li dan huwa l-bidu tal-ħatt tal-Knisja Tiegħi fuq l-Art.**

**Meta Satana jattakka l-umanita', l-ewwel mirgħa tiegħu dejjem tkun il-familja, għax din tirrappreżenta dak kollu li huwa ta' Missieri.** Huwa ser jeqred żwiġijiet, jibdel it-tifsira ta' x'inhu żwieġ, iħajjar għall-abort, iġennen lin-nies biex jagħmlu suiċidju u jaqsam u jifred il-familji. Imbagħad huwa sejjer jeqred u jkisser il-Familja Tiegħi – l-Knisja Tiegħi fuq l-Art, għax hu hekk ħalef li ser jagħmilli fl-aħħar siegħa. **Huwa ġa beda jħott il-Knisja Tiegħi u mhux ser jieqaf, qabel ma din tinżel munzell f'Riġlejja.** Missieri ppermetta wieħed li ser jagħmel ħerba, f'forma tal-antikrist biex jagħmel dan, iżda hemm limitu sa fejn jista' jasal. Il-Knisja Tiegħi hija l-Familja Tiegħi u filwaqt, li parti kbira minn ulied Alla ser isegwu knisja falza

ristrutturata, ħafna ser jibqgħu mdendlin Miegħi u għalhekk il-Knisja Tiegħi – Ġismi – qatt ma jista' jmut.

**Nitlobkom titilqunix, għeżież segwaċi Tiegħi**. M'għandkomx taqgħu għal dan il-ħażen. Jekk tħobbu Lili, intom għandkom tfakkru lilkom infuskom f'dak li għallimtkom. **Taċċettaw xejn ġdid, meta tiġi għall-Kelma Tiegħi.** Jiena qatt m'hu ser naċċetta kelma waħda biss li ma ħarġitx mix-Xofftejn Qaddisa Tiegħi. U l-istess intom. Intom jew Miegħi jew kontra Tiegħi. Aċċettaw xi nperpretazzjoni ġdida tal-Kelma Tiegħi, li tinsab fl-Iskrittura Qaddisa, u intom tittraduni. Ladarba tagħmlu dan, intom imbagħad tibilgħu duttrina, li teqred lil ruħkom. Jiena nħobbkom u jekk intom verament tħobbu Lili, intom dejjem għandkom tibqgħu leali lejn il-Kelma Tiegħi, li qatt ma titbiddel.

Kull min jgħid li ġej f'Ismi – kemm jekk ikun qaddej mqaddes, mexxej fil-Knisja Tiegħi jew profeta- u jiddikjara li l-Kelma Tiegħi hija gidba, dan mhux ġej Minni.

Ġesu' Tagħkom.

**Omm tas-Salvazzjoni: Ibni, Ġesu' Kristu, ser jiġi ttradut minn Ġuda ieħor u li għandu awtorita' kbira.**

L-Erbgħa, 9 t'April, 2014 @ 15.30

Binti l-għażiża, meta Ġuda l-Iskarjota ttradixxa lil Ibni, Ġesu' Kristu, dan kellu konsegwenzi li nfirxu fil-bogħod. Minħabba li kien wieħed minn dawk l-eqreb t'Ibni, u bħala membru tal-appostli prezzjużi Tiegħu, t-tradiment tiegħu kien ta' wġigħ kbir għal Ibni. Minħabba li hu, traditur, ġie minn fost dawk li kienu t'Ibni, dan kien ifisser li daħlu d-dubji fost dawk li ma kinux ċerti jekk Ibni kien jew ma kienx, fil-verita' il-Veru Messija. Id-dubji nfirxu u ħafna mill-appostli Tiegħu u segwaċi Tiegħu ħassewhom imħawda, mitlufin u mbeżża'. Huma kienu jafu li ladarba l-għedewwa Tiegħu jaqbduh, il-Verita' kienet sejra tiġi mistħarrġa u wara tkun miċħuda. Huma kienu jafu wkoll li, jekk huma jiddefendu lil Ibni fil-pubbliku, huma ukoll kienu ser ikollhom isofru l-istess kastig li kien ser jiġi mogħti Lilu. Huma kienu jafu wkoll li ma kienx ser ikollhom il-kuraġġ biex jieqfu u jisfidaw l-għedewwa Tiegħu, minħabba li kienu jibżgħu li jiġu redikolati.

**Għalhekk, it-tradiment t'Ibni, minn ġewwa l-Knisja Tiegħu fuq l-Art ser ikun l-istess. Ibni ser ikun ittradut minn Ġuda ieħor u wieħed li għandu awtorita' kbira, ġewwa l-Knisja Tiegħu fuq l-Art. Meta dan, it-tieni l-akbar tradiment, minn meta Ġuda l-Iskarjota biegħ lil Ibni għal tletin biċċa tal-fidda, jseħħ, dan ser iġib lin-nies ta' kull razza, nazzjon u fidi Kristjana, jiddubitaw mill-Verita'. Dan it-tradiment ukoll, ser ikollu konsegwenzi li jinfirxu fil-bogħod, għax dan ser iġib mistoqsijiet dwar kull aspett tad-Divinita' t'Ibni.** Meta dan jiġri, il-Verita' tinħatt. Postha jieħdu ġisem mejjet li jitqajjem, imnawwar sal-qalba, mingħajr ebda sinjal ta' ħajja. **Duttrina mejta titqajjem u titlibbess minn dak kollu falz li għandu x'jaqsam m'Ibni, iżda din ma tagħtix frott. Imma ser tidher qisha konverżjoni ġdida.**

Il-konverżjoni vera tiġi mill-imħabba tan-nies lejn Alla, bil-qawwa tad-Don ta' l-Ispirtu s-Santu u bir-rieda ħielsa tagħhom. Din id-duttrina l-ġdida sejra tiġi mposta fuq id-dinja, mingħajr ir-rieda ħielsa tagħkom. Jekk tirrifjutawha intom tiġu kkastigati mill-għedewwa t' Ibni.

**Dawk li jittradixxu lil Ibni fl-aħħar jiem mhux ser ikollhom ħajja. Dawk li ma jittraduHx jgħixu għal dejjem fil-Glorja t'Alla.**

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

[**L-Isqof l-iżjed stmat Tiegħi, ser ikun is-suġġett ta' gustizzja mħaddma l-aktar ħażin.**]()

Il-Ħamis, 10 t'April, 2014 @ 17.22

Għaziza maħbuba binti, **kif qed tinqasam qalbi għall-inkwiet li ser jgħaddu minnu l-qaddejja mqaddsa Tiegħi u l-provi difficli li ser iħabbtu wiċċhom magħhom minħabba l-għedewwa Tiegħi.** L-Isqof l-iżjed stmat Tiegħi, ser ikun is-suġġett ta' ġustizzja mħaddma l-aktar ħażin. Imbagħad meta jkunu ġabuh jidher qisu xi xitan, ħafna mill-qaddejja mqaddsa Tiegħi jiġu mċanfra bil-kbir, jekk ilissnu xi ħaġa kontra l-liġijiet il-ġodda, li mhux ġejjin Minni u li huma ser ikollhom jaraw jiddaħħlu fil-Knejjes Tiegħi.

**Il-qaddejja qaddisa Tiegħi sejrin jisparixxu u jiġu mitfugħin il-ħabs kontra r-rieda tagħhom. Oħrajn, li jkunu ħarbu mill-għadu, jiġu mfittxija u għalhekk għandhom iħejju bil-għaqal għal dawk il-jiem li ġejjin. Ma jkunx ħafna wara, meta x-xbiha tal-antikrist tiddendel fuq kull artal, filwaqt li kull traċċa ta' Wiċċi, s-Salib Tiegħi, l-qaddisin u s-Sagramenti jisparixxu mingħajr traċċa.** Din id-dittatura sejra tkun bħal dawk li intom kontu xhieda tagħhom qabel, f'nazzjonijiet fejn in-nies jiġu mirfusa taħt is-saqajn. Dawk li jkunu jagħtu qima f'din ir-reliġjon dinjija l-ġdida, ser ikun mistenni minnhom li huma jmielu quddiem ix-xbiha tal-antikrist. Dawn li jkunu qed jagħtu qima, ser ibierku lilhom infushom quddiem din l-abominazzjoni, iżda mhux ser ikun is-Sinjal tas-Salib, li huma sejrin jagħmlu – dan ser isir b'sinjal b'idejhom. Dawk kollha li jmielu quddiem il-bestja jsiru lsiera tiegħu u mbagħad iduru fuq dawk li jirrifjutaw li jadurawh. Huma għad jittradixxu saħansitra lill-membri tal-familja tagħhom stess u jibagħtuhom għall-kastig, daqshekk ser ikun kbir il-poter li l-bestja jkollu fuqhom.

**Jiena sejjer nagħti lil kull wieħed minnkom, u speċjalment lill-qaddejja mqaddsa Tiegħi, forma ta' protezzjoni kontra l-bestja u jiena sejjer immexxikom matul kull pass fit-triq, tul din il-mogħdija mimlija uġigħ.** Sejjer nibagħtilkom qaddejja kuraġġużi minn Tiegħi, isqfijiet leali, saċerdoti u qaddejja mqaddsa oħrajn – kollha minn Tiegħi – li ser jibqgħu jaqdu Lili. Huma ser ikunu mbierka b'Doni, li ser jgħinukom biex tibqu leali Lejja u Fija, ħalli tkunu tifilħu tgħaddu minn din l-oppressjoni, sal-jum meta niġi Jiena biex niġbor lin-nies Tiegħi u neħodhom fis-Saltna Tiegħi. Tibżgħux minn dawn iż-żminijiet, għax mhux ser ikunu daqshekk iebsa, jekk intom taċċettaw l-Id Tiegħi tal-Ħniena u titgħallmu tafdaw Lili, għal kollox. Illum Jiena nberikkom, f'Isem Missieri u nagħti lil kull wieħed minnkom il-Qawwa Tiegħi, l-Kuraġġ u l-fehma li tibqgħu għaddejjin, għax dawn kollha ser tinħtieġuhom, jekk tridu li tibqgħu Kristjani veri, leali lejn il-Kelma Qaddisa Tiegħi.

Ġesu' Tagħkom.

## Omm tas-Salvazzjoni: Ġesu' kien bħalkom f'kollox, minbarra fid-dnub, għax dak ma jistax ikun.

Il-Ġimgħa, 11 t'April, 2014 @ 15.22

Għażiża binti, **seba' anġli li waqgħu, ser jattakkaw din il-Missjoni u ser jittantaw biex iqarrqu b'ulied Alla milli jibqgħu leali lejn l-Armata tal-Fdal Tiegħu.** Huma ser jidhru lil dawk li huma ser iqarrqu bihom, bħala anġli tad-Dawl, meta fil-fatt huma kollox minbarra dan.

Il-qawwa ta' Satana hija kbira ħafna u l-preżenza tiegħu fid-dinja tidher sew meta huwa qed jagħżel lil dawk li huma devoti tiegħu, biex iħajjarhom iperrċu l-preżenza tiegħu. Huwa jagħmel dan kollu permezz tal-mużika, reliġjonijiet, li mhux ġejjin minn Ibni, Ġesu' Kristu, u permezz ta' dawk li jippużaw bħala gruppi qaddisa, li fil-fatt jaduraw il-bestja u s-saltna tiegħu fuq l-Art.

**Uliedi, intom għandkom dejjem timxu wara Ibni, permezz ta' dak kollu li Hu għallem matul żmienu fuq l-Art.** Il-Kelma Tiegħu hija sagrosanta u hija dak kollu li għandkom tkunu tafu, jekk intom sejrin timxu fuq il-mogħdija Tiegħu lejn il-Ħajja Eterna. Intom għandkom tibqgħu tiffukaw fuq ix-xewqa tagħkom li tirbħu l-Ħajja Eterna u għalhekk għandkom tgħixu ħajjitkom kif uriekom Ibni. **Qatt taċċettaw xi ħaġa li titfa' dubju fuq id-Divinita' Tiegħu. Dak il-bniedem li jażżarda jiddikjara falzitajiet dwar Ibni, m'għandux id-Don ta' l-Ispirtu s-Santu, u għalhekk ma jixraqlux jagħti definizzjoni ta' x'inhu Ibni.**

Ibni Huwa s-Salvatur Divin tagħkom, li baxxa Lilu nnifsu biex sar bniedem. Meta twieled, il-Kelma saret Ġisem u għalhekk Ġesu' Kristu sar bniedem, f'kull sens. Ġesu' kien bħalkom, f'kollox, minbarra fid-dnub, għax dan qatt ma jista' jkun. **L-Iben t'Alla kien mibgħut biex jifdi lill-umanita' u jsalva lil kull wieħed minnkom mill-mewt, li tiġi meta wieħed ikun ilsier ta' Satana. Id-Divinita' Tiegħu Tista' Kollox, Kollha Tajba, ma jista' jindaħal fiha ħadd, u li tiċħad id-Divinita' Tiegħu hija l-istess bħallikieku tiċħad il-Qawwa t'Alla.**

Uliedi intom għandkom tgħidu din it-Talba tal-Kruċjata u ssejħu lili Ommkom biex nipproteġikom mill-qerq li ser jitqiegħed quddiemkom, biex iħajjarkom tiċħdu l-Qawwa t'Alla.

**Talba tal-Krucjat (146) Protezzjoni kontra l-qerq**

*Għażiża Omm tas-Salvazzjoni, pproteġi lili bil-Grazzja tal-protezzjoni kontra l-qerq, maħluq minn Satana biex jeqred il-fidi tal-Kristjani. Ipproteġina kontra dawk li huma għedewwa t'Alla. Żommna l-bogħod mill-gideb u l-ereżija, li jintużaw biex idgħajfu l-imħabba tagħna għall-Iben tiegħek. Ifttħilna għajnejna għall-gideb, qerq u kull attentat li niltaqgħu miegħu biex iħajjarna niċħdu l-Verita'. Ammen.*

Grazzi talli weġibtu għas-sejħa tiegħi biex inwissikom dwar dan il-qerq kbir, li daqt jinżel fuq il-Knisja t'Ibni fuq l-Art.

Ommkom il-għażiża

Omm tas-Salvazzjoni

**L-Imħabba Tiegħi u l-fidi tagħkom, maqgħudin flimkien, ser isiru x-Xabla tas-Salvazzjoni.**

Is-Sibt, 12 t'April, 2014 @ 15.42

Għaziza maħbuba binti, **meta Alla jintervjeni fid-dinja, permezz tal-profeti magħżulin Tiegħu, l-Kelma tkun bħal Xabla. Tinfed dritt sal-qalb u ġġib reazzjoni doppja ġewwa r-ruħ. Fuq naħa, din iġġib għarfien kbir u fehma, iżda fuq in-naħa l-oħra, din tista' tkun iebsa biex taċċettaHa.** Dan għaliex il-Verita' qatt m'hija faċli meta wieħed ikollu jirċeviha, għax tista' tkun tweġġa'.

F'dinja fejn Satana jsaltan bħal re, l-Verita' dejjem sejra tikxef in-naħa l-kerha. Din tnissel inkwiet fil-qlub ta' ħafna. **Il-ħażen kważi dejjem jiġi mlibbes b'ħafna kuluri, iżda meta jitneħħewlu s-saffi kollha li jkunu jiġbdu l-għajn, kulma jibqa' huwa ġewwieni ikrah ħafna.**

Ħafna nies isibuha iebsa biex jaċċettaw illi ċerti atti u għemil huma ħżiena. Kull għamla ta' ħażen, maħluq minn id Satana, jkun moħbi bir-reqqa, ħalli jkun faċli li jiġi ġġustifikat mill-innocenti, li jaċċettaw qerq hekk vili mingħajr ma joqgħodu jaħsbuha. Lanqas biss jindunaw. Allura x'tama hemm, intom tistaqsu, għall-bniedem meta huwa jiġi msaħħar mill-antikrist, li ser ikun maħbub u idoliżżat għall-atti kbar ta' karita' tiegħu? It-tweġiba hija t-talb. **It-tama' tagħkom tinsab fit-talb tagħkom, għax meta intom titolbu għall-ħelsien mill-ħażen, Jiena nwieġeb għat-talba tagħkom.**

L-Imħabba Tiegħi u l-fidi tagħkom, magħqudin flimkien, ser isiru x-Xabla tas-Salvazzjoni, li biha dawk l-erwieħ innoċenti, li sejrin jitqarrqu faċilment mill-bestja, jistgħu jiġu salvati u hemm is-Saltna tkun Tiegħi. Jiena ġej dalwaqt biex nieħu lura t-Tronn li huwa Dritt Tiegħi u għalhekk m'ghandkomx titilfu t-tama'.

Ġesu' Tagħkom.

[Hekk kif joqrob il-Jum tal-Ġimgħa l-Kbira, dawk li jittormentawni u li jagħmlu ħilithom biex ineħħu kull traċċa Tiegħi, ser isofru bil-kbir f'dak il-jum.]

Il-Ħadd, 13 t'April. 2014 @ 19.00

Għażiża maħbuba binti, hija x-xewqa Tiegħi, illi dawk li jħobbu Lili, verament, ipattu permezz tad-Don tar-Rikonċiljazzjoni, matul il-Ġimgħa Mqaddsa. Meta turuni sogħba għal dnubietkom, Jiena nferra' fuqkom Don speċjali li Taċċettaw dak kollu li hu skond ir-Rieda Tiegħi. **Inħeġġiġkom biex tafdawni, f'dan iż-żmien fl-istorja, bħal qatt qabel, għax jekk intom tisimgħu bir-reqqa, Jiena nkun nista' nwassal il-Kelma Tiegħi u tinstema' minn kulħadd – inkluzi dawk li lanqas biss jafuni.**

Meta Jiena kont qed niġi mfittex mill-għedewwa Tiegħi, huma kienu jagħmlu minn kollox biex jitilfuli ġieħi. Huma kienu jferrgħu r-rabja tagħhom fuq l-imsejknin innoċenti u jittorturaw lil dawk li huma kienu jaħsbuhom Jien. Huma xerrdu gideb dwar l-appostli Tiegħi, ippruvaw iwaqqgħuli ġiehi b'ħafna modi u kienu jintilfu fir-rabja, meta huma ma kinux jistgħu jaqbduni fiżikament. Kieku huma kienu joqtluni, li kieku qabduni, qabel il-Ġimgħa l-Kbira – li kieku Jiena ma pproteġewtx Lili nnifsi. Il-mibegħda tagħhom, il-gideb, il-malafama li huma xerrdu dwar il-Missjoni Tiegħi u l-akkużi foloz kontra Tiegħi, nfirxu ma' kull belt u raħal, qabel ma wasal il-jum li Jiena kont ittradut minn wieħed minn Tiegħi stess.

**Il-velenu li ħareġ minn fomm l-għedewwa Tiegħi, kien ġej mis-serp, li kien jinfesta lil ruħhom. Huma kienu jimitawh b'kull mod – huma werżqu b'rabja kbira kontra Tiegħi, għalkemm l-akkuzi tagħhom kienu foloz u bla sens.** Beżqu lill-appostli Tiegħi, ttorturaw lid-dixxipli Tiegħi kif ukoll lil dawk l-irġiel sfortunati li huma ħasbuhom Jiena. **Ippruvaw idawru lill-oħrajn kontra Tiegħi, li ma kinux semgħu Bija u qalu affarijiet koroh fuq dawk li huma ma setgħux jikkonvinċuhom biex jakkużaw Lili.** Kull xitan minn qiegħ l-Infern ittormentani matul l-aħħar ġimgħat Tiegħi fuq l-Art, meta Kelmti nifdet il-qlub ta' ħafna u kkonvertiet eluf.

Meta l-Preżenza Tiegħi kienet l-aktar b'saħħitha, l-mibegħda żdiedet u l-għajjat ta' dawk li kienu jeħduha kontra Tiegħi, kien qisu ġej minn annimali selvaġġi. **In-nies li ngħaqdu mall-gruppi tal-Fariżej, biex jagħtuni l-kastig, saru ħżiena daqs dawk li kienu jħeġġuhom biex jitmasħnu kontra l-Karattru Tiegħi.** Jiena kont akkużat li ma kontx nadif fil-Ġisem u fir-Ruħ. **Huma qalu li l-Kelma Tiegħi kienet ġejja minn spirti ħżiena.** Qalu li Jiena tajt xhieda falza kontra Mose' u li kont mibgħut mill-wieħed il-ħażin biex nikkorrompi lil ruħhom. Huma njoraw l-Imħabba li Jiena kont inferrex, il-konverżjoni li Jiena ħloqt fosthom biex iħobbu wieħed lill-ieħor u l-mirakli li Jien għamilt. **Waqt li kienu qed ikantaw oxxenitajiet kontra Tiegħi, huma waqfu dritti u kburin u fl-istess ħin li huma kienu qed jidgħu kontra Alla, huma kienu qed jiddikjaraw li qed jitkellmu f'Ismu. Dan huwa eżatt kif Satana jqarraq bin-nies.**

Dawk li dgħaw Bija matul it-Tislib Tiegħi, ma jgħixux fis-Saltna Tiegħi, għax huma ħadu l-agħar kastig. **Missieri ser jeqred lil kull min jgħid li Jien qed nitkellem bil-vuċi ta' Satana. Għalhekk intom ilkoll, li tgħidu li l-Vuċi Tiegħi hija dik tal-**

**wieħed il-ħażin, kunu għafu li t-tbatija tagħkom ser tkun agħar mill-mewt. Ilsienkom mhux ser ixerred iżjed il-velenu li Satana poġġa f'ruħkom; għajnejkom ma jarawx iżjed, għax intom dlam biss tixtiequ – u hekk ikun. Widnejkom qatt aktar ma jisimgħu l-ħlewwa ta' Leħni, għax intom ma tridux tisimgħu – u hekk ikun. F'qalbkom m'hemmx imħabba għalhekk din qatt m'hi ser tħoss l-imħabba, ladarba intom tgħalqu barra l-Imħabba t'Alla.** Kliemkom ser ikun il-waqgħa tagħkom meta intom takkużaw Lili, l-Mulej Alla tagħkom, Salvatur u Feddej tal-umanita' kollha, li qed ngħid il-ħażen – huma ma jinstemgħux iżjed. Huma jmutu.

**Ir-Rabja Tiegħi bħalissa, kontra l-ipokriti li jiġġerrew fid-dinja, jagħmluha li ġejjin Minni, ma niflaħx għaliha u l-kastig Tiegħi ser jinżel fuq kull wieħed minnkom li jobżoqli.** Itilqu 'l bogħod Minni – ftit li xejn tistgħu żżommuni. Jiena ser narmikom 'l hemm.

Meta nisma' t-twerżieq ta' dawk li huma ppussessati mill-mibegħda ta' Satana f'ruħhom, u dawn jiddikjaraw fil-pubbliku li huma Miegħi, nħossni niddardar. Huma jiddiżgustawni u m'huma xejn aħjar minn dawk li tefgħu x-xorti biex jaraw min ser idaħħali l-ewwel musmar f'Ġismi.

**Hekk kif joqrob il-Jum tal-Ġimgħa l-Kbira, dawk li jittormentawni u li jagħmlu ħilithom biex ineħħu kull traċċa Tiegħi, ser isofru bil-kbir f'dak il-jum.** F'dak il-jum, meta tgħaddu mill-Uġigħ Tiegħi, mogħti lilkom biex iġibkom f'sensikom, intom tifhmu li Jiena qed insejħilkom. Qed nagħmel dan, mhux għax ħaqqkom uqija waħda tal-Ħasra Tiegħi, imma għax inħobbkom – akkost ta' kollox. Dak in-nhar, nitlobkom tgħiduli dan li gej:

***"Ġesu', aħfirli tal-gerħa li għamiltlek fuq il-Ġisem Tiegħek, il-Kelma Tiegħek u d-Divinita' Tiegħek."***

Jiena nweġibkom u ngħinkom tiġu Għandi, bl-Imħabba u l-Ferħ f'Qalbi.

Ġesu' Tagħkom.

[Is-Salib huwa dak li jgħaqqadkom mal-Ħajja Eterna.  Qatt twarrbu s-Salib.]

It-Tlieta, 15 t'April, 2014 @ 20.15

Għaziza maħbuba binti, meta l-maħbuba segwaċi Tiegħi jiċċelebraw il-Ġimgħa l-Kbira, huma għandhom jiftrakru kif Imħabbti tinfirex mar-razza umana.

Dawk li ppersegwitawni u wara qatluni kienu mimlijin mibegħda u kellhom qalbhom tal-ġebel.  Jiena mitt għalihom, minkejja l-mibegħda tagħhom u sofrejt Agunija kbira ħalli huma jkunu jistgħu jiġu mifdija.  Xorta waħda, **ħafna nies illum jobogħdu u jistmerru Lili, fuq skala hekk kbira, illi kieku kelli nurikom il-ħażen li jagħmel ħerba minn ruħhom, intom lanqas biss ikollkom ħila tibqgħu weqfin.**

**L-attentati Tiegħi biex inħejji lid-dinja, permezz tal-Ktieb tal-Verita', sejrin jiġu attakkati mill-għedewwa Tiegħi ma' kullimkien.  L-agħar attakki ser jiġu minn gruppi Sataniċi, li ħafna minnhom jilagħbuha ta' Kristjani, ħalli jkunu jistgħu jperrċu r-rabja tagħhom, billi jippretendu li qed jiddefendu l-fidi.  Hekk huwa l-mod kif Satana juża' vittmi li bir-rieda kollha tagħhom jattakkaw din il-Ħidma.** Kemm huma msejkna dawn l-erwieħ u kemm Jiena mnikket Jiena, meta huma qed jissuktaw jittraduni, jwaddbuli t-tajn u jxerrdu l-gideb dwar il-Kelma Tiegħi, fi sforz biex jeħduli l-erwieħ mill-Qalb Ħanina Tiegħi.

**Jiena nibki dmugħ t'Agunija, matul din il-ġimgħa; għax iż-żmien huwa qasir u Jiena naf li nitħabat kemm nitħabat, ħafna erwieħ xorta ser jagħtuni daharhom.** Għaliex dawn l-erwieħ jobogħduni daqshekk?  It-tweġiba hija li huma m'għandhom l-ebda mħabba Għalija.  Ħafna minnhom isibuha tat-twerwir li l-mibegħda li jħossu Lejja f'qalbhom, ma jistgħux jeħilsu minnha.  Tant huma ppussessati mill-wieħed il-ħażin, li huma jgħaddu kull minuta tal-ġurnata jisħtu Lili.

Il-maġġoranza l-kbira tan-nies m'għadhomx jemmnu  Fija – huwa biss numru żgħir li jemmnu, fost oċean t'erwieħ, li l-qilla tagħhom twassal min-naħa tad-dinja għall-oħra.  Iżda Jiena nwegħdkom li Jiena sejjer niġbor erwieħ kemm nista' u għall-Imħabba li għandi għalikom, Jiena sejjer nifrex il-Ħniena Tiegħi saħansitra fost dawk li ma ħaqqhomx.  **Kemm nilqagħhom lit-tajbin, dawk li jħobbu u dawk l-erwieħ puri, li jiġu Quddiemi.  Jimlewni b'ferħ kbir.  Kif imellsu l-Pjagi Tiegħi**. Kemm ifarrġuni min-niket li Jiena ngħaddi minnu għall-imsejkna erwieħ, li m'għandhomx idea tal-ferħ kbir li Jiena wegħdthom fis-Saltna l-Ġdida Tiegħi.  Ħafna erwieħ sfortunatament sejrin jarmu ċ-ċavetta li Jiena tajthom għall-Ħajja Eterna – u għal xhiex?  Ħajja bla skop, ħajja jiġru wara ġibdiet u wegħdiet foloz.  Ħajja ta' kedda mimlija xogħol, li ma ġġib l-ebda ħajja – ħlief dik li tispiċċa fit-trab.  Jiena l-ħajja tagħkom.  Jiena nġib il-ħajja.  Meta intom taċċettaw il-mewt Tiegħi fuq is-Salib u taċċettaw il-Qawmien Tiegħi, intom qatt ma tgħaddu mill-mewt.

**Lilkom ta' din il-ġenerazzjoni, Jiena ngħidilkom dan.  Intom li intom Miegħi, m'intomx sejrin tgħaddu mill-mewt – lanqas il-mewt tal-ġisem.** Dawk li jittraduni, permezz tad-dnub, meta l-Verita' tkun ġiet mogħtija lilkom, mhux ser ikollkom ħajja.  Għalhekk intom, maħbubin segwaċi Tiegħi, m'għandkom qatt tibżgħu minn din il-Missjoni.  Jiena ser naqbadkom u nfawwarkom bid-Doni, li Missieri jinsab anzjuż biex iferrex fuqkom ilkoll, meta  Huwa fl-aħħar, ser jiġbor lil uliedu fis-Saltna li Huwa wiegħed meta bagħat Lili, Ibni l-Waħdieni, biex insalva lil

ruħkom, bil-mewt Tiegħi fuq is-Salib. Is-Salib huwa dak li jgħaqqadkom mal-Ħajja Eterna. Qatt twarrbu s-Salib. Il-mewt Tiegħi kienet it-triq għall-Ħajja Eterna. Mingħajr is-Salib, il-mewt tkun rebbieħa għal dawk li jirrifjutawH.

Ġesu' Tagħkom.

## Il-Ġenna l-Ġdida Tiegħi ser issir id-Dinja bla tmiem – kif kien imħabbar

Il-Ħamis, 17 t'April, 2014 @ 21.00

Għażiża maħbuba binti, l-Qawmien Tiegħi mill-mewt ġara għal raġuni. Ma ġarax biss biex sempliċement tintwera d-Divinita' Tiegħi lil dawk li ma aċċettawx min kont Jiena. Sa dak in-nhar, l-erwieħ li jkunu mietu, ma setgħux jidħlu l-Ġenna. Kellhom jistennew. Iżda hekk kif seħħ il-Qawmien Tiegħi, huma ġew mogħtija ħajja ġdida fis-Saltna Tiegħi. Il-Qawmien Tiegħi ġab il-Ħajja Eterna għall-erwieħ u għalhekk, il-mewt ma kellhiex iżjed poter fuq ir-razza umana.

Il-Qawmien Tiegħi għad jidher aħjar fit-Tieni Miġja Tiegħi, għax dak in-nhar, l-erwieħ kollha li mietu Fija u Għalija, ser jitqajmu wkoll mill-mewt u jiġu mogħtija Ħajja Eterna. Huma sejrin iqumu bil-ġisem u bir-ruħ, f'rabta perfetta mar-Rieda t'Alla u huma sejrin jgħixu fis-Saltna Tiegħi, meta d-dinja l-qadima u s-Smewwiet jisparixxu u tidher Dinja Ġdida. Il-Ġenna Tiegħi ser issir id-Dinja mingħajr tmiem – kif kien imħabbar. Dawk kollha li jħobbu lil Alla u li jaċċettaw l-Id Tiegħi tal-Ħniena, ser jidħlu fis-Saltna Glorjuża Tiegħi. Dik kienet il-Wegħda li għamilt Jien, meta Jiena tajt il-Ġisem dinji Tiegħi, biex inkun nista' nagħtikom il-Ħajja Eterna. Tinsewx li dak li Alla jwiegħed, Huwa dejjem jagħtih. Dak kollu li ħabbar lill-profeti Tiegħu ser iseħħ, għax Huwa ma jgħidx ħaġa u jfisser oħra.

Meta Alla qal lil Gwanni illi d-dinja sejra tinqasam fl-aħħar jiem u t-Tempju Tiegħu jiġi meqrud, Huwa ma kienx qed jigdeb. Ir-renju ta' dawk li jridu jeqirdu l-Kelma t'Alla, ġa beda u ż-żmien biex dawn il-profeziji kollha li kienu mħabbra lil Danjel u Ġwanni, jinsabu fuqkom. Il-Wegħda Tiegħi li niġi u nifred il-mogħoz min-ngħaġ dalwaqt ser issir realta'. Il-bniedem ser jiġi mogħti kull tip ta' għajnuna, permezz tal-Interventi mis-Sema, u ħafna opportunitajiet biex jagħmel l-aħħar għażla. Huwa jew jiġi warajja jew jibqa' fejn ikun.

Ġesu' Tagħkom.

## **Hemm mogħdija waħda biss li twassal għal għand Alla u dik hija permezz Tiegħi, Ġesu' Kristu. M'hemmx triq oħra.**

Il-Ġimgħa, 18 t'April, 2014 @ 23.24

Għażiża maħbuba binti, d-dinja għad terġa' tqum, mill-irmied, wara l-massakru. **Jiena nwiegħed li sejjer inħassar il-pesta tal-antikrist minn fuq wiċċ id-dinja.** Jiena ser neqred l-għedewwa t'Alla u lil dawk responsabbli li ġabu l-miżerja, inġustizzja u t-tbatija lil ulied Alla.

Il-ħażen li jiggranfa l-qlub tal-bnedmin illum, f'kull parti tad-dinja, għandu għamliet differenti. Fl-aktar għamlu kerha tiegħu, n-nies jiġu ttorturati, maqtula u kkastigati bl-aħrax. Imbagħad f'għamliet oħrajn, in-nies ikollhom jgħaddu minn tbatijiet kbar li jinkludu nuqqas t'ikel, nuqqas ta' djar u faqar kbir, filwaqt li l-mexxejja tagħhom jaħtfu kull dritt li huwa tagħhom. Imbagħad hemm dawk il-liġijiet li m'humiex xorta għal kulħadd, li jiffavurixxu lil dawk li għandhom il-poter, jagħmlu nies sinjuri iżjed sinjuri u nies fqar iżjed foqra, fejn ftit tintwera ħniena u mħabba ma' dawk l-iżjed fil-bżonn. Fl-aħħar hemm il-persekuzzjoni tal-Kristjani – s-segwaċi Tiegħi – madwar id-dinja kollha. Huma mistmella, iżjed minn kulhadd u jsofru ħafna f'Ismi. **Il-Kristjani huma mibgħudin mis-segwaċi tal-wieħed il-ħażin, li juża' l-aġenti tiegħu biex isikkithom b'modi differenti. Ħafna mill-pjanijiet tagħhom jinkludu ċ-ċensura jew id-dritt li bil-miftuħ, wieħed jiddikjara r-rabta tiegħu Miegħi. U llum il-gvernijiet, filwaqt li b'wiċċhom minn quddiem jiddefendu kull twemmin ieħor u dritt ċivili, huma mhux ser jagħtu każ tad-drittijiet tal-Kristjani.**

**Il-Kristjani dalwaqt ma jitħallewx jipprattikaw il-fidi tagħhom f'postijiet pubbliċi, skejjel, kulleġġi, sakemm fl-aħħar, lanqas fit-Tempji t'Alla.** Intom forsi tgħidu – dan żgur ma jistax ikun – illi jwaqqfu lill-Kristjani milli jipprattikaw il-fidi tagħhom, fil-Knejjes tagħhom stess? **Dan ser iseħħ bl-iżjed mod makakk, fejn miljuni ser jiġu mqarrqa, mingħajr ma jagħtu każ, fejn kull dettall tal-Kelma, hekk kif inhi bħalissa, ser jinbidel, iżda dan jiddaħħal kollu bil-kwiet il-kwiet.** Dawk biss li jagħtu każ, ser jindunaw bit-tibdiliet u wara ftit issir aċċettabbli li jinfetħu l-Knejjes Kristjani biex jilqgħu kull twemmin, inklużi dawk li ma jemmnux Fija. Madanakollu, mhux dawk kollha li jimxu wara xi twemmin, li ma jadurax l-Alla Trinita', ser jiġu sfurzati għal ġo din il-knisja waħda ġdida. Le. **Ser ikunu l-Kristjani, li ser jiġu mġegħla jaduraw il-paganiżmu, li ser jiġi ppreżentat bil-għaqal bħala knisja ġdida u li tħaddan forma ġdida ta' 'tqarbin' – knisja għal kulhadd – fejn Jiena, Ġesu' Kristu, ma jkollix sehem.**

**Minn din is-sena, is-Slaleb Tiegħi ser jisparixxu u filwaqt li l-Knejjes Tiegħi, u dawk li jgħidu li jaqdu Lili, jitkellmu dwar l-importanza tal-umaniżmu, intom m'intomx ser tisimgħu lil min jitkellem fuq l-importanza li intom għandkom iċċedu kollox Lili, Ġesu' Kristu, s-Salvatur tagħkom.** Intom, għalhekk, mhux ser tkunu mħejjija għas-Salvazzjoni Eterna. L-importanza li timxu fuq il-mogħdija Tiegħi għal għand Missieri ma tissemmiex, lanqas l-importanza tas-Sagramenti Mqaddsa ma tissemma. Minflok, **isemmulkom l-importanza li tagħtu każ tal-ħtiġijiet tal-oħrajn u l-ġid tal-oħrajn, li jintuża minflok ma taduraw Lili.** Jiena l-Knisja. Ġismi Huwa l-Knisja, iżda biż-żmien, Jiena ser niġi mwarrab mal-ġenb. Jimlewlkom irjuskom bil-falsitajiet. Ser jgħidulkom b'kull mogħdija, li hija meħtieġa

biex iġġibkom eqreb lejn Alla.  Iżda kull mogħdija li jgħidulkom biex issegwu, kollha jkunu jwasslu fid-direzzjoni opposta.

Kunu għafu issa, illi hemm biss Verita' waħda.  **Hemm mogħdija waħda biss li twassal għal Alla u dik hija permezz Tiegħi, Ġesu' Kristu.  M'hemmx triq oħra.**

Ġesu' Tagħkom.

**Alla l-Missier: Ser ikunu ftit ħafna dawk fostkom li għad jirrifjutaw il-knisja waħda dinjija ġdida u għalhekk l-Intervent Tiegħi ser jiġi bil-ħeffa.**

Il-Ħadd, 20 t'April, 2014 @ 17.40

Binti l-iżjed għażiża, meta Jiena bgħatt lil Ibni biex jifdi l-umanita', id-dinja rrifjutatu, hekk kif għamlu lill-profeti li kont bgħatt qablu.

Issa hekk kif qed inħejji biex nibgħat lil Ibni għat-Tieni u l-aħħar darba, biex jiġbor lil uliedi u jagħtihom il-Ħajja Eterna, huma wkoll sejrin jirrifjutaw dan l-Att Kbir ta' Ħniena. Jiena permezz tal-Kelma Tiegħi, tajt il-Verita' lill-bniedem u hu xorta waħda jirrifjutHa. Kemm jinsew malajr. Kemm huma għomja, għax Jiena kont għidt lid-dinja li ser inġibilhom is-Saltna Tiegħi – Dinja Ġdida, mingħajr tmiem – iżda huma ma jifhmux fil-verita', x'għandhom b'wirthom. Mhux kollha ser jaċċettaw il-Ħniena t'Ibni u għalhekk Jiena qed infakkar lid-dinja dwar dak li ser jiġri, ħalli jiġu u jaċċettaw is-Saltna Tiegħi.

Uliedi sejrin jirreżistu bil-kbir dawn il-mirakli li Jiena sejjer nuri lid-dinja, qabel ma jiġi Ibni. Ser jitkellmu ħafna fuqhom, iżda l-għedewwa Tiegħi ser jiżguraw li uliedi jiġu mqarrqin, ħalli ma jħejjux ruħhom għall-Ħajja Glorjuża li Jiena ħejjejt għal kull wieħed minnkom.

Hekk kif Ibni qam mill-mewt fit-tielet jum, hekk ukoll Huwa ser juri Lilu nnifsu fit-tielet jum, wara tlett ijiem ta' dlam, fit-Tieni Miġja Tiegħu. Nixtieqkom li tkunu tafu bihom dawn it-tlett ijiem ta' dlam, ħalli ma tibżgħux minnhom. Xemgħat imberkin ser jagħtu l-uniku dawl li Jiena ser nippermetti, ħalli dawk li jħobbu Lili jaraw u jistennew bil-ferħ, il-Wasla t'Ibni.

Tibżgħux minn Imħabbti għalikom jew il-Qawwa li Jiena sejjer nuri, għax din għall-ġid tagħkom li Jiena ser nippermetti dawn il-ġrajjiet kollha li jseħħu fil-jiem li jwasslu għall-Jum il-Kbir. Jiena nippermetti l-għedewwa Tiegħi jiġġerrew mad-dinja. Jiena nippermetti lil dawk li jeqirdu kollox biex iqarrqu bil-bniedem, għax hekk ser nagħti prova tal-fidi ta' dawk li huma mberkin bil-Verita'. Iżda kunu għafu dan. Dawk li jittradixxu l-Kelma t'Alla ser jintefgħu fid-deżert. Dawk li jattakkaw u jikkastigaw il-qaddejja mqaddsa Tiegħi, li jħobbu lil Ibni, ser jiġu kkastigati bl-aħrax. Jiena sejjer nippermetti lid-dghajfin u dawk li faċilment jiġu mqarrqa, ħalli meta l-Profeziji Tiegħi, mogħtija lilek, binti, jseħħu – dawn jindmu u jfittxu Lili.

Uliedi Jiena qed inħejjikom, ħalli sseħħ ir-Rieda Tiegħi u intom tgħixu fir-Renju Tiegħi, kif kontu mwielda biex tagħmlu. Id-dinja li tgħixu fiha hija maħmuġa, minħabba l-wieħed il-ħażin u l-influwenza tiegħu. Id-dinja hija mpestata bid-dnub, f'dan iż-żmien iżjed minn qatt qabel, u d-dnub issa jkompli jikber, kull wieħed minnkom, li għandu fidi vera, ser ikollu jkun xhud tiegħu. Intom għandkom bżonn li tiġu mfakkra kuljum dwar il-Verita', mill-lum – Ħadd il-Għid – għax mingħajrHa, intom tmorru 'l bogħod u tintilfu.

Ser ikunu ftit hafna dawk fostkom li għad jirrifjutaw il-knisja waħda dinjija ġdida u għalhekk l-Intervent Tiegħi ser jiġi bil-ħeffa. Sejjer niġbidkom Lejja, nżommkom merfugħin, meta l-uġigħ tal-apostasija jsir li ma jinfelaħx, u nsalva lil ruħkom b'kull

mezz li Jiena nagħżel, minflok ma nħallikom f'idejn l-għedewwa Tiegħi. Nixtieqkom tħarsu bil-ħniena lejn dawk li jitqabdu kontra Ibni, minħabba din il-Missjoni Tiegħu biex iħejji lid-dinja għat-Tieni Miġja Tiegħu. Jiena ngħidilkom biex titolbu Lili, l-Missier Etern tagħkom, biex nuri Ħniena ma dawk kollu li jippruvaw jindaħlu f'dak li tagħmel l-Id Tiegħi, l-Ġenerozita' Tiegħi u d-Divinita' Tiegħi, permezz ta' din it-Talba speċjali tal-Kruċjata:

**Talba tal-Kruċjata (147) Alla l-Missier, uri Ħniena ma' dawk li jiċħdu lil Ibnek**

*O Alla, Missier Etern, nitolbok biex turi Ħniena ma' dawk li jiċħdu lil Ibnek. Qed nittallab għall-erwieħ ta' dawk li jippruvaw jeqirdu l-profeti Tiegħek. Nittallab għall-konverżjoni tal-erwieħ, li huma mitlufin Għalik u nitolbok biex tgħin lil uliedek kollha biex iħejju ruħhom u jiddrittaw ħajjithom skond ir-Rieda Divina Tiegħek, bi stennija għat-Tieni Miġja tal-maħbub Iben Tiegħek, Ġesu' Kristu. Ammen.*

Morru, uliedi, u ħejju lil dawk kollha li tafu, billi toffru talb speċjali Lili, l-Missier Etern tagħkom, għall-Ħniena Kbira Tiegħi.

Jiena nħobbkom ilkoll. Jiena Kollni Mħabba, Kollni Paċenzja u nistenna t-tweġiba tagħkom. Qatt taħsbu li mhux ser nisma' talbkom, għax l-ilħna tagħkom ħelwin f'Widnejja u mħabbitkom Għalija ġġibli ħafna ferħ. M'hemm xejn li ma nagħmilx għal uliedi. Xejn.

Morru fl-imħabba u l-ferħ, għax niżgurakom li Jiena Kollni Ħniena.

Missierkom il-maħbub.

**Il-bidu u t-tmiem tad-dinja ser isiru ħaġa waħda.**

It-Tnejn, 21 t'April, 2014 @ 15.56

Għażiża maħbuba binti, hija iebsa ħafna għall-erwieħ, saħansitra dawk li għandhom fidi kbira, biex jgħaqqdu d-dinja li huma jgħixu fiha ma' dik tas-Saltna Tiegħi.

**Id-dinja hekk, kif inhi, mhix kompatibbli mas-Saltna Tiegħi u dan ifisser illi dawk minnkom li jafu Lili u li verament iħobbuni, jsibuha t' uġigħ xi drabi, biex jgħixu l-ħajja tagħhom ta' kuljum.** Li tkun tħobbni tfisser li timxi mat-Tagħlim Tiegħi u ssejjaħ Lili biex naħfirlek dnubietek. Dan huwa l-uniku mod li bih tistgħu ssiru parti minn dak li Jiena. **Intom qatt ma tistgħu ssiru parti mis-Saltna Tiegħi qabel ma taċċettaw il-Verita' u taċċettaw illi, sakemm ikun jeżisti d-dnub, id-dinja qatt ma tista' tkun perfetta.** Sakemm il-bniedem jibqa' jagħmel kollox skond ir-rieda ħielsa tiegħu, fejn hu qed jiġi l-ħin kollu ttentat biex jixxala fil-bżonnijiet egoisti tiegħu, huwa jibqa' lsier.

Meta tgħixu ħajja skond il-Kelma t'Alla, intom tkunu tistgħu taraw id-dinja għal dak li hi. Intom taraw l-għaġeb li huwa l-Miraklu tad-dinja, li kienet maħluqa minn Missieri. Iżda intom, taraw ukoll kif id-dgħjufija tal-bniedem firditu minn Alla. **Sakemm dan jibqa' jkun il-każ, id-dinja kif tafuha intom, qatt ma tista' terġa' titgħolla għall-Glorja li darba kellha.** Għalhekk intom sejrin issibu l-paċi vera meta Jiena ser nerġa' niġi biex neħodkom fil-Ġenna ta' Missieri, li kienet inħolqot għalikom fil-bidu.

Il-bidu u t-tmiem tad-dinja ser isiru ħaġa waħda. **Mhux ser ikun hemm Smewwiet, m'hemmx Purgatorju u m'hemmx Art – ser ikun hemm biss żewġ entitajiet. Is-Saltna Tiegħi – fejn il-ħajja ma tispiċċa qatt, għal dawk li jħallu Lili niġborhom f'Qalbi u l-Infern għal dawk li ma jridux iduru Lejja.**

Kollox ikun skond il-Ħniena Tiegħi u r-Rieda Qaddisa ta' Missieri, li jħobb lil uliedu kollha. Huwa jrid isalva lil kulħadd u permezz Tiegħi. Jiena ma nistax inġiegħel lil dawk li ma jridux jagħmlu sehem mis-Saltna Tiegħi, jew li jirrifjutaw l-isforzi kollha Tieghi biex inġibilhom ġmiel t'eternita' glorjuża, biex jimxu warajja. Tinjorawx il-Karbiet Tiegħi biex tgħinu lil dawn l-imsejkna erwieħ.

Ġesu' tagħkom.

## It-Tagħlim  Tiegħi mhux ikkumplikat

It-Tlieta, 22 t'April, 2014 @ 20.00

Għażiża maħbuba binti, tkun kemm tkun iebsa din il-Missjoni, l-Verita' trid toħroġ il-ħin kollu.

**X'jiswa jekk Kelmti tiġi mgħawġa?** Għal xhiex tiswa'? **Meta Kelmti u dak kollu li Jiena u li għad Inkun, jiġi addattat għal dak li jrid il-bniedem, hemm din issir falsita'. Xi tfisser il-mewt Tiegħi fuq is-Salib, jekk mhux biex tifdihom mid-dnub?** Minkejja l-krudelta' tal-mewt Tiegħi fuq is-Salib, it-tifsira għall-Kristjani hija sempliċi. Jiena fdejtkom mid-dnub, iżda jkun biss meta intom titolbuni biex nagħmel dan. Jekk intom ma titolbunix, Jiena ma nistax nifdikom.

**Jekk intom ma taċċettawx Lili, Ġesu' Kristu, intom ma tkunux tistgħu tfittxu l-Ħniena Tiegħi, mbagħad Jien nieqaf quddiemkom u nitkarrbilkom  biex tagħmlu dan, daqshekk hija kbira Imħabbti għalikom.** Jiena nieqaf bħal Sultan tallab quddiemkom, il-midinbin. Jiena ser nurikom il-Verita', sakemm għajnejkom fl-aħħar jinfetħu u mbagħad taraw. Dawk minnkom li jaraw il-Verita' ser joħorġu dirgħajhom lejja u Jiena neħodkom fil-Kenn tal-Qalb Tiegħi. Għalhekk, **bħalma dawk li jafuni, u li ser jiġu salvati, għandhom vantaġġ, hekk ukoll Jiena ser nagħmel mal-erwieħ kollha, ta' kull reliġjon u kull twemmin, nagħtihom il-vantaġġ li nurihom il-Verita' qabel ma jasal il-Ħin Tiegħi.**

Dejjem ftakru fis-sempliċita' Tiegħi. Jiena ngħallimkom il-Verita' b'modi sempliċi. Jiena għallimtkom tħobbu wieħed lill-ieħor bħalma ħabbejtkom Jien. Jekk tħobbu wieħed lill-ieħor u tittrattaw lil xulxin kif urejtkom Jiena, intom tkunu Tiegħi. Jekk intom ma turux imħabba u rispett lejn l-oħrajn, imma tiġġudikaw lil xulxin f'Ismi, hemm intom ma tistgħux tgħidu li intom Tiegħi. It-Tagħlim Tiegħi mhux ikkumplikat. M'għandux għalfejn ikun, għax l-imħabba hija l-qalba ta' dak li għallimtkom. Mingħajr  imħabba għal xulxin fi qlubkom, intom ma tistgħux tħobbu verament Lili. Meta tiċħdu Mħabbti, intom dejjem tkunu qed tiċħdu Lili. **Meta tiċħdu Kelmti, hemm l-Imħabba t'Alla ma tistax tgħix f'qalbkom.**

Ġesu' Tagħkom.

**Jiena mhux ser inħalli lil dawk li ġejjin fil-Ġenna l-Ġdida Tiegħi ibatu l-uġigħ tal-mewt fiżika.**

L-Erbgħa, 23 t'April, 2014 @ 15.30

Għażiża maħbuba binti, **ħafna nies, jemmnu żbaljat li t-Twissijiet Tiegħi lill-umanita' joħolqu sens ta' dispramento u nkwiet għal xejn.** Dan tifhmu, iżda kunu għafu dan. **Il-futur tad-dinja li għad trid tiġi jħallik bla nifs, hija glorjuża minn kull naħa. Il-Ġenna, li ġiet imħejjija għalikom timliekom bil-għaġeb, u sens kbir t'eċitament, li kieku kelli nurikom biss tikka minnha.** Minħabba li l-bniedem jibża' minn dak li ma jafx u għandu nuqqas ta' kunfidenza fil-Wegħda Tiegħi biex inġibilkom Ħajja Eterna, din hija tqila għal ħafna, li jippruvaw iħejju għas-Saltna Tiegħi.

**Għeżież segwaċi Tiegħi, żgħar Tiegħi ta' qalbi, nitlobkom tkunu tafu li Jiena mhux ser inħalli lil dawk li ġejjin fil-Ġenna l-Ġdida Tiegħi ibatu l-uġigħ tal-mewt fiżika – dak huwa r-Rigal Tiegħi għal din il-ġenerazzjoni mbierka.** Din il-bidla mid-dinja li intom tgħixu fiha llum, għal ġol-Ġenna l-Ġdida Tiegħi, ser isseħħ f'tebqa t'għajn, daqshekk hija kbira Imħabbti għalikom. Qabel dak il-Jum il-Kbir, **Jiena rrid inħejjikom,** ħalli intom ilkoll tirtu s-Saltna Tiegħi. Jiena m'għandix għalfejn ngħaddikom minn dawn il-provi, li ser ikollkom tgħaddu minnhom – dak huwa veru. Madanakollu, minħabba ħafna nies li jieħdu l-Kelma Tiegħi 'for granted', Jiena jkolli nħejjikom. Kif nista' nippurifikakom, jekk ma nfakkarkomx fil-Verita'? Il-Verita' biss sejra teħliskom mill-ixkiel li jorbotkom mal-wieħed il-ħażin, li sejjer ikaxkarkom lil hinn Minni, ma' kull ċans li jsib. Huwa jaf li jekk intom ma tweġbux għas-Sejħa Tiegħi biex tiżguraw il-wirt leġittimu tagħkom fis-Saltna Tiegħi, huwa jirbaħ. Imbagħad intom, li tkunu ġejtu mmexxija ħażin minnu, ma jirnexxilkomx tirrikonċiljaw ruħkom mal-Ħniena Divina Tiegħi.

Dawk biss li jimxu warajja, ma' kull pass, lejn il-Ġenna, ser jirnexxilhom jieħdu s-Salvazzjoni Eterna. **Nitlobkom iżżommu paċenzja.** Kunu għassa għas-Sejħa Tiegħi. **Twarrbunix, meta Jiena qed nipprova nilħaqkom, permezz ta' dawn il-Messaġġi.** Tgħallmu afdawni, permezz tal-Kelma Qaddisa Tiegħi, li intom ġa tafuHa fil-Ktieb ta' Missieri.

Meta Jiena nitkellem dwar il-ħażen, Jiena biss nurikom il-qerq, li ser tħabbtu wiċċkom miegħu. Il-problema tal-qerq, hija illi dan jagħmikom għall-Verita' u jwassalkom biex tibdew temmnu twemmin, li jiġbidkom għal ġo duttrina falza. Jekk ma nkunx Jiena, Ġesu' Kristu, li qed niġi meqjum, f'din id-duttrina l-ġdida, allura tistgħu tibqgħu ċerti li din mhix tiġi ddettata mill-Ispirtu s-Santu.

Ħallu qlubkom fil-kwiet, il-fiduċja tagħkom bħal dik tat-tfal u kulma tagħmlu Ħobbu Lili, bil-mod kif inħobbkom Jiena. Qatt tirreżistu l-Ħniena Tiegħi, qatt tibżgħu Minni, qatt tirrabjaw Għalija, speċjalment meta ssofru f'din il-ħajja. Għax dalwaqt Jiena ser neħodkom id-dar. **Malli jisbaħ il-Jum il-Kbir, titwieled id-dinja, u ħajja ġdida u sabiħa tkun qed tistenna lilkom u lill-maħbubin tagħkom.** Lkoll tintrabtu Miegħi, mingħajr ma jidher ebda għadu – mingħajr biża', periklu jew tbatija ta' kull xorta. Għalhekk għaliex tibżgħu mis-Saltna Tiegħi? Din ser iġġibilkom il-ferħ u l-

imħabba li intom dejjem fittixtu tul ħajjitkom kollha fuq l-Art – iżda li qatt ma seħħew għal kollox, tħabirku kemm tħabirku biex tkabbru dawn ir-Rigali.

L-Akbar Rigal Tiegħi lilkom hija l-Ħajja Eterna. Stennew dan ir-Rigal Tiegħi mingħajr biża'. Minflok, stennew bl-imħabba u l-mistennija s-Saltna Tiegħi, għax hemm ħafna għal xhiex tistennew.

Ġesu' Tagħkom.

**[Iż-żmien li d-dnub jiġi dikjarat li m'għadux dnub, qiegħed dejjem joqrob.]()**

Il-Ħamis, 24 t'April, 2014 @ 16.45

Għażiża maħbuba binti, **ż-żminijiet issa huma fil-qrib, meta d-dnubiet tal-bniedem jibdew jitqiesu, mill-Knisja Tiegħi, li ma jfissru xejn u li Lili ma joffendunix.**

Id-dnub mhux xi ħaġa li Jiena naraha bħala dgħjufija jew ħtija. Id-dnub jinħoloq minn żewġ ħwejjeġ, imma jeżisti minħabba Satana. **Il-Knisja Tiegħi dalwaqt tikkalma lis-segwaċi Tiegħi billi tmexxihom biex jaċċettaw il-gidba li d-dnub huwa biss mod kif nitkellmu u jintuża bħala simbolu għal ulied Alla biex iħeġġiġhom jibqgħu fuq it-triq it-tajba, li togħġob lil Alla.** Id-dnub m'għandux jagħmilkom tħossukom mifrudin mill-oħrajn, huma ser jgħidu. Huma sejrin jgħidu li d-dnub, fil-verita' m'hu xejn, għax Alla Jaħfer Kollox. Iva, Jiena naħfer kollox u naħfer kull dnub – ħlief id-dnub etern – ladarba tintwera ndiema mill-midneb u jagħmel ħiltu biex ineħħi kull tentazzjoni u jevita milli jirrepeti d-dnub. **Ma tistgħux titolbuni biex naħfer id-dnub meta intom tgħixu ġo dak id-dnub.** Qattiel, li joqtol u jimmanka u joqtol, ma jistax jitlobni biex naħfirlu, meta huwa jkompli joqtol u m'għandu l-ebda intenzjoni li jieqaf. X'inhi l-ħtiega li titolbu Lili biex nifdikom mid-dnub, jekk intom lanqas biss taċċettaw id-dnub, l-ewwel ħaġa?

Id-dnub huwa kawża tad-dgħjufija u Jiena naħfer lill-midneb, li verament jindem. Meta l-midneb ma jibqax jemmen li huwa ħati tad-dnub, dan isir biċċa waħda ma' ruħu. Iż-żmien li d-dnub jiġi dikjarat li m'għadux dnub, qiegħed dejjem joqrob. Meta jiġi dak iż-żmien, jinħass ħelsien u jiċċelebraw, għax dak li kien darba dnub f'Għajnejja ma jibqax ikun il-każ.

Id-dnub jibda jidher li huwa ħaġa naturali u ħaġa li intom kollha tridu taċċettawha. **Lilkom mhux ser jgħidulkom biss biex tħobbu lill-midneb, kif nagħmel Jiena. Le. Intom ser tiġu mħeġġa biex taċċettaw il-fatt illi d-dnub ma jeżistix.** Dan kollu ser iwassal għat-tradiment tad-Divinita' Tiegħi, meta d-dinja sejra tadura lilha nfisha, t-talenti tagħha, l-intelligenza tagħha, sakemm din tiddikjara l-kobor tagħha bi sfida diretta lejn Alla, l-Missier Etern.

O, kemm sejrin jiġu meħuda lejn l-iżball u l-ħażen. **Il-Knisja Tiegħi tiġi wżata biex tiddikjara l-ereżija fl-Isem Qaddis Tiegħi.** Dawk li huma mmexxija ħażin, ser jaqilbuha ta' taħt fuq u ta' ġewwa barra u l-ebda biċċa minn dawn il-bidliet m'hi sejra tkun taħt id-direzzjoni Tiegħi, Ġesu' Kristu. L-Ispirtu s-Santu mhux ser ikun fuq din l-abominazzjoni u ser ikun hemm taħwid sħiħ, niket kbir u sens ta' li m'hemmx x'tagħmel, minn dawk li jibqgħu leali lejn it-Tagħlim veru tal-Knisja Tiegħi. It-Tagħlim tradizzjonali mhux ser jibqa' jiġi ttollerat. Imbagħad, **meta dak kollu li huwa miżmum sagru jaqa', iż-żmien ikun wasal biex il-bniedem tat-telfien, jieħu t-tronn tiegħu fil-Knisja Tiegħi.**

Ġesu' Tagħkom.

[**Alla l-Missier: Ikun aħjar għalikom li tbatu dan l-uġigħ spiritwali issa, milli fin-nirien tal-Infern**](#).

Is-Sibt, 26 t'April, 2014 @ 13.42

Binti l-iżjed għażiża, l-forzi tal-ħażżen qed jissaħħu ma' kull ġurnata, hekk kif is-siegħa tal-Ħniena Kbira t'Ibni sejra tinżel mingħajr ma jkun mistenni.

**Dawk il-bnedmin fostkom li ma jaċċettawx lil Ibni, ser jiġu miksija b'kull Raġġ tal-Ħniena Tiegħu, hekk għallarrieda, illi ftit ser ikunu dawk li jifhmu x'ġie mferra' fuqhom, daqshekk sejra tkun kbira l-Qawwa tal-Preżenza Divina Tiegħu.** Dawk minnkom li għandhom il-mibegħda f'qalbhom, ser iħossu uġigħ kbir u piena. Intom sejrin tesperjenzaw għal tlett darbiet, dak l-istess uġigħ li intom ġibtu fuq uliedi, għax ara ma titqarrqux, it-Twissija hija għamla ta' Ġudizzju. **Intom sejrin tkunu xhieda tal-uġigħ u t-tbatija kbira li kieku intom kontu tgħaddu minnha, li kieku tintefgħu fin-nirien tal-Infern.** Ħafna minnkom sejrin isibu t-Twissija ta' wġigħ kbir. Madanakollu, intom għandkom tilqgħu dan ir-Rigal, għax huwa aħjar għalikom li tgħaddu minn dan l-uġigħ spiritwali issa, milli fin-nirien tal-Infern.

Qed nagħmel minn kollox biex inħejjikom permezz ta' din il-Missjoni Mbierka, ħalli ma nitlifx ruħ waħda. L-aħħar Missjoni Tiegħi fuq l-Art – fejn Jiena tajt l-awtorita' Tiegħi, bħala t-Trinita' l-Iżjed Għolja u Mbierka – sejrin jeħduha kontriHa bil-qilla, waqt li din sejra tissokta fi triqitHa biex issalva l-erwieħ, qabel il-Jum il-Kbir. L-ebda missjoni oħra, mit-Tislib t'Ibni 'l hawn, ma kienet mibgħuda daqs din. **Ħażin għalihom dawk li jeħduha kontrija, Missierkom Etern, għax jekk intom tobżqu f'Wiċċi, b'ilsien ħażin, Jiena nikkastigakom.**

Jiena mhux ser inħalli l-mibegħda u d-dagħa għal tul ta' żmien, dan li intom il-midinbin mitlufa qed twaddbu Lejja. **Meta tippruvaw twaqqfu Lili, fit-tfittxija Tiegħi biex insalva lilkom ilkoll mill-wieħed il-ħażin, intom sejrin issofru bil-kbir, għall-erwieħ li ser jintilfuli minħabba fikom.**

Id-Divinita' Tiegħi mhix ser tiġi misħuqa, lanqas il-Miġja t'Ibni m'hi ser tiġi mwaqqfa. Ħadd m'għandu l-qawwa li jagħmel dan. Dak il-bniedem li jipprova jidħol bejn il-midneb u bejni, l-Missier Etern, bil-ħsieb li jħajjar lil dik ir-ruħ biex tiċħad Kelmti, ser jiġi mwaqqaf.

Jiena l-Verita'. Jiena l-Bidu u Jiena t-Tmiem. Imħabbti għal uliedi kollha. hija kbira, iżda **ħażin għall-midneb li jniżżel fuqu l-korla Tiegħi meta huwa jipprova jgħolli lilu nnifsu 'l fuq Minni.** Jiena nisħaq l-irjus ta' dawk il-qaddejja mqaddsa li għandhom qalbhom mkabbra, li jisirquli l-erwieħ, permezz tal-ereżija. Jiena ser neqred lil dawk li l-għemil tagħhom ipoġġi l-erwieħ fl-iżball. Lanqas għal sekonda waħda, m'għandkom tinterpretaw ħażin it-Twissija Tiegħi, għax meta jkolli nintervjeni biex insalva l-erwieħ, dawk l-għedewwa Tiegħi ser jinsaħqu għal mal-art.

**L-Interventi Qawwija Tiegħi ġa bdew u dalwaqt, ftit sejrin ikunu dawk minnkom li jisimgħu Leħni permezz ta' dawn il-Messaġġi, li ser jerġgħu jiddubitaw, għax intom sejrin tkunu xhieda ta' kull profezija li tinsab fil-Ktieb tal-Verita'.**

Morru u kunu grati għall-Ħniena Kbira Tiegħi. Aċċettaw l-Interventi Tiegħi, għax dawn ser jgħinu biex iġibu lid-dinja f'sensiha. Ikun biss wara l-purifikazzjoni li l-bniedem ikun jista' verament jisma' Leħni.

Missierkom Etern

Alla l-Iżjed Għoli.

[Ħafna mill-misteri tas-Saltna Tiegħi ma jafhomx il-bniedem.]

Il-Ħadd, 27 t'April, 2014 @ 18.00

Għażiża maħbuba binti, **l-Pjan Tiegħi biex insalva lid-dinja kollha u nieħu lil kull wieħed minnkom fil-Kenn tal-Qalb Tiegħi huwa lest u l-biċċiet kollha jinsabu kif suppost ġo posthom, ħalli sseħħ il-perfezzjoni tal-Wegħda Tiegħi.**

Hemm ħafna misteri li għandhom x'jaqsmu mad-Divinita' Tiegħi, li l-bniedem, jaf kemm jaf dwar ħwejjeġ spiritwali, qatt ma jista' jifhem. Ħafna mill-misteri tas-Saltna Tiegħi intom ma tafuhomx, u Missieri wera lill-umanita' dak biss li Hu xtaq. Il-bniedem ġie mogħti l-għarfien u l-Verita', sabiex ikun jista' jqim lil Alla u jaqdiH, mill-aħjar li jista'. Il-bniedem kien mgħarraf mill-profeti, kif għandu jgħix skond l-Għaxar Kmandamenti, biex jiżguraw li huwa ma jaqax fl-iżball. Imbagħad, biex jagħti prova tal-Imħabba Tiegħu għad-dinja, Huwa sar bniedem permezz Tiegħi, l-Iben imnissel il-Waħdieni Tiegħu, Ġesu' Kristu, u wera lill-bniedem eżatt x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin. **Jiena kxift il-Verita', għalkemm biċċa żgħira ħafna, dak li Missieri xtaq, għall-ħtieġa tal-bniedem. Imma l-bniedem kellu tant qalbu mkabbra, arroganti u ambizzjuża, li huwa ma riedx jaf bil-Verita', għax din ma kinitx taqbillu.**

Il-Fariżej għalqu għajnejhom, ħarsu n-naħa l-oħra u ddikjaraw li Jiena kont raġel li tilef moħħu u kien jitkellem b'mod li jħawwdek. Huma ma kellhomx il-ħila li jisimgħu l-Verita', għalkemm it-Tagħlim Tiegħi kien jirrepeti l-Kliem, il-Lezzjonijiet u l-Kmandamenti li jinsabu fil-Ktieb ta' Missieri. Huma mxew fuq il-mogħdija d-dejqa, la jħarsu lejn ix-xellug u lanqas lejn il-lemin, u mxew fuq il-verżjoni tagħhom kif għandek taqdi lil Alla. Huma għamlu dan kollu b'bixra ta' qdusija, jistmerru lid-dgħajjef, il-fqir u lil min ma kellux edukazzjoni, filwaqt li kienu jfaħħru lil Alla. **Huma dak iż-żmien eżiljaw Lili u llum dawk pariġġhom, għal darb' oħra qed jerġgħu jagħmlu dan, meta huma ser jimxu fuq id-duttrina magħmula mill-bniedem fis-snin li ġejjin.**

Għalhekk issa intom qed taraw, illi b'dak kollu li l-bniedem jaħseb li jaf, huwa fil-verita' jaf ftit wisq dwar it-Triq tal-Mulej. Dak li hu kien ġie mogħti, huwa jaċċettah, iżda dawk il-partijiet tal-Verita' biss, li jaqblu lilu. B'eżempju, Jiena dejjem għallimt lil ulied Alla biex iħobbu lil xulxin, iżda huma jonqsu milli jagħmlu dan. **Kemm minnkom jinxteħtu fl-art Quddiemi u jfaħħru Lili b'ringrazzjament, imbagħad ixxerrdu qlajjiet fuq ħutkom? Xi wħud minnkom jibqgħu sejrin tant, illi jgħiduli kemm dawk l-ohrajn huma nies ħżiena, minflok ma juru mħabba u maħfra.**

Il-bniedem dejjen jibqa' dgħajjef, għax huwa mpossibbli għall-uman biex ikun perfett. Iżda għaliex taċċettaw it-Tagħlim Tiegħi fuq naħa u tiċħduH min-naħa l-oħra? **Qatt taqgħu għat-tentazzjoni li tikkundannaw lil xulxin f'Ismi, għax m'għandkomx l-awtorita' li tagħmlu dan. Qatt togħlew Quddiemi, meta fl-istess waqt intom iċċekknu uman ieħor. Dan jinsulta Lili.** Biex taċċettaw il-Verita', intom tridu tkunu mingħajr ebda malizja, kburija, ma taħsbux li intom kollox tajjeb u ma tkunux egoisti. Intom għandkom tinżgħu dan il-mantar tal-arroganza, għax din hija karatteristika tax-xitan u Lili ddardarni.

Nitlobkom tiftakru t-Tagħlim Tiegħi u għixu l-ħajja tagħkom skond dak li Jiena għidtilkom.  Meta ssibu li qlubkom huma mħawda, mimlijin inkwiet jew mibegħda, dejjem għandkom tfittxu l-għajnuna Tiegħi.  Għax jekk ma tagħmlux dan, imbagħad dan is-sens ta' disperazzjoni u mibegħda jiblakom.  Intom tridu taċċettaw il-fatt illi intom dejjem sejrin terġgħu taqgħu fid-dnub, iżda kunu għafu wkoll li intom għandkom turu ndiema vera, qabel ma tħossu l-paċi u l-kalma f'ruħkom.

Ġesu' Tagħkom

## Omm tas-Salvazzjoni: Il-jiem li jwasslu għall-wasla tal-antikrist ser ikunu jiem ta' ċelebrazzjonijiet kbar.

Il-Ħadd, 27 t'April, 2014 @ 23.20

Għeżież uliedi, **ħallu d-Dawl t'Alla jinżel fuqkom, meta l-pjanijiet biex titħejja d-dinja għat-Tieni Miġja t' Ibni, Ġesu' Kristu, tlestew. Issa kollox ser ikun skond ir-Rieda Qaddisa t'Alla u jiena nitlobkom biex tużaw it-talb bħala l-akbar korazza tagħkom, meta l-battalja għal ulied Alla ser teħrax.** Għall-kuntrarju ta' gwerrer imgħoddija, l-battalja għall-erwieħ ser tħawwad lil ħafna, għax l-għadu ser jidher bħala ħabib, filwaqt li l-Knisja ta' Kristu sejra tiġi ddikjarata bħala l-għadu.

Kemm tridu tkunu qawwija, jekk tridu tkunu suldati Kristjani. Qatt ma tridu taqgħu għall-pressjoni li tlissnu profanitajiet, li ser jgħidulkom biex tieħdu sehem fihom, fil-pubbliku u quddiem l-artali t'Ibni. Meta taraw nies mgħollija għal pożizzjonijiet ta' poter, fit-Tempji t'Ibni, u dawn jippretendu li intom tmilu b'reverenza quddiemhom, iżda fejn ma jkunx hemm is-sinjal tas-Salib, hemm iġru, għax inkella taqgħu fl-iżball. **Intom sejrin tkunu tafu li wasal iż-żmien biex l-antikrist jidħol fil-Knisja t'Ibni, meta t-tabernakli jkunu ġew irranġati u ħafna drabi, mibdulin ma' verżjonijiet tal-injam.**

Uliedi kunu għafu li ħafna minnkom sejrin jagħtu daharhom lill-Verita', għax intom sejrin issibu l-Verita' kważi mpossibbli biex taċċettawha. Il-jiem li jwasslu għall-wasla tal-antikrist ser ikunu jiem ta' ċelebrazzjonijiet kbar, f'ħafna knejjes, tal-Kristjani kollha u d-denominazzjonijiet kollha. **Ir-regolamenti kollha jkunu tbiddlu; l-Liturġija ġiet maħluqa mill-ġdid; is-Sagramenti tbagħbsu; sakemm fl-aħħar, il-Quddiesa ma tibqax tiġi ċċelebrata skond id-Duttrina Mqaddsa.** S'hemm, u fil-jum li fih l-antikrist ipoġġi kburi fuq it-tronn tiegħu, l-Preżenza t'Ibni mhix ser tibqa' hemm. Imbagħad, minn dak il-jum 'l quddiem, ser tkun iebsa għal dawk li jħobbu lil Ibni, biex jibqgħu leali Lejh, kif jixraq, għax kull abominazzjoni ser tiġi ppreżentata lilkom. Meta jkun hemm biżżejjed xi jfixkilkom u meta ssir offiża li tiddubitaw mill-ġerarkija l-ġdida, intom tiġu ttentati biex titilqu kollox u taċċettaw ir-reliġjon waħda dinjija, minħabba l-biża' li titilfu l-ħbieb u l-familja.

**L-Armata t'Alla – il-Fdal – ser jikbru u jinfirxu u t-Talb tal-Kruċjata jagħtu qawwa kbira lil kulħadd.** Ibni sejjer jintervjeni u jġorrkom f'dawn l-isfidi, li hemm quddiemkom u intom ser tkunu tafu li hija l-Qawwa Tiegħu li qed tagħtikom il-kuraġġ u l-perseveranza. Għax dawk biss li huma b'saħħithom fostkom, ser jibqgħu leali lejn il-Kelma Qaddisa t'Alla, iżda għalkemm **l-Armata tal-Fdal hija biss farka mill-qies tal-armata tal-bestja, Alla sejjer jimliha b' qawwa ta' ljun.** Huwa ser isaħħaħ lid-dgħajfin u jagħtihom Grazzji kbar. Huwa ser idgħajjef il-qawwa ta' dawk li jsiru devoti tal-antikrist. Dawn il-ħwejjeġ kollha, jidhru tal-biża', imma fil-verita', dawn il-ġrajjiet ser jidhru għal ħafna, bħala era ġdida t'għaqda u paċi fid-dinja. In-nies ser ifaħħru l-knisja waħda dinjija u jgħidu : "X'miraklu kbir ħoloq Alla." Huma ser ikollhom il-biża' min-nies, li kemm minn ġol-knisja u kemm minn barra tagħha, jkunu ġabu din il-għaqda. Tifħir kbir u unuri jintefgħu fuq dawn in-nies u huma **jiġu milqugħin b'għajjat ta' kant, kif ukoll b'sinjal speċjali ta' għarfien,** f'kull laqgħa pubblika.

Ikun hemm ferħ, ċelebrazzjonijiet u ċeremonji onorarji, fejn l-eretiċi jiġu mogħtija għarfien kbir. Intom sejrin taraw ġid kbir, għaqda bejn it-twemminijiet differenti u n-nies tal-unur, jiġu meqjusa bħala qaddisin ħajjin – kollha minbarra wieħed. Dak li qed nirreferi għalih huwa l-antikrist u huma sejrin jemmnu li huwa Ġesu' Kristu.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

## Din id-darba Jiena ġej biex inġedded l-Art, biex inġib mill-ġdid is-Saltna Tiegħi fuq l-Art.

It-Tlieta, 29 t'April, 2014 @ 09.00

Għażiża maħbuba binti, ħafna jistaqsu kif Alla, l-Missier li Jista' Kollox, Ħallieq ta' dak kollu li Huwa u li għad Ikun, jista' jsofri. Il-Verita' hija li Missieri, perfett f'dak kollu li jista' jkun, Huwa mimli Mħabba. Ladarba Huwa l-Ħallieq tal-Imħabba, meta din ma tiġix aċċettata, din iġġiblu Niket f'Qalbu.

**Ulied Alla rrifjutaw ir-Rigal Kbir Tiegħu tal-Ġenna, minħabba d-dnub t' Adam u Eva, meta huma waqgħu mill-Grazzja Tiegħu. Minflok, huma ħallew lilhom infushom jiġu msaħħra mill-qerq li poġġa quddiemhom il-wieħed il-ħażin. Kemm sofra Missieri, minħabba dan it-tradiment u kemm għadu jsofri minħabba d-dnub tat-tradiment fid-dinja tal-lum.** Xejn ma tbiddel, ħlief il-Miraklu tal-Fidwa, li Hu ta lid-dinja permezz tas-Sagrifiċju Tiegħi għall-umanita'.

**L-Imħabba ta' Missieri għalikom ilkoll, hija tant Kbira, illi n-Niket Tiegħu, li ġabu l-għamad u r-rifjut tal-Ħniena Kbira Tiegħu, huwa wkoll Rigal mingħandu għall-umanita'. Minħabba n-Niket Tiegħu, Huwa jitkarrab għall-erwieħ, u b'hekk, jixxabbat biex jaħtaf saħansitra lill-iżjed wieħed li ma jemminx u li ma jridx jaf.** Għal dawk li ma jemmnux f'Alla, iżda li jridu prova jew xi sinjal biex iġibilhom il-faraġ fit-taħwid tagħhom, Jiena ngħidilhom dan. Jiena, Ġesu' Kristu, ġejt l-ewwel darba, mhux biss biex insalva lil dawk li jaċċettaw il-Verita' – Jiena ġejt biex insalva lil dawk li ma kellhomx il-ħila jemmnu f'Alla. Issa qed nagħmel l-istess. Waqt li dawk li jemmnu qed jitqabdu bejniethom, jargumentaw jekk hux Jiena, Ġesu Kristu jew le, li qed nikkomunika mad-dinja, f'dan iż-żmien, Jiena nwegħdkom dan. **Jiena, għall-Imħabba li għandi għalikom, sejjer nagħtikom prova li Huwa veru Jiena, li qed nitkellem bħalissa u li għal darb'oħra ġejt mibgħut minn Missieri biex insalvakom.**

Din id-darba Jiena ġej biex inġedded l-Art, biex inġib mill-ġdid is-Saltna Tiegħi fuq l-Art – il-Ġenna maħluqa minn Missieri, għal Adam u Eva. **Dalwaqt jisbaħ dak il-jum u qabel ma jasal il-ħin, Jiena sejjer indawwal moħħkom, ġisimkom u ruħkom. Jiena sejjer naħsadkom bil-Qawwa Tiegħi – d-Divinita' Tiegħi, imma intom sejrin tħossu mewġa hekk kbira ta' mħabba, li mhux ser ikollkom ebda dubju li din tista' tkun ġejja biss Minni.** Dik hija l-Wegħda Tiegħi. Huma wlied Alla li ma jafuHx, u lanqas ma jemmnu fiH, li Jiena sejjer nixxabbat għalihom l-ewwel. Ħafna minnhom sejrin jiġu jiġru Għandi, għax m'għandhomx ideat ġa lesti minn qabel, li jistgħu jkunu ġejjin minn wisq għarfien ta' ħwejjeġ spiritwali. Fl-istess ħin, Jiena sejjer nfittex lil dawk l-erwieħ li jinsabu fi dlam kbir, li huma ddisprati, mitlufin u mgħobbijin b'niket kbir fil-qalb tagħhom. Għalhekk, meta tħejju biex tisimgħu il-Kelma Tiegħi, li tinsab hawnhekk, kunu għafu li l-Messaġġi Tiegħi m'humiex immirati biss għal dawk li jħobbuni – qed jiġu mogħtija biex jilħqu lilkom.

Jiena nagħtikom il-paċi. Jiena qed inġibilkom aħbar kbira, għax Jiena ħejjejt futur glorjuż għalikom, fejn il-mewt ma għandhiex qawwa fuqkom. Qed nistenna dak il-

Jum, b'ferħ kbir.  Nitlobkom tistennew, bil-paċenzja u l-fiduċja, għax meta niftħilkom qlubkom, l-inkwiet tagħkom jispiċċa fix-xejn.

Ġesu' l-maħbub tagħkom.

## Il-Weghda Tiegħi li nerġa' niġi, sejra sseħħ waqt il-ħajja ta' din il-ġenerazzjoni.

Il-Ħamis, 1 ta' Mejju, 2014 @ 23.30

Għażiża maħbuba binti, l-Wegħda Tiegħi li nerġa' niġi, sejra sseħħ waqt il-ħajja ta' din il-ġenerazzjoni. **Ħafna nies fid-dinja f'dan iż-żmien, ma jafu xejn bil-profeziji li jinsabu fil-Bibbja l-Iżjed Qaddisa, dwar il-Jum il-Kbir tal-Mulej.** Biex tħejju għal dan iż-żmien, Missieri riedni ninfurmakom li d-data hija lesta għat-Tieni Miġja Tiegħi, iżda Alla biss, l-Missier Etern, jaf dwar din id-data. Lanqas Jiena, l-Iben il-Waħdieni mnissel Tiegħu, ma naf dwar din id-data – naf biss li hija dalwaqt.

**Jridu jseħħu ħafna ħwejjeġ, qabel ma jasal it-tiġdid, iżda kunu għafu li dawn ser iseħħu bil-ħeffa u mgħaġġlin wara xulxin.** Dawk li għandhom biża' mill-Jum il-Kbir, minflok, għandhom jafdaw Lili u jitolbu għall-erwieħ ta' dawk li ser jagħmlu minn kollox biex jopponu Lili fit-tfittxija Tiegħi għall-erwieħ. **Il-Pjan Tiegħi huwa li nġib saħansitra lil dawk fostkom li għandhom rashom l-iżjed iebsa, għal ġewwa s-Saltna Tiegħi, għax dan kollu għad-dinja.** Is-Saltna Tiegħi ġejja, għax huwa l-Pjan t'Alla u jagħlaq il-Patt Finali, skond ir-Rieda Divina t'Alla.

Itolbu bil-ġenerożita' fi qlubkom, għall-erwieħ ta' dawk li l-iżjed jeħtieġu l-Ħniena Tiegħi u Jiena niksihom bid-Demm Prezzjuż Tiegħi. **Dak kollu li kien fil-bidu ser iseħħ fit-tmien u wara teżisti dinja mingħajr tmiem.** Kollox jibda u jispiċċa ma' Missieri.

Xejn ma jista' jżomm it-Tieni Miġja Tiegħi. L-ebda bniedem li jopponi Lili jew li jipprova jeħodli l-erwieħ, m'hu ser jitħalla jisfidani, għax meta nasal Jiena, l-għedewwa Tiegħi kollha jintremew 'l hemm. **Jiena nsalva lid-dgħajjef, il-beżgħan, l-imnikket, l-eretiċi, dawk li ma jemmnux, il-giddibin, il-ħallelin, il-qattiela – l-midinbin kollha. L-ebda wieħed minnkom ma jitħalla barra mill-Ħniena Tiegħi. Jiena nħobb lilkom ilkoll.**

**Ġesu' Tagħkom.**

**Omm tas-Salvazzjoni: L-apokalissi sejra tkun kollha kemm hi dwar il-ħtif tal-Knisja t'Ibni fuq l-Art, mill-għedewwa.**

Il-Ġimgħa, 2 ta' Mejju, 2014 @ 19.00

**Binti, meta n-nies jisimgħu l-kelma "apokalissi", din tista' tnissel twerwir f'qalbhom.** Dan għax huma ftit wisq, dawk li huma nfurmati din x'tissimbolizza. **Dawn iż-żminijiet kienu ġew imħabbra, bħala l-aħħar parti tal-Pjan ta' Missieri biex igħaqqad lid-dinja u jeħlisha minn taħt il-qabda tal-ħażen, li ilu tant jgħallaqha.**

**L-iżjed sinjal importanti li ż-żmien huwa fil-qrib, ser ikun eżatt qabel it-Tieni Miġja Tiegħu, meta t-Tislib Tiegħu jerġa' jingħex kollu mill-ġdid.** Dawn sejrin ikunu s-sinjali. Hekk kif Huwa kien gie msawwat, hekk ukoll il-Ġisem Tiegħu – l-Knisja Tiegħu fuq l-Art – ser tkun, permezz tal-korruzzjoni u l-infestazzjoni. Imbagħad, bħalma x-xewk ġew impoġġija fuq Rasu, hekk ukoll jitpoġġew fuq ras il-mexxejja tal-Knisja Tiegħu. Idejn il-qaddejja mqaddsa Tiegħu jiġu msammrin, daqs li kieku mas-Salib, meta huma mhux ser ikunu jistgħu jintużaw iżjed fiż-żminijiet li ġejjin, bħala strumenti tas-Sagramenti Mqaddsa. Hekk kif l-imsiemer daħlu f'Riġlejn Ibni, hekk ukoll dawk il-qaddejja mqaddsa t'Alla m'humiex ser jitħallew imexxu l-erwieħ tul il-Mogħdija tal-Mulej. **It-Tislib tal-Knisja t'Ibni fuq l-Art, ser jissokta sakemm din tmut u f'dak il-jum, Ġisem Ibni, Ġesu' Kristu, ma jibqax preżenti fl-Ewkaristija Qaddisa.** Meta l-Knisja t'Ibni tinqered, imbagħad fuq liema mogħdija ser jimxu s-segwaċi Tiegħu? Għalhekk, jekk intom ma ssegwux il-Mogħdija t'Ibni, intom ma ssibux triqitkom lejn is-Saltna Tiegħu.

**Meta l-Knisja t'Ibni tkun ġiet maħtufa u l-għadu jkun fuq it-tronn, intom għandkom tibqgħu leali lejn Ibni.** Intom ma jirnexxielkomx tagħmlu dan jekk taċċettaw il-liġijiet tad-dinja sekulari, bħala sostitut għall-verita'.

**Il-Ktieb tal-Verita', flimkien mat-Talb tal-Kruċjata, jżommukom iffukati fuq Ibni.** Dawk li huma qaddejja mqaddsa leali Tiegħu, ser jibqgħu jitimgħukom l-Ikel tal-Ħajja, meta dan ma jkun jinsab imkien. Hemm, tkunu ġa tistgħu tgħoddu x-xhur, daqs li kieku kienu ġimgħat u l-ġimgħat daqs li kieku kienu ġranet, għax malli tinstema' t-trumbetta, Ġerusalem il-Ġdida sejra tqum mill-irmied u l-persekuzzjoni tkun spiċċat.

L-apokalissi sejra tkun kollha kemm hi dwar il-ħtif tal-Knisja t'Ibni fuq l-Art, mill-għedewwa. Din ser tkun dwar it-taqbida għall-erwieħ. **Il-Kastig ser ikun it-Twissija t'Alla lill-umanita' biex dawn jiftħu għajnejhom għall-Verita'.** L-Armata tal-Fdal sejra tgħin biex iżżomm il-fjamma tal-imħabba għal Ibni ħajja, u fl-istess ħin, tikseb tnaqqis mill-kastig, li kieku kien jiġi fuqhom, li kieku ma kienx għall-Ħniena t'Ibni.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

## Itolbu u taqilgħu, din li nagħmel Jiena mhix wegħda fiergħa.

Is-Sibt, 3 ta' Mejju, 2014 @ 15:50

Għażiża maħbuba binti, meta Jiena nitlob lin-nies biex jafdaw Fija, din hija ħaġa iebsa ħafna, għal ħafna nies. Ħafna jsibuha bi tqila biex jafdaw fl-Imħabba Tiegħi għall-umanita`, u joqogħdu fuq il-fidi tagħhom, biex ikunu jistgħu iħallu kollox f'Idejja. Ikun biss meta intom tħallu lilkom infuskom għal kollox f'Idejja, illi intom tħossukom sikuri, protetti u fil-paċi.

Imħabbti, meta intom tfittxuha, din tiksikom, meta intom tiftħu dirgħajkom u ssejħuli bħal tfal ċkejknin. It-tfal jafdaw għal kollox fil-ġenituri tagħhom meta jkunu żgħar. Huma jagħrfu biss id-differenza bejn dak li jinħass tajjeb u dak li jinħass ħażin u għalhekk joqogħdu għal kollox fuq l-adult biex jipproteġihom. It-tfal ma jaħsbuhiex darbtejn biex jiġru għal għand il-ġenituri tagħhom għall-faraġ u biex ifittxu l-kenn. Il-fidi tat-tfal hija qawwija. Huma ma jistaqsux, għax huma jemmnu verament, illi huma ser ikunu sikuri f'dirgħajn ġenitur li jħobbhom.

Jiena ta' min jafdanI, għax dak kollu li titolbuni jsir, jekk ikun għall-ġid ta' dik ir-ruħ. Itolbu u taqilgħu, din li nagħmel Jiena mhix wegħda fiergħa. Jiena ngħozz il-Att li bih inferrex ir-Rigali Tiegħi fuq kull wieħed minnkom. Meta titolbuni biex ngħinkom, Jiena nisma', nħoss u nwieġeb għax-xewqa tagħkom. Agħtuni ċ-ċans li nipprova Mħabbti għal kull wieħed minnkom. Ħalluni nagħtikom prova tal-Intervent Tiegħi. **Huwa f'dan iż-żmien tal-eżistenza, li Jiena, Ġesu' Kristu, ser nuri l-Preżenza Tiegħi, f'dak kollu li titolbuni. Huwa f'dan iż-żmien li Jiena ser inħallikom tħossu l-Preżenza Tiegħi, tkunu xhieda tal-Atti kbar tal-Interventi Tieghi, fil-ħajja ta' kuljum tagħkom u tifhmu l-qawwa tat-talb tagħkom.** Għax dawn huma l-jiem ta' mirakli kbar, li Jiena qed nagħti lill-umanita', iżjed minn f'kull żmien ieħor, minn meta kont ngħix fuq l-Art.

Meta intom tafdaw Lili għal kollox, Jiena nkun nista' nwettaq mirakli, biex inġibilkom mhux biss serħan mit-tbatija, iżda nqarrabkom iżjed lejn il-Qalb Qaddisa Tiegħi. Meta iben ikun jaf li l-ġenitur tiegħu jħobbu, huwa jħossu sikur għax jaf li huwa protett. **Kunu għafu li meta tafdaw Lili, Jiena nipproteġikom ilkoll u nfawwar lil ruħkom b'sens ta' paċi, li ma ssibu mkien fid-dinja.**

**Ejjew Għandi llum u sejħuli biex ngħinkom – hu x'inhu dak li qed jinkwetakom.** Għidu din it-Talba speċjali, kull darba li tkunu fl-inkwiet, u Jiena nwieġeb kull darba.

**Talba tal-Kruċjata (148) Ejja għinni:**

*O Ġesu' Tiegħi, għinni fiż-żmien tiegħi ta' nkwiet. Żommni f'Dirgħajk u ħudni fil-Kenn ta' Qalbek. Ixxotta d-dmugħ tiegħi. Ikkalmali fehemti. Neħħili d-dwejjaq u mlieni bil-Paċi Tiegħek. Nitolbok tagħtini din it-talba speċjali (semmiha hawn…) Ejja għinni, ħalli dak li nitlob jiġi mismugħ u ħajti tkun tista' timtela bil-paċi u f'għaqda Miegħek, Mulej għażiż. Jekk kemm-il darba, t-talba tiegħi ma tkunx tista' tinagħtali, imlieni bil-Grazzja biex naċċetta, li r-Rieda Qaddisa Tiegħek hija għall-ġid ta' ruħi u ħalli jiena nibqa' fidil lejn il-Kelma Tiegħek, għal dejjem, b'qalb tajba u grata. Ammen.*

**Dejjem sejħu Lili, kull meta tkunu mnikkta jew ikollkom bżonn l-għajnuna u Jiena nwegħdkom li intom tiġu mogħtija sinjal li Jiena weġibt għas-sejħa tagħkom Lili, s-Salvatur maħbub tagħkom.**

Ġesu' Tagħkom.

**Omm tas-Salvazzjoni: Alla qatt m'Hu sejjer jippermetti li Kelmtu titbiddel jew tiġi nterpretata ħażin, biex taqbel ma' dak li jrid il-bniedem.**

Il-Ħadd, 4 ta' Mejju, 2014 @ 16.23

Għeżież uliedi, **kull meta Alla bagħat il-profeti fid-dinja, huma kienu sempliċi messaġġiera.** Huma ġew mibgħuta biex ixandru l-Verita' – l-Kelma t'Alla.

**Tul is-sekli, ħafna minn ulied Alla nterpretaw ħażin ir-rwol tal-profeti.** Xi wħud bdew jagħmlu lill-profet idoli, minflok ma jaċċettaw il-Kelma t'Alla u jagħtu glorja lil Alla. **Huma ħolqu allat mill-profeti, u l-Messaġġi li ġew mogħtija lid-dinja – inklużi dawk t'Ibni, Ġesu' Kristu – saru anqas importanti mill-profeti li xandruhom.**

Uliedi, l-profeti t'Alla, l-anġli t'Alla, il-viżżjunarji u dawk li ħabbru l-futur, ma kienx jistħoqqilhom din l-idolatrija. Huma kienu kollha nies sempliċi bi ftit jew xejn għarfien ta' ħwejjeġ Divini, u kien propju għalhekk li ġew magħżulin. **Il-Messaġġi huma kulma huwa mportanti u l-messaġġiera huma biss dawk li jwasslu l-Kelma.** Il-Kelma t'Alla, mogħtija permezz tal-profeti, qatt ma tista' titwarrab fil-ġenb, filwaqt li l-profeta jitgħolla fuq pedestall li jkun ħoloq hu stess.

**Il-Kelma t'Alla qatt m'għandha tiġi njorata. Ix-Xbiha t'Alla qatt m'għandhom jeħdulha postHa xbihat tal-profeti Tiegħu jew tal-qaddisin, li kienu ffavoriti Minnu.** Intom tistgħu titolbu lill-qaddisin jew lill-profeti biex jintervjenu f'isimkom, iżda qatt m'għandkom timlewhom bit-tifħir, li għandkom iżżommu dan, għal Alla biss, l-Ħallieq ta' dak kollu li hu tas-Smewwiet. L-istess jgħodd għal-lum. L-ewwel intom għandkom tonoraw lil Alla u tagħtuH post qabel kollox. **Intom għandkom iżżommu mal-Kelma, li nagħtat fil-bidu u qatt ma titbegħdu minnHa, għax din la qatt tista', u lanqas sejra titbiddel.** Il-Kelma t'Alla hija finali.

It-Tagħlim t'Ibni kien gie mgħarraf lill-umanita' meta Huwa kien jgħix fuq l-Art. **Dan, kien jispjega l-Kelma f'iżjed dettall, iżda qatt ma tbiegħed mill-Verita'.** Illum il- bniedem għadu l-istess kif kien meta Ibni ġie l-ewwel darba. Il-bniedem għadu dgħajjef, jiġi miġbud 'l hawn jew 'l hemm faċilment u jibqa' midneb illum, kif kien dak in-nhar. **Jekk xi profeta jew bniedem, li jgħid li jitkellem f'Isem Alla, jgħidilkom li l-Kelma trid tiġi adattata biex taqbel għall-ħtiġijiet moderni tal-bniedem, hemm intom tridu toqogħdu għassa. Jekk jgħidulkom li l-Kelma tfisser xi ħaġa differenti għal kollox, taċċettawhiex.** Il-bniedem, inkluzi dawk li jaqdu lil Alla, m'ghandhomx l-awtorita' li jbagħbsu mal-Verita'.

Meta bniedem jgħid li huwa ġie spirat divinament u wara jibdel il-Kelma biex taqbel lid-dinja sekulari, intom m'għandkomx tafdawh. Alla qatt m' Huwa sejjer jippermetti li Kelmtu titbiddel jew tiġi nterpretata ħażin biex taqbel ma' dak li jrid il-bniedem. Ftakru, meta intom tagħmlu lil xi profeta idolu, u timlewh bit-tifħir, intom toffendu lil Alla. **Meta taċċettaw tibdil f'dak li jinsab ġewwa l-Bibbja l-Iżjed Qaddisa, li jmur kontra l-Kelma t'Alla, intom tinqatgħu mill-Verita'.** Meta taċċettaw

falsitajiet, li bihom taqdu lil Alla, kif tahsbuha intom, hemm tkunu qed tinfirdu minn Alla.

Ommkom il-maħbuba.

Omm tas-Salvazzjoni.

## Il-Ktieb tal-Verita' ser ikun dak kollu li huwa kontra tal-ktieb falz il-ġdid.

It-Tnejn, 5 ta' Mejju, 2014 @ 16.10

Għażiża maħbuba binti, **dawk kollha li jsegwu Leħni permezz ta' dawn il-Messaġġi, ser jibqgħu jinagħtaw barkiet kbar, għax huma sejrin jgħaddu minn provi li ma dehrux bħalhom minn dak li kienu jsofru l-Kristjani fiż-Żminijiet tan-Nofs.** Kull wieħed minnhom ser jiġi ttentat mill-wieħed il-ħażin, li juża erwieħ dgħajfa u kburin biex jattakka lil dawk li huma qrib Tiegħi. Ser isir kull attentat biex issir malfama kemm li tidher, kif ukoll li ma tidhirx, fuq din il-Ħidma Tiegħi.

**Filwaqt li tikber il-persekuzzjoni, kunu għafu illi l-qawwa ta' Satana ċkienet u kull ma ser jagħmel huwa li jkompli jwaddab il-ġebel, iferrex il-gideb u jipporva jiġbed l-erwieħ 'l boghod Minni.** Huwa sejjer jirnexxielu jieħu l-erwieh minn din il-Missjoni, permezz ta' mezzi varji. **Huwa ser juża l-vizzjunarji biex jattakka din il-Missjoni u din ser toħloq konfuzjoni kbira.**

Meta l-bniedem jissokta jaqa' u l-Kelma t'Alla ma tibqax tiġi aċċettata, sħiħa, mbagħad is-Sema' dejjem tintervjeni. **Afdawni kif qed ngħidilkom issa – din hija l-Missjoni Tiegħi u jekk xi ħadd jgħidilkom il-kuntrarju, hemm tkunu żguri li qed tiġu mmexxija ħażin. Il-Wegħda Tiegħi hi li nibqa' leali lejn ulied Alla sa l-aħħar u sakemm ruħ tirrifjuta għal kollox l-Id t'Alla.** Jiena ser nibqa' għaddej 'l quddiem u nipprovdilkom ir-Rigali li qed nagħti biex nipproteġikom mill-għedewwa, li qed jiġu quddiemkom bħala lupi mlibbsin ta' ngħaġ. Ir-Rigali Tiegħi ser ikunu dak kollu li huwa kuntrarju għal dak li d-dinja sejra tiġi mogħtija mill-għedewwa t' Alla. Il-Ktieb tal-Verita' ser ikun il-kuntrarju tal-ktieb falz il-ġdid – mimli duttrina żbaljata magħmula mill-bniedem, li sejra tiġġustifika d-dnub – li daqt jinagħta lid-dinja. **Is-Siġill t'Alla l-Ħaj ser jipproteġikom kontra l-marka tal-bestja u l-Midalja tas-Salvazzjoni kontra l-ereżija, li ser toħroġ minn fomm l-għedewwa Tiegħi, li sejrin jaħtfu l-Knisja Tiegħi fuq l-Art.**

Naturalment, din il-Missjoni, Satana ma jaħmilhiex u huwa sejjer juża' saħansitra erwieħ tajbin – li b'sens ta' lealta' żbaljata lejn il-qaddejja mqaddsa Tiegħi, li tilfu l-fidi u li ma jaqdunix verament, għax m'għadhomx jafu kif – ser isabbtu l-Kelma Qaddisa Tiegħi. Intom ma tridux tħallu lil min idawwarkom. Tkunux bħal dawk li ġew qabilkom – dawk li rrifjutawni meta kont ngħix fuq l-Art.

Jiena nagħtikom Kelmti, li l-provi kollha li tixtiequ, sejrin teħduhom – dalwaqt. Jiena nagħtikom il-Wegħda Tiegħi li Jiena ġej issa, biss biex inġibilkom is-Salvazzjoni, fi żmien meta qed isir kull attentat mill-għedewwa Tiegħi, biex jiċħdulkom id-dritt mogħti minn Alla għas-Salvazzjoni, bħala wlied t'Alla

Titilqunix, meta intom f'qalbkom tafu li Huwa Jiena, Ġesu' Kristu, li qed inkellimkom bħalissa. Tippruvawx teħduli l-erwieħ, jekk għandkom xi dubju dwar Min Jien. Tweġġħux lill-profeti t'Alla għax tbatu bi kbir. Titqabdux kontra l-Pjan ta' Missieri biex iħejji lid-dinja għat-Tieni Miġja Tiegħi għax taqgħu taħt ir-Rabja ta' Missieri. Kunu grati. **Kunu ġenerużi u aċċettaw dan ir-Rigal ta' Intervenzjoni, bl-imħabba u ferħ, għax dan huwa għall-ġid tagħkom u ta' kull ruħ li tgħix, għalhekk qed jiġi ppreżentat lid-dinja.**
Ġesu Tagħkom.

## Kemm bnedmin jġegħluhom jemmnu li għandhom jagħmlu l-ħażin, f'isem il-ġustizzja?

It-Tlieta, 6 ta' Mejju, 2014 @ 20.02

Għażiża maħbuba binti, r-raġuni għaliex Kelmti tiġi rrifjutata minn tant nies, hija li l-Verita' bħal xewka f' ġenb dawk li jsibuha mbarazzanti biex jiddikjaraw fil-miftuh it-Tagħlim Tiegħi.

Il-bniedem li jemmen li l-ħelsien tal-espressjoni huwa iżjed importanti milli żżomm mal-Kelma t'Alla, jkun qed jimxi fuq mogħdija perikoluża ħafna. Kull bniedem li jemmen li għandu dritt jiddikjara kollox kif jarah hu, bħala sagrosant, meta dan ikun jaċċetta d-dnub, jkun traditur Tiegħi.

Kemm nies jagħtuhom x'jemmnu fil-ħażen, f'isem il-ġustizzja? Dawn in-nies, li jiddettaw il-liġijiet tagħkom, inklużi dawk li jmexxu l-Knisja, jridukom temmnu li l-ħelsien tal-espressjoni jaqbeż kull Liġi t'Alla, saħansitra meta dan jigglorifika d-dnub.

Id-dnub għandu ħafna wċuh u fid-dinja tal-lum, kull dnub jiġi spjegat, billi jiġi ddikjarat li kull persuna għandha dritt li tagħmel dak kollu li tixtieq. Filwaqt li ħadd minnkom m'għandu d-dritt li jiġġudika lil ħadd, f'Ismi, ħadd minnkom m'għandu d-dritt jiddikjara li l-ħażen huwa ħaġa tajba.

Ġesu' Tagħkom.

**Ħafna minnkom illum lanqas biss għandkom ħjiel ta' xejn, xi tfisser li taqdi Lili bħala Kristjan.**

It-Tlieta, 6 ta' Mejju, 2014 @ 23.00

Għażiża maħbuba binti, **tħalli lill-ebda bniedem jaħseb għal mument wieħed, illi Alla sejjer iħalli lil uliedu jitilquH, mingħajr ma Huwa jagħmel dak kollu li huwa fil-Poter Tiegħu biex isalvhom.**

Intom ġejtu mogħtija ħafna Rigali, permezz tal-profeti, mill-bidu. Ħafna profeti rrepetew l-istess messaġġi għal kemm il-darba, u xorta waħda ħafna minnhom kienu jew injorati jew mwaqqgħin għar-redikolu. Ħafna kienu ppersegwitati u mogħtija l-mewt. **Il-Kelma ta' Alla għaliex tqajjem tant mibegħda? Mhix il-Kelma ta' Alla li ddejjaq lir-ruħ tad-dgħajjef jew dawk li tilfu l-Fidi. Le. Huwa kif Satana jwieġeb meta Alla jgħolli Idu biex iġib il-Kastig tal-wieħed il-ħazin, li huwa jattakka bil-kattiverja. Huwa jaf li l-Kelma ta' Alla, meta tiġi mogħtija lill-profeti, tinfirex malajr, bil-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu u meta jiġri dan, il-qawwa tal-wieħed il-ħażin tiddgħajjef u għalhekk l-attakk tiegħu jkun kiefer.**

Meta l-Ispirtu s-Santu jitferra' fuq ir-razza umana, b'dan il-mod, l-anġli l-ħżiena jqumu – bix-xabla lesti biex iferu lil kull segwaċi minn Tiegħi, b'kull mod li jistgħu. Intom tridu taċċettaw din il-mibegħda lejn il-Kelma Tiegħi u tgħarfuha għal dak li hi – attentat biex teħodkom 'l bogħod mill-Verita'. Kull appostlu minn Tiegħi, kull profeta u qaddej mqaddes, li jimxi mal-Verita' – l-Kelma Qaddisa ta' Alla, ser jiġi opponot bil-kbir mill-forzi tal-ħażen. Dejjem hekk ġara. Imma intom, xorta qatt m'għandkom tħallu l-mibegħda Lejja, l-maħbub Ġesu' tagħkom, twaqqalkom il-moral, għax huwa propju f'dan il-mument li Jiena nkun Preżenti verament f'ruħkom. Meta tbatu f'Ismi, Jiena ngħollikom fil-glorja flimkien Miegħi, fis-Saltna Tiegħi li ġejja. Ġibu t-tbatija fuq l-oħrajn, f'Ismi, ikun kemm ikun ġustifikat dan f'għajnejkom, u Jiena naqtakom Minni għall-eternita'.

It-Twissijiet Tiegħi mogħtija lilkom bħalissa, qegħdin biex ifakkruhom f'dak li Jiena għallimt, meta tant minnkom lanqas biss għandhom ħjiel ta' xejn ta' xi tfisser li taqdi Lili bħala Kristjan.

Ġesu' Tagħkom.

**Jiena nuża' erwieħ li jissagrifikaw lilhom infushom biex inġib oħrajn Lejja, li ma kinux jiġu salvati kieku ma kienx hekk.**

L-Erbgħa, 7 ta' Mejju, 2014 @ 23.43

Għażiża maħbuba binti, meta nsejjaħ erwieħ biex jimxu warajja, dan jirriżulta f'taħlita t'emozzjonijiet, jibdew milli tkun eżultanti għal niket u wġigħ. Għax, **meta nqajjem in-Nar ta' l-Ispirtu s-Santu ġewwa l-erwieħ, dan iġib Barkiet kbar, iżda dawn ikunu mnaqqxa b'sens ta' niket.**

**Meta nagħżel dawk l-erwieħ li jistħoqqilhom ir-Rigali Tiegħi, huma jesperjenzaw sens li huma Tiegħi, u jħossuhom bħal barranin fid-dinja li jgħixu. Huma jaraw lil ħuthom f'dawl ġdid. Huma jkunu iżjed sensitivi għall-ġmiel tal-Ħolqien ta' Alla, meta jħarsu f'wiċċ l-oħrajn, għax jaraw il-Preżenza ta' Alla.** L-ebda ruħ li huma jiltaqgħu magħha ma tonqos li tidher fiha l-Preżenza ta' Alla, tkun waqgħet kemm tkun waqgħet f'Għajnejn Alla. Huma jkunu mimlija b'kompassjoni tal-għaġeb, bħalma ġenitur biss jista' jħoss għal uliedu. Huma jħossu mħabba qawwija f'daqqa għal dik il-persuna, li tgħaġġibhom u taħsadhom. Iżda huma jkunu wkoll konxji tad-dlam, li jinħeba fl-erwieħ, li jkun lest biex jiblagħhom. L-erwieħ magħżulin jindunaw mall-ewwel, f'dak il-punt, x'inhu mistenni minnhom, għax hemm huma jiġru għal Għandi, jitolbuni nsalva dawn l-erwieħ, li jinsabu fil-periklu li jintefgħu fi stat ta' dlam, hekk jibdew jibżgħu għal dik ir-ruħ.

**Ruħ vittma, ruħ magħżula, tħalli dak kollu li huwa barra minn ħajjitha u meta tagħmel dan, din tagħti glorja kbira lil Alla.** It-tbatija li din ir-ruħ magħżula jkollha tgħaddi minnha, teħles erwieħ ohrajn mill-indannazzjoni eterna, u b'hekk, hija ssir mira l-aktar imfittxija ta' Satana u l-aġenti tiegħu. Dawn l-erwieħ jgħaddu mill-Passjoni Tiegħi, bħala Rigal minn Alla, għax ladarba jkunu magħżulin, ħafna minnhom ma jkunux jistgħu jagħtu daharhom lil Alla wara dan. Iżda hemm dawk li jiġu magħżula imma jirrifjutaw il-Kalċi Tiegħi. Intom għandkom titolbu għal dawn l-imsejkna erwieħ għan-nuqqas ta' kuraġġ tagħhom, biex jerfgħu s-Salib Tiegħi, li jwassalhom f'waħda minn żewġ direzzjonijiet. Huma jgħaddu minn tbatija ġewwa fihom, għax isibuha iebsa biex ikunu qrib Tiegħi. Imbagħad huma jistgħu jhedew f'dinja sekulari, biex jaħarbu mis-sejħa tagħhom u din ma ġġibilhom xejn – ħlief sens ta' tama' falza.

Meta ruħ li tħobb, titlob u tumilja ruħha quddiemi, din tberred ir-Rabja ta' Missieri. Dan itaffi l-impatt tal-Kastigi ta' Missieri, fuq id-dinja. **Jekk ruħ magħżula, li tkun ippersegwitata għax tħobb Lili, u li ma tkunx tiflaħ aktar, meta din tgħid Lili: "Ħu t-tbatija tiegħi u agħmel biha dak li trid Int." hemm Jiena nferra' fuqha Grazzji straordinarji.** Ir-ruħ ssir il-ħażen ma jaghmlilha xejn u mbagħad issir ma tibżax. Minħabba li tkun tafda Fija għal kollox, din titgħolla għall-perfezzjoni tar-ruħ u ssib il-paċi u l-kalma. **Ikun meħtieg ħafna sagrifiċju, iżda meta dawn l-erwieħ iħallu kollox f'Idejja, f'ubbidjenza sħiħa, u ma jkollhomx x'jaqsmu mal-għadu tal-Kelma Tiegħi, din twassal għas-salvazzjoni ta' ħafna erwieħ.**

Jiena nuza' erwieħ li jissagrifikaw lilhom infushom biex inġib oħrajn Lejja, li ma kinux jiġu salvati kieku ma kienx hekk. Huwa permezz ta' dan il-mod biss, illi dawn l-erwieħ vittma jistgħu jpattu għal miljuni t'erwieħ, li qatgħu l-kurdun minn Miegħi.

Qatt tibżgħu wisq għall-erwieħ li jinsabu fid-dlam, f'dan iż-żmien, għax il-vittmi magħżula Tiegħi fid-dinja, huma numru kbir bħalissa. Is-serenita' tagħhom iġġib l-erwieħ mitlufin lura fil-Kenn Tiegħi.

Ġesu' Tagħkom.

M'hemmx għalfejn toqogħdu titħassbu, għax Alla jħobbkom ilkoll.

Il-Ħamis, 8 ta' Mejju, 23.30

Għażiża maħbuba binti, ħares madwarek u tara ħafna nies jgħixu ħajja bla ebda tħassib. Inti tara d-daħq, ferħ u ħbiberija kbira u hemm tara li dan jista' jkun ġej biss minn Alla. **Ħafna nies, ladarba jkunu jafu l-Verita', sejrin jgħannqu Lili b'qalb miftuħa u grata, u nsiru ħaġa waħda.**

**Il-Pjan Tiegħi huwa li niġbor lil kulħadd u nfawwarhom bl-imħabba, l-hena u l-ferħ. Jiena sejjer nitgħaxxaq fis-Saltna Tiegħi fejn ser ikun hemm ħafna daħq, hena u sbuħija, kif ukoll Ħajja Eterna.** L-imħabba sejra toħroġ minn kull maħluq; minn kull ruħ u l-ħajja tkun perfetta.

**Meta tinkwetaw dwar il-futur tad-dinja, ftakru f'dak li għidtilkom. Kollox ser ikun sew, ladarba niġi biex niġborkom għal ġewwa d-dinja l-ġdida, mingħajr tmiem.** M'hemmx għalfejn toqogħdu titħassbu, għax Alla jħobbkom ilkoll. Dawk l-erwieħ li jgħixu ħajja bin-nieqes u ta' niket, dawn ser ikunu l-ewwel li jinġabru, jekk jaċċettaw Min Jien. Dawk li jinsabu fi dlam kbir ser jinagħtaw Grazzji straordinarji sabiex inaddfu ruħhom, ħalli nkun nista' nċedi l-qabda li għandu fuqhom il-wieħed il-ħażin, u neħodhom fil-kenn tal-Ħniena Tiegħi. **Din hija battalja, u sejra tkun mitqabda bl-aħrax, iżda l-Qawwa tat-Trinita' Qaddisa sejra taħdem u l-erwieħ jifthu moħħhom u ma jintilfux.**

**Jiena sejjer nagħmel minn fostkom mexxejja mportanti u b'armata f'kull nazzjon, intom sejrin tikbru u tkaxkru magħkom lil ħafna minn ulied Alla, lejn il-Ġenna l-Ġdida.** Ħarsu Lejja bil-fiduċja u tibżgħux mill-ImħabbaTiegħi, għax intom tafu li Jiena qatt ma nwerwirkom għax irrid, għax meta ser inħallikom tgħarfu l-Preżenza Tiegħi, din sejra timliekom b'għaġeb kbir u ferħ. **Jiena naċċertakom li m'hemm xejn minn xhiex tibżgħu, għax Jiena l-Imħabba nfisha.** L-Imħabba tħanninkom u meta tiġu wiċċkom Miegħi, Ġesu' tagħkom, intom sejrin tħossukom li ġa tafuni, din tkun preżenti biss meta qalbkom tkun marbuta ma' dik Tiegħi.

Kemm inħobbkom ilkoll u kemm nixxennaq għal ruħkom!

Ġesu' Tagħkom.

## Alla l-Missier:  Ir-Rieda Divina Tiegħi qatt m'għandha tiġi opponuta.

Il-Ġimgħa, 9 ta' Mejju, 2014 @ 17.00

Binti l-iżjed għażiża, d-dinja kienet maħluqa Minni, għax hekk kienet ir-Rieda Tiegħi. Ir-Rieda Tiegħi eżistiet minn dejjem u sejra tibqa' għal dejjem. **Ir-Rieda Tiegħi sejra sseħħ, bir-rieda jew mingħajrha, tal-umanita'.** Ir-rieda ħielsa mogħtija lill-bniedem, minn Idi, ġiet abbużata u din spiċċat fis-separazzjoni bejn il-bniedem u Jien, l-Missier Etern. **Sakemm il-bniedem jibqa' jkollu r-rigal tar-rieda ħielsa, dan ikun ifisser li dawk biss li jagħżlu li jiġu Għandi, permezz ta' Ibni, Ġesu' Kristu, jistgħu jsiru parti Minni – sħaħ mill-ġdid.**

Meta l-bniedem jopponi r-Rieda Tiegħi, tinħoloq taqbida iebsa, għax ir-Rieda Tiegħi biss, tista' tkun fuq kollox. **Ir-Rieda Divina Tiegħi tmexxi dak kollu li Jiena nħalli jseħħ, dak kollu li nippermetti, Jiena dejjem naċċetta r-rieda ħielsa li kont tajt lill-bniedem, għax Jiena qatt ma nieħu lura dak li nagħti.** Xi drabi, l-bniedem bir-rieda ħielsa tiegħu, jġib uġigħ kbir fid-dinja u minħabba r-regħba u l-egoiżmu tiegħu, huwa joffendi Lili bil-kbir. U xorta waħda Jiena ma nindaħalx mar-rieda tal-bniedem, għax huwa biss jista' jiddeciedi jekk iridx jagħmel dak li r-Rieda Tiegħi tixtieq. U, għalkemm Jiena mhux ser nipprova nieħu lura r-rieda ħielsa, l-għażla ħielsa ma tfissirx li l-bniedem jista' jiddettata Lili r-rieda tiegħu, fuq dik Tiegħi.

Ir-Rieda Divina Tiegħi qatt m'għandha tiġi opponuta, għax il-bniedem qatt ma jista' jogħla 'l fuq mir-Rieda Tiegħi. Meta jagħmel dan, huwa jsibha mpossibbli li jopponi Lili, mingħajr ma jbati l-konsegwenzi. **Jiena biss, niddeċiedi xi jsir mill-ħajja u l-mewt, għax dan huwa għalija biss biex niddeċidih.** Meta nieħu deċiżżjoni li nwettaq il-Pjanijiet Tiegħi biex nipproteġi lil uliedi, l-ebda bniedem m'għandu l-poter li jibdel dan. **Jekk kemm-il darba l-bniedem jippova jindaħal mar-Rigali li nagħti lid-dinja, li jinkludu l-ħajja fil-forom kollha tagħha, hemm huwa, mhux talli jfallilu, iżda jsofri ta' dan.**

Ħalli l-ebda bniedem ma jwaqqaf Lili fil-Pjan Tiegħi biex inwettaq il-Patt Qaddis Tiegħi.

Ħalli l-ebda bniedem ma jidgħi kontra Tiegħi jew joqgħodli fin-nofs, tar-Rieda Tiegħi, għax jitneħħa għal kollox.

**Ħalli l-ebda bniedem ma jipprova jwaqqaf Lili milli nagħti l-Ħajja Eterna lill-erwieħ, għax ħajtu stess titwaqqaf.** Meta tippruvaw topponu Lili, qatt ma jirnexxielkom. Meta l-bniedem jissokta jiċħad Kelmti u jitqabad mad-Divinita' Tiegħi, taħwid biss ikun ir-rizultat, straġijiet, telfien ta' ħajjiet u kastigi kbar. Dan huwa għaliex, meta ruħ tiġi mitluba biex tobdi Lili jew l-istruzzjonijiet Tiegħi, li permezz tar-rieda ħielsa tkun aċċettat dawn it-talbiet, din issibha mpossibbli li topponi Lili.

Inti binti, ppruvajt titqabad mar-Rieda Tiegħi – għalkemm kont ġa ċedejt kollox Lili. S'issa taf li dan ma jiswa għal xejn, għax huwa dak biss li niddetta Jiena, bil-mod Tiegħi, li jista' jseħħ.

Uliedi – Jiena Missierkom.  Jiena l-Ħallieq tagħkom.  **Jiena biss naf x'hemm fil-futur tagħkom, u nfarraġkom billi ngħidilkom li l-Pjanijiet Tiegħi huma lesti. Ikun biss meta r-rieda tagħkom tingħaqad ma' dik Tiegħi, li s-Saltna Tiegħi tista' sseħħ għal kollox u fl-aħħar tkun lesta.**  Hemm biss, il-konflitt bejn il-bniedem u Jiena, l-Missier Etern tagħkom, jintemm.  Il-Paċi mbagħad tirrenja fid-dinja l-ġdida li ġejja – dinja hekk perfetta, li ma tispiċċa qatt.

Missierkom.

Alla l-Iżjed Għoli.

## [Ġewwa l-Knisja Tiegħi, Jiena sejjer inqajjem bniedem li ser jieqaf u jxandar l-Verita’]

Is-Sibt, 10 ta’ Mejju, 2014 @ 17.30

Għażiża maħbuba binti, mhux għalik li tifhem bħalissa, iżda kun għaf li ġewwa l-Knisja Tiegħi, Jiena sejjer inqajjem bniedem li ser jieqaf u jxandar l-Verita’. **Huwa sejjer jagħmel dan fi żmien meta l-ebda Kardinal, Isqof, saċerdot jew qaddej mqaddes ieħor minn Tiegħi, m’hu ser ikollu l-kuraġġ li jagħmel dan.** Meta d-duttrina l-ġdida tibla’ l-Knisja, ħafna, ġewwa fiha, ser ikunu jafu fil-qalb tagħhom kemm din hija żbaljata. Huma sejrin jitwerwru, iżda jkunu mbeżża’ wisq biex jgħollu leħenhom. Dawn tant ser ikunu ftit fin-numru, ħdejn dawk li l-fidi tagħhom hija wisq dgħajfa, illi huma jaċċettaw malajr kull ereżija li tiġi ppreżentata lil ulied Alla, fl-Isem Qaddis Tiegħi.

**Il-bniedem li ser inqajjem huwa ruħ qalbiena u ħafna ser jistrieħu meta huwa jiftaħ fommu.** Meta jagħmel dan, ħafna oħrajn iqumu u jiftħu fommhom, b’hekk isalvaw ħafna erwieħ. **Meta nqajjem lilu, Għandi pjanijiet oħra li bihom inġib it-twemminijiet flimkien, dawk li ma jaċċettawx Lili, Ġesu’ Kristu, li Jiena l-Iben ta’ Alla.** Dawn il-Pjanijiet Divini, kollha kienu ġew imħabbra u miljuni fuq miljuni ta’ nies minn madwar id-dinja, hemm, sejrin jirrealiżżaw il-Verita’. Huma jikbru u jkunu mberkin Minni, ħalli jiġbru t-twemminijiet kollha flimkien, biex jiżguraw li l-Kelma ta’ Alla l-Vera, tkun imxandra. Il-Fidi tinxtered, ħalli l-Kelma Tiegħi, kif tinsab fl-Evanġelji Mqaddsa, tkun ippriedkata mill-irġiel, nisa u wliedhom is-subien u l-bniet, fl-erba’ trufijiet tad-dinja. Huma jipprofetiżżaw billi juru lid-dinja dawn il-Messaġġi Divini u l-Preżenza Tiegħi tiksihom biex tagħtihom is-saħħa u l-kuraġġ li jeħtieġu.

**Din il-ġenerazzjoni Tiegħi sejra tkun hekk qawwija, fit-tixrid tal-Verita’, illi ħafna minn dawk li ġew sgwidati u li tmexxew fuq mogħdija żbaljata, jduru u jiġu jiġru Għandi. Huma sejrin jinfirxu hekk malajr, illi għal kull ereżija li twettqet kontra Tiegħi, miljuni t’erwieħ jikkonvertu.** Jiena l-ewwel sejjer niġbed lil dawk li qatt ma emmnu f’xejn, għax huma ma ġewx mogħtija l-Verita’, u hemm id-dinja ma jkollha l-ebda dubju ta’ kemm ser ikun qawwi l-Intervent Tiegħi. Imbagħad niġbor ir-reliġjonijiet l-oħra flimkien, u jiġu murija biċ-ċar, illi hemm biss triq waħda għal għand il-Missier u dik tista’ tkun biss permezz Tiegħi. Għalkemm sejjer niġbed miljuni t’erwieħ Lejja, u lejn il-Verita’ ta’ Min Jien, miljuni t’erwieħ oħra, sejrin jinġibdu lejn ir-reliġjon magħmula mill-bniedem, iddisinjata u maħluqa mill-ispirtu tal-ħażen.

Il-pjan il-kbir tal-wieħed il-ħażin, huwa elaborat daqs kemm huwa sempliċi u dan għax huwa qiegħed biss biex jindanna erwieħ kemm jiflaħ, billi jeqred it-twemmin tagħhom Fija, Ġesu’ Kristu. Huma jagħmlu dan billi jiċħdu l-Verita’. **Filwaqt li r-reliġjon il-ġdida sejra tibla’ l-erwieħ permezz tal-gideb, Jiena sejjer nirbaħ lura daqshom għal tlett darbiet, billi niżgura li ulied Alla ma jinsewx il-Verita’.**

Ġesu’ Tagħkom.

**Jiena ma nfittixx lill-ħżiena biex neqridhom faċilment. L-unika xewqa Tiegħi hi li nsalvhom ilkoll.**

Il-Ħadd, 11 ta' Mejju, 2014 @ 18.00

Għażiża maħbuba binti, l-akbar xewqa Tiegħi hija li nġib l-imħabba, l-paċi u l-kuntentizza lill-ulied kollha ta' Alla. Jiena qatt ma nixtieq t-tpattija, jkunu kemm ikunu ħżiena l-għemejjel tal-bniedem. Lanqas ma nfittex li numilja lil ħadd, għalkemm dawn jumiljaw lill-oħrajn f'Ismi. Jiena qatt ma nfittex li nħassar ir-reputazzjoni ta' bniedem, meta huwa jkun il-ħtija ta' tant qerda fid-dinja. Jiena ma nfittixx lill-ħżiena biex neqridhom faċilment. L-unika xewqa Tiegħi hi li nsalvhom ilkoll. Jiena ngħożż l-erwieħ ta' kull wieħed minn ulied Alla. Jiena nfittixhom il-ħin kollu. Nipprova niġbidhom Lejja. Saħansitra dawk li ma jaċċettawx l-eżistenza Tiegħi, Jiena nfittixhom kuljum. Jiena nħallihom iħossu l-Preżenza Tiegħi f'ħajjithom billi nimla lil ruħhom bl-imħabba għall-oħrajn, billi naħdem fuq it-tajjeb li hemm ġewwa fihom, ħalli nikkumbatti l-ħsibijiet ħżiena, għemil u atti.

Xi erwieħ, huwa fin-natural tagħhom li jilqgħu Lili u Jiena nitgħaxxaq bil-mod ġeneruż li bih iwieġbu u bil-qlub twajba tagħhom. Għal oħrajn hemm barrikata bejnhom u Bejni, li Jiena nsibha iebsa biex immissilhom ruħhom. Iżda Jiena nibqa' nipprova li nilħaq lil dik ir-ruħ b'hafna modi differneti, sakemm niftaħ qalbhom għall-Qawwa tal-Imħabba ta' Alla.

**L-Imħabba hija dik il-forza li tmexxi biex iseħħu ħwejjeġ tajbin. L-imħabba hija preżenti f'kull wild ta' Alla, mill-mument li huma jitwieldu. Ir-Rigal tal-imħabba ta' Alla, jgħin lill-umanita' biex tirbaħ lill-wieħed il-ħażin.** Meta Alla jinterċedi u jkattar l-imħabba ġewwa ruħ, huwa jagħmel dan biex jiddefendi lil uliedu mill-ħażen tax-xitan. L-imħabba hija aqwa mill-mibegħda, iżda l-mibegħda hija paċenzjuża. Satana, mimli bil-mibegħda għall-umanita', m'għandu mħabba tal-ebda tip, ħlief dik għalih innifsu. Huwa jinfesta l-umanita' billi jiżra' l-mibegħda ġewwa l-erwieħ li jkunu ddgħajfu minħabba d-dnub. **Il-mibegħda issib kenn fl-erwieħ ta' dawk li jgħiru, li huma mimlijin kburija, waħedhom u li huma mħawdin. Satana qatt ma jittanta ruħ għall-mibegħda, billi jippreżentha lir-ruħ għal dak li hi. Minflok, huwa jittanta lir-ruħ permezz tad-dnub tal-kburija, dejjem, bħala l-ewwel tattika tiegħu. Ir-ruħ tibda temmen li hija għandha tħossha offiża għax il-bżonn tagħha hekk jitlob, għax hi taf x'inhu l-aħjar u hija taħseb li qed tagħmel ħaġa sew.**

L-Imħabba ta' Alla qegħda tinfirex fost ulied Alla bħalissa. Huwa qed jagħmel dan mill-Ħniena Tiegħu. Huwa ser ikabbar l-imħabba fil-qlub tal-bniedem sabiex jitqabad kontra l-mibegħda li dalwaqt tintensifika fid-dinja, meta qalb il-bniedem issir kiesħa daqs il-blat.

Jiena nitlobkom biex tgħidu din it-Talba tal-Kruċjata biex tfittxu l-Imħabba ta' Alla f'dan iż-żmien.

**Talba tal-Kruċjata (149) Sabiex infittxu l-Imħabba ta' Alla.**

*O, Ġesu', imlieni bl-Imħabba ta' Alla. Imlieni bid-Dawl Divin Tiegħek u fawwarni bl-imħabba li neħtieg biex inxerred iż-żerriegħa tal-Ħniena ta' Alla fost in-nazzjonijiet.*

*Agħti li jiena nxerred l-Imħabba Divina Tiegħek fost dawk kollha li jiena niltaqa' magħhom. Ferrex Imħabbtek, ħalli tieqaf fuq l-erwieħ kollha, l-fidijiet kollha u t-twemmijiet kollha, n-nazzjonijiet kollha – bħal raxx tal-ilma biex tferraħ l-ulied kollha ta' Alla flimkien.*

*Għin lilna biex inxerrdu l-Imħabba ta' Alla, ħalli din tkun tista' u hekk sejra tirbaħ il-ħażen kollu li hawn fid-dinja. Ammen.*

Dejjem araw l-imħabba daqs il-Preżenza ta' Alla. Kunu għafu li l-imħabba biss tista' ġġibli l-erwieħ. Kunu għafu li l-imħabba biss tista' tkun ġejja minn Alla. L-imħabba biss għandha l-qawwa li ġġib il-paċi, kuntentezza u għaqda fost in-nazzjonijiet. **Il-mibegħda ġejja minn Satana u kull meta tarawha, intom għandkom tgħidu t-Talba t'hawn fuq biex tfittxu l-Imħabba ta' Alla. Ftakru li l-imħabba toħroġ rebbieħa fuq kollox, għax hija ġejja minn Alla.**

Ġesu' Tagħkom.

[Is-sema jiddallam għal tlett ijiem, eżatt qabel ma niġi lura](#).

It-Tlieta, 13 ta' Mejju, 2014 @ 08.50

Għażiża maħbuba binti, **hija l-akbar hena Tiegħi li nara s-segwaċi Tiegħi, li wieġbu għas-Sejħa Tiegħi, jitolbu t-Talb tal-Kruċjata, li permezz tal-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, sejjer isalva biljuni t'erwieħ.**

**Jiena sejjer nuża' t-Talb tal-Kruċjata biex innaddaf ruħ l-umanita', fl-istess ħin li nkun qed inġedded wiċċ l-Art.** It-tiġdid il-kbir ser ikun lest, fl-istess ħin, ħalli d-dinja tkun mħejjija kif jixraq biex tirċievi Lili, Ġesu' Kristu, bħala s-Salvatur li rega' ġie.

Eżatt bħal nazzjonijiet li jilqgħu persuni rjali, tkun meħtieġa ħafna tħejjija qabel ma r-re jpoġġi riġlejh fuq arthom. Intom qatt m'intom sejrin tħallu, re li jiġi jżurkom, jasal meta kollox ikun imħarbat, kollox qed jitnawwar, jew fejn it-toroq ikunu mimlija ħmieġ. Ir-rappreżentanti ta' dawn il-pajjiżi għalhekk jiżguraw li huma libsin u mħejjija kif jixraq biex jiltaqgħu mad-dinjitarji li sejrin iżuruhom. Huma jkunu għamlu minn kollox biex iħejju merħba kbira u jkunu għażlu rappreżentanti, li huma jaraw xierqa, biex jilqgħu lir-re li jkun ġej iżurhom. Fl-aħħar, huma jħejju ċeremonja kbira biex jiċċelebraw il-wasla tar-re u fil-jum il-kbir, huma joqgħodu tul it-toroq u jkantaw tifħir kbir. Huma jagħtu unuri lir-re li jiġi jżurhom u lil dawk li jkollu miegħu. Hekk irid ikun fil-Jum il-Kbir tal-Mulej, meta Jiena, Ġesu' Kristu, niġi biex niġġudika.

**Jiena nasal ħabta u sabta, mad-daqq tat-trombi u l-ħoss ħlejju tal-Kori tal-Anġli.** Is-sema jiddallam għal tlett ijiem, eżatt qabel ma niġi lura. **Imbagħad jinxtegħel b'ħafna kuluri, li l-bniedem qatt ma ra qabel. Jiena nkun nidher għal kull raġel, mara u tfal ta' kull eta', u kulħadd jinħasad, iżda jkun hemm eċitament kbir.** In-nies mhux ser jemmnu lil għajnejhom u ħafna sejrin jimmutaw – oħrajn ser jibku dmugħ ta' serhan u ferħ. Ħafna mhux sejrin ikunu mħejjija u ser isibu din il-ġrajja tant tal-għaġeb, illi huma għad jibku dmugħ ta' niket, għax huma jkunu jafu ġewwa qalbhom, li kienu rrifjutaw il-Messija l-Veru u kemm ma ħaqqhomx jidħlu fis-Saltna Tiegħi. Imma, issa Jiena ngħid lil dawn in-nies. **F'dak il-jum, intom għandkom issejħu Lili u titolbuni naħfrilkom. Imbagħad intom ukoll tinġabru fis-Saltna l-Ġdida Tiegħi.**

Bħal kull re ieħor li jiġi jżurkom, Jiena nitlob lil dawk fostkom li jħobbu Lili, biex iħejju għal dan il-Jum Kbir. Afdaw Fija, ħejju ruħkom, itolbu għas-salvazzjoni tal-erwieħ kollha u ejjew libsin u lesti, tistennew – bħal għarusa li tistenna l-għarus. **F'dak il-Jum, intom, ulied Alla, tingħaqdu Miegħi bħala ħaġa waħda f'Unjoni Qaddisa ma' Missieri għall-bidu tad-dinja l-ġdida u l-Era Glorjuża li ilha mwegħda mill-bidu nett.**

Kunu fil-paċi. Ħejju bl-imħabba u s-sempliċita' tal-qalb, għal dan il-Jum Kbir. Tibżgħux minnu. IlqgħuH. Saħansitra jekk tinsabu fi dlam kbir, Jiena neħodkom fid-

Dawl Tiegħi. Kullma għandkom tagħmlu huwa li terfgħu dirgħajkom Lejja u Jiena nħaddankom bħala Tiegħi.

Ġesu’ Tagħkom.

**Imħabbti, l-Ħniena Tiegħi u l-Kompassjoni Tiegħi ser ikunu l-Grazzja li ssalvakom.**

L-Erbgħa, 14 ta' Mejju, 2014 @ 23.30

Għażiża maħbuba binti, **l-Grazzji li Jiena qed nagħti lid-dinja, sejrin jibdlu lil dawk li ma jemmnux, f'segwaċi devoti Tiegħi.** Huma ser jiġu kkonvertiti mall-ewwel u jinxteħtu mal-art Quddiemi bħala qaddejja għall-imħabba.

**Dawk li ttradewni, matul ħajjithom u li mbuttawni 'l hemm, ser jiġu jittalbu Lili biex naċċetthom bħala Tiegħi.** Dawk li jikkonfoffaw kontra l-Kelma Tiegħi, sejrin ikunu l-iżjed iebsa biex insalvhom. Għax huma l-iżjed li jafu dwar it-tifsira tal-Kelma Tiegħi u xorta waħda, bl-għarfien kollu tagħhom, jippruvaw jerġgħu jiktbuHa biex tiġi taqbel ma' kif jaraw lilhom infushom b'mod arroganti. Bl-għarfien kollu tagħhom, huma ma jarawx il-Verita', għax ma jaċċettawx li jarawha. Huma mhux sejrin ixandru l-Verita' assoluta u minflok, huma ser jirranġawha biex iqarrqu bl-oħrajn.

**Xi nies daru kontra Tiegħi, għax jemmnu li meta huma ġew imsejħa biex jaqdu Lili, dan ġabilhom miegħu dawlien il-moħħ. Huma jaħsbu li għandhom l-awtorita' , mogħtija lilhom permezz tal-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, biex jaddattaw it-Tagħlim Tiegħi, ħalli huma ma joffendux lis-soċjeta' moderna.** Il-kburija, sejra tkun il-waqgħa tagħhom u l-waqgħa tagħhom mill-Grazzja sejrin jarawha l-ħafna, li ser iħossuhom li daħqu bihom għax mexxewhom fl-iżball. Oħrajn fosthom jafu eżatt x'inhuma jagħmlu, għax huma mhux Lili jaqdu – huwa l-wieħed il-ħażin. Huma jimxu fostkom bil-ħsieb li jeqirdu l-Kelma Vera ta' Alla. Huma m'humiex ser jindmu, u lanqas m'huma ser jaċċettaw Idi, għax huma jemmnu l-gideb tal-bestja, li wiegħed lill-għedewwa Tiegħi, għal sekli sħaħ, il-ġenna li ġejja. U huma għażlu li jemmnu f'dan il-qerq kbir minħabba r-regħba u l-ambizzjoni tagħhom. Sakemm jindunaw bil-Verita', huma jkunu ntefgħu fl-abbiss. Dawn huma biss ftit mill-imsejkna u dawk immexxija ħażin, li ser ikunu ċaħdu l-eżistenza tax-xitan, għal dak li hu, u tal-ħofra bla qiegħ, fejn hu ser jgħix għall-eternita'.

**Jiena nwissi lill-ulied kollha ta' Alla li meta jimxu mal-ħwejjeġ l-ħżiena, meta jirrifjutaw il-Kelma ta' Alla u jagħmlu d-dnubiet il-mejta, dan iwassal għall-kastig.** Kull min jgħidilkom il-kontra jmexxikom ħażin. Xorta waħda, Jiena ser insalva lil min jindem sa l-aħħar sekonda, daqshekk Jiena nixxennaq biex insalva lil kull wieħed minnkom.

Imħabbti, l-Ħniena Tiegħi u l-Kompassjoni Tiegħi ser ikunu l-Grazzja li ssalvakom. Jiena ma nixtieqx inbeżżakom, imma rrid ngħidilkom il-Verita'. **Meta tiġu Għandi – jkun xi jkun it-twemmin tagħkom, fl-aħħar nett – Jiena ser niġborkom bħala Tiegħi. Qatt tinsew din il-Wegħda.** Jiena nwegħdkom li sejjer nidħol għalikom fil-fond tad-disperazzjoni tagħkom.

Ġesu' Tagħkom.

**Jiena nkun Preżenti fil-persuna li tħobb lil kulħadd, hi x'inhi r-razza, t-twemmin, s-sesswalita' u l-kulur**.

Il-Ġimgħa, 16 ta' Mejju, 2014 @ 16.05

Għażiża maħbuba binti, **Jiena nitlob lilkom ilkoll li tħobbu Lili biex tikkonsagraw lill-Qalb Tiegħi, l-erwieħ ta' dawk li jirrifjutaw il-Ħniena Tiegħi.** Jiena nitlobkom biex iġġibuli lil dawk li ma jemmnux u mhux ser jaċċettaw l-Eżistenza Tiegħi u lil dawk li lanqas li kieku nieqaf **quddiemhom bħala persuna ma jemmnu, għax huma xorta jirrifjutawni.** Dawn l-erwieħ iebsa jitfarrġu f'forom oħra ta' spiritwalita', għax huma jirrifjutaw li jaċċettaw Lili. Li kieku jaċċettaw il-Verita', huma jsibu paċi kbira ġewwa fihom, li l-ebda forma oħra ta' tbagħbis spiritwali ma tagħti. Dawk li ma jemmnux Fija, jew Fih li bagħatni, qatt m'huma sejrin jimlew ruħom bil-paċi.

**Jiena biss, Ġesu' Kristu, nista' nġibilkom il-paċi vera f'ruħkom, għax Jiena ġejt mibgħut Minnu li ħalaq lilkom, biex neħodkom Għandu. Permezz Tiegħi, intom issibu lil Missieri. U meta l-Missier jingħaqad mal-ulied li Huwa ħoloq, tirrenja l-paċi.** Mingħajr il-paċi ta' Alla, ma jistax ikun hemm armonija fid-dinja. Fejn m'hemmx paċi, intom tindunaw li din tkun ikkawżata min-nuqqas ta' servitu' umli lejn Alla.

Dawk li jafu l-Kelma l-Iżjed Qaddisa Tiegħi, qatt m'għandhom jinsew li dak kollu li jafu dwari, qatt ma jista' jintuża kontra Tiegħi. B'dan irrid infisser li intom tridu tafdaw Lili għal Dak li Jiena. Aċċettawni b'qalb umli. Qatt tħallu l-arroganza titfa' dell fuq ir-rabta tagħkom Miegħi. Min huwa ta' qalb ħelwa w umli, jħobb Lili. **Jiena nkun Preżenti fil-persuna li tħobb lil kulħadd,** hi x'inhi r-razza, t-twemmin, s-sesswalita' u l-kulur. **Jiena ninsab f'dawk kollha li jgħixu ħajjithom kif għallimthom. Jiena Preżenti wkoll f'dawk li ma jafunix, iżda jagħmlu bħali.**

**Meta kont ngħix fuq l-Art, Jiena qatt ma ftaħart bil-Għarfien Tiegħi – kont sempliċement nagħti l-Verita'. Qatt ma tfajt malfama, ippersegwitajt jew ċanfart lil dawk li ma ridux jimxu warajja. Qatt m'għidt xejn ħażin dwar ħadd. Jiena kont naċċetta lill-ulied Alla u kull ħsara li huma kienu jagħmlu Lili.** Jiena qatt ma għidt li ser nissagrifika l-Ħajja Tiegħi għal ftit magħżulin. Le, Jiena tajt Lili nnifsi għal kulħadd u speċjalment għall-midinbin ħorox. **Jiena qatt m'għażilt bniedem minn ieħor. Jiena qatt ma faħħart kemm flaħt lil wieħed u maqdart lill-ieħor, għax dan ma setax ikun.**

Jiena fittixt li nxerred il-Verita' bit-tama li Kelmti tinstema'. Jiena ġibt il-paċi lil ħafna erwieħ imħawda li kellhom l-umilta' jisimgħu Lili. Jiena kont sogħod imma ġust ma' dawk kollha li ttormentawni minħabba l-mibegħda u l-ilsien ħażin tagħhom. Jiena keċċejt ix-xjaten minn erwieħ li qamu kontra Tiegħi u tajt Rigali kbar lil dawk li kienu jsofru ħafna. Jiena kont ninjora t-tentazzjonijiet ta' dawk li kienu jissejħu nies qaddisa ta' dak iż-żmien, li kienu jħobbu biss lilhom infushom. Alla qatt ma kien priorita' f'ħajjithom, tant kemm kienu beżlin jagħtu każ ta' dak li kienu jeħtieġu huma stess. Iżda l-erwieħ li Jiena fittixt kienu dawk li ma kinux jemmnu f'Alla. Huma resqu Lejja u ma kinux jifhmu għaliex kienu jinġibdu Lejja. Huma ġew Għandi bir-rieda ħielsa tagħhom, imma ħafna ġabuhomli Għandi l-erwieħ li kienu jafu Min kont

u Min bagħatni.  Minħabba dan, Jiena ferrajt fuqhom Grazzji speċjali u ġew ikkonvertiti mall-ewwel.

Illum, meta Jiena qed inkellimkom qabel il-Jum il-Kbir, Jiena nixtieq li ġġibuli l-erwieħ ta' dawk li ma jemmnux.  Intom għandkom tagħmlu dan permezz tat-talb u billi tgħidu din it-**Talba tal-Kruċjata (150) Biex insalvaw l-erwieħ ta' dawk li ma jemmnux:**

*Għażiż Ġesu',  jiena nitolbok biex issalva lil dawk kollha li ghalkemm mhix ħtija tagħhom, jirrifjutaw li jagħrfu Lilek.  Jiena noffrilek it-tbatija tiegħi biex inġiblek l-erwieħ ta' dawk li jirrifjutaw Lilek u għall-Ħniena li Inti sejjer tferra' fuq id-dinja kollha.   Ikollok Ħniena minn ruħhom.  Ħudhom fil-Kenn Tiegħek tas-Sema u aħfrilhom dnubiethom.   Ammen.*

Ġesu' Tagħkom.

**Omm tas-Salvazzjoni: Intom qatt m'għandkom tisħtu lil ħaddieħor meta titolbu l-Barkiet ta' Alla.**

Is-Sibt, 17 ta' Mejju, 2014 @ 15.54

Għażiża binti, **meta Ibni jitfa' grazzji speċjali, fuq ulied Alla, dan ikun ifisser li wara tkun mistennija responsabbilta' min-naħa ta' min jirċevihom**. Għal kull Barka, għeżież ulied, li intom tirċievu minn għand Ibni, għandkom dejjem tirringrazzjaw lil Alla. **Meta Ibni jagħti Grazzji mis-Sema lil ruħ, jkun mistenni ħafna minn dik il-persuna. Kull ruħ, hemm trid tgħix ħajjitha skond dak li hija ġiet mgħallma minn Ibni.**

**Ibni jagħmel Ii l-Preżenza Tiegħu tinħass, meta Huwa jiġi msejjaħ.** Iżjed ma r-ruħ tkun miftuħa għall-Imħabba Tiegħu, iżjed hu jew hi jitqarrbu lejn il-Qalb Qaddisa Tiegħu. Imma, meta ruħ titkabbar quddiem Ibni, filwaqt li tkun qed titlob l-għajnuna Tiegħu, xejn ma jiġi Minnu. Alla jħobb l-erwieħ umli. Huwa jxerred Grazzji kbar fuqhom. Iżjed ma jirċievu Grazzji, iżjed ikun hemm Minnu Preżenti ġewwa fihom. Imbagħad meta l-Preżenza Tiegħu tkun tidher, dik l-istess ruħ issir is-suġġett tal-mibegħda. **Ix-xitan jiġi miġbud lejn erwieħ li huma fid-Dawl ta' Alla.** Huwa juża' kull mezz biex jumilja lir-ruħ magħżula u s-soltu jagħmel dan billi jqarraq b'erwieħ dgħajfa li huwa juża', biex iġib l-uġigħ u t-tbatija fuq ir-ruħ umli.

B'niket, ħafna nies li jħobbu lili, l-Omm ta' Alla, jiġu għandi jittalbuli biex ngħinhom jeqirdu erwieħ oħrajn. Għax dawn l-erwieħ, jgħiduli huma, ħaqqhom il-kastig ta' Alla. Meta huma jitolbu lil Ibni jagħmel ħaqq minn dawn l-erwieħ, minħabba l-mibegħda, li hemm ġewwa qalbhom, it-talb tagħhom qatt ma jinstema'. **Kif tistgħu tħobbu lili, taduraw lil Ibni u tintrabtu mal-Verita', meta intom tobogħdu lill-oħrajn?** O, kemm hu makakk il-wieħed il-ħażin, meta huwa jibla' erwieħ qaddisa, li jħallu l-kburija tfixkilhom. **Ladarba s-suppervja tiggranfa ruħ, din mall-ewwel titlef id-dawl tagħha. Iżjed ma ssir mudlama, iżjed titbiegħed mid-Dawl ta' Alla.**

**Meta intom titolbuni biex ninterċedi, f'isimkom, ma' Ibni, intom għandkom dejjem tiġu b'imħabba sħiħa fil-qalb tagħkom.** Intom qatt m'għandkom tisħtu lil ħaddieħor meta titolbu l-Barkiet ta' Alla, għax dan Huwa ma jistax għalih. Il-mibegħda m'għandhiex post fis-Sema.

Ejjew għandi, għeżież uliedi, b'imħabba biss fil-qlub tagħkom għall-għedewwa tagħkom, u t-talb tagħkom ikun imwieġeb skond ir-Rieda Qaddisa ta' Alla.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

**Huma sejrin jużaw id-Dar Tiegħi biex jonoraw allat pagani bħala sinjal ta' rispett, li lid-dinja serjrin jgħidulha li huwa biss xieraq.**

Il-Hadd, 18 ta' Mejju, 2014 @ 19.17

**Għażiża maħbuba binti, l-profeziji mogħtija lilkom issa kollha jibdew jitferrgħu – qatra kull darba, sakemm jibdew neżlin bħall-ilma mill-vit.** L-inċidenti, l-għemejjel u l-atti, li għandhom x'jaqsmu mal-Knisja Tiegħi fuq l-Art, dalwaqt tarawhom. Dawk li jitkellmu b'nuqqas ta' rispett lejn il-Kelma Qaddisa Tiegħi ser jiġu msikkta, tant kemm sejrin jinħasdu bil-ġrajjiet li ser iseħħu.

Dak kollu li ġej Minni ġej minn Missieri. Meta Missieri jiddetta d-dettalji ta' ġrajjiet futuri, bħala parti mill-Missjoni Tiegħu biex isalva l-erwieħ, kunu żguri li dawn ser jiġru. **Hekk kif tibda l-era l-ġdida ta' riformi radikali fil-Knisja Tiegħi, ser jiġu mħaddna ħafna gruppi mhux Kristjani.** U filwaqt li Jiena nilqa' l-erwieħ kollha, Jiena qatt m'hu ser inħalli Kelmti – li fuqha nbniet il-Knisja Tiegħi – titwarrab mal-ġenb. **Dawk li ma jaċċettawx Lili, għax ma jemmnux Min Jien, ser jiġu milqugħin fid-Dar Tiegħi.** Huma jiġu murija kull rispett, jiġu ttrattati bil-grazzja; jiġu mogħtija rigali u xorta jonqsu milli jagħrfu lil Min qed jilqagħhom. Imbagħad, biż-żmien, huma jużaw id-Dar Tiegħi biex jonoraw allat pagani bħala sinjal ta' rispett, li lid-dinja serjrin jgħidulha li huwa biss xieraq. **Lill-Kristjani jgħidulhom illi Alla jippretendi li huma jilqgħu lil dawk li ma jemmnux fil-Knisja. Jgħidulhom illi xi prattiċi, li jonoraw Lili, jridu jiġu adattati biex ma joffendux lil dawn li qed iżuruhom.** Fi ftit żmien, id-Dar Tiegħi ma tibqax Tiegħi, għax ftit jiddiskutu l-Kelma Vera Tiegħi.

**Kliem ġodda, li jgħidulkom li ġejjin minn Fommi, ser jintużaw mill-Knisja Tiegħi fuq l-Art biex jilqgħu lill-barranin fid-Dar Tiegħi.** U waqt li Jiena **noqgħod bilqeda bil-kwiet f'rokna, huma jagħmlu ħerba minn Dari; jieħdu t-teżori u s-simboli kollha, li għandhom x'jaqsmu Miegħi, mal-maħbuba Ommi u mal-istazzjonijiet tas-Salib. Dari titneżża' minn dak kollu li huwa għażiż Għalija** u mpusturi jibdew jgħixu hemm. **Issir post ta' ċeremonji kommemorattivi strambi; talb ġdid u mhux tas-soltu flimkien mal-ktieb il-ġdid, jieħdu post l-antik.** Dan kollu jibqa' sejjer sakemm Jien niġi sfurzat li nitlaq minn Dari, għax din ma tibqax tixraq lill-Preżenza Qaddisa Tiegħi. Dawk is-segwaċi nnoċenti Tiegħi, kulma ser jaraw huwa dak li huma jemmnu li jkun attentat biex jimmodernizzaw ir-religjon Kattolika.

**Dalwaqt ma jkollix iżjed iċ-cavetta ta' Dari, għax huma jeħduli dik ukoll. Hemm Jiena nagħmel id-Dar Tiegħi fil-qlub tal-qaddejja mqaddsa leali Tiegħi, s-segwaċi Tiegħi u dawk li jiftħu qalbhom Għalija.** Dari hija tagħkom. Dari hija għal kulħadd. Iżda meta nilqa' lil dawk li ma jemmnux ġewwa Dari, dan ma jagħtihomx id-dritt li jisfurzaw lil ulied Alla biex jaċċettaw t-tradizzjonijiet tagħhom jew jippermettu li ċ-ċeremonji tagħhom isiru fid-Dar tal-Mulej.

Intom qatt m'għandkom tħallu l-Fidi tagħkom tiġi wżata b'dan il-mod jew tiġi kompromessa, biex tħallu l-pagani jħammġu Dari.

Ġesu' Tagħkom

## Satana huwa l-akbar saħta tar-razza umana u l-kontaminazzjoni tiegħu toqtol

It-Tlieta, 20 ta’ Mejju, 2014 @ 11.14

Għażiża maħbuba binti, **l-bniedem li ma jemminx fil-ħażen, ma jemminx fid-dnub. Min jiddikjara li l-ħażen qiegħed f’moħħ min jarah, dan ikun qed jaċċetta l-ħażen f’kull forma u biż-żmien isir immun għalih.**

**Meta l-ħażen jiġi njorat, Satana jkun rebaħ rebħa kbira, għax ir-re tal-gideb jagħmel minn kollox biex jaħbi l-ħażen u s-soltu jagħmel dan billi jippreżenta l-argument li hija meħtieġa t-tolleranza fis-soċjeta’.** Meta l-intelliġenza umana tintuża’ biex jiġu argumentati r-raġunijiet kollha biex jiġi skużat il-ħażen, dawn l-erwieħ, li huma ħatja li xerrdu dawn il-falsitajiet, isiru l-ewwel mira tal-wieħed il-ħażin.

Ladarba ruħ tħalliħ jidħol, il-qarrieqi l-kbir, jikkonvinċi lill-vittmi tiegħu li huma qed jaġixxu bi ħsieb tajjeb u għall-ġid tad-dinja, meta huma jiġġustifikaw atti ħżiena, li huma kontra Alla. L-wieħed il-ħażin ħoloq tant qerq li ħafna nies, li m’għadhomx jemmnu f’Satana jew fil-ħażen li nxtered mad-dinja, mhux ser ikunu kapaċi jagħżlu d-differenza bejn dak li hu tajjeb u dak ħażin. Dawn in-nies ser jargumentaw u jippreżentaw kull punt biex imexxu ‘l quddiem l-immoralita’ fl-aspetti kollha tagħha. Imbagħad dak il-bniedem li jażżarda jiddefendi l-moralita’ jgħidu li huwa mxajtan. Hekk miexja l-umanita’ fid-dinja tal-lum. **Meta l-eżistenza tal-ħażen tkun irrifjutata, mbagħad l-eżistenza ta’ Satana tiġi miċħuda.** Dan ikun meta r-re tal-gideb u kull għadu Tiegħi, jissaħħaħ u l-vittmi kompliċi tiegħu, li jġibu ruħhom ta’ vuċi tiegħu, jsiru immuni għall-Grazzji Divini.

Meta Satana jiġi rrifjutat mill-Knisja Tiegħi fuq l-Art, hemm ftit li xejn jibqa’ x’jista’ jsir għal dawk li huma verament infestati mill-wieħed il-ħażin. **Meta l-Knisja Tiegħi tiċħad l-eżistenza tal-bestja u l-abbiss etern li fih hu u l-anġli l-ħżiena ġew mixħutin, hemm intom tkunu tafu li l-Verita’ mhix qed tiġi murija lil ulied Alla.**

Jekk in-nies ma jkunux jafu bil-perikli li Satana jġib fuq l-erwieħ, huma ma jkunux jistgħu jarmaw lilhom infushom kontra l-ħażen. Meta jiġri dan, it-Tagħlim Veru ta’ Alla ma jibqax jiġi aċċettat għal dak li Hu.

Iż-żmien ma jinbidilx fis-Saltna Tiegħi. Satana huwa l-akbar saħta tar-razza umana u l-kontaminazzjoni tiegħu toqtol. **Tant hu kawt biex jaħbi lilu nnifsu, huwa mgħallem tal-qerq u dejjem ser jippreżenta t-tajjeb bħala ħażin u l-ħażin bħala tajjeb.** Dawk biss li għandhom għajnejhom miftuħin verament għal Alla, ser jifhmu t-theddida li huwa jpoġġi għas-salvazzjoni tad-dinja.

Ġesu’ Tagħkom.

**Il-gruppi li ser imexxu l-ereżija kontra l-Bibbja Mqaddsa, ser jiġru wara dawk li jibqgħu sogħdi fil-Fidi.**

L-Erbgħa, 21 ta' Mejju, 2014 @ 20.40

Għażiża maħbuba binti, Missieri jixtieq li wliedu kollha juru mħabba u karita' lejn xulxin. **Id-dnub qed jinfirex wisq bil-ħeffa, b'effett dirett tad-dnub tal-kburija, dik l-infestazzjoni, specjalment fost dawk li jriduha ta' Kristjani, dan ġa swieli ħafna erwieħ li darba kienu qrib tal-Qalb Mqaddsa Tiegħi.**

Satana u kull xitan li huwa bagħat biex jeqred lill-umanita', ħoloq ħafna firda fid-dinja. Qegħdin jippruvaw iġelldu nazzjonijiet u kommunitajiet wieħed ma' l-ieħor. L-attakki terroristiċi ser jiżdiedu, iżda **l-iżjed sinjal serju ser ikun f'forma ta' persekuzzjoni kontra l-Kristjani.** Qatt qabel, ma kienu l-Kristjani tant miġjuba fix-xejn – id-drittijiet tagħhom tal-liberta' reliġjuza meħudin u d-dritt tagħhom li jibqgħu leali lejn il-Kelma, mkasbar – kif ser ikunu issa.

**L-Kristjani mhux talli ser ikunu l-mira tal-għedewwa Tiegħi, iżda huma sejrin iduru għal xulxin.** Il-gruppi li ser imexxu l-ereżija kontra l-Bibbja Mqaddsa, ser jiġru wara dawk li jibqghu sogħdi fil-Fidi. Huma jikkritikawhom fil-pubbliku, jwaqqgħu għar-redikolu l-lealta' tagħhom lejn il-Verita' u jiġru wara kull qaddej mqaddes Tiegħi li jażżarda jisfida t-tradiment tagħhom Lejja, Ġesu' Kristu.

**Il-wieħed il-ħażin jitqabad Miegħi, f'rabja feroċi, għax huwa jaf li ż-Żmien Tiegħi qiegħed fuqkom**. Agħrfu kull forma ta' persekuzzjoni kontrikom, intom Kristjani, viżżjunarji, profeti jew qaddejja mqaddsa, għal dak li hi. Attakk vulgari u ta' ħażen Fuqi, l-maħbub tagħkom Ġesu' Kristu. **Ftakru, għeżież segwaċi Tiegħi, li m'għandkomx iċċedu għall-persekuzzjoni, għall-imħabba tagħkom Lejja.** Itolbu għal dawk l-erwieħ li ħallew il-ħażen joħroġ minn fommhom. **Kunu paċenzjużi u kalmi meta taraw il-persekuzzjoni kontra l-Kristjani, għax id-Divinita' Tiegħi biss hija Eterna.** L-għemil ħażin, atti u ereżija kontra Tiegħi, jisparixxu f'mument. U dawk biss li huma verament Għalija, ser isibu l-paċi u s-salvazzjoni.

**Itolbu għal dawk li jippersegwitawkom u dawk li jittormentawkom, għax meta tagħmlu dan, intom iddgħajfu l-qawwa tal-wieħed il-ħażin.**

Ġesu' Tagħkom.

**Omm tas-Salvazzjoni: Bħala Kristjani, intom għandkom tħejju biex tiddefendu l-Fidi tagħkom**.

Il-Ħamis, 22 ta' Mejju, 2014 @ 15.26

Għeżież uliedi, t-tbatija li jgħaddi minnha Ibni, minħabba d-dnubiet tal-bniedem, hija qawwija f'dan iż-żmien. Il-mibegħda kontra Tiegħu u l-Kelma Qaddisa Tiegħu – hekk kif tinsab fil-Bibbja l-Iżjed Imqaddsa – tidher fil-qlub ta' ħafna nies u din tinkludi r-reliġjonijiet foloz, fejn ma jagħrfux it-Trinita' ta' Alla, kif ukoll dawk li jriduha ta' Kristjani.

**Kull dnub li jitwettaq, jweġġa' lil Ibni u kull dnub mejjet jinħass bħal daqqa fuq il-Ġisem Tiegħu. Kull att t' ereżija li jitwettaq, huwa bħallikieku xewka ġiet imdaħħla fil-Kuruna tal-Uġigħ li Huwa diġa jsofri.** Waqt li t-tbatija ta' Ibni tiżdied, fi żmien meta kull dnub kontra Alla ser jiġi miċħud, hekk ukoll ser tiżdied it-tbatija tal-Kristjani veri.

Filwaqt li t-tbatija hija ħaġa terribbli u filwaqt li l-uġigħ ta' dawk li jiddefendu Kelmtu tkun ma tinfelaħx, din tista' tkun mod kif issiru iżjed intimi ma' Ibni. Jekk intom taċċettaw it-tbatija bħala barka, minflok ma tarawha bħala saħta, intom tifhmu kif Ibni juża' din biex jegħleb il-qawwa tal-wieħed il-ħażin. **Meta taċċettaw l-uġigħ tal-abbuż u r-redikolu, li dejjem għandkom tistennewhom meta timxu f'għaqda ma' Ibni, intom tiġu mogħtija ħafna Grazzji.** Mhux talli dan l-uġigħ jagħmilkom iżjed b'saħħitkom, iżda Ibni jurikom il-Kompassjoni Tiegħu għall-oħrajn, li dnubiethom Huwa jista' jħassar, minħabba s-sagrifiċju tagħkom Għalih.

Ħafna nies lanqas jintebħu li meta intom tiżviluppaw intimita' ma' Ibni, u meta Huwa jgħix f'ċerti erwieħ, dan dejjem iġib uġigħ għal dawk li jaċċettaw li jerfgħu s-Salib Tiegħu. **Ibni jkun biss jista' jinżel verament fl-erwieħ, li jkunu miftuħin Għalih u li m'humiex imkabbrin, malizjużi jew li għandhom imħabba għalihom infushom. Iżda meta Huwa jgħix għal kollox ġo dawn l-erwieħ, id-Dawl tal-Preżenza Tiegħu jinħass minn ħafna li jiġu f'kuntatt magħhom.** Huma jiġbdu oħrajn biex isiru dixxipli ta' Ibni. Huma jsiru wkoll l-mira tal-wieħed il-ħażin, li jitqabad kemm jiflaħ biex ibegħdhom minn Ibni. **Meta l-wieħed il-ħażin ma jirnexxilux jittanta lil dawn l-erwieħ, it-taqbida tiegħu kontrihom issir iżjed feroċi u huwa jinfesta oħrajn biex jattakkhom, jabbużhom u jkasbarhom.**

**Huwa mportanti li l-Kristjani kollha jibqgħu għassa għall-pjanijiet li ħejja Satana, biex jibla' l-erwieħ ta' dawk li jħobbu u jaqdu lil Ibni.** Huwa mxennaq għal dawn l-erwieħ iżjed milli għall-oħrajn u qatt m'hu ser ikun kuntent qabel ma huma jaqgħu għat-tentazzjonijiet tiegħu.

Bħala Kristjani, intom għandkom tħejju biex tiddefendu l-Fidi tagħkom, għax dak kollu li huwa għażiż għalikom ser jiġi mneżża', saff, saff. **Għandkom tfittxu s-Sagrament tar-rikonċiljazzjoni bħal qatt qabel, għax mingħajru, sejrin issibuha mpossibbli biex tieqfu għall-infestazzjoni li qed tiġi mħejjija fid-dinja bħalissa kontra l-Kristjaneżmu.**

**Fakkru lilkom infuskom, għeżież ulied, f'dak kollu li għallimkom Ibni, għax Kelmtu sejra tiġi sfidata sakemm lanqas tibqa' tingħaraf.** Ejjew u itolbu lili, l-Omm maħbuba tagħkom, l-Omm tas-Salvazzjoni, biex nitlob għal kull wieħed minnkom, ħalli tibqgħu leali lejn il-Verita', billi tgħidu din it-Talba biex tiddefendu l-Fidi tagħkom.

**Talba tal-Kruċjata (151) Biex niddefendu l-Fidi:**

*O Omm ta' Alla, Qalb Immakulata ta' Marija, Omm tas-Salvazzjoni, Itlob li aħna nibqgħu leali lejn il-Kelma Vera ta' Alla, dejjem. Ħejjina biex niddefendu l-Fidi, nżommu l-Verita' u nirrifjutaw l-ereżija.*

*Ipproteġi lil uliedek kollha fiż-żmien iebes u agħti lil kull wieħed minna l-Grazzji li nkunu qalbiena meta niġu sfidati biex nirrifjutaw il-Verita' u niċħdu lil Ibnek.*

*Itlob, Omm Qaddisa ta' Alla, illi niġu mogħtija l-Intervent Divin biex nibqgħu Kristjani, skond il-Kelma Mqaddsa ta' Alla. Ammen.*

**Intom, kull wieħed minnkom jiġi mbierek b'kuraġġ kbir meta tgħidu din it-Talba tal-Kruċjata.** Morru fil-paċi, uliedi, biex tħobbu u taqdu lil Ibni, Ġesu' Kristu.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

**Ma hemmx għalfejn tifhmu l-modi ta' Alla – intom għandkom sempliċement taċċettawhom.**

Il-Ġimgħa, 23 ta' Mejju, 2014 @ 18.00

Għażiża maħbuba binti, ejjew intom ilkoll li tħobbu Lili, u agħtuni mħabbitkom, ghax neħtieġ ħafna faraġ. Jiena Ġesu' tagħkom, Bin il-bniedem, Salvatur tad-dinja u xorta waħda nibki. Kull Grazzja li naghti lill-bniedem tintefa' lura f'Wiċċi mill-erwieħ ingrati. **Il-Qalb ġeneruża Tiegħi hija miftuħa, ħalli niġbidkom ilkoll Lejja, iżda intom idduru n-naħa l-oħra. Saħansitra dawk li jħobbuni, ma jagħtunix il-ħin tagħhom. Minflok ma tkellmu Lili, intom tkellmu lil xulxin dwari. Wisq diskors dwar il-Misteru tal-Pjanijiet ta' Alla u ta' dak li għad jiġri, jistgħu jfixklu u jġibu t-taħwid. Wisq analiżi u l-hekk imsejjaħ dibattitu ntelliġenti jbegħdkom Minni.**

Ma hemmx għalfejn tifhmu l-modi ta' Alla – intom għandkom sempliċement taċċettawhom. Jiena qatt ma tlabtkom biex tifhmu l-Misteru tad-Divinita' Tiegħi, għax l-erwieħ li verament iħobbuni, xorta ser iħobbuni għal dak li Jien u mhux għal dak li ser inġib. Huma ma jfittxux il-glorja tagħhom infushom. Huma ma jiżviluppawx l-ispiritwalita' tagħhom sempliċement biex ikollhom sieq fis-Saltna Tiegħi. Huma qatt ma jużaw l-għarfien tagħhom Dwari b'mod li jiftaħru u biex itellgħu l-punti. Dawk l-erwieħ li jgħixu ġewwa Fija, huma dawk l-erwieħ li ma jistaqsu għal xejn, dak biss li jitolbu huwa għall-ġid ta' ruħhom stess u dik tal-oħrajn.

Meta intom tgħidu li tirrappreżentaw Lili, intom ma titkellmux u tgħajtu dwar kemm intom tafu Lili. Intom għandkom biss turu mħabba lejn l-oħrajn u timxu fuq it-Tagħlim Tiegħi, b'ruħ li hija nadifa mill-kburija. Għalhekk, **jekk intom verament Tiegħi, intom għandkom tqattgħu anqas ħin tippruvaw tagħtu definizzjoni ta' dak li għidtilkom; ta' dak li għallimtkom u dak li Jiena wgħedtkom. Jiena nitlobkom li tiġu Għandi u tqattgħu iżjed ħin tikkontemplaw fil-kwiet Miegħi. Meta intom tagħmlu dan, Jiena nuri Lili nnifsi lilkom iżjed biċ-ċar u intom tkunu tafu f'qalbkom xi tfisser li taqdu Lili verament.**

Ġesu' Tagħkom.

## Ladarba l-paganiżmu jiggranfa lill-Knisja Tiegħi, dan ikun sinjal tal-aħħar kapitlu.

Is-Sibt, 24 ta' Mejju, 2014 @ 21.20

Għażiża maħbuba binti, **l-abkar raġuni għala ħafna nies illum, speċjalment iż-żagħżagħ, ma jridux isiru jafu Lili, hija minħabba li ma jridux ineħħu l-interess fihom infushom.** L-ossessjoni bihom infushom u x-xewqa li jogħġbu lilhom infushom u lix-xewqat tagħhom, fissret illi hemm nieqsa l-imħabba ta' wieħed għall-ieħor u hemm ftit wisq karita' fl-erwieħ. **Meta huma jinqatgħu mill-oħrajn, biex jiġru wara dak li jissodisfa lilhom infushom, huma ma jistgħux iħobbu lill-ġar tagħhom. Meta huma ma jħobbux lill-ġar tagħhom, huma ma jistgħux iħobbu Lili.**

**Il-firda minn Alla qatt ma kienet daqshekk mifruxa.** Bi ftit biss imħabba f'qalbhom, il-ħażen isib ambjent li jilqgħu u li fih jista' jxenxel. Ladarba jitħawwel il-ħażen ġewwa ruħ li tkun saret vittma faċli, dan jikber u jinfirex malajr. Iżjed ma jinfirex, anqas ikun hemm imħabba f'dik ir-ruħ u tidħol mibegħda għall-oħrajn, ġewwa fiha. Malajr, l-mibegħda, l-għira, x-xeħħa u regħba jsiru t-tratti komuni li jgħaqqdu lis-soċjeta' moderna, sakemm fl-aħħar, din issir ħaġa waħda mar-ruħ u dawn ma jħossu xejn. **Il-vojt tal-ispirtu jwassal għal periklu kbir, għax il-wieħed il-ħażin huwa ntelliġenti u juża erwieħ f'dak l-istadju biex jagħmel gwerra kontra l-Preżenza ta' Alla fid-dinja.** Meta d-dinja ssir ossessjonata biha nfisha u tkun trid kull tip ta' dritt, li hija tarah iżjed importanti milli tagħti bil-ġenerożita' minnek innifsek – hemm xejn tajjeb ma jista' joħrog minn dan.

**Meta Luċifru m' obdiex lil Missieri, kienet il-kburija, li ġabet il-waqgħa tiegħu. Il-kburija u l-imħabba lejk innifsek, fejn kollox jiġi t-tieni, ser iwassal għall-aħħar waqgħa tar-razza umana.** Id-diżubbidjenza lejn Alla, hija fl-aqwa tagħha bħalissa. Tant ftit każ tal-Kmandamenti Tiegħu jista' jidher ma' kullimkien u dan ifisser illi l-bniedem mhux sejjer jobdi għal kull wieħed mill-Għaxar Kmandamenti. **Meta jinkiser l-Ewwel Kmandament fil-Knisja Tiegħi fuq l-Art – l-aħħar sur ta' Missieri fuq uliedu – id-dinja sejra tara l-akbar kastig mill-għarqa 'l hawn.**

Ladarba l-paganiżmu jiggranfa lill-Knisja Tiegħi, dan ikun sinjal tal-aħħar kapitlu.

Meta wlied Alla jħobbu lilhom infushom u jiftaħru Quddiemu, Huwa jibki Dmugħ ta' mrar. Iżda meta fil-qlub, jeħdulu postu l-paganiżmu u alla falz, ir-Rabja Tiegħu sejra tkun bħal qatt qabel.

Ġesu' Tagħkom.

[Alla l-Missier: It-Talba tal-Kredu, li tagħraf Lili Min Jien, sejra tinbidel biex tonora allat foloz, minflok](). 

It-Tnejn, 26 ta' Mejju, 2014 @ 16.22

Binti l-iżjed għażiża, ser jiġi ż-żmien meta t-Talba tal-Kredu, li tagħraf Lili Min Jien, sejra tinbidel biex tonora allat foloz, minflok.

**Meta tiddaħħal ir-reliġjon waħda dinjija, din issir bil-galbu, ħalli ma jagħtux l-impressjoni li Jiena, l-Missier Etern, m'għadnix qed niġi meqjum. Jekk Jiena ma niġix meqjum, allura din it-talba l-ġdida tkun abominazzjoni u m'għandha tingħad qatt, jekk uliedi jridu jibqgħu Miegħi u jekk jixtiequ l-Ħajja Eterna.** Ħafna aħjar li tibqgħu siekta milli tgħidu kelma waħda ta' dagħa, li ser tiddaħħal fil-knejjes kollha kullimkien, fejn jonoraw Lili, Missierkom u fejn jaċċettaw lil Ibni, Ġesu' Kristu, s-Salvatur tagħkom.

**Kliem li jqimu lil Ismi u dak ta' Ibni, ser jiġu mgħawġa, u l-espressjonijiet li jirreferu għal Ibni, ser jinkludu kliem bħal "Ġesu' tad-Dawl".** Din it-talba l-ġdida ser tagħmel aċċent fuq is-superjorita' tal-bniedem, ir-responsabbilta' tiegħu li jaħseb għall-ġid ta' ħuh u li jilqa', bħala ħaġa waħda, lir-reliġjonijiet kollha biex jonoraw lil Alla. **Kull referenza għal Ibni, bil-mod kif Huwa għandu jiġi meqjum, ser tiġi mibdula ma' dan it-titlu ġdid li huma sejrin jagħtuH. Lid-dinja ser jgħidulha biex tonora l-ġmiel tal-Art; l-għeġubijiet tad-dinja li kienu maħluqin minn Alla li Huwa Wieħed għal kulħadd u li jaċċetta kull tip t' adorazzjoni.** Dan ikun iż-żmien meta d-dinja tingħaqad f'dinja waħda, bħala reliġjon pagana. Minħabba li tant espressjonijiet reliġjużi sejrin jimlew dan il-kredu l-ġdid, iridu jkunu dawk li huma verament imberkin bid-dixxerniment biex jifhmu dak li jkun qed jiġri.

Kemm ser ikunu ta' xejn l-isforzi tagħhom, għax dawk li ser iġibu dan id-dlam fuq uliedi, ser isofru tar-rifjut tal-Ħallieq tagħhom. **U meta din it-talba tittieħed hekk, kif inhi, tiġi ppreżentata abominazzjoni oħra – l-introduzzjoni tal-Kelma miktuba mill-ġdid, li m'hi ser tagħmel xejn ħlief frott imħassar.**

**Biż-żmien, jinħoloq simbolu ġdid li jirrapprezenta lil alla magħmul mill-bniedem, ħalli jidher illi dawk li jkollhom jilbsuh, jidhru li qed jagħmlu ħaġa sew billi juru solidarjeta' ma' xulxin.** Lilhom sejrin jgħidulhom li dawn il-ħwejjeġ kollha, huma għall-ġid ta' kulħadd, fejn l-ewwel dover tiegħek ikun li tfittex il-perfezzjoni tal-bniedem. Dan, huma ser jgħidulkom, huwa meħtieg qabel ma tkunu tistgħu taffaċċjaw lil Alla. Intom ma tistgħux tagħmlu r-Rieda ta' Alla jekk intom ma tfittxux ġustizzja biex tħollu lill-umanita' mir-rabta tal-persekuzzjoni reliġjuża, l-faqar u l-gwerrer. **Il-ħarsa trid tkun fuq dawk il-ħwejjeġ kollha li għandhom x'jaqsmu mal-Ħolqien Tiegħi – l-Art; in-nazzjonijiet; in-nies u l-mexxejja politiċi. Kollox ikun marbut flimkien ħaġa waħda, huma jgħidu, biex tkun tista' taqdi lil Alla aħjar.** Kullma jkunu qed jaqdu jkun ir-re tal-gideb, li ser iġib dan kollu. U, filwaqt li d-dinja tfaħħar dawn li jidhru avvanzi ġodda fi ħwejjeġ globali, l-umanita' sejra tiġi sfurzata għall-paganiżmu. **Il-paganiżmu ser iġib miegħu dlam tar-ruħ tal-biża'. Imbagħad, għal dak kollu li jiġi mmirat kontra Tiegħi, Jiena nikkopja l-abominazzjonijiet tagħhom – fuq l-Art li huma jimxu fuqha; fl-ilma li huma**

**jixorbu, l-muntanji li huma jixxbbtu magħhom; l-ibħra li jaqsmu u x-xita li titma' l-ħxejjex tagħhom.**

Il-battalja bejn il-qawwija, l-imkabbrin u dawk il-ħżiena fost il-bnedmin u Bejni, l-Missier Etern tagħhom, il-Ħallieq tagħhom, ser tkun waħda miġġielda bl-aħrax
Missierkom Etern
Alla l-Iżjed Għoli.

## [Intom sejrin tkunu ħatjin daqs dawk li kienu responsabbli li taw Lili f'idejn il-bojja Tiegħi.]

L-Erbgħa, 28 ta' Mejju, 2014 @ 08.40

Għażiża maħbuba binti, l-Wegħda li nerġa' niġi sejra titwettaq. Xejn ma jista' jwaqqaf it-Tieni Miġja Tiegħi, iżda xorta waħda, dawk li jafu Min Jiena u li jaħdmu għall-għedewwa Tiegħi b'qalbhom kollha u bir-rieda kollha tagħhom, dawn jemmnu li huma jistgħu jeqirdu l-erwieħ qabel il-Jum il-Kbir.

**Lill-għedewwa Tiegħi, kunu għafu dan. Jiena nafkom. Jiena nara ruħkom. Jiena nista' nara liema ħażen hemm ġewwa qalbkom. Jiena nista' nara wkoll it-tajjeb, li hemm ukoll ġewwa fikom. Isimgħuni, issa li qed nikxef il-Verita' ta' dak li għandu jiġri.**

**Jekk tħobbu Lili, intom ser tiġu mħeġġa biex ma tagħmlux dan.**

**Jekk temmnu fit-Tagħlim Tiegħi, lilkom sejrin jgħidulkom biex temmnu f'sostitut falz tiegħu.**

**Jekk temmnu li Jiena qed nikkomunika magħkom, permezz ta' dawn il-Messaġġi, l-wieħed il-ħażin ser jikkonvinċikom li dawn il-Kliem m'humiex ġejjin Minni.** Għalhekk intom ser tiġu ttantati biex tittraduni u sejrin tagħmlu dan billi tippersegwitaw lill-qaddejja Tiegħi, li jagħtu sehemhom f'din il-Missjoni. Intom issiru tradituri ta' din il-Missjoni u għalhekk, intom tkunu ħatjin daqs dawk li kienu responsabbli li taw Lili f'idejn il-bojja Tiegħi.

Jekk intom ma tisimgħunix, dan arawh intom u Jiena mhux ser neħodha kontrikom, għax Jiena qatt ma nisforza r-Rieda Tiegħi fuqkom. Ikun ħafna aħjar li tinjorawni u timxu fuq it-Tagħlim Tiegħi, milli ġġibu t-tbatija fuq l-oħrajn.

Issa li l-Pjan Tiegħi biex insalva biljuni t'erwieħ, beda, kunu għafu li Jiena ser inkun 'l fuq mir-rieda tal-bnedmin li jopponu Lili. **Xejn – l-ebda kliem – l-ebda mossi – l-ebda għemil – l-ebda ħażen ta' kull tip – ma jista' jwaqqafni fil-ġirja Tiegħi biex insalva l-umanita'.** Dawk li jfixklu lil Alla fit-triq Tiegħu, ser ikunu bla ebda saħħa u fl-aħħar jispiccaw mitluqin bil-għali Quddiemi fil-Jum li Jiena niġi biex niġġudika.

Ġesu' Tagħkom.

**Meta bniedem jittradini, huwa jidneb kontra Tiegħi.**

Il-Ħamis, 29 ta' Mejju, 2014 @ 00.45

Għżiża maħbuba binti, meta l-Appostli ġew Għandi, jolfqu u jibku dmugħ ta' frustrazzjoni minħabba l-mod kif kienu ġew ittrattati bil-krudelta' fl-Isem Qaddis Tiegħi, Jiena għidtilhom hekk.

Qatt tibżgħu milli tkunu rrifjutati f'Ismi.

Qatt tibżgħu mill-għajjat tal-wieħed il-ħażin, li jwerżaq permezz ta' fomm dawk li jaqduh.

Qatt tibżgħu meta jzommukom b'ħatja f'Ismi. Imma meta tiġu ttraduti minn dawk qrib tagħkom, kunu għafu li Huwa Lili li jkunu taw bil-ħarta fuq Wiċċi.

**Meta bniedem jittradini, huwa jidneb kontra Tiegħi. Meta huwa jittradixxi l-profeti ta' Alla, huwa jkun qed jittradixxi lil Alla Trinita', u ta' dan huwa jsofri bil-kbir.**

**Meta l-Intervent tat-Trinita' ta' Alla jiġi rrifjutat mill-erwieħ, li jopponu l-ikbar Qawwa mis-Sema', huma jkollhom jgħaddu mit-taqlib fil-kuxjenza tagħhom. Dan it-taqlib qatt ma jħallihom, qabel ma jirrikonċiljaw ruħhom Miegħi, Ġesu' tagħhom.** Li ruħ tirrifjuta Lili, meta din taf li Huwa Jiena, Ġesu' Kristu li qed nitkellem, huwa ta' dispjaċir. Iżda **li tisfida lil Alla Trinita', billi tinterferi mal-Intervent Tiegħu meta qed isalva l-erwieħ, dan jirriżulta f'kastig bil-ħeffa minn Missieri.**

L-umanita' tista' tgemgem, tistaqsi u tanalizża l-Kelma Tiegħi, hekk kif inhi mogħtija bħalissa, iżda meta tażżarda li tipprova twaqqaf Lili milli nsalva l-erwieħ, billi tittradixxi l-Fiduċja Tiegħi u tmur kontra l-Ħniena Tiegħi, hemm huma ma jigu murija l-ebda Ħniena.

Ġesu' Tagħkom.

## [Imħabbti qatt ma titbiel; qatt ma tfalli; qatt ma tmut. Tkunu għamiltu dak li tkunu għamiltu.]

Is-Sibt, 31 ta' Mejju, 2014 @ 08.20

Għażiża maħbuba binti, Imħabbti taqbad bħal ħuġġieġa għal kull wieħed minnkom. Tħeġġet iżjed issa minħabba l-influwenza ħażina li nġabet fuq l-umanita'. **Kull tip ta' qerq iċajpar l-erwieħ f'dan iż-żmien fl-istorja, minħabba l-influwenza tax-xitan fid-dinja, waqt li tissokta l-battalja għall-erwieħ.**

**Kull raġel, mara u t-tfal ta' l-eta' 'l fuq minn seba' snin, ser jitqabdu biex jagħrfu bejn it-tajjeb u l-ħażin.** Ħafna sejrin jaċċettaw atti ħżiena u jgħidu li huwa ġġustifikat li tagħmel dan. Dawk li jaċċettaw bħala tajbin, kliem ħżiena, atti jew għemil, li tħawlu ġewwa qalbhom mill-qarrieqi, mhux ser iħossu l-ebda rimors.

**Kull ruħ, irrespettivament minn dak li temmen, razza, kulur jew ċirkostanzi, sejra ddur 'l hawn u 'l hemm imħawda dwar dak li huwa tajjeb f'Għajnejn Alla u dak li huwa ddikjarat li huwa ħażin.** U filwaqt li l-massa tkun qegħda tfaħħar id-dnub f'kull sura tiegħu, mhux ser ikun hemm, lanqas laqxa ta' sodisfazzjon fl-erwieħ ta' dawk li jittradixxu Lili. Dawk li mhux ser jitbegħdu mill-Verita' ta' dak kollu li ġej Minni, ser jgħidulhom li huma mxajtnin. Iżda meta dawn iqattgħu il-ħin fil-kumpannija Tiegħi, dawn mhux sejrin jagħtu każ ta' dan, għax Jiena sejjer innissel ġewwa fihom paċi, li ma tmurx.

Jiena nagħti Kelmti lilkom ilkoll, inklużi lil dawk li huma dgħajfin u li jaqgħu għall-gideb li jħawwel fihom Satana, li Jiena qatt ma Jiena ser naqta' qalbi minnkom. Jiena ser ninġibed lejkom; nimlikom b'Imħabbti, meta intom tħalluni niġbidkom Lejja. Imħabbti qatt ma titbiel; qatt ma tfalli; qatt ma tmut. Tkunu għamiltu dak li tkunu għamiltu. Iżda, **kunu għafu, li hija ruħkom li hija l-aqwa trofew u li l-wieħed il-ħażin qatt m'hu ser jaqta' qalbu milli jibqa' jiġri warajkom biex jirbaħkom.**

Imħabbti hija tant qawwija, illi saħansitra meta tittraduni, Jiena niżgura li fil-kuxjenza tagħkom intom tindunaw bl-iżball. Dan huwa għaliex intom tħossukom bħal mitlufin, meta tagħmlu dak li tagħmlu f'isem il-ġustizzja, iżda li f'qalbkom intom tafu li huwa ħażin – intom ma tħossux ħlief niket. Huwa hemmhekk li għandkom issejħu Lili, Ġesu' tagħkom, b'din it-Talba biex ngħinkom fix-xejn tagħkom.

**Talba tal-Kruċjata (152) Għinni fis-siegħa tax-xejn tiegħi**

*Għażiż Ġesu', għinni fis-siegħa tax-xejn tiegħi*

*Eħlisni mid-dnub u iftaħli għajnejja, qalbi u ruħi biex nara l-qerq tax-xitan u l-modi ħżiena tiegħu.*

*Imlini bl-Imħabba Tiegħek meta nħoss il-mibegħda f'qalbi.*

*Imlini bil-Paċi Tiegħek meta nkun mimli bil-għali.*

*Imlini bil-Qawwa Tiegħek meta nkun bla saħħa.*

*Eħlisni mill-ħabs li ninsab fih, ħalli nkun ħieles u żommni fil-kenn tad-Dirgħajn Qaddisa Tiegħek. Ammen.*

Imħabbti hija eterna. Ruħkom hija eterna. Is-Saltna Tiegħi hija eterna u tant ieħor hija s-saltna tal-wieħed il-ħażin.

Meta tkunu ħatja ta' dnubiet kbar, intom għandkom titqabdu kull sekonda biex tneħħu lilkom infuskom mill-periklu u tagħmlu minn kollox biex tkunu leali Lejja l-ħin kollu. L-iżjed ħaġa faċli hija li tħobbu lil xulxin bħalma nħobbkom Jiena. Kullma jbegħdkom mill-imħabba ta' wieħed lejn l-ieħor, dan ma jkunx ġej Minni.

Ġesu' Tagħkom.

**Omm tas-Salvazzjoni: Dan ir-Rigal ta' Protezzjoni kien bi kmand tal-maħbub Missieri.**

Is-Sibt, 31 ta' Mejju, 2014 @ 16.20

Għażiża binti, **nixtieq insejjaħ lill-ġenituri ta' tfal u żagħżagħ, madwar id-dinja kollha, biex jikkonsagrawhom lill-Qalb Immakulata Tiegħi.**

**Il-Prezzjuż Iben tiegħi, Ġesu' Kristu, jixtieq li jiena nagħmel dan, għax Huwa sejjer jiksihom bid-Demm Prezzjuż Tiegħu u hekk iżommhom salvi.** Huwa jrid li intom, għeżież ulied, tagħmlu dan, għax Huwa ser jagħti Grazzji kbar fuqhom. **Dan ir-Rigal ta' Protezzjoni għall-ulied, kien bi kmand tal-maħbub Missieri. Permezz ta' Ibnu, Ġesu' Kristu, Huwa qed iwiegħed Grazzji kbar u dawk l-ulied li jiġu ppreżentati lili, ser ikunu protetti mill-influwenza tal-wieħed il-ħażin.**

Ibni ser jagħmel dak kollu li huwa meħtieġ biex jgħaqqad il-familji fil-Ġenna l-Ġdida Tiegħu u meta tikkonsagraw lil uliedkom lili, l-Omm tas-Salvazzjoni, sejra tingħata protezzjoni kbira lil kull familja li uliedha jiġu offruti lili.

Imħabbti għal ulied Alla hija speċjali, għax jiena Omm l-ulied kollha ta' Alla. **Ser ikun permezz tiegħi, l-Omm tas-Salvazzjoni, illi l-erwieħ ikkonsagrati lili, ser ikunu salvati permezz tal-Ħniena ta' Ibni.** Dawn l-erwieħ mhux ser jiġu ttantati mill-qerq, li ser jiġi ppreżentat lid-dinja mill-antikrist.

**Intom għandkom tgħidu din it-Talba darba fil-ġimgħa, quddiem xbiha tiegħi, l-Omm maħbuba tagħkom, u tbierku lilkom infuskom bl-Ilma Mbierek qabel ma tgħiduha.**

**Talba tal-Kruċjata (153) Ir-Rigal ta' Protezzjoni għat-tfal:**

*O Omm ta' Alla, Omm tas-Salvazzjoni,*

*Jiena nitolbok biex tikkonsagra l-erwieħ ta' dawn l-ulied (niżżilhom hawn....) u nippreżenthom lil maħbub Iben tiegħek.*

*Itlob li Ġesu', permezz tad-Demm Prezzjuż Tiegħu, jiksi u jipproteġi lil dawn l-erwieħ żgħar b'kull tip ta' protezzjoni mill-ħażen.*

*Jiena nitolbok għażiża Omm, biex tipproteġi l-familja tiegħi fiż-żminijiet ta' diffikultajiet kbar u li l-Iben tiegħek jaċċetta t-talba tiegħi biex ngħaqqad il-familja tiegħi flimkien ma' Kristu u sabiex jagħtina s-Salvazzjoni Eterna. Ammen.*

Morru u kunu grati għall-Imħabba li Alla għandu għal uliedu. Ħniena kbira u Barkiet sejrin jingħataw lil kull wild u persuna żagħżugħa li isimha jiġi ppreżentat lili, għall-konsagrazzjoni lil Ibni.

Il-maħbuba Omm tagħkom

Omm tas-Salvazzjoni.

**Jiena wegħdt lil Missieri li ser nibqa' niġri wara kull ruħ li Jiena ssagrifikajt Ħajti għaliha.  U hekk sejjer nagħmel.**

It-Tlieta, 3 ta' Ġunju, 2014 @  18.22

Għażiża maħbuba binti, **hija l-intenzjoni Tiegħi li nġib il-konverżjoni f'kull nazzjon tad-dinja, u li nagħmel dan malajr.** Imħabbti għalikom ilkoll hija tant kbira, li saħansitra fejn isaltan it-taħwid fil-qlub ta' dawk li ma jafunix, jien sejjer nintervjeni b'modi li l-umanità għadha ma tafx bihom sal-lum.

Il-Paċi Tiegħi sejra tingħata lil kull ruħ li tara d-Dawl tal-Verità.  Imħabbti ġġibilhom kalma fl-ispirtu li huma qatt ma ħassew verament.  **L-Ispirtu tal-Verità ser ikun ir-Rigal Tiegħi lid-dinja u lill-umanità, li ma jagħrfux Lili.  Hemm biss, il-bniedem ikun jista' jinfetaħ għall-Intervent Divin, li huwa bi Kmand tal-maħbub Missieri, ħalli huwa jkun jista' jħaddan lil kull wild Tiegħu.**

L-Imħabba ta' Alla dalwaqt jarawha l-erwieħ vojti – erwieħ li jibqgħu magħluqin għall-influwenza ta' l-Ispirtu s-Santu.  **Il-Fjamma ta' l-Ispirtu s-Santu sejra bħal xabla, tinfed qlubhom u fuqhom jitferra' l-għarfien ta' kemm kull ruħ hija għażiża f'Għajnejn Alla.**

L-Ispirtu tal-Verità ser iqajjem l-erwieħ ta' dawk li jiċħdu Lili, li jmaqdru lil dawk li jemmnu Fija, u li jemmnu li lilhom ħadd ma jista' għalihom.  Dan ser imiss il-qlub tas-suppervi, l-imkabbrin, l-arroganti, kif ukoll l-injoranti, l-midinbin iebsa li għandhom il-mibegħda fi qlubhom, kif ukoll lil dawk baxxi.  L-ebda wieħed minnkom m'hu ser jitħalla barra minn dan il-Miraklu kbir.  Jiena wegħdt lil Missieri li ser nibqa' niġri wara kull ruħ li Jiena ssagrifikajt Ħajti għaliha.  U hekk sejjer nagħmel.  **Għax għal xhiex kienet tiswa l-mewt Tiegħi, kieku kienet tfisser li mqar midneb wieħed ma kienx jista' jsalva?**  Jiena ġej dalwaqt biex inħejjikom ilkoll għas-Salvazzjoni Tiegħi.  Ifirħu, għax iż-żmien Tiegħi huwa fil-qrib.

Morru, għeżież segwaċi Tiegħi, u ibqgħu fl-imħabba, t-tama' u stennew il-Ħniena kbira Tiegħi.  Jiena ser inwettaq il-Wegħda Tiegħi lil kull wieħed minnkom u hemm intom tieħdu l-premju tas-Saltna Tiegħi, jekk taċċettaw bl-umiltà, l-Imħabba Tiegħi li ser inxerridha bil-kbir.

Ġesù Tagħkom.

**Omm tas-Salvazzjoni: Il-Jum tal-Festa tal-Omm tas-Salvazzjoni, ser ikun l-aħħar wieħed iddedikat lili, l-Omm ta' Alla.**

L-Erbgħa, 4 ta' Ġunju, 2014 @ 14.13

Għeżież uliedi, **Ibni, Ġesù Kristu biss, jista' jagħti s-salvazzjoni, lill-erwieħ li jaċċettaw il-Ħniena Divina Tiegħu.**

**Min-naħa l-oħra, l-Midalja tas-Salvazzjoni, hija Rigal eċċezzjonali mis-Sema' lid-dinja, għall-Imħabba kbira li Ibni għandu għal ulied Alla. Permezz tal-qawwa mogħtija lili, bil-Kmand tal-Missier Etern tiegħi, din il-Midalja sejra tkun responsabbli għas-salvazzjoni ta' biljuni t'erwieħ.** Dan kollu huwa possibbli, għax ladarba ruħ taċċetta din il-Midalja b'qalb miftuħa, din iġġib il-konverżjoni.

**Ir-rwol tiegħi bħala Ko-Redentriċi, fejn jiena ngħin lil Ibni fil-pjan kbir Tiegħu biex jgħaqqad lil kulħadd u jġibilhom il-Ħajja Eterna, dan ġa ġie stabbilit. Bħala l-Omm tas-Salvazzjoni, l-qawwiet kollha li ġew mogħtija lili biex nisħaq ras is-serp, ifissru li l-qawwa tiegħu sejra tixxejjen malajr. Huwa għalhekk, illi hu, l-wieħed il-ħażin, ma jaħmilx din il-Midalja u huwa sejjer juża lil kull ruħ li huwa jinfesta, biex twerżaq oxxenitajiet u tiġġildilha.** Intom għandkom tinjoraw l-ispirtu tal-ħażen kull ħin u titolbu lili, l-maħbuba Omm tagħkom, f'dan il-jum speċjali, fis-snin li ġejjin, għall-Grazzji speċjali. **Jiena niddikjara dan il-jum, l-4 ta' Ġunju, 2014, bħala Jum il-Festa tal-Omm tas-Salvazzjoni. F'dan il-jum, meta intom tgħidu din it-talba,** jiena nintercedi f'isim l-erwieħ kollha, għar-Rigal tas-Salvazzjoni, speċjalment għal dawk li jinsabu fi dlam spiritwali kbir tar-ruħ.

**Talba tal-Kruċjata (154) Talba ta' Jum il-Festa tal-Omm tas-Salvazzjoni:**

*O Omm tas-Salvazzjoni, jiena npoġġi quddiemek, f'dan il-jum tal-4 ta' Ġunju, l-Jum ta' Festa tal-Omm tas-Salvazzjoni, l-erwieħ ta' dawn li ġejjin (niżżel l-ismijiet)*

*Nitolbok tagħti lili u lil dawk kollha li jonoraw lilek, għażiża Omm, u li jqassmu l-Midalja tas-Salvazzjoni, kull protezzjoni mill-wieħed il-ħażin u minn dawk li jirrifjutaw il-Ħniena tal-maħbub Iben tiegħek, Ġesù Kristu, u r-Rigali kollha li Huwa jagħti lill-umanità.*

*Itlob għażiża Omm, illi l-erwieħ kollha jiġu mogħtija r-Rigal tas-Salvazzjoni Eterna. Ammen.*

Ulied, ftakru dak li għidtilkom, dejjem sejħu lili, Ommkom, biex niġi ngħinkom fi żminijiet ta' ħtieġa kbira. Jiena dejjem sejra ninterċedi f'isimkom, biex inġibilkom il-paċi u l-faraġ f'kull mument fil-mixja tagħkom biex tiġu qrib ta' Ibni.

**Illum, il-Jum ta' Festa tal-Omm tas-Salvazzjoni, ser ikun l-aħħar jum iddedikat lili, l-Omm ta' Alla.** Ifirħu għax l-anġli kollha u l-qaddisin jingħaqdu f'dan iż-żmien, għall-erwieħ li ser ikunu protetti mill-wieħed il-ħażin u li xortihom issa sejra tkun f'idejn Ibni.

Ommkom il-maħbuba.
Omm tas-Salvazzjoni.

## Omm tas-Salvazzjoni: In-numru wieħed, ser jintuża' bħala simbolu fil-ktieb il-ġdid.

Il-Ġimgħa, 6 ta' Ġunju, 2014 @ 23.15

Għażiża binti, l-għedewwa ta' Ibni dalwaqt jippreżentaw lid-dinja, ktieb li ser ikollu n-numru wieħed mirqum fil-qoxra tiegħu, aħmar u iswed, bir-ras tal-mogħża moħbija ġewwa dan id-disinn.

Għal dawk li m'huma sejrin jifhmu xejn, dan il-ktieb ser ikun pubblikazzjoni mportanti, li sejra tgħaqqad lid-dinja. Ser jidher bħala l-akbar sors li minnu sejra toħroġ l-għaqda tad-dinja kollha u dan ikun iħeġġeġ lil dawk kollha li jaqrawh, biex idaħħlu mod ġdid kif jaħsbu, mod ġdid kif temmen fik innifsek, kif tkun ħanin miegħek innifsek, ħalli tkunu tistgħu tingħaqdu bħala ħaġa waħda, m'oħrajn li jimxu fuq din il-mogħdija li tagħti glorja lilek innifsek. Dan il-ktieb isir id-duttrina li tgħaqqad in-nazzjonijiet kollha, r-reliġjonijiet kollha, l-politika kollha, r-regolamenti kollha u l-veduti ekonomiċi. Dan sejjer jintuża' biex tinħoloq soċjeta' waħda dinjija, mingħajr reliġjonijiet li jonoraw lil Ibni, Ġesu' Kristu. Dan ser ikun parti mill-kurrikulum fl-iskejjel u l-gvernijiet kollha jiġu mħeġġa biex jaddottaw il-filosofija tiegħu, bħala parti mill-kostituzzjonijiet tagħhom.

In-numru wieħed ser jintuża bħala simbolu fil-ktieb il-ġdid, u n-nies ser jilbsu 'badges' , biex jiddikjaraw pubblikament ir-rabta tagħhom ma din l-alleanza waħda dinjija. Kollox ikun imħejji, meta jqum l-antikrist, il-ktieb ikun jidher li għandu parti fid-dittatura tiegħu. Dan il-ktieb ser jinkludi minn kull duttrina falza; minn kull falsita' f'Għajnejn Alla, gideb u filosofija perikoluża, li ser twassal lil dawk li jimxu fuqha, fl-iżball. Minħabba fih, l-kapaċita' li wieħed jagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin, sejra tiddgħajjef. Il-moralita' tagħhom tibda tiġi fid-dubju u l-paganiżmu, mistur bħala reliġjon li tilqa' lil kulhadd, ser ikun minsuġ f'kull paragrafu tiegħu.

Ħafna nies ikunu jridu jixtru dan il-ktieb, minħabba li ser jiġi ddikjarat li ħoloq suċċess kbir fil-politika. Ser ikun ktieb li jmexxi forma ta' kommuniżmu, iżda li ser ikun jidher bħala xi ħaġa li fiha spiritwalità unika, li tmiss il-qlub tal-ħafna. Ser ikun dak kollu li huwa bil-kontra tal-Kelma Vera ta' Alla. Ser ikun ktieb li jaħdem biex jevanġelizza lid-dinja fit-twemmin tal-importanza tal-umaniżmu. Jigglorifika l-umanità, l-intelliġenza tal-bniedem, il-progress tal-bniedem, il-qawwa kbira tal-bniedem fix-xjenza u l-importanza li l-pajjizi kollha jiġu kkontrollati bl-istess mod.

Kollox qed jiġi ppjanat biex jiżgura li l-antikrist ikun milqugħ fost ċelebrazzjoniet kbar. Għax ara ma tmorrux żbaljati, imma dan il-ktieb ser ikollu warajh il-moħħ ta' dak li ser jiddikjara lilu nnifsu r-re tad-dinja. U n-nies kollha ser ikunu eċitati għal dinja ġdida, bidu ġdid u mexxej ġdid. Biż-żmien, huwa jintlaqa' fil-Knisja ta' Ibni, bil-ktieb tal-ereżija. U meta jpoġġi fuq it-tronn fit-tempju l-ġdid, kulħadd ser jittrattah bħala l-Kristu. Ftit wara, huwa ser jidħaq bid-dinja u jagħtiha x'temmen li huwa Ibni, Ġesu' Kristu.

Dak ikun iż-żmien ta' ħafna dmugħ – dmugħ li jinxtered mis-Smewwiet minħabba l-qerq li ser jinvolvi lil tant nies. Dawn it-tħejjijiet kollha ġa bdew u għalhekk Alla wkoll qed iħejji biex jitqabad għal dawk li ser jaqgħu taħt l-influwenza tal-antikrist.

Ħejju sew, għeżież ulied,  għax ser tinħtieġu kull għajnuna mis-Sema biex tmantnikom matul dawk iż-żminijiet li ġejjin.

Imxu 'l quddiem bit-tama', għax dak il-perjodu jkun qasir, Alla mhux ser jippermetti li l-bestja jirrenja għal iżjed milli huwa meħtieg, skond l-Iskrittura Mqaddsa.  Afdaw, ittamaw u kunu grati li qed tiġu mogħtija l-Verità issa, għax b'hekk sejrin tkunu tistgħu tħejju.  Dejjem irringrazzjaw lil Alla ta' din il-Ħniena, għax Huwa tant ġeneruż, illi iżjed ma intom issejħulu permezz tal-Iben maħbub Tiegħu, iżjed huwa jtaffi l-impatt ta' dawn il-provi.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

## Il-fidi tal-kleru sejra tintrifes mill-akbar għadu ta' Alla, li qatt mexa' fuq l-Art – l-antikrist.

Is-Sibt, 7 ta' Ġunju, 2014 @ 20.00

Għażiża maħbuba binti, l-Ispirtu tal-Verità, li jinsab fil-Knisja Tiegħi fuq l-Art, irid jinżamm, ikun sostnut u ddifendut, minn dawk il-qaddejja mqaddsa Tiegħi, li f'idejhom Jiena fdajt il-kura tal-ulied ta' Alla.

**Is-saċerdoti fil-Knisja Tiegħi dalwaqt iħabbtu wiċċhom ma' sfidi, li ser ifissru li ħafna ser isibuha iebsa biex jiddefendu l-Kelma Tiegħi. Dak kollu li mhux ġej Minni, ser ikun ippreżentat lilhom minn dawk it-tradituri fosthom.**

Jien nixtieq infarraġhom u kif ser nagħmel kull m'hu fil-Poter Tiegħi, biex nimla lil ruħhom bin-Nirien tal-Ispirtu s-Santu. Nagħmel dan biex huma jibqgħu għassa, kalmi u ma jkollhom l-ebda dubju, meta jiġu mitluba biex jieħdu sehem f'duttrina, li mhix ser tkun ġejja Minni. **Huma, bħala gwardjani tal-Kelma Tiegħi, għandhom ikunu lesti biex jibqgħu leali Lejja.** Iżda **huma ser jiġu pperswaduti biex jimxu fuq interpretazzjoni ġdida tal-Kelma Tiegħi u din sejra twassal għal żball kbir.** Jekk huma jwasslu erwieħ innoċenti u lil dawk li huma devoti Lejja fl-iżball u jwaqqgħuhom li jidgħu, huma ser ikunu ħatjin li ħaddnu d-duttrini tal-Infern. Ta' dan, huma ser ikunu jafu kif tinħass ir-Rabja ta' Missieri.

**Is-saċerdoti li huma Tiegħi jeħtieġilhom li jġeddu l-wegħdiet tagħhom tal-imħabba, l-karita' u l-kastita', jekk huma jridu li jibqgħu fi Stat ta' Grazzja, biex ikunu jistgħu jaqdu Lili kif wegħdu li jagħmlu f'Ismi.** Sfortunatament, il-qawwa tal-ħażen, li sejra tikber fosthom, sejra tkun tali, illi ħafna ser isibu li l-pressjoni fuqhom ma jifilhux għaliha. **Oħrajn iħaddnu d-duttrina l-ġdida u jsiru biċċa minn dak li daqt jiġi ddikjarat bħala saċerdozju wieħed dinji – fejn huma ma jibqgħux jaqdu lil Alla Trinita'. Hemm huma jġibu ħafna erwieħ fl-apostasija.** Ftit biss jibqgħu fidili Lejja u huma għad ifarrġu lil dawk il-Kristjani li qatt m'huma sejrin iħallu l-Verità. Dawk li jittradixxu Lili, huma stess ser ikunu l-vittmi tal-antikrist u l-armata tiegħu, li sejra tippersegwithom b'ħafna modi, li jkunu jfissru li jekk ma jagħmlux patt mal-bestja, huma jiġu mwarrba bħal kriminali u akkużati bi ħwejjeġ qrib ta' tradiment.

**Il-fidili għad ifarrġu lil xulxin u bil-Grazzja Tiegħi, huma jiġu mogħtija Rigali minn Alla, li jkunu meħtieġa biex jipproteġu lilhom infushom kontra l-persekuzzjoni, fosthom is-Siġill ta' Alla l-Ħaj, li ser jgħinhom biex jegħlbu l-oppożizzjoni li sejrin iħabbtu wiċċhom magħha meta l-Kristjaneżmu jiġu brutaliżżat.** Dawk li huma Għalija u li jinsabu Fija, ser iħossu kuraġġ kbir f'qalbhom, għax huma jkunu jistgħu jiddixxernu l-Ispirtu tal-Verità mill-ispirtu tal-ħażen. U matul dan iż-żmien kollu, l-fidi tal-kleru sejra tintrifes mill-akbar għadu ta' Alla, li qatt mexa' fuq l-Art – l-antikrist. Huwa jsaħħarhom u jiġbidhom lejn għanqbuta ta' qerq u disperazzjoni. L-influwenza tiegħu fuqhom tkun bħal dlam kbir, li jinzel fuqhom u jitfi d-Dawl ta' ruħhom, u wara dak, ħafna jbiegħu ruħhom lil Satana.

Dawn il-ġrajjiet kollha jinstemgħu li ser jagħmlu storbju sħiħ, bħal tifqiegħa ta' ragħda, imma mhux hekk jaħdem il-bestja. Le, l-missjoni tiegħu tkun tidher bħala evanġelizżazzjoni kbira tad-dinja, li tkun tidher b'ħafna modi. Tkun tidher hekk tiġbdek, illi mhux ser ikunu biss il-qaddejja mqaddsa, l-illuminati ta' Alla, magħżulin biex imexxu l-poplu Tiegħu fuq l-Art lejn il-qdusija, li sejrin jaqgħu vittma ta' dan il-qerq. **L-għedewwa ta' Alla sejrin iħaddnu l-moviment evanġeliku ġdid, li ser jitħabbar biċċa biċċa u mhux bid-daqq tat-trombi, għax kieku jqajjem ħafna mistoqsijiet.**

Jiġu mdaħħlin leġiżlazzjonijiet ġodda li jkunu jidhru li qed itejbu l-ħajja tal-foqra tad-dinja. Imbagħad, **l-għaqda flimkien tal-pajjizi tinħoloq permezz tal-banek, kummerċ, alleanzi biex jaħdmu spalla ma' spalla fil-każ ta' gwerrer futuri, fil-politika u fl-aħħar fir-reliġjon.** Dawn il-passi ġa bdew u l-pjan ilu jiġi mfassal għal iżjed minn seba' snin, f'dettall kbir.

Kullma nitlob minnkom huwa li tibqgħu għassa u titolbu għas-sacerdoti Tiegħi, ħalli jibqgħu jżommu l-Grazzji li Jiena nitfa' fuqhom biex jaqdu Lili u jżommu l-Fidi Vera.

Il-Verità biss tibqa' għal dejjem.

Il-Verità tal-Kelma Tiegħi biss issostni l-ħajja – l-ħajja tar-ruħ, kif ukoll il-ħajja ta' din l-Art.

**Il-gideb li jiġu pprezentati bħala Verità, ġejjin minn Satana, li huwa kkundannat għall-eternità**. Dawk li jimxu warajh, jimxu fuq il-modi tiegħu u jsiru l-qaddejja tiegħu, ser jintefgħu fid-dlam u jkunu qed ipoġġu lilhom infushom f'periklu kbir.

**Il-Verità biss sejra ssalvakom, Jiena huwa l-Verità.** Imxu biss warajja, xejn iżjed ma jġibilkom l-imħabba, l-paċi u l-hena u l-kuntentizza eterna. Huwa biss meta timxu warajja u l-Kelma Qaddisa Tiegħi – kif Jiena nagħtiha lid-dinja, fejn ma tkunx ġiet mbagħbsa – hemm biss tistgħu ssalvaw.

Ġesù Tagħkom.

## [Omm tas-Salvazzjoni: Jiena nitlob lil dawk li jsegwu dawn il-Messaġġi, biex jitolbu għal din il-Missjoni.]

Il-Ħadd, 8 ta' Ġunju, 2014 @ 14.45

Binti, nista' nitlob lil dawk li jsegwu dawn il-Messaġġi biex jitolbu għal din il-Missjoni. It-talb tagħkom qed jiġi mitlub ħalli din il-Ħidma tkun protetta min-nasses kollha u l-għemejjel tal-wieħed il-ħażin, permezz ta' dawk li jagħtuh ġieħ. **It-talb tagħkom qatt qabel ma kien daqshekk meħtieg daqs kemm huwa bħalissa.** Il-ħidma tal-wieħed il-ħażin kontra din il-Missjoni ta' Salvazzjoni hija qawwija ħafna u l-mibegħda tiegħu qegħda tiżdied. Jekk intom ma titolbux lil Alla biex iferrex din il-mibegħda u l-influwenza tiegħu minn fuq l-umanità, l-ħidma tiegħu tikber u teqred l-erwieħ, li l-unika tama' tagħhom ta' salvazzjoni hija permezz tar-Rigali, li Alla jagħti lil uliedu.

**Jiena nitlobkom għeżież ulied, biex titolbu għal dawk li jiddedikaw ħajjithom għas-Sejħa ta' Alla u għal din il-Missjoni. Din it-Talba għandha tingħad għall-profeti ta' Alla, l-viżżjunarji u l-qaddejja mqaddsa, ħalli jibqgħu jaqduH Huwa u jtemm il-Patt Finali.**

**Talba tal-Kruċjata (155) Għall-Protezzjoni tal-Missjoni ta' Salvazzjoni:**

*O Omm l-iżjed għażiża tas-Salvazzjoni, isma' talbna għall-protezzjoni ta' din il-Missjoni ta' Salvazzjoni u għall-protezzjoni ta' wlied Alla. Aħna nitolbu għal dawk li jisfidaw ir-Rieda ta' Alla f' dan il-mument kbir fl-istorja. Aħna nitolbu li inti tipproteġi lil dawk kollha li jwieġbu għas-sejħa tiegħek u għall-Kelma ta' Alla, biex issalva lil kulħadd mill-għedewwa ta' Alla. Nitolbuk biex tgħin fil-ħelsien ta' dawk l-erwieħ li jaqgħu vittma tal-qerq tax-xitan u biex jiftħu għajnejhom għall-Verità.*

*O Omm tas-Salvazzjoni, għin lilna midinbin ħalli nkunu denji li nirċievu l-Grazzja tal-perseveranza fil-ħin tat-tbatija tagħna f' Isem Ibnek, Ġesù Kristu.*

*Ipproteġi din il-Missjoni mill-ħsara. Ipproteġi lil uliedek mill-persekuzzjoni. Għatti lilna lkoll bil-Mantar l-Izjed Qaddis tiegħek u agħtina r-Rigal li nżommu l-fidi tagħna, kull darba li niġu sfidati talli ngħidu l-Verità, talli nxerrdu l-Kelma Qaddisa ta' Alla, tul il-jiem li baqalna għal issa u għal dejjem. Ammen.*

Għeżież uliedi, kuljum intom għandkom tippreżentaw it-talbiet tagħkom lil Ibni, għall-protezzjoni ta' din il-Missjoni kontra l-mibegħda ta' Satana. Meta intom tagħmlu dan, tiġi mogħtija lilkom kull Barka. **Għal dawk minnkom li tistgħu, nitlobkom toffru Quddies, spiss kemm jista' jkun, għall-profeta ta' Alla Maria Ħniena Divina u għall-qaddejja kollha ta' Alla, sabiex permezz tal-Ħniena ta' Alla, l-erwieħ kollha jingħaqdu Miegħu fis-Saltna Tiegħu għal dejjem.**

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

## L-imħabba hija l-uniku mod biex tinqered il-mibegħda. Il-mibegħda ma tistax teqred l-Imħabba jekk din tkun ġejja minn Alla.

It-Tnejn, 9 ta' Ġunju 2014 @ 21.42

Għażiża maħbuba binti, kemm nixtieq nasal għand dawk li tilfu l-fidi u dawk li m'għadhomx jemmnu Fija, kif ukoll għand l-injoranti.

**Dawn il-Messaġġi huma għad-dinja – mhux biss għall-magħżulin,** li jilqgħu Lili b'kull ġieħ u li ruħhom hija mimlija bl-imħabba Għalija. **Jiena nħobb lil kulħadd, iżda neħtieġ lill-fidili biex ixerrdu l-Kelma ta' Alla, ħalli jkebbsu ġewwa dawk il-qlub magħluqin u iebsin, in-Nar tal-Imħabba Tiegħi.**

Jekk intom tħobbu Lili, intom tagħmlu ma' l-oħrajn dawk l-għemejjel tajba kollha li għallimtkom. Intom tittrattaw lill-oħrajn, kif ħabbejtkom Jiena. Li tkun Kristjan tfisser li tiddefendi Kelmti b'kull mod. Qatt m'għandkom tinsew li Mħabbti hija Divina**. Id-Divinita' Tiegħi ma tista' ssib xejn ħażin fiha u l-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu hija nvinċibbli meta din tkun Preżenti f'kull ħidma li ġejja Minni. Il-ħidmiet Tiegħi huma qawwija u jikbru u jinfirxu bħal buffura riħ qawwija b'saħħa li lanqas biss tifhmuha.** Għalhekk meta nurikom Lili nnifsi permezz tal-Kelma Tiegħi – il-Messaġġi Tiegħi lid-dinja – jekk tħaddnuni, Jiena nuri Ħniena kbira ma' dawk li jaċċettaw il-Kalċi Tiegħi bil-ferħ. Meta intom taċċettaw ir-Rigali li nagħtikom u tużawhom kif nixtieqkom Jiena, għall-ġid tal-oħrajn, hemm iseħħu mirakli kbar ta' konverżjoni. **Imħabbti, meta taċċettawHa minn Għandi, tinfirex mal-oħrajn.** Meta l-oħrajn jirċievu l-imħabba tagħkom, huma wkoll jagħrfu minn fejn tkun ġejja.

**Meta Mħabbti tidħol ġewwa ruħkom, permezz tal-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, ġġibkom għarkoptejkom Quddiemi, tibku bil-ferħ. Tiżbaljawx, intom tagħrfu l-Imħabba ta' Alla mall-ewwel, meta din tinfed qlubkom bil-Qawwa tal-Paraklitu. Imbagħad tifhmu l-Qawwa tal-Imħabba, għax Jiena Mħabba**. Jiena l-Qawwa li biha kull xitan, kull anġlu li waqa' u Satana nnifsu, jaqgħu mal-art f'agunija, għax huma m'għandhom l-ebda qawwa Fuqi.

**Meta tħallu Mħabbti timla lil ruħkom, intom ukoll ikollkom il-qawwa ġewwa fikom, li tegħlbu kull tip ta' ħażen fid-dinja. Imħabbti teqred il-qawwa ta' Satana u x-xjaten kollha tiegħu.** Imħabbti tkun l-arma kontra l-ħażen, li ser tħabbtu wiċċkom miegħu minħabba li titkellmu f'Ismi. **Aċċettaw Imħabbti u dejjem ħobbu l-għedewwa Tiegħi.** Toboghdux lill-għedewwa Tiegħi, għax dak hu eżattament li jridkom tagħmlu l-wieħed il-ħażin, ħalli jxerred il-mibegħda. **Meta l-imħabba tinxtered, din tnissel imħabba fl-oħrajn hekk kif il-mibegħda tnissel id-dubju, l-biża' u r-rabja.** L-imħabba hija l-unika mod kif tinqered il-mibegħda. Il-mibegħda ma tistax teqred l-Imħabba jekk din tkun ġejja minn Alla.

Nixtieq nagħtikom din it-Talba tal-Kruċjata biex nipproteġikom mill-mibegħda.

**Talba tal-Kruċjata (156) Protezzjoni mill-mibegħda:**

*Għażiż Ġesù agħtini Mħabbtek u iftaħli qalbi ħalli naċċetta Mħabbtek bil-gratitudni. Bil-Qawwa tal-Ispirtu s-Santu, ħalli Mħabbtek tiddi fuqi, sabiex inkun mixgħela tal-Ħniena Tiegħek.*

*Dawwarni bi Mħabbtek u agħti li mħabbti Għalik ittaffi kull tip ta' mibegħda, li niltaqa' magħha meta nxerred Kelmtek. Ferra' l-Ħniena Tiegħek fuqna u aħfer lil dawk li jirrifjutawk, jinsultawk u li ma jagħtux każ tad-Divinità Tiegħek, u agħtihom ir-Rigal tal-Imħabba.*

*Ippermetti li Mħabbtek tiddi fi żminijiet ta' inċertezza, fidi dgħajfa, fi żmien il-prova u t-tbatija, u bil-Qawwa tal-Ispirtu s-Santu għinni biex inwassal il-Verità lil dawk li jeħtieġu l-iżjed l-Ghajnuna Tiegħek. Ammen.*

Għeżież segwaċi Tiegħi, intom ser tkunu teħtieġu l-Protezzjoni Tiegħi iżjed ma tikber din il-Missjoni. **Imħabbti dejjem tiksikom u Jiena nuri Lili nnifsi lilkom permezz ta' Kelmti, il-Grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu u l-konverżjoni, permezz tat-talb, li din il-Missjoni ta' Salvazzjoni sejra ġġib lid-dinja.**

Qatt tiddubitaw mid-Divinità Tiegħi jew mill-Qawwa ta' Alla, għax mingħajri m'intom xejn.

Ġesù Tagħkom.

**Mingħajr id-Dawl Tiegħi m'hemm xejn ħlief dlam tar-ruħ. Xejn paċi. Xejn imħabba. Xejn tama'. Xejn ħajja.**

It-Tlieta, 10 ta' Ġunju, 2014 @ 12.05

Ġħażiża maħbuba binti, forsi n-nies jistaqsu għaliex huwa mportanti li s-Sagrifiċju tal-Quddiesa Mqaddsa jibqa' jinżamm akkost ta' kollox? **Il-Quddiesa hija l-punt fokali tal-Preżenza Tiegħi – l-Preżenza Tiegħi Vera fid-dinja. Il-Preżenza Tiegħi ġġib kemm il-Ħajja kif ukoll id-Dawl. Din tagħti l-Ħajja lir-ruħ u timliha bi Grazzja unika.** Iġġib magħha d-Dawl – id-Dawl Tiegħi – li huwa aktar qawwi mix-xemx. Xrara mid-Dawl Tiegħi hija biżżejjed biex tixgħel kamra li tkun fid-dlam. Sakemm l-Ewkaristija Tiegħi tibqa' tinżamm fi glorja kbira fuq l-artali tal-Knejjes Tiegħi, jkun hemm il-ħajja. Mingħajrha, jkun hemm id-dlam. **Meta Jiena ma nkunx preżenti, ma jkunx hemm Dawl. Mingħajr id-Dawl Tiegħi m'hemm xejn ħlief dlam tar-ruħ. Xejn paċi. Xejn imħabba. Xejn tama'. Xejn ħajja.**

**Ikunu xi jkunu r-regoli l-ġodda li ser jinfurzaw fuqkom f'isem l-evanġelizzazzjoni u l-moderniżmu, f'Ismi, kunu għafu li jekk l-Ewkaristija Tiegħi ma tkunx meqjuma kif suppost u kif ghandha tkun, kunu ċerti li ma ddumx ma tisparixxi għal kollox.** F'dak il-jum li jiġri dan kollu, jkun hemm dlam li jinżel fuq id-dinja. Intom ma tarawhx, imma tħossuh fil-qlub kiesħa tal-bnedmin, għax sa dak in-nhar, l-umanità tkun tbiddlet. **Ladarba tonqos il-Preżenza Tiegħi, jinfetħu l-bibien tal-Infern u l-antikrist jeħodli Posti fil-Knisja Tiegħi.** Ser ikun hu, li mhux ġej Minni, li ser ipoġġi fuq it-Tronn li huwa bi dritt Tiegħi. U ser ikun quddiemu, illi l-Knisja Tiegħi sejra tinxteħet tulha mal-art f'riġlejh. Dak ikun l-akbar tradiment Tiegħi, Ġesù tagħkom, minn meta Ġuda tani f'idejn l-għedewwa Tiegħi biex isallbuni.

Sejra tkun il-Knisja Tiegħi li tiġi ppersegwitata mill-bidu, u jkunu dawk dgħajfa fil-fidi li jagħtu gieħ lill-bestja. **Ser ikunu dawk l-irġiel li jgħidu li jirrappreżentaw il-Knisja Tiegħi – li ser jerġgħu jsallbuni mill-ġdid.** Meta l-impustur jiddikjara li huwa Jiena, s-sigħat jibdew itektku u mbagħad b'ħoss li jtarrax waqt li s-smewwiet jinferqu u jfaqqgħu r-ragħad, taraw Lili Ġej lura. Hemm id-dinja tifhem il-Verità tal-Wegħda Tiegħi li niġi lura biex nieħu s-Saltna Tiegħi, fl-aħħar, u ngħaqqad il-Knisja Tiegħi, l-Vera Knisja Tiegħi – dawk li jkunu baqgħu leali Lejja matul il-provi u t-tribulazzjonijiet.

Xejn ma jista' jkun aqwa mill-Knisja Tiegħi, għax taħt it-Tmexxija u d-direzzjoni Tiegħi, Din tibqa' mpenetrabbli kontra l-bestja u dawk it-tradituri kollha li jkunu ttradewni għall-gwadann tagħhom infushom.

**Isimgħu issa l-Wegħda Tiegħi. Dak kollu li għidtilkom li għandu jiġri, sejjer jiġri.** Kull ma wegħdtkom ser iseħħ. Kull ma huwa Tiegħi huwa tagħkom. **Intom kollha Tiegħi. Iggranfaw Miegħi għal ħajjitkom, għax mingħajr il-Protezzjoni Tiegħi, intom taqgħu fl-iżball u taqsmuli Qalbi.** Qatt titilquni, u tmorru ma' dak li jobgħodkom. Jiena qatt ma nitlaqkom, għax inħobbkom wisq. Niġbidkom Lejja u xorta tinġibdu lura. Għaliex? Minn xhiex qed tibżgħu? Ma tafux li intom ġejjin Minni u dak huwa d-dritt naturali tagħkom? **Serrħu Fuqi, għeżież segwaċi Tiegħi, għax intom daqt tħossukom mitlufin u ma tafux fejn ser tmorru.** U Jiena nkun qed nistenna, biex inġibilkom Imħabbti u noffrilkom il-faraġ.

Ejjew.  Tibżgħux Minni.  Jiena niġi biss bl-imħabba, biex inġibilkom il-Paċi.

Bid-Dawl Tiegħi taraw.

Imħabbti ġġibilkom it-tama'.

Qalbi ġġibilkom il-faraġ.

Idejja jfejqukom.

Għajnejja jarawkom.

Il-Pjagi Tiegħi jiġbdukom.

Ġismi jmantnikom.

L-Uġigħ Tiegħi  huwa tagħkom

L-Uġigħ tagħkom huwa Tiegħi.

Il-Ħniena Tiegħi ssalvakom.

Kelmti hija l-mogħdija li twassal għas-Saltna Tiegħi

Ġesù Tagħkom.

**Alla l-Missier: Il-Qawwa tat-Trinità Mbierka, hija aqwa minn kull indħil tal-bniedem.**

L-Erbgħa, 11 ta' Ġunju, 2014 @ 12.25

Binti l-iżjed għażiża**, x-Xewqa Tiegħi hija li kull wieħed minnkom iwieġeb għas-Sejħa tat-Trinità l-Iżjed Qaddisa f'dan iż-żmien**. Il-Qawwa tat-Trinità Mbierka hija aqwa minn kull indħil tal-bniedem u bil-Grazzja tal-Imħabba Tiegħi, Jiena qed nersaq lejn l-umanità biex niddikjara l-Verità.

**Tibżgħux minn Missierkom, għax Jiena tagħkom u intom Tiegħi. Il-Qawwa kollha tinsab f'Idejja u Jiena ser nagħmel eċċezzjonijiet biex ngħaqqad lid-dinja.** Ħafna erwieħ huma ndifferenti Lejja. Huma jwarrbuni, jiċħdu l-Eżistenza Tiegħi u jinsultaw id-Divinità Tiegħi billi jpoġġu allat foloz, magħmulin mid-deheb maħlul, qabli. Dak kollu li huwa magħmul mit-tafal sejjer jitbiddel ma' eżistenza mġedda. Xejn fuq din id-dinja m'hu etern. Kollox jerġa' jsir trab. Dak kollu li huwa etern mhux tad-dinja tagħkom. Ħloqt il-bniedem Xbiha Tiegħi. Infaħtlu l-ħajja u intom ġejtu mogħtija n-nifs, u Huwa Jiena li neħodha lura. Kollox jibda u jispiċċa Bija u l-ebda bniedem ma jiddetta kif Jiena għandi ngħaqqad lil uliedi. Dak huwa x-xogħol Tiegħi – mhux tagħkom. **Il-Pjanijiet Tiegħi biex insalva l-erwieħ – it-tajbin, il-ħżiena u l-imsejknin, mhux sejrin jiġu meqruda.** Issirilhom xi ħsara, forsi, imma ma jinqerdu qatt, għax dak kollu li Jiena ngħid iseħħ u dak kollu li Jiena nixtieq jitwettaq.

Jiena naf lil kull wieħed minnkom, għax intom tnissiltu minn Imħabbti. Huma x'inhuma ċ-ċirkustanzi tagħkom, dawn jiġu mill-Providenza Divina u hemm raġuni għal kollox. Dawk minnkom li ma jafunix – intom Tiegħi wkoll, għax Jiena ħloqtkom. Intom ma ħriġtux mill-ispeċi l-oħrajn. Jekk temmnu dan, tkunu qed tqarrqu bikom infuskom u jkun biss mezz, li żergħa l-qarrieqi fi qlubkom, biex jiċħad Lili. Meta tiċħdu Lili, l-Missier Etern tagħkom, intom tiċħdu s-Salvazzjoni Eterna. U meta tiċħdu l-Verità tal-Eżistenza Tiegħi, intom tkunu qed tifirdu lilkom infuskom mill-eżistenza tal-glorja eterna.

Il-Ħniena hija kollha Tiegħi. Jiena nferrex il-Ħniena Tiegħi fuq dawk ta' qalbhom pura, li għandhom l-imħabba f'ruħhom għax ħallew Lili nidħol fihom. **L-uniku tfixkil biex tieħdu l-Ħajja Eterna, hija s-suppervja tal-umanità.** Is-suppervja hija l-unika l-akbar barrikata li żżomkom milli tingħaqdu Miegħi. Jista' jkun li intom tafu Lili, permezz ta' Ibni, tifhmu Kelmti, iżda ma tagħmlux dak li ġejtu mgħallmin. **L-Imħabba ġejja Minni. Meta jkun hemm is-suppervja f'ruħ, l-imħabba tmut ġo fiha u teħdilha postha l-mibegħda. Is-suppervja ġejja minn Satana u ma nistax għaliha, daqs kemm ukoll iġġib inkwiet.**

**Ħalluni nħobbkom billi taċċettaw il-Kelma Tiegħi u r-Rigali li Jiena nagħti lid-dinja permezz tal-akbar Sagrifiċju tal-mewt ta' Ibni fuq is-Salib. Tajtkom il-ħajja. Tajtkom Lili nnifsi, permezz tal-Manifestazzjoni ta' Ibni. Baxxejt Lili nnifsi bl-umiltà quddiemkom, dan kollu biex nirbaħ id-dnub tas-suppervja.** Għallimtkom permezz tal-profeti. Tajtkom ir-Rigal tar-rieda ħielsa iżda intom abbużajtu minnu biex tissodisfaw il-ġibdiet u x-xewqat tagħkom. **Ir-Rigal tar-rieda ħielsa għandu żewġ skopijiet – biex jagħtikom il-ħelsien li tkunu tistgħu tagħżlu, ħalli tiġu Għandi mhux għax tibżgħu Minni, imma għax tħobbu Lili u sabiex**

**tirbħu l-qawwa tax-xitan.** Hija r-rieda ħielsa tagħkom li Satana jrid fuq kollox u huwa juża' kull qerq biex idawwarkom li tagħtuhielu. Meta l-erwieħ jagħmlu dan, permezz tad-dnub tas-suppervja, prattiċi new age u l-okkult, huma jsiru lsiera tal-wieħed il-ħażin. Huwa mbagħad juri lilu nnifsu ġo l-erwieħ li jkunu ċedewlu r-rieda ħielsa tagħhom, b'kull tattika minn tiegħu. Intom tgħarfuhom minn kif iġibu ruħhom. Iżda **s-sinjal wieħed li r-rieda ħielsa tagħhom ġiet mogħtija lill-wieħed il-ħażin, huwa meta dawn l-erwieħ ifittxu kontinwament li jwaqqgħu għaż-żufjett lil Ibni, Ġesù Kristu, u lil Ommu, l-Verġni Mmakulata Marija, Omm tad-Dinja. Satana ma jaħmilx lit-tnejn li huma.**

Min-naħa l-oħra, meta intom tużaw ir-rieda ħielsa li tajtkom, għall-ġid ta' ruħkom u biex tħobbu lil xulxin, dan huwa mezz qawwi kif titfu l-qawwa ta' Satana. Iżda **huma dawk l-erwieħ li jagħtu Lili, permezz ta' Ibni, Ġesù Kristu, r-rigal tar-rieda ħielsa tagħhom, li jagħtu l-aktar rigal qawwi minn kollox. Ser ikun permezz ta' dawn l-erwieħ li Jiena sejjer nirbaħ lill-wieħed il-ħażin u l-mezz li bih Jiena nkun nista' nsalva l-erwieħ ta' dawk li nqatgħu għal kollox Minni.**

Dik hija l-Wegħda Tiegħi. Sejjer insalva l-erwieħ ta' dawk li huma każijiet l-iżjed mitlufin, permezz tas-sagrifiċji ta' dawk li jagħtu Lili dan ir-rigal tar-rieda ħielsa, permezz ta' Ibni, Ġesù Kristu.

Il-Missier Etern tagħkom.

Alla l-Iżjed Għoli.

## Dak ikun l-Akbar Jum minn meta Alla ħoloq lil Adam u lil Eva.

Il-Ġimgħa, 13 ta' Ġunju, 2014 @ 22.20

Għażiża maħbuba binti, **ż-Żmien Tiegħi huwa fil-qrib ħafna u minħabba dan, huwa mportanti li kull persuna fid-dinja tħejji, daqs li kieku kienet sejra tiġi meħuda minn din il-ħajja, kull mument. Tinjorawx is-Sejħa Tiegħi, għax dawk li jonqsu milli jħejju għall-Jum il-Kbir, ser jispiċċaw f'ħafna nkwiet.**

**Fil-Jum tat-Tieni Miġja Tiegħi, li qablu tiġi t-Twissija, fejn Jiena ser nagħti prova lid-dinja ta' Min Jien, intom għandkom tkunu lesti.** Jiena niġi għalikom ilkoll biex neħodkom fil-Ġenna sabiħa u glorjuża l-ġdida. Ma nixtieq li nħalli lil ħadd barra. Kull wieħed minnkom huwa wild għażiż ta' Alla. Dawk li ma jafux min huma l-ġenituri tagħhom, ser jagħrfu mall-ewwel, Min Jien. Għax din toħroġ minn istint ġewwa l-uman, bħal meta tarbija li tkun mifruda mill-ġenitur naturali tagħha, tagħraf demmha u laħamha, saħansitra jekk tieħu tul ta' ħajja biex jingħaqdu flimkien. Din ser tinħass naturali u għal dawk li jafu jħobbu, l-aħħar mument ikun mimli b'imħabba tal-ġenn. M'għandkom xejn minn xhiex tibżgħu.

Għal dawk li jagħżlu li jemmnu f'allat foloz u li ma jagħrfux lil Alla Trinita', intom mhux ser taċċettawni malajr, għax intom dejjem irrifjutajtuni. Imma xorta Jiena sejjer niġbidkom Lejja u ngħannaqkom. Il-Qawwa ta' Alla sejra tinżel fuqkom, permezz tar-Rigal tal-Ispirtu s-Santu, u intom sejrin issibuha bi tqila biex tagħtuni daharkom. Għalhekk, dawk kollha li jaraw Lili, inklużi dawk li rrifjutawni f'din il-ħajja, ħafna minnkom jagħrfu l-verità f'dak l-istadju. Intom tħalluni niġbidkom għal ġewwa d-Dirgħajn Qaddisa Tiegħi.

**Jiena sejjer ngħollikom, f'mument, f'tebqa t'għajn, għal ġewwa s-Saltna Tiegħi. U hemm jibda l-bidu tat-tmiem. Dawn l-erwieħ li jkunu għamlu l-bestja l-idolu tagħhom u li jkunu taw ġisimhom, moħħhom u ruħhom lil Satana, u li bir-rieda kollha tagħhom saru aġenti tiegħu, mhux ser ikollhom lejn fejn iduru, mkien fejn jistaħbew u jitħallew mingħajr għajnuna, għax Satana jkun ġa telaqhom. Għax sa dak in-nhar, Satana jkun ġa nxteħet fl-abbiss u tispiċċa l-qawwa tiegħu għal kollox f'dak il-punt. Lil dawk l-erwieħ Jien ngħidilhom dan. Saħansitra f'dak l-istadju, Jiena nuri Ħniena magħkom. Intom għandkom tgħajtu Lili u tgħidu:**

***"Ġesù għinni, Ġesù, aħfirli ta' dnubieti kollha."***

**U Jiena ntellakom ukoll, fil-Ġenna l-Ġdida Tiegħi.**

Jiena nsalva lil kull ruh li ssejjaħli eżatt qabel ma jingħalqu s-smewwiet, jaqgħu l-muntanji u l-ibħra jfawwru l-Art u mbagħad is-Smewwiet jisparixxu mal-Art il-qadima. Hemm titla' l-Ġenna l-Ġdida Tiegħi, s-Sema u l-Art il-Ġodda, hekk kif kienu maħluqa ghal Adam u Eva, u kulħadd jifraħ. Għax dak ikun l-Akbar Jum minn meta Alla ħoloq lil Adam u lil Eva. Qatt tonqoskom it-tama' u ftakru fi Kliemi lilkom bħalissa.

**Il-Ħniena Tiegħi hija tant kbira li saħansitra dawk li biegħu ruħhom lix-xitan, ser jiġu salvati, jekk huma jkunu jixtiequ, billi jsejħu Lili fl-Aħħar Jum.** Huma

wkoll jistgħu jgħixu Ħajja Eterna ta' glorja kbira, mal-ulied kollha ta' Alla. Din il-Ġenna l-Ġdida hija l-wirt bi dritt tagħkom. Tberbquhiex, għall-wegħdiet vojti u foloz ta' Satana.

Jiena nħobbkom ilkoll. Dejjem żommu Mħabbti magħluqa sew ġo qlubkom u Jiena nipproteġikom mill-ħażen.

Ġesù Tagħkom.

## Intom m'għandkom taduraw l-ebda alla ieħor, ħlief lil Alla Trinita'.

Is-Sibt, 14 ta' Ġunju, 2014 @ 12.40

Għażiża maħbuba binti, hemm Alla wieħed biss – Alla l-Missier, Alla l-Iben u Alla l-Ispirtu s-Santu – lkoll Persuni distinti f'Wieħed. M'hemmx tlett partijiet separati, Aħna Wieħed – Alla l-Missier, Ħallieq ta' kollox, Alla l-Iben, kif Huwa deher jgħix fostkom u Alla l-Ispirtu s-Santu, mogħti lill-umanità bħala Rigal li bih il-Verità timla qlubkom bil-għarfien, ħajja ġdida u l-Qawwa tal-Imħabba Tiegħi.

Meta tiġu Għandi, intom tiġu għand Missieri. Meta l-Ispirtu s-Santu jsejħilkom, Dan ikun ġej mill-Missier. **Kollox ġej minn Alla. Intom qatt m'għandkom taduraw ebda alla ieħor, ħlief lil Alla Trinità. Iżda kunu għafu dan. Biex issiru tafu lill-Missier, intom tridu tagħrfu lill-Iben, għax mingħajri, Ġesù Kristu, intom ma tistgħux tkunu tafu lill-Missier.**

Alla jħobb lil uliedu kollha, iżda wliedu ma jħobbuHx kif suppost. S'hemm kollox sew, għax permezz Tiegħi, huma sejrin isiru parti mis-Saltna l-Ġdida Tiegħi fuq l-Art. Imbagħad hemm dawk li jsegwu lil wieħed il-ħażin u li bl-għarfien kollu tagħhom, huma jagħtuh ir-rigal tar-rieda ħielsa tagħhom. Ikun hemm li ma jibqalhomx iżjed kontroll fuq l-azzjonijiet tagħhom, għax l-ispirti ħżiena ġewwa fihom, jużawhom biex iġibu magħhom erwieħ oħrajn vulnerabbli. Dawn l-erwieħ ma jqimux lil Alla – u minflok jaduraw lil Satana. **Jiena nittalbilkom biex tgħinuni nslava lil dawn l-erwieħ imsejkna, għax huma ma jistgħux iżjed isalvaw ruħhom stess permezz tal-għażla ħielsa. Jiena nixtieq li permezz tat-talb, intom tittalbu għall-ħelsien tal-erwieħ li jinsabu miżmuma maqbudin, ħalli jiġu lura Għandi.**

**Talba tal-Kruċjata (157) Għall-erwieħ li jinsabu miżmuma maqbudin:**

*O għażiż Ġesù, eħles lil dawk l-erwieħ li huma lsiera ta' allat foloz u ta' Satana. Għinna biex permezz tat-talb tagħna neħilsuhom mill-uġigħ tal-possessjoni.*

*Iftaħ il-bibien tal-ħabs tagħhom u wrihom it-triq lejn is-Saltna ta' Alla, qabel ma jiġu meħuda ostaġġi minn Satana għal ġewwa l-abbissi tal-Infern.*

*Nitolbuk, Ġesù biex tgħatti lil dawn l-erwieħ bil-Qawwa tal-Ispirtu s-Santu, ħalli jfittxu l-Verità u għinhom isibu l-kuraġġ biex jagħtu daharhom lin-nasses u l-ħażen tax-xitan. Ammen.*

Il-problema li jiltaqgħu magħha l-erwieħ li jaduraw allat foloz, hija li huma jħallu lilhom infushom miftuħin għall-ispirtu tal-ħażen, li kulma jkollu bżonn hija farka mir-rieda ħielsa tagħhom, biex jinfesthom. **L-allat foloz iwasslu l-erwieħ f'periklu kbir. L-akbar periklu jkun li huma jaħsbu li dawn il-prattiċi huma normali, ta' ġid għall-ispirtu tagħhom u li huma mezz li bih isibu l-paċi u l-kalma f'ħajjithom. Kulma jsibu huwa wġigħ u niket.**

**Kunu mwissija dwar il-perikli ta' min isegwi l-okkult u l-prattiċi new age, għax dawn mhux ġejjin Minni.** Huwa biss meta timxu warajja, Ġesù Kristu, li intom

jista' jkollkom il-Ħajja Eterna. L-oppost tal-ħajja hija l-mewt. L-mewt tal-ġisem ma tfissirx it-tmiem tal-eżistenza tagħkom. L-eżistenza tagħkom hija għall-eternità. L-Ħajja Eterna tiġi biss Minni. L-mewt Eterna tiġi minn Satana.

Ġesù Tagħkom.

[Jiena sejjer inġarraf it-tempji ta' dawn is-settet u nwaqqafhom mill-atti vili tagħhom kontra ulied Alla](#).

Il-Ħadd, 15 ta' Ġunju, 2014 @ 09.30

Għażiża maħbuba binti, kemm Jiena njorat, mwarrab u mibgħud, bosta nies lanqas biss jafuh dan.

Dawn huma gruppi u settet li huma ddedikati għall-adorazzjoni ta' Satana u li jagħmlu atroċitajiet terribbli taħt it-tmexxija ta' dak li jobgħod Lili. **L-imsejkna midinbin li jkunu nvoluti jkunu biegħu ruħhom lix-xitan, minn fuq barra, huma jkunu jidhru li fihom passata żmien, iżda isimgħuni issa. Huma għandhom biss imgħallem wieħed u dan l-imgħallem għandu poter kbir fuqhom għax huma tawh ir-Rigal tar-rieda ħielsa tagħhom.** U bħalma Satana ma jaħmilx lir-razza umana, huwa juża' lil dawn l-erwieħ, għalkemm huma lanqas biss jifhmu dan il-fatt. Il-mibegħda tagħhom Lejja hija qawwija daqs kemm hija lejn dawk li jaqdu Lili, Ġesù Kristu.

**L-aħħar battalja għall-erwieh sejra tkun miġġielda f'kull parti tad-dinja, u ser ikunu dawn il-gruppi, li ser jitqabdu biex jeħduli n-nies u s-Salvazzjoni finali li Jiena ser inġib lil ulied Alla. Minħabba li Jiena nħobb lil kulħadd – inklużi dawk li ssagrifikaw ħajjithom u d-dritt tagħhom għas-Salvazzjoni Eterna, għall-wegħdiet vojti tar-re tal-gideb, id-dover Tiegħi huwa li negħleb l-ostakli biex nilħaqhom u nsalvhom.**

Jiena sejjer inġarraf it-tempji ta' dawn is-settet u nwaqqafhom fl-atti vili tagħhom kontra ulied Alla. Dawk li ser jiġu meħlusa minn dawn il-ħabsijiet tal-mibegħda, Jiena nwegħdhom, li ser isibu Lili nistennihom. **Għal kull ruħ minn dawn il-gruppi, li tiġi Għandi tfittex il-paċi, - Jiena sejjer nikkonverti, għaxar darbiet ta' dak in-numru. Jiena nirbaħ lix-xitan u nieħu lill-ulied Alla, jkunu għamlu x'jkunu għamlu, lura minn xifer l-abbiss tal-Infern.**

Qatt tibżgħu mill-qawwa tal-ispirtu tal-ħażen, meta intom tkunu tafdaw Lili għal kollox. Il-Qawwa Tiegħi, l-Qawwa ta' Alla, il-Bidu u t-Tmiem, qatt ma tista' tinqered. Imma, jekk xi ħadd jipprova jeqred il-Qawwa ta' Alla, fl-istess ħin li jaf il-konsegwenzi, u li jirrifjuta kull sforz minn Tiegħi biex insalvalu ruħu, - dan isofri għall-eternità.

Ġesù Tagħkom.

## Jiena kollni Ħlewwa, mimli Mħabba u Paċenzjuż.

Il-Ħadd, 15 ta' Ġunju, 2014 @ 14.25

Għażiża maħbuba binti, **l-Pjan Tiegħi biex nifdi lill-umanità u nikxef is-Saltna Ġdida Tiegħi, qed jirnexxi kif kien imħabbar.** Jiena sejjer inġib lid-dinja Rigal kbir u għal dawk li jsibu dan kollu tal-għaġeb u tal-biża', kunu għafu dan.

Jiena kollni Ħlewwa, mimli Mħabba u Paċenzjuż u kollox ser isir bir-Rieda Qaddisa ta' Missieri, li ma jixtieqx iġib uġigħ u nkwiet lil ħadd minn uliedu, huma kemm huma suwed l-erwieħ tagħhom. Kieku kien hekk, Huwa ġa qered lid-dinja u ħa biss lil dawk magħżulin fil-Ġenna l-Ġdida Tiegħu. **Għalhekk Missieri stenna u stenna, sakemm il-popolazzjoni tad-dinja kienet fl-akbar numru tagħha. Huwa beda l-aħħar parti tal-Pjan Tiegħu biex isalva l-umanità, ħalli ħafna jkunu jistgħu jiġu salvati f'daqqa.**

**M'għandkomx tibżgħu minn dan il-Pjan jew topponuh, għax il-premju aħħari, huwa wieħed li ser iġibilkom glorja kbira.** Tieqfulux, twaqquhx għar-redikolu jew twarrbuh, għax inkella tibku din id-deċiżjoni għall-eternità. Lanqas bniedem wieħed m'għandu jindaħal mar-Rieda ta' Alla. **Sabiex isalva lill-ħafna, Missieri mhux ser jaħsibha darbtejn biex jikkastiga lil dawk li jfixkluH fi triqtu biex isalva biljuni t'erwieħ.** U filwaqt li kull ruħ hija prezzjuża GħaliH, u Huwa sejjer jintervjeni biex iġib lura l-erwieħ f'sensihom, **Huwa sejjer jeqred lil dawk li huma responsabbli li qed jiċħdulu miljuni t'erwieħ. Tiddubitawx li dawn ser ibatu ta' dan u kunu għafu li intom sejrin tagħrfu lil dawn l-erwieħ minn għemilhom u mill-kastig li ser jieħdu. Il-kastig tagħhom sejjer jibda minn din id-dinja f'dan iż-żmien, bit-tama' li huma jaraw il-Verità.** Jekk jonqsu minn dan, Missieri jneħħihom.

Il-Qawwa ta' Alla bħalissa qed tidher fuq l-Art u intom sejrin taraw kif dawn in-naħat ser jiffurmaw f'battalja għall-erwieħ. Magħhom ser ikun hemm dawk li jħobbu Lili verament, dawk li ma jafunix u dawk li jafuni, iżda li jagħżlu li jaqdu mgħallem ieħor u mhux Lili. L-uniċi rebbieħa ser ikunu dawk li bil-Ħniena ta' Alla, sejrin jinagħtaw l-Imfietaħ għas-Saltna ta' Alla.

Ġesù Tagħkom.

[**Il-bibien infetħu biex ħallew lil dawk li ma jemmnux Fija, jiddesagraw il-Knisja Tiegħi**](#).

It-Tnejn, 16 ta' Ġunju, 2014 @ 17.27

Għażiża maħbuba binti, għal dawk fostkom li ma jixtiqux li Jiena nikkomunika magħkom, kunu għafu dan. Ir-rieda ħielsa tagħkom tfisser li intom ħielsa li tagħżlu jekk taċċettawx jew le, dak li qed ngħid u li nixtieq. Jekk temmnu jew ma temmnux – dik hija l-għażla tagħkom u tagħżlu dak li tagħżlu, Jiena qatt ma Jiena sejjer niġġudikakom ta' dan.

**Imma intom qatt ma tistgħu tiġġudikaw oħrajn f'Ismi.** B'dan irrid infisser li ma tiġġudikawx lil dawk li jirrifjutaw Lili, kif ukoll lil dawk li jaċċettaw l-Intervent Tiegħi. **Ebda wieħed fostkom m'għandu d-dritt li jiddikjara persuna ħażina jew ħatja li qed tagħmel ħażin.** Dawk fostkom li jiġġudikaw bil-aħrax – lil dawk in-nies li taħsbu li qed jagħmlu ħażin, li huma ħatjin ta' ħażen jew ereżija – intom m'għandkomx dan id-dritt. **Għandkom tibqgħu siekta u titolbu għal dawk li taħsbu li qegħdin fil-ħażin.** Jiena biss, Ġesù Kristu, għandi l-Qawwa li niġġudika l-umanità.

**Meta tbaxxu persuna oħra fl-Isem Qaddis Tiegħi, intom tkunu ħatja ta' dnub** u Jiena nżomm dan kontra tagħkom. **Meta tweġġgħu oħrajn b'ilsienkom, Jiena nsikkitkom.** Meta tferu r-reputazzjoni ta' persuna oħra, r-reputazzjoni tagħkom tiġi f'dubju mill-oħrajn. **L-ipokresija tiddiżgustani** u meta intom tkunu ħatja ta' kalunja, f'Ismi, intom iġġibu l-mistħija mhux fuqkom biss, iżda fuq l-Isem Qaddis Tiegħi.

Kull bniedem li jġib ħsara fuq persuna oħra u fil-miftuħ jiddikjara li huwa jitkellem f'Isem Alla, jqarraq bih innifsu. Dawk li jikkastigaw oħrajn u jgħidu li qed jagħmlu dan biss, għax qed jobdu l-ordnijiet, minħabba d-dedikazzjoni u d-devozzjoni lejn Alla, dawn mhux ġejjin Minni. Imisskom tistħu, għax intom lanqas biss tafuni. U **sakemm intom qegħdin titqabdu bejnietkom – Kristjan kontra Kristjan – il-pagani fostkom qed jinvadu l-Knisja Tiegħi.** L-għadu jaħdem bil-għaqal ħafna. Il-pjan makakk tiegħu huwa li joħloq nuqqas ta' qbil ġewwa l-Knisja Tiegħi u meta r-rabta Miegħi tiddgħajjef, l-bibien ikunu nfethu biex iħalli lil dawk li ma jemmnux Fija jiddesagraw il-Knisja Tiegħi u l-Ewkaristija Qaddisa.

Tal-mistħija intom li tafu l-Verità – l-Kelma Qaddisa Tiegħi mogħtija lilkom permezz tal-Iskrittura l-Iżjed Qaddisa. **Sar minn kull sagrifiċju għalikom; il-profeti ta' Alla li kienu ġew mibgħuta lilkom, ġew vjolentati, ppersegwitati u maqtula; l-vižżjunarji, u l-qaddisin – kollha ġew meqjuma wara mewthom, iżda kienu msawta minnkom meta xerrdu Kelmti u mbagħad kien hemm is-Sagrifiċju Tiegħi stess – meta intom sallabtu Lili. U issa x'intom tagħmlu? Qegħdin tħallu lil dawk li jaduraw allat foloz, jagħtuhom qima fuq l-Artali Tiegħi, li kienu magħmulin biex jonoraw Lili.** Dawn il-pagani jħallukom tagħmlu l-istess fit-tempji tagħhom?

L-istorja tirrepeti lilha nfisha. Dawk li ma kinux jemmnu f'Alla, ħadu l-Knisja ta' Missieri u ramewhom 'l barra. **Meta tiddesagraw il-Knisja Tiegħi u lil Ġisem Tiegħi, intom ma tibqgħux denji li taqdu Lili** u Jiena sejjer nibgħat 'l barra lil kull

qaddej minn Tiegħi li jittradini b'dan il-mod. **Dnubietkom huma iżjed suwed minn ta' dawk li intom taqdu f'Ismi, għax intom sejrin tieħdu magħkom l-erwieħ li tieħdu Lili.** Wasal iż-żmien li tagħżlu. Jew taċċettaw Lili, Ġesù Kristu, hekk kif Jien, u mhux kif intom triduni li nkun, jew tiċħduni. M'hemm xejn fin-nofs.

Ġesù Tagħkom.

[Id-dinja qegħda tmut bil-guħ għall-Verità tal-Kelma Tiegħi.]

It-Tlieta, 17 ta' Ġunju, 2014 @ 22.23

Għażiża maħbuba binti, **l-Armata tal-Fdal Tiegħi nġabret f'għadd kbir u tinsab mifruxa ma' kull parti tad-dinja. Dawk li huma Tiegħi jafuni u bil-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, Jiena wrejt Lili nnifsi permezz tal-Qawwa ta' Kliemi li jinsabu f'dawn il-Messaġġi Mqaddsa.**

**Kelmti tiġbed malajr Lejja, lil dawk li huma ġa mberkin bl-Ispirtu Qaddis.** Għal dawn l-erwieħ m'hemmx dubju. L-Ispirtu s-Santu, permezz ta' Kliemi, jiġbed lil dawk li jibqgħu lura u filwaqt li huma ma jkunux ċerti jekk hux tassew Jiena, Ġesù Kristu li qed insejjaħ lilhom biex iwieġbu għas-Sejħa Tiegħi, huma jersqu Lejja bil-kawtela. Sakemm fl-aħħar jgħannquni waħda sew. Imbagħad hemm dawk li jemmnu Fija, iżda li ma jaċċettawx li Jiena qed insejjaħ lilhom. Huma wkoll, biż-żmien għad iwieġbu għas-Sejħa Tiegħi. Iżda **x'inhi s-Sejħa Tiegħi?** Hija biss biex nagħti prova Tiegħi nnifsi? Le, għax dik m'hemmx bżonnha. **Is-Sejħa Tiegħi hija biex niġborkom ħalli nħejjikom, biex il-Kristjani kollha jgħinuni fil-ġirja Tiegħi biex insalva l-umanità.** Ser ikun permezz tad-dixxipli Tiegħi li ser inkun nista' nagħmel ħafna ħwejjeġ.

**Il-Missjoni Tiegħi hija li nsalva l-erwieħ u sejjer nagħmel dan billi nuża' r-rieda ħielsa tal-bniedem.** Ir-Rieda ta' Alla hija li tagħti l-ħajja u ġġib lil ulied kollha ta' Alla taħt il-ħarsien Tiegħu. **Bir-Rieda Divina ta' Alla,** l-erwieħ kollha jistgħu jiġu salvati, iżda t-triq lejn is-Salvazzjoni Eterna tinsab fir-rieda ħielsa mogħtija lill-bniedem minn Alla. **Sejjer ikun permezz tar-rieda ħielsa tagħkom, illi kull wieħed minnkom jagħżel il-futur tiegħu.** M'intomx tiġu sfurzati biex taċċettaw il-Ħniena ta' Alla, iżda intom ser tiġu mitluba li timxu warajja. Jiena qatt ma sa nikkmandakom li tagħmlu dan, għax huwa dritt tagħkom – id-dritt tar-rieda ħielsa tagħkom – li tiddeċiedu dak li tridu tagħmlu.

Xi wħud ser jagħżlu bil-għaqal, għax huma jafu dak li qed noffri Jiena, it-Triq tal-Verità – t-Triq tal-Ħajja Eterna. Xi wħud ser jagħżlu mingħajr għaqal u ser isegwu t-triq il-ħażina. Huma jagħmlu dan għax ikunu naqsu milli jifhmu l-Verità, l-Kelma ta' Alla. Huma jkunu ħallew il-ġibda tal-attrazzjonijiet materjali, ġibdiet tal-ġisem u pjaċiri, li jeħduhom 'l bogħod Minni. Huma ma jemmnux fil-ħajja wara l-mewt u ma jħossu l-ebda rimors għad-dnubiet li jkunu għamlu biex waslu għall-pjaċiri egoisti tagħhom. Imma xorta, dawk jekk jiġu murija l-Verità u jiġu mħeġġa mill-oħrajn biex jisimgħu l-Kelma ta' Alla u l-Wegħda Tiegħi għall-futur, huma jistgħu jinbidlu. Huma, permezz tar-Rigal tal-Konverżjoni, jistgħu jgħixu fis-Saltna Tiegħi.

**Is-Sejħa Tiegħi hija sabiex inħeġġeġ l-erwieħ kollha ħalli jfittxu l-Verità.** Permezz tar-rieda ħielsa tagħhom – u trid tkun bil-għażla tagħhom – huma jħallu Lili, l-maħbub Ġesù tagħhom, isalvhom. **Jiena nsejjaħ lill-Kristjani kollha issa, biex jilbsu l-korazza u jimmarċjaw 'l quddiem biex jgħinu Lili niġbor lil dawk l-erwieħ li huma mxerrda u mitlufa. Bl-għajnuna tagħkom, Jiena nkun nista' nħeġġeġ l-erwieħ kollha ta' kull twemmin, razza u kulur, sabiex jiġu Għandi. Meta intom tersqu lejhom, Jiena niksikom bir-Rigali kbar ta' l-Ispirtu s-Santu ħalli jirnexxielkom u ġġibuli l-erwieħ mitlufin li Jiena nibki għalihom kull sekonda.**

Ir-Rieda ta' Alla, hija li jsalva kulħadd. Iżda huwa permezz tar-rieda ħielsa tal-bniedem, li jagħżel li jersaq f'Dirgħajja, bil-għażla ħielsa tiegħu, li r-Rieda Divina ta' Alla sseħħ kif għandha tkun. **Morru, intom ilkoll u għallmu l-Verità tal-Evanġelji Mqaddsa.** Id-dinja qegħda tmut bil-ġuħ għall-Verità tal-Kelma Tiegħi. Kelmti m'għadhiex tiġi mgħallma kif għandha tkun. In-nies għandhom jiġu mogħtija l-Verità. – dan huwa għal xhiex Jiena tajt ħajti. Mingħajr aċċess għall-Verità – l-Kelma Qaddisa Tiegħi – intom ma tkunux tistgħu tagħżlu t-triq ġusta għas-Salvazzjoni Eterna.

**Għalhekk qed niġi issa, biex inġibilkom il-Verità.** Biex inġibkom f'sensikom, ħalli tkunu mħejjija, lesti u tistennew il-Jum il-Kbir mingħajr biża', nkwiet jew tħassib ġewwa qlubkom. Meta intom taċċettaw Lili u tafdaw Fija għal kollox, intom tkunu fil-paċi.

Ġesù Tagħkom.

**Omm tas-Salvazzjoni: Għal kull pass li tagħmlu biex tersqu eqreb lejn l-Iben Prezzjuż Tiegħi, intom tagħmlu żewġ passi lura.**

L-Erbgħa, 18 ta' Ġunju, 2014 @ 14.51

Uliedi, **imxu warajja, l-Omm tas-Salvazzjoni, u żommu ma' idi, waqt li jiena mmexxikom tul it-triq lejn Ibni**. Ikun permezz tal-interċessjoni tiegħi li ħafna minnkom ser ikollhom il-kuraġġ li jimxu din it-triq kollha xewk u ħotob, lejn is-Salvazzjoni Eterna.

Għeżież ulied, sabiex issiru tafu verament lil Ibni, hemm bżonn ħafna perseveranza. **Intom għandkom tiftħu moħħkom, qlubkom u ruħkom, mingħajr ebda traċċa ta' dubju jew suppervja, qabel ma tkunu tistgħu taraw.** Meta l-Verità tiġi murija lilkom ġewwa qlubkom, intom għandkom tibqgħu mdendlin ma' dan, għax huwa l-uniku mezz li bih tinħelsu.

**Għal kull pass lil tagħmlu biex tersqu lejn il-Prezzjuż Ibni, intom tagħmlu żewġ passi lura, minħabba l-mod li bih il-wieħed il-ħażin jabad magħkom**. Huwa qatt ma jissokta jaħdem biex jeħodkom 'l bogħod minn Kristu, għax għamilha l-missjoni tiegħu li jeħodkom fid-direzzjoni opposta. **Għalhekk, meta taqgħu tul il-vjaġġ tagħkom, intom tridu tinġabru u terġgħu tibdew kollox mill-bidu.** Għax kull darba li tieħdu pass b'lura, kunu għafu, li dak kollu li jinfluwenzah Satana, dejjem ikun b'lura – l-oppost ta' dak li Ibni jagħti lir-razza umana. **Għalhekk intom teħtieġu paċenzja kbira, imma la darba tegħlbu kull tfixkil, intom timxu iżjed bil-ħeffa tul it-triq lejn Ibni.** Kull pass b'lura, meta tirkuprawh, isaħħaħkom fil-fidi tagħkom. U meta l-fidi tagħkom tissaħħaħ, ma jibqa' xejn li jfixkilkom milli ssiru dixxiplu veru ta' Ġesù Kristu.

Morru fil-paċi, għeżież ulied, **u ħallu lili, l-Omm tas-Salvazzjoni, ngħinkom issiru iżjed b'saħħitkom f'imħabbitkom għal Ġesù Kristu, għax mingħajru qatt ma ssibu l-paċi u s-serħan li intom tfittxu f'din il-ħajja jew warajha**.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

## Omm tas-Salvazzjoni: Dawn il-Mirakli ser iseħħu fuq perjodu ta' tlett snin.

Il-Ħamis, 19 ta' Ġunju, 2014 @ 13.48

Binti, **l-Mirakli li kkmanda l-Missier Etern tiegħi, dalwaqt isiru magħrufa mal-partijiet kollha tad-dinja. Dawn il-Mirakli sejrin jisfidaw kull raġunar uman, għarfien xjentifiku jew esperjenza. Id-dinja, x-xemx u l-qamar sejrin jaħdmu flimkien u jipprovdu spettakli mhux tas-soltu** u ħafna sejrin ikunu jafu li dan kollu mhux possibbli ħlief bl-Id ta' Alla. Dawn il-Mirakli ser iseħħu fuq perjodu ta' tlett snin u ser ikunu għal raġuni. **Huma għandhom iħeġġu l-fidi tal-umanità ħalli din tinduna li kollox huwa kkontrollat minn Id Alla.**

Meta jsiru atti u għemil ħżiena mill-bniedem, dawn jistgħu jitwaqqfu minn Alla. Il-battalja bejn il-wieħed il-ħażin u Alla, hija tqila biex in-nies jifhmuha. Meta jseħħu l-inġustizzji, dawn ikunu permessi għal raġunijiet differenti, iżda l-akbar fosthom hija l-bżonn tal-purifikazzjoni. Dan jista' jidher li mhux sew, iżda dan mhux għall-bniedem biex jifhmu, sakemm jiġi mogħti d-Don tal-Għerf, li ġej mill-Ispirtu s-Santu. Huwa meta l-erwieħ jiġu ppurifikati li huma jibdew jindunaw l-mod li bih jaħdem Alla, sabiex iġib lil uliedu fi stat li jistgħu jagħrfuH.

**L-Mirakli li qed nitkellem dwarhom jinkludu Atti kbar minn Alla, li jinvolvu traġedji li jiġu meħlusa, li kienu jidhru mpossibbli min-naħa xjentifika. Dawn ikunu jinkludu wkoll sinjali kbar fis-sema; il-moviment tad-dinja u l-kuluri li għandhom x'jaqsmu man-natura.**

**Is-sehem tiegħi f'dawn il-Mirakli ser jidher permezz tas-sinjali li jiena ser nagħmel fil-lokalitajiet tad-deheriet tiegħi madwar id-dinja.** Tibżgħux minn dawn il-Mirakli, għax huma Rigal minn Alla. Kunu grati tal-Ħniena Tiegħu, għax m'hemm l-ebda biċċa xogħol tant kbira, li Huwa ma jagħmilx biex jiżgura li r-razza umana titqajjem u taċċetta Lilu. Din hija r-Rieda ta' Alla, għax Huwa jħobb lil kull wieħed minnkom.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

**Omm tas-Salvazzjoni: Biex taqdu lil Ibni verament, l-ewwel ħaġa tridu tħobbuH. Biex tħobbu lil Ibni, l-ewwel tridu tkunu tafuH**.

Is-Sibt, 21 ta' Ġunju, 2014 @ 15.40

Għażiża binti, **ħajti fuq l-Art kont ngħixha permezz ta' Ibni, Ġesù Kristu. Ruħi kienet maħluqa minn Missieri fis-Smewwiet, Alla l-Iżjed Għoli, u t-twelid tiegħi kien Rigal straordinarju għall-umanita'. Jiena ġejt mibgħuta minn Alla bi skop wieħed, li nagħti lid-dinja l-Messija tant mistenni. It-twelid ta' Ibni kien Mirakoluż u mill-ewwel mument li Huwa ħa l-ewwel Nifs Tiegħu, l-unika xewqa tiegħi kienet li naqdi kull ħtieġa Tiegħu.**

Jiena kont nadura lil Ibni u nagħrfu b'reverenza kbira. **Il-ġmiel Tiegħu ta' Alla malajr beda jidher fi żmien tlett xhur mit-twelid Tiegħu. It-tbissima Tiegħu kienet mill-isbaħ u hekk, żgħir kif kien, l-Għajnejn blu Tiegħu, kienu jinfdu f'fond u b'maturità mhux tas-soltu.** Kont naf li jien kont hemm biex naqdiH b'kull mod, imma Huwa kien jurini Mħabba Kbira ta' età veru żgħira. Din ma kinitx sempliċement l-imħabba li tarbija jkollha lejn ommha – kienet ħafna akbar minn hekk. Kien jikkalmani, jmellisli wiċċi meta kont inkun inkwetata fuq il-perikli, li jiena u l-għarus tiegħi San Ġużepp, kellna nħabbtu wiċċna magħhom.

Wara l-eżodu lejn l-Eġittu, kont insibha iebsa li nistrieħ, u kont nibqà għassa għal kulma seta' jkun ta' theddida jew periklu, u dan kien ifisser li kont norqod ftit sigħat mal-lejl. Saħansitra qabel ma Ibni għarraf Lili nnifsu, kont nara ċar il-perikli li kien ser iħabbat wiċċu magħhom fil-futur. IdejH, dejjem kienu jersqu lejn in-nies b'imħabba u ħbiberija. Bħala tifel, kien jiġbed ħafna nies Lejh, għalkemm ma kellhomx ħjiel ta' Min kien. Kien jiġbed Lejh kritika mhix f'lokha minn ħbieb u nies li kien jaf. Kien jiġi bullied u kienu jidħqu biH u jiena kont imwarrba minn ħafna. Il-Preżenza ta' Alla kienet tiġbed kemm lit-tajbin, kif ukoll lil dawk ta' ruħ mudlama, lejn il-familja żgħira tagħna, mill-jum li Ibni twieled. Imħabbti Għalih kienet qawwija ħafna. Kont inħobbu għal dak li Hu, iżda kont inħobbu bħala Omm, u dik l-imħabba tissokta sal-lum.

Jiena kont nipproteġiH wisq lil Ibni u meta tliftu, fi triqitna lura minn Ġerusalemm, kont imwerwra. Is-sens ta' telfa kont qed inħossu f'kull parti minn ġismi u ma stajtx nistrieħ qabel ma nsibu. F'dak il-jum, meta sibtu jitkellem u jippriedka lix-xjuħ fit-Tempju, jiena ndunajt li minn dak il-mument 'l quddiem, jiena kelli biss naqdiH u nobdi għal kull Xewqa Tieghu.

Biex taqdu lil Ibni verament, l-ewwel ħaġa tridu tħobbuH. Biex tħobbu lil Ibni, l-ewwel tridu tkunu tafuH. **Li tkun taf lil Ibni tfisser li trid tistudja Kelmtu u tifhem dak li Huwa qal lid-dixxipli Tiegħu matul Żmienu fuq l-Art. Huwa biss permezz ta' Kelmtu li tistgħu ssiru tafu lil Ġesù Kristu. Jekk intom taċċettaw il-Kelma Qaddisa Tiegħu, hemm intom tistgħu taqduH. Ma tistgħux taqduH jekk intom ma tonorawx Kelmtu u ma tagħmlux dak li għallimkom.** L-ubbidjenza lejn il-Kelma ta' Alla hija meħtieġa jekk tridu tgħixu ta' Kristjani veri. Jekk intom tippriedkaw Kelmtu, mbagħad intom tridu tgħixu dak li Huwa ppriedka – li tħobbu lil xulxin, li tagħmlu mal-oħrajn dak li intom tridu li jagħmlu magħkom, u li tonoraw lil Alla, permezz tas-Sagramenti Mqaddsa, kif għallimkom Hu.

**Intom qatt m'għandkom tiddettaw lil Alla dwar ix-xewqa tagħkom li tbiddlu Kelmtu, għax mhux dritt tagħkom.** Taqdu lil Ibni biss, jekk intom tibqgħu ubbidjenti lejn it-Tagħlim Tiegħu. Morru fil-paċi biex tħobbu u taqdu lill-Mulej.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni

**Qabbluni ma' omm li jkollha tinfired mill-wild tagħha fit-twelid.**

It-Tnejn,23 ta' Ġunju, 2014 @ 01.45

Għażiża maħbuba binti, llum Jiena qed inġib lilek u lill-maħbubin segwaċi Tiegħi, Barkiet kbar. Qalbi trid tinqasam bl-imħabba għalikom ilkoll. **Jiena nagħraf li triqitkom biex taqdu Lili, tista' tkun iebsa ħafna xi drabi, iżda nixtieq ngħarrafkom li Jiena qed immexxikom kull sekonda.** M'hemmx prova waħda li jista' jkun li tiġu wiċċkom magħha, li intom ma tistgħux tegħlbuha. Għalhekk, jekk intom tħossukom bla forza u mbeżżgħin, m'għandkomx taqtgħu qalbkom u meta intom tafdaw Fija, kollox jidher eħfef.

Qabbluni ma' omm li jkollha tinfired mill-wild tagħha mat-twelid u li qatt iżjed ma tista' tara lil din it-tarbija matul ħajjitha. L-omm qatt m'hi sejra tinsa lil dik it-tarbija u tgħaddi kull ġurnata tibki lil laħamha u demmha, bit-tama' li xi darba għad terġa' tingħaqad mat-tarbija tagħha. Dik it-tarbija tkun fil-ħsibijiet tagħha kull jum, hija titlob għall-ġid tagħha u tħoss uġigħ dejjiemi, fil-fond ta' qalbha, għat-telfa tagħha. Xejn ma jissodisfha, sa ma tħaddan lil dik it-tarbija f'dirgħajha. Hija jkollha paċenzja kbira, tama' kbira u xewqa kbira li tiġi wiċċ ma' wiċċ ma' dik it-tarbija li hija ħarġet minn ġufha, u ma tagħtix każ tas-snin li jgħaddu. Kulma jimporta huwa li hija u t-tarbija tagħha jerġgħu jsiru ħaġa sħiħa. – mibrumin wieħed ma' l-ieħor.

**Jiena bħal kull ġenitur li jkollu jgħaddi minn tant inkwiet. Għalija din l-istennija hija ta' niket. Iżda l-uġigħ tat-telfa, bħal dik tal-iben li jkun ilu mitluf u li jirrifjuta li jiġi lura għand il-ġenitur tiegħu, hija l-akbar minnhom kollha. L-uġigħ li Jiena nħoss, meta nkun irrifjutat minn ulied Alla, huwa torment kontinwu Għalija.** Jiena nagħmel minn kollox biex inġib dawn l-erwieħ fi Ħdani. Jiena nuża erwieħ oħrajn – ħuthom subien u bniet, li jridu jikkunslaw Lili – f'din il-ġirja biex inqajjem l-erwieħ reqdin. **Jiena neħtieġ lill-maħbubin segwaċi Tiegħi, ħut dawn ulied Alla, l-erwieħ mitlufin, sabiex jitferrxu madwar id-dinja u jiġbruli l-familja Tiegħi flimkien.**

**Aħna rridu ningħaqdu kontra l-ispirtu tad-dlam, li ser jagħmilha kważi mpossibblli għal dawn l-erwieħ li jifhmu l-Verità tat-twelid tagħhom.** Dawn in-nies għandhom jiġu mgħarrfa bid-dritt naturali tagħhom, il-wirt tagħhom u s-Salvazzjoni Eterna tagħhom. Għax iż-żmien li tinkixef il-Verità kollha, huwa fil-qrib. **Bl-għajnuna tagħkom, maħbubin segwaċi Tiegħi, huma jiġu Għandi, lura fil-familja Tiegħi, fejn aħna lkoll sejrin ningħaqdu, fl-aħħar bħala ħaġa waħda.** Hekk kif kellu jkun.

Inħobbkom ilkoll bi ħlewwa kbira u Jiena nifraħ meta intom twieġbu bl-imħabba għas-Sejħa Tiegħi.

Ġesù Tagħkom.

Taqtgħux ir-rabtiet tagħkom minn ma' dawk li jobogħdukom minħabba Fija.

L-Erbgħa, 25 ta' Ġunju, 2014 @ 23.37

Għażiża maħbuba binti, **m'hemmx bżonn li n-nies iwaqqfu l-attivitajiet tagħhom ta' kuljum, meta huma jagħtu kelma ta' rabta Miegħi.** Jiena m'inhix Alla li nikkmandakom tinżlu f'Riġlejja, u tħallu r-responsabbiltajiet tagħkom ta' kuljum. Jiena ma noqgħodx niddandan, wieqaf fil-majestà Tiegħi, b'attaġġjament imkabbar, biex naħkem ir-razza umana, lanqas ma niddetta kull mossa tagħkom jew nagħsarkom biex tobdu Lili. Dak mhux Min Jien, għax Jiena ġejt bħal qaddej umli biex neħles il-bniedem mill-irbit max-xitan.

Jiena ġejt biex insalvakom u nerġa niġi biex inkompli l-Pjan Tiegħi ta' Salvazzjoni. Jiena ninsab hawnhekk biex naqdikom. Jiena ġej biex niġbidkom Lejja, u għalkemm Jiena nitgħaxxaq b'imħabbitkom Għalija u għall-ħin li intom tiddedikaw Lili, l-intenzjoni Tiegħi hija li nagħmel dan b'mod li ma nġibilkomx inkwiet li mhux meħtieġ. **Filwaqt li Jiena nilqa' l-ħin li intom tagħtu Lili u t-talb li toffru, intom xorta għandkom tgħixu ħajjitkom biex titimgħu u tlibbsu l-familji tagħkom. Kulma nixtieq huwa li tgħixu ħajjitkom kif huwa meħtieg biex taqdu Lili.** U **aktar ma tikber ir-relazzjoni tagħkom Miegħi, intom ser tħossu x-xewqa li titkellmu Miegħi permezz tal-ħsieb u l-kliem.**

Jiena nixtieq li intom tittrattaw lill-oħrajn bl-istess rispett li turu Lejja. Targumentawx jew tirrabjaw mal-oħrajn minħabba Fija. **Biss qatt tiġġustifikaw l-azzjonijiet jew il-kliem ta' dawk li jinsultaw Lili – itolbu għalihom. Hekk kif imħabbitkom Għalija tikber, ir-relazzjoni tagħkom Miegħi ssir iżjed intima. Meta jiġri dan, hemm ikun iż-żmien meta intom tiġbdu fuqkom ir-rabja ta' dawk ta' fidi żgħira.** Stennewh jiġri dan, u tallarmawx ruħkom jew tinkwetaw, għax meta tkunu f'għaqda Miegħi, intom tkunu mibgħuda ta' dan. **Kunu paċenzjużi ma' dawn in-nies. Kunu qalbkom tajba. Kunu ta' manjieri tajba.** Tagħtux każ u toqgħodux targumentaw, għax xejn minn dak li tgħidu m'hu ser jagħmel differenza. Minflok, **intom għandkom turuhom it-tifsira tal-Kristjaneżmu billi twieġbu għall-mibegħda bl-imħabba.**

Taqtgħux ir-rabtiet tagħkom minn ma' dawk li jobogħdukom minħabba Fija. Minflok, **nitlobkom titolbu għalihom.** Intom għandkom iżżommu bilanċ f'ħajjitkom meta tkunu f'għaqda Miegħi. Għalkemm Jiena nixtieq il-kumpannija tagħkom, Jiena nixtieq ukoll li intom tħobbu lil dawk li għandhom bżonni, imma li ma jistgħux jarawni, li ma jistgħux jaċċettawni fil-qalb tagħhom u lil dawk li lanqas għandhom idea ta' xi tfisser il-Ħajja Eterna. Id-dover tagħkom huwa Lejja u x-Xewqa Tiegħi hi li intom tużaw il-ħin tagħkom bil-għaqal biex tħobbu lil dawn l-erwieħ. **Permezz ta' kliemkom, l-għemil, l-azzjonijiet u t-talb tagħkom, intom tistgħu ġġibuli lil dawn l-erwieħ.**

Ġesù Tagħkom.

## L-ebda wieħed minnkom m'għandu l-ħila li jifhem il-Liġijiet Divini.

Il-Ħamis, 26 ta' Ġunju, 2014 @ 14.00

Għażiża maħbuba binti, qatt m'għandek taħseb li Kelmti mogħtija lid-dinja permezz ta' dawn il-Messaġġi, sejra tiġi aċċettata faċilment. Dawk li ma jaċċettawhomx, minn żmien għal żmien sejrin jippruvaw jgħixu dawn il-Messaġġi u dak kollu li Jiena qed nitlob minnhom. Minflok ma jgħixu l-Messaġġi u jaddattaw ħajjithom kif hemm bżonn, huma jibdew jistħarrgu kull Kelma li tkun ġejja mill-Fomm Qaddis Tiegħi. Li kieku kellhom minflok, iżommu mat-Tagħlim Tiegħi, li qatt ma tbiddel, huma jkunu qed jaqduni aħjar.

L-ebda wieħed minnkom m'għandu l-ħila li jifhem il-Liġijiet Divini, li ġejjin mill-maħbub Missieri. **Meta tippruvaw tanalizzaw il-Misteri tad-Divinità tat-Trinità Qaddisa, intom tfallu, għax ma tistgħux tkunu tafu kollox. Kull wieħed minnkom li jemmen li huwa jifhem il-ġrajjiet li ser iwasslu u li ser jiġu wara t-Tieni Miġja Tiegħi, għandu jkun jaf dan. Jiena nikxef ċerti ġrajjiet biss, biex ngħinkom tħejju ruħkom. Ir-Rivelazzjonijiet Tiegħi m'humiex mogħtija lilkom biex inqajjem sensazzjoni, kontroversja jew mibegħda bejnietkom, għax Jiena kieku qatt ma kont inġib din il-konfużżjoni.** Il-konfużżjoni tiġi min-nuqqas ta' fiduċja Fija u minn kurżità umana taħraq, li tifhimha. Intom kulma għandkom tagħmlu huwa li tibqgħu fidili lejn il-Kelma Qaddisa Tiegħi – dak huwa kulma qed nitlob.

Meta kont ngħix fuq l-Art, Jiena għext ħajja sempliċi. Għallimt Kelmti b'mod faċli, ħalli t-Tagħlim Tiegħi jiftiehem minn kulħadd. Urejt l-istmellija Tiegħi lejn dawk li rieduha li qed jirrappreżentaw lil Alla u li d-dmir tagħhom kien li jiżguraw li l-Għaxar Kmandamenti kienu qed jiġu mħarsa. Iżda, dawn in-nies li jafu ħafna, mimlijin bil-kburija, libsu lbies kollu fossos u ftaħru bil-pożizzjoni tagħhom ġewwa t-Tempju ta' Alla. Tant kienu mitlufin fl-azzjonijiet tagħhom li jidhru, jiddettaw, iċanfru lill-imsejknin, l-umli u l-injoranti, li huma nsew fatt importanti. Ir-rwol tagħhom kien li jaqdu lil Alla. U sabiex jaqdu lil Alla, huma kellhom jaqdu lil uliedu. Minflok, huma ippretendew rispett, fittxew l-adorazzjoni u ħadu wieħed post l-ieħor f'pożizzjonijiet ta' poter fil-ġerarkija li kienet teżisti fit-Tempji. **Jiena fl-ebda stadju, ma nkoraġġejt sensazzjoni, għalkemm Kelmti, meta kienet tingħata lill-massa, b'mod sempliċi, din xorta kienet toħloq kontroversja.** Għax hija biss il-Kelma ta' Alla, li hija sempliċi u ċara, li tista' toffendi b'dak il-mod. Il-Verità toħloq firda għal ħafna nies, għax huma ma jistgħux jaffaċċjawha. Iżda hija l-Verità – l-Kelma ta' Alla – li għandha tikkonċernakom. **Li tistħarrġu Kelmti jew targumentaw fuq it-tifsira tal-Verità u toħolqu sensazzjoni mill-Kelma ta' Alla, huwa ħela tal-ħin tagħkom.** Ikun aħjar li taqdu lill-oħrajn f'Ismi.

Tibżgħux mill-Verità, tirrifjutawhix, twarrbuhix jew toħolqu interpretazzjonijiet ġodda tagħha. Il-Verità tibqa' l-istess kif dejjem kienet. Kelmti hija Kelmti. Dak kollu li ngħid iseħħ. Ir-Rieda ta' Alla ħadd ma jista' jbagħbas Magħha. Meta taċċettaw il-Verità, din iġġibilkom ċarezza tal-ħsieb, paċi fir-ruħ tagħkom u xewqa li tkunu ubbidjenti lejn il-Kelma Tiegħi – hekk kif kienet mogħtija – l-ħin kollu. M'hemm xejn li tistgħu żżidu magħha, din sejra tibqa' bla mittiefsa għall-Eternità.

Ġesù Tagħkom.

## Meta l-Knisja Tiegħi tinqasam u tiġġarraf, din sejra tħaddan l-umaniżmu bil-ferħ.

Il-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju, 2014 @ 22.11

Għażiża maħbuba binti, intom qatt ma jirnexxielkom tagħrfu l-ħidma ta' Satana fid-dinja, faċilment, għax huwa makakk. Huwa qatt ma jikxef għemilu b'mod li n-nies jitħassbu dwar l-influwenza tiegħu. Matul ir-renju tiegħu fuq l-Art, huwa għamel minn kollox biex jikkonvinċi lid-dinja li huwa ma jeżistix. Rari ħafna li intom taraw il-Verità, għax din tkun moħbija, ġo dawk in-nies li huwa juża biex jikkonvinċi lin-nies li Alla ma jeżistix.

**Il-mira tax-xitan hija li jidħaq bin-nies u jagħtihom x'jemmnu li d-dinja u l-eżistenza tar-razza umana hija mezz għal tmiem. L-akbar rebħa tiegħu kienet l-introduzzjoni tal-umaniżmu u b'mod speċjali l-umaniżmu sekulari.**

**L-umaniżmu li huwa speċi ta' xewqa li wieħed jieħu ħsieb il-ħtiġijiet tar-razza umana, billi jneħħi l-inġustizzja soċjali, huwa żbaljat. Dawk li jdaħħlu l-umaniżmu f'ħajjithom jagħmlu dan bħala sostitut għat-twemmin f'Alla u tista' tifhem għala jagħmlu dan. Sfortunatament, ħafna reliġjonijiet ħolqu nies li telqu minn ġo fihom, li l-imġieba tagħhom mhix influwenzata minn Alla. Il-mibegħda tagħhom għall-oħrajn u l-ħsieb qattiel tagħhom qed jitħaddem f'Isem Alla, meta fil-fatt, huwa Satana nnifsu li jispira kull mossa tagħhom.** Huwa jagħmel dan biex igerrex lin-nies minn Alla. **Dawn l-erwieħ mudlama jwettqu inġustizzji terribbli u jużaw l-Isem tal-maħbub Missieri biex iwettqu dawn l-atti. Imbagħad huma jiġġustifikaw dawn l-atti f'isem ir-reliġjon tagħhom u jwasslu lil ħafna nies biex jirrifjutaw kull twemmin f'Alla.**

L-umaniżmu sekulari, filwaqt li jfaħħar il-ħwejjeġ kollha tajbin f'isem il-ġustizzja soċjali, jiġbed ħafna lil dawk li għandhom qalb ħelwa, għax l-intenzjonijiet tagħhom ikunu tajbin. Imma, meta huma jħaddnu din id-duttrina, huma jkunu qed jgħidu li l-Ħolqien tad-dinja kien aċċident li ġabitu n-natura. Imma dan mhux veru, għax id-dinja kienet maħluqa mill-Missier Etern Tiegħi. L-ebda xjenzat qatt m'hu ser jirnexxielu jispjega l-Ħolqien tad-dinja, għax dan l-għarfien qatt m'hu ser ikun jafu l-bniedem.

**Meta tirrifjutaw is-sopranatural u l-Eżistenza Divina ta' Alla jfisser li intom tirrifjutaw il-linji gwida li ġejjin minn Alla.** Dan ikun ifisser li l-moralità, sens profound ta' dak li jogħġob jew ma jogħġobx lil Alla, ma tinżammx u din twassal għal dlam. Minflok, **il-bniedem jiffissa fuq il-bżonnijiet fiżiċi tiegħu, u jabbanduna lil ruħu. Mal-mewt, ruħu, li huwa dejjem ikun irrifjuta li hija Rigal li jagħti l-ħajja minn Alla, tibqa' ma taċċettax il-Ħniena ta' Alla.** Ħafna minn dawn l-erwieħ ikunu nqatgħu għal kollox mill-Ħniena ta' Alla f'dan l-istadju.

**Il-Knisja Tiegħi, meta taqa' u tiġġarraf, sejra tħaddan l-umaniżmu bil-ferħ.** B'riżultat ta' dan, din tiġbed lejha l-erwieħ kollha lejn interpretazzjoni żbaljata tal-Verità tal-eżistenza tagħhom. Imbagħad id-dinja tħaddan din it-tip ta' knisja ġdida – knisja li moħħha jkun fl-inġustizzji soċjali – u l-ebda kelma ma titlissen dwar l-importanza tas-salvazzjoni ta' ruħek.

Ġesù Tagħkom.

[Omm tas-Salvazzjoni:  Il-Knisja Vera ssir Fdal]

Is-Sibt, 28 ta' Ġunju, 2014 @ 15.03

Binti l-iżjed għażiża, **l-akbar qerq li ser jiġi fuq l-umanità ser jiġi minn ġewwa l-Knisja ta' Ibni fuq l-Art** u dan jiġi mdaħħal mill-għedewwa Tiegħu, li daħlu ġewwa fiha b'modi malizjużi.  Satana sejjer jidħol fil-Knisja ta' Ibni u s-sinjali jkunu ċari għal dawk li f'ruħhom hemm stampat l-Ispirtu ta' Alla.

Il-fidi tal-qaddejja mqaddsa ta' Ibni titfarrak, għax ħafna jsibu ruħhom imħajra biex jabbandunawH b'atti ta' sagrileġġ.  **Ħafna qaddejja msejknin ser jiġu mitluba li jintrabtu b'ġurament ġdid u mbagħad jkunu mbeżża' wisq biex jitilquh,** għalkemm fil-fond ta' qalbhom ser ikunu jafu li huwa ħażin.

**Sejrin jiddaħħlu ħafna regolamenti ġodda fil-Knejjes ta' Ibni fuq l-art, meta ser jiddaħħlu ħafna nies ġodda taħt ġurament, u dawn mhux ser ikunu ġenwini, għax mhux ser ikollhom l-Ispirtu Veru ta' Kristu fi qlubhom.** Huma jidħlu fil-Knisja u jagħtu xhieda tar-religjon waħda dinjija, li mhix sejra tonora lil Ibni, Ġesù Kristu.  **Mhux talli mhux sejrin jaqduH, imma  d-dover tagħhom ser ikun li jaqdu l-umaniżmu, li fil-qalba tiegħu, dan jiċħad l-Eżistenza tal-Istat Sopranaturali ta' Alla u dak kollu li Huwa jfisser.**

**Il-kleru li xi darba kien wiegħed ħajtu lil Alla, ser jinħataf minn dan il-qerq** u b'hekk, jitlef il-Fidi Vera.  Huma ma jxandrux l-importanza tas-salvazzjoni tal-erwieħ, li kienet saret possibbli bil-mewt ta' Ibni fuq is-Salib.  Is-Salib  huwa ċ-ċentru tal-Kristjaneżmu.  Hemm Salib wieħed biss, u ser ikun permezz tas-Salib, li ser jidhru l-ewwel sinjali tat-tradiment ta' Ibni.  Jiddaħħlu forom ġodda ta' slaleb li jwarrbu s-Sinjal tas-Salib u dak li jfisser fil-qalb tal-bniedem.

**Dawk li ma jemmnux u li sa issa ma kellhom l-ebda nteress fil-Kristjaneżmu, ser jinġibdu lejn dik li tissejjaħ knisja waħda ġdida dinjija.** Flimkien ma' reliġjonijiet oħra, li mhumiex ġejjin mill-Verità, huma ser jagħtu mill-agħar lill-ulied Alla, li jibqgħu fidili lejn il-Kelma Vera ta'Alla.

**Il-Knisja Vera ssir Fdal u din l-Armata tingħaqad madwar id-dinja kollha** sabiex isiru il-qaddisin ta' l-aħħar żminijiet u huma jissaħħu bl-Ispirtu s-Santu biex iżommu l-Verità.  Għad jobżqulhom, jiddieħqu bihom  u jakkużawhom li huma estremisti, hekk kif kien Ibni, Ġesù Kristu, li kien akkużat b'ereżija meta kien jgħix fuq l-Art jippriedka l-Verità.

Ikun meħtieg kuraġġ kbir biex tibqgħu fidili lejn il-Kelma ta' Alla, għax jakkużawkom li qed tagħmlu ħażin.  L-għedewwa ta' Alla jgħidu li intom qegħdin ixxerrdu gideb fuq din l-abominazzjoni.  **Kulma huwa ġej minn Alla, jiġi ddikjarat li huwa gidba,** filwaqt li l-verità li huma jgħidu li qed tkun irrappreżenrtata mir-reliġjon waħda ġdida dinjija, tkun gidba.

Iżda l-Ispirtu s-Santu, sejjer jgħatti lil dawk li jissoktaw ixerrdu l-Evanġelji Qaddisa u Ibni jgħattikom u jħariskom.  **Is-sopravivenza futura tar-razza umana u d-dritt tal-Ħajja Eterna, li kienet mwegħda lil kull raġel, mara u tfal, tkun fuq**

**spallejkom.** Sejrin ikunu l-Fdal, li ser iżommu d-Dawl ta' Alla mixgħul, f'dinja li tkun waqgħet fid-dlam.

Lil ħafna minnkom sejrin jisfidawhom u jħawlulkom gideb fil-qlub tagħkom, permezz tal-ispirtu tal-ħażen, biex ibegħdkom mill-Verità. Sfortunatament, ħafna minnkom sejrin isibuha iebsa wisq biex jibqgħu jżommu dak li huma konvinti minnu, u tiġu ttentati biex tagħtu daharkom lil Ibni.

Biex tiżguraw li tibqgħu b'saħħitkom, qalbiena, kalmi u fil-paċi, waqt li intom terfgħu s-Salib ta' Ibni fuq spallejkom, intom għandkom tgħidu din it-Talba tal-Kruċjata. Għal dawk minnkom li ssibuha iebsa biex temmnu li dawn il-ħwejjeġ sejrin iseħħu, **għad jasal il-jum meta intom tgħidu din it-Talba tal-Kruċjata (158) tlett darbiet kuljum,** minħabba li l-pressjoni li tibda ssir fuqkom biex tiċħdu lil Ibni, tkun ma tinfelaħx.

**Talba tal-Kruċjata (158) Ħarisni mir-reliġjon waħda dinjija:**

*Għażiż Ġesù, ħarisni mill-ħażen tar-reliġjon waħda dinjija l-ġdida, li mhix ġejja Minnek. Weżinni fi triqti lejn il-ħelsien, tul it-triq lejn is-Saltna Qaddisa Tiegħek.*

*Żommni ħaga waħda Miegħek, kull meta nkun ittormentat u mġiegħel nibla' gideb, li jiġu mferrxa mill-għedewwa Tiegħek biex jeqirdu l-erwieħ.*

*Għinni biex nieqaf għall-persekuzzjoni, nibqa' sod mal-Kelma ta' Alla kontra duttrini foloz u sagrileġġi oħrajn, li niġi sfurzat li naċċetta.*

*Permezz tar-rigal tar-rieda ħielsa tiegħi, ħudni fid-Dominju tas-Saltna Tiegħek, biex inkun nista' nieqaf u nxandar il-Verità, meta din tkun iddikjarata li hija gidba.*

*Qatt tħallini nogħtor, noqgħod naħsibha jew naħrab bil-biża', meta niġi wiċċi mal-persekuzzjoni. Għinni nibqa' sod u ferm mal-Verità kemm indum ħaj. Ammen.*

Morru, għeżież uliedi, u aċċettaw li dawn il-ħwejjeġ ser iseħħu, imma kunu għafu li jekk intom tibqgħu fidili lejn Ibni, intom tgħinu biex issalvaw dawk l-erwieħ li jaqgħu fl-iżball.

Ommkom il-maħbuba.

Omm tas-Salvazzjoni.

**M’għandkom qatt tirrifjutaw lil Alla minħabba l-atti ta’ ħażen ta' dawk li b'mod falz isostnu li jaqduH**.

Il-Ħadd 29 ta’ Ġunju, 2014 @ 20:20

Għażiża maħbuba Binti, kull min jinħeba wara r-reliġjon sabiex jikkaġuna l-ħażen fuq nies ta' reliġjonijiet oħra, dan ma jkunx ġej Minni. **Reliġjonijiet li jaħbu l-mibgħeda u jgħidu li denominazzjonijiet oħra huma mxajtnin, dawn ma jaqdux lil Alla**.

**Meta l-bnedmin jużaw’ Lili, Ġesù Kristu, bħala tarka biex jinħbew warajha, fit-tfittxija tagħhom sabiex joqtlu u jimmassakraw lill-innoċenti, dan huwa l-akbar sagrileġġ**. Il-bniedem, li jemmen f'Alla, għandu ikun jaf Min hu Alla; x’qal Huwa lid-dinja u kif Hu għallem lil uliedu permezz ta’ l-Għaxar Kmandamenti, sabiex jaqdu Lilu.

**Alla huwa Imħabba. Hu ma jittollerax l-ebda mibegħda . Jekk u kif taraw nies jużaw il-pretest tar-reliġjon biex jikkaġunaw uġigħ fuq oħrajn, tkun xi tkun ir-raġuni, intom għandkom tkunu tafu li dan m'għandu x'jaqsam xejn ma l-imħabba għal Alla. Il-mibegħda ġejja minn Satana u hu jxerred il-velenu tiegħu fost estremisti reliġjużi, sabiex jiżvoga r-rabja tiegħu kontra Alla**. Meta jinfiltra lil dawk, li ghandhom fehma mċajpra ta’ Jien Min Jien, jirnexxielu jxerred il-mibegħda kontra Alla. In-nies imbagħad tistaqsi: "Kif jista' Alla jippermetti dan il-ħażen f’Ismu?" It-tweġiba hija li **l-ħażen dejjem se jinstab f'postijiet fejn Alla huwa meqjum, għaliex dawn il-postijiet huma mfittxija b'attenzjoni mill-wieħed il-ħażin, biex iġib il-mistħija fuq kull reliġjon, li tonora lil Alla.** Bl-azzjonijiet tiegħu in-nies imbagħad iddur il-bogħod minn Alla u Hu jeħel għal kull att vili, mwettqa minn dawk li jgħidu li jaqdu Lilu.

**Il-mibegħda toqgħod attenta li taħbi lilha nfisha**. Normalment din tiġi ppreżentata minn dawk li jsostnu li jirrappreżentaw lil Alla, sabiex jagħmlu ġustizzja mal-għedewwa ta' Alla. **Tigi murija bħala "l-vuċi li tieħu ħsieb" u tikkundanna lil dawk li hija tixtieq li d-dinja temmen li huma ħżiena**. **Knejjes ta' denominazzjonijiet differenti, madwar id-dinja kollha, ġew infiltrati mill-għedewwa ta' Alla minn ġewwa.** L-għan huwa li jġibu l-mistħija fuq l-Isem tal-Missier Etern Tiegħi. Bħala riżultat, qam fl-irkejjen kollha tad-dinja, suspett kbir u nuqqas ta' fiduċja f'Alla. Is-suppożizzjoni naturali tkun li r-rappreżentanti ta' Alla jkunu xewxu l-ħażen f’Ismu u għalhekk, il-fidi f'Alla tkun mhux kif suppost. **Għalhekk id-dinja ġiet mitfugħa fil-mibegħda, korruzzjoni u gwerrer, għax il-pjan ta' Satana hu li jeqred kull reliġjon, li tonora lil Alla Veru**. Dawk li jġibu dan il-ħażen m’għandhom l-ebda mħabba f’ruħhom.

M’għandkom qatt tirrifjutaw lil Alla minħabba l-atti ta’ ħażen ta' dawk li b'mod falz isostnu li jaqdu Lilu. Jekk tagħmlu dan, u titbegħdu minn Alla minħabba f’dan, tkunu waqajtu għall-gideb, li Satana jrid ibellgħalkom. Qatt tiġġudikaw lill-oħrajn minħabba t-twemmin tagħhom – tajjeb jew ħażin. Qatt tiġġudikaw lill-Missier Etern Tiegħi jew Lili, Ġesù Kristu, l-Iben għażiż Tiegħu, għad-dnubiet li dawk li jaqdu l-Knejjes Tiegħu, jikkommettu. Il-bniedem huwa, u dejjem jibqa’, midneb fuq din l-Art. Id-dnub dejjem se jkun ta’ saħta għall-bniedem, sakemm nerga’ Niġi. Iżda li takkużaw lil Alla bid-dnub, huwa sagrileġġ kbir daqs kemm huwa mpossibbli.

**Istenbħu għall-fatt li Satana jeżisti** u li huwa joqgħod attent li jaħbi dan il-fatt, sabiex ikun jista' jqarraq bl-erwieħ u dawn jisħtu lil Alla, il-Ħallieq ta' dak kollu li Hu u li għad Ikun. Dalwaqt, dawn l-atroċitajiet kollha jintemmu u l-Glorja tkun Tiegħi. **Ma fadalx ħafna qabel ma Satana jiġi meqrud u r-razza umana tkun tista' tara ċar Min Jien u l-Hajja Glorjuża Ii se nġib fit-Tieni Miġja Tiegħi.**

Tridu tibqgħu għassa għal dak kollu li jiġi ppreżentat fl-Isem Imqaddes Tiegħi, għax ser issibu li mhux kollox ġej Minni.

Ġesù Tagħkom.

**Intom għandkom iżżommu biss il-Verità, għax Jiena l-Verità. Iċħdu l-Verità u intom tiċħdu Lili.**

It-Tnejn, 30 ta' Ġunju, 2014 @ 23.50

Għażiża maħbuba binti, intom, l-għeżież segwaċi Tiegħi, għandkom tkunu tafu li l-bibien tal-Infern qatt m'huma sejrin jirbħu lill-Knisja Tiegħi, għalkemm ħafna mill-Knisja Tiegħi fuq l-Art sejra tinsaħaq, kif kien imħabbar. Imma l-Verità qatt ma tmut. **Kelmti qatt ma tmut u lanqas it-Tagħlim Tiegħi ma jiġi minsi minn dawk li huma f'għaqda vera Miegħi.**

Huma biss dawk li jibqgħu fidili lejn il-Kelma Tiegħi, li jistgħu jgħidu li huma parti mill-Knisja Tiegħi fuq l-Art. **Dawk li jfaħħru xi forma ta' tbagħbis mal-Evanġelji Mqaddsa jew xi addattament tat-Tagħlim Tiegħi, ma jistgħux jibqgħu jgħidu li huma jaqdu Lili. Jekk xi qaddej mqaddes minn Tiegħi jażżarda jiddikjara xi duttrina alternattiva għal dik li giet mogħtija lill-bniedem mill-appostli Tiegħi u l-profeti, qabel ma jiġi Żmieni, huwa jiġi mkeċċi mall-ewwel.**

**Jiena nwissi lil dawk kollha li jħaddnu xi ħaġa li tkun meqjusa sagra – iżda li tkun ġiet magħmula u maħluqa mill-idejn umani – u li jaċċettaw li din ġejja Minni, illi Jiena nixħetkom 'l barra, għax intom ma tkunux tistgħu tibqgħu ssejħu lilkom infuskom qaddejja Tiegħi. U jekk intom tmexxu l-erwieħ fl-iżball, il-kastig tagħkom jibda fi żmienkom u jibqa' sejjer għal ħafna wara li tħallu din il-ħajja.**

Ir-Rabja Tiegħi intom ma tafuhiex, għax għad tridu tarawha. Imma kunu għafu dan. Intom li sejrin tiċħdu Lili, ġa tafu min intom, għax il-fidi tagħkom ġa ddgħajfet. Ħafna minnkom ġa waqgħu u d-dgħjufija tagħkom sejra tkun il-waqgħa tagħkom. Intom sejrin tittraduni, tiċħduni u tgħannqu lill-għedewwa Tiegħi, għax intom tant sejrin tkunu mitlufin f'din ir-reliġjon il-ġdida – l-umaniżmu sekulari, li ġej bħal volpi liebes ta' nagħġa biex jibla' lilkom – illi Jiena niġi minsi. L-ambizzjonijiet tagħkom u x-xewqa tagħkom li togħġbu lill-għedewwa Tiegħi, li sejrin jitilgħu fl-ogħla postijiet tal-ġerarkija tal-Knisja Tiegħi – sejrin jagħmukom għall-Verità. Din sejra tkun il-kawża tal-waqgħa tagħkom u ta' dawk kollha li intom tiġbdu magħkom fl-iżball.

**Ikun meta l-Knisja Tiegħi taqleb it-Tagħlim Tiegħi ta' taħt fuq, ta' barra ġewwa u ta' wara quddiem, li intom tkunu tafu li wasal iż-żmien biex l-antikrist jieħu postu f'nofs ix-xena.** Dawk li jaduraw lill-bestja jkunu ffirmaw is-sentenza tal-mewt tagħhom stess u jkunu ċedew ir-rieda ħielsa tagħhom, li hija Rigal Sagru minn għand Alla, lill-għedewwa Tiegħi. **Ladarba tieħdu l-ġurament fuq din id-duttrina falza, intom tkunu ħatjin li qed issalbu Lili u l-kastig tagħkom ikun kbir.**

Għaliex, tistgħu tistaqsu, għandek tiġi kkastigat talli tobdi lil dawk ta' fuqek? It-tweġiba hija sempliċi. Meta intom ħliftu li sejrin taqdu Lili, intom aċċettajtu li żżommu l-Verità. Meta tiksru din il-ħalfa, b'ubbidjenza lejn l-għedewwa Tiegħi li għad jiġu, hemm ma jkunx Lili, Ġesù Kristu, li tkunu qegħdin taqdu.

Intom għandkom iżżommu biss il-Verità, għax Jiena l-Verità. Iċħdu l-Verità u intom tiċħdu Lili. Meta intom tiċħdu Lili, bħala qaddejja ta' Alla, intom ma tibqgħux denji li tmexxu lill-ulied Alla lejn is-Salvazzjoni Eterna tagħhom. Ġesù Tagħkom.

[Il-fidi tagħkom sejra tgħaddi mill-prova bħal qatt qabel](#).

It-Tlieta, 1 ta' Lulju, 2014 @ 20.50

Għażiża maħbuba binti, **l-imħabba li toħroġ mid-dixxipli Tiegħi li qed jimxu warajja f'dan iż-żmien, tiġbor kollox fiha.** Hija d-Dawl li jaqbad fostkom li qed iżżomm Imħabbti, kull fejn Jiena meqjum. **L-Ispirtu s-Santu jissokta jitferra' fuq il-Knisja Tiegħi fuq l-Art, hija u titqabad kontra l-provi u t-tribulazzjonijiet, li jkollha tħabbat wiċċha magħhom kuljum.**

L-ispirtu tad-dlam, min-naħa l-oħra, jissokta jitqal fuq in-nazzjonijiet, meta qed isir kull sforz mill-wieħed il-ħażin biex ineħħi kull traċċa Tiegħi, ta' Kelmti u tal-Knisja Vera Tiegħi, minn fuq wiċċ id-dinja. Imma kunu ċerti li jkun kemm ikun tqil it-toqol tagħkom, Jiena magħkom, miexi ma' ġenbkom u ngħinkom tegħlbu kull avversità, ma' kull pass tal-vjagg tagħkom. **Il-fidi tagħkom sejra tgħaddi mill-prova bħal qatt qabel,** l-kuraġġ jista' jħallikom minn żmien għal żmien, il-perseveranza tagħkom titwassal sal-limiti tagħha u meta intom taċċettaw il-Verità tiġu sfidati. **Jaqbdu magħkom, jidħqu bikom u jwaqqgħukom għaż-żufjett, u dak kollu jkun ġej minn atti ħżiena ta' dawk li Satana juża' biex jiġġieled Lili, Ġesù Kristu. Iżda xejn m'hu ser jeqred il-Knisja Tiegħi – lis-segwaċi veri Tiegħi.**

**Dawk li jibqgħu ubbidjenti għall-Kelma ta' Alla, hekk kif ilha teżisti għal tant żmien, jibqgħu jirrappreżentawni fuq l-Art. Il-Ħarsien Tiegħi jintlibes fuqkom u l-fidi tagħkom qatt ma tonqos, ladarba titqabdu bix-xabla ta' Alla.**

Ibqghu fidili Lejja u d-Dawl Tiegħi jkompli jiddi fuq ir-razza umana. **Il-Wegħda Tiegħi hi li l-Knisja Tiegħi tibqa' bla mittiefsa, għalkemm iċken milli hi bħalissa, sakemm jisbaħ il-Jum il-Kbir tal-Mulej.**

Ġesù Tagħkom.

Omm tas-Salvazzjoni: Dalwaqt issir illegali li timxi wara Ġesù Kristu.

L-Erbgħa, 2 ta' Lulju, 2014 @ 16.40

Għeżież ulied, **li kieku l-umanità kellha tara l-Majestà ta' Ibni, li jpoġġi fuq it-Tronn tas-Smewwiet, fuq in-naħa tal-lemin tal-Missier Etern, huma kienu jbaxxu rashom bil-mistħija u l-imdiema.**

Il-maħbub Ibni, Ġesù Kristu, huwa adorat, onorat u mdawwar bi mħabba kbira mill-anġli u l-qaddisin fis-Sema. **Fuq l-Art, ftit li xejn jintwera rispett Lejh, Lilu li sofra mewt terribbli biex isalva r-razza umana mid-dnub.** Issa s-Smewwiet jibku f'dan iż-żmien fl-istorja, meta qed isir kull sforz biex id-dinja tinħeles minn kull sinjal li jirrappreżenta lil Ibni, minn kullimkien. Mhumiex kuntenti li neħħew il-Kurċifissi l-Iżjed Qaddisa mill-pubbliku, issa daqt issir illegali li tiddikjara li inti timxi wara Ġesù Kristu.

**Ftit li xejn sejra tintwera tolleranza mal-Kristjani li jibqgħu fidili lejn il-Kelma u li jimxu fuq it-Triq lejn Alla. Saħansitra dawk il-qaddejja mqaddsa li jgħidu li jaqdu lil Ġesù Kristu, sejrin ikunu dgħajfa wisq biex jiddefendu l-Kristjaneżmu u huma ser iħallu lilhom infushom jiġu sfurzati li jaċċettaw dawn il-liġijiet. F'ħafna każijiet, dawk it-tradituri fosthom stess, ser jagħmluha iżjed faċli biex jitneħħa s-Salib u l-Verità tal-Kristjaneżmu.** Biż-żmien, huma kollha sejrin jaduraw duttrina falza, flimkien ma' twemminijiet oħra li mhux ġejjin minn Alla. Minħabba li huma sejrin jagħżlu t-triq tal-iżball, bir-rieda ħielsa tagħhom stess, dan ikun ifisser li huma sejrin jirrifjutaw il-Ħniena ta' Alla u jikkundannaw lilhom infushom lejn id-dlam.

Intom qatt m'għandkom tittradixxu lil Ibni għall-ebda raġuni, għax Huwa t-Triq tal-Verità u Huwa biss jista' jġibilkom is-Salvazzjoni Eterna.

Ommkom il-maħbuba.

Omm tas-Salvazzjoni

**Alla l-Missier : Jiena l-Verità. Aqbdu ma' Idi u imxu warajja. L-Ħajja kollha Minni ġejja.**

Il-Ħamis, 3 ta' Lulju 2014 @ 16.40

Binti l-iżjed għażiża, **l-bniedem għandu kontroll tad-destin tiegħu, għax huwa ġie mogħti l-għażla ħielsa, bħala Rigal minn Għandi.**

**Xi wħud jagħżlu t-triq it-tajba lejn is-Saltna Tiegħi tas-Smewwiet, li hija permezz tal-Iben il-Waħdieni Tieghi, Ġesù Kristu.** Oħrajn jagħżlu minghajr għaqal. **Minħabba r-rigali li għandu l-bniedem, li huma l-intelliġenza, l-għarfien u r-rieda ħielsa, ħafna jitkabbru. Oħrajn ifittxu l-falsitajiet u rigali materjali, li d-dinja tagħmel possibbli, sakemm fl-aħħar, ix-xewqat tagħhom biss, jsiru mportanti għalihom.** Meta jaqbdu ma' atti u għemil egoist, meta jsiru ossessjonati bihom infushom u jfittxu li jseħħ dak kollu li jridu, bi spejjeż tal-oħrajn, huma jikkundannaw lilhom infushom għad-dnubiet, li mbagħad jassruhom.

Meta tirrifjutaw ir-Rigal tal-Ħajja Eterna li Jiena sejjer inġib lilkom, biex tieħdu sehem fis-Saltna Tiegħi, intom, għeżież ulied, tinqatgħu Minni għall-eternità. Jiena ġej nintervjeni f'dan iż-żmien, għax meta wieħed ikun mehdi bih innifsu, tinqered l-imħabba kollha Lejja. **Ġej biex inġibilkom il-Verità, l-għarfien dwar is-Saltna Tiegħi u nfakkarkom dwar iż-żewġ għażliet, li ser ikollkom quddiemkom. L-ewwel għażla hija li taċċettaw l-Id Tiegħi ta' Ħniena u tgħixu ħajja glorjuża billi tieħdu sehem fil-Ħajja Divina tas-Saltna l-Ġdida Tiegħi. It-tieni għażla hija li tagħżlu d-dlam etern u ssiru lsiera tal-abbiss, fejn Satana sejjer jibqa' għal dejjem.**

Tant minnkom jirrifjutaw Imħabbti, l-għarfien li tajtkom permezz tal-Kelma Qaddisa Tiegħi, u t-twissijiet li ġew mogħtija mill-profeti. Taħsbux li d-dinja llum hija differenti miż-żmien kollu fuq l-Art sal-lum. L-umanità ma tbiddlitx. Id-dnub għadu s-saħta tagħkom u jkun biss meta tiġġieldu lill-għadu – li jġibilkom miżerja u niket – li intom tkunu tistgħu taċċettaw il-Ħajja li Jiena ħloqt għalikom.

Isimgħu issa, meta Jiena qed infakkarkom fil-Wegħda Tiegħi. **Jiena ħloqt Ġenna Eterna, li hija tagħkom. Din tipprovdilkom Ħajja Eterna tal-ġisem u tar-ruħ. Din qed tistennikom.** Tberbqux dan il-wirt tagħkom. Dan jaqsamli Qalbi jekk tagħmluh u intom jiddispjaċikom minn din id-deċiżjoni għall-eternità.

**Isimgħu issa s-Sejħa Tiegħi,** għax Jiena ser nibgħat minn kull sinjal, kull Miraklu u kull Grazzja, sabiex inqajjem il-qlub reqdin tagħkom, sakemm inċaqlaq ġewwa fikom l-għarfien tal-Verità.

**Jiena l-Verità. Aqbdu ma' Idi u imxu warajja. Il-Ħajja kollha Minni ġejja.**

Il-Missier Etern tagħkom

Il-bniedem iwieġeb għall-imħabba bl-imħabba, bħalma l-mibegħda tkattar il-mibegħda.

Is-Sibt, 5 ta' Lulju, 2014 @ 17.46

Għażiża maħbuba binti, **ħallini nġib Barkiet kbar lid-dinja llum, filwaqt li nagħti l-Ispirtu tal-Imħabba, permezz tal-Ispirtu s-Santu fuq kull nazzjon.**

**Ir-Rigal tal-Imħabba sejjer jiksi lil ħafna, inklużi dawk lli ma jaċċettawx Lili u d-dinja sejra tkun xhud t'atti kbar ta' karità.** Meta tisimgħu b'dawn il-mirakli, fejn nazzjonijiet jgħinu nazzjonijiet oħrajn li huma fil-bżonn ħafna, allura hemm għarfu dawn bħala sinjali mis-Sema.

**Imħabbti sejra tiġbed lil ħafna, hija u tinfirex permezz ta' dan l-Intervent Speċjali Tiegħi, f'dan iż-żmien speċjali.** Isimgħuni, għeżież dixxipli Tiegħi għax irridkom tkunu tafu li meta intom titolbu għall-paċi, l-Paċi Tiegħi Jiena nagħtikom. Meta titolbu għall-imħabba biex tegħlbu l-mibegħda, Imħabbti Jien nagħtikom. Meta titolbuni nqawwi l-fidi tagħkom, Jiena nferrex fuqkom Imħabbti u l-fidi tagħkom tikber. Meta l-fidi tagħkom tikber, intom ixxerdu Kelmti bl-eżempju. Meta turu mħabba lejn l-oħrajn, mingħajr kundizzjonijiet, intom timxu f'Ismi. Bl-azzjonijiet tagħkom, oħrajn jimxu wara l-eżempju tagħkom.

Il-bniedem iwieġeb għall-imħabba bl-imħabba, bħalma l-mibegħda tkattar il-mibegħda. **Biex tegħlbu l-mibegħda, intom dejjem għandkom twieġbu bl-imħabba, għax l-imħabba ddgħajjef l-ispirtu tal-ħażen.** Li kieku biżżejjed nies juru mħabba lejn xulxin, f'kull aspett tal-ħajja tagħhom, kieku l-mibegħda ma toħloqx.

Imħabbti qegħda tikber fostkom. Ħuduha magħkom u xerrduha, għax tagħti l-ħajja lil kulħadd, inklużi dawk l-iżjed li għandhom bżonnha.

Ġesù Tagħkom.

Omm tas-Salvazzjoni: Jien se naħdem mill-qrib ma` Ibni l-għażiż tiegħi, Ġesù Kristu, fl-att finali tiegħu biex isalva l-umanità

Il-Ħadd 6 ta` Lulju, 2014 @ 14:25

**Binti, zmieni bħala l-Omm tas-Salvazzjoni, meta nahdem mill-qrib ma` Ibni l-għażiż, Ġesù Kristu, fl-att finali tiegħu biex isalva l-umanità ġiet stabbilita fis-sod.**

**M`illum l`quddiem, se naghmel dak kollu li huwa meħtieġ minni biex nirrispondi lilu hekk kif jintervjeni fl-affarijiet tad-dinja biex jiżvela l-Ħniena Tiegħu.**

It-triq għas-salvazzjoni hija waħda diffiċli ħafna, ghax mhi qatt faċli biex tiftaħ l-għajnejn tal-għomja għall-Verità. M'hemm xejn aktar frustranti li tkun xhud minn dawk l-erwieħ foqra li ma jistghux jaraw għaliex jirrifjutaw. L-ghebusija tar-ras tal-bniedem hija ostaklu kbir u minħabba dawn , l-atti kbar ta' talb u sagrifiċċju huma meħtieġa minn dawk kollha li huma mbierka bid-Dawl ta' Alla fil-qlub tagħhom. Se tkun il-ġenerożità tagħkom ta' rieda ħielsa, hekk kif intom tressqu l-Ibni d-don li Huwa jixtieq, li se jippermetti lill-Ispirtu s-Santu biex jinżel fuq dawk l-erwieħ li huma fi bżonn kbir tal-hniena ta` Ibni.

Tista tkun sfida kbira li tipproklama l-Verità, bil-fidi tagħkom biss. Iżda filwaqt li ħafna nies huma leali lejn Ibni dawn ma jkollhomx r-rigal tal-għarfien. Fidi għamja f'Alla hija rigal kbir u tingħata lil dawk li huma qalbhom tenera u nieqsa mill-ego. Qumu għalhekk, għeżież uliedi, u ħejju għall-battalja kbira għall-erwieħ. Din se tkun l-akbar kompitu anki għall-aktar b'saħħithom fostkom. **Halluni , l-Omm tagħkom, niggwidakom fiz-zmienijiet li ġejjin, għax Jiena l-Avukata tagħkom u Ġesù Kristu tani Grazzji kbar sabiex inkun nista nehodkom miegħi tul it-triq għall-glorja kbira.**

Morru fil-paċi biex thobbu u sservu l-Alla. Għal dawk li jsegwuH, bħala tfal zghar, kull Protezzjoni għandha tkun mogħtija lilkom.

Ommkom il-maħbuba.

Omm tas-Salvazzjoni

## [Omm tas-Salvazzjoni:  Huwa biss meta jkollkom l-Imħabba ta' Alla f'ruħkom, illi intom tistgħu xxerdu l-Kelma ta' Alla.]

It-Tlieta, 8 ta' Lulju, 2014 @ 16.00

Ulied ħelwin tiegħi, ma tafux li **kien permezz tal-Imħabba li Alla għandu għalikom ilkoll, li Huwa ppermetta lili li nxerred il-Kelma l-Iżjed Qaddisa Tiegħu f'kull dehera minn tiegħi, l-Omm ta' Alla, li seħħet fid-dinja.**

Kienet ix-xewqa tal-maħbub Iben tiegħi, Ġesù Kristu, li jiena wrejt lili nnifsi ħalli sseħħ il-konverzjoni għall-Verità.  U hekk **ser ikun f'kull post ddedikat lili, madwar id-dinja, fejn Alla sejjer jibqa' juri l-Verità sa meta jisbaħ il-Jum il-Kbir tal-Mulej.  Intom għandkom tingħaqdu lkoll biex tagħtu glorja lil Alla fil-postijiet kollha ddedikati lili,** ħalli Huwa, fil-Ħniena Tiegħu, jferra' Grazzji kbar saħansitra fuq dawk l-erwieħ li ma ħaqqhomx, għax huma dawn li Huwa jfittex l-iżjed.

**M'humiex dawk biss li għandhom għarfien tajjeb tal-Iskrittura Mqaddsa, illi Ibni jixtieq li jiġu għandi.  Le, huma dawk li jħossuhom vojta f'qalbhom,** li jfittxu kemm ifittxu għall-paċi ġewwinija, ma jsibuhiex.  Ħafna nies ifittxu l-kuntentizza, l-paċi u l-ferħ f'din il-ħajja u rari jsibuha.  Huma qatt ma jistgħu jsibu l-paċi vera jekk ma jsibux l-imħabba.  Hija biss l-imħabba lejn l-oħrajn li tqarrabkom lejn Alla, għax mingħajr imħabba, intom qatt ma ssibu l-Preżenza ta' Alla.

**Jiena nitlobkom għeżież ulied, biex tiġu għandi, l-Omm tas-Salvazzjoni, u titolbuni li nitlob li Alla jimliekom bl-Imħabba Tiegħu.  Meta tgħidu din it-talba, jiena nitlob lil Ibni biex iwieġeb għas-sejħa tagħkom.**  Fittxu l-imħabba u uru l-imħabba kollha li għandkom fi qlubkom, għall-oħrajn u aqsmu dan.  Meta tagħmlu hekk, Ibni jimliekom b'tant imħabba li intom tkunu lesti biex taqsmuha bejnietkom.  L-imħabba teqred il-mibegħda.  Jekk intom tħossu xi tip ta' mibegħda għal uman ieħor, intom għandkom titolbu lil Ibni, Ġesù Kristu biex jeħliskom minn din il-marda.

**Talba tal-Kruċjata (159) Nittallab għall-Imħabba ta' Alla.**

*O, Omm tas-Salvazzjoni, nitolbok tinterċedi f'ismi meta jien qed nittallab għall-Imħabba ta' Alla.  Imla lil ruħi, ġarra vojta, bl-Imħabba ta' Alla, ħalli x'ħin tfur, din tinxtered fuq dawk l-erwieħ li jiena nitqabad biex nuri kompassjoni magħhom.*

*Bil-Qawwa ta' Alla, jiena nitlob li niġi meħlus minn ġibdiet ta' mibegħda lejn dawk li jittradixxu lil Ibnek.*

*Umiljani fl-ispirtu u mlieni bil-ġenerożità tar-ruħ ħalli nimxi fuq it-Tagħlim ta' Kristu u nferrex Imħabbtu f'kull parti ta' ħajti. Ammen.*

L-imħabba titkellmu dwarha daqs li kieku kienet faċli li tħossuha, imma għal ħafna din teħtieġ umiltà kbira u li wieħed jiżvojta minnu nnifsu. Jekk ma titbaxxewx quddiem Alla, intom ma tħossux Imħabbtu. U mingħajr l-Imħabba ta' Alla, intom ma tgħixux. **Huwa biss meta jkollkom l-Imħabba ta' Alla f'ruħkom, illi intom tistgħu xxerdu l-Kelma ta' Alla.**

**Mingħajr l-Imħabba Tiegħu, l-kliem li intom tgħidu f'Ismu, jkunu vojti u mingħajr ħajja.**

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

## Kelmti hija semplici ħafna, faċli biex tifimha, imma mhux daqshekk faċli biex tgħixha.

L-Erbgħa 9 ta' Lulju, 2014 @ 15.48

Għażiża maħbuba binti, **l-istruzzjonijiet Tiegħi lil dawk li jqimu Lili, huma li għandhom jitolbu kemm jifilħu għat-taqlib li daqt ifaqqa' fid-dinja. Sejrin jiġru ħafna ġrajjiet, li kollha jkollhom x'jaqsmu ma firdiet li ġejjin minn mibegħda reliġjuża u regħba.** Iżda meta l-istmerrija Lejja, li ġa teżisti fid-dinja bħalissa, tkun ġejja minn ġewwa l-erba' hitan Tiegħi stess, hemm tkunu tafu li ż-żmien huwa fil-qrib. Għax **meta jisħtu Lili u jippersegwitaw lil dawk li jħobbu Lili, hemm huma sejrin jaraw l-intervent Tiegħi, li jkun bħal sajjetta.**

Ħafna ser iħawdu, li Jiena naċċetta l-persekuzzjoni, li dejjem tkun sehem dawk li jimxu warajja, mal-fatt li wieħed jaċċetta ħwejjeġ ħżiena u r-rieda li tħalli dawn l-affarijiet joktru. Dak ikun mhux korrett. L-Imħabba kollha Minni ġejja. Il-ħażin kollu ġej minn Satana. Meta dawn it-tnejn jaħbtu jinqala' taqlib kbir. Il-ħażin ma jeżistix meta Jiena nqum kontrih. Saħansitra Satana nnifsu jista' jxerred il-velenu tiegħu, biss, skond ir-rieda ta' Alla.

**Il-ħażen li jħammeġ lid-dinja, ser jinqered.** Tiddubitawx minn dan. Imma intom għandkom tagħrfu l-ħażin għal dak li hu, għax Satana dejjem sejjer jurih bħala ħaġa tajba. It-tattika favorita tiegħu hija li jippreżenta veduta mħassra tat-Tagħlim Tiegħi u magħha jżid qerq kbir, li jagħrfuh biss dawk li fihom jgħix l-Ispirtu s-Santu. Ħafna jxerrdu verżjonijiet differenti tad-Duttrina Tiegħi u joħolqu t-tifsira tagħhom u din tħawwad lill-ħafna. **Meta dawk li jgħidu li jafu Lili jsallbuni, billi jittormentaw lil dawk li jaqdu Lili, hemm kunu għafu li dawn mhux ġejjin Minni – għax kif jista' jkun dan?**

Kunu fil-paċi, għax dak kollu li għandkom bżonn li tkunu tafu jinsab fil-Kelma Qaddisa Tiegħi. Kelmti hija sempliċi ħafna, faċli biex tifimha, imma mhux daqshekk faċli biex tgħixha. **Għixu Kelmti u l-imħabba tkun dik il-forza li tmexxi kull kelma li tgħidu, kull att li tagħmlu u kull mossa tagħkom. Meta ma tarawx imħabba minn fomm dawk li jgħidu li huma qaddisa, hemm intom mhux il-Kelma ta' Alla, tkunu qed tisimgħu. Minflok, intom tkunu qed tisimgħu interpretazzjoni umana li hija mgħawġa.**

Dak kollu li mhux ħiereġ mid-Divinità Tiegħi, mhux ġej Minni.

Ġesù Tagħkom.

**Li tkun taf dak li għallimt Jien, waħdu, m'hu xejn, jekk intom ma tħobbux wieħed lill-ieħor bħalma nħobbkom Jiena.**

Il-Ħadd, 13 ta' Lulju, 2014 @ 16.27

Għażiża maħbuba binti, ulied Alla jistgħu jiġu mxebbħa mal-blanzuni ta' fjura. Il-blanzuni, minħabba n-nutriment li hemm fil-ħamrija li jkunu jinsabu fiha, jmorru tajjeb u jikbru. Imma jekk l-art ma tkunx fertili, l-blanzuni ma jitftħux fi fjuri li jpaxxu lil min jarahom.

Jekk il-ħamrija tkun sinjura, l-fjura tkun b'saħħitha. Jekk tkun mimlija dud, il-fjura ma tiftaħx. Saħansitra jekk il-ħamrija tkun b'saħħitha, jekk din ikun fiha l-velenu, din ma tkunx tista' tipproduċi pjanta li tgħix b'saħħitha. **Jekk ulied Alla ma jisimgħux il-Kelma ta' Alla, jixtarru l-Verità u jobdu l-Kmandamenti ta' Alla, huma jispiċċaw vojti u tonqoshom il-paċi spiritwali. Ikun biss jekk tħallu lilkom infuskom tisimgħu dak li twiegħed il-Kelma ta' Alla, li intom tistgħu tkampaw u ssisbu l-paċi.**

Ħafna nies, minħabba l-gideb, li Satana jferrex madwar id-dinja, sabiex iqarraq bl-erwieħ, jsibu ruħhom mitlufin u bla ħajja spiritwali. Il-ħajja teħduha biss jekk intom taċċettaw Lili, Ġesù Kristu, bħala s-Salvatur tagħkom. Anke dan, fih innifsu, mhux biżżejjed. **Intom għandkom tiftakru wkoll dak li għallimtkom Jiena. Li tkun taf dak li għallimt Jien, għalih waħdu, m'hu xejn, jekk intom ma tħobbux wieħed lill-ieħor bħalma nħobbkom Jiena.** Meta tieqfu u tiddikjaraw li intom dixxipli Tiegħi, jekk intom ma turux imħabba lejn l-oħrajn u tagħmlu mal-oħrajn dak li tixtiequ li jagħmlu magħkom, intom tkunu ipokriti.

**Jekk intom tafu Lili, intom tħobbu lill-oħrajn, huma x'inhuma d-dnubiet tagħhom. Intom qatt ma tiġġudikaw lill-oħrajn f'Ismi, għax dak mhux dritt tagħkom.**

Ġesù Tagħkom.

## Id-dinja telqitni kif kien imbassar, u l-akbar tradiment fuq Ġsmi, ġa sar.

It-Tlieta, 15 ta' Lulju, 2014 @ 18.00

Għażiża maħbuba binti, d-dinja telqitni kif kien imbassar, u l-akbar tradiment fuq Ġismi, ġa sar.

Kelmti qed tiġi mtertqa u ħafna minn dawk li jgħidu li jafu t-Tagħlim Tiegħi lanqas biss sejrin jaraw il-persekuzzjoni, li sejra sseħħ fuq il-Knisja Tiegħi. **Hekk, bħalma kont misħut, waqt it-Tislib Tiegħi, minn dawk li kienu jiftaħru bl-għerf kbir tagħhom tal-mogħdijiet Tiegħi, Jiena hekk ser niġi miċħud waqt din it-Tieni Miġja Tiegħi biex nieħu s-Saltna Tiegħi.**

**Erwieħ ingrati, li m'għandhomx sempliċità u umiltà, qatt m'huma sejrin jaċċettaw il-leħen ta' dawk li huma jarawhom bħala li ma ħaqqhomx ixerrdu l-Verità.** Huma qatt m'huma sejrin jaċċettaw il-Verità, għax meta huma jaċċettaw falsitajiet f'Ismi, ma jibqax spazju f'qalbhom biex l-Ispirtu ta' Alla jfawwar ruħħom. Minflok ma jħejju lill-umanità għall-Ħniena Kbira Tiegħi – l-Jum li Jiena wegħdt lid-dinja – huma sejrin jagħtuni daharhom. Huma mhux sejrin jagħrfu s-Sinjali Divini li nibgħat biex niftaħ qlubhom bi tħejjija Għalija, għax qalbhom imkabbra u iebsa. **Huma sejrin jagħmlu dak kollu li jistgħu biex iwaqqfu l-Kelma ta' Alla milli tasal għand kull midneb fid-dinja, u ta' dan, Jiena qatt ma nħallihom jinsew.**

**Min jitlifli ruħ, jitlef tiegħu stess. Min jagħlaq Triqti, ma jibqalux fejn imur. Min jidgħi kontra r-Rieda ta' Alla, jkun misħut.** X'tgħallimtu verament Minni, jekk intom ma tistgħux tiftakru l-Verità tal-Wegħda Tiegħi li nerġa' niġi? Saltnati sejra tiġi fid-dinja bħalma hija fis-Smewwiet u dawk li naqsu milli jagħrfu dak li Jiena għidt, lanqas biss sejrin jindunaw. **Huma jkunu berbqu l-Grazzji li qiegħed nibgħat bħalissa u jaqflu lilhom infushom ġewwa ħabs tant mudlam, illi huma sejrin jiġu mogħmija mid-Dawl Tiegħi fil-Jum il-Kbir.**

**Il-Ħin Tiegħi huwa dalwaqt, u nista' nagħmel biss tant, biex inħejjikom.** Imħabbti tibqa' hekk Kbira daqs kemm hija Ħanina, iżda intom tridu tgħinu lilkom infuskom, għax mhux faċli li ssiru denji tal-Wegħda Tiegħi tas-Salvazzjoni.

Ġesù Tagħkom.

## L-intellett uman mhux kapaċi li jifhem dak kollu li ġej Minni.

Il-Ħamis, 17 ta' Lulju, 2014 @ 17.17

Għażiża maħbuba binti, **l-akbar uġigħ li dawk li jħobbu Lili jkollhom jgħaddu minnu, huwa d-dlam tar-ruħ. Iżjed ma tingħaqdu Miegħi u Fija, iżjed Jiena nsofri ġewwa fikom. Għax meta Jiena nkun ngħix fikom, iżjed ikollkom tbatu uġigħ minħabba dan.**

**Meta ruħ issir parti Minni, f'għaqda sħiħa, u meta ċċedi r-rieda tagħha Lili, iżjed il-Preżenza Tiegħi issir tidher f'dik il-persuna.** Din tiġbed il-mibegħda tal-oħrajn fuqha, tħoss in-niket Tiegħi stess meta tara kemm xejn ma jimxi bil-ħaqq, l-inġustizzji u l-ħażen minħabba d-dnub fid-dinja. Is-sensi jqumu iżjed, il-għarfien ta' ħwejjeg spiritwali – li jkun ġej mis-sofferenza flimkien Miegħi – jikxef ħafna ħwejjeġ li jġibu fehma iżjed fonda tal-battalja li teżisti bejn Alla u Satana.

**Huwa jifhem xi jkun ħataf lil ruħu, lil ġismu u lis-sensi tiegħu, għalkemm dan ma jkunx ifisser li ser isibha faċli biex jaċċettha.** L-intellett uman mhux kapaċi li jifhem dak kollu li ġej Minni. Iżda jekk huwa jafda Lili u jaċċetta li l-ġid kollu ġej Minni, hemm huwa jagħtini ċ-ċans li nikber ġewwa fih, għall-ġid ta' kulhadd.

**Jiena nista' nagħmel ħwejjeg kbar meta intom tħalluni ngħix ġewwa ruħkom.** Ħafna nies jkunu jistgħu jiġu mogħtija r-Rigal tal-Ħniena Tiegħi meta intom tħalluni ninfirex b'dan il-mod. **Huwa permezz tar-ruħ vittma, li Jiena nista' nintervjeni biex insalva l-erwieħ tal-oħrajn.** Dejjem aċċettaw li meta jiena nġib ir-Rigal tas-Sofferenza, dan jippremja lill-umanità kollha kemm hi. Il-Ħniena Tiegħi hija r-Rigal Tiegħi għalikom. Aċċettaw il-modi diversi li bihom Jiena naħdem, bil-ħlewwa, għax l-uġigħ li wieħed ikun ħaġa waħda Miegħi, ma jieħux fit-tul.

Aċċettawni hekk kif Jien, u mhux kif taħsbu li Għandi nkun.

Ġesù Tagħkom.

## Alla l-Missier: Meta sseħħ ir-Rieda Tiegħi, ssaltan il-paċi.

Il-Ġimgħa, 18 ta' Lulju, 2014 @ 15.52

Binti l-iżjed għażiża, **d-dinja hija Tiegħi u Jiena ta' wliedi kollha. Jiena tagħkom.**

**Uliedi sejrin iħabbtu wiċċhom ma' taqlib kbir, meta Jiena ser nibgħat lill-anġli Tiegħi biex iġibu lil dawk fidili Lejja,** u l-ħażen kollu jiġi eżiljat dalwaqt. L-għedewwa Tiegħi, Jiena sejjer nisħaqhom ilkoll, sakemm ma jibqax traċċa ta' wġigħ u niket, minn dak li qegħda ssofri l-umanità, u kollox jitnaddaf. **M'hemmx iżjed dmugħ, xejn iżjed niket, xejn uġigħ, għax il-Poter huwa kollu Tiegħi.**

Il-Pjan Tiegħi ġa beda jseħħ, għalkemm ftit huma dawk li qed jintebħu bih. Iżda Jiena ngħidilkom dan. Ixxottaw id-dmugħ tagħkom. Tibżgħux mill-Intervent Tiegħi, għax hija r-Rieda Tiegħi li sejra tingħaqad ma' dik ta' wliedi – dalwaqt. **Meta sseħħ ir-Rieda Tiegħi, ssaltan il-paċi, mhux biss fi qlubkom, iżda fuq l-Art, hekk kif inhi fis-Sema.** Afdaw Fija.

Tibżgħux minn Idi, għax dawk biss li jirrifjutaw Lili, sejrin isofru. Jiena ma rridx tpattija u sejjer ninfed il-qlub ta' dawk li jisħtu Lili. **Il-Ħniena Tiegħi tfisser li ftit biss ser ikunu dawk li jridu jinfirdu Minni, meta Jiena nuri Lili nnifsi permezz ta' Ibni, Ġesù Kristu.** Id-dgħajfin isiru b'saħħithom. Il-beżgħanin jsiru qalbiena u dawk li għandhom il-mibegħda f'qalbhom, jintlew b'Imħabbti.

Jiena nħobb u nixtieq lil uliedi kollha u minħabba dan sejjer nieħu lura s-Saltna Tiegħi bl-anqas tbatija possibbli.

Nitlobkom **afdaw Fija, f'kollox. Għax huwa fil-qrib, il-jum meta jkun biss id-Dawl tad-Divinità Tiegħi, li jsaltan fuq l-Art,** u jkollkom il-paċi kollha.

Il-Missier Etern tagħkom

Alla l-Iżjed Għoli.

## Duttrina magħmula mill-bniedem ma tmantnix lil ruħkom.

Il-Ħadd, 20 ta' Lulju, 2014 @ 16.45

Għażiża maħbuba binti, meta d-dinja tiġi maħkuma mill-ispirtu tad-dlam, issir iebsa ħafna għal dawk li jemmnu Fija, Ġesù Kristu, li jibqgħu leali lejn Kelmti. **Meta l-Knisja Tiegħi togħtor, il-fidili sejrin iħossuhom imfixkla b'dak kollu li għallimt u jitqabdu mal-fidi tagħhom.**

Mhix xewqti li intom tneħħu l-attenzjoni minn fuq il-Kelma ta' Alla, u meta intom tagħmlu dan, intom ma ssibunix Preżenti. **Meta ma żżommux ma' Kelmti, u meta tħallu lilkom infuskom taqgħu f'sens falz ta' sigurtà, - meta d-dnub jagħtuh il-ġenb bħallikieku ma jfisser xejn – hemm intom sejrin issibuha iebsa li tibqgħu leali lejn it-Tagħlim Tiegħi.**

Qumu intom ilkoll, u isimgħu Leħni meta issa Jiena qed ngħidilkom dan. **Kulma għallimtkom, li huwa Sagru, ser jisfaxxa.** Ħafna minnkom sejrin jitħawdu meta jaraw tant Tagħlim li Jiena tajt lill-Knisja Tiegħi, jitwarrab għax jgħidu li ma għadux jgħodd għal dawn iż-żminijiet. **Iż-żminijiet li sejrin tħabbtu wiċċkom magħhom 'l quddiem, ser iġibu ħafna nkwiet, għax mhux ser jagħtukom id-direzzjoni, li fuqha ġiet mibnija l-Knisja Tiegħi. Il-binja titmermer, il-fidi tal-qaddejja mqaddsa Tiegħi tiddgħajjef, iżjed milli tistgħu taħsbu, u l-Verità tintrema.** Duttrina magħmula mill-bniedem ma tmantnix lil ruħkom. Jiena biss, Ġesù Kristu, nista' nmantnikom bil-Fidi, li tagħmilkom xierqa li timxu warajja. **Jgħidulkom x'jgħidulkom, intom dejjem għandkom tibqgħu leali Lejja,** għax Jiena dejjem nibqa' leali lejkom.

Meta tinqatgħu Minni, Jiena nkun wieqaf ħdejkom il-ħin kollu, nipprova niġbidkom lura Lejja. U filwaqt li intom tiġġerrew 'l bogħod u taġġustaw ħajjitkom biex taċċettaw il-falsitajiet, Jiena qatt ma nitlaqkom. U meta tintilfu għal kollox, Jiena nsibkom u nġibkom lura lejn ir-Renju Tiegħi. **Jiena qatt ma nitlaqkom avolja intom titilqu Lili.**

Ġesù Tagħkom

**Alla l-Missier: Kunu qalbiena, żgħar Tiegħi, għax is-Saltna Kbira Tiegħi dalwaqt tkun tagħkom.**

It-Tnejn, 21 ta' Lulju, 2014 @ 14.23

Għeżież uliedi, **meta Jiena ħloqt id-dinja, dan sar sabiex naqsam l-Eżistenza Tiegħi magħkom. Hemm Imħabbti nqasmet u kien għalhekk li d-dinja saret ħaga waħda Fija.** L-anġli Tiegħi ferħu bis-Saltna l-Ġdida Tiegħi u Imħabbti nfirxet lil hinn mir-Renju Tiegħi, għax Jiena hekk xtaqt li jseħħ.

Għalkemm Imħabbti ġiet ikkritikata bil-aħrax, Jiena kont naf li n-niket Tiegħi kien sejjer jitpatta meta Jiena nġedded l-Art u nġib it-tmiem tad-dnub. **Il-Ħin Tiegħi huwa fil-qrib, meta kulħadd sejjer jgħix skond ir-Rieda Tiegħi. Ir-Rieda Qaddisa Tiegħi sejra tkun Preżenti fil-qlub ta' wliedi. Kollox jerġa' jkun ferħan.** Sa dak il-Jum il-Kbir, il-bniedem ikollu jgħaddi minn ħafna uġigħ, għax id-dnub ħoloq firda kbira minn Miegħi.

Sakemm jibqa' jeżisti d-dnub, il-bniedem jibqa' jsofri l-provi li jgħaddilu dak li jobgħod Lili. Hu, l-wieħed il-ħażin, ser jiġi quddiemkom bħallikieku jħobbkom, daqs li kieku jinteressah minnkom u jibqa' jinfluwenzakom sakemm Jiena nibgħat lil Ibni biex jiġborkom fid-Dirgħajn Qaddisa Tiegħu. **Kunu qalbiena, żgħar Tiegħi, għax is-Saltna Kbira Tiegħi daqt tkun tagħkom u intom, flimkien mal-familji tagħkom, ser tgħixu fir-Rieda Qaddisa Tiegħi. Meta r-Rieda Qaddisa Tiegħi titwettaq fostkom, id-dinja, li hija magħmula mis-Smewwiet u l-Art, jsiru ħaġa waħda. Meta nsiru ħaġa waħda, ma jkunx hemm iżjed uġigħ u niket, għax id-dnub ikun ġie meqrud għal kollox.**

Il-Missier Etern tagħkom

Alla l-Iżjed Għoli.

## [Omm tas-Salvazzjoni: Ġesù Kristu mhux maħbub mill-umanità bħalma kien qabel.]()

It-Tlieta, 22 ta' Lulju, 2014 @ 16.50

Għeżież uliedi, Ibni, Gesù Kristu mhux maħbub mill-umanità bħalma kien qabel. L-indifferenza lejn l-Eżistenza Tiegħu mbidlet fi stmellija għal dak kollu li Hu, dak kollu li jirrappreżenta u dak kollu li Huwa wiegħed. Dan kollu ġabli ħafna uġigħ u niket.

**Aktar ma l-apostasija tikber u tinfirex, Huwa, Ġesù Kristu, iżjed jiġi miċħud minn kull nazzjon, sakemm dawk li jħobbuH u li jimxu fuq it-Tagħlim Tiegħu ma jkunux jistgħu iżjed jiddikjaraw ir-rabta tagħhom Miegħu, mingħajr ma jiġu redikolati, mwaqqa' għaċ-ċajt u jgħidu minn kull ħażen fuqhom.** Dawk li huma leali Lejh ma jkunux jistgħu jxandru l-Verità jekk ma jgħaddux ħafna ħin fit-talb, jittalbulu biex jgħinhom ikampaw ma' din l-oppożizzjoni li jħabbtu wiċċhom magħha kuljum.

**Sabiex tibqgħu leali lejn Ġesù Kristu, intom għandkom tħobbuH mingħajr l-ebda kundizzjoni. Hija barka kbira li tħobbuH verament u hija wkoll Rigal minn Alla. Lil dawk li mħabbithom għal Ibni ddgħajfet, jiena nitlobkom li taċċettaw din it-Talba.**

**Talba tal-Kruċjata (160) Għinni biex inħobbok iżjed:**

*O, Ġesù Tiegħi, Salvatur tad-dinja, għinni biex inħobbok iżjed. Għinni biex nikber fl-imħabba Lejk. Imla qalbi b'Imħabbtek u l-Kompassjoni Tiegħek, ħalli jkolli l-Grazzji biex inħobbok, hekk kif Inti tħobb lili.*

*Imla r-ruħ ingrata tiegħi b'imħabba dejjiema u profonda Lejk u lejn dak kollu li Inti tirrappreżenta. Bil-Qawwa tal-Grazzji Tiegħek, għinni nħobb lill-ġar tiegħi bħalma Inti tħobb lil kull wild ta' Alla u sabiex nuri kompassjoni ma' dawk li jeħtieġu Imħabbtek u li m'għandhomx fidi.*

*Għaqqadni Miegħek, ħalli ngħix ħajja Kristjana, kif Inti għallimtna bl-eżempju Tiegħek meta kont tgħix fuq l-Art. Ammen.*

Uliedi, ħobbu lil Ibni, u Huwa jferrex Imħabbtu, ħalli kull wild ta' Alla jinġibed lejn il-Ħniena Kbira Tiegħu.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni

## Meta tafdaw Fija, din trid tkun mingħajr kundizzjonijiet.

L-Erbgħa, 23 ta' Lulju, 2014 @ 17.04

Għażiża maħbuba binti, l-fiduċja hija frażi li ħafna jifhmuha ħażin, meta titkellmu dwar ir-relazzjoni Tiegħi magħkom. Li tafda mhix ħaġa faċli li tagħmilha, għax il-bniedem huwa midneb u jista' kull ħin, jittradixxi fiduċja saħansitra fost dawk li huwa jħobb.

**Li tafda Fija teħtieġ sforz kbir min-naħa tal-erwieħ.** Meta intom tafdaw Lili, din trid tkun mingħajr kundizzjonijiet u mhux kif tgħidu intom. **Meta tgħidu li tħobbu Lili hemm ħafna stadji fiha. L-ewwel stadju huwa fejn temmnu u tħobbu dak kollu li għallimt u dak li Jiena. It-tieni jiġi mill-imħabba lejn it-Taghlim Tiegħi u kompassjoni kbira Lejja. It-tielet jiħi meta tkunu f'għaqda sħiħa Miegħi, meta tħossu Imħabbti, l-Uġigħ Tiegħi, n-Niket Tiegħi u tifhmu – mingħajr ma tafu għaliex – xi jfisser li tkun wild veru ta' Alla.** Tfisser li tagħraf li Jiena l-Bidu u t-Tmiem u li kollox ġej Minni.

**Meta intom tħobbuni b'qalb miftuħa, bħal dik ta' tarbija, intom tħobbuni mingħajr kundizzjoni. Intom tkunu tafu li Lili ssibuni ħdejkom meta kollox ikun jidher bla tama, intom tkunu tafu li Imħabbti għall-bniedem ma tieqaf qatt, hija ħielsa mill-malizja, minn kull diskriminazzjoni u li Jiena ma nirrifjutax midneb wieħed – ikun għamel xi jkun għamel.** Hemm intom ma jkollkomx iżjed dubji dwar id-Divinità Tiegħi u intom iċċedu għal kollox f'Idejja. Intom tħallu kollox f'Idejja, għalkemm bla dubju, intom sejrin issofru meta tħobbu Lili b'dan il-mod.

Minħabba li d-Dawl Tiegħi jixgħel lil ruħkom, dawk li jirrifjutaw Lili ser jagħmlu minn kollox biex iċekknukom, jgħaddukom biż-żufjett, isawtukom u jagħmlulkom il-ħajja iebsa, għax titqarrqux, **il-Kristjani dejjem kienu mistmella u jibqgħu jiġu ppersegwitati, kif kont Jien, sa l-Aħħar Jum.**

Afdaw Fija u Jiena nserraħ it-toqol tagħkom u għalkemm ssofru attakki verbali, minn dawk li joboghdu lilkom minħabba Fija, intom tkunu fil-paċi. **Nitlobkom tgħidu din it-Talba kull meta tħossukom mifrudin Minni u Jiena niġi ngħinkom. Jiena nimliekom b'Paċi li ma tistax u lanqas mi hi sejra tinsab imkien fid-dinja.**

**Talba tal-Kruċjata (161) Għall-kunfidenza u l-paċi:**

*Ġesù jiena nafda Fik. Għinni nħobbok iżjed. Imlieni bil-kunfidenza ħalli nintreħa għal kollox u nkun f'għaqda finali Miegħek. Għinni nkabbar il-fiduċja tiegħi Fik, fi żminijiet iebsa. Imlieni bil-Paċi Tiegħek.*

*Jiena niġi għandek, għażiż Ġesù, bħal tarbija, ħieles minn kull irbit tad-dinja, ħieles minn kull kundizzjonijiet u nagħtik ir-rieda tiegħi biex tagħmel biha dak li Inti tara li hemm bżonn, għalija nnifsi u għall-erwieħ l-oħrajn. Ammen.*

Ġesù tagħkom.

## Omm tas-Salvazzjoni: Min m'għandux rispett lejn il-ħajja umana, ma jagħrafx lil Alla.

Il-Ħamis, 24 ta' Lulju, 2014 @ 16.48

Għeżież ulied ta' Alla, **intom qatt m'għandkom tinsew kemm intom speċjali f'Għajnejn Alla, għax Huwa jħobbkom ilkoll mingħajr kundizzjonijiet. Kemm iħobbkom, intom lanqas biss tistgħu tifhmuh.** Huwa jitbissem meta intom titbissmu. Jidħaq meta intom tidħqu. Jibki meta intom ikollkom l-uġigħ u n-niket, u jirrabja meta ssofru l-persukuzzjoni minn taħt idejn l-oħrajn.

**F'dan iż-żmien fl-istorja, meta l-mibegħda infestat in-nazzjonijiet kullimkien u meta l-innoċenti qed jiġu ttorturati, magħsura u maqtula, Idu sejra toħroġ u tikkastiga l-ħżiena. Meta l-umanità tisfida lil Alla billi ma tagħtix każ tal-Liġijiet ta' Alla, u b'mod speċjali fejn tidħol il-ħajja ta' uman ieħor. Il-kastig Tiegħu ser jaħtaf lid-dinja.** Min m'għandux rispett lejn il-ħajja umana, ma jagħrafx lil Alla u lid-Divinità Tiegħu.

**Alla huwa l-Ħallieq u l-Awtur tal-Ħajja - Huwa jagħtiha u Hu biss għandu l-Awtorità li jeħodha.** O, kemm hemm niket f'dan iż-żmien fis-Saltna Tiegħu tas-Smewwiet, minħabba l-aggressjoni li qed iġib il-wieħed il-ħażin, kontra l-Ħolqien Tiegħu.

Intom għandkom titolbu lil Alla biex itaffi s-sofferenza, li qed iġibuha nies li qalbhom hija kiesħa, kollha rabja u mimlija mibegħda. **Dawk li jġibu t-terrur fuq l-oħrajn, jeħtieġu t-talb tagħkom.** Nitlobkom tgħidu din it-Talba biex jitħares id-dgħajjef u l-innoċenti u biex tnaqqsu mill-biża' li l-bniedem ikollu jgħaddi minnu f'dan iż-żmien.

**Talba tal-Kruċjata (162) Biex tħares lid-dghajjef u l-innoċenti.**

*O Alla, Missier li Tista' Kollox, nitolbok tħares lid-dgħajjef u l-innoċenti, li jsofru minn taħt idejn dawk li għandhom il-mibegħda f'qalbhom. Taffi t-tbatija li jgħaddu minnha l-ulied imsejkna Tiegħek.*

*Agħtihom il-Grazzji kollha li jeħtiegu biex jipproteġu lilhom infushom mill-għedewwa Tiegħek. Imlihom bil-kuraġġ, bit-tama u l-karità, ħalli huma jħossu li għandhom jaħfru lil dawk li jittormentawhom.*

*Jiena nitlob Lilek, Sinjur għażiż, Missier Etern Tiegħi, biex taħfer lil dawk li jisfidaw il-Liġi tal-Ħajja u għinhom jaraw kemm joffenduk l-azzjonijiet tagħhom, ħalli jsewwu triqathom u jfittxu l-konsolazzjoni f'Dirgħajk. Ammen.*

**Uliedi, itolbu, itolbu, itolbu għall-ħarsien ta' dawk li jsofru minħabba r-rabta tagħhom ma' Alla, l-Missier Etern, u għal dawk li huma vittmi ta' gwerrer kiefra u bla sens.**

Ommkom il-maħbuba,

Omm tas-Salvazzjoni.

[Meta tinkiser il-fiduċja, s-soltu tiġri, għax il-ħati jkun ħalla l-kburija tiddettalu dak li għandu jaħseb]().

Is-Sibt, 26 ta' Lulju, 2014 @ 19.59

Għażiża maħbuba binti, Jiena kont ġejt bala Re, imma llum, Jiena qiegħed insejħilkom bħal tallab, għax m'għandix lanqas uqija ta' kburija, għax din ma tistax tkun.

**Jiena ngħajjat lil ulied Alla u nixxennaq, nipprova nqajjem xrara ta' mħabba fil-qlub iebsa tagħhom – imħabba li ġejja mill-Missier Etern, imma li tinsab rieqda u minsija. Jiena, Ġesù Kristu, minsi wkoll, għalkemm m'hawnx persuna waħda fid-dinja li ma semgħetx Bija.** Huma jafuni, imma nsew Min Jiena. Xi wħud jafu Ismi, imma dan ma jfisser xejn għalihom. Xi wħud iħobbuni, imma mitlufin wisq f'dak li qed jagħmlu biex ikellmu Lili, aktar minn forsi jmielu rashom naqra hawn u naqra hemm, biex juru li għarfuni. Oħrajn semgħu Bija, imma Jiena biss ikona f'għajnejhom, xi ħaġa ta' żmien ilu – profeta, li forsi kien jew ma kienx veru. Għal erwieħ oħrajn, li ftit li xejn jifhmu fi ħwejjeġ spiritwali, Jiena ma neżistix. Jiena ħolqien tal-immaġinazzjoni, kreatura maħluqa fl-imħuħ ta' nies li huma devoti ħafna, li qed jiddendlu ma' tibna, bit-tama li teżisti dinja oħra ġdida wara din. Ħalluni naċċertakom – Alla Huwa Alla. L-umanità kienet maħluqa mill-Missier Etern Tiegħi, għax hija parti mill-Pjan Tiegħu għall-univers etern. Kollox Kien, Huwa u ser Ikun, bil-Kmand u r-Rieda ta' Dak li Huwa u li għad Ikun. Kollox imil quddiem Alla, saħansitra l-għedewwa Tiegħu, fid-dinja tal-Ħolqien ta' Missieri.

Aktar ma' l-bniedem jitjassar mid-devozzjoni tiegħu lejn dak li jara, jmiss u jħoss, bil-fiżiku tiegħu – l-ispiritwalità tiegħu tiġi fix-xejn. Meta intom temmnu li kollox jibda u jispiċċa f'din id-dinja, intom tkunu qed tgħidu li Jiena ma neżistix. Intom tiċħdu Lili, Bin il-bniedem, li kien mibgħut biex isalva lilkom mill-qerq tax-xitan. Jiena ġej minn Missieri. Jiena kont parti mill-Pjan Divin Kbir Tiegħu. Aħna lkoll ħaġa waħda, imma intom għeżież uliedi, qegħdin tgħixu f'deżert, vojt mill-ħajja u fl-injoranza ta' xi tfisser id-Divinità Tiegħi. Is-Saltna Tiegħi hija perfetta u kienet maħluqa minn Missieri. **Ir-razza umana kienet perfetta, sakemm ġiet meqruda mill-akbar dnub f'Għajnejn Missieri – d-dnub tal-kburija. Oqogħdu attenti mid-dnub tal-kburija, għax dan ġie riżultat tal-imħabba ta' Luċifru lejh innifsu. Luċifru, l-ogħla fost il-ġerarkija ta' Missieri, kien jaħseb li għax kellu r-rieda ħielsa, huwa seta' jagħmel dak li ried, imma naqas milli jifhem dan. Huwa kien ingħata mhux biss ir-Rigal tar-rieda ħielsa, imma l-fiduċja ta' Missieri. Missieri wera**

**fiduċja sħiħa fil-Ħolqien kollu Tiegħu. Sfortunatament dan ma kienx reċiprokat.**

Meta tinkiser il-fiduċja, s-soltu jkun għax il-ħati jkun ħalla l-kburija tiddettalu dak li għandu jaħseb, moħħu u l-għemejjel tiegħu. Ladarba l-kburija tidħol ġewwa ruħek, inti mall-ewwel toħloq distanza bejnek u bejn Min ħolqok mix-xejn, ħlief ponn tafal. **Huwa għaġnek u tak ir-Rigali. Il-kburija hija l-akbar theddida għall-umanità, għax din tikkonvinċikom li tafu iżjed minn Alla. Jekk intom temmnu dan, intom ma ħaqqkomx titkellmu la f'Ismu u lanqas xejn. U jekk tagħmlu dan, intom toħolqu lok fejn id-dnubiet kollha jiġu aċċettati li huma ħaġa tajba. Meta jiġri hekk, intom mhux talli tqarrqu bl-oħrajn, imma intom tidħqu bikom infuskom.**

L-Għalliem tagħkom

Ġesù l-maħbub tagħkom.

**Dinja perfetta sejra tieħu post dak kollu li  huwa mtebba' u korrott.**

Il-Ħadd, 27 ta' Lulju, 2014 @ 15.15

Għażiża maħbuba binti, **l-Paċi Tiegħi daqt tkun tagħkom** u ta' dawk kollha li jaqdu Lili, Ġesù Kristu, f'din il-ħajja, mogħtija lid-dinja bil-Qawwa tal-maħbub Missieri.

Jiena nbierek lilkom ilkoll li tagħmlu ħilitkom biex tibqgħu leali lejn il-Kelma Tiegħi u speċjalment lil dawk li huma mxennqin minnHa. **Għalkemm intom tistgħu taħsbu li nies ta' reliġjonijiet oħrajn, inklużi dawk li ma jemmnux fil-Missier Etern Tiegħi jew dawk li ma jaċċettawx Lili, Ġesù Kristu, s-Salvatur tad-dinja, li huma mitlufin, intom tkunu żbaljati.** Kull ruħ li tfittex il-perfezzjoni spiritwali u li ma tkunx taf il-Verità, hija maħbuba minn Missieri, li Huwa Kollu Mħabba, li Jista' Kollox u li Huwa perfett f'kull ma jagħmel.

Ir-razza umana mhix perfetta minħabba d-dnub, għalkemm kull bniedem kien maħluq fuq Xbiha ta' Dak li tah il-ħajja. B'hekk, **kull raġel, mara u tarbija sejrin isiru perfetti, kemm fil-ġisem kif ukoll fir-ruħ, għal darb' oħra, meta s-saħta tad-dnub tiġi meqruda. Meta l-għedewwa ta' Alla jiġu eżiljati u meta l-imperfezzjonijiet tal-ġisem u tar-ruħ ma jibqgħux ostakli bejn il-bniedem u Alla, kollox isir ħaġa Waħda ma' Missieri. Is-Saltna l-Ġdida, li hija magħmula mis-Sema u mill-art, issir ħaġa waħda. Il-bniedem isir ħaġa waħda ma' Alla, permezz Tiegħi, l-Iben il-Waħdieni Tiegħu u l-Pjan Tiegħu għad-dinja jkun tlesta.**

Intom qatt ma tistgħu tħossukom sħaħ, għax sakemm jeżisti d-dnub, dan joħloq il-firda minn Alla. Iżda **jiġi ż-żmien meta n-niket kollu li jnawwar lid-dinja, jitneħħa.** Imħabba u ferħ jiksu lid-dinja u dinja perfetta sejra tieħu post dak kollu li huwa mtebba' u korrott.

Hemm biss il-Ħolqien kollu ta' Alla jerġa' jsir sħiħ.

Ġesù Tagħkom.

**Jiena kont mghoddi biż-żufjett, mgħajjar u akkużat li kont immorali, giddieb u eretiku.**

It-Tnejn, 28 ta' Lulju 2014 @ 21.00

Għażiża maħbuba binti, meta Jiena nħares lejn ulied Alla, Qalbi tfur b'Imħabba li hija tant ħelwa, daqs dik lejn tarbija tat-twelid, u hekk ukoll tkun lejn bniedem ta' mitt sena. Ma tagħmilx differenza. Intom kull wieħed wild ta' Alla, maħdumin b' għożża ġo ġuf ommkom skond ir-Rieda Qaddisa ta' Missieri. **Qegħdin taraw, dak kollu li kien maħluq mill-bidu sat-tmiem, dak li kien u li għad irid ikun, kollox skond ir-Rieda Qaddisa ta' Alla.** Għalhekk, **intom min intom, tbatu minn xhiex tbatu, ssofru xi ssofru, meta intom tiġu mkeċċija mis-soċjetà minħabba r-razza tagħkom, sess jew kulur – kunu għafu li intom ilkoll prezzjużi f'Għajnejn Alla.** Id-dnub huwa l-unika ħaġa li tifridkom Minni.

Huma dawk ippersegwitati fostkom, li jiġbdu Mħabbti u t-Tbatija Tiegħi. It-tbatija tagħkom hija Tiegħi. Jiena nfittex lil dawk li huma waħedhom u lil dawk msejkna, li jgħaddu minn diskriminazzjoni kbira – li huma l-mormijin tas-soċjetajiet – u lilhom niġbidhom Lejja l-ewwel. Huma, dawk li Jiena nferrex fuqhom il-Ħniena Kbira Tiegħi. **Jekk intom imwarrba mill-oħrajn u jżommukom ħażin f'din il-ħajja, kunu għafu li Jiena magħkom**. **Intom ġejtu mogħtija s-Salib tal-Kalvarju u intom imbierka, kontra għal dak li taħsbu. Xortikom hija xortija.** Jiena għaddejt mid-diskriminazzjoni matul ħajti fuq l-Art. Jiena kont imgħoddi biż-żufjett, imgħajjar u akkużat li kont immorali, giddieb u eretiku.

Tibżgħu xejn, għax meta jixlukom bla ħtija, ta' dawn il-ħwejjeg, intom tkunu Tiegħi – kollkom Tiegħi. U Jiena tagħkom.

Ġesù l-maħbub tagħkom.

**Jiena qatt ma ninbidel.  Qatt ma nadatta ruħi għal modi ġodda, għax Jiena dejjem kif Kont u kif ser Inkun.  Jiena Etern**.

Il-Ħamis, 31 ta' Lulju, 2014 @ 15.50

Għażiża maħbuba binti, **kull viżżjunarju jew profeta li jkun ġej Minni, daqt iħabbat wiċċu ma' provi kbar, li bħalhom qatt ma għadda minnhom qabel. Ħafna li jagħrfu lil dawn huma awtentiċi u li jkunu leali lejhom, ser jagħtuhom daharhom u jarmuhom mal-ġenb, meta l-ispirtu tad-dlam jiksi nazzjon wara nazzjon, fejn l-imħabba u l-karità jisparixxu.**  Bniedem ser ikun kontra bniedem, pajjiż kontra pajjiż, il-bniedem kontra Alla.

Dawn il-perjodi ta' taqlib ser ikunu ta' nkwiet għal ħafna u l-unika fonti ta' faraġ u saħħa tkun ġejja Minni, iżda biss jekk intom tfittxuni.  **Jiena l-Blata tagħkom, il-Blata li ma jista' għaliha ħadd, il-Blata li ma titfarrakx, il-Blata li intom sejrin tħaddnu meta ma jibqa' xejn sħiħ fid-djar li fihom hemm l-Ispirtu Tiegħi.**  Il-bini li nbena biex jagħti qima Lili, ser jitwaqqa'.  Xi wħud minnhom ibiddluhom f'bini ieħor, li jintuża għal għanijiet oħrajn, iżda mhux biex  jonoraw Lili.

**Jiena l-Blata li fuqha l-Knisja kienet mibnija u ser nibqa' hemm għall-eternità.** Ħafna ġew ifittxuni u Jiena tajthom il-Ħajja.  Oħrajn ġew u ma setgħux isibuni għax qlubhom iebsa, neqsin mill-imħabba u l-ġenerożità tal-ispirtu.  U issa, **meta dak kollu li għallimtkom jiġi sfidat u s-sisien li fuqhom kienet mibnija l-Knisja Tiegħi jiġu mhezza, aktar milli tistgħu tifhmu, Jiena xorta nibqa' hemm.  Sħiħ daqs il-Blata li Jiena,** u intom tiġu Għandi tfittxu l-faraġ, is-saħħa u l-kuraġġ.  **Jiena sejjer inwieġeb lil kull wieħed minnkom, billi nferra' fuqkom Grazzji kbar, li kienu mwarrba għalikom, għaż-żminijiet li ġejjin.**  Jiena l-Knisja.  Jiena preżenti fil-Knisja.  Il-bini magħmul mill-ġebla, iżda Jiena l-Blata, li fuqha kienu mibnija s-sisien

tal-Knisja Tiegħi.  Jiena qatt ma ninbidel.  Qatt ma nadatta ruħi għal modi ġodda, għax Jiena dejjem kif Kont u kif ser Inkun.  Jiena Etern.

Il-Knisja Tiegħi tibqa' wieqfa, għax Jiena l-Knisja, sal-aħħar taż-żmien.

Ġesù l-maħbub tagħkom.

## Ħafna huma l-imsejħin, iżda ftit huma dawk li huma magħżulin  biex jibqgħu leali Lejja

Is-Sibt, 2 ta' Awwissu, 2014 @ 10:16

Għażiża maħbuba Binti, **meta ssegwu Lili f'dan l-aħħar vjaġġ Tiegħi sabiex intemm  il-Patt ta' Missieri, jista' tiġi mqabbel ma' grupp ta' xabbata jixxabbtu ma' muntanja.  Kunu  għafu li din hija muntanja għolja ħafna, art iebsa u mimlija tfixkil, li se toffri problemi anki għal xabbat bl-akbar esperjenza, għax ser ikollhom liwi li jahsdukom u li mhux mistennija u dawriet f'kull livell u wara kull kantuniera**.  Dawk li jafdaw f'dak li ngħid Jien u jsegwu Lili, b'qalb miftuħa u bir-rieda, se jsibu dan il-vjaġġ aktar faċli minn oħrajn.  Madankollu**, ħafna li jkunu kunfidenti fil-bidu ta' dan il-vjaġġ jistgħu jimxu malajr wisq u jieħdu qabżiet kbar biex jippruvaw jitilgħu fil-quċċata.  Dawn huma l-persuni li ser jieħdu l-ikbar tisbita u l-inżul tagħhom sal-qiegħ se jkun l-akbar weġgħa.**

**Oħrajn li m'humiex xabbata tal-esperjenza, iżda li jsegwu l-istruzzjonijiet ċari, mogħtija lilhom minn Min qiegħed imexxihom, ħafna drabi ser ikunu huma li jilħqu il-quċċata l-ewwel.** Il-fiduċja tagħhom, il-paċenzja tagħhom u r-rieda tagħhom biex jilħqu l-quċċata, akkost ta' kollox, sejra tagħtihom enerġija kbira u entużjażmu, li se jżommhom fit-telgħa tagħhom lejn il-quċċata.  Dawk li ma jiqfux

regolarment u jixorbu biex jaqtghu l-għatx, sejrin jinxfu u dawk li jinsew jieħdu l-ikel magħhom se jsibuha mpossibbli li jibqgħu b'saħħithom.

**Kull pass ta' dan il-vjaġġ igib sfidi ġodda, liwjiet perikolużi u blat li kważi impossibbli tixxabbat miegħu**. Trid tkun persuna soda ħafna b'moħħ u ġisem tajbin, sabiex tibqa' għaddejja fit-tlugħ sal-quċċata. Huma se jsibu ruħhom imfixkla minn oħrajn li jkunu tilfu l-fidi fil-kapaċità tagħhom li jimxu fi triqithom 'l fuq tal-muntanja u dawn se jippruvaw kontinwament jiġbduhom il-bogħod mill-ħidma tagħhom.

Imbagħad se jkun hemm oħrajn, għajjura għal dawk li qed jagħmlu passi kbar 'l quddiem, li se jippruvaw jagħtu gambetta lix-xabbata billi jpoġġu nases u ostakoli oħra quddiemhom sabiex jitfgħuhom lura. Dawn l-erwieħ diżillużi u għajjura se jagħmlu dak kollu li jistgħu biex iwaqqfu lix-xabbat determinat u ddedikat milli jilħaq il-quċċata. Huma se joħolqu gideb biex jippruvaw jikkonvinċu lil dawk fi triqithom, biex jieqfu – biex jabbandunaw il-vjaġġ, minħabba l-biża ta' perikli kbar, li jista' jkun hemm quddiemhom. Ser jgħidulhom li l-mexxej tax-xabbata m'huwiex tajjeb li jeħodhom sal-quċċata u minħabba dan huma se jkunu f'periklu kbir, jekk dawn ikunu daqshekk boloh li jkomplu fuq dak li se jgħidu li huwa vjaġġ perikoluż u diffiċli.

U għalhekk se jkompli, dan il-Vjaġġ Tiegħi, sal-Jum ta' meta Jien nerġa' Niġi mill-ġdid. Ħafna huma l-imsejħa, iżda ftit huma dawk li jgħażlu li jibqgħu leali Lejja. **Ftit ikunu msejħa u jsegwuni. Imbagħad jittraduni. Il-mibegħda tagħhom Lejja hija l-agħar fost kollox, għax huma dawk li ġabuli l-erwieħ matul dan il-vjaġġ lejn is-Salvazzjoni. Imma meta huma jċedu għat-tentazzjoni ta' Satana, li jwaddab gideb terribbli ġewwa ruħhom, se jkunu huma stess li se jnaffru l-erwieħ il-bogħod Minni.**

**Huma dawk ta' ruħ umli, qalb ħelwa - ħielsa minn kull ħażen, kburija u li m'humiex mimlijin bihom infushom, li se jirnexxielhom jilħqu l-quċċata tal-muntanja**. Meta dak il-jum jasal, dawk li tbegħdu 'l bogħod Minni u li ttradewni, se jsibu li ma jistgħu jmmorru mkien, għax it-triq li wasslet lejn il-quccata m'ghadhiex iżjed hemmhekk.

Ġesù Tagħkom

**Ħafna jgħidu li huma Kristjani, imma huma Lili ma jħobbunix.**

It-Tlieta, 5 t'Awwissu, 2014 @ 14.16

Għażiża maħbuba binti, issa li l-Verità dwar dak li ser jigri nfirxet, il-konverżjoni segwietni kull fejn jingħadu t-Talb Tiegħi ghall-umanità. Il-Fdal Tiegħi għad jikbru u jitkattru, kif ukoll serjrin jagħmlu l-għedewwa Tiegħi. Kull fejn tmur l-Armata Tiegħi, jmorru warajha bla ħniena, l-għedewwa ta' dan ix-xogħol. Meta tarawhom jitqabdu, jagħtu bis-sieq u jobżqu l-velenu, intom tagħrfuhom mill-ħażen li joħroġ minn fommhom. Intom tagħrfu lil Tiegħi mill-mod li huma jiġu mċekkna f'Ismi.

Qatt m'għandkom titilfu l-kuraġġ, meta tħabbtu wiċċkom mal-mibegħda. Intom għandkom tifhmu min ikun qed jaħdem f'dawn il-każi u mhux tkomplu miegħu, għax inkella tkunu qed issaħħuh. L-influwenza tal-wieħed il-ħażin fuq ulied Alla turi ruħha u tkunu xhieda tagħha meta taraw il-firdiet li hemm bejn in-nazzjonijiet, qtil, persekuzzjoni u l-attentati li jsiru biex jneħħu għal kollox il-Kristjaneżmu.

Ħafna nies jgħidu li huma Kristjani, imma huma ma jħobbunix. Jinsultawni u jġegħluni nistħi. Jiġġudikaw lill-oħrajn bl-aħrax u ma jħossu l-ebda sens ta' ħtija jew indiema, meta jgħidu fuq l-oħrajn – kull ma jkollhom hija xewqa kbira li jxerrdu l-mibegħda. Kodardi, dawk kollha li jinħbew wara l-velu ta' qdusija reliġjuża u jażżardaw jiġġudikaw min hu u min mhux denju li jaqdi Lili. Huma jabbużaw jiddettaw lill-oħrajn l-għarfien ta' xi jfisser li tkun Kristjan, meta fil-verità huma

mimlijin bil-mibegħda Għalija. Qatt m'għandkom taqbdu ma' bniedem li għandu l-mibegħda f'qalbu, meta dan jgħid li jitkellem f'Ismi. Injorawh. Itolbu għalih. Għax jekk tħobbuni verament, intom turu kompassjoni ma' kulħadd. Intom ma tiġġudikawx lil ħaddiehor, tgħidu l-ħażin fuqu, xxerrdu l-gideb fuqu u wara tabbużaw tgħidu li intom Tiegħi. Tbegħdu Minni. Dalwaqt tiġu quddiemi u jkollkom tagħtu kont ta' għemilkom.

Il-Kristjaneżmu huwa l-forza li żżomm id-dinja. Jiena d-Dawl, li fridt il-lejl min-nhar u mingħajri, intom timxu fid-dlam. Ejjew Miegħi kif sejjaħtilkom – inkella tiġu xejn.

Ġesù Tagħkom.

## Omm tas-Salvazzjoni: Ibni ma bagħat lil ħadd biex jaljenakom minn dawn il-Messaġġi.

L-Erbgħa, 6 t' Awwissu, 2014 @ 13.00

Għeżież uliedi, oqogħdu attenti għal dawk li jippersegwitawkom f'Isem Ibni, Ġesù Kristu, għax huma attenti li jinħbew wara purtiera ta' qdusija. L-wieħed il-ħażin qatt m'hu ser jippreżenta dak li huwa verament, għax hu makakk wisq. Minflok, permezz tal-erwieħ li huwa jinfluwenza, huwa jersaq lejkom b'wiċċ ta' mħabba u ħafna jaqgħu għal dan il-qerq. Il-kliem li huwa juża' jistgħu jidhru li jikkalmaw u jiġbduk, iżda dawn iħallu nuqqas ta' kalma f'ruħkom.

Meta jiġu mogħtija Messaġġi lid-dinja bil-kmand tal-Missier Etern Tiegħi, dawn qatt ma jippretendu xejn minnkom. Dawn qatt ma jagħtu poter lil bniedem wieħed fuqkom, biex iħeġġiġkom li twegħdu r-rabta tagħkom ma' xi persuna ħajja. Kull Glorja hija għal Alla. L-ebda bniedem ma jista' jwegħdkom is-salvazzjoni, għax din tista' tiġi biss minn Alla. Intom tistgħu tħejju l-erwieħ tagħkom kif kontu mgħallmin minn Ibni, Ġesù Kristu, u billi tirċievu s-Sagramenti. Intom tistgħu taċċettaw ir-Rigali ta' Grazzji li jingħataw lilkom, permezz tiegħi, l-Immakulata Verġni Marija, iżda m'għandkomx bżonn ebda permess minn ħadd biex issiru denji li taqdu lil Ibni, kemm f'din kif ukoll f'kull missjoni oħra, li ġejja mis-Sema.

Oqogħdu attenti għall-għedewwa ta' Ibni, għax jinsabu ma' kullimkien, jagħmlu dak kollu fil-ħila tagħhom biex jagħmu lill-umanità għall-Verità tal-Wegħda ta' Ibni li jerġa' jiġi. Huwa dalwaqt jerġa' jiġi u hemm il-Verità tkun magħrufa u dak kollu li wiegħed jinkixef għad-dawl. Sal-Jum il-kbir tal-Mulej, intom għandkom tiffokaw fuq Ibni u tpoġġu l-fiduċja tagħkom kollha fih. Ibni ma bagħat lil ħadd biex jaljenakom minn dawn il-Messaġġi, l-aħħar tax-xorta tagħhom, u kull min jgħid mod ieħor, mhux ġej Minnu.

Afdaw, afdaw, afdaw fil-Ħniena ta' Ibni. Isimgħu minn dak li Hu għallimkom – kollox jinsab fil-Bibbja Mqaddsa. Kelmtu hija sempliċi. Mhix ikkumplikata. Imxu biss fuq it-Tagħlim Tiegħu, li jtawwal iżjed minn 2,000 sena u hemm, issibu l-paċi.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

## Il-Kelma Tiegħi, se jgħidu, li toffendi u ser titqies li hija politikament skorretta.

Il-Ħamis, 7 t' Awwissu, 2014 @ 23:40

Għażiża maħbuba binti, kieku ma kienx għall-Pacenzja Tiegħi, il-Kastig Tiegħi kien jiġi issa fuq l-inġustizzja li qed tifflaġella lill-Knisja Tiegħi fuq l-art.

Il-mibegħda kontra l-Kristjaneżmu qed tiġi kkawżata lilkom fi tliet modi. L-ewwel hija l-apostasija globali, li hija mmexxija mill-għadu Tiegħi li jqarraq lid-dinja billi jiċħad dak kollu li hu Tiegħi u jitfa' Lili fid-deżert u mitluq hemm nitmermer. It-tieni hija minħabba r-razzjonaliżmu u l-indħil tal-bniedem mal-Kelma Tiegħi, mferrxa minn studjużi tal-Kelma Tiegħi li mhumiex mimlija bl-ispirtu tal-Verità imma li, minflok, huma mimlija bihom infushom, li hija tagħtiha n-nar il-kburija. **Jemmnu li huma tant imħarrġa fl-interpretazzjoni tat-Tagħlim Tiegħi li huma se jżidu partijiet ġodda u jirranġaw dak kollu Ii għallimt Jien biex jaqdu l-ħtiġijiet egoistiċi tagħhom stess.** Imbagħad, hemm dawk li qlubhom huma magħmula mill-ġebel - kesħin, ma jħossu xejn u huma mimlija b'mibegħda qawwija u profonda Lejja u lejn kull min jipprattika l-Kristjaneżmu, biex jarhom kulħadd.

L-influwenza tax-xitan hija manifestata f'ħafna modi li l-bniedem, waħdu, mhux se jkun kapaċi jiflaħ għal dak mitlub minnu, minn dawn it-tlettt gruppi li se jippruvaw

iwaqqfuh milli jipproklama l-Kelma Vera ta' Alla. **Il-Kelma Tiegħi, se jgħidu, li toffendi u ser titqies li hija politikament skorretta u għal daqstant din sejra tingħata bħala r-raġuni prinċipali biex ibiddlu radikalment wiċċ il-Kristjaneżmu.** Ikunu biss is-sempliċi, l-persuni li l-imħabba tagħhom Għalija hija pparagunata ma' dik tat-tfal iż-żgħar, li sejrin ikunu leali Lejja għax il-bqija se jkunu wisq mħabbtin jimplimentaw il-bidliet rigward l-interpretazzjoni tal-Kelma Tiegħi. U matul dan iż-żmien kollu, s-saċerdoti li Jien sejjaħt sabiex jixhdu l-Verità se jkunu qegħdin iħejju biex jippreservaw il-Verità.

**Meta taħbi l-Verità tiġi dalma kbira. Meta tbiddilha tkun qed tagħmel farsa mit-Tislib Tiegħi. Meta tippreżenta sostitut tal-Verità tkun qed tiċħad Lili għal kollox.** Madankollu, l-akbar awturi se jkunu dawk li jiftaħru bl-għarfien tagħhom Dwari – il-qdusija tagħhom tgħatti l-falzita' tagħhom u kliemhom u l-azzjonijiet tagħhom qatt mhu se jiġbdukom Lejja għax l-Ispirtu s-Santu mhux se jkun preżenti f'ruħhom. Meta l-Ispirtu s-Santu ma jkunx preżenti, - dawn it-tradituri tal-Kelma Tiegħi – sejrin iġibu d-dlam fl-oħrajn li se jħaddnu l-gideb tagħhom b'entużjażmu. Il-falzitajiet kollha se jkollhom is-sinjal tal-wieħed il-ħażin – id-dnub tal-kburija - il-bieb li jagħti ghad-deżert. Ladarba dan il-bieb jinfetaħ l-inġustizzji kollha l-oħra ser joħorġu u l-erwieħ ta' dawk kollha li waqgħu għall-ereżija jsiru battala.

**Mingħajr il-Verità, tgħixu f'dinja fejn xejn minn dak li tisimgħu ma jġib paċi**. Mingħajr id-dawl tal-Preżenza Tiegħi x-xemx ma tiddix– se issir matta u bla saħħa u wara tiddaħħan, sakemm, permezz ta' id il-bniedem mortali, din tieqaf milli tagħti id-dawl sabiex dawk li ghandhom għajnejn u li rrifjutaw li jaraw ma jarawx aktar, filwaqt li dawk li raw u aċċettaw l-Ispirtu ta' Alla, dawn jaraw.

Gesù Tagħkom

## [L-umaniżmu ser ikun is-sostitut għall-Kristjaneżmu, fejn ma jissemma xejn dwar Alla].

Il-Ġimgħa, 8 t'Awwissu, 2014 @ 21.15

Binti, filwaqt li madwar id-dinja kollha l-Kristjani qed jiġu ppersegwitati, mgħoddija biż-żufjett u mistmerra, kunu għafu wkoll, li huma sejrin jinqasmu bejniethom. Kull wieħed ma' tiegħu, kull wieħed max-xewqat tiegħu u kull wieħed mal-interpretazzjoni tiegħu ta' dak li fil-fatt ifisser li taqdi lill-maħbub Ibni.

Filwaqt li n-nies huma mbeżżgħin mit-terrur li bih il-Kristjani jgħixu l-ħajja tagħhom ta' kuljum minn taħt idejn nies ħżiena, huma għandhom ikunu jafu li din hija biss għamla waħda ta' swat, li dawk li jxandru l-Kelma ta' Ġesù jkollhom jgħaddu minnha. Qed isir minn kull sforz biex jiġi mminat il-Kristjaneżmu mill-gvernijiet, l-organiżżazzjonijiet tad-drittijiet umani u qawwiet oħra li jgħidu li jxandru l-ġid tal-umanità. L-umaniżmu ser ikun is-sostitut għall-Kristjaneżmu, fejn ma jissemma xejn dwar Alla.

**Fl-umaniżmu, fejn il-wieħed il-ħażin juża biss il-ħsieb li jħajjar lin-nies jużaw ix-xjenza biex ifarrak id-Divinità tal-Missier Etern Tiegħi, ser jibla' lid-dinja.** Dan, minn fuq barra tiegħu, bit-ton ħelu tiegħu, jikkonvinċi lill-bniedem, li ma jkollux imħabba lejn Alla fil-qalb tiegħu, li huwa iżjed mixtieq mill-Verità. Hija l-mira finali

tal-għedewwa ta' Ibni, li jikkonvinċu lill-bniedem li l-umaniżmu huwa aqwa mill-Kelma ta' Alla. L-umaniżmu joffri għata sottili għat-tradituri tal-Knisja ta' Ibni, li jixtiequ li jidhru li huma jħobbu, jieħdu ħsieb u jitkellmu dwar il-ħtigijiet tal-oħrajn. Huma sejrin jippriedkaw l-umaniżmu u l-wegħdiet vojta kollha tiegħu minn fuq il-pulpti fil-Knejjes Kristjani, sakemm ma jibqa' jissemma xejn dwar l-importanza li ssalvaw ruħkom. Id-dnub jitwarrab u jgħidu li huwa biss mod kif tevita l-konflitti fid-dinja, iżda ma jkunx magħruf bħala ħaġa reali.

L-akbar qerq li qatt eżista, ġa qiegħed hawn, u daqt intom ilkoll issibuha iebsa li tibqgħu leali lejn il-Verità. Il-Verità iġġib il-għarfien u li wieħed jinduna x'inhu meħtieg biex ikollok il-paċi u l-imħabba f'ruhek. Tfisser li tkun taf l-Imħabba, kif ukoll il-Ġustizzja ta' Alla. Tfisser ukoll li ssiru konxji tal-Ħniena ta' Alla.

**Meta ħadd ma jitkellem dwar id-dnub u meta l-Knisja ta' Ibni ma tibqax titkellem dwar l-importanza li ssalva ruħek, hemm intom tkunu tafu li ż-żmien qiegħed fuqkom u li l-Ħin ta' Ibni huwa fil-qrib.**

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

## Tħawdux qlubkom, targumentawx Dwari jew tippruvaw tkunu iżjed għorrief Minni, għax dan ma jiswa għal xejn.

Is-Sibt, 9 t'Awwissu, 2014 @ 17.43

Għażiża maħbuba binti, waqt li l-irwiefen iqumu u meta l-paċi tinkiser, kunu għafu li ż-żmien qed joqrob għall-Internvent Tiegħi biex iseħħ. Il-bniedem sejjer jara taqlib ma' kull fejn iħares u xi wħud jgħidu li ż-żmien huwa fil-qrib. Sa ma taraw il-gwerrer ifaqqgħu f'partijiet differenti tad-dinja u meta duttrini ġodda jikbru u jitferrxu fost dawk li huma bil-guħ spiritwali, li ser ikunu minn ta' l-ewwel li jaħtfuhom bħal naħal mal-għasel, hemm biss tkunu ċerti mill-bidliet il-kbar li għandhom iseħħu qabel it-Tieni Miġja.

**Is-sħab jinġabru qabel il-maltempati u l-maltempati jfaqqgħu qabel ma tfaqqa' l-aħħar sajjetta mis-smewwiet.** Is-sinjali qed ikunu iżjed cari għal dawk li għandhom għajnejn li jistgħu jaraw, iżda l-oħrajn, dawk sempliċement jaħsbu li fid-dinja hawn ftit li xejn ġustizzja – taqlib bħal qabel – kif dejjem kien hemm. **Iżda kunu għafu li l-profeziji li kienu mħabbra ser iseħħu u ser jarawhom il-ħafna qabel il-Jum il-Kbir.**

**Tħawdux qlubkom, targumentawx Dwari jew tippruvaw tkunu iżjed għorrief Minni, għax dan ma jiswa għal xejn ħlief biex ibejjet il-biża' fi qlubkom.**

Ninkwieta nara l-firda fid-dinja, nweġġa' nara l-ħażen li jwassal għall-qtil tal-innoċenti u t-tbatija li tiġi fuq id-dgħajjef. Inweġġa' nara tant li huma fid-dlam, li jibku dmugħ ta' niket, għax ma jemmnux li hemm futur. Huma ma jemmnux fil-Wegħda Tiegħi li nieħu lura s-Saltna Tiegħi u li nġib il-glorja lill-umanità. O, kemm insewwed Qalbi u kemm nixxennaq li nġib il-faraġ ta' Mħabbti lil dawn l-erwieħ u l-paċi li Jiena nixtieq inġib fil-ġewwieni ta' ruħhom.

Meta t-taqlib li qed jeqred lid-dinja jikber fis-saħħa tiegħu, intom għandkom tniżżlu l-armi li intom tuzaw biex tiddefendu lilkom infuskom u ssejħu Lili b'din it-talba.

**Talba tal-Kruċjata (163) Eħlisni mill-persekuzzjoni.**

*O Ġesù eħlisni mill-ugigħ tal-persekuzzjoni f'Ismek.*

*Qarribni lejn Qalbek.*

*Eħlisni mill-kburija, r-rebgħa, l-malizja, minni nnifsi u mill-mibegħda f'ruħi.*

*Għinni sabiex verament inċedi għall-Ħniena Tiegħek.*

*Neħħi l-biżgħat tiegħi.*

*Għinni neħles mill-uġigħ tiegħi u minn kull persekuzzjoni, ħalli nimxi warajk bħal tarbija, filwaqt li nemmen li kollox huwa f'Idejk.*

*Eħlisni mill-mibegħda li juru dawk li jgħidu li huma Tiegħek, imma li jiċħduk*

*Tħallix l-ilsna ħżiena tagħhom isawtuni jew l-għemejjel tagħhom jeħduni lil hinn mit-Triq Tiegħek tal-Verità.*

*Għinni biex niffoka biss fuq is-Saltna Tiegħek li ġejja u biex inżomm sod kontra l-insulti, li nista' nħabbat wiċċi magħhom minħabba Fik.*

*Agħtini l-paċi tal-moħħ, l-paċi tal-qalb, il-paċi tar-ruħ.*

*Ammen.*

Nitlobkom tibqgħu kalmi meta l-maltempati jissaħħu, għax jekk intom ma tafdawnix għal kollox, intom togħtru, u l-uġigħ tagħkom meta taraw il-ħażen jitperreċ bħala tajjeb, ma tkunux tifilħu għalih. Afdaw Fija. Qatt titbegħdu mit-Tagħlim Tiegħi u itolbu b'ruħkom kollha, mingħajr malizja, dak kollu li huwa mistenni minnkom bħala segwaċi Tiegħi. Meta tagħmlu hekk, intom tinħelsu u xejn ma jinkwetakom iżjed.

Ġesù Tagħkom.

**Itolbu u taqilgħu. Ibqgħu siekta, xofftejkom mitbuqa u Jiena ma nkunx nista' nweġibkom.**

Il-Ħadd, 10 t'Awwissu, 2014 @ 18.00

Għażiża maħbuba binti, dar ir-riħ u miegħu ġejjin it-tibdiliet li kienu mħabbra. **Tibżgħux, għax Jiena kemm-il darba tajtkom Kelmti li kollox ser jintemm bil-Ħniena Kbira Tiegħi, li sejra tiknes kull ruħ lejn id-Dawl ta' Mħabbti u l-Kompassjoni Tiegħi.** Ibżgħu biss mill-Gustizzja Tiegħi, iżda meta din tinħall, kunu għafu li din tkun permessa għall-ġid tal-oħrajn u għas-salvazzjoni tad-dinja. Jiena nġib il-kastigi biss, biex inwaqqaf il-mibegħda milli tinfirex u biex inqajjem ġewwa l-erwieħ imsewda bid-dnub, dik il-ftit imħabba li forsi tkun għadha titlajja ġewwa fihom, ħalli huma jiġu Għandi.

Għaliex il-bniedem, speċjalment il-bniedem devot, jaħseb li huwa jaf iżjed Minni? Li huwa iżjed intelliġenti minn Min ħalqu? Li meta huwa jħares lejn il-ħwejjeg Tiegħi, huwa jista' jneħħi l-Preżenza Tiegħi? **L-arroganza tal-bniedem u l-kburija tiegħu fil-ħiliet tiegħu, sejrin ikunu l-waqgħa tiegħu.** Il-bniedem m'għandu l-ebda qawwa, ħlief dik li tinsab f'ruħu. Il-fidi, meta din tkun pura, hija ħaġa qawwija u huwa permezz tal-fidi u tal-fidi biss, li Jiena, Ġesù Kristu, nġib it-tama, l-imħabba u l-ferħ. Jiena biss nista' nqawwi l-bniedem b'rigali kbar, iżda jekk huwa ma jitlobnix, Jiena ma nistax ninponihom fuq ir-rieda ħielsa tiegħu.

Itolbu u taqilgħu. Ibqgħu siekta, xofftejkom mitbuqa u Jiena ma nkunx nista' nweġibkom għax intom ma tiġux Għandi. Dejjem duru Lejja u itolbuni kull favur, għax Jiena sejjer inwieġeb għal kull sejħa tagħkom. Tagħtunix daharkom u tgħidu – kollox ser ikun sew, il-ħajja tieħu ħsieb tagħha nfisha. Il-ħajja trid taħdem għaliha. L-Eternità hija Rigal minn għand Alla u tiġi mogħtija lil dawk li jitolbuha. Sfortunatament ħafna sejrin jarmu dan iċ-ċans ta' Ħajja Eterna, minħabba li huma jemmnu li l-umanità hija iżjed b'saħħitha minn Alla li jista' jkun li jeżisti jew le. U hekk huma jkunu qatgħu x-xorti tagħhom u jagħtu daharhom lill-Ħajja Eterna minħabba d-dnub tas-suppervja, tant kemm huma rashom iebsa.

Huma jkunu ċaħduni f'ħajjithom fuq l-art u huma jiċħduni meta nieqaf quddiemhom, b'dirgħajja miftuħin, fil-Jum il-Kbir. Huma ser iduru u jimxu dritt lejn l-għar tal-iljun, fejn qatt ma jsibu mument ta' paċi.

Ġesù Tagħkom.

## Il-Kristjaneżmu ser ikun mistmerr, għax ser ikun jidher bħala xkiel għall-libertà personali.

It-Tnejn, 11 t'Awwissu, 2014 @ 19.36

Għażiża maħbuba binti, d-dinja hija maħsula b'forma ta' spiritwalità li temmen f'persuna superjuri – l-wieħed li huma jsejħulu l-kristu – iżda mhuwiex Jiena, Ġesù Kristu, li huma jirreferu għalih. Satana, fil-forma ta' Luċifru, li jirreferu għalih bħala r-Re tad-Dawl, mhux adurat bħala entità malinja, iżda bħala wieħed li qed jagħmel xi ħaġa għal Alla. Din l-ideoloġija hija mħaddna minn settet sigrieti, li ħarġu biex jeqirdu l-Kristjaneżmu. Ħafna ser jiġu mdaħħla fl-okkult u fi prattiċi ta' maġija, minħabba li huma jridu xi ħaġa li tqajjimhom. La darba jidħlu, huma jsiru biss qaddejja u biż-żmien, jiġu ppussessati mill-wieħed il-ħażin.

Ħafna nies mejtin għas-sodisfazzjon spiritwali u jixxenqu għall-paċi. Kull twemmin li jwiegħed li jagħtihom dan is-sodisfazzjon personali, paċi, kalma u għarfien fil-fond tal-umanità tagħhom, jkun jiġbidhom. Ħafna ma jkunux jridu jimxu warajja, Ġesù Kristu, għax is-soċjetà qatgħatha li Jien għandi nindifen taħt l-art. **Imma huma ser jħossuhom tajjeb meta jitimgħuhom id-duttrina falza li t-toroq kollha jwasslu għal għand Alla. Din hija gidba, għax inti tista' tiġi biss għand Alla, permezz Tiegħi, l-Iben Imnissel il-Waħdieni Tiegħu, Ġesù Kristu.**

Jiena ħaġa Waħda Fih, li ħalaq kollox. Hemm Alla wieħed biss, u Jiena, Ġesù Kristu, Jiena l-Kelma magħmula bniedem ħalli l-umanità tkun tista' terġa' ssir sħiħa. Mingħajri qatt ma tistgħu tisseddqu, la f'din il-ħajja u lanqas fl-oħra.

Lid-dinja ser jgħidulha li l-iżjed ħaġa mportanti hija li taħdem għall-libertà – libertà jkun xi jkun prezzha. Imma li tonora lil Alla, jfisser li titlef il-ħila tiegħek li taqdi lilek innifsek, u għalhekk, l-Kristjaneżmu ser ikun mistmerr, għax ser ikun jidher li huwa xkiel għall-libertà personali. Li taqdi lil Alla, kull Alla, ser ikun il-mira ta' ħafna li qed ifittxu l-Verità. Iżda meta l-bniedem jara lil Satana bħala divin, Alla – fil-Gustizzja Infinita Tiegħu, - ser jeqred lil dawk li jonoraw lill-bestja. Il-bestja li jistaħba qalb l-aqwa u l-iżjed qawwija, jagħti saħħa kbira lil dawk li jxerrdu l-gidba li Jiena, Ġesù Kristu, ma neżistix. Dik hija l-akbar saħta li nġabet fuq l-umanità minn Satana u minħabba d-dgħjufija tal-bniedem, dan jaqa' għall-gideb li joħorġu minn fomm il-ħżiena.

**Hemm biss Alla wieħed. Hemm biss triq waħda lejn Alla. M'hemmx triq oħra, ma jimpurtax kemm jagħmluhielkom tidher tleqq; jista' jwassalkom biss għand il-Missier dak biss li jiġi permezz Tiegħi, Ġesù Kristu, s-Salvatur tad-dinja.**

Ġesù Tagħkom.

## Omm tas-Salvazzjoni: Iż-żmien li jitwettqu l-profeziji ta' La Salette u Fatima huwa fil-qrib ħafna.

L-Erbgħa, 13 t'Awwissu, 2014 @ 14.39

Għeżież uliedi, iż-żmien li jitwettqu l-profeziji ta' La Salette u Fatima huwa fil-qrib ħafna. M'għandkomx tibżgħu minn dawn iż-żminijiet, izda minflok, intom għandkom tħaddnuhom, għax għandkom tkunu tafu li l-Patt ta' Missieri fl-aħħar ser jitwettaq kif kellu jkun. **L-antikrist sejjer jieħu postu fil-Knisja ta' Ibni fuq l-art u xejn m'hu ser ifixkel dan milli jiġri.** Ħafna ser jiċħdu l-profeziji li jiena wrejt lid-dinja u huma ser jagħmlu dan b'riskju għalihom stess. Dawk li jirrifjutaw li jaċċettaw it-twissijiet mogħtijin lid-dinja, u li jimxu wara l-għedewwa ta' Alla, ser ipoġġu ruħhom f'riskju u huwa għal dawn l-erwieħ li ma jafux fejn huma sejrin, li jiena qed nitlobkom biex titolbu bil-ħerqa.

Il-battalja għar-razza umana u għas-salvazzjoni tal-ulied kollha ta' Alla, qed tiġi mitqabda bħalissa u qed issir ħsara kbira lil dawk li baqgħu sodi mal-Verità ta' dak kollu li Ibni svela lid-dinja. **Intom qatt ma tistgħu taqbdu biċċa waħda minn Kliemu jew mill-Bibbja Mqaddsa u twarrbuha għal xi ħaġa li tagħmilkom komdi.** Il-Verità qatt m'hija faċli biex taċċettha, għax din tista' ġġib biża' saħansitra fil-Kristjani li huma l-iżjed qalbiena u kuraġġużi. Il-Verità dejjem tiġi rrifjutata u meta x-xewk tpoġġew fuq ir-Ras Qaddisa ta' Ibni, Ġesù Kristu, s-saċerdoti u x-xjuħ, dak il-ħin kienu qed jitolbu fit-tempju jagħtu glorja lil Alla, filwaqt li dawk ta'

magħhom, kienu qed jisħtuH waqt li kien qed imut fuq is-Salib.  Hekk ġara dak in-nhar u hekk ser ikun meta d-dinja tqum kontra l-Kelma ta' Alla u tagħmilha ta' ġewwa barra u ta' taħt fuq.  Inħeġġiġkom għeżież ulied, biex taċċettaw il-Verità, għax huwa permezz tagħha li intom tistgħu timxu iżjed bil-ħeffa lejn is-Saltna u l-Era l-Ġdida.  Jekk ma taċċettawx dak li qed ngħidulkom issa, ħafna erwieħ sejrin jaqgħu fl-iżball u jħaddnu lill-bestja.  Huma ser iċedu kull dritt ċivili u kull libertà, meta jaduraw lill-għedewwa ta' Ibni sakemm fl-aħħar, huma jagħtu ruħhom lill-wiehed il-ħażin.

Il-biża' mill-Verità tista' twassal għar-riżentiment, għax din tista' tkun iebsa biex tniżżilha.  Ir-riżentiment iwassal għar-rabja u r-rabja għall-mibegħda.  Il-mibegħda kontra din il-missjoni, u kull missjoni oħra qabilha, sejra tikber u dawk li jħobbu lili, l-Omm ta' Alla, ser jiġu mħeġġa  biex jiċħduha.  Kemm tnikkitni meta ismi jintuża biex jinsulta l-Kelma ta' Ġesù Kristu, l-wieħed u l-uniku salvatur tal-umanità.  **Il-konfużżjoni sejra tinfirex fuq il-gruppi Marjani tiegħi, ħalli jibdew jiddubitaw mit-twissijiet li jiena kelli l-istruzzjonijiet li nwassal lid-dinja ġewwa La Salette u Fatima.  In-nies mhux sejrin jagħtu każ ta' dak li jien għidt u ser jemmnu li l-profeziji mogħtija kienu għal żmien fil-futur il-bogħod.**

Meta jqum it-taħwid kollu u d-Duttrina li tinsab fil-Ktieb ta' Missieri terġa' tinkiteb u tkun ippreżentata lid-dinja bħala awtentika, dawk biss li għandhom id-dixxerniment, ser jifhmu l-Verità.  Intom għandkom titolbu ħafna biex il-Knisja ta' Ibni tibqa' ħajja, l-Ġisem Tiegħu fuq l-art, ħalli ma jiġix mormi u mogħti lill-klieb.  Meta jiġi dak il-jum, tidħol il-Ġustizzja ta' Alla u fl-aħħar l-umanità tifhem xi tfisser li tintefa fid-dlam.  **Fil-jum li fih jintefa d-Dawl ta' Alla, jkun il-ħin meta l-ħwejjeġ kollha mbassra jseħħu.**

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

**Dejjem kunu għassa għall-firdiet li intom taraw fid-dinja.**

L-Erbgħa, 13 t'Awwissu, 2014 @ 16.03

Għażiża binti, r-rabja ta' Satana qatt ma kienet daqshekk qawwija, fejn huwa qed iġib kull tip ta' tbatija fuq ulied Alla, f'kull rokna tad-dinja.  Akbar ma jkun it-taqlib,

akbar tkun il-preżenza u l-influwenza tiegħu.  Iżda huwa waħdu, huwa bla saħħa u huwa biss permezz tal-influwenza li huwa għandu fuq dawk li huma miftuħin għalih, li jista' jġib dawn il-persekuzzjonijiet diaboliċi.  Iżjed ma jaħtaf erwieħ, akbar tkun il-persekuzzjoni u iżjed jittormenta.  Meta nies li huma leali Lejja jħalluh joħloq il-konfużżjoni u d-disperazzjoni fi qlubhom, il-velenu li joħrog ikun mill-agħar.  Hemm huma jduru għal xulxin, jiġġieldu u jinfirdu sakemm fl-aħħar jeqirdu lil xulxin.

Dejjem kunu għassa għall-firdiet li taraw fid-dinja, kemm jekk fil-politika, fir-reliġjon jew fost is-segwaċi Tiegħi, għax din dejjem ikollha l-għeruq fil-bejta tal-bestja, li r-renju tiegħu fuq l-umanità wasal fi tmiemu.  Huwa xorta mhux ser jieqaf għal mument wieħed mill-pjan tiegħu biex jeqred kull irbit Miegħi, Ġesù Kristu.

Ikun biss meta taċċettaw Kelmti, hekk kif qed nagħtiha bħalissa, li intom issibu l-grazzja li titolbu Lili mmexxikom ġo din l-għalqa mimlija bombi.  Lanqas wieħed minnkom m'hu b'saħħtu biżżejjed fil-fidi biex jiġġieled l-influwenza tal-ħażen.  Mingħajr it-talb ta' kuljum, fejn intom titolbuni għall-għajnuna Tiegħi, ma tkunux tistgħu tibqgħu qrib ma' Ġenbi.  Iżda meta nitfa' dawn il-grazzji fuqkom, intom issiru qalbiena u jkollkom is-saħħa li tibqgħu leali Lejja.  Hemm biss il-Verità ssostnikom.

Ġesù Tagħkom.

## Dawk li jindaħlu mar-Rieda ta' Alla fil-Pjan Tiegħu biex isalva l-erwieħ, ser iġibu fuqhom ir-Rabja ta' Missieri.

Il-Ħamis, 14 t'Awwissu, 2014 @ 15.00

Għażiża maħbuba binti, nixtieq ngħarrkom li dawk li jindaħlu mar-Rieda ta' Alla fil-Pjan Tiegħu biex isalva l-erwieħ, ser iġibu fuqhom ir-Rabja ta' Missieri.

Meta l-bniedem jiġi mogħti rigal kbir, permezz tar-Rieda Divina tal-Missier Etern Tiegħi, u wara jarmih lura, Missieri jibki. **Iżda meta l-bniedem jipprova jwaqqaf, ikisser jew jintervjeni fil-Pjan Tiegħi biex inwettaw il-Patt ta' Missieri, li nġib is-salvazzjoni lid-dinja, dan isofri bil-kbir ta' dan.** Meta l-bniedem jemmen fil-qawwa tiegħu fuq Alla, dan jispiċċa bla saħħa. **U meta bniedem iħaddan Lili, bħal ma għamel Ġuda, jgħidli li jħobbni, jbusni fuq ħaddejja u wara jittradini, dan ma jkun xejn aħjar minn dawk li taw Lili f'idejn il-bojja Tiegħi.**

Jiena nġib lill-umanità grazzji kbar f'dawn iż-żminijiet. Jiena nġib lill-bniedem Rigali kbar permezz ta' din il-missjoni, u hu x'jagħmel? Jobżoqli f'Wiċċi, tant hu mimli bil-għejra, ħdura u mibegħda, fir-ruħ tiegħu. Dawn li jagħmlu dan ser jintlew b'niket kbir, li jkun ġej mis-solitidni, li bħala qatt ma jkunu daqu qabel. Huma jsofru l-uġigħ tal-firda minn Alla fil-ħajja fuq din l-art u meta jiġri dan, huma jkunu jafu li dan ikun seħħ minħabba li ċaħdu Lili, Ġesù Kristu l-wieħed u l-uniku Salvatur tagħhom. Iżda huma sejrin jifhmu wkoll il-kobor tal-Ħniena Kbira Tiegħi, ghax meta Jiena nagħtihom din it-tbatija fuq l-art, Jiena qed nagħtihom ċans biex jindmu u jerġgħu jsiru sħaħ. Meta huma jaċċettaw ir-Rieda Tiegħi, bid-dinjità, Jiena nagħtihom il-ħajja fis-Saltna l-Ġdida Tiegħi.

Qumu intom ilkoll u ifhmu li l-unika xewqa Tiegħi hi li nferraħkom f'Dirgħajja kollhom Imħabba. Jiena m'inix l-għadu tagħkom- Jiena nħobbkom u nixtieqkom b'xenqa li ma tistgħux tifhmu. **Jiena nibgħat il-profeti mhux biex ibeżżgħukom, iżda biex ixxerdu l-Verità, ħalli nkun nista' nagħti s-Salvazzjoni Eterna lilkom ilkoll u speċjalment lil dawk li ma ħaqqhom xejn.**

Ejjew, isimgħu is-Sejħa Tiegħi – l-Pjan Tiegħi ser jitwettaq, teħduha kemm teħduha kontrih. Il-Verità sħiħa ta' dak li huwa meħtieg biex terġgħu tieħdu lura dak li huwa d-dritt naturali tagħkom għall-wirt tagħkom, daqt tkunu tafuh. Meta Jiena niġi b'din l-aħbar, intom għandkom tilqgħuha inkella titlfu ruħkom.

Ġesù l-maħbub tagħkom.

## **[Jista' jkun li ma tiltaqgħux ma' Ibni fiżikament, iżda intom issiru tafuH f'kollox](#).**

Is-Sibt, 16 t'Awwissu, 2014 @ 20.15

Għeżież uliedi, ħafna nies ifittxu lil Ibni, Ġesù Kristu, fil-ħajja tagħhom, f'xi żmien. Meta ruħ issib lil Ibni, din tkun triq b'mogħdijiet differenti u bi stadji differneti li tridu

timxuhom. Meta toqorbu lejn Ibni, din tkun taqbida u għandkom tistennewha. Hekk kif toqorbu aktar Lejh, intom issiru aktar tixbhuH u ssiru familjari mat-tratti Tiegħu. Jista' jkun li intom ma tiltaqgħux ma' Ibni fiżikament, iżda intom issiru tafuH f'kollox. Imħabbtu intom tħossuha. L-uġigħ Tiegħu jsir tagħkom. Huwa jaqsam magħkom il-ħlewwa Tiegħu u l-ferħ li Huwa jħoss, permezz tal-Imħabba Tiegħu bla ebda kundizzjoni lejn l-umanità, din issir tagħkom. Il-Paċenzja Tiegħu tiġi stampata f'ruħkom u Kelmtu titnaqqax ġewwa fikom, flimkien mal-għarfien, li jiġi mogħti lilkom mill-Ispirtu s-Santu.

**Meta tħobbu lil Ibni verament, issiru umli bħalu u jkollkom xewqa tħeġġeġ biex taqduH, ikun xi jkun il-prezz.** Xi erwieħ jilħqu l-perfezzjoni spiritwali biż-żmien, iżda huma ma jlestux dan il-vjagg, jekk ma jċedux il-fiduċja kollha tagħhom lil Alla. Jekk ruħ togħtor fit-triq, tingħata grazzji kbar biex tinġabar u terġa' titlaq bil-vjeġġ tagħha. Iżda jekk ruħ tħabbatha ma' Ibni, u tħoss li tista' tisfida lill-Kelma li saret Bniedem, dan jinfired minn Alla.

Dik il-persuna li ssib lil Ġesù fil-ħajja fuq din l-art u li taqdih fedelment, jkollha l-paċi. Tista' tgħid xejn iżjed f'din id-dinja ma jissodisfha qatt aktar. Jekk ruħ li tkun saret intima ma' Ibni, tinfired Minnu, din ssofri uġigħ kbir. **La darba ssir tafu u tkun għext f'Qalbu, dan l-uġigħ tas-separazzjoni minn Ibni, huwa l-akbar uġigħ li bniedem jista' jħoss.**

Meta tiġu mħajra biex tisfidaw it-Taghlim ta' Kristu jew meta jisfidawkom biex tirrifjutawH b'xi mod, kunu għafu li xejn f'din id-dinja qatt aktar m'hu ser iġibilkom il-paċi, l-imħabba jew il-ferħ li ġejjin Minnu.

Ommkom il-maħbuba.

Omm tas-Salvazzjoni.

## **Inkwetaw fuq ruħkom stess, imbagħad itolbu għall-oħrajn**.

Il-Ħadd, 17 t'Awwissu, 2014 @ 17.18

Għażiża maħbuba binti, tħallux ikun hemm firdiet fost is-segwaċi Tiegħi f'din il-missjoni biex insalvaw l-erwieħ, għax dik hija x-xewqa ta' dak li jobgħod Lili. Meta l-għeżież segwaċi Kristjani Tiegħi jinfirdu, u meta jiġġieldu wieħed mal-ieħor f'Ismi,

dan iġibli niket kbir.  In-niket Tiegħi jiżdied meta dawk li jxandru Kelmti, wara jiċħduha billi jferu lill-oħrajn, b'modi kattivi, biex iġibu l-velenu.

L-ulied kollha ta' Alla huma ndaqs f'Għajnejja.  Kunu għafu li dawk twajbin fostkom mhumiex meħlusa mit-tentazzjonijiet ta' Satana, filwaqt li dawk iddisprati u li għandhom il-mibegħda f'qalbhom m'humiex maqtugħin barra mir-Rigali Tiegħi.  Kull wieħed minnkom huwa midneb.  **Qatt tiġu quddiemi u tgħiduli li xi ruħ mhix denja Tiegħi.  Qatt takkużaw persuna oħra quddiemi u tgħidu li hu ħażin, għax min intom ħlief midinbin f'Għajnejja?**

Id-dinja mimlija mħabba.  Iżda hija wkoll mimlija mibegħda u ndifferenza Lejja, Ġesù Kristu, minħabba li jeżisti d-dnub.  Ikun biss meta jinqered id-dnub li d-dinja terġa' ssir sħiħa.  Għalhekk intom għandkom l-ewwel tinkwetaw fuq ruħkom u mbagħad titolbu għall-oħrajn.  Meta tagħmlu  hekk, Jiena naħsilkom bil-Ħniena Tiegħi fuqkom ilkoll.  Meta bniedem jgħolli lilu nnifsu quddiemi u jgħid il-ħażin fuq bniedem ieħor, dan jiġi quddiem it-Tronn tal-Gustizzja Tiegħi l-aħħar, filwaqt li dak il-bniedem li jumilja ruħu quddiemi, jiġi l-ewwel.

Meta sejrin verament taċċettaw it-Tagħlim Tiegħi?  Għaliex tgħidu li intom Tiegħi meta fil-fatt turu mibegħda mal-oħrajn?  Intom qatt ma tkunu denji tas-Saltna Tiegħi qabel ma tarmu l-mantar tagħkom fejn tagħmluha ta' qaddisin u tneħħu t-tarka tagħkom tas-suppervja.

Ġesù Tagħkom.

Id-dinja qegħda fil-punt ta' bidla kbira.

It-Tnejn, 18 t’Awwissu, 2014 @ 18.47

Għażiża maħbuba binti, meta wlied Alla jaraw it-taqbid fid-dinja u atroċitajiet kbar jiġu mwettqa f’isem il-ġustizzja, kunu għafu dan. Il-ħażen iġib il-ħażen. Dak li tagħmlu lill-oħrajn jsir lilkom. **Il-Ġustizzja Tiegħi hija parti Minni u għalkemm il-Ħniena Tiegħi hija abbundanti, il-Kastig Tiegħi, meta jaqa’ fuq nies ingrati u ħżiena, huwa ta’ min jibża’ minnu.**

Jiena ma nġibx ħsara fuq il-bniedem, għax din mhix ġejja Minni. Iżda meta jsir il-ħażen fuq ulied Alla, u meta l-ħażen jinfirex, Jiena nferra’ l-Ġustizzja Tiegħi, u ħadd m’għandu jmur imqarraq, li dawn iż-żminijiet huma fuqkom. Il-ħażin ġej mid-dnub. L-erwieħ li jaqgħu fid-dnub, għandhom dejjem jifdu lilhom infushom malajr f’Għajnejja. Jekk le, d-dnub jikkankra u jekk intom għandkom xi dubju kemm hija qawwija l-għafsa ta’ Satana fuq dawn l-erwieħ, li huma mimlijin bil-mibegħda u l-vjolenza, allura għandkom tkunu tafu li hija ħaġa mill-iżjed iebsin biex teħles lil dawn l-erwieħ minn taħt idejh.

Ladarba Satana jinfesta ruħ, huwa jittormenta l-ħin kollu lil dik il-persuna, sakemm moħħu, l-għemejjel u l-azzjoniijiet tiegħu jsiru ħaġa waħda ma’ tal-wieħed il-ħażin. Biż-żmien, ir-ruħ li tkun infestata ssir pussessata u Jiena biss, Ġesù Kristu, nista’ neħles lil dik ir-ruħ permezz tal-eżorċiżmu. Ruħ tista’ tiġi ppussessata malajr ħafna, iżda tista’ tieħu snin biex tinħeles mill-ħatfa tas-serp. Għalhekk, meta tħossu l-Kastig Tiegħi, dan ikun biex jinqered il-ħażen u jiħu kkastigati dawk ħatja, li jisirqu l-ħajjiet tal-oħrajn. Jiena ser nikkastiga lil dawk li jieħdu l-ħajja tal-ġisem u l-ħajja tar-ruħ. L-ebda wieħed li jagħmel il-ħażin m’hu inviżibbli, għax Għajnejja jaraw kollox.

Intom tafu ħafna dwar Imħabbti. Intom m’ghandkom l-ebda dubju ta’ kemm hija kbira l-Ħniena Tieghi. Iżda l-bniedem mortali mhux konxju tar-Rabja ta’ Alla, ghax din mhix haga li kellmukom dwarha. Ir-Rabja ta’ Alla hija vera. Intom tahsbu li Huwa sejjer ihalli lil Satana jeqred lil uliedu u mbaghad joqghod kwiet u jhares? Kontu tahsbu li mhux sejjer jikkastiga lill-erwieh li joqoghdu ghal kull xewqa ta’ Satana? **Ghalkemm erwieh tajba jistghu jinqerdu, huma jkollhom il-hajja. Izda erwieh ħżiena jistghu jghixu, imma ma jkollhomx hajja.**

Id-dinja qegħda fil-quċċata ta’ bidla kbira, u dak kollu li Alla habbar, ser isehh. Dak kollu li qal li ser jigri, ser isehh. U ghalkemm Jiena tajtkom il-profeti biex iwissukom, intom xorta ma smajtux. **Intom ma tajtux każ tal-hafna rivelazzjonijiet private li gew moghtija lid-dinja sabiex l-umanità tkun imhejjija. Xorta wahda intom ma smajtux.**

Intom ghandkom titolbu biex il-qawwa tal-qerda fid-dinja titnaqqas, ghax li kieku kellkom taraw dak li hemm ghall-futur, intom taqghu f’Riglejja tittalbu l-Ħniena. Dawk li naqsu milli jżommu l-Kelma ta’ Alla hajja fil-Knejjes Tieghi fuq l-art, ser ikunu responsabbli ghat-telfien ta’ miljuni t’erwieh, li kieku kienu jigu salvati.

**Imisskom tisthu intom li ssejhuli taghkom meta fuq naha xxandru biċċa mill-Verità, u min-naha l-ohra tishtu Lili.** L-ugigh u n-niket li nghaddi minnu Jiena minhabba d-dnub, u l-firda tal-bniedem mill-Ħallieq Tieghu, gejja fi tmiemha ghax iż-Żmien Tieghi huwa issa. Fl-ahhar battalja ghall-erwieh, kunu ghafu li meta l-hażen

jikber tant, **il-kastig ta' Alla ser ikun ghaxar darbiet ta' dak li nies hżiena qed igibu fuq huthom.**

Tibżgħux mill-Imħabba Tiegħi iżda mill-Ġustizzja Tiegħi.

Ġesù Tagħkom.

**Omm tas-Salvazzjoni: L-ebda bniedem m'għandu l-jedd li jaħqar lill-ieħor f'Isem Alla.**

Il-Ħamis, 21 t'Awwissu, 2014 @ 16.25

Għeżież uliedi, meta bniedem jippersegwita ieħor u jagħmillu l-ħsara, l-Ispirtu ta' Alla ma jistax jibqa' ġo dik ir-ruħ, għax ikun il-wieħed il-ħażin li jgħix fiha. Meta bniedem jippersewita ieħor, u jagħmillu l-ħsara, kemm spiritwali kif ukoll fiżika u wara jiġġustifika ruħu billi jgħid li huwa qed jiddefendi l-Kelma ta' Alla, kunu għafu li dan huwa l-akbar dnub, għax ikun qed jinsulta lid-Divinità ta' Alla.

**L-ebda bniedem ma għandu l-jedd li jaħqar bniedem ieħor f'Isem Alla, għax dan mhux aċċettat, jew permess minn Ibni, Ġesù Kristu.** Meta l-ħażen jiżdied fid-dinja, hekk ukoll jiġri għal kull att ħażin, li jiġi aċċettat minn dawk li huma ħatja ta' dnub kbir kontra Kristu. Huma jġibu minn kull skuża biex jiġġustifikaw l-azzjoniijiet ħżiena tagħhom u l-ebda wieħed minnhom m'hu ser jiskappa l-kastig li hemm fil-Pjan ta' Alla ta' Salvazzjoni. **Min iġib il-ħażen fuq ruħ oħra, dan ikollu jagħti rendikont ta' dnubietu kontra Alla, l-Ħolqien Tiegħu u kull wild minn Tiegħu.**

F'dan iż-żmien ta' qerq kbir, meta huwa iebes għall-midinbin biex jagħrfu t-tajjeb mill-ħażin, huwa mportanti li tiftakru fi Kliem Ibni, Ġesù Kristu. **Ħallu lil min hu mingħajr dnub, iwaddab l-ewwel ġebla.** Il-persuna li ġġib tbatija fuq l-oħrajn, ser tkun iġġudikata skond l-għemil tiegħu jew tagħha.

Intom għandkom titolbu għall-umanità f'dan iż-żmien u għall-grazzja biex tiddixxernu d-differenza bejn id-dnubiet, li qed jiġu mwettqa kontra l-umanità, u dawk kontra Alla. **Id-dnub huwa dnub, iżda meta atti ħżiena jiġu mwettqa fl-Isem Qaddis ta' Alla, hemm jiġu konsegwenzi gravi.** Filwaqt li qed tinxtered il-mibegħda, hekk ukoll qed tinxtered l-Imħabba ta' Alla permezz tal-erwieħ ħelwa u umli, għax huma jġorru t-torċa tas-Salvazzjoni kontra sfond mudlam. Ikun biss għall-Grazzja ta' Alla illi l-bniedem jista' jiġi salvat mid-dnub u jkun permezz ta' dawn l-erwieħ, li jħobbu lil Alla mingħajr kundizzjoni, li l-erwieħ li jiżbaljaw jistgħu jinfdew.

Intom għandkom titolbu, titolbu, titolbu għall-midinbin kullimkien, għax id-dlam qed jagħmihom għall-Verità. Mingħajr il-Verità, d-dinja tintefa' fi dlam sħiħ. Itolbu li intom, għeżież uliedi, tkunu tifilħu għall-kruha li d-dnub iġib f'ħajjitkom. Itolbu għal dawk li jippersegwitaw lil ulied Alla, ħalli jirnexxielhom juru mħabba u kompassjoni lejn l-oħrajn.

Itolbu għas-Salvazzjoni tal-erwieħ u speċjalment għal dawk li jħallu l-mibegħda ċċajprilhom qlubhom u li jeħtieġu l-iżjed il-Ħniena ta' Alla.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

**Jiena sejjer nagħti l-armi lill-Anġli Tiegħi u lil dawk magħżulin, biex jitqabdu ma' dawk li qed jixlu Lili.**
Is-Sibt, 23 t'Awwissu, 2014

Għażiża maħbuba binti, żewġ sinjali sejrin jidhru sew meta l-folla ta' dawk magħżulin, sejra tqum u tgħin Lili biex nerġa' nieħu lura, s-Saltna Tiegħi fuq l-art. L-ewwel sinjal għandu x'jaqsam ma' dawk l-erwieħ fil-Knisja Tiegħi fuq l-art, li jriduha, fejn il-ħsieb uman, l-intelliġenza u l-ambizzjoni sejrin jeqirdu l-vera fidi tal-qaddejja mqaddsa Tiegħi. Il-kburija u l-arroganza, flimkien max-xenqa li jkollhom fidi iżjed fonda, li qatt ma jistgħu jilħquha, sejra tispiċċa fi knisja tad-dlam. Din iġġib ġerarkija ta' dawk li jriduha, li tnissel falsitajiet u fidi vojta.

It-tieni sinjal għandu x'jaqsam ma' dawk l-iġsma baxxi fejn il-ġisem uman – Rigal sagru minn Alla – jitbaxxa għal garra li ssebbaħ id-dinja, fejn ma jintwera l-ebda rispett lejh. In-nuqqas ta' moralità tispiċċa f'nuqqas ta' rispett lejn il-ġisem uman, inkluż l-abbuż tal-ġisem fejn jintuża' biex jieħu sehem f'atti gravi ta' dnubiet tal-ġisem. In-nuqqas ta' rispett lejn il-ħajja umana jkun ifisser ukoll illi l-qtil tant isir komuni illi ħafna jsiru immuni għall-orrur tal-mewt fiżika minn taħt idejn nies ħżiena.

Il-purifikazzjoni tal-bniedem sejra tkompli għax mingħajr it-tbatija tal-erwieħ li jaċċettaw dan, ħafna nies kienu jintilfu. Ikun biss meta kollox jidher li ma jinfelaħx iżjed, illi dawk li għandhom is-Siġill ta' Alla l-Ħaj, sejrin jingħataw il-ħelsien mit-tbatijiet tagħhom li jkunu qed inawru lill-umanità, bħad-dnub, gwerrer , ġuħ u mard. Qatt m'għandkom tinjoraw il-gwerrer – ikunu kemm ikunu żgħar – għax dawn jinfirxu. Qatt tinjoraw in-nuqqas ta' fidi vera fil-Knisja Tiegħi, għax din ukoll sejra tinfirex. Qatt tinjoraw il-mibegħda fost in-nazzjonijiet, li jużaw ir-reliġjon biex iġibu t-terrur fost l-għadu, għax din ukoll sejra tinfirex u tibla' l-erwieħ ta' dawk li jħobbu Lili. Qatt tinjoraw il-mibegħda lejn il-viżżjunarji ta' Alla u l-profeti, għax jekk huma jobogħdu lil dawn l-erwieħ, huma jobogħdu Lili. M'għandkomx tħallu l-ilsna ħżiena tagħhom iħajrukom biex tingħaqdu magħhom fl-attentat tagħhom biex jidfnu Leħni. Jekk intom tagħmlu hekk, intom ukoll tiġu nfestati daqshom.

U filwaqt li jkun qed iseħħ dan it-taqlib kollu, Jiena sejjer nagħti l-armi lill-Anġli Tiegħi u lil dawk magħżulin, biex jitqabdu ma' dawk li qed jixlu Lili. U eżatt kif id-dinja titlef kull uqija ta' dinjità magħrufa mill-bniedem, il-bestja jiftaħ l-abbiss u kull għadu ta' Alla, jidħol fil-Knisja Tiegħi. Imma jkun skond ir-rieda tal-bniedem jekk hux lest jew le, biex jieqaf għal dawn l-inġustizzji.

Dawk li jieqfu u jiddefendu r-Rieda ta' Alla, sejrin jintlew bi Grazzji kbar u permezz tal-fidi tagħhom, ser ipattu għad-dnubiet ta' dawk li għandhom rashom iebsa wisq jew li qed jibżgħu wisq biex jirreżistu dak li qed jikkuntrarja l-Kelma ta' Alla. Meta jiżdiedu l-atroċitajiet u meta l-bniedem jinduna li m'għandux il-ħila jiġġieled u jikkontrolla dan il-ħażen, huwa għandu jdur Lejja u jgħid:

***"Ġesù eħles lilna midinbin bla ħila, mill-għedewwa Tiegħek."***
Hemm biss Jiena nkun nista' nintervjeni biex innaqqas l-impatt tal-vjolenza, l-qtil, il-mibegħda u l-gwerrer li jġibhom id-dnub tal-bniedem. Duru Lejja kuljum u sejħu l-Ħniena Tiegħi. Jiena qatt ma niċħad lil dawk li jfittxuni.

Ġesù Tagħkom.

## Omm tas-Salvazzjoni:  Itolbu għall-paċi fid-dinja.

Il-Ħadd, 24 t'Awwissu 2014 @ 17.00

Għeżież uliedi, nħeġġiġkom biex titolbu għall-paċi fid-dinja, għax fil-qrib, ħafna pajjiżi ser ikunu mdaħħlin fil-gwerrer, li ma jkunx faċli trażżanhom u ħafna ħajjiet innoċenti jinqerdu.

Il-paċi li jiena qed ngħidilkom biex titolbu lill-Għażiż Ibni, hija biex tnaqqas l-impatt tal-mibegħda, li ġiet miżrugħa fil-qlub ta' dawk li ġew immexxija ħażin, li jġibu t-terrur fuq l-oħrajn.  Meta l-paċi tkun mferra' fuq id-dinja, permezz tal-Qawwa ta' Alla, din tagħti għarfien ta' kif għandkom iġġibu ruħkom ma' xulxin bl-imħabba u r-rispett, ikunu xi jkunu d-differenzi ta' bejnietkom.

Jiena nitlobkom biex tgħidu din it-Talba tal-Kruċjata, t-Talba għall-Paċi kuljum għan-nazzjonijiet tagħkom.

**Talba tal-Kruċjata (164) Talba tal-Paċi għan-Nazzjonijiet.**

*O, Ġesu agħtini l-paċi.*

*Agħti l-paċi lin-nazzjon tiegħi u lil dawk il-pajjiżi kollha li huma maqsumin bil-gwerrer u l-firda.*

*Iżra' ż-żerriegħa tal-paċi fost il-qlub iebsa li jġibu tant tbatija lill-oħrajn f'isem il-ġustizzja.*

*Agħti lil ulied kollha ta' Alla, l-Grazzji li jirċievu l-Paċi Tiegħek ħalli jitkattru l-imħabba u l-armonija, ħalli toħroġ rebbieħa l-imħabba għal Alla kontra l-ħażen u l-erwieħ ikunu jistgħu jiġu salvati mill-korruzzjoni tal-falsitajiet, ħruxija u l-ambizzjoni ħażina.*

*Halli li l-paċi tirrenja fuq dawk kollha li ddedikaw ħajjithom għall-Verità tal-Kelma Qaddisa Tiegħek u fuq dawk li ma jafukx.*

*Ammen.*

Il-paċi tkun magħkom, għeżież uliedi u ftakru li mingħajr  l-imħabba għal Alla, intom qatt ma ssibu paċi.

Ommkom il-maħbuba.

Omm tas-Salvazzjoni.

**Alla l-Missier: Jiena nixxotta d-dmugħ tagħkom, ngħaqqad lid-dinja u nġib il-paċi.**

Il-Ħadd, 24 t'Awwissu, 2014 @ 17.15

Binti l-iżjed għażiża, jaf il-bniedem verament kemm hija kbira l-Imħabba Tiegħi għal uliedi? Jaf li mal-imħabba jista' jiġi uġigħ kbir? L-imħabba li hija pura tista' toħloq uġigħ kbir meta din tkun irrifjutata.

Jiena nħobb lil uliedi, l-Ħolqien Tiegħi, Laħmi u Demmi. Minħabba f'hekk, Jiena nħoss uġigħ kbir għall-mod li d-dnub ħoloq firda bejn uliedi u Bejni, l-Missier Etern tagħhom. Jiena nibki meta nara l-mibegħda, li tista' tiffermenta fi qlubhom, wieħed għall-ieħor. Nibki meta nara d-dnubiet taż-żina, għira, kburija, regħba u x-xewqa tagħhom li jegħlbu wieħed lill-ieħor, u l-weġgħa u n-niket, li huma jġibu fuq xulxin.

Meta jneħħu l-ħajja li Jiena nkun tajt lill-bniedem, l-uġigħ Tiegħi jkun tant kbir li ngħajjat b'tant niket, li s-Smewwiet kollha jxerrdu dmugħ ta' niket Miegħi. **Ħini huwa dalwaqt u meta tisimgħu bil-gwerrer, il-mard, il-guħ u t-terremoti jiżdiedu, kunu għafu hemm, li dik hija s-siegħa li Jiena ngħid – daqshekk!**

Jiena neżilja l-ħżiena f'nifs wieħed, il-qattiela bi tfesfisa u l-għedewwa Tiegħi b'tebqa t'għajn. Hemm, Jien niddikjara s-siegħa, l-ħin li Ibni jerġa' jieħu lura s-Saltna Tiegħu.

Jiena nixxotta d-dmugħ tagħkom, ingħaqqad lid-dinja u nġib il-paċi, neżilja lil dawk li ppersegwitaw lil uliedi u nġib fid-Dawl tas-Saltna Tiegħi , lil dawk li sofrew f'Ismi, għax huma jkunu mgħollijin fis-Saltna l-Ġdida Tiegħi fuq l-art.

Ħejju uliedi, għax il-ħajja ta' hena fil-Ġenna l-Ġdida Tiegħi daqt tkun taghkom. Is-sofferenza fuq din l-art tispiċċa u d-dmugħ tan-niket jinbidlu fi dmugħ ta' ferħ. Dik hija l-Wegħda Tiegħi. Għalhekk, meta tħossukom li ma tifilħux iżjed, kunu għafu li ż-żmien huwa fil-qrib biex tisbaħ l-Era l-Ġdida.

Il-Missier Etern tagħkom.

Alla l-Iżjed Għoli.

## Meta persuna tgħid li tħobb Lili, din tagħmel kollox skond ir-Rieda Qaddisa Tiegħi.

It-Tnejn, 25 t'Awwissu 2014 @ 19.05

Għażiża maħbuba binti, meta persuna tgħid li tħobb Lili, din tagħmel kollox skond ir-Rieda Qaddisa Tiegħi.  Huwa jħalli kollox fl-Idejn  Qaddisa Tiegħi u jinsa l-bżonnijiet u x-xewqat tiegħu.  Imbagħad jgħidli ***"Ġesù kulma ngħid u nagħmel ikun skond ir-Rieda Qaddisa Tiegħek – agħmel bija skond ir-Rieda ta' Alla."***

Il-bniedem li jgħix Fija u Jiena fih, iċedi kollox għal dak li jagħti Glorja lil Alla.  Ma jkollux għanijiet għalih innifsu, l-ebda xewqa moħbija li jagħti gost lilu nnifsu, u huwa jagħmel minn kollox fil-ħajja tiegħu, sabiex ikun f'għaqda waħda Miegħi.  Huwa jgħaddi Lili kull ħsieb, kull ċaqliqa, kull pass u kull azzjoni ħalli Jiena naħdem ġewwa ruħu.  Huwa jafdani, għal kollox, u jkun jaf li Jiena, dak kollu li nagħmel, dak kollu li nippermetti u dak kollu li jseħħ, biex jippurifika lid-dinja, jkollu biss għan wieħed u dak huwa li jagħti Glorja lil Alla.

Il-bniedem waħdu, qatt ma jista' jagħtini dan ir-rigal jekk huwa ma jkollux l-Ispirtu s-Santu jgħix fih.  Hemm biss, jista' huwa jersaq lejn il-perfezzjoni, li tibdlu, sabiex qalbu u ruħu jsiru ħaġa waħda Miegħi.  **Imbagħad Jiena, permezz tad-Divinità Tiegħi, noħloq mirakli kbar f'dik ir-ruħ, li tkun fdat Fija għal kollox, u xorta tibqa' żżomm id-dritt mogħti minn Alla – dak tar-rieda ħielsa.**

Meta tħallu Lili, Ġesù Kristu ngħix fikom, dan ikun jeħtieġ sagrifiċċji kbar min-naħa tagħkom.  Intom tridu twarrbu kull ħsieb fieragħ, kull dgħjufija u kull uqija ta' ħasra lejk innifsek.  Meta tiġu Għandi u titolbuni li mmexxikom, hemm, kull tbatija li qabel kienet tkun xortikom, titneħħa.  Xejn ma jinkwetakom.  Ma tkunux tistgħu tħossu mibegħda lejn l-oħrajn, inklużi dawk li jġibu fuqkom ħsara kbira u niket.  Intom taħfru malajr, ma żżommux f'qalbkom għaċ-ċirkustanzi diffiċli li tistgħu tiġu fihom, u taraw l-affarijiet kif narahom Jien.

**Biex tħejju ruħkom għall-ħajja Miegħi, intom tridu tiftakru li kulma huwa tajjeb, ġej minn Alla.** Il-bniedem bl-intellett u d-determinazzjoni tiegħu, qatt ma jista' jkollu l-paċi, qabel dak il-jum li fih huwa joffri lilu nnifsu lil Alla, bil-moħħ, bil-ġisem u bir-ruħ.  Meta toffru Lili, Ġesù Kristu, ir-rigal tal-fiduċja sħiħa, Jiena ngħix ġo dik ir-ruħ u dan isir parti mill-Glorja Tiegħi.  Jiena ngħolli lil dawn l-erwieħ.  X'ferħ ifawwar lil ruħhom!  Il-biża' ta' dak li mhux magħruf ma jinkwetahomx iżjed.  **B'dan il-mod, inħejji lid-dinja għall-Glorja Kbira Tiegħi – s-Saltna Ġdida Glorjuża Tiegħi, fejn il-ħajja kollha tkun skond ir-Rieda ta' Alla, fuq l-art kif inhi fis-Sema.**

Meta r-Rieda Tiegħi titnaqqax ġewwa r-ruħ ta' dawk li jgħixu ħajjithom skond kull xewqa Tiegħi, huma qatt ma jesperjenzaw mibegħda ta' l-ebda tip f'qalbhom, qatt aktar.  Għax dan ma jkunx possibbli.  Jiena ma nistax nobgħod u jekk Jiena jkolli l-permess li ngħix gewwa ruħkom, allura xejn ma jista' jibqa' ġewwa fikom li ma jkunx ġej Minni.

Ġesù Tagħkom.

**Jiena sejjer nintervjeni b'modi li ngħaġġeb lid-dinja.**

Il-Ħamis, 28 t'Awwissu, 2014 @ 20.40

Għażiża binti, Jiena naf lil dawk li huma Tiegħi u huma jafu Lili. Huma jafu wkoll lil dawk li huma Tiegħi, kif jafu wkoll lil dawk li mhux ġejjin Minni. Dawk li huma Tiegħi, għandhom qalbhom ħelwa, mimlijin imħabba għall-midinbin inklużi l-għedewwa Tiegħi, u mimlijin umiltà għax jafu li m'huma xejn mingħajri. Ruħhom ħielsa minn kull malizja, sfida, mibegħda u huma jsofru minħabba hekk. Huma jdawlu bħal fanal, ruħhom mimlija bid-Dawl ta' Alla. Huwa dan id-Dawl, li Satana u kull anġlu ieħor li waqa', jimmira għalih b'kull tentazzjoni. Dawn huma l-erwieħ l-iżjed imfittxija mill-wieħed il-ħazin u fiż-żminijiet li ġejjin, lilhom għad idawruhom bil-gideb. **Xi wħud għad jitilqu l-Verità għal kollox. Oħrajn jibqgħu mdendlin magħha, iżda jridu jissieltu biex jagħmlu dan, filwaqt li dawk li għandhom il-Grazzja tar-Rieda Divina ta' Alla fi qlubhom, qatt ma jitilqu l-Verità.**

Id-dinja ssir kamp tal-battalja kbir, fejn tirrenja l-konfużżjoni, u jkunu l-erwieħ li huma Tiegħi, li għad iħabbtu wiċċhom mal-akbar provi. Hija x-xewqa ta' Satana li jeħodli lil dawk li jafuni. Dawn huma l-erwieħ l-eqreb lejn Qalbi, għax huma l-akbar premju. Ser ikunu dawn l-erwieħ, li jekk kemm il-darba jaqgħu fl-iżball, dawn jiġu mperċa quddiemi mill-akbar għadu Tiegħi. Jiena nkun mgħoddi biż-żmien minħabba t-tradiment tagħhom u għad nibki dmugħ ta' mrar bir-rimors għal dawn l-imsejkna ulied ta' Alla. Imma kunu għafu dan, li Jiena sejjer nitqabad għal dawn l-erwieħ. **Jiena sejjer nintervjeni b'modi li jgħaġġbu lid-dinja ħalli naħtafhom minn difrejn il-qerq u huma jkunu jafu li qed nagħmel dan. Dak in-nhar, nerġa' nistaqsihom "Intom Tiegħi jew le?" U huma jkunu jafu li Huwa Jien, u hekk nerġa' neħodhom lura u neħodhom fis-Saltna l-Ġdida Tiegħi.** Dawk li jibqgħu b'saħħithom, għall-fidi sħiħa tagħhom fil-Kelma Qaddisa Tiegħi, jmexxu lil dawk li huma Tiegħi. **Ikun minħabba dawn l-erwieħ – il-Fdal Tiegħi – li l-Ħniena Tiegħi tifirex 'l bogħod u lil hinn minn dak li tara l-għajn.**

Jiena issa qed insejjaħ lil dawk li jafu Lili. Nixtieqkom li tgħixu kull jum daqs li kieku ma kienx hemm għada. Afdaw Fija. Itolbu l-ħarsien Tiegħi u sejħuli għal favuri speċjali fi triqitkom lejn l-Era l-Ġdida Tiegħi ta' Paċi. Jiena ngħinkom kull darba u nfawwarkom bil-Grazzji. U intom ma tibżgħu minn xejn għax tkunu tafu li Jiena qed nimxi magħkom. Inżommilkom idejkom waqt li mmexxikom lejn il-Kenn tal-Paċi Tiegħi u l-Glorja Kbira Tiegħi.

**Ejjew Għandi u tibżgħux għax il-Jum il-Kbir Tiegħi għad jisbaħ bla mistenni u f'daqqa, u ma xxerdux demgħa oħra għax tingħaqdu mar-Rieda Divina ta' Alla għall-Eternità.**

Aċċettaw Imħabbti, l-Barkiet Tiegħi u l-Ħniena Kbira Tiegħi għax meta tagħmlu hekk, intom tkunu tistgħu verament tgħidu li intom Tiegħi.

Ġesù Tagħkom.

**Tagħtux każ tal-għajjat, għax l-opinjoni umana ma tfisser xejn fis-Saltna Tiegħi.**

Is-Sibt, 30 t'Awwissu, 2014 @ 18.15

Għażiża maħbuba binti, l-perseveranza fit-tbatija ġġib lir-ruh eqreb Lejja u Jiena nippremja dawn il-provi minħabba hekk. Qatt tonqsu milli taraw kif il-Preżenza Tiegħi ġewwa ruħ ma tgħaddix mingħajr ma jinduna biha l-wieħed il-ħażin, li mall-ewwel jinġibed lejn dawn l-erwieħ fejn il-Preżenza Tiegħi hija l-aqwa. **Aċċettaw it-tbatija f'Ismi u ifhmu li r-raġuni tagħha hija minħabba Fija. Li kieku ma kontx preżenti, l-wieħed il-ħażin kien jinjorakom.**

Il-Grazzji li Jiena nferrex fuq dawk li jħobbuni l-iżjed, li jkunu warrbu kull imħabba lejhom infushom u kburija, jinkludu r-Rigal tad-dixxerniment. Dan huwa Rigal speċjali ħafna mis-Sema u mberkin huma dawk li għandhom il-grazzja li jiddixxernu l-Verità għax huma dawk li qatt ma jħallu l-falsitajiet iċaqalquhom. Dawk minnkom li huma mogħtija dan ir-Rigal, iġibuli l-erwieħ. Iżda għal kull ruħ li ġġibuli, u minħabba t-talb u t-tbatija tagħkom, il-wieħed il-ħażin jipprova jwaqqafkom. Kunu għafu li l-Glorja ta' Alla li hija preżenti ma' ġenbkom, tiġbed velenu qawwi u intom tkunu misħuta f'Ismi minn dawk l-erwieħ dgħajfa, li huma bħal għalf għal Satana u għal kull xitan li huwa bagħat biex jeqred l-erwieħ.

Kunu fil-paċi u kunu għafu li meta taċċettaw il-Verità – il-Kelma ta' Alla – meta tħabbtu wiċċkom mal-kuntrarju, l-Qawwa kollha Tiegħi taħdem biex jissalvaw l-erwieħ. Għal kull ruħ li ġġibuli Jiena nkompli nferrex iżjed Grazzji fuqkom u hekk tkompli. **Tagħtux każ tal-għajjat ta' kuntrarju għax l-opinjoni umana ma tfisser xejn fis-Saltna Tiegħi.** Intom dejjem tridu taraw lil xulxin daqs li kieku minn Għajnejja. Dan Jiena mhux ġa għidtulkom qabel? Ma tistgħux tifhmu l-lezzjoni l-iżjed bażika li għallimtkom matul Żmieni fuq l-art? Ħobbu lil xulxin kif inħobbkom Jien. Jekk ma tistgħux tħobbu lill-għedewwa tagħkom, intom issibuha iżjed bi tqila biex tersqu Lejja. Jekk intom tpoġġu lilkom infuskom qabel l-oħrajn, intom ma tistgħux tgħidu li tħobbuni mingħajr ebda kundizzjoni, għax li kieku kontu tħobbuni, kontu tgħiduli:

**"Ġesù jiena ma jistħoqqlix li nieqaf Quddiemek, imma agħmel bija dak li trid għax jien ser nagħmel dak li tixtieq inti."**

Morru intom lkoll u ftakru Min Jien. Huwa biss meta tgħixu ħajjitkom skond it-Tagħlim Tiegħi li tistgħu tgħidu li intom Tiegħi. **Ma tistgħux tieħdu biss biċċa minn Kelmti u tgħajtu Biha u wara tiċħdu l-biċċiet l-oħrajn.** Għal dawk li jiddikjaraw li huma aqwa minn oħrajn, li jippreżentaw verżjonijiet mgħawġa tal-Kelma Tiegħi, u dan iwassal għal erwieħ biex jitbegħdu Minni, Jiena ngħid dan. F'dak il-jum li fih Jien nieħu lura l-Preżenza Tiegħi mid-dinja, l-qawwija u l-imkabbrin, għad jibku dmugħ tar-rabja, u wara ta' disperazzoni, għax jaraw kif il-qerq tagħhom waqqa' ħafna erwieħ u r-rabja ta' Alla tregħdhom. Ikun hemm għajjat u theżżiż tas-snin. U hemm ma jkunx baqalhom fejn imorru. **Ma jkollhomx lil min jagħtu rendikont, għax huma qatt ma jaraw Wiċċi.**

Ġesù Tagħkom.

## Qatt m'huma sejrin jirbħu kontra l-Knisja Tiegħi.

It-Tnejn, 1 ta' Settembru, 2014 @ 20.05

Għażiża maħbuba binti, l-Ispirtu Tiegħi jinsab sew fil-Knisja Tiegħi fuq l-art, f'dan iż-żmien, meta l-għedewwa Tiegħi qamu bil-qawwa kontriha. Huma jistgħu jsawtu lil Ġismi, li hija l-Knisja Tiegħi, huma jmaqdru l-Kelma Vera ta' Alla, jitkerrhu kontra l-Mogħdijiet tal-Mulej, imma huma qatt ma jirbħu kontra l-Knisja Tiegħi. **Il-Knisja Tiegħi hija magħmula minn dawk li jipproklamaw il-Kelma Vera ta' Alla u li jipprovdu s-Sagramenti lill-poplu ta' Alla, kif wassluhom l-Appostli Tiegħi. Dawk biss li jibqgħu leali lejn it-Tagħlim Tiegħi, Kelmti, Ġismi u s-Sagriċifju Qaddis tal-Quddiesa, hekk, kif kienet iddettata Minni, jistgħu jgħidu li huma l-Knisja Tiegħi.** Il-Knisja Tiegħi, kif inhi wieqfa bħalissa, sejra tinsaħaq – il-bini tagħha jinħatt u jittieħed, il-qaddejja mqaddsa Tiegħi jintefgħu fit-toroq, fejn ikollhom jittalbu u s-Sagrifiċju tal-Quddiesa Mqaddsa jispiċċa. Imma l-Knisja Tiegħi tibqa' sħiħa, għalkemm tiċkien u ssir biss fdal żgħir minn dak li darba kienet.

L-Ispirtu Qaddis imexxi l-Knisja Tiegħi tul it-taqlib li sejra tgħaddi minnu, u għalhekk sejra tibqa' tgħix il-Verità. **Kull għadu minn Tiegħi ser jipprova jeqred il-Knisja Vera Tiegħi. Imbagħad minflokha jagħmlu wahda falza. Joħolqu skrittura ġdida, sagramenti ġodda u ħafna dagħa ieħor fl-Isem Qaddis Tiegħi.** Iżda l-Knisja Tiegħi li hija l-Ġisem Tiegħi u s-segwaċi Tiegħi jibqgħu ħaġa waħda Miegħi, f'Għaqda Qaddisa. Imbagħad meta tkun bħal inqerdet, inħarqet sal-art, il-ġamar tal-Knisja Tiegħi jibqgħu jnemnmu sa dak il-jum li nerġa' niġi Jiena. F'dak il-jum, meta l-Knisja Tiegħi tkun imġedda u tixgħel bi glorja kbira, din tqum u d-dinja kollha tipproklamha bħala l-Knisja waħda Vera – Ġerusalemm il-Ġdida - kull bniedem jixrob mill-kalċi tagħha. Kulma kien fil-bidu, hekk ikun fit-tmien. Il-ħajja kollha li ġiet maħluqa minn Alla tiġġedded kif kienet meta l-Ġenna tal-Art kienet maħluqa għar-razza umana.

L-Ispirtu Tiegħi huwa ħaj u qatt ma jista' jmut għax Jiena l-Ħajja Eterna – li nagħti dak kollu li l-bniedem jeħtieg, biex jgħix ħajja fejn il-mewt m'għandhix postha. Dejjem afdaw fil-Qawwa ta' Alla meta dak kollu li taraw jidher mhux ġust, krudili u xi drabi tat-twerwir. Il-Qawwa Tiegħi sejra tiksi lid-dinja u Imħabbti tgħaqqad lil dawk kollha li għandhom l-imħabba fi qlubhom. Neżilja kull ħażen u meta l-Paċenzja Tiegħi tispiċċa, narmi 'l bogħod l-għedewwa Tiegħi. Jiena qiegħed hawn. Jiena ma mort imkien. Qed immexxikom fuq din il-mogħdija kollha xewk, lejn is-Saltna Tiegħi. **Ladarba jasal dak il-jum li Jiena nħabbar it-Tieni Miġja Tiegħi, d-dmugħ kollu jispiċċa.** In-niket kollu jintemm ħesrem, u jieħdu postu l-imħabba, l-paċi u l-ferħ li Jiena biss, Ġesù Kristu nista' nagħti.

Żommu sħaħ, żgħar Tiegħi. Itolbu, itolbu, itolbu ħalli l-imħabba tibqa' tgħix fid-dinja u għall-paċi għal dawk l-innoċenti li qed isofru u jinsabu mxerrdin madwar id-dinja fil-pajjiżi fejn hemm il-gwerrer. L-ulied kollha ta' Alla huma Tiegħi u Jiena nħobb lil kull ruħ, kull nazzjon u midneb. Jiena nġibilkom ir-Rigal tat-Talb tal-Kruċjata Tiegħi ħalli meta tgħiduhom intom tgħinuni nsalva erwieħ kemm nista'.

Morru fil-paċi u l-imħabba.

Ġesù Tagħkom

**Omm tas-Salvazzjoni: Alla qatt ma jitlaq lil dawk li huma Tiegħu.**

It-Tlieta, 2 ta' Settembru, 2014 @ 15.40

Għażiża binti, rridek tgħid lil uliedi li Alla qatt ma jitlaq lil dawk li huma Tiegħu, qatt, għax dan ma jistax ikun. Huwa jħobb lil uliedu kollha, jġibu kemm iġibu niket fuq l-uniku Iben Tiegħu, Ġesù Kristu.

**Il-ħarsien tiegħi sejjer jgħatti lil kull ruħ li tipproklama il-Kelma ta' Alla u bil-Qawwa ta' Alla, jiena sejra nisħaq ras is-serp fis-suriet kollha tiegħu.** Sejra nkun l-avukata li nikxef il-gideb kollu tiegħu, li joħrog minn ħalq il-bestja, u d-dinja sejra tara l-gideb bla sens li huwa sa jxerred fost dawk li jagħtu lilhom infushom lilu, u jaċċettaw għal kollox il-modi ħżiena tiegħu. **Ir-re tal-gideb jibqa' jdawwar l-erwieħ mill-Verità u huwa, l-qarrieqi, mhux ser jaqta' qalbu qabel l-aħħar siegħa.**

**Meta jintużaw il-gideb biex inessu lin-nies mill-Kelma Vera ta' Alla, jiena nindaħal u nikxef il-Verità.** L-umanità jkollha żewġ għażliet – li tibqa' leali lejn il-Verità jew taċċetta l-gideb minflokha. It-taħwid ser ingħawwar il-qlub ta' dawk vulnerabbli, d-dgħajfin u dawk li m'għandhomx l-Ispirtu ta' Alla ġewwa ruħhom. Hekk tkun mitqabda l-battalja għall-erwieħ, fejn in-nies jew jemmnu fil-gideb jew fil-Verità.

Jiena qed inġibilkom il-bxara t-tajba tal-Ħniena ta' Ibni u jiena nkun l-għodda Tiegħu għas-salvazzjoni tal-erwieħ. L-ebda ruħ ma tkun imħollija barra minn din il-Missjoni ta' Salvazzjoni. Għandkom titolbu ħalli l-bniedem jagħraf il-gideb, li qed jixxerrdu mill-għedewwa ta' Ibni, biex jgħaljenawkom mill-Verità, id-Dawl u l-Imħabba ta' Ibni. Afdaw f'Ibni u tiġu murija l-Ħniena Kbira Tiegħu. Emmnu fil-Wegħda ta' Ibni li jerġa' jiġi u jkollkom il-Ħajja Eterna. Tħallux il-gideb iqarraq bikom, għax inkella ssibuha iebsa ħafna biex tibqgħu leali lejn Ibni.

Ommkom il-maħbuba.

Omm tas-Salvazzjoni.

**Satana jixxennaq għall-erwieħ, għandu ġuħ kbir u ma jaqtax qalbu.**

Il-Ħamis, 4 ta' Settembru, 2014. @ 23.03

Għażiża maħbuba binti, l-profeziji kollha li kienu mħabbra tant żmien ilu, u mogħtija lill-profeti ta' Alla, lil dawk li jaraw u lill-viżżjunarji, permezz ta' rivelazzjonijiet pubbliċi kif ukoll privati, issa ser iseħħu.

**Il-bniedem xettiku ser jistħarreġ l-awtentiċità tal-Kelma ta' Alla, iżda meta sa jara dak kollu li kien imħabbar fil-Ktieb tar-Rivelazzjoni, dan jimmuta, għax meta dawn il-ħwejjeġ jiġu fuq l-umanità, l-uniku faraġ ikun jekk wieħed ifittex Lili**. Meta qalbkom tintela bin-niket, minħabba l-atti ħżiena li ser jitwettqu min-nies ħżiena kontra ulied Alla, intom tibku dmugħ ta' mrar. Hemm intom taraw kemm il-ħażen jista' jinfirex fl-erwieħ ta' dawk li qalbhom magħmula mill-ġebel. Meta taraw kemm għandhom ftit li xejn rispett, dawn l-għedewwa ta' Alla, lejn il-ħajja umana, fl-aħħar tifhmu kemm hi kbira l-qawwa li l-wieħed il-ħażin għandu fuq l-umanità. **Fl-aħħar sigħat tiegħu, Satana li juri ruħu fl-erwieħ li jimla bil-modi maħmuġa tiegħu, sa juri lid-dinja kemm tiflaħ tkun kbira l-mibegħda tiegħu għall-umanità.**

Ma' kull skuża li jġib il-bniedem biex jiskuża l-ħażin, dawk li jwettqu atti ħżiena, ser jikxfu l-mibegħda li għandhom f'qalbhom għal ulied Alla. Sejrin iwettqu atti atroċi f'Isem Alla u mhux sa jkollhom imħabba f'ruħhom. Huma jnisslu l-mibegħda u ħafna minnhom lanqas biss jifhmu għaliex il-mibegħda tagħhom lejn l-oħrajn hija daqshekk qawwija. Filwaqt li ħafna nies ma jemmnux fl-eżistenza tal-wieħed il-ħażin, intom issa għandkom tkunu tafu illi hu ma jiflaħx ma jikxifx lilu nnifsu permezz ta' dawk li hu jinfesta. Nifsu jinfirex sakemm jibla' lil kull nazzjon, lil kull ruħ dgħajfa u lill-mexxejja qawwija, li l-ambizzjoni tagħhom tiftahhom għall-influwenza tiegħu.

Dalwaqt taraw atti ħżiena jseħħu f'kull parti tas-soċjetà tagħkom, f'ħafna nazzjonijiet u b'modi differenti. Satana jixxennaq għall-erwieħ, għandu ġuħ kbir u ma jaqtax qalbu. Meta l-mibegħda tiegħu tkun tidher verament ġewwa l-erwieħ, dawn in-nies ma jkunux jistgħu jaħbu l-azzjonijiet tagħhom. Ikun biss hawnhekk, li ħafna minnkom ikunu jistgħu jaraw lill-wieħed il-ħażin ta' dak li hu, u dan permezz tal-azzjonijiet ta' dawk l-imsejkna erwieħ li taw ruħhom għar-rieda tiegħu.

Intom qatt m'għandkom tibqgħu bla ma tagħmlu xejn, meta jsiru atti u għemil, inklużi gwerrer u taqlib ieħor li jqumu fid-dinja. Hemm, it-talb tagħkom huwa l-iżjed meħtieġ.

Ġesù Tagħkom.

## Tinqatgħux Minni. Jekk tagħmlu hekk, tibku bi kbir.

Il-Ġimgħa, 5 ta' Settembru, 2014 @ 20.45

Għażiża maħbuba binti, rridkom tkunu tafu li l-mewt m'għandha l-ebda setgħa fuq dawk li huma Tiegħi, li l-fidi tagħhom tkun sostniethom sa l-aħħar nifs tagħhom. Dawn l-erwieħ m'għandhomx biża' mill-mewt fiżika għax jafu li l-Ħajja Eterna tibda hemm. Jiena nistenna lil dawn l-erwieħ b'dirgħajja miftuħa u huma jiġru għal Għandi bħal tfal, lejn id-Dawl ta'Mħabbti. Jiena ngħannaqhom u neħodhom fis-Saltna Tiegħi, fejn ikun hemm tistenna lil kull ruħ il-preżenza tal-Ġerarkija tal-Anġli u l-qaddisin kollha – u hemm jibdew jiċċelebraw.

Jiena ngħaqqadhom mal-familji tagħhom u jkun hemm ħafna ferħ, imħabba u eċitament. Xejn iżjed dmugħ. L-ebda memorji tat-tbatijiet tagħhom, li għaddew minnhom fuq l-art, ma jibqalhom. L-inkwiet kollu, dwejjaq u disperazzjoni jispiċċaw u jintesew f'mument. Il-mewt tiftaħ il-bieb għal dawk li jkunu mietu fi stat ta' Grazzja, biex tibda ħajja ġdida. Għal kull ruħ li tintlaqa' ġewwa s-Saltna Tiegħi, hemm livelli differenti, u kull wieħed jiġi mogħti l-premju tiegħu skond kemm ikun ta Glorja lil Alla.

**Għall-erwieħ li jmutu fi stat ta' dnub, kunu għafu li Jiena Kolli Ħniena u li wara l-purifikazzjoni tagħhom, huma jiġu milqugħin fis-Saltna Tiegħi.** Dejjem itolbu għal dawn l-erwieħ għax f'dan l-istadju ma jistgħux jitolbu għalihom infushom. Talbkom jiġi mismugħ u Jiena nkun nistenna lil dawn l-erwieħ b'dirgħajja miftuħin. Huwa mportanti li kull wild minn ta' Alla jrid jifhem ħaġa mportanti dwar il-ħajja wara l-mewt. Intom għandkom titolbuni biex naħfrilkom in-nuqqasijiet tagħkom, id-dgħjufijiet tagħkom u l-inkwiet tagħkom qabel ma tmutu, għax hemm il-Ħniena Tiegħi tkun fl-aqwa tagħha. **Jekk intom ma temmnux f'Alla, intom tkunu qed tirrifjutaw il-Ħajja Eterna. Jekk ma tħobbux lil Alla, l-imħabba ma tistax tiġi għandkom wara l-mewt.** Jiena l-Imħabba u Mingħajri, intom ma tħossu xejn ħlief uġigħ. Il-firda minn Alla hija ta' min jibża' minnha. Jekk titħawdu dwar l-Eżistenza Tiegħi, allura għandkom sempliċement titolbu Lili biex nurikom sinjal ta' Mħabbti, u Jiena nweħibkom.

Tinqatgħux Minni. Jekk tagħmlu hekk, tibku bi kbir u qatt ma titfarrġu, għax ma nkunx nista' ngħinkom. Is-Saltna Tiegħi tagħtikom il-Ħajja Eterna, imma intom tridu titolbu għall-għajnuna Tiegħi billi tgħidu din it-talba.

**Talba tal-Kruċjata (165) Għar-Rigal tal-Ħajja Eterna.**

*Ġesù għinni biex nemmen fl-Eżistenza Tiegħek.*

*Agħtini sinjal ħalli qalbi twieġeb Lilek*

*Imla r-ruħ vojta tiegħi bil-Grazzja li neħtieġ biex niftaħ moħħi u qalbi għall-Imħabba Tiegħek.*

*Ikollok Ħniena minni u naddafli ruħi minn kull ħażen, li wettaqt f'ħajti.*

*Aħfirli talli rrifjutajtek, imma nitolbok timlieni bl-imħabba li neħtieġ biex inkun denju tal-Ħajja Eterna.*

*Għinni nsir nafek,  biex nara l-Preżenza Tiegħek fl-oħrajn u mlieni bil-Grazzja li nagħraf is-Sinjal ta' Alla f'kull Rigal sabiħ li Inti tajt lir-razza umana.*

*Għinni nifhem it-Triqat Tiegħek u eħlisni mill-firda u l-uġigħ tad-dlam li nħoss ġewwa ruħi.  Ammen.*

Tħallux is-suppervja umana, l-analiżi intellettwali jew l-opinjoni jbegħdukom mill-Verità.  Bħala wlied Alla, intom prezzjużi ħafna Għalija.  Tħallunix nitlifkom.  Ejjew, Jiena qiegħed Hawn.  Jiena Veru.  Ħalluni nimla lil ruħkom bil-Preżenza Tiegħi. Ladarba jiġrilkom hekk, intom issibuha iebsa biex tinjoraw Lili.

Jiena nħobbkom ilkoll.  Jiena nberikkom.  Qed nistenna t-twegiba tagħkom.

Ġesù Tagħkom.

**Dalwaqt ġej raġel u jgħidilkom li qed jurikom il-Verità tal-Eżistenza Tiegħi.**

Is-Sibt, 6 ta' Settembru 2014 @16.00

Għażiża maħbuba binti, l-Għerf Tiegħi huwa ta' Oriġini Divina u l-bniedem ma jistax jifhem dak kollu dwar Min Jiena.

Jiena nagħti għarfien biżżejjed lill-umanità, permezz tal-Ispirtu s-Santu. It-Tagħlim Tiegħi kien mogħti lid-dinja f'mod sempliċi, ħalli kull bniedem seta' jifhem il-Verità. L-Għerf minn Alla qatt ma jkun ikkumplikat u jiġi mogħti biex il-bniedem ikollu l-kjarifiki li jeħtieġ biex iħejji ruħu għas-Saltna Tiegħi. L-imħabba hija pura. L-imħabba hija sempliċi. L-imħabba vera tkun reċiprokata. Hija l-unika xewqa Tiegħi li l-erwieħ iwieġbu għal Imħabbti, ħalli huma, msaħħin bir-Rigal tal-Ispirtu s-Santu, jifhmu f'mument, dak li jkun meħtieġ minnhom biex ikunu jistgħu jagħmlu parti mis-Saltna Tiegħi.

Jiena nibgħatilkom il-ħabbara biex tkunu mogħtija l-kjarifiki u tifhmu. Għalkemm il-Verità mhix faċli biex taċċettha fil-ħajja tagħkom ta' kuljum, minħabba l-konfużżjoni li teżisti. Kelmti, l-ħin kollu jmorru kontriha, jerġgħu jeżaminawha, janalizżawha, jerġgħu jevalwawha u ma jifhmuhiex, u dan kollu jagħmilha iebsa li tintrabtu mal-Kelma Vera ta' Alla. Meta intom tistqarru fil-miftuħ li intom temmnu fil-Kelma Tiegħi, fit-Tagħlim Tiegħi u fis-Sagramenti Tiegħi, intom daqt tiġu mwaqqa' għaċ-ċajt għal dan.

**Ħafna li għamlu lilhom infushom imgħallmin tal-knisja, daqt jistħarrġu l-Vera identità Tiegħi u l-Eżistenza tat-Trinità l-Iżjed Qaddisa.** Huma jużaw argumenti goffi biex jagħmukom għall-Vera Kelma ta' Alla, u jużaw minn kull tip ta' argument teoloġiku biex jagħtu prova li r-reliġjonijiet kollha huma l-istess. Fil-qrib, huma sejrin jirrifjutaw il-Verità – l-Kelma ta' Alla. Sejrin jiddesagraw il-Kelma ta' Alla b'duttrini kkumplikati u li jikkuntrarjaw lil xulxin, u dawk li jmorru l-Knisja ma' kullimkien, m'huma sejrin jifhmu xejn meta ser jitbellgħu dan il-bla sens kollu. Kelmti tiġi moħbija u titħalla tiġbor it-trab. Dejjem ftakru, illi Kelmti trid tiftiehem hekk kif kienet mogħtija. Id-dettalji tad-Divinità Tiegħi u l-Misteru ta' Alla ma ġewx rivelati lill-umanità, għax dan ma kellux ikun qabel ma tibda l-Era l-Ġdida ta' Paċi. **Dalwaqt ġej raġel u jgħidilkom li qed jikxef il-Verità tal-Eżistenza Tiegħi u dettalji tat-Tieni Miġja Tiegħi. Huwa sejjer isaħħar lid-dinja. Imbagħad ser jgħid li huwa Jiena. Ħafna sa jemmnuh, għax naqsu milli jifhmu il-Kelma, hekk kif kienet imniżżla fil-Bibbja Mqaddsa.**

Jiena, Ġesù Kristu, għandi nerġa' niġi biex niġġudika lill-ħajjin u l-mejtin, u dan mhux sejjer ikun u lanqas jista' jseħħ, fuq din l-art.

Ġesù Tagħkom.

## L-antikrist ser jieħu postu għax huwa sa jkun mistieden biex jagħmel dan.

Il-Ħadd, 7 ta' Settembru, 2014 @ 19.30

Għeżież uliedi, oqogħdu għassa għas-sinjali taż-żminijiet, meta l-antikrist ser jieħu postu fil-Knisja ta' Ibni fuq l-art, ħalli dan ikun ċar għalikom biex tarawh.

**Taħsbux għal mument wieħed biss, li l-antikrist ser jidħol fil-Knisja ta' Ibni u jeħodha bl-aggressività jew bil-forza. Ispirat u mmexxi mill-qarrieqi nnifsu, l-antikrist ser jieħu postu għax huwa sa jkun mistieden biex jagħmel dan.**

It-tibdil kollu li sar fil-Messalini tal-Knisja daqt ikun magħruf u r-raġuni li sejra tingħata sa tkun li dawn iridu jirriflettu dinja moderna, għalhekk iridu jkunu nklussivi, biex jilħqu denominazzjonijiet u reliġjonijiet oħrajn. Ladarba l-Vera Kelma ta' Alla u t-Tagħlim ta' Ibni jitbiddlu, dawn isiru vojti, għax ma jkunux jirriflettu l-Verità li ġiet mogħtija lid-dinja minn Ibni.

L-antikrist isir popolari għall-ewwel, għall-ħiliet politiċi tiegħu. Imbagħad idawwar ħarstu lejn reliġjoniijiet differenti qabel ma huwa jiġi mistieden biex ikun involut. **Ikun imdaħħal fit-teħid tad-deċiżjonijiet biex ivaraw pjan ta' reliġjon waħda dinjija. Dawn it-tibdiliet kollha – fejn il-Knisja ġa sejħet pubblikament għall-għaqda tar-reliġjonijiet kollha – ser iseħħu qabel ma l-antikrist jieħu post fuq it-Tronn ta' Ibni fuq l-art.** Hemm tkun tnaddfet it-triq biex il-bestja jimxi bla tfixkil fil-Knisja ta' Ibni, fejn ikun tħejja għalih, post tal-unur. Bil-mod, jitħabbar li huwa ser isir il-mexxej tal-Ordni l-Ġdida Dinjija u ssir inkurunazzjoni bil-pompa kollha. **Din il-ġrajja tintwera madwar id-dinja kollha, u jattendu għaliha l-politiċi, dinjitarji u ċelebritajiet u meta l-kuruna titpoġġa fuq rasu, tkun bħallikieku jkun iddaħħal l-aħħar musmar fil-Ġisem ta' Ibni.** F'dak il-jum, il-Knisja Kattolika tkun desagrata u ħafna isqfijiet u saċerdoti jaħarbu, għax hemm jifhmu li l-profeziji li kienu ġew imħabbra, jkunu nkixfu quddiem għajnejhom.

Minn dak il-jum 'l quddiem, meta t-Tronn ta' Alla jkun ġie ppreżentat lill-antikrist, huwa jibda juri sinjali kbar fiżiċi, li jikkonvinċu lil ħafna nies bil-qdusija tiegħu. **Huma ser jgħidu li l-antikrist qed juri sinjali ta' stigmata u jkun jidher li qed ifejjaq il-morda u lil dawk morda terminali.** Mirakli kbar jiġu attribwiti lilu u biż-żmien huwa jikkonvinċi lill-ħafna li huwa Ġesù Kristu u li t-tlugħ tiegħu sa fuq nett ta' din il-knisja falza, huwa sinjal tat-Tieni Miġja. U filwaqt li l-lajċi jkunu responsabbli għall-bini tal-fosdqa tal-knisja tal-fdal, dak li jkun baqa' mill-Knisja ta' Ibni fuq l-art, ser ikunu s-saċerdoti li jmexxuha minn hemm 'l quddiem. L-Ispirtu s-Santu jsostni l-Knisja l-Vera, matul ir-renju tal-antikrist, u hu flimkien ma' kull għadu ieħor minn ta' Ibni, qatt ma jirbħu kontriha.

Il-Verità ma tmut qatt. Il-Kelma ta' Alla, għalkemm desagrata, ma tmut qatt. Il-Knisja ma tista' tmut qatt, għalkemm tintefa' fid-deżert. Saħansitra fl-iżjed siegħa ta' dgħjufija tagħha, l-ħajja tibqa', u jattakkawha kemm jattakkawha lill-Knisja ta' Ibni, Alla qatt ma jħalli li tinqered.

Matul dawk il-jiem li ġejjin, qatt m'għandkom tħallu li taċċettaw il-qerq. Intom sejrin tiġu taħt is-seħer tal-antikrist, u hu ser ikun imħaddan mill-għedewwa tal-Knisja ta' Ibni. Ikun imgħannaq minn mexxejja foloz fil-knejjes u jkun imfaħħar għax-xogħol

ta' karità tiegħu, madwar id-dinja kollha. Huwa jkun mogħti unuri kbar f'ħafna pajjiżi u n-nies ikollhom ritratti tiegħu f'inkwadri fi djarhom. Huwa jkun magħmul idolu iżjed minn Alla, imma jkun bl-Id ta' Alla, li huwa jinxteħet għal ġewwa l-abbiss flimkien ma' dawk li serqu l-erwieħ ta' wlied Alla, meta huma ħadu sehem fl-attentat biex tinqered il-Knisja ta' Ibni.

Ommkom il-maħbuba.

Omm tas-Salvazzjoni.

**Dawk li jisħtu l-profeti Tiegħi, jisħtu Lili.**

It-Tlieta, 9 ta' Settembru, 2014 @ 17.00

Għażiża maħbuba binti, Qalbi mifnija bid-dwejjaq f'dan iż-żmien. Hemm dawk fostkom li għalkemm ħaddnu Kelmti, li ġiet mogħtija permezz ta' dawn il-Messaġġi Mqaddsa, għall-Imħabba u l-Kompassjoni li Għandi, dawn ittradew Lili bl-iżjed mod krudili. Dan it-tradiment m'hu xejn differenti minn dak li ngab fuqi matul żmieni fuq l-art.

Iż-żerriegħa tad-dubju qed tinżera' minn dawk li ġew mmexxija lejn l-iżball, minħabba l-gideb u l-mibegħda li l-wieħed il-ħażin poġġa ġewwa qlubhom. Min jobgħod Lili, jkompli jxerred il-mibegħda kontra Tiegħi billi jinfesta lil xi wħud li huma nvoluti f'din u f'missjonijiet oħrajn mis-Sema, biex isalvaw l-erwieħ. Huwa jigdeb u jġib dubji fuq dawk magħzulin Minni, ħalli jdawwar l-erwieħ minn Miegħi. Lil dawk li jagħtuni daharhom, kunu għafu li t-tradiment tagħkom jaqsamli Qalbi fi tnejn . Kunu għafu li dak li tagħmlu kontra Tiegħi, huwa biċċa tagħkom, għax ir-rieda ħielsa hija tagħkom. **Imma meta tużaw l-influwenza tagħkom biex teħduli l-erwieħ, Jiena nżommkom responsabbli ta' kull ruħ li intom jirnexxielkom tieħdu mill-Ħniena Kbira Tiegħi.** Miskin hu min iħib il-mibegħda kontra Tiegħi, Ġesù Kristu, meta l-unika xewqa Tiegħi hi li nieħu Miegħi lil kull wild ta' Alla.

Jiena ġej biex inkebbeb l-erwieħ fil-Ħniena Tiegħi u jekk intom toħolquli t-tfixkil, ixxerdu l-gideb u ġġegħlu lill-oħrjan jistmerru lill-profeti Tiegħi, Jiena nikkastigakom bil-kbir, għax dan huwa wieħed mill-akbar dnubiet kontra Alla. Meta intom tagħmlu ħilitkom kollha biex tindaħlu mal-Pjan Tiegħi ta' Salvazzjoni, Jiena nsejħilkom Quddiemi fl-aħħar jum u nżommkom ħatja tad-dnub li telliftuli dawk l-erwieħ li jkunu spiċċaw għand il-wieħed il-ħażin, minħabba l-għemil tagħkom. **U meta tiddikjaraw li l-Kelma ta' Alla ġejja mill-ispirtu tal-ħażen, Jiena qatt ma naħfrilkom ta' din il-ħżunija.** Isktu. Twettqux din l-offiża kontra Alla. Jekk intom m'għadkomx taċċettaw il-Missjoni Tiegħi, morru bid-dinjità u tlissnux kelma. Is-skiet tagħkom isalvakom. Jekk tlissnu l-ħażen kontra Tiegħi, Jiena nixħetkom fix-xahri u qatt ma ssiru parti mis-Saltna Tiegħi.

Qalbi maqsuma imma Fehmti mhix. Tibżgħux mill-iżbalji tagħkom, iżda mir-Rabja ta' Alla, għax dawk li jisħtu lill-profeti Tiegħi, jisħtu Lili.

Ġesù Kristu

Bin il-Bniedem.

## Alla l-Missier :  Ħobbu Lili kif Jiena nħobb lilkom.

L-Erbgħa, 10 ta’ Settembru, 2014 @ 03.00

Binti l-iżjed għażiża, ħalli jkun magħruf li kull meta bniedem jidneb kontra Tiegħi, Jiena naħfirlu.  Id-dnub jista’ jifirdu Minni, imma Jiena xorta nħobbu lill-midneb.  Ħalli tkunu tafu li Jiena nħobb lil dawk li lanqas biss jafu Bija.  Jiena nixtieq lil dawk kollha li jħossu li Jiena ma neżistix, biex jisimgħuni issa.

Jiena ninsab fejn tistgħu tilħquni.  Nitlobkom issejħuli.  Jiena rridkom.  Jiena għandi bżonnkom, għax intom biċċa minn Laħmi.  U bħala biċċa minn Laħmi, Jiena nħossni mitluf meta intom ma tweġbunix.  Bħal ġenitur li jagħti l-ħajja lil tarbija, Jiena nistenna t-tweġiba tagħkom.  It-tarbija b’mod naturali twieġeb lill-ġenitur.  Ġenitur b’mod naturali jħobb lit-tarbija tiegħu, għax din hija biċċa mir-Rigal li Jiena nagħti lill-umanità.

Jiena Missierkom.  Jiena l-Ħalllieq tagħkom.  Jien dak li Jiena.  Ma tafux li Jiena nħobbkom lkoll, b’xenqa li jafuha biss dawk minnkom li saru ġenituri?  Nibki dmugħ ta’ niket kbir meta ma tkunux tafu Min Jien.   Qalbi tqila bħalissa, meta qed insejħilkom.  Ħobbu Lili, kif inħobbkom Jien.

Il-Missier Etern tagħkom.

Alla l-Iżjed Għoli,

**Tibżgħux minn dawn il-ġrajjiet, għax dawn igħaddu malajr**.

Il-Ħamis, 11 ta' Settembru, 2014 @ 14.15

Għażiża maħbuba binti, ħafna atti ħżiena kontra l-umanità, qegħdin lesti biex jitferrxu minn dawk is-settet sigrieti, li kont wissejt lis-segwaċi Tiegħi dwarhom.

Tridu tibqgħu għassa l-ħin kollu u tistħarrġu kollox, dak kollu li jidher mhux tas-soltu. Ftakru f'dak li għidtilkom u żommu għajnejkom Fuqi l-ħin kollu. **Għaddu mill-anqas siegħa kuljum fit-talb, ħalli l-impatt ta' dawn il-provi jitnaqqas u f'xi każi jinqered. Dalwaqt niġi u nġib it-tmiem tat-tbatija.**

Maħbubin segwaċi Tiegħi, nitlobkom tagħtu każ tat-twissijiet Tiegħi. Tinjorawhomx. Meta tkunu mhejjija għal dawn il-ġrajjiet, u meta tpoġġu l-fiduċja tagħkom fil-Ħniena Tiegħi, Jiena nfarraġkom u neħliskom mill-inkwiet tagħkom. Kollox jinsab sew iżda kunu għafu dan. Matul l-aħħar battalja, dawk l-erwieħ li Jiena nsejjaħ biex jgħinuni, ser isibuha iebsa. Kull wieħed minnhom ser isibha iebsa biex jafda Fija, f'din il-Missjoni jew fik, maħbuba binti. Lanqas għal sekonda waħda, l-wieħed il-ħażin ma jieqaf fil-ġirja tiegħu biex jeqred din il-Missjoni Tiegħi. Kull tip ta' gidba vili sejra tinxtered biex taqta' qalb l-erwieħ milli jisimgħu Leħni. Ħafna sa jħallu d-dubji jwaqqfuhom milli jimxu fuq dak li qed ngħidilkom Jiena, iżda xejn minn dak li jistgħu jagħmlu m'hu ser iżomm lil Alla, l-Missier Etern, milli jsalva lil uliedu.

Kull wieħed minnkom għandu jifhem ċar, li Huwa Jiena, Ġesù tagħkom, li Jiena l-Id li qed tmexxi f'dak kollu li qed isir biex tinxtered il-Kelma Tiegħi u nġib ir-Rigali, li s-Sema qegħda tagħti lid-dinja, matul dawn iż-żminijiet diffiċli. Il-qawwa tal-bniedem hija kbira meta tintuża biex ixxerred il-ħażen u tisfida l-Kelma ta' Alla. Iżda l-qawwa tal-bniedem, meta Alla jagħtih ir-Rigal tal-Ispirtu s-Santu, ma hemmx bħalha. Tħallux ix-xogħol Tiegħi jitħammeġ jew jiġi desagrat minn għajdut malizjużi jew tqasqis, għax ikun Jiena li qed niġi ttradut u mhux l-erwieħ li Jiena nagħżel biex jipproklamaw il-Kelma Qaddisa Tiegħi.

Ġesù tagħkom.

**Fost l-Evanġelisti ser iqumu ħafna profeti foloz**.

Is-Sibt, 13 ta' Settembru, 2014 @ 22.50

Għażiża maħbuba binti, dalwaqt jinkixfu l-bidliet li Jiena kont ħabbart, f'dak li għandhom x'jaqsmu mal-Knisja Tiegħi fuq l-art.

Is-settet sekulari daqt jippruvaw jieħdu dak kollu, li s-segwaċi Tiegħi jżommu bħala sagru, u jdaħħlu moviment ġdid, ġewwa l-Knisja. Dan il-moderniżmu, huma sejrin jgħidu li ser jgħin biex jiġu ngaġġati qaddejja mqaddsa ġodda u jiddaħħlu modi iżjed aċċettabbli kif tagħti glorja lil Alla, ħalli ġenerazzjoni iżjed żagħżugħa tinġibed lura lejn il-Knejjes ta' Alla. Dawn ir-ritwali kollha ġodda, talb u forums – li huma sejrin jippreżentaw bħala interpretazzjoni ġdida tal-Kelma Qaddisa Tiegħi – ser jaħbu duttrina vojta u li ma tkunx ġejja Minni.

**Il-moviment il-ġdid ser ikun maħruġ bħala parti minn evanġelizazzjoni globali, fejn id-duttrina l-falza, li ser ikollha kliem meqjus, ħalli tkun tidher li hija teoloġikament perfetta, sejra tiġbed miljuni.** Ħafna nies sejrin jinġibdu lejn din il-forma ta' moderniżmu u minħabba f'hekk, huma jagħtu daharhom lill-Fidi Vera. Din ser tkun tidher bħala qawmien radikali tal-fidi Kristjana, u sejra tiċħad il-Verità.

**Ħafna ser jiġu mqarrqa u fost l-evanġelisti, ser iqumu ħafna profeti foloz. Dawn il-profeti foloz ser imexxu Kristjaneżmu falz, li ser jieħu post l-Evangelji Mqaddsa, kif kienu ġew imniżżla Minni u mill-Appostli Tiegħi.** Meta jinstemgħu l-ilħna tal-apostasija f'kull nazzjon, bl-ilsna differenti u fost razzez differenti, il-Kelma Vera ta' Alla tintesa. U minn fomm dawn il-profeti foloz u dawk li għamlu lilhom infushom predikaturi tal-fidi, ser joħorġu ħafna gideb. L-Iskrittura Tiegħi tiġi dikjarata li hija 'l bogħod mill-ħtiġijiet tal-umanità u x-xewqat tan-nies li qed jgħixu fis-seklu 21.

Għal ħafna nies, in-nuqqas ta' fidi tagħhom Fija, fissret li huma ma kellhomx interess fil-Kelma Qaddisa Tiegħi sa issa. Huma daqt iduru u jħaddnu b'entużjażmu l-akbar qerq li d-dinja qatt rat. U filwaqt li ħafna sejrin jaħtfu dak li huma jemmnu li huwa qawmien frisk tal-Kristjaneżmu, dak kollu li huma jiġu mitmugħin ser jiġi ddettat mill-għedewwa ta' Alla.

Għandkom tkunu tafu li l-bniedem qatt ma jista' jgħix fuq duttrina falza u din iġġib qerda sħiħa warajha, meta l-erwieħ jinbelgħu mid-dagħa. Dak li mhux ġej Minni, ser iwassal għal grupp globali li jiġi mfaħħar min-nies ma' kullimkien. **Imbagħad ikun wasal iż-żmien biex tiġi mħabbra r-reliġjon dinjija l-ġdida u tkun milqugħa fil-Knisja Tiegħi. Din twassal għall-antikrist biex jieħu l-post ta' unur tiegħu, fil-Knisja Tiegħi, kif kien imbassar, fejn hu jkun mistieden bħala mistieden speċjali minn dawk li jaħdmu f'kollox taħt it-tmexxija ta' Satana.**

Għal dawk minnkom li jitħajru jinxteħtu ġo din id-duttrina falza, Jiena nwissikom li l-bniedem ma jistax jgħix bil-ħobż biss, iżda biss fuq il-Kelma, li ġejja minn Fomm Alla.

**Ħafna lajċi sejrin jintgħażlu mill-għedewwa Tiegħi u jiġu mgħallma kif jevanġelizżaw.**

Il-Ħadd, 14 ta' Settembru, 2014 @ 17.45

Għażiża maħbuba binti, jiġri x'jiġri, l-Kelma ta' Alla tibqa', tinżamm ħajja, għalkemm iżommuha biss dawk il-fdal tal-Knisja Tiegħi.

**Il-profeti foloz li kienu mħabbrin, li ser iqumu bil-ħafna u jxerrdu gideb, permezz ta' forma ta' evanġelizżazzjoni globali.** Huma jkunu mogħtija l-awtorità minn dawk li jirrappreżentaw Lili, ħalli jiġbdu l-miljuni lejn din l-hekk imsejħa verżjoni mmodernizżata tal-Knisja Mqaddsa Tiegħi fuq l-art. **O kif ser iqarrqu b'tant, b'din il-verżjoni mgħawġa tal-Kelma Tiegħi, li sejra tgħatti tant ereżiji.** Dawk biss li jħarsu sew, ser jaraw il-falsitajiet, għax dawn ser ikunu moħbijin bir-reqqa go duttrina falza, li tkun tidher qisha nifs ta' arja ġdida.

Lil dawn l-għedewwa Tiegħi tgħidx kemm ser ifaħħruhom, li jkunu daħlu fil-Knisja Tiegħi biex iħejju għall-wasla tal-antikrist. **Huma joħolqu għagħa kbir fil-ġabriet pubbliċi tagħhom u filwaqt li huma jisħtu Lili bil-gideb tagħhom, ser jagħtu rivelazzjonijiet foloz dwari – Min verament Jiena, r-Relazzjoni Tiegħi mal-Missier Etern Tiegħi, t-Tagħlim Tiegħi u d-Divinità Tiegħi. Huma jħawdu l-Verità mal-gideb biex iqarrqu bil-Kristjani, għax jibżgħu li jinkixfu għal dak li huma.**

**Ħafna nies lajċi, ser jintgħażlu mill-għedewwa Tiegħi u jiġu mgħallma kif jevanġelizżaw. Ħafna jsiru ġarrar tal-bestja, bil-volontà kollha tagħhom, u hu jimlihom bil-kliem tad-duttrina mill-Infern.** Intom maħbubin segwaċi Tiegħi, għandkom tistħarrġu dak kollu li jgħidulkom biex tisimgħu, li huma, l-għedewwa Tiegħi ser jgħidulkom li dan kollu jagħti ħajja ġdida lill-Kelma li tinsab fl-Iskrittura Mqaddsa. Intom tkunu mogħtija talb ġdid minn dawn il-profeti foloz, li jinsultaw Lili u jidgħu kontra d-Divinità Tiegħi. Meta l-miljuni sejrin iqumu u jgħidu dawn it-talb il-ġdid, hekk ukoll ser jagħmlu dawk il-profeti foloz. Huma għad jgħallmu lil ulied Alla kif jagħmlu lill-bestja idolu, permezz ta' ċeremonja reliġjuża ġdida. Din iċ-ċeremonja ġdida sejra tmexxi lil dawk kollha li jqumu u jimxu wara l-profeti l-foloz, lejn knisja waħda dinjija, li tonora lill-bestja.

Dawk il-qaddejja mqaddsa minn Tiegħi li sejrin jifhmu, malajr, il-pjan makakk li jinsab lest biex itellef lis-segwaċi Tiegħi, ser iħossuhom bla saħħa. Ħafna jaqgħu fil-qerq, għax ikollhom ftit wisq fidi u lanqas biss jinkwetaw li jaqraw id-duttrina l-ġdida u għalhekk din tiddaħħal ġol Knejjes mingħajr ħadd ma jopponiha.

Meta Kelmti tiġi desagrata, xejn tajjeb ma joħroġ minnha u jitkattar il-ħażen. Nagħtikom din it-twissija għall-ġid ta' ruħkom u biex inħejjikom għall-akbar apostasija fl-istorja umana, li sejra tibla' l-Kelma ta' Alla.

Ġesù Tagħkom.

## Li tgħidu li intom Tiegħi hija ħaga. Li tkunu Tiegħi hija ħaġa oħra.

It-Tlieta, 16 ta' Settembru, 2014 @ 20.25

Għażiża maħbuba binti, meta d-dinja tidher kollha mħawda, qatt tibżgħu, għax Alla jkun qed jieħu ħsieb ta' kollox.

Huwa jħalli ċerta qawwa lill-wieħed il-ħazin filwaqt li jitqabad biex jiżgura li l-Ispirtu s-Santu jibqa' jeżisti ħalli l-bnedmin twajba jitqabdu b'suċċess fil-Pjan Tiegħi ta' Salvazzjoni. **Id-dgħjufija fil-forom kollha tagħha hija tratt minn tax-xitan.** Sabiex teħilsu milli tiġu nfestati minn Satana, intom m'għandkom tgħidu l-ebda ħażen, tisimgħu l-ebda ħażen u ma twettqu l-ebda att ħażin kontra xi persuna ħajja. Li tgħidu li intom Tiegħi hija ħaġa. Li tkunu Tiegħi hija ħaġa oħra.

Jiena, meta nkun verament preżenti ġewwa ruħ, nagħmel l-għalmu kollu Tiegħi biex inwaqqaf lil dik il-persuna milli twettaq atti ħziena. Jekk ir-ruħ tafda Lili għal kollox, hu jew hi jsibuha eħfef biex iħallu Lili mmexxihom. **Jekk ir-rieda tal-persuna tkun qawwija ħafna, u jekk hi tkun mkabbra jew rasha iebsa, allura din tiġi faċilment mmexxija mill-qarrieqi li jidħaq biha b'diversi modi. Huwa jikkonvinċi lill-persuna li att ħażin, ilsien ħażin jew mossa ta' dagħa, huma aċċettati f'xi każi. U hemm dik il-persuna taqa' għall-qerq.**

Tgħidux il-ħażin fuq l-oħrajn, taqgħux għall-malafama, tagħmlux lilkom infuskom imħallfin wieħed fuq l-ieħor u tixlux ruħ ohra fl-Isem Qaddis Tiegħi. Jekk tagħmlu dawn l-offiżi kontra Tiegħi, intom tħossu vojt terribbli – sensazzjoni li tgħawwar ta' solitudini, sens ta' paniku, li intom ma tkunux tistgħu tgħarfu minn fejn gej. Imbagħad tħossu l-firda minn Alla, li jgħaddu minnha l-erwieħ fil-Purgatorju u fl-Infern. Jekk titgħallmu minn dan issa, imbagħad intom ser issibuha eħfef biex tersqu Lejja.

Ftakru li l-ewwel għandkom tneħħu kull ħsibijiet ta' mibegħda minn ruħkom. Jiena ma nistax inkun preżenti ġewwa ruħ, li tkun mimlija bil-mibegħda, għax dan ma jistax ikun.

Ġesù Tagħkom.

Omm tas-Salvazzjoni: Itolbu għall-Ħniena ta' Ibni ħalli tittaffa t-tbatija kollha.

Il-Ħamis, 18 ta' Settembru, 2014 @ 15.30

Għażiża binti, għandek tgħid lil kulħadd biex jitlob għall-Ħniena ta' Alla f'dawn il-ħwejjeġ kollha, li jinvolvu l-qerda tal-umanità. **Qed nirreferi għall-pjanijiet ħżiena li jinkludu gwerrer, pjanijiet biex jiddaħħal tilqim globali – li kontu ġejtu mwissijin dwaru fil-messaġġ tas-26 ta' Novembru 2010** – ġenoċidju u l-qtil tal-Kristjani, kif ukoll ta' nies oħra ta' reliġjonijiet differenti, minn taħt idejn nies ħżiena.

Meta ruħ tkun infestata minn Satana, din tkun kapaċi ta' l-akbar mibegħda lejn ulied Alla. Meta gruppi ta' nies jaħdmu flimkien, bir-rieda kollha tagħhom taħt il-wieħed il-ħażin, il-ħżunija tagħhom tkun tidher f'kull mossa, ħalli jġibu l-mewt u l-qerda lil dawk li jkunu jikkontrollaw.

Intom għandkom titolbu, kollha kemm intom, biex tfixklu l-pjanijiet tan-nies il-ħżiena li x-xewqa tagħhom hija li jnaqqsu l-popolazzjoni tad-dinja, għall-ġid tagħhom. Dawk li jkunu meħlusa minn dan il-ħażen, ser isibu lilhom infushom taħt il-kontroll ta' grupp li ma jidhirx. Jiena nsejjaħ lil kull wieħed minnkom biex titolbu lil Ibni, Ġesù Kristu, biex jgħinkom ittaffu dawn it-traġedji u l-ħażen. Xi wħud minn dawn l-orruri jistgħu jiġu meħlusa, iżda mhux kollha. Iżda t-talb tagħkom sejjer itaffi l-impatt ta' dawn l-atti terribbli, li ser jitwettqu mis-segwaċi tal-wieħed il-ħażin. Nitlobkom tgħidu din it-Talba tal-Kruċjata biex tgħinu jitbiegħed il-qtil tal-innoċenti.

**Talba tal-Kruċjata (166) Sabiex jitbiegħed il-qtil tal-innoċenti:**

*Omm tas-Salvazzjoni l-iżjed għażiża, nitolbuk tippreżenta din il-karba tagħna biex jitbiegħed il-qtil tal-innoċenti, lill-maħbub Iben tiegħek, Ġesù Kristu.*

*Aħna nitolbu li hu fil-Ħniena Tiegħu, jneħħi t-theddida tal-ġenoċidju, persekuzzjoni u terror kontra ulied Alla, f'kull għamla tagħhom.*

*Nitolbuk, nitkarrbulek, għażiża Omm tas-Salvazzjoni, biex tisma' t-talbiet tagħna għall-imħabba, l-għaqda u l-paċi f'din id-dinja ta' niket.*

*Aħna nitolbu li Ġesù Kristu, Bin il-bniedem, jipproteġi lilna lkoll matul dawn iż-żmijiet ta' uġigħ kbir u tbatija fuq l-art. Ammen.*

Uliedi, meta l-profeziji li kienu mħabbra jibdew, huwa mportanti li titolbu għall-Ħniena ta' Ibni ħalli tittaffa t-tbatija u l-atti ħżiena kontra l-umanità jitnaqqsu.

Morru fil-paċi u l-imħabba ħalli taqdu lill-Mulej.

Ommkom il-maħbuba.

Omm tas-Salvazzjoni.

## **Omm tas-Salvazzoni: Attenti għall-bniedem li ser jiddikjara li huwa Bin il-Bniedem.**

Il-Gimgħa, 19 ta' Settembru, 2014 @ 13.14

Għażiża binti, kien imħabbar li ser iqumu ħafna profeti foloz u li matul dak iż-żmien, huma jxerrdu falsitajiet dwar il-Kelma ta' Alla.

Huma ser iqumu bil-mijiet tal-eluf u jintlaqgħu minn dawk li jgħidu li jirrappreżentaw l-qaddejja ta' Ibni. Huma ser jippriedkaw kemm fi gruppi żgħar, kif ukoll kbar u intom tgħarfuhom mill-profeziji foloz li huma jagħtu lid-dinja. Huma jkunu jidhru qaddisa ħafna u xi wħud jgħidu li għandhom qawwa li jfejqu l-ġisem kif ukoll l-ispirtu. Xi wħud jilbsu l-ħwejjeg ta' nies qaddisa u jdaħħlu messalin ġdid li jmur lil hinn mill-Verità. Ħafna nies jitħawdu bit-tagħlim tagħhom għax dawn ser iħalltu l-għajdut foloz tagħhom ma' parti mill-Verità. Wieħed mill-għanijiet tagħhom hu li jkunu jidhru li qed iħejju lid-dinja għat-Tieni Miġja ta' Kristu u dawn joħolqu stennija kbira għal din il-ġrajja fost is-segwaċi ta' Ibni. Iżda mhux ser ikun għal Ibni, Ġesù Kristu, li huma ser ikunu qed iħejju lil ulied Alla, biex jilqgħuh. Le. Ikun l-antikrist.

**Huma joħorġu bi żbalji gravi, f'dak li għandu x'jaqsam mal-Ktieb tar-Rivelazzjoni, għax huma sejrin jgħawġu l-kontenut ta' dan il-Ktieb Qaddis.** Ftit ser ikunu jafu li qed jiġu mitmugħin il-gideb u l-akbar falsità li ser jipproklamaw sejra tkun din. Huma ser jgħidu li Ġesù Kristu, Bin il-Bniedem, ser juri Lilu nnifsu lid-dinja dalwaqt. Li huwa ġej fil-ġisem. Li huwa sejjer jimxu qalb in-nies u li jqajjimhom fl-aħħar jum. Dan qatt ma jista' jseħħ, għax Ibni, li ġie bil-ġisem l-ewwel darba, permezz tat-Twelid Tiegħu, qatt m'hu ser jerġa' jiġi bil-ġisem fit-Tieni Miġja Tiegħu.

**Attenti għall-bniedem li ser jiddikjara li hu Bin il-Bniedem, li jsejħilkom lejh, għax dan mhux ser ikun minn Alla. Ibni jiġi fis-sħab hekk kif Hu ħalla l-art fit-Tlugħ Tiegħu lejn is-Sema, hekk ukoll ikun fl-aħħar jum.**

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

**Jiena qatt ma kkritikajt midinbin. Qatt ma sħetthom. Qatt ma weġġħajthom.**

Is-Sibt, 20 ta' Settembru, 2014 @ 16.38

Għażiża maħbuba binti, kunu għafu li mid-dgħjufija umana, Jiena noħroġ saħħa kbira. Is-Setgħa Tiegħi tkun fl-aqwa tagħha, meta Jiena mmiss l-erwieħ tad-dgħajfin, għax ikun hemm li niġbidhom u nkun nista' naħdem ġewwa fihom.

Intom li intom dgħajfin, għandkom titolbu Lili biex nagħtikom ir-Rigal tal-fiduċja. Afdaw Fija, għeżież żgħar Tiegħi, u l-Qawwa tkun kollha Tiegħi. Ma nistax niġbed l-erwieħ li huma mkabbrin, mxammrin u l-arroganti, għax dawn ma jumiljawx lilhom infushom f'Għajnejja. Il-kburija hija ostaklu bejn il-bniedem u Alla, għax il-bniedem imkabbar jaħseb li leħnu huwa akbar minn Tiegħi. Dejjem hekk ġara. Illum xejn m'hu differenti. Nitlobkom biex titolbu lkoll għall-erwieħ li ma jifhmux Lili u li jħossu l-bżonn li jiddikjaraw xi tfisser il-Kelma Tiegħi, skond l-interpretazzjoni tagħhom.

Meta bniedem jisħet ieħor u wara jgħid "dan hu li Alla jrid meta tiddefendi l-Kelma Tiegħu.", jew meta huwa jiġġustifika l-ħażin u jgħid li huwa ħaġa tajba, f'Għajnejja, kunu għafu dan. Meta intom tħobbu Lili, intom qatt ma titbegħdu mill-imħabba li Jien għallimtkom jew mill-mod kif għandkom timitaw Lili. Jiena qatt ma kkritikajt midinbin. Qatt ma sħetthom. Qatt ma weġġħajthom u qatt ma xlejthom. Hekk ukoll għandkom tagħmlu intom.

Għannqu l-midinbin. Itolbu għalihom. Għax jekk ma tagħmlux hekk, tkunu qed tisfidaw ir-Rieda Tiegħi u l-għemilkom ikun jirrifletti dik l-opinjoni mgħawġa li intom għandhom ta' Min Huwa Jien. **Ma tistgħux tgħidu li intom Tiegħi jekk tippriedkaw il-kuntrarju ta' dak li Jiena għallimt. Qatt tbaxxu lil dawk li intom taħsbu li huma midinbin f'Għajnejja. Itolbu għalihom imma qatt tiġġudikawhom, għax dan mhux dritt tagħkom.**

Ġesù Tagħkom.

**Alla jibqa' jżomm Imħabbtu għall-bnedmin permezz tal-familja.**

Il-Ħadd, 21 ta' Settembru, 2014 @ 17.45

Għħżiża maħbuba binti, Qalbi hija tal-familji kollha u hija x-Xewqa Tiegħi li nbierek lil kull familja, żgħira, mezzana jew kbira f'dan iż-żmien. Meta fil-familji jkun hemm l-imħabba, dan ikun ifisser li jkun hemm il-Qawwa ta' Alla, għax uliedu huma kollha Tiegħu. Kien Hu li ħoloq lil kull wieħed minnhom.

**Alla jibqa' jżomm Imħabbtu għall-bnedmin permezz tal-familja għax huwa f'dawn iċ-cirkostanzi li din tgħix**. L-imħabba li jkun hemm fil-familji tagħti Grazzji kbar, għax l-imħabba tal-membri tal-familja, wieħed għall-ieħor, hija wieħed mill-akbar Rigali li ġejjin minn Alla. Alla juża' l-imħabba ta' ġol-familji biex dawn jifirxu ġwenħajhom, u kull membru ta' familja li tħobb, jkun qed jgħin biex ixerred l-imħabba ma' kull fejn imur. Hekk ukoll, meta l-familja titkisser, din ikollha impatt fuq il-kommunità tagħkom, is-soċjetà tagħkom u n-nazzjon tagħkom.

**Meta Alla ħalaq lil Adam u lil Eva, Huwa xtaq familja li tkun Tiegħu, li fuqha ferrex kulma kellu. Huwa dejjem jagħmel minn kollox biex jipproteġi l-familji, għax dak huwa l-post fejn il-bniedem mortali, l-ewwel li jiskopri l-imħabba.** Meta l-imħabba tgħix fil-familji, hekk ukoll din tgħix f'dawk in-nazzjonijiet. Għax l-imħabba wieħed għall-ieħor tinbet minn ġewwa l-familja, huwa preċiżament għal din ir-raġuni li din tkun attakkata minn Satana. **Satana juża' kull influwenza minn tiegħu biex jinfesta nies li wara jiġġustifikaw minn kull raġuni li biha tinqasam il-familja. Huwa jżomm familji milli jiġu ffurmati u jipprova jwaqqafhom milli jerġgħu jingħaqdu jekk din tkun ir-Rieda ta' Alla.**

Familja li titwieled mill-Imħabba ta' Alla, dejjem tiġi attakkata mill-ħażen. Biex tipproteġu l-familja tagħkom mill-wieħed il-ħażin, nitlobkom tgħidu din it-Talba tal-Kruċjata.

**Talba tal-Kruċjata (167) Ipproteġi l-familja tiegħi.**

*O Alla, Missier Etern Tiegħi, permezz tal-Grazzja tal-maħbub Iben Tiegħek, Ġesù Kristu, nitolbok tipproteġi l-familja tiegħi, l-ħin kollu, mill-ħażen.*

*Agħtina s-saħħa li negħlbu l-intenzjonijiet ħżiena u nibqgħu magħqudin f'imħabbitna Għalik u għal xulxin.*

*Għinna f'kull prova u tbatija li ngħaddu minnha u żomm ħajja l-imħabba li għandna għal xulxin ħalli nkunu f'għaqda ma' Ġesù.*

*Bierek il-familji tagħna u agħtina r-Rigal tal-Imħabba, saħansitra fi żmien ta' taqbid.*

*Saħħaħ imħabbitna, ħalli naqsmu l-ferħ tal-familja tagħna mal-oħrajn, ħalli mħabbtek tinqasam mad-dinja kollha. Ammen.*

Ftakru li Alla ħoloq lil kull wieħed minnkom fuq Xbiha Tiegħu ħalli joħloq il-familja perfetta. Kunu grati tal-familji tagħkom, għax dan huwa wieħed mill-akbar Rigali li Huwa ta lir-razza umana. Meta t-tbatija fuq din l-art tiġi fi tmiemha, u meta titħassar

il-mibegħda kollha, Alla jgħaqqad l-umanità ħaġa waħda Fih.  Intom terġgħu ssiru sħaħ u l-Familja Tiegħu jkollha l-Ħajja Eterna.

Ġesù Tagħkom.

## Faċli li tgħid li inti Kristjan, sakemm tiġi sfidat talli inti wieħed minnhom.

It-Tlieta, 23 ta' Settembru, 2014 @ 23.30

Għażiża maħbuba binti, issa meta Jiena qed insejjaħ lil ulied kollha ta' Alla, inklużi r-reliġjonijiet kollha, dawk li ma jemmnux u l-Kristjani, bħala riħultat ta' dan, ħafna sejrin jikkonvertu għall-Kristjaneżmu. Dan ser iseħħ permezz tal-Grazzja ta' Alla, bil-Qawwa tal-Ispirtu s-Santu.

Filwaqt, Kristjani li jridu l-ġid u segwaċi li wegħdu li jimxu warajja, ser isibu quddiemhom provi diffiċli ħafna, li jkollhom iħabbtu wiċċhom magħhom. Jiena nistaqsihom issa. Min fostkom huwa tant b'saħħtu li jieqaf ma' Ġenbi u jżomm mal-Verità, mingħajr l-Intervent Tiegħi bħalissa? Ħafna minnkom, b'qalb tajba, jibqgħu leali Lejja, iżda dan ikun biss fil-gruppi tagħkom. **Meta intom tkunu taqblu ma' xulxin, intom issibuha eħfef biex taqdu Lili. Imma meta tħabbtu wiċċkom mal-oppożizzjoni – u dan ser jiġri, f'xi mument, mill-għedewwa Tiegħi li jippruvaw iħajrukom taqbdu duttrina falza – intom mhux ser issibuha faċli.**

Meta jikkritikawkom talli timxu mal-Kelma Vera ta' Alla, ħafna minkom ikunu dgħajfin wisq biex jiddefenduha. Meta tħabbtu wiċċkom mal-oppożizzjoni minn sħabkom il-Kristjani, u meta tkunu mħajra biex taċċettaw l-iskrittura li tkun ġiet addattata mill-ġdid, imma tkun falza, intom tinħakmu min-niket. Hemm il-fidi tagħkom tkun verament ippruvata. Ikollkom żewġ għażliet. Temmnu fil-Verità kif kienet mogħtija minn Alla, u li għaliha nxtered ħafna demm biex jerġa' jgħaqqad lill-bniedem mal-Ħallieq Tiegħu. Jew taċċettaw verżjoni miżjuda bl-ilma tal-Kelma Tiegħi mimlija falsitajiet.

**Jekk tagħżlu l-ewwel waħda, din iġġibilkom ħafna uġigħ, niket u tbatija, għax tkunu mistmerra mill-oħrajn talli bqajtu leali Lejja.** Imma jekk tagħżlu t-tieni waħda – għalkemm jista' jkun li jfaħħrukom, tkunu aċċettati minn dawk ta' fuqkom u mill-għedewwa Tiegħi – intom tintefgħu fid-dlam u ruħkom tkun fil-periklu.

**Huwa faċli tgħid li inti Kristjan, sakemm ma jisfidawkx talli inti wieħed minnhom.** Imma jekk intom tkunu mwarrba, mgħoddija biż-żufjett, mwaqqa' għaċ-ċajt u jgħidu l-ħażin fuqkom f'Ismi, xi wħud minnkom mhux ser ikunu jifilħu għal dawn il-provi. Ħafna minnkom jitilquni u jitilqu għax jibżgħu mill-opinjoni pubblika. Ħafna minnkom jittraduni. **Ħafna minnkom jagħtuni daharhom għax jistħu jerfgħu s-Salib Tiegħi.**

Qatt taħsbu li hija faċli li tkunu segwaċi Tiegħi, għax mhux hekk hu. Ikun hemm żmien meta l-fidi tagħkom għad tgħaddi mill-akbar prova u jkun hemm, li Jiena nkun naf min hu Tiegħi u min m'huwiex.

Ġesù Tagħkom.

**Is-sbuħija tal-bniedem li kien maħluq fuq ix-Xbiha Ħajja ta' Alla, ma tistax titfisser**.

L-Erbgħa, 24 ta' Settembru, 2014 @ 15.05

Għażiża maħbuba binti, hekk kif l-Omm maħbuba Tiegħi kienet magħżula minn Alla biex tħabbar il-Miġja tal-Messija, hekk ukoll issa qed tiġi msejħa biex tħejji l-umanità għat-Tieni Miġja Tiegħi.

Hija ġiet mgħollija fl-ogħla ġerarkija tas-Sema u ġiet mogħtija setgħat kbar mill-Missier Etern Tiegħi. Imma xorta waħda tibqa' dak li kienet, u kif inhi issa u kif dejjem sejra tkun, qaddejja devota u umli ta' Alla. Hi taqdiH fil-Pjan Tiegħu biex jgħolli lill-bniedem għall-istat perfett li hu kellu jkun.

**Is-sbuħija tal-bniedem li kien maħluq fuq ix-Xbiha Ħajja ta' Alla, ma tistax titfisser. L-ebda raġel, mara jew tarbija fuq din l-art ma tista' titqabbel ma' dak li kien inħoloq meta Alla għamel lil Adam u lil Eva.** Id-dnub kien il-waqgħa tagħhom u Luċifru l-għadu tagħhom. Imbagħad dan l-istat perfett inqered. Imtebba' bid-dnub, il-bniedem qatt ma jista' jerġa' jieħu lura dan l-istat perfett, qabel ma s-serp, u dawk kollha li jadurawh, jiġu eżiljati. Sa dak il-jum, is-sbuhija tal-ġisem uman u tar-ruħ, jibqgħu mtebba'.

Il-bniedem huwa l-akbar imħabba ta' Alla. L-anġli huma l-qaddejja Tiegħu għax huma wkoll jkollhom juru mħabba lejn il-maħluqin ta' Alla. **L-Imħabba ta' Alla lejn il-familja Tiegħu tiżboq lil dak kollu li Huwa ħoloq u sa ma jerga' jieħu lura l-erwieħ ta' wliedu, Huwa qatt ma jistrieħ.** Alla jippermetti ħafna tbatija, umiljazzjoni u traġedji, kollha ġejjin mill-mibegħda ta' dak li Hu kien iżommu fil-għoli – l-Arkanġlu li kien Luċifru, li sar Satana. Huwa waqa' minħabba l-għira, l-kburija u l-mħabba lejh innifsu u b'hekk ġab l-akbar uġigħ li wieħed jista' jimmaġina fuq Missieri. U llum, kif kien dak in-nhar, huwa għadu jagħmel l-istess.

**L-anġli leali ta' Missieri, l-qaddisin kollha u l-maħbuba Ommi, għamlu għaqda li qatt ma tista' tinkiser. Kulma jiddetta Missieri jiġi esegwit mill-Aqwa Ġerarkija Tiegħu. Qatt ħadd ma joqgħod jistaqsi.** Dak kollu li jixtieq Missieri, jkun il-mod it-tajjeb u l-iżjed qawwi. Hija l-mod kif ir-razza umana tista' tiġi salvata mis-saħta tal-wieħed il-ħażin. Dik hija l-mirgħa Tiegħu. Ħadd qatt ma jażżarda jistaqsih. Fil-Pjan Finali Tiegħu, fl-aħħar stadju li fih Hu ser iġib fi tmiemu l-Pjan Tiegħu ta' Salvazzjoni, Huwa ser jintervjeni b'ħafna modi.

**It-titlu ta' Ommi, 'l-Omm tas-Salvazzjoni', l-aħħar wieħed mogħti lilha mill-Missier Etern, Alla l-Iżjed Għoli, ma kienx b'kumbinazzjoni. Hija ġiet mibgħuta biex twissi lid-dinja u tħejji għall-attakk tal-wieħed il-ħażin fuq ir-razza umana. Hija ġiet mogħtija din il-ħidma u Jiena nitlobkom li taċċettawha u twieġbu għas-sejħa tagħha għat-talb, dejjem.**

It-Trinità Qaddisa sejra tagħti ħafna Barkiet lil dawk li jwieġbu għal din, l-aħħar missjoni mis-Sema – l-Missjoni ta' Salvazzjoni. Aċċettaw din bil-gratitudni, li dan il-favur ġie mogħti lill-umanità b'imħabba u grazzja tal-qalb. Ġesù l-Maħbub tagħkom.

[Omm tas-Salvazzjoni:  Id-dnub huwa fatt.  Jeżisti u ser ikompli jeżisti sat-Tieni Migja ta' Kristu.]

Is-Sibt, 27 ta' Settembru, 2014 @ 19.20

Għeżież uliedi, kif jiena qalbi maqsuma f'dan iż-żmien terribbli, meta l-bniedem qam biex jisfida lil Alla b'tant modi.

Il-Ligijiet ta' Alla qed  jiġu sfidati madwar id-dinja kollha għax id-dnub m'għadux meqjus li huwa ħażin.  Minflok, dan qed jiġi ġġustifikat ma' kull opportunità tant illi l-bniedem m'għadux jista' jagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin.  Meta tħaddnu d-dnub, fil-forom kollha tiegħu, u tiddikjaraw li ma jimpurtax, intom qatt ma tissodisfaw ruħkom. Ladarba d-dnub ikun magħruf bħala żball uman, dan iwassal għal dnubiet akbar u aktar gravi, sakemm fl-aħħar jasal għal dlam tal-ispirtu u firda minn Alla.  Dan iħalli vojt ġewwa ruħkom, li ġġib magħha forma ta' dwejjaq li mhux faċli li tinqala' minnhom.

**Id-dlam jiġi mill-ispirtu tal-ħażen.  Id-Dawl ġej minn Alla.  Id-dnub iġib id-dlam u jekk intom ma tagħrfux id-dnub u ma tfittxux ir-rikonċiljazzjoni, dan jikber u jiffermenta sakemm jivga l-ispirtu.  Xejn m'hu sejjer u lanqas ma jista' jagħti l-faraġ li r-ruħ tixxennaq għalih.  Hija biss ir-rikonċiljazzjoni bejn ir-ruħ u Alla li tista' teħles lir-ruħ minn din il-qabda.**

**Id-dnub huwa fatt.  Jeżisti u ser jibqa' jeżisti sat-Tieni Miġja ta' Kristu.**  Ulied Alla, li jifhmu l-Għaxar Kmandamenti li Huwa ta, jafu li l-bniedem għandu jitlob maħfra lil Alla kull darba li jidneb.  Ma jimpurtax li huwa jfittex lil Alla u jitolbu maħfra, darba fuq l-oħra, għax dan huwa l-uniku mod li bih jista' jibqa' maqgħud ma' Alla.  B'dan il-mod intom tirċievu ħafna Grazzji, timmaturaw u tgħixu fid-Dawl ta' Alla.

Il-bniedem għandu jaċċetta d-dgħjufija tiegħu minħabba l-eżistenza tad-dnub.  Huwa għandu jaċċetta kif id-dnub jifirdu minn Alla.  Meta huwa ma jaċċettax dan il-fatt, huwa jkun qed jgħid li huwa daqs Alla.  **Jekk ma jemminx fl-eżistenza tad-dnub, il-bniedem ma jistax jaqdi lil Alla.**  Ikun hemm illi l-firda bejn ir-ruħ u l-Ħallieq tagħha tikber sakemm ma jkunx hemm ebda kommunikazzjoni bejn il-bniedem u Alla.

Hija x-xewqa ta' Satana li jaħtaf l-erwieħ u ma jħallihomx isalvaw.  Sakemm il-bniedem jaċċetta l-importanza li jgħix skond il-Liġijiet ta' Alla, huwa jibqa' jiċħdu.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

## Żommu mal-Verità l-ħin kollu, għax mingħajrha, intom tkunu qed tgħixu gidba.

Il-Ħadd, 28 ta' Settembru, 2014 @ 18.15

Għażiża maħbuba binti, l-Kelma ta' Alla, kif kienet ġiet mogħtija Minnu, u l-Kelma kif kienet iddettata mill-Appostli Mqaddsa Tiegħi, kienet il-pedament li fuqu twaqqaf il-Ġisem Mistiku Tiegħi, l-Knisja.

**Il-Kelma Eterna hija l-pedament li fuqu tpoġġi l-Knisja. Mhux bil-kontra.** Il-Kelma ta' Alla hija Eterna – hija minquxa fil-blat. Hija l-pedament tal-Verità. Il-pedament tal-Knisja Tiegħi ma jiċċaqlaqx, imma l-binja li tinsab fuqu, tista' titbiddel u tirranġa. Imma jiġri li jista' jkun li jekk il-binja tinbidel, l-pedament ma jkunx tajjeb għaliha, jekk din titbiegħed mill-istruttura li dan kien imfassal għaliha.

**Il-Kelma ta' Alla qatt ma tista' tiġi rranġata, għax din qatt ma tista' tinbidel. Kif tista'? Alla ma qalx ħaġa biex ifisser oħra.** Il-Knisja għandha toqgħod għall-Kelma ta' Alla. Il-Kelma ta' Alla ma taqax taħt dawk il-membri tal-Knisja Tiegħi li ma jaħsbuhiex b'dan il-mod. **Ażżardaw bagħbsu mal-Kelma u intom tiċħdu Lili Ġesù Kristu. Jiena l-Knisja. Ġismi huwa l-Knisja u kull ma huwa ġej Minni, huwa sagru.** Sakemm intom iżżommu mal-Verità, intom qaddejja mqaddsa Tiegħi, intom tistgħu tirrappreżentaw Lili. Sakemm tibqgħu tafdawni u tonorawni, u tiżguraw li l-proċeduri li suppost, jkunu f'posthom fil-Knisja Tiegħi, hemm intom tistgħu tgħidu li intom Tiegħi.

Meta Alla ddetta l-Evanġelji, bil-Qawwa tal-Ispirtu s-Santu, l-Kelma forsi kienet ġiet ippreżentata b'espressjonijiet differenti, imma xorta baqgħet l-istess. Meta Alla tkellem permezz tal-profeti u l-appostli Tiegħi, li kienu mberkin bid-Don tal-Ispirtu s-Santu, l-lingwa kienet ċara, sempliċi u t'awtorità. L-istess illum, meta Alla jkellem lill-profeti Tiegħu. Il-lingwa tkun ċara u sempliċi u tkun mgħoddija b'awtorità, għax tkun ġejja minn Alla. Il-Kliem li ngħid Jiena, l-Feddej tagħkom, huma fidili lejn Kelmti li tinsab fl-Iskrittura, għax dawn ġejjin mill-istess Id. Għalhekk jekk xi ħadd jagħtikom verżjoni ġdida tal-Verità, li tkun diffiċli biex tifimha, iebsa biex issegwiha u tkun vaga, kunu għassa. Meta l-Verità titgħawweġ, minnha toħroġ duttrina falza. Tkun mimlija toqob, mhux skond il-logika u tkun eżatt l-oppost tal-Kelma Qaddisa ta' Alla,

**Meta jgħidulkom li Alla jaċċetta d-dnub minħabba l-Ħniena Tiegħu, kunu għafu li dik hija gidba. Alla jaċċetta lir-ruħ niedma, imm qatt lid-dnub, għax dan ma jistax ikun.**

Żommu sħiħ mal-Verità l-ħin kollu, għax mingħajrha tkunu qed tgħixu gidba.

Ġesù Tagħkom.

## Alla l-Missier:  Imħabbti sejra tirbaħ fuq il-ħażen u l-mibegħda.

It-Tnejn, 29 ta' Settembru, 2014 @ 20.50

Binti l-iżjed għażiża, Mħabbti, meta tkun aċċettatha minnkom, din tagħmel ħafna frott.  Imma meta din tkun irrifjutata, din tnixxef l-art.  Mingħajr Imħabbti m'hemmx ħajja, hena jew paċi.  Meta l-bniedem iħoss l-imħabba, din toħloq għaġeb u ġġib sens ta' gratitudini f'ruħ dik il-persuna, li tkun ġiet mogħtija dak ir-Rigal.

Għeżież uliedi, meta tesperjenzaw l-imħabba f'għamla hi liema hi, għal uman ieħor, din tkun Imħabbti li intom tħossu.  Tista' biss tkun ġejja Minni, għax Jiena Mħabba. L-imħabba hija rigal, u intom għandkom taħtfuha meta tħossuha tqanqal lil qalbkom. **Lil dawk li jaċċettaw Imħabbti, kunu għafu li Jiena nimliekom b'iżjed minn dan ir-Rigal Tiegħi meta intom taqsmuh ma' dawk li ma ġewx mogħtija dan il-favur.**

**Imħabbti tirbaħ fuq il-ħażen u l-mibegħda.  L-imħabba tneħħi l-mibegħda, għax il-wieħed il-ħażin, li huwa xewka għall-bniedem, mhux kapaċi li jħobb.**  Meta intom tgħidu li tħobbu Lili, intom għandkom tissieltu bil-qawwa biex ma tħallu l-ebda tip ta' mibegħda, ttebba' lil ruħkom.  Jekk intom tħobbu Lili, taħfru lill-għedewwa tagħkom għax tarawhom kif narhom Jien.  Din titlob perseveranza min-naħa tagħkom u dixxiplina, biex ma tweġġgħux persuna oħra kemm bil-kliem kif ukoll fiżikament.

Meta tħallu Mħabbti tiġri ġewwa l-vini tagħkom, tħossukom f'paċi sħiħa u ħelsien. Dan jiġri għax intom ma tħossux il-malizja, r-rabja, t-tpattija u ma tibqgħux iżżommu kontra l-ulied l-oħra Tiegħi.  Dan huwa r-Rigal tal-Imħabba Tiegħi fil-forma l-iżjed sempliċi tiegħu.  Aċċettawh minn Għandi billi tgħidu din it-talba.

**Talba tal-Kruċjata (168)  Għar-Rigal tal-Imħabba ta' Alla.**

*Missier l-Iżjed għażiż,*

*L-Wieħed Etern,*

*Alla l-Iżjed Għoli,*

*Agħmilni denju ta' Mħabbtek.*

*Nitolbok taħfirli talli weġġgħajt lill-oħrajn u għal dak kollu li għamilt ħażin,*

*li seta' ġab tbatija li xi ħadd minn uliedek.*

*Iftaħli qalbi ħalli nilqa' Lilek ġewwa ruħi u naddafni minn kull mibegħda li jiena nista' nħoss għal xi persuna oħra.*

*Għinni naħfer lill-għedewwa tiegħi u nibda niżra' ż-żerriegħa tal-Imħabba Tiegħek kull fejn immur u fost dawk li niltaqa' magħhom kuljum.*

*Agħtini r-Rigali tal-Perseveranza u l-Fiduċja, ħalli nżomm il-Kelma Qaddisa Tiegħek u hekk inżomm ħajja, f'dinja mudlama, l-Fjamma tal-Imħabba u l-Ħniena Kbira Tiegħek.*

*Ammen.*

Uliedi, tfarrġu, għax tafu li Jiena nħobbkom ilkoll, intom min intom, għamiltu x'għamiltu u jekk tisħtunix jew le. Imħabbti għalikom hija bla kundizzjoni.

Imma Jiena jkollu nifred lil dawk li qed jippruvaw jagħmu lil uliedi għall-verità dwar is-salvazzjoni tagħhom, minn dawk li huma veru Tiegħi. Li kieku ma nintervjenix, ħafna jintilfuli u Jiena m'inix lest li nissagrifika erwieħ minħabba dawk li għalkemm Jiena nagħmel ħilti kollha min-naħa Tiegħi, huma xorta sejrin jirrifjutawni fl-aħħar jum.

**Jiena nitlobkom li tagħtuni l-fiduċja kollha tagħkom u żżommu s-Sigill Tiegħi ta' Protezzjoni, f'forma hi liema hi, qrib tagħkom.** It-taqbida ġa bdiet u Jien sejjer nagħmel ġustizzja billi nikkastiga lil dawk li qed jippruvaw jeqirdu lil uliedi.

Qatt tinsew Jien Min Jien. Jiena l-Bidu u t-Tmiem. Kull min jiġi Għandi jsib il-Ħajja Eterna. Ħalluni neħodkom għall-kenn u lejn ħajja glorjuża f'għaqda mar-Rieda Tiegħi. **Meta niddeċiedi Jien, Jiena sejjer nurikom il-Ġenna l-Ġdida u nixtieq li turu ftit paċenzja. Għixu ħajjitkom f'armonija mal-oħrajn. Komplu ħudu ħsieb il-familji tagħkom bħal qabel. Ibqgħu ejjew Għandi fil-knejjes bħal qabel. Imma dejjem ftakru li l-Verità, l-Kelma Vera ta' Alla, qatt ma titbiddel għax Jiena l-Verità. Jiena qatt ma ninbidel, għax dak qatt ma jista' jkun.**

Jiena nħobbkom. Jiena nberikkom. Jiena nipproteġikom.

Missierkom il-maħbub.

Alla l-Iżjed Għoli.

## **Intom jew taqdu lil Alla, jew inkella taqgħu għall-bluha tal-bniedem.**

L-Erbgħa, 1 t'Ottubru, 2014, 21.15

Għażiża maħbuba binti, t-tradiment Lejja, Ġesù Kristu, Bin il-Bniedem, qed jagħmel ħerba fost dawk li jgħidu li jaqdu Lili. Saħansitra dawk li jgħidu li huma qaddejja leali Tiegħi, huma wkoll telquni u l-fidi tagħhom hija biss xrara ta' dak li kienet. Dak li beda b'imħabba u kompassjoni Lejja, spiċċa farka minn dak li kien u dan ġara minħabba ħwejjeġ differenti.

Tant stmerrija għall-Knisja Tiegħi ġiet minħabba dawk l-erwieħ minn ġewwa fiha stess, li waslu għal dnubiet gravi. Ħafna qaddejja mqaddsa minn Tiegħi batew minħabba d-dnubiet tal-oħrajn, u dan ġab mistħija kbira. Imbagħad, meta l-Liġijiet ta' Alla ġew mogħtija l-ġenb u ħadd bil-kemm ma jitkellem dwarhom, ħafna nsew li l-Kmandamenti ta' Alla kellhom jinżammu jkun xi jkun il-prezz. Jekk il-qaddejja mqaddsa waqfu jippriedkaw il-Verità u neħħew l-importanza li titkellem dwar id-dnub, kif jistgħu ulied Alla jagħmlu aħjar minn hekk? Il-qaddejja mqaddsa Tiegħi għandhom id-dover morali li jzommu l-Kelma ta' Alla u li jwissu lil ulied Alla dwar il-periklu tad-dnub. Imma dan huma naqsu milli jagħmluh. Ħafna jibżgħu jippriedkaw il-Verità għax jibżgħu li jiġu ppersegwitati minn dawk li jwaħħlu fihom ta' dnubiet tal-oħrajn.

**Matul żmieni fuq l-art, Jiena qatt ma qagħdt naħsibha biex nippriedka dwar il-kastig li jħabbat wiċċu miegħu l-bniedem jekk dan ma jitlobx il-maħfra ta' Alla għal dnubietu.** Il-biża' mill-kastig ta' Alla m'għandux ikun ir-raġuni li għaliha ma tidinbux, imma biss biex intom il-midinbin tkunu tistgħu ssalvaw. **Id-dnub huwa xi ħaġa li tridu tgħixu biha, imma qatt ma għandkom taċċettawha. Għandkom tiġġieldu kontriha għax Jiena rrid inslava lil ruħkom.** Għaliex m'għandix nixtieq inslava lil ruħkom, tiswieli kemm tiswieli? Forsi ma sofrejtx għalikom u mitt mewta ta' agunija fuq is-Salib, ħalli intom tkunu mifdija f'Għajnejn Alla? Mela għaliex il-qaddejja mqaddsa ma jippriedkawx dwar il-ħtieġa assoluta li għandkom tfittxu l-ħajja eterna? Jekk intom ma tfittxux il-Ħajja Eterna, intom ma ssibuhiex.

Huwa d-dover ta' dawk kollha li jaqdu Lili, li jgħinuni nsalva l-bniedem mid-dannazzjoni eterna. Il-Verità ilha tant moħbija, li ħafna erwieħ, minħabba li ntreħew, intilfuli. Kunu għafu li Jiena sejjer nibgħat l-Anġli Tiegħi fl-aħħar jum u li l-bnedmin jinqasmu fi tnejn – dawk li wettqu atroċitajiet u dawk li huma Tiegħi. Jiena nitlobkom qaddejja mqaddsa Tiegħi biex tgħidu l-Verità, għax jekk ma tagħmlux hekk, intom titilfuli ħafna erwieħ u ta' dan Jiena ma naħfrilkomx.

**Intom jew taqdu lil Alla, jew taqgħu għall-bluha tal-bniedem.**

Ġesù Tagħkom.

**Neħħu d-difiżi kollha tagħkom, għax dawn sejrin jitfarrku fi bċejjeċ.**

Il-Ħamis, 2 t'Ottubru, 2014 @ 23.15

Għażiża maħbuba binti, l-għedewwa Tiegħi jkasbru Kelmti – l-Verità – imma jasal il-jum meta huma għad ibaxxu rashom bil-mistħija u d-dispjaċir meta huma għad jieqfu Quddiemi.

**Fi żmien Noè, hu u dawk li ntgħażlu biex jgħinuh iħejji għall-Ġustizzja ta' Alla, kienu jiġu mwaqqgħin għaċ-ċajt. Kienu jgħadduhom biż-żmien, jippersegwitawhom u kien isir kull sforz biex iwaqqa' kull fidi li kien hemm fl-istruzzjonijiet li Alla kien ta lil Noè.** Ubbidjenti sal-aħħar, Noè kien jitlob il-Ħniena għal ruħhom. Hu kien iħajjarhom jistkennu miegħu, imma kienu jinjorawh. U hekk ser jibqa' jiġri sal-Jum il-Kbir tal-Mulej. Ikunu biss ftit fdal li jkunu mħejjija biex jilqgħu Lili, flimkien ma' dawk li ser iħossu li għandhom jaċċettaw il-Ħniena Tiegħi waqt it-Twissija.

Jiena nitlob lil dawk kollha li jemmnu Fija u fil-Wegħda Tiegħi li nerġa' niġi bil-Glorja, biex jitolbu għal dawk li jmaqdru din il-Missjoni, għax kienu ġew mogħtija r-Rigal tal-Verità, imma waddbuh lura f'Wiċċi. Dawk kollha ta' qalb ħelwa li taf tħobb u ta' ruħ twajba, ser jinħibdu ġewwa Dirgħajja, jkunu ta' liema fidi jew twemmin ikunu, għax dawn huma Tiegħi. Dawk li ma jafux il-Kelma ta' Alla, tintwera magħhom Ħniena Kbira u dawk li jikkonvertu waqt it-Twissija, ukoll jintlaqgħu f'Dirgħajja. Sejjer nixxabbat għall-erwieħ kollha ta' qalb li taf tħobb u li juru mħabba u ħniena lejn ħuthom.

L-akbar taqbida sejra tkun meta nsejjaħ lil dawk arroganti u mkabbrin, li huma neqsin mill-imħabba vera u li m'għandhomx spirtu ġeneruż. Huwa għal dawn l-erwieħ li Jiena nħeġġiġkom biex titolbu. Imma jkun għal dawk l-erwieħ li biegħu ruħhom lix-xitan u li jafu eżatt x'inhuma jagħmlu, li Jiena ngħidilkom tittalbu l-iżjed għall-Ħniena Tiegħi. Huma ma jiġux għandi waħedhom, u jrid ikun permezz tat-tbatija t'erwieħ magħżula, li jkunu kkonsagraw lilhom infushom Lili, u l-offerti tagħkom, li huma jistgħu jiġu salvati. Nitlobkom tgħidu din it-talba biex issalvaw l-erwieħ kollha.

**Talba tal-Kruċjata (169) Għas-salvazzjoni ta' dawk li jirrifjutaw lil Kristu.**

*Ġesù l-iżjed għażiż, fil-kompassjoni u l-Ħniena Tiegħek,*

*Jiena nittallablek għas-salvazzjoni ta' dawk li rrifjutaw Lilek;*

*Li jiċħdu l-Eżistenza Tiegħek;*

*Li bil-volontà kollha tagħhom jmorru kontra l-Kelma Qaddisa Tiegħek u li l-qlubhom imnikkta, avvelenaw lil ruħhom kontra d-Dawl u l-Verità tad-Divinità Tiegħek.*

*Ikollok Ħniena mill-midinbin kollha.*

*Aħfer lil dawk kollha li jidgħu kontra t-Trinità Qaddisa u*

*Għin lili, bil-mod tiegħi u permezz tas-sagrificji personali tiegħi, biex inħaddan ġewwa Dirgħajk Qaddisa, lil dawk il-midinbin li jeħtieġu l-iżjed il-Ħniena Tiegħek.*

*Jiena nwegħdek li bil-ħsibijiet, l-għemil u l-kelma tiegħi, jiena nservi Lilek mill-aħjar li nista' fil-Missjoni Tiegħek ta' Salvazzjoni.*

*Ammen.*

**Morru lkoll kemm intom u nġabru fit-talb, għax il-Ġustizzja ta' Alla daqt tidher biex id-dinja tkun xhud tagħha.** Huwa minħabba l-ħżunija tal-bniedem, l-atti ħżiena tiegħu u l-mibegħda tiegħu għal sħabu l-bnedmin, li Alla ser iwaqqfu minn din il-ħerba, li qed tiġi mħejjija b'kull mod kontra r-razza umana.

Neħħu d-difiżi kollha tagħkom, għax dawn ser jitfarrku fi bċejjeċ minn taħt Idejn Missieri. **Morru kontra Alla u tbatu għal dan. Imma meta intom tippruvaw tferu l-umanità fuq skala kbira, bl-abbuż tal-poter, intom tiġu mwaqqfa zoptu. Ma jkollkomx ħin tfittxu l-Ħniena ta' Alla.**

Ġesù Tagħkom.

**Dalwaqt taraw it-Tilqim globali li għidtilkom bih fl-2010**

Il-Ġimgħa, 3 t' Ottubru, 2014 @ 15.10

Għażiża maħbuba binti, agħtu każ il-Wegħda Tiegħi. Jiena nerġa' niġi biex inħabbar bidu ġdid, dinja ġdida mingħajr tmiem. Dawk kollha li jaċċttaw il-Grazzja ta' Alla, meta Jiena nferra' l-Ħniena Tiegħi fuq id-dinja kollha, jsiru parti mis-Saltna Tiegħi.

Jiena tajt minn kull sinjal lill-umanità, kull twissija u kull Grazza biex iħejju ruħhom. Xi wħud semgħu l-Kelma ta' Alla, kif inhi fl-Evanġelji Mqaddsa u taw każ. Oħrajn semgħu u raw il-Verità imma jirrifjutaw li jaċċettawha. Daqt jasal jum meta l-Verita kollha u l-prova ta' Min Jien, jinkixfu, u l-midinbin ikollhom żmien indaqs biex jieħdu deċiżżjoni, skond ir-rieda ħielsa tagħhom. **L-ebda wieħed minnkom m'hu ser ikun sfurzat li jaċċetta l-Ħniena Tiegħi, għax intom biss tistgħu tagħmlu din id-deċiżżjoni.** Oħrajn ma jkunux iridu jaraw il-Verità, saħansitra meta jarawha ċara. Sfortunatament dawn jintilfu. **Oħrajn jieħdu ż-żmien tagħhom qabel ma jwegħdu r-rabta tagħhom Miegħi, imma dak iż-żmien wara li sseħħ it-Twissija, jkun qasir.**

Jiena niġi ngħidilkom bi ġrajjiet li jurukom is-sinjali ta' dawn iż-żminijiet u tal-Preżenza Tiegħi f'din il-Missjoni. **Taraw maltempati f'ħafna nazzjonijiet u dawn jibqgħu sejrin għal gimghat. It-tilqim globali li għidtilkom bih fis-sena 2010, dalwaqt tarawh. L-Id ta' Alla sejrin tarawha meta Hu jippermetti tentazzjonijiet lil dawk li jaqduH fil-Knisja Tiegħi.** Meta dawn iseħħu, flimkien ma profeziji oħrajn, Jiena nkun qed nistenna. U hemm tiġi t-Twissija. Din tiġi qrib tal-Jum il-Kbir, meta l-Wegħda Tiegħi li nerġa' niġi, fl-aħħar titwettaq.

Intom għandkom tafdaw fit-Tjubija Tiegħi, Mħabbti u l-Ħniena Tiegħi. Jekk tagħmlu hekk, tkunu b'saħħitkom biżżejjed biex tħabbtu wiċċkom ma' kull prova li tintefa' lejkom f'Ismi u jkollkom il-Grazzja li tibqgħu leali lejn il-Kelma Qaddisa Tiegħi.

Ibqgħu fil-paċi u t-tama, għax Imħabbti għalikom u mħabbitkom Għalija, sejrin jeqirdu l-ħażen li rebaħ l-erwieħ ta' dawk li nfirdu Minni.

Ġesù Tagħkom.

**Omm tas-Salvazzjoni: Il-Liġijiet ta' Alla dalwaqt jinqalbu ta' taħt fuq, minn miljuni ta' nies.**

It-Tnejn, 6 t'Ottubru, 2014 @ 13.55

Għeżież uliedi, l-Għaxar Kmandamenti li takom Alla qatt ma jistgħu jerġgħu jinkitbu, għax dak ikun sagrileġġ. Il-bniedem qatt ma jista' jbagħbas mal-Kelma ta' Alla u sa jasal il-jum li fih ir-Rabja ta' Alla sejra tinżel fuq l-umanità, meta l-bniedem jgħid li l-Għaxar Kmandamenti huma żbaljati. Meta jiġri dan, kunu għafu li l-Kelma ta' Alla ma tibqax tiġi meqjuma u l-umanità taqa' fl-iżball.

L-ebda bniedem jew qaddej imqaddes ma ġie mogħti l-awtorità biex jaqleb l-Għaxar Kmandamenti jew il-Kelma ta' Alla. M'hemm l-ebda skuża biex tiċħdu l-Verità tal-Kelma ta' Alla. Il-Liġijiet ta' Alla daqt jiġu maqluba ta' taħt fuq, minn miljuni ta' nies. Imbagħad dawk kollha li jaqgħu għal dan il-qerq, li jiġi bħala riżultat, dawn jispiċċaw fid-dlam. L-Ispirtu s-Santu qatt ma jista' jdawwal lil dawk li jiċħdu l-Kelma jew li jaċċettaw id-dnub. **Meta l-Ispirtu s-Santu ma jibqax preżenti, u meta l-Kelma tkun ġiet addattata biex taqbel għall-bżonnijiet egoisti tal-bniedem, hemm kull liġi ġdida ma tkun tfisser xejn f'Għajnejn Alla.**

L-għedewwa ta' Alla sejrin jaħdmu bil-ħeffa biex iwaqqgħu il-Verità u l-Knisja ta' Ibni tinqasam fi tnejn. **Dawk li b'saħħa jiddefendu l-Verità jiġu misħuta talli jgħiduha. Dawk li jlissnu l-oxxenitajiet u jiddikjaraw li huma l-Verità, jiġu mfaħħra.** L-ispirtu tal-ħażen ibejjet fil-qlub ta' dawk li huma żbaljati u ħafna erwieħ jintilfu. Ma jkunux jistgħu jiġu quddiem Ibni u jiddikjaraw li huma sħaħ, għax huma jirrifjutaw li jaċċettaw il-Verità mogħtija lilhom permezz tal-Ħniena ta' Alla.

Daqt jiġi ddikjarat li Alla huwa Ħanin lejn il-midinbin kollha, mingħajr ma jagħmel differenza kif ikunu qed joffenduH. **Dan huwa minnu, iżda meta joffenduH, billi jippreżentaw Quddiemu minn kull abominazzjoni u ereżija u wara jiddikjaraw li dan kollu Alla jaċċettah, Huwa jdawwar Wiċċu minnhom bi stmerrija.**

Il-bniedem tant ser ikun mimli b'dak kollu li huwa jixtieq, dak li jaqbel lill-ħajja midinba tiegħu, illi huwa sejjer jiddikjara atti kontra l-liġi, bħala aċċettabbli f'Għajnejn Alla. Dan ikun gideb. U meta jażżardaw jippreżentaw dawn quddiem l-artali ta' Alla, dawn l-erwieħ jitkeċċew l'barra. Jekk intom tħallu lilkom infuskom titmexxew fl-iżball, intom tqegħdu ruħkom fil-periklu.

Jiena nitlobkom li tgħidu l-Għaxar Kmandamenti spiss kemm tistgħu. Billi tagħmlu hekk, intom tkunu tafu dak li huwa meħtieg minnkom sabiex verament taqdu lil Alla.

Ommkom il-maħbuba.

Omm tas-Salvazzjoni.

## Meta tonqos l-imħabba, Alla jonqos fil-ħajja tagħkom.

L-Erbgħa, 8 t'Ottubru, 2014 @ 20.25

Għażiża maħbuba binti, kemm saru kesħin qlub il-bnedmin. Kemm jagħtu każ ftit tal-ħtiġijiet tal-oħrajn u tar-Rigal tal-ħajja. Ħallew qlubhom jitnawru għax m'għadx għandhom il-ħila li ssaltan l-imħabba vera fi qlubhom. Ladarba tiddgħajjef l-imħabba, u meta l-karità għall-ħtiġijiet ta' xulxin tiskarsa, xejn ħlief inġustizzji ma jiġu.

**Meta tonqos l-imħabba, Alla jonqos fil-ħajja tagħkom. Dawk li forsi xi darba kienu jħobbu Lili, u li m'għadhomx jemmnu Fija, qlubhom isiru tal-ġebel.** Meta tagħtu daharkom lill-imħabba ta' wieħed għall-ieħor, intom tispiċċaw vojti u bla serħan. In-nuqqas ta' mħabba tagħkom iwassalkom biex taċċettaw kull tip ta' prattiċi li Jiena nobgħod. Intom titilqu dak kollu li għandu x'jaqsam Miegħi. Il-ħajja kollha li ġiet mogħtija lill-umanità, bil-Qawwa ta' Alla, sejra tiġi mbagħbsa u ħafna drabi meqruda minnkom. Ir-rispett tagħkom lejn il-Liġijiet ta' Alla u l-ħajja umana ma għadhom ifissru xejn. Il-ġibda tagħkom lejn il-ħwejjeġ tad-dinja u l-ġid li huma jagħtu, jħallukom bla sodisfazzjon.

Meta twebbes qalbha kontra Alla, l-umanità tbati bil-kbir. Meta l-ispirtu tal-ħażen jieħu post l-imħabba li d-dinja darba kellha Għalija, Ġesù Kristu, kunu għafu li dawk iż-żminijiet waslu fuqkom.

Waqqfu din il-ġirja tagħkom bla rażan u ta' bluha għall-pjaċiri. Tippruvawx tbiddlu l-Liġijiet ta' Alla biex ikunu jaqblu għall-ħajjiet midinba tagħkom. Itolbu, itolbu, itolbu għall-Intervent Tiegħi, ħalli nurikom it-Triq. Jekk ma ddurux lura lejn it-triq tal-Ħajja Eterna, li kienet ġiet imfassla għal kull wild ta' Alla, intom qatt ma tistgħu tkunu parti mis-Saltna Tiegħi.

Ġesù Tagħkom.

## Il-Knisja Tiegħi, l-Vera Knisja Tiegħi, għad trid titkaxkar għal żaqqha.

L-Erbgħa, 8 t'Ottubru, 2014 @ 20.45

Għażiża maħbuba binti, l-Knisja Tiegħi għad trid tiżvara u dawk li jibqgħu leali lejn il-Liġijiet ta' Alla ser isofru ħafna minħabba f'hekk.

**Il-Knisja Tiegħi, l-Knisja Vera Tiegħi, għad trid titkaxkar għal żaqqha meta jitwaddbu lejha kull insult għad-Divinità Tiegħi u l-Liġijiet li fassal l-Missier Etern Tiegħi.** Maqfulin ġo ħabs miksi bid-deheb, il-qaddejja Tiegħi sa jkollhom jibilgħu l-ereżija. Mhux dak biss, imma huma jkollhom jippriedkawha u jikkonvinċu lill-innoċenti, illi l-Kelma ta' Alla li reġgħet inkitbet, hija aċċettata fid-dinja tal-lum.

Ir-Rabja ta' Missieri, f'dan iż-żmien qajjmet korla kbira, għax fil-qrib ħafna, il-Knisja – li tkun tbiddlet tant li lanqas tingħaraf – sejra tħejji riti ġodda, regoli ġodda u prattiċi, ħalli xejn ma jkun jixbah lill-Knisja li bnejt Jiena.

Dawn il-ħwejjeġ kollha ppermettihom Missieri, meta Satana qed jipprova l-fidi ta' dawk li huma Tiegħi. Imsieken huma dawn li jittraduni għax magħhom jieħdu l-erwieħ ta' dawk li isimhom jinsab Għandi. Jiena sejjer nitqabad għal dawn l-erwieħ. Sejjer nikkastiga lil dawn l-għedewwa Tiegħi, għax minħabba l-qerq tagħhom u l-makakkerija, huma ġibdu l-erwieħ u ħaduhomli. Minħabba dawn id-dnubiet huma mitlufin Għalija.

Il-Knisja Tiegħi ħarġet Minni. Tajtkom Ġismi meta mitt u din saret il-Knisja Tiegħi. Issa sejra tiġi mkasbra u Ġismi jerġa' jiġi msallab. L-għedewwa Tiegħi mhux ser ikollhom l-iċken mistħija, għax l-ambizzjonijiet fiergħa tagħhom u l-mod kif iridu jissodisfaw lilhom infushom m'għandu xejn x'jaqsam Miegħi.

Kemm hu faċli li tieħu lil dawk li l-fidi tagħhom hija dgħajfa. Kemm sa tkun faċli li tieħu lil dawk li għandhom fidi qawwija, għax dawn sa jibżgħu jiddefendu l-Verità. Sa jkunu biss il-Fdal, u dawk li għandhom rabta vera mal-Kelma Tiegħi, li sejrin jibqgħu leali lejn il-Knisja Tiegħi. U sa jkun minħabba fihom li l-Knisja Tiegħi qatt m'hi ser tmut.

Ġesù Tagħkom.

## Issa qed nagħtikom l-aħħar Talba tal-Kruċjata.

L-Erbgħa, 8 t'Ottubru, 21.10

Għażiża maħbuba binti, Qalbi hija tant maqsuma f'dan iż-żmien.  It-tradituri nifduli Ġenbi u d-dinja hija mfawra bin-Niket Tiegħi, li hekk huwa kbir, tant li ma nistax niġi mfarraġ.

Issa nistaqsi, min minn fost il-qaddejja mqaddsa ser ikun b'saħħtu biżżejjed biex iżomm il-Verità?

Qed nagħtikom l-aħħar Talba tal-Kruċjata.  Din hija għas-saċerdoti.  Nitlob lill-qaddejja mqaddsa Tiegħi biex jgħiduha kuljum.

**Talba tal-Kruċjata (170)  Biex inżomm il-Kelma Qaddisa ta' Alla.**

*O Sinjur Għaziz, Ġesù Kristu l-maħbub Tiegħi*

*Ħaddanni.*

*Ipproteġini.*

*Żommni fid-Dawl ta' Wiċċek, meta qed tikber il-persekuzzjoni lejja, meta l-uniku dnub tiegħi, huwa li qed inżomm mal-Verità, il-Kelma Vera ta' Alla.*

*Għinni nsib il-kuraġġ ħalli naqdi Lilek il-ħin kollu.*

*Agħtini l-Kuraġġ Tiegħek u s-Saħħa Tiegħek, meta jiena qed niddefendi t-Tagħlim Tiegħek kontra oppożizzjoni ħarxa.*

*Tħallini qatt, Ġesù, fil-mument tiegħi ta' bżonn u pprovdili kulma neħtieg biex inkompli naqdi Lilek*

*Billi nipprovdi s-Sagramenti Mqaddsa u l-Prezzjuż Ġisem u Demm Tiegħek, permezz tas-Sagrifiċju tal-Quddiesa.*

*Ġesù berikni.*

*Imxi miegħi.*

*Strieħ ġewwa fija.*

*Ibqa' miegħi.*

*Ammen.*

Ġesù Tagħkom.

## Ftakru li wara t-Tieni Miġja, l-Purgatorju ma jibqax jeżisti.

Il-Ħamis, 9 t'Ottubru, 2014 @ 20.40

Għażiża maħbuba binti, kemm Jien għatxan għall-imħabba tal-bniedem u kemm huma għatxana Ghalija. Imma d-diviżżjoni li tifred lill-bniedem Minni, Dak li Jagħti l-Ħajja, hija l-akbar għadu tar-razza umana.

Satana, t-triqat qarrieqa tiegħu fissru li huwa joħloq firdiet kbar fid-dinja. Il-fatt li huwa moħbi, jagħtih qawwa kbira fuq l-erwieħ tal-bnedmin. L-influwenza ħażina tiegħu toħloq dubji dwar l-Eżistenza Tiegħi f'dawk ta' fidi żgħira. Huwa jikkonvinċi oħrajn li ma jemmnux Fija, li l-bniedem huwa responsabbli tal-għażliet li jagħmel. L-influwenza mellisija tiegħu, waqt li huwa jkun jittanta lill-bniedem, tikkonvinċi lil dawk li huwa jirbaħ, li l-ħażin huwa tajjeb u t-tajjeb huwa ħażin. Huwa juri l-imħabba bħala żina, l-mibegħda bħala forma ta' xewqa u l-għira bħala mezz li bih tiġġustifika li teqred il-ħajja ta' persuna oħra.

Kull idea, kull xewqa, kull tixnieqa li huwa jiżra' fir-ruħ tal-bniedem, twassalhom għad-dnub. Din l-infestazzjoni kollha fost l-umanità bħalissa, fissret illi l-imħabba pura, li tkun ġejja minn Alla, ħaditilha postha ż-żina. Kulma huwa ġej mis-serp, jiġi muri ġewwa qalb il-midneb bħala ħaġa tajba. Id-dnub dejjem ikun iġġustifikat minn dawk li jinħakmu mix-xitan. **Ladarba d-dnub ikun iġġustifikat, dan ikun igglorifikat u jiġi bħal ħaġa tajba – li jistħoqqilha li tkun aċċettata.**

Miskin il-bniedem li jażżarda jisfida lil dawk li jigglorifikaw id-dnub. Il-midneb li jigglorifika d-dnub u jiċċelebrah, iħajjar lill-oħrajn biex jagħmlu bħalu. Illum, l-influwenza tal-wieħed il-ħażin, tidher ma' kullimkien. Fejn darba, atti midinba kienu jiġu moħbija bir-reqqa, llum ma jsibu l-ebda mistħija biex juruhom lid-dinja. Dak kollu li Jiena nistmerr, qed jiġi mħaddan b'ħeġġa kbira. **Il-ħażin muri bħala tajjeb u dak kollu li hu tajjeb, skond il-Liġijiet ta' Alla, jkun meħud li huwa ħażin. Meta x-xitan ikun qed jaħdem, kollox jiġi ppreżentat ta' wara quddiem u kollox eżatt bil-kontra ta' dak li ġej Minni.** Kunu għafu li meta Kelmti tiġi ddikjarata li hija żbaljata, l-influwenza tal-ħażen tkun laħqet il-quċċata tagħha.

**Ftakru li wara t-Tieni Miġja, l-Purgatorju ma jeżistix iżjed.** Is-smewwiet u l-art isiru ħaġa waħda u l-Infern isir il-post fejn jgħixu dawk li jaduraw lix-xitan, u dak kollu li ġej minnu. Id-dħaħen tal-modi ħżiena tiegħu infestaw lil dawk li jemmnu Fija, kif ukoll lil dawk li jirrifjutaw Lili. Ħadd m'hu meħlus.

It-talb, għeżież segwaċi Tiegħi, huwa l-kenn tagħkom. Żommu Kelmti u itolbu, mhux għalikom infuskom, imma għal dawk li għamlu patt mal-wieħed il-ħażin. Huma jeħtieġu t-talb tagħkom, filgħodu, f'nofsin-nhar u matul il-lejl.

Ġesù Tagħkom.

## Omm tas-Salvazzjoni:  Il-mewt daqt ma jkollha l-ebda qawwa fuq il-bniedem.

Il-Ġimgħa, 10 t'Ottubru, 2014 @ 13.10

Għeżież uliedi, t-Tislib ta' Ibni kellu tifsira f'ħafna modi.  Ma kienx biss minn taħt idejn is-suldati Rumani li Huwa ġie maqtul, imma fuq ordnijiet ta' dawk li kienu jriduha ta' li huma segwaċi tal-Kelma ta' Alla.

**Is-swat Tiegħu, l-persekuzzjoni u l-mewt saru skond stuzzjonijiet ta' dawk li mexxew il-fidili fit-Tempju ta' Alla.** Huma jippersegwitaw lil min huwa leali LejH u wara jiddesagraw lil Ġismu.  Imma huma mhux ser jirnexxilhom joqtluH, għax Ġismu, - l-Knisja Tiegħu, - ma tistax tmut u sejra tibqa' wieqfa, għalkemm fi stat dgħajjef, sa l-aħħar.

**F'dan iż-żmien, intom tridu tiftakru li kull ħajja ġejja minn Alla.  Il-mewt m'għandha l-ebda qawwa fuq Alla.  Il-ħajja, la darba tingħata, qatt ma tista' tmut.  Il-mewt daqt ma jkollha l-ebda qawwa fuq il-bniedem, permezz tal-Qawmien ta' Ibni, l-bniedem huwa wkoll ikollu l-Hajja Etena tal-Ġisem u tar-ruħ.** Dawk li jafdaw fi Kristu u jibqgħu leali Lejh ikollhom il-ħajja.  Dawk biss li jirrifjutawH għal kollox mhux ser ikunu hekk.

Ifirħu għax tafu li hemm ħajja glorjuża tistenna lilkom ilkoll, li żżommu mal-Kelma Qaddisa ta' Alla, għax il-mewt qatt m'hi sejra teqridkom.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

## Imħabbti għall-umanità hija bla tarf

Is-Sibt, 11 t'Ottubru, 2014 @ 01.00

Għażiża maħbuba binti, Imħabbti għall-umanità hija bla tarf. Imħabbti hija qawwija u tipprotegi. Hija pura, u Jiena ma naghtix każ ta' ħafna żbalji tant kemm hija kbira Imħabbti għall-midinbin.

Jiena nieħu l-erwieħ fil-Kompassjoni Tiegħi u m'hemm xejn li Jiena ma nagħmilx biex insalvhom, u ngħaqqad lil kulħadd ħaġa waħda Fija. Imma xorta d-Dmugħ Tiegħi nieżel gliegel f'dan iż-żmien, għall-mod li bih ulied Alla qed jiġu mweġġgħin, abbużati, ttorturati, umiljati u maqtula mill-għedewwa Tiegħu li ħoloq id-dinja. Dawk li jġibu din il-ħsara, huma nfluwenzati mill-ispirti ħżiena, li javvelenawlhom moħħhom bil-gideb, mibegħda u n-nuqqas ta' rispett lejn il-ħajja. Lanqas għal mument wieħed biss, ma jista' l-bniedem jgħid li hu qed iwettaq għemil f'Isem Alla, meta huwa joqtol bniedem ieħor. Dawk li joħolqu l-gwerrer u jikkawżaw ġenoċidju, f'kull għamla, u li jgħidu li qed jaħdmu għall-glorja ta' Alla, jkunu qed iqarrqu mhux biss bihom infushom imma wkoll b'dawk li huma jħaddmu biex iwettqu l-intenzjonijiet ħżiena tagħhom.

Imħabbti hija hekk qawwija, li kieku kellkom titolbu għal dawn l-imsejkna erwieħ mitlufa, li jemmnu li meta toqtol f'Isem Alla, hija ħaġa tajba, li tagħmlilhom unur, Jiena nuri l-Ħniena Tiegħi magħhom, billi nqajjem ġewwa fihom, l-Ispirtu tal-Verità. Tħallux qlubkom jitqalu. Minflok, kunu għafu li filwaqt li qed jitwettqu dawn l-atti vili u tat-terrur, li jitwettqu minn dawk li jeqirdu l-ħajjiet, fil-Ġustizzja Divina Tiegħi, Jiena sejjer inġib it-tmiem ta' dan l-orrur.

Jiena ser ngħollikom ilkoll f'mument, lilkom bi qlub sħan u twajba, għal ġol-Qalb Qaddisa Tiegħi u nsalvakom, daqshekk hija kbira Mħabbti għalikom. Għeżież segwaċi Tiegħi, intom mhux ser ikollkom tgħaddu mill-uġigħ tal-mewt fiżika. Hekk inwegħdkom, li jekk intom tgħinu Lili, permezz tat-talb tagħkom, li nsalva l-erwieħ ta' dawk li jeħtieġu l-Maħfra Tiegħi u l-Ħniena Tiegħi l-iżjed.

Għinuni f'dan l-attentat Tiegħi, u dalwaqt kollox ikun jiddi bid-dija tal-Glorja tas-Saltna l-Ġdida Tiegħi. Hemm intom tgħixu għal dejjem mingħajr ħsibijiet. L-imħabba Għalija, għall-Missier Etern Tiegħi, l-familji tagħkom u l-ħbieb, issaltan madwar id-dinja kollha mingħajr tmiem.

Morru fil-paċi biex tħobbu u taqdu Lili.

Ġesù tagħkom.

## Il-Providenza Divina dejjem tirbaħ.

Is-Sibt, 11 t' Ottubru, 2014 @ 20.30

Għażiża maħbuba binti, tħalli lil ħadd iqis il-Qawwa ta' Alla, anqas milli Hi, f'kollox, f'kull ma jista' jiġri f'dawn iż-żminijiet. Il-Qawwa ta' Alla hija bla tarf u l-ebda bniedem ma jista' jegħleb id-Divinità jew ir-Rieda ta' Alla. L-ebda għadu minn Tiegħi ma jista' jiftaħar li hu akbar minn Alla, li Jista', f'nifs wieħed, jferra l-Ġustizzja Tiegħu fuq id-dinja. Filwaqt li Alla huwa paċenzjuż, ġust u kollu Mħabba bla kundizzjonijiet, għal uliedu kollha, nklużi dawk ħżiena fosthom, Huwa sejjer jagħti lura, kontra l-ħażen tal-bniedem, li ġabitu l-influwenza tax-xitan.

Misħutin huma dawk li jqumu kontra Alla u jisfidaw il-Kelma Qaddisa Tiegħu. Huma jkunu kkastigati fil-mument li jrid Alla, meta huma jkunu ġa ngħataw kull opportunità biex jibdlu ħajjithom. Dawk li jaduraw il-ħażen u lill-bestja, jiġu milquta mis-sajjetti, eżatt kif kien ġara meta Luċifru ġie mixħut għal ġol-abbiss ta' l-Infern, bħala sajjetta.

Meta l-għedewwa Tiegħi jaħqru lill-oħrjan, jippruvaw joqtluhom u jimmankawhom, biex jieħdu l-poter fuq id-dgħajfin, dawn jsofru kastig kbir. Meta ġenoċidju ta' kull tip, jiġi mwettaq fuq l-innoċenti, minn dawk li jaduraw ix-xitan, huma jmorru jinħarqu fl-Infern u jiġu mwaqqfin meta huma jaħsbu li jkun irnexxielhom.

Il-Providenza Divina dejjem tirbaħ, għax m'hemm l-ebda Setgħa iżjed Qawwija Minnu li ħoloq kollox mix-xejn.

Ġesù Tagħkom.

**Alla l-Missier: L-art tiġi ppurifikata, filwaqt li wliedi jitnaddfu mill-inkwiet kollu.**

Il-Ħadd, 12 t'Ottubru, 2014 @ 18.40

Binti l-iżjed għażiża, ser iseħħu ħafna tibdiliet hekk kif qed joqrob iż-żmien tat-Tieni Miġja tal-maħbub Iben Tiegħi, Ġesù Kristu.

**Tibżgħux, uliedi, għax dawn it-tibdiliet kollha għandhom iseħħu ħalli wliedi jiġu ppurifikati, u jkunu jistgħu jiċċelebraw meta jasal il-Jum li tibda d-dinja bla tmiem. Il-wegħdiet Tiegħi dejjem seħħew u kollox għandu jmur sew.**

Nixtieq li intom tittalbuli għall-Ħniena għal kull ruħ li hawn ħajja fid-dinja, sabiex ir-razza umana tkun tista' tingħaqad ħaġa waħda f'Għajnejja. Daqt il-mibegħda, l-ħażen u l-inġustizzji li hawn fid-dinja ser jintemmu ħesrem u d-Dawl tas-Saltna Tiegħi jiddi fuqkom. Issaltan il-paċi u l-imħabba timla lid-dinja, meta l-Ġenna l-Ġdida tinkixef fil-gmiel kollu tagħha. Il-Ġustizzja Tiegħi teqred kull ħażen, u dawk li jibqgħu marbutin max-xitan, saħansitra wara l-Intervent Tiegħi, jiġu mwaddba 'l barra. Hemm ma jinxteredx dmugħ iżjed u l-aħħar parti tal-Patt Tiegħi, tkun lesta.

Qumu wliedi, għollu qlubkom bit-tama u l-fiduċja. **Jiena sejjer nintervjeni b'ħafna modi biex niskansa atti ħżiena, tradimenti qarrieqa u l-ereżija milli teqred lilkom.** Sebah iż-żmien Tiegħi, u l-għedewwa Tiegħi sejrin jintlaqtu waqt li nkun qed nirranġa kollox fl-ordni tiegħu, ħalli kollox ikun imħejji. **L-art tkun ippurifikata, bħalma wliedi jiġu mnaddfa mill-inkwiet, u Jiena ngħolli lid-dgħajfin, l-umli u lil dawk ta' qalb ħelwa, biex jieħdu posthom fis-Smewwiet u l-Art il-Ġodda.**

Qatt titilfu t-tama, għax is-Setgħa hija kollha Tiegħi. Ejjew Għandi, żgħar Tiegħi, u tfarrġu bl-Imħabba Tiegħi bla kundizzjonijiet, għalikom. Afdaw Fija u l-glorja kollha tkun tagħkom.

Missierkom il-maħbub.

Alla l-Iżjed Għoli.

## Jiena ġej, l-ewwel għal dawk li ma ħaqqhomx il-Ħniena Tiegħi.

Il-Ħadd, 12 t' Ottubru, 2014 @ 21.20

Għażiża maħbuba binti, Jiena l-protettur tal-ulied kollha ta' Alla – kull wieħġed minnkom, hu x'inhu s-sess tagħkom, l-età u t-twemmin. Jiena l-protettur tal-Knisja Tiegħi fuq l-art u ħadd ma jkun jiflaħ għaliha. Din tibqa' sħiħa, għalkemm ħafna jkunu telqu Lili.

Dawk li jitilqu Lili, li jibdlu l-Kelma ta' Alla, ma jistgħux jgħidu li huma mill-Knisja Tiegħi, għax ma nistax nipproteġi knisja li ma tgħidx il-Verità. Il-prova vera tal-fidi tagħkom ġa bdiet u daqt titħawdu lejn fejn sejrin idduru. Kunu ċerti li ħanin kemm Jiena ħanin, Jiena qatt m'hu ser inħalli lit-tradituri jiddesagraw lill-Ġisem Tiegħi. Huma jistgħu jaslu biss sa ċertu punt, qabel ma tinżel u tinstema' l-Id kollha forza ta' Alla.

**Għandkom tiffokaw Fuqi u taċċettaw il-fatt li t-Tribulazzjoni żdiedet u li dak kollu li ġie mħabbar, iseħħ.** Ikun biss meta l-profeziji li ngħataw lid-dinja fil-bidu, jibdew jidhru, illi l-bniedem jifhem sew li ż-Żmien Tiegħi kważi wasal fuqkom. Qatt m'għandkom tibżgħu Minni, għax Imħabbti u l-Hniena Tiegħi jinfirxu. Ibżgħu biss minn dawk li mhux ġejjin Minni, għax huwa l-ispirtu tal-ħażen li jġegħlhom jagħmlu ħwejjeġ terribbli. Bit-talb biss, intom tistgħu tgħinu tpattu għad-dnubiet, u permezz ta' att hekk ġeneruż, intom tferrxu d-duħħan ta' Satana. Id-dħaħen tiegħu jibilgħu lid-dinja f'dan iż-żmien, iżda sabiex tagħraf il-preżenza tiegħu, hija iżjed iebsa milli tistgħu taħsbu. L-influwenza tiegħu tkun moħbija taħt barrani li juri li jagħti każ, atti umanitarji, u tiġi ppreżentata bl-iżjed mod mhux tas-soltu, iżda mod li jkun rispettabbli. Il-bniedem li jkollu r-Rigal tad-dixxerniment, jihem kif jaħdem Satana. Huwa jagħraf għemilu, jkun kemm ikun moħbi meta dan ikun ippreżentat lil dinja li hija għamja għall-Verità.

Leħni dalwaqt iqajjem l-ispiritwalità ġewwa l-qalb tal-bniedem, sens ta' min huwa, jihem minn fejn ġej u jsir konxju tal-Ħajja Eterna li Jiena sejjer inġiblu. Kunu għafu li meta jibda dan il-qawmien, tinħass il-Qawwa ta' Alla, għax il-Ġustizzja ta' Alla tqum mill-irmied, u meta torċa ta' Dawl iġġib il-ħajja lura f'għalqa vojta li tkun tħalliet tinxef hekk, mill-wieħed il-ħażin. **Jinstema' Leħni u ħafna jinħasdu meta jibda dak il-jum. Jinstema bħal sajjetta u kull bniedem tajjeb, jinżel fuq irkoppa, ifaħħar lil Alla. Jiena ġej l-ewwel għal dawk li ma tistħoqqilhomx il-Ħniena Tiegħi. Huma dawk li bix-xieraq għandhom ikunu tal-aħħar, għall-mod li bih stmaw Lili. U xorta, ser ikunu huma li jiġu msejħa l-ewwel lejn is-Saltna Tiegħi. Il-Ġusti jiġu l-aħħar. Il-ħżiena jitħallew hemm.**

**Mhux ser inħalli l-ebda ġebla f'postha, sa l-aħħar sekonda, u dawk li jgħajtu għall-Ħniena Tiegħi, jeħduha. Dawk li jisħtu Lili, jkunu misħuta.**

Ġesù Tagħkom.

## L-imfietaħ tas-Saltna Tiegħi, tad-dinja li għad trid tiġi, ġew imħejjija.

It-Tlieta, 14 t' Ottubru, 2014 @ 18.15

Għażiża maħbuba binti, dak kollu li kxift lid-dinja, permezz ta' dawn il-messaġġi, ser iseħħ. Sfortunatament, ħafna minn dawk li jafu dawn il-messaġġi, ser jibqgħu jaħbu Kelmti. Oħrajn li m'humiex imdaħħlin f'dawn il-messaġġi, ser jopponu Kelmti, li kienet ġiet mogħtija fl-Evanġelji Qaddisa.

Insejjaħ lil dawk kollha li jimxu Miegħi fuq din l-art, u nitlobhom jafdaw Fija. Għixu bil-Kelma Tiegħi u ma tmutux. Għixu ħajjitkom, skond il-Verità u nferrex Grazzji kbar fuqkom u fuq dawk li isimhom intom tpoġġu Quddiemi. Hekk kif id-dinja tinżel dejjem iżjed fid-dlam – fejn ifaqqgħu l-gwerrer ma' kullimkien u fejn il-mard u l-guħ jaħkmu l-umanità – intom taraw l-Intervent Tiegħi. Jiena nipproteġi lil dawk kollha li jikkonsagraw lilhom infushom lill-Qalb Qaddisa Tiegħi. Jiena ngħolli lil dawk ta' qalbhom tqila u nġib il-paċi u l-kalma tar-ruħ lil dawk li jitolbuni dawn ir-Rigali.

Jiena biss, Ġesu Kristu, nista' nħaffef it-toqol tagħkom. Jiena biss nista' neqred l-għedewwa tagħkom u lil dawk li jabbużaw mill-poter u l-influwenza tagħhom u jeqirdukom għall-gwadann tagħhom stess. Intom biss, għeżież segwaċi Tiegħi tistgħu iġġibuli l-erwieh ta' dawk li jirrifjutaw Lili, li jwarrbuni u jiċħduni. Ħafna minnhom qatt m'huma ġejjin Għandi, għalkemm Jiena nilqagħhom fil-Ħniena Tiegħi.

Intom għandkom tibqgħu tużaw it-talb li ġejtu mogħtija. Ibqgħu qrib Tiegħi, għax b'hekk, intom tkunu protetti minn kull ħażen. Intom għandkom tkunu sogħdi, qalbiena u tibqgħu kalmi, għax qatt ma Jiena ser nitlaq minn ħdejkom. Nimxi magħkom u nweżinkom. Infarraġkom. Nixxotta kull demgħa u daqt niġbor lilkom u lill-maħbubin tagħkom fid-Dirgħhajn Tiegħi kollhom Imħabba.

**L-Imfietaħ tas-Saltna Tiegħi, tad-dinja li għad trid tiġi, ġa tħejjew u qegħdin lesti għal dawk li isimhom qiegħed fil-Ktieb tal-Ħajjin. Imma l-Ħniena Tiegħi hija tant kbira, li Jiena sejjer nilqa' fil-Ġenna l-Ġdida Tiegħi, lil dawk li isimhom mhux inkluż, jekk intom iġġibuli lil dawn l-erwieħ permezz tat-talb tagħkom.**

Ġesù l-maħbub tagħkom.

[**Ġuh spiritwali jħalli lir-ruħ vojta, miżera u mitlufa**](#).

Il-Ħamis, 16 t'Ottubru, 2014 @ 19.10

Għażiża maħbuba binti, l-ġuħ li jitma lill-ġisem jista' jkun kiefer. Iżda, l-ġuġ tal-ispirtu, jħalli lir-ruħ vojta, miżera u mitlufa. Meta ruh titbiegħed Minni, din tiġġerra u tfittex kull tip ta' sodisfazzjon. Timxi sa truf l-art, tfittex il-kalma spiritwali u l-ħelsien, imma xejn ma jimla dan il-vojt, ħliefi. Ir-ruħ tista' ssib ħelsien tal-mument, meta tiġri wara ħwejjeġ tad-dinja li jikkalmaw, iżda qatt ma ssib dik il-paċi li nġib Jiena.

Meta nitma' ruħ ta' persona, bil-Grazzja Tiegħi, hija timtela bl-Imħabba u l-Preżenza Tiegħi. Għalkemm il-Preżenza Tiegħi ġewwa ruħ, tipbed fuqha l-velenu tal-ispirti ħżiena, li jagħmlu minn kollox biex iħawduha, r-ruħ ma tagħtix każ ta' dan. Imħabbti hija kulma għandkom bżonn biex tħossukom sħaħ, u l-Paċi Tiegħi li timliekom ma tkunx ta' din id-dinja. Tiġi b'Barkiet kbar u l-erwieħ li jieħdu din il-paċi, qatt ma jħalluha faċilment, ladarba jesperjenzawha.

**Meta persuna tasal biex tiċħad Lili, hija tkun qed tqarraq biha nfisha. Li tiċħdu Lili hija għażla tagħkom. Għaliex turu mibegħda Lejja, jekk intom ma temmnux li neżisti?** Insejjaħ lilkom li tinsabu mtaqqlin b'battalji spiritwali, biex tisimgħu Leħni meta Jiena qed insejħilkom bħalissa. Jekk tiċħduni, ibqgħu siekta. Tiċħdunix imbagħad tisħtuni, għax jekk tagħmlu hekk tkunu qed tikkuntrarjaw lilkom infuskom. Inti ma tistax tobghod xi ħaġa li ma teżistix. Jekk tħossu xi tip ta' mibegħda, ma tafux li din tkun ġejja minn x'imkien, l-istess bħall-imħabba? L-imħabba ġejja minn Alla. Il-mibegħda ġejja minn Satana. Dak in-nhar li tifhmu li l-ħażen jitkattar u jnawwar, meta jibda jinħall bħal serp, intom taraw li huwa ħaġa li teżisti. Hemm biss, taċċettaw l-eżistenza tax-xitan. Ir-raġuni għala Satana huwa daqshekk makakk, hija għax ma jaqbillux juri lili nnifsu. Kieku kellu jiġri hekk, kontu ssibuha mpossibbli li ma temmnux f'Alla.

Iftħu għajnejkom u araw il-ħażen għal dak li hu. Kunu għafu li meta tiċħdu Lili, l-wieħed il-ħażin jużakom biex iqabbad il-mibegħda kontra dawk li jħobbu Lili.

Ġesù Tagħkom.

**Ħafna sejrin jiġu mneżżgħin mit-titli tagħhom.**

Il-Ġimgħa, 17 t' Ottubru, 2014 @ 15.30

Għeżież uliedi, nitlobkom biex titolbu għall-qaddejja mqaddsa ta' Ibni hekk kif iseħħu l-ġrajjiet li ġejjin. Ħafna sejrin jiġu mneżżgħin mit-titli tagħhom u mitfugħin fid-deżert, u jitilfu wiċċhom. Taħwid u konfużżjoni sejrin jinfirxu fil-Knisja ta' Ibni, imma t-tradituri ser ikunu numru kbir, u ħafna sejrin jimxu warajhom. Knejjes Kristjani oħrajn ser joqorbu lejn din il-knisja addatta l-ġdida, u hemm kollox ikun imħejji għar-reliġjon globali l-ġdida. Din il-forma ġdida ta' knisja, għall-ewwel sejra tidher bħala nifs ġdid għal dawk li jixtiequ l-bidla. Imbagħad jidher ċar li din qed taqdi lil dawk li jridu li l-Liġijiet ta' Alla, jinbidlu biex jaqblu għall-ħajjiet midinba tagħhom. Din il-knisja titlef il-Fidi kollha. Ikollha kull bixra ta' knisja mġedda ta' Alla, imma s-simboli kollha li kienu jfissru u jagħtu glorja lil Ibni, mhux ser ikunu xejn minn dan.

Imbagħad meta joqrob iż-żmien, **titħabbar il-knisja waħda ġdida u din tkun tidher bħala istituzzjoni umanitarja kbira. Din tkun imħabbla u magħquda mad-dinja tal-politika u l-kummerċ.** Dawk kollha li kienu jagħmlu parti minn xi twemmin, jingħaqdu magħha. Kemm ser jifirħu, għax kull dnub jiġi skużat u ħafna nies iħossuhom ħielsa, għax ikunu jistgħu jgħixu ħajjithom kif jagħżlu huma. Ma jibqgħux jinkwetaw jekk hux ser joffendu lil Alla, għax id-dnub isir xi ħaġa li m'għandekx tinkwieta fuqha.

**Il-knisja l-ġdida, biex tagħti sens li qed tagħmel xi ħaġa, sejra tmexxi ħidmiet umanitarji u karitajiet, u d-dinja kollha tfaħħarha. Ftit wara, ma jibqax x'tagħżel bejnha u bejn alleanzi politiċi u organizzazzjonijiet kummerċjali, li huma ddedikata għall-filantropija.**

Tul dan iż-żmien, l-Knisja vera ta' Ibni, hekk kif għamilha Hu, tibqa' ħajja għalkemm dgħajfa. Żgħira fin-numru, l-Knisja tal-Fdal, mhux ser tagħti ruħha b'mirbuħa lanqas meta jieħu kollox f'idejh l-antikrist.

Itolbu, itolbu, itolbu illi l-qaddejja mqaddsa ta' Ibni jegħlbu l-biża' tagħhom u jieqfu favur il-Verità, saħansitra meta leħenhom jindifen minn dawk li jittradixxu lil Ibni.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

## Misħuta huma dawk li jisħtu Lili

Is-Sibt 18 ta' Ottubru, 2014 @ 14:20

Għażiża maħbuba binti, il-wieħed il-ħazin ħakem il-qlub ta' ħafna li jemmnu Fija, minħabba l-aċċess faċli li jagħtuh għal ruħhom.

Satana jittanta l-erwieħ permezz tas-sensi, kif ukoll permezz tad-dnub tal-kburija. Dawk li jemmnu li l-intelliġenza u l-għarfien tagħhom tal-Kelma Mqaddsa ta' Alla tagħtihom id-dritt li jiġġudikaw lill-oħrajn, f'Ismi, Joffenduni ħafna. Mimlija kburija, u l-imħabba lejhom infushom tfisser li huma jemmnu li għandhom id-dritt li jżebilħu lill-oħrajn u li jxerrdu l-velenu f'Ismi. **Oqogħdu attenti għal dawk li jisħtu lill-oħrajn u mbagħad jgħidu li huma Tiegħi, għaliex dawn jitkellmu b'ilsien ħażin.** Fil-jum meta Jiena niġi, dawn l-erwieħ se jirtogħodu bil-biża u jgħattu għajnejnhom mid-Dawl Tiegħi, li se jagħmihom.

Afdaw dejjem fil-Ħniena Tiegħi, għax Jiena dejjem ser naħfer lil dawk li jiġu Quddiemi b'indiema vera f'ruħhom, għal dak kollu li qalu, għamlu u wettqu, li bih Insultawni. **Imma ibżgħu għax il-Ġustizzja Tiegħi ta' dan se tkun tal-biża'. Mhux ser nitlob apoloġija għal dan. Kunu għafu li l-kburija tal-qawwija, li jtellfuni l-erwieħ li Jiena mxennaq għalihom, permezz tal-influwenza ħażina li huma jeżerċitaw fuq l-oħrajn, sejrin jsofru. Huma se jirtogħdu bil-biża' quddiem it-tronn Tiegħi, iżda dawn xorta sejrin jargumentaw Miegħi u jiddefendu l-modi ħżiena tagħhom, bil-ħsieb żbaljat, li Jien se nismagħhom.**

Misħuta huma dawk li jisħtu Lili. Imbierka huma dawk li jgħixu ħajjithom fl-imħabba għall-oħrajn u li jsegwu t-Tagħlim Tiegħi, anke jekk dan iġibilhom uġigħ. Jien se ngħolli l-ġusti, imma ser infarrak il-ħżiena li jagħtu daharhom lill-Kelma ta' Alla. Kull min jikkawża wġigħ lill-oħrajn, speċjalment f'Ismi, se jkollu jagħti rendikont Lili fl-Aħħar Jum.

Ġesù Tagħkom

## Omm tas-Salvazzjoni: Imbierka huma dawk li se jinagħtaw l-imfietaħ tal-Ġenna.

Il-Ħadd, 19 ta’ Ottubru, 2014 @ 20:40

Għeżież Uliedi, Jiena Ommkom, ir-Reġina tal-Ġenna.  Jien inferrex fuqkom kollha li ssejħuli biex nintervjeni f’isimkom, biex nitlob lill-Ibni jipproteġikom, bi grazzji speċjali.  Il-Ġenna kollha titlob għall-umanità f'dan il-mument, sabiex it-tranżizzjoni għad-dinja l-ġdida ta’ bla tmiem, tkun bla tfixkil. Hija l-ikbar xewqa ta’ Ibni li jilħaq il-qlub ta' kull midneb.  Biex ineħħi l-għanqbut tal-konfużżjoni, li jghatti lil ruħhom.  Biex jiġbed, anke lil dawk li għandhom qalb tal-ġebel, fil-Ħniena Kbira Tiegħu.

Ibni qatt ma jaqta’ qalbu fit-tfittxija Tiegħu biex imiss il-qalb ta' kulħadd.  Hu qatt ma jfittex li jpattiha lil dawk li joffenduh u Hu qatt ma jagħti preferenza lill-ruħ minn oħra.  Iħobb lill-kulħadd, anki lill-akbar għedewwa Tiegħu, u dan dejjem se jkun il-każ.  M’għandkomx twarrbu lill-Ibni jekk batejtu f'din il-ħajja; jekk tliftu lil xi ħadd għażiż f'ċirkostanzi traġiċi; jew jekk intom vittma ta' inġustizzji kbar.  Alla huwa l-Awtur tal-Ħajja.  Hu jagħtiha u Hu jeħodha lura.  Huwa biss meta ruħ, mimlija bi spirti ħżiena, toqtol lil ħaddieħor, li Alla se jagħmel li dik ir-ruħ tħallas qares.

Sakemm jeżisti d-dnub, il-ħażen se jibqa’ fid-dinja.  Se jkun biss meta d-dnub jiġi mkeċċi li l-ħażen jiġi fix-xejn.  Uliedi, nitlobkom tkunu paċenzjużi.  Nitlobkom li tqattgħu kemm tistgħu, ħin fit-talb.  Nitlobkom li tkomplu tgħidu r-Rużarju l-Iżjed Imbierek, għall-protezzjoni tal-familji tagħkom, għan-nazzjonijiet tagħkom u ghal-pajjiżi tagħkom.  Ir-Rużarju tiegħi qatt ma kien daqshekk qawwi bħalma huwa f'dawn iż-żminijiet, u ser tirċievu grazzji kbar meta tgħiduh, speċjalment b'leħen għoli, u fi gruppi.

Il-Pjanijiet kollha ta' Alla huma f’posthom għat-Tieni Miġja ta' Ġesù Kristu.  Nitlobkom li, permezz tat-talb tagħkom, tgħinu tħejju t-triq għal midinbin kollha li jfittxu l-indiema, sabiex huma jgawdu ħajja eterna fid-dinja li ġejja, li hija bla tarf.  Imbierka huma dawk li se jinagħtaw l-imfietaħ tal-Ġenna.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

[**Aċċettaw il-Verità mogħtija lilkom fil-Ktieb tar-Rivelazzjoni**]()

It-Tlieta, 21 ta' Ottubru, 2014 @ 23:40

Għażiża maħbuba binti, meta l-profeziji ġew mogħtija lil ulied Alla, mill-bidu, dawn ħolqu biża` fil-qlub tal-bniedem. Dan kien minħabba d-dubji li eżistew fl-imħuħ ta' dawk li ma jemmnux f'Alla u l-kumdità li l-bniedem ħass fl-abitat naturali tiegħu. **Kien aktar faċli li taċċetta ħajja t' imperfezzjoni milli temmen f'waħda li teżisti fis-sopranatural.**

Alla ma bagħatx il-profeti Tiegħu biex ibeżżgħu lill-uliedu. Huwa bagħathom biex iwissihom dwar il-perikli li joħolqu dagħbien fond, bejn il-bniedem u Alla. Kull meta dak id-dagħbien twessa' biżżejjed, b'tali mod li l-maġġoranza tal-erwieħ ċaħdu lill-Alla, imbagħad Hu dejjem intervjena sabiex isalvhom. Alla dejjem intervjena permezz tal-profeti Tiegħu u kien permezz tal-profeti Tiegħu li Alla stea' jeduka lill-uliedu fit-triq tal-Mulej. Mingħajr il-profeti ta' Alla, il-bniedem ma kienx jinagħta l-Verità. Dak li Alla jagħti lin-nies Tiegħu, permezz tal-Kelma miktuba, tħallu lill-ebda bniedem ikissru.

Il-bniedem mhux denju li jibdel il-Kelma ta' Alla, lanqas ma jista' jkun li jibdel it-tifsira tal-Kelma, u lanqas ma għandu dritt li jagħmel dan. Jekk il-bniedem jieħu l-Kelma ta' Alla u deliberatament jinterpretha ħażin, biex iweġġa' lill-oħrajn, dan ikun dnub gravi. Kien hemm ħafna li ppruvaw jibdlu t-tifsira tal-Kelma iżda ma rnexxilhomx. Madankollu, kien hemm dawk li ħolqu verżjonijiet tal-Kelma, li varjaw mill-Verità sħiħa, u ħadd ma fehem xejn. Jien ma nżommx lil dawn l-erwieħ responsabbli għax huma wżaw il-Kelma, biss biex jagħtu glorja lil Alla.

**Meta ġejt biex nippriedka l-Verità kienu jibżgħu Minni. Kienu jibżgħu mill-profeti ta' qabli. Bħali, huma, kienu mibgħuda għax taw il-Verità lill-umanità, permezz tal-Kelma mitkellma. Il-Ktieb tar-Rivelazzjoni, mogħti lil Ġwanni l-Evanġelista bil-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, ġie njorat mill-Knejjes Kristjani Tiegħi. Dan rari jiġi diskuss u ħafna fil-Knisja Tiegħi jiċħduh bħala rrilevanti.**

Iż-żmien issa wasal biex tingħad il-Verità u għall-bniedem li jagħmel għażla. Aċċettaw il-Verità, mogħtija lilkom fil-Ktieb tar-Rivelazzjoni, u ħejju sabiex kollox ikun lest u jogħġob Lili fil-Jum il-Kbir. Jew, injoraw il-Kelma u l-Wegħda Tiegħi li nerga' niġi. Tagħtux każ tas-sejħat Tiegħi, iżda ftakru, Jien se niġi bħal ħalliel bil-lejl u dawk biss li jilqgħuni u jaċċettaw il-Ħniena Tiegħi, se jkunu Tiegħi.

**Inwissikom għax Inħobbkom. Kieku ma kienx għall-Imħabba Tiegħi, kont nitfa' lir-razza umana fid-deżert, tant kemm hija ingrata ruħhom.**

Ġesù Tagħkom

## O kemm huwa arroganti l-bniedem li jiżżufjetta bl-Eżistenza Tiegħi

Il-Ħamis, 23 ta' Ottubru, 2014 @ 15:14

Għażiża maħbuba binti, għal kull għemil tajjeb u att ta' karità, il-forzi tal-wieħed il-ħażin, jonqsu. Għal kull talba u tbatija, offruti għall-erwieħ ta' dawk li qegħdin fid-dlam, l-atti ħżiena u l-mibegħda jiġu meqruda. Kunu għafu li atti tajbin, li joħorġu minn kull persuna li tintmess mill-Qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, teqred l-influwenza ta' Satana fid-dinja.

Qumu, intom ilkoll li aċċettajtu l-Verità li tinsab fil-Ktieb tar-Rivelazzjoni u itolbu għas-salvazzjoni tal-ulied kollha ta' Alla. Itolbu, itolbu, itolbu u Jien nwieġeb meta intom titolbu għal dawk li tafu li l-intenzjoni tagħhom hija l-qerda tat-twemmin kollu Fija, Ġesù Kristu.

**O kemm huwa arroganti l-bniedem li jiżżufjetta bl-Eżistenza Tiegħi, id-Divintà Tiegħi u l-Wegħda Tiegħi li nerġa niġi**. Kemm hu magħluq moħħhom għall-Imħabba li Jiena nżomm f'Qalbi għall-midinbin kollha, inklużi dawk li jittraduni. Kemm jiġu mqarrqa faċilment dawk li huma vojta mill-Ispirtu s-Santu. Imsieken huma dawk li jmorru kontra r-Rigal ta' l-Ispirtu s-Santu, li huwa l-qawwa tal-ħajja ta' dak kollu li jgħix, li ġej Minni. X'għatx għandkom intom li tiċħdu Lili. **L-ilma qatt mhu se jaqtgħalkom l-għatx u jasal jum meta tiġu tittallbuni għall-Għajn tal-Ħajja. Sakemm jasal dak il-jum, sakemm ma titolbunix biex tixorbu Minni, mhu ser ikollkom ebda ħajja.**

Ejjew – itolbuni biex ngħarrafkom. Ħallu n-nar ta' l-Ispirtu s-Santu jfawwar lil ruħkom. Jekk tiġu Għandi, b'fiduċja sħiħa u umiltà, Jien nimliekom bil-Preżenza Tiegħi u meta tirrikonoxxu Lili, Jien nagħtikom il-ħajja li intom tant tixtiequ. B'hekk biss issibu l-paċi f'qalbkom.

Gesù Tagħkom

## Id Alla sejra tuża' x-xemx biex tavża lid-dinja.

Il-Ġimgħa, 24 t'Ottubru, 2014 @ 22.50

Għażiża maħbuba binti, x-xemx hija waħda mill-akbar sinjali meta jkun ser iseħħ xi intervent Divin. **Meta taraw tibdil fix-xemx, meta tidher akbar, tiddi iżjed fit-tul u barra minn żmienha, kunu għafu li ż-żmien ikun qed joqrob għat-Tieni Miġja Tiegħi.**

Id Alla sejra tuża' x-xemx biex tavża lid-dinja li din mhix iġġib ruħha bħas-soltu. Ix-xjenzati mhux ser ikunu jistgħu jsibu raġuni għall-mossi għallarrieda fix-xemx u għall-mod mhux tas-soltu, kif tkun qed iġġib ruħha din l-istilla, li tagħtikom id-dawl. Mingħajr id-dawl tax-xemx, id-dinja tintefa' fid-dlam. Għalhekk, filwaqt li d-dnubiet tal-bniedem qed jikbru, u d-dnub qed jiġi mħaddan bħala parti min-natura umana, d-dinja titgħatta bl-ispirtu tad-dlam. **Waqt li d-dnub jiksi lid-dinja, x-xemx bil-mod il-mod titlef il-leqqizza tagħha u ssir matta. Meta l-bniedem jitlef is-sens tal-imħabba għall-oħrajn u jsir immun għall-uġigħ li huwa jġib fuq l-oħrajn, minħabba d-dnub, id-dinja tkompli tiddallam – tiddallam fl-ispirtu, tiddallam mal-jum.**

Jiena ser inkompli mmexxi lil ulied Alla sa dak iż-żmien. Nurikom it-triq lejn is-Saltna Tiegħi u intom taraw id-Dawl Tiegħi. Fi triqitkom xejn ma jtellifkom għax intom tkunu qed taraw ċar kif il-ħażen iġib miegħu dlam kbir.

**Ix-xemx tibqa' tnaqqas, sakemm fl-aħħar, l-ebda dawl ma jiksi lid-dinja għal tlett ijiem.** L-uniku dawl ikun biss dak li ġej mill-Verità. U fir-raba' jum, jinfetħu s-smewwiet u d-dawl – li qatt ma kontu temmnu li jista' jeżisti, joħroġ mis-Smewwiet. Imbagħad Jiena nidher lil kull persuna f'kull pajjiż, fil-Glorja kollha Tiegħi, meta niġi biex nieħu lura s-Saltna li Missier wiegħed Lili.

Qatt tibżgħu mit-tħejjija li jeħtieg li ssir, ħalli kull wieħed minnkom ikun imħejji biex jiltaqa' Miegħi. Għandkom tkunu ċerti li intom imħejjija tajjeb Għalija, għax dak in-nhar nagħtikom l-Imfietaħ tas-Saltna Tiegħi u jkun hemm festi kbar. Il-ħażen ma jeżistix iżjed fid-dinja Tiegħi li għad trid tiġi, u t-tajbin sejrin jingħaqdu mal-anġli u l-qaddisin.

Tridu taraw din il-Missjoni bħala vjaġġ. Ma' kull parti ta' dan il-vjaġġ, intom tiskopru ħwejjeġ ġodda – modi li bihom titgħallmu kif tħejju għall-istadju li jmiss. Hekk, taqbżu kull tfixkil, intom tissaħħu. Saħansitra dawk l-iżjed dgħajfa fostkom għad jaslu minn dan il-vjaġġ, għax Jiena sejjer immexxikom kull pass, u dalwaqt kollox ikun lest.

Ifirħu, għax is-Saltna Tiegħi qed tistenniekom u ż-żmien huwa qasir.

Ġesù Tagħkom.

## Xi kultant, dak li jidher li mhux ġust, dan intom ma tkunux tistgħu tifhmuh.

Il-Ħadd, 26 t'Ottubru, 2014 @ 23.10

Għażiża maħbuba binti, dawk li jiċħdu Lili, għax jemmnu li, li kieku kont neżisti, Alla li jħobb, qatt ma kien jippermetti t-tbatija u jħalli jseħħu traċedji mhux mistennija, mard jew imwiet qabel iż-żmien.

Alla jagħti l-ħajja u Hu jehodha, kif jixtieq Hu u għal kull azzjoni li jagħmel Alla, dejjem joħrog il-ġid minnha, jew fid-dinja li tgħixu fiha jew fis-Saltna tas-Smewwiet. **Hija n-nuqqas ta' fiduċja Fija, li toħloq l-imrar f'ruħ dawk li jiġġudikaw Lili fuq atti li huma jarawhom ta' kattività u bla bżonn. Dak li ma jafux, huwa li hemm ħin għal kollox – żmien biex tgħix u żmien biex tmut – u li Alla huwa l-awtur tal-ħajja. Hu biss jiddeċiedi meta jieħu ħajja.**

Meta ssofri minn taħt idejn l-oħrajn, dan ikun kawża tad-dnub – u mhux ta' Alla. Meta l-bniedem jagħżel mogħdijiet fil-ħajja, dawn ikunu kollha tal-għażla tiegħu. Xi wħud jagħżlu bil-għaqal, skond il-kuxjenza tagħhom, u jifhmu d-differenza bejn it-tajjeb u l-ħażin. Oħrajn jagħżlu t-triq li jaħsbu li iġġibilhom dak li jeħtieġu biex imantnihom f'din id-dinja. Imma jkun hemm dawk li jagħżlu mingħajr għaqal u jmorru fuq triq ta' egoiżmu, ħazen u regħba.

**Kullma huwa tajjeb ġej minn Alla. Xi drabi, dak li jidher li mhux ġust, dan intom ma tkunux tistgħu tifhmuh, imma kunu għafu li Alla jagħżel Hu, kif jiġbor il-frott għall-ġid tal-bniedem. U t-tbatija hija parti minn dan il-Pjan Tiegħu tas-Salvazzjoni tal-erwieħ.** Huwa ma jneħħix it-tbatija, għax din hija forma ta' purifikazzjoni. Jekk intom tbatu, Alla jipprova juża' din it-tbatija għall-ġid ta' ruħek stess. Iżda Huwa qatt ma jisfurzakom biex tagħmlu xejn, għax Huwa jagħtikom ir-rieda ħielsa. L-abbuż tar-rieda ħielsa jista' jwassal għal dnub kbir u xorta waħda, Alla qatt ma jeħodilkom. **Ir-rieda ħielsa hija sagrosanta. Din ġiet mogħtija bla ħlas lill-bniedem. U hija l-uniku rigal li Huwa qatt ma jeħodulkom lura. Iżda huwa permezz tar-rieda ħielsa, illi l-bniedem jaqa' mill-Grazzja u jispiċċa fid-dnub.**

Il-wieħed il-ħażin jilgħab bir-rieda ħielsa tal-bniedem permezz tas-sensi tiegħu. Ir-rieda ħielsa hija Rigal, u meta tintuża kif suppost, din tagħti glorja kbira lil Alla. Iżda meta din tkun abbużati biex jiltwettqu atroċitajiet kbar, din tkun qed tintuża minn Satana biex jisħet lill-umanità.

Ir-rieda ta' Alla sejra ssaltan fid-dinja ta' bla tmiem li trid tiġi.

Ġesù Tagħkom.

## Omm tas-Salvazzjoni: Ir-rwol tiegħi bħala Omm l-ulied ta' Alla, qed jiġi mfixkel

It-Tnejn, 27 t'Ottubru, 2014 @ 16.20

Binti, huwa mportanti li tiftakru li tgħidu r-Rużarju l-Iżjed Qaddis ta' kuljum, sabiex tipproteġu din il-missjoni u missjonijiet oħra, li Missieri ta lid-dinja.

Il-Kristjani li għandhom il-Fidi ser isibuha diffiċli biex jiddikjaraw id-devozzjoni tagħhom lejja, l-Immakulata Verġni Marija, Omm ta' Alla, f'dawn iż-żminijiet. Ir-rwol tiegħi bħala Omm l-ulied ta' Alla, qed jiġi mfixkel u mwarrab, b'mod partikolari minn ċerti gruppi Kattoliċi li m'humiex ġejjin minn Ibni. Dawn il-gruppi jagħtu l-impressjoni li huma devoti tal-Knisja ta' Ibni, imma huma ma jipprattikawx dak li Huwa għallem. **Huma jippersegwitaw lil dawk li jżommu l-Verità u jagħmlu minn kollox biex iwarrbu bħala bla sens, kull tip ta' rivelazzjoni privata li tkun ġiet mogħtija lill-umanità sa mill-mewt ta' Ibni fuq is-Salib. Li kieku ma kienx għar-rivelazzjonijiet privati, li ġew mogħtija lid-dinja minni, l-Omm ta' Alla, bħala messaġġiera ta' Kristu, ħafna lanqas kienu jikkonvertu għall-Verità.** Minflok, ħafna kienu jibqgħu mexjin fid-dlam, iwarrbu l-Eżisternza ta'Alla u jevitaw it-talb – il-bieb li meta jinfetaħ, idawwal lir-ruħ. Ir-rwol tiegħi bħala Omm ta' Alla, qed jiġi attakkat madwar id-dinja minħabba l-qawwa li jiena ġejt mogħtija biex neqred l-avversarju tiegħi. Jiena nisħaq ras is-serp kif kien imħabbar, u dawk li juru devozzjoni lejja, jiġu mkasbra u jkunu redikolati mill-impusturi, li jażżardaw jgħidu li huma esperti tat-tagħlim tal-Knisja.

Ibni jobgħod kull tip ta' mibegħda li tkun murija minn bniedem għal ħuh. Huwa jibki meta xi ħadd jgħid li jirrappreżenta l-Knisja ta' Ibni, mbagħad iġib il-mibegħda kontra xi wild minn ta' Alla. Huwa jsofri l-uġigħ tat-Tislib kull darba li qaddej fil-Knisja Tiegħu, jweġġa' bniedem ieħor jew iġib tbatija kbira fuq l-innoċenti.

**Uliedi, għandkom titolbu ħafna għall-Knisja ta' Ibni, għax din tinsab taħt l-akbar attakk mit-twaqqif tagħha. L-għedewwa ta' Ibni għandhom ħafna pjanijiet biex jeqirduha, u ħafna minnhom ġejjin minn ġewwa stess. Agħtu każ it-twissija tiegħi, u dak li jiena svelajt lid-dinja ġewwa Fatima. L-għadu qed jistenna u daqt jieħu kontroll għal kollox tal-Knisja ta' Ibni fuq l-art u miljuni jiġu mmexxija lejn l-iżball.**

Għalqu widnejkom meta tisimgħu b'qaddejja ta' Ibni li jiġu mżebilha jew jgħidu fuqhom talli jiddefendu l-Kelma ta' Alla. Dejjem ftakru li mħabba biss tiġi minn Alla u kull persuna jew għaqda li tħajjrek biex tagħti ġudizzju fuq bniedem – ikun għamel xi jkun għamel – huwa ta' min jiflih. **Inti ma tistax tiddikjara lilek innifsek qaddej ta' Alla u mbagħad titfa' l-ħama fuq persuna oħra. Intom qatt ma tistgħu taċċettaw li titqajjem mibegħda, tkun kif tkun.** Kull min jagħmel dan, f'Isem Ibni, qatt m'għandu jkun imħeġġeġ, għax dan qatt ma jista' jkun ġej minn Alla. Ir-Rużarju tiegħi għandu jingħad kemm jista' jkun biex jinsaħaq il-ħażen, li qed jaħtaf lid-dinja f'dan iż-żmien, meta l-kattivita' ta' kull tip qed tidher bħala ġusta.

L-imħabba tal-bniedem għal ħuh saret rari u l-karità fost il-Kristjani ddgħajfet. Intom għandkom tiftħu għajnejkom għall-Verità u tfakkru lilkom infuskom dak li Ibni għallimkom. Huwa ċar daqs il-jum, għax dan kien miktub għad-dinja biex taqrah fil-Bibbja l-Iżjed Qaddisa.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

## Alla l-Missier: Mingħajri ma stajtux teżistu.

It-Tlieta, 28 t'Ottubru, 2014 @ 20.20

Binti l-iżjed għażiża, uliedi għandhom ikunu jafu li hemm biss Alla wieħed. Wieħed biss. Kull wieħed ieħor jeżisti biss fl-imħuħ tal-bnedmin. Kull Alla ieħor huwa abominazzjoni f'Għajnejja u l-bniedem li jaqa' biex jadura allat foloz, jaqdi biss lix-xitan, li jieħu gost meta l-bniedem jitlef il-Grazzja.

Jiena l-Bidu u t-Tmiem. Xejn ma jista' jirbaħli. Saħansitra x-xjaten u l-anġli li waqgħu, dawk li Jiena waddabt ġewwa l-abbiss, qatt ma jistgħu jieqfu Quddiemi u jisfidawni, għax m'għandhomx din il-qawwa.

Tant reliġjonijiet ġew imwaqqfa mill-bniedem li jiżbalja, u din ġabet konfużżjoni kbira. Mill-bidu, Jiena tkellimt f'Leħen Wieħed u sa l-aħħar, jista' jkun hemm biss Leħen Wieħed. Id-dinja hija Tiegħi għax Jiena ħloqtha. Jiena ħloqt kull kreatura li tgħix. Ħloqt ukoll il-Ġerarkija tas-Smewwiet li minnha Jien keċċejt l-anġli li sfidaw u ttradew Lili. **Ħafna minn dawn l-anġli li waqgħu, jikkomunikaw ma' wliedi li ħolqu forma ta' spiritwaliżmu new age. Jiena nwissi lil dawk fostkom li taduraw allat foloz, permezz ta' dawn il-prattiċi. Dan l-ispiritwaliżmu jesponi lil ruħkom għall-ispirti ħżiena li x-xewqa tagħhom tkun dik li jeqirdu lil ruħkom.**

Dawn l-anġli foloz huma xjaten, libsin ta' spirti tad-dawl li għandhom il-ħajja, u huma jiġbdukom biex temmnu fil-falsitajiet. Minn kull gidba dwar il-Gerarkija tas-Smewwiet, ser tiġi mitmugħa lilkom sabiex intom tpoġġu l-bżonniijiet tagħkom quddiem Satana u l-ispirti l-ħżiena. Kulma jagħmlu huwa li jissalvaġġjaw ma' ruħkom bħal annimali selvaġġi u jħallukom vojti u mingħajr imħabba. Għall-ewwel, meta tagħtu lilkom infuskom għal din l-idolatrija, intom tħossu sens falz ta' paċi. Ix-xjaten jistgħu jagħtu dawn il-qawwiet, imma ħajjithom tkun qasira. Għax ladarba jkollhom aċċess għal ruħkom, huma jittormentawkom u jħajrukom tagħmlu atti mxajtnin.

Jiena dak kollu li kien fil-Bidu u Jiena t-Tmiem. Kollox jibda u jispiċċa Bija. Meta tqegħdu allat foloz qabli, u tagħmlu dan għall-egoiżmu tagħkom biex tfittxu l-pjaċiri, s-setgħa u l-kontroll tad-destin tagħkom, intom tkun ħatja li ksirtu l-Ewwel Kmandament Tiegħi.

Mingħajri ma stajtux teżistu. Mingħajri m'għandkomx futur. Mingħajr Ibni ma tistgħux tiġu Għandi. Irrifjutaw lill-uniku Iben maħbub Tiegħi, Ġesù Kristu, l-Messija Veru, u intom tirrifjutaw Lili.

**Il-Verità kienet ġiet mogħtija lid-dinja meta l-paganiżmu kien bla rażan. Il-Verità kienet ġiet mogħtija lid-dinja bit-Twelid ta' Ibni u ġenerazzjonijiet ikkonvertew. Il-Verità qed tiġi mogħtija lid-dinja issa, meta l-apostasija qegħda tivga l-erwieħ ta' dawk li jemmnu f'Ibni u fi żmien meta l-paganiżmu reġa' ġie bla rażan. Hekk kif kien fil-bidu, meta Jiena kont irrifjutat min-nies ingrati, hekk ukoll ikun fit-tmiem, meta l-qlub tal-bnedmin isiru blat u ruħhom tingħata b'xejn lix-xitan.** Hemm, id-dinja kif tafuha, ma tkunx iżjed, meta s-Sema l-Ġdida u

l-Art il-Ġdida, jsiru ħaġa waħda.  Sa fl-aħħar tirrenja l-paċi u Jiena ngħaqqad lil dawk kollha li jagħżlu li jiġu Miegħi.

Missierkom il-maħbub

Alla l-Iżjed Għoli.

## Omm tas-Salvazzjoni: Il-Fidi hija l-pedament tal-Knisja

L-Erbgħa, 29 t'Ottubru, 2014 @ 14.25

Għeżież uliedi, meta tħossukom bla tama, bla kuraġġ u tibżgħu minħabba l-inġustizzji kbar li taraw, nitlobkom tistaqsu għall-protezzjoni qawwija tiegħi. Jiena ninterċedi, f'isimkom, u nitlob lil Ibni biex jisma' l-karba tagħkom għall-paċi u l-kalma. Huwa jimliekom bil-Grazzji li huma meħtiega biex iżżommu ħajja, ġewwa ruħkom, il-fjamma tal-Ispirtu s-Santu.

Jekk intom tfittxu d-Doni tal-Ispirtu s-Santu u Ibni jwieġeb għas-sejħa tagħkom, il-fidi tagħkom Fih, tissaħħaħ ħafna. Ladarba dan jiġri, l-fidi tagħkom tħallikom tafdaw aktar fil-Ħniena Kbira TiegĦu. Il-Fidi hija l-pedament tal-Knisja, li fuqu tista' tibqa' sogħda. Il-fidi teħliskom mill-biża' u d-disperazzjoni. Din tagħtikom il-faraġ, paċi u l-kalma, f'dawn iż-żminijiet imqallba. Tħallikom taraw kollox ċar kif għandu jkun, biex tipproteġu lilkom infuskom mill-persekuzzjoni li jkollkom tħabbtu wiċċkom magħha kull jum.

Dawk li huma devoti lejn Ġesù Kristu dejjem ikollhom jgħaddu mill-uġigħ tat-tbatija Tiegħu. Din hija xi ħaġa li jkollkom taċċettaw meta intom timxu fuq il-passi Tiegħu. Meta taċċettaw is-Salib Tiegħu, intom għandkom tagħtu t-tbatija tagħkom lil Ibni, għas-salvazzjoni tal-erwieħ ta' dawk li, li kieku ma kienx hekk, kieku ma kinux jidħlu fis-Saltna ta' Ibni. **Is-sagrifiċju tagħkom, għalkemm jista' jkun diffiċli, dan iġib ferħ lil Ibni, li jibki bin-niket għal dawk li Huwa sejjer jitlef għal għand il-wieħed il-ħażin, fl-aħħar jum.**

Il-fidi, t-tama u l-fiduċja f'Ibni, jtaffu t-tbatija u jġibulkom il-paċi u l-ferħ. Huwa meta tirċievu dawn il-Barkiet, illi intom tkunu tafu li qbiżtu l-barrikati li jifirdukom minn Alla. U ta' dan intom għandkom tkunu grati, - mhux imnikkta – għax is-Saltna ta' Alla sejra tkun tagħkom.

Morru, uliedi, biex tħobbu u taqdu lil Ibni.

Ommkom il-maħbuba.

Omm tas-Salvazzjoni.

## Jiena nferra' Grazzji kbar fuq is-segwaċi Tiegħi f'dan iż-żmien.

L-Erbgħa, 29 t'Ottubru, 2014 @ 15.00

Għażiża maħbuba binti, Jiena nferra' Grazzji kbar fuq is-segwaċi Tiegħi f'dan iż-żmien meta huma jeħtieġuhom l-iżjed.

Il-Grazzji li Jiena nferrex fuqkom, lilkom segwaċi Tiegħi, jinkludu r-**Rigal li tkunu tistgħu taraw minn ġewwa,** biex tkunu tistgħu taraw il-qerq, li jnawwar lid-dinja kollha. Jiena nagħti wkoll ir-**Rigal li tissaportu,** ħalli intom tqumu kontra dawk li jopponu Lili u tibqgħu titqabdu ħalli l-Kristjaneżmu jibqa' ħaj. Jiena nagħtikom ukoll ir-**Rigal tal-Paċenzja,** ħalli tkunu tistgħu tibqgħu tgħidu l-Verità meta jkollkom tisimgħu l-falsitajiet, li jintqalu mis-segwaċi Tiegħi, li jiġu meħuda fl-iżball mill-għedewwa Tiegħi.

Fl-aħħar, Jiena nagħtikom ir-**Rigal tal-Imħabba,** u meta Jiena nagħtikom dan ir-Rigal, intom tkunu tistgħu tnaqqsu l-ħażen permezz ta' kliemkom, għemilkom u l-atti tagħkom. L-imħabba Għalija tfisser li intom għandkom tħobbu saħansitra l-għedewwa tagħkom u b'dan ir-Rigal, intom teqirdu l-mibegħda.

Morru u aċċettaw ir-Rigali Tiegħi. Kulma għandkom tagħmlu huwa li tgħidu Lili, "***Ġesù agħtini r-Rigali li neħtieg biex nibqa' leali Lejk.***"

L-maħbub Ġesù tagħkom.

**Omm tas-Salvazzjoni: Aċettaw is-Salib bid-dinjità.  Tgergrux**

Il-Ħamis, 30 t'Ottubru, 2014 @ 17.30

Għeżież uliedi, meta taqdu lil Ibni f'din il-ħajja, din tkun mimlija bid-diffikultajiet. Hija biċċa xogħol faċli li timxu warajH b'mod, imma meta ġġorru ġewwa ruħkom ir-Rigal tal-Ispirtu s-Santu, dan iġib fuqkom ir-rabja tal-wieħed il-ħażin u ta' kull għadu ta' Ibni.  Dan jagħmel il-vjaġġ tagħkom tul it-Triq tal-Verità diffiċli ħafna.   Ma' kull liwja, jeħduha kontrikom saħansitra jekk tkunu siekta taduraw lil Ibni.

Ħafna li jħobbu verament lil Ibni, ma jistgħux jifhmu għaliex huma jiġu sfidati mill-oħrajn għall-ebda raġuni.  Jew meta jiġu akkużati falz, li qed jagħmlu xi ħaġa ħażina. Dan għax l-Ispirtu s-Santu huwa l-Preżenza reali ta' Alla u għalhekk dan qatt ma jgħaddi mingħajr ma jinduna bih il-wieħed il-ħażin, li ma jieqaf quddiem xejn, milli jagħmlilkom id-deni u l-inkwiet.  Hu, l-wieħed il-ħażin, jittantakom bla waqfien u jagħmel dan jew b'mod dirett, jew permezz tal-erwieħ li jirnexxilu jinfesta.

Dan l-uġigħ kollu, li intom ma tifhmuhx, huwa minħabba d-devozzjoni tagħkom lejn Ġesù Kristu.  Hekk kif huwa twaqqa' għar-redikolu, kien imkasbar u mibgħud, hekk ukoll dawk li jaqdu Lilu.  Meta ssofru f'Ismu fuq din l-art, intom fl-aħħar issibu l-paċi dejjiema, l-imħabba u l-ferħ fis-Saltna Tiegħu.  Aċċettaw is-Salib bid-dinjità. Tgergrux.  Taqbdux ma' dawk li juru mibegħda lejkom, għax qlubkom jintlew bl-istess velenu.

Il-mibegħda tkattar il-mibegħda jekk twieġbu għaliha.  L-imħabba, li ġejja minn Alla, tkattar l-imħabba.  Uru mħabba mal-għedewwa tagħkom, itolbu għalihom, tħassruhom.  Meta tagħmlu hekk, Satana ma jkollu ebda qawwa fuqkom.

Ommkom il-maħbuba.

Omm tas-Salvazzjoni.

[**Dawk li ħaduha kontra l-Ewwel Miġja Tiegħi, rrifjutaw li jaċċettaw ir-Rieda ta' Alla.**]

Il-Ġimgħa, 31 t'Ottubru, 2014 @ 18.25

Għażiża maħbuba binti, r-Rieda Tiegħi hija minquxa fil-blat u dawk kollha li jħobbu Lili verament, jingħaqdu mar-Rieda Divina tas-Sinjur. Iċħdu r-Rieda Tiegħi u ma tkunux tistgħu issiru Tiegħi. Qumu kontrija u ma nħallikomx tidħlu fis-Saltna Tiegħi, għax dawk biss li huma Tiegħi, u li jagħtu kollox Lili, jistgħu jgħidu li huma Tiegħi. Jekk m'intomx Tiegħi, Jiena kif nista' nirbaħ lil ruħkom? Dawk fostkom li jisħtu Lili, jkasbru lil dawk li jżommu Kelmti jew li jippruvaw ibagħbsu mar-Rieda Qaddisa ta' Alla, ser jintefgħu fl-abbiss, meta jkun sar kull sforz biex isalvaw.

Meta twelidt Jien, ħafna mill-għedewwa Tiegħi, li ruħhom kienet infestata mill-ispirti ħżiena, għamlu l-ħajja ta' Ommi veru iebsa. Dawk li ppersegwitawha tul żmieni fuq l-art, ħafna drabi lanqas biss indunaw għaliex kienu jħossu tant mibegħda lejha. Imma hija sofriet f'Ismi. Dawk li ħaduha kontra l-Ewwel Miġja Tiegħi, rrifjutaw li jaċċettaw ir-Rieda ta' Alla, li kienet sejra tagħtihom il-ħelsien mill-ixkiel li x-xjaten kienu rabtulhom mal-għekieżi.

**Qattajt ħafna mill-Missjoni Tiegħi fuq l-art, inkeċċi x-xjaten minn ruħ dawk milquta, filwaqt li kont indawwal moħħ dawk li kienu njoranti dwar ir-Rieda ta' Alla. Issa meta qed inħejji biex nerġa' niġi, din id-darba sejra tkun aktar iebsa.** Lilkom ilkoll ta' qlub iebsa, li ma tridux tisimgħu Lili, Jiena ngħidilkom dan. Jekk ma tkunux mogħtija Għalija, permezz ta' ħajja ta' talb u devozzjoni, intom ma tlestux dan il-vjaġġ lejn il-Ħajja Eterna, waħidkom. M'għandkomx biżżejjed għarfien, u tagħlim dwar il-Kelma Tiegħi, biex twarrbu t-Twissija Tiegħi bħalissa. Għaliex qegħdin tkasbruni? X'taħsbu li jagħmilkom denji li tieqfu Quddiemi u titolbuni l-Ħajja Eterna? Jiena ngħidilkom li l-ebbusija ta' raskom tagħmikom għall-Verità tar-Rivelazzjonijiet Divini, li qegħdin ġa tkunu xhieda tagħhom, permezz ta' dawn il-Messaġġi Qaddisa lid-dinja.

Erwieħ ingrati, intom neqsin mill-għarfien, li kien mogħti lilkom bi tbatija, ġewwa l-Bibbja l-Iżjed Qaddisa. Għal kull lezzjoni li ġejtu mogħtija, intom ma tgħallimtu xejn. Il-kburija tagħkom u tfittxija biex tikkuntentaw lilkom infuskom, ixxebbani. Għajnejkom ma jistgħux jaraw, u b'hekk intom mhux ser tkunu mħejjija Għalija. Għal kull ma ġġibu fuq dawk li jitkellmu l-Verità u li jżommu l-Kelma Qaddisa Tiegħi – għalkemm intom teħduha kontrihom – intom ikollkom tiġu wiċċkom Miegħi. Hemm Jiena nitlobkom tiġġustifikaw kliemkom, għemilkom u l-atti tagħkom kontra Tiegħi. Intom qatt ma tistgħu tgħidu li intom Tiegħi, meta intom tiġġilduli, permezz ta' Kelmti li kienet mogħtija lilkom mill-Ħniena ta' Alla, li qatt ma jgħejja jiġri wara l-erwieħ.

**Meta intom tkunu mogħtija r-Rigal tar-rivelazzjoni privata, intom għandkom id-drittt li tiddixxernu. Imma m'għandkomx l-awtorità li tiġġudikaw lill-oħrajn jew li taħqruhom, saħansitra jekk m'humiex ġejjin Minni. Jiena, Ġesù Kristu, għidtilkom li m'għandkomx il-jedd li tiġġudikaw lil ħadd. Jekk tisfidawni, u saħansitra jekk tħossukom irrabjati għal profeti foloz, Jiena niġġudikakom u nikkastigakom, hekk kif intom tkunu kkastigajtu lil dawk li bgħadtu. Ma tistgħux toboghdu persuna oħra f'Ismi. Jekk toboghdu persuna oħra, dan**

**tagħmluh f'Isem Satana. Jiena nneħħi l-inkwiet tagħkom meta tiġu u titolbuni biex nifdikom minn dan id-dnub. Imma ħafna minnkom dan mhux ser jagħmluh, għax poġġejtu lilkom infuskom 'l fuq Minni, u ta' dan sejrin issofru.**

**Ħalli ħadd minn fostkom ma jiddikjara li xi ruħ hija ġejja minn tal-wieħed il-ħazin, għax hu, Satana, jieħu gost b'dawk li jagħmlu dan l-iżball. Ħadd minnkom m'hu tant meħlus mid-dnub li jista' jagħmel gudizzju bħal dan.**

Min hu minn Tiegħi u jafni verament, qatt ma jsawwat ruħ oħra f'Ismi.

Ġesù Tagħkom.

[Xejn ma jista' jiġi mix-xejn](#).

Is-Sibt, 1 ta' Novembru, 2014 @ 13.35

Għażiża maħbuba binti, attenta għal dawk li jiċħdu d-Divinità ta' Missieri. **Hu, u Hu biss, ħoloq id-dinja – kollox Minnu ġie. Xejn ma jista' jiġi mix-xejn. Dak kollu li hu u li għad ikun, ġej mill-Missier Etern Tiegħi.**

Il-Kelma ma tinkisirx u jekk u meta jiġri dan, taċċettaw xejn li huwa kontra tal-Verità. Qed tgħixu fi żmien meta kull evidenza tal-eżistenza ta' Alla u ta' kull ma ħoloq, sejra tkun miċħuda. Dak kollu li huwa għal qalbu, sejjer jiġi meqrud. Il-Ħolqien Tiegħu qed jiġi mfarrak minn dawk li jiċħdu Lilu. Il-ħajja li ġejja Minnu, qed tiġi meqruda, u l-Verità, li Hu ta lil uliedu permezz tal-Ktieb Qaddis Tiegħu, li fih it-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid, issa qed jiġi ddubitat. Ħafna minn dak li tgħid il-Kelma, ser jittieħed li mhux verità.

Kemm tħobbuH ftit Lilu, li Huwa l-Missier Etern tagħkom u kemm tapprezzawh ftit id-destin tagħkom, meta intom tagħżlu t-triq li taqbel biss għall-arroganza u l-pjaċir tagħkom. Il-bniedem li hu mimli bl-intellett tiegħu, l-għarfien u l-vanità, jibqa' jfittex triq lejn Alla, imma waħda li jagħmilha hu stess. Din tmexxieh ħażin u jispiċċa jgħix gidba. Meta timirħu f'din il-ħajja u tfittxu t-tifsira tal-eżistenza tagħkom, intom qatt ma ssibuha jekk ma taċċettawx il-Verità tal-Ħolqien.

**Alla, l-Missier Etern Tiegħi, ħoloqkom. Qabel ma taċċettaw dan u jekk tibqgħu taduraw allat foloz, il-paganiżmu tagħkom għad iniżżilkom għarkoptejkom u tiddispraw.** Wasal iż-żmien li intom taċċettaw kulma jagħti prova li Missieri ma jeżistix.

Intom ġejtu mogħtija l-Verità. Aċċettawha. Ħalluni mmexxikom minn idejkom għal għand Missieri ħalli nġibilkom is-Salvazzjoni Eterna. **Kull ħaġa oħra ħlief il-Verità teħodkom fit-triq lejn l-Infern.**

Ġesù Tagħkom.

**Jiena ġej meta intom lanqas li tkunu qed tobsru**.

Il-Ħadd, 2 ta' Novembru, 2014 @ 17.20

Għażiża maħbuba binti, Jiena nixtieq li intom ilkoll, is-segwaċi prezzjużi Tiegħi, tafdaw f'dak kollu li Jien għallimtkom u li qed ngħidilkom issa, għax il-Pjanijiet kollha Tiegħi huma skond ir-Rieda tal-Missier Etern Tiegħi. Qatt m'għandkom tibżgħu mill-futur, għax kollox jinsab fl-Idejn Qaddisa Tiegħu.

Afdaw u ssibu l-paċi. Il-Pjan Tiegħi fl-aħħar ser jitwettaq u t-tbatija tiġi megħluba u kull ħażen jispiċċa. Wasal iż-żmien li taċċettaw il-Verità, għalkemm din tista' tkun tal-biża'. Meta tpoġġu l-fiduċja kollha tagħkom Fija, Jiena nħaffef it-toqol tagħkom u l-Grazzji Tiegħi jimlewkom b'Imħabbti, li tagħtikom il-faraġ f'dawn iż-żminijiet iebsa.

Jiena ġej meta intom lanqas li tkunu qed tobsru, u sa dak in-nhar, għandkom titolbu, titolbu, titolbu għal dawk li ma jafux Lili, kif ukoll għal dawk li jafuni, iżda li jirrifjutaw li jaċċettaw Min Jiena.

Jiena nibqa' nxerred fuqkom id-Don tal-Paraklitu, sabiex naċċerta li intom ma titbegħdux Minni. Minn kull tip ta' Rigal jiġi mogħti lil dawk li jħobbu Lili li għandhom qlub umli u niedma. Iżda Mħabbti mhix sejra tilħaq lil dawk l-erwieħ li jqimu Lili bil-modi żbaljati tagħhom. Lanqas ma tmiss il-qlub ta' dawk rashom iebsa li jaħsbu li jafuni, imma li s-suppervja tagħmihom għall-Verità, mogħtija lilhom mill-bidu.

Il-Verità ġejja minn Alla. Il-Verità tibqa' sal-aħħar taż-żmien. Il-Verità daqt tidher fil-milja kollha tagħha, u hemm taqta' ġol-qlub ta' dawk li rrifjutaw l-Id Tiegħi ta' Intervent. Imbagħad, l-Armata Tiegħi sejra tqum fil-Glorja ta' Alla biex tipproklama l-Kelma Vera ta' Alla sal-aħħar jum. Huma jġibu magħhom l-erwieħ tal-pagani li fl-aħħar jindunaw li hemm Alla wieħed. Mhux sa jkunu l-pagani li ma jaċċettawx Lili. Minflok, sejrin ikunu l-erwieħ tal-Kristjani li ġew mogħtija l-Verità, li sejrin jaqgħu fl-iżball. Huwa għal dawn l-erwieħ Kristjani li Jiena nibki għalihom l-iżjed u huwa propju għalihom li nitlobkom biex titolbu, kull siegħa tal-ġurnata.

Ġesù l-maħbub tagħkom.

**L-Ewtanasja hija att diżgustanti f'Għajnejja.**

It-Tnejn, 3 ta' Novembru, 2014 @ 23.50

Għażiża maħbuba binti, l-ewtanasja hija dnub mejjet u ma jistax jinħafer. Kull min jgħin, ikun preżenti jew jiddeċiedi li jneħħi ħajtu stess, tkun xi tkun ir-raġuni, jagħmel dnub kbir f'Għajnejn Alla.

Li tieħu l-ħajja huwa wieħed mill-akbar dnubiet, u wara tiddikjara li l-mewt ippjanata ta' xi persuna, hija ħaġa tajba. Fost il-ħafna atti ppjanati kontra Alla, li qed jiġu ppreżentati lid-dinja f'dan iż-żmien, biex iħeġġu lin nies jidinbu kontra Alla, hemm id-dnub tal-ewtanasja. Tmorrux żbaljati, l-ewtanasja hija att diżgustanti f'Għajnejja, u ġġib magħha konsegwenzi gravi għal dawk li jieħdu sehem f'dan il-att.

**Huwa dnub mejjet li toqtol ruħ u dan jinkludi erwieħ mill-mument tal-konċepiment, sa dawk li qed jgħixu l-aħħar xhur tagħhom fuq l-art.** Xejn ma jiġġustifika li tieħu l-ħajja umana, meta din tkun qed tiġi esegwita biex isseħħ f'ħin speċifiku. Meta toqtol ruħ oħra ħajja, tkun qed tiċħad l-eżistenza ta' Alla. Meta dawk li jkunu ħatja ta' dan il-att, jaċċettaw l-eżistenza ta' Alla, meta jagħmlu dan il-att, huma jiksru l-Ħames Kmandament.

**Bħalissa hemm pjan biex iħeġġeġ miljuni li jneħħu l-ħajja tal-bniedem – kemm il-ħajja tal-ġisem kif ukoll il-ħajja tar-ruħ.** Meta tieħdu sehem bil-volontà tagħkom f'dan il-att, li jħammeġ il-qdusija tal-ħajja umana, intom ma jkollkomx ħajja – l-ebda Ħajja Eterna – u s-Salvazzjoni la tista' u lanqas ma tkun għalikom.

Ġesù Tagħkom.

**Ladarba l-konfużżjoni tidħol fil-Knisja, din toħloq in-nuqqas ta' ftehim. Kunu għafu li dan mhux ġej minn Alla**.

It-Tlieta, 4 ta' Novembru, 2014 @ 16.33

Għażiża maħbuba binti, l-Ktieb tar-Rivelazzjoni nfetaħ u kull saff qed jiġi muri lid-dinja. Kull knisja fid-dinja, li tqim lil Alla, titqabad biex iżżomm il-fidi f'Alla. Kull knisja ġiet attakkata u twaqqgħet għall-mistħija minn dawk ġewwa fiha, li jagħmlu dnubiet kbar, u li wara jaċċettawhom billi jiddikjarawhom li huma r-Rieda ta' Alla. Lanqas knisja waħda li taċċetta r-Rieda ta' Alla, ma tħalliet mhix minsusa mill-ħażen li ħatafha, u fejn il-Verità ġiet mibdula ma' kull skuża biex ikun miċħud Alla fil-Glorja kollha Tiegħu.

**Ladarba l-konfużżjoni tidħol fil-Knisja, din toħloq nuqqas ta' ftehim. Kunu għafu li dan mhux ġej minn Alla. Meta jiddaħħlu interpretazzjonijiet differenti tal-Verità, t-triq li twassal għand Missieri tas-Sema, tintela' bil-ħaxix ħażin li jitkattar malajr. Meta dan jiġri, tinħoloq triq kollha tajn, li ma tkunx tista' tgħaddi minnha.** Il-mogħdija lejn is-Saltna Tiegħi tas-Smewwiet hija magħrufa lill-bniedem. Hija triq sempliċi u vojta minn kull ma jista' jfixkel, jekk inti timxiha bil-kunfidenza f'qalbek. L-għedewwa Tiegħi dejjem sejrin jittantaw li jżommukom milli tgħaddu, u jekk intom tagħtu każ it-tgħajjir tagħhom, taqbdu mal-gideb tagħhom u tħallu d-dubji jċajpru l-ġudizzju tagħkom, intom issibu din il-mixja waħda ta' torturi.

Il-Kelma ta' Alla tibqa' issa kif dejjem kienet, u l-Għaxar Kmandamenti huma ċari – dawn qatt ma jinbidlu. It-triq lejn Alla hija li żżommu sogħod ma dak li Huwa għallem. Alla ma jagħmilx kompromessi, lanqas ma jaċċetta li xi bniedem jipprova jibdel il-Verità. Jekk intom temmnu f'Alla, intom timxu fuq il-Kmandamenti Tiegħu, taċċettaw il-Kelma kif inhi fil-Bibbja Qaddisa u tibqgħu fuq il-mogħdija tal-verità lejn is-Saltna Tiegħu. Imbierek il-bniedem ġust, għax hu meta joqgħod għal Alla, jieħu l-Imfietaħ tal-Ġenna.

**Kull min jipprova jittantakom biex taċċettaw xi ħaġa li mhix il-Verità, mhux ta' min jafdah. Afdaw biss f'Alla u qatt tħallu li tiġu ttentati biex titbegħdu minn Kelmtu, għax jekk taqgħu għal din il-pressjoni, intom Għalija tkunu mitlufin.**

Ġesù l-maħbub tagħkom.

## Alla l-Missier: Qisu li ħadd fostkom ma jkun injorant dwar il-Ġustizzja Tiegħi.

L-Erbgħa, 5 ta' Novembru, 2014 @ 13.30

Binti l-iżjed għażiża, ħobbni u kun għaf li Jiena ngħożż lil uliedi kollha. Imma kunu għafu ukoll, li l-Ġustizzja Tiegħi ta' min jibżgħa minnha. Qisu li ħadd fostkom ma jkun injorant dwar il-Ġustizzja Tiegħi, għax din tinfetaħ fuqkom bħal maltempata qalila u tiknes l-erwieħ ta' dawk li jirrifjutaw il-Ħniena Tiegħi.

**Ħafna ma jafux dwar ir-Rabja Tiegħi, iżda kunu għafu dan. Jekk bniedem li jaf Lili jidgħi bl-Ispirtu s-Santu, Jiena qatt ma naħfirlu. Xejn u ħadd ma jista' jibdel dan il-fatt, għax bniedem bħal dan ikun għazel id-destin tiegħu u ma jistax ikun hemm rikonċiljazzjoni. Lil dak il-bniedem li jieqaf Quddiemi u jiġġustifika t-teħid tal-ħajja, kunu għafu li Jiena neħodlu ħajtu. Jekk bniedem ibiegħ ruħu lil Satana, ma nkunx nista' neħodha lura, għax hu jkun sar ħaġa waħda mal-wieħed il-ħażin. Meta bniedem li jitkellem f'Isem Ibni, Ġesù Kristu, jeqred l-erwieħ ta' dawk li huma Tiegħi, dan jintrema lil hinn Minni għall-Eternità. Ibżgħu issa mill-Korla Tiegħi, għax sejjer nikkastiga lil kull ruħ li tisfida r-Rieda Tiegħi sal-aħħar.**

M'għandkomx tibżgħu mit-Tieni Miġja ta' Ibni, għax dan huwa Rigal. Intom m'għandkomx lanqas,tibżgħu mit-tbatija li jista' jkun li jkollkom iġġarrbu qabel dak il-jum, għax din tkun fil-qosor. Ibżgħu biss għall-erwieħ li Jiena ma nistax insalva u li mhux ser ikunu jridu jsalvaw lilhom infushom. Dawn huma l-erwieħ li jafu li Jiena neżisti imma li minflok jagħżlu lill-għadu Tiegħi.

Sejjer nintervjeni b'ħafna modi biex insalva lil dawk li ma jafunix. **Inneżża' lir-ruħ ta' dawk li jisfidaw kull Liġi li għamiltha Jiena u dawn isofru l-uġigħ tal-infern u l-Purgatorju, fuq din l-art.** B'hekk huma jitnaddfu u jkunu grati li nkun urejt din il-Ħniena magħhom issa. Aħjar jgħaddu minn dan issa, milli jsofru għall-eternità mal-wieħed il-ħażin. Qatt m'għandkom tistħarrgu t-Triqat Tiegħi, għax kulma nagħmel ikun għall-ġid ta' wliedi, ħalli jkunu Miegħi għal ħajja ta' Glorja Eterna.

Il-kastig Tiegħi, li ser jiġi fuq il-bniedem, iweġġagħni. Jaqsamli Qalbi, imma huwa meħtieġ. Dan l-uġigħ kollu jintesa u d-dawl jeqred id-dlam. Id-dlam qatt aktar ma jġib is-saħta tiegħu fuq uliedi. Ngħidilkom dan, minħabba li intom qed tkunu mmexxija fid-dlam permezz tal-qerq tax-xitan. Jekk ma ngħidilkomx bil-konsegwenzi, intom ma jkollkomx futur fil-Ġenna.

Kemm intesiet malajr il-memorja tal-Kmandamenti Tiegħi. Kemm jaqa malajr mill-Grazzja, l-bniedem, meta jonqos milli jżomm Kelmti.

Missiekom il-maħbub.

Alla l-Iżjed Għoli.

**Dawk li jaħsbu li Alla ma jikkastigax, dawn ma jafuHx**.

Il-Ħamis, 6 ta' Novembru, 2014 @ 17.40

Għażiża maħbuba binti, wasal il-waqt li l-Missier Etern Tiegħi, jiknes minn wiċċ id-dinja, t-tebgħa, li qed iġġib id-dlam fl-erwieħ tal-bnedmin. Huwa sejjer jikkastiga lill-ħżiena u jieħu ġewwa dirgħajH lil dawk li jżommu l-Kelma Vera ta' Alla. L-anġli Tiegħu sejrin jinżlu bħal waqt maltempata, u b'sikkek ta' qilla, jqaċċtu mill-għeruq il-marda li qed teqred l-erwieħ tal-bnedmin, ħalli d-dinja terġa' tindaf.

**Ibżgħu mill-Korla ta' Alla, għax meta jispiċċa f'rabja hekk kbira, l-bnedmin jitregħdu bil-biża'. Dawk li jaħsbu li Alla ma jikkastigax lill-ħżiena, dawn ma jafuHx.** Leħinhom kburi u qawwi, jimla lid-dinja bil-falsitajiet, u dawk li jaħsbu li huma denji li jingħatawlhom favuri, f'Għajnejn Missieri, iżda li l-ħin kollu jisħtuH qalb in-nies Tiegħi, dawn sejrin jitqaċċtu mill-ħamrija u jħabbtu wiċċhom mal-akbar kastig li qatt tferra' fuq l-umanità mill-għarqa lil hawn.

**Jinżlu l-anġli ta' Alla, u b'sikka f'idhom il-leminija, joforqu z-żbul mill-qamħ.** Dawk li jisħtu lil Alla, jiġu msikkta, dawk li jksakbru lil Bin il-Bniedem, jiġu msikkta, dawk li jiddesagraw lil Ġismu, jiġġerrew f'konfużżjoni, mitlufin u mħawdin, qabel ma jintefgħu fid-deżert.

**L-Imħabba ta' Alla ma ġietx reċiprokata u l-Ħniena Tiegħu ġa ma ntlaqgħetx.** L-erwieħ ingrati li xeħtu għajnejhom fuq il-pjaċiri tagħhom stess – u li daħħluha f'moħħom li jwettqu atti li ma jaqblux mar-Rieda tal-Mulej – sejrin iħossu l-uġigħ tal-kastig ta' Alla. Bħal sajjetta, bħal maltempata qawwija, ser jiġi taqlib kbir tal-art, li jinħass ma' kull parti tad-dinja.

Dawk li jafu l-Verità mhux ser ikollhom l-ebda biża' għax huma sejrin ikun xhieda tal-wegħdiet li hemm miktuba fl-Iskrittura Mqaddsa, f'dik li hija t-Tribulazzjoni l-Kbira li ġejja. Dawk li qatgħu lil Alla minn ħajjithom – daqs li kieku qatgħu driegħ jew sieq minn ġisimhom stess – mhux sa jkunu jafu l-konsegwenzi ta' meta wieħed jisħet lil Alla, qabel ma jkun tard wisq.

Intom li ttradejtu Lili, sejrin issofru l-iżjed. Intom li waddabtu l-ġebel lejn l-oħrajn, meta kontu taħsbu li qed tirrappreżentaw Lili, mhux sa jkollkom 'l fejn idduru. Għax kull fejn tippruvaw tistaħbaw, intom tinkixfu għarwenin u xejn ma jgħatti l-mistħija tagħkom. Ngħidilkom dan, għax il-paċenzja ta' Missieri spiċċat u fil-kamp tal-battalja sejrin joħorġu żewġ armati – dawk li huma Għalija u dawk li huma kontra Tiegħi.

Itolbu għall-Ħniena ta' Alla. U lil dawk li jsawtu lil Ġismi, kunu għafu dan. Jista' jkun li intom temmnu li tistgħu tarmuni min Dari stess, imma dak żball kbir min-naħa tagħkom.

Itilqu l-bogħod Minni, għax m'intomx Tiegħi. Il-ħażen tagħkom ikun il-waqgħa tagħkom u permezz tal-għaqda tagħkom mal-wieħed il-ħażin, intom inqtajtu mis-Saltna Glorjuża Tiegħi.

Ġesù Tagħkom.

## [Omm tas-Salvazzjoni:  Il-Ktieb tal-Verità jinsab fir-Rivelazzjoni Pubblika.]

Is-Sibt, 8 ta' Novembru, 2014 @ 17.05

Għażiża binti, illum huwa jum speċjali, għax is-Sema tiċċelebra l-anniversarju tal-ewwel messaġġ li kien ġie mogħti lilek bħala messaġġier ta' Alla.  Illum jiena ġejt biex nagħtikom l-aħbar li miljuni ta' nies sejrin jikkonvertu minħabba din il-missjoni.

Jiena tajt il-Messija lid-dinja, bħala qaddejja magħżula tal-Mulej.  Kont ġejt mogħtija rwol speċjali fil-Pjan Tiegħu biex isalva lil uliedu kollha, u llum, fir-rwol tiegħi bħala l-Omm tas-Salvazzjoni, jiena qed insejjaħ lil uliedu kollha.

**Qatt m'għandkom twarrbu l-attentati Tiegħu biex jagħtikom il-Verità.  Hu, l-Missier Etern tiegħi, jħobb lil kulħadd u din il-missjoni kienet ġiet imħabbra.  Huwa jagħti lid-dinja s-sigrieti li jinsabu fil-profeziji ta' Danjel u wara lid-dixxiplu magħżul Tiegħu, Ġwanni l-Evanġelista.  Il-Ktieb tal-Verità jinsab fir-Rivelazzjoni Pubblika u huwa mportanti li ma tirrifjutawx dan il-Ktieb Qaddis.**

Permezz ta' dawn il-messaġġi ġa kkonvertaw ħafna nies u jkun minħabba din il-missjoni li ħafna mill-umanità sejra tkun murija l-Ħniena ta' Alla.  Tirrifjutawx il-Ġenerożità Tiegħu, għax hija l-akbar xewqa Tiegħu, li jieħu lir-razza umana kollha flimkien, fid-dinja l-ġdida li għad trid tiġi.

Meta Ibni qam mill-imwiet, dan kien messaġġ lid-dinja.  Bħal Ibni, dawk li jibqgħu fidili lejH, iqumu fl-aħħar jum, bil-ġisem u bir-ruħ.  L-ebda wieħed li jitlob il-Ħniena Tiegħu, ma jitħalla b'xejn.  Sfortunatament, dawk li jitqabdu kontra Alla, minħabba r-ras iebsa tagħhom u l-mibegħda, dawn jindaħlu mal-Ġirja Tiegħu biex jgħaqqad lil uliedu kollha.

Kunu grati għall-Ħniena ta' Alla.  Kunu grati tat-Talb tal-Kruċjata, ghax dawn iġibu magħhom Barkiet kbar.  Jiena nitlobkom tħallu lili, l-Omm maħbuba tagħkom, nimla lil qlubkom fil-ferħ.  Tridu tħallu l-ferħ, li jista' jkun ġej biss minn Alla, jfawwar lil ruħkom, meta tafu dak kollu li għad irid iseħħ.  Ibni ġej dalwaqt biex jieħu lura s-Saltna, li hija Tiegħu.  Is-Saltna l-Ġdida, ladarba tqum mill-irmied li jkunu għadhom idaħħnu, sejra ġġib ferh u hena lil kull wieħed minnkom.  Għax hemm intom tkunu wasaltu fid-Dirgħajn tar-Re li jilqagħkom, il-Messija, li għamel sagrifiċju kbir ghas-salvazzjoni tagħkom.

Nitlobkom taċċettaw dan ir-Rigal kbir.  Thallux lil dawk l-erwieħ li qlubhom tnawru bil-mibegħda, jeħdukom 'l boghod mill-Verità.  Mingħajr il-Verità ma jistax ikun hemm hajja.

Morru, għeżież uliedi, u itolbu lili biex nipproteġikom dejjem, għax il-missjoni tiegħi hija li neħodkom tul it-triq iebsa lejn it-Tronn tal-prezzjuż Ibni, Ġesù Kristu.

Ommkom

Omm tas-Salvazzjoni.

## Minħabba din il-Missjoni, Jiena sejjer insalva ħames  biljun ruħ.

Il-Ħadd, 9 ta' Novembru, 2014 @ 15.20

Għażiża maħbuba binti, kull ma dejjem xtaqt li nagħmel huwa li nsalva l-erwieħ tal-ulied ta' Alla.  Kull ma xtaq il-Missier Etern Tiegħi kien li wliedu jħobbuH kif iħobbhom Hu.

Saħansitra meta l-ewwel wild Tiegħu rrifjutaw Imħabbtu, l-maħbub Missieri sawwar l-Għaxar Kmandamenti, biex bihom il-bniedem jgħix skond ir-Regoli Tiegħu.  Ix-xewqa tal-bniedem dejjem trid tkun li jaqdi lil Sidu, u sabiex  jagħmel dan, huwa għandu juri mħabba lejn ħutu.  Meta jħares il-Liġijiet ta' Alla, huwa jibqa' leali lejH u joqrob iżjed lejH.  **Iżda meta jwarrab l-Għaxar Kmandamenti, l-bniedem ipoġġi distanza kbira bejnu u bejn Alla.**

L-aħħar Missjoni Tiegħi, biex inġib il-frott tas-salvazzjoni tal-bniedem, tat ħafna Rigali.  **Issa nixtieq li kull wieħed minnkom, mill-jum, u kull jum mill-lum 'l quddiem, jgħid it-Talba tal-Kruċjata (33) u żżommu kopja tas-Siġill ta' Alla l-Ħaj, qrib tagħkom.  Ħafna nies li jista' jkun li lanqas biss jafu b'din il-Missjoni, jistgħu wkoll ikollhom il-Ħarsien tas-Siġill, meta intom titolbu għalihom, waqt li tkunu tgħidu din it-talba.**

**L-ulied kollha ta' Alla li għandhom is-Siġill ta' Alla l-Ħaj, sejrin ikunu immuni għat-taqlib li ġej, hija u tinfirex it-Tribulazzjoni l-Kbira.** Jiena nitlob li intom lkoll tagħmlu dan illum, għax qed inwegħdkom ħarsien kontra l-persekuzzjoni tal-Fidi Kristjana u t-taqlib li sejrin tkunu xhieda tiegħu fl-erbat irkejjen tad-dinja.  Nitlobkom li ma tħallux il-biża' jħawwad lil qlubkom.  Filwaqt li Jiena nixtieq li nsalva lid-dinja kollha, permezz tal-Ħniena Tiegħi, **Jiena issa qed niddikjara li sejjer insalva ħames biljun ruħ permezz ta' din il-Missjoni.  Qed niddikjara li din hija waħda mill-akbar Ħniniet li Jiena qatt tajt lil ulied Alla f'kull żmien fl-istorja tad-dinja.**

Kunu għafu wkoll, li sejjer naqta' fil-qasir it-tbatija, li sejjer iġibha l-bestja fuq l-umanità, hekk hija kbira l-Ħniena Tiegħi.  **Imma l-ewwel, taraw il-Kastig ta' Alla, għax dan kien ġa mħabbar u huwa parti meħtieġa għall-purifikazzjoni tal-bniedem.**

Afdaw Fija.  Erfgħu qlubkom u qatt tibżgħu mill-ħażen li sejrin taraw dalwaqt.  Ħallu l-hena  timla lil ruħkom, jekk intom temmnu Fija.  Sejjer inslava lil dawk kollha li għalihom intom titolbu l-Ħniena Tiegħi, permezz tat-Talb Tiegħi tal-Kruċjata.  L-uniku dnub li  ma jistax jinħafer, huwa d-dnub etern tad-dagħa kontra l-Ispirtu s-Santu.

**Illum huwa l-jum li Jiena solennement inwiegħed li ngib lill-umanità, l-imħabba, l-paċi u l-hena tas-Saltna Tiegħi permezz tas-salvazzjoni ta' ħames biljun ruħ.**

Inħobbkom u ngħożżkom ilkoll.  M'hemm xejn li ma nagħmilx għalikom, jekk din tkun ir-Rieda ta' Alla.  Kulma għandkom tagħmlu huwa li titolbuni.

Ġesù Tagħkom.

## **Ħajjitkom fuq l-art hija prova tal-imħabba tagħkom Għalija.**

L-Erbgħa, 12 ta' Novembru, 2014 @ 23.45

Għażiża maħbuba binti, hija ħaġa naturali li n-nies jibżgħu minn dak li ma jafux u għalhekk jibżgħu mill-mewt. Il-mewt hija waħda mill-iżjed ħwejjeġ li jbeżżgħu fil-moħħ tal-bniedem, għax ħafna huma għomja għall-Wegħda Tiegħi tal-Ħajja Eterna. Li kieku kellhom jaraw is-Saltna Glorjuża Tiegħi, hemm il-mewt ma jkollha l-ebda saħħa fuqhom.

Jiena nilqa' lill-erwieħ kollha fis-Saltna Tiegħi. Ma nżommx post biss għal dawk qaddisa u magħżula, għalkemm għal dawn hemm post speċjali fis-Saltna Tiegħi. Nilqa' l-midinbin kollha, inklużi dawk li għamlu dnubiet terribbli, għax qabel kollox Jiena Alla ta' Mħabba Kbira. Nilqa' lil kull min isejjaħli biex nirrikonċiljaw u bl-indiema. Meta jiġri hekk, qabel il-punt tal-mewt, Jiena nilqa' lil kull ruħ u ngħannaqha.

**L-unika barrikata bejn ruħ il-bniedem u s-Saltna Tiegħi, huwa d-dnub tal-kburija. Il-bniedem kburi, għalkemm jista' jistħi minħabba dnubu, dejjem jipprova jiġġustifikah b'xi mod. Issa Jiena ngħidlu hekk. Żewġ affarijiet ħżiena ma jagħmlux għemil ħażin, tajjeb. Il-bniedem imkabbar jitlef wisq żmien jaħsibha jekk għandux bżonn li jiġi mifdi Minni jew le. Imma l-mewt tista' tiġi f'mument, u meta lanqas li tkun qed tistenniha. Il-bniedem ħieles mill-kburija, jintelaq Quddiemi u jittallabli li naħfirlu u hu jitgħolla.**

Tibżgħux mill-mewt, għax hija l-bieb li twassal għas-Saltna Tiegħi. Kull ma nitlob hu li tħejju għal dak il-jum billi tgħixu l-ħajja kif għallimtkom Jien. Ma nitlobkomx li tieqfu mir-responsabbiltajiet tagħkom ta' kuljum. Għandkom dmir lejn l-oħrajn, qatt m'għandkom tħossu li għandkom tinqatgħu minn dawk li tħobbu, meta intom timxu warajja. Nixtieq li tħobbu l-familji tagħkom u lil ħbiebkom, u tagħtuhom il-ħin li jeħtieġu biex tiżguraw li turu mħabbitkom bil-miftuħ wieħed lejn l-ieħor. Ħobbu lil kulhadd kif ħabbejtkom Jien. Agħmlu dan bil-mod kif timxu man-nies, bil-ħin li tgħaddu f'armonija mal-oħrajn, b'dak li tgħidu dwarhom mal-oħrajn u b'kif tgħinu lil dawk li ma jistgħux jgħinu lilhom infushom. Ħajjitkom fuq l-art hija prova tal-imħabba tagħkom Għalija. Turu mħabbitkom Għalija bl-imħabba li turu lill-oħrajn, inklużi dawk li jisħtukom.

Huwa mportanti li dejjem titkellmu Miegħi kuljum, jista' jkun għal ftit minuti biss. Ikun f'dak il-ħin li nberikkom. Nitlobkom biex qatt ma tħallu l-biża tad-dinja l-ġdida li għad trid tiġi, jġegħlkom titilqu waħedhom lil dawk qrib tagħkom. Tridu tiffukaw Fuqi u meta tagħmlu dan issibu l-paċi. Imbagħad għandkom tieħdu dan ir-Rigal tal-paċi lill-maħbubin tagħkom. Iżda kunu għafu li intom sejrin issofru għax tħobbu Lili u sejrin tesperjenzaw il-mibegħda mill-oħrajn. Biex tieqfulha, lil din il-mibegħda, intom għandkom twieġbu bl-imħabba. Dejjem.

**Jien inġibilkom il-ħelsien mill-irbit tal-mewt u din ma jkollha l-ebda setgħa fuqkom. Minhabba l-Qawmien Tiegħi, intom terġgħu ssiru sħaħ, b'gisem u ruħ perfetti, fis-Saltna l-Ġdida Tiegħi. Minn xhiex tridu tibżgħu, jekk Jiena sejjer inġibilkom dan ir-Rigal tal-Ħajja Eterna.**

Ġesù l-maħbub tagħkom.

## Qalu li kont raġel ħażin u profeta falz, għalhekk tawni s-swat.

Il-Ħamis, 13 ta' Novembru, 2014 @ 11.10

Għażiża maħbuba binti, illum sejjer nurik wieħed mill-akbar misteri ta' l-aħħar zminijiet.

Is-sekwenza tal-ġrajjiet li sejrin iwasslu għall-aħħar jum, jixbħu lit-Tislib Tiegħi, li sejjer jerġa' jingħex f'kull stadju tiegħu, sa dak il-jum li fih niġi biex insalva lid-dinja.

Meta kont fil-Ġnien tal-Ġetsemani, kont maqtugħ Għalija, waħdi u mifni bin-niket, għax kienu ftit ħafna dawk li kienu emmnu li kont ngħid il-Verità. Imħabbti għal Missieri żammitni, u Mħabbti għall-umanità kienet tfisser li t-torment li kont għaddej minnu, dak mentali u fiżiku, minn taħt idejn Satana, kont aċċettajtu, għalkemm bi tbatija kbira.

Kemm batejt f'dak il-Ġnien. Kemm tlabt lil Missieri biex jeħlisni. Kif kont qalbi maqsuma meta l-wieħed il-ħażin urieni kif kellha tispiċċa d-dinja. Hu ttentani, daħaq bija, beżaqli u naffar, meta wrieni l-erwieħ tal-għedewwa Tiegħi, li darba kellhom jgħidu li huma jaqdu l-Knisja Tiegħi. **Kien bħallikieku kont qed niġi muri lill-appostli l-maħbubin Tiegħi, jixluni u wara jagħmlu patt ma' Satana. Urieni l-erwieħ tal-fidili, li l-ilħna tagħhom sejrin jittieħdu bħala tat-tradituri u li jkunu wettqu krimini kbar. Rajt lil dawk li kienu jgħidu li jirrappreżentaw Lili, jippersegwitaw lill-profeti u l-viżżjunarji, kif ukoll lil dawk li kienu jfittxu l-qerda tagħhom. Kelli ngħaddi minn dlam kbir meta rajt id-dinja, li darba kont għext fiha, ssir mhux biss għamja u ma tarax min Jien Jiena, imma li qatt ma kienu ser ikunu qalulha dwari.**

Satana xeħetni mal-art, Wiċċi fil-ħamrija, tani bis-sieq, tani bil-frosta u qattali ħwejġi. Itturmentani iżjed milli jiflaħ l-uman u ġismi kien taħt pressjoni kbira. Għalkemm b'dan kollu, kont mogħti s-saħħa biex nibqa' miexi sat-Tislib Tiegħi li ma stajtx neħilsu, u dan kien iwerwirni. Iżda Mħabbti għall-bniedem kienet akbar mill-biża' umana.

Il-qaddejja qaddisa Tiegħi, li sejrin jirrifjutaw li jixlu Lili, sejrin jgħaddu mill-istess iżolament. Huma sejrin jitilfu wiċċhom u jintremew. L-iżolament tagħhom mhux sejjer ikun ikkundannat mill-Knisja Tiegħi, minħabba l-biża' li hemm ġewwa fiha.

Meta kont ifflaġellat, dawk li għamlu l-iżjed atti vili fuq Ġismi, ferħu. Kienu jgħidu li Jiena bniedem ħażin u profeta falz u għalhekk tawni s-swat. Kienu jiftaħru bil-qdusija tagħhom, kemm kienu tajbin u bl-għarfien tal-Iskrittura Mqaddsa, meta kienu qed iwaqqgħu lil Ġismi. Naqsu milli jaċċettaw il-profezija li l-Messija għandu jiġi u jsalvhom. Dawk li sejrin jipproklamaw it-Tieni Miġja, jgħaddu mill-istess trattament.

Meta neżżgħawni għarwien, huma riedu jżidu jumiljawni u għalhekk libbsuni biċċa ħamra li bilkemm kienet tgħattini, sabiex ikomplu jiddesagrawni. Iżda meta deffsu x-xewk, bħal-labar, ġewwa Rasi, huma ddikjaraw li Bin il-Bniedem kien impustur u

għalhekk ma kienx ħaqqu li jkun aċċettat. Ħarġuli għajni mill-ħofra tagħha, imma l-uġigħ ma kien xejn ħdejn id-dikjarazzjoni tagħhom li Jiena ma kontx aċċettat bħala s-Salvatur ta' wlied Alla.

Dawn il-ħwejjeġ dalwaqt jerġgħu jseħħu kollha, meta Jiena, Ġesù Kristu, bħala r-Ras tal-Knisja Tiegħi, niġi mwarrab u l-Kuruna Tiegħi titteħidli. Mexxej falz, l-antikrist, jitpoġġa bħala Rasi, u kontra tal-Ħaruf tas-Sagrifiċju, huwa jilbes kuruna tlellex tad-deheb. Taħt din il-qoxra, jkun hemm ġewwieni mnawwar, u flimkien mal-gideb, falzitajiet, dagħa, u ereżiji, li joħorġu minn fommu, huwa jagħti kollox daqs li kieku għasel ħiereg mix-xehda tan-naħla. Titqarrqux, il-bestja ser ikun sabiħ, leħnu jwennes u l-manjieri tiegħu grandjużi. Ikun gustuż u jiġbdek, iżda minn fommu joħrog il-velenu li javvelena lil ruħkom.

Meta ġarrejt is-Salib Tiegħi, ma stajtx nagħmel dan waħdi. Kien tqil wisq, tant li stajt nagħmel biss pass wieħed kull darba u nimxi bil-mod ħafna. Ġismi kien imqatta' f'bosta bnadi u bid-Demm li tlift ħassni ħazin ħafna drabi, daqshekk kont dgħajjef. Kont għami minn għajn waħda u x-xewk ta' fuq Rasi kienu jfissru li d-Demm li gelgel mill-ġrieħi Tiegħi, kellu jiġi mimsuħ il-ħin kollu minn dawk li kienu jimxu ma' ġenbi. Kieku lanqas kont nagħmel pass ieħor 'l quddiem.

L-istess ser jiġri lill-Knisja tal-Fdal Tiegħi, l-aħħar biċċa minn Ġismi. Huma jimmarċjaw kif għamilt Jien, b'salib tqil, u għalkemm iweġġgħu, jkunu abbużati, ibatu u jinxtered demmhom, huma jibqgħu sal-aħħar. Għax id-Demm Prezzjuż Tiegħi jinxtered fuq ruħhom flimkien man-Niket Tiegħi – It-Tislib Tiegħi. U dak il-jum li fih ma jibqgħux jagħmlu s-Sagrifiċju tal-Quddiesa ta' kuljum, il-Preżenza Tiegħi tisparixxi. Meta jasal il-jum li l-Ġisem Tiegħi – il-Knisja Tiegħi fuq l-art – tiġi misruqa, msallba u ddesagrata, kollox jinbidel għal dejjem.

Huwa l-Ġisem Tiegħi, l-Knisja Tiegħi, li waqt li tibqa' ħajja fid-dinja, tibqa' żżomm il-ħajja. Iżda meta din tinqered, il-ħajja kif tafuha intom tispiċċa. Meta l-Knisja Tiegħi tiġi ttraduta, sagrifikata u mormija, kif ġara fit-Tislib Tiegħi, dan ikun juri t-tmiem taż-żmien.

Ġesù Tagħkom

## L-uniku għan tar-rivelazzjoni privata, huwa li jsalva l-erwieħ.

Il-Ħamis, 13 ta' Novembru, 2014 @ 23.20

Għażiża maħbuba binti, Alla permezz tar-rivelazzjoni privata, ta lil uliedu għarfien aħjar ta' dak li jinsab fl-Iskrittura Mqaddsa. Jekk Alla jiddeċiedi li jagħti lil uliedu Rigali żejda, dik tkun l-għażla Tiegħu. Li kieku ma kienx għal Rigali bħal dawn, bħalma huwa r-Ružarju Mqaddes, kieku l-erwieħ kienu jintilfulu.

Intom, maħbubin segwaċi Tiegħi, għandkom tifhmu li l-uniku għan tar-rivelazzjoni privata, huwa li jsalva l-erwieħ permezz tal-konverżjoni. It-talb huwa dejjem parti mir-rivelazzjoni privata u hekk tkunu tafu li ġejja mis-Sema.

**Intom m'għandkomx għalfejn tisimgħu Lili bħalissa, għax dak kollu li Alla riedkom tkunu tafu jinsab fl-Evanġeli l-Iżjed Qaddisa. Sfortunatament ftit wisq mis-segwaċi Tiegħi qabdu xi jfissru l-lezzjonijiet li jinsabu fihom. Il-Verità tinsab kemm fit-Testment il-Qadim u fil-Ġdid. Minn dejjem kienet ix-xewqa ta' Alla li jintervjeni fid-dinja billi jagħti l-Verità lil erwieħ magħżula, bħala mezz biex jiftiehem aħjar dak li huwa meħtieg biex issalva ruħek. Huwa wkoll mezz li bih iwissi lil uliedu meta jkunu qed jiġu mmexxija ħażin mill-għedewwa Tiegħu.**

Il-Ktieb ta' Missieri fih il-Verità u qatt ma jista' jiżdied xejn Miegħu, jew jiġi kkoreġut. Lanqas ma jista' jiġi mibdul b'xi mod. Huwa d-dmir Tiegħi bħalissa li niddikjara li dak li jinsab fil-Ktieb tar-Rivelazzjoni, biex jghinkom tifhmu li kull profeziija li tinsab fih, sejra sseħħ, għax il-Kelma nkitbet.

**Il-kontenut ta' dan il-Ktieb, huwa diffiċli biex taqrah għax iħabbar l-aħħar tradiment Tiegħi, Ġesù Kristu, minn dawk li jgħidu li jiggvernaw il-Knisja Tiegħi. Ħalli tinstema' l-Verità, għax din inkitbet u dak li jinkiteb minn Alla, huwa sagrosant.**

Ġesù Tagħkom.

## Il-pagani li jwarrbu l-Verità, sejrin jidħlu fid-Dar Tiegħi.

Is-Sibt, 15 ta' Novembru, 2014 @ 10.22

Għażiża maħbuba binti, ħalli tkunu tafu li kull min jirrifjuta l-Ktieb tar-Rivelazzjoni, jkun qed jiċħad il-Kelma ta' Alla. Il-Verità tinsab hemm u jekk xi ħadd inaqqas minnha, jiċħad il-profeziji mħabbra jew iżid magħhom b'xi mod, dan jinxteħet fid-deżert.

Il-Verità twassalkom għas-salvazzjoni, u t-triq lejn il-Ġenna l-Ġdida, twassal għal Għandi. Huwa permezz Tiegħi biss, Ġesù Kristu, Bin il-Bniedem, illi s-salvazzjoni tista' tingħata lill-bniedem. **Jiena t-Triq u d-Dawl. Huwa biss permezz Tiegħi u meta taċċettaw Min Jien, li intom tkunu tistgħu taraw id-Dawl ta' Alla. M'hemmx triq oħra. Imxu fuq triq oħra li tagħzlu intom, imma l-ebda waħda ma twassalkom għand Alla.**

Jekk intom Tiegħi, għandkom tonoraw lil ħutkom permezz tal-imħabba, qalb tajba u paċenzja. M'għandkomx tiġġudikaw lill-oħrajn minħabba t-twemmin reliġjuż tagħhom. Għandkom tħobbuhom kif inħobbhom Jiena. Dan ma jfissirx li għandkom tħaddnu t-twemmin tagħhom jew turu reverenza lejhom, għax meta tagħmlu dan, intom tiċħdu Lili. Ma tistgħux taqdu żewġ imgħallmin. Qatt m'għandkom tinsultawni billi turu għaqda ma' allat foloz li jġibuhom qabli.

**Dak il-jum li intom tqimu allat foloz taħt is-Saqaf Tiegħi, jkun il-jum li fih inqajjem maltempata fit-Tempju Tiegħi u neqred kulma hemm ġewwa fih. Kemm hi bierda l-fidi ta' xi xħud mill-qaddejja Tiegħi li jagħmlu minn kollox biex jimpressjonaw il-popolin u jfittxu li jkunu adurati. Kemm qed jiġi muri ftit rispett Lejja, f'Dari stess, fejn dak kollu li tajtkom ġie mwarrab mal-ġenb bla każ ta' xejn, sakemm fl-aħħar xejn Minni ma jibqa' fil-Knisja Tiegħi.**

Intom, il-maħbubin segwaċi Tiegħi u l-qaddejja mqaddsa Tiegħi, li tibqgħu leali lejn il-Kelma, sejrin iġġorru tagħbija tqila. Ikollkom issofru l-uġigħ u l-indinjazzjoni meta taraw is-sagrileġġi, l-ereżiji u l-prattiċi tal-okkult. Filwaqt li dawn il-vjolazzjonijiet mwettqa fuq il-Ġisem Qaddis Tiegħi, sejrin ikunu moħbija bir-reqqa, dawk li għandhom id-dixxerniment ta' veru, ser ikunu maħsuda, imma bla saħħa, meta jiġru dawn il-ħwejjeġ. Hekk sejjer ikun il-qerq li ser jidwi ma' kull rokna, tant li trid armata ta' elfejn raġel biex twaqqaf lil dawn l-impusturi milli jagħmlu l-ħsara.

Dawn l-impusturi jkunu mmexxija minn dawk li m'humiex ġejjin Minni. Huma daħlu fil-Ġisem Tiegħi, b'mezzi mgħawġa u kellha tieħu żmien twil ħafna qabel ma finalment jaħtfu l-Knisja Tiegħi. Dalwaqt l-għemejjel tagħhom ser juru għal xhiex inhuma, u jarawhom dawk li huma mberkin bid-Don tal-Ispirtu s-Santu.

Il-pagani li jwarrbu l-Verità, sejrin jidħlu ġewwa d-Dar Tiegħi fejn sejrin ikunu milqugħin b'dirgħajn miftuħa. Lilkom ser jgħidulkom li għandkom turu mħabba lejn l-ulied kollha ta' Alla, biex isikktu lil dawk li jopponuhom. Veru ftit nies sejrin jiddefendu Lili, Ġesù Kristu, u dawk li jażżardaw isibu oġġezzjoni għal dawk iċ-ċeremonji ta' dagħa, li għad jinżammu fuq l-artali, li qabel kienu jzommu l-Ewkaristija l-Iżjed Qaddisa, dawn jiġu msikkta.

L-għedewwa Tiegħi jistgħu jaħtfu d-Dar Tiegħi, iżda mhux il-Knisja Tiegħi, għax il-Kristjani madwar id-dinja kollha, huma l-Knisja Tiegħi. Il-fidili, li huma dawk li għad jirrifjutaw li jiċħdu l-Kelma ta' Alla, u li qatt m'huma sejrin jaċċettaw xi tbagħbis mal-Kelma Qaddisa ta' Alla, għad iżommu l-Knisja Tiegħi fuq l-art. Xejn ma jirbħilha.

Ġesù Taghkom.

## Omm tas-Salvazzjoni: Jekk ma tistaqsuHx, Ibni kif jista' jgħinkom?

Il-Ħadd 16 ta' Novembru, 2014 @ 14:20

Għeziez uliedi, fi żminijiet ta' niket u tbatija tridu dejjem issejħu lili, Ommkom, sabiex ngħinkom itaffu l-inkwiet tagħkom, jkunu kemm ikunu iebsa ċ-ċirkustanzi tagħkom.

Ftakru li meta nippreżenta t-talba speċjali tagħkom lil Ibni, jekk din tkun talba għas-salvazzjoni ta' ruħkom jew dik ta' xi ħaddieħor, Hu dejjem se jwieġeb għat-talbiet Tiegħi. Jekk ikun sabiex tistaqsu għall-barka speċjali jew ghall-fejqan, jien dejjem nintervjeni f'isimkom. Lanqas talba waħda ma tiġi njorata u jekk tkun ir-Rieda ta' Alla, t-talb tagħkom jiġi mwieġeb. M'hemm ebda ruħ fuq l-art li ma tistax titlob għall-għajnuna ta' Ibni, jekk dawn jitolbuH għas-salvazzjoni tagħhom.

Ibni se jagħti konċessjonijiet speċjali għal kull ruħ li intom titolbu għaliha. Il-Ħniena Tiegħu hija kbira, l-Imħabba Tiegħu bla qies. Qatt tibżgħu tfittxuH u tistaqsuH għall-Ħniena Tiegħu. It-Talb, għeżież Uliedi, huwa mezz b'saħħtu ħafna li bih tiksbu l-Ħniena ta' Alla. Anqas talba waħda ma tiġi njorata. Imma jekk ma tistaqsuHx, Ibni kif jista' jghinkom?

Itolbu, itolbu, itolbu fi kliemkom, għax Alla qatt mhu se jonqos milli jweġibkom.

Ommkom il-maħbuba.

Omm tas-Salvazzjoni.

## Alla qatt ma jagħti duttrina oħra għax Hu ta Kelmtu lid-dinja

Il-Ħadd, 16 ta' Novembru, 2014 @ 20:10

Għażiża maħbuba binti, Satana huwa r-re tal-gideb, is-sid tal-qerq u hu jiġġerra mad-dinja bil-libertà, jibla' l-erwieħ kull sekonda. Il-poter tiegħu ġej mill-fatt li ħafna nies ma jemmnux li hu jeżisti. Huwa ħa f'idejh il-qlub u l-erwieħ ta' ħafna u dan kif jaħdem hu.

Huwa jgħid il-gideb lil dawk li jinfesta, biex iħeġġiġhom jidinbu. Huwa jikkonvinċi dik ir-ruħ li d-dnub ma jagħmilx ħsara u li huwa aċċettabbli li twettaq minn kull dnub, li huwa speċjalment marbut miegħu. Dawn id-dnubiet jinkludu ġustifikazzjoni ta' kull għemil ħażin tal-ġisem inkluża l-promiskwità sesswali; immoralità u tbaħrid. Meta l-ġisem uman jigi wżat biex jitwettqu dawn l-atti, li huma tal-mistħija f'Għajnejn Alla, intom tkunu tafu li dan huwa sinjal ta' l-influwenza satanika.

**Meta l-wiehed il-ħażin jinfluwenza l-erwieħ ta' dawk li huma responsabbli għad-direzzjoni spiritwali ta' l-erwieħ, fil-Knisja Tiegħi, biex iħajru għad-dnub, hu**

**jagħmel dan b'mod makakk. Sejrin jghidulkom biex tiġġudikaw il-midneb, imma lanqas kelma waħda ma tingħad biex jiġi kkundannat id-dnub, f'Għajnejn Alla.**

Meta Satana jkun irid jeqred l-imħabba, hu jagħmel dan billi jikkawża nkwiet fir-relazzjonijiet; joħloq mibegħda fil-qlub tal-bniedem billi jimlielu rasu bil-gideb, jinkoraġġixxi l-bnedmin jiġġieldu kontra xulxin permezz ta' konflitti u gwerrer. Huwa se jittanta lill-bniedem, permezz tal-influwenza ta' erwieħ oħra, li diġà jkunu ċedew għat-tentazzjonijiet tiegħu.

**Gideb, dagha u mibegħda huma l-mezzi li permezz tagħhom Satana jaħdem biex jifrex l-infestazzjoni tiegħu. Huwa uri lill-erwieħ sigurta' falza, meta bniedem jgħid lill-ieħor li d-dnub mhuwiex kontra l-Liġijiet ta' Alla, għax huwa xi ħaġa naturali. Ulied Alla, għalhekk jitħawdu, minħabba li l-liġijiet stabbiliti Minnu ġew mibdula u n-nies ma jkunux jistgħu jagħżlu liema naħa għandhom imorru.**

Għandkom għażla waħda biss. Aqraw il-Bibbja Mqaddsa u ftakru fil-Verità. Qegħda hemm għalikom biex taqraw bl-iswed fuq l-abjad. Jekk intom taċċettaw il-Verità li tinsab fil-Ktieb Imqaddes ta' Missieri, u temmnu li Hu ddetta lil Mosè, l-Għaxar Kmandamenti Tiegħu, allura m'għandkom qatt taċċettaw ebda duttrina oħra.

Alla qatt ma jagħti duttrina oħra għax Hu ta Kelmtu lid-dinja. Xejn minnHa ma jista' jiġi mibdul. Il-bniedem li jipprova jibdilha, biex tkun addatta għall-ħajjiet tal-midinbin, se jkun ħati ta' dnub kbir u jsofri għal dan l-affront ta' l-Ispirtu s-Santu.

Ġesu` Tagħkom.

## Omm tas-Salvazzjoni: Aktar ma titolbu, aktar tkun b'saħħitha ir-relazzjoni tagħkom ma' Alla

It-Tnejn 17 ta' Novembru, 2014 @ 19:20

Għeżież uliedi, għall-maġġoranza kbira tan-nies, it-talb mhuwiex faċli. Għal dawk ta' ftit fidi, jista' jkun biċċa xogħol iebsa u ħafna ma jifhmux it-tifsira tat-talb jew għaliex huwa importanti.

Meta tkunu qegħdin f'relazzjoni ta' mħabba ma' persuna oħra, huwa mportanti li titkellmu ma' xulxin. Mingħajr komunikazzjoni, r-relazzjoni tbati, sakemm biż-żmien ir-relazzjoni tmut. L-istess jiġri meta tikkomunikaw ma' Alla. Ma tistgħx tarawH, tmissuH jew tħossuH, imma meta titkellmu Miegħu, Hu jweġibkom. Hekk huwa l-Misteru tad-Divinita ta' Alla. Biż-żmien, dawk li jitkellmu ma' Alla, permezz ta' Ibnu l-Maħbub Tiegħu, Ġesù Kristu, jsawru rabta qawwija Miegħu.

Uliedi, meta ssejħu lil Ibni, fi kliemkom, Hu jisma kull karba ta' dieqa u kull talba magħmula Lilu. Meta tissuktaw titkellmu ma' Ibni, bil-modi tagħkom, wara ftit, se tkunu tafu li Hu jismagħkom. Dawk l-erwieħ li jitkarrbu għall-Ħniena, jew għall-erwieħ tagħhom stess jew għas-salvazzjoni ta' l-oħrajn, dejjem jirċievu Rigali speċjali mill-Ġenna.

**It-Talb mhux ikkumplikat. Huwa sempliċi daqs meta ssejħu lil xi ħadd li intom tħobbu. U meta tħobbu lil xulxin, tistgħu sserrħu raskom li Alla huwa preżenti għax Huwa Mħabba.** Meta intom tħobbu verament lil xi ħadd, dejjem ikun hemm fiduċja f'qalbhom. Jekk tħobbu lill-Ibni, tridu Tafdawh. Jekk Tafdawh, allura kunu għafu li Hu dejjem jistennikom b'imħabba u emozzjoni. Jifrah meta ssejħulu, għax Hu jagħmel minn kollox biex iġibilkom il-Paċi Tiegħu u l-Faraġ.

Qatt m'ghandkom tibzghu titkellmu ma' Ibni, permezz tat-talb. Huwa jixxennaq għall-kumpanija tagħkom u ftit zmien ieħor ma jkollkom ebda dubju dwar l-Eżistenza Tiegħu. Aktar ma titolbu, aktar tkun b'saħħitha r-relazzjoni tagħkom ma' Alla. Dawk imbierka b'imħabba tant profonda u obbidjenti lejn Ibni, se jkollhom paċi fi ħdan qlubhom li l-ebda tbatija fuq din l-art, ma' tista' tħassar.

Itolbu kuljum. Tkellmu ma' Ibni matul il-qadi ta' kuljum tagħkom. Sejħu Lili biex inressaqkom eqreb lejn Ibni. U, meta tkunu tixtiequ tħobbuH aktar, jien se nitolbu jberikkom. Li tħobbu lil Alla b'intimità profonda huwa Rigal minn Alla, u huwa permezz tat-talb regolari biss li tistgħu tilħquh.

Ommkom il-maħbuba.

Omm tas-Salvazzjoni.

## Dalwaqt l-Insara se jsiru bħall-pagani.

It–Tlieta, 18 ta' Novembru, 2014 @ 0:18

Għażiża maħbuba binti, il-Vuċi Tiegħi hija l-unika Vuċi li ser tisimgħu, mal-erba' kantunieri tad-dinja, meta qed inħejji l-umanità għall-attakk il-kbir. Intom tistgħu tisimgħu ħafna ilħna mill-ħluq ta' viżżjunarji u profeti foloz iżda xejn mhu jinfed lil ruhkom, bħall-fjamma tal-Ispirtu s-Santu.

**Tridu tkunu attenti, għall-ilħna ta' spiritwaliżmu falz, li ma jkunux ġejjin minn Alla, iżda li se jinħassu f'partijiet differenti tad-dinja. L-influwenza ta' l-ispirti ħżiena se tidher fil-gwerer tat-terroriżmu, fejn ilħna ħelwa li jmexxu ideoloġiji żbaljata se jippruvaw jiġġustifikaw l-atroċitajiet ħżiena li jwettqu f'Isem Alla.**

Dalwaqt, vuċijiet, li se jmexxu l-paganiżmu, se jinstemgħu fid-Djar, li jonoraw Lili, u sejrin jiddesagraw l-altari Tiegħi. Ilħna, li jiġu mill-ispirtu tal-ħażen, se jitqiesu bħala interpretazzjonijiet eċitanti ta' l-aspirazzjonijiet tan-nies li jfittxu t-twettieq f'ħajjithom. Huma jgħajtu, jfaħħru allat foloz, jeqirdu l-erwieħ ta' min hu vulnerabbli u jidgħu kontra Tiegħi. Dawn huma l-erwieħ li Jien irrabjat l-aktar għalihom, għax huma konvinċenti ħafna u jikkawżaw konfużjoni kbira. Huma se jkunu bħal kalamiti jiġbdu ħafna Nsara ‘l bogħod Minni.

**L-għedewwa Tiegħi se jagħmu lin-nies Tiegħi għall-Verità u dalwaqt l-Insara se jsiru bħall-pagani. Jien se niġi mormi fil-kanal bħal tallab u l-bibien tal-Knisja Tiegħi se jiġu msabbta f'Wicci. U meta Jien inħabbat, il-bieb se jkun imbarrat minn ġewwa minn dawk li jsostnu li ġejjin Minni**.

Jien wissejtkom b'dawn il-jiem u dalwaqt se jkunu fuqkom. Għal darb'oħra se ngħidilkom, il-Kelma Tiegħi hija sagrosanta. Dawn huma l-aħħar messaġġi mis-Sema u huma moghtija lil dinja li hija indifferenti Lejja, kif ukoll ingrata.

Qumu u affaċċjaw il-Verità. Sid wieħed biss hemm. Intom ma tistgħux tibqgħu leali Lejja jekk isservu iktar minn sid wieħed.

Ġesù Taghkom

**[Omm tas-Salvazzjoni: Ħalluni nġib l-imħabba u l-faraġ lil dawk milquta.]**

L-Erbgħa, 19 ta' Novembru, 2014 @ 14:47

**Għeżież Uliedi, ħalluni nġib l-imħabba u l-faraġ lill-dawk milquta u speċjalment għal dawk li qed ibatu minn mard terribbli.**

Jien inġibilkom Barkiet kbar mingħand Ibni l-għażiż, Hu jixtieq li jilħaq lil dawk minnkom li qed isofru b'dan il-mod. Huwa se jgħinkom, intom li tinsabu mkabra minn tbatijiet fiżiċi, billi jimliekom bil-Preżenza Qaddisa Tiegħu. **Huwa jitlob li intom idduru lejH, fis-siegħa tal-bżonn tagħkom u titolbuH biex iġibilkom paċi u kalma.**

Jekk jogħġobkom staqsu lill-Ibni biex jeħodkom f'Dirajgħ u jipproteġikom mill-uġigħ tagħkom. ItolbuH biex jieħu t-tbatija tagħkom fuq spallejH u Hu jgħinkom. Ibni se jintervjeni b'ħafna modi biex jagħti prova lid-dinja li Hu qed jitkellem magħkom permezz ta' dawn il-messaġġi.

**Lil dawk kollha li jitobu għall-fejqan tar-ruħ, kif ukoll tal-ġisem, u li jitolbu t-Talba tal- Kruċjata (94), Ibni jwieġeb lil dawk l-erwieħ, permezz ta' min Hu jagħżel, biex jagħħmlu ir-Rieda Mqaddsa Tiegħu.**

M'għandkom titilfu qatt it-tama għax meta tafdaw għal kollox lil Ibni, Hu dejjem iwiegeb għall-karba tagħkom għall-għajnuna.

Ommkom il-maħbuba.

Omm tas-Salvazzjoni

*Talba tal-Kruċjata (94) Għall-Fejqan tal-moħħ, tal-ġisem u tar-ruħ.*

*"O Ġesù Għażiż, ninxteħet quddiemek, għajjien, marid, miġugħ u mxennaq biex nisma' Leħnek.*

*Ħalli l-Preżenza Tiegħek tmissni, ħalli nintela bid-Dawl Divin Tiegħek fil-moħħ, il-ġisem u fir-ruħ. Jiena nafda fil-Ħniena Tiegħek.*

*Inħalli l-uġigħ u s-sofferenza kollha tiegħi Quddiemek u nitolbok tagħtini l-Grazzja li nafda Fik, ħalli tfejjaqni minn dan l-uġigħ u d-dlam, biex nerġa' nsir sħiħ u nkun nista' nimxu fit-triq tal-Verita' u nħalli Lilek tmexxini għall-ħajja fil-Ġenna l-Ġdida. Ammen."*

**Talba tal-Kruċjata (94)**

**"Biex tfejjaq il-moħħ, il- ġisem u r-ruħ"**

"O ghaziz Ġesù, nintelaq quddiemek , ghajjien, marid, fl-uġigħ u b`xenqa biex nisma l-vuci tieghek.
Hallini nkun minsus mill Preżenza divina tiegħek, biex inkun mgħarraq bid-Dawl Divin tiegħek, minn mohhii, minn ġismi u ruħi.

Nafda fil Ħniena Tiegħek.

Incedi l-uġigħ tiegħi u t-tbatija kompletament quddiemek u nitlob li Inti tagħtini il-Grazzja li nafda fik , sabiex tkun tista tfejjaqni minn dan l-uġigħ u d-dlam, sabiex inkun shih mil-gdid u, biex inkun nista nsegwi t-triq tal-Verità u nhallik twassalni għall-ħajja fis-Sema l`Ġdida. Amen. "

## Omm tas-Salvazzjoni: Għandi messaġġ għall-Kleru Kattoliku Ruman.

Il-Ġimgħa, 21 ta' Novembru, 2014 @ 16.15

Jiena l-Immakulata Verġni Marija, Omm ta' Alla – l-Omm tas-Salvazzjoni. Illum għandi messaġġ għall-Kleru Kattoliku Ruman u qed niġi għandkom f'isem il-maħbub Ibni, Ġesù Kristu.

Qed insejjaħ lill-qaddejja mqaddsa ta' Ibni, li jaqduH f'dawn iż-żminijiet ta' provi kbar fil-Knisja. Intom il-gwardji li qegħdin fuq quddiem, tas-Sagramenti l-Iżjed Qaddisa u ġejtu msejħa minn Ibni biex taqduH fis-salvazzjoni tal-erwieħ kollha u minħabba dan, għandkom responsabbiltà kbira lejH. **Id-dmir tagħkom dejjem għandu jkun li taqdu lil Ibni u l-Ġisem Tiegħu – l-Knisja Tiegħu – u tiżguraw li l-Kelma l-Iżjed Qaddisa Tiegħu, qed tinżamm il-ħin kollu.**

**Għad ikun hemm żminijiet ta' uġigħ kbir u persekuzzjoni u għal dan għandkom tħejju issa. Fil-futur, il-fidi tagħkom ser tiġi għall-prova sal-limitu tagħha u intom tkunu sfurzati biex tagħmlu wegħda ġdida, fejn tkunu mitluba li turu rabta ma' duttrina ġdida, li ma tkunx ġejja minn Ibni.**

Dawk fostkom, li sejrin jagħrfu din id-duttrina falza, meta tiġi ppreżentata lilkom, m'għandhomx jaqgħu għaliha. Meta jgħidulkom biex taddattaw u tbiddlu s-Sagramenti l-Iżjed Qaddisa, intom għandkom taħarbu. Il-Knisja ta' Ibni sejra tkun ippruvata sa kemm tiflaħ. Għal dawk fostkom li forsi jwarrbu l-Verità għal din id-duttrina rrangata – li sejrin jgħidu li hija meħtiega biex taqbel mal-bżonnijiet tal-bniedem – kunu għafu li din hija tradiment kbir tal-Kelma ta' Alla.

**Minħabba l-wegħdiet Mqaddsa li intom għamiltu, li taqdu lil Ibni, intom għandkom id-dmir li titimgħu lil ulied Alla, bil-Ġisem u d-Demm ta' Ibni, Ġesù Kristu. Għad jiġi żmien, meta intom tkun sfurzati biex tbiddlu s-Sagrifiċju Qaddis tal-Quddiesa. Ikun hemm dawk fostkom li sejrin ikunu jafu, mall-ewwel, li qed isir ħażen kbir, u għalhekk għandkom tagħtuh daharkom.**

Għandkom tibqgħu titimgħu l-erwieħ ta' dawk li huma dipendenti minnkom biex titimgħuhom bl-Ewkaristija l-Iżjed Qaddisa. Jekk tibqgħu leali lejn Ibni u tibqgħu taqdu lil ulied Alla, kif inhu d-dover tagħkom, intom taqduH b'dinjità kbira. **Nitlobkom li tgħidu r-Rużarju l-Iżjed Qaddis kuljum biex jagħtikom is-saħħa li jkollkom bżonn u għall-ħarsien minn Satana, għax dawk iż-żmijiet li huma kważi fuqkom, ma tkunux tifilhu għalihom. Meta żżommu s-Siġill ta' Alla l-Ħaj qrib tagħkom il-ħin kollu, intom ikollkom iżjed Ħarsien mill-wieħed il-ħażin.**

Sejjer ikun hemm ħafna saċerdoti fostkom li mhux sa jkollhom il-kuragg li jżommu l-Kelma ta' Alla, imma qatt m'ħandkom tibżgħu turu r-rabta tagħkom ma' Ibni. Jekk tittradixxu lil Ibni, intom tieħdu magħkom ħafna erwieħ innoċenti, li jsibu lilhom infushom bla ma jafu, fl-iżball u fi dlam kbir.

Satana issa ilu li daħal fil-Knisja ta' Ibni għal xi zmien, imma kull darba li t-taħwid u l-konfużżjoni li ħoloq kienu ġew ma jinfelhux, dan kien jisparixxi permezz tal-fidi tal-

maħbubin qaddejja mqaddsa ta' Ibni. Issa li l-fidi ta' ħafna mis-saċerdoti ddgħajfet u xi drabi nqerdet għal kollox, issa nfetħu l-bibien tal-infern u hemm periklu kbir.

Qatt m'għandkom tħallu li tkunu ttentati titilqu dak li għallimkom Ibni. Ibni qatt ma tbiddel. Kelmtu tibqa' minquxa fil-Blata li fuqha nbniet il-Knisja Tiegħu. Is-Sagramenti Tiegħu jġibu lill-erwieħ, id-Dawl meħtieg biex tibqa' ħaj. **Jekk tittradixxu lil Ibni, intom teqirdu l-ħajja nfisha, għax mingħajr il-Preżenza ta' Ibni, kieku llum id-dinja lanqas teżisti.**

Imberkin dawk li verament iħobbu lil Ibni, għax huma għad imexxu bl-eżempju.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

## L-ispirtu ħażin ta' Jeżebel se jagħmel dak kollu li jista' biex jinfiltra l-Knisja Tiegħi fuq l-art

Il-Ħadd, 23 ta' Novembru, 2014 @ 18:20

Għażiża maħbuba binti, l-ispirtu ħażin ta' Jeżebel ippjana attakk kbir fuq il-Missjoni Tiegħi li nsalva l-erwieħ.

Din it-traditriċi u qerrieda tal-profeti ta' Alla, stabbiliet ruħha fuq l-art bħala l-għalliem ta' Alla, u nfirxet fost in-nies Tiegħi, biex tisseduċihom u teħodhom 'l bogħod mill-Knisja Tiegħi, f'dik li se tkun l-akbar apostasija ta' kull żmien. Hi sejra tkun responsabbli li l-Knisja Tiegħi tagħmel adulterju mal-prinċpijiet tad-dinja sekulari u ġġib unjoni, li tkun mistmella minn Alla u abominazzjoni f'għajnejH.

Preżenti, kemm fil-qlub tal-irġiel u kemm tan-nisa, Jeżebel hija waħda mill-eħżen dimonji, intelliġenti u makakka fil-ġerarkija ta' Satana u taħdem b'ħafna modi biex tqarraq bil-poplu Tiegħi. Hija taħdem permezz ta' grupp, li jsostnu li huma Tiegħi, iżda li huma nvoluti f'kult sataniku. Imħarrġa sew fit-teoloġija, din l-ispirtu demoniku titkellem ma' dan il-grupp permezz ta' lingwi differenti u joħolqu konfużżjoni kbira, weġgħat u diviżjoni, fost dawk li jaċċettaw il-Kalċi Tiegħi. Dawn l-esperti maħtura minnhom infushom, tal-Kelma Tiegħi ma jkunux ġejjin Minni. U, filwaqt li l-mibegħda tagħhom Lejja hija evidenti, mill-ħmieġ li joħroġ minn fommhom, hemm modi oħra li bihom se jippruvaw jagħmlu l-ħsara fil-aħħar Missjoni Tiegħi.

Intom sejrin tgħarfu lil dan l-għadu ta' Alla mit-tentattivi kontinwi biex tiddikjara lis-segwaċi tagħha li huma profeti ta' Alla. Ħafna minnhom se joħorġu u jiddikjaraw li Jien, Ġesù Kristu, nitkellem permezz tagħhom. Jeżebel tistagħna u tnissel gideb billi torbot l-ispirtu ħażin u arroganti tagħha ma' profeti maħtura minnhom infushom, li mbagħad se jippruvaw jużaw din il-Missjoni biex jagħmlu leħenhom leġittimu.

L-ispirtu ħażin ta' Jeżebel se jagħmel dak kollu li jista' biex jinfiltra l-Knisja Tiegħi fuq l-art, billi jużaw kull tattika konċepibbli. Permezz ta' l-influwenza tagħha, hi se twassal ħafna erwieħ tajba 'l bogħod Minni, fil-Knisja Tiegħi, u jwaqqgħu l-Kelma ta' Alla. B'ħidma fost l-irġiel u n-nisa, hi se tuża l-maġija u l-okkult, biex toħloq l-impressjoni ta' mirakli. Dan huwa pass iehor tal-avversarju Tiegħi, li, taħt l-influwenza ta' Baal, se tipprova tagħmel ħsara lill-viżżjunarji u profeti ġenwini ta' Alla fil-aħħar battalja għall-erwieħ.

**Oqogħdu attenti għal dawk li jiftaħru bl-għarfien tagħhom fit-teoloġija u li jazzardaw jgħidu li ġejjin Minni, meta dak kollu li jgħidu jkun ġej mill-għira u l-mibegħda kbira għall-profeti ta' Alla. Dawn l-erwieħ infestati se jippruvaw jimmanipulawkom u jintimidaw lil kull min jopponihom. Jekk tkomplu ssegwu l-aħħar Missjoni Tiegħi fuq l-art, biex insavla l-erwieħ, dawn se jagħmlu kull ma jistgħu biex jgħejjukom.**

Dawk li huma nfluwenzati mill-ispirtu ta' Jeżebel se jaħdmu, bla heda, biex jattakkaw Lili. Dan l-ispirtu ħażin, permezz tal-erwieħ dgħajfa li taħtaf, sejra tuża' mezzi demoniċi biex timmalafama, tmaqdar u tqanqal il-mibegħda kontra dawk li jsegwu

Lili.  Iġru, meta taħbtu wiċċkom ma' dawn l-erwieħ infestati.  Tissottovalutawhomx, għax taħt l-influwenza ta' Jeżebel, se jippruvaw jagħmlu ħsara inkonċepibbli lil dawk li jidħlu magħhom.

Tgħallmu agħrfu l-ispirtu ħażin ta' Jeżebel, għax hi se titkellem b'awtorità kbira Fuqi, permezz ta' dawk li hi tippossjedi.  Se jitkellmu b'għarfien fond tas-Sagramenti Mqaddsa u jużaw estratti mill-Bibbja Mqaddsa, imma biex ikunu jistgħu jikkwotawhom b'mod żbaljat u jwaqqgħu l-Kelma Tiegħi.  Intom se taraw lil Jeżebel tattakka din il-Missjoni b'gost malizzjuż.  Is-segwaċi leali tagħha għandhom rashom iebsa, jidddominaw, jitkabbru u mpenjati bis-sħiħ lejn l-avversarju Tiegħi, li ħaditilhom ruħhom taħt l-influwenza qawwija tagħha.  M'għandkom qatt titqabdu mal-ispirtu ta' Jeżebel, għax jekk tagħmlu dan, hi teqridkom, bħalma għamlet ma' dawk tat-truppi tagħha.

**Oqogħdu attenti għal kull min joħroġ u jgħid li ġie mibgħut Minni, biex ixerred il-Kelma Tiegħi.  Kunu għafu li Jien ma ħtart ebda profeta biex jikkomunika il-Kelma Tiegħi lid-dinja minn wara li bdiet din il-Missjoni.  Iżda joħorġu sejrin, dawn il-profeti foloz, bil-gzuz, kull wieħed jipprova jegħleb lill-ieħor.  Huma mbagħad jippruvaw jużaw din il-missjoni biex jiġbru l-appoġġ, sabiex ikunu jistgħu jifirxu falsitajiet.** Dawk kollha li jistgħu jiġu attratti mill-ispirtu tal-ħażen ta' Jeżebel, u li jwieġbu b’xi mod lil dan l-ispirtu, dalwaqt jsibu li l-imħabba kollha Ghalija tintemm ħesrem.  Qed tpoġġu ruħkom f'periklu kbir meta taqgħu għall-gideb ta' Jeżebel, mibgħuta mill-qiegħ tal-abbiss biex teqred il-Knisja Tiegħi u l-profeti Tiegħi f'dawn iż-żminijiet.

Ġesù Tagħkom.

## Id-dinja, infestata bil-modi ħżiena tagħhom, tokrob bl-uġigħ

It-Tnejn, 24 ta' Novembru, 2014 @ 15:30

Għażiża maħbuba binti, neħtieġ ħafna konsolazzjoni f'dan il-mument hekk kif ħafna waqgħu 'l bogħod Minni.  Id-Dmugħ Tiegħi nieżel bħal nixxiegħa kbira, meta l-armata ta' Satana, infestata mill-aktar dimonju terribli tiegħu, Jeżebel, ittantat ħafna minn dawk li jistqarru li jirrappreżentaw Lili.  Kif inesew u kemm jiftakru ftit fil-Wegħda Tiegħi li nerġa' niġi.

Il-ħin tat-Tieni Miġja Tiegħi qed joqrob ħafna u l-armata ta' Satana żdiedet bil-ħafna, lesta biex tagħmel battalja ma' dawk li Jien insejjaħ, Tiegħi.  Din l-armata ħażina se tiġi mmexxija mill-għedewwa Tiegħi u m'hemm xejn li dawn mhux ser jagħmlu biex jippruvaw iqarrqu bid-dinja biex temmen fil-falsitajiet tagħhom.  Meta jitkellmu f'Ismi, ser jieħdu magħhom irġiel u nisa qaddisa u se jsiru forza li jkollok tħabbatha magħha.  Imħaddnin b'entużjażmu kbir mid-dinja sekulari, sejrin ibiddlu wiċċ id-dinja u jġibu l-qerda.

**Id-dinja, infestata bil-modi ħżiena tagħhom, tokrob bl-uġigħ u ma' dan taraw taqlib kbir.  Ma' kull għemil ħazin, ta' abbuż, li se jikkawżaw fuq Ġismi, jiġi manifestat permezz ta' bidliet fil-klima, nuqqas ta' ħxejjex, bidliet fl-atmosfera u għarqa hekk kbira, li jkunu ftit in-nazzjonijiet fuq l-art li mhux se jintmissu bl-azzjonijiet tagħhom.  Missieri sejjer iġib tbatija kbira fuqhom.**

Għal kull min jikkundannaw f'Ismi, huma ukoll, se jiġu kkundannati.  Għal kull att ta' wġigħ li jikkawżaw fuq ulied Alla, huma wkoll, se jsofru l-istess uġigħ.  L-infern li se jġibu lil miljuni se jirriżulta f'kastig, jkun jixbaħ lin-nirien li jaqbdu kuljum fil-abbiss etern.

Il-Bibien tal-Ġenna jiġu msabbta f'wiċċhom u għad iwerżqu f'agunija meta, fl-Aħħar Jum, jagħmew meta jaraw id-Dawl Tiegħi.  Għad jiġru, bħall-beżżiegħa li huma, u jippruvaw isibu kenn mill-Ġustizzja Tiegħi iżda mhux se jsibu ebda post ta' serħan.  Għomja, se jigru, jaqgħu u mhu se jibqa' mkien fejn imorru.  Huma jitħallew, għax lanqas wieħed minnhom mhu se jkollu s-saħħa jew il-kuragg li jitlob għall-Għajnuna Tiegħi, għax ikunu nqatgħu mill-ħajja li seta' kellhom, imma li ma jistgħux jibbenefikaw aktar minnha.

Isimgħuni issa, meta qiegħed solennement niddikjara, li l-bniedem li jgħix bil-Kelma Tiegħi, u li jibqa' leali Lejja, m'għandux għalfejn jibża'.  Il-bniedem li jiċħadni u li jagħlaq il-bieb għar-Renju Tiegħi u jaqflu warajh, sejjer ikun mormi.

Ġesù Tagħkom.

[L-ereżiji joktru u Ismi ma jissemmix iżjed](#).

L-Erbgħa, 26 ta' Novembru, 2014 @ 23:10

Għażiża maħbuba binti, Jiena Misteru għad-dinja u dawk biss li huma Qribi jkunu jafu bil-kobor ta' l-Imħabba li Jiena nżomm f'Qalbi għall-umanità.

Kieku jistgħu jaraw Wiċċi, jkunu jafu kemm hi fonda l-Imħabba Tiegħi; it-tħassib Tiegħi; il-frustrazzjoni Tiegħi; ir-Rabja Tiegħi; il-Kompassjoni Tiegħi; u n-niket Tiegħi għal kulħadd. Huwa permezz ta' l-Imħabba Tiegħi għalikom ilkoll li inħoss dawn l-affarijiet u huwa biss minħabba d-Divinta' Tiegħi, u s-sigriet tal-Patt ta' Missieri, li l-bniedem huwa mogħti tant informazzjoni dwar l-Eżistenza ta' Alla. Il-Verità kollha fuq ir-Renju Tiegħi li għad irid jiġi, sejra tkun magħrufa lil dawk li jidħlu fiha biss. Sa dakinhar, kunu ċerti li l-Glorja Kbira Tiegħi se tidher b'mod ċar ġewwa kull wieħed u waħda minnkom, meta l-mewt ma jkollha l-ebda setgħa iżjed fuqkom.

**Afdaw f'dawn il-Messaġġi b'qalbkom kollha u kunu għafu li fihom tinsab il-Funtana tal-Ħajja kollha. Il-Preżenza Tiegħi fostkom, segwaċi għeżież tiegħi, qed issir aktar b'saħħitha u iktar ma tissaħħaħ, iktar sejrin jixħtu mibegħda Lejja, u dawk kollha li jwieġbu għas-Sejħa Tiegħi, għas-salvazzjoni tal-erwieħ.** Xjaten minn kull kategorija u ġerarkija ta' Satana, infestaw l-erwieħ ta' nies twajba ħafna, li jħobbunI. Dawn l-erwieħ imsejkna ġew mqarrqa billi ċaħdu l-Aħħar Pjan Tiegħi biex inħejji lill-Fdal Tiegħi. Minflok, humaqed ikunu nfluwenzati sabiex volontarjament jieħdu sehem fl-armata ta' Satana. F'ħafna każijiet, l-armata ta' Satana mhix se tidher fil-miftuħ li hija kontra Tiegħi. Le. Satana huwa makakk wisq biex jiżvela l-preżenza tiegħu, u għalhekk kull tattika tal-gwerra tiegħu, kontra din il-Missjoni, se tkun mibnija b'attenzjoni imma intom se tkunu kapaċi tagħrfu l-karatteristiċi tiegħu. Kburija, arroganza, appelli sottili li jsejħu għall-ġustizzja, li jaħbu kliem ta' ereżija u dagħa, jiġu ppreżentati lill-umanità bħala dikjarazzjonijiet ta' mħabba u appelli pubbliċi għad-drittijiet tal-bniedem. Hekk kif il-Knisja Tiegħi tibda tinqasam minn ġewwa, segwaċi ddedikati Tiegħi se jwaħħlu dan kollu, fil-bdil taż-żminijiet; era ġdida, fejn id-dinja qed issir aktar ħaġa waħda, minkejja d-differenzi reliġjużi, u bidu ġdid.

**L-era l-ġdida tal-Knisja se tidher bħala evanġelizżazzjoni globali, għax imħabba bħal din qatt ma rajna bħalha fil-Knisja Tiegħi, sa minn meta l-Appostli Tiegħi bdew il-missjoni tagħhom. Din se tkun milqugħa, l-ewwelnett, mid-dinja sekulari. Ladarba d-dinja sekulari taċċetta dan il-pjan, il-mexxejja fil-Knisja Tiegħi se jkunu sfurzati li jfaħħru din l-era l-ġdida fejn il-Knisja u d-dinja sekulari jsiru ħaġa waħda. L-ereżiji joktru u Ismi ma jissemmiex iżjed.**

Dawk li humaTiegħi qatt m'huma sejrin iċedu u se jingħatawlhom favuri kbar, b'ħafna modi. Il-biża ma twaqqafhomx fil-battalja tagħhom kontra l-armata ta' Satana. Il-vuċijiet tagħhom jinstemgħu meta l-Ispirtu s-Santu jagħtihom qawwa b'modi, li se jbellħu lill-ħafna. Huma jżommu mal-Verità akkost ta' kollox u l-Ġerarkija tal-Sema, l-anġli kollha u l-qaddisin sejrin jimmarċjaw magħhom. Sejrin jagħmlulhom minn kull insult; kull tfixkil jitqiegħed quddiemhom u minn kull dagħwa tinbeżaq lejhom. Imma xejn mhu se jwaqqafhom, u Jien, Ġesù Kristu, nimla

qlubhom b'kuraġġ, determinazzjoni u r-rieda biex jirrezistu lil dawk kollha li sejrin jittradunI u li se jippersegwitawhom għax jgħidu l-Verità.

**M'għandkom qatt tibżgħu tipproklamaw il-Kelma Qaddisa ta' Alla, darba wara l-oħra, għax miljuni mhux sejrin jagħrfu l-gideb li dalwaqt sejrin jieħdu post id-Duttrina Mqaddsa Tiegħi.**

Jien nqajjem ħafna rġiel u nisa kuraġġużi minn kull rokna tad-dinja, biex jipproklamaw il-Kelma Vera ta' Alla, hekk kif hemm fil-Bibbja l-Iżjed Qaddisa. Huma u jsaħħu l-Verità, jiġu sfidati mill-giddibin, li jużaw loġika mgħawġa biex jikkontradixxuhom. L-għedewwa Tiegħi sejrin jitfaċċaw bil-ħafna u jiġu armati b'argumenti teoloġiċi, li jwaqqgħu l-Kelma ta' Alla, fiż-żmien li jwassal għat-Tieni Miġja Tiegħi. Fuq quddiem ikun hemm ħafna mill-qaddejja sagri Tiegħi, li ġew immexxija ħażin, li għad jiġu mqarrqa mill-avversarju Tiegħi.

Leħen l-għedewwa Tiegħi jinstema' sakemm jinħanqu, jwerżqu l-oxxenitajiet, u l-mibegħda tfur minn kull pora f'ġisimhom, għal dawk li jmexxu l-Armata tal-Fdal Tiegħi. Qatt m'huma sejrin iċedu mill-persekuzzjoni tagħhom lejn l-Insara kollha, sal-Jum li Jien niġi biex niġġudika. **U mbagħad, kollha jisktu – lanqas ħoss wiehed ma jagħmlu, għax jagħrfu l-verità orribbli u kif kienu ttradewnI**.

Ġesù Tagħkom.

## Omm tas-Salvazzjoni: Il-knisja l-falza tad-dlamijiet se tkun bla ħajja

Il-Ħamis, 27 ta' Novembru, 2014 @ 8:40

Għeziez uliedi, il-knisja l-falza – dik li se tkun minflok il-Knisja ta' Ibni fuq l-art – giet imħejja u l-ereżiji sejrin ikunu moħbija b'mod għaqli bejn il-paragrafi tal-Messalin il-ġdid, li se jibdel lil qadim.

Il-knisja l-falza tad-dlamijiet tinbena biex tibdel lil dik il-qadima wara l-Infern il-kbir. Dak kollu li kien preżenti fil-Knisja ta' Ibni se jiġi mibdul ma' dak kollu li huwa ġdid. Iżda, ħaġa waħda qatt mhu ser tinbidel. Il-pedamenti, li fuqhom il-Knisja ta' Ibni ġiet mibnija, mhux se jiċċaqalqu għax huma mħawla sodi fl-art. Ebda bniedem m'hu, u lanqas ma jista ', jċaqlaqhom għax Alla mhux se jippermetti dan.

Il-knisja l-falza tad-dlamijiet se tkun bla ħajja. Ebda frott ma tagħti għax ser tkun mibnija fuq ħamrija mħassra. Kull tip ta' ereżija se toħrog minn fomm dawk li se jippridkaw minn fuq il-pulpti tagħha. Issir residenza tal-immoralita` u xejn minn dak li se jiġi pproklamat mill-ilħna, li se jiftaħru bil-kobor tagħha, m'hu se jagħmel ebda sens.

Dawn se jkunu l-jiem meta ħafna Nsara, imbeżża ħafna, għajjenin u neqsin minn kull fidi vera, se jqimu ġewwa l-ħitan tagħha. Mhux se jkun Ibni li huma jqimu, iżda lill-antikrist, għax ikun hu li jpoġġi fuq it-tron, li jinbena ġewwa l-ħitan tagħha.

**L-antikrist se jirrenja qrib ta' fejn Ibni bena l-Knisja Tiegħu u ħafna nies se jemmnu li hija Tiegħu, iżda dak ikun l-akbar żball. Kull min joġġezzjona għal din il-knisja, jew li jsib xi ħtija fiha, se jidħqu bih u jiġi akkużat b' ereżija minn dawk it-tradituri ta' Ibni, li, huma nfushom, ikunu l-akbar xettici li jinfiltraw il-Knisja ta' Alla, sa mill-jum tal-bidu tagħha.**

Itolbu, itolbu, itolbu li tibqa' armata qawwija, ta' saċerdoti ta' Ibni li qatt ma jċedu għall-pressjonijiet, li se jiġu 'l quddiem.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

## Il-bnedmin tilfu l-imħabba f'ħajjithom għax ma għadhomx jirrispetawnI.

Il-Ħamis, 27 ta' Novembru, 2014 @ 19:50

Għażiża maħbuba binti, ħafna mit-tbatija li sejjer jesperjenza l-bniedem, fis-snin li ġejjin, se tkun dik ta' l-ispirtu.

It-tbatija spiritwali sejra tinħass mhux biss mis-segwaċi Tiegħi, li jibqgħu leali għall-Kelma ta' Alla, iżda mill-bnedmin kollha, irrispettivament f'xhiex jemmnu. Satana u d-demonji tiegħu, mill-ogħla grad sa l-iċken wieħed, sejrin jiġġerrew madwar id-dinja, ixerrdu l-mibegħda fost ulied Alla. Il-mibegħda ħakmet lir-razza umana b'ħafna modi. Meta Satana jittanta ruħ ġewwa fosdqa ta' mibegħda, hu jagħmel dan billi joħloq sensazzjoni ta' għira fil-persuna vulnerabbli u malajr din tinbidel f'mibegħda. Il-mibegħda qed tinfirex u taffettwa kull lil kull età.

**L-ispirtu ta' l-imħabba u l-karità, li darba kien preżenti fil-qlub tal-umanità, ddgħajjef u dan ifisser li l-imħabba, li żammet komunitajiet, nazzjonijiet u pajjiżi flimkien, ġiet imfarrka. Il-bnedmin tilfu l-imħabba f'ħajjithom għax ma għadhomx jirrispettawnI. Jiena, Ġesù Kristu, ġejt minsi. Tant huma mħabbta jieħdu ħsieb il-ħwejjeġ tad-dinja, li ħolqu għalihom infushom, eżistenza solitarja ħafna. Ladarba l-imħabba tkun nieqsa f'ħajjitkom, il-parti l-kbira tagħkom titħalla tinxef u titbiel bħal pjanta bil-ġuħ.**

Alla huwa Imħabba, u meta l-imħabba tkun preżenti fid-dinja, ikun hemm armonija akbar u paċi. L-oppost ta' l-imħabba hija l-mibegħda, li ġejja mix-xitan. **Jekk tippermettu lill-mibegħda timlilkom qlubkom, din tiffermenta ġewwa fikom u tikber bħal kanċer sakemm tiblakom. Il-mibegħda teqred il-ħajja u toħloq diviżjoni terribbli. Tavvelenalkom ruħkom. Toħloq dwejjaq kbar fil-fond ta' ruħ dawk li jippermettulha li tiddettalhom kull azzjoni li jieħdu.** Il-mibegħda tinfirex minn ruħ għall-oħra malajr ħafna għax, ladarba taqbdu ma' persuna mimlija mibegħda, din taħtafkom u tħajjarkom biex toqogħdu għal kull raġuni mogħtija, biex tiġġustifikaha.

L-Insara, li jippermettu lill-mibegħda li tinfesthom, qatt m'għandhom iċedu u jużaw L-Isem Imqaddes Tiegħi biex joħolqu mibegħda ta' kull tip, kontra bniedem ieħor. Ghandkom titolbu Lili biex neħles lil ruħkom mill-mibegħda għax jekk tħalluha tieħu ruħkom f'idejha, qatt ma taraw lil Wiċċi.

Użaw il-ħin mogħti lilkom, biex tħobbunI aktar, għax meta verament tħobbunI, din l-imħabba tkun reċiprokata. Imbagħad ma jkollkomx il-ħila tieħdu sehem f'xi tip ta' djalogu fejn tkun preżenti l-mibegħda.

ĦobbunI u ssibuha aktar faċli li tħobbu lill-oħrajn. Jekk toboghdu persuna oħra intom ma tafunIx..

Ġesù Tagħkom.

**Jinagħtaw ismijiet ġodda lit-titoli, li għandhom x'jaqsmu Miegħi.**

Il-Gimgħa, 28 ta' Novembru, 2014 @ 23:50

Għażiża maħbuba binti, id-dinja qed tigi mħejjija għat-Tieni Migja Tiegħi, u hemm żewġ entitajiet separati involuti fit-tħejjija tat-triq għal dan il-Jum.

Hekk kif Jiena, Ġesù Kristu, nħejjikom permezz tal-Intervent Tiegħi, hekk ukoll, Satana qed jipprepara l-armata tiegħu. Sar ħafna ppjanar matul ħafna snin mill-għedewwa Tiegħi li jafu l-Verità, iżda li minflok għażlu li jeqirdu l-Pjan Tiegħi tas-Salvazzjoni. Ħafna waqgħu inklużi dawk magħżulin, u ddedikaw lilhom infushom, minflok, għall-okkult.

L-għedewwa Tiegħi ħolqu pjanijiet elaborati ħafna, li jinkludu ġenoċidju tal-innocenti, mingħajr ma dawn jafu b'xejn. Waqt li ħafna atti ħziena qed jiġu orkestrati kontra r-razza umana, minħabba r-regħba u x-xewqa li jikkontrollaw, sejrin taraw l-aktar att ambizzjuż, fejn finalment sejrin jieħdu l-kontroll tad-Dar Tiegħi.

Hemm pjanijiet biex iġibu, għarkopptejha, d-Dar Imqaddsa Tiegħi. Saru tħejjijiet biex il-bestja jieħu l-pożizzjoni tiegħu. Biex jiġi żgurat li hu jintlaqa' mid-dinja, ġie fis-seħħ pjan dettaljat, li se jmiss kull aspett tal-politika globali u r-reliġjonijiet. Iżda, qabel ma l-bestja jiġi nkurunat u jieħu postu fuq it-tron tiegħu fil-Knisja Tiegħi, hemm sejrin iseħħu, bil-moħbi, ħafna atti ta' desekrazzjoni fuq l-altari tal-Knisja Tiegħi. **Il-Quddisiet is-Suwed se jsiru bla rażan, b'hekk jagħtu setgħat kbar lil Satana u lill-ġerarkija tiegħu. Għad ineħħu dak kollu li hu Qaddis u se jagħmlu minn kollox biex jeqirdu l-Kristjaneżmu, dak li se jkun l-akbar ingann fl-istorja tal-Knisja Tiegħi fuq l-art.** Se jagħmlu dan billi jippretendu li jħaddnu l-Kristjaneżmu. Xejn mhu se jkun kif jidher u dawk biss li huma mbierka bir-Rigal tad-dixxerniment, se jaraw dak li qed jiġri verament.

**Kull dnub se jidher bħala aċċettabbli. Jiena, Ġesù Kristu, se nkun misħut iżda Ismi se jintuża biex jittollera l-aċċettazzjoni tad-dnub mortali. Ix-xitan, permezz tat-truppi fidili tiegħu, se jdawwru dak kollu li huwa gej Minni bil-maqlub. Se jingħataw ismijiet ġodda lit-titoli, li għandhom x'jaqsmu Miegħi, u li jirraprezentawnI. It-titoli jiġu sostitwiti b'oħrajn ġodda, li lid-dinja jgħidulha li jirrappreżentaw mod ġdid, innovattiv u li jħares l-ugwaljanza.**

Id-dnubiet tal-bniedem se jkunu mgħollija quddiem Għajnejja u mqiegħda quddiem l-altari Tiegħi, bħala ġest ta' sfida. Kunu għafu li dawk li jsostnu li ġejjin Minni huma giddieba, jekk dawn ma jżommux il-Kelma Mqaddsa Tiegħi u jekk jirrifjutaw li jħabbru l-Verità. Dawn impusturi. Jiena se niġi mżeblaħ, mhux biss permezz ta' kliem insinifikanti, azzjonijiet u bidliet fid-Duttrina Mqaddsa, iżda b'ritwali rranġati bir-reqqa, li jsiru fuq l-altari Tiegħi.

Il-jum għad jasal meta Missieri jintervjeni u jwaqqaf din id-desekrazzjoni finali. Tentattivi mill-għedewwa Tiegħi, biex idaħħlu l-ħajja fiċ-ċeremonji pagani l-ġodda tagħhom, se jkunu għalxejn. Sejrin jippreżentaw avvenimenti sofistikati u divertenti, ta' "qima lil Alla", iżda xejn tajjeb ma jista' joħrog minnhom minħabba li l-Fjamma ta'

l-Ispirtu s-Santu mhix ser tkun preżenti.  Minflok, dak kollu li jidher, jkunu d-dħaħen bla saħħa, ta' nar li ma jistax jiġi mixgħul.  Dan huwa d-duħħan ta' Satana u ser jifga lil Ulied Alla.

Ġesù Tagħkom.

## Dawk li jagħtu d-dritt tat-twelid tagħhom lill-bestja, qatt mhu se jidhru Quddiemi

Is-Sibt, 29 ta' Novembru, 2014 @ 14:25

Għażiża maħbuba binti, Jiena nuri d-Divinta' Tiegħi permezz tad-dgħajfin, il-vulnerabbli, l-imwarrba u l-umli. Il-Qawwa Tiegħi tgħaddi minn ġo dawn l-erwieħ, għal ġewwa x-Xewqa Qaddisa Tiegħi, u permezz tagħhom, Jiena nkun nista' nikseb il-Pjan Tiegħi għas-Salvazzjoni ta' l-umanità.

Meta dawk li ġew imsejħa Minni, biex jipproklamaw Il-Kelma Mqaddsa Tiegħi, jiġu żvijati mix-xogħlijiet Imqaddsa minħabba d-dnub tal-kburija, jippruvaw ifissru l-Kelma Tiegħi b'rispett esaġerat lejn l-intellett uman tagħhom stess. Huma jinsew, li għandhom isegwu Lili, u li hija l-Kelma Mqaddsa Tiegħi li trid tinstema', u mhux il-ħoss tal-vuċijiet tagħhom stess. Huwa minħabba d-dnub taż-żina, li dawn se jarmu l-Kelma Tiegħi, fit-tfittxija ambizzjuża tagħhom biex jaqbżu Lili u jfittxu l-glorifikazzjoni tagħhom. Huwa minħabba d-dnub tal-apatija, minħabba l-għażż, li dawn se jkunu ħatja ta' l-akbar tradiment, meta dawn se jonqsu milli jibqgħu leali Lejja minħabba nuqqas ta' fidi u kuraġġ.

U għalhekk se jkun fit-tarf tal-quċċata lejn it-Tieni Miġja Tiegħi li dawk li jemmnu li l-aktar jixirqilhom, li huma l-aktar kwalifikati u mimlija kburija, sejrin jiffaċċjaw ċanfira morra u jaqgħu. Id-dgħajfa, l-umli u l-baxxi li huma meqjusa mis-segwaċi fil-Knisja Tiegħi, li huma ta' ftit konsegwenza, iżda li jibqgħu jħaddnu l-Verità, sejrin jinħatfu Minni fil-Jum il-Kbir. Jiena nsejħilhom u nistedinhom Għandi sakemm niġborhom fis-Saltna Tiegħi. Huma għad jibku biki ta' ferħ.

Imbagħad Jiena niġbor lil dawk li ma jafunIx, iżda li għad iqajjimhom id-Dawl Tiegħi - erwieħ twajba, bi qlub tad-deheb - u Jiena se ngħid "Itilgħu hawn fuq fir-Refuġju Tiegħi". U mbagħad, il-midinbin, li għamlu atroċitajiet terribbli, iżda li talbu Lili għall-Ħniena Tiegħi, se jkunu msejħa u Jiena ngħidilhom "Ejjew, Jiena naħfrilkom għax intom fittixtu r- rikonċiljazzjoni."

U mbagħad, dawk it-tradituri Tiegħi, li darba kienu jafunI, iżda li dawwru daharhom Lejja, jigu, imma dawn mhux se jkunu kapaċi jħarsu f'Għajnejja. Lanqas m'huma se jfittxu l-Ħniena Tiegħi u Jiena se ngħidilhom "'l bogħod Minni, ma jixirqilkomx tidħlu fir-Renju Tiegħi."

Fl-aħħarnett dawk li jagħtu d-dritt tat-twelid tagħhom lill-bestja, qatt mhu se jidhru Quddiemi għaliex dawn ser ikunu mitfugħa fil-forn flimkien ma' dawk li tellfunI l-erwieħ ta' dawk fil-Knisja Tieghi fuq l-art, li segwew fil-għama fid-dlam tal-lejl.

Imbagħad kif kollox jiġi mitmum, fi żmien qasir ħafna, bidu ġdid - dinja ġdida fuq l-art kif kellha tkun. Dinja bla tarf.

Ġesù Tagħkom.

## Omm tas-Salvazzjoni: Tistgħu titolbu lill-anġli ta' Alla biex jitolbu għalikom imma mhux biex jagħtukom xi setgħat

Il-Ħadd, 30 ta' Novembru, 2014 @ 17:20

Għeżież Uliedi, m'għandkom qatt titolbu lill-anġli ta' Alla, għax huma l-qaddejja Tiegħu u jistinkaw biss, biex jagħtu Glorja lil Alla u biex jagħmlu r-Rieda Mqaddsa Tiegħu. It-talb huwa att ta' qima u meta intom issejħu lill-anġli ta' Alla, fi ħdan il-Ġerarkija tal-Ġenna Tiegħu, dan għandu jkun dejjem bl-intenzjoni li titolbuhom sabiex jitolbu għalikom. Jekk tippruvaw tikkomunikaw mal-Ġerarkija ta' l-anġli tal-Genna, għandu jkun biss, biex titolbu l-għajnuna tagħhom u biex jiggwidawkom biex tkunu tistgħu tagħmlu r-Rieda Mqaddsa ta' Alla.

**Lil dawk fostkom li jemmnu li ser tirċievu setgħat mill-Angli ta' Alla, intom sejrin żbaljati. Is-setgħat mogħtija lill-anġli jistgħu biss jiġi minn Alla u m'għandkom qatt tużaw lilhom, minflok ma titolbu lil Alla. Illum ħafna erwieħ jippruvaw jikkomunikaw ma' l-angli għal raġunijiet egoisti u biex jiksbu setgħat li ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' Alla. Ossessjoni għall-angli, tista' twassal għal dwejjaq kbar għax dan jista' jattira l-ispirtu tal-ħażen jekk ma toqogħdux attenti.**

Meta ssejħu lill-anġli ta' Alla biex jgħinukom, dejjem għandkom tbierku lilkom infuskom l-ewwel, bl-Ilma Mbierek u mbagħad titolbuhom għall-assistenza, f'isem Ġesù Kristu. Jekk ma tagħmlux dan, u tużaw xi oġġetti, li mhumiex assoċjati mal-Kristjaneżmu, meta ssejħu lill-anġli għall-għajnuna tagħhom, dan jista' jiġbed l-ispirtu tal-ħażen f'ħajjitkom. Ladarba jiġri dan sejrin issibuha kważi mpossibbli li teqirduh.

Jekk tindaħlu ma' komunikazzjoni mal-angli, dan jista' jwassal għal tbabis fl-okkult. Kif iseħħ dan, tattiraw dawk l-angli li kienu mitfugħa 'l barra mill-Ġenna minn Missieri tas-Swemmiet. Dawn jiġġerrew bħalissa fid-dinja bil-mijiet tal-eluf, ifittxu fejn jgħammru. Erwieħ li jħallu lilhom infushom miftuħa għall-influwenza tagħhom, malajr jistgħu jitħabblu f'dinja spiritwali li m'hiex ta' Alla. Ladarba tħaddnu d-dinja ta' isfel, ma jkollkom ebda paċi. Dawn ix-xjaten jiġbdukom f'kobba ta' qerq. L-ewwelnett tħossu sens ta' tama u mbagħad temmnu li tistgħu tikkontrollaw l-aspetti kollha ta' ħajjitkom, bl-għajnuna ta' dawn l-anġli. Bil-mod tibdew temmnu, b'mod żbaljat, li bl-għajnuna ta' dawn l-anġli, tistgħu tikkontrollaw kull aspett tal-ħajja tagħkom. Timlew moħħkom b'idea falza ta' paċi, imma ftit wara, tħossukom imdejjqin bil-kbir.

**Tbagħbis ma' dawn l-spirti li intom temmnu li huma anġli ta' Alla, iżda li ma jappartjenux lir-Renju Tiegħu, jwasslukom biex tindaħlu mal-okkult, li jagħmikom għall-Verità u jeqirdilkom ruħkom.**

**Alla ma jagħtix permess lill-Angli Tiegħu, li jagħtukom rigali, għax dawn jistgħu jiġu biss minn Għandu. L-Angli ta' Alla jistgħu jiġu mitluba biex jitolbu għalikom, imma qatt ma jistgħu jagħtukokm oġġetti materjali jew setgħat spiritwali. Meta taduraw l-anġli u tfittxu dawn il-ħwejjeġ, intom tkunu ħatja li qed tiksru l-Ewwel Kmandament ta' Alla.**

Ommkom il-maħbuba.
Omm tas-Salvazzjoni.

## Kull bniedem għandu tratti minn ta' Missieri.

It-Tlieta, 2 ta' Diċembru, 2014 @ 23.10

Għażiża maħbuba binti, waqt il-jiem ta' dlam, li għad iridu jiġu, meta d-dinja tkun qed titnaddaf mid-dnub, u fejn Jiena nkun mormi u m'għadnix ngħodd, Jiena nkun Alla ta' Ħniena kbira.

**Infakkarkom li Jiena naħfer malajr u nħobb lil kulħadd, kollni kemm Jien, għalkemm ħafna jittormentawni bl-indifferenza u l-mibegħda tagħhom. Naċċetta l-fatt li m'għadnix maħbub kif darba kont u li l-fidi tal-poplu Tiegħi kesħet, għax dan kollu kien imħabbar. Id-dover Tiegħi bħalissa huwa li neħles lill-bniedem mill-iskjavitù li ġab fuqu Satana, permezz tat-tentazzjonijiet. Sakemm il-bniedem ma jemminx f'Satana – l-akbar saħta li tħabbat wiċċha magħha l-umanità – huwa ma jistax jaċċetta t-Tjubija Tiegħi, Imħabbti jew l-Eżistenza Tiegħi.**

Hija iebsa għalikom ilkoll li tafuni biex tibqgħu fi stat ta' grazzja. Aħsbu kemm ikunu mitlufin dawn l-erwieħ li lanqas biss jagħtu każ Tiegħi, dawk li jafu min Jien, imma li ma jagħtunix mill-ħin tagħhom, dawk l-istess erwieħ li ġew mogħtija s-Sagramenti u l-Verità, imma li jwarrbu d-dritt tagħhom għas-Saltna Tiegħi. Ħafna minnhom jaduraw allat foloz u jagħtu lilhom infushom kważi ta' kuljum għal ħwejjeġ li mhux ġejjin Minni. **Ħadd minn dawn in-nies ma jħobb Lili, imma Jiena nħobbhom u hekk nibqa' għal dejjem, għax huma biċċa minn Ġismi.**

Imbagħad hemm dawk l-erwieħ li m'humiex leali Lejja, li jittraduni u li lesti jemmnu rivelazzjonijiet ġodda li jitfgħu d-dubju fuq id-Divinità Tiegħi. Huma wkoll ħallew imħabbithom Lejja titbiel, imma xorta Jiena nħobbhom daqs kemm inħobb lil dawk li jħobbuni b'qalbhom kollha. Qatt ma niskot infittex post ġo qalbhom, infittex mument fejn huma jistgħu jwieġbuni, jew meta fl-aħħar jirnexxilhom jaċċettaw il-Ħniena Kbira Tiegħi.

**Il-bniedem huwa magħmul fuq ix-Xbiha ta' Alla. Bħal kull ġenitur, Alla jara Lilu nnifsu f'dawk li huma Tiegħu u dan iferrħu ħafna. Kull bniedem għandu tratti minn ta' Missieri. Hemm it-tajjeb f'kulħadd, u huwa dan it-tajjeb, li jagħtikom prova li Alla jeżisti. Ifirħu, meta tkunu xhieda ta' qlub tajba, imħabba, paċenzja u atti kbar ta' karità, għax hemm tistgħu tkunu ċerti li l-Preżenza ta' Alla tkun qegħda taħdem f'dawn l-erwieħ li jkunu qed juru dawn it-tratti. Hija din it-tjubija, fil-qlub tal-midinbin li sejra tegħleb il-ħażen. Qatt m'għandkom titilfu t-tama', għax Jiena Alla ħanin u l-Kompassjoni Tiegħi tiksi lil kulħadd. Qatt ma nwarrab lil xi ħadd li jsejjaħli. Nixtieq inġibilkom Imħabbti, l-Paċi Tiegħi u s-Saltna Glorjuża Tiegħi.**

Itolbu, għeżież segwaċi Tiegħi, illi nkun nista' nħeġġeġ l-imħabba fil-qlub ta' dawk li tbegħdu Minni. Sejjer nitqabad sal-aħħar ħalli niġbor lill-ulied kollha ta' Alla u b'mod speċjali lill-għedewwa Tiegħi u nagħtihom is-salvazzjoni eterna.

Ġesù Tagħkom.

[Il-Preżenza Tiegħi triegħed id-dinja u l-art tiċċaqlaq]().

Il-Ħamis, 4 ta' Diċembru, 2014 @ 22.55

Għażiża maħbuba binti, meta jasal il-ħin għat-Tieni Miġja Tiegħi, jinstema' ħoss kbir, bħal tkarwit tar-ragħad, u jinfethu s-smewwiet bħallikieku tgħolliet purtiera. Jiena nidher ġo dawl kbir abjad, jgħammex iżjed mix-xemx, u ħafna nies jagħmew b'dan id-Dawl Kbir, li jkun idawwarni. Aktar ma r-ruħ tkun safja, aktar jarawni sew, u huma jifirħu meta jaraw Wiċċi.

**Il-Preżenza Tiegħi triegħed lid-dinja u l-art tiċċalaq. Imbagħad ikun hemm kwiet kbir u Leħni jidwi, fejn Jiena niddikjara li Huwa Jiena, Ġesù Kristu. Ikun hemm ferħ kbir min-naħa ta' dawk li Jiena nsejjaħ – dawk li jkunu ġa tbierku bil-Ħniena Kbira Tiegħi. Imma fost l-imħabba u l-ferħ, ikun hemm ukoll niket u biża'. Dawk li m'għandhom xejn ħlief mibegħda Lejja, jaqgħu għarkoptejhom, jokorbu bl-uġigħ u jinstabtu minn hawn għal hemm bir-rabja u l-biża', meta jaraw Lili.**

Dawk li jmiddu jdejhom Lejja f'dak il-Jum u jittalbuli biex neħodhom f'Dirgħajja, dawn isalvaw. Jiena sejjer nersaq lejn dawk l-aktar fil-baxx, dawk li huma mitlufin, kif ukoll dawk li huma wisq dgħajfa biex ifittxu Lili. Kulma għandhom jagħmlu huwa li jpespsuli dawn il-kliem **' Ġesù aħfirli dnubieti'** u Jiena niknishom minn fuq riġlejhom u neħodhom fis-Saltna Glorjuża Tiegħi.

Lilkom ilkoll li tibżgħu mill-Jum il-Kbir tat-Tieni Miġja Tiegħi, kunu għafu li jekk intom tħobbu Lili, dan il-Jum iġibilkom l-akbar ferħ. Jekk intom ma tafunix, u meta tarawni dak in-Nhar, intom tiġu Għandi u b'dirgħajkom miftuħa tilqgħu Lili. Ikunu biss dawk li jobogħdu Lili, li sejrin jirrifjutaw l-Id Tiegħi tal-Ħniena. Nitlobkom li tafdaw Lili biex inġibilkom il-paċi, għax mhix l-intenzjoni Tiegħi li nbeżżagħkom, Jiena Alla ta' Mħabba bla tmiem. Lilkom li taċċettaw dan ir-Rigal Kbir tal-Ħajja Eterna, m'hemmx minn xhiex tibżgħu, Jiena mmexxikom tul it-triq sa dak il-Jum il-Kbir.

Kliemi jista' jkun iebes, il-Verità iebsa biex taċċettha, imma dan huwa l-istat li tinsab fih id-dinja, li ġabu l-kruha tad-dnub, u li kieku kelli ma nwissikomx dwar dan il-Jum, intom ma tkunux imħejjija. Huwa minħabba Satana li l-uġigħ tad-dnub iġib tant nuqqas ta' qbil, dwejjaq u tbatija fid-dinja, imma Jiena dalwaqt niġi biex inġib it-tmien tad-dnub.

Ġesù Tagħkom.

## Omm tas-Salvazzjoni:  Alla ħoloq ordni naturali għall-umanità.

Il-Ġimgħa, 5 ta' Diċembru, 2014 @ 21.50

Għeżież uliedi, Alla ħoloq l-univers fil-perfezzjoni kollha tiegħu.  Minħabba li dan ġej minn Alla, kollox għandu ordni preċiża u naturali skond ir-Rieda Qaddisa ta' Alla.

Il-liġijiet tal-bniedem u l-liġijiet tan-natura kienu maħluqin Minnu, li Hu fuq kollox. Dan hu għaliex dak kollu li kellu jkun, għandu jibqa' kif inhu.  Alla ħoloq ordni naturali għall-umanità, post fejn jgħix, ikel li jiekol u r-Rigal tar-rieda ħielsa.  Dak kollu li hu naturali ġej minn Alla. Alla ħoloq din l-ordni biex il-bniedem ikun jista' jgħix.  Meta l-ordni naturali tal-univers – l-ikel li intom tieklu, l-ilma li tixorbu u r-riproduzzjoni naturali tar-razza umana – jiġu mbagħbsa mill-bniedem, hemm Alla jkollu kull dritt għat-tpattija.

Ħafna ppruvaw ibiddlu l-ordni tad-dinja, li kienet maħluqa minn Alla għar-razza umana.  Huma għad ipattu għal dan, għax Alla sejjer jabbanduna lil dawk li bidlu l-Verità tal-Ħolqien Tiegħu ma' sostituti foloz.  Jekk il-bniedem jibqa' jaqdi l-interessi tiegħu, hemm Alla jħallih jibqa' jwaqqa' lilu nnifsu, u jippermettilu li jbiddel dak kollu li hu naturali ma dak kollu li mhux naturali.

Huwa minħabba l-influwenza ta' Satana li l-bniedem bidel il-Ligijiet ta' Alla, u din sejra ġġib il-qerda.  Dak kollu li ġej minn Alla, huwa meqjus li mhux tajjeb biżżejjed u l-bniedem jipprova jbiddel il-liġijiet tan-natura biex ikunu jaqblu għall-interessi żienja tiegħu.  Huwa sa jasal tant, illi jipprova jiċħad il-Ħolqien tal-univers, billi jagħmel dikjarazzjoni foloz tal-oriġini tiegħu.  Kollox beda b'Alla u kollox jispiċċa b'Alla.  Il-ħwejjeġ kollha tajbin jiġu fi tmiemhom għal dak il-bniedem li jqum bi sfida kontra Alla.  Ladarba jitbagħbsu l-Liġijiet tal-Ħolqien, fid-dinja taraw kastig kbir. Għalkemm Alla huwa paċenzjuż, Huwa qatt m'hu sejjer iħalli lill-bniedem jiddettalu kif għandu jmexxi s-Saltna Tiegħu.

**Meta l-bniedem ibaxxi lilu nnifsu għal livelli tant baxxi u ma jibqax jirrispetta l-ħajja, l-ġisem uman, lil ħutu bniet u subien, u l-Liġijiet ta' Alla, jqumu maltempati kbar, bil-ħafna u li jtulu għal ġimgħat.  Il-ħoss ta' dawn il-maltempati jinħass f'ħafna nazzjonijiet.  Meta taraw dawn, kunu għafu li r-Rabja ta' Alla tkun niżlet fuqkom u li l-bniedem ikun qed ipatti għad-dagħa kbir kontra l-Ħallieq Tiegħu.**

L-Omm tagħkom

Omm tas-Salvazzjoni.

**Jekk intom tħaddnu prattiċi 'new age', intom tiċħdu Lili.**

Is-Sibt, 6 ta' Diċembru, 2014 @ 14.20

Għażiża maħbuba binti, kif inhi din, li dawk li ma jaċċettawx l-Eżistenza Tiegħi, jew id-Divinità tal-Missier Etern Tiegħi, dawn huma tant ħerqana biex iħaddnu allat foloz li għamluhom huma stess?

Meta l-Preżenza Tiegħi tinħass mill-erwieħ li jirrifjutaw l-Eżistenza Tiegħi, huma jħossu li għandhom jinġibdu lura mingħajr ma jħossu li qed jagħmlu xejn ħażin. Huma jmaqdru, jirridikolaw u jiżżufjettaw bil-Preżenza Tiegħi, kemm fil-Knisja Tiegħi, fil-kotba, fil-Kelma u kull fejn inkun Preżenti f'erwieħ oħra. Il-Preżenza ta' Alla hija Omnipotenti u tinħass bl-iżjed mod ta' uġigħ minn dawk l-erwieħ li huma fid-dlam. Għalhekk huma joħorġu tant velenu kull meta nissemma Jiena. Dawn in-nies għandhom mibegħda Għalija, minquxa fil-fond u ma jistgħux jaraw għala huma joboġħdu lil xi Ħadd li f'għajnejhom, ma jeżistix.

Jien inwissi lil dawk li jħaddnu spiritwalità falza u li jaduraw jew jossessjonaw fuq dak kollu li mhux ġej Minni. Jekk intom tiftħu ruħkom għal xi renju spiritwali li mhux Tiegħi, intom tkun ftaħtu l-bieb għax-xjaten, li bil-makakkerija tagħhom jiġbdukom lejn id-dinja mudlama tagħhom. Dik il-paċi li intom temmnu li tkunu rċevejtu minn dawn il-prattiċi 'new age', għandha ħajja qasira. U intom u tfittxu għal iżjed, intom tidħlu fi stat fejn il-kuxjenza tagħkom tittiehed mill-għedewwa ta' Alla, sakemm taslu fejn ma tkunux tistgħu tinħelsu mill-qawwa tagħhom. Intom qatt ma ssibu paċi meta taduraw allat foloz.

Id-dinja hija nfestati minn duttrini, allat u reliġjonijiet foloz. Hemm biss Alla Wieħed Veru u intom tistgħu tiġu Għandu, meta tagħrfu s-Sagrifiċju Kbir li Hu għamel meta bagħat Lili, l-uniku Iben Imnissel Tiegħu, sabiex iġibilkom is-salvazzjoni mill-mansab tal-wieħed il-ħażin.

**Lil dawk li jafuni, imma li jbagħbsu ma' duttrini oħrajn, kunu għafu dan. Jekk intom tħaddnu prattiċi 'new age', intom tiċħdu Lili. Jekk il-Knisja Tiegħi tħaddan twemminijiet oħrajn, li mhux ġejjin Minni, huma jittradixxu Lili.**

Iż-żmien meta jiġi ċċelebrat it-Twelid Tiegħi, meta juru rabta ma' reliġjonijiet oħrajn, li mhumiex ġejjin Minni, jkun wieħed mill-akbar tradimenti tal-Verità.

Ġesù Tagħkom.

## Alla l-Missier: Mingħajri ma jkun hemm xejn.  L-ebda univers.  Ebda mħabba.  Ebda ħajja.

Il-Ħadd, 7 ta' Diċembru, 2014 @ 16.30

Binti l-iżjed għażiża, tħalli lil ħadd minnkom jinsa Min Jien.  Huwa Jien, l-maħbub Missierkom, Ħallieq ta' dak kollu li kien fil-bidu u li Hu tal-aħħar.  Kollox ġej Minni u kull bniedem imiel quddiemi jekk ma jridx li jitwarrab mill-Ġerarkija l-Kbira tas-Smewwiet.

**Intom, l-ulied maħbubin Tiegħi, intom dak kollu li tixtieq Qalbi, u kull battalja li intom taraw fuq l-art, din tkun għas-salvazzjoni ta' ruħkom.  Dak kollu li huwa ħażin, ġej mill-avversarju Tiegħi, r-Re tal-gideb, dak li jsaħħar lil kulħadd, li jakkuża, li hu l-akbar għadu Tiegħi u għalhekk ta' wliedi wkoll.  Min hu kontra Tiegħi, huwa kontra tagħkom.  Dak kollu li jagħti Glorja Lili, jagħti glorja lil dak kollu li huwa Tiegħi.  Dan jinkludi lill-uniku Iben Imnissel Tiegħi u lilkom, għeżież uliedi.**

Il-bniedem li jippersegwita lil uliedi, mhux ġej Minni.  Għal kull tbatija, uġigħ u iżolament li dawk li huma l-eqreb Tiegħi, jkollhom isofru, kunu għafu li dan ġej minn Satana u l-ġerarkija tiegħu tal-anġli l-ħżiena.  L-akbar xewqa tagħhom hija li jeħdukom minn Għandi u ta' dan intom issofru.

**Minħabba li Jiena ma niħux lura dak li nkun tajt, ir-rieda ħielsa taghkom tkun kemm ir-rebħa kif ukoll il-waqgħa tagħkom, skond liema tkun it-triq li tagħżlu.** Dan ifisser li jekk intom toffru Lili r-rieda ħielsa tagħkom, għall-ġid tagħkom u t'erwieħ oħrajn, intom tistgħu u hekk jiġri, illi tegħlbu lill-akbar għadu tagħkom, ix-xitan.  Imma jekk tħallu l-ħażen jidħol ġewwa ruħkom, intom, bir-rieda ħielsa tagħkom taqtgħu kull rabta minn Miegħi.

**Jien ma nistax nindaħal mar-rieda ħielsa tagħkom, ghax dan ikun ifisser li nkun ksirt il-Wegħda Tiegħi.  Ma nistax nisfurzakom biex tagħmlu għażliet.  Nista' biss nurikom il-mogħdija, it-triq, lejn is-salvazzjoni.  Imbagħad intom tridu tiddeċiedu dak li tridu.  Ir-Rigali kollha tal-Ġerarkija Tiegħi tas-Sema' huma mogħtija lilkom gratis, jekk kemm-il darba, tkun din il-ħajja li tixtiequ.  Nitlobkom, għalikom stess, titilqux Lili, għaċ-ċeremonji u x-xinxilli li jpoġġu quddiemkom permezz tat-tentazzjoni tax-xjaten.**

**Ħafna minnkom m'humiex ċerti Minni jew Min Jien, għax Satana, permezz tas-setgħat li huwa rċieva, jagħmikom għall-eżistenza Tiegħi.  Huwa jisfidakom bil-miftuħ b'kull tip ta' logika umana u intellett, biex tiċħdu d-Divinità Tiegħi.  Jiena nkun diskuss fil-miftuħ bi stmerrija, imma l-makakk u gifa li hu Satana, qatt ma juri ruħu, għax li kieku jikxef l-għan kollu tiegħu.  Sakemm intom ma temmnux fl-eżistenza tax-xitan, intom ma temmnux Fija.  Imma Jien inwissikom.  Emmnu dak li tridu Dwari, imma qatt tiċħdu l-eżistenza tal-ħażen, ghax dan kollu jinsab madwarkom.  Iċħdu l-ħażen u intom tiċħdu Lili, għax il-ħażen huwa l-kontra ta' dak kollu li Jiena Jien.  Jiena Mħabba.  L-imħabba hija**

**Tiegħi.  Dawk li jħobbu, forsi ma jagħrfunix, imma mingħajri ma jkun hemm xejn.  L-ebda univers. L-ebda mħabba.  L-ebda ħajja.**

Tagħmlux l-iżball li tagħżlu lil dak li jbiegħ il-ħażen, minflok id-Divinità Tiegħi. Daqt jisbaħ il-jum meta intom tifhmu dak li qed ngħidilkom.  Meta jitneħħa minn quddiem għajnejkom l-għanqbut, intom għandkom tiġru għal Għandi.  Inkun qed nistenna biex inħaddankom għal ġewwa l-Kenn Tiegħi, u minn dak il-mument 'l quddiem, nixxotta d-dmugħ tagħkom, inneħħi kull tbatija  u neħodkom fid-Dawl tas-Saltna Tiegħi ghall-eternità.

Inħobbkom għeżież uliedi.  Nistenna u nixxennaq għall-jum li terġgħu lura lejn it-Tgħannieqa Tiegħi tas-Sema'.

Missierkom il-maħbub

Alla l-Iżjed Għoli.

[Omm tas-Salvazzjoni:  Ibni għaddieli s-setgħa li nisħaq ras is-serp].

It-Tnejn, 8 ta' Diċembru, 2014 @ 17.30

Għeżież uliedi, meta tisimgħu bi gwerrer ġodda f'inħawi l-anqas mistennija, intom għandkom tistenbħu għall-profeziji li jinsabu fil-Ktieb tar-Rivelazzjoni u tindunaw li jinsabu fuqkom.

Meta l-ordni naturali tad-dinja u l-imġieba tar-razza umana titħarbat, fl-erba' rkejjen tad-dinja, dan ikun iż-żmien biex tħejju.  Dawn il-ħwejjeġ kollha jridu jseħħu fl-aħħar sur kontra dak kollu li huwa ħażin, li ġej mill-infestazzjoni tal-wieħed il-ħażin.

Bniedem idur kontra bniedem, in-nies jittrattaw lil xulxin bil-kefrija, mingħajr xrara ta' ndiema, u kull wieħed jittradixxi l-fiduċja tal-ieħor.  Hekk jiġri, meta l-imħabba li ġejja minn Alla, tiddgħajjef fil-qlub tal-umanità.  **Saħansitra dawk li jemmnu f'Ibni, jduru kontra t-Tagħlim Tiegħu. Dawk l-eqreb lejH, għalkemm iħobbuH, sejrin jittraduH.  Dawk li jirrappreżentawH serjrin jagħtuH f'idejn l-għedewwa Tiegħu, eżatt bħalma għamel Ġuda.**

Hemm ftit wisq li huma b'saħħithom biżżejjed biex jieqfu u jipproklamaw il-Verità tal-Kelma Qaddisa ta' Alla.  Il-bniedem huwa dgħajjef u huwa minħabba d-dnub li ma jistax isir sħiħ.  Sakemm jinqered id-dnub, sejrin tgħaddu minn ħafna uġigħ, sakemm Ibni jerġa' jiġi.  Sa dak in-nhar, l-unika arma tagħkom kontra l-qawwa ta' Satana, huwa t-talb.  Itolbu, b'mod speċjali r-Rużarju Qaddis kuljum, għax dan għandu l-qawwa li jdgħajjef is-saħħa ta' Satana u ta' dawk kollha li hu jmexxi fl-aħħar battalja kontra Ġesù Kristu u l-Knisja Tiegħu fuq l-art.

**Ngħidilkom issa, illi jiena, l-Omm maħbuba tagħkom, l-Immakulata Verġni Marija, Omm ta' Alla, qed nagħtikom rigal speċjali llum.  Ġejt mogħtija l-grazzja li nkun il-protettriċi tal-umanità.  Għandkom taħarbu lejn il-protezzjoni tiegħi fi żmien it-taqbida.  Jiena nħares lil kull wieħed minnkom li jsejjaħli, kontra l-ħażen tax-xitan.  Taħt il-ħarsien tiegħi, intom issibu kenn mill-attakki li hu jagħmel fuq kull Kristjan li jibqa' leali lejn Ibni f'dawn il-provi li ġejjin quddiemkom.**

Ibni għaddieli s-setgħa li nisħaq ras is-serp ħalli Hu jkun jista' jġibkom eqreb lejH.  Aċċettaw il-ħarsien tiegħi u jiena nwieġeb lil dawk kollha li jitolbuni għall-għajnuna.

Dmiri huwa lejn Alla u r-rabta tiegħi hija mal-maħbub Ibni, Ġesù Kristu, li jħobbkom tant ilkoll.  M'hemm xejn li jiena ma nagħmilx għal Ibni u m'hemm xejn li Hu ma jagħmilx biex jeħliskom mill-uġigħ u t-tbatija.

Grazzi uliedi għall-imħabba li turu lejja, imma kunu għafu li jiena nieħu l-imħabba li tagħtu lili u nippreżentha lil Ibni għall-Glorja ta' Alla.

Jiena nibqa' dejjem il-qaddejja umli ta' Alla.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni

## Omm tas-Salvazzjoni: Kont mibgħuta bħala l-messaġġiera Tiegħu tul iż-żminijiet.

It-Tlieta, 9 ta' Diċembru, 2014 @ 17.00

Għażiża binti, jiena l-Immakulata Verġni Marija, l-Omm ta' Alla, u jiena niġi biex nikxef il-għan tal-Missjoni tiegħi fuq l-Art.

Jiena l-qaddejja tal-Mulej u kont magħżula minn Missieri tas-smewwiet, biex inġib lil Ibnu, Ġesù Kristu, Salvatur tad-Dinja. Hekk kif kont imsejħa biex nagħmel ir-Rieda l-Iżjed Qaddisa Tiegħu, permezz tal-Uniku Iben Imnissel Tiegħu, li kien mibgħut biex iġib il-Ħajja Eterna lil uliedu kollha, jiena ġejt mogħtija r-rwol ta' messaġġiera Tiegħu tul iż-żminiijiet. Jiena kont mibgħuta bħala l-messaġġiera Tiegħu biex nikxef il-misteri tas-Saltna Tiegħu tas-Smewwiet u jiena dejjem ġejt fl-Isem Qaddis Tiegħu biex nagħti messaġġi mportanti lid-dinja. Ma ġejtx f'ismi, għax qatt ma kien ser ikolli din l-awtorità. Ġejt f'Isem Alla, bħala l-qaddejja leali Tiegħu, għall-Glorja ta' Alla, sabiex ikun jista' jsejjaħ l-erwieħ lejn il-Ħniena Divina Tiegħu. Issa qed nerġa' niġi, f'din l-aħħar Missjoni msejħa mit-Trinità Mbierka, l-Iżjed Qaddisa, fis-salvazzjoni tal-erwieħ.

Kelli rwol importanti meta l-Messija gie l-ewwel darba u issa qed niġi fl-aħħar, bħala l-messaġġiera mqaddsa Tiegħu, f'dawn iż-żmijiiiet tal-aħħar, qabel ma Hu, Ibni, juri Lilu nnifsu fit-Tieni Miġja Tiegħu.

Tul iż-żmijiet, meta kont nidher fid-deheriet fuq l-art, kien ikun mogħti sinjal lid-dinja. F'ħafna każijiet kont nagħti profeziji mportanti permezz tar-Rigal ta' rivelazzjoni minn ġewwa l-bniedem, imma f'xi każijiet xejn ma kien jintqal. Minflok, kien jingħata sinjal, u dawk imbierka bid-dixxerniment kienu jifhmu dak li Alla kien ried li wliedu jkunu jafu. Hija minħabba l-ġenerożità kbira Tiegħu, li Huwa ta dawn l-Interventi Divini, għax l-unika xewqa Tiegħu hi, li jsalva l-erwieħ.

Il-Missier Etern Tiegħi, li ħoloq kollox mix-xejn, jintervjeni biss meta Huwa jixtieq, biex isalva lil uliedu mill-qerq, li jkun tpoġġa ġewwa qalbhom. Ikun meta l-wieħed il-ħażin joħloq it-taħwid, illi Alla dejjem jindaħal u jiftaħ qlub uliedu għall-Imħabba Kbira Tiegħu, li għandu għal kull wieħed minnhom. Aċċettaw din il-Missjoni, għeżież uliedi, bil-gratitudni u rringrazzjaw lil Alla għall-Ħniena Kbira Tiegħu, li mingħajrHa ħafna erwieħ jintilfu.

Ommkom il-maħbuba.

Omm tas-Salvazzjoni.

## Ir-reliġjon il-ġdida għall-popli kollha sejra tiġbed twemminijiet mhux Kristjani.

Il-Ħamis, 11 ta' Diċembru, 2014 @ 21.50

Għażiża maħbuba binti, llum qed inġibilkom bxara li tħaffef lil qalbkom. Intom dixxipli għeżież Tiegħi, li intom leali lejn il-Kelma Qaddisa Tiegħi, sejrin tkunu mogħtija Grazzji speċjali Minni. Dawn il-Grazzji li sejrin jitferrgħu fuq dawk kollha li jbatu fl-Isem Qaddis Tiegħi, sejrin iġibulkom faraġ bla qies fil-provi li għad iridu jseħħu.

Nagħtikom ukoll il-Grazzja li ssalvaw lil dawk l-erwieħ kollha li jinsabu mħawdin, immexxija ħażin u li huma aġitati, li neħħew Lili minn ħajjithom. Kulma għandi bżonn, huwa t-talb tagħkom u l-perseveranza, meta intom toffruli dawn bi tpattija għal dawn l-erwieħ. Dan huwa Rigal straordinarju u qed nagħtih għax dalwaqt sejra tqum konfużżjoni kbira fost it-twemminijiet Kristjani, u ħafna sejrin jitilquni.

**Bħal rekluti ġodda li jidħlu f'armata, lesti għall-gwerra, n-nies sejrin jiffirmaw ma' din ir-reliġjon il-ġdida, mlibbsa bħala waħda Kristjana, li jirreferu għaliha bħala r-reliġjon tal-popli – reliġjon li tħaddan il-qawwija, d-dgħajfa u lill-midinbin kollha, li jgħidu li tifrex tul il-qasmiet politiċi.** Ħafna sejrin jemmnu li qed iħaddnu tagħhom stess, imma huma jitilqu Lili. It-triq għal dan il-qerq kbir ġa tħejjiet u l-mexxejja tar-reliġjon il-ġdida ġa tqabbdu. Bla ħoss, jaħdmu sogħod u b'determinazzjoni, huma żergħu din iż-żerriegħa f'ħafna nazzjonijiet, ftit taż-żmien ilu u r-riżultati dalwaqt jidhru.

Ir-reliġjon il-ġdida tkun tidher mimlija kompassjoni. Ir-reliġjon il-ġdida għall-popli kollha sejra tiġbed twemminijiet mhux Kristjani u tinħareġ minn kull tip ta' gidba biex tiddefendi dan il-moviment. Il-Liġijiet ta' Alla jkunu mwarrba għal kollox u jsir minn kull attentat biex jiġġustifika din l-evanġelizżazzjoni globali.

Kliem ippreżentat mill-Knisja Tiegħi, biex jiddefendu dawn il-bidliet, li jkunu meħtieġa biex idaħħlu din l-ewwel parti ta' din il-pseudo duttrina l-ġdida, ikollhom falsità li tidher. Il-kliem li jintużaw biex jiddiskrivu t-Tagħlim Tiegħi, ma jkunux familjari mal-Kristjani li jafuni. Il-lingwa li tintuża, fejn jirreferu Għalija, jkun digradanti u jinsulta lid-Divinità Tiegħi.

Jiena naf lil dawk li huma Tiegħi u huma jafu Lili. Jiena naf lill-għedewwa Tiegħi u huma jgħidu li jafu Lili, ma kull min jismagħhom. Meta l-għedewwa Tiegħi, li jgħidu li huma Tiegħi, li jitkellmu b'disprezz Lejja, li ftit juru rispett lejn il-Kelma Tiegħi u li jippruvaw jagħtuha tifsira ġdida, kunu għassa. Saħansitra l-iżjed għadu makakk Tiegħi, ser jitfixkel, għax kulma jkun ġej mill-avversarju Tiegħi dejjem iħawwad. Kulma jkun ġej minn Alla u fejn l-Ispirtu s-Santu jkun preżenti, qatt ma jgħaddi ż-żmien Bija, Ġesù Kristu, b'xi mod.

Meta taraw it-taħwid fil-Knisja Tiegħi u tkunu xhieda ta' duttrina ġdida, li tonora l-ħtiġijiet tal-bniedem, xejn minn dak li din tagħti ma jinħass sew. Intom l-għeżież segwaċi Tiegħi tħossukom mhux f'postkom, imbeżża' u mimlijin dieqa. Huwa minħabba dawn il-ħwejjeġ li ġejjin, li Jiena qed nagħti lil dawk li verament iħobbu

Lili, l-Grazzji biex jgħinuni nsalva lil ulied Alla, minn din l-abominazzjoni li dalwaqt terfa' rasha.

Aċċettaw ir-Rigali Tiegħi, l-Wegħda Tiegħi li ngħinkom u mmexxikom, li qed inġibilkom bħalissa. Kelmti kienet mogħtija lill-umanità żmien ilu. Il-Kelma mhix ġdida. Dak il-bniedem li jżid magħha jew jibdilha, sejjer ibati bi kbir. Dan kien ġa mħabbar fil-Bibbja l-Iżjed Imqaddsa u issa dan hu eżattament dak li ser jiġri. Kelmti tiġi mbagħbsa mill-avversarju Tiegħi u d-dinja tibla' l-gideb, li jiġu bħala riżultat ta' dan.

Ġesù Tagħkom.

## Il-kuxjenza tal-bniedem hija bħal mera għal ruħu.

Is-Sibt, 13 ta' Diċembru, 2014 @ 00.15

Għażiża maħbuba binti, l-kuxjenza tal-bniedem hija bħal mera għal ruħu. Dak li tħoss il-kuxjenza, dak li twieġeb għalih, u dak li temmen fih, huwa riflett ġewwa ruħu. Dan ifisser li jekk il-kuxjenza tiegħek twissik dwar xi ħaġa li inti taf ġewwa qalbek li hija ħażina, din hija ħażina f'Għajnejn Alla, intom għandkom tisimgħu minnha.

Jekk il-kuxjenza tagħkom tmexxikom biex tiddefendu l-Kelma ta' Alla, meta tiġu wiċċkom mal-ħażen, intom għandkom twieġbu għaliha, kif tafu li għandkom tagħmlu. Jekk taċċettaw il-ħażen, meta l-kuxjenza tagħkom tmexxikom mod ieħor, hemm ma tkunux leali lejn il-Kelma ta' Alla. Intom jekk tridu li tissejħu Kristjani, tridu tħallu l-kuxjenza tagħkom tmexxikom. Fir-ruħ Kristjana li hija mbierka bid-Don tal-Ispirtu s-Santu, l-kuxjenza tkun għassa sew għall-qerq tax-xitan fl-għamliet kollha tiegħu.

**Jekk tiċħdu l-kuxjenza tagħkom, intom tiċħdu lil Alla. Meta tiċħdu lil Alla, intom tiċħdu l-wirt tagħkom stess. Qatt iġġibu skużi biex taċċettaw xi ħaġa, li tafu li mhix ġejja Minni, għax jekk il-kuxjenza tmexxikom biex timxu mod u intom tagħmlu l-kontra, intom tkunu nqastu milli tieħdu l-Kalċi Tiegħi. Sejjer ikun hemm drabi meta intom ma tgħaddux minn ebda persekuzzjoni, imma dejjem ser ikun hemm drabi meta sejrin tkunu sfidati f'Ismi. Meta jasal dak il-jum, intom sejrin titilquni billi tiċħdu l-Kelma Qaddisa Tiegħi?**

**Kemm hi b'saħħitha l-fidi tagħkom jew imħabbitkom Għalija? Huwa biss meta tħabbtu wiċċkom ma' kuntrarju kbir, li intom tkunu tafu kemm intom lesti li taslu biex tirrifjutaw li taċċettaw il-ħażin għal dak li hu tajjeb. Dawk li huma b'saħħithom biżżejjed, u jirrifjutaw li jaċċettaw xi ħaġa li tiċħad xi domma, mniżżla fil-Bibbja Qaddisa, sejrin jerfgħu l-Kalċi Tiegħi. Il-Kalċi jirrappreżenta Demmi u l-Kalċi li jinsab fih. Il-Kalċi jirrappreżenta t-tbatija li żgur li tkun hemm meta intom timxu u bil-kunfidenza tibqgħu mal-Kelma ta' Alla.**

Jekk Alla għamel bħala fatt, il-Liġijiet Tiegħu, permezz tal-Kelma li tinsab fil-Bibbja Qaddisa, allura intom ma tistgħu qatt taċċettaw xi ħaġa li tmur kontrihom. Li tixlu xi domma f'Ismi, jfisser li tgħidu li m'intomx Tiegħi. Jasal il-jum meta l-Knisja Tiegħi sejra tiċħad id-domma li hija minquxa fil-blat, u tibdilha mad-duttrina tad-dlam. Jekk taċċettaw dan il-qerq, għalkemm il-kuxjenza tagħkom tgħidilkom mod ieħor, tkunu ħatja ta' ereżija. Ladarba tagħmlu dan, intom ma tistgħux tissejħu Kristjani jew dixxipli minn Tiegħi, għax Jiena ngħid li ma tafunix jekk tagħmlu dan.

Ġesù Tagħkom.

**Dak kollu li tagħmlu mal-oħrajn ma jkun ifisser xejn Għalija, għax intom sejrin tkunu ġġudikati skond il-lealtà tagħkom lejn il-Verità.**

Il-Ħadd, 14 ta' Diċembru, 2014 @ 18.00

Għażiża maħbuba binti, l-poplu Tiegħi ġie mogħti Rigal kbir Minni, permezz tal-Mewt Tiegħi fuq is-Salib. Dan is-Sagrifiċju, mogħti biex jifdi lid-dinja minn mewt ċerta, huwa biċċa mill-Patt aħħari ta' Missieri qabel il-Jum il-Kbir, meta Huwa sejjer isalva lill-fdal mid-dinja.

Ġenerazzjoni wara ġenerazzjoni tkellmu fuq il-Verità, li tinsab fil-Ktieb ta' Missieri, u l-qaddejja mqaddsa Tiegħu komplew żammew mal-Kelma ta' Alla. Kemm insejtu u kemm tafu ftit. Ħafna minn dawk li gew imqabbda biex imexxukom, żbaljaw, u filwaqt li bħalissa rashom kburija u fil-gholi, waqt li jbagħbsu mal-Kelma ta' Alla, huma għad idendlu rashom bil-mistħija u l-biża', meta jiħu wiċċhom mat-Twissija mis-Sema. Lil dawn il-qaddejja mqaddsa, ngħidilhom dan:

**Il-ħidma tagħkom għall-oħrjan ma tkun tfisser xejn Għalija, għax intom sejrin tiġu ġġudikati skond il-lealtà tagħkom lejn il-Verità. Jien nikkastigakom u l-Ġustizzja Tiegħi tkun bla ħniena, sakemm intom tkissru dawk il-liġijiet pagani tagħkom u tipproklamaw il-Kelma li ġiet mogħtija lilkom tant żmien ilu. It-tkasbir tagħkom tal-Liġijiet ta' Alla, jġibuli l-mistħija, iżda l-qerq, li ser jiswieli l-erwieħ, sejjer iwassal għar-rovina tagħkom. Dawk fost il-poplu Tiegħi li jgħixu skond il-Kelma ta' Alla, għalkemm f'għajnejkom m'huma xejn, għad ipoġġu fuq it-Tronnijiet tal-Ġustizzja, meta intom tkunu msejħa biex twieġbu Lili, għar-raġunijiet għaliex intom mexxejtu ħazin lill-poplu Tiegħi. Forsi intom taħsbu li l-qawwa u l-influwenza tagħkom ħadd ma jista' jikkritikhom, imma kunu għafu li l-glorja tagħkom qed tintefa u daqt, il-mantari bojod u lewn id-deheb li tilbsu, jsiru ċrieċer u l-kuruni jlellxu jinbildlu mat-tfief.**

Fost id-dnubiet kollha tad-dinja, m'hemm xejn agħar f'Għajnejja, minn dawk l-ipokriti li jagħmluha ta' qaddejja Tiegħi, imma li ma jaqdux Lili. Meta jasal iż-żmien li intom tisħtuni u tbellgħu lil ulied Alla, l-gideb dwar x'inhu dnub, Jiena nibgħat fuqkom kastig hekk kbir, li intom ma tkunux tifilhu tieħdu nifs. Silġ ta' daqs kbir jinxteħet mis-Smewwiet u għal kull Knisja li intom tkunu tajtu lill-għedewwa Tiegħi, fejn huma jiddesagraw l-Altari Tiegħi, ilmijiet kbar jgħerrquhom. Kull krimini li intom twettqu kontra Tiegħi, intom twettquh kontra wild ta' Alla. U għalhekk nibgħatilkom twissija wara twissija sakemm intom tirrifjutaw id-duttrina l-falza, sakemm tgħidu l-Verità – Il-Kelma Qaddisa ta' Alla – u żżommu s-Sagramenti kif kontu mgħallmin li tagħmlu fil-bidu.

Permezz ta' dawn il-messaġġi, qed infakkarkom fil-Verità u sejjer nissokta nwissikom sal-jum, fejn intom tagħżlu – Lili jew lil dawk li jgħidu li huma Tiegħi, imma li huma lsiera tal-bestja.

Ġesù Tagħkom.

## Minflok, huma sejrin jaqgħu fin-nasba li jifirdu d-domma mid-duttrina.

**It-Tnejn, 15 ta' Diċembru, 2014 @ 21.55**

Għażiża maħbuba binti, meta l-Fariżej bagħtu l-forzi biex jattakkaw Lili, u wżaw kull tip ta' konfoffa, fl-istess ħin, huma kienu qed jippriedkaw il-profezija dwar il-miġja tal-Messija. Filwaqt li kienu jkasbru Lili u għamlu minn kollox biex ixerrdu l-gideb dwar il-Moralità Tiegħi, huma kienu jikkwotaw mill-Iskrittura Mqaddsa. Meta l-Fariżej kienu qed jippersegwitawni – jsejħuli minn kull isem li jinsulta lil Missieri – huma ssuktaw iħejju lil ulied Alla għall-miġja tal-Messija. Għalkemm kont preżenti ġo nofshom, huma rrifjutaw li jagħrfu Lili, u ma setgħux jinjorawni minħabba li kont mimli bl-Ispirtu s-Santu. Meta qomt mill-imwiet, il-Fariżej ġew mogħtija l-prova tal-Qawmien Tiegħi, imma minflok, għażlu li jxerrdu l-gideb biex jaħbu l-Verità. Minħabba dak l-għemil tagħhom, huma begħdu miljuni t'erwieħ mill-wirt naturali tagħhom – ir-Rigal tas-Salvazzjoni Eterna.

F'dan iż-żmien, li issa qed inħejji lid-dinja għat-Tieni Miġja Tiegħi, l-qaddejja mqaddsa tal-Knisja Tiegħi, sejrin jagħmlu l-istess ħaġa. Huma jippriedkaw dwar il-Jum il-Kbir meta għandi niġi Jiena, imma huma jeħduha, li dak il-jum għad irid iseħħ f'seklu ieħor. Huma mhux sejrin iħejju l-erwieħ bil-mod li nixtieq Jiena. Huma mhux sejrin iħeġġu lill-poplu Tiegħi biex ifittex li jirrikonċilja, jitlob u jfittex is-Sagramenti u biex iżomm bis-saħħa mal-Kelma Miktuba. Minflok huma sejrin jaqgħu fin-nasba li jifirdu d-domma mid-duttrina u mhux sejrin jaċċettaw il-messaġġi li ġew mogħtija lill-profeti ta' Alla.

Tant huma għomja, meta Jiena qed inkellimhom bħalissa, permezz tal-Ktieb tal-Verità. Tant huma njoranti dawk, li jgħidu li qed imexxu t-Triq lejn is-Saltna Tiegħi, meta huma fil-Verità ma jafux il-mogħdija li tagħti għaliha. Huma għandhom jaqraw il-Bibbja Mqaddsa, jistudjawha u jaċċettaw dak li jinsab fiha, l-ewwel, għax kif jista' ma jkunx hekk u jkunu jafu Lili? Bħal ħalliel bil-lejl Jiena niġi u huma ma jkunux lesti biex jilqugħni, għax ma jkunux ħassew il-ħtiega li jħejju.

Issa nieqaf quddiemkom, qaddejja mqaddsa Tiegħi u nitlobkom tisimgħuni. Nitlobkom li temmnu Min Jien, dak li għamilt biex nifdi lill-bniedem mid-dnub u x'inhu dak li Jiena għandi nagħmel biex nagħlaq il-Patt ta' Missieri. Hekk kif joqrob iż-żmien, jibdew jinagħtawlkom sinjali illi l-Jum Tiegħi huwa fil-qrib. Nagħmel dan biex inqajjimkom mir-raqda u tisimgħu Leħni. Nħeġġiġkom biex tgħidu l-Verità dwar id-dnub, il-Verità dwar il-Kelma Qaddisa ta' Alla u kif din qatt ma tista' titbagħbas, kif ukoll id-Divinità Tiegħi.

Meta jinagħtawlkom dawn is-sinjali, Jiena niddikjara solennement, illi l-Ispirtu s-Santu sejjer jitferra fuqkom, u dawk li jħobbu Lili b'ubbidjenza sempliċi sejrin jindunaw mill-ewwel, li Jien qed inkellimkom bħalissa. Imbagħad nimliekom b'Imħabbti u tibdew taraw l-affarijiet kif verament huma, b'ċarezza tal-moħħ u b'viżżjoni dwar dak li hu meħtieg biex tgħinuni fil-Pjan Tiegħi tas-salvazzjoni tad-dinja u kull wild minn ta' Alla.

Isimgħu.  Ħejju.  Itolbu għall-Qawwa Tiegħi, l-Kuraġġ Tiegħi u qatt tinsew id-dover tagħkom Lejja.

Morru fil-paċi, biex tħobbu u taqdu Lili, issa u għal dejjem.

Ġesù Tagħkom.

## Għal kull għemil tajjeb li tagħmlu, tgħidu xejn.

It-Tlieta, 16 ta' Diċembru, 2014 @ 23.00

Għażiża maħbuba binti, dawk li jgħidu li ġejjin Minni, li huma mberkin bl-Ispirtu s-Santu, jintgħarfu malajr minn dawk li għandhom id-dixxerniment veru. Huma qatt ma jfittxu attenzjoni personali jew qima. Qatt ma jfittxu li jkunu popolari, u lanqas ma jkunu popolari, għax meta ssemmgħu l-Leħen ta' Alla, dan iġibilkom ħafna kritika, għax il-Verità hija mibgħuda mid-dinja sekulari.

Il-Kelma ta' Alla dejjem sejjer ikollha lil dawk li huma kontriha u qatt ma tkun imħaddna, b'entużjażmu, mid-dinja sekulari. Meta jasal il-jum fejn intom taraw il-Knisja Tiegħi u d-dinja sekulari, jsiru ħaġa waħda, kunu għassa. Il-qaddejja Tiegħi li jibqgħu leali Lejja u li jipproklamaw Kelmti fil-pubbliku, hekk kif kienet ġiet mogħtija lill-umanità fil-Bibbja Mqaddsa, dawn qatt ma jkunu popolari. Forsi jittollerawhom, imma leħenhom qatt ma jinstema' u l-Verità tkun mormija u mistkerrha.

Hemm dawk fostkom li jgħaddu lilhom infushom b'għalliema tal-Kelma Tiegħi, li jferrxu falsitajiet dwar il-Kelma ta' Alla, għalkemm taħbuhom bil-għaqal wara kliem meqjus. Naf li qed tagħmlu dan, u dan mhux biex tgħinu Lili nsalva l-erwieħ. Intom minflok, tixtiequ tbegħdu l-erwieħ Minni, għax intom kontra Tiegħi.

Lil dawk it-tradituri tal-Knisja Tiegħi, inklużi l-lajċi, ngħidilkom dan. Ħudu ħsieb il-ġnien tagħkom għax jinsab mitluq, u l-ħamrija mhix għammiela. It-tfief xettlu u pjanti b'saħħithom qatt ma jistgħu jikbru, jekk intom ma tagħżqux u tneħħu dak li hu mmermer u tbiddlu l-ħamrija ma waħda ġdida u għammiela. Ikun biss meta ġġeddu l-ġnien tagħkom, u tibdew mill-ġdid, li l-ġnien jerġa' jagħti l-ħajja. Inkella ma jkunx hemm ħajja u kollox imut. Teqirdu mhux biss ħajjitkom, imma dik ta' dawk qrib tagħkom, għax l-avversarju Tiegħi m'għandu lealtà lejn ħadd, saħansitra lejn dawk li hu jaħtaf bħala lsiera, biex iwettqu l-vendetta kontra Tiegħi.

Dawk li huma Tiegħi jixbħu Lili, f'ħafna modi. Eqreb ma jkunu lejn Qalbi, aktar jagħmlu bħali. Jkunu umli, għax qatt ma jiftaħru bl-għarfien tagħhom, Tiegħi. Igħidu biss dak li kieku kont ngħid Jien, u dak li hu l-Verità, saħansitra meta dan iġib fuqhom il-mibegħda. Isibuha skomda li jitgħollew jew li jkunu mfaħħra għal xi għemejjel tajba li jkunu għamlu, għax dak ma kienx il-għan tagħhom. Ifittxu biss li jagħmlu r-Rieda Qaddisa Tiegħi.

Dawk l-ilħna li jgħajtu 'arawni – jien qaddej ta' Alla' u li juru lid-dinja kollha, dawk l-għemejjel tajba li huma jagħmlu f'Ismi, jdardruni. Għal kull att ta' karità li twettqu, ibqgħu mexjin u għamlu li jmiss – u tgħidu xejn. Tfittxux it-tifħir, għax huwa x-xogħol Tiegħi li intom qegħdin tagħmlu. L-għemejjel tajba kollha li jsiru f'Ismi, għandhom ikunu offruti Lili b'qadi umli.

Qatt m'għandkom tgħollu lilkom infuskom f'Ismi, għax dan Jiena ma nistax għalih. Meta taqdu lil Alla, intom taqdu lill-poplu Tiegħu u għandkom tirringrazzjawH talli takom il-grazzja li tagħmlu dan. Ma tistgħux tgħidu li tagħmlu dawn l-atti f'Ismi, jekk

wara, intom tfittxu li tkunu rringrazzjati, apprezzati jew imfaħħra mill-oħrajn. Jekk tagħmlu dan, intom ipokriti.

Ġesù Tagħkom.

Omm tas-Salvazzjoni: Ir-Rigal tal-Imħabba jissaħħaħ fil-Milied.

Is-Sibt, 20 ta' Diċembru, 2014 @ 16.25

Għeżież uliedi, l-Imħabba ta' Ibni qatt ma tidher aqwa, milli tidher fil-Milied.

F'dan iż-żmien, meta jiġi ċċelebrat it-Twelid Tiegħu, Huwa jfawwar l-erwieħ b'Imħabbtu. Huwa propju f'dan iż-żmien meta għandkom tgħixu l-Imħabba li ġiet mogħtija lilkom, b'mod naturali, bħala ulied ta' Alla. Għandkom tgħożżu dan ir-Rigal tal-Imħabba li ġej minn Alla u taqsmuh ma' kull min tafu.

Ir-Rigal tal-Imħabba jissaħħaħ fil-Milied, fl-erwieħ tal-ulied kollha ta' Alla, u huwa f'dan iż-żmien li tridu tintebħu li l-imħabba tibda fil-familja. Ibni twieled ġewwa familja u dan kien għal raġuni valida. Alla wera Lilu nnifsu – mhux bħala individwu mibgħut fuq Missjoni, mingħajr ħadd qrib Tiegħu, imma ġewwa l-Familja Mqaddsa.

Ħobbu l-familji tagħkom u insew nuqqasijiet antiki. Ħobbu lil dawk kollha, inkluzi dawk li jobogħdukom. Tistgħu tegħlbu l-mibegħda meta taqsmu l-imħabba, u filwaqt li dan xi drabi jista' jkun ftit iebes, biż-żmien tissaħħu u tkunu fil-paċi. Il-mibegħda hija emozzjoni negattiva u tbattal ir-ruħ u tħalliha fi stat ta' dwejjaq. Tiekol il-qalba tar-ruħ sakemm din tmut. Tħallux il-mibegħda tifridkom mir-Rigal tal-Imħabba, li huwa l-aktar Grazzja b'saħħitha, għax din ġejja minn Alla.

Ħobbu lil xulxin, bħalma Alla jħobb lil kull wieħed minnkom dan il-Milied. Itolbu għal dawk li wettqu atti ħżiena kontra tagħkom u itolbu lil Ibni biex jeħliskom mit-tagħbija tal-mibegħda.

L-Imħabba ta' Alla, fil-glorja kollha tagħha, tidher fil-familja, li tgħix fuq l-imħabba. Dawn il-familji, li huma fortunati biżżejjed li jistgħu jħobbu lil xulxin, għandhom iferrxu din l-imħabba mal-oħrajn, li m'għandhomx imħabba f'ħajjithom. Il-persuna li tittella' f'familja ta' mħabba, u li tħobb b'qalb ħelwa, din tmiss l-erwieħ tal-oħrajn. Hekk tinxtered l-Imħabba ta' Alla – minn ħdan il-familja.

Kien minn qalb familja ta' mħabba, li Ibni, Ġesù Kristu, ħareġ fuq il-Missjoni Tiegħu fuq l-art, biex jifdi lill-bniedem mid-dnub. U għalhekk, dan il-Milied, nitlobkom tħobbu lil xulxin u titolbu lil Ibni biex ibierek lill-familja kollha bil-grazzji tal-imħabba, wieħed lejn l-ieħor, iżjed.

L-imħabba li tinsab ġewwa l-familja, tegħleb kull tfixkil li Satana jpoġġi quddiemha. Hija l-familja – s-sisien tal-Imħabba ta' Alla, - li Satana ma jaħmilx. Hija l-familja li hija l-mira tal-wieħed il-ħażin, u jagħmel minn kollox biex jeqred il-familja.

L-imħabba u l-għaqda ġewwa familja, huma Rigal mis-Sema, u tridu tagħmlu ħilitkom dejjem biex tibqgħu maqgħudin il-ħin kollu.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

Kemm nifraħ, kieku jduru Lejja fil-Jum tal-Milied.

It-Tnejn, 22 ta' Diċembru, 2014 @ 20.45

Għażiża maħbuba binti, dan huwa messaġġ għad-dinja, għal Jum il-Milied. Meta intom ilkoll tkunu tiċċelebraw it-Twelid Tiegħi, ħalluni nidħol ġewwa qalbkom f'dan il-jum speċjali – għax dan huwa l-Jum Tiegħi.

Stednuni ġewwa darkom bħal mistieden u introduċuni mal-familja tagħkom, l-ħbieb u l-ġirien, li forsi nsew dwari. Il-Milied huwa ċelebrazzjoni dwari, imma Jiena nkun xorta waħda njorat fost il-ħafna ferħ li jkun hemm. Ħallu li meta nissemma Jiena, nferraħ lil qlubkom, biex inġibilkom il-ferħ u t-tama għall-futur – futur li Jien żgurajt għalikom, dak in-nhar li twelidt.

Fakkru lil dawk li m'għadhomx iqimu Lili, fl-Imħabba li għandi għalihom u kemm nixtieq li nkun parti minn ħajjithom għal darb' ohra. Kemm nifraħ kieku kellhom iduru Lejja, f' Jum il-Milied u jitolbuni nġibilhom il-Paċi Tiegħi u l-Imħabba Tiegħi. Li kieku jiġu Għandi f'Jum il-Milied, Jiena nħaddanhom għal ġol-protezzjoni tal-Kenn Divin Tiegħi u qatt ma nħallihom jerġgħu jinfirdu Minni.

Għeżież segwaċi Tiegħi, intom il-familja Tiegħi, u Jiena l-familja tagħkom. Permezz tal-Ħniena Tiegħi, neħodkom fi Ħdan il-Maħbub Missieri, li jħobbkom b'passjoni ta' qalb ħelwa ta' ġenitur. Kemm iħobbkom u kemm jieħu gost meta intom tagħrfu Lili u ssejħu Lili għall-Għajnuna Tiegħi.

Intom kollox Għalija u Imħabbti għalikom tiġbor kollox ġewwa fiha, ħafna iżjed milli tistgħu tifhmu. Hija b'kompassjoni kollha nar u b'diterminazzjoni kbira, li nitqabad għal kull wieħed minnkom, biex insalvakom mill-ħażen tal-għedewwa Tiegħi. Ngħasses lil ruħkom b'għira kbira u nitqabad il-battalja t-tajba biex inġibkom qawwijin u sħaħ, fis-Saltna Tiegħi. Ma jimpurtax kemm jeħduha kontrija, kemm il-Kristjani jkollhom isofru f'Ismi, kemm isaħħarkom l-avversarju Tiegħi, - Jiena sejjer nirbaħ din il-battalja għall-erwieħ. Dan huwa fatt, għax xejn ma jista' joqgħod bejn Alla u wliedu, għax dan Hu ma jippermettihx. Dak il-bniedem li jagħmel hekk, jitwaqqa'. Il-mibegħda tinqered u l-gideb jinkixfu għall-bassezzi li fuqhom huma mibnijin. Il-Verità tibqa' wieqfa fil-prova taż-żmien.

Ġej dalwaqt biex ngħaqqad lill-ulied ta' Alla – l-familja prezzjuża Tiegħu. Għollu qlubkom, tħallux l-għedewwa Tiegħi jmewtu l-ispirtu tagħkom, u ħallu t-tama tkun l-uniku ħsieb tagħkom. Għandu jkollkom kunfidenza fil-Ħniena Kbira Tiegħi u ħejju biex tilqgħu Lili, s-Salvatur u l-Feddej tagħkom, lura f'ħajjitkom. Ifirħu, għax il-wegħdiet Tiegħi, jġibu magħhom dak li għalih għandkom tifirħu. Dan il-Milied ikun hieni, għax iż-żmien Tiegħi huwa qasir.

Il-maħbub Ġesù tagħkom .

Il-Jum li fih niġi bil-Ħniena Divina Tiegħi, jkun il-jum li tgħarfu kollox.

It-Tlieta, 23 ta' Diċembru, 2014 @ 16.55

Għażiża maħbuba binti, qed insejjaħ lill-maħbubin segwaċi Tiegħi, f'dan iż-żmien speċjali, biex jiġu Għandi u jimxu warajja u jħalluni niksihom bid-Demm Prezzjuż Tiegħi. Tajt ħajti fuq l-art bħala sinjal tal-Ħniena Kbira Tiegħi u sejjer inċaqlaq il-muntanji, l-ibħra u l-art, meta Jiena rieġa' ġej biex inġibkom Lejja.

Inħobbkom u nġibilkom Barkiet kbar u faraġ, meta qed inħejji għall-Ħin Tiegħi. Ħallu lil qlubkom jilqgħu Lili. Ħallu Mħabbti għalikom tidħol ġewwa l-qalb tal-ulied kollha ta' Alla, inklużi dawk li jippersegwitawkom fl-Isem Qaddis Tiegħi. Jiena nġibilkom il-paċi dan il-Milied u niżgurakom illi l-Ħin Tiegħi huwa qrib ħafna. Daqt ġej biex nurikom il-Ħniena Tiegħi. Għal dawk li jistkerrħuni minħabba din il-Missjoni, Jiena ninfed lil qalbkom bid-Don tal-Ispirtu s-Santu. Dalwaqt, kull dubju li jista' jkollkom, jisparixxi u t-toqol tagħkom jeħfief. Sa dak in-nhar, intom issofru l-firda Minni, li ġabha fuqkom ir-re tal-gideb, li jifraħ meta jarakom twarrbu Lili. Tirreżistunix, maħbubin Tiegħi, għax inħobbkom b'xenqa bla tarf. Bi ħlewwa kollha mrar, niġi għandkom, nittallab lil dawk li jgħidu li huma Tiegħi, biex iduru Lejja. Nibki dmugħ ta' niket għax intom ma tistgħux taċċettaw Lili permezz ta' dan l-intervent li qed jiġi mogħti lilkom b'xejn. Intom suppost li qegħdin tipproklamaw il-Verità, u minflok, intom irrifjutajtu Lili bil-kefrija u b'mod li ma jixraqx lid-Divinità Tiegħi.

Il-Jum li fih niġi fil-Ħniena Divina Tiegħi, jkun il-jum meta tgħarfu kollox. Tkunu tafu mill-ewwel, li Jiena nkun ħadtkom f'ħin t'abbandun totali, fejn xejn minn dak kollu li għamiltu ma jista' jibqa' moħbi minnkom. Għal kull għemil ta' dgħjufija min-naħa tagħkom, intom tħossu l-uġigħ li nkun batejt Jien, li hemm isir tagħkom. L-indiema li tħossu, tkun kbira daqs kemm hija kbira l-fidi tagħkom Fija. Tant minnkom sejrin jintebħu b'dak li huwa meħtieġ, sabiex tkunu Aċċettati Minni. Imma xorta waħda, xi wħud minnkom sejrin jiċħdu l-Illuminazzjoni tal-Kuxjenza, minħabba d-distanza li hemm bejnietna.

Għall-imkabbrin u l-arroganti fostkom, intom li sejrin taħbu wiċċkom Minni, matul it-Twissija, Jiena ngħidilkom dan. Tibżgħux għax intom Tiegħi. Minħabba li intom ulied Alla, maħluqin fuq xbieha Tiegħu, Jiena nuri magħkom Ħniena Kbira. Tibżgħux minn dak li jħobbkom – ibżgħu biss minn dak li jistkerrahkom minħabba Fija, hu, l-wieħed il-ħażin, li huwa l-akbar għadu tagħkom. Irrifjutaw Lili, u intom ssiru lsiera tal-akbar avversarju Tiegħi, imma jekk intom tirrifjutaw lilu, l-Qawwa Tiegħi tiksikom, tħariskom u twassalkom ħielsa fis-Saltna Tiegħi. Qed nagħtikom dan it-tagħrif ħalli tkunu tafu li meta ngħidilkom dan se jiġri, dan jiġri. U meta jasal dak il-Jum, intom għandkom tiftakru fi Kliemi. Tibżgħux Minni, għax minn xhiex tridu tibżgħu? Jekk Jiena tajt ħajti għalikom, għaliex tridu tagħtu ħajjitkom lix-xitan li jfittex biss li jeqred lir-ruħ immortali tagħkom?

Il-maħbub Ġesù tagħkom.

## L-umaniżmu huwa offiża lil Alla.

Il-Ħamis, 25 ta' Diċembru, 2014 @ 15.10

Għażiża maħbuba binti, tinħlewx mal-ispirtu tal-ħażen li qed iħażżen lid-dinja. Ħallu kollox f'Idejja. Għax sakemm intom tħobbu Lili, tqimu Lili u tħobbu lill-oħrajn, skond ir-Rieda Tiegħi, Jiena nħariskom mill-uġigħ ta' dak kollu li huwa kontra Tiegħi.

L-agħar uġigħ li jkollkom tgħaddu minnu huwa dak li għad taraw atti ta' karità u tħassib dwar l-umaniżmu, fuq skala globali, li jgħatti l-veri intenzjonijiet tal-għedewwa Tiegħi. Ġewwa qalbkom, intom tkunu tafu li l-qarrieqi qiegħed jaħdem. Meta d-dinja sekulari u dawk li jgħidu li jirrapprezentaw Lili, jitkellmu dwar politika, atti umanitarji u jonqsu milli jipproklamaw l-importanza li tħares il-ħajja umana, b'kull mod, hemm tkunu tafu li dak mhux li nixtieq Jiena. Jekk dawk li jgħidu li jirrapreżentaw Lili, ma jitkellmux bl-istess passjoni dwar l-abort, bħalma jitkellmu dwar atti oħra, kontra l-umanità, hemm taraw li xi ħaġa mhix sew.

Missieri sejjer jikkastiga lil dawk kollha li joqtlu lil uliedu, inklużi l-ulied li għadhom qed jiġu protetti fil-ġuf, waqt li qed jistennew biex jitwieldu. Dawk li jwettqu dawn il-krimini, sejrin isofru kastig kbir jekk kemm-il darba huma ma jindmux mid-dnubiet kontriH. Dawk li ġejjin Minni u li jirrappreżentaw il-Knisja Tiegħi fuq l-art, naqsu milli jipproklamaw il-Verità. Il-qtil, inkluż l-abort, huwa wieħed mill-akbar dnubiet kontra Alla. Ikun jeħtieġ qrar straordinarju, biex jinħafer dan id-dnub. Allura għaliex il-Knisja Tiegħi ma titqabadx bis-saħħa kollha tagħha kontra dan id-dnub – wieħed mill-akbar atti ta' sfida kontra Missieri u l-iżjed mistmerr? Għaliex itellfukom milli tagħrfu l-iżjed dnub serju, filwaqt li jippriedkaw dwar l-importanza ta' atti umanitarji?

L-umaniżmu huwa sfida lil Alla, għax dan jiffoka fuq il-ħtiġijiet tal-bniedem u mhux fuq il-bżonn li wieħed jindem mid-dnub, quddiem il-Ħallieq ta' dak kollu li hu. Jekk tinjoraw id-dnubiet il-mejta, li jinsabu definiti ċari fil-Ligijiet li għamel Alla, li jwasslu għad-dannazzjoni eterna, hemm l-ebda ammont ta' kompassjoni għad-drittijiet ċivili tar-razza umana, ma jpattu għal dawn id-dnubiet.

Jekk temmnu Fija, u taqdu Lili, intom għandkom titkellmu biss il-Verità. Il-Verità hija li d-dnub huwa l-akbar għadu tagħkom – mhux dawk li jippersegwitawkom. Id-dnub il-mejjet, jekk ma tindimx minnu, jwassalkom lejn l-Infern. Jekk tinsabu fid-dnub il-mejjet u tqattgħu ħinkom tagħmlu atti kbar ta' karità u għemejjel umanitarji u fl-istess ħin, ma tindmux, ruħkom tintilef.

Ftakru fil-Verità. Tħalluhomx imexxukom ħażin, bi kliem, atti jew għemil ta' karità, meta l-iżjed ħaġa mportanti hija li tiġġieled id-dnub il-mejjet. Dak il-qaddej imqaddes Tiegħi, li jirrifjuta li jfakkarkom fil-konsegwenzi tad-dnub il-mejjet, mhux jifhem il-missjoni tiegħu jew tagħha biex jaqdu Lili. Ma tistgħux tikinsu d-dnub taħt l-art, fejn ma jidhirx, daqs li kieku ma jeżisitx. L-ebda ammont ta' ħasra lejn dawk li huma ppersegwitati f'Ismi, m'hi sejra tpatti għall-fatt li l-midinbin ma jirrangawx lilhom infushom Miegħi, Ġesù Kristu, sabiex naħfrilhom dnubiethom.

Ġesù Tagħkom.

Dawk li sejrin jirċievu l-Ilsna tan-Nar, mhux sejrin jittolleraw id-dnub.

Il-Ġimgħa, 26 ta' Diċembru, 2014 @ 14.00

Għażiża maħbuba binti, Mħabbti ssostni lid-dinja u għal kull ma jsir ħażin u għal atti ta' ħażen li jitwettqu mill-għedewwa Tiegħi, Jiena nwaqqaf il-punt minn fejn dan kollu jibda. Il-battalja kontra l-ħażen tintrebah bl-Imħabba, li sejjer inġib fil-qlub tal-erwieħ twajba. Din l-Imħabba tferraħ lil dawk kollha li jiltaqgħu magħha u n-Nar tal-Ispirtu s-Santu jimla l-erwieħ ta' dawk li huma mimlijin bl-Imħabba ta' Alla.

Din il-firxa tal-Ispirtu s-Santu, li bħalha qatt ma seħħet minn meta l-Appostli Tiegħi kienu tbierku fil-Pentekoste, din sejra tqajjem lir-razza umana. Ftit sejrin ikunu dawk li mhux sa jkunu affettwati mill-Qawwa tal-Ispirtu s-Santu, u jkunu bla saħħa kontriH.

Huwa għax Alla jħobb lil uliedu, li qed jibgħat dan ir-Rigal tal-għaġeb lill-umanità. L-erwieħ isiru iżjed safja u d-dnub ma jkunx ittollerat minn dawk li jirċievu l-Ilsna tan-Nar.

L-Imħabba li sejrin jieħdu sehem minnha dawk imberkin bil-Qawwa tal-Paraklitu, tkun impossibbli li tinjorha, u minħabba dan, il-qawwa ta' Satana tiddgħajjef u l-qabda li għandu fuq id-dinja tinħall, sakemm jaqa' lura ġewwa l-abbissi.

Ifirħu, għeżież segwaċi Tiegħi, għax sejjer ikun permezz tal-Qawwa ta' Mħabbti li Jiena nsalva lid-dinja u lil dawk kollha li jaċċettaw il-Ħniena Tiegħi.

Morru fl-Imħabba Tiegħi. Ħobbu wieħed lill-ieħor, kif Alla jħobb lilkom.

Ġesù Tagħkom.

Omm tas-Salvazzjoni:  Ir-Rieda ta' Alla hija misteru għal ħafna minnkom.

Is-Sibt, 27 ta' Diċembru, 2014 @ 12.55

Għeżież uliedi, intom għandkom dejjem tafdaw fir-Rieda Qaddisa ta' Ibni, għax huwa jippermetti biss tant ħażen li jaħtaf lid-dinja, il-Ħniena Tiegħu hija tant kbira.

Meta Ibni jintervjeni f'xi att li jġib xi tip ta' desagrazzjoni, Huwa jagħmel dan biex jippreserva l-fidi.  Il-Kelma ta' Ibni hija sagrosanta u r-Rieda Tiegħu, hija Tiegħu u jagħmel biha dak li jixtieq. Ir-Rieda tagħkom hija tagħkom, imma jekk din tkun mogħtija lil Alla minn jeddkom, hemm, ir-Rieda Tiegħu biss, tista' sseħħ.

Afdaw, afdaw, afdaw f'Ibni, għax kollox huwa skond ir-Rieda Tiegħu.  Jekk Huwa jippermetti li l-ħażen jgħix, u li s-segwaċi Tiegħu jiġu mqarrqa mill-għedewwa Tiegħu, allura din tkun fir-Rieda Tiegħu u sseħħ sabiex ikollu prova tal-fidi tal-fidili.  Ir-Rieda ta' Alla hija misteru għal ħafna minnkom, u Hu jista' jiddeċiedi dak li hu meħtieg ta' ġid għall-umanità f'kull żmien.

Għandkom tħallu qlubkom fil-paċi u l-imħabba u tafdaw f'Ibni, Ġesù Kristu.  Huwa preżenti ħafna fostkom u għandkom tkunu grati ta' dan, għax mingħajr il-Preżenza Mqaddsa Tiegħu, d-dlam kien jiksi lid-dinja.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

## Ipproteġu Kelmti. Tkellmu dwarHa.

Il-Ħadd, 28 ta' Diċembru, 2014 @ 18.30

Għażiża maħbuba binti, l-akbar uġigħ tat-tribulazzjoni, jinsab fil-liġijiet tan-nazzjonijiet tagħkom, li jmorru kontra Alla, f'kull sens, kemm f'dak li jidher u kemm dak li ma jidhirx. Għax kull Liġi minn ta' Alla, li qed tinkiser minn dawk li jmexxu n-nazzjonijiet tagħkom, qed titbiddel ma' waħda li toqtol lir-ruħ. Kull għemil ħażin sejjer ikun ippreżentat bħala ħaġa tajba. Iżjed ma l-att ikun ħażin, iżjed ifaħħruh. Mhux ser jibqa' spazju għal dawk li jxandru l-Verità – il-Kelma Vera ta' Alla – biex jitkellmu. Fil-maġġor parti tagħhom, dawn jiġu njorati. Imma meta jinstemgħu, dawn jiġu mixlija bħala ħżiena.

Wasal verament iż-żmien, meta l-Verità sejra tinqaleb u tkun ppreżentata li hija gidba. Il-Kelma titqies mill-maġġoranza bħala xogħol fittizju – gidba. Imma l-Liġijiet ta' Alla mhux faċli li tinjorhom, u għalhekk, dawk li jmexxu n-nazzjonijiet tagħkom, meta jintalbu jwieġbu għall-għemil ħażin tagħhom, dawn iwieġbu li l-Kelma ta' Alla hija żbaljata u m'għadux żmienha.

Il-makakkerija tax-xitan, biex tiżgura li kull att ħażin ikun aċċettat, wasslet biex atti u għemil morali, jkunu ddikjarti mhux umani u kontra l-libertà ċivili. Imma għal dawk li huma mberkin bid-Don tal-Ispirtu s-Santu, huma xorta waħda jibqgħu jagħrfu bejn it-tajjeb u l-ħażin. Qatt qabel, minn żmien Noe, d-dinja ma kienet hekk miksija bil-qerq. Qatt qabel, ma l-bniedem dineb bħalma qed jagħmel bħalissa. U bħal fi żmien Noe, l-ossessjoni tal-bniedem bih innifsu, qatt ma laħqet qċaċet hekk għoljin, fejn huwa jemmen li jista' jkollu l-qawwa fuq id-destin tiegħu stess, daqshekk huwa kbir in-narcissiżmu tiegħu.

Id-dnub illum huwa mħaddan fil-ferħ u mgħolli bħala dritt ċivili u għalhekk tridu tirrispettawh. Jekk ma turux rispett lejn atti ta' dnub, intom tistgħu tispiċċaw ħatja ta' krimini. Il-ħtija tagħkom tkun, li tkunu żammejtu mal-Kelma ta' Alla u ta' dan ikollkom issofru.

Kemm jidħqu bih malajr lill-bniedem, bil-pjan tagħhom li jneħħu kull ħtija għal atti ta' dnub, li qed jiddaħħlu fil-liġijiet tan-nazzjonijiet tagħkom. Dan kollu kien ġie mħabbar u dalwaqt, l-ebda att ħażin, inkluż il-qtil, l-ewtanasja u l-abort ma jibqgħu ħżiena. Jasal żmien, meta ġenoċidju kbir, fuq skala kbira, għad iseħħ wara l-introduzzjoni ta' dawn il-liġijiet, li jkunu ġew imfassla biex isir legali l-qtil ta' dawk li jbatu minn diżabiltajiet jew kundizzjonijiet oħra fiżiċi.

Liġijiet ħżiena li qed jidħlu b'għożża ġewwa n-nazzjonijiet tagħkom, sejrin iwasslu għal liġijiet akbar, li jeħdulkom kull setgħa. Intom tajtu l-awtorità lil dawk li ċaħdu Lili – li jistkerrhu l-Liġijiet ta' Alla – u minħabba dan, huma jdaħħlu atti li huma iżjed ħżiena, li jġibu tbatija li ma tistgħux timmaġinawha. Dawk li jidhru li huma liġijiet tal-art, li jmexxu drittijiet ċivili u umani, sejrin iwasslu għal tip ta' dittatorjat, li jagħmilha offiża li tkun Kristjan.

Ipproteġu Kelmti. Tkellmu dwar Kelmti. Taqgħux fin-nasba li tħaddnu xi kampanja globali tad-drittijiet ċivili, li hija mfassla biex tikkonverti lid-dinja, lejn reliġjon waħda

dinjija.  Lill-qaddejja mqaddsa Tiegħi, Jiena nsejħilkom biex tipproklamaw il-Kelma ta' Alla u tiċħdu l-atti ħżiena, li ħatfu tista' tgħid lil kull nazzjon li jiċħad il-Kelma ta' Alla.

Faċli ħafna li ssejjaħ biex jinxterdu d-drittijiet umani, imma jrid ikun qaddej qalbieni minn Tiegħi, li jieqaf u jiddikjara li atti, - li huma ta' stmerrija f'Għajnejn Alla – huma kontra Tiegħi.  Għax jekk tagħmel hekk, inti tiġbed kritika kbira u ma tkunx popolari.

Ftakru x'għidt Jiena – dak il-bniedem li jaqdi verament Lili, qatt ma jibża' jitkellem il-Verità u qatt ma jfittex li jkun popolari.  L-uniku għan tiegħu jkun li jsalva l-erwieħ.

Ġesù Tagħkom.

Omm tas-Salvazzjoni: Ir-Rieda ta' Alla m'hemm ħadd fuqha.

It-Tnejn, 29 ta' Diċembru, 2014 @ 17.30

Għeżież uliedi, tibżgħux mill-Wegħdiet ta' Kristu, għax huma l-fattur li għad jifdikom. Ibni, Ġesù Kristu, jinsab fostkom u qatt ma jitlaqkom jew jitlaq minn ħdejkom. Il-Wegħda Tiegħu li jsalva lid-dinja tiġi fi tmiemha, hekk kif inhi r-Rieda tal-Missier Etern Tiegħi.

Għandkom tkunu tafu li r-Rieda ta' Alla m'hemm ħadd fuqha, jkunu kemm ikunu kbar l-ixkiel li jitpoġġew quddiemkom, Alla permezz tad-Divinità Tiegħu, sejjer jisħaq l-għedewwa kollha Tiegħu. Qatt m'għandkom taħsbu li l-ħażen sejjer jirbaħ, għax dan ma jistax ikun. Permezz tal-Imħabba Kbira ta' Alla, intom timxu lejn is-Salvazzjoni Eterna u xejn ma jxekkel triqitkom. Meta l-għedewwa ta' Ibni jisfurzawkom biex taċċettaw liġijiet, li m'humiex ta' Alla, intom għandkom tirreżistuhom. Għalikom tista' tkun iebsa, imma sejrin tkunu mogħtija s-saħħa biex tkomplu fil-vjaġġ tagħkom, u tingħatalkom kull għajnuna mis-Sema.

Tgħallmu għarfu l-għemejjel tal-wieħed il-ħażin, mill-gwerrer li taraw iqumu ma' kullimkien, il-liġijiet ħżiena li jiddaħħlu f'kull nazzjon, li jiċħdu l-Kelma ta' Alla, u t-tradiment ta' Ġesù Kristu, minn dawk li jgħidu li jirrappreżentawH, meta huma ma jagħmlu xejn biex jipproklamaw il-Kelma Qaddisa Tiegħu. Tgħallmu wkoll għarfu l-mibegħda li tintwera lejn l-erwieħ magħżulin ta' Alla, għax hemm taraw kemm hi missjoni iebsa, li tkun ingħatatilhom, biex ifakkru lid-dinja li l-Imħabba ta' Alla għadha ħajja.

Għandkom ukoll tirringrazzjaw lil Alla l-Iżjed Għoli, għall-ħajja li Hu ta lill-umanità permezz tal-uniku Iben Tiegħu, Ġesù Kristu. Li kieku ma kienx għat-twelid ta' Ibni, u t-Tislib Tiegħu, ma kienx ikun hemm Patt Ġdid li jġibilkom ħajja glorjuża, li qed tistenniekom jekk tagħżlu li taċċettawha.

Dawn huma ż-żminijiet li fihom tridu tħejju għad-dinja l-ġdida, s-Sema l-ġdida u l-art il-ġdida. Taħlux ħin targumentaw dwar dak li qed jgħidilkom Ibni bħalissa. Minflok, tgħallmu aċċettaw il-Verità bil-grazzja. Jiena, l-Omm maħbuba tagħkom, sejra mmexxikom lejn Ibni u t-talb tagħkom isaħħaħkom, b'kull mod, ħalli tkunu denji tal-Wegħdiet ta' Kristu.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

It-Tieni Miġja Tiegħi toħloq ferħ kbir.

It-Tlieta, 30 ta' Diċembru, 2014 @ 19.45

Għażiża maħbuba binti, d-dinja hija ta' Missieri u s-Saltna Tiegħi tiġi, jiġri x'jiħri.

Hekk kif inhi r-Rieda ta' Missieri, id-dinja terġa' tqum u fil-Glorja Tiegħi, Jiena sejjer inġib il-paċi, l-imħabba u l-hena lil kulħadd. It-tebgħa tad-dnub ma tibqax u l-ulied kollha ta' Alla li jaċċettaw Lili, l-maħbub Ibnu, ikollhom il-ħajja eterna.

It-Tieni Miġja Tiegħi toħloq ferħ kbir u f'dak il-Jum tinxef kull demgħa. L-Id Tiegħi tal-Ħniena toħroġ lejkom ilkoll u ftit li xejn ikunu dawk li jirrifjutaw is-Saltna Tiegħi. Dawk li jagħmlu hekk, ma jidħlux fiHa u jibqa' jiddispjaċihom ta' din id-deċiżżjoni għall-eternità.

Tibżgħux mit-taqlib il-kbir, li ġa beda, biex inaddaf it-tnawwir, fejn ħajja ġdida sejra tinbet mill-art, id-dinja l-ġdida, bla tmiem, li sejra tferraħ lil kull ruħ li tiddendel Miegħi. Jiena l-Imħabba u l-Imħabba timxi warajja u wara kull persuna li jkun niżel fiha l-Ispirtu s-Santu. Kunu sodi għeżież segwaċi Tiegħi, l-Intervent Tiegħi huwa meħtieġ f'dan iż-żmien, dalwaqt tinżel Ġerusalemm il-Ġdida mis-Sema, u d-dinja kif kellha tkun, terġa' tqum mill-irmied.

Ma tridux tħallu l-biża' taħtaf lil qlubkom, għax m'hemm xejn minn xhiex tibżgħu, Jiena ġej u nħobbkom ilkoll. Ħalluni nersaq lejn kull wieħed minnkom f'dan il-mument u nfarraġ il-qlub imsejkna tagħkom. Il-Preżenza Tiegħi tinsab fostkom u l-Wegħdiet Tiegħi lejn l-umanità, jseħħu fiż-żmien tajjeb Tiegħi. Kunu paċenzjużi, ttamaw u kunfidenti fl-Imħabba Tiegħi. Imma fuq kollox, afdaw Fija, għax Jiena tajt Ħajti għalikom u m'hemm xejn li ma nistax nagħmel, sabiex neħdokom fis-Saltna Glorjuża Tiegħi.

Ħallu kollox fl-Idejn Qaddisa Tiegħi. Morru fil-paċi. Qatt tiddubitaw mill-Kompassjoni kbira Tiegħi.

Ġesù Tagħkom.

L-uniku periklu għall-umanità, huwa l-bniedem innifsu.

Il-Ħamis, 1 ta' Jannar, 2015 @ 23.50

Għażiża maħbuba binti, dik il-persuna li tippersevera fit-talb, toqrob Lejja.

Waqt tant konfużżjoni fid-dinja u fil-Knisja Tiegħi fuq l-art, l-isfida tal-umanità hija li tkun taf tagħraf bejn it-tajjeb u l-ħażin, f'Għajnejn Alla. Imma għal ħafna Kristjani, dawn jittieħdu minn ħdejja, minn forma ġdida ta' evanġelizżazzjoni globali, li tkun tiffoka fuq il-politika. Minflok ma jħeġġukom biex tibqgħu leali Lejja u tafdaw f'dak kollu li Jiena, intom tittieħdu minn Għandi. Qatt m'għandkom tħalltu Kelmti ma dak li trid id-dinja sekulari. Permezz tal-Ktieb ta' Missieri, dejjem għamiltha ċara x'jiġri jekk tagħmlu hekk. Id-dinja sekulari taqdi l-ħtiġijiet tagħha u s-setgħa tal-bniedem, l-ambizzjoni u l-aspirazzjonijiet egoisti, joħolqu regoli li jmexxuha.

Inxterdet ħafna nformazzjoni ħażina dwar l-ambjent, meta huwa Alla biss li jista' jiddetta kif iġġib ruħha d-dinja. Il-bniedem jista' jagħmel ħsara u jħassar lid-dinja, imma qatt ma jista' jeqridha, għax dan kollu huwa f'Idejn Alla. Nuqqas ta' fiduċja f'Alla, jfisser li l-bniedem jemmen li għandu l-kontroll fuq l-univers. Il-bniedem baħnan jemmen li l-għemejjel tiegħu jistgħu jbiddlu l-Liġijiet ta' Alla. Il-bniedem għaref jaf li Alla Jista' Kollox u sakemm jibqa' jkun meqjum u żżommu mal-Liġijiet Tiegħu, l-għexien tal-bniedem huwa żgurat. Jekk id-dinja tibqax ħajja m'għandux x'jaqsam mal-bniedem mortali. Alla biss għandu s-setgħa li jikkontrolla l-arja li tiehdu n-nifs minnha, l-ilma li tixorbu u dak kollu li jżomm il-ħajja għaddejja. L-uniku periklu għall-umanità huwa l-bniedem innifsu.

Il-bniedem jidħaq bl-oħrajn biex jiġbed lejh innifsu. Jigdeb jekk ikun jaqbillu u meta jkun irid. Il-fiduċja tinkiser malajr u intom bħalissa qegħdin tgħixu fi żmien fejn għandkom tkunu tafu li d-dinja sejra tibqa' bħal qabel u li kull taqlib fil-klima, huwa ġej mill-Id ta' Alla. L-intervent tal-bniedem f'ħolqien hekk divin, ikun permess biss, jekk din tkun ir-Rieda ta' Alla.

Jekk tkunu qegħdin tittieħdu minn Ghandi, u jekk Kelmti tkun qed tiġi rrifjutata mid-dinja, hemm ikun id-dmir tal-qaddejja mqaddsa Tiegħi, li jfakkru lid-dinja x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin. Meta jitwarrbu minn ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mar-ruħ, u jibdluhom ma' ħwejjeg li huma kważi soċjaliżmu, agħrfu li dan ikun qerq fin. Dan jittradixxi kull fiduċja Fija.

Ġesù Tagħkom.

## Omm tas-Salvazzjoni: Għad isiru ħafna tibdiliet, qabel ma tifforma ruħha għal kollox ir-reliġjon il-ġdida.

Is-Sibt, 3 ta' Jannar, 2015 @ 17.05

Għeżież uliedi, d-dehra tal-Knisja ta' Ibni fuq l-art għad trid tinbidel tant li lanqas tkun tingħaraf u din tinbidel ma' waħda li mhix ta' Ibni. Bidla wara bidla jseħħu u t-Tagħlim ta' Ibni jinqaleb ta' taħt fuq u jitbiddel ma' duttrina sekulari falza.

M'hemmx spazju ħlief għall-Kelma ta' Alla, f'ebda Knisja, li tiddikjara li qed timxi fuq il-passi ta' Ġesù Kristu. Imma għad jiġi żmien meta l-Knisja ta' Ibni ssir parti minn moviment politiku fuq skala kbira, u dan ikun imexxi f'dak kollu li għandu x'jaqsam mad-dinja, u din ma tibqax leali lejn il-Kelma hekk kif kienet miktuba minn Alla. Dawn il-ħwejjeġ kollha sejrin iseħħu, kif kien imħabbar, meta l-Missier Etern Tiegħi sejjer jippermetti li l-għedewwa Tiegħu jibilgħu l-Ġisem tal-uniku Iben Imnissel Tiegħu – imma għal żmien limitat biss. Huwa sejjer iħalli dawn il-provi jseħħu, biex jipprova l-qawwa ta' dawk li jafu l-Verità u ta' dawk li jibqgħu leali lejn il-Knisja Tiegħu, kif ukoll ta' dawk li sejrin iwarrbuha, a favur id-duttrina tad-dlam.

Għad trid tieħu ż-żmien qabel ma jseħħ dan it-tibdil kollu, imma ż-żerriegħa ġa nżergħet. Ir-reliġjonijiet kollha jsiru ħaġa waħda u wara jingħaqdu mal-gvernijiet bħala biċċa minn pjan ġdid dinji, u dawn imexxu sakemm il-bniedem tad-dnub jieħu postu. Sejrin isiru ħafna tibdil, sakemm fl-aħħar tiġi ffurmata r-reliġjon il-ġdida li tipproklama dak kollu li jidher fil-miftuħ, li huwa għall-ġid ta' kulħadd.

Itolbu, itolbu, itolbu għeżież ulied, għall-qawwa biex tissaportu l-uġigħ li għad irid jiġi. Ibni, Ġesù Kristu, jibki dmugħ ta' niket kbir, għall-mod li bih Huwa sejjer jiġi ttradut u għall-erwieħ li Hu sejjer jitlef fil-mixja. Ikun id-dmir tal-qaddejja mqaddsa Tiegħu li jmexxu l-ġifen, u jżommu l-Knisja Vera Tiegħu fuq il-korsa, huma u jbaħħru fl-ibħra mqallba tal-maltempata. Imma serrħu raskom, għax dawk li sejrin jibqgħu leali lejn is-Salvatur u l-Feddej tad-dinja, sejrin jingħataw minn kull grazzja, matul dawn iż-żminijiet iebsa u diffiċli.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

## Ir-ragħad u s-sajjetti jinżlu fuq it-Tempju tal-Mulej.

Is-Sibt, 3 ta' Jannar, 2015 @ 20.20

Għaziza maħbuba binti, meta Alla ta l-Verità lid-dinja, permezz tal-profeti, dan kien Att ta' ħniena min-naħa Tiegħu. Ħafna kienu nsew dwar Alla, kienu jaduraw allat foloz – li kienu ġejjin mill-ġerarkija ta' Satana – u bdew jemmnu li huma ħadd ma kien jista' għalihom. Li kieku ma kienx għall-Intervent ta' Alla, ħafna nies kienu jsofru kastig kbir.

Dak li Alla qal lill-profeti, mill-bidu nett, dejjem ġara. It-twissijiet li Hu ta lill-umanità, wasslu biex dawk li taw każhom, salvaw, filwaqt li l-oħrajn li njorawhom ġew mormija. Dak kollu li kien imħabbar iseħħ, u dawk li jeħduha kontra Alla, fl-attentati Tiegħu biex iġib il-paċi u s-salvazzjoni lil uliedu, jkollhom jagħtu rendikont tal-isfida tagħhom. Minħabba li l-Verità ġiet mgħawġa u l-Kelma ta' Alla njorata, n-nies jibqgħu jagħtu daharhom lill-Kelma Qaddisa ta' Alla. Il-waqgħa tagħhom fid-dlam twassal għal kastig minn Alla, l-Iżjed Għoli.

Missieri jweġġa' meta jara sa fejn waqa' l-bniedem, meta qed jiġri wara dak kollu li jagħtih pjaċir. Imma fil-jum li s-Sagrifiċju Qaddis jispiċċa, u f'dik is-siegħa li l-impusturi jiddesagraw l-Artal Tiegħi, dik tkun l-aħħar xewka li huma jdaħħluli f'Ġenbi. Dak il-ħin, ragħad u sajjetti jinżlu fuq it-Tempju tal-Mulej u dan jiġġarraf. Ħażin għalih dak il-bniedem li jieħu sehem f'dan is-sagrileġġ, għax huwa jinqata' minn kull ħniena u jintefa' ġewwa l-abbiss, bħal ġebla. Ħemm ħadd ma jaqbez għal dak il-bniedem li jiddesagra l-Artal Tiegħi, għax la darba Id Alla tinżel bħal mannara, huma jagħrfu l-Verità.

Ħafna jkunu waqgħu 'l bogħod minn Alla, imma l-biċċa l-kbira minnhom xorta jsejħulu u jfittxu l-wens f'DirgħajH. Iżda jkun hemm ċorma – għaqda ta' bhejjem – li d-dehra ta' barra tagħhom tostor l-ħażen tagħhom li hemm ġewwa, li jħeġġu u jwaqqgħu u jiġbdu lejhom erwieħ, li l-qlub iebsa tagħhom għamluhom parteċipanti perfetti fil-pjan biex jiddesagraw il-Ġisem Tiegħi. Dan huwa l-grupp, imsemmi tant ilu, li sejjer jipprova jeqred l-umanità. Is-setgħa tagħhom tkun limitata, għalkemm tidher kbira. Missieri jippermetti biss tant oppożizzjoni kontra Tiegħi, l-uniku Iben Imnissel Tiegħu, għal tant żmien.

Dawk twajba f'qalbhom jingħaqdu u jiġu Għandi. Ikun permezz tad-dnubiet tal-kburija u l-arroganza, li tinħoloq qasma kbira fost il-bnedmin, u jekk ma jneħħux il-ħażen tagħhom, huma ma jkunux jistgħu jaċċettaw il-Ħniena Tiegħi.

Il-Verità għandha tinżamm, għax jekk taċċettaw xi ħaġa oħra ħlief il-Verità – il-Kelma ta' Alla, - intom tispiċċaw b'xejn.

Ġesù Tagħkom.

Dawk li jitgħollew Quddiemi, imma jgħidu kontra l-oħrajn, jinqatgħu Minni.

Il-Ħadd, 4 ta' Jannar, 2015 @ 16.00

Għażiża maħbuba binti, jekk bniedem ma jemminx Fija jew fil-Kelma Tiegħi, u dan ikollu d-Don tad-dixxerniment, u jiġi Għandi u jitlob l-Għajnuna Tiegħi u l-Ħniena Tiegħi, Jiena nifdih u nagħtih is-salvazzjoni. Jekk bniedem li jaf Lili, imma jiċħadni, u wara jiħi Għandi u jipprova jiġġustifika l-għemil tiegħu, Jien narmih 'l hemm, għax ikun wettaq l-akbar dnub.

L-akbar għedewwa Tiegħi huma dawk li kienu mberkin bil-Verità, imma li l-kburija tagħhom iġġegħlhom jemmnu li huma ppriveleġġati u li jistgħu jaħdmu f'Ismi. Kont ittradut minn wieħed minn Tiegħi, meta kont ngħix fuq l-art, mhux minn dawk li ma kinux jafuni. Hekk jibqa' jiġri sal-Jum il-Kbir.

Dawk li jitgħollew Quddiemi, imma jgħidu kontra l-oħrajn, jinqatgħu Minni. Dawk li jinqatgħu Minni għax jirrifjutawni, imma li fl-aħħar iduru Lejja, jkunu l-ewwel li jiġu salvati. Attenti meta tiddikjaraw li intom Tiegħi, għax il-bniedem għaref jibqa' jħobb Lili mhux skond kemm jirċievi grazzji. Huwa qatt ma jiftaħar bil-qdusija tiegħu, kemm għandu ħajja devota jew kemm jifhem fil-Kelma Tiegħi. Il-kburija hija l-waqgħa ta' dawk li jemmnu li l-għarfien tagħhom dwari huwa akbar minn tal-oħrajn. Huma dawk li jiġu Għandi bħal tfal żgħar, li Jiena nressaq eqreb lejn il-Qalb Qaddisa Tiegħi. Dawn huma l-erwieħ li jħobbu Lili bla kundizzjoni u li ma jħossux li għandhom juru l-imħabba tagħhom Lejja, ħalli l-oħrajn jammirawhom u jgħolluhom. Huwa l-bniedem li jħalli kollox f'Idejja, meta jitkellem il-Verità, li jġibli l-erwieħ li nixtieq, mhux il-bniedem li jħoss li ħaqqu t-tifħir talli jagħmel dan.

Il-wieħed il-ħażin jidħol fl-erwieħ ta' dawk li l-opinjoni tagħhom fil-kobor tagħhom stess, tiżboq lil kull imħabba, li jista' jkollhom Lejja. Huwa mbagħad juża' lil dawk l-erwieħ, ħalli bil-makakkerija tagħhom, huma jxerrdu l-falsitajiet f'Ismi. Id-dnub tal-kburija huwa l-akbar kawża, ta' kull dnub li jista' jitwettaq kontra Tiegħi. Dejjem għandkom tiġġieldu t-tentazzjoni li tittraduni, meta taħsbu li l-għarfien dwar il-Kelma Qaddisa Tiegħi, jagħtikom l-awtorità li tgħidu l-opinjoni tagħkom dwar kif jaħdem Alla, fil-Pjan Tiegħu ta' salvazzjoni. Hu biss, li Hu fuq kollox, għandu l-jedd li jagħmel dan. L-erwieħ kollha għandhom jinżlu għarkuptejhom Quddiemu u mhux jibqgħu għaddejjin, jagħmlu dak li jaħsbu li hija r-Rieda Tiegħu, jekk dan ikun ifisser li jinsultaw lil xi ruħ li tgħix, fl-Isem Qaddis Tiegħu.

Isimgħu sew dak li qed ngħidilkom issa. Jekk ittradejtu Kelmti, jew il-Verità, għandkom titolbuni neħlishom mill-inkwiet tagħkom, għax mhux ser ikollkom iż-żmien li qed taħsbu, biex tfittxu l-wens fil-Ħniena Divina Tiegħi.

Ġesù Tagħkom.

Mingħajri, l-mewt tal-ġisem u tar-ruħ, kienet tieħu lill-ħafna mir-razza umana.

It-Tlieta, 6 ta' Jannar, 2015 @ 19.30

Għażiża maħbuba binti, meta bniedem jagħtini dahru, Jiena nibki b'niket kbir, imma Jiena paċenzjuż u naħfer. Jekk hu jirrifjuta Kelmti u ma jibqax juri mħabba lejn l-oħrajn, ħaġa li hu ma kienx jagħmilha kieku ma kienx qed jimxi fuq il-passi Tiegħi, dan iġibli uġigħ kbir. U xorta Jiena Paċenzjuż fit-tama li għad jiġi lura Għandi. Huwa meta bniedem jisraqli l-erwieħ, u jwassalhom lejn id-dlam etern, li Jiena npattiha u nagħtih kastig kbir. Dan jista' jkun kastig taħt forma ta' uġigħ, li jekk hu jkun iffurtunat biżżejjed, u jaċċetta xortih bl-umiltà, Jien insalvah.

Il-Ħniena Tiegħi hija bla tarf, imma meta jisfidawni, permezz ta' atti ta' kattiverja kbira, li jitwettqu kontra ulied Alla, r-Rabja Tiegħi hi ta' min jibża' minnHa. Kunu għafu li Jiena nikkastiga lill-għedewwa Tiegħi, imma dan ikun għall-ġid tagħhom u għas-salvazzjoni ta' dawk li huma jiltaqgħu magħhom. Hemm xi tarf kemm dawn jifilħu jistmerru Lili, lil Kelmti u l-Pjan tas-Salvazzjoni Tiegħi, li l-kburin, l-arroganti u l-injoranti, ma jaqgħux għalih? It-tweġiba hi li l-ħażen tagħhom ma jhejja qatt.

Qatt qabel, l-imħabba bejn il-bnedmin, ma kienet daqshekk xotta, bħalma hi bħalissa. L-ebda ruħ ħajja fid-dinja, ma hi immuni għall-influwenza ta' Satana. Dawk li jemmnu li mingħalihom huma favur Tiegħi, imma li jistmaw lill-oħrajn bil-herra, għad iħossu Idi. Il-paċenzja Tiegħi qed tbatti, Qalbi tqila u x-Xewqa Tiegħi li nsalva lil dawk li jeqirdu lill-oħrajn, għajjiet.

Il-makakkerija tal-wieħed il-ħażin lanqas biss tistgħu tifhmuha. Jikkonvinċi saħansitra lil dawk li għandhom l-akbar fidi, biex joffendu Lili, permezz ta' dnubiet kbar, u lil dawk ta' fidi żgħira biex jitilqu iżjed 'l bogħod, fid-dagħbien tad-disperazzjoni. Ħadd m'hu ħieles minn Satana u jekk ma titolbux għall-Ħniena Tiegħi u toffru sagrifiċċji personali Lili, l-qerda tal-erwieħ tkompli tikber.

Qed jintilfuli miljuni f'dan iż-żmien u xorta waħda, ftit huma l-Kristjani li jifhmu l-ħtiega tat-talb. It-talb waħdu jeqred l-influwenza tax-xitan, u Jiena nitlobkom li żżidu l-ħin li tgħaddu fit-talb, sabiex iddgħajfu l-ħatfa li hu għandu fuq ir-razza umana.

Mingħajr l-Intervent Tiegħi, ħafna miljuni iżjed ta'erwieħ, kienu jintilfuli. Mingħajr il-Ħniena Tiegħi, ħafna minn dawk li kellhom imorru fid-dlam etern, ma kinux jaraw lil Wiċċi. Mingħajr il-Preżenza Tiegħi fl-Ewkaristija Qaddisa, ma jkunx hemm ħajja – ħajja tal-ġisem kif ukoll ħajja tar-ruħ. Mingħajri, l-mewt tal-ġisem u tar-ruħ, kienet tieħu lir-razza umana kollha, imma minħabba Fija, l-mewt ma tibqax preżenti fid-dinja l-ġdida li ġejja. Minħabba li Jiena rbaħt il-mewt permezz tal-Qawmien Tiegħi, intom ukoll tirbħuha. Il-mewt ma teżistix fis-Saltna l-Ġdida Tiegħi fuq l-art. Il-ġisem u r-ruh jgħixu f'għaqda waħda – rigal li m'għandux jiġi rrifjutat.

Qatt m'għandkom tinsew il-Wegħda Tiegħi – dawk kollha li huma Miegħi u Fija, jkollhom il-ħajja li ma tispiċċa qatt.
Gesu Taghkom

## Omm tas-Salvazzjoni : Intom għandkom jew taċċettaw il-Kelma ta' Alla, kif ta Hu, jew le.

L-Erbgħa, 7 ta' Jannar, 2015 @ 16.30

Għeżież uliedi, għandkom tħejju, għall-Pjan ta' Ibni biex jifdikom ilkoll f'GħajnejH. Il-ħin għall-Intervent Tiegħu, biex iqajjem l-ispirtu ġewwa fikom, qed joqrob.

Itolbu, itolbu, itolbu għall-ulied kollha mitlufin fid-dinja, dawk li qatgħu kull irbit ma' Ibni, għalkemm kienu mogħtija l-Verità. Huma daqt ma jkollhom l-ebda dubju dwar l-Eżistenza Tiegħu u għandkom titolbu li s-suppervja umana ma tidħolx bejnhom u l-Ħniena ta' Alla. Għandkom titolbu, b'mod speċjali għal dawk l-erwieħ li ttradew lil Ibni, b'tant modi, sabiex ikollhom il-kuraġġ jumiljaw ruħhom quddiemu u jitolbu l-Ħniena Tiegħu.

Il-Verità, għeżież uliedi, li ngħatat lill-umanità permezz tal-Manifestazzjoni tal-Missier Etern, fl-uniku Iben imnissel Tiegħu, Ġesù Kristu, qed tinkiser. Tħaddnux l-ebda forma oħra ta' duttrina, li ma zzommx il-Verità kollha sħiħa. Qatt ma tistgħu tgħidu li parti mill-Verità hija mportanti u mbagħad tiċħdu l-kumplament. Intom jew taċċettaw il-Kelma ta' Alla, kif kienet mogħtija Minnu, jew le. Iż-żmien ma jfisser xejn. Dak li kien mogħti eluf ta' snin ilu, lill-bniedem, permezz tal-Kelma ta' Alla, ma tbiddilx, u lanqas jista' jitbiddel. Dak kollu li jkun ġej minn Alla, għandu jibqa' bla mittifes, ikun kemm ikun iebes dan. Biex tibqgħu leali lejn it-Tagħlim ta' Alla, teħtieġu saħħa kbira, qawwa u determinazzjoni sħiħa.

L-imħabba hija l-mod li bih tistgħu tibqgħu leali lejn Ibni, imma din l-imħabba trid tkun mingħajr kundizzjoni. Qatt ma trid tonqos għall-imħabba lejk innifsek, għax dan ma jagħtix glorja lil Alla. Jekk tħobbu lil Alla verament, intom tibqgħu leali lejn il-Kelma. Jekk tgħidu li intom dixxipli ta' Ibni, Ġesù Kristu, intom għandkom timxu fuq it-Tagħlim Tiegħu, mingħajr kundizzjoni. Għandkom tħobbu lil xulxin kif iħobbkom hu – mingħajr kundizzjoni. Ma tistgħux tgħidu li tħobbu lil Alla, jekk intom ma tħobbux wieħed lill-ieħor. Ma tistgħux timxu fuq il-Passi Tiegħu jekk ma taħfrux lil dawk li jonqsu lilkom.

Huwa biss meta intom timxu mal-Liġijiet ta' Alla, li intom tidħlu fis-Saltna Glorjuża Tiegħu.

Ommkom il-maħbuba.

Omm tas-Salvazzjoni.

## Meta l-imħabba tkun nieqsa, Jiena ma nkunx ġo dik ir-ruħ.

Il-Ġimgħa, 9 ta' Jannar, 2015 @ 15.30

Għażiża maħbuba binti, wasal iż-żmien li l-Kristjani fid-dinja kollha jingħaqdu kontra ż-żebliħ li qed jintwera minn biljuni kontra l-Verità – il-Kelma Qaddisa ta' Alla.

Kull dnub kontra Alla, jitqies li huwa aċċettabbli f'Għajnejja. Dnubiet li huma mistkerrha Minni, daqt jiġu ppreżentati li huma qaddisa f'Għajnejja, imma dan qatt ma jista' jkun. Meta tippreżentaw xi ħaġa li mhix ġejja Minni u tpoġġuha Quddiemi fil-Knejjes Tiegħi, intom iġġibuli uġigħ kbir.

Qatt ma kien daqshekk iebes biex il-Kristjani jimxu fuq din il-Mogħdija Tiegħi kollha xewk, daqs kemm huwa llum. Gideb, gideb, gideb qed jiġu mogħtijin lilkom f'Ismi u intom qatt m'għandkom tinsew it-Tagħlim Tiegħi, għax inkella titqarrqu minn dawk li qed jikkonfoffaw kontra l-Kelma ta' Alla. Li tkun Kristjan teħtieg ħafna iżjed milli tiddikjara li inti wieħed minnhom. Jekk inti Kristjan veru, allura inti tagħmel dak li għallimt Jien u timxi fuq id-Duttrina Mqaddsa li tinsab fil-Bibbja Qaddisa. Li tagħraf Kelmti hija ħaġa u li twettaq dak li għallimt Jien, hija ħaġa oħra.

Li tħobbu lil xulxin qatt m'hija faċli, minħabba l-eżistenza tad-dnub. Li tħobbu l-għedewwa tagħkom hija toqol kbir fuqkom, imma jekk titolbu għall-grazzji biex tagħmlu dan, intom issibu li mħabbitkom Għalija tikber. Jekk tħobbu Lili verament, tinħelsu mill-mibegħda, u hemm issibu l-paċi vera tal-moħħ u tar-ruħ. Jekk tħallu lil Satana jittantakom biex tobogħdu lill-oħrajn, intom taqgħu fi dlam kbir. Il-mibegħda hija bħal ħaxixa ħażina li tikber u tinfirex malajr. Meta l-mibegħda tidħol fir-ruħ, biż-żmien, din tiblagħha għal kollox. Magħha ġġib nuqqas ta' kwiet u dawk li huma mimlijin biha, qatt ma jsibu l-paċi. Il-mibegħda tkattar il-mibegħda u din tinfirex malajr minn ruħ għall-oħra. Ladarba Satana jieħu postu ġewwa dawn l-erwieħ, dan qatt ma jħallihom qabel ma jindmu u juru ndiema.

L-imħabba tbiegħed kull tip ta' mibegħda, imma jekk ma tneħħux ruħkom minn ħdejn dawk li jħeġġu l-mibegħda, intom taqgħu fid-disperazzjoni. Jiena ma nistax insalva ruħ li ma tindimx mill-ħażen tagħha. Inkun qed nistenna l-qrar tagħkom u meta tiġu Għandi u tittalbuli biex neħliskom mis-saħta tal-mibegħda, Jiena mmidd Idi lejkom u niġbidkom lura lejn il-Kenn Tiegħi tal-Paċi.

Il-paċi u l-imħabba jistgħu jiġu biss minn Alla. Dejjem fittxu Lili, għax Jiena Mħabba. Meta l-imħabba tkun nieqsa, Jiena ma nkunx ġewwa dik ir-ruħ.

Ġesù Tagħkom.

## Alla l-Iżjed Għoli: Il-Qawwa Tiegħi tiżboq dak kollu li hu ta' din id-dinja u dak li hu lil hinn minnha.

Is-Sibt, 10 ta' Jannar, 2015 @ 15.36

Binti l-iżjed għażiża, l-umanità daret kontrija u kontra dak kollu li ħloqt fuq ix-Xbiha Tiegħi, u ta' dan, in-Niket Tiegħi huwa kbir.

Uliedi jsalvaw permezz tal-Intervent tal-għażiż maħbub Iben Tiegħi, Ġesù Kristu, u dan sejjer iseħħ fil-qrib ħafna. Qabel dan il-jum, Jien nixtieq li dawk kollha li jħobbu Lili, jagħrfu l-Verità, lil Ibni u Mħabbtu, u sabiex jitolbu għall-Ħniena Tiegħu.

Intom li tħobbu lil Ibni, għandkom tiftakru fil-Wegħda Tiegħu li jifdi lid-dinja u li jeqred id-dnub, qabel ma tinżel is-Saltna Glorjuża Tiegħu. Il-ħajja tal-ġisem u tar-ruħ, issir eterna, u dawk li jaċċettaw il-Ħniena ta' Ibni, jaqilgħu dan ir-Rigal kbir. Dawk li ma jagħmlux dan, ma jaqilgħuhx.

Ejjew, uliedi u aċċettaw Kelmti, għax hija eterna u xejn ma jista' jeqridha. L-avversarju Tiegħi mixwi bir-rabja f'dan iż-żmien, għax jaf li d-dinja sejra tinħeles mill-influwenza tiegħu u għalhekk sa jagħmel il-ħajja iebsa għal dawk li huwa jrid iċaħħadhom mir-Rigal tal-Ħajja Eterna.

Intom sejrin tgħaddu minn provi li ma tkunux tifilħu għalihom, f' dik li hi l-fidi tagħkom fit-Trinità l-Iżjed Qaddisa, u ħafna minnkom jaqgħu. Fidi vera teħtieġ fiduċja vera u jekk intom ma tafdawx fil-wegħdiet li għamel Ibni, intom tinqatgħu Minnu.

Kull wieħed minn uliedi, sejjer ikun mogħti l-prova tal-Eżistenza Tiegħi dalwaqt Meta jkun mogħti dan is-sinjal, tiddubitawx minnu, għax qed nagħtihulkom biex neħodkom fil-Kenn Tiegħi.

Inagħtaw ħafna sinjali lid-dinja tal-eżistenza Tiegħi, u issa qed nagħtikom ħafna iżjed. Tibżgħux, għax sejjer niġri wara kull ruħ, u ma hemmx wieħed fostkom li Jien ma nħobbux b'Qalb ħelwa. Inħobb l-għedewwa Tiegħi, inklużi dawk li jittorturaw Lili bil-ħażen. Imma daqt, dan ir-Rigal li sejjer nagħtihom, iqajjem imħabba rieqda li tinsab ġewwa qlubhom, lejn il-Ħallieq tagħhom. Imħabbithom u dik Tiegħi, magħqudin flimkien, jeqirdu l-ħażen. Ineħħi l-biżgħat u d-dmugħ tagħhom.

Intom, għeżież uliedi, ser tiġu mogħtija dan ir-Rigal meta lanqas li tkunu qegħdin tistennewh. Għax dak iż-żmien qiegħed dejjem joqrob u l-wiċċ tad-dinja jinbidel għal dejjem u għall-ġid ta' kulħadd.

Il-Qawwa Tiegħi tiżboq lil dak kollu li jinsab f'din id-dinja u lil hinn minnha. Is-Saltna Tiegħi hija għal dejjem.

Missierkom il-maħbub

Alla l-Iżjed Għoli.

## Il-fiduċja hija l-muftieħ għall-imħabba vera.

L-Erbgħa, 14 ta' Jannar, 2015, @ 15.40

Għażiża maħbuba binti, meta ulied ta' ġenituri li jħobbu, jħossu l-imħabba, hu jew hi, jkunu mantnuti minn sens ta' faraġ u familjarità.

Din l-imħabba bejn l-ulied - li huma ffurtunati biżejjed li jkollhom ġenituri li jħobbuhom – u l-familja, ġejja minn sens ġewwieni ta' fiduċja. Din il-fiduċja tkun assoluta. L-istess jiġri lil kull ruħ li tgħix, li tkun tħobb Lili bla kundizzjoni. Imħabbti lejhom ma tiċċaqlaqx. Il-fiduċja hija l-muftieħ għall-imħabba vera. Kull wieħed minn uliedi huwa maħbub, għalkemm imħabbithom Lejja mhux dejjem tkun hemm.

Ħobbu Lili u tħossu l-paċi. Ħobbu Lili u intom tħobbu lil dawk kollha li huma wlied Alla. Din il-ħaġa hija naturali. Mingħajrha ma tistgħux tkunu sħaħ.

Meta nkun ġewwa fikom, intom taraw id-dinja kif naraha Jien, fil-glorja u fl-imperfezzjonijiet kollha tagħha. Intom tagħrfu t-tfixkil, li tħabbat wiċċha magħhom l-umanità u tħossu dieqa meta taraw il-mibegħda f'kull forma tagħha, għax il-mibegħda hija l-kuntrarju tal-imħabba.

Itolbu, itolbu, itolbu li l-imħabba għal Alla tibqa' ħajja fid-dinja, għax mingħajrha intom tkunu ddisprati u maqtugħin waħedkom.

Ħobbu Lili kif Jiena nħobb l-ulied kollha ta' Alla, u Jiena nferra' fuqkom Grazzji kbar u intom tegħlbu l-ħażen fil-forom kollha tiegħu.

Ġesù l-maħbub tagħkom.

Huma jiġġustifikaw id-dnub ħalli ma jkollhomx għalfejn jibdlu ħajjithom.

Il-Ġimgħa, 16 ta’ Jannar, 2015 @ 11.10

Għażiża maħbuba binti, ir-Rieda Tiegħi qatt ma tista’ tkun megħluba, għax hija għal dejjem.

Il-bniedem irribella kontra Alla b’ħafna modi, imma meta r-rieda tal-bniedem timbaram ma’ dik ta’ Alla, dawk kollha li tqabdu kontra r-Rieda ta’Alla, jitilfu kollox. Dawk ta’ qalb ħelwa u li jaċċettaw Lili wara t-Twissija, sejrin jirbħu d-dinja.

Id-dinja li għad trid tiġi hija bla tmiem u tkun mingħajr dnub. Ikun hemm glorja għal dawk kollha li jirbħu l-wirt li huwa d-dritt tagħhom, għax dan kien parti mill-Pjan ta’ Missieri mill-bidu nett – il-Pjan Divin, li l-bniedem ma jafux kollu.

Huwa mportanti li kull wieħed minnkom jiġġieled it-tentazzjoni tad-dnub, għalkemm dan qatt m’hu ser ikun faċli. Ibqgħu sejħu Lili meta taħsbu li għamiltuli nqastu Lili. Jiena dejjem inkun hemm u naħfrilkom kull dnub, ħlief id-dnub etern tad-dagħa kontra l-Ispirtu s-Santu. Kulma tridu tagħmlu huwa li tersqu Lejja.

Din id-dinja Tiegħi hija mimlija ħażen, qerq u l-ispirtu tal-ħażen, imma l-imħabba teżisti wkoll fiha. Hija l-imħabba li bniedem għandu għal ħuh li żżomm Lili preżenti fostkom u t-talb iżomm il-ħażen lura.

Jiena ma nitlobkomx li tgħaddu ħajjitkom il-jum kollu fit-talb, kull jum, għax dan mhux li nixtieq minnkom. Kull ma nixtieq huwa li intom issejħu Lili għall-għajnuna u li tagħtu glorja lil Alla. Biex twettqu l-Wegħda Tiegħi lid-dinja, u tiżguraw li jkollkom il-ħajja eterna, kulma għandkom tagħmlu huwa li żżommu mal-Liġijiet ta’ Alla, hekk kif kienu mfassla biċ-ċar, fl-Għaxar Kmandamenti.

Imxu warajja, Ġesù tagħkom, u ftakru dak kollu li għallimtkom. Għalxejn tiddikjaraw li tħobbuni, jekk intom tirrifjutaw il-Kelma ta’ Alla. Għandkom tħobbu lil xulxin qabel kollox u tagħmlu magħhom dak kollu li kieku kontu tagħmlu magħkom infuskom. Għixu Kelmti fil-ħsibijiet tagħkom, l-għemil u l-azzjonijiet u hemm intom tkunu verament Tiegħi. Il-mibegħda m’għandha l-ebda sehem fil-Ħidma Tiegħi, għalkemm dak kollu li għidt meta kont ngħix fuq l-art, ġibed lejh kritika kbira, għax in-nies ma riditx tibdel ħajjitha. Illum Kelmti hija rrifjutata għax in-nies ma jridux iżommu mal-Verità. Minflok, huma jiġġustifikaw id-dnub, ħalli ma jkollhomx għalfejn ibiddlu ħajjithom. Għalhekk xejn ma tbiddel fil-verità.

Ir-rabta tad-dnub, fejn il-bniedem jintrabat b’katina mal-influwenza ta’ Satana, hija iżjed b’saħħitha issa milli kienet qabel. Inħallu issa u fittxu Lili. Ftakru li intom tistgħu tinħafru minn dnubietkom biss, sakemm tkunu ħajjin – mhux wara li titilqu minn din l-art.

Meta sejjer il-bniedem jaċċetta l-Kelma ta’ Alla u jagħraf li dak kollu li Huwa qal, huwa veru? Dak kollu li qal li jagħmel, huwa veru, u dak kollu li qed ngħidilkom issa huwa veru. Sfortunatament ħafna minnkom qatt m’huma sejrin jisimgħu u sakemm

tindunaw bil-Verità, jkun tard wisq.  Għandkom tiżguraw il-ġejjieni tagħkom billi tgħixu l-Kelma ta' Alla issa.

Ġesù Tagħkom.

Jiena għandi bżonn lilkom, daqs kemm intom għandkom bżonn Lili.

Is-Sibt, 17 ta' Jannar, 2015 @ 18.18

Għażiża maħbuba binti, huwa Jiena, Ġesù, l-Feddej tiegħek li qed nitkellem.

Ħafna nies li jaqraw dawn il-messaġġi jibżgħu. Il-biża' jġib miegħu forma ta' mibegħda, għax huma ħafna dawk li ma jridux jagħrfu Lili. Il-biża' tifimha, imma din ma tridx titħalla ttappan il-fiduċja tagħkom. Qed insejħilkom biex tiġu Għandi. Ma rridx ninkwetakom. Iż-żmien tagħkom fuq l-art huwa qasir, imma ż-żmien li għad tgħaddu Miegħi huwa għall-eternità.

Jekk Jiena nħobbkom, għaliex m'għandix inwissikom bil-konsegwenzi, jekk tirrifjutaw il-Ħniena Tiegħi? Kull ma nixtieq huwa li nġibkom ilkoll fis-Saltna Tiegħi. M'hinix ngħidilkom ħwejjeg li ma jinstabux fil-Ktieb Qaddis Tiegħi. Le. Jiena qiegħed sempliċement infakkarkom fil-Verità u fil-ħwejjeg li ġejjin, ħalli intom tiġu Għandi.

Ejjew żgħar Tiegħi, tibżgħux minn Imħabbti. Tibżgħux mis-Saltna Tiegħi għax hija dritt naturali tagħkom. Huwa għalhekk li Jiena tajt Ħajti fuq l-art. Jiena għandi bżonnkom daqs kemm intom għandkom bżonn Lili. Jien umli f'dak li nixtieq u sempliċement nixtieq inħaddankom ġewwa ħajja mimlija glorja, fejn intom tgawdu l-Ħajja li ma tispiċċa qatt. Allura għaliex tibżgħu mis-Sejħa Tiegħi? Inħobbkom. Qatt m'hu sejjer nagħmlilkom il-ħsara. L-unika ħsara li tħabbtu wiċċkom magħha hija minnkom infuskom. Jiena dejjem hawn, nistenna bit-tama imħabbitkom.

Id-dinja Tiegħi bla tmiem tiżboq dak kollu li intom qatt tistgħu tixtiequ fuq l-art. Ħajjitkom m'hi xejn ħdejn il-kobor tas-Saltna Tiegħi. Kien propju biex niżgura li jkollkom Ħajja Eterna – dritt tagħkom – li mitt għal dnubietkom. Tarmux dan is-Sagrifiċju kbir, għax kien bi Glorja kbira li Jiena ġejt mislub għalikom.

Tirrifjutawnix, it-tieni darba.

Ġesù l-maħbub tagħkom.

Jiena biss naf il-jum u s-siegħa li intom sejrin tieħdu l-aħħar nifs tagħkom.

Il-Ħadd, 18 ta' Jannar, 2015 @ 12.45

Għażiża maħbuba binti, meta bniedem jitwarrab Minni, tkun xi tkun ir-raġuni, huwa qatt ma jsib il-paċi vera.  Meta bniedem jiskopri min Jien, qalbu tintela bl-imħabba Għalija.  Bniedem li jpoġġi l-fiduċja kollha tiegħu Fija, jirnexxielu jgħaddi minn tkun xi tkun it-tbatija, għax Jiena neħilsu.

Il-Kelma ta' Alla ġġib tilwim kbir fost dawk ta' fidi dgħajfa.  Dawk li jemmnu Fija, jħossu uġigħ kbir f'qalbhom meta jaraw il-kuntrarju kontra l-Kelma ta' Alla.  Dan huwa l-uġigħ Tiegħi.  Jekk temmnu Fija, intom tħossu l-imħabba li Għandi għalikom, ġewwa ruħkom.  Iftħu dejjem qalbkom Għalija.  Ilqgħu Lili, mhux bil-biża', imma xxenqu Għalija.  Aċċettawni għal dak li Jien u l-Kelma mogħtija lilkom, u mbagħad għixu ħajjitkom eżatt kif hemm imniżżel fil-Bibbja Mqaddsa, u Jiena nkun nistenniekom.

Irrifjutaw it-Tagħlim Tiegħi u ħaddnu d-dnub, u din tkun il-waqgħa tagħkom.  Jiena biss naf il-jum u s-siegħa meta intom sejrin tieħdu l-aħħar nifs tagħkom.  Għandkom tkunu mħejjija l-ħin kollu.  Għandkom titolbuni naħfrilkom dnubietkom spiss kemm tistgħu.  Jiena naħfer lill-akbar midneb u għalhekk qatt m'għandkom tibżgħu mill-Ħniena Tiegħi.  Ibżgħu biss mis-siegħa meta intom tieqfu Quddiemi u twieġbu għal kull ħaġa li tkunu wettaqtu kontra Alla.  Jekk ma tkunux fdejtu lilkom infuskom f'Għajnejn Alla sa dak il-ħin, ma jkunx hemm ċans ieħor biex tagħmlu dan.

Ġesù Tagħkom.

Omm tas-Salvazzjoni: Il-bnedmin jagħżlu d-destin tagħhom stess.

It-Tlieta, 20 ta' Jannar, 2015 @ 15.30

Għeżież uliedi, ġej qerq kbir, li sejjer jinżel fuq id-dinja bħal purtiera. Dan il-qerq kważi jgħatti l-Verità kollha, imma dawk imbierka bid-Dawl tal-Ħniena ta' Ibni, sejrin jaraw il-falsitajiet, li qed jaħbu il-Kelma ta' Alla.

Qatt minn meta nħoloq il-bniedem, Alla ma ppermetta li l-għedewwa Tiegħu jaqgħu li jagħmlu tant qerq – qerq, li għandu għan wieħed biss. Dan ifisser li titneħħa kull traċċa ta' Alla mis-soċjetà, ħalli dawk li m'humiex ġejjin Minnu, jitilgħu f'pożizzjonijiet għolja ta' poter. Alla jippermetti dan bħala l-akbar prova għar-razza umana, sabiex jagħraf min hu Għalih u min hu kontriH.

Id-dinja għamlet offiżi kbar kontra l-Missier Etern u qed tissokta tinżel iżjed l-isfel fid-dnub. Qaddejja mqaddsa, inklużi saċerdoti, isqfijiet u kardinali, ilhom għal iżjed minn erbgħin sena, jonqsu milli jgħallmu l-Verità lil ulied Alla. Ħafna minnhom ma jagħrfux l-eżistenza tad-dnub, u lanqas ma jwissu lin-nies bil-perikli kbar li d-dnub il-mejjet iġib lill-erwieħ. Il-qaddejja ta' Alla għandhom dmir wieħed, u dan huwa biex imexxu lill-fidili f'dak kollu li hu morali u juru lill-erwieħ, il-perikli jekk tonqos milli tgħix ħajja tajba. Id-dnub m'għadux jissejjaħ l-akbar għadu, li jġiegħel lill-bniedem jinfired minn Alla.

Uliedi, Alla ma jixtieqx iġibilkom il-biża', imma qatt m'għandkom tkunu ttantati li temmnu li l-Infern ma jeżistix. Il-bnedmin jagħżlu d-destin tagħhom stess, u dawn l-erwieħ, li ma jfittxux li Alla jaħfrilhom dnubiethom, sejrin isibuha iebsa ħafna biex jidħlu mill-Bibien tas-Saltna ta' Ibni.

Intom dejjem għandkom tiddendlu mal-Verità. Alla ta l-Verità permezz tal-profeti Tiegħu. Tagħtux daharkom lill-Verità, għax jekk tagħmlu dan, intom tħaddnu duttrina falza u bi żball taħsbu li din tista' tifttħilkom il-bibien tal-wirt tagħhom.

Ħafna ħafna nies qed jiġu mmexxija ħażin u jemmnu li ladarba inti tieħu ħsieb il-ġid tal-ulied ta' Alla, dak huwa kulma jimporta. Ħudu ħsieb ruħkom, għeżież ulied, għax għandkom waħda biss u din trid tibqa' għall-eternità, kemm jekk tkunu fis-Saltna ta' Ibni, u kemm jekk jintremew minn ħdejH. Qatt tittraskuraw ruħkom, għax issibuha iebsa biex tingħaqdu ma' Ibni.

Il-Verità tibqa' tgħix għal dejjem, għax din hija l-Kelma ta' Alla. Din qatt ma tista' titbiddel.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

It-Twissija sejra tgħin lid-dinja biex tiġġielded l-akbar apostasija ta' kull żmien.

It-Tlieta, 20 ta' Jannar, 2015 @ 20.40

Għażiża maħbuba binti, meta sseħħ it-Twissija, din tkun l-ewwel stadju tat-tħejjija tat-Tieni Miġja Tiegħi. Dawk li mhux sejrin jaċċettawni, sejrin jinagħtaw minn kull ċans straordinarju, biex jaħsbu fuq il-Verità, daqshekk hija kbira l-Ħniena Kbira Tiegħi.

Nitlobkom tistennew dan il-Jum b'ferħ kbir, għax ikun dak in-nhar li dawk li ma jemmnux, fl-aħħar jirrealiżżaw Min Jien. Huma jiġu skussati mill-apatija tagħhom u jintlew bil-għaġeb.

It-Twissija tgħin lid-dinja biex tiġġieled l-akbar apostasija ta' kull żmien. Meta dduru Lejja matul dawn il-15 il-minuta ta' solitudni totali, u titolbuni naħfrilkom, intom tintlew bid-Don tal-Ispirtu s-Santu. Imbagħad tridu tħejju biex titqabdu u tgħinu lill-oħrajn lejn futur glorjuż.

Filwaqt li t-Twissija sejra tħeġġeġ il-fidi tal-fidili u tikkonverti lill-ħafna, ser ikun hemm numru kbir ta' nies, inklużi saċerdoti u membri għolja tal-kleru, li għad iridu jiċħdu li din tkun seħħet. Huma jieħdu lill-ħafna minn għandi, u għal dan, huma jiġu ġġudikati bl-aħrax. L-illuminazzjoni tal-Kuxjenza sejra ġġib magħha firxa ta' mħabba kbira, għal dawk li isimhom jinsab fil-Ktieb tal-Ħajja. Dawn huma n-nies – u dawn jinkludu ħafna li ma kinux jemmnu – li jikkonvertu u li sejrin jitqabdu biex isalvaw lil ħuthom.

Dan iż-Żmien Tiegħi sejjer jintuża biex niġbed Lejja, lil dawk li lanqas biss jafuni, imma li xorta waħda jiġu Għandi meta huma jixhdu din il-Ġrajja Kbira. Huma jkunu jafuni millewwel u jwieġbu bl-aħjar mod li jafu.

Dawn il-ġrajjiet kollha daqt iseħħu, u meta l-profezija li nagħtaw lill-bniedem mill-bidu, jibdew jinfetħu, kollox jibda jagħmel sens. Ħafna mill-profeziji mogħtija fil-Ktieb tar-Rivelazzjoni, kienu miktuba biex in-nies tifimhom permezz ta' simboli. Ir-realtà hija differenti, imma kunu għafu dan. L-Intervent Tiegħi sejjer jibdel id-dinja għal dejjem. WarajH, dawk li huma favur Tiegħi, jgħinuni biex inġib il-Ħajja Eterna lill-biljuni.

Ġesù Tagħkom.

Bl-għerf, tkunu tistgħu taraw il-Verità.

L-Erbgħa, 21 ta' Jannar, 2015 @ 20.24

Għażiża maħbuba binti, l-għerf huwa Rigal mogħti lill-bniedem permezz tal-Qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Mal-ġid, s-setgħa u l-ħaġar prezzjużi, li jistgħu jinġabru fid-dinja, l-bniedem ma jkollu xejn jekk hu ma jkollux ir-Rigal tal-għerf.

Bl-għerf, intom tkunu tistgħu taraw il-Verità, li nagħtat minn Alla lir-razza umana, permezz tal-profeti. Sfortunatament, l-għerf huwa ħaġa rari fid-dinja tal-lum. Meta taqgħu għall-ħwejjeġ li ġew maħluqa minn bniedem għal bniedem, intom tonqsu milli taraw dak li jinsab moħbi taħt is-saffi ta' duħħan li qed jiksi lid-dinja, minħabba li l-bniedem qed jiġri wara l-pjaċir, għemejjel, kliem u tħeġġiġ spiritwali, li xejn minnhom m'hu ġej minn Alla.

Il-bniedem jitwieled fid-dinja għeri, vulnerabbli u jrid mill-oħrajn biex jitimgħuh u jlibbsuh. Jitwieled b'ġisem u ruħ u wara jħalli din id-dinja b'xejn, lanqas il-ħwejjeġ li jlibbsuh. Il-bniedem jitgħallem mill-bniedem, imma għandu wkoll jitgħallem mill-Kelma ta' Alla. Kull għarfien ieħor jista' jkun ta' gid, imma jekk ma jintużax bil-għaqal, dan jista' jġib uġigħ kbir lill-oħrajn. Jekk l-għarfien jintuża' bil-għaqal, dan jista' jwettaq il-Pjan ta' Alla biex jgħin u jmantni lil uliedu.

Ir-razza umana qed tiġi mqarrqa dwar il-Verità. Dan il-qerq kbir, jixrob u jixxotta l-għarfien u l-ispirtu uman. Id-dnub mhux talli huwa aċċettat, imma huwa meqjus bħala virtù. Il-virtù hija mistkerrha u dalwaqt sempliċement li jissemma Ismi, jsir reat.

L-influwenza ta' Satana tgħawweg il-moħħ uman u taqleb kollox ta' wara quddiem. Ix-xitan huwa dak kollu li huwa kontra Alla u għalhekk, jekk Alla jgħid li xi ħaġa hija tajba, hu, l-wieħed il-ħażin, jikkonvinċikom li dik hija ħażina. It-tajjeb jitqies li huwa ħażin u għemil ħażin jew kelma ħażina tkun dikjarat li hija tajba. Kull dnub li huwa mistmerr f'Għajnejn Alla, jiġi ġġustifikat u dan jibda jinkludi kull forma ta' ħażen.

Id-dnub ma jissemmiex fil-knisja l-ġdida tad-dinja, li għad trid tiġi, u l-għemejjel li jitwettqu minn dawk li jixtiequ jżommu l-Kelma ta' Alla, jsiru kontra l-liġi. U għalhekk, il-għerf, li huwa Rigal minn għand Alla, jkun nieqes fis-soċjetà tagħkom, meta l-umanità tħaddan atti li huma kkundannati minn Alla.

Jekk id-dinja tgħidilkom illi l-Kelma ta' Alla għandha tiġi njorata, u tinsisti li intom għandkom tiehdu sehem f'atti li huma dnub mejjet, hemm Jiena ma nkunx nista' nsalvakom. Il-bniedem qed jiġi mħeġġeġ biex ifaħħar lil kull liġi makakka, li tiċħad il-Kelma ta' Alla, u l-għedewwa Tiegħi jinsabu fl-aqwa tagħhom ibiddlu l-korsa tal-istorja.

Il-ħwejjeġ kollha tajbin, li joħorġu mill-Fidi Kristjana, dalwaqt jisparixxu, sakemm jasal dak il-jum li fih intom tkunu ppersegwitati talli tirċievu s-Sagramenti Mqaddsa. Imma għal kull għemil ħażin li jitwettaq minn dawk li jistmerru Lili, Alla sejjer iferra' l-Ispirtu Tiegħu fuq dawk kollha li huma Tiegħu, sabiex jitqabdu kontra l-ħażen. Li kieku kellu ma jagħmilx hekk, kien ikun hemm ftit tama' li jsalva lil uliedu, mill-morsa tad-dlam.

Satana qiegħed jimmanifesta ruħu f'kull rokna tad-dinja. Dawk li huwa jsaħħar għal warajh, isiru l-agenti tiegħu u jithennew meta huma jegħlbu l-oppożizzjoni mill-poplu ta' Alla, u jġibu d-dinja għarkuptejha. Imma Alla, għall-imħabba li għandu għalikom, sejjer jiżgura li l-Għerf li jinagħta permezz tal-Qawwa tal-Ispirtu s-Santu, jsir il-korazza, li l-qaddejja leali Tiegħu għad iridu jużaw biex jieħdu l-poplu lil hinn mid-duħħan ta' Satana.

Id-Dawl ta' Alla sejjer jiddi. bil-qawwa fost il-poplu Tiegħu u taħt il-Ħarsien Tiegħu, huma jżommu Kelmtu u jwasslu lill-oħrajn, lejn l-Ispirtu tal-Għerf. Dawk l-erwieħ li jafuni verament, jinġibdu lejn id-Don ta' Alla, tal-Għerf, għax dan għad jiddi daqs ix-xemx u jġib il-faraġ lill-poplu ta' Alla, li jkunu mistmerra, meta fil-miftuħ, huma jiddikjaraw imħabbithom lejn Alla.

Il-ħażen la jista', u lanqas ma hu sejjer jegħleb id-Don tal-Għerf, li Alla daqt jagħti lil dawk kollha li jħobbuH. Hemm xejn ma jibqa' jxekkel fit-triq ta' Alla, Huwa u miexi b'passi kbar, jiġbor lil kull nazzjon fid-Dirgħajn Tiegħu ta' Mħabba u Kenn.

Ir-reliġjonijiet kollha, l-erwieħ kollha, u n-nazzjonijiet kollha jinagħtaw id-Don tal-Għerf. Imma dan ikunu jistgħu jerċevuH biss, dawk li jħobbu verament lil Alla, għax permezz tal-imħabba tagħhom biss, huma jkunu jistgħu jitolbu għal dawk li ma jridux jafu biH.

Ġesù Tagħkom.

## Alla Huwa Omnipotenti – Hu jinsab kullimkien.

Il-Ħamis, 22 ta' Jannar, 2015 @ 20.20

Għażiża maħbuba binti, l-apostasija ħatfet lid-dinja u qed tifrex it-tentakoli tagħha f'kull reliġjon, li tagħraf Lili, Ġesù Kristu, kif ukoll f'dawk li jagħrfu lill-maħbub Missieri.

Dawk li jxerrdu l-apostasija, jagħmlu dan b'mod li ma jidhirx u l-impusturi jwasslu l-erwieħ biex jaċċettaw duttrina falza. **Din sejra twassal lil żewġ terzi mill-Kristjani fl-apostasija, fejn huma m'huma sejrin jindunaw b'xejn. Kull Liġi minn ta' Alla sejra titgħawweġ u tkun ippreżentata bħala li taqbel għad-dinja moderna. Tant sejrin ikunu perswasivi, l-għedewwa Tiegħi, tant sejrin ikunu ġentili u umli fid-dehra tagħhom, illi huma jikkonvinċu saħansitra lil dawk is-segwaċi l-iżjed sodi u leali Tiegħi, li dawn il-bidliet huma aċċettabbli f'Għajnejn Alla.**

La darba Kristjan jitlaq mill-Verità, huwa jkun ħati li qed jaċċetta l-gideb. Ftit wara, huwa jaċċetta duttrina falza u wara, malajr iħalli l-Fidi. Meta jkun il-mument, il-bniedem tat-telfien, jikkonvinċi lill-Kristjani li jirrifjutaw il-Kelma Vera ta' Alla, sabiex jingħaqdu ma' reliġjon waħda dinjija. U dan hu kif il-Knisja Tiegħi sejra tissallab. Imma d-Dawl ta' Alla jitferra' fuq il-Kristjani u l-Lhud, u minn fommhom, ispirati minn Enok u Elija, huma jippriedkaw il-Kelma ta' Alla. Dawn ikunu ż-żewġ reliġjonijiet immirati mill-għedewwa Tiegħi u jiġu ppersegwitati, jeħduhom bil-herra, qabel ma jiċħdulhom li jipprattikaw ir-reliġjon tagħhom fil-postijiet pubbliċi. Biż-żmien, huma jeħdulhom il-knejjes u t-tempji tagħhom. Imma, miksijin bin-Nar tal-Ispirtu s-Santu, huma jxerrdu l-Kelma ta' Alla. Ikollhom il-kuraġġ u l-qawwa li jibqgħu fidili lejn Alla.

Saċerdoti li jkunu leali lejn il-Verità jissuktaw bis-Sagrifiċju ta' kuljum tal-Quddiesa, f' Ismi u bil-mod li għandu jkun. Jimxu warajhom ikun hemm il-Fdal li jwieġbu għall-Ispirtu tan-Nar, f'kull nazzjon. Qatt m'għandkom tissottovalutaw il-Qawwa ta' Alla. Huwa jwassal lil dawk li huma Tiegħu, lejn ir-rebħa. Huwa jneħħi kull xewka li xxekkel triqathom. Hu jdawwarhom b'ċirku ta' Ħarsien mis-Sema u jimla lil ruħhom bil-għerf u l-Verità.

Alla huwa Omnipotenti – jinsab kullimkien u jara kollox. Il-Qawwa ta' Satana hija tat-twerwir imma hu ma jistax kollox. Jista' biss iferrex l-influwenza tiegħu permezz tal-erwieħ li hu u dawk ta' madwaru jirnexxilhom iqarrqu bihom. Il-Qawwa ta' Alla tista' titkattar f'mument, f'kull parti tad-dinja. Kull għemil, tajjeb, ħażin jew indifferenti, ikun ġej mir-rieda ħielsa tal-bniedem, li tkun influwenzata jew mill-Ispirtu s-Santu jew mill-ispirtu tal-ħażen.

Il-Qawwa ta' Alla, toħroġ rebbieħa u fil-Jum il-Kbir tal-Mulej, l-għedewwa Tiegħu jispiċċaw bla saħħa u permezz ta' Id Missieri, jintefgħu fl-abbiss. L-akbar kastig jiġi fuq il-qaddejja mqaddsa ta' Alla, dawk li jippriedkaw il-falsitajiet. Minħabba li huma kienu mbierka bil-Verità, imma rrifjutawha, meta minn rajhom begħdu l-erwieħ mill-Kelma ta' Alla, tagħhom ikun l-akbar dnub u ta' dan, huma qatt ma jaraw Wiċċ Alla.

Ġesù Tagħkom.

**Omm tas-Salvazzjoni:  L-influwenza tad-dinja sekulari, tixbah lil dak li jiġri fl-għargħar.**

Il-Ħadd, 25 ta' Jannar, 2015 @ 14.40

Għeżież uliedi, d-Don tad-Dixxerniment jiġi mill-Qawwa tal-Ispirtu s-Santu u dan mhux mogħti faċilment.  Trid taħdem għalih.  Jinagħta biss lil dawk li huma f'għaqda ma' Kristu u li huma ħielsa mit-tentazzjonijiet li jpoġġi quddiemhom il-wieħed il-ħażin.  Il-wieħed il-ħażin ma jistax iqarraq b'dawk li huma mbierka b'dan id-Don.

Ħażin għalih dak il-bniedem li jitqarraq, għax iħalli lilu nnifsu jitmexxa lejn il-falsitajiet.  Il-qerq ġej minn Satana nnifsu u minn dawk li hu jinfesta.  Kull min ma jaċċettax l-Eżistenza ta' Ġesù Kristu, jsibha kważi mpossibbli li jieqaf quddiem id-duħħan ta' Satana, li jagħmi lil kull wieħed minnkom, li intom ħatjin li tħallu d-dnub tal-kburija jeħodkom.  Kull qaddej mqaddes  minn ta' Alla, li jiġġerra lil hinn mill-Verità, jmexxi lil dawk kollha li jħarsu lejh sabiex imexxihom, lejn l-iżball.  Ta' dan huwa jsofri kastig kbir fil-Jum tal-Ġudizzju.

**L-influwenza tad-dinja sekulari tixbaħ lil dak li jiġri fl-għargħar u l-erwieħ li jħalluha tbiddlilhom il-fehma jew l-opinjoni tagħhom, tal-Kelma ta' Alla, għad jegħrqu.  Il-qerq huwa għodda tal-wieħed il-ħażin, u l-mira tiegħu hi li jeqred il-Knisja ta' Ibni fuq l-art, billi jiġbed lil dawk ġewwa fiha.  Iftħu għajnejkom għal-tibdiliet ġodda, li sejrin jiddaħħlu u li jkunu jisħtu l-Isem ta' Alla.**

Qatt m'għandkom tħallu l-falsitajiet jinfluwenzaw dak li Ibni għallimkom, għax Ibni qatt ma tbiegħed mill-Kelma Miktuba, u lanqas qatt m'hu ser jagħmel hekk.  Il-Verità ssostnikom tul il-provi li ġejjin, u li sejrin isawtu lill-Knisja ta' Ibni fuq l-art.  Għandkom tħejju għal dawn iż-żminijiet, għax kważi jinsabu fuqkom.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

**Alla l-Missier: Jiena nħaddan lil kull persuna, razza, twemmin u reliġjon**.

Il-Ħadd, 25 ta' Jannar, 2015 @ 15.45

Binti l-iżjed għażiża, l-Intervent Tiegħi sabiex niftaħ għajnejn uliedi, u jaraw l-Imħabba tal-maħbub Iben Tiegħi, Ġesù Kristu, qegħda toqrob.

Inħobb lil uliedi kollha u sejjer insejjaħ lil kull raġel, mara u tifel jew tifla, li għandhom 'l fuq minn seba' snin, lejn id-Dawl tal-Ħniena ta' Ibni. Ħejju għall-Intervent Tiegħi, għax jinsab eqreb milli taħsbu u kunu grati ta' dan ir-Rigal Kbir. Il-battalja spiritwali li tinsabu fiha, li qed taraw fuq l-art, sejra tqum bejn l-għedewwa Tiegħi, li jsikktu lil dawk kollha li jirrifjutaw li jaċċettaw il-falsitajiet, u dawk li ma jiċħdux lil Ibni.

Meta tinżel l-Id Tiegħi tal-Ġustizzja, din tgħaddi mill-prova l-fidi ta' dawk li jgħidu li huma ta' Ibni, u jkunu dawk biss li jridu jimxu wara s-Salib, li jibqgħu b'saħħithom biżżejjed u jipproklamaw il-Verità. Malajr jitneħħew l-għanqbut u taraw dak kollu li hu b'wirtkom. L-għedewwa Tiegħi, fil-biċċa l-kbira tagħhom, sejrin jirrifjutaw dan l-Intervent u jitqabdu sal-aħħar biex jiċħdu lil Ġesù Kristu.

Jiena sejjer ngħannaq lil kull persuna, razza, twemmin u reliġjon, lejn id-Dawl ta' Ibni, u ħafna sejrin jarawH. B'dan, ħafna jikkonvertu u jitolbu għad-dritt li jgħixu l-ħajja eterna fil-Glorja tas-Saltna ta' Ibni fuq l-art.

Jiena wegħdt li Ibni jieħu postu fuq it-Tronn Tiegħu, u hekk jiġri. Dawk li ma jridux isiru parti mis-Saltna Tiegħu, jagħmlu dan skond ir-rieda ħielsa, li Jiena tajt lil kull wieħed minnkom.

Jiena, l-maħbub Missierkom, Ħallieq ta' dak kollu li hu u li għad irid ikun, nitlobkom ma tberbqux dan id-dritt tagħkom. Jekk tagħmlu dan, jiblagħkom Satana li hu bla ħniena, bħalma huwa giddieb, qarrieqi u jakkużakom. Intom qed tkunu mogħtija Rigal, li l-ebda ġenerazzjoni qabilkom ma nagħtat, u għandkom titolbu li tinagħtaw il-Grazzji sabiex taċċettaw dan il-Favur Tiegħi.

Ejjew lejn id-Dawl, għax jekk ma tagħmlux dan, intom tagħmew bid-dlam għall-eternità. Dan jaqsamli Qalbi fi tnejn u ma nixtieqx nitlef lil ħadd minnkom.

Jiena nberikkom. Immexxikom tul din il-Missjoni Qaddisa, li qed tinagħta lilkom mit-Trinità Qaddisa, kif kien imħabbar.

Missierkom il-maħbub

Alla l-Iżjed Għoli.

## Intom jew tħobbu Lili skond Kelmti, jew ma tħobbuni xejn.

It-Tlieta, 27 ta' Jannar, 2015 @ 14.35

Għażiża maħbuba binti, r-raġuni m'għandhiex post fl-imħuħ ta' dawk li jirrifjutaw bis-saħħa l-Kelma Qaddisa ta' Alla, inklużi dawk li huma xorta waħda kontra Tiegħi u dawk li ma jibqgħu xejn leali lejn il-Kelma. Intom tistgħu tgħidu li intom biċċa Minni, bħala ġisem wieħed – mhux biċċa minn ġisimkom. Ma tistgħux tgħidu li tħobbu Lili, b'parti biss minnkom. Intom jew tħobbu Lili skond Kelmti, jew ma tħobbuni xejn.

Meta intom tittraduni, intom tagħmlu dan billi tiġġustifikaw ir-raġunijiet tagħkom għala qed taċċettaw gideb dwar Min Jien, x' Jien u x'għidt Jien. Intom, bħalma għamlu l-antenati tagħkom qabilkom, twaddbuni 'l barra u tagħmlu akkużi foloz kontra Tiegħi. Tużaw Kelmti skond l-interpretazzjoni tagħkom u wara takkużaw lit-twajbin li qed jonqsu mill-karità. Intom tagħtuni s-swat meta tittradixxu lil Ġismi u ġġibu uġigħ kbir fuq dawk li intom takkużawhom b'ereżija fl-Isem Qaddis Tiegħi.

Ir-raġuni titwarrab fil-ġenb, filwaqt li intom iġġibu kull skuża biex timxu fit-triq opposta minn dik li tnaqqxet bil-Mewt Tiegħi fuq is-Salib.

Satana huwa dak li jakkuża lil ulied Alla u meta jkun preżenti fl-erwieħ ta' dawk li hu jinfesta, huwa jagħmel kull akkuża kontra ulied Alla, sabiex iwaqqa' Kelmti. Huwa jqarraq bikom, sabiex tibqgħu njoranti dwar l-Imħabba li Alla għandu għalikom. Huwa jeqred kull uqija ta' fidi li intom ikollkom, jekk iċċedulu. Jinqeda bir-rieda ħielsa tagħkom – dritt mogħti minn Alla – u jagħtikom x'temmnu li intom tistgħu tgħixu ħajja mingħajr Alla.

Ġesù Tagħkom.

## Il-Bibbja Mqaddsa issir kważi mpossibbli li ssibha.

L-Erbgħa, 28 ta' Jannar, 2015 @ 17.00

Għażiża maħbuba binti, Jien ġejt mitfugħ fid-deżert u nħossni mifni bin-niket għall-mod kif il-Kristjani fid-dinja, qed jgħadduhom ta' viljakki.

Leħni huwa biss tfesfisa, qalb l-għajjat tal-bestja u ta' dawk li jistmerru Lili. Dawn l-ilħna li m'għandhomx kwiet għad iridu jitkattru u jidfnu Kelmti, li ġiet minn Ħajti. L-eretiċi, l-pagani, viżżjunarji u profeti foloz, tradituri u dawk li jħobbu d-deheb imdewweb, kollha sejrin iqumu flimkien kontra Tiegħi. Dawk li jimxu fuq il-passi Tiegħi għad jintrifsu u mgħobbija bit-toqol tas-Salib, huma jkollhom jitilgħu muntanja għolja, jekk iridu jżommu dak li għallimt Jien.

Il-Bibbja Mqaddsa ssir kważi mpossibbli li ssibha, qabel ma tispiċċa għal kollox. Isir minn kull sforz biex jiċħdu lil Alla, qabel ma Kelmti tkun mibdula ma' duttrina tad-dlam. Dawk minnkom li jemmnu Fija, Ġesù tagħkom, qatt m'għandhom jaqgħu għal

xejn, li mhux ġej Minni. Jien biss inħariskom kontra l-ħsara u huwa permezz Tiegħi biss li intom issibu s-Salvazzjoni Eterna.

**Attenti għal talb falz li jistgħu jippreżentawlkom, għax dawn ma jkunux ispirati mill-Ispirtu s-Santu, u ta' min jevithom. Kelma żgħira, frażi żgħira jew nuqqas zgħir 'l hawn jew 'l hinn, jista' jibdel minn talba għal falsità. Il-ħażen huwa qattiel mutu tal-ispirtu u mhux faċli taqbdu, meta dan ikun mistur bħala Verità. Wasal iż-żmien li tnaqqu l-ġnien tagħkom u tibqgħu leali lejn dak kollu li Jiena għallimtkom, għax xejn iżjed m'hu relevanti u jista' jitilfilkom il-fidi tagħkom**.

Il-fidi Fija u l-fiduċja fil-Wegħda Tiegħi li nerġa' niġi, bi Glorja Kbira, qatt m'għandhom jitwarrbu mal-ġenb, sabiex tikkuntentaw profeti foloz, sħaħar, pagani u eretiċi. L-għedewwa Tiegħi qed jaħdmu bi sħiħ biex iqarrqu bikom u ħafna minnhom jafu sew Min Jien, imma jridu li intom tirrifjutaw Lili, tiswielhom kemm tiswielhom. Intom għandkom tibqgħu bħal tarbija żgħira li tafda, meta ssejħu Lili u Jien immexxikom fit-triq għas-Saltna Tiegħi. Jiena nħares lilkom ilkoll li tafdaw għal kollox f'Imħabbti u fir-Rieda Qaddisa Tiegħi. Hemm biss inkun nista' niknes l-għedewwa Tiegħi u nferrex il-Verità, ħalli d-dinja l-ġdida li ġejja, tkun mgħammra mill-ulied kollha ta' Alla.

Il-fiduċja, t-tama u l-imħabba huma meħtieġa jekk intom tridu jkollkom is-saħħa li tibqgħu ma' Ġenbi. L-imħabba Għalija, bla ebda kundizzjoni, taqlgħalkom Grazzji kbar tul il-vjaġġ lejn is-Saltna Glorjuża Tiegħi – d-dinja li ma jkollhiex tmiem.

Ġesù l-maħbub tagħkom.

[Enokk u Elija m'humiex sejrin ikunu preżenti bħala umani](#).

Il-Ħamis, 29 ta' Jannar, 2015 @ 21.30

Għażiża maħbuba binti, jkunu l-Kattoliċi Rumani u l-Lhud, li sejrin jiffaċċjaw l-akbar oppożizzjoni fiż-żminijiet li ġejjin. Huma jgħaddu mid-diskriminazzjoni, oppożizzjoni u mibegħda, waqt li l-apostasija tivga lill-umanità. Leħenhom jissikket meta l-falsitajiet jixorbu l-imħuħ ta' wlied Alla, meta l-wieħed il-ħażin iqarraq bid-dinja u din tirrifjuta l-Kelma ta' Alla.

Dawn iż-żewġ xhieda jibqgħu jipproklamaw il-Verità permezz ta' dawk fosthom li huma b'saħħithom biżżejjed biex iferrxu n-Nar tal-Ispirtu s-Santu, sa ma jasal il-Jum il-Kbir tal-Mulej, fuq l-umanità. L-ispirti ta' Enokk u Elija jfawru l-erwieħ u dan iġib rabja, meta dawn jagħtu xhieda ta' Alla, l-Verità u l-Ħajja, li biljuni jkunu qed jirrifjutaw. Kif kien imbassar, dawn iż-żewġ xhieda jiġu kkuntrarjati u jitqabdu kontrihom, imma ħażin għalih dak il-bniedem li jipprova jeqridhom, għax Alla sejjer jikkastiga lill-għedewwa Tiegħu, sabiex dawn it-tnejn jibqgħu jżommu l-fjamma tal-Imħabba Tiegħu ħajja, f'dinja li tkun miksija bid-dlam tal-apostasija.

Enokk u Elija m'humiex sejrin ikun preżenti bħala umani, imma kunu għafu dan. Huma jkunu preżenti fl-ispirtu ta' dawn iż-żewġ xhieda u jkun permezz tat-tbatija tagħhom, illi Alla jifdi lil dawk li huma għomja għall-Verità.

Qatt tibżgħu mill-Verità, ibżgħu biss minn dawk li huma mimlijin b'tant mibegħda Għalija, Ġesù Kristu, tant, li għad jaqgħu għal kull għemil ħażin, sabiex iżommu lil dawn iż-żewġ xhieda siekta. Imma huma mhux ser jirnexxilhom, għax in-Nar tal-Ispirtu s-Santu jitferra minn fommhom bħal xabla u jxoqq il-qlub ta' dawk li jeħtieġu l-iżjed il-Ħniena ta' Alla.

**Imbagħad, meta jasal iż-żmien, dawn iż-żewġ reliġjonijiet jiġu mwaqqfa u dawk li jażżardaw jipprattikawhom fil-beraħ, jiġu akkużati b'reat. It-Tempji maħruqa sal-art, jsiru għżuż ta' rmied u d-dinja tithenna bil-qerda tal-Fidili ta' Alla u jiċċelebraw il-waqgħa tagħhom.**

Wara dan, il-ħoss tal-Leħen ta' Alla jinstema' ma kull rokna tad-dinja, u mill-irmied jibda Bidu Ġdid, Ġerusalemm il-Ġdida, dinja safja mingħajr dnub.

Ġesù Tagħkom

Dalwaqt jinferqu s-smewwiet u n-Nar tal-Ispirtu s-Santu jinżel fuqkom.

L-Erbgha, 4 ta' Frar, 2015 @ 20.06

Għażiża maħbuba binti, l-mibegħda kontra l-ħwejjeg kollha li ġejjin minn Alla, inkluża l-Kelma Qaddisa ta' Alla, hija qawwija f'dan iż-żmien.  L-imħabba li tinsab f'qalb il-bniedem, li tinsab hemm b'mod naturali, fir-ruħ ta' kull tarbija mwielda fid-dinja, kesħet f'qalb l-umanità.

Il-karità u l-imħabba wieħed għall-ieħor sparixxiet u hekk kif kien imħabbar, il-bniedem idur kontra ħuħ, oħtu, missieru, ommu u l-ġar tiegħu, meta l-battlja għall-erwieħ tilħaq il-quċċata tagħha.  It-twajbin, il-ġwejfin u l-umli jintrifsu minn dawk mimlijin malizja, neqsin mill-imħabba ġewwa ruħhom, u li sejrin jisfidaw lil dawk li jażżardaw jgħidu l-Verità.

Missieri, li bil-Kmand Qaddisa Tiegħu, Jiena qed inkellem lid-dinja, tani l-istruzzjoni biex noħrog din it-twissija.  Ħejju biex tiffaċċjaw Lili, għax daqt is-smewwiet jinferqu u n-Nar tal-Ispirtu s-Santu, jinżel fuqkom.  Dawk bi qlub ħelwa, li ruħhom mimlija bl-imħabba lejn l-oħrajn, jkunu ppremjati bir-Rigali li Jien inġib Miegħi dak il-jum.  Lill-oħrajn ngħidilhom dan.  Għal kull att ħażin, kelma jew għemil li intom tkunu ħatjin tiegħu, għall-uġigħ li tkunu ġibtu fuq l-oħrajn, intom taraw l-uġigħ ta' dak li tkunu ghamiltu, hekk kif jidher f'Għajnejja.  Minħabba li tant sejrin ikunu maħsuda meta jaraw l-istat li tkun fih ruħhom, nitlobkom ma tibżgħux.  Sempliċement afdaw fil-Ħniena Kbira Tiegħi.  Jien ġej mhux biex nikkastiga jew niġġudika, imma biex imqajjem ġewwa fikom l-imħabba li intom tliftu Għalija.

Ejjew intom ilkoll, il-mument għall-Intervent ta' Alla huwa fil-qrib, u dawk li jħejju ruħhom, permezz tar-rikonċiljazzjoni u l-qrar, sejrin jiffrankaw l-uġigħ tal-purifikazzjoni.

Ġesù Tagħkom.

## Jien l-uniku konsolazzjoni f'dinja li hija kontra Tiegħi.

Is-Sibt, 7 ta' Frar, 2015 @ 21.37

Għażiża maħbuba binti, t-taqbida Tiegħi, biex inġib il-paċi lill-ulied kollha ta' Alla, u nieħu lil kull persuna ġewwa s-Sema u l-Art il-ġodda, qed tiħrax. Sejjer nitqabad sal-aħħar, sabiex insalva lill-umanità mill-ħażen, li nġab fuqha mill-avversarju Tiegħi.

Nitlob li intom ilkoll li tħobbu Lili u żżommu Kelmti, tibqgħu sħaħ quddiem il-mibegħda li ser ikollkom tkunu xhieda tagħha, kontra l-Kelma Qaddisa Tiegħi. Jekk tirrifjutaw Kelmti, hemm intom tirrifjutaw Lili. Tkunu nqastu milli tifhmu x'fissret Mewti fuq is-Salib.

Li tgħix ħajja Fija, trid ħafna kuraġġ u ħeġġa, għax qatt ma jħallukom fil-paċi, meta intom tistqarru twemminkom Fija, fil-miftuħ.

Jiena l-uniku konsolazzjoni f'dinja li hija kontra Tiegħi. Jiena l-ħabel li jsalvakom fl-ilmijiet imqallba. Jiena l-ħajja nfisha u dak kollu li hu tajjeb, ġej Minni. Il-ħażen f'kull forma tiegħu ma jistax ikun ġej Minni, għax dan ma jistax ikun. Qabel ma d-dinja taċċettaż li Satana jeżisti, din qatt ma taċċetta l-Eżistenza ta' Alla.

Satana u kull anġlu ieħor li waqgħa u mtrema mis-Smewwiet mill-għażiż Missieri, joħolqu l-mibegħda fl-erwieħ ta' dawk li jħallu d-dnub jivghom. Huwa mid-dnub tas-suppervja, li joħorġu d-dnubiet l-oħra kollha. Is-suppervja kienet il-waqgħa ta' Luċifru. Is-suppervja hija d-dnub li bih il-bniedem jiġi f'linja waħda mal-wieħed il-ħażin. Is-suppervja tkun il-waqgħa tal-umanità.

Biex tħobbu Lili, tridu tagħmlu dan bla kundizzjoni u din mhix ħaġa faċli. Li tħobbu Lili tfisser li żżommu mal-Kelma ta' Alla. Jekk titbegħdu minn din, imħabbitkom Għalija titbiel, sakemm intom tgħixu bir-regoli tagħkom.

Ġesù Tagħkom.

**L-ispirtu tal-ħażen huwa iżjed qawwi mir-rieda tal-bniedem**.

Il-Ħadd, 8 ta' Frar, 2015 @20.31

Għażiża maħbuba binti, waqt li l-Ispirtu s-Santu qed jinfirex permezz ta' dawn il-Messaġġi, Kelmti, hekk kif ġara fi żmieni fuq l-art, qed tinfirex bħal sajjetta. Il-mod li bih jinfirex l-Ispirtu s-Santu lanqas biss jirnexxilu jifhmu l-bniedem. U meta l-Paraklitu, permezz tal-Qawwa ta' Alla, jaħtaf l-eriweħ ta' dawk li huma umli f'qalbhom, l-ispirtu tal-ħażen isegwiH, kull fejn ikun Preżenti.

L-ispirtu tal-ħażen, huwa iżjed qawwi mir-rieda tal-bniedem, imma huwa bla saħħa kontra ulied Alla, li jafdaw Fih. L-ispirtu tal-ħażen dejjem jibqa' jkollu mira waħħa u dik hija li jqarraq. Satana, l-qarrieqi l-kbir, juża' l-kburija fir-ruħ, biex jikkonvinċi lill-bniedem li r-raġunar żbaljat tiegħu, jista' jiddetta dak li hu tajjeb jew ħażin. Il-vittma jibda jemmen li hu għandu kontroll tad-destin tiegħu stess, u għalhekk il-fidi tiegħu, jew il-ftit li jkollu, din tkun sekondarja.

Il-libertà tal-kuxjenza twassal erwieħ dgħajfa, biex jirrifjutaw l-Eżistenza ta' Alla. Erwieħ oħrajn li jaċċettaw l-Eżistenza ta' Alla, jħallu l-opinjoni personali tagħhom tiddetta l-interpretazzjoni tagħhom, dwar Min Hu Alla u kif Alla jwieġeb lill-midinbin. Ikun xi jkun, huma jirrifjutaw l-Awtorità ta' Alla għal dak li huma jaħsbu. Il-kburija tagħhom twassal għall-waqgħa tagħhom.

**Ix-xitan huwa makakk ħafna u jgħid lil dawn l-erwieħ ' agħmlu dak li tgħid il-kuxjenza tagħkom,' u jikkonvinċihom biex jieħdu preċedenza fuq dik li Hi l-Kelma ta' Alla. O kemm jiġi mmanipulat malajr il-bniedem, dak li jaqa' għal dan il-qerq. Ejjew, Jiena ngħidilkom, min intom, intom biex tiddeċiedu li tafu iżjed Minni, iżjed minn dak li għallimtkom? It-Tagħlim Tiegħi huwa ċar, preċiż u ma jinbidilx. Jekk ma tistgħux tafdaw fil-Kelma ta' Alla, allura ma tistgħux tħobbuH verament. Huwa permezz tar-rieda ħielsa tagħkom li tagħżlu dak li temmnu. Imma l-bniedem li jgħawweġ il-Kelma ta' Alla, biex taqbel mal-opinjoni tiegħu, ta' Kelmti, u biex taqbel lilu, huwa l-bniedem li sejjer jaqa' għat-tentazzjoni tal-wieħed il-ħażin.**

Kull fejn tinżamm Kelmti, x-xitan jitlajja', jistenna li jibla' l-erwieħ li jemmnu f'kif jaħsbuha u dik li tkun l-opinjoni tagħhom stess, dan kollu fuq il-Kelma ta' Alla. Kull bniedem li jibqa' sod mal-Verità, jiffaċċja provi kbar mill-qarrieqi, li qatt m'hu sejjer jiskot mill-isforzi tiegħu biex jieħu l-erwieħ. Għalhekk, kull fejn l-Ispirtu s-Santu jifrex ġwenhajH, l-ispirtu tal-ħażen isegwiH ma' kull pass. Ma jaqta' qalbu qatt, frustrat u determinat, huwa jittormenta l-erwieħ li ġew imbierka bil-Qawwa tal-Ispirtu s-Santu.

M'intomx sejrin issibu l-ispirtu tal-ħażen jipprova jbagħbas mal-erwieħ ta' dawk li hu ġa rebaħ, għax m'għandux bżonnhom. Dak il-bniedem li jħobb Lili u jimxi fuq il-Kelma ta' Alla, huwa vulnerabbli għax huwa l-premju l-iżjed imfittex. Qatt m'għandkom temmnu li intom b'saħħitkom biżżejjed biex tieqfu għal dawn l-attakki fuq il-fidi tagħkom, għax kull wieħed minnkom huwa midneb. U bħala midinbin,

jekk kemm-il darba intom ma tnaddfux ruħkom permezz tar-rikonċiljazzjoni fuq bażi regolari, intom ukoll tittraduni, għax ma tkunux b'saħħitkom biżżejjed waħedkom, biex tieqfu għall-pressjoni li jagħmlulkom biex tiċħdu Lili.

Qatt tinsew dak li wissejtkom dwaru. Intom tinsabu f'nofs l-akbar battalja spiritwali ta' kull żmien. Dawk li huma l-iżjed imħejjija, l-iżjed b'saħħithom u l-iżjed puri f'ruħhom biss, sejrin jibqgħu ħajjin.

Ġesù Tagħkom.

Omm tas-Salvazzjoni: Itolbu għall-protezzjoni tal-Knisja ta' Ibni fuq l-art.

It-Tlieta, 10 ta' Frar, 2015 @ 14.36

Għeżież uliedi, huwa mportanti li intom ilkoll tgħidu t-Talb tal-Kruċjata u r-Rużarju l-Iżjed Qaddis, bħala parti mit-talb tagħkom ta' kuljum. Tistgħu tagħżlu liema talb tgħidu, mhux bilfors it-Talb kollu, imma dawk li tixtiequ. Ir-Rużarju Tiegħi l-Iżjed Qaddis, għandu jingħad kuljum, kontra l-influwenza tal-wieħed il-ħażin.

It-talb iqarribkom lejn Alla u jħares l-erwieħ ta' dawk kollha li jitolbu l-għajnuna ta' Ibni, kontra l-qawwa tal-qarrieqi. It-talb huwa l-aqwa arma kontra l-ħażen u qatt m'għandkom tissottovalutaw il-qawwa li jagħti.

Itolbu għall-ħarsien tal-Knisja ta' Ibni fuq l-art u itolbu lil Ibni biex juri Ħniena ma' kull min jipprova jsallabha. Il-Knisja – l-Ġisem u t-Tempju ta' Ibni – hija t-triq li biha tingħata kull glorja lil Alla. It-Tagħlim, il-Kelma u l-Ewkaristija Qaddisa, li hija l-Ġisem u d-Demm ta' Ibni, Ġesù Kristu, huma Rigali mogħtijin lill-umanità għas-salvazzjoni tal-erwieħ. Intom għandkom iżżommu l-Verità u tħejju sabiex taċċettaw il-Ħniena ta' Ibni.

Inħeġġiġkom titolbu għall-erwieħ li jirrifjutaw il-Verità u itolbu lil Ibni biex iferra' l-Ħniena Tiegħu fuq ruħhom. Ibni huwa l-Ħajja. Il-ħajja kollha minnu ġejja. Jekk intom tirrifjutaw lil Ibni, intom ma jkollkomx ħajja fis-Saltna Tiegħu li ġejja.

Ibni talabni sabiex nitkarrbilkom għat-talb, għall-erwieħ ta' dawk li sejrin jirrifjutawH. Huwa jisma' t-talb li intom toffru għall-maħbubin tagħkom u għal dawk li mhux ser ikunu jistgħu jaċċettaw id-Dawl meta sejjer jiddi bħal torċa u jiksi l-umanità.

L-erwieħ li jinsabu mdawla bl-imħabba u l-umiltà meħtiega biex jirċievu lil Ibni, dawn sejrin jifirħu. Dawk mudlama f'ruħhom, sejrin iwarrbu d-Dawl, għax isibuha iebsa jaraw il-Verità. Itolbu b'qalbkom kollha għall-erwieħ li jeħtieġu l-iżjed il-Ħniena ta' Ibni bħalissa, u mil-lum 'l quddiem.

Mingħajr it-talb tagħkom, ħafna jintilfu u jibku għall-eternità, għall-kumpannija ta' Ibni, imma huma ma jsibuH imkien.

Inħallilkom imħabbti, l-ħarsien tiegħi u l-paċi tiegħi. Nitlobkom twieġbu għas-sejħa tiegħi, tas-salvazzjoni tal-erwieħ.

Ommkom il-maħbuba

Omm tas-Salvazzjoni.

Dan hu li nista' nurikom, qabel ma nifred in-nagħaġ mill-mogħoż.

L-Erbgħa, 11 ta' Frar, 2015 @ 15.16

Għażiża maħbuba binti, ħafna beżqu f'Wiċċi, seħtuni u caħduni meta kont ngħix fuq l-art, u hekk jibqgħu jagħmlu sal-lum.

Kull Rigal, li nagħta lill-umanità permezz tal-viżżjunarji u profeti minn Alla, dan gie rrifjutat mill-maġġoranza. Dalwaqt il-Fjamma tal-Verità ssir iebsa biex il-bniedem isibha, għalkemm jipprova jfittixha. L-għedewwa Tiegħi jifirħu u jiċċelebraw meta x-Xhieda Tiegħi fuq l-art jiġu mixħutin mal-art u mirfusa. Kemm huma ngrati l-qlub kiesħa tal-bnedmin, u kemm għandhom ftit imħabba Għalija!

Il-kastig Tiegħi kważi qiegħed hawn, u Jiena sejjer nifred lil dawk li mħabbithom Għalija tibqa' ħajja, mill-erwieħ li jirrifjutawni. L-Intervent Tiegħi jiġi ħesrem u ħażin għalih dak il-bniedem li jisħet Lili, għax narmih mill-Qalb Qaddisa Tiegħi, u jibqa' jitlajja fost il-bhejjem li jduru mad-dinja, jfittxu l-erwieħ biex jeqirduhom.

Illum il-Mulej tagħkom tkellem, u llum huwa l-jum meta l-bidliet li kienu mħabbra, sejrin jibdew. Il-Ħniena Tiegħi sejra tintwera magħkom bil-bosta, imma wara dak, intom tridu tagħżlu d-destin tagħkom. Dawk li ħallew il-mibegħda tnawwar ġewwa ruħhom, sejrin jirrifjutawni bil-miftuħ. L-erwieħ bierda, mhux sejrin ikollhom il-Grazzji sabiex jibqgħu leali Lejja, u huma wkoll jirrifjutawni.

Tajtkom il-Kelma, l-Verità, u ħafna minnkom jisħtu Lili talli għamilt hekk. Dan li nista' nagħtikom sal-Jum il-Kbir. Issa, ħudu dak li tajtkom u ftakru kull Kelma, għax Żmieni huwa fil-qrib, u dan biss nista' nikxsef magħkom, qabel ma nifred in-nagħaġ mill-mogħoż.

Dawk fostkom li jisħtuni, jkunu misħuta. Dawk fostkom li jemmnu Fija, jkollhom il-Ħajja Eterna. Sofru f'Ismi u Jiena ngħollikom fis-Saltna Tiegħi li għad trid tiġi.

Il-Jum tal-Ewwel Qawmien ġej, u dawk li mhumiex sejrin jaċċettaw Lili, jintremew għall-eternità. Ir-rabja Tiegħi hija kbira f'dan iż-żmien, u li kieku kellkom taraw l-erwieħ mudlama u griżi ta' dawk li għandhom qalbhom bierda, intom kontu tibku. Sfortunatament, il-maġġoranza tal-erwieħ jinsabu fid-dlam u li kieku kellkom taraw dan, intom kontu tmutu bil-ħasda, meta taraw l-istat tal-erwieħ tal-umanità.

Ġesù Tagħkom.

It-Talb iwerwer lill-wieħed il-ħażin.

Il-Ħamis, 12 ta' Frar, 2015 @ 18.00

Għażiża maħbuba binti, qed nitlob lill-Kristijani kollha, f'kull parti tad-dinja, sabiex iżidu l-ħin li jgħaddu fit-talb, għall-qawwa biex jirbħu lid-dnub li qed jifga lid-dinja u jġib it-tbatija minn kull fejn igħaddi.

Id-dnub jista' jinqered permezz tat-talb. It-talb huwa l-iżjed arma qawwija kontra l-ħażen u iżjed ma dduru Lejja, iżjed inkun nista' neqred lill-avversarju Tiegħi. Filwaqt li Jiena mhux qed nitlob xejn minn għandkom, li jtaqqal il-qalb, nitlob biss li intom ssejħu Lili biex ngħin lill-midinbin jevitaw il-ħażen, li jista' jintbet kull mument f'qalbhom.

Il-qawwa ta' Satana hija fil-punt fejn dawk li m'għandhomx fidi jew twemmin f'Alla, qed jiġu mmanipulati minnu faċilment. Huwa jħajjarhom u jittanthom ma' kull opportunità. Il-bniedem, f'għajnejn Satana, huwa mera ta' Alla, li ħoloq il-bniedem fuq Xbiha Tiegħu stess. Satana jobgħod tant lil kull persuna, li dan jaqtgħalkom nifiskom. Huwa biss il-bniedem li huwa għassa għat-tattiċi tiegħu, li jirnexxilu jara l-Verità, meta l-ħazen jieħu forom differenti. Huwa biss il-bniedem li huwa miftuħ għall-Kelma ta' Alla – li jafU u li jhobbU – li jista' jxejjen l-influwenza tal-qarrieqi permezz tal-qawwa tat-talb.

It-talb iwerwer lill-wieħed il-ħażin u jdgħajjef il-qabda li hu għandu fuq l-umanità. It-talb huwa iżjed qawwi minn xabla li tintuża' waqt battalja, għax din mhux talli tferi lill-għadu, imma teqirdu.

Ġesù Tagħkom.

Il-Missjoni Tiegħi sabiex insalva lill-umanità hija kważi lesta.

Il-Gimgħa, 13 ta' Frar, 2015 @ 18.00

Għażiża maħbuba binti, bil-Qawwa tal-ImbierkaTrinità Qaddisa, Jiena qed niddikjara li tajtkom il-Verità. Imlejt qlubkom u ruhkom bir-Rigali mwegħda lill-umanità permezz tal-Ktieb tal-Verità.

Issa ħudu r-Rigal Tiegħi tal-Verità, flimkien ma' Rigali oħrajn, mogħtijin lilkom permezz ta' din il-Missjoni, u aċċettawhom bil-gratitudni. Għixu l-Kelma ta' Alla. Aċċettaw dawn il-Messaġġi u għixu ħajjitkom skond dak li jgħidu.

Il-Missjoni Tiegħi biex insalva lill-umanità hija kważi lesta. Il-Fdal Tiegħi ġew iffurmati. Ġejtu mogħtijiin ir-Rigali tas-Siġill ta' Alla l-Ħaj, il-Midalja tas-Salvazzjoni u t-Talb tal-Kruċjata. Dawn sejrin ikunu l-korazza tagħkom kontra l-avversarju Tiegħi. Minn issa 'l quddiem, sejjer inkellimkom minn żmien għal żmien biss, u permezz tal-Fdal. Intom tinsabu lesti biex tilbsu l-korazza tagħkom u titqabdu sabiex iżżommu Kelmti ħajja, f'deżert.

Il-Pjan Tiegħi huwa li niżgrua ruħi li intom ilkoll ixxerrdu Kelmti u tikkontemplaw dak li tajtkom. Qatt ma Jiena sejjer nitlaq din l-aħħar Missjoni Tiegħi, għax dan ma jistax ikun. Żommu paċenzja, u afdaw Lili għal kollox. Dawn il-Messaggi jfarrġukom u jikkunslawkom fil-jiem tal-provi kbar spiritwali. Kunu grati tal-Ħniena Tiegħi.

L-Ispirtu s-Santu jmexxikom u jipproteġikom u nagħtikom il-faraġ li teħtieġu sabiex tieqfu quddiem id-diffikultajiet li għad tridu tħabbtu wiċċkom magħhom.

Grazzi żgħar Tiegħi talli aċċettajtu l-Intervent Tiegħi. Issa għalikom li xxerdu l-Verità. Inħobbkom u ngħożżkom u nixxennaq għall-Jum il-Kbir tal-Mulej, meta Jiena sejjer ngħaqqad lid-dinja u neħodkom lejn is-Saltna l-Ġdida Tieghi fuq l-art.

Inberikkom u nagħtikom il-kuraġġ, l-għerf, l-għarfien u l-Grazzji biex tkomplu l-Ħidma Tiegħi fuq l-art.

Ġesù l-maħbub tagħkom.

Salvatur u Feddej tal-umanità.